ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 176

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

27 ta' Ġunju 2013

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012** ([1]) ..... 1

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE** ([1]) ..... 338

**Prezz: EUR 10,50**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 575/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Ġunju 2013**

**dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Dikjarazzjoni tal-G-20 tat-2 ta' April 2009 dwar it-Tisħiħ tas-Sistema Finanzjarja għamlet appell għal sforzi konsistenti fuq livell internazzjonali li jkunu mmirati lejn it-tisħiħ tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u r-regolamentazzjoni permezz ta' titjib fil-kwantità u l-kwalità ta' kapital fis-sistema bankarja ladarba jkun żgurat ir-rilanċ ekonomiku. Dik id-dikjarazzjoni għamlet appell wkoll għall-introduzzjoni ta' miżura supplimentari mhux ibbażata fuq ir-riskju li jkun fiha l-akkumulazzjoni tal-lieva finanzjarja fis-sistema bankarja u l-iżvilupp ta' qafas għal riżervi ta' likwidità aktar b'saħħithom. Bi tweġiba għall-mandat mogħti mill-G-20, f'Settembru 2009, il-Grupp tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali u l-Kapijiet tas-Superviżjoni (GHOS) qabel dwar għadd ta' miżuri li jsaħħu r-regolamentazzjoni tas-settur bankarju. Dawk il-miżuri ġew approvati mill-mexxejja tal-G-20 fis-Summit tagħhom f'Pittsburgh fl-24-25 ta' Settembru 2009 u ġew stipulati fid-dettall f'Diċembru 2009. F'Lulju u Settembru 2010, il-GHOS ħareġ żewġ dikjarazzjonijiet oħrajn rigward it-tfassil u l-kalibrar ta' dawk il-miżuri ġodda, u f'Diċembru 2010, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) ippubblika l-miżuri finali, li jissejħu l-qafas ta' Basel III.

(2) Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sorveljanza Finanzjarja fl-UE ppresedut minn Jacques de Larosière (il-"Grupp de Larosière") stieden lill-Unjoni biex tiżviluppa sett aktar armonizzat ta' regolamenti finanzjarji. Fil-kuntest tal-arkitettura superviżorja Ewropea futura, il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 enfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi stabbilita 'Ġabra Unika Ewropea ta' Regoli' applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment kollha fis-suq intern.

(3) Kif iddikjarat fir-rapport tal-Grupp de Larosière tal-25 ta' Frar 2009 (ir-"rapport de Larosière"), "Stat Membru għandu jkun jista' jadotta miżuri regolatorji nazzjonali aktar stretti li jitqiesu li huma adattati lokalment għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja sakemm il-prinċipji tas-suq intern u l-istandards ewlenin minimi miftiehma jkunu rispettati".

(4) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([3]) u

([1]) ĠU C 105, 11.4.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 39.
([3]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 1)

d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpanniji tal-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu [1] ġew emendati b'mod sinifikanti f'diversi okkażjonijiet. Ħafna dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE huma applikabbli kemm għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għad-ditti ta' investiment. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari u sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jingħaqdu f'atti leġislattivi ġodda li huma applikabbli kemm għal istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għal ditti ta' investiment, prinċipalment dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Għal aċċessibbiltà akbar, id-dispożizzjonijiet tal-Annessi għad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom jiġu integrati fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE u dan ir-Regolament.

(5) Flimkien, dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE għandhom jiffurmaw il-qafas ġuridiku li jirregola l-aċċess għall-attività, il-qafas superviżorju u r-regoli prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment (imsejħa flimkien bħala "istituzzjonijiet"). Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jinqara flimkien ma' dik id-Direttiva.

(6) Id-Direttiva 2013/36/UE, ibbażata fuq l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandu, fost l-oħrajn, ikun fiha d-dispożizzjonijiet rigward l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet, il-modalitajiet għall-governanza tagħhom, u l-qafas superviżorju tagħhom, bħad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni tan-negozju, l-akkwist ta' holdings azzjonarji kwalifikanti, l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà ta' forniment ta' servizzi, is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-oriġni u dak ospitanti f'dan ir-rigward u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kapital inizjali u l-analiżi superviżorja tal-istituzzjonijiet.

(7) Dan ir-Regolament għandu, fost l-oħrajn, ikun fih ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet marbutin strettament mal-funzjonament tas-swieq tas-servizzi bankarji u finanzjarji u huma maħsuba biex jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja tal-operaturi f'dawk is-swieq kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u d-depożituri. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkontribwixxi b'mod determinanti għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u konsegwentement, għandu jkun ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 114 TFUE, kif interpretat f'konformità mal-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(8) Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, għalkemm armonizzaw ir-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali sa ċertu grad, jinkludu numru sinifikanti ta' opzjonijiet u possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jimponu regoli aktar stretti minn dawk stabbiliti minn dawk id-Direttivi. Dan jirriżulta f'diverġenzi bejn ir-regoli nazzjonali li jistgħu jostakolaw il-forniment transkonfinali ta' servizzi u l-libertà ta' stabbiliment u b'hekk jinħolqu ostakoli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

(9) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u minħabba l-ħtieġa għal opportunitajiet indaqs fl-Unjoni, sett uniku ta' regolamenti għall-parteċipanti tas-suq kollha huwa element ewlieni għall-funzjonament tas-suq intern. Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq u l-arbitraġġ regolatorju, ir-rekwiżiti minimi prudenzjali għandhom għalhekk jiżguraw armonizzazzjoni massima. B'konsegwenza, il-perjodi transizzjonali previsti f'dan ir-Regolament huma essenzjali biex dan ir-Regolament jiġi implimentat bla xkiel u biex tiġi evitata l-inċertezza għas-swieq.

(10) Wara li kkunsidra l-ħidma tal-Grupp għall-Implimentazzjoni tal-Istandards tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) fil-monitoraġġ u l-analiżi tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas Basel III, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapporti ta' aġġornament fuq bażi kontinwa, u minn tal-inqas wara l-pubblikazzjoni ta' kull Rapport dwar il-Progress mill-BCBS, dwar l-implimentazzjoni u l-adozzjoni domestika tal-qafas ta' Basel III f'ġurisdizzjonijiet ewlenin oħra, inkluża valutazzjoni tal-konsistenza tal-leġislazzjoni jew tar-regolamenti ta' pajjiżi oħra mal-istandards minimi internazzjonali, sabiex jiġu identifikati differenzi li jistgħu jqajmu tħassib dwar jekk il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni humiex indaqs.

(11) Sabiex jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ u t-tfixkil fil-kompetizzjoni li jirriżultaw minn diverġenzi bejn il-liġijiet nazzjonali u biex ikun evitat li jitnisslu ostakli oħra potenzjali għall-kummerċ u tfixil sinifikanti fil-kompetizzjoni, huwa meħtieġ, għalhekk, li jiġi adottat Regolament li jistabbilixxi regoli uniformi applikabbli fl-Istati Membri kollha.

(12) It-tfassil tar-rekwiżiti prudenzjali fl-għamla ta' regolament jiżgura li dawk ir-rekwiżiti jkunu applikabbli direttament. Dan għandu jiżgura kondizzjonijiet uniformi billi jiġu evitati rekwiżiti nazzjonali diverġenti bħala riżultat tat-traspożizzjoni ta' direttiva. Dan ir-Regolament ser ifisser li l-istituzzjonijiet kollha isegwu l-istess regoli fl-Unjoni kollha, li ser jagħti spinta wkoll lill-fiduċja fl-istabbiltà tal-istituzzjonijiet, speċjalment fi żminijiet ta' stress. Regolament ser inaqqas ukoll il-kumplessità regolatorja u l-ispejjeż tal-konformità tal-kumpanniji, speċjalment għall-istituzzjonijiet li joperaw fuq bażi transkonfinali, u jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni ta' tfixkil fil-kompetizzjoni. Fir-rigward tal-pekuljarità tas-swieq tal-proprjetà immobbli li jkunu kkaratterizzati minn żviluppi ekonomiċi u differenzi ġurisdizzjonali li jkunu speċifiċi għall-Istati Membri, reġjuni jew żoni lokali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu piżijiet tar-riskju ogħla jew li japplikaw kriterji aktar stretti bbażati fuq l-esperjenza ta' inadempjenza u l-iżviluppi tas-suq mistennija għall-iskoperturi koperti minn ipoteki fuq proprjetà immobbli f'oqsma speċifiċi.

[1] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 201)
[2] Ara paġna 338 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(13) F'oqsma mhux koperti b'dan ir-Regolament, bħal il-provvista dinamika, id-dispożizzjonijiet dwar l-iskemi nazzjonali ta' bonds koperti mhux relatati mat-trattament ta' bonds koperti skont ir-regoli stabbiliti b'dan ir-Regolament, l-akkwist u ż-żamma ta' holdings kemm fis-settur finanzjarju kif ukoll f'dak mhux finanzjarju għal fini mhux relatati mar-rekwiżiti prudenzjali speċifikati f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jew l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu regoli nazzjonali, dment li ma jkunux inkonsistenti ma' dan ir-Regolament.

(14) L-aktar rakkomandazzjonijiet importanti promossi firrapport de Larosière u implimentati aktar tard fl-Unjoni kienu l-istabbiliment ta' ġabra unika Ewropea ta' regoli u qafas Ewropew għas-superviżjoni makroprudenzjali fejn iż-żewġ elementi flimkien kienu mmirati li jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja. Il-Ġabra Unika Ewropea ta' Regoli tiżgura qafas regolatorju robust u uniformi li jiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern u jimpedixxi l-opportunitajiet ta' arbitraġġ regolatorju. Fis-suq intern għas-servizzi finanzjarji, ir-riskji makroprudenzjali jistgħu, madankollu, ivarjaw f'għadd ta' modi b'firxa ta' speċifiċitajiet nazzjonali, li jirriżultaw f'varjazzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu osservati pereżempju fir-rigward tal-istruttura u d-daqs tas-settur bankarju b'paragun mal-ekonomija usa' u ċ-ċiklu tal-kreditu.

(15) Għadd ta' għodod għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' riskji makroprudenzjali u sistemiċi ġew integrati f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE biex tiġi żgurata l-flessibbiltà filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-użu ta' dawk l-għodod ikun soġġett għal kontroll adatt biex ma ssirx ħsara lill-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-użu ta' tali għodod ikun trasparenti u konsistenti.

(16) Lil hinn mill-għodda ta' riżerva għar-riskju sistemiku inkluż fid-Direttiva 2013/36/UE, fejn ir-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi jirrigwardaw Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti jew maħturin tal-Istat Membru rilevanti għandu jkollhom il-possibbiltà li jindirizzaw dawk ir-riskji permezz ta' ċerti miżuri makroprudenzjali nazzjonali speċifiċi, meta dan jitqies li jkun aktar effettiv għat-trattament ta' dawk ir-riskji. Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ("BERS") stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ([1]) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ("ABE") stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ([2]) għandu jkollhom l-opportunità jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar jekk il-kondizzjonijiet għal tali miżuri makroprudenzjali nazzjonali ġewx sodisfatti u għandu jkun hemm mekkaniżmu tal-Unjoni biex il-miżuri nazzjonali ma jitħallewx jitkomplew, f'każ li jkun hemm xhieda qawwija ħafna li l-kondizzjonijiet rilevanti ma ġewx sodisfatti. Filwaqt li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli makroprudenzjali uniformi għall-istituzzjonijiet, l-Istati Membri jżommi rwol ta' mexxej fis-superviżjoni makroprudenzjali minħabba l-kompetenza esperta tagħhom u r-responsabbiltajiet eżistenti tagħhom fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja. F'dak il-każ speċifiku, peress li d-deċiżjoni biex tiġi adottata kwalunkwe miżura markoprudenzjali nazzjonali tinkludi ċerti valutazzjonijiet marbuta mar-riskji li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni makroekonomika, fiskali u baġitarja tal-Istat Membru rilevanti, jeħtieġ li s-setgħa ta' rifjut tal-miżuri makroprudenzjali nazzjonali proposti tingħata lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

(17) Fejn il-Kummissjoni tkun ippreżentat lill-Kunsill proposta biex jiġu rifjutati miżuri makroprudenzjali nazzjonali, il-Kunsill għandu jeżamina dak il-proposta mingħajr dewmien u jiddeċiedi jekk jirrifjutax jew le il-miżuri nazzjonali. Jista' jittieħed vot f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ([3]) fuq it-talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni. F'konformita mal-Artikolu 296 tat-TFUE, il-Kunsill għandu jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-intervent tiegħu. Meta titqies l-importanza tar-riskju makroprudenzjali u sistemiku għas-suq finanzjarju tal-Istat Membru kkonċernat u għalhekk il-ħtieġa għal reazzjoni rapida, huwa importanti li l-limitu ta' żmien għal deċiżjoni tal-Kunsill bħal din ikun stipulat għal xahar. Jekk il-Kunsill, wara li jkun eżamina fid-dettall il-proposta mill-Kummissjoni biex jiġu rrifjutati l-miżuri nazzjonali proposti, jasal għall-konklużjoni li l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għar-rifjut tal-miżuri nazzjonali ma ġewx sodisfatti, hu għandu dejjem jagħti r-raġunijiet tiegħu b'mod ċar u mingħajr ambigwità.

(18) Sal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' likwidità fl-2015 u l-armonizzazzjoni tal-Proporzjon ta' lieva finanzjarja fl-2018, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu japplikaw tali miżuri skont kif huma jqisu adatt, inklużi miżuri biex jiġi mitigat ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku fi Stat Membru speċifiku.

(19) Għandu jkun possibbli li jiġu applikati r-riżervi għar-riskji sistemiċi jew il-miżuri individwali meħudin mill-Istati Membri biex jindirizzaw ir-riskji sistemiċi fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri, għas-settur bankarju b'mod ġenerali jew għal wieħed jew aktar mis-subsettijiet tas-settur, jiġifieri subsettijiet ta' istituzzjonijiet li jeżibixxu profili ta' riskju simili fl-attivitajiet tan-negozju tagħhom, jew għall-iskoperturi għal settur ekonomiku jew ġeografiku domestiku wieħed jew aktar fis-settur bankarju kollu.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
([3]) Deċiżjoni tal-Kunill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

(20) Jekk l-awtoritajiet maħturin minn żewġ Stati Membri jew aktar jidentifikaw l-istess bidliet fl-intensità tar-riskju sistemiku jew makroprudenzjali li jinvolvu riskju għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali f'kull Stat Membru, li l-awtoritajiet maħturin iqisu li jiġi indirizzat aħjar permezz ta' miżuri nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw notifika konġunta lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-ABE. Meta jinnotifikaw lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-ABE l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-evidenza rilevanti, inkluż ġustifikazzjoni tan-notifika konġunta.

(21) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat li jżid b'mod temporanju l-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar u r-rekwiżiti tad-divulgazzjoni pubblika. Tali dispożizzjonijiet għandhom ikunu applikabbli għal perijodu ta' sena, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien perijodu ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu ta' tali proċedura. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biss li timponi rekwiżiti prudenzjali aktar strett għal skoperturi li jirriżultaw minn żviluppi fis-suq fl-Unjoni jew minn żviluppi barra mill-Unjoni li jaffettwaw l-Istati Membri kollha.

(22) L-analiżi tar-regola makroprudenzjali hi ġustifikata bil-għan li l-Kummissjoni tivvaluta, fost affarijiet oħrajn, jekk l-għodod makroprudenzjali f'dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE humiex effettivi, effiċjenti u trasparenti, jekk għandhomx jiġu proposti strumenti ġodda, jekk il-kopertura u l-gradi ta' dupplikazzjoni potenzjali tal-għodod makroprudenzjali biex jiġu mmirati riskji simili f'dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE humiex adatti u kif l-istandards maqbula b'mod internazzjonali għall-istituzzjonijiet importanti sistematikament jinteraġixxu ma' dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE.

(23) Meta l-Istati Membri jadottaw linji gwida b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali, b'mod partikolari f'oqsma fejn l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi hija pendenti, dawk il-linji gwida m'għandhomx jikkontradixxu d-dritt tal-Unjoni jew jimminaw l-applikazzjoni tiegħu.

(24) Dan ir-Regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jimponu, fejn xieraq, rekwiżiti ekwivalenti fuq impriżi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(25) Ir-rekwiżiti prudenzjali ġenerali stipulati f'dan ir-Regolament huma ssupplimentati b'arranġamenti individwali li jiġu deċiżi mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tal-analiżi superviżorja kontinwa tagħhom ta' istituzzjonijiet individwali. Il-firxa ta' tali arranġamenti superviżorji għandha, fost l-oħrajn, tiġi stipulata fid-Direttiva 2013/36/UE peress li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom rigward liema arranġamenti għandhom jiġu imposti.

(26) Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jimponu rekwiżiti speċifiċi skont l-analiżi superviżorja u l-proċess ta' evalwazzjoni stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE li għandhom jitfasslu skont il-profil ta' riskju speċifiku tal-istituzzjonijiet.

(27) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-konsistenza tas-superviżjoni nazzjonali u jsaħħaħ is-superviżjoni ta' gruppi transfruntieri.

(28) Minħabba ż-żieda fl-għadd tal-kompiti mogħtija lill-ABE b'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni riżorsi umani u finanzjarji adegwati.

(29) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jeħtieġ li l-ABE taġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE. L-ABE hija meħtieġa wkoll li taġixxi fil-qasam tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet mhux koperti direttament f'dawk id-Direttivi, dment li tali azzjonijiet ikunu meħtieġa biex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dawk id-Direttivi. Dan ir-Regolament għandu jqis ir-rwol u l-funzjoni tal-ABE u jiffaċilita l-eżerċizzju tas-setgħat tal-ABE stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(30) Wara l-perijodu ta' osservazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa ta' rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-għoti ta' setgħa ta' inizjattiva lill-ABE biex tintervjeni b'medjazzjoni vinkolanti fir-rigward ta' deċiżjonijiet konġunti mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikoli 20 u 21 ta' dan ir-Regolament jkunux jiffaċilitaw il-formazzjoni u l-operat prattiċi ta' sottogruppi ta' likwidità unika kif ukoll id-determinazzjoni ta' jekk kriterji għal trattament speċifiku fost il-grupp għal istituzzjonijiet transkonfinali jintlaħqux. Għalhekk, f'dak iż-żmien, bħala parti minn wieħed mir-rapporti regolari dwar l-operat tal-ABE skont l-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, il-Kummissjoni għandha teżamina b'mod speċifiku l-ħtieġa li tagħti tali setgħat lill-ABE u tinkludi r-riżultati ta' dan l-eżami fir-rapport tagħha, li għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġislattivi adatti, fejn opportun.

(31) Ir-rapport de Larosière iddikjara li s-superviżjoni mikroprudenzjali ma tistax tissalvagwardja b'mod effettiv l-istabbiltà finanzjarja mingħajr ma tqis b'mod adegwat l-iżviluppi fil-livell makro, filwaqt li s-superviżjoni makroprudenzjali ma tagħmilx sens sakemm b'xi mod ma jkollhiex impatt fuq is-superviżjoni fil-livell mikro. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ABE u l-BERS hija essenzjali sabiex tingħata effettività sħiħa lill-operat tal-BERS u s-segwitu għat-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. B'mod partikolari, l-ABE għandha tkun tista' tittrasmetti lill-BERS l-informazzjoni rilevanti kollha miġbura mill-awtoritajiet kompetenti skont l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(32) Fid-dawl tal-effetti devastanti tal-aħħar kriżi finanzjarja l-objettivi globali ta' dan ir-Regolament huma li jitħeġġu l-attivitajiet bankarji ekonomikament utli li jservu l-interess ġenerali u li tiġi skoraġġuta l-ispekulazzjoni finanzjarja insostenibbli li fir-realtà ma għandha l-ebda valur miżjud. Dan jimplika riforma komprensiva tal-modi kif it-tfaddil jiġi dirett f'investimenti produttivi. Sabiex jiġi salvagwardat ambjent bankarju sostenibbli u varjat fl-Unjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa li jimponu rekwiżiti kapitali aktar għoljin fir-rigward ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti li huma kapaċi, minħabba l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, li jippreżentaw theddida għall-ekonomija globali.

(33) Ir-rekwiżiti finanzjarji ekwivalenti għall-istituzzjonijiet li jżommu flus jew titoli li jappartjenu għall-klijenti tagħhom huma meħtieġa biex ikunu żgurati salvagwardji simili għal min ifaddal u kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn gruppi komparabbli ta' istituzzjonijiet.

(34) Minħabba li l-istituzzjonijiet fis-suq intern huma involuti f'kompetizzjoni diretta, ir-rekwiżiti tal-monitoraġġ għandhom ikunu ekwivalenti fl-Unjoni kollha b'kont meħud tal-profili ta' riskju differenti tal-istituzzjonijiet.

(35) Kull meta matul is-superviżjoni jkun meħtieġ li jiġi ddeterminat l-ammont tal-fondi proprji konsolidati ta' grupp ta' istituzzjonijiet, il-kalkolu għandu jsir f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(36) Skont dan ir-Regolament ir-rekwiżiti tal-fondi proprji japplikaw fuq bażi individwali u bażi konsolidata, dment li l-awtoritajiet kompetenti ma japplikawx is-superviżjoni fuq bażi individwali meta jqisu li dan ikun adatt. Superviżjoni individwali, konsolidata u transfruntiera konsolidata huma strumenti utli fis-superviżjoni ta' istituzzjonijiet.

(37) Sabiex tkun żgurata solvenza adegwata tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment fi grupp huwa essenzjali li r-rekwiżiti ta' kapital japplikaw abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' dawk l-istituzzjonijiet fil-grupp. Sabiex ikun żgurat li fondi proprji jiġu distribwiti b'mod adegwat fil-grupp u jkunu disponibbli biex ikun protett it-tfaddil meta jkun meħtieġ, ir-rekwiżiti ta' kapital għandhom japplikaw għal istituzzjonijiet individwali fi grupp, dment li dan l-objettiv ma jkunx jista' jinkiseb effettivament b'xi mod ieħor.

(38) L-interessi minoritarji li jirriżultaw minn kumpanniji azzjonarji finanzjarji intermedjarji li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq bażi subkonsolidata jistgħu jkunu eliġibbli wkoll, fil-limiti rilevanti, bħala kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-grupp fuq bażi konsolidata, peress li l-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja intermedjarja attribwibbli għall-interessi tal-minoranza u l-parti tal-istess kapital attribwibbli għall-kumpannija prinċipali t-tnejn li huma jappoġġaw pari passu t-telf tas-sussidjarji tagħhom meta dan iseħħ.

(39) It-teknika kontabilistika preċiża li għandha tintuża għall-kalkolu tal-fondi proprji, l-adegwatezza tagħhom għar-riskju li għalih tkun esposta istituzzjoni, u għall-valutazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-iskoperturi għandha tieħu kont tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn ([1]), li tinkorpora ċerti adattamenti tad-dispożizzjonijiet tas-SABE' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju tal-1983 dwar il-kontijiet konsolidati ([2]) jew tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà ([3]), skont liema waħda tirregola l-kontabbiltà tal-istituzzjonijiet skont id-dritt nazzjonali.

(40) Għall-fini li tkun żgurata solvenza adegwata huwa importanti li jkunu stabbiliti r-rekwiżiti ta' kapital li jippeżaw l-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ skont il-grad tar-riskju.

(41) Fis-26 ta' Ġunju 2004, il-BCBS adotta ftehim qafas dwar il-konverġenza internazzjonali tal-kalkolu tal-kapital u r-rekwiżiti ta' kapital ('Qafas ta' Basel II'). Id-dispożizzjonijiet fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE li dan ir-Regolament inkorpora jifformaw l-ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tal-qafas ta' Basel II. Konsegwentement, peress li jinkorpora l-elementi supplimentari tal-qafas ta' Basel III, dan ir-Regolament jifforma l-ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tal-oqfsa ta' Basel II u III.

([1]) ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.
([3]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

(42) Huwa essenzjali li jittieħed kont tad-diversità tal-istituzzjonijiet fl-Unjoni billi jkunu pprovduti approċċi alternattivi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tal-kreditu li jinkorporaw livelli differenti ta' sensittività għar-riskju u li jeħtieġu gradi differenti ta' sofistikazzjoni. L-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni u l-estimi proprji tal-istituzzjonijiet tal-parametri tar-riskju tal-kreditu individwali jirrappreżenta titjib sinifikanti fis-sensittività tar-riskju u l-korrettezza prudenzjali tar-regoli dwar ir-riskju tal-kreditu. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu inkoraġġuti jagħmlu progress lejn approċċi aktar senstittivi għar-riskju. Meta jipproduċu l-estimi meħtieġa għall-applikazzjoni ta' approċċi għar-riskju tal-kreditu ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom itejbu l-kalkolu tar-riskju tal-kreditu u l-proċessi ta' ġestjoni tagħhom biex ikunu disponibbli metodi biex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti regolatorji ta' fondi proprji li jirriflettu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-proċessi tal-istituzzjonijiet individwali. F'dan ir-rigward, l-ipproċessar tad-data relatata mal-kisba u l-ġestjoni tal-iskoperturi għall-klijenti għandu jitqies li jinkludi l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni u l-kalkolu tar-riskju tal-kreditu. Dak iservi mhux biss biex jiġu ssodisfati l-interessi leġittimi tal-istituzzjonijiet iżda wkoll għall-fini ta' dan ir-Regolament, biex jintużaw metodi aħjar għall-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskju kif ukoll biex jintużaw għall-fini regolatorji ta' fondi proprji. Minkejja dan, l-approċċi aktar sensittivi għar-riskju jeħtieġu ħila esperta u riżorsi konsiderevoli kif ukoll data ta' kwalità għolja u volum suffiċjenti. L-istituzzjonijiet għandhom għalhekk jikkonformaw ma' standards għoljin qabel ma japplikaw dawk l-approċċi għal fini regolatorji ta' fondi proprji. Meta titqies il-ħidma li għaddejja biex jiġu żgurati garanziji ta' kontinġenza għal mudelli interni, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar il-possibbiltà li jiġi estiż ir-rekwiżit minimu ta' Basel I flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk opportun.

(43) Ir-rekwiżiti ta' kapital għandhom ikunu proporzjonati għar-riskji indirizzati. B'mod partikolari, it-tnaqqis fil-livelli tar-riskju li joriġina meta wieħed ikollu numru kbir ta' skoperturi relattivament żgħar għandu jkun rifless fir-rekwiżiti.

(44) L-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-Unjoni minħabba r-rwol fundamentali tagħhom fil-ħolqien tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi. L-irkupru u t-tkabbir futur tal-Ekonomija tal-Unjoni jiddependu ħafna mid-disponibbiltà ta' kapital u finanzjament għall-SMEs stabbiliti fl-Unjoni biex iwettqu l-investimenti meħtieġa għall-adozzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda biex tiżdied il-kompetittività tagħhom. L-ammont limitat ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament għamel mod li l-SMEs stabbiliti fl-Unjoni saru saħansitra aktar sensittivi għall-impatt tal-kriżi bankarja. Għaldaqstant huwa importanti li jimtela' d-distakk eżistenti fil-finanzjament għall-SMEs u jiġi żgurat fluss adegwat ta' kreditu bankarju għall-SMEs fil-kuntest attwali. L-imposti ta' kapital għal skoperturi għal SMEs għandhom jitnaqqsu permzz tal-applikazzjoni ta' fattur ta' appoġġ daqs 0,7619 biex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jistgħu jżidu s-self lill-SMEs. Biex jinkiseb dan l-objettiv, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw b'mod effikaċi tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju prodotti bl-applikazzjoni tal-fattur ta' appoġġ għall-fini esklużiv li jiġi provdut fluss adegwat ta' kreditu għall-SMEs stabbiliti fl-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu monitoraġġ perjodiku tal-ammont totali tal-iskoperturi lill-SMes tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-ammont totali tat-tnaqqis fil-kapital.

(45) F'konformità mad-deċiżjoni tal-BCBS, kif approvata mill-GHOS fl-10 ta' Jannar 2011, l-istrumenti kollha ta' Grad 1 u Grad 2 addizzjonali ta' istituzzjoni għandhom ikunu kapaċi b'mod sħiħ u permanenti jitnaqqsu fil-valur jew jinqelbu f'kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fil-mument tan-nonvijabbiltà tal-istituzzjoni. Il-leġislazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat li l-istrumenti ta' fondi proprji jkunu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' assorbiment tat-telf addizzjonali għandha tiddaħħal fil-liġi tal-Unjoni bħala parti mir-rekwiżiti marbuta mal-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet. Jekk sal-31 ta' Diċembru 2015, il-liġi tal-Unjoni li tirregola r-rekwiżit li l-istrumenti ta' kapital għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu għall-valur għal żero b'mod sħiħ u permanenti jew jinqelbu fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 f'każ li ma tkunx ġiet adottata istituzzjoni m'għadhiex meqjusa vijabbli, il-Kummissjoni għandha teżamina u tirrapporta dwar jekk tali dispożizzjoni għandhiex tiġi inkluża f'dan ir-Regolament u, fid-dawl ta' dak ir-rieżami, tressaq proposti leġislattivi adatti.

(46) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jirrispettaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, meta jitqiesu b'mod partikolari d-diversità fid-daqs u l-iskala tal-operazzjonijiet u l-firxa ta' attivitajiet tal-istituzzjonijiet. Ir-rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità jfisser ukoll li l-proċeduri tal-klassifikazzjoni l-aktar sempliċi possibbli, anki fl-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (Approċċ 'IRB'), huma rikonoxxuti għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw b'mod proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji assoċjati mal-mudell kummerċjali u l-attivitajiet ta' istituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni, l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi implimentattivi jkunu konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sabiex jiġi garantit li dan ir-Regolament jiġi applikat b'mod proporzjonat. L-ABE, għalhekk, għandha tiżgura li l-istandards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni kollha jiġu abbozzati b'mod li jkunu konsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità u jħarsuh.

(47) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni xierqa għal każijiet fejn jissuspettaw li l-informazzjoni ġiet meqjusa bħala riżervata jew kunfidenzjali sabiex jiġi evitat l-iżvelar ta' tali informazzjoni. Għalkemm istituzzjoni tista' tagħżel li ma tiżvelax informazzjoni billi l-informazzjoni hija meqjusa bħala riżervata jew kunfidenzjali, il-fatt li l-informazzjoni qed titqies riżervata jew kunfidenzjali ma għandux ineħħi r-responsabbiltà li tirriżulta minn nuqqas ta' żvelar ta' dik l-informazzjoni meta tali żvelar jinsab li għandu effett materjali.

(48) In-natura 'evoluttiva' ta' dan ir-Regolament tippermetti lill-istituzzjonijiet biex jagħżlu fost tliet approċċi għar-riskju tal-kreditu ta' kumplessità differenti. Sabiex b'mod speċjali l-istituzzjonijiet żgħar ikunu jistgħu jagħżlu Approċċ IRB aktar sensittiv għar-riskju, id-dispożizzjonijiet rilevanti għandhom jinqraw bħala li l-klassijiet tal-iskoperturi jinkludu l-iskoperturi kollha li jkunu, direttament jew indirettament, imqiegħda fuq l-istess livell magħhom f'dan ir-Regolament kollu. Bħala regola ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jiddiskriminaw bejn it-tliet approċċi fir-rigward tal-Proċess tal-Analiżi Superviżorja, jiġifieri l-istituzzjonijiet li joperaw skont id-dispożizzjonijiet tal-Approċċ Standardizzat m'għandhomx għal dik ir-raġuni biss jiġu sorveljati fuq bażi aktar stretta.

(49) Għandu jingħata rikonoxximent akbar lit-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fi ħdan il-qafas tar-regoli mfassla biex ikun żgurat li s-solvenza ma tkunx imminata minn rikonoxximent mhux xieraq. Il-kollateral bankarju ordinarju attwali rilevanti tal-Istati Membri għall-mitigazzjoni tar-riskji tal-kreditu, kull meta jkun possibbli, għandu jiġi rikonoxxut fl-Approċċ Standardizzat, iżda wkoll fl-approċċi l-oħrajn.

(50) Sabiex ikun żgurat li r-riskji u t-tnaqqis tar-riskji li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u investimenti tal-istituzzjonijiet jiġu riflessi b'mod adatt fir-rekwiżiti ta' kapital tal-istituzzjonijiet, jeħtieġ li jiġu inklużi regoli li jipprevedu trattament sensittiv għar-riskju u prudenzjalment sod ta' tali attivitajiet u investimenti. Għal din il-fini, hija meħtieġa definizzjoni ċara u inklużiva ta' titolizzazzjoni li taqbad kull transazzjoni jew skema li biha r-riskju ta' kreditu assoċjat mal-iskopertura jew aggregazzjoni ta' skoperturi jkun segmentat. Skopertura li toħloq obbligu ta' pagament dirett għal transazzjoni jew skema użata biex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi m'għandhiex titqies bħala skopertura għal titolizzazzjoni, anke jekk it-transazzjoni jew skema għandha obbligi ta' pagament ta' senjorità differenti.

(51) Flimkien ma' sorveljanza mmirata biex tiżgura stabbiltà finanzjarja, hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmi mfassla biex isaħħu u jiżviluppaw is-sorveljanza u l-prevenzjoni effettiva ta' lakuni potenzjali sabiex jiżguraw l-allokazzjoni ottimali tal-kapital fid-dawl tal-isfidi u l-objettivi makroekonomiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' investiment fit-tul fl-ekonomija reali.

(52) Ir-riskju operattiv huwa riskju sinifikanti li jiffaċċaw l-istituzzjonijiet li jeħtieġu kopertura tal-fondi proprji. Huwa essenzjali li jittieħed kont tad-diversità tal-istituzzjonijiet fl-Unjoni billi jkunu pprovduti approċċi alternattivi għall-kalkolu tar-rekwiżiti tar-riskju operattiv li jinkorporaw livelli differenti ta' sensittività għar-riskju u li jeħtieġu gradi differenti ta' sofistikazzjoni. Għandu jkun hemm inċentivi adatti għall-istituzzjonijiet biex isir progress lejn approċċi aktar sensittivi għar-riskju. Fid-dawl tal-istat avvanzat emerġenti għall-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskju operattiv ir-regoli għandhom jinżammu taħt analiżi kontinwa u għandhom jiġu aġġornati kif jixraq inkluż fir-rigward tal-imposti għal linji ta' negozju differenti u r-rikonoxximent tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju. F'dan ir-rigward għandha tingħata attenzjoni partikolari li titqies l-assigurazzjoni fl-approċċi sempliċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju operattiv.

(53) Il-monitoraġġ u l-kontroll tal-iskoperturi ta' istituzzjoni għandhom ikunu parti integrali mis-superviżjoni tagħha. Għaldaqstant, konċentrazzjoni eċċessiva ta' skoperturi għal klijent wieħed jew grupp ta' klijenti relatati bejniethom jista' jirriżulta f'riskju inaċċettabbli ta' telf. Tali sitwazzjoni tista' titqies bħala preġudizzjali għas-solvenza ta' istituzzjoni.

(54) Fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' grupp ta' klijenti relatati bejniethom u b'hekk skoperturi li jikkostitwixxu riskju wieħed, huwa importanti wkoll li jitqiesu r-riskji li joriġinaw minn sors komuni ta' finanzjament sinifikanti pprovdut mill-istituzzjoni nnifisha, il-grupp finanzjarju tagħha jew il-partijiet relatati magħha.

(55) Waqt li jkun mixtieq li l-kalkolu tal-valur tal-iskopertura jkun bbażat fuq dak ipprovdut għall-fini tar-rekwiżiti ta' fondi proprji, ikun adatt li jiġu adottati regoli għall-monitoraġġ ta' skoperturi kbar mingħajr ma jkunu applikati piżijiet tar-riskju jew livelli tar-riskju. Barra minn hekk, it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu applikati fir-reġim tas-solvenza tfasslu bil-premessa ta' riskju tal-kreditu ddiversifikat sewwa. Fil-każ ta' skoperturi kbar li jittrattaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni ta' isem wieħed, ir-riskju tal-kreditu ma jkunx iddiversifikat sewwa. L-effetti ta' dawn it-tekniki għandhom għaldaqstant ikunu soġġetti għal salvagwardji prudenzjali. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jkun previst l-irkupru effettiv tal-protezzjoni tal-kreditu għall-fini ta' skoperturi kbar.

(56) Peress li t-telf li jirriżulta minn skopertura ta' istituzzjoni jista' jkun gravi daqs telf minn kwalunkwe skopertura oħra, tali skoperturi għandhom jiġu trattati u rrapportati bl-istess mod bħal kwalunkwe skopertura oħra. Ġie introdott limitu kwantitattiv alternattiv biex itaffi l-impatt sproporzjonat ta' tali approċċ fuq istituzzjonijiet iżgħar. Barra minn hekk, l-iskoperturi fuq terminu qasir ħafna marbutin mat-trasmissjoni ta' flus inkluż it-twettiq ta' servizzi ta' pagamenti, servizzi ta' kklerjar, saldu u kustodja għall-klijienti huma eżenti sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji u tal-infrastruttura relatata. Dawk is-servizzi jkopru, pereżempju, it-twettiq tal-ikklerjar u s-saldu ta' flus kontanti u attivitajiet simili sabiex ikun iffaċilitat is-saldu. L-iskoperturi relatati jinkludu skoperturi li jistgħu ma jkunux prevedibbli u għalhekk mhumiex taħt il-kontroll komplet ta' istituzzjoni ta' kreditu, fost l-oħrajn, bilanċi fuq kontijiet interbankarji li jirriżultaw minn pagamenti ta' klijenti, inklużi tariffi u mgħaxxijiet ikkreditati jew iddebitati, u pagamentijiet oħra għas-servizzi għall-klijenti, kif ukoll il-kollateral mogħti jew irċevut.

(57) Huwa importanti li l-interessi tal-impriżi li "jirripakkjaw" is-self f'titoli kummerċjabbli u fi strumenti finanzjarji oħra (oriġinaturi jew sponsers) u l-impriżi li jinvestu f'dawn it-titoli jew l-istrumenti (investituri) jiġu allinjati. Sabiex dan iseħħ, l-oriġinatur jew l-isponser għandu jżomm interess sinifikanti fl-assi sottostanti. Għalhekk huwa importanti għall-oriġinaturi jew l-isponsers li jżommu skopertura għar-riskju tas-self inkwistjoni. B'mod iżjed ġenerali, transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni m'għandhomx ikunu strutturati b'tali mod li jevitaw l-applikazzjoni tar-rekwiżit tar-ritenzjoni, b'mod partikolari permezz ta' kwalunkwe tariffa jew struttura ta' primjum jew it-tnejn. Ritenzjoni bħal din għandha tkun applikabbli fis-sitwazzjonijiet kollha fejn is-sustanza ekonomika ta' titolizzazzjoni tkun applikabbli, ikunu x'ikunu l-istrutturi jew l-istrumenti ġuridiċi li jintużaw biex tinkiseb din is-sustanza ekonomika. B'mod partikolari f'każ fejn ikun hemm trasferiment ta' riskju tal-kreditu permezz ta' titolizzazzjoni, l-investituri għandhom jiddeċiedu biss wara li jkunu wettqu d-diliġenza dovuta b'mod sħiħ, li għaliha jeħtieġu informazzjoni adegwata dwar it-titolizzazzjonijiet.

(58) Dan ir-Regolament jipprevedi wkoll li m'għandux ikun hemm applikazzjonijiet multipli tar-rekwiżit ta' ritenzjoni. Għal kwalunkwe titolizzazzjoni jkun biżżejjed li l-oriġinatur, l-isponser jew il-mutwanti oriġinali jkun soġġett għar-rekwiżit. B'mod simili, meta t-transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni jkun fihom titolizzazzjonijiet oħra bħala sottostanti, ir-rekwiżit tar-ritenzjoni għandu jkun applikat biss għat-titolizzazzjoni li tkun soġġetta għall-investiment. Oġġetti riċevibbli mixtrija m'għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' ritenzjoni jekk joriġinaw minn attività korporattiva fejn huma jiġu ttrasferiti jew mibjugħin biex tkun iffinanzjata tali attività. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-piż tar-riskju fir-rigward ta' nonkonformità mad-diliġenza dovuta u l-obbligi ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward tat-titolizzazzjoni għal ksur mhux trivjali tal-politiki u l-proċeduri li jkunu rilevanti għall-analiżi tar-riskji sottostanti. Il-Kummissjoni għandha tevalwa wkoll jekk l-evitar ta' applikazzjonijiet multipli tar-rekwiżit ta' ritenzjoni jistax iwassal għal prattiki biex wieħed jaħrab mir-rekwiżit ta' ritenzjoni u jekk ir-regoli dwar it-titolizzazzjoni jkunux qed jiġu infurzati b'mod effettiv mill-awtoritajiet kompetenti.

(59) Għandha tiġi eżerċitata d-diliġenza dovuta sabiex jiġu vvalutati b'mod adatt ir-riskji li joriġinaw minn skoperturi ta' titolizzazzjoni kemm fil-portafoll tan-negozjar kif ukoll fil-portafoll mhux ta' negozjar. Barra minn hekk, l-obbligi tad-diliġenza dovuta jeħtieġ li jkunu proporzjonati. Il-proċeduri ta' diliġenza dovuta għandhom jikkontribwixxu biex titrawwem fiduċja akbar bejn l-oriġinaturi, l-isponsers u l-investituri. Għalhekk huwa mixtieq li informazzjoni rilevanti rigward il-proċeduri ta' diliġenza dovuta jkunu żvelati b'mod adatt.

(60) Meta istituzzjoni jkollha skopertura għall-impriża prinċipali tagħha stess jew għal sussidjarji oħrajn tal-impriża prinċipali, tkun meħtieġa prudenza partikolari. Il-ġestjoni ta' tali skoperturi meħuda mill- istituzzjonijiet għandha titwettaq b'mod kompletament awtonomu, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni korretta, mingħajr ma jitqiesu konsiderazzjonijiet oħrajn. Dan hu importanti speċjalment fil-każ ta' skoperturi kbar u f'każijiet li mhumiex sempliċiment relatati mal-amministrazzjoni fi ħdan il-grupp jew transazzjonijiet tas-soltu fi ħdan il-grupp. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil tali skoperturi fi ħdan il-grupp. Madankollu, mhux meħtieġ li tali standards jiġu applikati meta l-impriża prinċipali tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja jew istituzzjoni ta' kreditu jew meta is-sussidjarji l-oħrajn ikunu istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji jew impriżi li joffru servizzi anċillari, dment li tali impriżi kollha jkunu koperti mis-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu fuq bażi konsolidata.

(61) Fid-dawl tas-sensittività għar-riskju tar-regoli relatati mar-rekwiżiti ta' kapital, huwa mixtieq li jinżamm taħt analiżi kontinwu jekk dawn ikollhomx effetti sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku. Il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu kont tal-kontribuzzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), għandha tirrapporta dwar dawn l-aspetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(62) Ir-rekwiżiti ta' kapital għall-kummerċjanti tal-prodotti bażiċi, inklużi dawk il-kummerċjanti attwalment eżentati mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji [1], għandhom jiġu analizzati.

(63) L-objettiv tal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-gass u l-elettriku huwa ekonomikament u politikament importanti għall-Unjoni. Għal din ir-raġuni, ir-rekwiżiti ta' kapital u regoli prudenzjali oħrajn li għandhom jiġu applikati għal ditti attivi f'dawk is-swieq għandhom ikunu proporzjonati u m'għandhomx jinterferixxu bla bżonn fil-kisba tal-objettiv tal-liberalizzazzjoni. Dan l-objettiv għandu, b'mod partikolari, jitqies meta jitwettqu analiżijiet ta' dan ir-Regolament.

(64) L-istituzzjonijiet li jinvestu f'ritititolizzazzjonijiet għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta inkluż fir-rigward

[1] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 07 p. 263.

tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk l-iskoperturi fil-kuntest ta' programmi ta' karti kummerċjali ggarantiti b'assi jikkostitwixxux skoperturi ta' rititolizzazzjonijiet, inklużi dawk fil-kuntest ta' programmi li jakkwistaw segmenti superjuri ta' aggregazzjonijiet separati ta' self sħiħ meta l-ebda wieħed minn dan is-self ma jkun skopertura ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni, u meta l-protezzjoni għall-ewwel telf għal kull investiment ikun ipprovdut mill-bejjiegħ tas-self. Fis-sitwazzjoni tal-aħħar, il-faċilità tal-likwidità speċifika għall-aggregazzjoni ġeneralment ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala skopertura ta' rititolizzazzjoni peress li din tirrappreżenta segment minn aggregazzjoni ta' assi unika (jiġifieri, l-aggregazzjoni applikabbli ta' self sħiħ) li ma jkun fih l-ebda skopertura ta' titolizzazzjoni. B'kuntrast ma' dan, titjib tal-kreditu mifrux mal-programm kollu li jkopri biss parti mit-telf lil hinn mill-protezzjoni pprovduta mill-bejjiegħ fid-diversi aggregazzjonijiet ġeneralment ikun jikkostitwixxi t-tqassim f'segmenti tar-riskju ta' aggregazzjoni ta' assi multipli li jkun fiha tal-inqas skopertura ta' titolizzazzjoni waħda, u għaldaqstant tkun skopertura ta' rititolizzazzjoni. Madankollu, jekk tali programm jiffinanzja lilu nnifsu kompletament bi klassi waħda ta' karta kummerċjali, u jekk it-titjib tal-kreditu mifrux mal-programm kollu ma jkunx rititolizzazzjoni jew il-karta kummerċjali tkun appoġġata b'mod sħiħ mill-istituzzjoni li tkun qed tisponserjah, u tħalli lill-investitur fil-karta kummerċjali effettivament espost għar-riskju ta' inadempjenza tal-isponser minflok tal-aggregazzjonijiet jew l-assi sottostanti, dik il-karta kummerċjali ġeneralment m'għandhiex titqies bħala skopertura ta' rititolizzazzjoni.

(65) Id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni prudenti għall-portafoll tan-negozjar għandhom japplikaw għall-istrumenti kollha kkalkulati fil-valur ġust, kemm jekk fil-portafoll tan-negozjar kif ukoll jekk fil-portafoll mhux ta' negozjar tal-istituzzjonijiet. Għandu jiġi ċċarat li, meta l-applikazzjoni tal-valutazzjoni prudenti twassal għal valur riportat iċken milli attwalment rikonoxxut fil-kontijiet, il-valur assolut tad-differenza għandu jitnaqqas mill-fondi proprji.

(66) L-istituzzjonijiet għandu jkollhom għażla jekk japplikawx rekwiżit kapitali għal jew inaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jirċievu piż tar-riskju ta' 1 250 % skont dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk il-pożizzjonijiet ikunux fil-portafoll tan-negozjar jew fil-portafoll mhux ta' negozjar.

(67) L-istituzzjonijiet oriġinaturi jew sponser m'għandhomx ikunu jistgħu jduru mal-projbizzjoni ta' appoġġ impliċitu billi jużaw il-portafolli tan-negozjar tagħhom sabiex jipprovdu tali appoġġ.

(68) Mingħajr preġudizzju għad-divulgazzjoni espliċitament meħtieġ minn dan ir-Regolament, l-għan tar-rekwiżiti tad-divulgazzjoni għandu jkun li jipprovdu lill-parteċipanti tas-suq b'informazzjoni preċiża u komprensiva rigward il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet individwali. L-istituzzjonijiet għandhom għaldaqstant ikunu meħtieġa jiżvelaw informazzjoni addizzjonali mhux espliċitament elenkata f'dan ir-Regolament meta tali divulgazzjoni tkun meħtieġa biex ikun issodisfat dan l-għan. Fl-istess waqt, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-attenzjoni xierqa lil każijiet fejn jissuspettaw li l-informazzjoni titqies bħala koperta mid-dritt ta' proprjetà jew kunfidenzjali minn istituzzjoni sabiex jiġi evitat l-iżvelar ta' tali informazzjoni.

(69) Meta l-valutazzjoni tal-kreditu esterna għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tinkorpora l-effett tal-protezzjoni tal-kreditu pprovduta mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha, l-istituzzjoni m'għandhiex tkun tista' tibbenefika mill-piż tar-riskju aktar baxx li jirriżulta minn dik il-protezzjoni. Il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni m'għandhiex titnaqqas mill-kapital jekk ikun hemm modi oħra kif jiġi ddeterminat il-piż ta' riskju f'konformità mar-riskju attwali tal-pożizzjoni, li ma jqisux dik il-protezzjoni tal-kreditu.

(70) Minħabba l-prestazzjoni dgħajfa reċenti tagħhom, l-istandards għall-mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. B'mod partikolari, il-qabda tar-riskji tagħhom għandha titlesta fir-rigward tar-riskji tal-kreditu fil-portafoll tan-negozjar. Barra minn hekk, l-imposti ta' kapital għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kondizzjonijiet ta' stress biex jissaħħu r-rekwiżiti ta' kapital fid-dawl tal-kondizzjonijiet tas-suq li jkunu qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għal proċikliċità. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu wkoll retrotestijiet tal-istress biex jeżaminaw liema xenarji jistgħu jippreżentaw sfida għall-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet dment li ma jkunux jistgħu jippruvaw li jistgħu jgħaddu mingħajr test ta' dan it-tip. B'kont meħud tad-diffikultajiet partikolari reċenti tat-trattament tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni bl-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni, ir-rikonoxximent tal-immudellar tal-istituzzjonijiet tair-riskji tat-titolizzazzjoni biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kapital fil-portafolli tan-negozjar għandha tkun limitata u għandha tkun meħtieġa b'mod awtomatiku imposta ta' kapital standardizzata għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar.

(71) Dan ir-Regolament jistabbilixxi eċċezzjonijiet limitati għal ċerti attivitajiet ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, li f'konformità magħhom l-istituzzjoni tista' titħalla mis-superviżur tagħha tikkalkula imposta ta' kapital komprensiva għar-riskju soġġett għal rekwiżiti stretti. F'każijiet bħal dawn l-istituzzjoni għandha tiġi meħtieġa tissoġġetta lil tali attivitajiet għal imposta ta' kapital daqs l-ogħla imposta ta' kapital f'konformità ma' dak l-approċċ żviluppat internament u 8 % tal-imposta ta' kapital għal riskji speċifiċi f'konformità mal-metodu ta' kalkolu standardizzat. Hija m'għandhiex tkun meħtieġa tissoġġetta lil dawk l-iskoperturi għall-imposta inkrimentali għar-riskju iżda dawn għandhom jiġu inkorporati kemm fil-miżuri tal-valur fir-riskju kif ukoll fil-miżuri tal-valur fir-riskju taħt stress.

(72) Minħabba n-natura u d-daqs tat-telf mhux mistenni imġarrab mill-istituzzjonijiet matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika, huwa meħtieġ li tittejjeb aktar il-kwalità u l-armonizzazzjoni tal-fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jżommu. Dan għandu jinkludi l-introduzzjoni ta' definizzjoni ġdida tal-elementi prinċipali tal-kapital disponibbli biex ikun assorbit it-telf mhux

mistenni meta jfeġġ, titjib għad-definizzjoni ta' kapital ibridu u rekwiżiti prudenzjali uniformi għal fondi proprji. Huwa meħtieġ ukoll li jiżdied b'mod sinifikanti l-livell ta' fondi proprji, inklużi l-proporzjonijiet kapitali ġodda li jiffokaw fuq l-elementi prinċipali tal-fondi proprji disponibbli biex ikun assorbit it-telf meta jfeġġ. Huwa mistenni li l-istituzzjonijiet li l-ishma tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat għandhom jissodisfawir-rekwiżiti ta' kapital tagħhom fir-rigward tal-elementi prinċipali tal-kapital b'tali ishma li jissodisfaw sett ta' kriterji rigorużi għall-istrumenti ta' kapital prinċipali u r-riżervi ddikjarati tal-istituzzjoni biss. Sabiex jittieħed kont adegwat tad-diversità ta' forom legali li taħthom qed joperaw istituzzjonijiet fl-Unjoni, is-sett ta' kriterji stretti għall-istrumenti kapitali prinċipali għandu jiżgura li l-istrumenti ta' kapital prinċipali għal istituzzjonijiet li l-ishma tagħhom mhux ammessi għall-kummerċ f'suq regolat jkunu tal-ogħla kwalità. Dan m'għandux jimpedixxi lill-istituzzjonijiet milli jħallsu fir-rigward ta' ishma li jkollhom drittijiet ta' votazzjoni differenzjati jew li jkunu mingħajr drittijiet ta' votazzjoni, distribuzzjonijiet li jkunu multiplu ta' dawk imħallsa fuq ishma li għandhom livelli relattivament ogħla ta' drittijiet ta' votazzjoni, dment li jiġu rispettati, irrispettivament mil-livell tad-drittijiet ta' votazzjoni, il-kriterji stretti għall-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 inklużi dawk relatati mal-flessibbiltà ta' pagamenti, u dment li fejn issir distribuzzjoni din titħalla fuq l-ishma kollha maħruġa mill-istituzzjoni kkonċernata.

(73) L-iskoperturi marbuta mal-finanzjament tan-negozji huma diversi fin-natura tagħhom iżda jikkondividu karatteristiċi komuni bħal pereżempju li huma ta' valur żgħir u ta' durata qasira u għandhom sors identifikabbli ta' pagament lura. Dawn huma sostnuti minn movimenti ta' merkanzija u servizzi li jappoġġaw l-ekonomija reali u fil-maġġoranza tal-każijiet jgħinu kumpanniji żgħar fil-bżonnijiet ta' kuljum tagħhom, b'hekk joħolqu tkabbir ekonomiku u opportunitajiet ta' impjieg. Is-soltu ikun hemm tqabbil bejn id-dħul u l-ħruġ u għaldaqstant ir-riskju ta' likwidità hu għalhekk limitat.

(74) Huwa xieraq li l-ABE żżomm lista aġġornata tal-forom kollha ta' strumenti kapitali f'kull Stat Membru li jikkwalifikaw bħala strumenti Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-ABE għandha tneħħi minn dik il-lista l-istrumenti ta' għajnuna nonstatali maħruġa wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li ma jissodisfawx il-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament u għandha tħabbar pubblikament din it-tneħħija. Meta strumenti mneħħija mil-lista mill-ABE jkomplu jiġu rikonoxxuti wara t-tħabbir tal-ABE, l-ABE għandha teżerċita s-setgħat kollha tagħha, b'mod partikolari dawk ikkonferiti mill-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 rigward ksur tad-dritt tal-Unjoni. Wieħed għandu jiftakar li mekkaniżmu fi tliet passi japplika għal rispons proporzjonat għal każijiet ta' applikazzjoni ħażina jew insuffiċjenti tad-dritt tal-Unjoni, fejn, bħala l-ewwel pass, l-ABE għandha s-setgħa tinvestiga applikazzjoni allegatament ħażina jew insuffiċjenti tal-obbligi skont id-dritt tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali fil-prassi superviżorja tagħhom, konkluża b'rakkomandazzjoni. It-tieni, fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa toħroġ opinjoni formali li tieħu kont tar-rakkomandazzjoni tal-ABE, li titlob li l-awtorità kompetenti tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura l-konformità mad-dritt tal-Unjoni. It-tielet, sabiex jingħelbu sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' nuqqas persistenti ta' azzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-ABE għandha s-setgħa, bħala l-aħħar alternattiva, tadotta deċiżjonijiet indirizzati lejn istituzzjonijiet finanzjarji individwali. Barra minn hekk, wieħed għandu jiftakar li, skont l-Artikolu 258 tat-TFUE, f'każ li l-Kummissjoni tqis li Stat Membru naqas milli jissodisfa obbligu skont it-Trattati, hi għandha s-setgħa tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(75) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jżommu l-proċessi ta' qabel l-approvazzjoni rigward il-kuntratti li jirregolaw l-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u Grad 2 Addizzjonali. F'dawk il-każijiet tali strumenti kapitali għandhom jiġu kkalkulati biss għall-kapital tal-Grad 1 jew il-kapital tal-Grad 2 Addizzjonali tal-istituzzjoni ladarba jkunu temmew b'suċċess dawn il-proċessi ta' approvazzjoni.

(76) Għall-finijiet ta' tisħiħ tad-dixxiplina tas-suq u t-titjib tal-istabbiltà finanzjarja huwa meħtieġ li jkunu introdotti rekwiżiti aktar dettaljati għall-iżvelar tal-forma u n-natura tal-kapital regolatorju u l-aġġustamenti prudenzjali magħmula sabiex ikun żgurat li l-investituri u d-depożituri jkunu informati tajjeb b'mod suffiċjenti rigward is-solvenza tal-istituzzjonijiet.

(77) Hu neċessarju wkoll li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għarfien dwar il-livell, tal-anqas f'termini aggregati, ta' ftehimiet ta' riakkwist, self ta' titoli u s-suriet kollha ta' vinkoli tal-assi. Din l-informazzjoni għandha tiġi rrappurtata lill-awtoritajiet kompetenti. Għall-finijiet ta' tisħiħ tad-dixxiplina tas-suq, għandu jkun hemm rekwiżiti aktar dettaljati għad-divulgazzjoni tal-ftehimiet ta' riakkwist u l-kisba ta' finanzjament.

(78) Id-definizzjoni l-ġdida għar-rekwiżiti tal-kapital u ta' kapital regolatorji għandha tkun introdotta b'mod li jittieħed kont tal-fatt li hemm punti ta' tluq u ċirkostanzi nazzjonali differenti, b'varjazzjoni inizjali dwar l-istandards il-ġodda matul il-perijodu ta' transizzjoni. Sabiex tkun żgurata l-kontinwità adatta fil-livell ta' fondi proprji, l-istrumenti maħruġa fil-kuntest ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u maħruġa qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ser ikollhom anterjorità għat-tul tal-perijodu ta' transizzjoni. Is-serħan fuq l-għajnuna mill-Istat għandu jitnaqqas kemm jista' jkun fil-futur. Madankollu, safejn l-għajnuna mill-istat tkun meħtieġa f'ċerti sitwazzjonijiet, dan ir-Regolament għandu jipprevedi qafas biex jiġu trattati sitwazzjonijiet bħal dawn. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu jispeċifika liema għandu jkun it-trattament għall-istrumenti ta' fondi proprji maħruġa fil-kuntest ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-possibbiltà li l-istituzzjonijiet jibbenefikaw minn tali trattament għandha tkun soġġetta għal kondizzjonijiet stretti. Barra minn hekk, safejn tali trattament jippermetti devjazzjonijiet mill-kriterji l-ġodda dwar il-kwalità tal-istrumenti ta' fondi proprji dawk id-devjazzjonijiet għandhom ikunu limitati kemm jista' jkun. It-trattament għall-istrumenti ta' kapital eżistenti maħruġa fil-kuntest ta' miżura ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, għandu jagħmel distinzjoni ċara bejn dawk l-istrumenti ta' kapital li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u dawk li ma jikkonformawx. Għaldaqstant għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament dispożizzjonijiet transizzjonali adegwati għal dan l-aħħar każ.

(79) Id-Direttiva 2006/48/KE ħtieġet lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu fondi proprji li jkunu tal-inqas ugwali għall-ammonti minimi speċifikati sal-31 ta' Diċembru 2011. Fid-dawl tal-effetti kontinwi tal-kriżi finanzjarja fis-settur bankarju u l-estensjoni tal-arranġamenti transizzjonali għar-rekwiżiti ta' kapital adottati mill-BCBS, huwa adatt li jkun introdott mill-ġdid limitu minimu għal perijodu limitat ta' żmien sakemm l-ammonti suffiċjenti ta' fondi proprji jkunu ġew stabbiliti f'konformità mal-arranġamenti transizzjonali ta' fondi proprji previsti f'dan ir-Regolament li ser jiddaħħlu f'fażijiet b'mod progressiv mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-2019.

(80) Għal gruppi li jinkludu negozju bankarju jew ta' investiment u negozju tal-assigurazzjoni sinifikanti, id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju ([1]), tipprevedi regoli speċifiċi biex ikun indirizzat tali 'għadd doppju' tal-kapital. Id-Direttiva 2002/87/KE hija bbażata fuq prinċipji maqbula fuq livell internazzjonali għat-trattament tar-riskju fis-setturi kollha. Dan ir-Regolament isaħħaħ il-mod kif dawk ir-regoli għal konglomerati finanzjarji għandhom japplikaw għal gruppi ta' kumpanniji bankarji u tal-investiment, biex tkun żgurata l-applikazzjoni robusta u konsistenti tagħhom. Kull bidla oħra li tkun meħtieġa ser tiġi indirizzata fl-analiżi tad-Direttiva 2002/87/KE, li hija mistennija fl-2015.

(81) Il-kriżi finanzjarja enfasizzat li l-istituzzjonijiet issottovalutaw bil-kbir il-livell ta' riskju ta' kreditu tal-kontroparti assoċjat mad-derivati barra l-borża (OTC). Dan wassal lill-G-20, f'Settembru 2009, biex jappellaw għal aktar derivati OTC sabiex jiġu kklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali (CCP). Barra minn hekk, huma riedu li dawn id-derivati OTC li ma setgħux jiġu kklerjati ċentralment ikunu soġġetti għal rekwiżiti ogħla ta' fondi proprji sabiex ikunu riflessi b'mod adatt ir-riskji ogħla assoċjati magħhom.

(82) B'segwitu għall-appell tal-G-20, il-BCBS, bħala parti mill-qafas ta' Basel III, materjalment bidel ir-reġim tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti. Il-qafas ta' Basel III hija mistennija li żżid b'mod sinifikanti r-rekwiżiti ta' fondi proprji assoċjati mad-derivati OTC u t-transazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli tal-istituzzjonijiet u li toħloq inċentivi importanti għall-istituzzjonijiet li jużaw is-CCPs. Il-qafas ta' Basel III hija mistennija wkoll li tipprovdi aktar inċentivi biex jissaħħaħ l-immaniġjar tar-riskju tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u li tirrevedi r-reġim attwali għat-trattament tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għas-CCPs.

(83) L-istituzzjonijiet għandhom iżommu fondi proprji addizzjonali minħabba r-riskju tal-aġġustament fil-valwazzjoni tal-kreditu li jitnissel mid-derivati OTC. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ukoll korrelazzjoni tal-valur tal-assi ogħla fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti li jitnissel mid-derivati OTC u t-transazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli lil ċerti istituzzjonijiet finanzjarji. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll jiġu rikjesti li jtejbu konsiderevolment il-kejl u l-immaniġjar tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti billi jindirizzaw aħjar ir-riskju ta' korrelazzjoni sfavorevoli, kontropartijiet u kollateral b'ingranaġġ għoli ħafna, akkumpanjati mit-titjib korrispondenti fl-oqsma tar-retrotestjar u l-ittestjar tal-istress.

(84) L-iskoperturi kummerċjali għal CCPs ġeneralment jibbenefikaw minn kalkolu tal-valur nett multilaterali u mekkanmiżmu ta' kondiviżjoni tat-telf ipprovduti mis-CCPs. Bħala konsegwenza, huma jinvolvu riskju ta' kreditu tal-kontroparti aktar baxx u għaldaqstant għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji baxx ħafna. Fl-istess waqt, dan ir-rekwiżit għandu jkun pożittiv sabiex jiżgura li l-istituzzjonijiet jintraċċaw u jissorveljaw l-iskoperturi tagħhom għas-CCPs bħala parti minn ġestjoni tajba tar-riskju u biex jiġi rifless li anki l-iskoperturi kummerċjali għas-CCPs mhumiex ħielsa mir-riskju.

(85) Il-fond ta' inadempjenza tas-CCPs huwa mekkaniżmu li jippermetti l-kondiviżjoni (mutwalizzazzjoni) tat-telf fost il-membri tas-CCPs li jikklerjaw. Dan jintuża fejn it-telf imġarrab mis-CCP wara l-inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar ikun ikbar mill-marġini u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza pprovduti minn dak il-membru tal-ikklerjar u kwalunkwe difiża oħra li tista' tintuża mis-CCP qabel ma jsir rikors għall-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza tal-kumplament tal-membri tal-ikklerjar. Fid-dawl ta' dan, ir-riskju ta' telf assoċjat mal-iskoperturi mill-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza huwa ogħla minn dak assoċjat mal-iskoperturi kummerċjali. Għaldaqstant, dan it-tip ta' skoperturi għandu jkun soġġett għal rekwiżit ta' fondi proprji ogħla.

(86) Il-"kapital ipotetiku" ta' CCP għandu jkun fattur varjabbli meħtieġ biex ikun determinat ir-rekwiżit tal-fondi proprji għall-iskoperturi ta' membru tal-ikklerjar mill-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP. Dan m'għandux jinftiehem mod ieħor. B'mod partikolari, m'għandux jinftiehem bħala l-ammont tal-kapital li l-awtorità kompetenti tinħtieġ li jinżamm minn CCP.

(87) L-analiżi tat-trattament tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, u b'mod partikolari l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' fondi proprji ogħla għal kuntratti ta' derivati bilaterali sabiex jirriflettu r-riskju ogħla li tali kuntratti joħolqu għas-sistema finanzjarja, tifforma parti integrali mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura swieq tad-derivati effiċjenti, sikuri u sodi. Konsegwentement, dan ir-Regolament jikkumplementa ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-transazzjonijiet ([2]).

([1]) ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 04 p. 340.

([2]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

(88) Il-Kummissjoni għandha tanalizza l-eżenzjonijiet rilevanti għal skoperturi kbar sal-31 ta' Diċembru 2015. Sakemm ikun hemm eżitu għal dik l-analiżi, l-Istati Membri għandhom ikomplu jitħallew jiddeċiedu dwar l-eżenzjoni ta' ċerti skoperturi kbar minn dawk ir-regoli għal perijodu transizzjonali suffiċjentement twil. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma li saret fil-kuntest tat-tħejjija u n-negozjati tad-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet [1] u b'kont meħud tal-iżviluppi internazzjonali u tal-Unjoni dwar dawk il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk dawk l-eżenzjonijiet għandhomx ikomplu jiġu applikati b'mod diskrezzjonali jew b'mod aktar ġenerali u dwar jekk ir-riskji relatati ma' dawk l-iskoperturi humiex indirizzati b'mezzi aktar effettivi stipulati f'dan ir-Regolament.

(89) Sabiex jiġi żgurat li l-eżenzjonijiet tal-iskoperturi mill-awtoritajiet kompetenti ma jippreġudikawx il-koerenza tar-regoli uniformi stabbiliti b'dan ir-Regolament fuq bażi permanenti, wara perijodu transizzjonali, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe eżitu ta' dik l-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-ABE dwar jekk huwiex adatt jew le li jkompli jsir użu mill-possibbiltà li jeżentaw ċerti skoperturi.

(90) Is-snin preċedenti għall-kriżi finanzjarja kienu kkaratterizzati minn konċentrazzjoni eċċessiva fl-iskoperturi tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-fondi proprji tagħhom (lieva finanzjarja). Matul il-kriżi finanzjarja, it-telf u n-nuqqas ta' finanzjament ġiegħel lill-istituzzjonijiet li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-lieva finanzjarja tagħhom fuq perijodu ta' żmien qasir. Dan amplifika l-pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-assi, ikkawża aktar telf kemm għall-istituzzjonijiet li, konsegwentement, ġab miegħu aktar tnaqqis fil-fondi proprji tagħhom. Ir-riżultati finali ta' dan il-moviment negattiv kienu tnaqqis fid-disponibbiltà tal-kreditu għall-ekonomija reali u kriżi aktar profonda u itwal.

(91) Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji bbażati fuq ir-riskju huma essenzjali biex jiġu żgurati fondi proprji biżżejjed għall-kopertura tat-telf mhux mistenni. Madankollu, il-kriżi wriet li dawk ir-rekwiżiti waħedhom mhumiex biżżejjed biex jevitaw li l-istituzzjonijiet jidħlu għal riskji eċċessivi u mhux sostenibbli ta' lieva finanzjarja.

(92) F'Settembru 2009, il-G-20 intrabtu li jiżviluppaw regoli maqbula fuq livell internazzjonali biex jiskoraġġixxu lieva finanzjarja eċċessiva. Għal dak il-għan, huma appoġġaw l-introduzzjoni ta' proporzjon ta' lieva finanzjarja bħala miżura supplimentari għall-qafas ta' Basel II.

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 97.

(93) F'Diċembru 2010, il-BCBS ippubblika linji gwida li jiddefinixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja. Dawk ir-regoli jipprevedu perijodu ta' osservazzjoni mill-1 ta' Jannar 2013 sal-1 ta' Jannar 2017 li matulu, il-proporzjon tal-lieva finanzjarja, il-komponenti tagħha u l-imġiba tagħha fir-rigward tar-rekwiżit ibbażat fuq ir-riskju ser jiġu ssorveljati. Abbażi tar-riżultati tal-perijodu ta' osservazzjoni, il-BCBS bihsiebu jagħmel aġġustamenti finali għad-definizzjoni u l-kalibrar tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja fl-ewwel nofs tal-2017, bil-għan li ssir migrazzjoni għal rekwiżit vinkolanti fl-1 ta' Jannar 2018 ibbażat fuq analiżi u kalibrar adatti. Il-linji gwida tal-BCBS jipprevedu wkoll id-divulgazzjoni tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja u l-komponenti tagħha li jibda fl-1 ta' Jannar 2015.

(94) Il-proporzjon tal-lieva finanzjarja huwa strument regolatorju u superviżorju ġdid għall-Unjoni. F'konformità mal-ftehimiet internazzjonali, huwa għandu l-ewwel ikun introdott bħala aspett addizzjonali li jista' jkun applikat fir-rigward tal-istituzzjonijiet individwali skont id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet superviżorji. L-obbligi tar-rapportar għall-istituzzjonijiet jippermettu analiżi u kalibrar adatti, bil-għan li ssir il-migrazzjoni għal miżura vinkolanti fl-2018.

(95) Meta jiġi analizzat l-impatt tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja fuq mudelli kummerċjali differenti, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-mudelli kummerċjali li jitqiesu li jinvolvu riskju baxx, bħas-self bl-ipoteki u s-self speċjalizzat ma' gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet tas-settur pubbliku. L-ABE, abbażi tad-data li tirċievi u s-sejbiet tal-analiżi superviżorja waqt perijodu ta' osservazzjoni, għandha tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, klassifikazzjoni tal-mudelli kummerċjali u r-riskji. Abbażi ta' analiżi adatti, u anki b'kont meħud tad-data storika jew ix-xenarji ta' stress, għandu jkun hemm valutazzjoni tal-livelli adegwati tal-proporzjon tal-lieva li jissalvagwardjaw ir-reżistenza tal-mudelli kummerċjali rispettivi u jekk il-livelli tal-proporzjon tal-lieva għandhomx jiġu stabbiliti bħala limiti jew bħala firxiet. Wara l-perijodu ta' osservazzjoni u l-kalibrazzjoni tal-liveli rispettivi tal-proporzjon tal-lieva, u abbażi tal-valutazzjoni, l-ABE tista' tippubblika analiżi statistika adegwata, inklużi medji u devjazzjonijiet standard, tal-proporzjon tal-lieva. Wara l-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-proporzjon tal-lieva, l-ABE għandha tippubblika analiżi statistika adegwata, inklużi medji u devjazzjonijiet standard, tal-proporzjon tal-lieva meta mqabbel mal-kategoriji identifikati ta' istituzzjonijiet.

(96) L-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw il-livell u l-bidliet fil-proporzjon tal-lieva finanzjarja kif ukoll ir-riskju tal-lieva finanzjarja bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (ICAAP). Tali monitoraġġ għandu jkun inkluż fil-proċess ta' analiżi superviżorja. B'mod partikolari, wara d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti marbuta mal-proporzjon tal-lieva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu monitoraġġ tal-iżviluppi fil-mudell kummerċjali u l-profil ta' riskju korrispondenti sabiex jiżguraw klassifikazzjoni aġġornata u tajba tal-istituzzjonijiet.

(97) L-istrutturi ta' governanza tajba, it-trasparenza u d-divulgazzjoni huma essenzjali għal politiki validi ta' remunerazzjoni. Sabiex tkun żgurata trasparenza adegwata għas-suq tal-istrutturi ta' remunerazzjoni tagħhom u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw informazzjoni dettaljata dwar il-politiki, il-prattiki ta' remunerazzjoni tagħhom u, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-ammonti aggregati għal dawk il-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha. Dawk ir-rekwiżiti partikolari għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti ta' divulgazzjoni aktar ġenerali dwar politiki ta' remunerazzjoni applikabbli b'mod orizzontali fis-setturi kollha. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet li jagħmlu disponibbli informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-remunerazzjoni.

(98) Ir-rikonoxximent ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) ma għandux iżid l-esklużjoni minn suq diġà dominat minn tliet impriżi prinċipali. L-ABE u l-banek ċentrali tas-SEBĊ għandhom, mingħajr ma jagħmlu l-proċess aktar faċli jew inqas eżiġenti, jipprevedi r-rikonoxximent ta' aktar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala ECAIs bħala mod biex is-suq jinfetaħ għal impriżi oħra.

(99) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [2], għandhom ikunu applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar tad-data personali għall-fini ta' dan ir-Regolament.

(100) L-istituzzjonijiet għandhom iżommu riżerva diversifikata ta' assi likwidi li jistgħu jużaw biex ikopru l-ħtiġijiet ta' likwidità waqt stress fil-likwidità fuq perijodu ta' żmien qasir. Peress li mhux possibbli li wieħed ikun jaf ex-ante b'ċertezza liema assi speċifiċi f'kull klassi ta' assi jistgħu jkunu soġġetti għal xokkijiet ex-post, huwa xieraq li tiġi promossa riżerva ta' likwidità diversifikata u ta' kwalità għolja magħmula minn kategoriji ta' assi differenti. Konċentrazzjoni ta' assi u dipendenza żejda fuq il-likwidità tas-suq joħolqu riskju sistemiku għas-settur finanzjarju u għandhom jiġu evitati. Għandha għalhekk titqies sensiela wiesgħa ta' assi ta' kwalità waqt perijodu inizjali ta' osservazzjoni li jkunu ser jintużaw għall-iżvilupp ta' definizzjoni ta' rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità. Fit-tfassil ta' definizzjoni uniformi ta' assi likwidi, tal-inqas bonds tal-gvern u bonds koperti nnegozjati fi swieq trasparenti b'fatturat kontinwu jkunu mistennija jitqiesu bħala assi ta' likwidità estremament għolja u ta' kwalità ta' kreditu. Ikun ukoll xieraq li l-assi li jikkorrispondu għall-Artikolu 416(1)(a) sa (c) għandhom jiġu inklużi fir-riżerva mingħajr limitazzjonijiet. Meta istituzzjonijiet jużaw l-istokk ta' likwidità, huma għandhom jistabbilixxu pjan biex jirkupraw il-pussess tagħhom ta' assi likwidi u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw l-adegwatezza tal-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu.

(101) L-istokk ta' assi likwidi għandu jkun disponibbli fi kwalunkwe ħin biex jissodisfa l-flussi ta' ħruġ tal-likwidità. Il-livell tal-ħtiġijiet tal-likwidità waqt stress fil-likwidità fuq perijodu ta' żmien qasir għandu jkun iddeterminat b'mod standardizzat sabiex ikunu żgurati standard ta' sodezza uniformi u kondizzjonijiet indaqs. Għandu jkun żgurat li tali determinazzjoni standardizzata m'għandhiex konsegwenzi mhux intenzjonati għas-swieq finanzjarji, l-estensjoni tal-kreditu u t-tkabbir ekonomiku, filwaqt li jittieħed kont tal-mudelli kummerċjali u ta' investiment u l-ambjenti ta' finanzjament differenti tal-istituzzjonijiet madwar l-Unjoni. Għal dan il-għan, ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għandu jkun soġġett għal perijodu ta' osservazzjoni. Abbażi tal-osservazzjonijiet u bl-appoġġ ta' rapporti tal-ABE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat biex tintroduċi fi żmien opportun rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità dettaljat u armonizzat għall-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni globali fil-qasam tar-regolamentazzjoni tal-likwidità kwalunkwe att iddelegat biex jiġi introdott ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għandu jkun jista' jitqabbel mal-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità stabbilit fil-qafas internazzjonali finali għall-kalkolu, l-istandards u l-monitoraġġ tar-riskji tal-likwidità tal- BCBS b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-Unjoni u nazzjonali.

(102) Għal dak l-għan, matul il-perijodu ta' osservazzjoni, l-ABE għandha tanalizza u tivvaluta, fost l-oħrajn, l-adegwatezza ta' limitu ta' 60 % fuq l-assi likwidi ta' livell 1, u limitu ta' 75 % tad-dħul u l-ħruġ u l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità minn 60 % mill-1 ta' Jannar 2015 li jiżdied fuq bażi gradwata sa 100 %. Meta tivvaluta u tirrapporta dwar id-definizzjonijiet uniformi tal-istokk ta' assi likwidi, l-ABE għandha tqis id-definizzjoni mill-BCBS ta' assi likwiti ta' kwalità għolja (HQLA) għall-bażi tal-analiżi tagħha, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-Unjoni u nazzjonali. Filwaqt li l-ABE għandha tidentifika dawk il-muniti fejn il-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni għall-assi likwidi jaqbżu d-disponibbiltà ta' dawk l-assi likwidi f'dik il-munita, ta' kull sena l-ABE għandha teżamina wkoll jekk id-derogi, inkużi dawk identifikati f'dan ir-Regolament, għandhomx japplikaw. Barra minn hekk, ta' kull sena l-ABE għandha tivvaluta jekk b'rabta ma' kwalunkwe deroga bħal din kif ukoll derogi diġà identifikati f'dan ir-Regolament, għandhomx jiġu mehmużin xi kundizzjonijiet addizzjonali għall-użu tagħhom minn istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jew jekk kundizzjonijiet eżistenti għandhomx jiġu riveduti. L-ABE għandha tippreżenta r-riżultati tal-analiżi tagħha f'rapport annwali lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 13 Vol. 015 p. 355.

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 13 Vol. 26 p. 102.

(103) Bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-ABE għandha tistabbilixxi qafas ta' rappurtar koerenti abbażi ta' sensiela armonizzata ta' standards għar-rekwiżiti ta' likwidità li għandha tiġi applikata fl-Unjoni kollha. Għal dan l-għan l-ABE għandha tiżviluppa formati ta' rappurtar uniformi u soluzzjonijiet tal-IT li jqisu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE. Sad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti kollha marbuta mal-likwidità, l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar nazzjonali tagħhom.

(104) L-ABE, f'kooperazzjoni mal-BERS, għandha toħroġ gwida dwar il-prinċipji għall-użu ta' riżerva ta' likwidità f'sitwazzjoni ta' stress.

(105) Ma jistax jitqies bħal aċċertat li l-istituzzjonijiet ser jirċievu appoġġ ta' likwidità minn istituzzjonijiet oħra li jappartjenu għall-istess grupp meta jkollhom diffikultajiet biex jissodisfaw l-obbligi ta' pagament tagħhom. Madankollu, soġġett għall-kondizzjonijiet rigorużi u l-ftehim individwali tal-awtoritajiet kompetenti kollha involuti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jirrinunzjaw li japplikaw ir-rekwiżit tal-likwidità għal istituzzjonijiet individwali u jagħmlu lil dawk l-istituzzjonijiet soġġetti għal rekwiżit konsolidat, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġġestixxu l-likwidità tagħhom b'mod ċentrali fil-livell tal-grupp jew tas-sottogrupp.

(106) Bl-istess mod, fejn ma tingħata l-ebda eżenzjoni, il-flussi tal-likwidità bejn żewġ istituzzjonijiet li jappartjenu għall-istess grupp u li huma soġġetti għal superviżjoni konsolidata, meta r-rekwiżit tal-likwidità jsir miżura vinkolanti, għandhom jirċievu rati preferenzjali fuq il-flussi 'l ġewwa u 'l barra biss f'dawk il-każijiet fejn is-salvagwardji kollha meħtieġa jkunu stabbiliti. Trattamenti preferenzjali speċifiċi bħal dawn għandhom jiġu definiti b'mod strett u marbuta mat-twettiq ta' għadd ta' kondizzjonijiet stretti u oġġettivi. It-trattament speċifiku applikabbli għal fluss partikolari fost impriżi ta' grupp għandu jinkiseb permezz ta' metodoloġija li tuża kriterji u parameteri oġġettivi biex jiġu determinati livelli speċifiċi ta' flussi 'l ġewwa u flussi 'l barra bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti. Abbażi tal-osservazzjonijiet u b'appoġġ mir-rapport tal-ABE, il-Kummissjoni għandha, kif adatt u bħala parti tal-att iddelegat li hija tadotta skont dan ir-Regolament biex tispeċifika r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità, tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex tistabbilixxi dawn it-trattamenti speċifiċi fost impriżi ta' grupp, il-metodoloġija u l-kriterji oġġettivi li magħhom huma marbutin, kif ukoll il-modalitajiet għal deċiżjonijiet konġunti għall-valutazzjoni ta' dawk il-kriterji.

(107) Bonds maħruġa mill-Aġenzija Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Assi (NAMA) fl-Irlanda huma ta' importanza partikolari għar-rilanċ tas-settur bankarju Irlandiż u l-ħruġ tagħhom ingħata l-approvazzjoni minn qabel mill-Istati Membri, u ġew approvati bħala għajnuna mill-Istat mill-Kummissjoni bħala miżura ta' appoġġ introdotta biex jitneħħew l-assi difettużi mill-karti tal-bilanċ ta' ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-ħruġ ta' tali bonds, miżura transitorja appoġġata mill-Kummissjoni u l-BĊE, huwa parti integrali fir-ristrutturar tas-sistema bankarja Irlandiża. Tali bonds huma garantiti mill-gvern Irlandiż u huma kollateral eliġibbli mal-awtoritajiet monetarji. Il-Kummissjoni għandha tindirizza mekkaniżmi speċifiċi ta' anterjorità ta' assi trasferibbli maħruġa jew iggarantiti minn entitajiet li għandhom l-approvazzjoni tal-Unjoni dwar għajnuna mill-Istat, bħala parti mill-att iddelegat li hija tadotta skont dan ir-Regolament biex jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità. F'dak ir-rigward il-Kummissjoni li tieħu kont tal-fatt li l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità skont dan ir-Regolament għandhom jingħataw il-permess li jinkludu senior bonds bħala assi ta' likwidità u ta' kwalità ta' kreditu estremament għoljin sa Diċembru 2019.

(108) B'mod simili, il-bonds maħruġa mill-Kumpannija ta' Ġestjoni ta' Assi Spanjola huma ta' importanza partikolari għall-irkupru bankarju Spanjol u huma miżura transizzjonali appoġġata mill-Kummissjoni u l-BĊE, bħala parti integrali fir-ristrutturazzjoni tas-sistema bankarja Spanjola. Peress li l-ħruġ tagħhom hu previst fil-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kondizzjonalità tal-Politika tas-Settur Finanzjarju ffirmat mill-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Spanjoli fit-23 ta' Lulju 2012, u t-trasferiment tal-assi jeħtieġ approvazzjoni mill-Kummissjoni bħala miżura ta' għajnuna mill-istat introdotta biex jitneħħew assi danneġġati mill-karti tal-bilanċ ta' ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu, u safejn huma ggarantiti mill-gvern Spanjol u huma kollaterali eliġibbli ma' awtoritajiet monetarji. Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-mekkaniżmu speċifiċi ta' anterjorità tal-assi trasferibbli maħruġa jew iggarantiti minn entitajiet li jkollhom l-approvazzjoni għall-għajnuna Statali mill-Unjoni bħala parti mill-att iddelegat li hija tadotta skont dan ir-Regolament biex jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità. F'dak ir-rigward il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-fatt li l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità skont dan ir-Regolament għandhom jingħataw il-permess jinkludu senior bonds tal-Kumpannija ta' Ġestjoni ta' Assi Spanjola bħala assi ta' likwidità estremament għolja u ta' kwalità ta' kreditu tal-inqas sa Diċembru 2023.

(109) Abbażi tar-rapporti li l-ABE hija meħtieġa li tippreżenta u meta tħejji l-proposta għal att iddelegat dwar ir-rekwiżiti ta' likwidità, il-Kummissjoni għandha wkoll tqis jekk senior bonds maħruġa minn entitajiet legali simili għan-NAMA fl-Irlanda jew il-Kumpannija ta' Ġestjoni ta' Assi Spanjola, stabbiliti għall-istess fini u ta' importanza partikolari għall-irkupru bankarju fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandhomx jingħataw tali trattament, safejn ikunu ggarantiti mill-gvern ċentrali tal-Istat Membru rilevanti u huma kollaterali eliġibbli ma' awtoritajiet monetarji.

(110) Meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu determinati l-metodi għall-kejl ta' ħruġ addizzjonali, l-ABE għandha tqis approċċ storiku standardizzat bħala metodu ta' tali kejl.

(111) Sakemm jiġi introdott il-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR) bħala standard minimu vinkolanti, l-istituzzjonijiet għandhom josservaw obbligu ġenerali ta' finanzjament. L-obbligu ġenerali ta' finanzjament m'għandux ikun rekwiżit tal-proporzjon. Jekk, sakemm jiġi introdott l-NSFR, jiġi introdott proporzjon ta' ffinanzjar stabbli bħala standard minimu permezz ta' dispożizzjoni nazzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' dan l-istandard minimu kif meħtieġ.

(112) Apparti mill-ħtiġijiet ta' likwidità fuq perijodu ta' żmien qasir, l-istituzzjonijiet għandhom jadottaw ukoll strutturi ta' finanzjament li jkunu stabbli fuq terminu itwal ta' żmien. F'Diċembru 2010, il-BCBS qabel li l-NSFR jiċċaqlaq għal standard minimu sal-1 ta' Jannar 2018 u li l-BCBS jistabbilixxi proċessi rigorużi ta' rappurtar biex jissorvelja l-proporzjon matul il-perijodu ta' transizzjoni u li ser ikompli janalizza l-implikazzjonijiet ta' dawn l-istandards għas-swieq finanzjarji, l-estensjoni tal-kreditu u t-tkabbir ekonomiku, filwaqt li jindirizza l-konsegwenzi mhux maħsuba, skont il-ħtieġa. Il-BCBS b'hekk qabel li l-NSFR ikun soġġett għal perijodu ta' osservazzjoni u jinkludi klawsola ta' analiżi. F'dak il-kuntest, l-ABE għandha, abbażi tar-rapportar meħtieġ minn dan ir-Regolament, tevalwa kif għandu jkun iddisinjat rekwiżit ta' finanzjament stabbli. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta adatta sabiex jiġu introdotti tali rekwiżit sal-2018.

(113) Punti debboli fil-governanza korporattiva f'numru ta' istituzzjonijiet ikkontribwixxew għal teħid ta' riskji eċċessivi u imprudenti fis-settur bankarju li wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet individwali u problemi sistemiċi.

(114) Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-prattiki tal-governanza korporattiva tal-istituzzjonijiet u tittejjeb id-dixxiplina fis-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw pubblikament l-arranġamenti tal-governanza korporattiva tagħhom. Il-korpi ta' ġestjoni tagħhom għandhom japprovaw u jiżvelaw pubblikament dikjarazzjoni li tipprovdi aċċertament lill-pubbliku li dawn l-arranġamenti huma adegwati u effiċjenti.

(115) Sabiex titqies id-diversità tal-mudelli kummerċjali tal-istituzzjonijiet fis-suq intern ċerti rekwiżiti strutturali għal perijodu fit-tul, bħall-NSFR u l-proporzjon tal-lieva għandhom jiġu eżaminati mill-qrib bil-għan tal-promozzjoni ta' varjetà ta' strutturi bankarji sodi li kienu, u għandhom jibqgħu jkunu, ta' servizz għall-ekonomija tal-Unjoni.

(116) Għall-provvista kontinwa ta' servizzi finanzjarji lil familji u ditti, tinħtieġ struttura ta' finanzjament stabbli. Flussi ta' finanzjament fuq perijodu fit-tul f'sistemi finanzjarji bbażati fuq il-banek f'ħafna Stati Membri ġeneralment jista' jkollhom karatteristiċi differenti minn dawk li jinsabu fi swieq internazzjonali oħra. Barra minn hekk, jistgħu jkunu ġew żviluppati strutturi speċifiċi ta' finanzjament fl-Istati Membri biex jiġi pprovdut finanzjament stabbli għal investiment fuq perijodu fit-tul, inklużi strutturi bankarji deċentralizzati maħsuba biex jiddderieġu l-likwidità jew it-titoli ipotekarji speċjalizzati li jinnegozjaw fi swieq ta' likwidità għolja jew li huma investiment tajjeb għal investituri fuq perijodu ta' żmien twil. Dawk il-fatturi strutturali għandhom jitqiesu b'attenzjoni. Huwa essenzjali għal dak il-għan li, ladarba l-istandards internazzjonali jiġu ffinalizzati, l-ABE u l-BERS, fuq il-bażi tar-rappurtar meħtieġ minn dan ir-Regolament, jevalwaw kif għandu jitfassal rekwiżit ta' finanzjament stabbli li jqis bis-sħiħ id-diversità tal-istrutturi ta' finanzjament fis-suq bankarju tal-Unjoni.

(117) Sabiex tkun żgurata konverġenza progressiva bejn il-livell tal-fondi proprji u l-aġġustamenti prudenzjali applikati għad-definizzjoni ta' fondi proprji fl-Unjoni u għad-definizzjoni ta' fondi proprji stabbilita b'dan ir-Regolament matul il-perijodu ta' tranżizzjoni, id-dħul f'fażijiet tar-rekwiżiti tal-fondi proprji ta' dan ir-Regolament għandu jseħħ gradwalment. Huwa vitali li jkun żgurat li dan id-dħul f'fażijiet ikun konsistenti mat-titjib reċenti magħmul mill-Istati Membri fil-livelli meħtieġa tal-fondi proprji u mad-definizzjoni ta' fondi proprji fis-seħħ fl-Istati Membri. Għal dak il-għan, matul il-perijodu ta' transizzjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw fi ħdan limiti minimi u massimi definiti kemm għandom jintroduċu rapidament il-livell meħtieġ tal-fondi proprji u l-aġġustamenti prudenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(118) Sabiex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni bla xkiel minn aġġustamenti prudenzjali diverġenti attwalment applikati fl-Istati Membri għas-sett ta' aġġustamenti prudenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu, matul il-perijodu ta' transizzjoni, ikomplu jeħtieġu lill-istituzzjonijiet, sa ċertu limitu, sabiex jagħmlu aġġustamenti prudenzjali għall-fondi proprji li jirrappreżentaw deroga minn dan ir-Regolament.

(119) Sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet ikollhom żmien biżżejjed biex jissodisfaw il-livelli meħtieġa ġodda u d-definizzjoni ta' fondi proprji, ċerti strumenti ta' kapital li ma jkunux konformi mad-definizzjoni ta' fondi proprji stabbilita f'dan ir-Regolament għandhom jitneħħew f'fażijiet bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, ċerti strumenti injettati mill-Istat għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod sħiħ fil-fondi proprji għal perijodu limitat. Barra minn hekk, il-kontijiet premium tal-ishma relatati ma' elementi li kienu jikkwalifikaw bħala fondi proprja taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għad-Direttiva 2006/48/KE għandhom f'ċerti ċikostanzi jikkwalifikaw bħala Ekwità Komuni ta' Grad 1.

(120) Sabiex tkun żgurata konverġenza progressiva lejn regoli uniformi dwar id-divulgazzjoni mill-istituzzjonijiet biex jipprovdu lill-parteċipanti fis-swieq b'informazzjoni preċiża u komprensiva rigward il-profil tar-riskju ta' istituzzjonijiet individwali, ir-rekwiżiti tad-divulgazzjoni għandhom jiddaħħlu f'fażijiet gradwalment.

(121) Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi u l-esperjenza tas-swieq fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun meħtieġa tippreżenta rapporti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, flimkien ma' proposti leġislattivi, fejn opportun, dwar l-effetti potenzjali tar-rekwiżiti ta' kapital fuq iċ-ċiklu ekonomiku ta' rekwiżiti minimi ta' fondi proprji għal skoperturi f'forma ta' bonds koperti, skoperturi kbar, rekwiżiti tal-likwidità, lieva finanzjarja, skoperturi għal riskju ta' kreditu trasferit, riskju ta' kreditu tal-kontroparti u l-metodu ta' skopertura oriġinali, skoperturi fil-livell tal-konsumatur, fuq id-definizzjoni ta' kapital eliġibbli, u l-livell tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(122) Il-fini ewlenija tal-qafas legali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkun li jiġi żgurat il-funzjonament ta' servizzi vitali għall-ekonomija reali filwaqt li jiġi limitat ir-riskju ta' periklu morali. Is-separazzjoni strutturali ta' attivitajiet bankarji bl-imnut u tal-investiment fi ħdan grupp bankarju tista' tkun strument ċentrali li jsostni dan l-objettiv. L-ebda dispożizzjoni fil-qasam regolatorju attwali ma għandha għalhekk tipprevjeni l-introduzzjoni ta' miżuri għall-effett ta' tali separazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun meħtieġa tanalizza l-kwistjoni tas-separazzjoni strutturali fl-Unjoni u tippreżenta rapport, flimkien ma' proposti leġislattivi, jekk opportun, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(123) Bl-istess mod bil-ħsieb li jiġu mħarsa d-depożituri u tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu wkoll jadottaw miżuri strutturali li jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'dak l-Istat Membru li jnaqqsu l-iskoperturi tagħhom għal entitajiet legali differenti skont l-attivitajiet tagħhom, irrispettivament minn fejn jinsabu dawk l-attivitajiet. Madankollu, minħabba li miżuri bħal dawn jista' jkollhom impatt negattiv billi jifframmentaw is-suq intern, huma għandhom jiġu approvati biss taħt kundizzjonijiet stretti sakemm jidħol fis-seħħ att legali futur li espliċitament jarmonizza miżuri bħal dawn.

(124) Sabiex ikunu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġustamenti tekniċi għal dan ir-Regolament biex ikunu ċċarati d-definizzjonijiet biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament jew biex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji, biex t-terminoloġija tkun allinjata fuq l-atti rilevanti sussegwenti, u d-definizzjonijiet jitfasslu skonthom, biex isir aġġustament tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar fondi proprji biex jirriflettu l-iżviluppi fl-istandards tal-kontabbiltà jew il-liġi tal-Unjoni, jew fir-rigward tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji, biex jitwessgħu l-listi tal-klassijiet tal-iskoperturi għall-fini tal-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; biex isir aġġustament ta' ċerti ammonti rilevanti għal dawk il-klassijiet tal-iskoperturi sabiex jittieħed kont tal-effetti tal-inflazzjoni; biex tkun aġġustata l-lista u l-klassifika tal-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ; u biex ikunu aġġustati d-dispożizzjonijiet speċifiċi u l-kriterji tekniċi dwar it-trattament tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB, il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, it-titolizzazzjoni, ir-riskju operattiv, ir-riskju tas-suq, il-likwidità, il-lieva finanzjarja u d-divulgazzjoni sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jew fl-istandards tal-kontabbiltà jew il-liġi tal-Unjoni, jew fir-rigward tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji u l-kalkolu tar-riskju u jittieħed kont tal-eżitu tal-analiżi ta' diversi materji relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE.

(125) Is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha wkoll tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' tnaqqis temporanju fil-livell tal-fondi proprji jew l-piż tar-riskju speċifikati skont dan ir-Regolament sabiex jittieħed kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi, biex tkun iċċarata l-eżenzjoni ta' ċerti skoperturi mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar skoperturi kbar, biex ikunu speċifikati l-ammonti rilevanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għall-portafoll tan-negozjar biex jittieħed kont tal-iżviluppi fl-oqsma ekonomiċi u monetarji, biex isir aġġustament tal-kategoriji tad-ditti ta' investiment eliġibbli għal ċerti derogi għal livelli meħtieġa ta' fondi proprji biex jittieħed kont tal–iżviluppi fis-swieq finanzjarji, biex ikun iċċarat ir-rekwiżit li d-ditti ta' investiment iżommu fondi proprji ekwivalenti għal kwart tal-ispejjeż ġenerali (overheads) fissi tas-sena preċedenti biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, biex ikunu ddeterminati l-elementi tal-fondi proprji li minnhom għandu jsir it-tnaqqis tal-holdings tal-istituzzjoni tal-istrumenti ta' entitajiet rilevanti, biex ikunu introdotti dispożizzjonijiet transizzjonali addizzjonali relatati mat-trattament ta' qligħ u telf attwarju fil-kalkolu tal-obbligi tal-istituzzjonijiet ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(126) F'konformità mad-dikjarazzjoni Nru 39 dwar l-Artikolu 290 TFUE, il-Kummissjoni għandha tkompli tikkonsulta lill-esperti maħtura mill-Istati Membri matul it-tħejjija tal-abbozz tal-atti ddelegati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, f'konformità mal-prassi stabbilita tagħha.

(127) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni, kondizzjonijiet uniformi u protezzjoni adegwata tad-depożituri, l-investituri u

l-konsumaturi fl-Unjoni. Bħala korp b'ħila espert speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u adatt li l-ABE tiġi fdata bl-elaborazzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi li ma jinvolvux għażliet tal-politika, biex jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni. L-ABE għandha tiżgura proċessi amministrattivi u ta' rappurtar effiċjenti meta tkun qed tabbozza l-istandards tekniċi. Il-formati ta' rappurtar għandhom ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet.

(128) Il-Kummissjoni għandha tadotta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ABE fl-oqsma tal-assoċjazzjonijiet reċiproċi, is-soċjetajiet kooperattivi, l-istituzzjonijiet tat-tfaddil jew istituzzjonijiet simili, ċerti strumenti ta' fondi proprji, aġġustamenti prudenzjali, tnaqqis minn fondi proprji, strumenti ta' fondi proprji addizzjonali, interessi tal-minoranza, servizzi anċillari għall-banek, trattament tal-aġġustament tar-riskju tal-kreditu, probabbiltà ta' inadempjenza, telf fil-każ ta' inadempjenza, approċċi għall-ippeżar tar-riskju tal-assi, konverġenza ta' prattiki superviżorji, likwidità, u arranġamenti transizzjonali għal fondi proprji, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 290 TFUE u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni u l-ABE għandhom jiżguraw li dawk l-istandards u r-rekwiżiti jkunu jistgħu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet kollha kkonċernati b'mod li jkun proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom.

(129) L-implimentazzjoni ta' xi atti delegati prevista f'dan ir-Regolament, bħall-att iddelegat li jirrigwarda r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità. jista' potenzjalment ikollha impatt sostanzjali fuq l-istituzzjonijiet sorveljati u l-ekonomija reali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu dejjem infurmati tajjeb dwar l-iżviluppi rilevanti fil-livell internazzjonali u dwar il-ħsieb attwali fil-Kummissjoni diġà qabel il-pubblikazzjoni tal-atti ddelegati.

(130) Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi implimentattivi żviluppati mill-ABE fir-rigward tal-konsolidazzjoni, id-deċiżjonijiet konġunti, ir-rapportar, id-divulgazzjoni, l-iskoperturi koperti b'ipoteki, il-valutazzjoni tar-riskju, l-approċċi għall-ippeżar tar-riskju tal-assi, il-piżijiet tar-riskju u l-ispeċifikazzjoni ta' ċerti skoperturi, it-trattament tal-għażliet u l-garanziji, il-pożizzjonijiet fi strumenti ta' ekwità u kambju, l-użu ta' mudelli interni, il-lieva finanzjarja, u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(131) Fid-dawl tad-dettall u l-għadd ta' standards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu adottati skont dan ir-Regolament, meta l-Kummissjoni tadotta standard tekniku regolatorju li huwa l-istess bħall-abbozz ta' standard tekniku regolatorju ppreżentat mill-ABE, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal standard tekniku regolatorju għandu, fejn opportun, jiġi estiż f'xahar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha timmira li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji f'waqtu biex tippermetti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jwettqu skrutinju sħiħ, b'kont meħud tal-volum u l-kumplessità tal-istandards tekniċi regolatorji, u d-dettalji tar-Regoli ta' Proċedura, il-kalendarju tax-xogħol u l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(132) Sabiex jiġi żgurat grad għoli ta' trasparenza, l-ABE għandha tniedi konsultazzjonijiet marbuta mal-abbozz ta' standards tekniċi msemmija f'dan ir-Regolament. L-ABE u l-Kummissjoni għandhom jibdew iħejju r-rapporti tagħhom dwar ir-rekwiżiti ta' likwidità u l-lieva, kif previst f'dan ir-Regolament, mill-aktar fis possibbli.

(133) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]).

(134) B'konformità mal-Artikolu 345 TFUE, li jipprevedi li t-Trattati m'għandhom bl-ebda mod jippreġudikaw ir-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tas-sjieda tal-proprjetà, dan ir-Regolament la jiffavorixxi u lanqas jiddiskrimina kontra xi tip ta' sjieda, li tinsab fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(135) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u adotta opinjoni ([2]).

(136) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandu jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([2]) ĠU C 175, 19.6.2012, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

PARTI WIEĦED

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TITOLU I

### SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet sorveljati skont id-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw magħhom fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji li jirrelataw ma' elementi intierament kwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta' riskju tal-kreditu, riskju tas-suq, riskju operattiv u riskju tas-saldu;

(b) rekwiżiti li jillimitaw skoperturi kbar;

(c) wara li l-att iddelegat imsemmi fl-Artikolu 460 ikun daħal fis-seħħ, rekwiżiti tal-likwidità li jirrelataw ma' elementi intierament kkwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta' riskju tal-likwidità;

(d) rekwiżiti ta' rapportar li jirrelataw mal-punti (a), (b) u (c) u mal-lieva finanzjarja;

(e) rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika.

Dan ir-Regolament ma jirregolax ir-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni għal awtoritajiet kompetenti fil-qasam tar-regolazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet kif stipulat fid-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 2*

**Setgħat superviżorji**

Għall-fini tal-iżgurar tal-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom is-setgħat u għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 3*

**Applikazzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti mill-istituzzjonijiet**

Dan ir-Regolament ma jostakolax lill-istituzzjonijiet milli jżommu fondi proprji u l-komponenti tagħhom f'eċċess ta', jew japplikaw miżuri li jkunu aktar stretti minn, dawk meħtieġa minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser impriża li n-negozju tagħha jkun li tieħu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li tagħti krediti f'isimha stess;

(2) 'ditta ta' investiment' tfisser persuna kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, li tkun soġġetta għar-rekwiżiti imposti minn dik id-Direttiva, esklużi dawn li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) ditti lokali;

(c) ditti li mhumiex awtorizzati li jipprovdu s-servizz anċillari msemmi fil-punt (1) tat-Taqsima B tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE, li jipprovdu biss wieħed jew aktar mis-servizzi ta' investiment u attivitajiet elenkati fil-punti 1, 2, 4 u 5 tat-Taqsima A tal-Anness I għal dik id-Direttiva, u li mhumiex permessi jżommu flus jew titoli li jappartjenu għall-klijenti tagħhom u li għal dik ir-raġuni ma jistgħu f'ebda mument ikollhom dejn mal-klijenti tagħhom;

(3) 'istituzzjoni' tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment;

(4) 'ditta lokali' tfisser ditta li tinnegozja għan-nom tagħha stess fi futures finanzjarji jew opzjonijiet jew derivati oħra u fis-swieq tal-flus għall-fini waħdieni ta' kopertura tal-pożizzjonijiet fis-swieq tad-derivati, jew tinnegozja għan-nom ta' membri oħra ta' dawk is-swieq u tkun garantita mill-membri tal-ikklerjar tal-istess swieq, fejn ir-responsabbiltà biex tkun żgurata l-eżekuzzjoni tal-kuntratti li tkun daħlet għalihom tali ditta ikunu assunti mill-membri tal-ikklerjar tal-istess swieq;

(5) 'impriża tal-assigurazzjoni' tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]);

(6) 'impriża tar-riassigurazzjoni' tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

(7) 'impriża ta' investiment kollettiv' jew 'CIU' (collective investment undertaking) tfisser UCITS kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([1]), inkluż, sakemm mhux previst mod ieħor, entitajiet ta' pajjiżi terzi li jwettqu attivitajiet simili, li huma soġġetti għal superviżjoni skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta' pajjiż terz li japplika rekwiżiti superviżorji u regolatorji ta' mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, AIF kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi ([2]), AIF mhux tal-UE kif definit fl-Artikolu 4(1)(aa) ta' dik id-Direttiva;

(8) 'entità tas-settur pubbliku' tfisser korp amministrattivi mhux kummerċjali responsabbli lejn il-gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, jew lejn l-awtoritajiet li jeżerċitaw l-istess responsabbiltajiet bħall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali, jew impriża mhux kummerċjali li hija taħt is-sjieda ta' jew stabbilita jew sponsorjata mill-gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, u li jkollha arranġamenti ta' garanzija espliċita, u tista' tinkludi korpi awtoamministrati rregolati bil-liġi li jkunu taħt superviżjoni pubblika;

(9) 'korp ta' ġestjoni' tfisser korp ta' ġestjoni kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(10) 'amministrazzjoni għolja' tfisser amministrazzjoni għolja kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(11) 'riskju sistemiku' tfisser riskju sistemiku kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(12) 'riskju involut fl-użu tal-mudelli' tfisser riskju involut fl-użu tal-mudelli kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(13) 'oriġinatur' tfisser entità li:

(a) hi jew permezz ta' entitajiet relatati, direttament jew indirettament, kienet involuta fil-ftehim oriġinali li ħoloq l-obbligazzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet potenzjali tad-debitur jew debitur potenzjali li wassal biex l-iskopertura tkun ittitolizzata; jew

(b) tixtri l-iskoperturi ta' parti terza għan-nom tagħha stess u mbagħad tittitolizzahom;

(14) 'sponser' tfisser istituzzjoni differenti mill-istituzzjoni oriġinatriċi li tistabilixxi u timmaniġja programm ta' karta kummerċjali ggarantita b'assi jew skema ta' titolizzazzjoni li tixtri l-iskoperturi mingħand entitajiet ta' partijiet terzi;

(15) 'impriża prinċipali' tfisser:

(a) impriża prinċipali skont it-tifsira tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(b) għall-finijiet tat-Taqsima II tal-Kapitoli 3 u 4 tat-Titolu VII u t-Titolu VIII tad-Direttiva 2013/36/UE u Parti Ħamsa ta' dan ir-Regolament, impriża prinċipali skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 83/349/KEE u kwalunkwe impriża li, effettivament teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra;

(16) 'sussidjarja' tfisser:

(a) impriża sussidjarja skont it-tifsira tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(b) impriża sussidjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 83/349/KEE u kwalunkwe impriża li fuqha, impriża prinċipali effettivament teżerċita influwenza dominanti.

Is-sussidjarji ta' sussidjarji għandhom jitqiesu wkoll bħala sussidjarji tal-impriża li tkun l-impriża prinċipali oriġinali tagħhom;

(17) 'fergħa' tfisser post tan-negozju li jifforma parti legalment dipendenti ta' istituzzjoni u li twettaq b'mod dirett it-transazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet;

(18) 'impriża ta' servizzi anċillari' tfisser impriża li l-attività ewlenija tagħha tikkonsisti f'li jkollha jew f'li tamministra proprjetà, tamministra servizzi ta' proċessar ta' data, jew attività simili li hija anċillari għall-attività ewlenija ta' istituzzjoni waħda jew aktar;

(19) 'kumpannija tal-ġestjoni ta' assi' tfisser kumpannija tal-ġestjoni ta' assi kif iddefinita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/87/KE u AIFM kif iddefinit fl-Artikolu 49(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE inkluż, sakemm mhux previst b'mod ieħor, entitajiet ta' pajjiżi terzi, li jwettqu attivitajiet simili, li huma soġġetti għal-liġi ta' pajjiż terz li japplika rekwiżiti superviżorji u regolatorji li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

(20) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja’ tfisser istituzzjoni finanzjarja, li s-sussidjarji tagħha jkunu esklużivament jew prinċipalment istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji, tal-inqas waħda minn tali sussidjarji tkun istituzzjoni, u li ma tkunx kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta;

(21) 'kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/87/KE;

(22) ‘kumpannija azzjonarja ta’ attività mħallta’ tfisser impriża prinċipali, differenti minn kumpannija azzjonarja finanzjarja jew istituzzjoni jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, li s-sussidjarji tagħha jinkludu tal-inqas istituzzjoni waħda;

(23) ‘impriża tal-assigurazzjoni ta’ pajjiż terz’ tfisser impriża tal-assigurazzjoni ta’ pajjiż terz kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(24) ‘impriża tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiż terz’ tfisser impriża tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiż terz kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(25) ‘ditta ta’ investiment ta’ pajjiż terz rikonoxxuta’ tfisser kumpannija li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk kienet stabbilita fl-Unjoni, tkun koperta mid-definizzjoni ta’ ditta ta’ investiment;

(b) tkun awtorizzata f’pajjiż terz;

(c) tkun soġġetta għal u konformi mar-regoli prudenzjali meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala tal-inqas stretti daqs dawk stabbiliti f’dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE;

(26) ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser impriża oħra għajr istituzzjoni, li l-attività prinċipali tagħha tkun l-akkwiżizzjoni ta’ holdings jew li ssegwi attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fil-punti 2 sa 12 u l-punt 15, tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE, inkluża kumpannija azzjonarja finanzjarja, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni ta’ pagament fis-sens tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2007 dwar is-servizzi ta’ ħlas fis-suq intern ([1]), u kumpannija ta’ ġestjoni tal-assi, iżda esklużi kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b’attività mħallta kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(27) ‘entità tas-settur finanzjarju tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni;

(b) istituzzjoni finanzjarja;

(c) impriża ta’ servizzi anċillari inkluża fis-sitwazzjoni finanzjarja konsolidata ta’ istituzzjoni;

(d) impriża tal-assigurazzjoni;

(e) impriża tal-assigurazzjoni ta’ pajjiż terz;

(f) impriża tar-riassigurazzjoni;

(g) impriża tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiż terz;

(h) kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni;

(i) kumpannija azzjonarja b’attività mħallta;

(j) kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni b’attività mħallta kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(k) impriża eskluża mill-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 4 ta’ dik id-Direttiva;

(l) impriża ta’ pajjiż terz b’mudell kummerċjali li jista’ jitqabbel ma’ kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (k);

(28) ‘istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru’ tfisser istituzzjoni fi Stat Membru li jkollha istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja jew li jkollha holding f’tali istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja, u li ma tkunx hija nnifisha sussidjarja ta’ istituzzjoni oħra awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

(29) ‘istituzzjoni prinċipali tal-UE’ tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta’ istituzzjoni oħra awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

(30) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja li ma tkunx hija stess sussidjarja ta’ istituzzjoni awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

([1]) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

(31) 'kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE' tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta' istituzzjoni awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja oħra jew ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

(32) 'kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru' tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja li ma tkunx hija stess sussidjarja ta' istituzzjoni awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

(33) 'kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE' tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta' istituzzjoni awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja oħra jew ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

(34) 'kontroparti ċentrali' jew 'CCP' (central counterparty) tfisser CCP kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(35) 'holding' tfisser holding fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17 tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju tal-1978 dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji [1], jew is-sjieda, diretta jew indiretta, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew kapital ta' impriża;

(36) 'holding kwalifikattiva' tfisser holding diretta jew indiretta f'impriża li tirrappreżenta 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot jew li jagħmluha possibbli li tkun eżerċitata influwenza fuq il-maniġment ta' dik l-impriża;

(37) 'kontroll' tfisser ir-relazzjoni bejn impriża prinċipali u sussidjarja, kif iddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE, jew l-istandards ta' kontabbiltà li istituzzjoni hija soġġetta għalihom skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u impriża;

(38) 'rabtiet mill-qrib' tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar ikunu konnessi b'xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) parteċipazzjoni fil-forma ta' pussess dirett jew permezz ta' kontroll ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' impriża;

(b) kontroll;

(c) konnessjoni permanenti tat-tnejn li huma jew ta' kollha mal-istess persuna terza minn relazzjoni ta' kontroll;

(39) 'grupp ta' klijenti konnessi' tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li, sakemm ma jintweriex mod ieħor, jikkostitwixxu riskju wieħed għaliex wieħed minnhom, direttament jew indirettament, ikollhom kontroll fuq l-ieħor jew l-oħrajn;

(b) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li bejniethom ma jkunx hemm relazzjoni ta' kontroll kif deskritt fil-punt (a) imma li jridu jitqiesu li jikkostitwixxu riskju wieħed għaliex tant ikunu interkonnessi li, jekk wieħed minnhom kellu jiffaċċja problemi finanzjarji, b'mod partikolari diffikulatjiet fil-finanzjament jew fir-ripagament, l-ieħor jew l-oħrajn kolha probabbilment jiffaċċjaw ukoll diffikulatjiet fil-finanzjament jew fir-ripagament.

Minkejja l-punti (a) u (b), meta gvern ċentrali jkollu kontroll dirett ta' jew ikun interkonness b'mod dirett ma' iżjed minn persuna waħda fiżika jew ġuridika, is-sett li jikkonsisti mill-gvern ċentrali u l-persuni kollha fiżiċi jew ġuridiċi li huma kkontrollati b'mod dirett jew indirett minnu f'konformità mal-punt (a), jew interkonnessi miegħu f'konformità mal-punt (b), jista' jiġi meqjus li ma jikkostitwixxix grupp ta' klijenti konnessi. Minflok, l-eżistenza ta' grupp ta' klijenti konnessi ffurmat mill-gvern ċentrali u persuni fiżiċi u ġuridiċi oħra tista' tkun valutata b'mod separat għal kull persuna direttament ikkontrollata minnu f'konformità mal-punt (a), jew direttament interkonnessa miegħu f'konformità mal-punt (b,) u għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li huma kkontrollati minn dik il-persuna f'konformità mal-punt (a) jew interkonnessi ma' dik il-persuna f'konformità mal-punt (b), inkluż il-gvern ċentrali. L-istess japplika fil-każijiet ta' gvernijiet reġjonali jew awtoritajet lokali li għalihom japplika l-Artikolu 115(2).

(40) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorità pubblika jew korp rikonoxxut uffiċjalment mid-dritt nazzjonali, li jingħataw is-setgħa mid-dritt nazzjonali li jissorveljaw istituzzjonijiet bħala parti mis-sistema ta' superviżjoni li tkun operattiva fl-Istat Membru kkonċernat;

(41) 'superviżur konsolidanti' tfisser awtorità kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata tal-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE u ta' istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpanniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE;

[1] ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

(42) ‘awtorizzazzjoni’ tfisser strument maħruġ fi kwalunkwe forma mill-awtoritajiet li permezz tiegħu jingħata d-dritt li jitwettaq in-negozju;

(43) ‘Stat Membru domiċiljari’ tfisser l-Istat Membru li fih istituzzjoni tkun ingħatat awtorizzazzjoni;

(44) ‘Stat Membru ospitanti’ tfisser l-Istat Membru li fih istituzzjoni jkollha fergħa jew li fih tipprovdi servizzi;

(45) ‘banek ċentrali tas-SEBĊ’ tfisser il-banek ċentrali nazzjonali li jkunu membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ESCB), u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE);

(46) ‘banek ċentrali' tfisser il-banek ċentrali tas-SEBĊ u l-banek ċentrali ta’ pajjiżi terzi;

(47) ‘sitwazzjoni konsolidata’ tfisser is-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament skont il-Parti Wieħed, Titolu II, Kapitolu 2 għal istituzzjoni bħallikieku dik l-istituzzjoni kienet tifforma, flimkien ma’ entità oħra jew aktar, istituzzjoni waħda;

(48) ‘bażi konsolidata’ tfisser fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata;

(49) ‘bażi subkonsolidata’ tfisser abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta’ istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, bl-esklużjoni ta’ sottogrupp ta’ entitajiet jew abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta’ istituzzjoni prinċipali, kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta li ma tkunx l-istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja finali;

(50) ‘strument finanzjarju’ tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kuntratt li jiġġenera kemm assi finanzjarji ta’ parti waħda kif ukoll obbligazzjoni finanzjarja jew strument ta’ ekwità ta’ parti oħra;

(b) strument speċifikat fit-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(c) strument finanzjarju derivattiv;

(d) strument finanzjarju primarju;

(e) strument ta’ flus.

L-istrumenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ikunu strumenti finanzjarji biss jekk il-valur tagħhom jidderivi mill-prezz ta’ strument finanzjarju sottostanti jew element, rata jew indiċi sottostanti oħra;

(51) ‘kapital inizjali’ tfisser l-ammont u t-tipi ta’ fondi proprji speċifikati fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/36/UE għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u fit-Titolu IV ta’ dik id-Direttiva għad-ditti ta’ investiment;

(52) ‘riskju operattiv’ tfisser ir-riskju ta’ telf li jirriżulta minn proċessi interni inadegwati jew li fallew, minn persuni u sistemi jew minn avvenimenti esterni, u jinkludi riskju legali;

(53) ‘riskju ta’ dilwizzjoni’ tfisser ir-riskju li ammont riċevibbli jitnaqqas permezz ta’ krediti ta’ flus jew mhux ta’ flus lid-debitur;

(54) ‘probabbiltà tal-inadempjenza’ jew 'PD' (probability of default) tfisser il-probabbiltà tal-inadempjenza ta’ kontroparti fuq perijodu ta’ sena waħda;

(55) ‘telf fil-każ ta’ inadempjenza' jew 'LGD' (loss given default) tfisser il-proporzjon tat-telf fuq skopertura minħabba inadempjenza ta’ kontroparti mal-ammont pendenti fl-inadempjenza;

(56) ‘fattur ta’ konverżjoni’ tfisser il-proporzjon tal-ammont kurrentement mhux miġbud ta’ impenn li jista’ jinġibed u li għalhekk ikun pendenti fl-inadempjenza mal-ammont kurrentement pendenti tal-impenn, il-firxa tal-impenn jiġi stabbilit skont il-limitu rakkomandat, sakemm il-limitu mhux rakkomandat ma jkunx ogħla;

(57) ‘mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu’ tfisser it-teknika użata minn istituzzjoni biex tnaqqas ir-riskju ta’ kreditu assoċjat ma’ skopertura jew skoperturi li istituzzjoni tkompli żżomm;

(58) ‘protezzjoni ta’ kreditu finanzjata’ tfisser it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju tal-kreditu fuq l-iskopertura ta’ istituzzjoni jidderivi mid-dritt ta’ dik l-istituzzjoni, fil-każ tal-inadempjenza tal-kontroparti jew fl-okkorrenza ta’ avvenimenti ta’ kreditu speċifiċi oħra li jirrelataw mal-kontroparti, li tillikwida, jew li tikseb trasferiment jew approprjazzjoni ta’, jew li żżomm, ċerti assi jew ammonti, jew li tnaqqas l-ammont tal-iskopertura għal, jew li tissostitwixxih bl-ammont tad-differenza bejn l-ammont tal-iskopertura u l-ammont tal-pretensjoni fuq l-istituzzjoni;

(59) ‘protezzjoni ta’ kreditu mhux iffinanzjata’ tfisser il-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju ta’ kreditu fuq l-iskopertura ta’ istituzzjoni jidderivi mill-obbligu ta’ parti terza li tħallas ammont fil-każ ta’ inadempjenza tal-mutwatarju jew l-okkorrenza ta’ avvenimenti ta’ kreditu speċifiċi oħra;

(60) ‘strument ta’ flus assimilat’ tfisser ċertifikat ta’ depożitu, bond li jinkludi bond kopert jew kwalunkwe strument mhux subordinat ieħor, li nħareġ minn istituzzjoni, li għaliha l-istituzzjoni diġà tkun irċeviet pagament sħiħ u li jiġi rimborżat mingħajr kondizzjonijiet mill-istituzzjoni bil-valur nominali tiegħu;

(61) ‘titolizzazzjoni’ tfisser transazzjoni jew skema, li biha riskju ta’ kreditu assoċjat mal-iskopertura jew aggregazzjoni ta’ skoperturi tkun segmentata, u jkollha ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

(a) pagamenti fit-transazzjoni jew skema jkunu dipendenti fuq il-prestazzjoni tal-iskopertura jew l-aggregazzjoni ta’ skoperturi;

(b) is-subordinazzjoni tas-segmenti tiddetermina d-distribuzzjoni tat-telf matul il-ħajja kurrenti tat-transazzjoni jew skema;

(62) ‘pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni’ tfisser skopertura għal titolizzazzjoni;

(63) ‘rititolizzazzjoni’ tfisser titolizzazzjoni meta r-riskju assoċjat ma’ aggregazzjoni sottostanti ta’ skoperturi jiġi segmentat u tal-inqas waħda mill-iskoperturi sottostanti tkun pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni;

(64) ‘pożizzjoni ta’ rititolizzazzjoni’ tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni;

(65) ‘tisħiħ fil-kreditu’ tfisser arranġament kuntrattwali li bih il-kwalità ta’ kreditu ta’ pożizzjoni f’titolizzazzjoni tittejjeb fir-rigward ta’ dak li kienet tkun, kieku t-titjib ma kienx ġie pprovdut, inkluż it-titjib ipprovdut minn segmenti aktar subordinarji fit-titolizzazzjoni u tipi oħra ta’ protezzjoni ta’ kreditu;

(66) ‘entità ta’ għan speċjali ta’ titolizzazzjoni' jew 'SSPE' (securitisation special purpose entity) tfisser fiduċjarja korporattiva jew entità oħra, differenti minn istituzzjoni, organizzata għat-twettiq ta’ titolizzazzjoni jew titolizzazzjonijiet, li l-attivitajiet ta’ dawn ikunu limitati għal dawk xierqa għall-ksib ta’ dak l-objettiv, l-istruttura tagħha tkun maħsuba biex tiżola l-obbligi tal-SSPE minn dawk tal-istituzzjoni oriġinatriċi, u li fiha d-detenturi tal-interessi benefiċjarji jkollhom id-dritt li jagħtu b’rahan jew jiskambjaw dawk l-interessi mingħajr restrizzjoni;

(67) ‘segment’ tfisser segment stabbilit kuntrattwalment tar-riskju ta’ kreditu assoċjat ma’ skopertura jew numru ta’ skoperturi, fejn pożizzjoni fis-segment tinvolvi riskju ta’ kreditu akbar minn jew inqas minn pożizzjoni tal-istess ammont f’kull tali segment ieħor, mingħajr ma titqies il-protezzjoni ta’ kreditu pprovduta minn partijiet terzi direttament lid-detenturi ta’ pożizzjonijiet fis-segment jew f’segmenti oħra;

(68) ‘evalwazzjoni skont il-valur tas-suq’ tfisser il-valwazzjoni tal-pożizzjonijiet bi prezzijiet tal-għeluq disponibbli immedjatement maħruġin minn sors indipendenti, inklużi prezzijiet tal-kambju, prezzijiet ikkwotati fuq l-iskrin, jew kwotazzjonijiet minn diversi sensara finanzjarji indipendenti ta’ reputazzjoni;

(69) ‘evalwazzjoni skont mudell’ tfisser kwalunkwe valwazzjoni li titqabbel ma’ parametru referenzjarju, tiġi estrapolata jew ikkalkulata mod ieħor minn input wieħed jew aktar tas-suq;

(70) ‘verifika indipendenti tal-prezz’ tfisser proċess li bih l-inputs ta’ prezzijiet tas-suq jew l-ipprezzar skont mudell ikunu vverifikati regolarment għall-akkuratezza u l-indipendenza;

(71) ‘kapital eliġibbli’ tfisser it-total ta’ li ġej:

(a) Il-kapital ta’ Grad 1 kif imsemmi fl-Artikolu 25;

(b) Il-kapital ta’ Grad 2 kif imsemmi fl-Artikolu 71 li jkun ekwivalenti jew inqas minn terz tal-kapital ta’ Grad 1;

(72) ‘kambju rikonoxxut’ tfisser kambju li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huwa suq regolat;

(b) għandu mekkaniżmu tal-ikklerjar li bih il-kuntratti elenkati fl-Anness II ikunu soġġetti għal rekwiżiti tal-marġini ta’ kuljum li, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti, jipprovdi protezzjoni adatta;

(73) ‘benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji’ tfisser benefiċċji tal-pensjoni mtejba mogħtija fuq bażi diskrezzjonarja minn istituzzjoni lill-impjegat bħala parti mill-pakkkett ta’ remunerazzjoni varjabbli ta’ dak l-impjegat, li ma jinkludux benefiċċji akkumulati mogħtija lill-impjegat skont it-termini tal-iskema tal-pensjonijiet tal-kumpannija;

(74) 'valur mutwanti ipotekarju' tfisser il-valur tal-proprjetà immobbli kif stabbilit minn valutazzjoni prudenzjali tal-kummerċjabbiltà futura tal-proprjetà u jitqiesu l-aspetti sostenibbli fuq terminu twil tal-proprjetà, il-kondizzjonijiet normali u l-kondizzjonijiet tas-suq lokali, l-użu kurrenti u l-użu alternattiv xieraq tal-proprjetà.

(75) 'proprjetà residenzjali' tfisser residenza li hija okkupata mis-sid jew il-kerrej tar-residenza, inkluż id-dritt ta' abitazzjoni f'appartament f'kooperattivi ta' djar li jinsabu fl-Isvezja;

(76) 'valur tas-suq', tfisser għall-fini ta' proprjetà immobbli. l-ammont stmat li għalih il-proprjetà għandha tiġi skambjata fid-data tal-valutazzjoni bejn kompratur li jkun wera r-rieda u venditur li jkun wera r-rieda fi transazzjoni distakkata wara kummerċjalizzazzjoni xierqa fejn kull parti tkun aġixxiet b'mod konxjentement, b'mod prudenti u mingħajr ma tkun taħt pressjoni;

(77) 'qafas tal-kontabbiltà applikabbli' tfisser l-istandards ta' kontabbiltà li għalihom l-istituzzjoni tkun soġġetta skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew id-Direttiva 86/635/KEE;

(78) 'rata ta' inadempjenza ta' sena' tfisser il-proporzjon bejn in-numru tal-inadempjenzi li jseħħu matul perijodu li jibda minn sena qabel sad-data T u n-numru ta' debituri assenjati għal dan il-grad jew aggregazzjoni sena qabel dik id-data;

(79) 'finanzjament ta' proprjetà immobbli spekulattiva' tfisser self bil-għan ta' akkwiżizzjoni ta' jew żvilupp dwar jew kostruzzjoni fuq l-art relatata ma' proprjetà immobbli, jew ta' u relatata ma' tali proprjetà, bil-ħsieb ta' rivendita għall-profitt;

(80) 'finanzjament tal-kummerċ' tfisser finanzjament, inklużi garanziji, marbut mal-iskambju ta' merkanzija u servizzi permezz ta' prodotti finanzjarji ta' maturità fissa għal perijodu ta' żmien qasir, ġeneralment ta' inqas minn sena, mingħajr differiment awtomatiku;

(81) 'krediti tal-esportazzjoni b'appoġġ uffiċjali' tfisser self jew krediti għall-finanzjament tal-esportazzjoni ta' merkanzija u servizzi li għalihom aġenzija uffiċjali tal-krediti tal-esportazzjoni tipprovdi garanziji, assigurazzjoni jew finanzjament dirett,

(82) 'ftehim ta' xiri mill-ġdid' u 'operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid' tfisser kwalunkwe ftehim li fih istituzzjoni jew il-kontroparti tagħha tittrasferixxi titoli jew prodotti jew drittijiet iggarantiti fir-rigward ta' waħda minn dawn li ġejjin:

(a) titolu għal titoli jew prodotti fejn dik il-garanzija tkun inħarġet minn kambju rikonoxxut li jżomm id-drittijiet għat-titoli jew il-prodotti u l-ftehim ma jippermettix lill-istituzzjoni li tittrasferixxi jew tirhan titolu (ta' sigurtà) jew prodott partikolari fi kwalunkwe ħin lil aktar minn kontroparti waħda, soġġett għal impenn li tixtrihom mill-ġdid;

(b) titoli jew prodotti sostitwiti tal-istess deskrizzjoni bi prezz speċifiku f'data futura speċifika, jew li ser tkun speċifikata, minn min jittrasferixxi, li jkun ftehim ta' xiri mill-ġdid għall-istituzzjoni li tbiegħ it-titoli jew prodotti u operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid għall-istituzzjoni li tixtrihom;

(83) 'transazzjoni ta' xiri mill-ġdid' tfisser kwalunkwe transazzjoni regolata minn ftehim ta' xiri mill-ġdid jew minn operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid;

(84) 'ftehim sempliċi ta' xiri mill-ġdid' tfisser transazzjoni ta' xiri mill-ġdid ta' ass wieħed jew ta' assi simili, mhux kumplessi, kuntrarjament għal ġabra ta' assi;

(85) 'pożizzjonijiet miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) pożizzjonijiet proprjetarji u pożizzjonijiet li jitnisslu minn servizzi għall-klijenti u mill-appoġġ għall-iskambji (market making);

(b) pożizzjonijiet maħsuba għar-rivendita f'terminu qasir;

(c) pożizzjonijiet maħsuba biex jibbenefikaw minn differenzi fil-prezz reali jew mistennija ta' terminu qasir bejn il-prezzijiet tax-xiri u l-prezzijiet tal-bejgħ jew minn varjazzjonijiet oħra fil-prezz jew fir-rata tal-imgħax;

(86) 'portafoll tan-negozjar' tfisser il-pożizzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji u prodotti miżmuma minn istituzzjoni kemm bil-ħsieb ta' negozju, jew sabiex ikunu koperti l-pożizzjonijiet bi ħsieb ta' negozju;

(87) 'faċilità multilaterali ta' negozjar' tfisser faċilità multilaterali ta' negozjar kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(88) 'kontroparti ċentrali li tikkwalifika' tfisser kontroparti ċentrali li jew ġiet awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament;

(89) 'fond ta' inadempjenza' tfisser fond stabbilit minn CCP skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u użat skont l-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament;

(90) 'kontribuzzjoni prefinanzjata għall- fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP' tfisser kontribuzzjoni għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP li titħallas minn istituzzjoni;

(91) 'skopertura ta' negozju' tfisser skopertura attwali, inkluża marġini ta' varjazzjoni dovuta lill-membru tal-ikklerjar iżda li għadha ma ġietx riċevuta, u kwalunkwe skopertura potenzjali futura ta' membru tal-ikklerjar jew klijent. lil CCP b'riżultat ta' kuntratti u transazzjonijiet elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 301(1), kif ukoll marġini inizjali;

(92) 'suq regolat' tfisser suq regolat kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

(93) 'lieva finanzjarja' tfisser id-daqs relattiv tal-assi ta' istituzzjoni, l-obbligi li ma jidhrux u l-obbligi kontinġenti ta' pagament jew ta' konsenja jew ta' forniment ta' kollateral, inklużi l-obbligi minn finanzjament riċevut, impenji magħmula, derivati jew ftehimiet ta' xiri mill-ġdid, imma esklużi l-obbligi li jistgħu jiġu infurzati biss matul il-likwidazzjoni ta' istituzzjoni, meta mqabbla mal-fondi proprji ta' dik l-istituzzjoni;

(94) 'riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva' tfisser ir-riskju li jirriżulta mill-vulnerabbiltà ta' istitizzjoni minħabba lieva finanzjarja jew lieva finanzjarja kontinġenti li tista' teħtieġ miżuri korrettivi mhux intenzjonati għall-pjan imprenditorjali tagħha, inkluż il-bejgħ b'urġenza ta' assi li jista' jirriżulta f'telf jew f'aġġustamenti tal-valutazzjoni tal-assi li jkun fadlilha;

(95) 'aġġustament ġenerali tar-riskju tal-kreditu' tfisser l-ammont tal-provvediment għat-telf speċifiku u ġenerali minħabba r-riskji tal-kreditu fuq is-self li kien rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(96) 'kopertura interna' tfisser pożizzjoni li materjalment tikkumpensa għall-elementi tal-komponent tar-riskju bejn il-pożizzjoni tal-protafoll tan-negozjar u dik tal-protafoll mhux tan-negozjar jew settijiet ta' pożizzjonijiet;

(97) 'obbligu ta' riferiment' tfisser obbligu użat għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur tas-saldu fi flus ta' derivat tal-kreditu;

(98) 'istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu' jew 'ECAI'(external credit assessment institution) tfisser aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li hi reġistrata jew ċertifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]) jew bank ċentrali li joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;

(99) "ECAI nominata" tfisser ECAI nominata minn istituzzjoni;

(100) 'introjtu ieħor komprensiv akkumulat' għandha l-istess tifsira bħal tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 1, kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(101) 'fondi proprji bażiċi' tfisser fondi proprji bażiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tad- Direttiva 2009/138/KE;

(102) 'elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1' tfisser elementi ta' fondi proprji bażiċi ta' impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 1 skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE f'konformità mal-Artikolu 94(1) ta' dik id-Direttiva;

(103) 'elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 addizzjonali' tfisser elementi ta' fondi proprji bażiċi ta' impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 1 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(1) ta' dik id-Direttiva u l-inklużjoni ta' dawk l-elementi tkun limitata bl-atti ddelegati adottati skont tal-Artikolu 99 ta' dik id-Direttiva;

(104) 'elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 2' tfisser elementi ta' fondi proprji bażiċi ta' impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 2 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(2) ta' dik id-Direttiva;

(105) 'elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 3' tfisser elementi ta' fondi proprji bażiċi ta' impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 3 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(3) ta' dik id-Direttiva;

(106) 'assi ta' taxxa differita' għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(107) 'assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura' tfisser l-assi ta' taxxa differita li l-valur tagħhom fil-ġejjieni jista' jiġi realizzat biss fil-każ li l-istituzzjoni tiġġenera profitt taxxabbli fil-ġejjieni;

(108) 'obligazzjonijiet ta' taxxa differita' għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(109) 'assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit' tfisser l-assi ta' fond jew pjan tal-pensjoni definit, kif applikabbli, ikkalkulati wara li jkunu tnaqqsu bl-ammont ta' obbligi skont l-istess fond jew pjan;

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

(110) ‘distribuzzjonijiet’ tfisser il-pagament ta’ dividendi jew imgħax fi kwalunkwe forma;

(111) ‘impriża finanzjarja’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-punti (25)(b) u (d) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(112) ‘fondi għal riskju bankarju ġenerali’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont l-Artikolu 38 tad-Direttiva 86/635/KEE;

(113) ‘avvjament’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(114) ‘holding indiretta’ tfisser kwalunkwe skopertura lejn entità intermedja li għandha skopertura għal strumenti ta’ kapital maħruġa minn entità tas-settur finanzjarju fejn, f’każ li l-istrumenti ta’ kapital maħruġa mill-entità tas-settur finanzjarju jiġu permanentement ikkanċellati, it-telf li ġġarrab l-istituzzjoni bħala riżultat ma jkunx materjalment differenti mit-telf li ġġarrab l-istituzzjoni minn holding diretta ta’ dawk l-istrumenti ta’ kapital maħruġa mill-entità tas-settur finanzjarju;

(115) ‘assi intanġibbli’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli u tinkludi l-avvjament;

(116) ‘strumenti ta’ kapital oħra’ tfisser strumenti ta’ kapital maħruġa minn entitajiet tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala strumenti ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad 1, Grad 1 addizzjonali jew Grad 2 jew elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1, elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1 addizzjonali, elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 2 jew elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 3;

(117) ‘riżervi oħra’ tfisser riżervi fi ħdan it-tifsira tal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli li jkunu meħtieġa li jintwerew skont l-istandard tal-kontabbiltà applikabbli, bl-esklużjoni ta’ kwalunkwe ammonti diġà inklużi fi introjtu ieħor komprensiv akkumulat jew qligħ miżmum;

(118) ‘fondi proprji’ tfisser it-total ta’ kapital ta’ Grad 1 u kapital ta’ Grad 2;

(119) ‘strumenti ta’ fondi proprji’ tfisser strumenti ta’ kapital maħruġa mill-istituzzjoni li jikkwalifikaw bħala strumenti ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad 1, Grad 1 Addizzjonali jew Grad 2;

(120) 'interessi minoritarji' tfisser l-ammont ta’ kapital ta’ Grad 1 tal-Ekwità Komuni ta’ sussidjarja ta’ istituzzjoni li huwa attribwibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi minbarra dawk inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni;

(121) ‘profitt’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(122) ‘holding inkroċjata reċiproka’ tfisser holding minn istituzzjoni ta’ strumenti ta’ fondi proprji jew strumenti ta’ kapital oħra maħruġa minn entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet iżommu wkoll strumenti ta’ fondi proprji maħruġa mill-istituzzjoni;

(123) ‘qligħ miżmum’ tfisser profitti jew telf riportati għas-sena ta’ wara bħala riżultat tal-applikazzjoni finali tal-profitt jew it-telf skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(124) ‘kont tal-primjum azzjonarju’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(125) ‘differenzi temporanji’ għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(126) 'holding sintetika' tfisser investiment ta’ istituzzjoni fi strument finanzjarju li l-valur tiegħu hu marbut direttament mal-valur tal-istrumenti ta’ kapital maħruġa minn entità tas-settur finanzjarju;

(127) 'skema ta’ garanzija trasversali' tfisser skema li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet jinsabu fi ħdan l-istess skema ta’ protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7);

(b) l-istituzzjonijiet huma kkonsolidati bis-sħiħ f’konformità mal-Artikolu 1(1)(b), (c) jew (d) jew l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 83/349/KEE u huma inklużi fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata ta’ istituzzjoni li hija l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru f’konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed ta’ dan ir-Regolament u soġġett għar-rekwiżiti tal-fondi proprji;

(c) l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru u s-sussidjarji huma stabbiliti fl-istess Stat Membru u huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni mill-istess awtorità kompetenti;

(d) l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membri u s-sussidjarji daħlu f’arranġament ta’ responsabbiltà kuntrattwali jew statutorju li jipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet u partikolarment jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom, sabiex jiġi evitat il-falliment f’każ li dan isir meħtieġ;

(e) arranġamenti huma stabbiliti biex jiżguraw l-għoti minnufih ta' mezzi finanzjarji f'termini ta' kapital u likwidità jekk ikun meħtieġ taħt l-arranġament ta' responsabbiltà kuntrattwali jew statutorju msemmi fil-punt (d);

(f) l-adegwatezza tal-arranġamenti msemmija fil-punti (d) u (e) tkun issorveljata fuq bażi regolari mill-awtorità kompetenti;

(g) il-perijodu minimu ta' avviż għal ħruġ volontarju ta' sussidjarja mill-arranġament ta' responsabbiltà huwa ta' 10 snin;

(h) l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tipprojbixxi ħruġ volontarju ta' sussidjarja mill-arranġament ta' responsabbiltà;

(128) 'elementi distribwibbli' tfisser l-ammont tal-profitti fi tmiem l-aħħar sena finanzjarja flimkien ma kwalunkwe profitt riportat għas-sena ta' wara u riżervi disponibbli għal dak l-għan qabel id-distribuzzjonijiet lil detenturi ta' strumenti ta' fondi proprji bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf riportat għas-sena ta' wara, profitti mhux distribwibbli skont id-dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni jew il-liġijiet sekondarji tal-istituzzjoni u somom li tqiegħdu f'riżervi mhux distribwibbli f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli jew l-istatuti tal-istituzzjoni, dak it-telf u r-riżervi jiġu ddeterminati abbażi tal-kontijiet individwali tal-istituzzjoni u mhux abbażi tal-kontijiet ikkonsolidati.

2. Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal propjetà immobbli jew proprjetà residenzjali jew kummerċjali immobbli jew ipoteka fuq tali proprjetà, din għandha tinkludi ishma f'kumpanniji Finlandiżi ta' akkomodazzjoni residenzjali li joperaw skont l-Att tal-Kumpanniji tal-Akkomodazzjoni Finlandiż tal-1991 jew leġislazzjoni sussegwenti ekwivalenti. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jippermettu ishma li jikkostitwixxu proprjetà indiretta ekwivalenti ta' proprjetà immobbli biex jiġu trattati bħala proprjetà diretta ta' proprjetà immobbli, dment li tali proprjetà indiretta tkun regolata b'mod speċifiku fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u, li meta tkun imwiegħda bħala kollaterali, din tipprovdi protezzjoni ekwivalenti għall-kredituri.

3. Il-finanzjament tal-kummerċ kif imsemmi fil-punt (80) tal-paragrafu 1 huwa ġeneralment mingħajr rabta u jeħtieġ dokumentazzjoni transazzjonali ta' appoġġ sodisfaċenti għal kull talba ta' ġbid ta' kreditu li tippermetti r-rifjut tal-finanzjament f'każ ta' kwalunkwe dubju dwar l-affidabbiltà tal-kreditu jew id-dokumentazzjoni transazzjonali ta' appoġġ. Il-pagament lura tal-iskoperturi tal-finanzjament tal-kummerċ normalment ma jiddependix minn min jissellef, il-fondi minflok jiġu minn flus kontanti rċevuti minn importaturi jew li jirriżultaw minn dħul mill-bejgħ tal-oġġetti involuti.

*Artikolu 5*

**Definizzjonijiet speċifiċi għar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tal-kreditu**

Għall-finijiet tal-Parti Tlieta, Titolu II, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'skopertura' tfisser ass jew element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ;

(2) 'telf' tfisser telf ekonomiku, inkluż effetti materjali ta' skont, u kostijiet materjali diretti u indiretti assoċjati mal-ġbir fuq l-istrument;

(3) 'telf mistenni' jew 'EL' (expected loss) tfisser il-proporzjon tal-ammont li mistenni jintilef fuq skopertura minħabba inadempjenza potenzjali ta' kontroparti jew dilwizzjoni fuq perijodu ta' sena waħda mal-ammont pendenti fl-inadempjenza.

TITOLU II

**LIVELL TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REKWIŻITI**

*KAPITOLU 1*

***Applikazzjoni tar-rekwiżiti fuq bażi individwali***

*Artikolu 6*

**Prinċipji Ġenerali**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Ħamsa u Tmienja fuq bażi individwali.

2. Kull istituzzjoni li tkun jew sussidjarja fl-Istat Membru fejn tkun awtorizzata u sorveljata, jew inkella impriża prinċipali, u kull istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 19, m'għandhiex tkun meħtieġa li tikkonforma mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 89, 90 u 91 fuq bażi individwali.

3. Kull istituzzjoni li tkun jew impriża prinċipali, jew inkella sussidjarja, u kull istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 19, m'għandhiex tkun meħtieġa li tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Tmienja fuq bażi individwali.

4. Istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment li jkunu awtorizzati jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment elenkati fil-punti (3) u (6) tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE għandhom jikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta fuq bażi individwali. Sakemm ikun lest ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 508(3), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw id-ditti ta' investiment milli jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditti ta' investiment.

5. L-istituzzjonijiet, ħlief għad-ditti ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 95(1) u l-Artikolu 96(1) u l-istituzzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jkunu eżerċitaw id-deroga speċifikata fl-Artikolu 7(1) jew (3), għandhom jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Parti Sebgħa fuq bażi individwali.

*Artikolu 7*

**Deroga għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) lil kwalunkwe sussidjarja ta' istituzzjoni, meta kemm is-sussidjarja kif ukoll l-istituzzjoni jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru konċernat, u s-sussidjarja tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata tal-istituzzjoni li tkun impriża prinċipali, u l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kollha, sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji jkunu distribwiti b'mod adegwat bejn l-impriża prinċipali u s-sussidjarja:

(a) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew ġuridiku għat-trasferiment rapidu ta' fondi proprji jew ripagament tal-obbligazzjonijiet mill-impriża prinċipali tagħha;

(b) jew l-impriża prinċipali tissodisfa lill-awtorità kompetenti rigward l-immaniġjar prudenti tas-sussidjarja u ddikjarat, bil-permess tal-awtorità kompetenti, li tiggarantixxi l-impenji li daħlet għalihom is-sussidjarja, jew ir-riskji fis-sussidjarja jkunu ta' interess negliġibbli;

(c) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju tal-impriża prinċipali jkunu jkopru s-sussidjarja;

(d) l-impriża prinċipali jkollha aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tas-sussidjarja jew ikollha d-dritt li taħtar jew tneħħi il-maġġoranza tal-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarja.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw l-alternattiva prevista fil-paragrafu 1 meta l-impriża prinċipali tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja (kumpannija holding finanzjarja) jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-istituzzjoni, sakemm tkun soġġetta għall-istess superviżjoni bħal dik eżerċitata fuq l-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari għall-istandards stabbiliti fl-Artikolu 11(1).

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) lil istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru meta dik l-istituzzjoni tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru konċernat, u tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata, u l-kondizzjoniet li ġejjin ikunu kollha ssodisfati, sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji huma ddistribwiti b'mod adegwat fost l-impriża prinċipali u s-sussidjarji:

(a) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew legali għat-trasferiment minnufih ta' fondi proprji jew ripagament tal-obbligazzjonijiet lill-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru;

(b) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju rilevanti għal superviżjoni konsolidata jkopru lill-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru.

L-awtorità kompetenti li tagħmel użu minn dan il-paragrafu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha.

*Artikolu 8*

**Deroga mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-likwidità fuq bażi individwali**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw totalment jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Parti Sitta lil istituzzjoni u lis-sussidjarji tagħha kollha jew uħud minnhom fl-Unjoni u jissorveljawhom bħala sottogrupp tal-likwidità waħdieni sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta;

(b) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew l-istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata timmonitorja u jkollha superviżjoni fi kwalunkwe waqt fuq il-pożizzjonijiet ta' likwidità tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan il-grupp jew sottogrupp, li jkunu soġġetti għar-rinunzja u tiżgura livell suffiċjenti ta' likwidità għall-istituzzjonijiet kollha;

(c) l-istituzzjonijiet ikunu daħlu f'kuntratti li, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jiddisponu għall-moviment liberu tal-fondi bejniethom sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom individwali u konġunti meta jsiru dovuti;

(d) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew legali għall-esekuzzjoni tal-kuntratti msemmija f'(c).

Sal-1 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull ostaklu legali li jista' jrendi impossibbli l-applikazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu u hi mistiedna tagħmel proposta leġislattiva, jekk ikun xieraq, sal-31 ta' Diċembru 2015 dwar liema minn dawn l-ostakli għandhom jitneħħew.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw totalment jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Parti Sitta lil istituzzjoni u s-sussidjarji tagħha kollha jew xi wħud minnhom meta l-istituzzjonijiet kollha ta' sottogrupp tal-likwidità waħdieni jkunu awtorizzati fl-istess Stat Membru u dment li l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 ikunu ssodisfati.

3. Meta l-istituzzjonijiet ta' sottogrupp waħdieni tal-likwidità ikunu awtorizzati f'diversi Stati Membri, il-paragrafu 1 għandu jkun applikat biss wara li tkun segwita l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 u għall-istituzzjonijiet biss li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jaqblu rigward l-elementi li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni tagħhom tal-konformità tal-organizzazzjoni u tat-trattament tar-riskju tal-likwidità bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE fis-sottogrupp waħdieni tal-likwidità;

(b) id-distribuzzjoni tal-ammonti, il-post u s-sjieda tal-assi likwidi meħtieġa li jridu jinżammu fi ħdan is-sottogrupp waħdieni tal-likwidità;

(c) id-determinazzjoni tal-ammonti minimi ta' assi likwidi li jridu jinżammu mill-istituzzjonijiet li għalihom ser tiġi rinunzjata l-applikazzjoni tal-Parti Sitta;

(d) il-ħtieġa għal parametri aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-Parti Sitta;

(e) kondiviżjoni bla restrizzjoni tal-informazzjoni kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(f) fehim sħiħ tal-implikazzjonijiet ta' tali rinunzja.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll il-paragrafi 1, 2 u 3 għall-istituzzjonijiet li jkunu membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7)(b), sakemm ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 113(7), u għal istituzzjonijiet oħra marbuta b'relazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(6) sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fih. L-awtoritajiet kompetenti għandhom f'dak il-każ jiddeterminaw waħda mill-istituzzjonijiet soġġetta għar-rinunzja li tissodisfa l-Parti Sitta fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-istituzzjonijiet kollha tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità.

5. Meta rinunzja tkun ingħatat skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll japplikaw l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fil-livell tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità u jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fuq bażi individwali.

*Artikolu 9*

**Metodu ta' konsolidazzjoni individwali**

1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 144(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu fuq il-bażi ta' każ każ lill-istituzzjonijiet prinċipali sabiex jinkorporaw fil-kalkolazzjoni tar-rekwiżit tagħhom skont l-Artikolu 6(1) is-sussidjarji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 7(1), u li l-iskoperturi materjali tagħhom jew l-obbligazzjonijiet materjali tagħhom ikunu lejn dik l-istituzzjoni prinċipali.

2. It-trattament stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun permess biss meta l-istituzzjoni prinċipali turi b'mod sħiħ lill-awtoritajiet kompetenti ċ-ċirkostanzi u l-arranġamenti, inklużi l-arranġamenti ġuridiċi, li bis-saħħa tagħhom ma jkunx hemm impediment materjali prattiku jew ġuridiku, u lanqas ma jkunu previsti, għat-trasferiment rapidu tal-fondi proprji, jew ir-ripagament tal-obbligazzjonijiet meta jkun xieraq mis-sussidjarja lill-impriża prinċipali tagħha.

3. Meta awtorità kompetenti teżerċita d-diskrezzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, hija għandha fuq bażi regolari u mhux inqas minn darba fis-sena tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha dwar l-użu magħmul mill-paragrafu 1 u ċ-ċirkustanzi u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2. Meta s-sussidjarja tkun f'pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu wkoll l-istess informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz.

*Artikolu 10*

**Rinunzja għall-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati permanentement ma' korp ċentrali**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jirrinunzjaw parzjalment jew totalment l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja lil istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar li jkunu fl-istess Stat Membru u li jkunu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali li jissorveljawhom u li jkun stabbilit fl-istess Stat Membru, jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impenji tal-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati jkunu obligazzjonijiet in solidum jew l-impenji tal-istituzzjonijiet affiljati miegħu jkunu ggarantiti totalment mill-korp ċentrali;

(b) is-solvenza u l-likwidità tal-korp ċentrali u tal-istituzzjonijiet affiljati kollha jkunu mmonitorjati fis-sħuħija tagħhom fuq il-bażi tal-kontijiet konsolidati ta' dawn l-istituzzjonijiet;

(c) il-maniġment tal-korp ċentrali jkollu s-setgħa li joħroġ struzzjonijiet lill-maniġment tal-istituzzjonijiet affiljati.

L-Istati Membri jistgħu jżommu u jagħmlu użu mil-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni msemmija fil-ewwel subparagrafu sakemm din ma tkunx f'konflitt ma' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE.

2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil- paragrafu 1 ikunu ntlaħqu, u fejn ir-responsabbiltajiet jew l-impenji tal-korp ċentrali huma ggarantiti għal kollox mill-istituzzjonijiet affiljati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-korp ċentrali mill-applikazzjoni tal-Parti Tnejn sa Tmienja fuq bażi individwali.

*KAPITOLU 2*

***Konsolidazzjoni prudenzjali***

Taqsima 1

**Applikazzjoni ta' rekwiżiti fuq bażi kkonsolidata**

*Artikolu 11*

**Trattament ġenerali**

1. L-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru għandhom jikkonformaw, sal-punt u bil-mod preskritt fl-Artikolu 18, mal-obbligi stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Erbgħa u fil-Parti Sebgħa fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom. L-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom li huma soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jistabbilixxu struttura organizzativa talba u mekkaniżmi ta' kontroll intern adatti sabiex ikun żgurat li d-data meħtieġa għall-konsolidazzjoni tiġi debitament ipproċessata u mibgħuta. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li s-sussidjarji li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament jimplimentaw l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi biex jiżguraw konsolidazzjoni korretta.

2. L-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew minn kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru għandhom jikkonformaw, sal-punt u kif preskritt fl-Artikolu 18, mal-obbligi stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Erbgħa u fil-Parti Sebgħa fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

Meta aktar minn istituzzjoni waħda tkun ikkontrollata minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew minn kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, l-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-istituzzjoni li għaliha tapplika s-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE.

3. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE u l-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Sitta fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' dik l-istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, jekk il-grupp jinkludi istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment waħda jew aktar awtorizzati li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment elenkati fil-punti (3) u (6) tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE. Sakemm ikun lest ir-rapport mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 508(2), u jekk il-grupp jinkludi biss ditti ta' investiment, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw id-ditti ta' investiment milli jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta fuq bażi kkonsolidata, b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tad-ditta ta' investiment.

4. Meta jiġi applikat l-Artikolu 10, il-korp ċentrali msemmi f'dak l-Artikolu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti Tnejn sa Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-korp ċentrali kollu kif ikkostitwit flimkien mal-istituzzjonijiet affiljati tiegħu.

5. Minbarra r-rekwiżiti fil-paragrafu 1 sa 4, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, meta jkun ġustifikat għal fini ta' superviżjoni mill-ispeċifiċitajiet tar-riskju jew tal-istruttura kapitali ta' istituzzjoni jew fejn Stati Membri jadottaw liġijiet nazzjonali li jirrekjedu s-separazzjoni strutturali ta' attivitajiet fi ħdan grupp bankarju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrekjedu li żżewġ istituzzjonijiet separati strutturalment jikkonformaw mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn sa Erbgħa u fil-Partijiet Sitta sa Tmienja ta' dan ir-Regolament u fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi subkonsolidata.

L-applikazzjoni tal-approċċ stipulat fl-ewwel subparagrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal superviżjoni effettiva fuq bażi konsolidata u ma għandha la timplika effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha, fi Stati Membri oħra jew fl-Unjoni fl-intier tagħha u lanqas tifforma jew toħloq ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern.

*Artikolu 12*

**Kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta kemm b'istituzzjoni ta' kreditu sussidjarja kif ukoll ditta ta' investiment sussidjarja**

Meta kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jkollha tal-inqas istituzzjoni ta' kreditu waħda u ditta ta' investiment waħda bħal asussidjarji, ir-rekwiżiti li japplikaw fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta għandhom japplikaw għall-istituzzjoni ta' kreditu.

*Artikolu 13*

**Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni fuq bażi kkonsolidata**

1. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom.

Sussidjarji sinifikanti ta' istituzzjonijiet prinċipali tal-UE u dawk is-sussidjarji li għandhom sinifikat materjali għas-suq lokali tagħhom għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 437, 438, 440, 442, 450, 451 u 453, fuq bażi individwali jew subkonsolidata.

2. L-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni kkonsolidata ta' dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

Sussidjarji sinifikanti ta' kumpanniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE u dawk is-sussidjarji li huma ta' sinifikat materjali għas-suq lokali tagħhom għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 437, 438, 440, 442, 450, 451 u 453 fuq bażi individwali jew subkonsolidata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw b'mod sħiħ jew parzjali għall-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, sal-punt sa fejn ikunu inklużi f'diulgazzjonijiet ekwivalenti pprovduti fuq bażi konsolidata minn impriża prinċipali stabbilita f'pajjiż terz.

4. Meta jiġi applikat l-Artikolu 10, il-korp ċentrali msemmi f'dak l-Artikolu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-korp ċentrali. L-Artikolu 18(1) għandu japplika għall-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati għandhom jiġu ttrattati bħala s-sussidjarji tal-korp ċentrali.

*Artikolu 14*

**Applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Parti Ħamsa fuq bażi konsolidata**

1. L-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-Parti Ħamsa fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, biex jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tagħhom meħtieġa minn dawk id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti u integrati tajjeb u li kwalunkwe data u informazzjoni rilevanti għall-fini tas-superviżjoni jkunu jistgħu jiġu prodotti. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li s-sussidjarji li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament jimplimentaw l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi biex jiżguraw il-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 407 meta japplikaw l-Artikolu 92 fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata jekk ir-rekwiżiti tal-Artikoli 405 jew 406 jinkisru fil-livell ta' entità stabbilita f'pajjiż terz inkluż fil-konsolidazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 jekk il-ksur ikun materjali fir-rigward tal-profil tar-riskju kumplessiv tal-grupp.

3. L-obbligi li jirriżultaw mill-Parti Ħamsa rigward is-sussidjarji, li jkunu stess ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament, m'għandhomx japplikaw jekk l-istituzzjoni prinċipali tal-UE jew istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti li l-applikazzjoni tal-Parti Ħamsa tkun illegali skont il-liġijiet tal-pajjiż terz fejn tkun stabbilita s-sussidjarja.

*Artikolu 15*

**Deroga għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi konsolidata għal gruppi ta' ditti ta' investiment**

1. Is-superviżur konsolidanti jista' jirrinunzja, fuq bażi ta' każ b'każ, l-applikazzjoni tal-Parti Tlieta ta' dan ir-Regolament u l-Kapitolu 4, tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi konsolidata sakemm jeżistu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull ditta ta' investiment tal-UE fil-grupp tuża l-kalkolazzjoni alternattiva tal-ammont tal-iskopertura ta' riskju totali msemmija fl-Artikolu 95(2);

(b) id-ditti ta' investiment kollha fil-grupp jaqgħu fil-kategoriji tal-Artikoli 95(1) u 96(1);

(c) kull ditta ta' investiment tal-UE fil-grupp tissodisfa r-rekwiżiti imposti fl-Artikolu 95 fuq bażi individwali u fl-istess waqt tnaqqas mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti favur id-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriża ta' servizzi anċillari, li altrimenti kienu jkunu kkonsolidati;

(d) kwalunkwe kumpannija azzjonarja finanzjarja li tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru ta' kwalunkwe ditta ta' investiment fil-grupp ikollha tal-inqas ammont ta' kapital, iddefinit hawnhekk bħala t-total tal-elementi msemmija fl-Artikoli 26(1), 51(1) u 62(1); biex jiġi kopert it-total ta' dan li ġej:

   (i) it-total tal-valur sħiħ fil-kotba ta' kwalunkwe holdings, pretensjonijiet subordinati u strumenti msemmija fl-Artikoli 36(1)(h) u (i), l-Artikolu 56(1)(c) u (d), u l-Artikolu 66(1)(c) u (d) f'ditti ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari li altrimenti kienu jkunu kkonsolidati; u

   (ii) l-ammont totali ta' kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti favur id-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari li altrimenti kienu jkunu kkonsolidati;

(e) il-grupp ma jkunx jinkludi l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Meta l-kriterji fl-ewwel subparagrafu jkunu ssodisfati, kull ditta ta' investiment tal-UE għandu jkollha fis-seħħ sistemi għall-monitoraġġ u l-kontroll tas-sorsi tal-kapital u l-finanzjament tal-kumpanniji azzjonarji finanzjarji, id-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari fi ħdan il-grupp.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll ir-rinunzja jekk il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji jkollhom ammont iżgħar ta' fondi proprji mill-ammont ikkalkulat skont il-paragrafu 1(d), imma mhux iżgħar mit-total tar-rekwiżiti ta' fondi proprji imposti fuq bażi individwali lid-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari li altrimenti kienu jkunu kkonsolidati u l-ammont totali ta' kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti favur id-ditti ta' investiment, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari li altrimenti kienu jkunu kkonsolidati. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal impriżi tal-investiment ta' pajjiżi terzi, istituzzjonijiet finanzjarji, kumpanniji maniġerjali tal-assi u impriżi ta' servizzi anċillari jkun rekwiżit nozzjonali ta' fondi proprji.

*Artikolu 16*

**Deroga għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' proporzjon ta' lieva finanzjarja fuq bażi konsolidata għal gruppi ta' ditti ta' investiment**

Fejn l-entitajiet kollha fi grupp ta' ditti tal-investiemnt, inkluż l-entità prinċipali, ikunu ditti ta' investimenti li huma eżenti mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-Parti Sebgħa fuq bażi individwali skont l-Artikolu 6(5), id-ditta ta' investiment prinċipali tista' tagħżel li ma tapplikax ir-rekwiżiti stipulati fil-Parti Sebgħa fuq bażi konsolidata.

*Artikolu 17*

**Superviżjoni ta' ditti ta' investiment b'rinunzja mill-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji fuq bażi konsolidata**

1. Ditti ta' investiment fi grupp li ngħata r-rinunzja prevista fl-Artikolu 15 għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bir-riskji li jistgħu jimminaw il-pożizzjonijiet finanzjarji tagħhom, inklużi dawk assoċjati mal-kompożizzjoni u s-sorsi tal-fondi proprji, il-kapital intern u l-finanzjament tagħhom.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali tad-ditta ta' investiment jirrinunzjaw l-obbligu tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata kif previst fl-Artikolu 15, huma għandhom iwettqu miżuri xierqa oħra biex jimmonitorjaw ir-riskji, b'mod partikolari skoperturi kbar, tal-grupp kollu, inkluża kwalunkwe impriża li ma tkunx tinsab fi Stat Membru.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni prudenzjali tad-ditta ta' investiment jirrinunzjaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji fuq bażi konsolidata kif previst fl-Artikolu 15, ir-rekwiżiti tal-Parti Tmienja għandhom japplikaw fuq bażi individwali.

Taqsima 2

**Metodi għal konsolidazzjoni prudenzjali**

*Artikolu 18*

**Metodi għal konsolidazzjoni prudenzjali**

1. L-istituzzjonijiet li huma meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fit-Taqsima 1 abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom għandhom iwettqu konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li jkunu s-sussidjarji tagħha jew, meta jkun rilevanti, is-sussidjarji tal-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali. Il-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw meta tapplika l-Parti Sitta fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' istituzzjoni.

2. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu fuq il-bażi ta' każ każ jippermettu konsolidazzjoni proporzjonata skont is-sehem tal-kapital li l-impriża prinċipali jkollha fis-sussidjarja. Konsolidazzjoni proporzjonata tista' tkun permessa biss meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati kollha:

(a) ir-responsabbiltà tal-impriża prinċipali tkun limitata għas-sehem tal-kapital li l-impriża prinċipali għandha fis-sussidjarja fir-rigward tar-responsabbiltà tal-azzjonisti jew il-membri l-oħra;

(b) is-solvenza ta' dawk l-azzjonisti jew il-membri l-oħra tkun sodisfaċenti;

(c) ir-responsabbiltà tal-azzjonisti u l-membri l-oħra tkun stabbilita b'mod ċar b'mod legalment vinkolanti.

3. Fejn l-impriżi jkunu konnessi b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw dwar kif titwettaq il-konsolidazzjoni.

4. Is-superviżur konsolidanti għandu jeħtieġ il-konsolidazzjoni proporzjonali skont is-sehem tal-kapital miżmum tal-holdings fl-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji mmaniġġjati minn impriża, inkluż fil-konsolidazzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar mhux inklużi fil-konsolidazzjoni, meta r-responsabbiltà ta' dawk l-impriżi tkun limitata għas-sehem tal-kapital li għandhom.

5. Fil-każ tal-holdings jew rabtiet kapitali oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu jekk titwettaqx konsolidazzjoni u l-kif. B'mod partikolari, huma jistgħu jippermettu jew jeħtieġu l-użu tal-metodu tal-ekwità. Dak il-metodu m'għandux, madankollu, jikkostitwixxi inklużjoni tal-impriżi konċernati f'superviżjoni fuq bażi konsolidata.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk titwettaqx konsolidazzjoni u kif din għandha titwettaq fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni teżerċita influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar, iżda ma ma jkollhiex holding jew rabtiet kapitali oħra f'dawn l-istituzzjonijiet; u

(b) fejn żewġ istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji jew aktar jitpoġġew taħt maniġment waħdieni differenti minn dak skont il-kuntratt jew klawżoli tal-memoranda jew l-Artikoli ta' assoċjazzjoni tagħhom.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu, jew jeħtieġu, l-użu tal-metodu li hemm dispost għalih fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 83/349/KEE. Dak il-metodu m'għandux, madankollu, jikkostitwixxi inklużjoni tal-impriżi konċernati f'superviżjoni konsolidata.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2016.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. Meta hija meħtieġa superviżjoni konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE, impriżi ta' servizzi anċillari u kumpanniji maniġerjali tal-assi kif iddefiniti fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/87/KE għandhom ikunu inklużi f'konsolidazzjonijiet fil-każijiet, u skont il-metodi, stabbiliti f'dan l-Artikolu.

## Taqsima 3

## Ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali

### *Artikolu 19*

### Entitajiet esklużi mill-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali

1. Istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari li tkun sussidjarja jew impriża li fiha tinżamm holding, m'hemmx bżonn li tkun inkluża fil-konsolidazzjoni meta l-ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux tal-impriża konċernata jkunu inqas mill-iżgħar miż-żewġ ammonti li ġejjin:

(a) EUR 10 miljuni;

(b) 1 % tal-ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux tal-impriża prinċipali jew l-impriża li jkollha l-holding.

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE jistgħu fuq il-bażi ta' każ każ jiddeċiedu fil-każijiet li ġejjin li istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari li tkun sussidjarja jew li fiha tinżamm holding, ma jkunx hemm għalfejn tiġi inkluża fil-konsolidazzjoni:

(a) fejn l-impriża konċernata tkun tinsab f'pajjiż terz fejn ikun hemm impedimenti ġuridiċi għat-trasferiment tal-informazzjoni meħtieġa;

(b) fejn l-impriża konċernata tkun ta' interess negliġibbli biss fir-rigward tal-objettivi tal-monitoraġġ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

(c) fejn, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata, il-konsolidazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża konċernata ma tkunx xierqa jew tkun qarrieqa fir-rigward tal-objettivi tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

3. Meta, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-punt (b) tal-paragrafu 2, diversi impriżi jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fihom, huma għandhom madankollu jiġu inklużi fil-konsolidazzjoni meta kollettivament ikunu ta' interess mhux negliġibbli fir-rigward tal-objettivi speċifikati.

### *Artikolu 20*

### Deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu flimkien, f'konsultazzjoni sħiħa:

(a) fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-permessi msemmija fl-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(4) u (9), l-Artikolu 283, l-Artikolu 312(2) u l-Artikolu 363 rispettivament sottomessi minn istituzzjoni prinċipali tal-UE u s-sussidjarji tagħha, jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, biex jiddeċiedu jekk jingħatax il-permess mitlub u jiddeterminaw il-patti u l-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, li tali permess għandu jkun soġġett għalihom;

(b) għall-fini li jiġi ddeterminat jekk humiex sodisfatti l-kriterji għat-trattament ta' intragrupp speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 422(9) u l-Artikolu 425(5) ikkomplimentati mill-istandards regolatorji tal-ABE msemmija fl-Artikolu 422(10) u l-Artikolu 425(6).

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi biss lis-superviżur konsolidanti.

L-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 312(2), għandha tinkludi deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-allokazzjoni tal-kapital tar-riskju operattiv bejn l-entitajiet differenti tal-grupp. L-applikazzjoni għandha tindika jekk l-effetti tad-diversifikazzjoni jkunux intenzjonati li jkunu inklużi fis-sistema tal-kalkolu tar-riskju.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jilħqu deċiżjoni konġunta fi żmien sitt xhur fuq:

(a) l-applikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1;

(b) il-valutazzjoni tal-kriterji u d-determinazzjoni tat-trattament speċifiku msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

Din id-deċiżjoni konġunta għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ li għandha tkun ipprovduta lill-applikant mill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda:

(a) fid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni kompluta msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għand is-superviżur konsolidanti. Is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat l-applikazzjoni kompluta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra mingħajr dewmien;

(b) fid-data ta' meta jasal għand l-awtoritajiet kompetenti rapport mħejji min-superviżur konsolidanti li janalizza l-impenji intragrupp fi ħdan il-grupp.

4. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien sitt xhur, is-superviżur konsolidanti għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar il-punt (a) tal-paragrafu 1. Id-deċiżjoni tas-superviżur konsolidanti m'għandhiex tillimita s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Id-deċiżjoni għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra mfissra matul il-perijodu ta' sitt xhur.

Id-deċiżjoni għandha tkun ipprovduta lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra mis-superviżur konsolidanti.

Jekk, fi tmiem il-perijodu ta' sitt xhur, xi awtorità kompetenti konċernata tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur konsolidanti għandu jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament dwar id-deċiżjoni tiegħu, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodu ta' sitt xhur għandu jitqies bħala l-perijodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

5. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien sitt xhur, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarja fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar il-punt (b) tal-paragrafu 1.

Id-deċiżjoni għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra mfissra matul il-perijodu ta' sitt xhur.

Id-deċiżjoni għandha tkun ipprovduta lis-superviżur konsolidanti li jinforma lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE.

Jekk, fi tmiem il-perijodu ta' sitt xhur, is-superviżur konsolidanti jkun irrefera l-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarja fuq bażi individwali għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha dwar il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament dwar id-deċiżjoni tiegħu, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodu ta' sitt xhur għandu jitqies bħala l-perijodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

6. Fejn istituzzjoni prinċipali tal-UE u s-sussidjarji tagħha, is-sussidjarji ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE tuża l-Approċċ ta' Kalkolu Avvanzat imsemmi fl-Artikolu 312(2) jew l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 fuq bażi unifikata, l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jippermettu li jiġu ssodisfati l-kriterji tal-kwalifikazzjoni stipulati fl-Artikoli 321 u 322 jew il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6 rispettivament mill-kumpannija prinċipali u s-sussidjarji tagħha meqjusa flimkien, b'mod li jkun konsistenti mal-istruttura tal-grupp u s-sistemi, il-proċessi u l-metodoloġiji tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu.

7. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 4 u 5 għandhom ikunu rikonoxxuti bħala determinanti u għandhom ikunu applikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri konċernati.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi tal-implimentazzjon biex tispeċifika l-proċess ta' deċiżjoni konġunta msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-permessi msemmija fl-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(4) u (9), l-Artikolu 283, l-Artikolu 312(2), u l-Artikolu 363 bil-għan li jitħaffu d-deċiżjonijiet konġunti.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-istandards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 21*

**Deċiżjonijiet konġunti fil-livell tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-likwidità**

1. Mal-applikazzjoni ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew sottosussidjarja ta' konsolidazzjoni ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fi Stat Membru għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar jekk humiex sodisfatti l-kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) u li tidentifika sottogrupp waħdieni tal-likwidità għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tittieħed fi żmien sitt xhur wara s-sottomissjoni mis-superviżur konsolidanti ta' rapport li jidentifika sottogruppi tal-likwidità waħdanin fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim matul il-perijodu ta' sitt xhur, is-superviżur konsolidanti għandu jikkonsulta lill-ABE fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra konċernata. Is-superviżur konsolidanti jista' jikkonsulta lill-ABE fuq inizjattiva tiegħu stess.

Id-deċiżjoni konġunta tista' timponi wkoll limitazzjonijiet fuq il-post u s-sjieda ta' assi likwidi u tirrikjedi ammonti minimi ta' assi likwidi biex jinżammu mill- istituzzjonijiet li jkunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Parti Sitta.

Id-deċiżjoni konġunta għandha titniżżel f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ li għandu jiġi ppreżentat lill-istituzzjoni prinċipali tas-sottogrupp tal-likwidità mis-superviżur konsolidanti.

2. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fi żmien sitt xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Madankollu, kwalunkwe awtorità kompetenti tista' matul il-perijodu ta' sitt xhur tirreferi l-kwistjoni lill-ABE dwar jekk il-kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) ikunux issodisfati. F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti tagħha skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sakemm tispiċċa l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq ebda qbil mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni proprja tagħha b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali u tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tas-sussidjarja. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 1 u d-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu vinkolanti.

3. Kwalunkwe awtorità kompetenti tista' wkoll matul il-perijodu ta' sitt xhur tikkonsulta lill-ABE f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il- kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(3). F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti tagħha skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sakemm tispiċċa l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

*Artikolu 22*

**Subkonsolidazzjoni f'każijiet ta' entitajiet f'pajjiżi terzi**

L-istituzzjonijiet sussidjarji għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 89 sa 91 u l-Partijiet Tlieta u Ħamsa fuq

il-bażi tas-sitwazzjoni subkonsolidata tagħhom jekk dawk l-istituzzjonijiet, jew l-impriża prinċipali fejn tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, għandhom istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja f'pajjiż terz, jew ikollhom holding f'tali impriża.

*Artikolu 23*

**Impriżi f'pajjiżi terzi**

Għall-fini tal-applikazzjoni tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont dan il-Kapitolu, it-termini 'ditta ta' investiment', 'istituzzjoni ta' kreditu', 'istituzzjoni finanzjarja' u 'istituzzjoni' għandhom japplikaw ukoll għal impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi li, kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, kienu jissodisfaw id-definizzjonijiet ta' dawk it-termini fl-Artikolu 4.

*Artikolu 24*

**Valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ**

1. Il-valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ għandhom japplikaw f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjonijiet jagħmlu l-valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

PARTI TNEJN

**FONDI PROPRJI**

TITOLU I

**ELEMENTI TA' FONDI PROPRJI**

*KAPITOLU 1*

***Kapital ta' Grad 1***

*Artikolu 25*

**Kapital ta' Grad 1**

Il-kapital ta' Grad 1 ta' istituzzjoni jikkonsisti fit-total tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u kapital ta' Addizzjonali ta' Grad 1 tal-istituzzjoni.

*KAPITOLU 2*

***Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1***

T a q s i m a 1

**Elementi u strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

*Artikolu 26*

**Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' istituzzjonijiet jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) strumenti kapitali, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli,l-Artikolu 29 ikunu sodisfatti;

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) qligħ miżmum;

(d) introjtu ieħor komprensiv akkumulat;

(e) riżervi oħra;

(f) fondi għal riskju bankarju ġenerali.

L-elementi msemmija fil-punti (c) sa (f) għandhom jiġu rikonoxxuti bħala Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss fejn huma disponibbli għall-istituzzjoni għal użu mingħajr restrizzjonijiet u immedjat biex jiġu koperti r-riskji jew telf hekk kif dawn iseħħu.

2. Għall-fini tal-punt (c) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu profitt interim jew ta' tmiem is-sena f'kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 qabel l-istituzzjoni tkun ħadet deċiżjoni formali li tikkonferma l-profitt jew telf finali tal-istituzzjoni għas-sena biss bil-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess, f'każ li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk il-profitti ġew ivverifikati minn persuni indipendenti tal-istituzzjoni li huma responsabbli għall-verifika tal-kontijiet ta' dik l-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li kwalunkwe addebitament jew dividend prevedibbli tnaqqas mill-ammont ta' dak il-profitt.

Verifika tal-profitti interim jew ta' tmiem is-sena tal-istituzzjoni għandha tipprovdi livell adegwat ta' aċċertament li dawk il-profitti ġew evalwati skont il-prinċipji stabbiliti fil-qafas tal-kontabbiltà applikabbli

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk il-ħruġ ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29. Rigward ħruġ wara 31 ta' Diċembru 2014 l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw l-istrumenti ta' kapital bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss wara li jingħata permess mill-awtoritajiet kompetenti, li jistgħu jikkonsultaw lill-ABE.

Għal strumenti ta' kapital, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna mill-Istat, li huma approvati bħala eliġibbli li jiġu kklassifikati bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 mill-awtorità kompetenti iżda fejn, fl-opinjoni tal-ABE, il-konformità mal-kriterji fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabblil-Artikolu 29, tkun materjalment kumplessa biex tiġi aċċertata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispjegaw ir-raġunament tagħhom lill-ABE.

Abbażi ta' informazzjoni minn kull awtorità kompetenti, l-ABE għandha tistabbilixxi, iżżomm u tippubblika lista tal-forom kollha ta' strumenti kapitali f'kull Stat Membru li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-ABE għandha tistabbilixxi dik il-lista u tippubblikaha sa 1 ta' Frar 2015 għall-ewwel darba.

L-ABE tista', wara l-proċess ta' analiżi stabbilit fl-Artikolu 80 u, fejn ikun hemm evidenza sinifikanti li dawk l-istrumenti ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli l-Artikolu 29, tiddeċiedi li tneħħi strumenti kapitali ta' għajnuna nonstatali maħruġa wara 31 ta' Diċembru 2014 mil-lista u tista' tħabbar dan għal dak il-għan.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tifsira ta' prevedibbli meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe addebitament jew dividend prevedibbli tnaqqasx.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 27*

**Strumenti ta' kapital ta'soċjetajiet mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil jew istituzzjonijiet simili f'elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu kwalunkwe strument kapitali maħuġ minn istituzzjoni skont il-patti statutorji tagħha sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-istituzzjoni tkun ta' tip li hu ddefinit skont id-dritt nazzjonali applikabbli u li l-awtoritajiet kompetenti jqisu li tikkwalifika bħala kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) soċjetà mutwali;

(ii) soċjetà kooperattiva;

(iii) istituzzjoni ta' tfaddil;

(iv) istituzzjoni simili;

(v) istituzzjoni ta' kreditu li kompletament tappartjeni għal waħda mill-istituzzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) u li għandha l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti biex tuża d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu, dment li, u sakemm, 100 % tal-ishma ordinarji maħruġa fl-istituzzjoni ta' kreditu jinżammu direttament jew indirettament minn istituzzjoni msemmija f'dawk il-punti;

(b) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 jew, fejn applikabbli,l-Artikolu 29, huma sodisfatti.

Dawk is-soċjetajiet mutwi, is-soċjetajiet kooperattivi jew l-istituzzjonijiet ta' tfaddil rikonoxxuti bħala tali skont il-liġi nazjonali applikabbli qabel il-31 ta' Diċembru 2012 għandhom ikomplu jkunu klassifikati bħala tali għall-fini ta' din il-Parti, dment li jkomplu jissodisfaw il-kriterji li ddeterminaw dan ir-rikonoxximent.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw li tip ta' impriża rikonoxxuta skont id-dritt nazzjonali tikkwalifika bħala impriża mutwali, soċjetà kooperattiva, istituzzjoni ta' tfaddil jew istituzzjoni simili għall-fini ta' din il-Parti.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 28*

**Strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. L-istrumenti ta' kapital għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-istrumenti jinħarġu direttament mill-istituzzjoni bl-approvazzjoni minn qabel tas-sidien tal-istituzzjoni jew, meta permess skont id-dritt nazzjonali applikabbli, mill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni;

(b) l-istrumenti jitħallsu totalment u x-xiri tagħhom ma jkunx iffinanzat direttament jew indirettament mill-isitituzzjoni;

(c) l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħhom:

(i) jikkwalifikaw bħala kapital skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tad- Direttiva 83/635/KEE;

(ii) ikunu kklassifikati bħala ekwità skont it-tifsira tal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(iii) ikunu kklassifikati bħala kapital ta' ekwità għall-fini tal-istabiliment tal- insolvenza fil-karta bilanċjali, meta applikabbli skont il-liġi nazzjonali tal- insolvenza;

(d) l-istrumenti jintwerew b'mod ċar u separat fuq il-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni;

(e) l-istrumenti jkunu perpetwi;

(f) istituzzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall- l-ammont ta' kapital tal-istrumenti ma jistax jitnaqqas jew ripagat, ħlief f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(i) il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(ii) ix-xiri mill-ġdid diskrezzjonarju tal-istrumenti jew mezzi diskrezzjonali oħra ta' tnaqqis tal-kapital, meta l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 77;

(g) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx espressament jew impliċitament li l-ammont ta' kapital tal-istrumenti jitnaqqas jew jista' jkun li jitnaqqas jew jiġi ripagat ħlief fil-likwidazzjoni tal-istituzzjoni, u l-istituzzjoni b'ebda mod ieħor ma tipprovdi tali indikazzjoni qabel jew waqt il-ħruġ tal-istrumenti, ħlief fil-każ ta' strumenti msemmija fl-Artikolu 27 meta r-rifjut mill-istituzzjoni li tifdi tali strumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(h) l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' distribuzzjonijiet:

(i) ma jkunx hemm trattament ta' distribuzzjoni preferenzjali rigward l-ordni tal-pagamenti ta' distribuzzjoni, inklużi fir-rigward ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, u t-termini li jirregolaw l-istrumenti ma jipprovdux drittijiet preferenzjali lill-pagament tad-distribuzzjonijiet;

(ii) distribuzzjonijiet lid-detenturi tal-istrumenti jistgħu jitħallsu biss mill-elementi distribwibbli;

(iii) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jinkludux limitu massimu jew restrizzjonijiet oħra fuq il-livell massimu tad-distribuzzjonijiet, ħlief fil-każ tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 27.

(iv) il-livell tad-distribuzzjonijiet ma jkunx iddeterminat fuq il-bażi tal-ammont li għalih l-istrumenti kienu nxtraw fil-ħruġ, ħlief fil-każ tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 27;

(v) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jinkludux obbligu għall-istituzzjoni li tagħmel distribuzzjonijiet lid-detenturi tagħhom u l-istituzzjoni bl-ebda mod ma tkun soġġetta għal tali obbligu;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fin-nuqqas ta' pagament tad-distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix avveniment ta' inadempjenza tal-istituzzjoni;

(vii) il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet ma jkun jimponi l-ebda restrizzjoni fuq l-istituzzjoni;

(i) meta mqabbla mal-istrumenti ta' kapital maħruġa mill-istituzzjoni, l-istrumenti jassorbu l-ewwel u proporzjonalment l-akbar sehem tat-telf meta jseħħ, u kull strument jassorbi t-telf tal-istess grad bħall-istrumenti l-oħra kollha ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(j) l-istrumenti jikklassifikaw taħt il-pretensjonijiet l-oħra kollha fil-każ ta' insolvenza jew likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(k) l-istrumenti jintitolaw lis-sidien tagħhom għal pretensjoni fuq l-assi residwi tal-istituzzjoni, li, fil-każ tal-likwidazzjoni tagħha u wara l-pagament tal-pretensjonijiet superjuri tagħha, tkun pproporzjonata għall-ammont maħruġ ta' tali strumenti u ma tkunx fissa jew soġġetta għal limitu massimu, ħlief fil-każ tal-istrumenti ta' kapital imsemmija fl-Artikolu 27;

(l) l-istrumenti ma jkunux koperti, jew soġġetti għal garanzija li ssaħħah is-superjorità tal-pretensjoni minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta u s-sussidjarji tagħha;

(vi) xi impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punt (i) sa (v);

(m) l-istrumenti ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe arranġament, kuntrattwali jew ta' tip ieħor, li jtejjeb is-superjorità tal-pretensjonijiet skont l-istrumenti f'insolvenza jew likwidazzjoni.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (j) tal-ewwel subparagrafu għandha titqies sodisfatta, minkejja li l-istrumenti huma inklużi fil-Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 484(3), dment li jikklassifikaw pari passu.

2. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (i) tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu sodisfatti minkejja deprezzament fuq bażi permanenti tal-ammont prinċipali ta' strumenti ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (f) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja tnaqqis tal-ammont prinċipali tal-istrument kapitali fi proċedura ta' riżoluzzjoni jew bħala konsegwenza ta' deprezzament ta' strumenti kapitali meħtieġ mill-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (g) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument kapitali li jindika espliċitament jew impliċitament li l-ammont prinċipali tal-istrument għandu jitnaqqas jew jista' jitnaqqas fi proċedura ta' riżoluzzjoni jew bħala konsegwenza ta' deprezzament ta' strumenti kapitali rikjest mill-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni.

3. Il-kondizzjoni stipulata fil-punt (h)(iii) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja l-istrument li jħallas multiplu tad-dividend, dment li tali multiplu tad-dividend ma jirriżultax f'distribuzzjoni li tikkawża ġibda sproporzjonata fuq il-fondi proprji.

4. Għall-finijiet tal-punt (h)(i) tal-paragrafu 1, distribuzzjonijiet differenzjati għandhom jirriflettu biss drittijiet ta' vot differenzjat. F'dan ir-rigward, distribuzzjonijiet ogħla għandhom japplikaw biss għal strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 b'inqas jew ebda dritt ta' vot.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-forom u n-natura applikabbli ta' finanzjament indirett tal-istrumenti ta' fondi proprji;

(b) Jekk u meta distribuzzjonijiet multipli jikkostitwixxu ġibda sproporzjonata fuq il-fondi proprji;

(c) it-tifsira ta' distribuzzjonijiet preferenzjali.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 29*

**Strumenti ta' kapital maħruġa minn impriżi mutwali, soċjetajiet kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili**

1. L-istrumenti ta' kapital maħruġa minn soċjetà mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 bil-modifiki li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jiġu ssodisfati.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward ta' tifdija tal-istrumenti ta' kapital:

(a) ħlief meta pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, l-istituzzjoni għandha tkun tista' tirrifjuta t-tifdija tal-istrumenti;

(b) meta r-rifjut mill-istituzzjoni tat-tifdija tal-istrumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istumenti għandhom jagħtu l-kapaċità lill-istituzzjoni li tillimita t-tifdija tagħhom;

(c) ir-rifjut li tifdi l-istrumenti, jew il-limitazzjoni tat-tifdija tal-istrumenti meta applikabbli, jista' ma jkunx jikkostitwixxi avveniment ta' inadempjenza tal-istituzzjoni.

3. L-istrumenti ta' kapital jistgħu jinkludu limitu massimu jew restrizzjoni fuq il-livell massimu tad-distribuzzjonijiet biss meta dak il-livell massimu jew restrizzjoni jkun stabbilit skont id-dritt nazzjonali applikabbli jew l-istatut tal-istituzzjoni.

4. Meta l-istrumenti ta' kapital jagħtu lis-sid drittijiet għar-riżervi tal-istituzzjoni fil-każ ta' insolvenza jew likwidazzjoni li jkunu limitati għall-valur nominali tal-istrumenti, tali limitazzjoni għandha tapplika bl-istess grad għad-detenturi tal-istrumenti l-oħrajn kollha ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-istituzzjoni.

Il-kondizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li soċjetà mutwi jew kooperattiva, istituzzjoni ta' tfaddil jew istituzzjoni simili tirrikonoxxi fl-Ekwità Komuni ta' Grad 1 strumenti li ma jagħtux drittijiet ta' vot lid-detentur u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjoni tad-detenturi tal-istrumenti mingħajr vot fl-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni tkun proporzjonata għas-sehem mit-total tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1li dawn l-istrumenti mingħajr vot jirrappreżentaw;

(b) l-istrumenti b'xi mod ieħor jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

5. Meta l-istrumenti ta' kapital jintitolaw lis-sidien tagħhom għal pretensjoni fuq l-assi tal-istituzzjoni fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tagħha li tkun fissa jew soġġetta għal limitu massimu, tali limitazzjoni għandha tapplika sal-istess grad għad-detenturi kollha tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa mill-istituzzjoni.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika n-natura tal-limitazzjonijiet fuq it-tifdija neċessarja meta r-rifjut tat-tifdija tal-istrumenti ta' fondi proprji mill-istituzzjoni tkun ipprojbita skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 30*

**Konsegwenzi għall-fatt li l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ma jibqgħux issodisfati**

Dawn li ġejjin għandhom japplikaw fejn, fil-każ ta' strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kondizzjoniiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ma jibqgħux jiġu ssodisfati:

(a) dak l-istrument għandu immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) il-kontijiet tal-primjum azzjonarju b'rabta ma' dak l-istrument għandhom immedjatament ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

*Artikolu 31*

**Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

1. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu l-inklużjoni fl-Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' strumenti kapitali li jikkonformaw tal-inqas mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 28(1) meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) l-istrumenti kapitali jkunu nħarġu wara 1 ta' Jannar 2014

(b) il-Kummissjoni tqis l-istrumenti kapitali bħala għajnuna mill-istat;

(c) l-istrumenti kapitali jinħarġu fil-kuntest ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti dak iż-żmien;

(d) l-istrumenti kapitali huma kollha sottoskritti u miżmuma mill-Istat jew minn awtorità pubblika rilevanti jew entità ta' proprjetà pubblika;

(e) l-istrumenti kapitali jistgħu jassorbu telf;

(f) ħlief għall-istrumenti ta' kapital imsemmija fl-Artikolu 27, f'każ ta' likwidazzjoni, l-istrumenti kapitali jagħtu d-dritt lill-proprjetarji tagħhom biex jitolbu għall-assi residwi tal-istituzzjoni wara l-pagament tal-pretensjonijiet prijoritarji kollha;

(g) hemm mekkaniżmi ta' ħruġ adegwati tal-Istat jew, fejn applikabbli, awtorità pubblika jew entità ta' proprjetà pubblika rilevanti;

(h) l-awtorità kompetenti tat il-permess tagħha minn qabel u ppubblikat id-deċiżjoni tagħha flimkien ma spjegazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

2. Fuq talba motivata mill-awtorità kompetenti rilevanti u f'kooperazzjoni magħha, l-ABE għandha tikkunsidra l-istrumenti kapitali msemmija fil-paragrafu 1 bħala ekwivalenti għall-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Taqsima 2

**Filtri prudenzjali**

*Artikolu 32*

**Assi titolizzati**

1. Istituzzjoni għandha teskludi minn kwalunkwe element ta' fondi proprji kwalunkwe żieda fl-ekwità tagħha skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli li tirriżulta minn assi titolizzati, inklużi dawn li ġejjin:

(a) tali żieda assoċjata ma' introjtu ta' marġini futur li jirriżulta fi qligħ fuq il-bejgħ għal dik l-istituzzjoni;

(b) meta l-istituzzjoni tkun l-oriġinatur ta' titolizzazzjoni, iż-żidiet netti li jitnisslu mill-kapitalizzazzjoni ta' introjtu futur mill-assi titolizzati li jipprovdu tisħiħ fil-kreditu lill-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kunċett ta' qligħ fuq il-bejgħ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 33*

**Koperturi tal-flussi ta' flus u l-bidliet fil-valur tal-obbligazzjonijiet proprji**

1. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jinkludu l-elementi li ġejjin fi kwalunkwe element ta' fondi proprji:

(a) ir-riżervi ta' valur ġust relatati mal-qligħ jew telf fuq il-koperturi tal-flussi tal-flus ta' strumenti finanzjarji li ma jkunux valutati f'valur ġust, inklużi l-flussi tal-flus ipproġettati;

(b) qligħ jew telf fuq obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni li jkunu vvalutati b'valur ġust li jirriżulta minn bidliet fl-istat tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni;

(c) kull qligħ u telf b'valur ġust li jirriżulta mir-riskju proprju ta' kreditu tal-istituzzjoni marbut mal-obbligazzjonijiet derivattivi,

2. Għall-fini tal-punt (c) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet m'għandhomx ipaċu l-qligħ u telf b'valur ġust li jirriżulta mir-riskju proprju ta' kreditu tal-istituzzjoni b'dawk li jirriżultaw mir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tagħha.

3. Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu l-ammont ta' qligħ u telf fuq l-obbligazzjonijiet tagħhom fil-fondi proprji meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjonijiet huma fil-forma ta' bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(b) il-bidliet fil-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni huma minħabba l-istess bidliet fl-istat tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni;

(c) hemm korrispondenza mill-qrib bejn il-valur tal-bonds imsemmija fil-punt (a) u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni;

(d) huwa possibbli li jinfeda s-self ipotekarju billi jinxtraw lura l-bonds li jiffinanzjaw is-self ipotekarju b'valur tas-suq jew dak nominali.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta'standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika dak li jikkostitwixxi korrispondenza mill-qrib bejn il-valur tal-bonds u l-valur tal-assi, kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2013.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 34*

**Aġġustamenti fil-valur addizzjonali**

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 105 għall-assi kollha tagħhom imkejla f'valur ġust meta jikkalkulaw l-ammont tal-fondi proprji tagħhom u għandhom inaqqsu mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 l-ammont ta' kwalunkwe aġġustament fil-valur addizzjonali neċessarju.

*Artikolu 35*

**Qligħ u telf mhux realizzati mkejla b'valur ġust**

Ħlief fil-każ tal-elementi msemmija fl-Artikolu 33, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jagħmlu aġġustamenti biex ineħħu mill-fondi proprji tagħhom il-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq l-assi jew l-obbligazzjonijiet tagħhom imkejla b'valur ġust.

Taqsima 3

**Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, eżenzjonijiet u alternattivi**

Subtaqsima 1

**Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

*Artikolu 36*

**Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu dan li ġej mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1:

(a) telf għas-sena finanzjarja kurrenti;

(b) assi intanġibli;

(c) assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura;

(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (l-Approċċ IRB), l-ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistenni kif stabbilit fl-Artikoli 158 u 159;

(e) assi ta' fondi ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni;

(f) istituzzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall-holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, inklużi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li istituzzjoni jkollha obbligu reali jew kontinġenti li tixtri fuq il-bażi ta' obbligu kuntrattwali eżistenti;

(g) holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom holding inkroċjata reċiproka mal-istituzzjoni li l-awtorità kompetenti tqis li kienet iddisinjata biex tkabbar artifiċjalment il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(h) l-ammont applikabbli tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(i) l-ammont applikabbli tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(j) l-ammont tal-elementi meħtieġ li jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 56 li jeċċedi l-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni;

(k) l-ammont tal-iskopertura tal-elementi li ġejjin li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 1 250 %, meta l-istituzzjoni tnaqqas dak l-ammont tal-iskopertura mill-ammont tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż tar-riskju ta' 1 250 %:

(i) holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju;

(ii) pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, skont l-Artikolu 243(1)(b), l-Artikolu 244(1)(b) u l-Artikolu 258;

(iii) konsenji ħielsa, skont l-Artikolu 379(3);

(iv) pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tistabilixxi l-piż tar-riskju skont l-Approċċ IRB, f'konformità mal-Artikolu 153(8).

(v) skoperturi ta' ekwità skont approċċ ibbażat fuq mudelli interni, f'konformità mal-Artikolu 155(4).

(l) kwalunkwe imposta tat-taxxa relatat mal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 prevista fil-waqt tal-kalkolu tagħha, ħlief meta l-istituzzjoni b'mod adatt taġġusta l-ammont ta' elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 sakemm tali imposti tat-taxxa jnaqqsu l-ammont li għalih jistgħu jiġu użati dawk l-elementi biex ikunu koperti r-riskji u t-telf.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi fil-punti (a), (c), (e), (f), (h), (i) u (l) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tnaqqis relatat imsemmi fil-punti (a), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 56 u l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 66.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' strumenti ta' kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji u, f'konsultazzjoni mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (AEAPX) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 [1], ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjiżi terzi, u ta' impriżi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva li għandhom jitnaqqsu mill-elementi ta' fondi proprji li ġejjin:

(a) Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) Elementi ta' Addizzjonali ta' Grad 1;

(c) Elementi ta' Grad 2.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015 fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 37*

**Tnaqqis ta' assi intanġibbli**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-assi intanġibbli li jrid jitnaqqs skont dawn li ġejjin:

(a) l-ammont li jrid jitnaqqas għandu jitnaqqas mill-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati li jitneħħew jekk l-assi intanġibbli jsiru deterjorati jew ma jibqgħux rikonoxxuti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(b) l-ammont li jrid jitnaqqas għandu jinkludi l-avvjament inkluż fil-valutazzjoni ta' investimenti sinifikanti tal-istituzzjoni.

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

*Artikolu 38*

**Tnaqqis ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura li jeħtieġu li jitnaqqsu skont dan l-Artikolu.

2. Ħlief għal meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfati, l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura, għandu jiġi kkalkulat mingħajr ma jitnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati tal-istituzzjoni.

3. L-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura jista' jitnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati tal-istituzzjoni, sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-entità għandha dritt legalment infurzabbli skont id-dritt nazzjonali applikabbli ta' tpaċija ta' dawk l-assi kurrenti ta' taxxa mal-obbligazzjonijiet kurrenti ta' taxxa;

(b) l- assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita jikkonċernaw taxxi imposti mill-istess awtorità ta' tassazzjoni u fuq l-istess entità taxxabbli.

4. L-obbligazzjonijiet ta' taxxa differitai assoċjati tal-istituzzjoni użati għall-fini tal-paragrafu 3 ma jistgħux jinkludu obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jnaqqsu l-ammont ta' assi intanġibbli jew assi ta' fondi ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit li jeħtieġ li jitnaqqsu.

5. L-ammont tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati msemmija fil-paragrafu 4 għandu jiġi allokat bejn dawn li ġejjin:

(a) assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jitnisslu minn differenzi temporanji li mhumiex imnaqqsa skont l-Artikolu 48(1);

(b) assi oħra kollha ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura.

L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati skont il-proporzjon tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura li jkunu rappreżentati mill-elementi msemmija fil-punti (a) u (b).

*Artikolu 39*

**Pagamenti żejda ta' taxxa, riporti ta' telf fiskali u assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profitabbiltà futura**

1. L-elementi li ġejjin m'għandhomx jitnaqqsu mill-fondi proprji u għandhom ikunu soġġetti għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli:

(a) pagamenti eċċessivi ta' taxxa mill-istituzzjoni għas-sena kurrenti;

(b) telf wara t-taxxa fis-sena kurrenti tal-istituzzjoni trasferit lura għas-snin preċedenti li jnissel pretensjoni fuq, jew riċevibbli minn, gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali tat-taxxi.

2. Assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profitabbiltà futura għandhom ikunu limitati għal assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikunu sostitwiti b'mod awtomatiku u mandatorju mingħajr dewmien bi kreditu ta' taxxa f'każ li l-istituzzjoni tirrapporta telf meta r-rapporti finanzjarji annwali tal-istituzzjoni jkunu formalment approvati, jew f'każ ta' likwidazzjoni jew insolvenza tal-istituzzjoni;

(b) istituzzjoni għandha tkun tista', skont il-liġi nazzjonali applikabbli tat-taxxa, tikkumpensa għal kreditu ta' taxxa kif imsemmi fil-punt (a) kontra kwalunkwe obbligazzjoni ta' taxxa tal-istituzzjoni jew kwalunkwe impriża oħra inkluża fl-istess konsolidazzjoni bħall-istituzzjoni għal fini ta' taxxa skont dik il-liġi jew kwalunkwe impriża oħra soġġetta għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) meta l-ammont ta' krediti ta' taxxa kif imsemmi fil-punt (b) jaqbeż l-obbligazzjonijiet tat-taxxa msemmija f'dak il-punt, kwalunkwe tali eċċess jiġi sostitwit mingħajr dewmien bi pretensjoni diretta lill-gvern ċentrali tal-Istat Membru fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 % għall-assi ta' taxxa differita fejn huma ssodisfati l-kondizzjonijiet imniżżlin fil-punti (a), (b) u (c).

*Artikolu 40*

**Tnaqqis ta' ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija**

L-ammont li jrid jitnaqqas skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) m'għandux jitnaqqas permezz ta' żieda fil-livell tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura, jew effetti oħra ta' taxxa addizzjonali, li jistgħu jseħħu li kieku l-proviżjonijiet kellhom jiżdiedu sal-livell ta' telf mistenni msemmi fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I.

*Artikolu 41*

**Tnaqqis ta' assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit**

1. Għall-fini tal-punt (e) tal-Artikolu 36(1), l-ammont tal-assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit li għandu jitnaqqas għandu jonqos b'dawn li ġejjin:

(a) l-ammont ta' kwalunkwe obbligazzjoni għal taxxa differita assoċjata li jista' jitpaċa jekk l-assi jsiru deterjorati jew ma jibqgħux rikonoxxuti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(b) l-ammonti tal-assi fil-fondi ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit li l-istituzzjoni jkollha abbiltà mingħajr restrizzjoni li tuża, sakemm l-isitituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti. Dawk l-assi użati biex jitnaqqas l-ammont li jrid jitnaqqas għandhom jirċievu piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji li fuqhom awtorità kompetenti għandha tippermetti istituzzjoni li tnaqqas l-ammont tal-assi fil-fond ta' pensjonijiet b'benefiċċju definiti kif speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 42*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

Għall-fini tal-punt (f) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet twal grossi soġġett għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fuq il-bażi tal-pożizzjoni twila netta dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolazzjoni tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 inklużi f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu l-pożizzjonijiet twal gross fi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jirriżultaw minn holdings ta' titoli ta' indiċi kontra pożizzjonijiet qosra fi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jirriżultaw minn pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inklużi meta dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju ta' kontroparti, dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

*Artikolu 43*

**Investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju**

Għall-fini ta' tnaqqis, investiment sinifikanti ta' istituzzjoni f'entità tas-settur finanzjarju għandu jirriżulta meta kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi ssodisfata:

(a) l-istituzzjoni jkollha sjieda ta' aktar minn 10 % tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità;

(b) l-istituzzjoni jkollha rabtiet mill-qrib ma' dik l-entità u jkollha sjieda ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità;

(c) l-istituzzjoni jkollha sjieda ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità u l-entità ma tkunx inkluża f'konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed iżda tkun inkluża fl-istess konsolidazzjoni ta' kontabbiltà bħall-istituzzjoni għall-fini tar-rapportar finanzjarju skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

*Artikolu 44*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u meta istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka mfassla artifiċjalment għall-inflazzjoni tal-fondi proprji**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis imsemmi fil-punti (g), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) skont dawn li ġejjin:

(a) il-holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u strumenti ta' kapital oħra ta' entitajiet tas-settur finanzjarju għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet twal grossi;

(b) L-elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 għandhom jiġu trattati bħala holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għall-fini tat-tnaqqis.

*Artikolu 45*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqisiet meħtieġ fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-maturità tal-pożizzjoni qasira taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni twila jew għandha maturità residwa ta' mill-inqas sena;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet qosra u dawk twal jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti ta' kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f'dawk l-indiċi;

*Artikolu 46*

**Tnaqqis tal-holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju**

1. Għall-fini tal-punt (h) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur miksub mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti taqbeż 10 % tal-ammont aggregat tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jkunu applikati dawn li ġejjin għall-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1:

(i) l-Artikoli 32 sa 35;

(ii) it-tnaqqis imsemmi fil-punti (a) sa (g), punti (k)(ii) sa (v) u l-punt (l) tal-Artikolu 36(1), bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jitnisslu minn differenzi temporanji;

(iii) l-Artikoli 44 u 45

(b) l-ammont tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom diviż bl-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti tal-fondi proprji ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jinqasam bejn l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 kollha miżmuma. L-istituzzjonijiet għandhom jistabilixxu l-porzjon tal-holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li titnaqqas skont il-paragrafu 1 billi l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jkunmultiplikat bil-proporzjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' holdings li jeħtieġ jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) il-proporzjoni tal-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti fihom rappreżentati minn kull wieħed mill-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 miżmum.

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1) li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (iii) tal-paragrafu 1 m'għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-porzjon tal-holdings ta' strumenti tal-fondi proprji li jkunu ppeżati għar-riskju billi jiddividu l-ammont speċifikat fil-punt (a) bl-ammont speċifikat fil-punt (b):

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) l-ammont speċifikat fil-punt (i) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt (ii):

(i) l-ammont totali tal-Istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(ii) l-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet fis-settur finanzjarju li l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti fihom.

*Artikolu 47*

**Tnaqqis tal-holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 meta istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju**

Għall-fini tal-punt (1) tal-Artikolu 36(1), l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandu jeskludi pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas u għandu jkun stabbilit skont l-Artikoli 44 u 45 u s-Subtaqsima 2.

Subtaqsima 2

**Eżenzjonijiet minn u alternattivi għal tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni**

*Artikolu 48*

**Livell limitu tal-eżenzjonijiet mit-tnaqqis minn elementi TA'Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. Meta jsir it-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet m'għandhomx ikunu meħtieġa jnaqqsu l-ammont tal-elementi elenkati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu li bħala aggregat jkunu ugwali għal jew inqas mill-ammont limitu msemmi fil-paragrafu 2:

(a) assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji, u bħala aggregat ikunu ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara l-applikazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(i) l-Artikoli 32 sa 35;

(ii) il-punti (a) sa (h), il-punti (k)(ii) sa (v) u l-punt (l) tal-Artikolu 36(1), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji.

(b) fejn istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju, il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' dik l-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dawk l-entitajiet li bħala aggregat ikunu ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara l-applikazzjoni ta' dawn li ġejjin:

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

(ii) il-punti (a) sa (h), il-punti (k)(ii) sa (v) u l-punt (l), tal-Artikolu 36(1) bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-ammont ta' limitu għandu jkun daqs l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu immultiplikat bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont residwu ta' elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti u t-tnaqqis fl-Artikoli 32 sa 36 kollha u mingħajr ma jiġu applikati l-eżenzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu;

(b) 17,65 %.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, istituzzjoni għandha tiddetermina l-porzjon ta' assi ta' taxxa differita fl-ammont totali ta' elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 li mhux meħtieġ li jiġi mnaqqas billi jiġi diviż l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependi fuq il-profittabilità futura u li ġej minn differenzi temporanji, u li fl-aggregat huma ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-isituzzjonijiet;

(b) it-total ta' dan li ġej:

(i) l-ammont imsemmi fil-punt (a);

(ii) l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni għandha investiment sinifikanti fihom, u li fl-aggregat huma ugwali jew inqas minn 10 % tal-elementi tal-Ekwità Komuni tal-Grad 1 tal-isituzzjoni.

Il-proporzjon ta' investimenti sinifikanti fl-ammont totali ta' elementi li mhux meħtieġ li jiġi mnaqqas huwa ugwali għal wieħed imnaqqas mill-proporzjon imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

4. L-ammonti tal-elementi li ma jitnaqqsux skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu ppeżati għar-riskju b'250 %.

*Artikolu 49*

**Rekwiżit għal tnaqqis fejn ikunu applikati l-konsolidazzjoni, is-superviżjoni supplementari jew skemi ta' protezzjoni istituzzjonali**

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-fondi proprji fuq bażi individwali, bażi subkonsolidata jew bażi konsolidata, meta l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu jew jippermettu lill-istituzzjonijiet sabiex japplikaw il-metodu 1, 2 jew 3 tal-Anness I għad-Direttiva 2002/87/KE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet li ma jkunx hemm tnaqqis fil-holdings ta' istrumenti ta' fondi proprji ta' entità tas-settur finanzjarju li fiha l-istituzzjoni prinċipali, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali jew istituzzjoni għandha investiment sinifikanti, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-entità tas-settur finanzjarju hija impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew il-kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni tkun inkluża fl-istess superviżjoni supplementari taħt id-Direttiva 2002/87/KE bħall-istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali jew l-istituzzjoni li jkollha l-holding;

(c) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti;

(d) qabel jingħata l-permess imsemmi fil-punt (c), u fuq bażi kontinwa, l-awtoritjiet kompetenti ikunu ssodisfati li l-livell ta' ġestjoni integrata, il-ġestjoni tar-riskju u kontroll intern rigward l-entitajiet li ser ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni skont il-metodu 1, 2 jew 3 jkun adegwat;

(e) il-holdings fl-entità jappartjenu lil wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali;

(ii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali;

(iv) l-istituzzjoni;

(v) sussidjarja ta' waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) li hija inkluża fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

Il-metodu magħżul għandu jiġi applikat b'mod konsistenti matul iż-żmien.

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-fondi proprji fuq bażi individwali u fuq bażi subkonsolidata, l-istituzzjonijiet soġġetti għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed m'għandhomx inaqqsu l-holdings tal-istrumenti ta' fondi proprji maħruġa mill-entitajiet tas-settur finanzjarju inkluż fl-ambitu tas-superviżjoni konsolidata, sakemm l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li dak it-tnaqqis huma meħtieġ għal raġunijiet speċifiċi, b'mod partikolari separazzjoni strutturali tal-attivitajiet bankarji u l-ippjanar ta' riżoluzzjonijiet.

L-applikazzjoni tal-approċċ imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jinvolvi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni kollha li jiffurmaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, għall-fini li jikkalkolaw il-fondi proprji fuq bażi individwali jew subkonsolidata, jippermettu lill-istituzzjonijiet ma jnaqqsux holdings ta' strumenti ta' fondi proprji fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta istituzzjoni jkollha holding f'istituzzjoni oħra u huma sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (v):

(i) l-istituzzjonijiet jinsabu fi ħdan l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7);

(ii) l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw il-permess imsemmi fl-Artikolu 113(7);

(iii) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) ikunu ssodisfati;

(iv) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tfassal karta tal-bilanċ ikkonsolidata msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 113(7) jew, f'każ li mhux meħtieġ li jitfasslu kontijiet ikkonsolidati, kalkolu aggregat estiż li jkun, sodisfaċenti f'għajnejn l-awtoritajiet kompetenti, u li hu ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE, li jinkorpora ċerti adattamenti għad-dispożizzjonijiet tas-SABE' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE jew ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, li jirregola l-kontijiet konsolidati ta' gruppi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. L-ekwivalenza ta' dak il-kalklolu aggregat estiż għandu jiġi vverifikat minn awditur estern u b'mod partikolari li l-użu multiplu ta' elementi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji kif ukoll kwalunkwe ħolqien inadegwat ta' fondi proprji bejn il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jiġu eliminati fil-kalkolu. Il-karta ta' bilanċ konsolidata jew il-kalklolu aggregat estiż għandhom jiġu rapportati lill-awtoritajiet kompetenti mhux inqas frekwentement mill-frekwenza stabbilita fl-Artikoku 99;

(v) l-istituzzjonijiet inklużi fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali jissodisfaw flimkien fuq bażi konsolidata jew aggregata estiża r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 92 u jwettqu r- rappurtar tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 99. Fi ħdan skema ta' protezzjoni istituzzjonali t-tnaqqis tal-imgħax ta' proprjetà ta' membri kooperattivi jew entitajiet legali, li mhumiex membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali, mhuwiex meħtieġ, dment li l-użu multiplu ta' elementi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji kif ukoll kwalunkwe ħolqien inadegwat ta' fondi proprji bejn il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali u l-azzjonist minoritarju, meta din tkun istituzzjoni, huma eliminati.

(b) meta istituzzjoni ta' kreditu reġjonali jkollha holding fl-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali tagħha jew f'istituzzjoni ta' kreditu reġjonali oħra u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (v) ikunu ssodisfati.

4. Il-holdings fir-rigward ta' liema ma jsirx tnaqqis skont il-paragrafi 1, 2, jew 3 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u għandhom ikunu ppeżati għar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

5. Fejn istituzzjoni tapplika l-metodu 1 jew 2 tal-Anness I għad-Direttiva 2002/87/KE, l-istituzzjoni għandha tiddivulga r-rekwiżit ta' fondi proprji supplimentari u l-proporzjon ta' adegwatezza tal-kapital tal-konglomerat finanzjarju kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Anness I għal dik id-Direttiva.

6. L-ABE, l-AEAPX u l- Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (AETS) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ([1]) għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jispeċifikaw għall-fini ta' dan l-Artikolu l-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-metodi ta' kalkolu elenkati fl-Anness I, il-Parti II tad-Direttiva 2002/87/KE għall-fini tal-alternattivi għat-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

### Taqsima 4

### Kapital ta'Ekwità Komuni ta' Grad 1

*Artikolu 50*

**Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

Il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' istituzzjoni għandu jkun jikkonsisti minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 wara li jiġu applikati l-aġġustamenti meħtieġa mill-Artikoli 32 sa 35, it-tnaqqisiet skont l-Artikolu 36 u l-eżenzjonijiet u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79.

## *KAPITOLU 3*

## ***Kapital Addizzjonali ta' Grad 1***

### Taqsima 1

### Elementi u strumenti Addizzjonali ta' Grad 1

*Artikolu 51*

**Elementi Addizzjonali ta' Grad 1**

Elementi Addizzjonali ta' Grad 1 għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) strumenti ta' kapital, meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) jiġu ssodisfati;

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a).

Strumenti inklużi taħt il-punt (a) ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew tal-Grad 2.

*Artikolu 52*

**Elementi Addizzjonali ta' Grad 1**

1. L-istrumenti ta' kapital għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 biss jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrumenti jkunu nħarġu u tħallsu għal kollox;

(b) l-istrumenti ma nxtrawx minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) impriża li fiha l-istituzzjoni jkollha holding fil-forma ta' sjieda, diretta jew permezz ta' kontroll, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' dik l-impriża;

(c) ix-xiri tal-istrumenti ma jkunx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-istituzzjoni;

(d) l-istrumenti jikklassifikaw taħt strument ta' Grad 2 fil-każ tal-insolvenza tal-istituzzjoni;

(e) l-istrumenti ma jkunux koperti, jew soġġetti għal garanzija li ssaħħaħ is-superjorità tal-pretensjonijiet minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punti (i) sa (v);

(f) l-istrumenti ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe arranġament, kuntrattwali jew ta' tip ieħor, li jtejjeb is-superjorità tal-pretensjonijiet skont l-istrumenti f'insolvenza jew likwidazzjoni.

(g) l-istrumenti ikunu perpetwi u d-dispożizzjonijiet li jirregolawhom ma fihomx inċentiv biex l-istituzzjoni tifdihom;

(h) fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jinkludu dritt ta' xiri wieħed jew aktar, dan id-dritt ta' xiri jista' jiġi eżerċitata għad-diskrezzjoni unika tal-emittent;

(i) l-istrumenti jistgħu jinxtraw, jinfdew jew jinxtraw mill-ġdid biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77 jiġu ssodisfati, u mhux qabel ħames snin wara d-data tal-ħruġ ħlief meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 78(4);

(j) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-istrumenti jinxtraw jew jistgħu jinxtraw, jinfdew jew jinxtraw mill-ġdid u l-istituzzjoni ma tagħtix din l-indikazzjoni f'forma oħra, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(i) il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(ii) ix-xiri mill-ġdid diskrezzjonarju tal-istrumenti jew mezzi diskrezzjonali oħra ta' tnaqqis tal-ammont tal-Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali, meta l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 77;

(k) l-istituzzjoni ma tindikax b'mod espliċitu jew impliċitu li l-awtorità kompetenti sejra tagħti l-kunsens għal talba biex tixtri, tifdi jew tixtri mill-ġdid l-istrumenti;

(l) distribuzzjonijiet skont l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) jitħallsu mill-elementi distribwibbli;

(ii) il-livell ta' distribuzzjonijiet li jsir fuq l-istrumenti ma jiġix emendat abbażi tal-istatus tal-kreditu tal-istituzzjoni jew l-impriża prinċipali tagħha;

(iii) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jagħtu lill-istituzzjoni diskrezzjoni sħiħa biex fi kwalunkwe waqt tikkanċella d- distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti għal perijodu mingħajr limitu u fuq bażi mhux kumulattiva, u l-istituzzjoni tista' tuża dawn il-pagamenti ikkanċellati mingħajr restrizzjoni sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha meta jkunu dovuti;

(iv) il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix każ ta' inadempjenza tal-stituzzjoni;

(v) il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet ma jkun jimponi l-ebda restrizzjoni fuq l- istituzzjoni;

(m) l-istrumenti ma jkunux jikkontribwixxu għad-determinazzjoni li l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni jeċċedu l-assi tagħha, fejn dan il-kalkolu jikkostitwixxi test ta' insolvenza skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(n) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta jseħħ avveniment skattatur, l-ammont tal-kapital tal-istrumenti titniżżel fil-valur fuq bażi permamenti jew temporanja jew li l-istrumenti jinqalbu għal strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(o) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jkunu jinkludu l-ebda karatteristika li tista' tfixkel ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni;

(p) fejn l-istrumenti ma jinħarġux direttament minn istituzzjoni, iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

(i) l-istrumenti jinħarġu permezz ta' entità fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(ii) ir-rikavati jkunu immedjatament disponibbli għall-istituzzjoni mingħajr limitazzjoni u f'forma li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandha titqies sodisfatta, minkejja l-istrumenti huma inklużi fil-Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 484(3), dment li jikklassifikaw pari passu.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan kollu li ġej:

(a) il-forma u n-natura tal-inċentivi biex jinfdew;

(b) in-natura ta' kwalunkwe żieda fil-valur tal-ammont tal-kapital tal-istrument ta' Grad 1 Addizzjonali b'segwitu għal tnaqqis fil-valur fuq bażi temporanja tal-ammont tal-kapital tiegħu;

(c) il-proċeduri u l-għażla taż-żmien għal dawn li ġejjin:

(i) id-determinazzjoni li jkun seħħ avveniment skattatur;

(ii) iż-żieda fil-valur tal-ammont tal-kapital tal-istrument ta' Grad 1 Addizzjonali b'segwitu għal tnaqqis fil-valur fuq bażi temporanja tal-ammont tal-kapital tiegħu;

(d) il-karatteristiċi tal-istrumenti li jistgħu jfixklu r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni;

(e) l-użu ta' entitajiet b'għan speċjali għall-ħruġ indirett ta' strumenti ta' fondi proprji.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 53*

**Restrizzjonijiet fuq il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet fuq strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u karatteristiċi li jistgħu jfixklu r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni**

Għall-finijiet tal-punti (l)(v) u (o) tal-Artikolu 52(1), id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom, b'mod partikolari, ma jinkludux dawn li ġejjin:

(a) rekwiżit li jsiru distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti fil-każ ta' distribuzzjoni fuq strument maħruġ minn istituzzjoni li tikklassifika fl-istess grad bħal, jew subordinat minn, strument ta' Grad 1 Addizzjonali, inkluż strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) rekwiżit li l-pagament ta' distribuzzjonijiet fuq strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali jew ta' Grad 2 jiġu kkanċellati fil-każ li ma jsirux distribuzzjonijiet fuq dawk l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali;

(c) l-obbligu biex il-pagament ta' imgħax jew ta' dividend jiġi sostitwit permezz ta' pagament fi kwalunkwe forma oħra. L-istituzzjoni ma għandhiex altrimenti tkun soġġetta għal tali obbligu.

*Artikolu 54*

**Tnaqqis fil-valur jew konverżjoni ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali**

1. Għall-finijiet tal-punt tal-punt (n) tal-Artikolu 52(1), id-dispożizzjonijiet segwenti għandhom japplikaw għal strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali:

(a) avveniment skattatur iseħħ meta l-proporzjon tal-kreditu ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1) jaqa' taħt xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) 5,125 %;

(ii) livell ogħla minn 5,125 %, fejn iddeterminat mill-istituzzjoni u speċifikat fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument;

(b) fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument, l-istituzzjonijiet jistgħu jispeċifikaw avveniment skattatur wieħed jew aktar b'żieda għal dak imsemmi fil-punt (a);

(c) fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jeħtieġu li jiġu kkonvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 meta jseħħ avveniment skattatur, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jispeċifikaw waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ir-rata ta' din il-konverżjoni u limitu fuq l-ammont ta' konverżjoni permess;

(ii) il-medda li fiha l-istrumenti sejrin jiġu kkonvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(d) fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jeħtieġu li meta jseħħ avveniment skattatur l-ammont ta' kapital tagħhom jitniżżawl fil-valur, it-tniżżil fil-valur għandu jnaqqas is-segwenti kollha:

(i) il-pretensjoni tad-detentur tal-istrument fl-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(ii) l-ammont li jrid jitħallas fil-każ tas-sejħa jew fidi tal-istrument;

(iii) id-distribuzzjonijiet li jkunu saru fuq l-istrument.

2. It-tnaqqis fil-valur jew il-konverżjoni ta' strument ta' Grad 1 Addizzjonali għandu, skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, jiġġenera elementi li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. L-ammont ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali rikonoxxut f'elementi ta' Grad 1 Addizzjonali huwa limitat għall-ammont minimu tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jiġu ġġenerati jekk l-ammont tal-kapital tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jiġu kompletament imnaqqsa fil-valur jew konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

4. L-ammont aggregat ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jrid jonqos fil-valur jew konvertit meta jseħħ avveniment skattatur m'għandux ikun inqas mill-iżjed ammont baxx ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammont meħtieġ sabiex il-proporzjon ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni jkun restawrat b'mod sħiħ għal 5,125 %;

(b) l-ammont tal-kapital sħiħ tal-istrument.

5. Meta jseħħ avveniment skattatur, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dan li ġej:

(a) jinfurmaw immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti;

(b) jinfurmaw lid-detenturi tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali;

(c) inaqqsu fil-valur l-ammont tal-kapital tal-istrumenti, jew jikkonvertu l-istrumenti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn xahar, f'konformità mar-rekwiżit stipulat f'dan l-Artikolu.

6. Istituzzjoni li toħroġ strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jikkonvertu għal Ekwità Komuni ta' Grad 1 fil-każ ta' avveniment li joħloq dan għandha tiżgura li l-kapital tas-sehem awtorizzat ikun dejjem suffiċjenti, biex l-istrumenti konvertibbli ta' Grad 1 Addizzjonali bħal dawn ikunu kkonvertiti f'sehmiet jekk iseħħ avveniment li joħloq dan. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa għandhom jinkisbu fid-data tal-ħruġ ta' tali strumenti konvertibbli ta' Grad 1. L-istituzzjoni għandha dejjem iżżomm l-awtorizzazzjoni meħtieġa bil-quddiem biex jinħarġu l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li fihom jiġu kkonvertiti tali strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali fil-każ ta' avveniment li joħloq dan.

7. Istituzzjoni li toħroġ strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jikkonvertu f'Ekwità Komuni ta' Grad 1 fil-każ ta' avveniment li joħloq dan għandha tiżgura li ma jkunx hemm ostakoli proċedurali għal dik il-konverżjoni permezz tal-inkorporazzjoni jew l-istatuti jew l-arranġamenti kuntrattwali tagħha.

*Artikolu 55*

**Konsegwenzi tal-fatt li ma jibqgħux jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali**

Is-segwenti għandhom japplikaw meta, fil-każ ta' strument ta' Grad 1 Addizzjonali, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ma jibqgħux jiġu ssodisfati:

(a) dak l-istrument immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Grad 1 Addizzjonali;

(b) il-parti tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatata ma' dak l-istrument għandha tieqaf immedjatament milli tikkwalifika bħala elementi ta' Grad 1 Addizzjonali.

Taqsima 2

**Tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 Addizzjonali**

*Artikolu 56*

**Tnaqqis minn elementii ta' Grad 1 Addizzjonali**

L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu dawn li ġejjin mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali:

(a) holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni tal-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali, inkluż strumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti;

(b) holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li magħhom l-istituzzjoni jkollha holdings inkroċjati reċiproki li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li tkun ġiet iddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(c) l-ammont applikabbli ddeterminat skont l-Artikolu 60 ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(d) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet, eskluż pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għalħamest ijiem tax-xogħol jew inqas;

(e) l-ammont ta' elementi meħtieġa li jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 66 li jaqbeż il-kapital ta' Grad 2 tal-istituzzjoni;

(f) kull imposta ta' taxxa relatat ma' elementi ta' Grad 1 prevedibbli fil-mument tal-kalkolu tagħha, ħlief fejn l-istituzzjoni b'mod xieraq taġġusta l-ammont ta' elementi ta' Grad 1 sa fejn tali impisti ta' taxxa jnaqqsu l-ammont sa liema dawk l-elementi jistgħu jiġu applikati biex ikopru riskji jew telf.

*Artikolu 57*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali**

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 56, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-holdings tal-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali abbażi ta' pożizzjonijiet twal grossi dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont ta' holdings tal-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali abbażi tal-pożizzjoni netta twila dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti jew sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu netting tal-pożizzjonijiet grossi twal fl-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali bħala riżultat ta' holdings ta' titoli ta' indiċi kontra l-pożizzjonijiet qosra fl-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali bħala riżultat ta' pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inkluż meta dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju għall-kontroparti, dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jinsabu fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu jew fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

*Artikolu 58*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u meta istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka artifiċjalment iddisinjata biex tkabbar il-fondi proprji**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 56 skont dawn li ġejjin:

(a) il-holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal;

(b) l-elementi ta' assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għall-finijiet ta' tnaqqis.

*Artikolu 59*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 skont is-segwenti:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-maturità tal-pożizzjoni qasira tkun taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni t-twila jew ikollha maturità residwa ta' mill-inqas sena;

(ii) jew kemm il-pożizzjoni qasira kif ukoll dik twila jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti ta' kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f'dawk l-indiċi;

*Artikolu 60*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju**

1. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 56, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju jaqbeż l-10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jiġu applikati dawn li ġejjin:

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

(ii) il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii) sa (v) u l-punt (l) tal-Artikolu 36(1), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(iii) l-Artikoli 44 u 45;

(b) l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti diviż bl-ammont aggregat tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi kollha mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jinqasam bejn l-istrumenti kollha ta' Grad 1 Addizzjonali miżmuma. L-ammont li għandu jitnaqqas minn kull strument ta' Grad 1 Addizzjonali skont il-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat billi l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġi multiplikat bil-proporzjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' holdings li jeħtieġ jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) l-ammont speċifikat fil-punt (i) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt (ii):

(i) l-ammont totali tal-istrument ta' Grad 1 Addizzjonali;

(ii) l-ammont aggregat ta' holdings diretti,indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom.

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 56 li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabiliti fil-punti (a)(i), (ii) u (iii) tal-paragrafu 1 m'għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-porzjon tal-holdings ta' strumenti tal-fondi proprji li jkunu ppeżati għar-riskju billi jiddividu l-ammont speċifikat fil-punt (a) bl-ammont speċifikat fil-punt (b):

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) l-ammont speċifikat fil-punt (i) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt (ii):

(i) l-ammont totali tal-Istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(ii) l-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet fis-settur finanzjarju li l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti fihom.

Taqsima 3

### Kapital ta' grad 1 addizzjonali

*Artikolu 61*

#### Kapital ta' Grad 1 Addizzjonali

Il-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali ta' istituzzjoni għandu jikkonsisti minn elementi ta' Grad 1 wara t-tnaqqis tal-elementi msemmija fl-Artikolu 56 u wara li jiġi applikat l-Artikolu 79.

*KAPITOLU 4*

## *Kapital ta' Grad 2*

Taqsima 1

### Elementi u strumenti ta' grad 2

*Artikolu 62*

#### Elementi ta' Grad 2

Elementi ta' Grad 2 għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) strumenti ta' kapital u self subordinat fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ikunu ssodisfatti;

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal- istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) għall-istituzzjonijiet li qegħdin jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-aġġustamenti ġenerali tar-riskju ta' kreditu, gross mill-effetti tat-taxxa, sa 1,25 % tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju kkalkulati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

(d) għall-istituzzjonijiet li qegħdin jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-ammonti pożittivi, gross mill-effetti tat-taxxa, bħala riżultat tal-kalkolu stabilit fl-Artikoli 158 u 159 sa 0,6 % tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju kkalkolati skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.

L-elementi inklużi taħt il-punt (a) ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew ta' Grad 1 Addizzjonali.

*Artikolu 63*

**Strumenti ta' Grad 2**

L-istrumenti ta' kapital u self subordinat għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-istrumenti jkunu nħarġu jew ikun ingħata s-self subordinat, kif applikabbli, u tħallsu kompletament;

(b) l-istrumenti ma nxtrawx jew ma jkunx ingħata s-self subordinat, kif applikabbli, minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) impriża li fiha l-istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni fil-forma ta' sjieda, diretta jew permezz ta' kontroll, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' dik l-impriża;

(c) ix-xiri tal-istrumenti jew l-għoti tas-self subordinat, kif applikabbli, ma jkunx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-istituzzjoni;

(d) il-pretensjoni fuq l-ammont ta' kapital tal-istrumenti skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jew il-pretensjoni tal-ammont prinċipali tas-self subordinat skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-self subordinat, kif applikabbli, tkun totalment subordinata għal pretensjonijiet tal-kredituri kollha li ma jkunux subordinati;

(e) l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jkunux koperti, jew soġġetti għal garanzija li ssaħħaħ is-superjorità tal-pretensjoni minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punt (i) sa (v);

(f) l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jkunux soġġetti għal xi arranġament li altrimenti jtejjeb is-superjorità tal-pretensjoni taħt l-istrumenti, jew is-self subordinat rispettivament;

(g) l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, għandhom maturità oriġinali ta' mill-inqas ħames snin;

(h) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jinkludu l-ebda inċentiv biex l-ammont kapitali tagħhom jinfeda jew jitħallas lura, kif applikabbli, mill-istituzzjoni qabel il-maturità tagħhom;

(i) fejn l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, jinkludu dritt ta' xiri wieħed jew aktar jew drittijiet ta' ħlas lura bikri, kif applikabbli, dan id-dritt huwa eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent jew debitu, kif applikabbli;

(j) l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, jistgħu jinxtraw, jinfdew jew jinxtraw mill-ġdid jew jitħallsu lura b'mod bikri biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77 jiġu ssodisfati, u mhux qabel ħames snin wara d-data tal-ħruġ jew l-għoti, kif applikabbli mill-istituzzjoni ħlief meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 78(4);

(k) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ser jew jistgħu jinxtraw, jinfdew, jinxtraw mill-ġdid jew jitħallsu lura b'mod bikri, kif applikabbli, mill-istituzzjoni għajr f'każ ta' insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni u l-istituzzjoni ma tipprovdix b'mod ieħor tali indikazzjoni;

(l) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jagħtux lid-detentur id-dritt li jgħaġġel il-pagamenti skedati fil-futur tal-imgħax jew tal-ammont tal-kapital, ħlief fil-każ insolvenza jew likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(m) il-livell ta' imgħax jew ta' pagamenti ta' dividendi, kif applikabbli, dovuti fuq l-istrumenti jew is-self subordinat, kif applikabbli, ma jiġix emendat abbażi tal-istatus tal-kreditu tal-istituzzjoni jew l-impriża prinċipali tagħha;

(n) fejn l-istrumenti ma jinħarġux direttament minn istituzzjoni, jew fejn is-self subordinat ma jiġix riċevut direttament minn istituzzjoni, kif applikabbli, iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

(i) l-istrumenti jinħarġu jew is-self subordinat jiġi riċevut, kif applikabbli, permezz ta' entità, li hija parti mill-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(ii) ir-rikavati jkunu immedjatament disponibbli għall-istituzzjoni mingħajr limitazzjoni f'forma li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu.

*Artikolu 64*

**Amortizzazzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2**

Il-punt sa fejn strumenti ta' Grad 2 jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 matul l-aħħarħames snin ta' maturità tal-istrumenti jiġi kkalkulat billi r-riżultat derivat mill-kalkolu fil-punt (a) jiġi mmultiplikat bl-ammont imsemmi fil-punt (b) kif ġej:

(a) l-ammont nominali tal-istrumenti jew is-self subordinat fl-ewwel ġurnata tal-perjodu finali ta' ħames snin tal- maturità kuntrattwali diviż bin-numru ta' jiem kalendarji f'dak il-perjodu;

(b) in-numru ta' jiem kalendarji ta' maturità kuntrattwali li jibqa' tal-istrumenti jew tas-self subordinat.

*Artikolu 65*

**Il-konsegwenzi tal-fat li ma jibqgħux jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Grad 2**

Meta fil-każ ta' strument ta' Grad 2 il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jibqgħux jiġu ssodisfati, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) dak l-istrument għandu immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Grad 2;

(b) il-parti tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatata ma' dak l-istrument għandha immedjatament ma tibqax tikkwalifika bħala elementi ta' Grad 2.

Taqsima 2

**Tnaqqis minn elementi ta' grad 2**

*Artikolu 66*

**Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2**

Dawn li ġejjin għandhom jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2:

(a) holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti proprji ta' Grad 2, inkluż strumenti proprji ta' Grad 2 li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti;

(b) holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li magħhom l-istituzzjoni ikollha holdings inkroċjata reċiproka li l- awtorità kompetenti tikkunsidra li tkun ġiet iddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(c) l-ammont applikabbli ddeterminat skont l-Artikolu 70 ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(d) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet, esklużi pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal inqas minn ħamest ijiem tax-xogħol.

*Artikolu 67*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti proprji ta' Grad 2**

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 66, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw holdings abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-holdings fuq il-bażi tal-pożizzjoni twila netta dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta' negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta' Grad 2 f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkumpensaw il-pożizzjonijiet grossi twal fl-istrumenti ta' Grad 2 bħala riżultat ta' parteċipazzjonijiet ta' titoli tal-indiċi kontra pożizzjonijiet qosra fl-istrumenti proprji ta' Grad 2 bħala riżultat ta' pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inkluż fejn dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju għall-kontroparti, dment li jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta' negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

*Artikolu 68*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u fejn istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka ddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 66 skont dawn li ġejjin:

(a) holdings ta' strumenti ta' Grad 2 għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal;

(b) holdings ta' elementi ta' assigurazzjoni bħala fondi proprji ta' Grad 2 u ta' elementi ta' assigurazzjoni bħala fondi proprji ta' Grad 3 għandhom jiġu ttrattati bħala holdings ta' strumenti ta' Grad 2 għall-finijiet ta' tnaqqis.

*Artikolu 69*

**Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ mill-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 skont is-segwenti:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Grad 1 tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-maturità tal-pożizzjoni qasira tkun taqbel mal-maturità tal-pożizzjoni t-twila jew ikollha maturità residwa ta' mill-inqas sena;

(ii) jew kemm il-pożizzjoni twila kif ukoll dik qasira jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi billi jikkalkulaw l-iskopertura sottostanti għall- istrumenti ta' kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f'dawk l-indiċi.

*Artikolu 70*

**Tnaqqis ta' strumenti ta' Grad 2 meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'entità rilevanti**

1. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 66, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju jaqbeż l-10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jiġu applikati dawn li ġejjin:

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

(ii) il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii) sa (v) u l-punt (l) tal-Artikolu 36(1), eskluż l-ammont li jrid jitnaqqas bħala assi ta' taxxa differita li jiddependi fuq profitabbiltà futura u jirriżulta minn differenzi temporanji;

(iii) l-Artikoli 44 u 45;

(b) l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju diviż bl-ammont aggregat tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi kollha mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jitqassam f'proporzjon tul kull strument ta' Grad 2 miżmum. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon tal-holdings ta' strumenti ta' Grad 2 li għandu jitnaqqas billi jiġi multiplikat l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-propozjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) ammont totali ta' holdings li jkun meħtieġ li jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) ammont speċifikat fil-punt (i) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt fil-punt (ii):

(i) ammont totali tal-istrument ta' Grad 2;

(ii) ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom.

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 66(1) li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (iii) tal-paragrafu 1 m'għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-porzjon tal-holdings ta' strumenti tal-fondi proprji li jkunu ppeżati għar-riskju billi jiddividu l-ammont speċifikat fil-punt (a) bl-ammont speċifikat fil-punt (b):

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) l-ammont speċifikat fil-punt (i) diviż bl-ammont speċifikat fil-punt (ii):

(i) l-ammont totali tal-Istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(ii) l-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' entitajiet fis-settur finanzjarju li l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti fihom.

Taqsima 3

**Kapital ta' grad**

*Artikolu 71*

**Kapital ta' Grad 2**

Il-kapital ta' Grad 2 ta' istituzzjoni għandu jikkonsisti mill-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni wara t-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 66 u wara li jiġi applikat l-Artikolu 79.

*KAPITOLU 5*

***Fondi proprji***

*Artikolu 72*

**Fondi proprji**

Il-fondi proprji ta' istituzzjoni għandhom jikkonsistu mis-somma tal-kapital ta' Grad 1 u l-kapital ta' Grad 2 tagħha.

*KAPITOLU 6*

***Rekwiżiti ġenerali***

*Artikolu 73*

**Distribuzzjonijiet fuq strumenti ta' fondi proprji**

1. Sstrumenti kapitali li dwarhom istituzzjoni jkollha diskrezzjoni esklużiva biex tiddeċiedi tħallas distribuzzjonijiet f'forma li ma tkunx fi flus kontanti jew strument ta' fondi proprji m'għandhomx ikunu jistgħu jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 sakemm l-istituzzjoni ma tkunx irċeviet minn qabel permess mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-permess imsemmi fil-paragrafu 1 unikament meta jikkunsidraw li l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ġew issodisfatti:

(a) l-kapaċità tal-istituzzjoni tikkanċella pagamenti skont l-istrument ma tkunx affettwata ħażin mid-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew il-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet;

(b) l-ħila tal-istrument li jassorbi t-telf ma tkunx affettwata ħażin mid-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew mill-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet;

(c) l-kwalità tal-istrument kapitali ma tonqosx b'xi mod ieħor minħabba d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew minħabba l-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet.

3. L-istrumenti kapitali li dwarhom persuna ġuridika għajr l-istituzzjoni li tkun ħarġithom ikollha d-diskrezzjoni biex tiddeċiedi jew tesiġi li l-pagament ta' distribuzzjonijiet rigward l-istrument għandhom isiru f'forma li ma tkunx fi flus jew strument ta' fondi proprji m'għandhomx ikunu jistgħu jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw f'indiċi wiesa' tas-suq bħala waħda mill-bażijiet biex jiġi determinat il-livell tad-distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2.

5. Il-paragrafu 4 m'għandux japplika meta l-istituzzjoni tkun entità ta' riferiment f'dak l-indiċi wiesa' tas-suq sakemm ma jiġux issodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) -istituzzjoni tikkunsidra li l-movimenti f'dak l-indiċi wiesa' tas-suq ma jkunx korrelatat b'mod sinifikanti mal-pożizzjoni tal-kreditu tal-istituzzjonil, l-istituzzjoni prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali mħallta jew il-kumpannija azzjonarja prinċipali ta' attività mħallta tagħha;

(b) l-awtorità kompetenti ma tkunx waslet għal determinazzjoni differenti minn dik imsemmija fil-punt (a).

6. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw u jiżvelaw l-indiċi wesgħin tas-suq li jiddependu fuqhom l-istrumenti tal-kapital tagħhom.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet skont liema indiċi għandhom jitqiesu bħala li jikkwalifikaw bħala indiċi wesgħin tas-suq għall-finijiet tal-paragrafu 4.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 74*

**Holdings ta' strumenti kapitali maħruġa minn entitajiet regolati tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala kapital regolatorju**

L-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu minn xi element ta' fondi proprji holdings diretti, indiretti jew sintetiċi ta' stumenti kapitali maħruġa minn entità regolata tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala kapital regolatorju ta' dik l-entità. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piżijiet tar-riskju għal dawn il-holdings skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

*Artikolu 75*

**Rekwiżiti ta' tnaqqis u maturità għall-pożizzjonijiet qosra**

Ir-rekwiżiti ta' maturità għal pożizzjonijiet qosra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 45, fil-punt (a) tal-Artikolu 59 u l-punt (a) tal-Artikolu 69 għandhom jitqiesu li ntlaħqu fir-rigward ta' pożizzjonijiet miżmuma meta jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha d-dritt kuntrattwali ta' bejgħ f'data speċifika fil-futur lill-kontroparti li tipprovdi ħeġġ tal-pożizzjoni twila li qed tiġi ħheġġjata;

(b) il-kontroparti li tipprovdi l-ħeġġ lill-istituzzjoni hija kuntrattwalment obbligata li tixtri mill-istituzzjoni f'dik id-data speċifika futura l-pożizzjoni twila msemmija fil-punt (a).

*Artikolu 76*

**Holdings tal-indiċi ta' strumenti kapitali**

1. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 42, tal-punt (a) tal-Artikolu 45, tal-punt (a) tal-Artikolu 57, tal-punt (a) tal-Artikolu 59, tal-punt (a) tal-Artikolu 67 u tal-punt (a) tal-Artikolu 69, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' pożizzjoni twila fi strument kapitali bil-porzjon ta' indiċi li hu magħmul mill-istess skopertura sottostanti li qed tiġi ħheġġjata, sakemm jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jew kemm il-pożizzjoni twila li qed tiġi ħheġġjata kif ukoll il-pożizzjoni qasira f'indiċi użat biex jiħheġġja dik il-pożizzjoni twila jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafolli mhux ta' negozjar;

(b) il-pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jinżammu bil-valur ġust fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni;

(c) il-pożizzjoni qasira msemmija fil-punt (a) tikkwalifika bħala ħeġġ effettiv taħt il-proċessi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċessi ta' kontroll imsemmija fil-punt (c) minn tal-inqas fuq bażi annwali u jkunu sodisfatti bl-adegwatezza kontinwata tagħhom.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tkun tat il-permess minn qabel tagħha, istituzzjoni tista' tuża stima konservattiva tal-iskopertura sottostanti tal-istituzzjoni għall-istrumenti kapitali inklużi fl-indiċi bħala alternattiva għal istituzzjoni li tikkalkula l-iskopertura tagħha għall-elementi msemmija fil-punt (a) jew (b) jew fit-tnejn li huma:

(a) l-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 inklużi fl-indiċi;

(b) l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, inklużi fl-indiċi

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-permess imsemmi fil-paragrafu 2 biss meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tagħhom li jkun operattivament ta' piż għall-istituzzjoni li timmonitorja l-iskopertura sottostanti tagħha għall-elementi msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 2 jew fit-tnejn li huma, kif applikabbli.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) meta estimu użat bħala alternattiva għall-kalkolu tal-iskopertura sottostanti msemmi fil-paragrafu 2 huwa konservattiv biżżejjed;

(b) it-tifsira ta' operazzjonalment ta' piż għall-finijiet tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 77*

**Kondizzjonijiet għat-tnaqqis tal-fondi proprji**

Istituzzjoni għandha teħtieġ il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti biex tagħmel dawn li ġejjin jew wieħed minnhom:

(a) tnaqqas, jifdi jew tixtri mill-ġdid strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa mill-istituzzjoni f'mod li jkun permess skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(b) twettaq ix-xiri, il-fidi, il-pagament lura jew ix-xiri mill-ġdid ta' strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' strumenti ta' Grad 2 kif applikabbli, qabel id-data tal-maturità kuntrattwali tagħhom.

*Artikolu 78*

**Permess superviżorju għat-tnaqqis tal-fondi proprji**

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biex istituzzjoni tnaqqas, tixtri mill-ġdid, tixtri jew tifdi strumenti ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 meta xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfatta:

(a) qabel jew fl-istess ħin tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 77, l-istituzzjoni tissostitwixxi l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 77 bi strumenti ta' fondi proprji li jkunu ta' kwalità ugwali jew ogħla f'termini li jkunu sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-fondi proprji tal-istituzzjoni sejrin, wara l-azzjoni inkwistjoni, jeċċedu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92(1) ta' dan ir-Regolament u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tal-Direttiva 2013/36/UE b'marġni li l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li jkun meħtieġ abbażi tal-Artikolu 104(3) tad-Direttiva 2013/36/UE

2. Meta skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 tkun qed tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tal-istrumenti ta' sostituzzjoni għall-kapaċità ta' introjtu tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-grad sa fejn dawk l-istrumenti kapitali ta' sostituzzjoni jkunu aktar kostużi għall-istituzzjoni milli dawk li jissostitwixxu.

3. Meta istituzzjoni tieħu azzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 77 u r-rifjut ta' tifdija ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 msemmija fl-Artikolu 27 ikun projbit mid-dritt nazzjonali applikabbli, l-awtorità kompetenti tista' teżenta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sakemm l-awtorità kompetenti teħtieġ li l-istituzzjoni tillimita t-tifdija ta' dawn l-istrumenti fuq bażi xierqa.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess lill-istituzzjonijiet li jifdu strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 qabel ħames snin mid-data tal-ħruġ iżda biss meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u l-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) ikun hemm bidla fil-klassifika regolatorja ta' dawk l-istrumenti li tkun x'aktarx tirriżulta fl-esklużjoni tagħhom mill-fondi proprji jew fl-ikklassifikar mill-ġdid bħala forma ta' kwalità inferjuri ta' fondi proprji, u jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti tikkunsidra li tali bidla hi suffiċjentement ċerta;

(ii) l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li l- ikklassifikar mill-ġdid regolatorju ta' dawk l-istrumenti ma kienx raġonevolment prevedibbli fil-ħin tal-ħruġ tagħhom;

(b) ikun hemm bidla fit-trattament applikabbli tat-taxxa ta' dawk l-istrumenti li l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tkun materjali u ma kinitx raġonevolment prevedibbli fil-ħin tal-ħruġ tagħhom.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) it-tifsira ta' sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni;

(b) il-bażijiet xierqa għal-limitazzjoni tat-tifdija msemmija fil-paragrafu 3;

(c) il-proċess u r-rekwiżiti ta' data biex istituzzjoni tapplika għall-permess tal-awtorità kompetenti biex twettaq azzjoni msemmija fl-Artikolu 77, inkluż il-proċess li jiġi applikat f'każ ta' fidi ta' ishma maħruġa lil membri ta' soċjetajiet kooperattivi u l-perijodu ta' żmien għall-ipproċessar ta' tali applikazzjoni.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 79*

**Rinunzja temporanja mit-tnaqqis mill-fondi proprji**

1. Meta istituzzjoni jkollha strumenti kapitali jew tat self subordinat, kif applikabbli, li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 f'entità tas-settur finanzjarju b'mod temporanju u l-awtorità kompetenti tqis li dawk il-holdings ikunu għall-finijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja maħsuba biex jirriorganizzaw u jsalvaw dik l-entità, l-awtorità kompetenti tista' teżenta fuq bażi temporanja d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis li kieku japplikaw għal dawk l-istrumenti.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kunċett ta' temporanju għall-finijiet tal-paragrafu 1 u l-kondizzjonijiet skont liema awtorità kompetenti tista' tqis li dawk il-holdings temporanji jkunu għall-finijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja maħsuba biex torganizza u ssalva lil dik l-entità.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 80*

**Analiżi kontinwa tal-kwalità tal-fondi proprji**

1. L-ABE għandha timmonitorja l-kwalità tal-istrumenti tal-fondi proprji maħruġa minn istituzzjonijiet madwar l-Unjoni u għandha minnufih tinnotifika lill-Kummissjoni fejn ikun hemm evidenza sinifikanti li dawk l-istrumenti ma jilħqux il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli l-Artikolu 29.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, bla dewmien, fuq talba tal-ABE, jibagħtu l-informazzjoni kollha li l-ABE tqis bħala rilevanti rigward l-istrumenti kapitali ġodda maħruġa sabiex l-ABE tkun tista' tissorvelja l-kwalità tal-istrumenti tal-fondi proprji maħruġa minn istituzzjonijiet madwar l-Unjoni.

2. Notifika għandha tinkludi dawn li ġejjin:

(a) spjegazzjoni dettaljata tan-natura u l-grad tan-nuqqas identifikat;

(b) parir tekniku dwar l-azzjoni mill-Kummissjoni li l-ABE tikkunsidra li tkun meħtieġa;

(c) żviluppi sinifikanti fil-metodoloġija tal-ABE għall-ittestjar għal stress tas-solvenza tal-istituzzjonijiet.

3. L-ABE għandha tipprovdi parir tekniku lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tibdil sinifikanti li tikkunsidra li jkun meħtieġ għad-definizzjoni tal-fondi proprji bħala riżultat ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) żviluppi rilevanti fl-istandards jew fil-prattika tas-suq;

(b) tibdil fl-istandards rilevanti ġuridiċi jew kontabilistiċi;

(c) żviluppi sinifikanti fil-metodoloġija tal-ABE għall-ittestjar għal stress tas-solvenza tal-istituzzjonijiet.

4. L-ABE għandha tipprovdi parir tekniku lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014 dwar trattament possibbli ta' qligħ mhux realizzat imkejjel f'valur ġust minbarra li tinkludihom f'Ekwità Komuni ta' Grad 1 mingħajr aġġustament. Tali rakkomandazzjonijiet għandhom jieħdu kont ta' żviluppi rilevanti fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u fi ftehimiet internazzjonali dwar standards prudenzjali għall-banek.

TITOLU II

**INTERESS MINORITARJU U STRUMENTI TA' GRAD 1 U TA' GRAD 2 ADDIZZJONALI MAĦRUĠA MINN SUSSIDJARJI**

*Artikolu 81*

**Interessi minoritarji li jikkwalifikaw għal inklużjoni fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. Interessi minoritarji għandhom jinkludu s-somma tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati ma' dawk l-istrumenti, qligħ miżmum, u riżervi oħrajn ta' sussidjarja fejn il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) is-sussidjarja tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjoni;

(ii) impriża li skont id-dritt nazzjonali applikabbli tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ta' din id-Direttiva 2013/36/UE;

(b) is-sussidjarja tkun inkluża totalment fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) l-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1, imsemmija fil-parti introduttorja ta' dan il-paragrafu jkunu proprjetà ta' persuni minbarra mill-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

2. Interessi minoritarji li jkunu direttament jew indirettament iffinanzjati, permezz ta' entità b'għan speċjali jew b'mod ieħor, mill-impriża prinċipali tal-istituzzjoni, jew is-sussidjarji tagħha ma għandhomx jikkwalifikaw bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

*Artikolu 82*

**Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 1, ta' Grad 2 u fondi proprji kwalifikattivi**

Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 1, ta' Grad 2 u fondi proprji kwalifikattivi għandhom jinkludu l-interess minoritarju, l-istrumenti Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2, kif applikabbli, flimkien mal-qligħ miżmum u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, ta' sussidjarja meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) is-sussidjarja tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjoni;

(ii) impriża li skont id-dritt nazzjonali applikabbli tkun soġġetta għar- rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ta' din id-Direttiva 2013/36/UE;

(b) is-sussidjarja tkun inkluża totalment fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) dawk l-istrumenti jkunu proprjetà ta' persuni minbarra mill-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

*Artikolu 83*

**Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 u ta' Grad 2 Addizzjonali maħruġ minn entità b'għan speċjali**

1. Strumenti ta' Grad 1 u ta' Grad 2 Addizzjonali maħruġa minn entità b'għan speċjali, u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati jkunu inklużi fil-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, Grad 1 jew ta' Grad 2 jew fil-fondi proprji kwalifikattivi, kif applikabbli, biss meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) l-entità b'għan speċjali li toħroġ dawk l-istrumenti tkun inkluża totalment fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(b) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, ikunu inklużi fil-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) jiġu ssodisfatti;

(c) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, ikunu inklużi f'kapital kwalifikattiv ta' Grad 2 biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ikunu ssodisfatti;

(d) l-uniku assi tal-entità b'għan speċjali jkun l-investiment tagħha fil-fondi proprji tal-impriża prinċipali jew sussidjarja tagħha li tkun inkluża b'mod sħiħ fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed, li l-forma tiegħu tissodisfa l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 52(1) jew 63, kif applikabbli.

Fejn l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-assi ta' entità b'għan speċjali minbarra l-investiment tagħha fil-fondi proprji tal-impriża prinċipali jew sussidjarja tagħha li hija inkluża fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II ta' Parti Wieħed, huma minimi u insinifikanti għal tali entità, l-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja l-kondizzjoni speċifikata fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' assi li jistgħu jirrigwardaw l-operazzjoni ta' entitajiet b'għan speċjali u l-kunċetti ta' minimu u insinifikanti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 84*

**Interessi minoritarji inklużi fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' interessi minoritarji ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 billi jnaqqsu mill-interessi minoritarji ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b):

(a) il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik is-sussidjarja li jkun meħtieġ biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti imsemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 500 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfatti mill-kapital tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(ii) l-ammont tal-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik is-sussidjarja li jkun meħtieġ biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 500 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfatti mill-kapital tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1.

(b) l-interessi minoritarji tas-sussidjarja espressi bħala perċentwal tal-istrumenti kollha ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik l-impriża flimkien mal-kontijiet tal-primjum azzjonarju, qligħ miżmum u riżervi oħra relatati.

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, l-interess minoritarju ta' dik is-sussidjarja ma jistax jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stipulat fl-Artikolu 7, l-interess minoritarju fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandux ikun rikonoxxut f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kalkolu subkonsolidat meħtieġ f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 85 u 87,

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015 fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu lil kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attività prinċipali tagħha hija li tikseb holdings;

(b) hija soġġetta għal superviżjoni prudenzjali fuq bażi kkonsolidata;

(c) tikkonsolida istituzzjoni sussidjarja li fiha għandha biss holding minoritarju permezz tar-relazzjoni ta' kontroll definita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 83/349/KEE;

(d) aktar minn 90 % tal-kapital konsolidat meħtieġ tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 jirriżulta mill-istituzzjoni sussidjarja msemmija fil-punt c) kkalkulat fuq bażi subkonsolidata.

Fejn, wara 31 ta' Diċembru 2014, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ssir kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu r-rinunzja msemmija fl-ewwel subparagrafu lil dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali dment li tissodisfa l-kondizzjonijiet f'dak is-subparagrafu.

6. Fejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati b'mod permanenti f'netwerk ma' korp ċentrali u istituzzjonijiet stabbiliti fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) stabbilixxew skema ta' garanzija trasversali li tipprevedi li m'hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment tal-ammont ta' fondi proprji aktar mir-rekwiżiti regolatorji mill-kontroparti għall-istituzzjoni tal-kreditu, dawn l-istituzzjonijiet huma eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu dwar it-tnaqqis u jistgħu jirrikonoxxu kwalunkwe interess minoritarju li jirriżulta fl-iskema ta' garanzija trasversali bis-sħiħ.

*Artikolu 85*

**Strumenti kwalifikattivi ta' Grad 1 inklużi fil-kapital konsolidat ta' Grad 1**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont kwalifikattiv ta' kapital ta' Grad 1 ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-fondi proprji konsolidati billi jitnaqqas mill-fondi proprji ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b).

(a) il-kapital ta' Grad 1 tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital ta' Grad 1 ta' dik is-sussidjarja li jkun meħtieġ biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti imsemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 500 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfatti mill-kapital ta' Grad 1;

(ii) l-ammont tal-kapital konsolidat ta' Grad 1 relatat mas-sussidjarja meħtieġa fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti imsemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 500 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfatti mill-kapital ta' Grad 1;

(b) il-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 tas-sussidjarja mfisser bħala perċentwal tal-istrumenti kollha ta' Grad 1 ta' dik l-impriża flimkien mal- kontijiet tal-primjum azzjonarju, il-qligħ miżmum u riżervi oħra relatati.

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, il-kapital ta' Grad 1 ta' dik is-sussidjarja li jikkwalifika ma jistax jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1.

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stipulat fl-Artikolu 7, l-istrumenti ta' Grad 1 fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandhomx ikunu rikonoxxuti f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

*Artikolu 86*

**Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 inkluż fil-kapital konsolidat Addizzjonali ta' Grad 1**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 84(5) u (6), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1 Addizzjonali billi jnaqqsu mill-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' dik l-impriża inkluża fil-kapital konsolidat ta' Grad 1 l-interessi minoritarji ta' dik l-impriża li jkunu inklużi fil-kapital konsolidat tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1.

*Artikolu 87*

**Fondi proprji kwalifikattivi inklużi f'fondi proprji konsolidati**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' fondi proprji kwalifikattivi ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-fondi proprji konsolidati billi jitnaqqas mill-fondi proprji kwalifikattivi ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b):

(a) il-fondi proprji tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-fondi proprji tas-sussidjarja meħtieġ biex jissodosfa s-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 500 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi;

(ii) l-ammont tal-fondi proprji li jirrigwarda s-sussidjarja li jkun meħtieġ fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1), ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 476 u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi;

(b) il-fondi proprji kwalifikattivi tal-impriża, espressi bħala perċentwal tal-istrumenti kollha tal-fondi proprji tas-sussidjarja li jkunu inklużi fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 il-kontijiet tal-primjum azzjonarju, il-qligħ miżmum u riżervi oħra relatati.

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, il-fondi proprji ta' dik is-sussidjarja li jikkwalifikaw ma jistgħux jiġu inklużi fil-fondi proprji konsolidati.

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stipulat fl-Artikolu 7, l-istrumenti ta' fondi proprji fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandhomx ikunu rikonoxxuti f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

*Artikolu 88*

**Strumenti tal-fondi proprji kwalifikattivi inklużi fil-kapital konsolidat ta' Grad 2**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 84(5) u (6), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' fondi proprji kwalifikattivi ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 2 billi jnaqqsu mill-fondi proprji kwalifikattivi ta' dik l-impriża li tkun inkluża fil-fondi proprji konsolidati, il-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' dik l-impriża inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1.

TITOLU III

**HOLDINGS KWALIFIKATTIVI 'L BARRA MIS-SETTUR FINANZJARJU**

*Artikolu 89*

**Ippeżar tar-riskju u l-projbizzjoni ta' holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju**

1. Holding kwalifikattiva, li l-ammont tagħha jaqbeż l-15 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni, f'impriża li ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3:

(a) entità tas-settur finanzjarju;

(b) impriża, li ma tkunx entità tas-settur finanzjarju, li twettaq attivitajiet li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li jkunu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) estensjoni diretta ta' operazzjoni bankarja; jew

(ii) anċillari għal operazzjoni bankarja;

(iii) kiri, factoring, l-amministrazzjoni ta' unit trusts, il-ġestjoni ta' servizzi tal-ipproċessar ta' data jew xi attività simili oħra.

2. L-ammont totali tal-holdings kwalifikattivi ta' istituzzjoni f'impriżi minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 li jaqbeż s-60 % tal-kapital eliġibbli tagħhom għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) jew (b) għall-holdings kwalifikattivi tal-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2:

(a) għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' kapital skont il-Parti Tlieta, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont ta' holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 1 li jaqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli;

(ii) l-ammont totali ta' holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 2 li jaqbeż s-60 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet milli jkollhom holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 li l-ammont tagħhom jaqbeż l-perċentwali ta' kapital eliġibbli stabbilit f'dawk il-paragrafi.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-għażla tagħhom ta' (a) jew (b).

4. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, l-ABE għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw il-kunċetti li ġejjin:

(a) attivitajiet li huma estensjoni diretta ta' operazzjoni bankarja;

(b) attivitajiet anċillari għal operazzjoni bankarja;

(c) attivitajiet simili.

Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 90*

**Alternattiva għall-piż tar-riskju ta' 1 250 %**

Bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ammonti li jeċċedu l-limiti speċifikati fl-Artikolu 89(1) u (2), l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu dawk l-ammonti mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

*Artikolu 91*

**Eċċezzjonijiet**

1. L-azzjonijiet ta' impriżi li ma jkunux imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 89(1) m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limiti eliġibbli ta' kapital speċifikati f'dak l-Artikolu meta xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfatta:

(a) dawk l-azzjonijiet ikunu miżmuma temporanjament matul operazzjoni ta' għajnuna finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 79;

(b) iż-żamma ta' dawk l-azzjonijiet tkun pożizzjoni ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħames ijiem tax-xogħol jew inqas;

(c) dawk l-azzjonijiet ikunu miżmuma f'isem proprju tal-istituzzjoni u għan-nom ta' oħrajn.

2. L-azzjonijiet li ma jkunux assi fissi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 86/635/KEE ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu speċifikat fl-Artikolu 89.

## PARTI TLIETA

## REKWIŻITI TA' KAPITAL

### TITOLU I

### REKWIŻITI ĠENERALI, VALUTAZZJONI U RAPPURTAR

*KAPITOLU 1*

***Livell meħtieġ ta' fondi proprji***

Taqsima 1

**Rekwiżiti ta'fondi proprji għall-istituzzjonijiet**

*Artikolu 92*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji**

1. Soġġett għall-Artikoli 93 u 94, l-istituzzjonijiet għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin:

(a) proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' 4,5 %;

(b) proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' 6 %;

(c) proporzjon totali tal-kapital ta' 8 %.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon tal-kapital tagħhom kif ġej:

(a) il-proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ikun il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(b) il-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ikun il-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(c) il-proporzjon totali tal-kapital ikun il-fondi proprji tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.

3. L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal- punti (a) sa (f) ta' dan il-paragrafu wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4:

(a) l-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju għal riskju ta' kreditu u għal riskju ta' dilwizzjoni, ikkalkulati skont it-Titolu II u l-Artikolu 379, fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju kollha ta' istituzzjoni, eskluż l-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju min-negozju fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji, iddeterminati skont it-Titolu IV ta' din il-Parti jew tal-Parti Erbgħa, kif applikabbli, għan-negozju fil-portafoll tan-negozjar ta' istituzzjoni, għal dawn li ġejjin:

(i) riskji ta' pożizzjoni;

(ii) skoperturi kbar li jeċċedu l-limiti speċifikati fl-Artikoli 395 sa 401, sal- limitu li istituzzjoni titħalla taqbeż dawk il-limiti;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti skont it-Titolu IV jew it-Titolu V bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 379, kif applikabbli, għal dawn li ġejjin:

(i) riskju tal-kambju;

(ii) riskju ta' saldu;

(iii) riskju tal-prodotti;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati skont it-Titolu VI għar-riskju ta' aġġustament ta' valutazzjoni tal-kreditu ta' strumenti ta' derivati OTC minbarra derivattivi ta' kreditu rikonoxxuti li jnaqqsu l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal riskju ta' kreditu;

(e) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji ddeterminati skont it-Titolu III għal riskju operattiv;

(f) l-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju stabbiliti skont it-Titolu II għal riskju tal-kontroparti bħala riżultat tan-negozju fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni għat-tipi ta' transazzjonijiet u ftehimiet li ġejjin:

(i) kuntratti elenkati fl-Anness II u derivattivi ta' kreditu;

(ii) transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' prodotti abbażi ta' titoli jew prodotti;

(iii) transazzjonijiet ta' self b'marġni abbażi ta' titoli jew prodotti;

(iv) transazzjonijiet ta' saldu fit-tul.

4. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu tal-ammont totali tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 3:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-punti (c), (d) u (e) ta' dak il-paragrafu għandhom jinkludu dawk li ġejjin mill-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fil-punti (b) sa (e) ta' dak il-paragrafu bi 12,5.

*Artikolu 93*

**Rekwiżit ta' kapital inizjali fuq negozju avvjat**

1. Il-fondi proprji ta' istituzzjoni ma jistax ikun li jaqgħu taħt l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ meta ġiet awtorizzata.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienu diġà jeżistu fl-1 ta' Jannar 1993, li l-ammont tal-fondi proprji li ma jilħaqx l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ, jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom. F'dak il-każ, l-ammont tal-fondi proprji ta' dawk l-istituzzjonijiet ma jistax jaqa' taħt l-ogħla livell li ntlaħaq b'effett mit-22 ta' Diċembru 1989.

3. Ditti ta' investiment u ditti awtorizzati li kienu koperti taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/49/KE li kienu jeżistu qabel il-31 ta' Diċembru 1995, li l-ammont ta' fondi proprji tagħhom ma jilħaqx l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ, jistgħu jkomplu jwettqu l-attivitajiet tagħhom. Il-fondi proprji ta' dawn id-ditti jew ditti ta' investiment ma jistax jaqa' taħt l-ogħla livell ta' referenza kkalkulat wara d-data tan-notifika li tinsab fid-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adekwatezza ta' kapital ta' ditti tal-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu [1]. Dak il-livell ta' referenza għandu jkun il-livell medju ta' kuljum tal-fondi proprji ikkalkulat fuq perijodu ta' sitt xhur li jippreċedi id-data tal-kalkolu. Dan għandu jkun ikkalkulat kull sitt xhur fir-rigward tal-perijodu preċedenti korrispondenti.

4. Fejn il-kontroll ta' istituzzjoni li taqa' fil-kategorija msemmija fil-paragrafu 2 jew 3 jittieħed minn persuna fiżika jew ġuridika minbarra mill-persuna li preċedentement kienet tikkontrolla l-istituzzjoni, l-ammont tal-fondi proprji ta' dik l-istituzzjoni għandu jilħaq l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ.

[1] ĠU L 141, 11.6.1993, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 02 p. 16.)

5. Fejn ikun hemm fużjoni ta' żewġ istituzzjonijiet jew aktar li jaqgħu fil-kategorija msemmija fil-paragrafi 2 jew 3, l-ammont tal-fondi proprji tal-istituzzjoni bħala riżultat tal-fużjoni ma għandux jaqa' taħt it-total tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet fużi meta tkun saret il-fużjoni, sakemm l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ ma jkunx intlaħaq.

6. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li jkun meħtieġ li biex jiżguraw is-solvenza ta' istituzzjoni għandu jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 5 ma għandhomx japplikaw.

*Artikolu 94*

**Deroga għal negozji żgħar fil-portafoll tan-negozjar**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jissostitwixxu r-rekwiżit ta' kapital imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 92(3) b'rekwiżit ta' kapital ikkalkulat skont il-punt (a) ta' dak il-paragrafu fir-rigward tan-negozju fil-portafoll tan-negozjar tagħhom, dment li d-daqs tan-negozju fil-portafoll tan-negozjar kemm li jidher u dak li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ tagħhom jissodisfa ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun normalment ta' inqas minn 5 % tal-assi totali u € 15-il miljun;

(b) qatt ma jaqbeż is-6 % tal-assi totali u l-€ 20 miljun.

2. Fil-kalkolu tad-daqs ta' negozju fuq il-karta tal-bilanċ u negozju li ma jidhirx fuq il-karta tal-bilanċ, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej:

(a) strumenti ta' dejn għandhom jiġu valutati skont il-prezz tas-suq jew il-valuri nominali tagħhom, l-ekwitajiet skont il-prezz tas-suq tagħhom u d-derivattivi skont il-valuri nominali jew tas-suq tal-istrumenti sottostanti;

(b) il-valur assolut ta' pożizzjonijiet twal għandu jingħadd mal-valur assolut ta' pożizzjonijiet qosra.

3. Meta istituzzjoni tonqos milli tissodisfa l-kondizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 hi għandha tinnotifika minnufih l-awtorità kompetenti. Jekk, wara valutazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti tistabbilixxi u tinnotifika lill-istituzzjoni li r-rekwiżit fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma ġiex ssodisfatt, l-istituzzjoni għandha tieqaf tuża l-paragrafu 1 mid-data tar-rappurtar li jmiss.

Taqsima 2

**Rekwiżiti ta'fondi proprji għal ditti ta' investiment li jkollhom awtorizzazzjoni limitata biex jipprovdu servizzi ta' investiment**

*Artikolu 95*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal ditti ta' investiment li jkollhom awtorizzazzjoni limitata biex jipprovdu servizzi ta' investiment**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 92(3), ditti ta' investiment li ma jkunux awtorizzati biex jipprovdu s-servizzi u l-attivitjiet ta' investiment elenkati fil-punti (3) u (6) tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE għandhom jużaw il-kalkolu tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju speċifikat fil-paragrafu 2.

2. Id-ditti ta' investiment imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u d-ditti msemmija fil-punt 2(c) tal-Artikolu 4(1) li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2) u (4) tat-Taqsima A għall-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE għandhom jikkalkulaw l-ammont totali ta' skopertura għar-riskju bħala l-ogħla minn li ġej:

(a) is-somma tal-elementi msemmija fil-punti (a) sa (d) u (f) tal-Artikolu 92(3) wara li jiġi applikat l-Artikolu 92(4);

(b) 12,5 immultiplikat bl-ammont speċifikat fl-Artikolu 97.

Id-ditti msemmija fil-punt 2(c) tal-Artikolu 4(1) li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2) u (4) tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 92(1) u (2) abbażi tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju msemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-fondi proprji għad-ditti msemmija fil-punt 2(c) tal-Artikolu 4(1) li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2) u (4) tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE bħala r-rewkiżiti tal-fondi proprji li jkunu vinkolanti fuq dawk id-ditti skont il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2013 għad-Direttivi 2006/49/KE u 2006/48/KE.

3. Id-ditti ta' investiment imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha fir-rigward ta' riskju operattiv stabbilit fit-Titolu VII, il-Kapitolu 3, it-Taqsima II, Subtaqsima 1 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 96*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal ditti ta' investiment li jżommu kapital inizjali kif jinsab fl- Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 92(3), il-kategoriji li ġejjin ta' ditti ta' investiment li jżommu kapital inizjali skont l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jużaw il-kalkolu tat-total tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) ditti ta' investiment li jinnegozjaw f'isimhom stess għar-raġuni unika ta' twettiq jew għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' klijent jew bil-għan li jiksbu aċċess għal sistemi tal-ikklerjar u saldu jew għal skambju rikonoxxut meta jaġixxu f'kapaċità ta' aġenzija jew jeżegwixxu ordni ta' klijent;

(b) id-ditti ta' investiment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) li ma jżommux flus jew titoli tal-klijenti;

(ii) li jwettqu biss negozjar għall-kont proprju;

(iii) li ma jkollhomx klijenti esterni;

(iv) fejn it-transazzjonijiet tagħhom ta' eżekuzzjoni u s-saldu jseħħu taħt ir- responsabbiltà ta' istituzzjoni tal-ikklerjar u jkunu ggarantiti minn dik l- istituzzjoni ta' ikklerjar.

2. Fil-każ ta' ditti ta' investiment imsemmija fil-paragrafu 1, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dan li ġej:

(a) il-punti (a) sa (d) u (f) tal-Artikolu 92(3) wara li jiġi applikat l-Artikolu 92(4);

(b) l-ammont imsemmi fl-Artikolu 97 immultiplikat bi 12,5.

3. Id-ditti ta' investiment imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha fir-rigward tar-riskju operattiv kif stipulat fit-Titolu VII, il-Kapitolu 3, it-Taqsima II, is-Subtaqsima 1 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 97*

**Fondi proprji abbażi tal-Ispejjeż Ġenerali Fissi**

1. F'konformità mal-Artikoli 95 u 96, ditta ta' investiment u ditti msemmija fil-punt 2(c) tal-Artikolu 4(1) li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment elenkati fil-punti (2) u (4) tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE għandu jkollhom kapital eliġibbli ta' mill-inqas kwart tal-ispejjeż indiretti ffissati tas-sena preċedenti.

2. Fejn jkun hemm tibdil fin-negozju ta' ditta ta' investiment mis-sena preċedenti li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah bħala materjali, l-awtorità kompetenti tista' taġġusta r-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 1.

3. Fejn ditta ta' investiment ma tkunx wettqet in-negozju tagħha għal sena, li tibda mill-ġurnata li fiha jkun infetaħ in-negozju, ditta ta' investiment għandha żżomm kapital eliġibbli ta' mill-inqas kwart tal-ispejjeż ġenerali fissi proġettati fil-pjan tan-negozju tagħha, ħlief meta l-awtorità kompetenti teħtieġ li l-pjan tan-negozju jiġi aġġustat.

4. L-ABE b'konsultazzjoni mal-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika f'aktar dettall dawn li ġejjin:

(a) il-kalkolu tar-rekwiżiti biex jinżamm kapital eliġibbli ta' mill-inqas kwart tal-ispejjeż ġenerali fissi tas-sena preċedenti;

(b) il-kondizzjonijiet għall-aġġustament mill-awtorità kompetenti tar-rekwiżiti biex jinżamm kapital eliġibbli ta' mill-inqas kwart tal-ispejjeż ġenerali fissi tas-sena preċedenti;

(c) il-kalkolu tal-ispejjeż ġenerali fissi proġettati fil-każ ta' ditta ta' investiment li ma tkunx temmet negozju għal sena.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 98*

**Fondi proprji għal ditti ta' investiment fuq bażi konsolidata**

1. Fil-każ tad-ditti ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 95(1) fi grupp, meta dak il-grupp ma jinkludix istituzzjonijiet ta' kreditu, ditta ta' investiment prinċipali fi Stat Membru għandha tapplika l-Artikolu 92 fuq livell konsolidat kif ġej:

(a) billi tuża l-kalkolu tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju speċifikat fl-Artikolu 95(2);

(b) fondi proprji kkalkulati abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tad-ditta prinċipali tal-investiment jew dik tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallata, kif applikabbli.

2. Fil-każ ta' ditti ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 96(1) fi grupp, fejn dak il-grupp ma jinkludix istituzzjonijiet ta' kreditu, ditta ta' investiment prinċipali fi Stat Membru u ditta ta' investiment ikkontrollata minn kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallata għandha tapplika l-Artikolu 92 fuq bażi konsolidata kif ġej:

(a) għandha tuża l-kalkolu tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju speċifikat fl-Artikolu 96(2);

(b) għandha tuża fondi proprji kkalkulati abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tad-ditta prinċipali tal-investiment jew dik tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew tal-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallata, kif applikabbli, u f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

*KAPITOLU 2*

***Rekwiżiti ta' kalkolu u ta' rappurtar***

*Artikolu 99*

**Rappurtar dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji u informazzjoni finanzjarja**

1. Ir-rappurtar mill-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 92 għandu jsir mill-inqas fuq bażi semiannwali.

2. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament li jħejju l-kontijiet konsolidati tagħhom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament, għandhom jirrappurtaw ukoll l-informazzjoni finanzjarja.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li dawk l-istituzzjonijiet tal-kreditu li japplikaw l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà bħala applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għar-rappurtar tal-fondi proprji fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 23(2) ta' dan ir-Regolament jirrappurtaw ukoll l-informazzjoni finanzjarja kif stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. L-informazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2 u fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 għandha tkun rappurtata sa fejn dan ikun meħtieġ sabiex tinkiseb stampa komprensiva tal-profil tar-riskju tal-attivitajiet ta' istituzzjoni u stampa tar-riskji sistemiċi li joħolqu l-istituzzjonijiet għas-settur finanzjarju jew l-ekonomija reali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika l-formati uniformi, il-frekwenzi, id-dati tar-rappurtar, id-definizzjonijiet u s-soluzzjonijiet tal-informatika li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għar-rappurtar imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4.

Ir-rekwiżiti ta' rappurtar għandhom ikunu proporzjonati man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Fejn awtorità kompetenti tqis li l-informazzjoni finanzjarja meħtieġa mill-paragrafu 2 tkun neċessarja sabiex tittieħed stampa komprensiva tal-profil ta' riskju tal-attivitajiet ta', u stampa tar-riskji sistemiċi lis-settur finanzjarju jew lill-ekonomija reali maħluq minn, istituzzjonijiet minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, li huma soġġetti għal qafas ta' kontabbiltà bbażat fuq id-Direttiva 86/635/KEE, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-ABE dwar l-estensjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar tal-informazzjoni finanzjarja fuq bażi konsolidata lil dawk l-istituzzjonijiet, dment li dawn mhumiex diġà qegħdin jirrappurtaw fuq tali bażi.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex jiġu speċifikati l-formati li għandhom jintużaw mill-istituzzjonijiet li lilhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu r-rekwiżiti ta' rappurtar dwar l-informazzjoni finanzjarja f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. Fejn awtorità kompetenti tqis li l-informazzjoni mhux koperta mill-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fil-paragrafu 5 hija meħtieġa għall-iskopijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, hija għandha tinnotifika lill-ABE u lill-BERS dwar l-informazzjoni addizzjonali li hija tqis li jinħtieġ li tkun inkluża fl-istandards tekniċi implimentattivimsemmija fil-paragrafu 5.

*Artikolu 100*

**Rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtar**

L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti l-livell, tal-anqas f'termini aggregati, ta' ftehimiet ta' riakkwist tagħhom, is-self ta' titoli u s-suriet kollha ta' vinkolar tal-assi.

L-ABE għandha tinkludi din l-informazzjoni fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar ir-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 99(5).

*Artikolu 101*

**Obbligi speċifiċi tar-rappurtar**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw fuq bażi semiannwali d-data li ġejjin lill-awtoritajiet kompetenti għal kull suq nazzjonali tal-proprjetà li għalih huma esposti:

(a) telf li ġej minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli residenzjali, sal-ammont l-aktar baxx ta' dak mirhun u 80 % tal-valur tas-suq jew 80 % tal-valur tas-self ipotekarju sakemm ma jiġix deċiż b'mod ieħor skont l-Artikolu 124(2);

(b) telf kumplessiv li ġej minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli residenzjali, sal-parti tal-iskopertura ttrattata bħala totalment iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(1);

(c) il-valur ta' skopertura tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli residenzjali limitat għall-parti ttrattata bħala kompletament iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(1);

(d) telf li ġej minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli residenzjali, sal-ammont l-aktar baxx ta' dak mirhun u 50 % tal-valur tas-suq jew 60 % tal-valur tas-self ipotekarju sakemm ma jiġix deċiż b'mod ieħor skont l-Artikolu 124(2);

(e) telf kumplessiv li ġej minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli kummerċjali, sal-parti tal-iskopertura ttrattata bħala totalment iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 124(1).

(f) il-valur ta' skopertura tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet bħala kollateral proprjetà immobbli residenzjali limitat għall-parti ttrattata bħala kompletament iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 124(1).

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rrappurtata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljarju tal-istituzzjoni rilevanti. Fejn istituzzjoni jkollha fergħa fi Stat Membru ieħor, id-data li tikkonċerna dik il-fergħa għandha wkoll tiġi rappurtata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Id-data għandha tiġi rrappurtata separatament għal kull suq tal-proprjetà fl-Unjoni li għalih tkun esposta l-istituzzjoni rilevanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom kull sena jippubblikaw id-data speċifikata fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 fuq bażi aggregata, flimkien ma' data storika, meta tkun disponibbli. Awtorità kompetenti għandha, fuq talba ta' awtorità kompetenti oħra fi Stat Membru jew mill-ABE tipprovdi lil dik l-awtorità kompetenti jew lill-ABE informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kondizzjoni tas-swieq residenzjali jew tal-proprjetà immobbli kummerċjali f'dak l-Istat Membru.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-formati uniformi, id-definizzjonijiet, il-frekwenzi u dati tar-rappurtar, kif ukoll is-soluzzjonijiet tal-informatika, tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-formati uniformi, id-definizzjonijiet, il-frekwenzi u d-dati tar-rappurtar, kif ukoll is-soluzzjonijiet tal-informatika, tad-data aggregata msemmija fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU 3*

## ***Portafoll tan-negozjar***

*Artikolu 102*

### **Rekwiżiti għall-Portafoll tan-Negozjar**

1. Il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar għandhom jew ikunu mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tan-negozjabbiltà tagħhom jew għandhom ikunu jistgħu jiġu ħheġġjati.

2. L-intenzjoni ta' negozjar għandha tintwera fuq bażi tal-istrateġiji, il-politiki u l-proċeduri stabbiliti mill-istituzzjoni biex timmaniġja l-pożizzjoni jew il-portafoll skont l-Artikolu 103.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jistabilixxu u jżommu sistemi u kontrolli biex jimmaniġjaw il-portafoll tan-negozjar tagħhom skont l-Artikoli 104 u 105.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu ħheġġjar intern għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal riskji ta' pożizzjoni sakemm dawn jinżammu b'intenzjoni ta' negozjar u li r-rekwiżiti tal-Artikoli 103 sa 106 jiġu ssodisfatti.

*Artikolu 103*

### **Ġestjoni tal-portafoll tan-negozjar**

Fl-immaniġjar tal-pożizzjonijiet jew tas-settijiet ta' pożizzjonijiet tagħha fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżit li ġejjin kollha:

(a) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ strateġija tan-negozjar dokumentata sew għall-pożizzjoni/strument jew portafolji, approvata mill-maniġment superjuri, li għandha tinkludi l-perijodu ta' holding mistenni;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti sew għall-ġestjoni attiva ta' pożizzjonijiet meħuda fil-post tan-negozjar (trading desk). Dawk il-politiki u proċeduri għandhom jinkludu li ġejjin:

(i) liema pożizzjonijiet jistgħu jittieħdu mil-liema post tan-negozjar;

(ii) il-limiti tal-pożizzjoni jkunu stabbiliti u mmonitorjati għall- adegwatezza;

(iii) in-negozjanti għandhom l-awtonomija biex jieħdu u jimmaniġġjaw il- pożizzjoni fil-limiti miftiehma u skont l-istrateġija approvata;

(iv) il-pożizzjonijiet jiġu rrapportati lill-maniġment superjuri bħala parti integrali mill-proċess għall-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni;

(v) il-pożizzjonijiet ikunu mmonitorjati attivament b'referenza għal sorsi ta' informazzjoni tas-suq u ssir valutazzjoni tal-kummerċjabbiltà jew tal-kapaċità li tiġi ħheġġjata l-pożizzjoni jew ir-riskji tal-komponenti tagħha, inkluż il-valutazzjoni, il-kwalità u d-disponibbiltà tal-input tas-suq għall-proċess ta' valutazzjoni, il-livell tal-fatturat tas-suq, id-daqs tal-pożizzjonijiet nnegozjati fis-suq;

(vi) il-proċeduri u kontrolli attivi kontra l-frodi.

(c) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għall-monitoraġġ tal-pożizzjonijiet kontra l-istrateġija tan-negozjar tal-istituzzjoni inkluż il-monitoraġġ tal-fatturat u pożizzjonijiet li għalihom il-perijodu ta' holding li kien oriġinarjament intiż ikun inqabeż.

*Artikolu 104*

**Inklużjoni fil-Portafoll tan-Negozjar**

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar biex jiddeterminaw liema pożizzjonijiet jinkludu fil-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital tagħhom, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 102 u d-definizzjoni ta' portafoll tan-negozjar skont il-punt (86) tal-Artikolu 4(1), b'kont meħud tal-kapaċitajiet u l-prattiki għall-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta sew il-konformità tagħha ma' dawn il-politiki u l-proċeduri u għandha tissottomettihom għal verifika interna perjodika.

2. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għall-immaniġġjar ġenerali tal-portafoll tan-negozjar. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom mill-inqas jindirizzaw:

(a) l-attivitajiet li l-istituzzjoni tikkunsidra li jkunu ta' negozjar u li jagħmlu parti mill-portafoll tan-negozjar għall-finijiet ta' rekwiżiti ta' fondi proprji;

(b) il-punt sa fejn pożizzjoni tista' tiġi vvalutata kuljum skont il-prezzijiet tas-suq b'riferiment għal suq likwidu, attiv u fiż-żewġ direzzjonijiet;

(c) fil-każ ta' pożizzjonijiet li jiġu valutati skont mudell, il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista':

(i) tidentifika r-riskji materjali kollha tal-pożizzjoni;

(ii) tiħheġġja r-riskji materjali kollha tal-pożizzjoni bi strumenti li għalihom jeżisti suq attiv, likwidu u fiż-żewġ direzzjonijiet;

(iii) tikseb estimi affidabbli għas-suppożizzjonijiet u l-parametri ewlenin użati fil-mudell;

(d) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista', u tkun meħtieġa li, tiġġenera valutazzjonijiet għall-pożizzjoni li jistgħu jiġu vvalidati esternament b'mod konsistenti;

(e) il-punt sa fejn ir-restrizzjonijiet legali jew ir-rekwiżiti operattivi l-oħra jimpedixxu l-abbiltà tal-istituzzjoni li teffettwa likwidazzjoni jew ħeġġ tal-pożizzjoni fuq terminu qasir;

(f) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista', u tkun meħtieġa li, timmaniġġja attivament ir-riskji ta' pożizzjonijiet fl-operat tan-negozjar tagħha;

(g) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista' tittrasferixxi riskji jew pożizzjonijiet bejn il-portafolji mhux tan-negozjar u l-portafolji tan-negozjar u l-kriterji għal dawn it-trasferimenti.

*Artikolu 105*

**Rekwiżiti għal Valutazzjoni Prudenti**

1. Il-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll tan-negozjar għandhom ikunu soġġetti għall-istandards għal valutazzjoni prudenti speċifikati f'dan l-Artikolu. L-istituzzjonijiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-valutazzjoni prudenti tal-pożizzjonijiet tagħhom fil-portafoll tan-negozjar jiksbu grad xieraq ta' ċertezza wara li jikkunsidraw in-natura dinamika tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar, id-domanda għal solidità prudenzjali u l-mod ta' operat u l-iskop tar-rekwiżiti kapital fir-rigward tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu sistemi u kontrolli suffiċjenti sabiex jipprovdu stimi ta' valutazzjoni prudenti u affidabbli. Dawk is-sistemi u kontrolli għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) politiki u proċeduri dokumentati għall-proċess ta' valutazzjoni, inkluż ir-responsabbiltajiet iddefiniti b'mod ċar tal-oqsma varji involuti fid-determinazzjoni tal-valutazzjoni, is-sorsi tal-informazzjoni tas-suq u analiżi tal-adegwatezza tagħhom, linji gwida għall-użu ta' parametri li ma jistgħux jiġu osservati li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni dwar dak li l-parteċipanti tas-suq sejrin jużaw fl-ipprezzar tal-pożizzjoni, il-frekwenza ta' valutazzjoni indipendenti, l-għażla tal-ħin għall-prezzijiet tal-għeluq, il-proċeduri għall-aġġustament tal-valutazzjonijiet, il-proċeduri ta' verifika tal-għeluq tax-xahar u dawk ad-hoc;

(b) linji ta' rappurtar għad-dipartiment responsabbli għall-proċess ta' valutazzjoni li jkunu ċari u indipendenti mill-uffiċċju tan-negozjar.

Il-linja ta' rappurtar għandha finalment tkun il-korp maniġerjali.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jirrivalwaw il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar mill-inqas darba kuljum.

4. Kull meta jkun possibbli l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-pożizzjonijiet tagħhom skont il-prezzijiet tas-suq, inkluż meta japplikaw it-trattament tal-kapital fil-portafoll tan-negozjar.

5. Meta twettaq valutazzjoni skont il-valur tas-suq, istituzzjoni għandha tuża l-lat l-aktar prudenti ta' offerta sakemm l-istituzzjoni ma tistax tikkwota prezz medju. Fejn l-istituzzjonijiet jagħmlu użu minn din id-deroga, kull sitt xhur dawn għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bil-pożizzjonijiet ikkonċernati u jagħtu evidenza li dawn jistgħu jikkwotaw prezz medju.

6. Fejn ma tkunx possibbli valutazzjoni skont il-prezzijiet tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom b'mod konservattiv jivvalutaw il-pożizzjonijiet u l-portafolji tagħhom skont mudell, inkluż meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin meta jwettqu valutazzjoni skont mudell:

(a) il-maniġment superjuri għandu jkun konxju tal-elementi tal-portafoll tan-negozjar jew ta' pożizzjonijiet oħra b'valur ġust li jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont mudell u għandhom jifhmu l-materjalità tal-inċertezza li b'hekk tinħoloq fir-rappurtar tar-riskju/prestazzjoni tan-negozju;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu inputs tas-suq, fejn possibbli, skont il-prezzijiet tas-suq, u għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-inputs tas-suq tal-pożizzjoni partikolari li tkun qiegħda tiġi vvalutata u l-parametri tal-mudell fuq bażi frekwenti;

(c) fejn disponibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw metodoloġiji ta' valutazzjoni li jkunu prattiki aċċettati tas-suq għal strumenti finanzjarji partikolari jew għal prodotti;

(d) fejn il-mudell jiġi żviluppat mill-istituzzjoni innifisha, għandu jiġi bbażat fuq suppożizzjonijiet xierqa, li jkunu ġew ivvalutati u kkontestati minn partijiet adegwatament ikkwalifikati b'mod indipendenti mill-proċess ta' żvilupp;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri formali għall-kontroll tat-tibdil u għandhom iżommu kopja sigura tal-mudell u jużawha perjodikament biex jikkontrollaw il-valutazzjonijiet;

(f) il-ġestjoni tar-riskju għandu jkun konxju tal-punti debboli tal-mudelli użati u l-aħjar mod kif dawk jiġu riflessi fir-riżultat tal-valutazzjoni; u

(g) il-mudelli tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal analiżi perjodika biex tiġi ddeterminata l-akkuratezza tal-prestazzjoni tagħhom, li għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza kontinwata tas-suppożizzjonijiet, l-analiżi tal-profitt u t-telf versus il-fatturi tar-riskji, u t-tqabbil ta' valuri reali tal-għeluq skont l-eżiti tal-mudelli.

Għall-finijiet tal-punt (d), il-mudell għandu jiġi żviluppat jew approvat indipendentement mill-post tan-negozjar u għandu jiġi ttestjat indipendentement, inkluż il-validazzjoni tal- matematika, is-suppożizzjonijiet u l-implimentazzjoni tas-softwer.

8. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu verifiki indipendenti tal-prezz flimkien mal-valwazzjoni skont il-valur tas-suq jew valwazzjoni skont skont mudell ta' kuljum. Il-verifika tal-prezzijiet tas-suq u tal-inputs tal-mudelli għandha ssir minn persuna jew minn unità indipendenti minn persuni jew minn unitajiet li jibbenefikaw mill-portafoll tan-negozjar, mill-inqas darba fix-xahar, jew aktar frekwenti skont in-natura tas-suq jew tal-attività tan-negozjar. Meta ma jkunx hemm disponibbli sorsi indipendenti tal-ipprezzar jew is-sorsi tal-ipprezzar ikunu aktar suġġettivi, jistgħu jkunu xierqa miżuri prudenti bħal aġġustamenti fil-valutazzjoni.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jistabilixxu u jżommu proċeduri għall-kunsiderazzjoni tal-aġġustamenti fil-valwazzjoni.

10. L-istituzzjonijiet għandhom formalment jikkunsidraw l-aġġustamenti li ġejjin fil-valutazzjoni: firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati, il-kosti ta' egħluq, ir-riskji operattivi, l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, it-terminazzjoni bikrija, il-kosti ta' investiment u finanzjament, il-kosti amministrattivi futuri u, fejn rilevanti, ir-riskju tal-mudell.

11. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri għall-kalkolu ta' aġġustament għall-valutazzjoni kurrenti ta' xi pożizzjonijiet anqas likwidi, li partikolarment jistgħu jirriżultaw minn avvenimenti tas-suq jew minn sitwazzjonijiet relatati mal-istituzzjoni bħal pożizzjonijiet konċentrati u/jew pożizzjonijiet li għalihom il-perijodu oriġinali ta' holding jkun inqabeż. L-istituzzjonijiet għandhom, fejn meħtieġ, jagħmlu dawn l-aġġustamenti minbarra xi tibdil meħtieġ għall-valur tal-pożizzjoni għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju u għandhom ifasslu dawn l-aġġustamenti biex jirriflettu l-illikwidità tal-pożizzjoni. Skont dawk il-proċeduri, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw diversi fatturi waqt li jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ikunx hemm il-ħtieġa ta' aġġustament tal-valutazzjoni għal pożizzjonijiet inqas likwidi. Dawk il-fatturi jinkludu li ġejjin:

(a) iż-żmien meħtieġ biex tiġi ħheġġjata l-pożizzjoni jew ir-riskji tagħha;

(b) il-volatilità u l-medja tal-firxiet ta' talba/offerta;

(c) id-disponibbiltà ta' kwotazzjonijiet tas-suq (in-numru u l-identità ta' ġeneraturi tas-suq) u l-volatilità u l-medja ta' volumi ta' negozjar inkluż volumi ta' negozjar matul perijodi ta' stress tas-suq;

(d) il-konċentrazzjonijiet tas-suq;

(e) iż-żmien li jgħaddi mit-teħid tal-pożizzjonijiet;

(f) il-punt sa fejn il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni skont mudell;

(g) l-impatt ta' riskji oħra tal-mudell.

12. Meta jużaw valutazzjonijiet minn partijiet terzi jew valutazzjoni skont mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx japplikaw aġġustament tal-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġu stabbiliti aġġustamenti fil-każ ta' pożizzjonijiet inqas likwidi u jirrevedu fuq bażi kontinwa l-adegwatezza tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll jivvalutaw b'mod espliċitu il-ħtieġa ta' aġġustamenti tal-valutazzjoni rigward l-inċertezza tal-inputs ta' parametri użati mill-mudelli.

13. Fir-rigward ta' prodotti kumplessi, inkluż skoperturi ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu skont l-ordni kronoloġika ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw b'mod espliċitu l-ħtieġa għal aġġustamenti fil-valutazzjoni biex jirriflettu r-riskju tal-mudell assoċjat mal-użu ta' metodoloġija possibbilment inkorretta ta' valutazzjoni u r-riskju tal-mudell assoċjat mal-użu ta' parametri ta' kalibrazzjoni inosservabbli (u possibbilment skorretti) tal-mudell ta' valutazzjoni.

14. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom ir-rekwiżiti tal-Artikolu 105 għandhom jiġu applikati għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 106*

**Iħħeġġjar Intern**

1. Ħeġġ intern għandu b'mod partikolari jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) m'għandhiex tkun primarjament maħsuba biex tevita jew tnaqqas ir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(b) għandha tiġi dokumentata sew u tkun soġġetta għal proċeduri partikolari tal-approvazzjoni interna u ta' verifika;

(c) għandha tiġi ttrattata bil-kondizzjonijiet tas-suq;

(d) ir-riskju tas-suq iġġenerat mill-ħeġġ intern għandu jiġi mmaniġġjat b'mod dinamiku fil-portafoll tan-negozjar skont il-limiti awtorizzati;

(e) għandu jiġi mmonitorjat sew.

Il-monitoraġġ għandu jiġi żgurat permezz ta' proċeduri adegwati.

2. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 japplikaw mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti applikabbli għall-pożizzjoni ħheġġjata mhux tal-portafoll tan-negozjar.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, fejn istituzzjoni tiħħeġġja skopertura ta' riskju fuq il-kreditu mhux tal-portafoll tan-negozjar jew skopertura għar-riskju ta' kontroparti billi tuża derivat ta' kreditu mdaħħal fil-portafoll tan-negozjar tagħha permezz ta' ħedge intern, l-iskopertura għar-riskju mhux tal-protafoll tan-negozjar jew l-iskopertura għar-riskju tal-kontroparti ma għandhomx jitqiesu bħala iħħeġġjati għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju sakemm l-istituzzjoni ma tixtrix mingħand parti terza eliġibbli bħala fornitriċi tal-protezzjoni, derivat ta' kreditu korrispondenti li jkun jissodisfa r-rekwiżiti għall-protezzjoni mhux iffinanzjata ta' kreditu mhux tal-portafoll tan-negozjar. Mingħajr preġudizzju għall-punt (h) tal-Artikolu 299(2), meta din il-protezzjoni minn terza parti tinxtara u tiġi rikonoxxuta bħala ħeġġ ta' skopertura mhux tal-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital, la l-kopertura tad-derivat ta' kreditu intern u lanqas ta' dak estern ma għandha tiġi inkluża fil-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-kalkolu ta' rekwiżiti ta' kapital.

TITOLU II

**REKWIŻITI TA' KAPITAL GĦAL RISKJU TA' KREDITU**

*KAPITOLU 1*

***Prinċipji Ġenerali***

*Artikolu 107*

**Approċċi għal riskju ta' kreditu**

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw jew l-Approċċ Standardizzat previst fil-Kapitolu 2 jew, jekk permess mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 143, l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni previst fil-Kapitolu 3 biex jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3).

2. Għall-iskoperturi kummerċjali u għall-kontribuzzjonijiet ta' fondi tal-inadempjenza għal kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stipulat fil-Kapitolu 6, Taqsima 9 biex jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3). Għat-tipi l-oħrajn kollha ta' skoperturi lil kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw dawn l-iskoperturi bħala skoperturi lil istituzzjonijiet kif ġej:

(a) bħala skoperturi għal istituzzjoni għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP kwalifikanti;

(b) bħala skoperturi għal korporazzjoni għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP mhux kwalifikattiva.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iskoperturi għal ditti tal-investiment ta' pajjiż terz u l-iskoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiż terz u skoperturi għal clearing houses ta' pajjiż terz u l-iskambji għandhom ikunu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjoni biss jew il-pajjiż terz japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dik l-entità li huma mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 462(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji prudenzjali li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jittrattaw l-iskoperturi għal entitajiet imsemmija fil-paragrafu 3 bħala skoperturi għal istituzzjonijiet dment li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 108*

**Użu tat-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB**

1. Fir-rigward ta' skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ Standardizzat skont il-Kapitolu 2 jew tapplika l-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3 iżda mingħajr ma tuża l-istimi tagħha tat-telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD) u tal-fatturi ta' konverżjoni skont l-Artikolu 151, l-istituzzjoni tista' tuża l-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont il-Kapitolu 4 għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura pweżati għar-riskju għall-finijiet tal-punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3) jew, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistenni għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 36(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 62.

2. Fir-rigward ta' skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi tagħha tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni skont l-Artikoli 151, l-istituzzjoni tista' tuża l-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont il-Kapitolu 3.

*Artikolu 109*

**Trattament ta' skoperturi titolizzati skont l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB**

1. Fejn istituzzjoni tuża l-Approċċ Standardizzat skont il-Kapitolu 2 għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għall-klassi ta' skopertura li għaliha r-riskji titolizzati sejrin ikunu assenjati skont l-Artikolu 112, hija għandha tikkalkula l-ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont l-Artikoli 245, 246 u 251 sa 258. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Standardizzat jistgħu jużaw ukoll l-Approċċ ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni meta dan ikun ġie permess skont l-Artikolu 259(3).

2. Fejn istituzzjoni tuża l-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3 għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju għall-klassi ta' skopertura li għaliha l-iskopertura titolizzata tkun assenjata skont l-Artikolu 147 hija għandha tikkalkula l-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju skont l-Artikoli 245, 246 u 259 sa 266.

Ħlief fil-każ tal-Approċċ ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna, fejn l-Approċċ IRB jintuża biss għal parti tal-iskoperturi titolizzati sottostanti għal titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tuża l-approċċ li jikkorrispondi mas-sehem predominanti ta' skoperturi titolizzati sottostanti għal din it-titolizzazzjoni.

*Artikolu 110*

**Trattament tal-aġġustament għar-riskju ta' kreditu**

1. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ Standardizzat għandhom jittrattaw l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikolu 62(c).

2. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għandhom jittrattaw l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikolu 159, l-Artikolu 62(d) u l-Artikolu 36(1)(d).

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Kapitoli 2 u 3, l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għandhom jeskludu l-fondi għal riskji bankarji ġenerali.

3. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB li japplikaw l-Approċċ Standardizzat għal parti tal-iskoperturi tagħhom fuq bażi konsolidata jew individwali, skont l-Artikoli 148 u 150 għandhom jiddeterminaw il-parti tal-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu li tkun sejra tiġi assenjata għat-trattament tal-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat u għat-trattament tal-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ IRB kif ġej:

(a) fejn applikabbli meta istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni tapplika b'mod esklussiv l-Approċċ IRB, l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu ta' din l-istituzzjoni għandhom jiġu assenjati għat-trattament stabbiliti f'dan il-paragrafu 2;

(b) fejn applikabbli, meta istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni tapplika b'mod esklussiv l-Approċċ Standardizzat, l-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu ta' din l-istituzzjoni għandu jiġi assenjat lit-trattament stabbilit fil-paragrafu 1;

(c) Il-bqija tal-aġġustament għar-riskju ta' kreditu għandu jiġi assenjat fuq bażi prorata skont il-proporzjon tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju soġġett għall-Approċċ Standardizzat u soġġett għall-Approċċ IRB.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għal li ġejjin:

(a) il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ Standardizzat imsemmi fl-Artikolu 111;

(b) il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikoli 166 sa 168;

(c) it-trattament tal-ammonti ta' telf mistennija msemmi fl-Artikolu 159;

(d) il-valur tal-iskopertura għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 246 u 266;

(e) id-determinazzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178;

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## *KAPITOLU 2*

## ***Approċċ standardizzat***

### Taqsima 1

### **Prinċipji ġenerali**

#### *Artikolu 111*

#### **Valur tal-iskopertura**

1. Il-valur tal-iskopertura ta' element ta' assi għandu jkun il-valur kontabilistiku tagħha li jibqa' wara li l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu, aġġustamenti addizzjonali tal-valur skont l-Artikoli 34 u 110 u t-tnaqqis tal-fondi proprji oħrajn relatati mal-entrata tal-assi jkunu ġew applikati. Il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx elenkata fl-Anness I għandu jkun il-perċentwal tal-valur nominali tiegħu wara t-tnaqqis ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu kif ġej:

(a) 100 % jekk huwa element ta' riskju sħiħ;

(b) 50 % jekk huwa element ta' riskju medju;

(c) 20 % jekk huwa element ta' riskju medju/baxx;

(d) 0 % jekk huwa element ta' riskju baxx.

L-elementi li ma jidhrux imsemmija fit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu assenjati lill-kategoriji ta' riskju kif indikat fl-Anness I.

Meta istituzzjoni tkun qiegħda tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju skont l-Artikolu 223, il-valur tal-iskopertura ta' titoli jew ta' prodotti mibjugħa, stazzjonati jew mislufa skont transazzjoni ta' xiri mill-ġdid jew skont transazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' prodotti, u transazzjonijiet ta' self b'marġni għandu jiżdied bl-aġġustament tal-volatilità xieraq għal tali titoli jew prodotti kif preskritt fl-Artikoli 223 sa 225.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' strument derivattiv elenkat fl-Anness II għandu jiġi ddeterminat skont il-Kapitolu 6 u għandu jitqies l-effetti ta' kuntratti ta' novazzjoni u arranġamenti oħra tal-kalkolazzjoni tal-valur nett għall-finijiet ta' dawk il-metodi skont il-Kapitolu 6. Il-valur tal-iskopertura ta' transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' prodotti, transazzjonijiet b'saldu fit-tul u transazzjonijiet ta' self b' marġni jista' jiġi ddeterminat jew skont il-Kapitolu 6 jew skont il-Kapitolu 4.

3. Meta skopertura tkun soġġetta għal protezzjoni tal-kreditu iffinanzjata, il-valur tal-iskopertura applikabbli għal dak l-element jista' jiġi emendat skont il-Kapitolu 4.

#### *Artikolu 112*

#### **Klassijiet ta' skopertura**

Kull skopertura għandha tiġi assenjata f'waħda mill-klassijiet differenti ta' skopertura:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali;

(b) skoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali;

(c) skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku;

(d) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp;

(e) skoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali;

(f) skoperturi għal istituzzjonijiet;

(g) skoperturi għal impriżi;

(h) skoperturi fil-livell tal-konsumatur;

(i) skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli;

(j) skoperturi f' inadempjenza;

(k) skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli;

(l) skoperturi fil-forma ta' bonds koperti;

(m) elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(n) skoperturi għal istituzzjonijiet u għal impriżi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir;

(o) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'impriżi ta' investiment kollettiv ('CIUs');

(p) skoperturi ta' ekwità;

(q) elementi oħrajn.

*Artikolu 113*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju**

1. Biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju, il-piżijiet tar-riskju għandhom jiġu applikati għall-iskoperturi kollha, sakemm dawn ma jkunux tnaqqsu mill-fondi proprji, skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2. L-applikazzjoni tal-piżijiet tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq il-klassi ta' skopertura li fiha tkun assenjata l-iskopertura u, sal-limitu speċifikat fit-Taqsima 2, il-kwalità kreditizja tagħha. Il-kwalità kreditizja tista' tiġi stabbilita b'referenza għall-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAIs (External Credit Assessment Institutions) jew għall-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' Aġenziji dwar Krediti għall-Esportazzjoni skont it-Taqsima 3.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' piż tar-riskju, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi mmultiplikat bil-piż tar-riskju speċifikat jew stabbilit skont it-Taqsima 2.

3. Fejn skopertura tkun soġġetta għall-protezzjoni tal-kreditu, il-piż tar-riskju applikabbli għal dak l-element jista' jiġi emendat skont il-Kapitolu 4.

4. L-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal skoperturi titolizzati għandhom jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 5.

5. Skoperturi li għalihom ma jkun hemm l-ebda kalkolu previst fit-Taqsima 2 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.

6. Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi li jagħtu lok għal elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2, istituzzjoni tista, soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-iskoperturi ta' dik l-istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha, sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha jew impriża marbuta b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE. L-awtoritajiet kompetenti huma mogħtija s-setgħa li jagħtu approvazzjoni jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) il-kontroparti tkun istituzzjoni, kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni finanzjarja, kumpannija maniġerjali tal-assi jew impriża tas-servizzi anċillari soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali adegwati;

(b) il-kontroparti tkun inkluża fl-istess konsolidazzjoni bħall-istituzzjoni fuq bażi totali;

(c) il-kontroparti tkun soġġetta għall-istess proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju, ta' kalkolu u ta' kontrolli bħall-istituzzjoni;

(d) il-kontroparti tkun stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-istituzzjoni;

(e) ma jkun hemm l-ebda impediment legali, materjali jew prattiku kurrenti jew previst għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew għar-ripagament ta' obbligazzjonijiet mill-kontroparti għall-istituzzjoni.

Meta l-istituzzjoni, skont dan il-paragrafu, tkun awtorizzata li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, hija tista' tassenja piż tar-riskju ta' 0 %.

7. Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi li jagħtu lok għal elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġetti għall-permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal kontropartijiet li magħhom l-istituzzjoni tkun daħlet fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali li jkun arranġament kuntrattwali jew obbligu statutorju li jipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet u partikolarment jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom biex jiġi evitat il-falliment fejn ikun meħtieġ. L-awtoritajiet kompetenti huma mogħtija s-setgħa li jagħtu permess jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (d) u (e) tal-paragrafu 6 jiġu ssodisfatti;

(b) l-arranġamenti jiżguraw li l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tkun kapaċi tagħti l-appoġġ neċessarju mill-impenn tagħha permezz ta' fondi li jkunu diġà għad-dispożizzjoni tagħha;

(c) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tiddisponi minn sistemi adegwati u stipulati b'mod uniformi għall-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tar-riskju, li tagħti stampa sħiħa tas-sitwazzjonijiet ta' riskju tal-membri individwali kollha u tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali inġenerali, bi possibbiltajiet korrispondenti biex teżerċita influwenza; dawk is-sistemi għandhom jimmonitorjaw b'mod adegwat l-iskoperturi inadempjenti skont l-Artikolu 178(1);

(d) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali twettaq analiżi tar-riskju tagħha stess li tiġi kkomunikata lill-membri individwali;

(e) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tfassal u tippubblika fuq bażi annwali, rapport konsolidat li jinkludi l-karta bilanċjali, il-kont tal-qligħ u t-telf, ir-rapport tas-sitwazzjoni u r-rapport tar-riskju, li jittratta l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali inġenerali, jew rapport li jinkludi l-karta tal-bilanċ aggregata, il-kont tal-qligħ u t-telf aggregat, ir-rapport tas-sitwazzjoni u r-rapport tar-riskju, fir-rigward tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali inġenerali;

(f) il-membri fl-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali huma obbligati li jagħtu avviż bil-quddiem ta' mill-inqas 24 xahar jekk ikunu jixtiequ jtemmu l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali;

(g) l-użu multiplu ta' elementi diversi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji (minn hawn 'il quddiem 'ingranaġġ multiplu') kif ukoll kull ħolqien mhux xieraq ta' fondi proprji bejn il-membri fl-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali għandu jiġi eliminat;

(h) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali għandha tkun ibbażata fuq sħubija wiesgħa tal-istituzzjonijiet tal-kreditu li jkollhom profil tan-negozju prinċipalment omoġenju;

(i) l-adegwatezza tas-sistemi msemmija fil-punti (c) u (d) tkun approvata u mmonitorjata f'intervalli regolari mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Meta l-istituzzjoni, skont dan il-paragrafu, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, hija tista' tassenja piż tar-riskju ta' 0 %.

Taqsima 2

**Piżijiet tar-riskju**

*Artikolu 114*

**L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali**

1. L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %, sakemm ma japplikawx it-trattamenti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.

2. L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 1 li tikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 1*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 0 % | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 150 % |

3. L-iskoperturi għall-BĊE għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

4. L-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri, u għall-banek ċentrali ddenominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern ċentrali u tal-bank ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu jiġi assenjat l-istess piż tar-riskju fir-rigward tal-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali jew il-banek ċentrali tal-Istati Membri denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' kwalunkwe Stat Membru bħal dak li jkun applikat għal tali skoperturi denominati u ffinanzjati fil-munita domestika tagħhom.

6. Għall-iskoperturi indikati fil-paragrafu 5:

(a) fl-2018 l-ammonti kkalkulati tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju għandhom ikunu 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawn l-iskoperturi skont l-Artikolu 114(2);

(b) fl-2019 l-ammonti kkalkulati tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju għandhom ikunu 50 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawn l-iskoperturi skont l-Artikolu 114(2);

(c) mill-2020 'il quddiem l-ammonti kkalkulati tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju għandhom ikun 100 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawn l-iskoperturi skont l- Artikolu 114(2).

7. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni jassenjaw piż tar-riskju li jkun anqas minn dak indikat fil-paragrafi 1 sa 2 għal skoperturi għall-gvern ċentrali u għall-bank ċentrali tagħhom ddenonimati u ffinanzjati fil-munita domestika, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw għar-riskju dawn l-iskoperturi bl-istess mod.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Finnuqqas ta' din id-deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għall-iskoperturi tal-gvern ċentrali jew il-bank ċentrali tal-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 115*

**L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali**

1. L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali għandhom jiġu ppeżati għar-riskju bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet sakemm ma jiġux trattati bħala skoperturi għal gvernijiet ċentrali skont il-paragrafi 2 jew 4 jew ma jirċevux piż tar-riskju kif speċifikat fil-paragrafu 5. It-trattament preferenzjali għal skoperturi ta' terminu qasir speċifikat fl-Artikolu 119(2) u l-Artikolu 120(2) ma għandux jiġi applikat.

2. L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali, li fil-ġurisdizzjoni tiegħu jkunu stabbiliti, meta ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba l-kapaċità speċifika ta' dak tal-ewwel li jżid il-kapital, u l-eżistenza ta' arranġamenti istituzzjonali speċifiċi li l-effett tagħhom ikun li jnaqqas ir-riskju ta' inadempjenza tagħhom.

L-ABE għandha żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku tal-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali kollha fi ħdan l-Unjoni li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jitrattaw bħala skoperturi tal-gvernijiet ċentrali tagħhom.

3. L-iskoperturi għal knejjes jew għal komunitajiet reliġjużi kostitwiti fil-forma ta' persuna ġuridika skont id-dritt pubbliku għandhom, sakemm jiġbru t-taxxi skont il-leġislazzjoni li tikkonferixxi lilhom id-dritt li jagħmlu dan, jiġu trattati bħala skoperturi għal gvernijiet reġjonali u għal awtoritajiet lokali. F'dan il-każ, il-paragrafu 2 ma għandux japplika u għall-finijiet tal-Artikolu 150(1)(a), ma għandux jiġi eskluż permess biex jiġi applikat l-Approċċ Standardizzat.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji li mill-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni jittrattaw l-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tagħhom u ma jkunx hemmx differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba li l-gvern reġjonali jew l-awtoritajiet lokali jkollhom setgħat speċifiċi biex jiġġeneraw dħul u arranġamenti istituzzjonali speċifiċi biex inaqqsu r-riskju ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw ir-riskju ta' skoperturi għal dawn il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali bl-istess mod.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għall-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

5. L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali ta' Stati Membri li mhumiex imsemmija fil-paragrafi 2 sa 4 u jkunu ddenominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern reġjonali u tal-awtorità lokali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %.

*Artikolu 116*

**L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku**

1. L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont l-iskala ta' kwalità kreditizja li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn tkun inkorporata l-entità tas-settur pubbliku skont it-Tabella 2 segwenti:

*Tabella 2*

| Skala tal-kwalità kreditizja li għaliha l-gvern ċentrali jkun assenjat | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 100 % | 150 % |

Fir-rigward ta' skoperturi għall-entitajiet tas-settur pubbliku inkorporati f'pajjiżi fejn il-gvern ċentrali mhuwiex ikklassifikat, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 100 %.

2. L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 120. It-trattament preferenzjali għal skoperturi ta' terminu qasir speċifikat fl-Artikoli 119(2) u 120(2), ma għandux jiġi applikat għal dawk l-entitajiet.

3. Fir-rigward ta' skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku b'maturità oriġinali ta' inqas minn tliet xhur, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 20 %.

4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali, għall-gvern reġjonali jew għall-awtorità lokali li fil-ġurisdizzjoni tagħhom ikunu stabbiliti meta fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' din il-ġurisdizzjoni ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba l-eżistenza ta' garanzija adegwata mill-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, li japplikaw arranġamenti superviżorji u regolatorji li mill-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, jittrattaw l-iskoperturi għall-entitajiet tas-settur pubbliku f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw ir-riskju ta' skoperturi għal dawn l-entitajiet tas-settur pubbliku bl-istess mod. Altrimenti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Finnuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għall-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 117*

**L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp**

1. L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal skoperturi għall-istituzzjonijiet. It-trattament preferenzjali għal skoperturi ta' terminu qasir kif speċifikati fl-Artikoli 119(2), 120(2) u 121(3) ma għandux jiġi applikat.

Il-Korporazzjoni Inter-Amerikana għall-Investiment, il-Bank tal-Kummerċ u l-Iżvilupp tal-Baħar l-Iswed, il-Bank tal-Amerika Ċentrali għall-Integrazzjoni Ekonomika u l-Bank tal-Iżvilupp CAF tal-Amerika Latina għandhom jiġu kkunsidrati bħala banek multilaterali tal-iżvilupp.

2. L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %:

(a) il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(b) il-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali;

(c) il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp;

(d) il-Bank Ażjatiku tal-Iżvilupp;

(e) il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp;

(f) il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa;

(g) il-Bank Nordiku tal-Investiment;

(h) il-Bank Karibew tal-Iżvilupp;

(i) il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(j) il-Bank Ewropew tal-Investiment;

(k) il-Fond Ewropew tal-Investiment;

(l) l-Aġenzija Multilaterali tal-Garanzija tal-Investiment;

(m) il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunizzazzjoni;

(n) il-Bank Islamiku tal-Iżvilupp.

3. Għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 20 % għall-porzjoni ta' kapital mhux imħallas sottoskritt għall-Fond Ewropew tal-Investiment.

*Artikolu 118*

**L-iskoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali**

L-iskoperturi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %:

(a) l-Unjoni;

(b) il-Fond Monetarju Internazzjonali;

(c) il-Bank għas-Saldu Internazzjonali;

(d) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja;

(e) il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(f) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar, li għandha l-għan li timmobilizza l-finanzjament u li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li jkunu qegħdin għaddejjin minn problemi finanzjarji serji jew li jkunu mhedda bihom.

*Artikolu 119*

**L-iskoperturi għal istituzzjonijiet**

1. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ppeżati għar-riskju skont l-Artikolu 120. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ppeżati għar-riskju skont l-Artikolu 121.

2. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet b'maturità residwa ta' tliet xhur jew inqas li jkunu ddenominati u ffinanzjati fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju li jkun kategorija waħda inqas favorevoli mill-piż tar-riskju preferenzjali, kif deskritt fl-Artikolu 114(4) sa (7), assenjat għal skoperturi għall-gvern ċentrali fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni.

3. L-ebda skopertura b'maturità residwa ta' tliet xhur jew inqas iddenominata u ffinanzjata fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju ma għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' inqas minn 20 %.

4. Skopertura għal istituzzjoni fil-forma ta' riżervi minimi meħtieġa mill-BĊE jew mill-bank ċentrali ta' Stat Membru li għandhom jinżammu minn istituzzjoni tista' tiġi ppeżata għar-riskju bħala skoperturi għall-bank ċentrali tal-Istat Membru inkwistjoni sakemm:

(a) ir-riżervi jkunu miżmuma skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru tal-2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi [1] jew skont rekwiżiti nazzjonali fl-aspetti materjali kollha ekwivalenti għal dak ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-istituzzjoni fejn ir-riżervi jkunu miżmuma, ir-riżervi jitħallsu lura kompletament lill-istituzzjoni fil-ħin u ma jkunux disponibbli biex jissodisfaw obbligazzjonijiet oħra tal-istituzzjoni.

5. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli għal dawk applikati għall-istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet.

*Artikolu 120*

**L-iskoperturi għal istituzzjonijiet ikklassifikati**

1. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet b'maturità residwa ta' aktar minn tliet xhur li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 3 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 3*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 50 % | 100 % | 100 % | 150 % |

2. L-iskoperturi għal istituzzjoni li jkollha sa tliet xhur ta' maturità residwa li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 4 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136:

*Tabella 4*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 20 % | 20 % | 50 % | 50 % | 150 % |

3. L-interazzjoni bejn it-trattament tal-valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir skont l-Artikolu 131 u t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir stipulati fil-paragrafu 2 għandha tkun kif ġej:

(a) Jekk ma jkunx hemm valutazzjoni tal-iskopertura ta' terminu qasir, it-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir kif speċifikat fil-paragrafu 2 għandu japplika għall-iskoperturi kollha għall-istituzzjonijiet b'mhux aktar minn tliet xhur ta' maturità residwa;

(b) Jekk ikun hemm valutazzjoni ta' terminu qasir u din il-valutazzjoni tistabbilixxi l-applikazzjoni ta' piż tar-riskju li jkun aktar favorevoli jew identiku għall-użu ta' trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2, għal dik l-iskopertura speċifika biss għandha tintuża l-valutazzjoni ta' terminu qasir. Skoperturi oħra ta' terminu qasir għandhom isegwu t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2;

(c) Jekk ikun hemm valutazzjoni ta' terminu qasir u din il-valutazzjoni tistabbilixxi piż tar-riskju li jkun inqas favorevoli mill-użu tat-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2, ma għandux jintuża t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir u l-pretensjonijiet kollha ta' terminu qasir mhux ikklassifikati għandhom jiġu assenjati l-istess piż tar-riskju bħal dak applikat mill-valutazzjoni speċifika ta' terminu qasir.

*Artikolu 121*

**L-iskoperturi għal istituzzjonijiet mhux klassifikati**

1. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont l-iskala tal-kwalità kreditizja li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni skont it-Tabella 5.

*Tabella 5*

| Skala tal-kwalità kreditizja li għaliha l-gvern ċentrali jkun assenjat | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju tal-iskopertura | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 100 % | 150 % |

2. Għal skoperturi fir-rigward ta' istituzzjonijiet mhux klassifikati li jkunu inkorporati f'pajjiżi fejn il-gvern ċentrali ma jkunx klassifikat, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 100 %.

3. Għal skoperturi fir-rigward ta' istituzzjonijiet mhux klassifikati li jkollhom maturità oriġinali effettiva ta' tliet xhur jew inqas, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 20 %.

[1] ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, għall-iskoperturi tal-finanzjament tal-kummerċ imsemmija fil-punt (b) tat-tieni subpargarafu tal-Artikolu 162(3), għall-istituzzjonijiet mingħajr klassifikazzjoni, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 50 % u meta l-maturità residwa ta' dawn l-iskoperturi tal-finanzjament tal-kummerċ għal istituzzjonijiet mhux klassifikati jkun tliet xhur jew inqas, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 20 %.

*Artikolu 122*

**L-iskoperturi għal impriżi**

1. L-iskoperturi li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 6 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 6*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 150 % | 150 % |

2. L-iskoperturi li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 % jew il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni li fiha l-impriża tkun inkorporata, skont liema minnhom ikun l-ogħla.

*Artikolu 123*

**L-iskoperturi fil-livell ta' konsumatur**

L-iskoperturi li jkunu konformi mal-kriterji li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 75 %:

(a) l-iskopertura għandha tkun jew għal persuna jew persuni fiżiċi, jew għal impriża żgħira jew medja (SME);

(b) l-iskopertura għandha tkun waħda b'ammont sinifikanti ta' skoperturi b'karatteristiċi simili b'tali modi li riskji assoċjati ma' dan l-għoti ta' self jiġu sostanzjalment imnaqqsa;

(c) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni u lill-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħha, inkluż kwalunkwe skopertura f'inadempjenza, mill-klijent debitur jew minn grupp ta' klijenti debituri konnessi flimkien, iżda eskluż l-iskoperturi ggarantiti totalment u kompletament fuq proprjetà residenzjali bħala kollateral li ġew assenjati lill-klassi ta' skopertura stipulata fil-punt (i) tal-Artikolu 112, ma għandux, sa fejn l-istituzzjoni tkun innotifikata, jaqbeż l-EUR 1 miljun. L-istituzzjoni għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tikseb dan l-għarfien.

It-titoli ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur.

L-iskoperturi li ma jikkonformawx mal-kriterji msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx jkunu eliġibbli għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur.

Il-valur preżenti ta' pagamenti ta' kera minimi fil-livell tal-konsumatur ikunu eliġibbli għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur.

*Artikolu 124*

**Skoperturi garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli**

1. Skopertura jew kwalunkwe parti minn skopertura totalment iggarantita permezz ta' ipoteka fuq proprjetà immobbli għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 100 %, meta l-kondizzjonijiet skont l-Artikolu 125 u l-Artikolu 126 ma jiġux issodisfatti, ħlief għal kwalunkwe parti tal-iskopertura li tkun assenjata lil klassi ta' skopertura oħra. Il-parti tal-iskopertura li taqbeż il-valur tas-self ipotekarju tal-proprjetà għandha tiġi assenjata l-piż tar-riskju applikabbli għall-iskoperturi mhux assigurati tal-kontroparti involuta.

Il-parti minn skopertura ttrattata bħala totalment iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli ma għandhiex tkun ogħla mill-ammont mirhun tal-valur tas-suq jew f'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, il-valur tas-self ipotekarju tal-proprjetà inkwistjoni.

2. Abbażi tad-data miġbura skont l-Artikolu 101, u kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom perjodikament, u mill-inqas darba fis-sena, jivvalutaw jekk il-piż tar-riskju ta' 35 % għal skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 125 u l-piż tar-riskju ta' 50 % għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 126 li tinstab fit-territorju tagħhom huma adegwatament ibbażati fuq:

(a) l-esperjenza ta' telf ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli;

(b) żviluppi tas-suq li jħarsu 'l quddiem fir-rigward ta' proprjetà immobbli;

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu piż tar-riskju ogħla jew kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 125(2) u l-Artikolu 126(2), fejn adatt, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja.

Għal skoperturi koperti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi il-piż tar-riskju fuq perċentwal minn 35 % sa 150 %,

Għal skoperturi koperti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummeċjali, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi il-piż tar-riskju fuq perċentwal minn 50 % sa 150 %,

Fi ħdan dawn il-firxiet, il-piż ta' riskju ogħla għandu jiġi stabbilit abbażi tal-esperjenza ta' telf u b'kont meħud tal-kunsiderazzjonijiet tal-iżviluppi tas-suq li jħarsu 'l quddiem u l-istabbiltà finanzjarja. Fejn il-valutazzjoni turi li l-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125(2) u l-Artikolu 126(2) ma jirriflettux ir-riskji attwali relatati ma' segment wieħed jew aktar tal-proprjetà ta' tali skoperturi, totalment iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew fuq proprjetà immobbli kummerċjali li tkun tinsab f'parti jew partijiet tat-territorju tagħha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu, għal dawk is-segmenti ta' skoperturi għall-proprjetà, piżijiet tar-riskju ogħla li jikkorrispondu għar-riskji attwali.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw l-ABE dwar l-aġġustamenti għall-piżijiet tar-riskju u l-kriterji applikati, li ser jiġu kkalkulati skont il-kriterji stabbiliti f'dan il-paragrafu kif speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. L-ABE għandha tippubblika l-piżijiet tar-riskju u l-kriterji li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu għall-iskoperturi msemmija fl-Artikoli 125, 126 u 199.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu piż ta' riskju ogħla jew kriterji aktar stretti, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom perijodu transizzjonali ta' sitt xhur biex japplikaw il-piż ta' riskju l-ġdid.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju msemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 li l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu meta jiddeterminaw il-piżijiet tar-riskju ogħla, b'mod partikolari t-terminu "kunsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja".

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-istituzzjonijiet ta' Stat Membru għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskji u l-kriterji li ġew stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor għal skoperturi garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali li tinsab f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 125*

**Skoperturi totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' self ipotekarju fuq proprjetà residenzjali**

1. Sakemm ma jiġix deċiż b'mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 124(2), skoperturi li jkunu totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' self ipotekarju fuq proprjetà residenzjali għandhom jiġu ttrattati kif ġej:

(a) skoperturi jew kwalunkwe parti minn skopertura totalment u kompletament garantita permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali li tkun jew li sejra tkun okkupata jew mikrija mis-sid, jew mis-sid benefiċjarju fil-każ ta' kumpanniji tal-investiment personali, għandhom jiġi assenjati piż tar-riskju ta' 35 %;

(b) skoperturi għal kerrej fil-qafas ta' transazzjoni ta' kiri ta' proprjetà li tirrigwarda proprjetà residenzjali li taħtha l-istituzzjoni tkun sid il-kera u l-kerrej ikollu għażla li jixtri, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 35 % sakemm l-iskopertura għall-istituzzjoni tkun totalment u kompletament garantita permezz tas-sjieda tagħha tal-proprjetà.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw skopertura jew kwalunkwe parti minn skopertura bħala totalment u kompletament garantita għall-finijiet tal-paragrafu 1 biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jiddependix materjalment fuq il-kwalità kreditizja tal-mutwatarju. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mid-determinazzjoni tagħhom tal-materjalità ta' tali dipendenza dawk is-sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tal-mutwatarju;

(b) ir-riskju tal-mutwatarju ma għandux jiddependi materjalment fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà jew tal-proġett sottostanti, iżda fuq il-kapaċità sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħra, u bħala konsegwenza l-pagament lura tal-faċilità ma għandux jiddependi materjalment fuq l-fluss ta' flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala kollateral. Għal dawk is-sorsi l-oħra, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-proporzjonijiet massimi tas-self mad-dħul bħala parti mill-politika ta' self tagħhom u jiksbu evidenza xierqa tad-dħul rilevanti meta jagħtu s-self.

(c) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 208 u fir-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 229(1) jkunu ssodisfatti;

(d) sakemm ma jiġix determinat mod ieħor fl-Artikolu 124(2), il-parti tas-self li għaliha huwa assenjat piż tar-riskju ta' 35 % ma taqbiżx it-80 % tal-valur tas-suq tal-proprjetà inkwistjoni jew ta' 80 % tal-valur tas-self ipotekarju tal-proprjetà inkwistjoni f'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 fil-każ ta' skoperturi totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali li tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, meta l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun ippubblikat evidenza li turi li f'dak it-territorju jkun hemm suq immobbiljarji residenzjali żviluppat sew u li ilu stabbilit b'rati ta' telf li ma jaqbżux il-limiti li ġejjin.

(a) telf li ġej minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali sa 80 % tal-valur tas-suq jew ta' 80 % tal-valur tas-self ipotekarju sakemm ma jiġix deċiż b'mod ieħor skont l-Artikolu 124(2) ma jaqbiżx iż-0,3 % tas-self pendenti kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali fi kwalunkwe sena partikolari;

(b) telf globali li ġej minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali ma jaqbiżx 0,5 % tas-self pendenti kollateralizzat permezz ta' proprjetà residenzjali fi kwalunkwe sena partikolari.

4. Jekk xi wieħed mil-limiti msemmija fil-paragrafu 3 ma jiġix issodisfatt f'sena partikolari, l-eliġibbiltà għall-użu tal-paragrafu 3 għandha tieqaf u għandha tiġi applikata l-kondizzjoni li tinsab fil-punt (b) tal-paragrafu 2 sakemm il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfatti f'sena sussegwenti.

*Artikolu 126*

**Skoperturi totalment u kompletament iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali**

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 124(2), skoperturi totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' self ipotekarju fuq proprjetà immobbli kummerċjali għandhom jiġu trattati kif ġej:

(a) skoperturi jew xi parti minn skopertura totalment u kompletament iggarantiti b'ipoteki fuq uffiċini jew fuq binjiet kummerċjali oħra jistgħu jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 50 %;

(b) skoperturi relatati ma' transazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà li jirrigwardaw uffiċini jew binjiet kummerċjali oħra fejn l-istituzzjoni tkun sid il-kera u l-kerrej ikollu l-għażla li jixtri, jistgħu jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 50 % sakemm l-iskopertura tal-istituzzjoni tkun totalment u kompletament iggarantita mis-sjieda tagħha tal-proprjetà.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw skopertura jew kwalunkwe parti minn skopertura bħala totalment u kompletament garantita għall-finijiet tal-paragrafu 1 biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jiddependix materjalment fuq il-kwalità kreditizja tal-mutwatarju. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mid-determinazzjoni tagħhom tal-materjalità ta' tali dipendenza dawk is-sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tal-mutwatarju;

(b) ir-riskju tal-mutwatarju ma għandux jiddependi materjalment fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà jew tal-proġett sottostanti, iżda fuq il-kapaċità sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħra, u bħala konsegwenza, ir-ripagament tal-faċilità ma għandux jiddependi materjalment fuq xi fluss ta' flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li tkun qiegħda sservi ta' kollateral;

(c) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 208 u fir-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 229(1) jkunu ssodisfatti;

(d) Il-piż tar-riskju ta' 50 % sakemm ma jiġix dispost mod ieħor skont l-Artikolu 124(2) għandu jiġi assenjat għall-parti tas-self li ma taqbiżx il-50 % tal-valur tas-suq tal-proprjetà jew ta' 60 % tal-valur tas-self ipotekarju sakemm ma jiġix previst mod ieħor skont l-Artikolu 124(2) tal-proprjetà inkwistjoni f'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 għal skoperturi totalment u kompletament garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, fejn l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun ippubblikat evidenza li turi li f'dak it-territorju ikun hemm suq tal-proprjetà immobbli kummerċjali żviluppat sew u li ilu stabbilit b'rati ta' telf li ma jaqbżux il-limiti li ġejjin:

(a) it-telf li ġej minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali sa 50 % tal-valur tas-suq jew ta' 60 % tal-valur tas-self ipotekarju, sakemm ma jiġix iddeterminat mod ieħor skont l-Artikolu 124(2), ma jaqbiżx iż-0,3 % tas-self pendenti kkollateralizzati permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali;

(b) it-telf globali li ġej minn self kollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali ma jaqbiżx iż-0,5 % tas-self pendenti kkollateralizzat permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali;

4. Fejn xi wieħed mil-limiti msemmija fil-paragrafu 3 ma jiġix issodisfatt f'sena partikolari, l- eliġibbiltà għall-użu tal-paragrafu 3 għandha tieqaf u għandha tapplika l-kondizzjoni li tinsab fil-punt (b) tal-paragrafu 2 sakemm il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfatti f'sena sussegwenti.

*Artikolu 127*

**L-iskoperturi fi stat ta' inadempjenza**

1. Il-parti mhux iggarantita ta' kwalunkwe element fejn id-debitur ikun sar inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178, jew fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, il-parti mhux iggarantita ta' kwalunkwe faċilità ta' kreditu li saret inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta':

(a) 150 %, fejn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu jkunu ta' inqas minn 20 % tal-parti mhux iggarantita tal-valur tal-iskopertura kieku dawn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu ma jkunux ġew applikati;

(b) 100 %, fejn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu ma jkunux inqas minn 20 % tal-parti mhux iggarantita tal-valur tal-iskopertura kieku dawn l-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu ma jkunux ġew applikati.

2. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-parti iggarantita tal-element dovuta li qabżet l-iskadenza, il-kollateral u l-garanziji eliġibbli għandhom ikunu dawk eliġibbli għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont il-Kapitolu 4.

3. Il-valur tal-iskopertura li jifdal wara l-aġġustamenti tal-kreditu tar-riskju speċifiku ta' skoperturi totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali skont l-Artikolu 125 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 % jekk tkun twettqet inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178.

4. Il-valur tal-iskopertura li jifdal wara l-aġġustamenti tal-kreditu tar-riskju speċifiku ta' skoperturi totalment u kompletament iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali skont l-Artikolu 126 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 % fil-każ ta' inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178.

*Artikolu 128*

**Elementi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 150 % għal skoperturi, inkluż skoperturi fil-forma ta' azzjonijiet jew unitajiet f'CIU, li jkunu assoċjati ma' riskji partikolarment għoljin, fejn opportun.

2. Skoperturi b'riskji partikolarment għoljin għandhom jinkludu kwalunkwe waħda mill-iskoperturi li ġejjin:

(a) investimenti f'ditti tal-kapital ta' riskju (venture capital);

(b) investimenti f'AIFs kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE minbarra fejn il-mandat tal-fond ma jippermettix ingranaġġ ogħla minn dak meħtieġ skont l-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(c) investimenti f'ekwità privata;

(d) finanzjament spekulattiv ta' proprjetà immobbli.

3. Meta jiġi vvalutat jekk skopertura minbarra l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2 tkunx assoċjata ma' riskji partikolarment għoljin, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-karatteristiċi tar-riskju li ġejjin:

(a) ikun hemm riskju għoli ta' telf bħala riżultat ta' inadempjenza tad-debitur;

(b) ikun impossibbli biex jiġi adegwatament ivvalutat jekk l-iskopertura taqax taħt il-punt (a).

L-ABE għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw liema tipi ta' riskji jkunu assoċjati ma' riskju partikolarment għoli u taħt liema ċirkostanzi.

Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 129*

**Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti**

1. Biex ikunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali stabbilit fil-paragrafi 4 u 5, bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE (bonds koperti) għandhom jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 7 u għandhom jiġu kollateralizzati permezz ta' xi wieħed mill-assi eliġibbli li ġejjin:

(a) skoperturi għal jew garantiti minn gvernijiet ċentrali, minn banek ċentrali tas-SEBĊ, minn entitajiet tas-settur pubbliku, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali fl-Unjoni;

(b) skoperturi għal jew garantiti minn gvernijiet ċentrali ta' pajjiż terz, banek ċentrali ta' pajjiżi terzi, banek multilaterali tal-iżvilupp, organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, u skoperturi għal jew garantiti minn entitajiet tas-settur pubbliku ta'pajjiżi terzi, gvernijiet reġjonali ta' pajjiżi terzi jew awtoritajiet lokali ta' pajjiżi terzi li ġew ippeżati għar-riskju bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet jew għall-gvernijiet ċentrali u għall-banek ċentrali f'konformità mal-Artikolu 115(1) jew (2), jew l-Artikolu 116(1), (2) jew (4) rispettivament u li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, u skoperturi skont it-tifsira ta' dan il-punt li jikkwalifikaw bħala minimu għall-iskala 2 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, sakemm ma jaqbżux l-20 % tal-ammont nominali tal-bonds koperti pendenti tal-istituzzjonijiet emittenti;

(c) skoperturi għall-istituzzjonijiet li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu. L-iskopertura totali ta' dan it-tip ma għandhiex taqbeż il-15 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni emittenti. Skoperturi għall-istituzzjonijiet fl-Unjoni li jkollhom maturità li ma taqbiżx il-100 jum ma għandhomx jiġu kkunsidrati għall-fini ta' kalkolu tar-rekwiżit tal-iskala 1 iżda dawk l-istituzzjonijiet għandhom bħala minimu jikkwalifikaw għall-iskala 2 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu;

(d) self iggarantit permezz ta':

(i) proprjetà residenzjali li ma jaqbiżx l-inqas ammont tal-ammont ta' kapital tal-ipoteki kkombinati ma' ipoteki preċedenti u 80 % tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna; jew

(ii) unitajiet superjuri maħruġa mill-Fonds Communs de Titrisation Franċiż jew entitajiet ekwivalenti ta' titolizzazzjoni rregolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizzaw skoperturi fuq proprjetà residenzjali. F'każ li dawn l-unitajiet superjuri jintużaw bħala kollateral, is-superviżjoni pubblika speċjali biex tipproteġi d-detenturi tal-bonds kif dispost fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal dawn l-unitajiet għandhom, fi kwalunkwe ħin waqt li jkunu inklużi fl-aggregazzjoni koperta, mill-inqas 90 % minnhom ikunu magħmulin minn ipoteki residenzjali li jkunu kkombinati ma' xi ipoteki preċedenti li ma jaqbżux l-inqas tal-ammonti tal-kapital dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti tal-kapital tal-ipoteki, u 80 % tal-valur ta' proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu u li dawn l-unitajiet ma jaqbżux l-10 % tal-ammont nominali tal-ħruġ pendenti.

(e) self residenzjali kompletament iggarantit minn fornitur eleġibbli ta' protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 201 li jikkwalifika għal-livell 2 tal-kwalità ta' kreditu jew iżjed, kif imniżżel f'dan il-Kapitolu, fejn il-parti ta' kull wieħed mis-self li tintuża biex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit stabbilit f'dan il-paragrafu għall-kollateralizzazzjoni tal-bond kopert ma tirrappreżentax aktar minn 80 % tal-valur tal-proprjetà residenzjali korrispondenti li tinsab fi Franza, u fejn il-proporzjon tas-self imqabbel mad-dħul jirrispetta mhux iktar minn 33 % meta jkun ingħata s-self. Ma għandu jkun hemm ebda garanzija ipotekarja fuq il-proprjetà residenzjali meta s-self jingħata, u għas-self mogħti mill-1 ta' Jannar 2014 u l-mutwatarju għandu jintrabat kuntrattwalment li ma jagħtix tali garanzija mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni ta' kreditu li tat is-self. Il-proporzjon tas-self imqabbel mad-dħul jirrappreżenta s-sehem tad-dħul gross tal-mutwatarju li jkopri r-rimborż tas-self, inkluż l-imgħax. Il-fornitur tal-protezzjoni għandu jkun jew istituzzjoni finanzjarja awtorizzata u sorveljata mill-awtoritajiet kompetenti u soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli għal dawk applikati lil istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza jew istituzzjoni jew impriża tal-assigurazzjoni. Għandu jistabbilixxi fond ta' garanzija reċiproka jew protezzjoni ekwivalenti għall-impriżi tal-assigurazzjoni biex jiġi assorbit it-telf mir-riskju tal-kreditu, fejn l-ikkalibrar ta' dan għandu jiġi rivedut perjodikament mill-awtoritajiet kompetenti. Kemm l-istituzzjoni tal-kreditu kif ukoll il-fornitur tal-protezzjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju;

(f) self iggarantit permezz ta':

(i) proprjetà immobbli kummerċjali li ma jaqbiżx l-inqas ammont tal-ammont tal-kapital tal-ipoteki li jkunu kkombinati ma' xi ipoteki preċedenti u 60 % tal-valur ta' proprjetajiet mirhuna; jew

(ii) unitajiet superjuri maħruġa mill-Fonds Communs de Titrisation Franċiżi jew entitajiet ekwivalenti ta' titolizzazzjoni rregolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizzaw skoperturi fuq proprjetà immobbli kummerċjali. F'każ li dawn l-unitajiet superjuri jintużaw bħala kollateral, is-superviżjoni pubblika speċjali biex tipproteġi d-detenturi tal-bonds kif dispost fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal dawn l-unitajiet għandhom, fi kwalunkwe ħin waqt li jkunu inklużi fl-aggregazzjoni koperta, mill-inqas 90 % minnhom ikunu magħmulin minn ipoteki kummerċjali li jkunu kkombinati ma' xi ipoteki preċedenti li ma jaqbżux l-inqas tal-ammonti tal-kapital dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti tal-kapital tal-ipoteki, u 60 % tal-valur ta' proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu u li dawn l-unitajiet ma jaqbżux l-10 % tal-ammont nominali tal-ħruġ pendenti.

Self iggarantit permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali jkun eliġibbli meta l-proporzjon tas-Self għall-Valur ta' 60 % jinqabeż sa livell massimu ta' 70 % jekk il-valur tal-assi totali mirhuna bħala kollateral għall-bonds koperti jaqbeż l-ammont nominali pendenti fuq il-bonds koperti b'mill-inqas 10 %, u l-pretensjoni tad-detentur tal-bonds tilħaq ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali stabbiliti fil-Kapitolu 4. Il-pretensjoni tad-detentur tal-bonds għandha tieħu preċedenza fuq il-pretensjonijiet l-oħra kollha fuq il-kollateral;

(g) self iggarantit permezz ta' self marittimu fuq vapuri sad-differenza bejn 60 % tal-valur tal-vapur mirhun u l-valur ta' kwalunkwe rahan preċedenti.

Għall-finijiet tal-punti (c), (d)(ii) u (f)(ii) tal-ewwel subparagrafu, l-iskoperturi kkawżati mit-trażmissjoni u l-ġestjoni tal-pagamenti tad-debituri ta', jew rikavati minn likwidazzjoni fir-rigward ta', selfiet iggarantit permezz ta' proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet superjuri jew titoli ta' dejn ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limiti msemmija f'dawk il-punti.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara li jikkonsultaw mal-ABE, jirrinunzjaw parzjalment għall-applikazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu u jippermettu l-iskala 2 tal-kwalità kreditizja sa 10 % tal-iskopertura totali tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni emittenti, sakemm il-problemi potenzjali sinifikanti tal-konċentrazzjoni fl-Istati Membri konċernati jistgħu jiġu ddokumentati minħabba l-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-iskala 1 tal-kwalità kreditizja msemmi f'dak il-punt;

2. Is-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kollateral li jkun esklussivament ristrett mil-leġislazzjoni għall-protezzjoni tad-detenturi tal-bonds kontra t-telf.

3. Fil-każ ta’ proprjetà immobbli li tikkollateralizza bonds koperti l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 208 u r-regoli ta’ valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 229(1).

4. Bonds koperti li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 6a li tikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 6a*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 10 % | 20 % | 20 % | 50 % | 50 % | 100 % |

5. Bonds koperti li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju abbażi tal-piż tar-riskju assenjat lil skoperturi superjuri skoperturi tal-istituzzjoni li toħroġhom. Għandha tapplika l-korrispondenza li ġejja bejn il-piżijiet tar-riskju:

(a) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 20 %, il-bond kopert għandu jiġu assenjat piż tar-riskju ta’ 10 %;

(b) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 50 %, il-bond kopert għandu jiġu assenjat piż tar-riskju ta’ 20 %;

(c) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 100 %, il-bond kopert għandu jiġu assenjat piż tar-riskju ta’ 50 %;

(d) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 150 %, il-bond kopert għandu jiġu assenjat piż tar-riskju ta’ 100 %.

6. Bonds koperti maħruġa qabel il-31 ta’ Diċembru 2007 ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 3. Huma jkunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali skont il-paragrafu 4 u 5 sal-maturità tagħhom.

7. Skoperturi fil-forma ta’ bonds koperti huma eliġibbli għal trattament preferenzjali, dment li l-istituzzjoni li tinvesti fil-bonds koperti tista’ turi lill-awtoritajiet kompetenti li:

(a) hija tirċievi informazzjoni tal-portafoll tal-inqas dwar:

(i) il-valur tal-aggregazzjoni tal-kopertura u l-bonds koperti pendenti;

(ii) id-distribuzzjoni ġeografika u t-tip ta’ assi ta’ kopertura, id-daqs tas-self, ir-rata ta’ interessi u r-riskji tal-munita;

(iii) l-istruttura ta’ maturità tal-assi ta’ kopertura u l-bonds koperti; u

(iv) il-perċentwal tas-self li tkun ilha li skadiet aktar minn disgħin jum;

(b) l-emittent jagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) disponibbli għall-istituzzjoni tal-inqas kull sitt xhur.

*Artikolu 130*

**Elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni**

L-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont il-Kapitolu 5.

*Artikolu 131*

**Skoperturi għal istituzzjonijiet u impriżi b’valutazzjoni tal-kreditu ta’ terminu qasir**

Skoperturi għall-istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu ta’ terminu qasir minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 7 li tikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 7*

| Livell tal-Kwalità tal-Kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 100 % | 150 % | 150 % | 150 % |

*Artikolu 132*

**Skoperturi fil-forma ta’ unitajiet jew ishma f’CIUs**

1. Skoperturi fil-forma ta’ unitajiet jew azzjonijiet f’CIUs għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 100 %, sakemm l-istituzzjoni ma tapplikax il-metodu ta’ valutazzjoni tar-riskju ta’ kreditu skont il-paragrafu 2, jew l-approċċ ta’ trasparenza fil-paragrafu 4 jew l-approċċ tal-piż medju tar-riskju skont il-paragrafu 5 meta l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfatti.

2. Skoperturi fil-forma ta’ unitajiet jew ishma fis-CIUs li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 8 li tikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

*Tabella 8*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 150 % | 150 % |

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeterminaw il-piż tar-riskju għal CIU f’konformità mal-paragrafi 4 u 5, jekk il-kriterji ta’ eliġibbiltà li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) is-CIU tkun immaniġġjata minn kumpannija li tkun soġġetta għas-superviżjoni fi Stat Membru jew, fil-każ ta’ CIU ta’ pajjiż terz, meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(i) is-CIU tkun immaniġġjata minn kumpannija li tkun soġġetta għal- superviżjoni li tkun ikkunsidrata ekwivalenti għal dik stipulata fil-liġi tal-Unjoni;

(ii) il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tkun żgurata adegwatament;

(b) il-prospett tas-CIU jew dokument ekwivalenti jinkludi li ġejjin:

(i) il-kategorija ta' assi li fiha s-CIU tkun awtorizzata tinvesti;

(ii) fejn japplikaw limiti fuq l-investiment, il-limiti relattivi u l-metodoloġiji sabiex dawn jiġu kkalkulati;

(c) l-operat tas-CIU jiġi rrappurtat fuq mill-inqas bażi annwali biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, tal-introjtu u l-operazzjonijiet matul il-perijodu ta' rappurtar.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' din id-deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għal skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma ta' CIUs minn pajjiżi terzi meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

4. Fejn l-istituzzjoni tkun konxja mill-iskoperturi sottostanti ta' CIU, hija tista' tinvestiga dawk l-iskoperturi sottostanti sabiex tikkalkula l-piż medju tar-riskju għall-iskoperturi tagħha fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet fis-CIUs skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Meta skopertura sottostanti tas-CIU tkun fiha nnifisha skopertura fil-forma ta' ishma f'CIU oħra li jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 3, l-istituzzjoni tista' tinvestiga l-iskoperturi sottostanti ta' dik is-CIU l-oħra.

5. Fejn l-istituzzjoni ma tkunx konxja mill-iskoperturi sottostanti ta' CIU, hi tista' tikkalkula piż medju tar-riskju għall-iskoperturi tagħha fil-forma ta' unità jew sehem fis-CIU skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu soġġett għas-suppożizzjoni li s-CIU l-ewwel tinvesti, sal-limitu massimu permess taħt il-mandat tagħha, fil-klassijiet ta' skopertura li jiġbdu l-ogħla rekwiżit ta' kapital, u mbagħad tkompli tinvesti f'ordni dixxendenti sakemm jintlaħaq il-limitu massimu tal-investiment totali.

L-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu fuq il-partijiet terzi li ġejjin biex jikkalkulaw u jirrappurtaw, skont il-metodi stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5, piż tar-riskju għas-CIU:

(a) l-istituzzjoni depożitorja jew l-istituzzjoni finanzjarja depożitorja tas-CIU dment li s-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dik l-istituzzjoni depożitorja jew fl-istituzzjoni finanzjarja;

(b) fil-każ ta' CIUs li ma jkunux koperti mill-punt (a), il-kumpannija maniġerjali tas-CIU, sakemm il-kumpannija maniġerjali tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3(a).

Il-korrettezza tal-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

*Artikolu 133*

**Skoperturi ta' ekwità**

1. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala skoperturi ta' ekwità:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jwasslu għal pretensjoni residwa u subordinata fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) skoperturi ta' dejn u titoli oħra, sħubiji, derivattivi, jew strumenti oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (a).

2. Skoperturi ta' ekwità għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %, sakemm ma jkunux meħtieġa li jitnaqqsu skont il-Parti Tnejn, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 250 % skont l-Artikolu 48(4), jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 1 250 % skont l-Artikolu 89(3) jew jiġu ttrattati bħala skoperturi b'riskju għoli skont l-Artikolu 128.

3. Investimenti f'ekwità jew fi strumenti kapitali regolatorji maħruġa mill-istituzzjonijiet għandhom jiġu kklassifikati bħala pretensjonijiet ta' ekwità, sakemm ma jiġux imnaqqsa mill-fondi proprji jew jattiraw piż tar-riskju ta' 250 % skont l-Artikolu 48(4) jew jiġu ttrattati bħala elementi b'riskju għoli skont l-Artikolu 128.

*Artikolu 134*

**Elementi oħrajn**

1. Assi tanġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 86/635/KEE għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.

2. Pagamenti minn qabel u introjtu dovut li istituzzjoni ma tkunx kapaċi tiddetermina l-kontroparti tagħhom skont id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.

3. Elementi fi flus kontanti li qegħdin fil-proċess li jinġabru għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %. Flus fl-idejn u elementi ekwivalenti fi flus kontanti għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

4. Ingotti tad-deheb miżmuma fl-imħażen tas-sigurtà proprji jew fuq bażi allokata sal-limitu sostnut mill-obbligazzjonijiet tal-ingotti tad-deheb għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

5. Fil-każ ta' bejgħ ta' assi u ta' ftehimiet ta' xiri mill-ġdid u ta' xiri forward dirett, il-piż tar-riskju għandu jkun dak assenjat lill-assi inkwistjoni u mhux lill-kontropartijiet tat-transazzjonijiet.

6. Fejn istituzzjoni tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għal għadd ta' skoperturi skont termini li l-nth to default fost l-iskoperturi għandu jiskatta pagament u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jittermina l-kuntratt, u fejn il-prodott ikollu valutazzjoni tal-kreditu esterna minn ECAI, għandhom jiġu assenjati l-piżijiet tar-riskju preskritti fil-Kapitolu 5. Jekk il-prodott ma jkunx ikklassifikat minn ECAI, il-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi inklużi fil-basket sejrin jiġu aggregati, esklużi l-iskoperturi n-1, sa massimu ta' 1 250 % u mmultiplikat bl-ammont nominali tal-protezzjoni pprovdut mid-derivattiv ta' kreditu sabiex jinkiseb l-ammont ta' assi ppeżat għar-riskju. L-iskoperturi n-1 li jiġu esklużi mill-aggregat għandhom jiġu determinati abbażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li kull waħda minnhom jipproduċu ammont tal-iskopertura b'inqas piż tar-riskju mill-ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju ta' kwalunkwe skopertura inkluża fl-aggregat.

7. Il-valur tal-iskopertura għal kirjiet għandu jkun il-pagamenti tal-kirja minimi skontati. Pagamenti minimi tal-kiri huma l-pagamenti matul it-terminu tal-kiri li l-kerrej jagħmel jew jista' jintalab jagħmel u kwalunkwe għażla bi prezz innegozjat li l-eżerċizzju tagħha jkun raġonevolment ċert. Kull parti li ma tkunx sid il-kera tista' tintalab tagħmel pagament relatat mal-valur residwu ta' proprjetà mikrija u li l-obbligu ta' pagament jissodisfa s-sett ta' kondizzjonijiet fl-Artikolu 201 firrigward tal-eliġibbiltà tal-fornituri tal-protezzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent tat-tipi oħra ta' garanziji previsti fl-Artikoli 213 sa 215, dak l-obbligu ta' pagament jista' jitqies bħala protezzjoni mhux finanzjata tal-kreditu skont il-Kapitolu 4. Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati għall-klassi rilevanti ta' skopertura skont l-Artikolu 112. Meta l-iskopertura tkun valur residwu ta' assi mikrija, l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għandhom jiġu kkalkulati kif ġej: 1/t * 100 % * valur residwu, fejn t huwa l-akbar wieħed ta' 1 u l-eqreb numru ta' snin sħaħ li fadal tal-kirja.

## Taqsima 3

## Rikonoxximent u assoċjazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu

### Subtaqsima 1

### Rikonoxximent tal-ECAIs

*Artikolu 135*

**Użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs**

1. Valutazzjoni tal-kreditu esterna tista' tintuża biex tistabbilixxi l-piż tar-riskju ta' skopertura skont dan il-Kapitolu biss jekk tkun inħarġet minn ECAI jew tkun ġiet approvata minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

2. L-ABE għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha l-lista ta' ECAIs f'konformità mal-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

### Subtaqsima 2

### Assoċjazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI

*Artikolu 136*

**Assoċjazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI**

1. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex jispeċifikaw għall- ECAIs kollha, ma' liema mill-iskala tal-kwalità kreditizja stabbiliti fit-Taqsima 2 jikkorrispondu l-valutazzjonijiet rilevanti tal-kreditu tal- ECAI ('assoċjazzjoni'). Dawk id-determinazzjonijiet għandhom ikunu oġġettivi u konsistenti.

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014 u għandhom jissottomettu abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi riveduti fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

2. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw l-assoċjazzjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-kreditu, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) sabiex tiddifferenzja bejn il-gradi relattivi ta' riskju espressi minn kull valutazzjoni tal-kreditu l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkunsidraw fatturi kwantitattivi bħar-rata ta' inadempjenza ta' terminu twil assoċjata mal-elementi kollha li jkunu assenjati l-istess valutazzjoni tal-kreditu. Fil-każ ta' ECAI stabbiliti reċentement u għal dawk li għandhom biss rekord qasir ta' data ta' inadempjenzi, kreditu l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jitolbu lill-ECAI x'taħseb li tkun r-rata ta' inadempjenza ta' terminu twil assoċjata mal-elementi kollha assenjati l-istess valutazzjoni tal-kreditu;

(b) sabiex tiddifferenzja bejn il-gradi relattivi ta' riskju espressi minn kull valutazzjoni tal-kreditu, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkunsidraw l-fatturi kwalitattivi bħall-aggregazzjoni ta' emittenti li l-ECAI tkopri, il-firxa ta' valutazzjonijiet tal-kreditu li l-ECAI tassenja, kull tifsira ta' valutazzjoni tal-kreditu u d-definizzjoni ta' inadempjenza għall-ECAI;

(c) l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom iqabblu r-rati ta' inadempjenza esperjenzati għal kull valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI partikolari u jqabbilhom ma' punt ta' riferiment mibni abbażi tar-rati ta' inadempjenza esperjenzati minn ECAIs oħrajn fuq popolazzjoni ta' emittenti li jippreżentaw livell ekwivalenti tar-riskju ta' kreditu;

(d) fejn ir-rati ta' inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI partikolari jkunu materjalment u sistematikament ogħla mill-punt ta' riferiment, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jassenjaw skala ogħla tal-kwalità kreditizja fuq l-iskala ta' valutazzjoni tal-kwalità kreditizja għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI;

(e) fejn l-ABE, l-AEAPX u l-AETS ikunu żiedu l-piż assoċjat tar-riskju għal valutazzjoni speċifika tal-kreditu ta' ECAI partikolari, u meta r-rati ta' inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni tal-kreditu ta' dik l-ECAI ma jkunux għadhom materjalment u sistematikament ogħla mill-punt ta' riferiment, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS jistgħu jmorru lura għall-iskala oriġinali tal-kwalità kreditizja fl-iskala tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI.

3. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex jispeċifika l-fatturi kwantitattivi msemmija fil-punt (a), u l-fatturi kwalitattivi msemmija fil-punt (b) u l-punt ta' riferiment imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2.

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

Subtaqsima 3

**L-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu minn aġenziji tal-krediti għall-esportazzjoni**

*Artikolu 137*

**użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu minn Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni**

1. Għall-fini tal-Artikolu 114, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw valutazzjonijiet tal-kreditu ta' Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni li l-istituzzjoni tkun innominat, jekk waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tkun ġiet ssodisfatta:

(a) tkun tirrigwarda klassifikazzjoni tar-riskju maqbul (consensus risk score) mill-Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni li jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-'Arranġament dwar il-Linji Gwida għall-Krediti tal-Esportazzjoni Appoġġjati Uffiċjalment' tal-OECD;

(b) l-Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni tippubblika l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħha, u l-Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni tissottoskrivi għall-metodoloġija maqbula tal-OECD, u l-valutazzjoni tal-kreditu tiġi assoċjata ma' wieħed mit-tmien primjums minimi tal-assigurazzjoni fuq l-esportazzjoni li l-metodoloġija maqbula tal-OECD tistabbilixxi. Istituzzjoni tista' tirrevoka n-nomina ta' Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni. L-istituzzjoni għandha tissostanzja r-revoka jekk jeżistu indikazzjonijiet konkreti li l-intenzjoni li hija l-bażi tar-revoka tkun biex jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-adegwatezza kapitali.

2. Skoperturi li għalihom, għal finijiet ta' peżar tar-riskju, ikun hemm rikonoxxuta valutazzjoni tal-kreditu minn Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 9.

*Tabella 9*

| MEIP | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 0 % | 0 % | 20 % | 50 % | 100 % | 100 % | 100 % | 150 % |

Taqsima 4

**Użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI għad-determinazzjoni tal-piżijiet tar-riskju**

*Artikolu 138*

**Rekwiżiti ġenerali**

Istituzzjoni tista' tinnomina ECAI waħda jew aktar biex jintużaw biex jiġu determinati l-piżijiet tar-riskju li jridu jiġu assenjati għall-assi u elementi li ma jidhrux. Istituzzjoni tista' tirrevoka n-nomina ta' ECAI. L-istituzzjoni għandha tissostanzja r-revoka jekk jeżistu indikazzjonijiet konkreti li l-intenzjoni li hija l-bażi tar-revoka tkun biex jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-adegwatezza kapitali. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu ma għandhomx jintużaw b'mod selettiv. Istituzzjoni għandha tuża valutazzjonijiet ta' kreditu sollecitati. Madankollu, hija tista' tuża valutazzjonijiet ta' kreditu mhux sollecitati jekk l-ABE tkun ikkonfermat li valutazzjonijiet ta' kreditu mhux sollecitati ta' ECAI ma tkunx differenti fil-kwalità minn valutazzjonijiet ta' kreditu sollecitati ta' din l-ECAI. L-ABE għandha tirrifjuta jew tirrevoka din il-konferma b'mod partikolari meta l-ECAI tkun użat valutazzjoni ta' kreditu mhux sollecitata sabiex issir pressjoni fuq l-entità ggradata sabiex tordna valutazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħra. Meta jużaw il-valutazzjoni tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) istituzzjoni li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu prodotti minn ECAI għal ċerta klassi ta' elementi għandha tuża dawk il-valutazzjonijiet tal-kreditu konsistentement għall-iskoperturi kollha ta' dik il-klassi;

(b) istituzzjoni li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu prodotti minn ECAI għandha tużahom b'mod kontinwu u konsistenti tul iż-żmien;

(c) istituzzjoni għandha tuża biss valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI li jqisu l-ammonti kollha dovuti lilha kemm f'kapital kif ukoll f'imgħax;

(d) fejn għal element klassifikat tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu waħda biss minn ECAI nominata, għandha tintuża dik il-valutazzjoni tal-kreditu biex tiddetermina l-piż tar-riskju għal dik l-entrata;

(e) fejn ikunu disponibbli żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI nominati u t-tnejn jikkorrispondu ma' piżijiet differenti tar-riskju għal element klassifikat, għandu jiġi assenjat l-ogħla piż tar-riskju;

(f) fejn għal element klassifikat ikunu disponibbli aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI nominati, għandhom jintużaw iż-żewġ valutazzjonijiet li jiġġeneraw l-aktar żewġ piżijiet baxxi tar-riskju. Jekk l-iċken żewġ piżijiet tar-riskju jkunu differenti, għandu jiġi assenjat l-ogħla piż tar-riskju. Jekk l-iċken żewġ piżijiet ikunu l-istess, għandu jiġi assenjat dak il-piż tar-riskju.

*Artikolu 139*

**Valutazzjoni tal-kreditu tal-emittent u tal-emissjoni**

1. Fejn teżisti valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifika li għalih jappartjeni l-element li jikkostitwixxi l-iskopertura, għandha tintuża din il-valutazzjoni tal-kreditu biex jiġi ddeterminat il-piż tar-riskju li għandu jiġi assenjat għal dik l-entrata.

2. Fejn ma teżistix valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli għal ċertu element, iżda teżisti valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifika li l-entrata li tikkostitwixxi l-iskopertura ma tappartjenix għalih jew teżisti valutazzjoni ġenerali tal-kreditu għall-emittent, allura dik il-valutazzjoni tal-kreditu għandha tintuża f'waħda mill-każijiet li ġejjin:

(a) tipproduċi piż tar-riskju akbar minn dak li kieku jkun il-każ u l-iskopertura inkwistjoni tikklassifika pari passu jew subordinarju fl-aspetti kollha tal-programm jew tal-faċilità emittenti speċifika jew għal skoperturi superjuri mhux iggarantiti ta' dak l-emittent, kif rilevanti;

(b) tipproduċi piż tar-riskju iċken u l-iskopertura inkwistjoni tikklassifika pari passu jew superjuri fl-aspetti kollha tal-programm jew tal-faċilità speċifika emittenti jew għal skoperturi superjuri mhux garantiti ta' dak l-emittent, kif rilevanti.

Fil-każijiet l-oħra kollha, l-iskopertura għandha tiġi trattata bħala mhux klassifikata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jimpedixxu l-applikazzjoni tal-Artikolu 129.

4. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu għal emittenti fi grupp korporattiv ma jistgħux jintużaw bħala valutazzjoni tal-kreditu ta' emittent ieħor fl-istess grupp korporattiv.

*Artikolu 140*

**Valutazzjonijiet tal-kreditu ta' terminu twil u ta' terminu qasir**

1. Valutazzjonijiet tal-kreditu ta' terminu qasir jistgħu jintużaw biss għal assi u elementi ta' terminu qasir li ma jidhrux li jikkostitwixxu skoperturi għall-istituzzjonijiet u impriżi.

2. Kwalunkwe valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir għandha tapplika biss għall-element li għalih tirreferi l-valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir, u ma għandhiex tintuża biex jiġu dderivati l-piżijiet tar-riskju ta' xi entrata oħra, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk faċilità klassifikata ta' terminu qasir tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 %, allura l-iskoperturi kollha mhux iggarantiti u mhux klassifikati fuq dak id-debitur sew jekk ta' terminu qasir kif ukoll ta' terminu twil għandhom ukoll jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %;

(b) jekk faċilità klassifikata ta' terminu qasir tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 50 %, ma għandu jiġi assenjat l-ebda piż tar-riskju għal skopertura mhux klassifikata ta' terminu qasir ta' inqas minn 100 %.

*Artikolu 141*

**Elementi f'muniti domestiċi u f'muniti barranin**

Valutazzjoni tal-kreditu li tirreferi għal element iddenominat fil-munita domestika tad-debitur ma tistax tintuża biex jiġi dderivat il-piż tar-riskju għal skopertura oħra ta' dak l-istess debitur li tkun iddenominata f'munita barranija.

Meta skopertura li tkun ġejja mill-parteċipazzjoni ta' istituzzjoni f'selfa li tkun ġiet estiża minn bank multilaterali tal-iżvilupp li l-istatus tiegħu bħala kreditur ippreferut ikun rikonoxxut fis-suq, il-valutazzjoni tal-kreditu fuq il-munita domestika tad-debitur tista' tintuża għall-finijiet tal-ippeżar tar-riskju.

*KAPITOLU 3*

***Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (IRB)***

Taqsima 1

**Permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jintuża l-approċċ IRB**

*Artikolu 142*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'sistema ta' klassifikazzjoni' tfisser il-metodi, il-proċessi, il-kontrolli, il-ġbir ta' data u s-sistemi informatiċi kollha li jappoġġaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-gradi jew għall-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, u l-kwantifikazzjoni tal-istimi tal-inadempjenza u tat-telf li ġiet żviluppata għal ċertu tip ta' skoperturi;

(2) 'tip ta' skoperturi' tfisser skoperturi mmaniġġjati b'mod omoġenju li ġew iffurmati permezz ta' ċertu tip ta' faċilitajiet u li jistgħu jiġu limitati għal entità unika jew għal subsett uniku ta' entitajiet fi ħdan grupp sakemm l-istess tip ta' skoperturi jiġu mmaniġġjati b'mod differenti f'entitajiet oħra tal-grupp;

(3) 'unità operatorja' tfisser kull entità organizzazzjonali jew ġuridika, linji ta' negozju, postijiet ġeografiċi separati;

(4) 'entità tas-settur finanzjarju kbira' tfisser kull entità tas-settur finanzjarju, minbarra dawk imsemmija fil-punt (27)(j) tal-Artikolu 4(1), li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-assi totali tagħha, ikkalkulati fuq bażi individwali jew konsolidata, ikunu akbar jew ekwivalenti għal-livell limitu ta' EUR 70 biljun, bl-użu tal-aktar rapport finanzjarju riċentement verifikat jew ir-rapport finanzjarju konsolidat biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-assi; u

(b) hija jew waħda mis-sussidjarji tagħha hija soġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali fl-Unjoni jew għal-liġijiet ta' pajjiż terz li japplika superviżjoni prudenzjali u rekwiżiti regolatorji li huma mill-anqas ekwivalenti għal dak applikati fl-Unjoni;

(5) 'entità finanzjarja mhux regolata' tfisser kull entità oħra li ma tkunx entità tas-settur finanzjarju regolata iżda li twettaq, bħala negozju prinċipali tagħha, attività waħda jew aktar elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE jew elenkata fl-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(6) 'grad tad-debitur' tfisser kategorija ta' riskju fl-iskala ta' klassifikazzjoni tad-debituri f'sistema ta' klassifikazzjoni, li d-debitur jiġu assenjati fiha abbażi ta' sett speċifikat u distint ta' kriterji ta' klassifikazzjoni, li minnha jiġu dderivati l-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza (PD);

(7) 'grad tal-faċilità' tfisser kategorija ta' riskju fi skala ta' klassifikazzjoni tal-faċilità tas-sistema, li fiha l-iskoperturi jiġu assenjati abbażi ta' sett ta' kriterji speċifikati u distinti ta' klassifikazzjoni li minnha jiġu dderivati l-istimi proprji ta' LGD;

(8) 'ġestur' tfisser entità li timmaniġġja aggregazzjoni ta' riċevibbli mixtrija jew l-iskoperturi għall-kreditu sottostanti abbażi ta' kuljum.

2. Għall-finijiet tal-punt 4(b) 4 tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għal pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dan it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 143*

**Permess biex jintuża l-Approċċ IRB**

1. Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu jiġu ssodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi tagħhom peżati għar-riskju billi jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna (minn hawn 'il quddiem l-'Approċċ IRB').

2. Il-permess minn qabel biex jintuża l-Approċċ IRB, inkluż l-istimi proprji ta' LGD u l-fatturi ta' konverżjoni, għandu jkun meħtieġ għal kull klassi ta' skopertura u għal kull sistema ta' klassifikazzjoni u approċċi bbażati fuq mudelli interni fir-rigward ta' skoperturi ta' ekwità u għal kull approċċ għall-istima tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni użati.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiksbu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti għal li ġejjin:

(a) tibdil materjali għall-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni jew fl-approċċ ibbażat fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tuża;

(b) tibdil materjali għal sistema ta' klassifikazzjoni jew fl-approċċ ibbażat fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tuża.

Il-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi l-iskoperturi kollha tat-tip ta' skopertura rilevanti li għalihom tkun ġiet żviluppata dik is-sistema ta' klassifikazzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bit-tibdil kollu fis-sistemi ta' klassifikazzjoni u fl-approċċi bbażati fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-użu ta' sistema ta' klassifikazzjoni eżistenti għal skoperturi addizzjonali oħrajn mhux diġà koperti minn dik is-sistema ta' klassifikazzjoni u bidliet għas-sistemi ta' klassifikazzjoni jew fl-approċċi bbażati fuq mudelli interni fir-rigward ta' skoperturi ta' ekwità skont l-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 144*

**Valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar applikazzjoni biex jintuża l-Approċċ IRB**

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess skont l-Artikolu 143 biex istituzzjoni tuża l-Approċċ IRB, inkluż sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni, biss jekk l-awtorità kompetenti tkun issodisfatta li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu jkunu ġew issodisfatti, b'mod partikolari dawk stabbiliti fit-Taqsima 6, u li s-sistemi tal-istituzzjoni għall-ġestjoni u l-klassifikazzjoni tal-iskoperturi ta' riskji ta' kreditu jkunu validi u jiġu implimentati b'integrità u, b'mod partikolari, li l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istandards li ġejjin ikunu ġew issodisfatti:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni jipprovdu valutazzjoni tajba tal-karatteristiċi tad-debitur u tat-transazzjonijiet, differenzjar tajjeb tar-riskju u stimi kwantitattivi tar-riskju li jkunu preċiżi u konsistenti;

(b) il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi ta' inadempjenza u ta' telf użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji u fis-sistemi u l-proċessi assoċjati għandhom rwol essenzjali fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u fil-funzjonijiet ta' approvazzjoni tal-kreditu, fl-allokazzjoni interna tal-kapital u tal-governanza korporattiva tal-istituzzjoni;

(c) l-istituzzjoni għandha unità għall-kontroll tar-riskju ta' kreditu responsabbli għas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha li tkun indipendenti u ħielsa kif xieraq minn influwenza bla bżonn;

(d) l-istituzzjoni tiġbor u taħżen id-data kollha rilevanti sabiex tipprovdi appoġġ effikaċi għall-proċess tal-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu tagħha;

(e) l-istituzzjoni tiddokumenta s-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha u r-raġuni għat-tfassil tagħhom u tivvalida s-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha;

(f) l-istituzzjoni tkun ivvalidat kull sistema ta' klassifikazzjoni u kull approċċ ibbażat fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità matul perijodu ta' żmien xieraq qabel il-permess sabiex tintuża din is-sistema ta' klassifikazzjoni jew l-approċċ ibbażat fuq mudelli interni għall-iskoperturi ta' ekwità, matul dan il-perijodu ta' żmien tkun ivvalutat jekk is-sistema ta' klassifikazzjoni jew l-approċċ ibbażat fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità jkunux adatti għall-firxa tal-applikazzjoni tas-sistema ta' klassifikazzjoni jew għal approċċ ibbażat fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità, u tkun għamlet it-tibdil neċessarju għal dawn is-sistemi ta' klassifikazzjoni jew għall-approċċi bbażati fuq mudelli interni għal skoperturi ta' ekwità wara l-valutazzjoni tagħha;

(g) l-istituzzjoni tkun ikkalkulat skont l-Approċċ IRB ir-rekwiżiti tal-fondi proprji bħala riżultat tal-istimi tal-parametri tar-riskji u tkun kapaċi tissottometti r-rappurtar kif meħtieġ mill-Artikolu 99;

(h) l-istituzzjoni tkun assenjat u tkompli tassenja kull skopertura fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni għal skala ta' klassifikazzjoni jew aggregazzjoni ta' din is-sistema ta' klassifikazzjoni; l-istituzzjoni tkun assenjat u tkompli tassenja kull skopertura fil-medda ta' applikazzjoni ta' approċċ għall-iskoperturi għall-ekwità għal dan l-approċċ ta' mudelli intern.

Ir-rekwiżiti sabiex jintuża l-Approċċ IRB, inkluż l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni, japplikaw ukoll meta istituzzjoni tkun implimentat sistema ta' klassifikazzjoni, jew mudell użat f'sistema ta' klassifikazzjoni, li tkun xtrat minn venditur ta' parti terza.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodoloġija ta' valutazzjoni li ser isegwu l-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 145*

**Esperjenza preċedenti fl-użu tal-Approċċi IRB**

1. Istituzzjoni li tkun qiegħda tapplika biex tuża l-Approċċ IRB għandha tkun ilha tuża sistemi ta' klassifikazzjoni, fir-rigward tal-klassijiet ta' skopertura tal-IRB inkwistjoni, li kienu ġeneralment konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6 għall-finijiet tal-kalkolu u għall-ġestjoni tar-riskji interni għal mill-inqas tliet snin qabel ma kkwalifikat biex tuża l-Approċċ IRB.

2. Istituzzjoni li tkun qiegħda tapplika biex tuża l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni għandha turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li kienet qiegħda tagħmel stima u tuża l-istimi tagħha proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni b'mod ġeneralment konsistenti mar-rekwiżiti għall-użu tal-istimi proprji ta' dawk il-parametri stabbiliti fit-Taqsima 6 għal mill-inqas tliet snin qabel ma tikkwalifika biex tuża l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni.

3. Meta istituzzjoni testendi l-użu tal-Approċċ IRB wara l-permess inizjali għalih, l-esperjenza tal-istituzzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tal-iskoperturi addizzjonali koperti. Jekk l-użu tas-sistemi ta' klassifikazzjoni jiġi estiż għal skoperturi li jkunu ferm differenti mill-ambitu tal-iskopetura eżistenti, tant li l-esperjenza eżistenti ma tistax tiġi raġonevolment issoponuta li

tkun biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-iskoperturi addizzjonali, allura r-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw separatament għall-iskoperturi addizzjonali.

*Artikolu 146*

**Miżuri li jkollhom jittieħdu meta r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu ma jibqgħux jiġu ssodisfati**

Meta istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, din għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tippreżenta għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti pjan għal ritorn propizju għall-konformità u twettaq dan il-pjan f'perijodu miftiehem mal-awtorità kompetenti;

(b) turi għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li l-effett tan-nonkonformità jkun immaterjali.

*Artikolu 147*

**Metodoloġija biex skopertura tiġi assenjata fi klassijiet ta' skoperturi**

1. Il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tassenja skoperturi fi klassijiet differenti ta' skopertura għandha tkun adatta u konsistenti maż-żmien.

2. Kull skopertura għandha tiġi assenjata f'waħda mill-klassijiet differenti ta' skopertura:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali

(b) skoperturi għal istituzzjonijiet;

(c) skoperturi għal impriżi;

(d) skoperturi fil-livell tal-konsumatur;

(e) skoperturi ta' ekwità;

(f) elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(g) assi oħra b'obbligi mhux ta' kreditu

3. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu assenjati lill-klassi stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 2:

(a) skoperturi għal gvernijiet reġjonali, għal awtoritajiet lokali jew għal entitajiet tas-settur pubbliku ttrattati bħala skoperturi għal gvernijiet ċentrali skont l-Artikoli 115 u 116;

(b) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp imsemmija fl-Artikolu 117(2);

(c) skoperturi għal Organizzazzjonijiet Internazzjonali li jattiraw piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 118.

4. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu assenjati fil-klassi stabbilita fil-punt (b) tal-paragrafu 2:

(a) skoperturi għal gvernijiet reġjonali u għal awtoritajiet lokali li ma jkunux ittrattati bħala skoperturi għal gvernijiet ċentrali f'konformità mal-Artikolu 115(2) u (4);

(b) skoperturi għal Entitajiet tas-Settur pubbliku li ma jkunux ittrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali f'konformità mal-Artikolu 116(4);

(c) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li ma jiġux assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 117; u

(d) skoperturi għal istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 119(5).

5. Biex ikunu eliġibbli għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 2, l-iskoperturi għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) għandhom ikunu jappartjenu għal waħda minn dawn li ġejjin:

(i) skoperturi għal persuna fiżika waħda jew aktar;

(ii) skoperturi għal SME, dmenti li f'dak il-każ l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni u lill-impriżi prinċipali u lis-sussidjarji tagħha, inkluż xi skoperturi wara d-data tal-għeluq, minn klijent debitur jew minn grupp ta' klijenti konnessi, iżda eskluż l-iskoperturi ggarantiti fuq proprjetà residenzjali kollaterali, ma għandux, sa fejn taf l-istituzzjoni, li għandha tkun ħadet passi raġonevoli biex tikkonferma s-sitwazzjoni, jaqbeż l-EUR 1 miljun;

(b) ikunu ttrattati mill-istituzzjoni fil-ġestjoni tar-riskju tagħha b'mod konsistenti maż-żmien u b'mod simili;

(c) ma jkunux immaniġġjati sempliċement b'mod individwali bħal skoperturi fil-klassi ta' skopertur korporattiva;

(d) kull waħda tirrappreżenta waħda minn għadd sinifikanti ta' skoperturi mmaniġġjati b'mod simili.

Minbarra l-iskoperturi elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-valur preżenti tal-pagamenti tal-kiri minimi fil-livell tal-konsumatur għandu jiġi inkluż fil-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur.

6. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu assenjati għall-klassi ta' skopertura ta' ekwità stabbilita fil-punt (e) tal-paragrafu 2:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jwasslu għal pretensjoni residwa u subordinata fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) skoperturi ta' dejn u titoli oħra, sħubiji, derivattivi, jew strumenti oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (a).

7. Kwalunkwe obbligu ta' kreditu mhux assenjat lill-klassijiet ta' skoperturi stabbiliti fil-punti (a), (b), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 2 għandu jiġi assenjat lill-klassi ta' skopertura korporattiva msemmija fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu.

8. Fil-klassi ta' skopertura korporattiva stabbilita fil-punt (c) tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw separatament bħala skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self, skoperturi li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-iskopertura tkun għal entità li nħolqot speċifikament biex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi jew tkun skopertura ekonomikament komparabbli;

(b) l-arranġamenti kuntrattwali jagħtu lill-mutwanti grad sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u l-introjtu li jiġġeneraw;

(c) is-sors primarju tar-ripagament tal-obbligu jkun l-introjtu ġġenerat mill-assi li qegħdin jiġu ffinanzjati, aktar milli l-kapaċità indipendenti ta' impriża kummerċjali usa'.

9. Il-valur residwu ta' proprjetajiet mikrija għandu jiġi assenjat lill-klassi ta' skopertura stabbilita fil-punt (g) tal-paragrafu 2, ħlief sal-limitu li l-valur residwu jkun diġà inkluż fl-iskopertura tal-kiri stabbilita fl-Artikolu 166(4).

10. L-iskopertura minħabba l-provvediment ta' protezzjoni taħt derivat ta' basket ta' kreditu tat-tip n-th to default għandha tiġi assenjata għall-istess klassi stabbilita fil-paragrafu 2 li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi fil-basket, ħlief jekk l-iskoperturi individwali fil-basket ikunu assenjati għal diversi klassijiet ta' skopertura u f'dan il-każ l-iskopertura għandha tkun assenjata għall-klassi ta' skopertura korporattiva stabbilita fil-punt (c) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 148*

**Kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB fi klassijiet differenti ta' skoperturi u unitajiet kummerċjali**

1. L-istituzzjonijiet u kwalunkwe impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha għandhom jimplimentaw l-Approċċ IRB għall-iskoperturi kollha, sakemm ma jkunux irċevew il-permess tal-awtoritajiet kompetenti biex b'mod permanenti jużaw l-Approċċ Standardizzat skont l-Artikolu 150.

Soġġett għall-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, l-implimentazzjoni tista' ssir b'mod sekwenzjali fil-klassijiet differenti ta' skopertura, imsemmija fl-Artikolu 147, fl-istess unità tan-negozju, f'unitajiet kummerċjali differenti fl-istess grupp jew għall-użu tal-istimi proprji tal-LGDs jew tal-fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-piżijiet tar-riskju għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet, u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali.

Fil-każ tal-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur imsemmija fl-Artikolu 147(5), l-implimentazzjoni tista' ssir b'mod sekwenzjali fil-kategoriji ta' skoperturi li magħhom jikkorrispondu l-korrelazzjonijiet differenti fl-Artikolu 154.

2. L-awtoritàjiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-perijodu ta' żmien li matulu istituzzjoni u kwalunkwe impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw l-Approċċ IRB għall-iskoperturi kollha. Dan il-perijodu ta' żmien għandu jkun wieħed li l-awtoritàjiet kompetenti jikkunsidraw li jkun adatt abbażi tan-natura u l-iskala tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, jew kwalunkwe impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha, u n-numru u n-natura ta' sistemi ta' klassifikazzjoni li jridu jiġu implimentati.

3. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB skont il-kondizzjonijiet determinati mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tfassal dawk il-kondizzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-flessibbiltà skont il-paragrafu 1 ma tintużax b'mod selettiv għall-finijiet tal-kisba ta' rekwiżiti tal-fondi proprji mnaqqsa fir-rigward ta' dawk il-klassijiet ta' skopertura jew tal-unitajiet kummerċjali li jkunu għadhom iridu jiġu inklużi fl-Approċċ IRB jew fl-użu tal-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni.

4. L-istituzzjonijiet li bdew jużaw l-Approċċ IRB wara l-1 ta' Jannar 2013 jew sa dik id-data jkunu ġew rikjesti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu f'pożizzjoni li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kapital billi jużaw l-Approċċ Standardizzat għandhom iżommu l-kapaċità tagħhom li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kapital billi jużaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi kollha tagħhom waqt il-perijodu ta' implimentazzjoni sakemm l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikawhom li jkunu ssodisfatti li l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB sejra titlesta b'ċertezza raġonevoli.

5. Istituzzjoni li titħalla tuża l-Approċċ IRB għal xi klassi ta' skopertura għandha tuża l-Approċċ IRB għall-klassi ta' skopertura ta' ekwità stabbilita fil-punt (e) tal-Artikolu 147(2), ħlief fejn l-istituzzjoni titħalla tapplika l-Approċċ Standardizzat għal skoperturi ta' ekwità skont l-Artikolu 150 u għall-klassi tal-iskoperturi għal assi oħra b'obbligi mhux ta' kreditu stabbilita fil-punt (g) tal-Artiloku 147(2).

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet skont liema, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw in-natura u l-għażla tal-ħin adatti għat-tnedija b'mod sekwenzjali tal-Approċċ IRB fost il-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 149*

**Kondizzjonijiet biex terġa' lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati**

1. Istituzzjoni li tuża l-Approċċ IRB għal klassi speċifika ta' skopertura jew tip ta' skopertura ma għandhiex tieqaf tuża dak l-approċċ u minflok għandha tuża l-Approċċ Standardizzat għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju sakemm ma jiġux issodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-użu tal-Approċċ Standardizzat ma jkunx propost sabiex inaqqas ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, u li jkun meħtieġ abbażi tan-natura u l-kumplessità tal-iskoperturi totali ta' dan it-tip tal-istituzzjoni u ma jkollux impatt materjali ħażin fuq is-solvenza tal-istituzzjoni jew fuq il-kapaċità tagħha li timmaniġġja r-riskju b'mod effettiv;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

2. L-istituzzjonijiet li kisbu permess skont l-Artikolu 151(9) biex jużaw l-estimi proprji tal- LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni, ma għandhomx jerġgħu lura għall-użu tal-valuri tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 151(8) sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin ma jkunux issodisfatti:

(a) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-użu tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 151(8) għal ċerta klassi ta' skopertura jew tip ta' skoperturi ma jkunx ġie propost sabiex inaqqas ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, li jkun neċessarju abbażi tan-natura u l-kumplessità tal-iskoperturi totali ta' dan it-tip tal-istituzzjoni u ma jkollux impatt materjali ħażin fuq is-solvenza tal-istituzzjoni jew fuq il-kapaċità tagħha li timmaniġġja r-riskju b'mod effettiv;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

3. L-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 hi soġġetta għall-kondizzjonijiet biex jitniedi l-Approċċ IRB determinat mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 148 u l-permess għall-użu parzjali permanenti msemmi fl-Artikolu 150.

*Artikolu 150*

**Il-kondizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti**

1. Meta l-istituzzjonijiet ikunu rċevew permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li jitħallew jużaw l-Approċċ IRB fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju u għall-ammonti ta' telf mistenni għal klassi ta' skopertura waħda jew aktar jistgħu jużaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi li ġejjin:

(a) il-klassi ta' skopertura stabbilita fl-Artikolu 147(2)(a), fejn in-numru ta' kontropartijiet materjali jkun wieħed limitat u jkun ta' piż bla bżonn għall-istituzzjoni biex timplimenta sistema ta' klassifikazzjoni għal dawn il-kontropartijiet;

(b) il-klassi ta' skopertura stabbilita fl-Artikolu 147(2)(b), fejn in-numru ta' kontropartijiet materjali jkun limitat u jkun ta' piż bla bżonn għall-istituzzjoni biex timplimenta sistema ta' klassifikazzjoni għal dawn il-kontropartijiet;

(c) skoperturi f'unitajiet kummerċjali li ma jkunux sinifikanti kif ukoll klassijiet ta' skopertura jew tipi ta' skoperturi li jkunu immaterjali f'termini ta' daqs u fil-profil tar-riskju pperċeput;

(d) skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali tal-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali, l-awtoritajiet lokali, il-korpi amministrattivi u l-entitajiet fis-settur pubbliku tagħhom sakemm:

(i) ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn l-iskoperturi għal dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali u dawk l-iskoperturi l-oħra minħabba arranġamenti pubbliċi speċifiċi; u

(ii) l-iskoperturi għall-gvern ċentrali u l-bank ċentrali jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114(2), (4) jew (5);

(e) skoperturi ta' istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha jew sussidjarja tal-impriża prinċipali sakemm il-kontroparti tkun istituzzjoni jew kumpannija azzjonarja finanzjarja, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni finanzjarja, kumpannija maniġerjali tal-assi jew impriża anċillari tas-servizzi soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali xierqa jew impriża konnessa permezz ta' relazzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE;

(f) skoperturi bejn l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 113(7);

(g) skoperturi ta' ekwità għal entitajiet li l-obbligi ta' krediti tagħhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2 inkluż dawk l-entitajiet pubblikament sponsorjati fejn jista' jiġi applikat piż tar-riskju ta' 0 %;

(h) skoperturi ta' ekwità taħt programmi leġiżlattivi biex jippromwovu setturi speċifiċi tal-ekonomija li jipprovdu sussidji sinifikanti għall-investiment lill-istituzzjoni u jinvolvu xi tip ta' sorveljanza mill-gvern u restrizzjonijiet fir-rigward tal-investimenti ta' ekwità fejn dawn l-iskoperturi jistgħu, fl-aggregat tagħhom, jiġu esklużi mill-Approċċ IRB biss sa limitu ta' 10 % tal-fondi proprji;

(i) l-iskoperturi identifikati fl-Artikolu 119(4) li jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifikati fih;

(j) garanziji mill-Istat u garanziji riassigurati mill-Istat imsemmija fl-Artikolu 215(2).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu l-applikazzjoni tal-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi ta' ekwità msemmija fil-punti (g) u (h) tal-ewwel subparagrafu li ġew permessi għal dak it-trattament fi Stati Membri oħra. L-ABE għandha tippubblika fuq il-website tagħha u taġġorna regolarment lista bl-iskoperturi msemmija f'dawk il-punti li għandhom jiġu ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-klassi ta' skopertura ta' ekwità ta' istituzzjoni għandha tkun materjali jekk il-valur aggregat tagħhom, esklużi l-iskoperturi ta' ekwità mġarrba taħt programmi leġiżlattivi kif imsemmi fil-punt (g) tal-paragrafu 1, jaqbeż b'medja ta' 10 % l-fondi proprji tal-istituzzjoni fuq is-sena preċedenti. Meta n-numru ta' dawk l-iskoperturi ta' ekwità jkun inqas minn 10 holdings individwali, dak il-livell limitu għandu jkun ta' 5 % tal-fondi proprji tal-istituzzjoni.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-punt (d) tal-paragrafu 1 fl-2018, li jirrakkomandaw il-limit f'termini ta' perċentwal tal-karta tal-bilanċ totali u/jew assi peżati għar-riskju li għandhom jiġu kkalkulati skont l-Approċċ Standardizzat.

Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

### Taqsima 2

### Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju

#### Subtaqsima 1

#### Trattament skont it-tip tal-klassi ta' skopertura

*Artikolu 151*

**Trattament skont il-klassi ta' skopertura**

1. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskju ta' kreditu għal skoperturi li jappartjenu għal waħda mill-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punti (a) sa (e) u (g) ta' 147(2) għandhom, sakemm ma jitnaqqsux mill-fondi proprji, jiġu kkalkulati skont is-Subtaqsima 2 ħlief fejn dawk l-iskoperturi jitnaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2.

2. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni għal riċevibbli mixtrija għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 157. Fejn istituzzjoni jkollha azzjoni sħiħa ta' rivalsa għall-bejjiegħ ta' riċevibbli mixtrija għal riskji ta' inadempjenza u għal riskji ta' dilwizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 152 u l-Artikolu 158(1) sa (4) ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' riċevibbli mixtrija u l-iskopertura għandha tiġi ttrattata bħala skopertura kollateralizzata.

3. Il-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' kreditu u għal riskji ta' dilwizzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-parametri rilevanti assoċjati mal-iskopertura inkwistjoni. Dawn għandhom jinkludu l- PD, l-LGD, il-maturità (minn hawn 'il quddiem 'M') u l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura. Il-PD u l-LGD jistgħu jiġu kkunsidrati separatament jew flimkien, skont it-Taqsima 4.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' kreditu għall-iskoperturi kollha li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura ta' 'ekwità' msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 147(2) skont l-Artikolu 155. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 155(3) u (4) meta jkunu rċevew il-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess biex istituzzjoni tuża l-approċċ ibbażat fuq mudelli interni stabbiliti fl-Artikolu 155(4) sakemm l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fis-Subtaqsima 4 tat-Taqsima 6.

5. Il-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' kreditu għal skoperturi fuq għoti ta' self speċjalizzat jista' jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 153(5).

6. Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 147(2), l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-PDs skont l-Artikolu 143 u t-Taqsima 6.

7. Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 147(2), l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni skont l-Artikolu 143 u t-Taqsima 6.

8. Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 147(2), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valuri tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 161(1), u l-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 166(8) (a) sa (d), sakemm ikunu tħallew jużaw l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni għal dawk il-klassijiet tal-iskoperturi skont il-paragrafu 9.

9. Għall-iskoperturi kollha li jappartjenu għall-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 147(2), l-awtorità kompetenti għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet sabiex jużaw l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni skont l-Artikolu 143 u t-Taqsima 6.

10. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi titolizzati u għal skoperturi li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 147(2) għandhom jiġu kkalkulati skont il-Kapitolu 5.

*Artikolu 152*

**Trattament ta' skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIUs**

1. Meta skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIUs jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3) u l-istituzzjoni tkun konxja mill-iskoperturi kollha jew minn partijiet tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU, l-istituzzjoni għandha tinvestiga dawk l-iskoperturi sottostanti sabiex tikkalkula l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

Meta riskju sottostanti tas-CIU jkun huwa stess skopertura oħra fil-forma ta' unitajiet jew assjonijiet f'CIU oħra, l-ewwel istituzzjoni għandha tinvestiga wkoll l-iskoperturi sottostanti tas-CIU l-oħra.

2. Meta l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet biex tuża l-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu għall-iskoperturi kollha jew għal partijiet mill-iskoperturi sottostanti tas-CIU, l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni għandhom jiġu kkalkulati skont l-approċċi li ġejjin:

(a) għal skoperturi li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura ta' 'ekwità' msemmija fl-Artikolu 147(2)(e), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċ sempliċi tal-piż tar-riskju stabbilit fl-Artikolu 155(2);

(b) għall-iskoperturi l-oħra kollha sottostanti msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2, soġġett għal li ġejjin:

(i) għal skoperturi soġġetti għal piż tar-riskju speċifiku għal skoperturi mhux klassifikati jew soġġetti għall-klassi tal-kwalità kreditizja li tagħti l-akbar piż tar-riskju għal klassi partikolari ta' skopertura, il-piż tar-riskju għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' tnejn iżda ma għandux ikun aktar minn 1 250 %;

(ii) għall-iskoperturi l-oħra kollha, il-piż tar-riskju għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 1,1 u għandu jkun soġġett għal minimu ta' 5 %.

Fejn, għall-finijiet tal-punt (a), l-istituzzjoni ma tkunx tista' tiddistingwi bejn ekwità privata, skoperturi nnegozjati f'kambju u skoperturi oħra ta' ekwità, għandha tittratta l-iskoperturi konċernati bħala skoperturi oħra ta' ekwità. Fejn dawk l-iskoperturi, meħudin flimkien mal-iskoperturi diretti tal-istituzzjoni f'dik il-klassi ta' skopertura, ma jkunux materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 150(2), l-Artikolu 150(1) jista' jiġi applikat soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti.

3. Fejn skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3), jew l-istituzzjoni ma tkunx konxja mill-iskoperturi sottostanti kollha tas-CIU jew mill-iskopertura sottostanti tagħha li hija nnifisha tkun skopertura fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU, l-istituzzjoni għandha tinvestiga dawk l-iskoperturi sottostanti u għandha tikkalkula l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni skont l-approċċ sempliċi tal-piż tar-riskju stabbilit fl-Artikolu 155(2).

Fejn l-istituzzjoni ma tkunx tista' tiddifferenzja bejn ekwità privata, skoperturi nnegozjati bi skambju u skoperturi oħra ta' ekwità, għandha tittratta l-iskoperturi konċernati bħala skoperturi oħra ta' ekwità. Hija għandha tassenja l-iskoperturi li ma jkunux ta' ekwità lill-klassi l-oħra ta' ekwità.

4. B'mod alternattiv għall-metodu deskritt f'paragrafu 3, l-istituzzjonijiet jistgħu huma stess jikkalkulaw jew jistgħu joqogħdu fuq il-partijiet terzi li ġejjin biex jikkalkulaw u jirrappurtaw l-ammonti medji tal-iskoperturi peżati għar-riskju abbażi tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU skont l-approċċi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għal li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni depożitorja jew l-istituzzjoni finanzjarja tas-CIU sakemm is-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'din l-istituzzjoni depożitorja jew l-istituzzjoni finanzjarja;

(b) għal CIUs oħra, il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU, bil-kondizzjoni li l-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3)(a).

Il-korrettezza tal-kalkolu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet skont liema l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet jużaw l-Approċċ Standardizzat imsemmi fl-*Artikolu 150*(1) skont il-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Subtaqsima 2

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għar-riskju tal-kreditu**

*Artikolu 153*

**Ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali**

1. Soġġett għall-applikazzjoni tat-trattamenti speċifiċi stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4, l-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$\text{Ammont ta' skoperturi peżati għar-riskju} = \text{Valura ta' skopertura tal-piż tar-riskju} \cdot (RW)$$

Fejn il-piż tar-riskju RW huwa definit bħala:

(i) jekk PD = 0, RW ikun 0;

(ii) jekk PD = 1, jiġifieri, għal skoperturi inadempjenti:

— fejn l-istituzzjonijiet japplikaw il-valuri LGD stipulati fl-Artikolu 161(1), RW ikun 0:

— fejn l-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess ta' LGDs, RW ikun $RW = \max\{0{,}12.5 \cdot (LGD - EL_{BE})\}$;

fejn l-aħjar stima ta' telf mistenni (minn hawn 'il quddiem imsejħa '$EL_{BE}$') għandha tkun l-aħjar stima ta' telf mistenni tal-istituzzjoni għall-iskopertura inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 181(1)(h);

(iii) jekk 0 < PD < 1

$$RW = \left(LGD \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(PD) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0.999)\right) - LGD \cdot PD\right) \cdot \frac{1 + (M - 2{,}5) \cdot b}{1 - 1{,}5 \cdot b} \cdot 12{,}5 \cdot 1{,}06$$

fejn

N(x) = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali (jiġifieri l-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medja ta' 0 u varjanza ta' 1 ikun inqas minn jew daqs x);

G (Z) = jirrappreżenta l-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali (jiġifieri l-valur x biex N(x) = z)

R = jirrappreżenta l-koeffiċjent ta' korrelazzjoni, huwa definit bħala

$$R = 0.12 \cdot \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}} + 0.24 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}}\right)$$

b = il-fattur ta' aġġustament tal-maturità, iddefinit bħala

$$b = (0.11852 - 0.05478 \cdot \ln(PD))^2.$$

2. Għall-iskoperturi kollha għal entitajiet kbar tas-settur finanzjarju regolati, il-koeffiċjenti ta' korrelazzjoni tal-paragrafu 1(iii) huwa multiplikat b'1,25. Għall-iskoperturi kollha għal entitajiet finanzjarji li ma jkunux regolati, il-koeffiċjenti ta' korrelazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 (iii) u l-paragrafu 4, kif rilevanti, huma multiplikati b'1,25.

3. L-ammont ta' skoperturi peżati għar-riskju għal kull skopertura li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 202 u 217 jista' jiġu aġġustat skont il-formuli li ġejjin:

$$\text{Ammont ta' skoperturi peżati għar-riskju} = \text{valur tal-iskopertura RW} \cdot (0.15 + 160 \cdot PD_{pp})$$

fejn:

$PD_{pp}$ = PD tal-fornitur tal-protezzjoni.

RW jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula rilevanti tal-piż tar-riskju li tinsab fil-punt 1 għall-iskopertura, il-PD tal-obbligatur u l-LGD ta' skopertura diretta kumparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni. Il-fattur ta' maturità (b) jiġi kkalkulat billi tintuża l-inqas bejn il-PD tal-fornitur tal-protezzjoni u l-PD tal-obbligatur.

4. Għall-iskoperturi għal kumpanniji fejn il-bejgħ totali annwali għall-grupp konsolidat li l-kumpannija hija parti minnu huwa inqas minn EUR 50 miljun, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-formula ta' korrelazzjoni li ġejja f'paragrafu 1 (iii) għall-kalkolu tal-piżijiet tar-riskju għall-iskoperturi tal-impriżi. F'din il-formula S hija espressa bħala bejgħ totali annwali f'miljuni ta' Euro fejn EUR 5 miljun < S < EUR 50 miljun. Bejgħ irrappurtat ta' inqas minn EUR 5 miljun għandu jiġi ttrattat bħallikieku kien ekwivalenti għal EUR 5 miljun. Għal oġġetti riċevibbli mixtrija il-bejgħ totali annwali għandu jkun il-medja ppeżata mill-iskoperturi individwali tal-aggregazzjoni.

$$R = 0.12 \cdot \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}} + 0.24 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}}\right) - 0.04 \cdot \left(1 - \frac{\min\{\max\{5,S\},50\} - 5}{45}\right)$$

L-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-assi totali tal-grupp konsolidat għall-bejgħ totali annwali fejn il-bejgħ totali annwali ma jkunx indikatur sinifikattiv tad-daqs tal-kumpannija u l-assi totali jkunu indikatur aktar sinifikattiv mill-bejgħ totali annwali.

5. Għal skoperturi fuq self speċjalizzat li fir-rigward tagħhom istituzzjoni ma tkunx tista' tagħmel stima tal-PDs jew l-istimi tal-istituzzjonijiet tal-PD ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6, l-istituzzjoni għandha tassenja piżijiet tar-riskju lil dawn l-iskoperturi skont it-Tabella 1, kif ġej:

*Tabella 1*

| Maturità li Jifdal | Kategorija 1 | Kategorija 2 | Kategorija 3 | Kategorija 4 | Kategorija 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Inqas minn sentejn u nofs (2,5) | 50 % | 70 % | 115 % | 250 % | 0 % |
| Ugwali għal sentejn u nofs (2,5) jew aktar | 70 % | 90 % | 115 % | 250 % | 0 % |

Huma u jassenjaw il-piżijiet tar-riskju lil skoperturi fuq għoti ta' self speċjalizzat, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin: is-saħħa finanzjarja, l-ambjent politiku u ġuridiku, il-karatteristiċi tat-transazzjoni u/jew l-assi, is-saħħa tal-isponsor u l-iżviluppatur, inkluż kull fluss ta' introjtu minn soċjetà pubblika-privata, u l-pakkett ta' garanzija.

6. Fil-każ tar-riċevibbli korporattivi mixtrija tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 184. Għal riċevibbli korporattivi mixtrija li jkunu konformi wkoll mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 154(5), u fejn ikun ta' piż bla bżonn għal istituzzjoni biex tuża l-istandards ta' kwantifikazzjoni tar-riskji għal skoperturi korporattivi kif stabbilit fit-Taqsima 6 għal dawn ir-riċevibbli, jistgħu jintużaw l-istandards ta' kwantifikazzjoni tar-riskji għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif stabbilit fit-Taqsima 6.

7. Għal riċevibbli korporattivi mixtrija, skontijiet ta' xiri rimborżabbli, kollateral jew garanziji parzjali li jipprovdu protezzjoni kontra l-ewwel telf għal telf minħabba inadempjenza, telf ta' dilwizzjoni, jew it-tnejn, dawn jistgħu jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet tal-ewwel telf skont il-qafas ta' titolizzazzjoni tal-IRB.

8. Meta istituzzjoni tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għal għadd ta' skoperturi skont termini li l-nth default fost l-iskoperturi għandu jiskatta pagament u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jtemm il-kuntratt, jekk il-prodott għandu valutazzjoni tal-kreditu esterna minn ECAI, għandhom jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju stabbiliti fil-Kapitolu 5. Jekk il-prodott ma jkunx ikklassifikat minn ECAI, il-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi inklużi fil-basket jiġu aggregati, ħlief għall-iskoperturi n-1, fejn it-total tal-ammont ta' telf mistenni mmultiplikat bi 12,5 u l-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju ma għandhomx jaqbżu l-ammont nominali tal-protezzjoni pprovduta mid-derivat tal-kreditu mmultiplikat bi 12,5. L-iskoperturi n-1 li jiġu esklużi mill-aggregat għandhom jiġu determinati abbażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li kull waħda minnhom jipproduċu ammont tal-iskopertura b'inqas piż tar-riskju mill-ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju ta' kwalunkwe skopertura inkluża fl-aggregat. Għandu japplika piż tar-riskju ta' 1 250 % għal pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-piż tar-riskju skont l-Approċċ IRB.

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-fatturi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 meta jassenjaw il-piżijiet tar-riskju għal skoperturi fuq għoti ta' self speċjalizzat.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 154*

**L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur**

1. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$\text{Ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju} = \text{RW} \cdot \text{valur tal-iskopertura}$$

fejn il-piż tar-riskju RW huwa definit kif ġej:

(i) jekk PD = 1, jiġifieri għall-iskoperturi inadempjenti, RW għandu jkun

$$RW = \max\{0{,}12.5 \cdot (LGD - EL_{BE})\};$$

fejn $EL_{BE}$ għandu jkun l-aħjar stima ta' telf mistenni tal-istituzzjoni għall-iskopertura inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 181(1)(h);

(ii) jekk 0 < PD < 1, jiġifieri, għal kull valur possibbli għal PD minbarra dak skont (i)

$$RW = \left(LGD \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(PD) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0.999)\right) - LGD \cdot PD\right) \cdot 12{,}5 \cdot 1{,}06$$

fejn

N(x) = fejn il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali (jiġifieri l-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medja (mean) ta' 0 u varjanza ta' 1 ikun inqas minn jew daqs x);

G (Z) = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali (jiġifieri l-valur x b'tali mod li N9x) = z);

R = il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni definit bħala

$$R = 0.03 \cdot \frac{1 - e^{-35 \cdot PD}}{1 - e^{-35}} + 0.16 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-35 \cdot PD}}{1 - e^{-35}}\right)$$

2. L-ammont tal-iskoperturi peżat għar-riskju għal kull skopertura għal SMEs kif imsemmi fl-Artikolu 147(5) li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 202 u 217 jista' jiġi kkalkulat f'konfomità mal-Artikolu 153(3).

3. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur permezz ta' proprjetà immobbli bħala kollateral koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' R ta' 0,15 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra li toħroġ mill-formula ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

4. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur kwalifikattivi rotattivi skont il-punti (a) sa (e), koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' R ta' 0,04 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra li toħroġ mill-formula ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

L-iskoperturi għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotattivi jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskoperturi jkunu għal individwi;

(b) l-iskoperturi jkunu rotattivi, mhux iggarantiti, u sakemm dawn ma jintużawx immedjatament u mingħajr kondizzjonijiet, kanċellabbli mill-istituzzjoni. F'dan il-kuntest skoperturi rotattivi jkunu ddefiniti bħala dawk fejn il-bilanċi pendenti tal-klijenti jitħallew ivarjaw abbażi tad-deċiżjoni tagħhom li jissellfu u jħallsu lura, sa limitu stabbilit mill-istituzzjoni. Impenji mhux prelevati jistgħu jitqiesu bħala kanċellabbli mingħajr kondizzjonijiet jekk it-termini jippermettu lill-istituzzjoni li tikkanċellahom sa fejn ikun permess skont il-leġislazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur u leġislazzjoni relatata;

(c) l-iskopertura massima għal individwu uniku fis-subportafoll hija ta' EUR 100 000 jew inqas;

(d) l-użu tal-korrelazzjoni ta' dan il-paragrafu huwa limitat għal portafolji li wrew volatilità baxxa tar-rati ta' telf, meta mqabbla mal-livell medju tar-rati ta' telf tagħhom, speċjalment fil-faxex baxxi ta' PD;

(e) it-trattament bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur rotattiva kwalifikattiva għandu jkun konsistenti mal-karatteristiċi ta' riskju sottostanti tas-subportafoll.

Permezz ta' deroga mill-punt (b), ir-rekwiżit għal nuqqas ta' garanzija ma japplikax fir-rigward ta' faċilitajiet kollateralizzati ta' kreditu marbuta ma' kont tal-paga. F'dan il-każ l-ammonti rkuprati mill-kollateral ma għandhomx jitqiesu fl-istima tal-LGD.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-volatilità relattiva tar-rati ta' telf fis-subportafolji fil-livell tal-konsumatur kwalifikattivi rotattivi, kif ukoll il-portafoll fil-livell tal-konsumatur aggregat kwalifikattiv rotattiv, u għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tipiċi tar-rati ta' telf kwalifikattivi rotattivi madwar l-Istati Membri.

5. Sabiex ikunu eliġibbli għat-trattament fil-livell tal-konsumatur, riċevibbli mixtrija għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 184 u mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun xtrat ir-riċevibbli minn bejjiegħa terzi mhux relatati, u l-iskopertura tagħha għad-debitur tar-riċevibbli ma tkun tinkludi l-ebda skopertura li direttament jew indirettament oriġinat mill-istituzzjoni nfisha;

(b) ir-riċevibbli mixtrija għandhom ikunu ġġenerati fuq bażi distakkata bejn il-bejjiegħ u d-debitur. Għaldaqstant, riċevibbli ta' kontijiet interkorporattivi u riċevibbli soġġetti għal kontrokontijiet bejn ditti li jbigħu u jixtru mingħand xulxin ma jkunux eliġibbli;

(c) l-istituzzjoni li tixtri jkollha pretensjoni fuq ir-rikavati kollha mir-riċevibbli mixtrija jew imgħax prorata fuq ir-rikavati; u

(d) il-portafoll ta' riċevibbli mixtrija jkun diversifikat biżżejjed.

6. Għal riċevibbli mixtrija, skontijiet ta' xiri rimborżabbli, kollateral jew garanziji parzjali li jipprovdu protezzjoni kontra l-ewwel telf għal telf minħabba inadempjenza, telf minħabba dilwizzjoni, jew it-tnejn, jistgħu jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet tal-ewwel telf skont il-qafas ta' titolizzazzjoni tal-IRB.

7. Għal aggregazzjonijiet ibridi ta' riċevibbli fil-livell tal-konsumatur mixtrija fejn l-istituzzjonijiet li jixtru ma jkunux jistgħu jisseparaw skoperturi garantiti permezz ta' proprjetà immobbli bħala kollateral u skoperturi fil-livell tal-konsumatur kwalifikattivi rotattivi minn skoperturi fil-livell tal-konsumatur oħra, għandha tapplika l-funzjoni tal-piż tar-riskju fil-livell tal-konsumatur li tipproduċi l-ogħla rekwiżiti ta' kapital għal dawk l-iskoperturi.

*Artikolu 155*

**L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur ta' ekwità**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammonti tal-iskoperturi tagħhom peżati għar-riskju għal skoperturi ta' ekwità, ħlief dawk imnaqqsa skont il-Parti Tnejn jew soġġetti għal piż tar-riskju ta' 250 % skont l-Artikolu 48, f'konformità mal- approċċi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. Istituzzjoni tista' tapplika approċċi differenti għall-portafolji ta' ekwità differenti fejn l-istituzzjoni nnifisha tuża approċċi differenti għall-finijiet tal-ġestjoni interna tar-riskju. Meta istituzzjoni tuża approċċi differenti, l-għażla tal-approċċ tal-PD / LGD jew tal-approċċ tal-mudelli interni għandha ssir b'mod konsistenti, inkluż matul iż-żmien u bl-approċċ użat għall-ġestjoni interna tar-riskju tal-iskoperturi tal-ekwitajiet rilevanti, u ma għandhiex tiġi ddeterminata minn kunsiderazzjonijiet ta' arbitraġġ regolatorju.

L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw skoperturi ta' ekwità għal impriżi li joffru servizzi anċillari skont it-trattament ta' assi oħra mingħajr obbligu ta' kreditu.

2. Skont l-approċċ Sempliċi tal-piż tar-riskju, l-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju għandu jkun ikkalkulat skont il-formula

$$\text{Ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju} = RW * \text{valur tal-iskopertura},$$

fejn:

Piż tar-riskju (RW) = 190 % għal skoperturi ta' ekwità privata f'portafolji suffiċjentement iddiversifikati.

Piż tar-riskju (RW) = 290 % għal skoperturi għal ekwitajiet nnegozjati fil-borża.

Piż tar-riskju (RW) = 370 % għall-iskoperturi l-oħra kollha ta' ekwità.

Pożizzjonijiet qosra fi flus u strumenti derivattivi miżmuma fil-portafoll mhux ta' negozjar jistgħu jpaċu pożizzjonijiet twal fl-istess stocks individwali sakemm dawn l-istrumenti ma jkunux ġew espliċitament imfassla bħala hedges ta' skoperturi speċifiċi ta' ekwità u li jkunu jipprovdu ħedge għal mill-inqas sena oħra. Pożizzjonijiet qosra oħra għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet twal bil-piż tar-riskju rilevanti assenjat lill-valur assolut ta' kull pożizzjoni. Fil-kuntest ta' pożizzjonijiet b'maturità differenti, il-metodu jkun dak għal skoperturi korporattivi kif stabbilit fl-Artikolu 162(5).

L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata miksuba fuq skopertura ta' ekwità skont il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4.

3. Skont l-approċċ PD/LGD, l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli fl-Artikolu 153(1). Jekk l-istituzzjonijiet ma jkollhomx informazzjoni biżżejjed biex jużaw id-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita fl-Artikolu 178, għandu jiġi assenjat fattur ta' gradazzjoni ta' 1,5 għall-piżijiet tar-riskju.

Fuq il-livell ta' skopertura individwali, is-somma tal-ammont ta' telf mistenni mmultiplikata bi 12,5 u l-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju ma għandhomx jaqbżu l-valur tal-iskopertura mmultiplikat bi 12,5.

L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata miksuba fuq skopertura ta' ekwità skont il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4. Dan għandu jkun soġġett għal LGD ta' 90 % fuq l-iskopertura għal min jipprovdi l-hedge. Għal skoperturi ta' ekwità privata f'portafolji suffiċjentement iddiversifikati jista' jintuża LGD ta' 65 %. Għal dawn il-finijiet M għandha tkun ta' ħames snin.

4. Skont l-approċċ ibbażat fuq mudelli interni, l-ammont tal-iskopertura peżata għar-riskju għandu jkun it-telf potenzjali fuq l-iskoperturi ta' ekwità tal-istituzzjoni kif derivat bl-użu ta' mudelli interni ta' valur fir-riskju soġġetti għall-intervall ta' fiduċja fuq naħa waħda fil-perċentil 99 tad-differenza bejn ir-rendimenti trimestrali u rata adatta mingħajr riskju kkalkulata fuq perijodu ta' kampjun ta' terminu twil, immultiplikat bi 12,5. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju fuq livell ta' portafoll ta' ekwità ma għandhomx ikunu inqas mit-total tas-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju meħtieġa skont l-Approċċ PD/LGD; u

(b) l-ammont korrispondenti ta' telf mistenni mmultiplikat bi 12,5.

L-ammonti msemmija fil-punt (a) u (b) għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-valuri tal-PD stabbiliti fl-Artikolu 165(1) u l-valuri korrispondenti tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 165(2).

L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata fuq pożizzjoni ta' ekwità.

*Artikolu 156*

**Ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal assi oħra mingħajr obbligu ta' kreditu**

L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal assi oħra mingħajr obbligu ta' kreditu għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja: [Ammont ta' skopertura peżat għar-riskju = 100 % · valur ta' skopertura]:

$$\text{Ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju} = 100\,\% \cdot \text{valur tal-iskopertura},$$

ħlief għal:

(a) flus fl-idejn u l-ekwivalenti f'elementi fi flus kontanti kif ukoll ingotti ta' deheb miżmuma f'maħżen tas-sigurtà proprja jew fuq bażi allokata sal-limitu sostnut mill-obbligazzjonijiet ta' ingotti, li f'dak il-każ għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 0 %;

(b) meta l-iskopertura tkun valur residwu ta' assi mikrija fejn f'dak il-każ għandha tiġi kkalkulata kif ġej: [valur tal-iskopertura],

$$\frac{1}{t} \cdot 100\,\% \cdot \textit{valur tal-iskopertura}$$

fejn t tkun l-akbar wieħed fost 1 u l-eqreb numru ta' snin sħaħ li jkun fadal tal- kirja.

Subtaqsima 3

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija**

*Artikolu 157*

**Ammonti tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni fuq riċevibbli korporattivi u fil-livell tal-konsumatur mixtrija skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 153(1).

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-parametri PD u LGD imdaħħla skont it-Taqsima 4.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura skont it-Taqsima 5.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-valur ta' M huwa ta' sena.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżentaw istituzzjoni milli tikkalkula u tirrikonoxxi l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni ta' tip ta' skoperturi kkawżati minn riċevibbli korporattivi jew fil-livell tal-konsumatur mixtrija meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li r-riskju ta' dilwizzjoni għal dik l-istituzzjoni jkun immaterjali għal dan it-tip ta' skoperturi.

Taqsima 3

**Ammonti ta' telf mistenni**

*Artikolu 158*

**Trattament skont it-tip tal-iskopertura**

1. Il-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija għandu jkun ibbażat fuq l-istess ċifri li jiddaħħlu tal-PD, l-LGD u l-valur tal-iskopertura għal kull skopertura użati għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Artikolu 151.

2. L-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi titolizzati għandhom jiġu kkalkulati skont il-Kapitolu 5.

3. L-ammont ta' telf mistenni għall-iskoperturi li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura ta' 'assi oħrajn li mhumiex obbligi ta' kreditu' msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 147(2) għandu jkun żero.

4. L-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi fil-forma ta' azzjonijiet jew unitajiet ta' CIU msemmija fl-Artikolu 152 għandhom jiġu kkalkulati skont il-metodi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

5. It-telf mistenni (EL) u l-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali u skoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$\text{Telf mistenni (EL)} = PD * LGD$$

Ammont ta' telf mistenni = EL [immultiplikat bil-]valur tal-iskopertura.

Għall-iskoperturi inadempjenti (PD =100 %) fejn l-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-LGDs, l-EL għandu jkun $EL_{BE}$, l-aħjar stima mill-istituzzjoni tat-telf mistenni għall-iskopertura inadempjenti skont l-Artikolu 181(1)(h).

Għall-iskoperturi soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3), l-EL għandu jkun 0 %.

6. Meta l-istituzzjonijiet jużaw il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 153(5) sabiex jassenjaw il-piżijiet tar-riskju, il-valuri tal-EL għal skoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzati għandhom jiġu assenjati skont it-Tabella 2.

*Tabella 2*

| Maturità li Jifdal | Kategorija 1 | Kategorija 2 | Kategorija 3 | Kategorija 4 | Kategorija 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Inqas minn sentejn u nofs (2,5) | 0 % | 0,4 % | 2,8 % | 8 % | 50 % |
| Daqs jew aktar minn sentejn u nofs (2,5) | 0,4 % | 0,8 % | 2,8 % | 8 % | 50 % |

7. Meta l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati skont l-approċċ sempliċi ta' ppeżar tar-riskji, l-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi ta' ekwità għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja:

$$\text{Ammont ta' telf mistenni} = EL \cdot \text{valur tal-iskopertura}$$

Il-valuri tal-EL għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Telf mistenni (EL) = 0,8 % għal skoperturi ta' ekwità privata f'portafolli diversifikati biżżejjed

Telf mistenni (EL) = 0,8 % għal skoperturi għal ekwitajiet innegozjata fil-borża

Telf mistenni (EL) = 2,4 % għall-iskoperturi l-oħra kollha ta' ekwità.

8. It-telf mistenni u l-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi ta' ekwità fejn l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati skont l-approċċ PD/LGD, għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$\textit{Telf mistenni (EL)} = PD \cdot LGD$$

$$\textit{Ammont ta' telf mistenni} = EL \cdot \textit{valur tal-iskopertura.}$$

9. L-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi ta' ekwità fejn l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati skont l-approċċ tal-mudelli interni, għandhom ikunu ta' żero.

10. L-ammonti ta' telf mistennija għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja:

$$\textit{Telf mistenni (EL)} = PD \cdot LGD$$

$$\textit{Ammont ta' telf mistenni} = EL \cdot \textit{valur tal-iskopertura.}$$

*Artikolu 159*

**Trattament tal-ammonti ta' telf mistennija**

L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammonti ta' telf mistennija kkalkolati skont l-Artikolu 158 (5), (6) u (10) mill-aġġustamenti tar-riskju tal-kreditu ġenerali u speċifiċi u mill-aġġustamenti addizzjonali għall-valur skont l-Artikoli 34 u 110 u tnaqqis ieħor tal-fondi proprji relatati ma' dawn l-iskoperturi. Skonti fuq skoperturi li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ mixtrija meta kienu inadempjenti skont l-Artikolu 166(1) għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiku. L-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiku fi skoperturi inadempjenti ma għandhomx jintużaw sabiex ikopru l-ammonti tat-telf mistenni fuq skoperturi oħra. L-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi titolizzati u l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu ġenerali u speċifiku relatati ma' dawn l-iskoperturi ma għandhomx jiġu inklużi f'dan il-kalkolu.

## Taqsima 4

## PD, LGD u maturità

### Subtaqsima 1

### Skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali

*Artikolu 160*

**Probabbiltà ta' inadempjenza (PD)**

1. Il-PD ta' skopertura għal impriża jew istituzzjoni għandha tkun tal-inqas 0,03 %.

2. Għal riċevibbli korporattivi mixtrija li fir-rigward tagħhom istituzzjoni ma tistax tagħmel stima tal-PDs jew jekk l-istimi tal-PD ta' istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 6, il-PDs għal dawn l-iskoperturi għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodi li ġejjin:

(a) għal pretensjonijiet prijoritarji fuq riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tkun l-istima tal-EL mill-istituzzjonijiet diviża mill-LGD għal dawn ir-riċevibbli;

(b) għal pretensjonijiet subordinati fuq riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tkun l-istima tal-EL mill-istituzzjoni;

(c) istituzzjoni li rċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi skont l-Artikolu 143 u li tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għal riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod li l-awtorità kompetenti tikkunsidra bħala affidabbli, tista' tuża l-istima tal-PD li tirriżulta minn dik id-dekompożizzjoni.

3. Il-PD ta' debituri f'inadempjenza għandha tkun ta' 100 %.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4. Għar-riskju ta' dilwizzjoni, minbarra l-fornituri tal-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 201(1)(g), il-bejjiegħ tar-riċevibbli mixtrija huwa eliġibbli jekk jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entità korporattiva għandha valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 tal-kwalità ta' kreditu jew ogħla, skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal impriżi skont il-Kapitolu 2;

(b) l-entità korporattiva, fil-każ tal-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija bl-Approċċ IRB, ma għandhiex valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI rikonoxxuta u hija kklassifikata internament bħala li għandha PD ekwivalenti għal dik assoċjata mal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAIs li ġiet iddeterminat mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 tal-kwalità ta' kreditu jew ogħla, skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal impriżi skont il-Kapitolu 2.

5. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji tal-LGD jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi jaġġustaw il-PDs soġġetti għall-Artikolu 161(3).

6. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tiġi ffissata daqs l-istima tal-EL għar-riskju ta' dilwizzjoni mill-istituzzjoni. Istituzzjoni li tkun irċeviet permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi u li tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod ikkunsidrat affidabbli mill-awtorità kompetenti, tista' tuża l-istima tal-PD li tirriżulta minn din id-dekompożizzjoni. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4. Għar-riskju ta' dilwizzjoni, minbarra l-fornituri tal-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 201(1)(g), il-bejjiegħ tar-riċevibbli mixtrija huwa eliġibbli jekk jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4.

7. B'deroga mill-Artikolu 201(1)(g), huma eliġibbli l-entitajiet korporattivi li jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4. Istituzzjoni li tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija, tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi taġġusta l-PDs soġġetta għall-Artikolu 161(3).

*Artikolu 161*

**Telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD)**

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-valuri ta' LGD li ġejjin:

(a) skoperturi prijoritarji mingħajr kollateral eliġibbli: 45 %;

(b) skoperturi subordinati mingħajr kollateral eliġibbli: 75 %;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata u mhux iffinanzjata fl-LGD skont il-Kapitolu 4;

(d) bonds koperti eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jistgħu jiġu assenjati il-valur ta' LGD ta' 11,25 %;

(e) għal skoperturi prijoritarji ta' riċevibbli korporattivi mixtrija fejn istituzzjoni ma tkunx tista' tagħti stima tal-PDs jew l-istimi tal-PD mill-istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 6: 45 %;

(f) għal skoperturi subordinati ta' riċevibbli korporattivi mixtrija fejn l-istituzzjoni ma tistax tagħti stima tal-PDs jew inkella l-istimi tal-PD mill-istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 6: 100 %;

(g) Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija: 75 %.

2. Għal riskju ta' dilwizzjoni u inadempjenza jekk istituzzjoni tkun irċeviet permess mill-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi skont l-Artikolu 143 u tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għal riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod ikkunsidrat affidabbli mill-awtorità kompetenti, tista' tintuża l-istima tal-LGD għar-riċevibbli korporattivi mixtrija.

3. Jekk istituzzjoni tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għall-iskoperturi għall-impriżi, l-istituzzjonijiet, il-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali skont l-Artikolu 143, il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata tista' tiġi rikonoxxuta billi tiġi aġġustata l-PD jew l-LGD, soġġetta għar-rekwiżiti kif speċifikat fit-Taqsima 6 u għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti. Istituzzjoni ma għandhiex tassenja lil skoperturi ggarantiti PD jew LGD aġġustat b'mod li l-piż ta' riskju aġġustat ikun aktar baxx minn dak ta' skopertura komparabbli u diretta għall-garanti.

4. Għall-finijiet tal-impriżi msemmija fl-Artikolu 153(3), l-LGD ta' skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni għandu jkun jew l-LGD assoċjat ma' faċilità mhux iħheġġjata għall-garanti jew inkella ma' faċilità mhux iħheġġjata tad-debitur skont, jekk fil-każ ta' inadempjenza tal-garanti kif ukoll tad-debitur matul il-ħajja tat-transazzjoni ħheġġjata, il-provi disponibbli u l-istruttura tal-garanzija, jindikawx jekk l-ammont irkuprat ikunx jiddependi fuq il-kondizzjoni finanzjarja tal-garanti jew tad-debitur, rispettivament.

*Artikolu 162*

**Maturità**

1. Istituzzjonijiet li ma rċevewx permess jużaw l-LGDs proprji u l-fatturi ta' konverzjoni proprji għall-iskoperturi għall-impriżi, l-istituzzjonijiet jew il-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali għandhom jassenjaw valur tal-maturità (M) ta' nofs sena (0,5) għal skoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid jew minn transazzjonijiet ta' għoti jew teħid ta' self ta' titoli jew prodotti u M ta' sentejn u nofs (2,5) għall-iskoperturi l-oħra kollha.

Alternattivament, bħala parti mill-permess imsemmi fl-Artikolu 143, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar jekk l-istituzzjoni għandhiex tuża maturità (M) għal kull skopertura kif stabbilit fil-paragrafu 2.

2. Istituzzjonijiet li rċevew il-permess tal-awtorità kompetenti sabiex jużaw l-LGDs proprji u l-fatturi ta' konverżjoni proprji għall-iskoperturi għall-korporattivi, l-istituzzjonijiet jew il-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali skont l-Artikolu 143 għandhom jikkalkulaw M għal kull waħda minn dawn l-iskoperturi kif stipulat fil-punti (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu u soġġetti għall-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu. M m'għandux ikun iktar minn ħames snin minbarra fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 384(1) fejn M kif speċifikat hemm għandu jintuża:

(a) għal strument soġġett għal skeda ta' fluss tal-flus, M għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:

$$M = \max\left\{1, \min\left\{\frac{\sum_t t \cdot CF_t}{\sum_t CF_t}, 5\right\}\right\}$$

fejn $CF_t$ tirrappreżenta l-flussi tal-flus (kapital, pagamenti ta' mgħaxijiet u tariffi) pagabbli kuntrattwalment mid-debitur fil-perijodu t;

(b) għal derivati soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting, M għandha tkun il-medja ppeżata tal-maturità li jifdal tal-iskopertura, fejn M għandha tkun tal-inqas sena (1), u l-ammont nozzjonali ta' kull skopertura għandu jintuża għall-ippeżar tal-maturità;

(c) għall-iskoperturi li jirriżultaw minn strumenti ta' derivati kollateralizzati kompletament jew kważi kompletament elenkati fl-Anness II, u transazzjonijiet ta' self b'marġni kollateralizzati kompletament jew kważi li huma soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting, M għandha tkun l-maturità medja ppeżata li jifdal tat-transazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-inqas għaxart (10) ijiem;

(d) għal transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid ta' self ta' titoli jew prodotti li huma soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting, M għandha tkun il-maturità medja ppeżata li jifdal tat-transazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-inqas ħamest ijiem. L-ammont nozzjonali ta' kull transazzjoni għandu jintuża għall-ippeżar tal-maturità;

(e) istituzzjoni li tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-PD għal riċevibbli korporattivi mixtrija, għal ammonti miġbuda, M għandha tkun daqs il-maturità medja ppeżata ta' skoperturi tar-reċivibbli mixtrija, fejn M għandha tkun tal-inqas 90 ġurnata. Dan l-istess valur tal-M għandu jintuża wkoll għall-ammonti mhux miġbuda f'faċilità ta' xiri impenjata jekk il-faċilità jkun fiha ftehimiet effettivi, skattaturi ta' amortizzazzjoni antiċipata, jew karatterisiċi oħrajn li jipproteġu lill-istituzzjoni li tixtri kontra deterjorament sinifikanti fil-kwalità tar-riċevibbli futuri li hija meħtieġa tixtri fil-perijodu tal-faċilità. Fin-nuqqas ta' tali protezzjonijiet effettivi, M għall-ammonti mhux miġbuda għandha tkun ikkalkulata bħala s-somma tar-riċevibbli bil-potenzjal tal-itwal data skont il-ftehim ta' xiri u tal-maturità li jifdal tal-faċilità ta' xiri, fejn M għandha tkun tal-inqas 90 ġurnata;

(f) għall-istrumenti l-oħra kollha għajr dawk imsemmija f'dan il-paragrafu jew fejn istituzzjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tikkalkula M kif stabbilit fil-punt (a), M għandha tkun iż-żmien massimu li jifdal (fi snin) permessi lid-debitur biex iwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu kollha, fejn M għandha tkun tal-inqas sena;

(g) għall-istituzzjonijiet li jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 sabiex jikkalkulaw il-valur tal-iskoperturi, M għandha tiġi kkalkulata għall-iskoperturi li għalihom l-istituzzjonijiet japplikaw dan il-metodu u li għalihom il-maturità tal-kuntratt bl-itwal data fis-sett ta' netting tkun aktar minn sena skont il-formula li ġejja:

$$M = \min\left\{\frac{\sum_k EE\ Effective_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot df_{t_k} \cdot s_{t_k} + \sum_k EE_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot df_{t_k} \cdot (1 - s_{t_k})}{\sum_k EE\ Effective_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot df_{t_k} \cdot s_{t_k}}, 5\right\}$$

fejn:

$S_{t_k}$ = varjabbli mhux reali (dummy variable) li l-valur tiegħu fil-perijodu futur $t_k$ huwa ekwivalenti għal 0 jekk $t_k$ > sena (1) u għal 1 jekk $t_k \leq 1$;

$EE_{t_k}$ = l-iskopertura mistennija fil-perijodu futur $t_k$;

$EffectiveEE_{t_k}$ = l-iskopertura effettiva mistennija fil-perijodu futur $t_k$;

$df_{t_k}$ = il-fattur ta' skont mingħajr riskju għall-perijodu futur $t_k$;

$\Delta t_k = t_k - t_{k-1}$;

(h) istituzzjoni li tuża mudell intern sabiex tikkalkula l-aġġustament tal-valutazzjoni ta' kreditu (CVA) unilaterali tista' tuża, soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, it-tul effettiv tal-kreditu stmat mill-mudell intern bħala M.

Soġġett għall-paragrafu 2, għandha tapplika l-formula fil-punt (a) għas-settijiet ta' netting li fihom il-kuntratti kollha għandhom maturità oriġinali ta' inqas minn sena (1);

(i) għall-istituzzjonijiet li jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6, sabiex jikkalkulaw il-valur tal-iskoperturi u li jkollhom permess sabiex jużaw il-mudell intern għar-riskju speċifiku assoċjat mal-pożizzjonijiet tad-dejn innegozjat skont il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, M għandha tiġi stabbilita għal 1 fil-formula li tinsab fl-Artikolu 153(1), sakemm l-istituzzjoni tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-mudell intern tagħha għar-riskju Speċifiku assoċjat mal-pożizzjonijiet tad-dejn innegozjat, li huwa applikat fl-Artikolu 383 fih effetti ta' migrazzjonijiet tal-klassifikazzjoni;

(j) għall-finijiet tal-Artikolu 153(3), M għandha tkun il-maturità effettiva tal-protezzjoni tal-kreditu iżda mhux inqas minn sena.

3. Fejn id-dokumentazzjoni teħtieġ rimarġinazzjoni ta' kuljum u rivalwazzjoni ta' kuljum u tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu likwidazzjoni immedjata jew tpaċija ta' kollateral fil-każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' rimarġinazzjoni, M għandha tkun tal-inqas ta' ġurnata għal:

(a) strumenti ta' derivati kollateralizzati kompletament jew kważi li huma elenkati fl-Anness II;

(b) transazzjonijiet ta' self b'marġni kollateralizzati kompletament jew kważi;

(c) transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti.

Barra minn hekk, għal skoperturi għal żmien qasir li jikkwalifikaw li mhumiex parti minn iffinanzjar fis-seħħ tad-debitur mill-istituzzjoni, M għandha tkun tal-inqas ġurnata (1). Skoperturi għal żmien qasir li jikkwalifikaw għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) skoperturi għal istituzzjonijiet li jirriżultaw minn saldu ta' obbligi ta' kambju;

(b) transazzjonijiet awtolikwidanti li jiffinanzjaw in-negozju għal perijodu ta' żmien qasir marbuta mal-iskambju tal-oġġetti jew servizzi b'maturità reżidwa ta' mhux aktar minn sena kif imsemmi fil-punt (80) tal-Artikolu 4(1);

(c) skoperturi li jirriżultaw mis-saldu ta' xiri u bejgħ ta' titoli bi żmien ta' konsenja tipiku jew ta' jumejn ta' xogħol;

(d) skoperturi li jirriżultaw minn saldu bi flus permezz ta' trasferiment elettroniku u saldu ta' transazzjonijiet elettroniċi ta' pagament u spejjeż prepagati, inkluż self kurrenti li ġej minn transazzjonijiet li fallew li ma jaqbżux għadd miftiehem, qasir u fiss ta' ġranet ta' xogħol.

4. Għall-iskoperturi għal impriżi li jinsabu fl-Unjoni u li għandhom bejgħ konsolidat u assi konsolidati ta' inqas minn EUR 500 miljun, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li konsistentament jistipulaw M kif speċifikat fil-paragrafu 1 minflok ma japplikaw il-paragrafu 2. L-istituzzjonijiet jistgħu jissostitwixxu assi totali ta' EUR 500 miljun ma' assi totali ta' EUR 1 000 miljun għal impriżi li primarjament huma proprjetarji u jikru proprjetà residenzjali mhux spekulattiva.

5. Diskrepanzi fil-maturità għandhom jiġu ttrattati kif speċifikat fil-Kapitolu 4.

Subtaqsima 2

**Skoperturi fil-livell tal-konsumatur**

*Artikolu 163*

**Probabbiltà ta' inadempjenza (PD)**

1. Il-PD ta' skopertura għandha tkun tal-inqas 0,03 %.

2. Il-PD ta' debituri jew, fejn jintuża l-approċċ abbażi tal-obbligi, ta' skoperturi waqt inadempjenza għandha tkun 100 %.

3. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija, il-PD għandha tiġi stabbilita daqs l-istimi tal-EL għar-riskju ta' dilwizzjoni. Jekk istituzzjoni tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija f'PDs u LGDs b'mod li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw bħala affidabbli, tista' tintuża l-istima tal-PD.

4. Il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata tista' tiġi kkunsidrata billi jiġu aġġustati l-PDs soġġetti għall-Artikolu 164(2). Għar-riskju ta' dilwizzjoni, minbarra l-fornituri tal-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 201(1)(g), huwa eliġibbli l-bejjiegħ tar-riċevibbli mixtrija jekk jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 160(4).

*Artikolu 164*

**Telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD)**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGDs soġġetti għar-rekwiżiti kif speċifikat fit-Taqsima 6 u l-permess tal-awtoritajiet kompetenti mogħti skont l-Artikolu 143. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija, għandu jintuża valur tal-LGD ta' 75 %. Jekk istituzzjoni tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija f'PDs u LGDs b'mod affidabbli, l-istituzzjoni tista' tuża l-istimi proprji tal-LGD.

2. Il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata tista' tiġi rikonoxxuta bħala eliġibbli billi jiġu aġġustati l-istimi tal-PD jew tal-LGD soġġetti għar-rekwiżiti kif speċifikat fl-Artikolu 183(1), (2) u (3) u l-permess tal-awtoritajiet kompetenti b'appoġġ ta' skopertura individwali jew b'appoġġ ta' aggregazzjoni ta' skoperturi. Istituzzjoni ma għandhiex tassenja lil skoperturi ggarantiti PD jew LGD aġġustat b'mod li l-piż ta' riskju aġġustat ikun aktar baxx minn dak ta' skopertura komparabbli u diretta għall-garanti.

3. Għall-finijiet tal-Artikolu 154(2), l-LGD ta' skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) għandu jkun jew l-LGD assoċjat ma' faċilità mhux iħħeġġjata għall-garanti jew il-faċilità mhux iħħeġġjata tad-debitur, skont jekk, fil-każ li kemm il-garanti kif ukoll id-debitur isiru inadempjenti matul il-ħajja tat-transazzjoni ħħeġġjata, il-provi disponibbli u l-istruttura tal-garanzija jindikawx jekk l-ammont irkuprat ikunx jiddependi mill-kondizzjoni finanzjarja tal-garanti jew id-debitur, rispettivament.

4. L-LGD medju ppeżat skont l-iskopertura għall-iskoperturi kollha fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà residenzjali u li ma jibbenefikawx minn garanziji minn gvernijiet ċentrali ma għandux ikun inqas minn 10 %.

L-LGD medju ppeżat skont l-iskopertura għall-iskoperturi kollha fil-livell tal-konsumatur iggarantiti minn proprjetà kummerċjali immobbli u li ma jibbenefikawx minn garanziji minn gvernijiet ċentrali ma għandux ikun inqas minn 15 %.

5. Abbażi tad-data miġbura skont l-Artikolu 101 u meta jitqiesu l-iżviluppi tas-suq li jħarsu 'l quddiem fir-rigward ta' proprjetà immobbli u kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom perjodikament, u mill-inqas darba fis-sena, jivvalutaw jekk il-valuri minimi tal-LGD fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu humiex adatti fir-rigward ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali li tinstab fit-territorju tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fejn ikun adatt abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja, jistabbilixxu valuri minimi ogħla tal-LGD ippeżata ta' skopertura fir-rigward ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà li tinstab fit-territorju tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar kwalunkwe bidla fil-valuri minimi tal-LGD li huma jagħmlu f'konformità mal-ewwel subparagrafu u l-ABE għandha tippubblika dawn il-valuri tal-LGD.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu meta jiddeterminaw valuri minimi tal-LGD ogħla.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-istituzzjonijet ta' Stat Membru wieħed għandhom japplikaw il-valuri minimi tal-LGD ogħla li jkunu ġew determinati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà li tinstab f'dak l-Istat Membru.

Subtaqsima 3

**Skoperturi tal-ekwitajiet soġġetti għall-metodu tal-PD/LGD**

*Artikolu 165*

**Skoperturi tal-ekwitajiet soġġetti għall-metodu tal-PD/LGD**

1. Il-PDs għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodi għall-iskoperturi korporattivi.

Għandhom japplikaw il-PDs minimi li ġejjin:

(a) 0,09 % għal skoperturi għal ekwitajiet innegozjati fil-borża fejn l-investiment huwa parti minn relazzjoni fit-tul mal-klijent;

(b) 0,09 % għal skoperturi għal-ekwitajiet mhux innegozjati fil-borża fejn ir-rendimenti fuq l-investiment huwa bbażat fuq flussi regolari u perjodiċi ta' flus mhux derivati qligħ kapitali;

(c) 0,40 % għal skoperturi għal-ekwitajiet innegozjati fil-borża inklużi pożizzjonijiet qosra oħra kif stabbilit fl-Artikolu 155(2);

(d) 1,25 % għall-iskoperturi l-oħra kollha tal-ekwitajiet inklużi pożizzjonijiet qosra oħra kif stabbilit fl-Artikolu 155(2).

2. Skoperturi tal-ekwitajiet privati f'portafolli diversifikati biżżejjed jistgħu jiġu assenjati LGD ta' 65 %. Kull skopertura simili oħra għandha tiġi assenjata LGD ta' 90 %.

3. L-M assenjata għall-iskoperturi kollha għandha tkun ta' ħames snin.

### Taqsima 5

### Valur tal-iskopertura

*Artikolu 166*

**Skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali u skoperturi fil-livell tal-konsumatur**

1. Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, il-valur tal-iskoperturi li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur kontabilistiku kkalkulat mingħajr ma jiġi kkunsidrat kwalunkew aġġustament li jkun sar fir-riskju ta' kreditu.

Din ir-regola tapplika wkoll għal assi mixtrija bi prezz differenti mill-ammont dovut.

Għall-assi mixtrija, id-differenza bejn l-ammont dovut u l-valur kontabilistiku li jifdal wara li jkunu ġew applikati l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiku li jkun ġie rreġistrat fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet meta nxtara l-assi hija denominata bħala skont jekk l-ammont dovut huwa akbar, u bħala primjum jekk huwa iżgħar.

2. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw ftehimiet Ewlenin ta' netting fir-rigward ta' transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat skont il-Kapitolu 4 jew 6.

3. Sabiex jiġi kkalkulat il-valur tal-iskoperta għan-netting fuq il-karta tal-bilanċ ta' self u depożiti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4.

4. Il-valur tal-iskopertura għal kirjiet għandu jkun il-pagamenti tal-kirja minimi skontati. Il-pagamenti minimi tal-kirja għandhom jinkludu l-pagamenti matul il-perijodu tal-kirja li l-kerrej jista' jkun meħtieġ jagħmel u kwalunkwe alternattiva ta' nnegozjar (jiġifieri, alternattiva li l-eżerċizzju tagħha huwa raġonevolment ċert). Jekk parti, għajr il-kerrej tista' tkun meħtieġa tagħmel pagament relatat mal-valur reżidwu ta' assi mikri u dan l-obbligu ta' pagament jissodisfa s-sett ta' kondizzjonijiet fl-Artikolu 201 dwar l-eliġibbiltà tal-forrnituri tal-protezzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' tipi oħra ta' garanziji previsti fl-Artikolu 213, l-obbligu ta' pagament jista' jiġi kkunsidrat bħala l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata skont il-Kapitolu 4.

5. Fil-każ ta' kwalunkwe kuntratt elenkat fl-Anness II, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi ddeterminat mill-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 6 u ma għandu jqis l-ebda aġġustament li jkun sar fir-riskju ta' kreditu.

6. Il-valur tal-iskopertura għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' riċevibbli mixtrija għandu jkun il-valur determinat skont il-paragrafu 1 imnaqqas mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' dilwizzjoni qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu.

7. Fejn skopertura tieħu l-forma ta' titoli jew prodotti mibjugħa, imdaħħla jew mislufa peremzz ta' transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet b'saldu fit-tul u transazzjonijiet ta' self b'marġni, il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur tat-titoli jew il-prodotti determinat skont l-Artikolu 24. Fejn jintuża l-Metodu Komprensiv ta' Kollateral Finanzjarju kif stabbilit fl-Artikolu 223, il-valur tal-iskopertura għandu jiżdied bl-aġġustament tal-volatilità adatt għal tali titoli jew prodotti, kif stabbilit hemm. Il-valur tal-iskopertura ta' transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet b'saldu fit-tul u transazzjonijiet ta' self b'marġni jista' jiġi ddeterminat jew skont il-Kapitolu 6 jew l-Artikolu 220(2).

8. Il-valur tal-iskopertura għall-elementi li ġejjin jista' jiġi kkalkulat bħala l-ammont impenjat iżda mhux miġbud multiplikat b'fattur ta' konverżjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin skont l-Artikolu 151(8) fir-rigward ta' skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali:

(a) għal linji ta' kreditu li huma kanċellabbli mingħajr kondizzjonijiet fi kwalunkwe ħin mill-istituzzjoni mingħajr notifika minn qabel, jew li effettivament jipprovdu għal kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, għandu japplika fattur ta' konverżjoni ta' 0 %. Sabiex jiġi applikat fattur ta' konverżjoni ta' 0 %, l-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw b'mod attiv il-kondizzjoni finanzjarja tad-debitur, u s-sistemi ta' kontroll intern tagħhom għandhom jippermettulhom sabiex minnufih jidentifikaw deterjorament fil-kwalità kreditizja tad-debitur. Linji ta' kreditu mhux miġbud jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kanċellabbli mingħajr kondizzjonijiet jekk it-termini jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċellahom kompletament sa fejn huwa permess skont il-leġislazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur u oħrajn relatati;

(b) għal ittri ta' kreditu għal żmien qasir li jirriżultaw mill-moviment ta' prodotti, għandu japplika fattur ta' konverżjoni ta' 20 % kemm għall-istituzzjonijiet emittenti kif ukoll għal dawk li jikkonfermaw;

(c) għal impenji ta' xiri mhux miġbuda għal riċevibbli rotattivi mixtrija li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjonijiet jew li effettivament jipprovdu għal kanċellazzjoni awtomatika fi kwalunkwe ħin mill-istituzzjoni mingħajr avviż minn qabel, għandu japplika fattur ta' konverżjoni ta' 0 %. Sabiex japplikaw fattur ta' konverżjoni ta' 0 %, l-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw b'mod attiv il-kondizzjoni finanzjarja tad-debitur u s-sistemi ta' kontroll interni tagħhom għandhom jippermettulhom sabiex minnufih jidentifikaw deterjorament fil-kwalità kreditizja tad-debitur;

(d) għal linji ta' kreditu oħrajn, faċilitajiet ta' ħruġ ta' notifiki (NIFs), u faċilitajiet ta' sottoskrizzjoni rotattivi (RUFs), għandu japplika fattur ta' konverżjoni ta' 75 %;

(e) l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-użu tal-istimi proprji tal-fatturi ta' konverżjoni kif speċifikat fit-Taqsima 6 jistgħu jużaw l-istimi proprji tagħhom tal-fatturi ta' konverżjoni fuq it-tipi ta' prodotti differenti kif imsemmi fil-punti (a) sa (d), soġġetti għall-permess tal-awtoritatjiet kompetenti.

9. Fejn impenn jirreferi għall-estensjoni ta' impenn ieħor, għandu jintuża l-iżgħar miż-żewġ fatturi ta' konverżjoni assoċjat mal-impenn individwali.

10. Għall-elementi kolla li ma jidhrux għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 sa 8, il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-perċentwali tal-valur tagħom li ġej:

(a) 100 % jekk huwa element ta' riskju sħiħ;

(b) 50 % jekk huwa element ta' riskju medju;

(c) 20 % jekk huwa element ta' riskju medju/baxx;

(d) 0 % jekk huwa element ta' riskju baxx.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-elementi li ma jidhrux għandhom jiġu assenjati għal kategoriji tar-riskju kif indikat fl-Anness I.

*Artikolu 167*

**Skoperturi ta' ekwità**

1. Il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi tal-ekwitajiet għandu jkun il-valur kontabilistiku li jifdal wara li jiġi applikat l-aġġustament tal-kreditu tar-riskju speċifiku.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' skoperturi tal-ekwitajiet li ma jidhrux għandu jkun il-valur nominali tagħhha wara li jitnaqqas il-valur nominali tagħha bl-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiku għal din l-iskopertura.

*Artikolu 168*

**Assi oħra li mhumiex obbligi ta' kreditu**

Il-valur tal-iskopertura ta' assi oħra li mhumiex obbligi ta' kreditu għandu jkun il-valur kontabilistiku li jifdal wara li jkun applikat l-aġġustament tar-riskju ta' kreditu speċifiku.

Taqsima 6

**Rekwiżiti għall-approċċ IRB**

Subtaqsima 1

**Sistemi ta' klassifikazzjoni**

*Artikolu 169*

**Prinċipji ġenerali**

1. Fejn l-istituzzjoni tuża sistemi multipli ta' klassifikazzjoni, ir-raġuni tal-assenjazzjoni ta' debitur jew transazzjoni f'sistema ta' klassifikazzjoni għandha tiġi dokumentata u applikata b'mod li jirrefletti b'mod xieraq il-livell tar-riskju.

2. Il-kriterji u l-proċess tal-assenjazzjoni għandhom jiġu reveduti perjodikament sabiex jiġi ddeterminat jekk jibqgħux adatti għall-portafoll u l-kondizzjonijiet esterni attwali.

3. Fejn l-istituzzjoni tuża l-istimi diretti ta' parametri tar-riskju għal debituri jew skoperturi individwali, dawn jistgħu jitqiesu bħala stimi assenjati lil livelli fuq skala ta' klassifikazzjoni kontinwa.

*Artikolu 170*

**Struttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni**

1. L-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-iskoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:.

(a) sistema ta' klassifikazzjoni għandha tqis il-karatteristiċi tar-riskju tad-debitur u tat-transazzjoni;

(b) sistema ta' klassifikazzjoni għandu jkollha skala ta' klassifikazzjoni tad-debitur li tirrefletti b'mod esklussiv il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza ta' debitur. L-iskala ta' klassifikazzjoni tad-debitur għandu jkollha minimu ta' 7 gradi għal debituri mhux inadempjenti u grad wieħed għal debituri inadempjenti;

(c) istituzzjoni għandha tiddokumenta r-relazzjoni bejn il-gradi tad-debitur f'termini tal-livell ta' riskju ta' inadempjenza li kull grad jimplika u l-kriterji użati li jiddistingwu dak il-livell ta' riskju ta' inadempjenza;

(d) istituzzjonijiet b'portafolli konċentrati fuq segment tas-suq u firxa partikolari ta' riskju ta' inadempjenza għandu jkollhom biżżejjed gradi ta' debituri f'dik il-firxa sabiex jevitaw konċentrazzjonijiet bla ħtieġa ta' debituri fi grad partikolari. Konċentrazzjonijiet sinifkanti fi grad wieħed għandhom jiġu appoġġjati minn provi empiriċi konvinċenti li l-grad tad-debituri jkopri faxxa tal-PD raġonevolment dejqa u li r-riskju ta' inadempjenza ta' kull debitur f'dak il-grad jaqa' f'dik il-faxxa;

(e) sabiex tithalla mill-awtorità kompetenti li tuża stimi proprji tal-LGDs għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi skala distinta ta' klassifikazzjoni tal-faċilitajiet li tirrefletti b'mod esklussiv il-karatteristiċi ta' transazzjoni relatati mal-LGD. Id-definizzjoni ta' grad tal-faċilità għandha tinkludi kemm spjegazzjoni dwar kif l-iskoperturi huma assenjati għall-grad kif ukoll dwar il-kriterji użati sabiex jiddistingwu l-livell ta' riskju fost il-gradi;

(f) konċentrazzjonijiet sinifikanti fi grad ta' faċilità wieħed għandhom ikunu appoġġjati minn provi empiriċi konvinċenti li l-grad tal-faċilità jkopri faxxa tal-LGD raġonevolment dejqa, rispettivament, u li r-riskju tal-iskoperturi kollha f'dak il-grad jaqa' f'dik il-faxxa.

2. L-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti f'153(5) għall-assenjazzjoni tal-piżijiet ta' riskju għall-iskoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzat huma eżenti mir-rekwiżit li jkollhom skala ta' klassifikazzjoni tad-debituri li tirrefletti b'mod esklussiv il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza tad-debituri għal dawn l-iskoperturi. Dawn l-istituzzjonijiet għandu jkollhom tal-inqas 4 gradi għal debituri mhux inadempjenti u tal-inqas grad wieħed għal debituri inadempjenti għal dawn l-iskoperturi.

3. L-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni għandhom jirriflettu kemm ir-riskju tad-debituri kif ukoll tat-transazzjoni, u għandhom ikopru l-karatteristiċi rilevanti kollha tad-debitur u tat-transazzjoni;

(b) il-livell ta' differenzazzjoni tar-riskji għandu jiżgura li l-għadd ta' skoperturi fi grad jew aggregazzjoni partikolari ta' skoperturi huwa suffiċjenti sabiex jippermetti kwantifikazzjoni u validazzjoni sinifikattivi tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad jew tal-aggregat. Id-distribuzzjoni tal-iskoperturi u debituri fil-gradi jew l-aggregazzjonijiet kollha għandha ssir b'tali mod li jiġu evitati konċentrazzjonijiet eċċessivi;

(c) il-proċess ta' assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet għandu jipprevedi differenzazzjoni sinifikattiva tar-riskju, għal raggruppar ta' skoperturi omoġeni biżżejjed, u għandu jippermetti li ssir stima preċiża u konsistenti tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad u tal-aggregat. Għal riċevibbli mixtrija r-raggruppar għandu jirrefletti l-prattiki ta' sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ u l-eteroġenità tal-klijenti tiegħu.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-fatturi ta' riskju li ġejjin meta jassenjaw l-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet:

(a) il-karatteristiċi tar-riskju tad-debitur;

(b) il-karatteristiċi tar-riskju tat-transazzjoni, inklużi t-tipi ta' prodotti jew kollaterali jew it-tnejn li huma. L-istituzzjonijiet għandhom jindirizzaw b'mod espliċitu l-każijiet fejn diversi skoperturi jibbenefikaw mill-istess kollateral;

(c) delinkwenza, għajr f'każijiet fejn istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha li d-delinkwenza mhijiex fattur materjali ta' riskju għall-iskopertura.

*Artikolu 171*

**Assenjazzjoni fi gradi jew aggregazzjonijiet**

1. Istituzzjoni għandu jkollha definizzjonijiet, proċessi u kriterji speċifiċi għall-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet f'sistema ta' klassifikazzjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) id-definizzjonijiet tal-grad jew tal-aggregazzjoni u l-kriterji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lil dawk inkarigati mill-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni sabiex konsistentement jassenjaw debituri u faċilitajiet li huma ta' riskju simili fl-istess grad jew aggregat. Din il-konsistenza għandha teżisti fil-linji tan-negozju, id-dipartimenti u l-postijiet ġeografiċi kollha;

(b) id-dokumentazzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjoni għandu jippermetti lil partijiet terzi jifhmu l-assenjazzjonijiet tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, jirreplikaw l-assenjazzjonijiet fi gradi jew aggregati u sabiex jevalwaw l-idoneità tal-assenjazzjonijiet fil-grad jew aggregat;

(c) il-kriterji għandhom ikunu konsistenti wkoll mal-istandards interni tal-għoti ta' self tal-istituzzjoni u l-politiki tagħha għall-ġestjoni ta' debituri u faċilitajiet f'diffikultà.

2. Istituzzjoni għandha tqis l-informazzjoni kollha meta tassenja debituri u faċilitajiet fi gradi jew aggregazzjonijiet. L-informazzjoni għandha tkun attwali u għandha tippermetti lill-istituzzjoni tbassar il-prestazzjoni tal-iskopertura fil-ġejjieni. Inqas ma l-istituzzjoni jkollha informazzjoni, aktar għandha tkun konservattiva fl-assenjazzjonijiet tagħha tal-iskoperturi ta' debituri jew faċilitajiet fi gradi jew aggregazzjonijiet. Jekk istituzzjoni tuża klassifikazzjoni esterna bħala fattur primarju li jiddetermina l-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni interna, l-istituzzjoni għandha tiżgura li tikkunsidra informazzjoni rilevanti oħra.

*Artikolu 172*

**Assenjazzjoni ta' skoperturi**

1. Għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u għall-iskoperturi għal ekwità fejn istituzzjoni tuża l-approċċ tal-PD/LGD stabbilit fl-Artikolu 155(3), l-assenjazzjoni ta' skoperturi għandha ssir skont il-kriterji li ġejjin:

(a) kull debitur għandu jiġi assenjat fi grad ta' debitur bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu;

(b) għal dawk l-iskoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti biex tużaw l-istimi proprji tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni skont l-Artikolu 143, kull skopertura għandha tkun assenjata wkoll fi grad tal-faċilità bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni tal-kreditu;

(c) l-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 153(5) għall-assenjazzjoni tal-piżijiet ta' riskju għall-iskoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzat għandhom jassenjaw kull waħda minn dawn l-iskoperturi fi grad skont l-Artikolu 170(2);

(d) kull entità ġuridika separata li għaliha tkun esposta l-istituzzjoni għandha tkun klassifikata b'mod separat. L-istituzzjoni għandu jkollha linji politiċi adatti rigward it-trattament ta' klijenti debituri individwali u gruppi ta' klijenti konnessi;

(e) skoperturi separati għall-istess debitur għandhom jiġu assenjati fl-istess grad ta' debituri, irrispettivament minn kwalunkwe differenza fin-natura ta' kull transazzjoni speċifika. Madanakollu, fejn skoperturi separati jitħallew jirriżultaw fi gradi multipli għall-istess debitur, għandu japplika dan li ġej:

(i) riskju fi trasferiment bejn pajjiżi, meta dan ikun jiddependi minn jekk l-iskoperturi humiex denominati f'munita lokali jew barranija;

(ii) it-trattament ta' garanziji assoċjati għal skopertura jistgħu jkunu riflessi f'assenjazzjoni aġġustata għal grad ta' debitur;

(iii) il-protezzjoni tal-konsumatur, is-segretezza bankarja jew leġislazzjoni oħra tipprojbixxi l-iskambju tad-data dwar il-klijenti.

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, kull skopertura għandha tkun assenjata fi grad jew aggregazzjoni bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu.

3. Għall-assenjazzjonijiet fi gradi jew aggregazzjonijiet l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-ġudizzju uman jista' jipprevala fuq l-inputs jew l-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni u l-persunal responsabbli mill-approvazzjoni ta' dawn il-prevalazzjonijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw dawn il-prevalazzjonijiet u jieħdu nota tal-persunal responsabbli. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw il-prestazzjoni tal-iskoperturi li l-assenjazzjonijiet tagħhom ġew injorati. Din l-analiżi għandha tinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' skoperturi li l-klassifikazzjoni tagħhom ġiet modifikata minn persuna partikolari, li hija responsabbli għall-persunal kollu.

*Artikolu 173*

**Integrità tal-proċess ta' assenjazzjoni**

1. Rigward l-iskoperturi għal impriżi, l-istituzzjonijiet u l-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali, u għall-iskoperturi għal ekwità fejn istituzzjoni tuża l-approċċ tal-PD/LGD stabbilit fl-Artikolu 155(3), il-proċess ta' assenjazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin dwar l-integrità:

(a) Assenjazzjonijiet u analiżi perjodika tal-assenjazzjonijiet għandhom jitlestew jew jiġu approvati minn parti indipendenti li ma tibbenefikax b'mod dirett mid-deċiżjonijiet biex jingħata l-kreditu;

(b) L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-assenjazzjonijiet tal-inqas darba fis-sena u jaġġustaw l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax ir-riport tal-assenjazzjoni attwali. Debituri b'riskju għoli u skoperturi bi problemi għandhom ikunu soġġetti għal analiżi aktar spissa. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu assenjazzjoni ġdida jekk issir disponibbli informazzjoni materjali dwar id-debitur jew l-iskopertura;

(c) Istituzzjoni għandu jkollha proċess effettiv sabiex tikseb u taġġorna l-informazzjoni rilevanti dwar il-karatteristiċi ta' debitur li jaffettwaw il-PDs, u dwar il-karatteristiċi tat-transazzjonijiet li jaffettwaw l-LGDs jew il-fatturi ta' konverżjoni.

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, tal-inqas darba fis-sena l-istituzzjoni għandha tirrevedi l-assenjazzjonijiet tad-debitur u tal-faċilitajiet u taġġusta l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax li l-assenjazzjoni attwali tiġi riportata, jew tanalizza l-karatteristiċi tat-telf u l-istatus tad-delinkwenza ta' kull aggregazzjoni ta' riskji identifikata, skont liema applikabbli. Tal-inqas darba fis-sena, l-istituzzjoni għandha wkoll tanalizza permezz ta' kampjun rappreżentattiv l-istatus tal-iskoperturi individwali f'kull aggregazzjoni bħala mezz sabiex tiżgura li l-iskoperturi jibqgħu jiġu assenjati fl-aggregazzjoni t-tajba, u taġġusta l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax ir-riport tal-assenjazzjoni attwali.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għall-metodoloġiji tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-integrità tal-proċess tal-assenjazzjoni u l-valutazzjoni regolari u indipendeti tar-riskji.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 174*

**L-użu ta' mudelli**

Jekk istituzzjoni tuża mudelli statistiċi u metodi mekkaniċi oħrajn sabiex tassenja skoperturi lil debituri jew faċilitajiet fi gradi jew aggregazzjonijiet, għandhom jiġu ssodisfatti r-rekwiżit li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jkollu kapaċità ta' tbassir tajba u r-rekwiżiti ta' kapital ma għandhomx jiġu distorti minħabba l-użu tiegħu. Il-varjabbli li jiddaħħlu għandhom jiffurmaw bażi raġonevoli u effettiva għat-tbassir li jirriżulta. Il-mudell ma għandux ikollu preġudizzji materjali;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha implimentat proċess għal kontroll bir-reqqa tal-inputs fil-mudell, li jinkludi valutazzjoni tal-preċiżjoni, il-kompletezza u l-idonjetà tad-data;

(c) id-data użata sabiex jinbena l-mudell għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni tad-debituri jew l-iskoperturi attwali tal-istituzzjoni;

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha ċiklu regolari ta' validazzjoni tal-mudelli li jinkludi l-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-istabbiltà tal-mudell; l-analiżi tal-ispeċifikazzjoni tal-mudell; u l-ittestjar tal-outputs tal-mudell mal-eżiti;

(e) l-istituzzjoni għandha tikkumplimenta l-mudell statistiku permezz tal-ġudizzju uman u s-sorveljanza umana sabiex jiġu analizzati l-assenjazzjonijiet ibbażati fuq il-mudell u sabiex ikun żgurat li l-mudelli qed jintużaw b'mod xieraq. Il-proċeduri ta' analiżi għandhom jimmiraw sabiex isibu u jillimitaw l-iżbalji assoċjati mal-punti debboli tal-mudell. Il-ġudizzji umani għandhom iqisu l-informazzjoni rilevanti kollha li mhijiex ikkunsidrata mill-mudell. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta dwar kif għandhom jiġu kkombinati l-ġudizzju uman u r-riżultati tal-mudell.

*Artikolu 175*

**Dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw d-diżinn u d-dettalji operattivi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom. Id-dokumentazzjoni għandha tipprovdi provi dwar il-konformità mar-rekwiżiti f'din it-Taqsima, u tindirizza suġġetti inklużi d-divrenzjar tal-portafolli, il-kriterji ta' klassifikazzjoni, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet li jikklassifikaw id-debituri u l-iskoperturi, il-frekwenzi tal-analiżi tal-assenjazzjonijiet, u s-sorveljanza tal-immaniġġar tal-proċess tal-klassifikazzjoni.

2. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta r-raġunament u l-analiżi li jsostnu l-għażla tagħha tal-kriterji ta' klassifikazzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-bidliet ewlenin kollha fil-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju, u tali dokumentazzjoni għandha ssostni l-identifikazzjoni tal-bidliet li saru fil-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju li saru wara l-aħħar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti. L-organizzazzjoni tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni inklużi l-proċess ta' assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni u l-istruttura ta' kontroll intern għandhom ikunu dokumentati wkoll.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw id-definizzjonijiet speċifiċi ta' inadempjenza u telf użati internalment u jiżguraw il-konsistenza mad-definizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. Fejn l-istituzzjoni tkun tuża mudelli statistiċi fil-proċess ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodoloġiji tagħhom. Dan il-materjal għandu:

(a) jipprovdi spjega dettaljata tat-teorija, is-suppożizzjonijiet u l-bażi matematika u empirika tal-assenjazzjoni tal-istimi lill-gradi, id-debituri individwali, l-iskoperturi jew l-aggregazzjonijiet u s-sors(i) tad-data użati sabiex jiġi stmat il-mudell;

(b) jistabbilixxi proċess statistiku rigoruż inklużi testijiet ta' prestazzjoni extratemporali u extrakampjonarji (out-of-time and out-of-sample) għall-validazzjoni tal-mudell;

(c) jindika kwalunkwe ċirkostanza li fiha l-mudell ma jaħdimx b'mod effettiv.

5. L-istituzzjoni għandha turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jkunu ntlaħqu, meta l-istituzzjoni tkun kisbet sistema ta' klassifikazzjoni jew mudell użat fi ħdan sistema ta' klassifikazzjoni minn bejjiegħ terz u dak il-bejjiegħ jiċħad jew jillimita l-aċċess tal-istituzzjoni għall-informazzjoni rigward il-metodoloġija ta' dik is-sistema jew il-mudell ta' klassifikazzjoni, jew id-data sottostanti użata sabiex tiġi żviluppata dik il-metodoloġija jew il-mudell, fuq il-bażi li tali informazzjoni tkun issodisfatta.

*Artikolu 176*

**Konservazzjoni tad-data**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu d-data dwar l-aspetti tal-klassifikazzjonijiet interni tagħhom kif meħtieġ skont il-Parti Tmienja.

2. Għall-iskoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u għall-iskoperturi għal ekwità fejn istituzzjoni tuża l-approċċ tal-PD/LGD stabbilit fl-Artikolu 155(3), l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu:

(a) is-sensiliet storiċi kompleti tal-klassifikazzjonijiet dwar debituri u garanti rikonoxxuti;

(b) id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet;

(c) id-data ewlenija u l-metodoloġija użata sabiex tingħata l-klassifikazzjoni;

(d) il-persuna responsabbli mill-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni;

(e) l-identità tad-debituri u l-iskoperturi li saru inadempjenti;

(f) id-data u ċ-ċirkostanzi ta' tali inadempjenzi;

(g) data dwar il-PDs u r-rati ta' inadempjenzi realizzati assoċjati mal-gradi ta' klassifikazzjonijiet u migrazzjoni ta' klassifikazzjonijiet.

3. L-istituzzjonijiet li ma jużawx l-istimi tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni proprji għandhom jiġbru u jaħżnu d-data dwar il-paraguni tal-LGDs realizzati mal-valuri kif stabbilit fl-Artikolu 161(1) u fatturi ta' konverżjoni realizzati mal-valuri kif stabbilit fl-Artikolu 166(8).

4. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni proprji għandhom jiġbru u jaħżnu:

(a) is-sensiliet storiċi kompleti tad-data dwar il-klassifikazzjonijiet tal-faċilitajiet u l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverzjoni assoċjati ma' kull skala ta' klassifikazzjoni;

(b) id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet u meta saru l-istimi;

(c) id-data ewlenija u l-metodoloġija użati sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet u l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverżjoni;

(d) il-persuna li assenjat il-klassifikazzjoni tal-faċilità u l-persuna li pprovdiet l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverżjoni;

(e) data dwar l-LGDs stmati u realizzati u l-fatturi ta' konverzjoni assoċjati ma' kull skopertura inadempjenti;

(f) data dwar l-LGD tal-iskopertura qabel u wara l-evalwazzjoni tal-effetti ta' garanzija/jew derivat ta' kreditu, għal dawk l-istituzzjonijiet li jirreflettu l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-garanziji jew tad-derivati ta' kreditu permezz tal-LGD;

(g) data dwar il-komponenti tat-telf għal kull skopertura inadempjenti.

5. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu:

(a) data użata fil-proċess ta' allokazzjoni tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet;

(b) data dwar il-PDs, l-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni stmati assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' skoperturi;

(c) l-identità tad-debituri u l-iskoperturi li saru inadempjenti;

(d) għal skoperturi inadempjenti, id-data dwar il-gradi jew l-aggregazzjonijiet li fihom kienet assenjata l-iskopertura fis-sena qabel l-inadempjenza u r-riżultati realizzati fuq l-LGD u l-fattur ta' konverzjoni;

(e) data fuq ir-rati ta' telf għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotattivi li jikkwalifikaw.

*Artikolu 177*

**Testijiet tal-istess użati fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali**

1. L-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċessi ta' ttestjar għal stress validi għall-użu fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali tagħha. L-ittestjar għal stress għandu jinvolvi l-identifikazzjoni ta' avvenimenti possibbli jew bidliet futuri fil-kondizzjonijiet ekonomiċi li jista' jkollhom effetti ħżiena fuq skoperturi għall-kreditu tal-istituzzjoni u l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjoni sabiex tiflaħ għal tali bidliet.

2. L-istituzzjoni għandha twettaq b'mod regolari test tal-istess tar-riskju ta' kreditu sabiex tivvaluta l-effett ta' ċerti kondizzjonijiet speċifiċi fuq ir-rekwiżiti ta' kapital totali għar-riskju ta' kreditu. It-test għandu jkun wieħed magħżul mill-istituzzjoni, soġġett għal analiżi superviżorja. It-test li jrid jintuża għandu jkun sinifikattiv u jikkunsidra l-effetti ta' xenarji ta' riċessjoni severa iżda plawżibbli. L-istituzzjoni għandha tivvaluta l-migrazzjoni fil-klassifikazzjonijiet tagħha f'xenjari tal-ittestjar għal stress. Il-portafolli taħt stress għandu jkun fihom il-maġġoranza kbira tal-iskoperturi totali ta' istituzzjoni.

3. L-istituzzjonijiet li jużaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3) għandhom iqisu l-impatt tad-deterjorament fil-kwalità ta' kreditu tal-forndituri tal-protezzjoni bħala parti mill-qafas tagħhom ta' ttestjar għal stress, b'mod partikolari l-impatt tal-forndituri tal-protezzjoni li jaqgħu barra l-kriterji tal-eliġibbiltà.

Sub-Section 2

**Risk quantification**

*Artikolu 178*

**Inadempjenza ta' debitur**

1. Inadempjenza għandha tkun ikkunsidrata li seħħet fir-rigward ta' debitur partikolari meta sseħħ waħda jew iż-żewg sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tikkunsidra li d-debitur x'aktarx mhux se jħallas bis-sħiħ l-obbligazzjonijiet ta' kreditu tiegħu lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil xi waħda mis-sussidjarji tagħha, mingħajr rikors mill-istituzzjoni għal azzjonijiet bħal realizzazzjoni tal-garanziji;

(b) id-debitur ikun qabeż id-data tal-maturità b'aktar minn 90 ġurnata fuq kwalunkwe obbligazzjoni ta' kreditu materjali lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil xi waħda mis-sussidjarji tagħha. L-Awtoritajiet Kompetenti jistgħu jissostitwixxu 90 jum b'180 jum għall-iskoperturi ggarantiti mill-proprjetà residenzjali jew kummerċjali tal-SMEs fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, kif ukoll għall-iskoperturi għal għal entitajiet tas-settur pubbliku. Il-180 jum m'għandhomx japplikaw għall-iskopijiet tal-Artikolu 127.

Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza imniżżla fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu fil-livell ta' faċilita ta' kreditu individwali, minflok fir-rigward tal-obbligazzjonijiet totali ta' mutwatarju.

2. Dawn li ġejjin għandom japplikaw għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1:

(a) għal self kurrenti, id-data meta tinqabeż il-maturità tibda meta d-debitur ikun kiser il-limitu notifikat, meta jkun ġie notifikat limitu iżgħar mill-obbligazzjonijiet pendenti attwali, jew meta jkun ġibed kreditu mingħajr l-awtorizzazzjoni u l-ammont sottostanti jkun materjali;

(b) għall-finijiet tal-punt (a), limitu notifikat jinkludi kwalunkwe limitu ta' kreditu determinat mill-istituzzjoni u li dwaru d-debitur ikun ġie infurmat mill-istituzzjoni;

(c) il-ġranet li jkunu għaddew minn meta tinqabeż il-maturità għall-karti ta' kreditu jibdew mid-data tal-maturità tal-pagament minimu.

(d) ir-rilevanza tal-maturità skaduta ta' obbligazzjoni ta' kreditu għandha tkun ivvalutata fuq bażi ta' limitu, li jkun definit mill-awtoritajiet kompetenti. Dan il-limitu għandu jirrefletti livell ta' riskju li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah bħala raġonevoli;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom linji politiċi dokumentati fir-rigward ta' kif jgħoddu l-ġranet tal-iskadenza tal-maturità, b'mod partikolari fir-rigward ta' rimaturazzjoni tal-faċilitajiet u l-għoti ta' estensjonijiet, emendi jew diferimenti, rinnovamenti, u netting tal-kontijiet eżistenti. Dawn il-linji politiċi għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti maż-żmien, u għandhom ikunu konformi mal-ġestjoni interna tar-riskju u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-elementi li għandhom jittieħdu bħala indikaturi ta' improbabbiltà ta' ħlas għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tagħti lill-obbligazzjoni ta' kreditu status ta' mhux dovuta;

(b) l-istituzzjoni tirrikonoxxi aġġustament ta' kreditu speċifiku li jirriżulta minn tnaqqis sinifikanti pperċeput fil-kwalità ta' kreditu wara li l-istituzzjoni tkun assumiet l-iskopertura;

(c) l-istituzzjoni tbiegħ l-obbligazzjoni ta' kreditu b'telf ekonomiku materjali relatat mal-kreditu;

(d) l-istituzzjoni tagħti l-permess għal ristrutturar f'diffikultà tal-obbligazzjoni ta' kreditu fejn dan x'aktarx ikun se jirriżulta f'obbligazzjoni finanzjarju mnaqqsa kkawżata minn maħfra materjali, jew posponiment, ta' kapital, imgħax jew fejn rilevanti, tariffi. Dan jinkludi ristrutturar f'diffikultà tal-ekwità stess fil-każ tal-iskoperturi tal-ekwitajiet valutati skont l-Approċċ tal-PD/LGD;

(e) l-istituzzjoni fetħet proċedura għall-falliment tad-debitur jew xi proċedura simili fir-rigward tal-obbligazzjoni ta' kreditu ta' debitur lill-istituzzjoni, l-impriża prinċipali jew xi waħda mis-sussidjarji tagħha;

(f) id-debitur fittex jew tqiegħed f'falliment jew fi protezzjoni simili fejn dan jevita jew idewwem ir-ripagament ta' obbligazzjoni ta' kreditu lill-istituzzjoni, l-impriża prinċipali jew xi waħda mis-sussidjarji tagħha.

4. L-istituzzjonijiet li jużaw data esterna li hija stess mhijiex konsistenti mad-definizzjoni tal-inadempjenza stabbilita fil-paragrafu 1, għandhom jagħmlu l-aġġustamenti adatti sabiex jiksbu ekwivalenza wiesgħa mad-definizzjoni ta' inadempjenza.

5. Jekk l-istituzzjoni tikkunsidra li skopertura li diġà saret inadempjenti hija b'tali mod li l-ebda skattatur tal-inadempjenza ma jibqa' japplika, l-istituzzjoni għandha tikklassifika lid-debitur jew lill-faċilità bħallikieku kienu skopertura mhux inadempjenti. Fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi sussegwentement skattata, jiġi meqjus li seħħet inadempjenza oħra.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet li awtorità kompetenti għandha timxi magħhom biex tistipula l-limitu msemmi fil-paragrafu 2(d).

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 179*

**Rekwiżiti kumplessivi għall-istima**

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandu jiġi assoċjat mal-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istimi proprji tal-parametri tar-riskju, tal-PD, tal-LGD, tal-fattur tal-konverżjoni u tal-EL tal-istituzzjoni għandhom jinkludu d-data, l-informazzjoni u l-metodi rilevanti kollha. L-istimi għandhom ikunu bbażati kemm fuq l-esperjenza storika kif ukoll fuq il-provi empiriċi, u mhux ibbażati biss fuq kunsiderazzjonijet ta' ġudizzju. L-istimi għandhom ikunu plawżibbli u intwittivi u għandhom ikunu bbażati fuq fatturi materjali tal-parametri tar-riskju rispettivi. Inqas ma l-istituzzjoni jkollha data, aktar trid tkun konservattiva fl-istima tagħha;

(b) istituzzjoni għandha tkun tista' tipprovdi analiżi sistematika tal-esperjenza ta' telf tagħha f'termini ta' frekwenza ta' inadempjenzi, l-LGD, il-fattur ta' konverżjoni, jew it-telf fejn jintużaw l-istimi tal-EL, bil-fatturi li hija tqis bħala l-fatturi tal-parametri tar-riskji rispettivi. L-istimi tal-istituzzjoni għandhom jirrappreżentaw esperjenza twila;

(c) għandha tiġi kkunsidrata kull bidla fil-prattika tal-għoti ta' self jew fil-proċess biex jinġabru l-irkupri matul il-perijodi tal-osservazzjoni msemmija fl-Artikolu 180(1)(h) u (2)(e), l-Artikolu 181(1)(j) u (2), 182(2) u (3). L-istimi tal-istituzzjoni għandhom jirriflettu l-implikazzjonijiet tal-avvanzi tekniċi u data ġdida u informazzjoni oħra, hekk kif dawn isiru disponibbli. L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-istimi tagħhom meta jkun hemm informazzjoni ġdida iżda tal-inqas fuq bażi annwali;

(d) il-popolazzjoni tal-iskoperturi rappreżentati fid-data użata għall-istima, l-istandards tal-għoti tas-self użati meta d-data kienet iġġenerata u karatteristiċi rilevanti oħrajn għandhom ikunu komparabbli ma' dawk tal-iskoperturi u l-istandards tal-istituzzjoni. Il-kondizzjonijiet ekonomiċi jew tas-suq, sottostanti għad-data, għandhom ikunu rilevanti għall-kondizzjonijiet attwali u dawk prevedibbli. In-numru ta' skoperturi fil-kampjun u l-perijodu tad-data użat għall-kwantifikazzjoni għandhom ikunu biżżejjed sabiex jipprovdu fiduċja lill-istituzzjoni fir-rigward tal-preċiżjoni u r-robustezza tal-istimi tagħha;

(e) għal riċevibbli mixtrija, l-istimi għandhom jirriflettu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-istituzzjoni li tixtri rigward il-kwalità tar-riċevibbli sottostanti, inkluża d-data għal aggregzzjonijiet simili pprovduti mill-bejjiegħ, mill-istituzzjoni li tixtri, jew minn sorsi esterni. L-istituzzjoni li tixtri għandha tevalwa kwalunkwe data li tkun ibbażat fuqha u li tkun ipprovduta mill-bejjiegħ;

(f) istituzzjoni għandha żżid mal-istimi tagħha marġni ta' konservattiviżmu li huwa relatat mal-medda mistennija ta' żbalji fl-istima. Fejn il-metodi u d-data huma kkunsidrati li jkunu inqas sodisfaċenti, il-medda mistennija ta' żbalji tkun akbar, il-marġni ta' konservattiviżmu għandu jkun akbar.

Fejn l-istituzzjonijiet jużaw stimi differenti għall-kalkolu tal-piżijiet ta' riskju u għall-għanijiet interni, dan għandu jkun dokumentat u raġonevoli. Jekk l-istituzzjonijiet jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li għad-data miġbura qabel l-1 ta' Jannar 2007 saru aġġustamenti adatti sabiex tinkiseb ekwivalenza wiesgħa mad-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita fl-Artikolu 178 jew mat-telf, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjoni xi flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-istandards meħtieġa għad-data.

2. Meta l-istituzzjoni tuża data aggregata ma' istituzzjonijiet oħrajn, din għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-kriterji ta' istituzzjonijiet oħra fl-aggregazzjoni huma simili għal tagħha;

(b) l-aggregazzjoni hija rappreżentattiva tal-portafoll li għalih tintuża d-data aggregata;

(c) id-data aggregata tintuża b'mod konsistenti tul iż-żmien mill-istituzzjoni għall-istimi tagħha;

(d) l-istituzzjoni għandha tibqa' responsabbli għall-integrità tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tagħha;

(e) l-istituzzjoni għandha żżomm fost il-kapaċitajiet tagħha fehim biżżejjed tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha, inkluża l-kapaċità li timmonitorja b'mod effettiv u tagħmel verifika tal-proċess ta' klassifikazzjoni.

*Artikolu 180*

**Rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-PD**

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandhom jiġu assoċjati mal-gradi jew l-aggregazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għall-istima tal-PD għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali u għall-iskoperturi għal ekwità fejn istituzzjoni tuża l-approċċ tal-PD/LGD stabbilit fl-Artikolu 155(3):

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-PDs skont il-grad tad-debitur minn medji fuq tul ta' żmien ta' rati ta' inadempjenza ta' sena. L-istimi tal-PD għal debituri li għandhom lieva finanzjarja qawwija jew għal debituri li l-assi tagħhom huma prinċipalment assi negozjati għandhom jirriflettu l-prestazzjoni tal-assi sottostanti abbażi ta' perijodi ta' volatilitajiet taħt stress;

(b) għal riċevibbli korporattivi mixtrija, l-istituzzjonijiet jistgħu jistmaw l-EL skont il-grad tad-debitur minn medji fuq tul ta' żmien ta' rati ta' inadempjenza ta' sena;

(c) jekk l-istituzzjoni tidderivi stimi medji fuq tul ta' żmien tal-PDs u l-LGDs għal riċevibbli korporattivi mixtrija minn stima tal-EL, u stima adegwata tal-PD jew l-LGD, il-proċess ta' stima tat-telf totali għandu jissodisfa l-istandards kumplessivi għall-istima tal-PD u tal-LGD stabbiliti f'din il-parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett ta' LGD kif stabbilit fl-Artikolu 181(1)(a);

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw it-tekniki ta' stima tal-PD dejjem flimkien ma' analiżi ta' sostenn. L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonxxu l-importanza tal-konsiderazzjonijiet ta' ġudizzju meta jgħaqqdu r-riżultati tat-tekniki u meta jagħmlu aġġustamenti għal-limitazzjonijiet tat-tekniki u l-informazzjoni;

(e) sakemm l-istituzzjoni tuża data fuq esperjenza interna ta' inadempjenza għall-istima tal-PDs, l-istimi għandhom jirriflettu l-istandards ta' sottoskrizzjoni u ta' kwalunkwe differenza fis-sistema ta' klassifikazzjoni li ġġeneraw id-data u s-sistema ta' klassifikazzjoni attwali. Fejn l-istandards ta' sottoskrizzjoni jew is-sistemi ta' klassifikazzjoni jkunu nbidlu, l-istituzzjoni għandha żżid marġni akbar ta' konservattiviżmu fl-istima tagħha tal-PD;

(f) sakemm l-istituzzjoni tassoċja l-gradi interni tagħha skont l-iskala użata minn ECAI jew organizzazzjonijiet simili u mbagħad tattribwixxi r-rata ta' inadempjenza osservata għall-gradi tal-organizzazzjoni esterna għall-gradi tal-istituzzjoni, dawn l-assoċjazzjonijiet (mappings) għandhom ikun ibbażati fuq il-paragun tal-kriterji tal-klassifikazzjoni interni mal-kriterji użati mill-organizzazzjoni esterna u fuq il-paragun mal-klassifikazzjonijiet interni jew esterni ta' kwalunkwe debitur komuni. Għandhom jiġu evitati l-preġudizzji jew l-inkonsistenzi fil-metodu tal-assoċjazzjoni jew fid-data sottostanti. Il-kriterji tal-organizzazzjoni esterna sottostanti għad-data użata għall-kwantifikazzjoni għandhom jiġu orjentati għar-riskju ta' inadempjenza biss u mhux jirreflettu l-karatteristiċi tat-transazzjoni. L-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni għandha tinkludi paragun tad-definizzjonijiet ta' inadempjenzi użati, soġġett għar-rekwiżiti fl-Artikolu 178. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-kriterji abbażi tal-assoċjazzjonijiet;

(g) sakemm dik l-istituzzjoni tuża l-mudelli statistiċi ta' tbassir tal-inadempjenza, din titħalla tistma l-PDs bħala l-medja sempliċi tal-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza għal debituri individwali fi grad partikolari. L-użu li l-istituzzjoni tagħmel mill-mudelli ta' probabbiltà ta' inadempjenza għal dan il-għan għandu jissodisfa l-istandards speċifikati fl-Artikolu 174;

(h) irrispettivament minn jekk l-istituzzjoni hiex tuża sorsi ta' data esterni, interni jew aggregata jew inkella kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tagħha tal-PD, it-tul tal-perijodu tal-osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-inqas ħames snin għal sors wieħed mill-anqas. Jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli jieħu perijodu itwal għal xi sors, u din id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perijodu itwal. Dan il-punt japplika wkoll għall-Approċċ tal-PD/LGD għal ekwità. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li ma jkunux rċevew il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex jużaw l-istimi proprji tal-LGDs jew il-fatturi ta' konverżjoni, jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, id-data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn. Il-perijodu li jrid ikun kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perijodu ta' ħames snin.

2. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-PDs skont il-grad tad-debitur jew tal-aggregazzjoni minn medji fuq tul ta' żmien ta' rati ta' inadempjenza ta' sena;

(b) l-istimi tal-PDs jistgħu jinħarġu wkoll minn stima tat-total tat-telf u stimi adatti tal-LGDs;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-data interna għall-assenjazzjoni tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet bħala s-sors primarju ta' informazzjoni sabiex jistmaw il-karatteristiċi tat-telf. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw data esterna (inkluża data aggregata) jew mudelli statistiċi għall-kwantifikazzjoni jekk hemm iż-żewġ rabtiet mill-viċin li ġejjin:

(i) bejn il-proċess tal-istituzzjoni ta' assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet u l-proċess użat mis-sors tad-data esterna; u

(ii) bejn il-profil ta' riskju intern tal-istituzzjoni u l-kompożizzjoni tad-data esterna;

(d) jekk l-istituzzjoni tidderivi l-istimi medji għal zmien twil tal-PD u l-LGD għall-konsumaturi minn stima ta' telf totali u stima adegwata tal-PD jew LGD, il-proċess ta' stima tat-telf totali għandu jissodisfa l-istandards kumplessivi għall-istima tal-PD u l-LGD stabbiliti f'din il-parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett tal-LGD kif stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 181(1);

(e) irrispettivament mill-fatt jekk l-istituzzjoni tkunx qed tuża sorsi ta' data esterni, interni jew aggregati jew kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tal-karatteristiċi tat-telf, it-tul tal-perijodu ta' osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-inqas ħames snin għal mill-inqas sors wieħed. Jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli għal kwalunkwe sors huwa itwal, u din id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perijodu itwal. L-istituzzjoni ma għandhiex bżonn tagħti l-istess importanza lil data storika jekk data aktar reċenti tagħti previżjoni aktar preċiża tar-rati ta' telf. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw id-data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn. Il-perijodu li jrid jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perijodu ta' ħames snin;

(f) l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw u janalizzaw il-bidliet mistennija tal-parametri tar-riskju matul il-ħajja ta' skoperturi għall-kreditu (effetti ta' maturazzjoni).

Għal riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw data ta' referenza interna u esterna. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw is-sorsi ta' data rilevanti kollha bħala punti ta' paragun.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permessi msemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 1 u l-punt (e) tal-paragrafu 2;

(b) il-metodoloġiji li bihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-metodoloġija ta' istituzzjoni għall-istima tal-PD skont l-Artikolu 143.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 181*

**Rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-LGD**

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jridu jkunu assoċjati mal-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għal stimi proprji tal-LGD:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw l-LGDs skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità abbażi tal-medja ta' LGDs realizzati skont il-grad jew l-aggregat tal-faċilità billi jużaw l-inadempjenzi osservati kollha fis-sorsi tad-data (medja ppeżata tal-inadempjenzi);

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istimi tal-LGD li huma adatti għal fażi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fuq perijodu twil. Sakemm sistema ta' klassifikazzjoni tkun mistennija li tipproduċi LGDs realizzati b'konsistenza skont il-grad jew l-aggregazzjoni tul iż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-istimi tagħhom tal-parametri tar-riskju skont il-grad jew l-aggregazzjoni sabiex jillimitaw l-impatt kapitali ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

(c) l-istituzzjoni għandha tikkunsidra d-daqs ta' kull dipendenza bejn ir-riskju tad-debitur ma' dak tal-kollateral jew tal-fornitur tal-kollateral. Każijiet fejn ikun hemm grad sinifikanti ta' dipendenza għandhom jiġu indirizzati b'mod konservattiv;

(d) diskrepanzi fil-muniti bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-kollateral għandhom jiġu ttrattati b'mod konservattiv fil-valutazzjoni tal-istituzzjoni tal-LGD;

(e) sa fejn l-istimi tal-LGD iqisu l-eżistenza tal-kollateral, dawn l-istimi ma għandhomx ikunu bbażati unikament fuq il-valur tas-suq stmat tal-kollateral. L-istimi tal-LGD għandhom jikkunsidraw l-effett tal-inabbiltà potenzjali tal-istituzzjonijiet sabiex minnufih jieħdu l-kontroll tal-kollateral tagħhom u jillikkwidawh;

(f) sa fejn l-istimi tal-LGD jikkunsidraw l-eżistenza ta' kollateral, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu rekwiżiti interni għall-ġestjoni tal-kollateral, iċ-ċertezza legali u l-ġestjoni tar-riskju li huma ġeneralment konsistenti ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu 4, it-Taqsima 3;

(g) sa fejn l-istituzzjoni tirrikonoxxi kollateral għad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti skont il-Kapitolu 6, it-Taqsima 5 jew 6, kull ammont mistenni li jiġi rkuprat mill-kollateral ma għandux jitqies fl-istimi tal-LGD;

(h) għall-każ speċifiku ta' skoperturi diġà f'inadempjenza, l-istituzzjoni għandha tuża s-somma tal-aqwa stima tagħha ta' telf mistenni għal kull skopertura fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali u l-istat tal-iskopertura u l-istima tagħha taż-żieda fir-rata tat-telf ikkawżata minn telf addizzjonali possibbli mhux mistenni matul il-perijodu ta' rkupru, jiġifieri bejn id-data tal-inadempjenza u l-likwidazzjoni finali tal-iskopertura;

(i) sa fejn it-tariffi minħabba dewmien mhux imħallsa ikunu ġew kapitalizzati fid-dikjarazzjoni tad-dħul ta' istituzzjoni, dawn għandhom jiżdiedu fil-kejl tal-istituzzjoni ta' skopertura u telf;

(j) għal skoperturi għal impriżi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, l-istimi tal-LGD għandhom ikunu bbażati fuq data fuq perijodu minimu ta' ħames snin, u jiżdiedu b'sena kull sena wara l-implimentazzjoni sakemm jintlaħaq minimu ta' seba' snin, għal mill-inqas sors ta' data wieħed. Jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli jieħu perijodu itwal għal xi sors, u din id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perijodu itwal.

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu dan li ġej:

(a) jidderivaw l-istimi tal-LGD minn telf realizzat u l-istimi adatti tal-PDs;

(b) jirreflettu ġbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD;

(c) Għal riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur jużaw data ta' referenza esterna u interna sabiex jistmaw l-LGDs.

Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istimi tal-LGD għandhom ikunu bbażati fuq data li tkopri minimu ta' ħames snin. L-istituzzjoni ma għandhiex bżonn tagħti l-istess importanza lil data storika jekk data aktar reċenti tagħti previżjoni aktar preċiża tar-rati ta' telf. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw id-data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn. Il-perijodu li jrid ikun kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perijodu ta' ħames snin.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) in-natura, is-severità u t-tul ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjoni skont il-paragrafu 3 li tuża data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn fejn l-istituzzjoni timplimenta l-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 182*

**Rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-LGD**

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jridu jkunu assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għal stimi proprji tal-fattur ta' konverżjoni:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-fatturi ta' konverżjoni skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità abbażi tal-medja ta' fatturi ta' konverżjoni realizzati skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità billi jużaw il-medja ppeżata tal-inadempjenzi li tirriżulta mill-inadempjenzi osservati kollha fis-sorsi tad-data;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istimi tal-fattur ta' konverżjoni li huma adatti fi żmien ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fuq perijodu fit-tul. Sa fejn sistema ta' klassifikazzjoni tkun mistennija tipproduċi fatturi ta' konverżjoni realizzati b'konsistenza skont il-grad jew l-aggregazzjoni tul iż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-istimi tagħhom tal-parametri tar-riskju skont il-grad jew l-aggregazzjoni sabiex jillimitaw l-impatt kapitali ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

(c) l-istimi tal-istituzzjonijiet tal-fatturi ta' konverżjoni għandhom jirriflettu l-possibbiltà ta' ġbid addizzjonali mid-debitur sa u wara d-data li fiha tiskatta inadempjenza. L-istima tal-fattur ta' konverżjoni għandha tinkludi marġni akbar ta' konservattiviżmu fejn korrelazzjoni pożittiva aktar b'saħħitha tista' tkun raġonevolment mistennija bejn il-frekwenza tal-inadempjenza u l-kobor tal-fattur ta' konverżjoni;

(d) sabiex jaslu għall-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-linji politiċi u l-istrateġiji speċifiċi tagħhom fir-rigwrad tal-monitoraġġ tal-kontijiet u l-ipproċessar tal-pagamenti. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll il-kapaċità u r-rieda tagħhom li jipprevjenu ġbid ulterjuri f'ċirkostanzi ta' kważi inadempjenza ta' pagament, bħal vjolazzjonijiet ta' pattijiet jew avvenimenti oħrajn ta' inadempjenza teknika;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom sistemi adegwati u proċeduri fis-seħħ sabiex jimmonitorjaw l-ammonti tal-faċilità, l-obbligazzjonijiet pendenti attwali fil-linji impenjati u l-bidliet fl-obbligazzjonijiet pendenti skont id-debitur u skont il-grad. L-istituzzjoni għandha tkun tista' timmonitorja l-bilanċi pendenti ta' kuljum;

(f) jekk l-istituzzjonijiet jużaw stimi differenti tal-fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-għanijiet interni dawn għandhom jiġu dokumentati u jkunu raġonevoli.

2. Għall-iskoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni għandhom ikunu bbażati fuq data li tkopri perijodu minimu ta' ħames snin, li tiżdied b'sena kull sena wara l-implimentazzjoni sakemm jintlaħaq il-minimu ta' seba' snin, għal sors wieħed ta' data mill-anqas. Jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli jieħu perijodu itwal għal xi sors, u din id-data tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perijodu itwal.

3. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istituzzjonijiet jistgħu jirriflettu l-ġbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD.

Għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni għandhom ikunu bbażati fuq data fuq perijodu minimu ta' ħames snin. B'deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, istituzzjoni ma għandhiex bżonn tagħti l-istess importanza lir-rekwiżiti tad-data storika jekk data aktar reċenti tipprevedi l-ġbid bi preċiżjoni akbar. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, id-data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn. Il-perijodu li jrid ikun kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-data rilevanti tkopri perijodu ta' ħames snin.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) in-natura, is-severità u t-tul ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kondizzjonijiet skont liema l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjoni tuża data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn meta l-istituzzjoni timplimenta l-Approċċ IRB għall-ewwel darba.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 183*

**Rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-effett tal-garanziji u d-derivati tal-kreditu għall-iskoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet u gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD u l-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi**

1. Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-garanti u l-garanziji eliġibbli:

(a) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom kriterji speċifikati b'mod ċar għat-tipi ta' garanti li jirrikonoxxu għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju;

(b) għall-garanti rikonoxxuti għandhom japplikaw l-istess regoli bħal għad-debituri kif stabbilit fl-Artikoli 171, 172 u 173;

(c) il-garanzija għandha tkun evidenzjata bil-miktub, mhux kanċellabbli min-naħa tal-garanti, fis-seħħ sakemm l-obbligazzjoni tkun sodisfatta bis-sħiħ (sal-ammont u n-natura tal-garanzija) u legalment infurzabbli kontra l-garanti f'ġurisdizzjoni fejn il-garanti jkollu assi li fuqhom tista' tiġi infurzata sentenza. Garanziji kundizzjonali li jippreskrivu kondizzjonijiet li skonthom il-garanti ma jistax ikun obbligat għall-adempjenza jistgħu jiġu rikonoxxuti soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti. Il-kriterji ta' assenjazzjoni għandhom jindirizzaw b'mod adegwat kull tnaqqis potenzjali fl-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju.

2. L-istituzzjoni għandu jkollha kriterji speċifikati b'mod ċar għall-aġġustament tal-istimi ta' gradi, aggregazzjonijiet jew LGD u, fil-każ ta' riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumaturi u eliġibbli, il-proċess ta' allokazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, sabiex jiġi rifless l-impatt tal-garanziji għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju. Dawn il-kriterji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 171, 172 u 173.

Il-kriterji għandhom ikunu plawżibbli u intwittivi. Għandhom jindirizzaw il-kapaċità u r-rieda tal-garanti li josserva l-garanzija, iż-żmien probabbli ta' kwalunkwe pagament mill-garanti, il-grad ta' korrelazzjoni bejn il-kapaċità tal-garanti li josserva l-garanzija u l-kapaċità tad-debitur li jħallas lura, u l-punt sa fejn jibqa' r-riskju reżidwu għad-debitur.

3. Ir-rekwiżiti għall-garanziji f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għad-derivati tal-kreditu b'isem wieħed. Fir-rigward ta' diskrepanza bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment ta' derivat tal-kreditu jew l-obbligazzjoni użata biex ikun determinat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 216(2). Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi u riċevibbli mixtrija eliġibbli, dan il-paragrafu japplika għall-proċess ta' allokazzjoni tal-iskoperturi fi gradi u aggregazzjonijiet.

Il-kriterji għandhom jindirizzaw l-istruttura ta' ħlas tad-derivat tal-kreditu u jivvalutaw b'mod konservattiv l-impatt li din ikollha fuq il-livell u ż-żmien tal-irkupri. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra safejn jibqgħu forom oħra ta' riskji reżidwali.

4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3 ma għandhomx japplikaw għal garanziji forniti minn istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u l-entitajiet korporattivi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 201(1)(g) jekk l-istituzzjoni tkun irċeviet permess sabiex tapplika l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal tali entitajiet skont l-Artikoli 148 u 150. F'dan il-każ għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu 4.

5. Għal garanziji fil-livell tal-konsumaturi, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, u l-istima tal-PD.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet skont liema l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li jiġu rikonoxxuti garanziji kundizzjonali.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 184*

**Rekwiżiti għal riċevibbli mixtrija**

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jiġu assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni għal riċevibbli mixtrija, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. L-istruttura tal-faċilità għandha tiżgura li fiċ-ċirkostanzi prevedibbli kollha, l-istituzzjoni għandha s-sjieda u l-kontroll effettivi tar-rimessi kollha ta' flus mir-riċevibbli. Meta d-debitur jagħmel pagamenti direttament lil bejjiegħ jew lil ġestur (servicer), l-istituzzjoni għandha tivverifika b'mod regolari li l-pagamenti jsiru kompletament u skont it-termini miftehma fil-kuntratt. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri sabiex jiżguraw li s-sjieda fuq ir-riċevibbli u l-irċevuti tal-flus hija protetta kontra moratorji fallimentari jew rikorsi legali li jistgħu idewmu materjalment il-kapaċità tal-mutwatarju li jillikwida jew jassenja r-riċevibbli jew iżomm il-kontroll fuq l-irċevuti tal-flus.

3. L-istituzzjoni għandha tissorvelja kemm il-kwalità tar-riċevibbli mixtrija kif ukoll il-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u l-ġestur. Dan li ġej għandu japplika:

(a) l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-korrelazzjoni bejn il-kwalità tar-riċevibbli mixtrija u l-kondizzjoni finanzjarja kemm tal-bejjiegħ kif ukoll tal-ġestur, u timplimenta politiki u proċeduri interni li jipprovdu salvagwardji adegwati sabiex jipproteġu kontra kull kontinġenza, inkluża l-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni interna tar-riskju għal kull bejjiegħ u ġestur;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri ċari u effettivi għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tal-bejjiegħ u tal-ġestur. L-istituzzjoni jew l-aġent tagħha għandhom iwettqu

analiżi perjodiċi tal-bejjiegħa u l-ġesturi sabiex jivverifikaw il-preċiżjoni tar-rapporti mill-bejjiegħ jew mill-ġestur, jiskopru frodi jew punti debboli operattivi, u jivverifikaw il-kwalità tal-politiki ta' kreditu tal-bejjiegħ u l-politiki u l-proċeduri tal-irkupru tal-ġestur. Ir-riżultati ta' dawn l-analiżi għandhom jiġu dokumentati;

(c) l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-karatteristiċi tal-aggregazzjonijiet ta' riċevibbli mixtrija, inkluż is-sovravvanzi; l-istorja tal-arretrati tal-bejjiegħ, dejn mitluf, u provviżjonijiet għad-dejn mitluf; termini tal-pagament, u l-kontrakontijiet potenzjali;

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri effettivi għall-monitoraġġ ta' konċentrazzjonijiet ta' debitur wieħed fuq bażi aggregata kemm fi ħdan kif ukoll fost il-aggregazzjonijiet ta' riċevibbli mixtrija;

(e) l-istituzzjoni għandha tiżgura li tirċievi mingħand il-ġestur rapporti f'waqthom u biżżejjed dettaljati tal-iskadenzi u dilwizzjonijiet tar-riċevibbli sabiex tiżgura l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-istituzzjoni u l-politiki tal-avvanzi li jirregolaw ir-riċevibbli mixtrija, u jipprovdu mod effettiv li bih jissorveljaw u jikkonfermaw it-termini tal-bejgħ u d-dilwizzjoni tal-bejjiegħ.

4. L-istituzzjoni għandu jkollha sistemi u proċeduri biex jinkixfu deterjoramenti fil-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u l-kwalità tar-riċevibbli mixtrija fi stadju bikri, u biex jindirizzaw il-problemi emerġenti b'mod proattiv. B'mod partikolari, l-istituzzjoni għandu jkollha politiki, proċeduri u sistemi ta' informazzjoni ċari u effettivi għall-monitoraġġ ta' vjolazzjonijiet tal-ftehim kuntrattwali, u politiki u proċeduri ċari u effettivi għall-bidu ta' azzjonijiet legali u għall-indirizzar ta' riċevibbli mixtrija bi problemi.

5. L-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri ċari u effettivi li jirregolaw il-kontroll tar-riċevibbli mixtrija, il-kreditu, u l-flus. B'mod partikolari, politiki interni miktuba għandhom jispeċifikaw l-elementi materjali kollha tal-programm ta' xiri ta' riċevibbli, inklużi r-rati tal-avvanzi, il-kollateral eliġibbli, id-dokumentazzjoni neċessarja, il-limiti ta' konċentrazzjoni, u l-mod kif għandhom jiġu ttrattati l-irċevuti tal-flus. Dawn l-elementi għandhom iqisu b'mod adatt il-fatturi rilevanti u materjali kollha, inklużi l-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u tal-ġestur, il-konċentrazzjonijiet tar-riskju, u x-xejriet fil-kwalità tar-riċevibbli mixtrija u l-klijentela tal-bejjiegħ, u s-sistemi interni għandhom jiżguraw li l-fondi jiġu avvanzati biss kontra kollateral u dokumentazzjoni ta' appoġġ speċifikati.

6. L-istituzzjoni għandu jkollha proċess intern effettiv għall-valutazzjoni tal-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni kollha. Il-proċess għandu jinkludi verifiki regolari tal-fażijiet kritiċi kollha tal-programm ta' xiri tar-riċevibbli ta' istituzzjoni, verifika tas-separazzjoni tal-inkarigi, l-ewwel bejn il-valutazzjoni tal-bejjiegħ u tal-ġestur u l-valutazzjoni tad-debitur u t-tieni bejn il-valutazzjoni tal-bejjiegħ u tal-ġestur u l-verifika fuq il-post tal-bejjiegħ u tal-ġestur, u evalwazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-back office, b'enfasi partikolari fuq il-kwalifiki, l-esperjenza, il-livell tal-persunal, u s-sistemi ta' awtomatizzati ta' appoġġ.

Subtaqsima 3

**Validazzjoni ta' stimi interni**

*Artikolu 185*

**Validazzjoni ta' stimi interni**

L-istituzzjonijiet għandhom jivvalidaw l-istimi interni tagħhom soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ sistemi robusti biex jivvalidaw il-preċiżjoni u l-konsistenza tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, il-proċessi, u l-istimi kollha tal-parametri tar-riskju rilevanti. Il-proċess ta' validazzjoni interna għandu jippermetti lill-istituzzjoni tivvaluta l-prestazzjoni tas-sistemi interni ta' klassifikazzjoni u ta' stima tar-riskju b'mod konsistenti u sinifikattiv;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom iqabblu b'mod regolari r-rati ta' inadempjenzi realizzati mal-PDs stmati għal kull grad u, fejn ir-rati ta' inadempjenza realizzati jkunu barra l-medda mistennija għal dak il-grad, l-istituzzjonijiet għandhom b'mod speċifiku janalizzaw ir-raġunijiet għad-devjazzjoni. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji tal-LGDs u l-fatturi ta' konverżjoni għandhom iwettqu wkoll analiżi analoga ta' dawn l-istimi. Dawn il-paraguni għandhom jagħmlu użu mid-data storika li tkopri perijodu twil kemm jista' jkun. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodi u d-data użati f'dawn il-paraguni. Din l-analiżi u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu aġġornati mill-inqas fuq bażi annwali;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw għodod ta' validazzjoni kwantitattiva oħrajn u paraguni ma' sorsi esterni ta' data rilevanti. L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq data li tkun adattata għall-portafoll, aġġornata regolarment, u tkopri perijodu ta' osservazzjoni rilevanti. Il-valutazzjonijiet interni tal-istituzzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq perijodu twil kemm jista' jkun;

(d) il-metodi u d-data użati għall-validazzjoni kwantitattiva għandhom ikunu konsistenti tul iż-żmien. Bidliet fil-metodi tal-istimi u l-validazzjoni u d-data (kemm is-sorsi tad-data fif ukoll il-perijodi koperti) għandhom jiġu ddokumentati;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom standards interni validi għal sitwazzjonijiet fejn derivazzjonijiet f'PDs, LGDs, fatturi ta' konverżjoni u telf totali realizzati, fejn jintuża l-EL, minn aspettattivi, isiru sinifikattivi biżżejjed sabiex jixħtu dubju fuq il-validità tal- istimi. Dawn l-istandards għandhom jikkunsidraw iċ-ċikli ekonomiċi u l-varjabbiltà sistematika simili fl-esperjenzi ta' inadempjenza. Fejn il-valuri realizzati jibqgħu ogħla mill-valuri mistennija, l-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-istimi 'l fuq sabiex jirriflettu l-esperjenzi tagħhom ta' inadempjenza u ta' telf;

Subtaqsima 4

**Rekwiżiti għall-iskoperturi tal-ekwitajiet taħt l-approċċ tal-mudelli interni**

*Artikolu 186*

**Rekwiżit tal-fondi proprji u l-kwantifikazzjoni tar-riskju**

Għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw l-istandards li ġejjin:

(a) l-istima ta' telf potenzjali għandha tkun robusta għal-movimenti negattivi tas-suq rilevanti għall-profil tar-riskju fit-tul tal-holdings speċifiċi tal-istituzzjoni. Id-data użata sabiex tirrappreżenta d-distribuzzjonijiet tar-rendiment għandha tirrefletti l-kampjun bl-itwal perijodu li għalih hija disponibbli u sinifikattiva d-data fir-rappreżentazzjoni tal-profil tar-riskju tal-iskoperturi tal-ekwitajiet speċifiċi tal-istituzzjoni. Id-data użata għandha tkun biżżejjed sabiex tipprovdi stimi ta' telf konservattivi, statistikament affidabbli u robusti li mhumiex ibbażati biss fuq konsiderazzjonijiet soġġettivi u ta' ġudizzju. Ix-xokk użat għandu jipprovdi stima konservattiva tat-telf potenzjali fuq ċiklu tas-suq jew ekonomiku fit-tul. L-istituzzjoni għandha tgħaqqad l-analiżi empirika tad-data disponibbli ma' aġġustamenti bbażati fuq varjetà ta' fatturi sabiex tikseb mudelli ta' outputs li jilħqu realiżmu u konservattiviżmu xieraq. Fil-bini ta' mudelli tal-Valur fir-Riskju (VaR) li jistmaw it-telf potenzjali trimestrali, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw data trimestrali jew jikkonvertu data fuq perijodi orizzontali iqsar għal ekwivalenti trimestrali billi jużaw metodu analitikament xieraq appoġġat minn provi empiriċi u permezz ta' proċess ta' ħsieb u analiżi żviluppati u dokumentati kif xieraq. Approċċ bħal dan għandu jiġi applikat b'mod konservattiv u konsistenti tul iż-żmien. Fejn data limitata rilevanti biss tkun disponibbli, l-istituzzjoni għandha żżid marġni xierqa ta' konservattiviżmu;

(b) il-mudelli użati għandhom ikopru b'mod adegwat ir-riskji materjali kollha li jinsabu fir-rendiment mill-ekwitajiet inkluż kemm ir-riskju ġenerali tas-suq kif ukoll l-iskopertura għar-riskju speċifiku tal-portafoll tal-ekwitajiet tal-istituzzjoni. Il-mudelli interni għandhom jispjegaw b'mod adegwat il-varjazzjoni storika tal-prezz, ikopru kemm il-kobor kif ukoll il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-konċentrazzjonijiet potenzjali, u jkunu robusti f'qagħdiet avversi tas-suq. Il-popolazzjoni tal-iskoperturi tar-riskju rappreżentata fid-data użata għall-istima għandha tkun tixbaħ sew jew mill-inqas tkun komparabbli ma' dik tal-iskoperturi tal-ekwitajiet tal-istituzzjoni;

(c) il-mudell intern għandu jkun adatt għall-profil tar-riskju u l-kumplessità tal-portafoll tal-ekwitajiet ta' istituzzjoni. Fejn istituzzjoni jkollha holdings materjali b'valuri li huma ferm nonlineari fin-natura tagħhom, il-mudelli interni għandhom ikunu mfassla b'mod li jkopru kif xieraq ir-riskji assoċjati ma' tali strumenti;

(d) l-assoċjazzjoni ta' pożizzjonijiet individwali ma' approssimazzjonijiet, indiċi tas-suq, u fatturi tar-riskju għandha tkun plawżibbli, intuwittiva, u valida fil-prinċipju;

(e) l-istituzzjonijiet għandhom juru l-adegwatezza tal-fatturi tar-riskju, inkluża l-kapaċità tagħhom li jkopru kemm ir-riskju ġenerali kif ukoll dak speċifiku permezz ta' analiżi empirika;

(f) l-istimi tal-volatilità tar-rendiment tal-iskoperturi tal-ekwitajiet għandhom jinkludu d- data, l-informazzjoni, u l-metodi rilevanti u disponibbli. Għandha tintuża data interna jew data minn sorsi esterni inkluża data aggregata li tkun ġiet analiżżata b'mod indipendenti;

(g) għandu jiġi implimentat programm rigoruż u komprensiv ta' simulazzjoni ta' kriżi.

*Artikolu 187*

**Proċess u kontrolli tal-ġestjoni tar-riskji**

Fir-rigward tal-iżvilupp u l-użu ta' mudelli interni għall-finijiet tar-rekwiżit ta' fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki, proċeduri, u kontrolli sabiex jiżguraw l-integrità tal-mudell u l-proċess tal-immudellar. Dawn il-politiki, il-proċeduri, u l-kontrolli għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) integrazzjoni sħiħa tal-mudell intern fis-sistemi ta' informazzjoni ta' ġestjoni kumplessivi tal-istituzzjoni u fil-ġestjoni tal-portafoll tal-ekwitajiet tal-portafoll tan-negozjar. Il-mudelli interni għandhom jiġu integrati kompletament fl-infrastruttura tal-ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjoni jekk huma partikolarment użati fit-tkejjil u l-ivvalutar tal-prestazzjoni tal-portafoll tal-ekwitajiet inklużi l-prestazzjoni aġġustata għar-riskju, l-allokazzjoni tal-kapital ekonomiku għall-iskoperturi tal-ekwitajiet u l-evalwazzjoni tal-adegwatezza kapitali kumplessiva u l-proċess tal-ġestjoni tal-investimenti;

(b) sistemi ta' ġestjoni, proċeduri, u funzjonijiet ta' kontroll stabbiliti sabiex tiġi żgurata analiżi perjodika u indipendenti tal-elementi kollha tal-proċess intern ta' mudellar, inkluża l-approvazzjoni tar-reviżjoni tal-mudelli, l-eżami tal-inputs fil-mudell, u l-analiżi tar-riżultati tal-mudell, bħal verifika diretta tal-komputazzjonijiet tar-riskju. Din l-analiżi għandha tivvaluta l-preċiżjoni, il-kompletezza, u l-adegwatezza tal-inputs u r-riżultati tal-mudell u tiffoka kemm fuq l-iskoperta kif ukoll fuq il-limitazzjoni ta' żbalji potenzjali assoċjati ma' punti debboli magħrufa u l-identifikazzjoni ta' punti debboli mhux magħrufa fil-mudell. Tali analiżi tista' titwettaq minn unità interna indipendenti, jew minn terza parti esterna indipendenti;

(c) sistemi u proċeduri adegwati għall-monitoraġġ tal-limiti tal-investiment u l-iskoperturi tar-riskju tal-iskoperturi tal-ekwitajiet;

(d) l-unitajiet responsabbli mit-tfassil u l-applikazzjoni tal-mudelli għandhom ikollhom indipendenza funzjonali mill-unitajiet responsabbli mill-ġestjoni tal-investimenti individwali;

(e) il-partijiet responsabbli minn kwalunkwe aspett tal-proċess tal-mudellar għandhom ikollhom kwalifiki adegwati. Il-maniġment għandu jalloka biżżejjed riżorsi b'ħiliet u kompetenzi għall-funzjoni tal-immudellar.

*Artikolu 188*

## Validazzjoni u dokumentazzjoni

L-istituzzjonijiet għandu jkollhom sistemi robusti fis-seħħ sabiex jivvalidaw il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi ta' immudellar tagħhom. L-elementi materjali kollha tal-mudelli interni u l-proċess u l-validazzjoni tal-immudellar għandhom jiġu dokumentati.

Il-validazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-mudelli interni u l-proċessi tal-mudellar tal-istituzzjoni għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-proċess ta' validazzjoni intern sabiex jivvalutaw il- prestazzjoni tal-mudelli u l-proċessi interni tagħhom b'mod konsistenti u sinifikattiv;

(b) il-metodi u d-data użati għall-validazzjoni kwantitattiva għandhom ikunu konsistenti tul iż-żmien. Bidliet fil-metodi u d-data tal-istima u l-validazzjoni kemm fis-sorsi tad-data kif ukoll fil-perijodi koperti għandhom ikunu dokumentati;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jipparagunaw b'mod regolari r-rendimenti reali mill-ekwitajiet ikkalkulati billi jużaw id-dħul u t-telf realizzati u mhux realizzati mal-istimi mudellati. Dawn il-paraguni għandhom jagħmlu użu mid-data storika li tkopri perijodu twil kemm jista' jkun. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodi u d-data użati f'dawn il-paraguni. Din l-analiżi u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu aġġornati mill-inqas fuq bażi annwali;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu użu minn għodod oħrajn ta' validazzjoni kwantitattiva u paraguni ma' sorsi ta' data esterni. L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq data li tkun adattata għall-portafoll, aġġornata regolarment, u tkopri perijodu ta' osservazzjoni rilevanti. Il-valutazzjonijiet interni tal-istituzzjonijiet tal-prestazzjoni tal-mudelli tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq l-aktar perijodu twil possibbli;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom standards interni validi sabiex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn il-paraguni tar-rendiment reali mill-ekwitajiet mal-istimi tal-mudelli jixħet dubju dwar il-validità tal-stimi jew il-mudelli bħala tali. Dawn l-istandards għandhom jikkunsidraw iċ-ċikli ekonomiċi u l-varjabbiltà sistematika simili fir-rendiment mill-ekwitajiet. L-aġġustamenti kollha li jkunu saru fil-mudelli interni bħala konsegwenza tal-analiżi tal-mudelli għandhom jiġu ddokumentati u jkunu konsistenti mal-istandards ta' analiżi tal-mudelli tal-istituzzjoni;

(f) il-mudell intern u l-proċess ta' mmudellar għandu jkun dokumentat, inklużi r-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti fl-immudellar, u l-proċessi tal-approvazzjoni tal-mudell u tal-analiżi tal-mudell.

Subtaqsima 5

**Governanza u sorveljanza interna**

*Artikolu 189*

## Governanza Korporattiva

1. L-aspetti materjali kollha tal-proċessi tal-klassifikazzjoni u tal-istimar għandhom jiġu approvati mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew kumitat maħtur minnu u mill-amministrazzjoni għolja. Dawn il-partijiet għandu jkollhom fehim ġenerali tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u konoxxenza dettaljata tar-rapporti tal-maniġment assoċjat magħha.

2. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom jipprovdu notifika lill-korp ta' ġestjoni jew lill-kumitat maħtur minnu dwar bidliet materjali jew eċċezzjonijiet mill-politiki stabbiliti li ser ikollhom effett materjali fuq l-operazzjonijiet tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni;

(b) għandu jkollhom fehim tajjeb tal-impostazzjoni u l-operazzjonijiet tas-sistemi tal-klassifikazzjoni;

(c) għandhom jiżguraw, fuq bażi kontinwa li s-sistemi tal-klassifikazzjoni qed joperaw sew.

L-amministrazzjoni għolja għandha tkun informata regolarment mill-unitajiet tal-kontroll tar-riskji tal-kreditu dwar il-prestazzjoni tal-proċess tal-klassifikazzjoni, l-oqsma li jeħtieġu titjib, u l-qagħda tal-isforzi sabiex jitjiebu n-nuqqasijiet identifikati qabel.

3. L-analiżi bbażata fuq il-klassifikazzjoni interna tal-profil tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni għandha tkun parti essenzjali mir-rappurtar tal-maniġment lil dawn il-partijiet. Ir-rappurtar għandu jinkludi mill-inqas profil tar-riskju skont il-grad, il-migrazzjoni fost il-gradi, l-istima tal-parametri rilevanti skont il-grad, u l-paragun ta' rati ta' inadempjenza realizzati, u l-punt sa fejn jintużaw l-istimi proprji ta' LGDs realizzati u l-fatturi ta' konverżjoni realizzati kontra aspettattivi u r-riżultati tas-simulazzjoni ta' kriżi. Il-frekwenza tar-rappurtar għandha tiddependi fuq l-importanza u t-tip tal-informazzjoni u l-livell tar-riċevitur.

*Artikolu 190*

## Kontroll tar-riskji tal-kreditu

1. L-unità ta' kontroll tar-riskji tal-kreditu għandha tkun indipendenti mill-persunal u mill-funzjonijiet tal-ġestjoni li huma responsabbli għall-oriġini jew it-tiġdid ta' skoperturi u tirraporta direttament għand l-amministrazzjoni għolja. L-unità għandha tkun responsabbli mit-tfassil jew l-għażla, l-implimentazzjoni, is-sorveljar u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-klassifikazzjoni. Għandha tipproduċi u tanalizza rapporti b'mod regolari dwar l-outputs tas-sistemi ta' klassifikazzjoni.

2. L-oqsma ta' responsabbiltà għall-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskji tal-kreditu għandhom jinkludu:

(a) l-ittestjar u l-monitoraġġ tal-gradi u l-aggregazzjonijiet;

(b) il-produzzjoni u l-analiżi ta' rapporti ta' sinteżi mis-sistemi tal-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni;

(c) gradi u l-aggregazzjonijiet huma applikati b'konsistenza fid-dipartimenti u ż- żoni ġeografiċi;

(d) l-analiżi u d-dokumentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-proċess tal-klassifikazzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-bidliet;

(e) l-analiżi tal-kriterji tal-klassifikazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk għadhomx jipprevedu r-riskji. Il-bidliet fil-proċess tal-klassifikazzjoni, fil-kriterji jew fil-parametri ta' klassifikazzjoni individwali għandhom jiġu dokumentati u miżmuma;

(f) parteċipazzjoni attiva fit-tfassil jew fl-għażla, fl-implimentazzjoni u l-validazzjoni tal-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni;

(g) sorveljanza u superviżjoni tal-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni;

(h) analiżi u alterazzjonijiet kontinwi fil-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni.

3. L-istituzzjonijiet li jużaw data aggregata skont l-Artikolu 179(2) jistgħu jesternalizzaw l-inkarigi li ġejjin:

(a) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-ittestjar u l-monitoraġġ tal-gradi u l-aggregazzjonijiet;

(b) il-produzzjoni ta' rapporti ta' sinteżi mis-sistemi ta' klassifikazzjoni tal- istituzzjoni;

(c) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-analiżi tal-kriterji ta' klassifikazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk għadhomx jipprevedu r-riskji;

(d) id-dokumentazzjoni tal-bidliet fil-proċess tal-klassifikazzjoni, il-kriterji jew il- parametri ta' klassifikazzjoni individwali;

(e) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-analiżi u l-alterazzjonijiet kontinwi fil-mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni.

4. L-istituzzjonijiet li jagħmlu użu mill-paragrafu 3 għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha mill-parti terza li hija neċessarja għall-eżami tal-konformità mar-rekwiżiti u li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu eżamijiet fuq il-post, sal-istess punt bħal fl-istituzzjoni.

*Artikolu 191*

**Verifika Interna**

Il-verifika interna jew unità komparabbli oħra ta' verifika indipendenti għandha tanalizza mill-inqas darba fis-sena s-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u l-operazzjonijiet tagħha, inklużi l-operazzjonijiet tal-funzjoni ta' kreditu u l-istimi tal-PDs, l-LGDs, l-ELs u l-fatturi ta' konverzjoni. L-oqsma analizzati għandhom jinkludu l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha.

*KAPITOLU 4*

***Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu***

Taqsima 1

**Definizzjonijiet u rekwiżiti generali**

*Artikolu 192*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'istituzzjoni mutwanti' tfisser l-istituzzjoni li għandha l-iskopertura kkonċernata;

(2) 'transazzjoni ta' għoti ta' self garantit' tfisser kwalunkwe transazzjoni li tirriżulta fi skopertura garantita minn kollateral li ma jinkludix dispożizzjoni li tagħti d-dritt lill-istituzzjoni li tirċievi marġni mill-inqas kuljum;

(3) 'transazzjoni mmotivata mis-swieq kapitali' tfisser kwalunkwe transazzjoni li tirriżulta fi skopertura garantita minn kollateral li tinkludi dispożizzjoni li tagħti d- dritt lill-istituzzjoni li tirċievi marġni mill-inqas kuljum;

(4) 'CIU sottostanti' tfisser CIU fl- ishma jew fl-unitajiet li fihom investiet CIU oħra.

*Artikolu 193*

**Prinċipji għar-rikonoxximent tal-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu**

1. L-ebda skopertura li fir-rigward tagħha istituzzjoni tikseb mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ma għandha tipproduċi ammont ogħla ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju jew ammont ta' telf mistenni minn skopertura altrimenti identika li fir-rigward tagħha l-istituzzjoni ma għandha l-ebda mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

2. Fejn l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju diġà jqis il-protezzjoni tal-kreditu skont il-Kapitolu 2 jew il-Kapitolu 3, skont liema jkun applikabbli, l-istituzzjonijiet ma għandhomx iqisu dik il-protezzjoni tal-kreditu fil-kalkoli skont dan il-Kapitolu.

3. Fejn d-dispożizzjonijiet fit-Taqsimiet 2 u 3 jkunu ssodisfatti, l-istituzzjonijiet jistgħu jemendaw il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat u l-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 4, 5 u 6.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw il-flus, it-titoli jew il-prodotti mixtrija, mislufa jew dawk irċevuti permezz ta' transazzjoni ta' riakkwist jew ta' transazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, bħala kollateral.

5. Fejn l-istituzzjoni li tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat ikollha aktar minn forma waħda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu li tkopri skopertura waħda, għandha tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tagħmel suddiviżjoni tal-iskopertura f'partijiet koperti b'kull tip ta' għodda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(b) tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull parti miksuba fil-punt (a) b'mod separat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 u ta' dan il-Kapitolu.

6. Fejn l-istituzzjoni li tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat tkopri skopertura waħda bi protezzjoni tal-kreditu pprovduta minn fornitur ta' protezzjoni wieħed u dik il-protezzjoni għandha maturitajiet differenti, għandha tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tagħmel suddiviżjoni tal-iskopertura f'partijiet koperti b'kull għodda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(b) tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull parti miksuba fil-punt (a) b'mod separat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 u ta' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 194*

**Prinċipji li jirregolaw l-eliġibbiltà tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**

1. It-teknika użata biex tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu flimkien mal-azzjonijiet u l- passi meħuda u l-proċeduri u l-politiki implimentati mill-istituzzjoni mutwanti għandha tkun b'tali mod li tirriżulta f'arranġamenti ta' protezzjoni tal-kreditu li huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha.

Fuq talba tal-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni mutwanti għandha tipprovdi l-aktar verżjoni reċenti tal-opinjoni jew opinjonijiet legali indipendenti, bil-miktub u motivati li hija tkun użat biex tistabbilixxi jekk l-arranġament jew arranġamenti tagħha għall-protezzjoni tal-kreditu jissodisfawx il-kondizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu.

2. L-istituzzjoni mutwanti għandha tieħu l-passi xierqa kollha sabiex tiżgura li l-arranġament tal-protezzjoni tal-kreditu jkun effettiv u sabiex tindirizza r-riskji relatati ma' dak l-arranġament.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu fil-kalkolu tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu biss fejn l-assi użati għall-protezzjoni jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jkunu inklużi fil-lista ta' assi eliġibbli mniżżla fl-Artikoli 197 sa 200, kif applikabbli;

(b) huma jkunu likwidi biżżejjed u l-valur tagħhom matul iż-żmien ikun stabbli biżżejjed biex tingħata ċ-ċertezza xierqa dwar il-protezzjoni tal-kreditu miksuba filwaqt li jitqiesu l-approċċ użat biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju u l-livell ta' rikonoxximent permess.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu fil-kalkolu tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu biss fejn l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li tillikwida jew iżżomm, fil-ħin, l-assi li minnhom tkun derivata l-protezzjoni f'każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment — jew avveniment ta' kreditu ieħor stipulat fid-dokumentazzjoni tat-transazzjoni — tad-debitur u, fejn applikabbli, tad-depożitarju li għandu l-kollateral. Il-grad ta' korrelazzjoni bejn il-valur tal-assi użati għall-protezzjoni u l-kwalità tal-kreditu tad-debitur ma għandux ikun għoli wisq.

5. Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, fornitur tal-protezzjoni għandu jikkwalifika bħala fornitur tal-protezzjoni eliġibbli biss meta l-fornitur tal-protezzjoni huwa inkluż fil-lista ta' fornituri tal-protezzjoni eliġibbli stipulata fl-Artikolu 201 jew 202, kif applikabbli.

6. Fil-każ ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, ftehim ta' protezzjoni għandu jikkwalifika bħala ftehim ta' protezzjoni eliġibbli biss meta jilħaq iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa inkluż fil-lista ta' ftehimiet eliġibbli għall-protezzjoni stipulati fl-Artikoli 203 u 204(1);

(b) huwa legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti, sabiex jipprovdi ċ-ċertezza xierqa dwar il-protezzjoni tal-kreditu miksuba wara li jitqiesu l-approċċ użat għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir- riskju u tal-grad ta' rikonoxximent permess;

(c) il-fornitur tal-protezzjoni jissodisfa ż-żewġ kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5.

7. Il-protezzjoni tal-kreditu għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 3, kif applikabbli.

8. Istituzzjoni għandha tkun tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li għandha proċessi adegwati ta' ġestjoni tar-riskji sabiex tikkontrolla dawn ir-riskji li tista' tkun esposta għalihom bħala konsegwenza tat-twettiq ta' prattiki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

9. Minkejja l-fatt li l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ġiet ikkunsidrata għall-finijiet ta' kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, fejn applikabbli, l-ammonti ta' telf mistennija, l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu jwettqu valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-kreditu tal-iskopertura sottostanti u jkunu f'pożizzjoni sabiex juru lill-awtoritajiet kompetenti li jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' riakkwist u ta' transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti l-iskopertura sottostanti għandha, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biss, titqies bħala l-ammont nett tal-iskopertura.

10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika dak li jikkostitwixxi assi likwidi biżżejjed u meta l-valuri tal-assi jistgħu jitqiesu stabbli biżżejjed għall-iskop tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Taqsima 2

## Forom eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

### Subtaqsima 1

### Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

*Artikolu 195*

**Netting li jidher fil-karta tal-bilanċ**

Istituzzjoni tista' tuża n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' pretensjonijiet reċiproċi bejnha u l-kontroparti tagħha bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 196, l-eliġibbiltà hija limitata għall-bilanċi reċiproċi ta' flus bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti. L-istituzzjonijiet jistgħu jemendaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, kif ikun rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija biss għal self u depożiti li jkunu rċevew huma stess u li huma soġġetti għall-ftehim ta' netting fil-karta tal-bilanċ.

*Artikolu 196*

**Ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid ta' self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali**

L-istituzzjonijiet li jadottaw il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 223 jistgħu jikkunsidraw l-effetti tal-kuntratti bilaterali ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali ma' kontroparti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 299, il-kollateral meħud u t-titoli jew il-prodotti li ttieħdu b'self f'tali ftehimiet jew transazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-kollateral stabbiliti fl-Artikoli 197 u 198.

*Artikolu 197*

**Eliġibbiltà ta' kollateral skont l-approċċi u l-metodi kollha**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-elementi li ġejjin bħala kollateral eliġibbli skont l-approċċi u l-metodi kollha:

(a) flus depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma mill-istituzzjoni mutwanti;

(b) titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali, liema titoli għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI jew aġenzija ta' esportazzjoni ta' kreditu rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 2 li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 4 jew ogħla tal-kwalità tal- kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali skont il-Kapitolu 2;

(c) titoli ta' dejn maħruġa minn istituzzjonijiet li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal istituzzjonijiet skont il-Kapitolu 2;

(d) titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet oħra li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal korporattivi skont il-Kapitolu 2;

(e) titoli ta' dejn b'valutazzjoni tal-kreditu b'terminu qasir minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal- kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi b'terminu qasir skont il-Kapitolu 2;

(f) ekwitajiet jew bonds konvertibbli li huma inklużi f'indiċi ewlieni;

(g) deheb;

(h) pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma jkunux pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, li jkollhom valutazzjoni esterna tal-kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir- regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni skont l-approċċ speċifikat fil-Kapitolu 5, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 3.

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, 'titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali' għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, li għalihom l-iskoperturi huma ttratati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu huma stabbiliti skont l-Artikolu 115(2);

(b) titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet fis-settur pubbliku li huma ttrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali skont l-Artikolu 116(4);

(c) titoli ta' dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 117(2);

(d) titoli ta' dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 118.

3. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, 'titoli ta' dejn maħruġa minn istituzzjonijiet' għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali għajr dawk it-titoli ta' dejn imsemmija f'punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet fis-settur pubbliku, li għalihom l-iskoperturi huma ttrattati skont l-Artikolu 116(1) u (2);

(c) titoli ta' dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp għajr dawk li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 117(2).

4. Istituzzjoni tista' tuża titoli ta' dejn maħruġa minn istituzzjonijiet oħrajn u li ma għandhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI bħala kollateral eliġibbli fejn dawn it-titoli ta' dejn jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ikunu elenkati fi swieq rikonoxxuti;

(b) jikkwalifikaw bħala dejn superjuri;

(c) it-titoli kklassifikati kollha l-oħra maħruġin mill-istituzzjoni emittenti tal-istess prijorità għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal istituzzjonijiet jew skoperturi b'terminu qasir skont il-Kapitolu 2;

(d) l-istituzzjoni mutwanti ma għandha l-ebda informazzjoni li tindika li l-ħruġ ikun jiġġustifika valutazzjoni tal-kreditu aktar baxxa minn dik indikata fil-punt (c);

(e) il-likwidità tas-suq tal-istrument hija biżżejjed għal dawn il-finijiet.

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'CIUs bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prezz l-unitajiet jew l-ishma jkun kkwotat pubblikament kuljum;

(b) is-CIUs ikunu limitati li jinvestu fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont il-paragrafi 1 u 2.

(c) is-CIUs jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 132(3).

Fejn CIU tinvesti f'ishma jew unitajiet ta' CIU oħra, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw bl-istess mod għal kwalunkwe tali CIU sottostanti.

L-użu ta' strumenti derivati minn CIU bħala hedge għal investimenti permessi ma għandux jipprevjeni unitajiet jew ishma f'dik l-impriża milli jkunu eliġibbli bħala kollateral.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, fejn CIU ('is-CIU oriġinali') jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha mhumiex limitati li jinvestu fi strumenti li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral għal ammont daqs il-valur tal-assi eliġibbli miżmuma minn dik is-CIU bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIU sottostanti tagħha jkunu investew f'assi mhux eliġibbli sal-massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.

Meta kwalunkwe CIU sottostanti għandha hija stess CIUs sottostanti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet fis-CIU oriġinali bħala kollateral eliġibbli sakemm dawn japplikaw il-metodoloġija stipulata fl-ewwel subparagrafu

Fejn assi mhux eliġibbli jista' jkollhom valur negattiv minħabba obbligazzjonijiet jew obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-sjieda, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) jikkalkulaw il-valur totali tal-assi mhux eliġibbli;

(b) fejn l-ammont miksub skont il-punt (a) ikun negattiv, inaqqsu l-valur assolut ta' dak l-ammont mill-valur totali tal-assi eliġibbli.

7. Fir-rigward tal-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 1, fejn titolu jkollu żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valutazzjoni l-inqas favorevoli. Fejn titolu jkollu aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw iż-żewġ valutazzjonijiet l-aktar favorevoli. Fejn iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu l-aktar favorevoli jkunu differenti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-inqas favorevoli fost dawn it-tnejn.

8. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika dan li ġej:

(a) l-indiċijiet ewlenin imsemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-punt (a) tal-Artikolu 198(1), fl-Artikolu 224(1) u (4), u fil-punt (e) tal-Artikolu 299(2);

(b) il-boroż rikonoxxuti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, fil-punt (a) tal-Artikolu 198(1), fl-Artikolu 224(1) u (4), fil-punt (e) tal-Artikolu 299(2), fil-punt (k) tal-Artikolu 400(2), fil-punt (e) tal-Artikolu 416(3), fil-punt (c) tal-Artikolu 428(1), u fil-punt 12 tal-Anness III, f'konformità mal-kundizzjonijiet imniżżla fil-punt (72) tal-Artikolu 4(1).

L-AETS għandha tissottometti dawn l-istandards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 198*

**Eliġibbiltà addizzjonali ta' kollateral skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

1. Minbarra l-kollateral speċifikat fl-Artikolu 197, meta l-istituzzjoni tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 223, dik l-istituzzjoni tista' tuża l-elementi li ġejjin bħala kollateral eliġibbli:

(a) ekwitajiet jew bonds konvertibbli mhux inklużi f'indiċi ewlieni iżda negozjati f'borża rikonoxxuta;

(b) unitajiet jew ishma f'CIUs fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-prezz l-unitajiet jew l-ishma jkun kkwotat pubblikament kuljum;

(ii) is-CIU hija limitata li tinvesti fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 197(1) u (4) u l- elementi msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Fil-każ fejn CIU tinvesti f'unitajiet jew ishma ta' CIU oħra, il-kondizzjonijiet (a) u (b) ta' dan il-paragrafu japplikaw bl-istess mod għal kull tali CIU sottostanti.

L-użu ta' strumenti derivati minn CIU bħala kopertura għal investimenti permessi ma għandux jipprevjeni unitajiet jew ishma f'dik l-impriża milli jkunu eliġibbli bħala kollateral.

2. Fejn CIUjew kwalunkwe CIUsottostanti mhumiex limitati li jinvestu fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 197(1) u (4) u l-elementi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'dik is-CIU bħala kollateral għal ammont daqs il-valur tal-assi eliġibbli miżmuma minn dik is-CIU bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha investew f'assi mhux eliġibbli sal-massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.

Fejn assi mhux eliġibbli jista' jkollhom valur negattiv minħabba obbligazzjonijiet jew obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-sjieda, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) jikkalkulaw il-valur totali tal-assi mhux eliġibbli;

(b) fejn l-ammont miksub skont il-punt (a) ikun negattiv, inaqqsu l-valur assolut ta' dak l-ammont mill-valur totali tal-assi eliġibbli.

*Artikolu 199*

**Eliġibbiltà addizzjonali għal kollateral skont l-Approċċ IRB**

1. Minbarra l-kollateral imsemmi fl-Artikoli 197 u 198, l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB jistgħu jużaw ukoll il-forom ta' kollateral li ġejjin:

(a) kollateral ta' proprjetà immobbli b'konfomità mal-paragrafi 2, 3 u 4;

(b) riċevibbli b'konfomità mal-paragrafu 5;

(c) kollateral fiżiku ieħor b'konfomità mal-paragrafi 6 u 8;

(d) kiri b'konfomità mal-paragrafu 7.

2. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(2), bħala kollateral eliġibbli l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw proprjetà residenzjali li hija li jew ser tkun okkupata jew mikrija mis-sid, jew is-sid benefiċjarju fil-każ ta' kumpanniji ta' investiment personali, u proprjetà kummerċjali immobbli, inklużi uffiċċji u bini kummerċjali ieħor, fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jiddependix materjalment fuq il-kwalità tal-kreditu tad-debitur. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mid-determinazzjoni tagħhom tal-materjalità ta' tali dipendenza dawk is-sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tal-mutwatarju;

(b) ir-riskju tal-mutwatarju ma jiddependix materjalment fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà jew tal-proġett sottostanti, iżda fuq il-kapaċità sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħra, u bħala konsegwenza l-ħlas lura tal-faċilità ma jkunx jiddependi materjalment fuq l-fluss ta' flus iġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala kollateral.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-iskoperturi ggarantiti minn proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, fejn l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ppubblikat provi li juru li hemm preżenti suq tal-proprjetà residenzjali żviluppat sew u li ilu stabbilit f'dak it-territorju b'rati ta' telf li ma jaqbżu l-ebda minn dawn il-limiti li ġejjin:

(a) telf li ġej minn self kollateralizzat minn proprjetà residenzjali sa' 80 % tal-valur tas-suq jew 80 % tal-valur tas-self ipotekarju, sakemm mhuwiex speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(2), fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,3 % tas-self pendenti kollateralizzat minn proprjetà residenzjali;

(b) telf kumplessiv li ġej min self kollateralizzat minn proprjetà residenzjali fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,5 % tas-self pendenti kollateralizzat minn proprjetà residenzjali.

Fejn ma tintlaħaqx xi waħda mill-kondizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu f'sena partikolari, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dak is-subparagrafu sakemm iż-żewġ kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti f'sena sussegwenti.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-proprjetà kummerċjali immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, fejn l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ppubblikat provi li juru li jeżisti suq tal-proprjetà residenzjali żviluppat sew u li ilu stabbilit f'dak it-territorju b'rati ta' telf li ma jaqbżu ebda wieħed mil-limiti li ġejjin:

(a) telf li ġej minn self kolleteralizzat minn proprjetà kummerċjali immobbli sa 50 % tal-valur tas-suq jew 60 % tal-valur tas-self tal-ipotekarju fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,3 % tas-self pendenti kolleteralizzat minn proprjetà kummerċjali immobbli;

(b) telf kumplessiv li ġej min self kollateralizzat minn proprjetà kummerċjali immobbli fl-ebda sena ma jaqbeż iż-0,5 % tas-self pendenti kollateralizzat minn proprjetà kummerċjali immobbli.

Fejn ma tintlaħaqx xi waħda mill-kondizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu f'sena partikolari, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dak is-subparagrafu sakemm iż-żewġ kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti f'sena sussegwenti.

5. Bħala kollateral eliġibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ammonti riċevibbli marbuta ma' transazzjoni kummerċjali jew transazzjonijiet b'maturità oriġinali ta' inqas minn jew daqs sena. Riċevibbli eliġibbli ma jinkludux dawk assoċjati ma' titolizzazzjonijiet, subparteċipazzjonijiet jew derivati tal-kreditu jew ammonti dovuti mingħand partijiet affiljati.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lil istituzzjoni li bħala kollateral eleġibbli tuża kollateral fiżiku ta' tip li mhuwiex bħal dawk indikati fil-paragrafi 2, 3 u 4 fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) hemm swieq likwidi, evidenzjati minn transazzjonijiet frekwenti b'kont meħud tat-tip ta' assi, għaċ-ċessjoni ta' kollateral b'mod veloċi u ekonomikament effiċjenti. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu il-valutazzjoni ta' din il-kondizzjoni b'mod perijodiku u meta l-informazzjoni tindika bidliet materjali fis-suq;

(b) hemm prezzijiet tas-suq stabbiliti sew u disponibbli pubblikament għall-kollateral. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw prezzijiet tas-suq bħala stabbiliti sew fejn dawn jiġu minn sorsi affidabbli ta' informazzjoni bħal indiċi pubbliċi u jkunu jirriflettu l-prezz tat-transazzjonijiet taħt kondizzjonijiet normali. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-prezzijiet tas-suq bħala pubblikament disponibbli, meta dawn il-prezzijiet jiġu divulgati, ikunu faċilment aċċessibbli, u jistgħu jinkisbu b'mod regolari u mingħajr piż amministrattiv jew finanzjarju żejjed;

(c) l-istituzzjoni tanalizza l-prezzijiet tas-suq, iż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa sabiex tirrealizza l-kollateral u r-rikavat realizzat mill-kollateral;

(d) l-istituzzjoni turi li r-rikavat realizzat mill-kollateral mhuwiex inqas minn 70 % tal-valur tal-kollateral f'aktar minn 10 % tal-likwidazzjonijiet kollha għal tip partikolari ta' kollateral. Fejn hemm volatilità materjali fil-prezzijiet tas-suq, l-istituzzjoniji turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-valutazzjoni tagħha tal-kollateral hija konservattiva biżżejjed.

L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-fatt li ntlaħqu l-kondizzjonijiet speċifikati fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu u dawk speċifikati fl-Artikolu 210.

7. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 230(2), fejn jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 211, l-iskoperturi li jirriżultaw mit-transazzjonijiet fejn l-istituzzjoni tikri proprjetà lil parti terza jistgħu jiġu ttrattati bl-istess mod bħal self kolleteralizzat mit-tip ta' proprjetà mikrija.

8. L-ABE għandha tiddivulga lista ta' tipi ta' kollateral fiżiku li għalih l-istituzzjonijiet jistgħu jassumu li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 6.

*Artikolu 200*

**Protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu**

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu li ġejja bħala kollateral eliġibbli:

(a) flus depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma minn, istituzzjoni terza f'arranġament nondepożitarju u mirhun lill-istituzzjoni mutwanti;

(b) poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti;

(c) strumenti maħruġa minn istituzzjonijiet terzi li ser jiġu riakkwistati minn dik l-istituzzjoni fuq talba.

Subtaqsima 2

**Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu**

*Artikolu 201*

**Eliġibbiltà ta' fornituri tal-protezzjoni taħt l-approċċi kollha**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-partijiet li ġejjin bħala fornituri eliġibbli tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu:

(a) gvernijiet ċentrali u banek ċentrali;

(b) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali;

(c) banek multilaterali tal-iżvilupp;

(d) skoperturi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż ta'riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 117;

(e) entitajiet tas-settur pubbliku, meta l-krediti fir-rigward tagħhom jiġu trattati skont l-Artikolu 116;

(f) istituzzjonijiet, u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall-istituzzjoni finanzjarja huma ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjonijiet skont l-Artikolu 119(5);

(g) entitajiet korporattivi oħrajn, inklużi entitajiet korporattivi prinċipali, sussidjarji u affiljati tal-istituzzjoni, fejn waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfatta:

(i) dawk l-entitajiet korporattivi l-oħra għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI;

(ii) fil-każ ta' istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB, dawn l-entitajiet korporattivi l-oħra ma għandhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta u huma kklassifikati internament mill-istituzzjoni;

(h) kontropartijiet ċentrali.

2. Fejn l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB, sabiex ikun eliġibbli bħala fornitur ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, il-garanti għandu jkun ikklassifikat internament mill-istituzzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 3.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw u jżommu l-lista ta' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji li huma fornituri eliġibbli ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu taħt il-punt (f) tal-paragrafu 1, jew il-kriterji ta' gwida biex jiġu identifikati tali fornituri eliġibbli oħrajn ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, flimkien ma' deskrizzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli, u jaqsmu l-lista tagħhom mal-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn skont l-Artikolu 117 tad-Direttiva 2013/36/UE.

*Artikolu 202*

**Eliġibbiltà ta' fornituri tal-protezzjoni skont l-Approċċ IRB li jikkwalifikaw għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3)**

Istituzzjoni tista' tuża istituzzjonijiet, kumpanniji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni u aġenziji ta' esportazzjoni tal-kreditu bħala fornituri eliġibbli ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li jikkwalifikaw għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3) fejn jilħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) għandhom kompetenza biżżejjed fil-forniment ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu;

(b) huma rregolati b'mod li huwa ekwivalenti għar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew kellhom, fiż-żmien meta ġiet ipprovduta l-protezzjoni tal-kreditu, valutazzjoni tal-kreditu

minn ECAI rikonoxxuta li kienet ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 tal-kwalità tal-kreditu, jew ogħla, skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal korporattivi stabbiliti fil-Kapitolu 2;

(c) kellhom, fiż-żmien meta ġiet ipprovduta l-protezzjoni tal-kreditu, jew għal kwalunkwe perijodu minn wara dik id-data, klassifikazzjoni interna b'PD ekwivalenti għal jew inqas minn dik assoċjata mal-livell 2 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal korporattivi stabbiliti fil-Kapitolu 2;

(d) għandhom klassifikazzjoni interna b'PD ekwivalenti għal jew inqas minn dik assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal korporattivi stabbiliti fil-Kapitolu 2.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-protezzjoni tal-kreditu pprovduta minn aġenziji ta' esportazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tibbenefika mill-ebda kontragaranzija espliċita tal-gvern ċentrali.

*Artikolu 203*

### Eliġibbiltà ta' garanziji bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw garanziji bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli.

Subtaqsima 3

## Tipi ta' derivati

*Artikolu 204*

### Tipi ta' derivati tal-kreditu eliġibbli

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw it-tipi ta' derivati tal-kreditu li ġejjin, u l-istrumenti li jistgħu jiġu komposti minn tali derivati tal-kreditu jew li huma ekonomikament effettivament simili, bħall-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli:

(a) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (credit default swaps);

(b) swaps totali tar-redditu;

(c) noti marbutin mal-kreditu (credit linked notes) sal-limitu tal-kopertura tagħhom bi flus.

Fejn l-istituzzjoni tixtri l-protezzjoni tal-kreditu permezz ta' total return swap u tirreġistra l-pagamenti netti irċevuti mas-swap bħala dħul nett, iżda ma tirreġistrax id-deterjorament korrispondenti fil-valur tal-assi li huwa protett jew billi tnaqqas il-valur ġust jew permezz ta' żieda fir-riżervi, dik il-protezzjoni tal-kreditu ma tikkwalifikax bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

2. Fejn l-istituzzjoni twettaq hedge interna permezz ta' derivat tal-kreditu, sabiex il-protezzjoni tal-kreditu tikkwalifika bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-riskju tal-kreditu trasferit fil-portafoll tan-negozjar għandu jiġi ttrasferit lil parti terza jew partijiet terzi.

Fejn tkun twettqet hedge interna skont l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti f'dan il-Kapitolu ikunu ntlaħqu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fit-Taqsimiet 4 sa 6 għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija fejn dawn jixtru protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu.

Taqsima 3

## Rekwiżiti

Subtaqsima 1

## Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

*Artikolu 205*

### Rekwiżiti għal ftehimiet ta' netting fil-karta tal-bilanċ għajr ftehimiet ewlenin ta' netting imsemmija fl-Artikolu 206

Il-ftehimiet tan-netting fil-karta tal-bilanċ għajr il-ftehimiet ewlenin ta' netting imsemmija fl-Artikolu 206 għandhom jikkwalifikaw bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawk il-ftehimiet huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fl-każ ta' insolvenza jew falliment ta' kontroparti;

(b) fi kwalunkwe mument, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddeterminaw l-assi u l-passivi li huma soġġetti għal dawn il-ftehimiet;

(c) l-istituzzjonijiet jissorveljaw u jikkontrollaw ir-riskji assoċjati mat-terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu fuq bażi kontinwa;

(d) l-istituzzjonijiet jissorveljaw u jikkontrollaw l-iskoperturi rilevanti fuq bażi netta u jagħmlu dan fuq bażi kontinwa.

*Artikolu 206*

### Rekwiżiti għall-ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali

Ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għandhom jikkwalifikaw bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fejn il-kollateral ipprovdut skont dawn il-ftehimiet jissodosfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 207(2) sa (4) u fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontroparti;

(b) jagħtu d-dritt lil parti mhux inadempjenti li ttemm u tagħlaq fil-waqt it-transazzjonijiet kollha skont il-ftehim malli sseħħ inadempjenza, inkluż fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontroparti;

(c) jipprovdu għal netting ta' qligħ u telf għal transazzjonijiet imwettqa skont ftehim sabiex ikun dovut ammont nett wieħed minn parti waħda lill-oħra.

*Artikolu 207*

**Rekwiżiti għall-kollateral finanzjarju**

1. Taħt l-approċċi u l-metodi kollha, kollateral finanzjarju u deheb għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4.

2. Il-kwalità tal-kreditu tad-debitur u l-valur tal-kollateral ma għandux ikollu korrelazzjoni materjali pożittiva. Fejn il-valur tal-kollateral jitnaqqas b'mod sinifikanti, dan waħdu ma għandux jimplika deterjorament sinifikanti fil-kwalità kreditizja tad-debitur. Fejn il-kwalità kreditizja tad-debitur issir kritika, din waħedha ma għandhiex timplika deterjorament sinifikanti fil-valur tal-kollateral.

Titoli maħruġa mid-debitur, jew kwalunkwe entità fi grupp relatat, ma għandhomx jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli. Minkejja dan, il-ħruġ mid-debitur ta' bonds koperti tiegħu stess li jaqgħu taħt it-termini tal-Artikolu 129 jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli meta jiġu depożitati bħala kollaterali għal transazzjoni ta' riakkwist, jekk jikkonformaw mal-kondizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit kuntrattwali u statutorju fir-rigward ta', u jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiżguraw, l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral skont il-liġi applikabbli għall-interess tagħhom fil-kollateral.

L-istituzzjonijiet għandhom ikunu wettqu analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. Għandhom jerġgħu jwettqu tali analiżi kif neċessarju sabiex tiġi żgurata l-infurzabbiltà kontinwata.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti operattivi li ġejjin kollha:

(a) għandhom jiddokumentaw sew l-arranġamenti tal-kollateral u jkollhom stabbiliti proċeduri ċari u robusti għal-likwidazzjoni f'waqtha tal-kollateral;

(b) għandhom jużaw proċeduri u proċessi robusti sabiex jikkontrollaw riskji li ġejjin mill-użu tal-kollateral, inklużi riskji ta' protezzjoni tal-kreditu falluta jew imnaqqsa, ir-riskji ta' valutazzjoni, riskji assoċjati mat- terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu, riskji ta' konċentrazzjoni li ġejjin mill-użu ta' kollateral u l-interazzjoni mal-profil tar-riskju kumplessiv tal- istituzzjoni;

(c) għandu jkollhom politiki u prattiki dokumentati fis-seħħ li jikkonċernaw it-tipi u l-ammonti ta' kollateral aċċettat;

(d) għandhom jikkalkulaw il-valur tas-suq tal-kollateral, u jivvalutawh mill-ġdid kif adatt, mill-inqas darba kull sitt xhur u meta jkollhom raġuni għalfejn jaħsbu li seħħ tnaqqis sinifikanti fil-valur tas-suq tal-kollateral;

(e) fejn il-kollateral ikun ta' parti terza, għandhom jieħdu passi raġonevoli sabiex jiżguraw li l-parti terza tissepara l-kollateral mill-assi proprji tagħha;

(f) għandhom jiżguraw li jiddedikaw riżorsi biżżejjed għall-funzjonament b'mod ordnat ta' ftehimiet dwar il-marġni ma' derivati OTC u l-kontropartijiet li jiffinanzjaw it-titoli, kif ikkalkulati mill-prontezza u l-preċiżjoni tas-sejħiet tagħhom li joħorġu għall-manutenzjoni tal-marġni u l-ħin ta' rispons għas-sejħiet li jidħlu għall-manutenzjoni tal-marġni;

(g) għandu jkollhom fis-seħħ politiki ta' ġestjoni tal-kollateral biex jikkontrollaw, jissorveljaw u jirraportaw dan li ġej:

(i) ir-riskji li għalihom il-ftehimiet dwar il-marġni jesponuhom;

(ii) ir-riskju ta' konċentrazzjoni għal tipi partikolari ta' assi kollaterali;

(iii) l-użu mill-ġdid ta' kollateral inkluż in-nuqqas potenzjali ta' likwidità li jirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' kollateral irċevut minn kontropartijiet;

(iv) ir-rinunzja tad-drittijiet għal kollateral depożitat mal-kontropartijiet.

5. Minbarra li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4, sabiex il-kollateral finanzjarju jikkwalifika bħala kollateral eliġibbli skont il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju il-maturità reżidwa tal-protezzjoni għandha tkun mill-inqas twila daqs il-maturità reżidwa tal-iskopertura.

*Artikolu 208*

**Rekwiżiti għal kollateral li huwa proprjetà immobbli**

1. Il-proprjetà immobbli għandha tikkwalifika bħala kollateral eliġibbli biss meta jintlaħqu r-rekwiżiti kollha stbabiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar iċ-ċertezza legali:

(a) ipoteka jew imposta hija infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu u għandhom jiġu ppreżentati kif xieraq u fil-pront;

(b) ġew issodisfatti r-rekwiżiti legali kollha għall-istabbiliment tar-rahan;

(c) il-ftehim ta' protezzjoni u l-proċess legali sottostanti jippermettu lill-istituzzjoni li tirrealizza l-valur tal-protezzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

3. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar il-monitoraġġ tal-valuri tal-proprjetà u l-valutazzjoni tal-proprjetà:

(a) l-istituzzjonijiet jissorveljaw il-valur tal-proprjetà b'mod frekwenti u b'minimu ta' darba fis-sena għal proprjetà kummerċjali immobbli u darba kull tliet snin għall-proprjetà residenzjali. L-istituzzjonijiet iwettqu sorvejlanza aktar frekwenti fejn is-suq huwa soġġett għal bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet;

(b) il-valutazzjoni tal-proprjetà tiġi riveduta meta l-informazzjoni disponibbli għall- istituzzjonijiet tindika li l-valur tal-proprjetà jista' jkun li naqas materjalment fir-rigward tal-prezzijiet ġenerali tas-suq u dik ir-reviżjoni titwettaq minn stimatur li għandu l-kwalifiki, l-abbiltà u l-esperjenza meħtieġa sabiex iwettaq valutazzjoni u li huwa indipendenti mill-proċess tad-deċiżjoni dwar il-kreditu. Għal self li jaqbeż EUR 3 miljuni jew il-5 % tal-fondi proprji ta' istituzzjoni, il-valutazzjoni tal-proprjetà għandha tiġi riveduta minn tali stimatur mill-inqas kull tliet snin.

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw metodi statistiċi sabiex jissorveljaw il-valur tal-proprjetà u jidentifikaw proprjetà li teħtieġ rivalutazzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw biċ-ċar it-tipi ta' proprjetà immobbli residenzjali u kummerċjali li jaċċettaw u l-politiki tal-għoti ta' self tagħhom f'dan ir-rigward.

5. L-istituzzjonijet għandu jkollhom proċeduri stabbiliti sabiex jissorveljaw li l-proprjetà meħuda bħala protezzjoni tal-kreditu hija assigurata b'mod adegwat kontra r-riskju ta' ħsara.

*Artikolu 209*

**Rekwiżiti għar-reċivibbli**

1. Ir-riċevibbli għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jintlaħqu r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar iċ-ċertezza legali:

(a) il-mekkaniżmu legali li permezz tiegħu jiġi pprovdut il-kollateral lil istituzzjoni mutwanti għandu jkun robust u effettiv u jiżgura li dik l-istituzzjoni għandha drittijiet ċari fuq il-kollateral inkluż id-dritt għar-rikavati mill-bejgħ tal-kollateral;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jissodisfaw ir- rekwiżiti lokali fir-rigward tal-infurzabbiltà tal-interess fuq it-titolu. L- istituzzjonijiet mutwanti għandu jkollhom pretensjoni tal-ewwel prijorità fuq il-kollateral għalkemm tali pretensjonijiet jistgħu jiqbgħu soġġetti għall- pretensjonijiet ta' kredituri preferenzjali kif ikun speċifikat f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom ikunu wettqu analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw kif xieraq l-arranġamenti tal-kollateral tagħhom u għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri ċari u robusti għall-irkupru fil-pront tal-kollateral;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri stabbiliti sabiex jiżguraw li jiġu osservati kwalunkwe kondizzjonijiet legali meħtieġa għad-dikjarazzjoni ta' inadempjenza ta' mutwatarju u għall-irkupru fil-pront ta' kollateral;

(f) fil-każ ta' diffikultà finanzjarja jew inadempjenza ta' mutwatarju, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom awtorità legali sabiex ibigħu jew jassenjaw ir-riċevibbli lil partijiet oħra mingħajr il-kunens tad-debituri tar-riċevibbli.

3. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar il-ġestjoni tar-riskji:

(a) istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċess validu għad-determinazzjoni ta' riskju tal-kreditu assoċjat mar-riċevibbli. Tali proċess għandu jinkludi analiżi tan-negozju u l-industrija tal-mutwatarju u t-tipi ta' klijenti li jinnegozja magħhom. Fejn l-istituzzjoni tiddependi fuq il-mutwatarji tagħha sabiex taċċerta r-riskju tal-kreditu tal-konsumaturi, l-istituzzjoni għandha tanalizza l-prattiki ta' kreditu tal-mutwatarji sabiex tiżgura ruħha mill-validità u l-kredibbiltà tagħhom;

(b) id-differenza bejn l-ammont tal-iskopertura u l-valur tar-riċevibbli għandu jirrefletti l-fatturi xierqa kollha, inklużi l-ispiża tal-irkupru, il-konċentrazzjoni fl-aggregazzjoni tar-riċevibbli mirhuna minn mutwatarju individwali, u r-riskju potenzjali ta' konċentrazzjoni fi ħdan l-iskoperturi totali tal-istituzzjoni lil hinn minn dak ikkontrollat mill-metodoloġija ġenerali tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu proċess kontinwu ta' monitoraġġ adatt għar-riċevibbli. Għandhom janalizzaw ukoll, fuq bażi regolari, il-konformità mal-ftehimiet tal-għoti tal-self, ir-restrizzjonijiet ambjentali, u r-rekwiżiti legali oħrajn;

(c) riċevibbli mirhuna minn mutwatarju għandhom ikunu diversifikati u mhux korrelatati iżżejjed ma' dak il-mutwatarju. Fejn ikun hemm korrelazzjoni materjali pożittiva, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskji li jmorru mal-iffissar tal-marġni għall-aggregazzjoni kollha tal-kollateral;

(d) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw riċevibbli minn affiljati ta' mutwatarju, inklużi sussidjarji u impjegati, bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli;

(e) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċess dokumentat għall-ġbir ta' pagamenti ta' riċevibbli f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ il-faċilitajiet meħtieġa għall-irkupru anki meta normalment jiddependu fuq il-mutwatarji tagħhom għall-ġbir.

*Artikolu 210*

**Rekwiżiti għal kollateral fiżiku ieħor**

Kollateral fiżiku għajr kollateral li huwa proprjetà immobbli għandu jikkwalifika bħala kollateral eliġibbli skont l-Approċċ IRB fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-arranġament tal-kollateral li taħtu jiġi pprovdut il-kollateral fiżiku lill-istituzzjoni għandu jkun legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha u għandu jippermetti lill-istituzzjoni li tirrealizza l-valur tal-kollateral fi żmien raġonevoli;

(b) bl-eċċezzjoni unika tal-pretensjonijiet tal-ewwel prijorità permissibbli msemmija fl-Artikolu 209(2)(b), l-ewwel rhuna, jew imposti fuq, kollateral biss għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli u istituzzjoni għandu jkollha prijorità fuq il-mutwanti l-oħra kollha għar-rikavat realizzat mill-kollateral;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw il-valur tal-kollateral fuq bażi frekwenti u mill-inqas darba fis-sena. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu monitoraġġ aktar frekwenti fejn is-suq ikun soġġett għal bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet;

(d) il-ftehim ta' self għandu jinkludi deskrizzjonijiet dettaljati tal-kollateral kif ukoll speċifikazzjonijiet dettaljati tal-mod u l-frekwenza tar-rivalutazzjoni;

(e) l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw b'mod ċar fil-politiki u l-proċeduri tal-kreditu interni tagħhom disponibbli għall-eżami tat-tipi ta' kollateral fiżiku li jaċċettaw u l-politiki u l-prattiki li għandhom fis-seħħ fir-rigward tal-ammont xieraq ta' kull tip ta' kollateral relatat mal-ammont tal-iskopertura;

(f) il-politiki ta' kreditu tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-istruttura tat-transazzjoni għandhom jindirizzaw dawn li ġejjin:

(i) ir-rekwiżiti ta' kollateral xieraq relattiv għall-ammont tal-iskopertura;

(ii) il-kapaċità ta' likwidazzjoni fil-pront tal-kollateral;

(iii) il-kapaċità li prezz jew valur tas-suq ikun stabbilit b'mod oġġettiv;

(iv) il-frekwenza li biha l-valur jista' jinkiseb fil-pront, inkluża evalwazzjoni jew valutazzjoni professjonali;

(v) il-volatilità jew approssimazzjoni tal-volatilità tal-valur tal-kollateral.

(g) meta jwettqu l-valutazzjoni inizjali u r-rivalutazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont sħiħ ta' kull deterjorament jew obsolenza tal-kollateral, billi jagħtu attenzjoni partikolari lill-effetti tal-passaġġ taż-żmien fuq kollateral sensittiv għall-moda jew iż-żmien;

(h) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom id-dritt li fiżikament jispezzjonaw il-kollateral. Għandu jkollhom ukoll politiki u proċeduri fis-seħħ sabiex jindirizzaw l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal spezzjoni fiżika;

(i) il-kollateral użat bħala protezzjoni għandu jkun adegwament assigurat kontra r-riskju ta' ħsara u l-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri fis-seħħ sabiex jissorveljaw dan.

*Artikolu 211*

**Rekwiżiti għat-trattament ta' skoperturi ta' kiri bħala kollateralizzati**

L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw skoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet ta' kiri bħala kollateralizzati skont it-tip ta' proprjetà mikrija, fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 208 jew 210, kif applikabbli, għat-tip ta' proprjetà mikrija sabiex tikkwalifika bħala kollateral eliġibbli;

(b) is-sid il-kera għandu fis-seħħ ġestjoni tar-riskji robust fir-rigward tal-użu magħmul mill-assi mikrija, il-lokalità tiegħu, l-età u t-tul ta' żmien ippjanat tal-użu tiegħu, inkluż monitoraġġ xieraq tal-valur tal-garanzija;

(c) is-sid il-kera huwa l-proprjetarju legali tal-assi u jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu bħala sid fil-ħin;

(d) fejn din għadha ma ġietx aċċertata fil-kalkolu tal-livell ta' LGD, id-differenza bejn il-valur tal-ammont mhux ammortizzat u l-valur tas-suq tal-garanzija mhijiex daqshekk kbira li tenfasizza wisq il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu attribwita lill-assi mikrijin.

*Artikolu 212*

**Rekwiżiti għal protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu**

1. Flus iddepożitati ma', jew strumenti ta' flus assimilati miżmuma minn, instituzzjoni terza, għandhom ikunu eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 232(1), meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjoni ta' mutwatarju kontra l-istituzzjoni terza hija mirhuna bil-miftuħ jew assenjata lill-istituzzjoni mutwanti u t-tali rahan jew assenjazzjoni hija legalment effettiva u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha u hija mingħajr kondizzjonijiet u irrevokabbli;

(b) l-istituzzjoni terza hija nnotifikata dwar ir-rahan jew l-assenjazzjoni;

(c) bħala konsegwenza tan-notifika, l-istituzzjoni terza tista' tagħmel pagamenti biss lill-istituzzjoni mutwanti jew lil partijiet oħra biss bil-kunsens minn qabel tal-istituzzjoni mutwanti.

2. Poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja hi mirhuna jew assenjata bil-miftuħ lill-istituzzjoni mutwanti;

(b) il-kumpannija li tagħti l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tiġi notifikata dwar ir-rahan jew l-assenjazzjoni u, bħala riżultat tan-notifika, tista' ma tħallasx l-ammonti pagabbli skont il-kuntratt mingħajr kunsens minn qabel tal-istituzzjoni mutwanti;

(c) ċessjoni f'każ ta' inadempjenza tal-mutwatarju;

(d) l-istituzzjoni mutwanti hija infurmata b'kull nuqqas ta' pagament skont il-polza mid-detentur tal-polza;

(e) il-protezzjoni tal-kreditu hija pprovduta għall-maturità tas-self. Fejn dan mhuwiex possibbli minħabba li r-relazzjoni tal-assigurazzjoni tintemm qabel ma tiskadi r-relazzjoni tas-self, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-ammont idderivat mill-kuntratt tal-assigurazzjoni jservi lill-istituzzjoni bħala garanzija sa tmiem it-tul taż-żmien tal-ftehim tal-kreditu;

(f) ir-rahan jew l-assenjazzjoni hija legalment effettiva u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu;

(g) il-valur taċ-ċessjoni huwa dikjarat mill-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u ma jistax jitnaqqas;

(h) fuq talba, il-valur taċ-ċessjoni għandu jitħallas mill-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-pront;

(i) il-valur taċ-ċessjoni ma għandux jintalab mingħajr il-kunsens minn qabel tal-istituzzjoni;

(j) il-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja hija soġġetta għad-Direttiva 2009/138/KE jew hija soġġetta għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

Subtaqsima 2

**Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata u noti marbuta mal-kreditu**

*Artikolu 213*

**Rekwiżiti komuni għall-garanziji u d-derivati tal-kreditu**

1. Soġġett għall-Artikolu 214(1), il-protezzjoni tal-kreditu minn garanzija jew derivat tal-kreditu għandha tikkwalifika bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-protezzjoni tal-kreditu hija diretta;

(b) hemm definizzjoni ċara u inkontrovertibbli ta' sa fejn tasal il-protezzjoni tal- kreditu;

(c) il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu ma fih l-ebda klawżola, li t-twettiq tagħha ma taqax taħt il-kontroll dirett tal-mutwanti, li:

(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni jikkanċella l-protezzjoni b'mod unilaterali;

(ii) iżżid l-kost effettiv tal-protezzjoni bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-iskopertura protetta;

(iii) tista' tipprevjeni lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat jħallas fil-ħin f'każ li d-debitur oriġinali jonqos milli jħallas xi pagamenti dovuti, jew meta l-kuntratt tal-kiri jkun skada għall-finijiet ta' rikonoxximent tal-valur reżidwu ggarantit skont l-Artikoli 134(7) u 166(4);

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu tiġi mnaqqsa mill-fornitur tal-protezzjoni;

(d) il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu huwa legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu.

2. Istituzzjoni għandha turi lill-awtoritajiet kompententi li għandha sistemi fis-seħħ biex tiġġestixxi l-konċentrazzjoni potenzjali tar-riskju li jirriżulta mill-użu ta' garanziji u derivati tal-kreditu. Istituzzjoni għandha tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti kif l-istrateġija tagħha fir-rigward tal-użu tad-derivati tal-kreditu u l-garanziji jinteraġixxi mal-ġestjoni tagħha tal-profil tar-riskju kumplessiv.

3. Istituzzjoni għandha tissodisfa kull rekwiżit kuntrattwali u statutorju fir-rigward ta', u tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex tiżgura, l-infurzabbiltà tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu tagħha skont il-liġi applikabbli għall-interess tagħha fil-protezzjoni tal-kreditu.

Istituzzjoni għandha tkun wettqet analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. Hija għandha tirrepeti tali analiżi kif neċessarju sabiex jiżguraw infurzabbiltà kontinwata.

*Artikolu 214*

**Kontrogaranziji sovrani u ta' entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw l-iskoperturi msemmijin fil-paragrafu 2 bħala protetti b'garanzija provduta mill-entitajiet elenkati f'dak il-paragrafu, jekk ikunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontrogaranzija tkopri l-elementi kollha tar-riskju tal-kreditu tal-pretensjoni;

(b) garanziji stabbiliti fl-Artikoli 213 u 215(1), għajr il-fatt li l-kontrogaranzija mhux neċessarjament tkun diretta;

(c) kopertura tal-kontrogaranzija hija inqas mill-ekwivalenti effettiv għal dik ta' garanzija diretta mill-entità inkwistjoni.

2. It-trattament stipulat fil-paragrafu 1 għandu japplika għal skoperturi protetti b'garanzija li hija kontrogarantita minn waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin:

(a) gvern ċentrali jew bank ċentrali;

(b) gvern reġjonali jew awtorità lokali;

(c) entità tas-settur pubbliku, li l-pretensjonijiet fuqha huma ttrattati bħala pretensjonijiet fuq l-gvern ċentrali skont l-Artikolu 116(4);

(d) bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali, li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont jew permezz tal-Artikoli 117(2) u 118 rispettivament;

(e) entità tas-settur pubbliku, li pretensjonijiet fuqha huma ttrattati skont l-Artikolu 116(1) u (2).

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 ukoll għal skopertura li mhijiex kontrogarantita minn entità elenkata fil-paragrafu 2 fejn il-kontrogaranzija nfisha ta' dik l-iskopertura hija direttament garantita minn waħda minn dawk l-entitajiet u jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 215*

**Rekwiżiti addizzjonali għall-garanziji**

1. Il-garanziji għandhom jikkwalifikaw bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha tal-Artikolu 213 u l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) mal-inadempjenza li tikkwalifika bħala tali jew nuqqas ta' pagament minn kontroparti, l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li titlob lill-garanti, fil-ħin, għal kwalunkwe flejjes dovuti skont il-pretensjoni li fir-rigward tagħha hija pprovduta l-protezzjoni u l-pagament mill-garanti ma għandux ikun soġġett għall-kondizzjoni li l-istituzzjoni mutwanti jkollha l-ewwel tfittex lid-debitur; Fil-każ ta' il-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu li tkopri self ipotekarju residenzjali, ir-rekwiżiti fl-Artikolu 213(1)(c)(iii) u fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għandhom jiġu ssodisfatti biss fi żmien 24 xahar;

(b) il-garanzija hija obbligazzjoni espliċitament dokumentata li jassumi l-garanti;

(c) tiġi ssodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (i) il-garanzija tkopri t-tipi kollha ta' pagamenti li d-debitur huwa mistenni jagħmel fir-rigward tal-pretensjoni;

   (ii) fejn ċerti tipi ta' pagamenti huma esklużi mill-garanzija, l-istituzzjoni mutwanti tkun aġġustat il-valur tal-garanzija b'mod li jirrefletti l- kopertura limitata.

2. Fil-każ ta' garanziji pprovduti fil-kuntest ta' skemi ta' garanzija reċiproka jew ipprovduti minn jew kontrogarantiti mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), ir-rekwiżiti fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkunsidrati bħala ssodisfatti fejn tintlaħaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li tikseb fil-ħin pagament provviżorju mingħand il-garanti li jissodisfa ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

   (i) jirrappreżenta stima robusta tal-ammont tat-telf, inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament tal-imgħax u tipi oħra ta' pagament li l-mutwatarju huwa obbligat li jagħmel, li l-istituzzjoni mutwanti aktarx iġġarrab;

(ii) huwa proporzjonat għall-kopertura tal-garanzija;

(b) l-istituzzjoni mutwanti tista' turi, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-effetti tal-garanzija, li għandhom ikopru wkoll telf li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament tal-imgħax jew tipi oħra ta' pagamenti li l-mutwatarju huwa obbligat li jagħmel, jiġġustifikaw tali trattament.

*Artikolu 216*

**Rekwiżiti addizzjonali għad-derivati tal-kreditu**

1. Derivat tal-kreditu għandu jikkwalifika bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha fl-Artikolu 213 u l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-avvenimenti tal-kreditu speċifikati fil-kuntratt tad-derivat tal-kreditu jinkludu:

(i) in-nuqqas ta' pagament tal-ammonti dovuti skont it-termini tal-obbligazzjoni sottostanti li huma fis-seħħ fi żmien it-tali nuqqas, b'perijodu ta' konċessjoni li huwa ugwali għal jew iqsar mill-perijodu ta' konċessjoni fl-obbligazzjoni sottostanti;

(ii) il-falliment, l-insolvenza jew l-inkapaċità tad-debitur li jħallas id-djun tiegħu, jew in-nuqqas jew l-ammissjoni tiegħu bil-miktub tal-inkapaċità tiegħu b'mod ġenerali li jħallas id-djun tiegħu meta jsiru dovuti, u avvenimenti analogi;

(iii) ir-ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi l-maħfra jew ir-rinviju tal-ammont kapitali, l-imgħax jew it-tariffi li jirriżultaw f'avveniment ta' telf tal-kreditu;

(b) fejn id-derivati tal-kreditu jippermettu saldu bi flus:

(i) l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċess ta' valutazzjoni robust sabiex jiġi stmat it-telf b'mod affidabbli;

(ii) hemm perijodu speċifikat b'mod ċar biex jinkisbu valutazzjonijiet tal-obbligazzjoni sottostanti wara li jkun seħħ avveniment tal-kreditu;

(c) fejn id-dritt u l-kapaċità tax-xerrej tal-protezzjoni li jittrasferixxi l-obbligazzjoni sottostanti lill-fornitur tal-protezzjoni jkunu meħtieġa għas-saldu, it-termini tal-obbligazzjoni sottostanti jispeċifikaw li kull kunsens meħtieġ għal tali trasferiment ma għandux jiġi miċħud mingħajr raġuni valida;

(d) l-identità tal-partijiet responsabbli biex jiddeterminaw jekk seħħx avveniment ta' kreditu hija definita b'mod ċar;

(e) id-determinazzjoni tal-avveniment ta' kreditu mhijiex ir-responsabbiltà unika tal-fornitur tal-protezzjoni;

(f) ix-xerrej tal-protezzjoni għandu d-dritt jew il-kapaċità li jinforma lill-fornitur tal-protezzjoni li jkun seħħ avveniment ta' kreditu.

Fejn l-avvenimenti ta' kreditu ma jinkludux ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti kif spjegat fil-punt (a)(iii), il-protezzjoni tal-kreditu tista' xorta waħda tkun eliġibbli soġġett għal tnaqqis fil-valur kif speċifikat fl-Artikolu 233(2);

2. Diskrepanza bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment taħt id-derivat tal-kreditu jew bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu hija permissibbli biss fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjoni ta' riferiment jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, skont il-każ, hija klassifikata 'pari passu' ma' jew hija subordinata għall-obbligazzjoni sottostanti;

(b) l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, skont il-każ, ikollhom l-istess debitur u hemm fis-seħħ klawżoli transversali ta' inadempjenza u aċċelerazzjoni legalment infurzabbli.

*Artikolu 217*

**Rekwiżiti għall-ksib tat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3)**

1. Sabiex tkun eleġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3), il-protezzjoni tal-kreditu derivata minn garanzija jew derivat tal-kreditu għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjoni sottostanti hija għal waħda mill-iskoperturi li ġejjin:

(i) skopertura korporattiva kif imsemmi fl-Artikolu 147, għajr impriżi tal- assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(ii) skopertura għal gvern reġjonali, awtorità lokali jew entità tas-settur pubbliku li mhijiex trattata bħala skopertura għal gvern ċentrali jew bank ċentrali skont l-Artikolu 147;

(iii) skopertura għal SME, klassifikata bħala skopertura fil-livell tal-konsumaturi skont l-Artikolu 147(5);

(b) id-debituri sottostanti mhumiex membri tal-istess grupp bħall-fornituri tal- protezzjoni;

(c) l-iskopertura hija ħheġġjata minn wieħed mill-istrumenti li ġejjin:

(i) derivati tal-kreditu mhux iffinanzjati b'isem wieħed jew garanziji b'isem wieħed;

(ii) prodotti f'basket tat-tip "first-to-default";

(iii) prodotti f'basket tat-tip "nth-to-default";

(d) il-protezzjoni tal-kreditu tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 213, 215 u 216, kif applikabbli;

(e) il-piż tar-riskju li huwa assoċjat mal-iskopertura qabel l-applikazzjoni tat-trattament stipulat fl-Artikolu 153(3), mhux diġà kkunsidrat f'xi aspett tal-protezzjoni tal-kreditu;

(f) istituzzjoni għandha d-dritt u l-aspettattiva li tirċievi pagament mill-fornitur tal-protezzjoni mingħajr ma jkollha tieħu azzjoni legali sabiex tfittex il-kontroparti għall-pagament. Sa fejn huwa possibbli, l-istituzzjoni għandha tieħu l-passi sabiex tissodisfa ruħha li l-fornitur tal-protezzjoni lest li jħallas fil-pront jekk iseħħ avveniment ta' kreditu;

(g) il-protezzjoni tal-kreditu mixtrija tassorbi t-telf tal-kreditu kollu fuq il-porzjon iħheġġjat ta' skopertura li tirriżulta minħabba l-fatt li jseħħu avvenimenti ta' kreditu elenkati fil-kuntratt;

(h) fejn l-istruttura tal-ħlas tal-protezzjoni tal-kreditu tipprovdi għal saldu fiżiku, hemm ċertezza legali fir-rigward tal-konsenja tas-self, tal-bond, jew tal-obbligazzjoni kontinġenti;

(i) fejn istituzzjoni bi ħsiebha tikkonsenja obbligazzjoni għajr l-iskopertura sottostanti, għandha tiżgura li l-obbligazzjoni li għandha tiġi konsenjata hija likwida biżżejjed sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tixtriha għall-konsenja b'konformità mal-kuntratt;

(j) it-termini u l-kondizzjonijiet tal-arranġamenti tal-protezzjoni tal-kreditu huma legalment ikkonfermati bil-miktub kemm mill-fornituri tal-protezzjoni kif ukoll mill-istituzzjoni;

(k) l-istituzzjonijiet għandhom fis-seħħ proċess biex jidentifikaw korrelazzjoni eċċessiva bejn l-affidabbiltà kreditizja ta' fornitur tal-protezzjoni u d-debitur tal-iskopertura sottostanti minħabba li l-prestazzjoni tagħhom tkun dipendenti fuq fatturi komuni lil hinn mill-fattur tar-riskju sistematiku;

(l) fil-każ ta' protezzjoni kontra r-riskju ta' dilwizzjoni, il-bejjiegħ tar-riċevibbli mixtrija mhuwiex membru tal-istess grupp bħall-fornitur tal-protezzjoni.

2. Għall-finijiet tal-punt (c)(ii) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3) għall-assi fil-basket bl-ammont l-aktar baxx ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju.

3. Għall-finijiet tal-punt (c)(iii) tal-paragrafu 1, il-protezzjoni miksuba hija eliġibbli biss għall-konsiderazzjoni taħt dan il-qafas fejn protezzjoni tal-inadempjenza nurmu (n-1) eliġibbli tkun inkisbet ukoll jew fejn (n-1) tal-assi fil-basket diġà sar jew saru inadempjenti. Fejn dan huwa l-każ, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 153(3) għall-assi fil-basket bl-ammont l-aktar baxx ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju.

## Taqsima 4

## Kalkolu tal-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

### Subtaqsima 1

### Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

*Artikolu 218*

**Noti marbuta mal-kreditu**

Investimenti f'noti marbuta mal-kreditu maħruġa mill-istituzzjoni mutwanti jistgħu jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus għall-finijiet ta' kalkolu tal-effett ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont din is-Subtaqsima, sakemm l-iswap ta' inadempjenza tal-kreditu inkorporat fin-nota marbuta mal-kreditu jikkwalifika bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk swaps ta' inadempjenza tal-kreditu inkorporati fin-nota marbuta mal-kreditu jikkwalifikawx bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli, l-istituzzjoni tista' tqis li l-kondizzjoni fil-punt (c) tal-Artikolu 194(6) tkun ġiet sodisfatta.

*Artikolu 219*

**Netting li jidher fil-karta tal-bilanċ**

Self lil u depożiti mal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fil-karta tal-bilanċ għandhom jiġu ttrattati minn dik l-istituzzjoni bħala kollateral fi flus għall-finijiet tal-kalkolu tal-effett tal-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu għal dak is-self u depożiti tal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fil-karta tal-bilanċ li huma denominati fl-istess munita.

*Artikolu 220*

**Użu tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji għall-Aġġustamenti għall-Volatilità għall-ftehimiet ewlenin ta' netting**

1. Meta l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-'valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox' (E*) għall-iskoperturi soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting eliġibbli li jkopri t-transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali, għandhom jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom bżonn japplikaw jew permezz tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew inkella permezz tal-Approċċ tal-Istimi Proprji għall-Aġġustamenti għall-Volatilità ('Approċċ tal-Istimi Proprji') kif stabbilit fl-Artikoli 223 sa 226 għall-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.

L-użu tal-Approċċ tal-Istimi Proprji għandu jkun soġġett għall-istess kondizzjonijiet u rekwiżiti li japplikaw fil-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' E*, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jikkalkulaw il-pożizzjoni netta f'kull grupp ta' titoli jew f'kull tip ta' prodott billi jnaqqsu l-ammont fil-punt (ii) mill-ammont fil-punt (i):

(i) il-valur totali ta' grupp ta' titoli jew ta' prodotti tal-istess tip mikrija, mibjugħa jew ipprovduti skont il-ftehim ewlieni ta' netting;

(ii) il-valur totali ta' grupp ta' titoli jew ta' prodotti tal-istess tip meħuda b'self, mixtrija jew irċevuti skont il-ftehim ewlieni ta' netting;

(b) jikkalkolaw il-pożizzjoni netta f'kull munita, għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim ewlieni ta' netting, billi jnaqqsu l-ammont fil-punt (ii) mill-ammont fil-punt (i):

(i) s-somma tal-valur totali ta' titoli denominati f'dik il-munita mikrijin, mibjugħa jew provduti skont il-ftehim ewlieni ta' netting u l-ammont ta' flus f'dik il-munita mislufa jew trasferiti skont dak il-ftehim;

(ii) is-somma tal-valur totali ta' titoli denominati f'dik il-munita meħuda b'self, mixtrija jew irċevuti skont il-ftehim ewlieni ta' netting u l- ammont ta' flus f'dik il-munita meħuda f'self jew irċevuti skont dak il- ftehim;

(c) japplikaw l-aġġustament fil-volatilità xieraq għal grupp ta' titoli partikolari jew pożizzjoni ta' flus biex jassorbi l-valur tal-pożizzjoni pożittiva jew negattiva netta fit-titoli f'dak il-grupp;

(d) japplikaw l-aġġustament għall-volatilità tar-riskju tal-kambju (fx) għall-pożizzjoni pożittiva jew negattiva netta f'kull munita għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim ewlieni ta' netting.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw E* skont il-formula li ġejja:

$$E^* = \max\left\{0, \left(\sum_i E_i - \sum_i C_i\right) + \sum_j |E_j^{sec}| \cdot H_j^{sec} + \sum_k |E_k^{fx}| \cdot H_k^{fx}\right\}$$

fejn:

$E_i$ = il-valur tal-iskopertura għal kull skopertura separata i skont il-ftehim li tkun tapplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu, fejn l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew fejn jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB;

$C_i$ = il-valur tat-titoli f'kull grupp jew prodotti tal-istess tip meħuda b'self, mixtrija jew irċevuti jew il-flus meħuda b'self jew irċevuti fir-rigward ta' kull skopertura i;

$E_j^{sec}$ = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) fi grupp partikolari ta' titoli j;

$E_k^{fx}$ = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) f'munita partikolari k għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim kif ikkalkulata fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

$H_j^{sec}$ = l-aġġustament għall-volatilità li hu adatt għal grupp partikolari ta' titoli j;

$H_k^{fx}$ = l-aġġustament għall-volatilità tal-kambju għall-munita k.

4. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija għal transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali koperti minn ftehimiet ewlenin ta' netting, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* kif ikkalkulata skont il-paragrafu 3 bħala l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura għall-kontroparti li tirriżulta mit-transazzjonijiet soġġetti għall-ftehim ewlieni ta' netting għall-finijiet tal-Artikolu 113 skont l-Approċċ Standardizzat jew il-Kapitolu 3 skont l-Approċċ IRB.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, 'grupp ta' titoli' tfisser titoli li jinħarġu mill-istess entità, jkollhom l-istess data ta' ħruġ, l-istess maturità, huma soġġetti għall-istess termini u kondizzjonijiet, u huma soġġetti għall-istess perijodi ta' likwidazzjoni kif indikat fl-Artikoli 224 u 225, kif applikabbli.

*Artikolu 221*

**Użu tal-Approċċ tal-Mudelli Interni għal ftehimiet Ewlenin ta' netting**

1. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu, minflok l-użu tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji fil-kalkolu tal-valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' ftehim ewlieni ta' netting eliġibbli li jkopri transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għajr transazzjonijiet ta' derivati, jużaw l-approċċ tal-mudelli interni li jqis l-effetti tal-korrelazzjoni bejn il-pożizzjonijiet ta' titoli soġġetti għall-ftehim ewlieni ta' netting kif ukoll il-likwidità tal-istrumenti konċernati.

2. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompententi, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ukoll il-mudelli interni tagħhom għal transazzjonijiet ta' self b'marġni, fejn it-transazzjonijiet huma koperti minn ftehim bilaterali ewlieni ta' netting li jilħaq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 6, it-Taqsima 7.

3. Istituzzjoni tista' tagħżel li tuża l-approċċ tal-mudelli interni indipendentement mill-għażla li tkun għamlet bejn l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju. Madanakollu, fejn istituzzjoni tixtieq tuża approċċ tal-mudelli interni, għandha tagħmel dan għall-kontropartijiet u t-titoli kollha, għajr il-portafolli immaterjali fejn tista' tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji kif stabbilit fl-Artikolu 220.

L-istituzzjonijiet li rċevew permes għal mudell intern tal-ġestjoni tar-riskju skont it-Titolu IV, il-Kapitolu 5 jistgħu jużaw l-approċċ tal-mudelli interni. Fejn istituzzjoni ma rċevietx tali permess, xorta tista' tapplika għal permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti sabiex tuża approċċ tal-mudelli interni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lil istituzzjoni li tuża approċċ tal-mudelli interni biss fejn huma sodisfatti li s-sistema tal-istituzzjoni għall-ġestjoni tar-riskji li jinħolqu mit-transazzjonijiet koperti mill-ftehim ewlieni ta' netting hija valida fil-prinċipju u implimentata b'integrità u fejn jiġu ssodisfatti l-istandards kwalitattivi li ġejjin:

(a) il-mudell intern għall-kalkolu tar-riskju użat għall-kalkolu tal-volatilità potenzjali tal-prezz għat-transazzjonijiet huwa integrat mill-viċin fil-proċess ta' kuljum tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u jservi bħala l-bażi tar-rappurtar ta' skoperturi tar-riskju lill- maniġment superjuri tal-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni għandha unità għall-kontroll tar-riskji li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) hija indipendenti mill-unitajiet ta' negozjar kummerċjali u tirraporta direttament lill-maniġment superjuri;

(ii) hija responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema tal- istituzzjoni għall-kejl tar-riskji;

(iii) tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar l-output tal-mudell għall- kalkolu tar-riskji u dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu f'termini ta' limiti tal-pożizzjonijiet;

(c) ir-rapporti ta' kuljum maħruġa mill-unità għall-kontroll tar-riskji huma analizzati minn livell ta' maniġment li għandu biżżejjed awtorità sabiex jinforza tnaqqis fil-pożizzjonijiet meħuda u fl-iskopertura kumplessiva tar-riskju;

(d) l-istituzzjoni għandha biżżejjed persunal b'ħiliet fl-użu ta' mudelli sofistikati fl-unità tal-kontroll tar-riskji;

(e) l-istituzzjoni stabbilite proċeduri għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità ma' sett dokumentat ta' politiki u kontrolli interni li jikkonċernaw il-funzjonament kumplessiv tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji;

(f) il-mudelli tal-istituzzjoni urew li huma validi għall-kejl tar-riskji bi preċiżjoni raġonevoli murija permezz ta' ttestjar retrospettiv tal-output tagħha billi tintuża data għal mill-anqas sena sħiħa;

(g) l-istituzzjoni twettaq b'mod frekwenti programm rigoruż ta' ttestjar għal stress u r-riżultati ta' dawn it-testijiet huma analizzati minn maniġment superjuri u riflessi fil-politiki u l-limiti li jistabbilixxi;

(h) l-istituzzjoni twettaq, bħala parti mill-proċess ta' verifika regolari interna tagħha, analiżi indipendenti tas-sistema tagħha għall-kalkolu tar-riskji. Din l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet tan-negozjar kummerċjali kif ukoll tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji;

(i) mill-inqas darba fis-sena, l-istituzzjoni twettaq analiżi tas-sistema tagħha tal- ġestjoni tar-riskji;

(j) il-mudell intern jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 292(8) u (9) u fl- Artikolu 294.

5. Il-mudell intern għall-kalkolu tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jkopri għadd suffiċjenti ta' fatturi tar-riskju sabiex ikopri r-riskji materjali kollha għall-prezz.

Istituzzjoni tista' tuża korrelazzjonijiet empiriċi fi ħdan il-kategoriji tar-riskji u fost il-kategoriji tar-riskji fejn is-sistema tagħha għall-kejl tal-korrelazzjonijiet hija valida u implimentata b'integrità.

6. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ tal-mudelli interni għandhom jikkalkulaw E* skont il-formula li ġejja:

$$E^* = \max\left\{0, \left(\sum_i E_i - \sum_i C_i\right) + \textit{bidla potenzjali fil-valur}\right\}$$

fejn:

$E_i$ = il-valur tal-iskopertura għal kull skopertura separata i fil-ftehim li tapplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu, fejn l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew fejn jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB;

$C_i$ = il-valur tat-titoli meħuda b'self, mixtrija jew irċevuti jew il-flus meħuda b'self jew irċevuti fir-rigward ta' kull tali skopertura i.

Fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju permezz ta' mudelli interni, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-output tal-mudell tal-ġurnata ta' xogħol ta' qabel.

7. Il-kalkolu tal-bidla potenzjali fil-valur imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun soġġett għall-istandards kollha li ġejjin:

(a) għandu jitwettaq mill-inqas kuljum;

(b) għandu jkun ibbażat fuq id-99 perċentil, b'interval ta' kunfidenza unilaterali;

(c) għandu jkun ibbażat fuq perijodu ta' likwidazzjoni ekwivalenti ta' 5 ijiem, għajr fil-każ ta' transazzjonijiet li mhumiex transazzjonijiet ta' riakkwist ta' titoli jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fejn għandu jintuża perijodu ta' liwidazzjoni ekwivalenti għal 10 ijiem;

(d) għandu jkun ibbażat fuq perijodu storiku ta' osservazzjoni effettiv ta' mhux inqas min sena għajr fejn perijodu ta' osservazzjoni iqsar huwa ġustifikat minn qabża 'l fuq sinifikanti fil-volatilità tal-prezz;

(e) is-sett ta' data użat fil-kalkolu għandu jiġi aġġornat kull tliet xhur.

Fejn l-istituzzjoni għandha transazzjoni ta' riakkwist, transazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u self b'marġni jew transazzjoni simili jew sett ta' netting li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 285(2), (3) u (4), il-perijodu minimu ta' żamma għandu jinġieb konformi mal-perijodu b'riskju ta' marġni li jkun japplika skont dawk il-paragrafi, flimkien mal-Artikolu 285(5).

8. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija għal transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali koperti minn ftehimiet ewlenin ta' netting, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* kif ikkalkulata skont il-paragrafu 6 bħala l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura għall-kontroparti li tirriżulta mit-transazzjonijiet soġġetti għall-ftehim ewlieni ta' netting għall-finijiet tal-Artikolu 113 skont l-Approċċ Standardizzat jew il-Kapitolu 3 skont l-Approċċ IRB.

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat dan li ġej:

(a) dak li jikkostitwixxi portafoll immaterjali għall-fini tal-paragrafu 3;

(b) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk mudell intern huwiex tajjeb u huwiex jiġi implimentat b'integrità għall-fini tal-paragrafi 4 u 5 u ftehimiet ewlenin ta' netting.

L-ABE għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji quddiem il-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 222*

**Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju biss fejn jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju u l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju flimkien, għajr għall-finijiet tal-Artikoli 148(1) u 150(1). L-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw din l-eċċezzjoni b'mod selettiv bil-għan li jinkisbu rekwiżiti mnaqqsa għall-fondi proprji jew bil-għan li jwettqu arbitraġġ regolatorju.

2. Taħt il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw lill- kollateral finanzjarju eliġibbli valur ugwali għall-valur tas-suq tiegħu kif iddeterminat skont il-punt (d) tal-Artikolu 207(4).

3. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw lil dawk il-porzjonijiet tal-valur tal-iskoperturi li huma kollateralizzati mill-valur tas-suq tal-kollateral eliġibbli dak il-piż tar-riskju li kieku jassenjaw skont il-Kapitolu 2 fejn l-istituzzjoni mutwanti kellha skopertura diretta għall-istrument tal-kollateral. Għal dan il-għan, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun daqs 100 % tal-valur ta' dak l-element u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(1).

Il-piż tar-riskju tal-porzjon kollateralizzata għandu jkun mill-inqas 20 % għajr kif speċifikat fil-paragrafi 4 sa 6. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw lill-bqija tal-valur tal-iskopertura l-piż tar-riskju li kieku kienu jassenjaw lil skopertura mhux garantita għall-kontroparti skont il-Kapitolu 2.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 % lil dik il-porzjon kollateralizzata tal-iskopertura li tirriżulta minn transazzjoni ta' riakkwist u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli li jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 227. Fejn il-kontroparti għat-transazzjoni mhijiex parteċipant ewlieni fis-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 10 %.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 %, fir-rigward tal-kollateralizzazzjoni, lill-valur tal-iskoperturi determinat skont il-Kapitolu 6 għall-istrumenti derivati elenkati fl-Anness II u soġġetti għal ipprezzar skont il-valur fis-suq ta' kuljum, kollateralizzati minn flus jew strumenti assimilati ta' flus fejn mhemmx diskrepanza fil-muniti.

L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 10 %, sal-ammont tal-kollateralizzazzjoni, lill-valur tal-iskoperturi ta' tali transazzjonijiet kollateralizzati minn titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2.

6. Għal transazzjonijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 % fejn l-iskopertura u l-kollateral huma denominati fl-istess munita, u tiġi ssodisfatta waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(a) il-kollateral huwa flus f'depożitu jew strument assimilat ta' flus;

(b) il-kollateral huwa f'forma ta' titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali eliġibbli għal piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114, u l-valur tas-suq tiegħu ġie skontat b'20 %.

7. Għall-finijiet tal-paragrafi 5 u 6 it-titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali għandhom jinkludu:

(a) titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali li l-iskoperturi għalihom huma ttrattati bħala skoperturi lejn il-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu huma stabbiliti skont l-Artikolu 115;

(b) titoli ta' dejn maħruġa minn banek ta' żvilupp multilaterali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont jew permezz tal-Artikolu 117(2);

(c) titoli ta' dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 118;

(d) titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet tas-settur pubbliku li huma ttrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali skont l-Artikolu 116(4).

*Artikolu 223*

**Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

1. Sabiex titqies il-volatilità tal-prezz, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustamenti għall-volatilità għall-valur tas-suq tal-kollateral, kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227, fil-valutazzjoni tal-kollateral finanzjarju għall-finijiet tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.

Fejn kollateral huwa denominat f'munita li hija differenti mill-munita li fiha hija denominata l-iskopertura sottostanti, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu aġġustament li jirrefletti l-volatilità tal-munita għall-aġġustament għall-volatilità li hu xieraq għall-kollateral kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227.

Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' derivati OTC koperti minn ftehimiet ta' netting rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti taħt il-Kapitolu 6, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustament għall-volatilità li jirrifletti l-volatilità tal-munita meta jkun hemm diskrepanza bejn il-munita tal-kollateral u l-munita tas-saldu. Anki fejn diversi muniti jkunu involuti fit-transazzjonijiet koperti mill-ftehim ta' netting, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustament wieħed għall-volatilità.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-kollateral aġġustat għall-volatilità ($C_{VA}$) li jridu jqisu kif ġej:

$$C_{VA} = C \cdot \left(1 - H_C - H_{fx}\right)$$

fejn:

C = il-valur tal-kollateral;

$H_C$ = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-kollateral, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227;

$H_{fx}$ = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għad-diskrepanza fil-muniti, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula f'dan il-paragrafu meta jikkalkulaw il-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral għat-transazzjonijiet kollha għajr għal dawk it-transazzjonijiet li huma soġġetti għall-ftehimiet ewlenin ta' netting rikonoxxuti li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 220 u 221.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur aġġustat għall-volatilità tal-iskopertura ($E_{VA}$) li jridu jqisu kif ġej:

$$E_{VA} = E \cdot (1 + H_E)$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura kif ikun determinat skont il-Kapitolu 2 jew il-Kapitolu 3, kif applikabbli, fejn l-iskopertura ma kinitx kollateralizzata;

$H_E$ = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-iskopertura, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227.

Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' derivati OTC l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-$E_{VA}$ kif ġej:

$$E_{VA} = E.$$

4. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' E fil-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

(a) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun ta' 100 % tal-valur ta' dak l-element u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(1);

(b) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ IRB, għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-elementi elenkati fl-Artikolu 166(8) sa (10) billi jużaw fattur ta' konverżjoni ta' 100 % u mhux il-fatturi ta' konverżjoni jew il-perċentwali indikati f'dawk il-paragrafi.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur aġġustat għal kollox tal-iskopertura (E*), billi jqisu l-effetti kemm tal-volatilità kif ukoll tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral kif ġej:

$$E^* = \max\{0, E_{VA} - C_{VAM}\}$$

fejn:

$E_{VA}$ = il-valur aġġustat għall-volatilità tal-iskopertura kif ikkalkulat fil-paragrafu 3;

$C_{VAM}$ = $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għal kull diskrepanza fil-maturità skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5;

6. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkolaw l-aġġustamenti għall-volatilità jew permezz tal-użu l-Approċċ tal-Aġġustamenti fil-Volatilità Superviżorja msemmi fl-Artikolu 224 jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji msemmi fl-Artikolu 225.

Istituzzjoni tista' tagħżel li tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji indipendentement mill-għażla li tkun għamlet bejn l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju.

Madanakollu, meta istituzzjoni tuża l-Approċċ tal-Istimi Proprji, għandha tagħmel dan għall-medda sħiħa ta' tipi ta' strumenti, għajr għall-portafolli immaterjali li għalihom tista' tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità.

7. Meta l-kollateral ikun jikkonsisti f'għadd ta' elementi eleġibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-aġġustament għall-volatilità (H) kif ġej:

$$H = \sum_i a_i H_i$$

fejn:

$a_i$ = il-proporzjon tal-valur ta' element eleġibbli i fil-valur totali tal-kollateral;

$H_i$ = l-aġġustament għall-volatilità applikabbli għall-element eliġibbli i.

*Artikolu 224*

**Aġġustament għall-volatilità superviżorja skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

1. L-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet skont l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità, jekk ikun hemm rivalutazzjoni ta' kuljum, għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabelli 1 sa 4 ta' dan il-paragrafu.

## AĠĠUSTAMENTI GĦALL-VOLATILITÀ

*Tabella 1*

| Livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn | Maturità Reżidwa | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti fl-*Artikolu 197(1)*(b) | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti fl-*Artikolu 197(1)* (c) u (d) | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji fl-*Artikolu 197(1)*(h) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
| 1 | < 1 sena | 0,707 | 0,5 | 0,354 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,829 | 2 | 1,414 |
| | > 1 ≤ 5 sentejn | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 | 11,314 | 8 | 5,657 |
| | > 5 sena | 5,657 | 4 | 2,828 | 11,314 | 8 | 5,657 | 22,628 | 16 | 11,313 |
| 2-3 | < 1 sena | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 |
| | > 1 ≤ 5 sentejn | 4,243 | 3 | 2,121 | 8,485 | 6 | 4,243 | 16,971 | 12 | 8,485 |
| | > 5 sena | 8,485 | 6 | 4,243 | 16,971 | 12 | 8,485 | 33,942 | 24 | 16,970 |
| 4 | < 1 sena | 21,213 | 15 | 10,607 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | > 1 ≤ 5 sentejn | 21,213 | 15 | 10,607 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | > 5 sena | 21,213 | 15 | 10,607 | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |

*Tabella 2*

| Livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu ta' titolu ta' dejn b'terminu qasir | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti fl-Artikolu 197(1)(b) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti fl-Artikolu 197(1) (c) u (d) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji fl-Artikolu 197(1)(h) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
| 1 | 0,707 | 0,5 | 0,354 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,829 | 2 | 1,414 |
| 2-3 | 1,414 | 1 | 0,707 | 2,828 | 2 | 1,414 | 5,657 | 4 | 2,828 |

*Tabella 3*

**Tipi oħra ta' kollaterali jew skoperturi**

| | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
|---|---|---|---|
| Indiċi Ewlieni tal-Ekwitajiet, Indiċi Ewlieni tal-Bonds Konvertibbli | 21,213 | 15 | 10,607 |
| Ewkitajiet jew Bonds Konvertibbli oħrajn ikkwotati f'borża rikonoxxuta | 35,355 | 25 | 17,678 |
| Flus | 0 | 0 | 0 |
| Deheb | 21,213 | 15 | 10,607 |

*Tabella 4*

**Aġġustament għall-volatilità għal diskrepanza fil-muniti**

| perijodu ta' likwidazzjoni ta' 20 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | perijodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
|---|---|---|
| 11,314 | 8 | 5,657 |

2. Il-kalkolu ta' aġġustamenti għall-volatilità skont il-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal transazzjonijiet ta' għoti ta' self il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 20 jum ta' xogħol;

(b) għal transazzjonijiet ta' riakkwist, għajr fejn transazzjonijiet jinvolvu t-trasferimenti ta' prodotti jew drittijiet iggarantiti relatati mat-titolu għal prodotti, u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 5 ijiem ta' xogħol;

(c) għal transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali, il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 10 ijiem ta' xogħol.

Fejn istituzzjoni jkollha transazzjoni jew sett ta' netting li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 285(2) (3) u (4), il-perijodu minimu ta' żamma għandu jinġieb konformi mal-perijodu b'riskju ta' marġni li jkun japplika skont dawk il-paragrafi.

3. Fit-Tabelli 1 sa 4 tal-paragrafu 1 u fil-paragrafi 4 sa 6, il-livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu tkun assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn huwa l-livell tal-kwalità tal-kreditu li bih il-valutazzjoni tal-kreditu hija determinata mill-ABE li tkun assoċjata skont il-Kapitolu 2.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu, japplika wkoll l-Artikolu 197(7).

4. Għal titoli mhux eliġibbli jew għal prodotti mikrija jew mibjugħa fi transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-istess bħal dak għall-ekwitajiet ikkwotati f'indiċi mhux ewlieni f'borża rikonoxxuta.

5. Għal unitajiet eliġibbli f'CIUs l-aġġustament għall-volatilità huwa l-medja peżata tal-aġġustamenti għall-volatilità li jkunu japplikaw, b'kont meħud tal-perijodu ta' likwidazzjoni tat-transazzjoni kif speċifikat fil-paragrafu 2, għall-assi li fihom ikun investa l-fond.

Fejn l-assi li fihom ikun investa l-fond mhumiex magħrufa mill-istituzzjoni, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-ogħla aġġustament għall-volatilità li jkun japplika għal kwalunkwe mill-assi li l-fond għandu dritt jinvesti fihom.

6. Għal titoli ta' dejn mhux ikklassifikati maħruġa mill-istituzzjonijiet u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Artikolu 197(4) l-aġġustamenti għall-volatilità huma l-istess bħal għat-titoli maħruġa minn istituzzjonijiet jew korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu esterna assoċjata mal-livelli 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu.

*Artikolu 225*

**Stimi proprji tal-aġġustamenti għall-volatilità skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-volatilità għall-kalkolu tal-aġġustamenti għall-volatilità li jridu jiġu applikati lill-kollateral u lill-iskoperturi fejn dawk l-istituzzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. L-istituzzjonijiet li jkunu kisbu permess sabiex jużaw l-istimi proprji tal-volatilità ma għandhomx jergħu lura għall-użu ta' metodi oħrajn għajr sabiex juru kawża ġusta u soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti.

Għal titoli ta' dejn li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI ekwivalenti għal grad ta' kwalità għolja (investment grade) jew aħjar, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw stima tal-volatilità għal kull kategorija ta' titoli.

Għal titoli ta' dejn li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI ekwivalenti taħt il-grad ta' kwalità għolja, u għal kollateral eliġibbli ieħor, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità għal kull element individwali.

L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ tal-Istimi Proprji għandhom jistmaw il-volatilità tad-diskrepanza tal-kollateral jew tal-kambju mingħajr ma jikkunsidraw l-ebda korrelazzjoni bejn l-iskopertura mhux iggarantita, il-kollateral jew ir-rati tal-kambju.

Fid-determinazzjoni tal-kategoriji rilevanti, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw it-tip ta' emittent tat-titolu, il-valutazzjoni esterna tal-kreditu tat-titoli, il-maturità reżidwa tagħhom, u t-tul ta' żmien modifikat tagħhom. L-istimi tal-volatilità għandhom ikunu rappreżentattivi tat-titoli inklużi fil-kategorija mill-istituzzjoni.

2. Il-kalkolu tal-aġġustamenti għall-volatilità għandhom ikunu soġġetti għall-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw il-kalkolu fuq id-99 perċentil, b'interval ta' kunfidenza unilaterali;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw il-kalkolu fuq il-perijodi ta' likwidazzjoni li ġejjin:

(i) 20 jum ta' xogħol għal transazzjonijiet ta' għoti ta' self garantit;

(ii) 5 ijiem ta' xogħol għal transazzjoni ta' riakkwist, għajr sa fejn tali transazzjonijiet jinvolvu t-trasferiment ta' prodotti jew drittijiet iggarantiti relatati mat-titolu għal transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti;

(iii) 10 ijiem ta' xogħol għal transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali;

(c) perijodu ta' likwidazzjoni stabbilit fil-punt (b) għat-tip ta' transazzjoni inkwistjoni, permezz tal-għerq kwadrat tal-formula taż-żmien:

$$H_M = H_N \cdot \sqrt{\frac{T_M}{T_N}}$$

fejn:

$T_M$ = il-perijodu ta' likwidazzjoni rilevanti;

$H_M$ = l-aġġustament għall-volatilità bbażat fuq il-perijodu ta' likwidazzjoni $T_M$;

$H_N$ = l-aġġustament għall-volatilità bbażat fuq il-perijodu ta' likwidazzjoni $T_N$.

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-illikwidità ta' assi ta' kwalità aktar baxxa. Huma għandhom jaġġustaw il-perijodu ta' likwidazzjoni billi jżiduh f'każijiet fejn hemm dubju rigward il-likwdità tal-kollateral. Għandhom jidentifikaw ukoll fejn data storika tista' tissovaluta l-volatilità potenzjali. Tali każijiet għandhom jiġu indirizzati permezz ta' xenarju ta' stress;

(e) it-tul tal-perijodu ta' osservazzjoni storika li l-istituzzjonijiet jużaw sabiex jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità għandu jkun mill-inqas ta' sena. Għal istituzzjonijiet li jużaw skema ta' ppeżar jew metodi oħrajn għall-perijodu ta' osservazzjoni storika, it-tul tal-perijodu ta' osservazzjoni effettiv għandu jkun mill-inqas ta' sena. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu wkoll lill-istituzzjoni sabiex tikkalkula l-aġġustamenti għall-volatilità tagħha billi tuża perijodu ta' osservazzjoni iqsar fejn, fil-fehma tal-awtorità kompetenti, dan ikun ġustifikat minħabba qabża 'l fuq sinifikanti fil-volatilità tal-prezz;

(f) l-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw is-settijiet ta' data tagħhom u jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità mill-inqas darba kull tliet xhur. Għandhom ukoll jivvalutaw mill-ġdid is-settijiet ta' data tagħhom kull meta l-prezzijiet tas-suq ikunu soġġetti għal bidliet materjali.

3. L-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità għandhom jilħqu l-kriterji kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) istituzzjoni għandha tuża l-istimi tal-volatilità fil-proċess ta' kuljum tal-ġestjoni tar- riskji inklużi fir-relazzjoni mal-limiti interni ta' skopertura tagħha;

(b) fejn il-perijodu ta' likwidazzjoni użat mill-istituzzjoni fil-proċess ta' kuljum tal-immaniġġjar tar-riskji jkun itwal minn dak stabbilit f'din it-Taqsima għat-tip ta' transazzjoni inkwistjoni, dik l-istituzzjoni għandha żżid l-aġġustamenti fil-volatilità tagħha f'konformità mal-għerq kwadrat tal-formula taż-żmien stipulata fil-punt (c) tal-paragrafu 2;

(c) istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċeduri stabbiliti sabiex tissorvelja u tiżgura l-konformità ma' sett dokumentat ta' politiki u kontrolli għall-funzjonament tas-sistema tagħha għall-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità u għall-integrazzjoni ta' tali stimi fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskji tagħha;

(d) għandha titwettaq analiżi indipendenti tas-sistema tal-istituzzjoni għall-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità b'mod regolari bħala parti mill-proċess ta' verifika intera tal-istituzzjoni stess. Għandha titwettaq analiżi tas-sistema kumplessiva għall-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità u għall-integrazzjoni ta' dawn l-aġġustamenti fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjoni mill-inqas darba fis-sena. Is-suġġett ta' dik l-analiżi għandu mill-inqas jinkludi dan li ġej:

(i) l-integrazzjoni tal-aġġustamenti stmati fil-volatilità fil-ġestjoni ta' kuljum tar-riskji;

(ii) il-validazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fil-proċess għall-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità;

(iii) il-verifika tal-konsistenza, il-prontezza u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati sabiex titħaddem is-sistema għall-istima tal-aġġustamenti għall-volatilità, inkluża l-indipendenza ta' tali sorsi ta' data;

(iv) il-preċiżjoni u l-adegwatezza tas-suppożizzjonijiet tal-volatilità.

*Artikolu 226*

**Żieda fl-aġġustament għall-volatilità tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

L-aġġustamenti għall-volatilità stabbiliti fl-Artikolu 224 huma l-aġġustamenti għall-volatilità li l-istituzzjoni għandha tapplika fejn ikun hemm rivalutazzjoni ta' kuljum. B'mod simili, fejn l-istituzzjoni tuża l-istimi proprji tagħha tal-aġġustamenti għall-volatilità skont l-Artikolu 225, għandha l-ewwel nett tikkalkulahom fuq il-bażi ta' rivalutazzjoni ta' kuljum. Fejn ir-rivalutazzjoni ma ssirx kuljum, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustamenti għall-volatilità akbar. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulawhom billi jżidu l-aġġustamenti għall-volatilità tar-rivalutazzjoni ta' kuljum, billi jużaw il-formula tal-għerq kwadrat taż-żmien li ġejja:

$$H = H_M \cdot \sqrt{\frac{N_R + (T_M - 1)}{T_M}}$$

fejn:

H = l-aġġustament għall-volatilità li jrid jiġi applikat;

$H_M$ = l-aġġustament għall-volatilità fejn hemm rivalutazzjoni ta' kuljum;

$N_R$ = in-numru attwali ta' jiem ta' xogħol bejn ir-rivalutazzjonijiet;

$T_M$ = il-perijodu ta' likwidazzjoni għat-tip ta' transazzjoni inkwistjoni.

*Artikolu 227*

**Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' aġġustament għall-volatilità ta' 0 % skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

1. Fir-rigward tat-transazzjonijiet ta' riakkwist u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, fejn l-istituzzjoni tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità tal-Artikolu 224 jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji tal-Artikolu 225 u fejn huma ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (h) tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet jistgħu, minflok japplikaw l-aġġustamenti għall-volatilità kkalkulati skont l-Artikoli 224 sa 226, japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 %. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ tal-mudelli interni stabbilit fl-Artikolu 221 ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dan l-Artikolu.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma flus jew titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali skont is-sens tal-Artikolu 197(1)(b) u eliġibbli għal piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2;

(b) kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma denominati fl-istess munita;

(c) il-maturità tat-transazzjoni mhijiex ta' aktar minn ġurnata jew inkella kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma soġġetti għal ipprezzar skont il-valur fis-suq ta' kuljum jew aġġustament tal-marġni ta' kuljum;

(d) iż-żmien bejn l-aħħar data tal-ipprezzar skont il-valur fis-suq qabel id-data fejn il-kontroparti tonqos milli tagħmel aġġustament tal-marġni u l-likwidazzjoni tal-kollateral mhijiex aktar minn erbat ijiem ta' xogħol;

(e) it-transazzjoni hija saldata f'sistema tas-saldu pprovata għal dak it-tip ta' transazzjoni;

(f) id-dokumentazzjoni li tkopri l-ftehim jew it-transazzjoni hija dokumentazzjoni tas-suq standard għal transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fit-titoli konċernati;

(g) it-transazzjoni hija rregolata minn dokumentazzjoni li tispeċifika li meta kontroparti tonqos milli tissodisfa obbligazzjoni li tikkonsenja flus jew titoli jew li tikkonsenja l-marġni jew b'xi mod issir inadempjenti, it-transazzjoni tista' tintemm immedjatament;

(h) il-kontroparti hija kkunsidrata bħala parteċipant ewlieni fis-suq mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Il-parteċipanti ewlenin fis-suq imsemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 2 għandhom jinkludu l-entitajiet li ġejjin:

(a) l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 197(1)(b) li l-iskoperturi għalihom huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2;

(b) istituzzjonijiet;

(c) impriżi finanzjarji oħrajn fit-tifsira tal-punti (25)(b) u (d) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE li l-iskoperturi għalihom huma assenjati b'piż tar-riskju ta' 20 % skont l-Approċċ Standardizzat jew li, fil-każ tal-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB, ma għandhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta u huma kklassifikati internament mill-istituzzjoni;

(d) CIUs regolati li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital jew ta' lieva finanzjarja;

(e) fondi tal-pensjonijiet regolati;

(f) organizzazzjonijiet ta' kklerjar rikonoxxuti.

*Artikolu 228*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju**

1. Skont l-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* kif ikkalkulat skont l-Artikolu 223(5) bħala l-valur tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 113. Fil-każ ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ elenkati fl-Anness I, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* bħala l-valur li għalih għandhom jiġu applikati l-perċentwali indikati fl-Artikolu 111(1) sabiex jintlaħaq il-valur tal-iskopertura.

2. Skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-LGD effettiva (LGD*) bħala l-LGD għall-finijiet tal-Kapitolu 3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-LGD* kif ġej:

$$LGD^* = LGD \cdot \frac{E^*}{E}$$

fejn:

LGD = l-LGD li tkun tapplika għall-iskopertura skont il-Kapitolu 3 fejn l-iskopertura ma kinitx kollateralizzata;

E = il-valur tal-iskopertura skont l-Artikolu 223(3);

E* = il-valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox skont l-Artikolu 223(5).

*Artikolu 229*

**Prinċipji ta' valutazzjoni għal kollateral eliġibbli ieħor skont l-Approċċ IRB**

1. Għal kollateral li huwa proprjetà immobbli, il-kollateral għandu jiġi vvalutat minn valutatur indipendenti daqs il-valur tas-suq jew inqas. Istituzzjoni għandha teħtieġ li l-valutatur indipendenti jiddokumenta l-valur tas-suq b'mod trasparenti u ċar.

F'dawk l-Istati Membri li stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur ta' self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji il-proprjetà tista', minflok, tiġi vvalutata minn valutatur indipendenti daqs il-valur tas-self ipotekarju jew inqas. L-istituzzjonijiet għandhom jitolbu li l-valutatur indipendenti ma jqisx l-elementi spekulattivi fil-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju u li jiddokumenta dak il-valur b'mod trasparenti u ċar.

Il-valur tal-kollateral għandu jkun il-valur tas-suq jew il-valur tas-self ipotekarju mnaqqas kif xieraq sabiex jirrefletti r-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 208(3) u sabiex jikkunsidra kwalunkwe pretensjoni preċedenti fuq il-proprjetà.

2. Għar-riċevibbli, il-valur tar-riċevibbli għandu jkun l-ammont riċevibbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-kollateral fiżiku għajr il-proprjetà immobbli daqs il-valur tas-suq tiegħu. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-valur tas-suq huwa l-prezz stmat tal-proprjetà kieku kellha tinbiegħ fi transazzjoni distakkata bejn xerrej u bejjiegħ fid-data tal-valutazzjoni.

*Artikolu 230*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija għal kollateral eliġibbli ieħor skont l-Approċċ IRB**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw LGD* ikkalkulata skont dan il-paragrafu u l-paragrafu 2 bħala l-LGD għall-finijiet tal-Kapitolu 3.

Fejn il-proporzjon tal-valur tal-kollateral (C) għall-valur tal-iskopertura (E) ikun inqas mil-livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni tal-iskopertura (C*) kif stabbilit fit-Tabella 5, LGD* għandha tkun l-LGD stabbilita fil-Kapitolu 3 għall-iskoperturi mhux kollateralizzati għall-kontroparti. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-elementi elenkati fl-Artikolu 166(8) sa (10) billi jużaw fattur ta' konverżjoni jew perċentwal ta' 100 % u mhux il-fatturi ta' konverżjoni jew il-perċentwali indikati f'dawk il-paragrafi.

Fejn il-proporzjon tal-valur tal-kollateral għall-valur tal-iskopertura jaqbeż livell massimu ta' C** ieħor, u ogħla, kif stabbilit fit-Tabella 5, LGD* għandu jkun dak preskritt fit-Tabella 5.

Fejn il-livell meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni C** ma jinkisibx fir-rigward tal-iskopertura kumplessiva, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-iskopertura bħala żewġ skoperturi— waħda li tikkorrispondi għal dik il-parti li fir-rigward tagħha nkiseb il-livell meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni C** u waħda li tikkorrispondi għall-bqija.

2. L-LGD* applikabbli u l-livelli meħtieġa ta' kollateralizzazzjoni għall-partijiet iggarantiti tal-iskoperturi huma stabbiliti fit-Tabella 5 ta' dan il-paragrafu.

*Tabella 5*

**LGD minima għal partijiet iggarantiti tal-iskoperturi**

| | LGD* għal *skopertura* prijoritarja | LGD* għal *skoperturi* subordinati | Livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni tal-iskopertura (C*) | Livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni tal-iskopertura (C**) |
|---|---|---|---|---|
| Riċevibbli | 35 % | 65 % | 0 % | 125 % |
| Propjretà residenzjali/ proprjetà kummerċjali | 35 % | 65 % | 30 % | 140 % |
| Kollateral ieħor | 40 % | 70 % | 30 % | 140 % |

3. Minflok it-trattament stipulat fil-paragrafi 1 u 2, u soġġett għall-Artikolu 124(2), l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 50 % lill-parti tal-iskopertura li hija, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 125(2)(d) u l-Artikolu 126(2)(d) rispettivament, kollateralizzata fis-sħiħ minn proprjetà residenzjali jew proprjetà kummerċjali immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha fl-Artikolu 199(4).

*Artikolu 231*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija fil-każ ta' aggregazzjonijiet imħallta ta' kollateral**

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-valur ta' LGD* li għandha tuża bħala l-LGD għall-finijiet tal-Kapitolu 3 skont il-paragrafi 2 u 3 fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tuża l-Approċċ IRB biex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija;

(b) skopertura hija kollateralizzata kemm b'kollateral finanzjarju kif ukoll b'kollateral eliġibbli ieħor.

2. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa jaqsmu f'partijiet il-valur aġġustat għall-volatilità tal-iskopertura, miksub billi jiġi applikat l-aġġustament għall-volatilità kif stabbilit fl-Artikolu 223(5) għall-valur tal-iskopertura, sabiex tinkiseb parti koperta mill-kollateral finanzjarju eliġibbli, parti koperta mir-riċevibbli, parti koperta mill-kollateral li huwa proprjetà kummerċjali immobbli jew kollateral li huwa proprjetà residenzjali, parti koperta minn kollateral eliġibbli ieħor, u l-parti mhux garantita, kif applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw LGD* għal kull parti tal-iskopertura miksuba fil-paragrafu 2 b'mod separat b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 232*

**Protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu**

1. Fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212(1), depożiti ma' istituzzjonijiet terzi jistgħu jiġu ttrattati bħala garanzija mill-istituzzjoni terza.

2. Fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212(2), l-istituzzjonijiet għandhom jissoġġettaw il-porzjon tal-iskopertura kollateralizzata mill-valur attwali taċ-ċessjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti għat-trattament li ġej:

(a) fejn l-iskopertura hija soġġetta għall-Approċċ Standardizzat, għandha tkun ippeżata skont ir-riskju billi jintużaw il-piżijiet tar-riskju speċifikati fil-paragrafu 3;

(b) fejn l-iskopertura hija soġġetta għall-Approċċ IRB iżda mhux soġġetta għall-istimi proprji tal-LGD tal-istituzzjoni, għandha tiġi assenjata LGD ta' 40 %.

F'każ ta' diskrepanza fil-muniti, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur attwali taċ-ċessjoni skont l-Artikolu 233(3), u l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu hu l-valur attwali taċ-ċessjoni tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin fuq il-bażi ta' piż tar-riskju assenjat lil skopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja:

(a) piż tar-riskju ta' 20 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 20 %;

(b) piż tar-riskju ta' 35 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 50 %;

(c) piż tar-riskju ta' 70 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 100 %;

(d) piż tar-riskju ta' 150 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 150 %.

4. Istituzzjoni tista' tittratta strumenti riakkwistati fuq talba li huma eliġibbli skont l-Artikolu 200(c) bħala garanzija mill-istituzzjoni emittenti. Il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli għandu jkun li ġej:

(a) fejn l-istrument ser jiġi riakkwistat bil-valur nominali tiegħu, il-valur tal-protezzjoni għandu jkun dak l-ammont;

(b) fejn l-istrument ser jiġi riakkwistat bil-prezz tas-suq, il-valur tal-protezzjoni għandu jkun il-valur tal-istrument ivvalutat bl-istess mod bħat-titoli ta' dejn speċifikati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fl-Artikolu 197(4).

Subtaqsima 2

**Protezzjoni tal-kreditu mhux finanzjata**

*Artikolu 233*

**Valutazzjoni**

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-effetti tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu skont din is-Subtaqsima, il-valur tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu (G) għandu jkun l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas f'każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' pagament mill-mutwatarju jew f'każ ta' avvenimenti speċifikati oħrajn tal-kreditu.

2. Fil-każ ta' derivati tal-kreditu li bħala avveniment ta' kreditu ma jinkludux ir-ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi maħfra jew rinviju tal-ammont kapitali, tal-imgħax jew tat-tariffi li jirriżultaw f'avveniment ta' telf tal-kreditu, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas ma jkunx ogħla mill-valur tal-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-paragrafu 1 b'40 %;

(b) fejn l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas ikun ogħla mill-valur tal-iskopertura, il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu ma għandux ikun ogħla minn 60 % tal-valur tal-iskopertura.

3. Fejn il-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu tkun denominata f'munita differenti minn dik li fiha tkun denominata l-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu permezz tal-applikazzjoni ta' aġġustament għall-volatilità kif ġej:

$$G^* = G \cdot (1 - H_{fx})$$

fejn:

$G^*$ = l-ammont tal-protezzjoni tal-kreditu aġġustat għar-riskju tal-kambju,

$G$ = l-ammont nominali tal-protezzjoni tal-kreditu;

$H_{fx}$ = l-aġġustament għall-volatilità għal kull diskrepanza fil-muniti bejn il-protezzjoni tal-kreditu u l-obbligazzjoni sottostanti determinat skont il-paragrafu 4.

Fejn ma hemm l-ebda diskrepanza fil-muniti $H_{fx}$ tkun żero.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw l-aġġustamenti għall-volatilità għal kwalunkwe diskrepanza fil-muniti fuq perijodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ġranet ta' xogħol, bis-suppożizzjoni li ssir rivalutazzjoni kuljum, u jistgħu jikkalkulawhom abbażi tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità jew l-Approċċ tal-Istimi Proprji kif stabbilit fl-Artikoli 224 u 225 rispettivament. L-istituzzjonijiet għandhom iżidu l-aġġustamenti għall-volatilità skont l-Artikolu 226.

*Artikolu 234*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija f'każ ta' protezzjoni parzjali u segmentazzjoni**

Meta l-istituzzjoni tittrasferixxi parti mir-riskju ta' self f'segment wieħed jew aktar, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 5. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw limiti ta' materjalità fuq pagamenti li taħthom ma jsirx ebda pagament f'każ ta' telf bħala ekwivalenti għal pożizzjonijiet tal-ewwel telf miżmum u li jirriżultaw fi trasferiment tar-riskju f'segmenti.

*Artikolu 235*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 113(3) l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkoloaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-formula li ġejja:

$$\max \{0, E - G_A\} \cdot r + G_A \cdot g$$

*mathchar"762Cp) =-"rg_tag"*fejn:

$E$ = il-valur tal-iskopertura skont l-Artikolu 111; għal dan il-għan, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun ta' 100 % tal-valur tiegħu u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(1);

$G_A$ = l-ammont ta' protezzjoni tar-riskju tal-kreditu kif ikkalkulat fl-Artikolu 233(3) (G*) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanzi fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5;

$r$ = il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għad-debitur kif speċifikat fil-Kapitolu 2;

$g$ = il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għall-fornituri tal-protezzjoni kif speċifikat fil-Kapitolu 2.

2. Fejn l-ammont protett ($G_A$) huwa inqas mill-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-formula speċifikata fil-paragrafu 1 biss fejn il-partijiet protetti u mhux protetti tal-iskopertura għandhom prijorità ugwali.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jestendu t-trattament stipulat fl-Artikolu 114(4) u (7) għal skoperturi jew partijiet ta' skoperturi ggarantiti mill-gvern ċentrali jew il-bank ċentrali, fejn il-garanzija hija denominata fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju u l-iskopertura hija ffinanzjata f'dik il-munita.

*Artikolu 236*

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB**

1. Għall-porzjon kopert tal-valur tal-iskopertura (E), ibbażat fuq il-valur aġġustat tal-protezzjoni tal-kreditu $G_A$, il-PD għall-finijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tista' tkun il-PD tal-fornitur tal-protezzjoni, jew PD bejn dik tal-mutwatarju u dik tal-garanti fejn sostituzzjoni sħiħa mhijiex meqjusa ġġustifikata. Fil-każ ta' skoperturi subordinati u protezzjoni mhux iffinanzjata u mhux subordinata, l-LGD li trid tiġi applikata mill-istituzzjonijiet għall-finijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 3 tista' tkun dik assoċjata mal-pretensjonijiet prijoritarji.

2. Għal kwalunkwe porzjon mhux kopert tal-valur tal-iskopertura (E) il-PD għandha tkun dik tal-mutwatarju u l-LGD għandha tkun dik tal-iskopertura sottostanti.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, $G_A$ huwa l-valur ta' G* kif ikkalkulat skont l-Artikolu 233(3) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5. E huwa l-valur tal-iskopertura ddeterminat skont it-Taqsima 5 tal-Kapitolu 3. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-elementi elenkati fl-Artikolu 166(8) sa (10) billi jużaw fattur ta' konverżjoni jew perċentwal ta' 100 % u mhux il-fatturi ta' konverżjoni jew il-perċentwali indikati f'dawk il-paragrafi.

## Section 5

## Maturity mismatches

*Artikolu 237*

### Diskrepanza fil-maturità

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, diskrepanza fil-maturità sseħħ meta l-maturità reżidwa tal-protezzjoni tal-kreditu tkun inqas minn dik tal-iskopertura protetta. Fejn il-protezzjoni jkollha maturità reżidwa ta' inqas minn tliet xhur u l-maturità tal-protezzjoni tkun inqas mill-maturità tal-iskopertura sottostanti, dik il-protezzjoni ma tikkwalifikax bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

2. Fejn ikun hemm diskrepanza fil-maturità, il-protezzjoni tal-kreditu ma għandhiex tikkwalifika bħala eliġibbli fejn tintlaħaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-maturità oriġinali tal-protezzjoni hija inqas minn sena;

(b) l-iskopertura hija skopertura b'terminu qasir speċifikata mill-awtoritajiet kompetenti li hija soġġetta għal livell minimu ta' ġurnata minflok ta' sena fir-rigward tal-valur tal-maturità (M) skont l-Artikolu 162(3).

*Artikolu 238*

### Maturità tal-protezzjoni tal-kreditu

1. Soġġett għal massimu ta'ħames snin, il-maturità effettiva tal-attività sottostanti għandha tkun l-itwal żmien li jifdal possibbli qabel ma d-debitur ikun skedat li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu. Soġġett għall-paragrafu 2, il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun iż-żmien għall-eqreb data li fiha l-protezzjoni tista' tintemm jew tiġi tterminata.

2. Fejn ikun hemm l-għażla li tiġi tterminata l-protezzjoni li hija fid-diskrezzjoni tal-bejjiegħ tal-protezzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-maturità tal-protezzjoni bħala ż-żmien għall-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata l-għażla. Fejn hemm għażla sabiex tiġi tterminata l-protezzjoni u tkun fid-diskrezzjoni tax-xerrej tal-protezzjoni u t-termini tal-arranġament li ħoloq il-protezzjoni jkun fihom inċentiv pożittiv għall-istituzzjoni biex ittermina t-transazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali, l-istituzzjoni għandha tieħu l-maturità tal-protezzjoni bħala l-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata l-għażla; altrimenti, l-istituzzjoni tista' tikkunsidra li tali għażla ma taffettwax il-maturità tal-protezzjoni.

3. Fejn derivat tal-kreditu mhuwiex projbit milli jiġi tterminat qabel l-iskadenza ta' xi perijodu ta' konċessjoni meħtieġ sabiex isseħħ inadempjenza fuq l-obbligazzjoni sottostanti bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' ħlas, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-maturità tal-protezzjoni bit-tul taż-żmien tal-perijodu ta' konċessjoni.

*Artikolu 239*

### Valutazzjoni tal-protezzjoni

1. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju, fejn hemm diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni, il-kollateral ma jikkwalifikax bħala protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli.

2. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, l-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u tal-iskopertura fil-valur aġġustat tal-kollateral skont il-formula li ġejja:

$$C_{VAM} = C_{VA} \cdot \frac{t - t^*}{T - t^*}$$

fejn:

$C_{VA}$ = il-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral kif speċifikat fl-Artikolu 223(2) jew l-amount tal-iskopertura, liema minnhom ikun l-inqas;

t = huwa l-għadd ta' snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew il-valur ta' T, liema minnhom ikun l-inqas;

T = l-għadd ta' snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-iskopertura ikkalkolat skont l-Artikolu 238, jew ħames snin, liema minnhom ikun l-inqas;

t* = 0,25.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw $C_{VAM}$ bħala $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għal diskrepanza fil-maturità fil-formula għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) stabbilit fl-Artikolu 223(5).

3. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jirreflettu l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u tal-iskopertura fil-valur aġġustat tal-protezzjoni tal-kreditu skont il-formula li ġejja:

$$G_A = G^* \cdot \frac{t - t^*}{T - t^*}$$

fejn:

$G_A$ = G* aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità;

G* = l-ammont tal-protezzjoni aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-muniti;

t = huwa l-għadd ta' snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew il-valur ta' T, liema minnhom ikun l-inqas;

T = huwa l-għadd ta' snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-iskopertura kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew ħames snin, liema minnhom ikun l-inqas;

t* = 0,25.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw $G_A$ bħala l-valur tal-protezzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 233 sa 236.

Taqsima 6

**Tekniki ta' CRM għal baskets**

*Artikolu 240*

**Derivati tal-kreditu tat-tip "first-to-default"**

Fejn l-istituzzjoni tikseb protezzjoni tal-kreditu għal għadd ta' skoperturi bil-kondizzjoni li l-ewwel inadempjenza fost l-iskoperturi għandha tikkawża pagament u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jittermina l-kuntratt, l-istituzzjoni tista' temenda l-kalkolu tal-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, kif rilevanti, l-ammont ta' telf mistenni tal-iskopertura li kieku, fl-assenza tal-protezzjoni tal-kreditu, tkun tipproduċi l-inqas ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju skont dan il-Kapitolu:

(a) għal istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Standardizzat, l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju għandu jkun dak ikkalkulat skont l-Approċċ Standardizzat;

(b) għal istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju għandu jkun is-somma tal-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju ikkalkulat skont l-Approċċ IRB u 12.5 darbiet l-ammont tat-telf mistenni.

It-trattament stipulat f'dan l-Artikolu japplika biss fejn il-valur tal-iskopertura jkun inqas minn jew daqs il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu.

*Artikolu 241*

**Derivati tal-kreditu tat-tip "nth-to-default"**

Fejn l-inadempjenza numru "n" fost l-iskoperturi tikkawża pagament taħt il-protezzjoni tal-kreditu, l-istituzzjoni li tixtri l-protezzjoni tista' biss tirrikonoxxi l-protezzjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, kif applikabbli, l-ammonti ta' telf mistennija fejn il-protezzjoni tkun inkisbet ukoll għall-inadempjenzi numru 1 sa numru n-1 jew meta jkunu diġà seħħew inadempjenzi numru 'n-1'. F'tali każijiet, l-istituzzjoni tista' temenda l-kalkolu tal-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju u, kif applikabbli, l-ammont ta' telf mistenni tal-iskopertura, li fin-nuqqas tal-protezzjoni tal-kreditu kieku kienu jipproduċu l-ammont tan-numru n l-aktar baxx tal-iskoperturi ppeżata skont ir-riskju skont dan il-Kapitolu. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont tan-numru n l-aktar baxx kif speċifikat fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 240.

It-trattament stipulat f'dan l-Artikolu japplika biss fejn il-valur tal-iskopertura jkun inqas minn jew daqs il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu.

L-iskoperturi kollha fil-basket għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 204(2) u l-Artikolu 216(1)(d).

*KAPITOLU 5*

***Titolizzazzjoni***

Taqsima 1

**Definizzjonijiet**

*Artikolu 242*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'marġni pożittiv' tfisser irkupru ta' imposti finanzjarji jew dħul minn tariffi oħrajn irċevuti fir-rigward tal-iskoperturi titolizzati nett mill-ispejjeż u l-infiq;

(2) 'opzjoni ta' sejħa għal clean-up' tfisser opzjoni kuntrattwali għall-oriġinatur sabiex jirriakkwista jew itemm il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni qabel ma l-iskoperturi sottostanti kollha jkunu tħallsu lura, fejn l-ammont ta' skoperturi pendenti jaqa' taħt livell speċifikat;

(3) 'faċilità ta' likwidità' tfisser il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tirriżulta minn ftehim kuntrattwali sabiex jiġi pprovdut finanzjament biex jiżgura l-prontezza tal-flussi tal-flus lill-investituri;

(4) '$K_{IRB}$' tfisser 8 % tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju li jkunu kkalkulati skont il-Kapitolu 3 fir-rigward tal-iskoperturi titolizzati, kieku ma ġewx titolizzati, miżjuda bl-ammont tat-telf mistenni assoċjat ma' dawk l-iskoperturi kkalkulati skont dak il-Kapitolu;

(5) ‘metodu abbażi tal-klassifikazzjonijiet’ tfisser il-metodu tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni skont l-Artikolu 261;

(6) ‘metodu tal-formula superviżorja’ tfisser il-metodu tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju għal pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni skont l-Artikolu 262;

(7) ‘pożizzjoni mhux klassifikata’ tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li ma għandhiex valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli minn ECAI kif imsemmi fit-Taqsima 4;

(8) ‘pożizzjoni klassifikata’ tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li għandha valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli minn ECAI kif imsemmi fit-Taqsima 4;

(9) ‘programm ta’ karta kummerċjali garantita b’assi (ABCP - asset-backed commercial paper programme)’ tfisser programm ta’ titolizzazzjonijiet, li garanziji maħruġa minnu fil-biċċa l-kbira jieħdu l-forma ta’ karta kummerċjali b’maturità oriġinali ta’ sena jew inqas;

(10) ‘titolizzazzjoni tradizzjonali’ tfisser titolizzazzjoni li tinvolvi t-trasferiment ekonomiku tal-iskoperturi li jkunu titolizzati. Dan għandu jseħħ permezz tat-trasferiment tas-sjieda tal-iskoperturi titolizzati mill-istituzzjoni oriġinatriċi lil SSPE jew permezz ta’ subparteċipazzjoni minn SSPE. It-titoli maħruġa ma jirrappreżentawx obbligazzjonijiet ta’ pagament tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(11) ‘titolizzazzjoni sintetika’ tfisser titolizzazzjoni fejn it-trasferiment tar-riskju jinkiseb permezz tad-derivati tal-kreditu jew garanziji, u l-iskoperturi titolizzati jibqgħu skoperturi tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(12) ‘skopertura rotanti’ tfisser skopertura fejn il-bilanċi pendenti tal-konsumaturi jitħallew ivarjaw skont id-deċiżjonijiet tagħhom ta’ teħid ta’ self u ripagament, sa limitu miftiehem;

(13) ‘titolizzazzjoni rotanti’ tfisser titolizzazzjoni fejn l-istruttura nnifisha tat-titolizzazzjoni tkun rotanti billi l-iskoperturi jiżdiedu jew jitneħħew mill-aggregazzjoni ta’ skoperturi irrispettivament milli jekk l-iskoperturi humiex rotanti jew le;

(14) ‘klawżola ta’ ammortizzazzjoni antiċipata’ tfisser klawżola kuntrattwali f’titolizzazzjoni ta’ skoperturi rotanti jew titolizzazzjoni rotanti li teħtieġ, meta jseħħu avvenimenti definiti, li l-pożizzjonijiet tal-investituri jissarrfu qabel il-maturità miftiehma oriġinalment tat-titoli maħruġa;

(15) ‘segment tal-ewwel telf’ tfisser is-segment l-aktar subordinat f’titolizzazzjoni li jkun l-ewwel segment li jġorr it-telf imġarrab fuq l-iskoperturi titolizzati u li b’hekk jipprovdi protezzjoni għat-tieni telf u, fejn rilevanti, segmenti kklassifikati ogħla.

### Taqsima 2

### Rikonoxximent ta’ trasferiment sinifikanti tar-riskju

*Artikolu 243*

**Titolizzazzjoni tradizzjonali**

1. L-istituzzjoni oriġinatriċi ta’ titolizzazzjoni tradizzjonali tista’ teskludi skoperturi titolizzati mill-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju u ammonti ta’ telf mistennija jekk tintlaħaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) riskju tal-kreditu sinifikanti assoċjat mal-iskoperturi titolizzati ikun ikkunsidrat li ġie trasferit lil partijiet terzi;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika piż tar-riskju ta’ 1 250 % għall-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni kollha li għandha f’din it-titolizzazzjoni jew tnaqqas dawn il-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni mill-elementi ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad skont l-Artikolu 36(1)(k).

2. Għandu jiġi kkunsidrat li riskju tal-kreditu sinifikanti ġie trasferit fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni intermedji miżmuma mill-istituzzjoni oriġinatriċi f’din it-titolizzazzjoni ma jaqbżux il-50 % tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni intermedji kollha f’din it-titolizzazzjoni;

(b) fejn mhemmx pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni intermedji f’titolizzazzjoni partikolari u l-oriġinatur jista’ juri li l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għal tnaqqis mill- Ekwità Komuni ta’ Grad 1 jew piż tar-riskju ta’ 1 250 % jaqbeż l-istima raġunata tat-telf mistenni fuq l-iskoperturi titolizzati b’marġni sostanzjali, l-istituzzjoni oriġinatriċi ma żżomx aktar minn 20 % tal-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għal tnaqqis mill- Ekwità Komuni ta’ Grad 1 jew piż tar-riskju ta’ 1 250 %;

Fejn it-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju, li l-istituzzjoni oriġinatriċi tikseb permezz ta’ din it-titolizzazzjoni ma jkunx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, l-awtoritajiet kompetenti tista’ tiddeċiedi fuq bażi ta’ każ b’każ li ma għandux jiġi kkunsidrat li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji tfisser pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li japplika għalihom piż tar-riskju aktar baxx minn 1 250 % u li huma aktar subordinati mill-maġġoranza tal-pożizzjonijiet prijoritarji f'din it-titolizzazzjoni u l-aktar subordinati fost il-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni f'din it-titolizzazzjoni li għaliha tkun assenjata waħda minn dawn li ġejjin skont din it-Taqsima 4:

(a) fil-każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni soġġetta għat-Taqsima 3, is-Subtaqsima 3 livell 1 tal-kwalità tal-kreditu;

(b) fil-każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni soġġetta għat-Taqsima 3, is-Subtaqsima 4 livell 1 jew 2 tal-kwalità tal-kreditu.

4. Minflok il-paragrafi 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lill-istituzzjonijiet oriġinaturi sabiex jikkunsidraw li riskju tal-kreditu sinifikanti jkun ġie trasferit fejn l-istituzzjoni oriġinatriċi tista' turi, f'kull każ ta' titolizzazzjoni, li t-tnaqqis fir-rekwiżiti tal-fondi proprjifondi proprji li l-oriġinatriċi tikseb permezz tat-titolizzazzjoni huwa ġustifikat minn trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi.

Għandu jingħata permess biss fejn l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha fis-seħħ politiki u metodoloġiji sensittivi għar-riskji adegwati biex jivvalutaw it-trasferiment tar-riskju;

(b) l-istituzzjoni rrikonoxxiet ukoll it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi f'kull każ għall-finijiet tal-ġestjoni interna tar-riskji tal-istituzzjoni u l-allokazzjoni interna tal-kapital tagħha.

5. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4, kif applikabbli, għandhom jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tirrefletti s-sustanza ekonomika tat-transazzjoni;

(b) l-iskoperturi titolizzati ma jkunux aċċessibbli għall-istituzzjoni oriġinatriċi u l-kredituri tagħha, inklużi fil-każijiet ta' falliment u riċevitura. Dan għandu jkun appoġġat bl-opinjoni ta' konsulent legali kkwalifikat;

(c) it-titoli maħruġa ma jirrappreżentawx obbligazzjonijiet ta' pagament tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(d) l-istituzzjoni oriġinatriċi ma żżommx kontroll effettiv jew indirett fuq l-iskoperturi trasferiti. Oriġinatur għandu jitqies li żamm kontroll effettiv fuq l-iskoperturi trasferiti jekk għandu d-dritt li jakkwista mill-ġdid mingħand id-destinatarju tat-trasferiment l-iskoperturi li kienu trasferiti sabiex jirrealizza l-benefiċċji tagħhom jew jekk huwa obbligat jerġa' tassumi r-riskju ttrasferit. Iż-żamma mill-istituzzjoni oriġinatriċi tad-drittijiet ta' amministrazzjoni jew tal-obbligazzjonijiet fir-rigward tal-iskoperturi ma għandhiex tikkostitwixxi minnha nfisha kontroll indirett tal-iskoperturi;

(e) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ma jkunx fiha klawżoli li ħlief fil-każ ta' klawżoli ta' ammortizzazzjoni antiċipata, jeħtieġu li pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni jittejbu mill-istituzzjoni oriġinatriċi inklużi iżda mhux limitati għall-modifikazzjoni tal-iskoperturi għall-kreditu sottostanti jew iż-żieda tar-rendiment pagabbli lill-investituri bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi titolizzati;

(ii) ma jkunx fiha klawżoli li jżidu r-rendiment pagabbli lid-detenturi tal-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-aggregazzjoni sottostanti;

(iii) tagħmilha ċara, fejn applikabbli, li kwalunkwe akkwist jew riakkwist ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur jew l-isponsor li jmorru lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħha huwa eċċezzjonali u jista' jsir biss skont kondizzjonijiet normali tas-suq;

(f) fejn hemm opzjoni ta' sejħa għal clean-up, dik l-opzjoni għandha tissodisfa wkoll il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) hija eżerċitabbli fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(ii) tista' tiġi eżerċitata biss meta jibqa' mhux ammortizzat 10 % jew inqas tal-valur oriġinali tal-iskoperturi titolizzati;

(iii) mhijiex strutturata b'mod li tevita l-allokazzjoni ta' telf lil pożizzjonijiet ta' rinforz tal-kreditu jew pożizzjonijiet oħra tal-investituri u li b'xi mod ieħor hija strutturata sabiex tipprovdi rinforz fil-kreditu.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lill-ABE infurmata dwar każijiet speċifiċi, imsemmija fil-paragrafu 2, fejn it-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju mhuwiex ġustifikat permezz ta' trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, u dwar l-użu li l-istituzzjonijiet jagħmlu tal-paragrafu 4. L-ABE għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE għandha teżamina l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' dawk il-linji gwida u tagħti parir lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017 dwar jekk huwiex meħtieġ standard tekniku vinkolanti.

*Artikolu 244*

**Titolizzazzjoni sintetika**

1. Istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika tista' tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, u, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija, għall-iskoperturi titolizzati skont l-Artikolu 249, jekk waħda milli ġejjin tkun issodisfatta:

(a) huwa kkunsidrat li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi permezz ta' protezzjoni tal-kreditu iffinanzjata jew inkella mhux iffinanzjata;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha li għandha f'din it-titolizzazzjoni jew tnaqqas dawn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont l-Artikolu 36(1)(k).

2. Għandu jiġi kkunsidrat li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti jekk tintlaħaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji miżmuma mill-istituzzjoni oriġinatriċi f'din it-titolizzazzjoni ma jaqbżux il-50 % tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji kollha li jinsabu fit-titolizzazzjoni;

(b) fejn mhemmx pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji f'titolizzazzjoni partikolari u l-oriġinatur jista' juri li l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għal tnaqqis mill-Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew piż tar-riskju ta' 1 250 % jaqbeż l-istima raġunata tat-telf mistenni fuq l-iskoperturi titolizzati b'marġni sostanzjali, l-istituzzjoni oriġinatriċi ma żżomx aktar minn 20 % tal-valur tal-iskoperturi tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għal tnaqqis mill-Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew piż tar-riskju ta' 1 250 %;

(c) fejn it-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, li l-istituzzjoni oriġinatriċi tikseb permezz ta' din it-titolizzazzjoni ma jkunx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ li ma għandux jiġi kkunsidrat li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedji tfisser pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika piż tar-riskju inqas minn 1 250 % u li jkunu aktar subordinati mill-aktar pożizzjoni prijoritarja f'din it-titolizzazzjoni u l-aktar subordinati fost il-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni f'din it-titolizzazzjoni li għaliha tkun assenjata waħda minn dawn ġejjin skont it-Taqsima 4:

(a) fil-każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni soġġetta għat-Taqsima 3, is-Subtaqsima 3 livell 1 tal-kwalità tal-kreditu;

(b) fil-każ ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni suġġetta għat-Taqsima 3, is-Subtaqsima 4 livell 1 jew 2 tal-kwalità tal-kreditu.

4. Minflok il-paragrafi 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lill-istituzzjonijiet oriġinaturi sabiex jikkunsidraw li riskju tal-kreditu sinifikanti jkun ġie trasferit fejn l-istituzzjoni oriġinatriċi tista' turi, f'kull każ ta' titolizzazzjoni, li t-tnaqqis fir-rekwiżiti tal-fondi proprjifondi proprji li l-oriġinatriċi tikseb permezz tat-titolizzazzjoni huwa ġustifikat minn trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi.

Għandu jingħata permess biss fejn l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha fis-seħħ politiki u metodoloġiji sensittivi għar-riskji adegwati biex jivvalutaw it-trasferiment tar-riskju;

(b) l-istituzzjoni rrikonoxxiet ukoll it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi f'kull każ għall-finijiet tal-ġestjoni interna tar-riskji tal-istituzzjoni u l-allokazzjoni interna tal-kapital tagħha.

5. Barra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4, kif applikabbli, it-trasferiment għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tirrefletti s-sustanza ekonomika tat-transazzjoni;

(b) il-protezzjoni tal-kreditu li biha huwa ttrasferit ir-riskju tal-kreditu jikkonforma mal-Artikolu 247(2);

(c) l-istrumenti użati għat-trasferiment tar-riskju tal-kreditu ma fihomx termini jew kondizzjonijiet li:

(i) jimponu limiti sinifikanti ta' materjalità li taħthom il-protezzjoni tal-kreditu ma titqiesx li ġiet skattata jekk iseħħ avveniment ta' kreditu;

(ii) jippermettu t-terminazzjoni tal-protezzjoni minħabba deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi sottostanti;

(iii) għajr fil-każ ta' klawżoli ta' ammortizzazzjoni antiċipata, jeħtieġu li l-istituzzjoni oriġinatriċi ttejjeb il-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni;

(iv) iżidu l-ispejjeż tal-protezzjoni tal-kreditu tal-istituzzjoni jew ir-rendiment pagabbli lid-detenturi ta' pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-aggregazzjoni sottostanti;

(d) tinkiseb opinjoni minn konsulent legali kkwalifikat li jikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha;

(e) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni għandha tagħmilha ċara, fejn ikun applikabbli, li kull akkwist jew riakkwist ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur jew mill-isponsor lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tiegħu jista' jsir biss skont kondizzjonijiet normali tas-suq;

(f) fejn hemm opzjoni ta' sejħa għal clean-up, dik l-opzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) hija eżerċitabbli fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(ii) tista' tiġi eżerċitata biss meta jibqa' mhux ammortizzat 10 % jew inqas tal-valur oriġinali tal-iskoperturi titolizzati;

(iii) mhijiex strutturata b'mod li tevita l-allokazzjoni ta' telf lil pożizzjonijiet ta' rinforz tal-kreditu jew pożizzjonijiet oħra tal-investituri u li b'xi mod ieħor hija strutturata sabiex tipprovdi rinforz fil-kreditu.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lill-ABE infurmata dwar każijiet speċifiċi, imsemmija fil-paragrafu 2, fejn it-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju mhuwiex ġustifikat permezz ta' trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, u dwar l-użu li l-istituzzjonijiet jagħmlu tal-paragrafu 4. L-ABE għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE għandha teżamina l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' dawk il-linji gwida u tagħti parir lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017 dwar jekk huwiex meħtieġ standard tekniku vinkolanti.

Taqsima 3

## Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju

Subtaqsima 1

### Prinċipji

*Artikolu 245*

### Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju

1. Fejn istituzzjoni oriġinatriċi tkun ittrasferiet riskju tal-kreditu sinifikanti assoċjat ma' skoperturi titolizzati skont it-Taqsima 2, dik l-istituzzjoni tista':

(a) fil-każ ta' titolizzazzjoni tradizzjonali, teskludi mill-kalkoli tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, u, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija, l-iskoperturi li hija tkun ittitolizzat;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjoni sintetika, tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, u, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija, fir-rigward tal-iskoperturi titolizzati skont l-Artikoli 249 u 250.

2. Fejn l-istituzzjoni oriġinatriċi tkun iddeċidiet li tapplika l-paragrafu 1, għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju preskritti f'dan il-Kapitolu għall-pożizzjonijiet li jista' jkollha fit-titolizzazzjoni.

Fejn l-istituzzjoni oriġinatriċi ma tkunx ittrasferietx riskju tal-kreditu sinifikanti jew tkun iddeċidiet li ma tapplikax il-paragrafu 1, ma għandhiex għalfejn tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-ebda pożizzjoni li jista' jkollha fit-titolizzazzjoni inkwistjoni iżda għandha tkompli tinkludi l-iskoperturi titolizzati fil-kalkoli tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju daqs li kieku ma ġewx titolizzati.

3. Fejn hemm skopertura għal segmenti differenti f'titolizzazzjoni, l-iskopertura għal kull segment għandha tiġi kkunsidrata bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni separata. Il-fornituri tal-protezzjoni tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati li għandhom pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jinkludu skoperturi għal titolizzazzjoni li ġejjin minn kuntratti derivati minn rati ta' imgħax jew muniti.

4. Sakemm pożizzjoni ta' titolizzazzjoni ma tkunx imnaqqsa mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont l-Artikolu 36(1)(k), l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju għandha tiġi inkluża fl-ammonti totali ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 92(3).

5. L-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi jiġi applikat għall-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni, ikkalkulat kif stabbilit fl-Artikolu 246, il-piż tar-riskju totali rilevanti.

6. Il-piż tar-riskju totali għandu jiġi ddeterminat bħala s-somma tal-piż tar-riskju stabbilit f'dan il- Kapitolu u kwalunkwe piż tar-riskju addizzjonali skont l-Artikolu 407.

*Artikolu 246*

### Valur tal-iskopertura

1. Il-valur tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) fejn istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju taħt is-Subtaqsima 3, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tidher fil-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur kontabbli tagħha li jifdal wara li jiġu applikati l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju tal-kreditu ttrattati skont l-Artikolu 110;

(b) fejn istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont is-Subtaqsima 4, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tidher fil-karta tal-bilanċ għandha tkun il-valur kontabbli kkalkulat mingħajr ma jitqies l-ebda aġġustament li sar għar-riskju tal-kreditu ttrattati skont l-Artikolu 110;

(c) fejn istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont is-Subtaqsima 3, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur nominali tagħha, imnaqqas minn kwalunkwe aġġustament speċifiku tar-riskju tal-kreditu ta' dik il-pożizzjoni titolizzata, immultiplikat b'fattur ta' konverżjoni kif preskritt f'dan il-Kapitolu. Il-fattur ta' konverżjoni għandu jkun ta' 100 % sakemm mhux speċifikat mod ieħor;

(d) fejn l-istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont is-Subtaqsima 4, il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur nominali tagħha mmultiplikat b'fattur ta' konverżjoni kif preskritt f'dan il-Kapitolu. Il-fattur ta' konverżjoni għandu jkun ta' 100 % sakemm mhux speċifikat mod ieħor;

(e) Il-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti ta' strument derivat elenkat fl-Anness II, għandu jkun determinat skont il-Kapitolu 6.

2. Fejn istituzzjoni jkollha żewġ pożizzjonijiet jew aktar sovrapposti f'titolizzazzjoni, hija għandha, sal-punt li jkun hemm sovrappożizzjoni bejniethom, tinkludi fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju biss il-pożizzjoni jew il-porzjon ta' pożizzjoni li tipproduċi l-ogħla ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju. L-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi wkoll tali sovrappożizzjoni bejn rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar, sakemm l-istituzzjoni tista' tikkalkula u tqabbel ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għall-pożizzjonijiet rilevanti. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, sovrappożizzjoni sseħħ meta l-pożizzjonijiet, kompletament jew parzjalment, jirrappreżentaw skopertura għall-istess riskju b'mod li, sal-punt tas-sovrappożizzjoni, ikun hemm skopertura waħda.

3. Fejn l-Artikolu 268(c) japplika għal pożizzjonijiet fl-ABCP, l-istituzzjoni tista' tuża l-piż tar-riskju assenjat għal faċilità ta' likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju għall-ABCP sakemm 100 % tal-ABCP maħruġa mill-programm tkun koperta minn din jew minn faċilitajiet ta' likwidità oħrajn u dawn il-faċilitajiet kollha ta' likwidità ikunu kklassifikati pari passu mal-ABCP biex b'hekk jiffurmaw pożizzjonijiet ta' sovrapożizzjoni.

L-istituzzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar użu li tagħmel minn dak it-trattament.

*Artikolu 247*

**Rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni**

1. Istituzzjoni tista' tirrikonoxxi protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu miksuba fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont il-Kapitolu 4 u soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitolu 4.

Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli hija limitata għal kollateral finanzjarju li huwa eliġibbli għall-kalkolu ta' ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju taħt il-Kapitolu 2 kif stabbilit taħt il-Kapitolu 4 u r-rikonoxximent huwa soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti rilevanti kif stabbiliti taħt il-Kapitolu 4.

2. Protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli u l-fornituri ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu huma limitati għal dawk li huma eliġibbli skont il-Kapitolu 4 u r-rikonoxximent huwa soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti taħt il-Kapitolu 4.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-fornituri eliġibbli ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu elenkati fil-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 201(1) ħlief għal kontropartijiet ċentrali li jikkwalifikaw għandu jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta li ġiet determinata li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont l-Artikolu 136 u kellhom jiġu assoċjati mal-livell 2 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu meta ġiet rikonoxxuta għall-ewwel darba il-protezzjoni tal-kreditu. L-istituzzjonijiet li għandhom permess japplikaw l-Approċċ IRB għal skopertura diretta għall-fornitur tal-protezzjoni jistgħu jivvalutaw l-eliġibbiltà skont l-ewwel sentenza abbażi tal-ekwivalenza tal-PD għall-fornitur tal-protezzjoni lill-PD assoċjata mal-livelli tal-kwalità tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 136.

4. B' deroga mill-paragrafu 2, SSPEs huma fornituri tal-protezzjoni eliġibbli fejn huma sidien ta' assi li jikkwalifikaw bħala kollateral finanzjarju eliġibbli u li għalihom mhemmx drittijiet jew drittijiet kontinġenti li huma superjuri jew li jikklassifikaw pari passu mad-drittijiet kontinġenti tal-istituzzjoni li tirċievi l-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha għar-rikonoxximent tal-kollateral finanzjarju fil-Kapitolu 4.F'dawn il-każijiet, GA (l-ammont tal-protezzjoni aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-muniti u diskrepanza fil-maturità skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4) għandu jkun limitat għall-valur tas-suq aġġustat għall-volatilità ta' dawk l-assi u g (il-piż tar-riskju ta' skoperturi għall-fornitur tal-protezzjoni kif speċifikat skont l-Approċċ Standardizzat) għandu jkun determinat bħala l-piż tar-riskju medju ppeżat li jkun japplika għal dawk l-assi bħala kollateral finanzjarju skont l-Approċċ Standardizzat.

*Artikolu 248*

**Appoġġ impliċitu**

1. Istituzzjoni sponsor, jew istituzzjoni oriġinatriċi li fir-rigward tat-titolizzazzjoni għamlet użu mill-Artikolu 245(1) u (2) għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju jew biegħet strumenti mill-portafoll tan-negozjar tagħha

b'mod li ma għadhiex aktar meħtieġa jkollha fondi proprji għar-riskji ta' dawk l-istrumenti ma għandhiex, bil-għan li tnaqqas it-telf potenzjali jew reali għall-investituri, tipprovdi appoġġ lit-titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħha. Transazzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata li tipprovdi appoġġ jekk hija eżegwita f'kondizzjonijiet normali tas-suq u jekk jittieħed kont tagħha fil-valutazzjoni tat-trasferiment ta' riskju sinifikanti. Kull tali transazzjoni għandha, irrispettivament minn jekk tagħtix appoġġ, tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti u soġġetta għall-analiżi tal-kreditu u l-proċess ta' approvazzjoni tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha, meta tivvaluta jekk it-transazzjoni hijiex strutturata sabiex tipprovdi appoġġ, tikkonsidra b'mod adegwat mill-inqas dan kollu li ġej:

(a) il-prezz tar-riakkwist;

(b) il-pożizzjoni tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni qabel u wara r-riakkwist;

(c) il-prestazzjoni tal-iskoperturi titolizzati;

(d) il-prestazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(e) l-impatt tal-appoġġ fuq it-telf li l-oriġinatur mistenni li jġarrab relattivament għall-investituri.

2. L-ABE għandha, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar x'jikkostitwixxi f'kondizzjonijiet normali tas-suq u dwar meta transazzjoni ma tkunx strutturata b'mod li tipprovdi appoġġ.

3. Jekk istituzzjoni oriġinatriċi jew istituzzjoni sponsor tonqos milli tikkonforma mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' titolizzazzjoni, bħala minimu din l-istituzzjoni għandu jkollha fondi proprji kontra l-iskoperturi titolizzati kollha daqs li kieku ma ġewx titolizzati.

Subtaqsima 2

**Kalkolu tal-istituzzjonijiet oriġinaturi tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju titolizzati f' titolizzazzjoni sintetika**

*Artikolu 249*

**Trattament ġenerali**

Fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi titolizzati, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 244, l-istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika għandha, soġġett għall-Artikolu 250, tuża l-metodoloġiji ta' kalkolu rilevanti stabbiliti f'din it-Taqsima u mhux dawk stabbiliti fil-Kapitolu 2. Għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont il-Kapitolu 3, l-ammont ta' telf mistenni fir-rigward ta' tali skoperturi għandu ikunu żero.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu japplikaw għall-aggregazzjoni sħiħa ta' skoperturi inklużi fit-titolizzazzjoni. Soġġett għall-Artikolu 250, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju fir-rigward tas-segmenti kollha fit-titolizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima inklużi dawk li għalihom l-istituzzjoni tirrikonoxxi mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikolu 247, f'liema każ il-piż tar-riskju li għandu jiġi applikat għal dik il-pożizzjoni jista' jiġi emendat skont il-Kapitolu 4, soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 250*

**Trattament ta' diskrepanzi fil-maturitajiet f'titolizzazzjonijiet sintetiċi**

Għall-finijiet ta' kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Artikolu 249, kwalunkwe diskrepanza fil-maturità bejn il-protezzjoni tal-kreditu li tikkostitwixxi segment u li permezz tagħha jinkiseb it-trasferiment tar-riskju u l-iskoperturi titolizzati għandhom jiġu kkunsidrati kif ġej:

(a) il-maturità tal-iskoperturi titolizzati għandha titqies li tkun l-itwal maturità fost kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi soġġetta għal massimu ta' ħames snin. Il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tiġi determinata skont il-Kapitolu 4;

(b) istituzzjoni oriġinatriċi għandha tinjora kull diskrepanza fil-maturità fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal segmenti li jirriżultaw skont din it-Taqsima b'piż tar-riskju ta' 1 250 %. Għas-segmenti l-oħra kollha, għandu jiġi applikat it-trattament tad-diskrepanza fil-maturità stabbilit fil-Kapitolu 4 skont il-formula li ġejja:

$$RW^* = RW_{SP} \cdot \frac{t - t^*}{T - t^*} + RW_{Ass} \cdot \frac{T - t}{T - t^*}$$

fejn:

$RW^*$ = l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(3)(a);

$RW_{Ass}$ = l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal skoperturi jekk ma kienux ġew titolizzati, ikkalkulati fuq bażi prorata;

$RW_{SP}$ = ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati skont l-Artikolu 249 jekk ma kienx hemm diskrepanza fil-maturità;

$T$ = hija l-maturità ta' l-iskoperturi sottostanti espressa fi snin;

$t$ = maturità tal-protezzjoni tal-kreditu espressa fi snin;

$t^*$ = 0,25

Subtaqsima 3

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-approċċ standardizzat**

*Artikolu 251*

**Piżijiet tar-riskju**

Soġġetta għall-Artikolu 252, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni klassifikata billi tapplika l-piż tar-riskju rilevanti għall-valur tal-iskopertura.

Il-piż tar-riskju rilevanti għandu jkun il-piż tar-riskju kif stabbilit fit-Tabella 1, li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tal-pożizzjoni skont it-Taqsima 4.

*Tabella 1*

| Livell tal-Kwalità tal-Kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 (għal valutazzjonijiet tal-kreditu biss li mhumiex valutazzjonijet ta' kreditu b'terminu qasir) | il-livelli kollha l-oħra tal-kwalità tal-kreditu |
|---|---|---|---|---|---|
| Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni | 20 % | 50 % | 100 % | 350 % | 1 250 % |
| Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni | 40 % | 100 % | 225 % | 650 % | 1 250 % |

Soġġett għall-Artikoli 252 sa 255, l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' pożizzjoni titolizzata mhux klassifikata għandu jiġi kkalkulat billi jiġi applikat piż tar-riskju ta' 1 250 %.

*Artikolu 252*

**Istituzzjonijiet oriġinaturi u dawk sponsor**

Għall-istituzzjoni oriġinatriċi jew l-istituzzjoni sponsor, l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħha f'kull titolizzazzjoni jistgħu jiġu limitati għall-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju li li kieku attwalment jiġu kkalkulati għall-iskoperturi titolizzati kieku ma kinux titolizzati soġġett għall-applikazzjoni preżunta ta' piż tar-riskju ta' 150 % għal dawn li ġejjin:

(a) l-elementi kollha attwalment inadempjenti;

(b) l-elementi kollha assoċjati ma' riskju partikolarment għoli skont l-Artikolu 128 fost l- iskoperturi titolizzati.

*Artikolu 253*

**Trattament ta' pożizzjonijiet mhux ikklassifikati**

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' pożizzjoni titolizzata mhux ikklassifikata istituzzjoni tista' tapplika l-piż tar-riskju medju ppeżat lijkun applikat għall-iskoperturi titolizzati fil-Kapitolu 2 mill-istituzzjoni li għandha l-iskoperturi, immultiplikat bil-proporzjon tal-konċentrazzjoni msemmi fil-paragrafu 2. Għal dan il-għan, l-istituzzjoni għandha tkun taf il-kompożizzjoni tal-aggregazzjoni tal-iskoperturi titolizzati li huma f'kull ħin titolizzati.

2. Il-proporzjon tal-konċentrazzjoni għandu jkun daqs is-somma tal-ammonti nominali tas-segmenti kollha diviża bis-somma tal-ammonti nominali tas-segmenti subordinati għal jew pari passu mas-segment li fih tinżamm il-pożizzjoni inkluż dak is-segment stess. Il-piż tar-riskju li jirriżulta ma għandux ikun ogħla minn 1 250 % jew inqas minn kwalunkwe piż tar-riskju applikabbli għal segment klassifikat aktar prijoritarju. Fejn l-istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-piżijiet tar-riskju li jkunu applikati għall-iskoperturi titolizzati fil-Kapitolu 2, għandha tapplika piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-pożizzjoni.

*Artikolu 254*

**Trattament tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fis-segment tat-tieni telf jew aħjar fi programm ABCP**

Soġġett għad-disponibbiltà ta' trattament aktar favorevoli għal faċilitajiet ta' likwidità mhux klassifikati skont l-Artikolu 255 istituzzjoni tista' tapplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jilħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin piż tar-riskju li huwa l-ikbar minn 100 % jew l-ogħla mill-piżijiet tar-riskju li jkunu applikati għal kull waħda mill-iskoperturi titolizzati skont Kapitolu 2 minn istituzzjoni li għandha l-iskoperturi:

(a) il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandha tkun f'segment li huwa ekonomikament f'pożizzjoni ta' segment tat-tieni telf jew aħjar fit-titolizzazzjoni u s-segment tal-ewwel telf għandu jipprovdi rinforz sinifikanti tal-kreditu għat-tieni segment ta' telf;

(b) il-kwalità tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandha tkun ekwivalenti għal-livell 3 tal-kwalità tal-kreditu skont l-Approċċ standardizzat jew aħjar;

(c) il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandha tinżamm minn l-istituzzjoni li ma għandhiex pożizzjoni fis-segment tal-ewwel telf.

*Artikolu 255*

**Trattament ta' faċilitajiet ta' likwidità mhux klassifikati**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw fattur ta' konverżjoni ta' 50 % għall-ammont nominali ta' faċilità ta' likwidità mhux klassifikata sabiex tiddetermina l-valur tal-iskopertura tagħha meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni tal-faċilità ta' likwidità għandha tidentifika biċ-ċar u tillimita ċ-ċirkostanzi skont liema l-faċilità tista' tinġibed;

(b) ma għandux ikun possibbli li l-faċilità tinġibed biex tipprovdi appoġġ ta' kreditu billi tkopri t-telf diġà mġarrab fi żmien il-ġbid u b'mod partikolari sabiex ma tipprovdix likwidità fir-rigward ta' skoperturi inadempjenti fi żmien il-ġbid jew sabiex jinkisbu assi b'valur ogħla minn dak ġust;

(c) il-faċilità ma għandhiex tintuża sabiex tipprovdi finanzjament permanenti jew regolarli għat-titolizzazzjoni;

(d) ir-ripagament tal-ġbid mill-faċilità ma għandux ikun subordinat għall-pretensjonijiet tal-investituri għajr għal pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratti derivati minn rati ta' imgħax jew muniti, mit-tariffi jew pagamenti simili oħrajn, u lanqas ma jkun soġġett għal rinunzja jew diferiment;

(e) ma għandux ikun possibbli li l-faċilità tinġibed wara li r-rinforz tal-kreditu applikabbi kollu li tkun tista' tibbenefika minnu l-faċilità ta' likwidità jiġi eżewrit;

(f) il-faċilità għandha tinkludi dispożizzjoni li tirriżulta fi tnaqqis awtomatiku fl-ammont li jista' jinġibed bl-ammont ta' skoperturi li huma f'inadempjenza, fejn 'inadempjenza' għandha t-tifsira mogħti lilha fil-Kapitolu 3, jew fejn l-aggregazzjoni ta' skoperturi titolizzati tikkonsisti fi strumenti klassifikati, li tittermina l-faċilità jekk il-kwalità medja tal-aggregazzjoni taqa' taħt il-grad ta' kwalità għolja.

Il-piż tar-riskju li għandu jkun applikat għandu jkun l-ogħla piż tar-riskju li jkun applikat lil kwalunkwe waħda mill-iskoperturi titolizzati skont il-Kapitolu 2 minn istituzzjoni li għandha l-iskoperturi.

2. Sabiex jiġi determinat il-valur tal-iskopertura ta' faċilitajiet ta' avvanz ta' flus, jista' jiġi applikat fattur ta' konverżjoni ta' 0 % għall-ammont nominali ta' faċilità ta' likwidità li hija kanċellabbli mingħajr kondizzjonijiet jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu ssodisfati u r-ripagament tal-ġbid mill-faċilità għandu prijorità fuq kull pretensjoni oħra fuq il-flussi tal-flus li ġejjin mill-iskoperturi titolizzati.

*Artikolu 256*

**Rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji għal titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotanti bi klawżoli ta' ammortizzazzjoni antiċipata**

1. Fejn hemm titolizzazzjoni ta' skoperturi rotanti soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tikkalkula ammont ta' skoperturi addizzjonali ppeżati skont ir-riskju fir-rigward ta' dawk ir-riskji fejn jistgħu jiżdiedu l-livelli ta' riskju tal-kreditu li hija esposta għalihom wara li tiġi attivata l-klawżola tal-ammortizzazzjoni antiċipata, skont dan l-Artikolu.

2. L-istituzzjoni għandha tikkalkula ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju fir-rigward tas-somma tal-valuri tal-iskopertura tal-interess tal-oriġinatur u tal-interess tal-investitur.

Għal strutturi ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi titolizzati jikkonsistu fi skoperturi rotanti u mhux rotanti, istituzzjoni oriġinatriċi għandha tapplika t-trattament stabbilit fil-paragrafi 3 sa 6 għal dak il-porzjon tal-aggregazzjoni sottostanti li fiha skoperturi rotanti.

Il-valur tal-iskopertura tal-interess tal-oriġinatur għandu jkun il-valur tal-iskopertura ta' dik il-parti nozzjonali ta' aggregazzjoni ta' ammonti miġbuda li tkun mibjugħa f'titolizzazzjoni, li l-proporzjon tagħha għall-ammont totali tal-aggregazzjoni mibjugħa fl-istruttura tiddetermina l-proporzjon tal-flussi ta' flus iġġenerati mill-irkupru tal-ammont kapitali u tal-imgħax u ammonti assoċjati oħrajn li mhumiex disponibbli sabiex isiru pagamenti lil dawk li għandhom pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fit-titolizzazzjoni. L-interess tal-oriġinatur ma għandux ikun subordinat għall-interess tal-investituri. Il-valur tal-iskopertura tal-interess tal-investituri għandu jkun il-valur tal-iskopertura tal-parti nozzjonali li jifdal mill-aggregazzjoni ta' ammonti miġbuda.

L-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju fir-rigward tal-valur tal-iskopertura tal-interess tal-oriġinatur għandu jiġi kkalkulat bħal dak għal skopertura pro rata lill-iskoperturi titolizzati daqs li kieku ma ġewx titolizzati.

3. Oriġinaturi tat-tipi ta' titolizzazzjoni li ġejjin huma eżenti mill-kalkolu ta' ammont addizzjonali ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju fil-paragrafu 1:

(a) titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotanti fejn l-investituri jibqgħu esposti kompletament għal kull ġbid futur mill-mutwatarji b'mod li r-riskju fuq il-faċilijitajiet sottostanti ma jmurx lura lejn l-istituzzjoni oriġinatriċi anki wara li jkun seħħ avveniment ta' ammortizzazzjoni antiċipata;

(b) titolizzazzjonijiet fejn kwalunkwe klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata tiġi skattata biss minn avvenimenti mhux relatati mal-prestazzjoni tal-assi titolizzati jew l-istituzzjoni oriġinatriċi, bħal bidliet materjali fil-liġijiet jew regolamenti tat-taxxa.

4. Għall-istituzzjoni oriġinatriċi soġġetta għall-kalkolu ta' ammont addizzjonali ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju skont il-paragrafu 1 l-ammonti totali ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħha fl-imgħax tal-investituri u l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati skont il-paragrafu 1 ma għandhomx ikun aktar mill-ikbar ta':

(a) l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħha fl-interess tal-investituri;

(b) l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju li jiġu kkalkulati fir-rigward tal-iskoperturi titolizzati minn istituzzjoni li għandha l-iskoperturi daqs li kieku ma ġewx titolizzati f'ammont ugwali għall-interess tal-investituri.

Tnaqqis ta' qligħ nett, jekk ikun hemm, li jirriżulta mill-kapitalizzazzjoni ta' dħul futur meħtieġ skont l-Artikolu 32(1), għandu jiġi ttrattat barra mill-ammont massimu indikat fis-subparagrafu preċedenti.

5. L-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju li għandu jiġi kkalkulat skont il-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat billi l-valur tal-iskopertura tal-interess tal-investituri jiġi mmultiplikat bil-prodott tal-fattur ta' konverżjoni xieraq kif indikat fil-paragrafi 6 sa 9 u bil-piż tar-riskju medju ppeżat li jkun japplika għall-iskoperturi titolizzati kieku l-iskoperturi ma kinux ġew titolizzati.

Klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata għandha tiġi kkunsidrata bħala kkontrollata fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha fis-seħħ pjan xieraq ta' fondi proprji/likwidità sabiex tiżgura li għandha biżżejjed fondi proprji u likwidità disponibbli fil-każ ta' ammortizzazzjoni antiċipata;

(b) matul it-transazzjoni hemm qsim pro rata bejn l-interess tal-oriġinatur u l-interess tal-investitur tal-pagamenti ta' imgħax u ammont kapitali, spejjeż, telf u l-irkupri bbażati fuq il-bilanċ tar-riċevibbli pendenti f'punti ta' referenza wieħed jew aktar matul kull xahar;

(c) il-perijodu ta' ammortizzazzjoni huwa kkunsidrat suffiċjenti għal 90 % tad-dejn totali (interess tal-oriġinatur u tal-investitur) pendenti fil-bidu tal-perijodu ta' ammortizzazzjoni antiċipata li jkun ġie mħallas lura jew rikonoxxut bħala inadempjenti;

(d) il-ħeffa tal-ripagament mhijiex aktar rapida minn dik li tinkiseb minn ammortizzazzjoni lineari fil-perijodu stabbilit fil-punt (c).

6. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi li huma mingħajr rabta u li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr ebda kondizzjoni mingħajr avviż, fejn l-ammortizzazzjoni antiċipata tkun ikkawżata meta l-livell tal-marġni pożittiv jaqa' għal livell speċifiku, l-istituzzjonijiet għandhom iqabblu il-medja ta' tliet xhur tal-marġni pożittiv mal-livelli tal-marġni pożittiv li fihom dan il-marġni jeħtieġ li jiġi mblukkat.

Fejn it-titolizzazzjoni ma teħtieġx l-imblukkar tal-marġni pożittiv, il-punt ta' waqfien tiegħu jitqies bħala 4,5 punti perċentwali akbar mil-livell tal-marġni pożittiv li jikkawża ammortizzazzjoni antiċipata.

Il-fattur ta' konverżjoni li jiġi applikat għandu jiġi determinat mil-livell tal-marġni pożittiv medju attwali fuq tliet xhur skont it-Tabella 2.

*Tabella 2*

| | Titolizzazzjonijiet soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata kontrollata | Titolizzazzjonijiet soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata mhux kontrollata |
|---|---|---|
| Marġni pożittiv medju fuq tliet xhur | Fattur ta' konverżjoni | Fattur ta' konverżjoni |
| Fuq il-livell A | 0 % | 0 % |
| Level A | 1 % | 5 % |
| Livell B | 2 % | 15 % |
| Livell C | 10 % | 50 % |
| Livell D | 20 % | 100 % |
| Livell E | 40 % | 100 % |

Fejn:

(a) 'Livell A' jirreferi għal livelli ta' marġni pożittiv inqas minn 133,33 % tal-livell ta' mblukkar tal-marġni pożittiv iżda mhux inqas minn 100 % ta' dak il-livell ta' mblukkar;

(b) 'Livell B' jirreferi għal livelli ta' marġni pożittiv inqas minn 100 % tal-livell ta' mblukkar tal-marġni pożittiv iżda mhux inqas minn 75 % ta' dak il-livell ta' mblukkar;

(c) 'Livell C' jirreferi għal livelli ta' marġni pożittiv inqas minn 75 % tal-livell ta' mblukkar tal-marġni pożittiv iżda mhux inqas minn 50 % ta' dak il-livell ta' mblukkar;

(d) 'Livell D' jirreferi għal livelli ta' firxa żejda inqas minn 50 % tal-livell ta' mblukkar tal-marġni pożittiv iżda mhux inqas minn 25 % ta' dak il-livell ta' mblukkar;

(e) 'Livell E' jirreferi għal livelli ta' marġni pożittiv inqas minn 25 % tal-livell ta' mblukkar tal-marġni pożittiv.

7. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi li huma mingħajr rabta u li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr ebda kondizzjoni mingħajr avviż minn qabel, fejn l-ammortizzazzjoni antiċipata tkun ikkawżata minn valur kwantitattiv fir-rigward ta' xi ħaġa li mhijiex il-marġni pożittiv medju ta' tliet xhur, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw trattament li jixbah mill-qrib dak preskritt fil-paragrafu 6 għad-determinazzjoni tal-fattur ta' konverżjoni indikat. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess, jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dak it-trattament huwa aktar xieraq għax l-istituzzjoni tista' tistabbilixxi miżura kwantitattiva ekwivalenti, fir-rigward tal-valur kwantitattiv li jikkawża ammortizzazzjoni antiċipata, għal-livell ta' mblukkar ta' marġni pożittiv;

(b) dak it-trattament iwassal għal miżura tar-riskju li r-riskju tal-kreditu li għalih hija esposta l-istituzzjoni jista' jiżdied wara li tiġi attivata l-klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata li hija prudenti daqs dik ikkalkulata skont il-paragrafu 6.

8. It-titolizzazzjonijiet l-oħra kollha soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata kontrollata tal-iskoperturi rotanti għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' konverżjoni ta' 90 %.

9. It-titolizzazzjonijiet l-oħra kollha soġġetti għal klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata mhux kontrollata tal-iskoperturi rotanti għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' konverżjoni ta' 100 %.

*Artikolu 257*

**Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għall-Approċċ Standardizzat**

Fejn il-protezzjoni tal-kreditu tinkiseb fuq pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju jista' jiġi emendat skont il-Kapitolu 4.

*Artikolu 258*

**Tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju**

Fejn pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun assenjata piż tar-riskju ta' 1 250 %, l-istituzzjonijiet jistgħu, b'konformità mal-Artikolu 36(1)(k), minflok jinkludu l-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, inaqqsu l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. Għal dan il-għan, il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura jista' jirrefletti l-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli b'mod konsistenti mal-Artikolu 257.

Fejn istituzzjoni oriġinatriċi tagħmel użu minn din l-alternattiva, tista' tnaqqas 12.5 darbiet l-ammont imnaqqas skont l-Artikolu 36(1)(k) mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 252 bħala l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju li attwalment ikunu kkalkulati għall-iskoperturi titolizzati li kieku ma ġewx titolizzati.

Subtaqsima 4

**Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-approċċ IRB**

*Artikolu 259*

**Ġerarkija tal-metodi**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-metodi skont il-ġerarkija li ġejja:

(a) għal pożizzjoni klassifikata jew pożizzjoni li fir-rigward tagħha tista' tintuża klassifikazzjoni inferita, għandu jintuża l-Metodu Abbażi tal-Klassifikazzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 261 sabiex jiġi kkalkulat l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju;

(b) għal pożizzjoni mhux klassifikata l-istituzzjoni tista' tuża l-Metodu tal-Formula Superviżorja stabbilit fl-Artikolu 262 fejn tkun tista' tipproduċi stimi tal-PD, u fejn applikabbli l-valur tal-iskoperturi u l-LGD bħala inputs fil-Metodu tal-Formula Superviżorja skont ir-rekwiżiti għall-istima ta' dawk il-parametri skont l-approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikar Intern skont it-Taqsima 3. Istituzzjoni għajr l-istituzzjoni oriġinatriċi tista' tuża biss il-Metodu tal-Formula Superviżorja soġġett għal permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, li għandu jingħata biss fejn l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjoni prevista fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt;

(c) minflok il-punt (b) u għal biss pożizzjonijiet mhux klassifikati fil-programm ABCP, l-istituzzjoni tista' tuża l-Approċċ tal-Valutazzjoni Interna kif stabbilit fil-paragrafu 4 jekk l-awtoritajiet kompetenti ppermettewlha tagħmel dan;

(d) fil-każijiet kollha l-oħra, għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 1 250 % lill-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex ikklassifikati;

(e) minkejja l-punt (d), u soġġett għal permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni tista' tikkalkula l-piż tar-riskju għal pożizzjoni mhux klassifikata fi programm ABCP skont l-Artikolu 253 jew 254, jekk il-pożizzjoni mhux klassifikata ma tkunx f'karta kummerċjali u taqa' fl-ambitu tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna li għalih qed jintalab permess. Il-valuri aggregati ta' skopertura ttrattati b'din l-eċċezzjoni ma għandhomx ikunu materjali u fi kwalunkwe każ inqas minn 10 % tal-valuri aggregati ta' skopertura ttrattati mill-istituzzjoni taħt l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna. L-istituzzjoni għandha tieqaf tagħmel użu minn dan meta l-permess għall-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna rilevanti jkun ġie miċħud.

2. Għall-finijiet tal-użu tal-klassifikazzjonijiet inferiti, istituzzjoni għandha tattribwixxi lil pożizzjoni mhux klassifikata valutazzjoni tal-kreditu inferita ekwivalenti għall-valutazzjoni tal-kreditu ta' pożizzjoni ta' referenza klassifikata li hija l-aktar pożizzjoni prijoritarja li fl-aspetti kollha hija subordinata għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata inkwistjoni u li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet ta' referenza għandhom ikunu subordinati fl-aspetti kollha għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata;

(b) il-maturità tal-pożizzjoni ta' referenza għandha tkun ugwali jew itwal minn dik tal-pożizzjoni mhux klassifikata inkwistjoni;

(c) fuq bażi kontinwa, kwalunkwe klassifikazzjoni inferita għandha tiġi aġġornata sabiex tirrefletti kull bidla fil-valutazzjoni tal-kreditu tal-pożizzjonijiet ta' referenza.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lill-istituzzjonijet sabiex jużaw l-'Approċċ ta' Valutazzjoni Interna' kif stabbilit fil-paragrafu 4 fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) pożizzjonijiet fil-karta kummerċjali maħruġa mill-programm ABCP għandhom ikunu pożizzjonijiet klassifikati;

(b) il-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu tal-pożizzjoni għandha tirrefletti l-metodoloġija tal-valutazzjoni disponibbli pubblikament ta' ECAI waħda jew aktar, għall-klassifikazzjoni ta' titoli garantiti minn skoperturi tat-tip ta' dawk titolizzati;

(c) l-ECAIs, li l-metodoloġija tagħhom għandha tkun riflessa kif meħtieġ mill-punt (b), għandhom jinkludi dawk l-ECAIs li pprovdew klassifikazzjoni esterna għall-karta kummerċjali maħruġa mill-prgramm ABCP. Elementi kwantitattivi, bħal fatturi ta' stress, użati fil-valutazzjoni tal-pożizzjoni għal kwalità tal-kreditu partikolari għandhom ikunu konservattivi mill-inqas daqs dawk użati fil-metodoloġija ta' valutazzjoni rilevanti tal-ECAIs inkwistjoni;

(d) fl-iżvilupp tal-metodoloġija tal-valutazzjoni interna tagħha l-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-metodoloġiji rilevanti ta' klassifikazzjoni pubblikati tal- ECAIs li jikklassifikaw il-karta kummerċjali tal-programm ABCP. Din il-kunsiderazzjoni għandha tiġi dokumentata mill-istituzzjoni u aġġornata regolarment, kif spjegat fil-punt (g);

(e) il-metodoloġija tal-valutazzjoni interna tal-istituzzjoni għandha tinkludi gradi ta' klassifikazzjoni. Dawn il-gradi ta' klassifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAIs għandhom jikkorrispondu. Din il-korrispondenza għandha tiġi dokumentata b'mod espliċitu;

(f) il-metodoloġija tal-valutazzjoni interna għandha tintuża fil-proċessi interni tal-istituzzjoni għal ġestjoni tar-riskji, inklużi l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, tal-ġestjoni tal-informazzjoni u tal-allokazzjoni interna tal-kapital;

(g) awdituri interni jew esterni, ECAI, jew il-funzjoni interna tal-istituzzjoni tal-analiżi tal-kreditu jew tal-ġestjoni tar-riskji għandhom iwettqu analiżi regolari tal-proċess intern ta' valutazzjoni u tal-kwalità tal-valutazzjoni interna tal-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għal programm ABCP. Jekk il-verifika interna tal-istituzzjoni, l-analiżi tal-kreditu, jew il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji jwettqu l-analiżi, dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu indipendenti mis-settur tan-negozju tal-programm ABCP, kif ukoll mir-relazzjoni mal-klijenti;

(h) l-istituzzjoni għandha ssegwi l-andament tal-klassifikazzjonijiet interni tagħha matul iż-żmien sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-metodoloġija ta' valutazzjoni interna tagħha u għandha taġġusta, kif meħtieġ, dik il-metodloġija meta l-andament tal-iskoperturi jiddifferixxi sistematikament minn dak indikat mill-klassifikazzjonijiet interni;

(i) il-programm ABCP għandu jinkorpora standards ta' sottoskrizzjoni fil-forma ta' linji gwida għall-kreditu u l-investiment. Meta jiddeċiedi fuq akkwist ta' assi, l-amministratur tal-programm ABCP għandu jikkonsidra t-tip ta' assi li jkunu ser jinxtraw, it-tip u l-valur monetarju tal-iskoperturi li jirriżultaw mil-provvediment ta' faċilitajiet ta' likwidità u rinforzi tal-kreditu, id-distribuzzjoni tat-telf, u s-separazzjoni legali u ekonomika tal-assi trasferiti mill-entità li tbigħ l-assi. Għandha ssir analiżi ta' kreditu tal-profil tar-riskju tal-bejjiegħ tal-assi, li għandha tinkludi analiżi ta' l-andament finanzjarju imgħoddi u mistenni, il-pożizzjoni attwali fis-suq, il-kompetittività mistennija fil-futur, il-grad ta' lieva finanzjarja, il-fluss tal-flus, il-kopertura tal-interessi u l-klassifikazzjoni tad-dejn. Barra minn hekk, għandha titwettaq analiżi tal-istandards ta' sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ, il-kapaċitajiet tiegħu ta' amministrazzjoni, u l-proċeduri għall-irkupru tal-krediti;

(j) l-istandards ta' sottoskrizzjoni tal-programm ABCP għandhom jistabbilixxu kriterji ta' eliġibbiltà minimi li, b'mod partikolari:

(i) jeskludu x-xiri ta' assi li jkunu skadew żmien ilu jew li jkunu inadempjenti;

(ii) jillimitaw konċentrazzjoni żejda għal debitur individwali jew żona ġeografika;

(iii) jillimitaw in-natura tal-assi li jistgħu jinxtraw;

(k) il-programm ABCP għandu jkollu politiki u proċessi ta' irkupru li jqisu l-kapaċità operattiva u l-kwalità tal-kreditu tal-ġestur. Il-programm ABCP għandu jtaffi r-riskju relatat mal-prestazzjoni tal-bejjiegħ u l-ġestur permezz ta' diversi metodi, bħal skattaturi bbażati fuq il-kwalità attwali tal-kreditu li tipprekludi t-taħlit ta' fondi;

(l) l-istima aggregata ta' telf fuq aggregazzjoni ta' assi li l-programm ABCP qed jikkonsidra jixtri għandha tqis is-sorsi kollha ta' riskju potenzjali, bħar-riskju tal-kreditu u tad-dilwizzjoni. Jekk id-daqs tar-rinforz tal-kreditu pprovdut mill-bejjiegħ huwa bbażat biss fuq telf relatat mal-kreditu, għandha tiġi stabbilita riżerva separata għar-riskju ta' dilwizzjoni, jekk ir-riskju ta' dilwizzjoni huwa materjali għal dik l-aggregazzjoni partikolari ta' skoperturi. Barra minn hekk, għall-kalkolu tal-livell ta' rinforz meħtieġ, il-programm għandu janalizza diversi snin ta' informazzjoni storika, inkluża informazzjoni dwar telf, rati ta' insolvenza, livell ta' dilwizzjoni u rata tar-rotazzjoni tal-krediti;

(m) il-programm ABCP għandu jinkorpora karatteristiċi strutturali, bħal skattaturi ta' stralċ, fix-xiri ta' skoperturi sabiex itaffu d-deterjorament potenzjali tal-kreditu tal-portafoll sottostanti.

4. Skont l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna, il-pożizzjoni mhux klassifikata għandha tiġi assenjata mill-istituzzjoni lil wieħed mill-gradi ta' klassifikazzjoni stabbiliti fil-punt (e) tal-paragrafu 3. Il-pożizzjoni għandha tiġi attribwita klassifikazzjoni derivata identika għall-valutazzjonijiet tal-kreditu kkorrispondenti għal dak il-grad ta' klassifikazzjoni kif stabbilit fil-punt (e) tal-paragrafu 3. Fejn, fil-bidu tat-titolizzazzjoni, din il-klassifikazzjoni derivata hija fil-livell tal-grad ta' kwalità għolja jew aħjar, għandha titqies identika għal valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli minn ECAI għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju.

5. L-istituzzjonijiet li jkunu kisbu permess sabiex jużaw l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna ma għandhomx jergħu lura għall-użu ta' metodi oħra sakemm ma jiġux issodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istituzzjoni għandha raġuni tajba għalfejn tagħmel dan;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

*Artikolu 260*

**Ammonti massimi ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju**

Istituzzjoni oriġinatriċi, istituzzjoni sponsor, jew istituzzjonijiet oħrajn li jistgħu jikkalkulaw KIRB, jistgħu jillimitaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħha f'titolizzazzjoni għal dak li kieku jipproduċi rekwiżit ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92(3) ugwali għas-somma ta' 8 % tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju li jkunu prodotti kieku l-assi titolizzati ma ġewx titolizzati u minflok kienu jkunu fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni miżjuda bl-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi.

*Artikolu 261*

**Metodu abbażi tal-klassifikazzjonijiet**

1. Skont il-Metodu Abbażi tal-Klassifikazzjonijiet, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' titolizzazzjoni jew ritolizzazzjoni klassifikata billi tapplika l-piż tar-riskju rilevanti għall-valur tal-iskopertura u timmoltiplika r-riżultat b' 1,06.

Il-piż tar-riskju rilevanti għandu jkun il-piż tar-riskju kif stabbilit fit-Tabella 4, li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tal-pożizzjoni skont it-Taqsima 4.

*Tabella 4*

| Livell tal-Kwalità tal-Kreditu | | Pożizzjonijiet ta' Titolizzazzjoni | | | Pożizzjonijiet ta' Rititolizzazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| valutazzjonijiet tal-kreditu għajr dawk b'terminu qasir | valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | A | B | C | D | E |
| 1 | 1 | 7 % | 12 % | 20 % | 20 % | 30 % |
| 2 | | 8 % | 15 % | 25 % | 25 % | 40 % |
| 3 | | 10 % | 18 % | 35 % | 35 % | 50 % |
| 4 | 2 | 12 % | 20 % | | 40 % | 65 % |
| 5 | | 20 % | 35 % | | 60 % | 100 % |
| 6 | | 35 % | 50 % | | 100 % | 150 % |
| 7 | 3 | 60 % | 75 % | | 150 % | 225 % |
| 8 | | 100 % | | | 200 % | 350 % |
| 9 | | 250 % | | | 300 % | 500 % |
| 10 | | 425 % | | | 500 % | 650 % |
| 11 | | 650 % | | | 750 % | 850 % |
| l-oħrajn kollha u dawk mhux klassifikati | | 1 250 % | | | | |

Il-piżijiet fil-kolonna C tat-Tabella 4 għandhom jiġu applikati fejn il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhijiex pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni u fejn l-għadd effettiv ta' skoperturi titolizzati huwa inqas minn sitta.

Għall-bqija tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li mhumiex pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna B sakemm il-pożizzjoni mhijiex l-aktar segment prijoritarju f'titolizzazzjoni, f'liema każ għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna A.

Għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna E sakemm il-pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni mhijiex is-segment l-aktar prijoritarju tar-rititolizzazzjoni u l-ebda skopertura sottostanti ma tkun hija stess skopertura ta' rititolizzazzjoni, f'liema każ għandha tapplika l-kolonna D.

Sabiex jiġi determinat jekk segment huwiex l-aktar prijoritarju, mhuwiex meħtieġ li jitqiesu l-ammonti dovuti taħt kuntratti derivati minn rati ta' imgħax jew muniti, tariffi dovuti, jew pagamenti simili oħrajn.

Fil-kalkolu tal-għadd effettiv ta' skoperturi, skoperturi multipli titolizzati għal debitur wieħed għandhom jiġu ttrattati bħala skopertura waħda. L-għadd effettiv ta' skoperturi huwa kkalkulat bħala:

$$N = \frac{\left(\sum_i EAD_i\right)^2}{\sum_i EAD_i^2}$$

fejn $EAD_i$ tirrappreżenta s-somma tal-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi kollha għad-debitur numru i. Jekk is-sehem tal-portafoll assoċjat mal-akbar skopertura, $C_1$, huwa disponibbli, l-istituzzjoni tista' tikkalkula N bħala $1/C_1$.

2. Il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta skont l-Artikolu 264(1) u (4), soġġett għall-kondizzjonijiet fl-Artikolu 247.

*Artikolu 262*

**Metodu tal-Formula Superviżorja**

1. Skont il-Metodu tal-Formula Superviżorja, il-piż tar-riskju għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat kif ġej soġġett għal livell minimu ta' 20 % għal pożizzjonijiet ta' ritolizzazzjoni u 7 % għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha l-oħra:

$$12.5 \cdot \frac{S[L + T] - S[L]}{T}$$

fejn:

$$S[x] = \begin{cases} x, & \text{when } x \leq K_{IRBR} \\ K_{IRBR} + K[x] - K[K_{IRBR}] + \left(1 - \exp\left(\frac{\omega \cdot (K_{IRBR} - x)}{K_{IRBR}}\right)\right) \cdot \frac{d \cdot K_{IRBR}}{\omega}, & \text{when } x > K_{IRBR} \end{cases}$$

където:

$$h = \left(1 - \frac{K_{IRBR}}{ELGD}\right)^N$$

$$c = \frac{K_{IRBR}}{1 - h}$$

$$v = \frac{(ELGD - K_{IRBR}) \cdot K_{IRBR} + 0,25 \cdot (1 - ELGD) \cdot K_{IRBR}}{N}$$

$$f = \left(\frac{v + K_{IRBR}^2}{1 - h} - c^2\right) + \frac{(1 - K_{IRBR}) \cdot K_{IRBR} - v}{(1 - h) \cdot \tau}$$

$$g = \frac{(1 - c) \cdot c}{f} - 1$$

$$a = g \cdot c$$

$$b = g \cdot (1 - c)$$

$$d = 1 - (1 - h) \cdot (1 - Beta[K_{IRBR}; a, b])$$

$$K[x] = (1 - h) \cdot \left((1 - Beta[x; a, b]) \cdot x + Beta[x; a + 1, b] \cdot c\right)$$

$\tau$ = 1 000;

$\omega$ = 20;

Beta [x; a, b] = id-distribuzzjoni beta kumulattiva b'parametri a u b evalwati b'x;

T = il-ħxuna tas-segment li fih tinsab il-pożizzjoni, ikkalkulata bħala l-proporzjon ta' (a) l-ammont nominali tas-segment għal (b) is-somma tal-ammonti nominali tal-iskoperturi li ġew titolizzati. Għal strumenti derivati elenkati fl-Anness II, għandha tintuża s-somma tal-prezz attwali għas-sostituzzjoni u l-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali kkalkulata skont il-Kapitolu 6 minflok l-ammont nominali;

$K_{IRBR}$ = il-proporzjon ta' (a) $K_{IRB}$ għal (b) is-somma tal-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi li ġew titolizzati, u huwa espress f'forma deċimali;

L= il-livell ta' rinforz tal-kreditu, ikkalkulat bħala l-proporzjon tal-ammont nominali tas-segmenti kollha subordinati għal segment li fih tinsab il-pożizzjoni għas-somma tal-ammonti nominali tal-iskoperturi li ġew titolizzati. Dħul futur kapitalizzat ma għandux ikun inkluż fl-L ikkalkulat. L-ammonti dovuti mill-kontropartijiet għal strumenti derivati elenkati fl-Anness II li jirrappreżentaw segmenti aktar subordinati mis-segment inkwistjoni jistgħu jiġu kkalkulati skont il-prezz attwali għas-sostituzzjoni tagħhom, mingħajr l-iskoperturi għall-kreditu futuri potenzjali, fil-kalkolu tal-livell ta' rinforz;

N= l-għadd effettiv ta' skoperturi ikkalkulati skont l-Artikolu 261. Fil-każ ta' rititolizzazzjonijiet, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-għadd ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni fl-aggregazzjoni u mhux l-għadd ta' skoperturi sottostanti fl-aggregazzjonijiet oriġinali li minnhom joħorġu l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni sottostanti;

ELGD = telf medju fil-każ ta' inadempjenza ppeżat skont l-iskopertura, ikkalkulat kif ġej:

$$ELGD = \frac{\sum_i LGD_i \cdot EAD_i}{\sum_i EAD_i}$$

fejn:

$LGD_i$ = l-LGD medju assoċjat mal-iskoperturi kollha għad-debitur numru i, fejn LGD huwa determinat skont il-Kapitolu 3. Fil-każ ta' rititolizzazzjoni, għandu jiġi applikat LGD ta' 100 % għall-pożizzjonijiet titolizzati. Fejn ir-riskji ta' inadempjenza u ta' dilwizzjoni għal riċevibbli mixtrija huma ttrattati b'mod aggregat fi ħdan titolizzazzjoni, l-input tal-$LGD_i$ għandu jiġi kkunsidrat bħala medja ppeżata tal-LGD għar-riskju tal-kreditu u l-LGD ta' 75 % għar-riskju ta' dilwizzjoni. Il-piżijiet għandhom ikunu t-tariffi awtonomi tal-fondi proprji għar-riskji tal-kreditu u tad-dilwizzjoni rispettivament.

2. Fejn l-ammont nominali tal-ikbar skopertura titolizzata, $C_1$, mhuwiex aktar minn 3 % tas-somma tal-ammont nominali tal-iskoperturi titolizzati, allura, għall-finijiet tal-Metodu tal-Formula Superviżorja, l-istituzzjoni tista' tiffisssa LGD= 50 % fil-każ ta' titolizzazzjonijiet li mhumiex titolizzazzjonijiet mill-ġdid, u N daqs waħda milli ġejjin:

$$N = \left( C_1 \cdot C_m + \left( \frac{C_m - C_1}{m - 1} \right) \cdot \max\left\{ 1 - m \cdot C_1, 0 \right\} \right)^{-1}$$

$$N = \frac{1}{C_1}$$

fejn:

$C_m$ = il-proporzjon tas-somma tal-ammonti nominali tal-ikbar skoperturi 'm' għas-somma tal-ammonti nominali tal-iskoperturi titolizzati. Il-livell ta' 'm' jista' jiġi ffissat mill-istituzzjoni.

Għal titolizzazzjonijiet fejn materjalment l-iskoperturi titolizzati kollha huma skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għal permess mill-awtorità kompetenti, jużaw l-Metodu tal-Formula Superviżorja bis-simplifikazzjonijiet h=0 u v=0, jekk l-għadd effettiv ta' skoperturi mhuwiex baxx u l-iskoperturi ma għandhomx konċentrazzjoni għolja.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lill-ABE infurmata dwar l-użu li l-istituzzjonijiet jagħmlu mill-paragrafu 2. L-ABE għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Tista' tiġi rikonoxxuta mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 264(2) sa (4), soġġett għall-kondizzjonijiet fl-Artikolu 247.

*Artikolu 263*

**Faċilitajiet ta' Likwidità**

1. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata fil-forma ta' faċilitajiet ta' avvanz ta' flus, jista' jiġi applikat fattur ta' konverżjoni ta' 0 % għall-ammont nominali ta' faċilità ta' likwidità li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 255(2).

2. Fejn ma jkunx possibbli għall-istituzzjoni sabiex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi titolizzati bħallikieku ma ġewx titolizzati, l-istituzzjoni tista', fuq bażi eċċezzjonali u soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, tapplika temporanjament il-metodu stabbilit fil-paragrafu 3 għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata fil-forma ta' faċilità ta' likwidità li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 255(1). L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-użu li jagħmlu tal-ewwel sentenza, flimkien mar-raġunijiet għall-użu u l-perijodu previst għall-użu.

B'mod ġenerali, il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għandu jitqies bħala mhux possibbli jekk l-istituzzjoni ma tiddisponix minn klassifikazzjoni inferita, l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna u l-Approċċ ta' Formula Superviżorja.

3. L-ogħla piż tar-riskju li jkun japplika taħt il-Kapitolu 2 għal kwalunkwe waħda mill-iskoperturi titolizzati, li kieku ma ġewx titolizzati, jista' jiġi applikat għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni rappreżentata minn faċilità ta' likwidità li tissodisfa l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 255(1). Sabiex jiġi determinat il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni għandu jiġi applikat fattur ta' konverżjoni ta' 100 %.

*Artikolu 264*

**Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għall-Approċċ IRB**

1. Fejn l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati skont il-Metodu Abbażi tal-Klassifikazzjonijiet, il-valur tal-iskopertura jew il-piż tar-riskju għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħha nkisbet il-protezzjoni tal-kreditu jista' jiġi emendat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 kif japplikaw għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju fil-Kapitolu 2.

2. Fil-każ ta' protezzjoni tal-kreditu sħiħa, fejn l-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati permezz tal-Metodu tal-Formula Superviżorja, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha tiddetermina l-'piż tar-riskju effettiv' tal-pożizzjoni. Għandha tagħmel dan billi taqsam l-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju tal-pożizzjoni bil-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni u timmoltiplika r-riżultat b'100;

(b) fil-każ ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu, l-ammont tal-skopertura ppeżata skont ir-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi jiġi multiplikat l-ammont tal-iskopertura ffinanzjata aġġustat skont il-protezzjoni tal-pożizzjoni (E*), kif ikkalkulat skont il-Kapitolu 4 għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 b'E kkunsidrata bħala l-ammont tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni, bil-piż tar-riskju effettiv;

(c) fil-każ ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, l-ammont tal-skopertura ppeżata skont ir-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi jiġi multiplikat l-ammont ta' protezzjoni aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-muniti u diskrepanza fil-maturità ($G_A$) skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 bil-piż tar-riskju tal-fornitur tal-protezzjoni; u billi dan jiżdied mal-ammont li jirriżulta meta jiġi multiplikat l-ammont tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni bil-$G_A$ imnaqqas bil-piż tar-riskju effettiv.

3. Fil-każ ta' protezzjoni parzjali, fejn l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju huma kkalkulati permezz tal-Metodu tal-Formula Superviżorja, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jekk il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu tkopri l-ewwel telf jew telfiet fuq bażi proporzjonali tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni tista' tapplika l-paragrafu 2;

(b) f'każijiet oħrajn, l-istituzzjoni għandha tittratta l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni bħala żewġ pożizzjonijiet jew aktar u l-porzjon mhux koperta għandha tiġi kkunsidata bħala l-pożizzjoni bl-inqas kwalità tal-kreditu. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju għal din il-pożizzjoni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 262 soġġett għall-aġġustament ta' T għal e* fil-każ ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu; u għal T-g fil-każ ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, fejn e* tiddenota l-proporzjon ta' E* għall-ammont nozzjonali totali tal-aggregazzjoni sottostanti, fejn E* huwa l-ammont aġġustat tal-skopertura tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni kkalkulata skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 kif japplikaw għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 b'E kkunsidrata bħala l-ammont tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni; u g hija l-proporzjon tal-ammont nominali tal-protezzjoni tal-kreditu, aġġustat għal kull diskrepanza fil-munita jew fil-maturità skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4, għas-somma tal-ammonti ta' skoperturi tal-iskoperturi titolizzati. Fil-każ tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu għandu jiġi applikat il-piż tar-riskju tal-fornitur tal-protezzjoni għal dak il-porzjon tal-pożizzjoni li ma taqax fil-medda tal-valur aġġustat ta' T.

4. Fejn, fil-każ ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, l-awtoritajiet kompetenti ikunu taw permess lill-istituzzjoni sabiex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni skont il-Kapitolu 3, il-piż tar-riskju g tal-iskoperturi għall-fornituri tal-protezzjoni skont l-Artikolu 235 għandu jiġi determinat kif speċifikat fil-Kapitolu 3.

*Artikolu 265*

**Rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji għal titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotanti bi klawżoli ta' ammortizzazzjoni antiċipata**

1. Minbarra l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħha, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tikkalkula ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 256 meta tbigħ skoperturi rotanti f'titolizzazzjoni li fiha klawżola ta' ammortizzazzjoni antiċipata

2. B'deroga mill-Artikolu 256, il-valur tal-iskopertura tal-interess tal-oriġinaturi għandu jkun is-somma tal-elementi li ġejjin:

(a) il-valur tal-iskopertura ta' dik il-parti nozzjonali ta' aggregazzjoni ta' ammonti miġbuda mibjugħa f'titolizzazzjoni, li l-proporzjon tagħha għall-ammont totali tal-aggregazzjonijiet mibjugħa fl-istruttura tiddetermina l-proporzjon tal-flussi tal-flus iġġenerati mill-ġbir tal-ammonti kapitali u tal-imgħax u ammonti assoċjati oħrajn li mhumiex disponibbli sabiex isiru pagamenti lil dawk li għandhom pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fit-titolizzazzjoni;

(b) il-valur tal-iskopertura ta' dik il-parti tal-aggregazzjoni ta' ammonti mhux miġbuda tal-linji ta' kreditu, li l-ammonti miġbuda tagħhom inbiegħu fit-titolizzazzjoni, li l-proporzjon tagħhom għall-ammont totali ta' dawn l-ammonti mhux miġbuda hija l-istess bħall-proporzjon tal-valur tal-iskopertura deskrit fil-punt (a) għall-valur tal-iskopertura tal-aggregazzjoni ta' ammonti miġbuda mibjugħa fit-titolizzazzjoni.

L-interess tal-oriġinatur ma għandux ikun subordinat għall-interess tal-investituri.

Il-valur tal-iskopertura tal-interess tal-Investituri għandu jkun il-valur tal-iskopertura tal-parti nozzjonali tal-aggregazzjoni ta' ammonti miġbuda li ma jaqgħux fil-punt (a) miżjuda bil-valur tal-iskopertura ta' dik il-parti tal-aggregazzjoni ta' ammonti mhux miġbuda tal-linji ta' kreditu, li l-ammonti miġbuda tagħhom inbiegħu fit-titolizzazzjoni, li ma jaqgħux fil-punt (b).

3. L-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju fir-rigward tal-valur tal-iskopertura tal-interess tal-oriġinatur skont il-punt (a) tal-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat bħal dak ta' skopertura pro rata għall-iskoperturi tal-ammonti miġbuda titolizzati daqs li kieku ma ġewx titolizzati u skopertura pro rata għall-ammonti mhux miġbuda tal-linji ta' kreditu, li l-ammonti miġbuda tagħhom inbiegħu fit-titolizzazzjoni.

*Artikolu 266*

**Tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju**

1. L-ammont tal-iskopertura ppeżata skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li hija assenjata piż tar-riskju 1 250 % jista' jitnaqqas bi 12,5 darbiet l-ammont ta' kwalunkwe aġġustamenti speċifiċi fir-riskju tal-kreditu ttrattati skont l-Artikolu 110 magħmula mill-istituzzjoni fir-rigward tal-iskoperturi titolizzati. Sa fejn aġġustamenti speċifiċi tal-kreditu jitqiesu għal dan il-għan ma għandhomx jitqiesu għall-għan tal-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159.

2. L-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jista' jitnaqqas bi 12,5 darbiet l-ammont ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku fir-riskju tal-kreditu ttrattat skont l-Artikolu 110 magħmul mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pożizzjoni.

3. Kif previst fl-Artikolu 36(1)(k) fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li għaliha japplika piż tar-riskju ta' 1 250 %, l-istituzzjonijiet jistgħu, minflok jinkludu l-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, inaqqsu l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni mill-fondi proprji, soġġett għal dan li ġej:

(a) il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni jista' jittieħed mill-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju b'kont meħud ta' kwalunkwe tnaqqis li jsir skont il-paragrafi 1 u 2;

(b) il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura jista' jirrefletti l-protezzjoni ffinanzjata eliġibbli b'mod konsistenti mal-metodoloġija stipulata fl-Artikoli 247 u 264;

(c) fejn jintuża l-Metodu tal-Formula Superviżorja sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u $L < K_{IRBR}$ u $[L+T] > K_{IRBR}$ il-pożizzjoni tista' tiġi ttrattata bħala żewġ pożizzjonijiet b'L daqs $K_{IRBR}$ għall-aktar pożizzjoni prijoritarja.

4. Fejn istituzzjoni tuża l-alternattiva tal-paragrafu 3 tista' tnaqqas 12,5 darbiet l-amount imnaqqas skont dak il-paragrafu mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 260 bħala l-ammont li għalih jista' jiġi limitat l-ammont tal-skopertura ppeżata skont ir-riskju fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħha f'titolizzazzjoni.

Taqsima 4

**Valutazzjonijiet esterni tal-kreditu**

*Artikolu 267*

**Użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs**

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw valutazzjonijiet tal-kreditu sabiex jiddeterminaw il-piż tar-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni biss meta l-valutazzjoni tal-kreditu tkun inħarġet jew tkun ġiet approvata minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

*Artikolu 268*

**Rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mill-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAIs**

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont it-Taqsima 3, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI fil-każ biss jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma għandu jkun hemm l-ebda diskrepanza bejn it-tipi ta' pagamenti riflessi fil-valutazzjoni tal-kreditu u t-tipi ta' pagamenti li għalihom l-istituzzjoni hija intitolata skont il-kuntratt li joħloq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni inkwistjoni;

(b) l-analiżi tat-telf u l-flussi tal-flus kif ukoll is-sensittività tal-klassifikazzjonijiet għal bidliet fis-suppożizzjonijiet ta' klassifikazzjoni sottostanti, inkluża l-prestazzjoni tal-assi tal-aggregazzjoni, għandhom jiġu ppubblikati mill-ECAI kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-kreditu, il-proċeduri, il-metodoloġiji, is-suppożizzjonijiet u l-elementi ewlenin li huma l-bażi tal-valutazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Informazzjoni li titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' għadd limitat ta' entitajiet biss ma għandhiex tiġi kkunsidrata li ġiet ippubblikata. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu għandhom jiġu inklużi fil-matriċi ta' transizzjoni tal-ECAI;

(c) il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat provdut mill-istituzzjoni nnifisha. F'każ bħal dan, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-pożizzjoni rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal din il-pożizzjoni skont it-Taqsima 3 daqs li kieku ma kinitx klassifikata.

L-ECAI għandha timpenja ruħha li tippubblika spjegazzjonijiet dwar kif il-prestazzjoni tal-assi tal-aggregazzjoni taffettwa din il-valutazzjoni tal-kreditu.

*Artikolu 269*

**Użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu**

1. Istituzzjoni tista' tinnomina ECAI jew aktar li l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi tagħha ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu ('ECAI nominata').

2. Istituzzjoni għandha tuża valutazzjonijiet tal-kreditu b'mod konsistenti u mhux b'mod selettiv fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħha, skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni ma tistax tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAI għall-pożizzjonijiet tagħha f'uħud mis-segmenti u l-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAI oħra għall-pożizzjonijiet tagħha f'segmenti oħra fi ħdan l-istess titolizzazzjoni li tista' tkun jew ma tkunx ikklassifikata mill-ewwel ECAI;

(b) fejn pożizzjoni għandha żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati, l-istituzzjoni għandha tuża dik il-valutazzjoni tal-kreditu li hija l-inqas favorevoli;

(c) fejn pożizzjoni għandha aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati, għandhom jintużaw l-aktar żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu favorevoli. Jekk l-aktar żewġ valutazzjonijiet favorevoli huma differenti, għandha tintuża l-inqas favorevoli fosthom.

(d) istituzzjoni ma għandhiex tissolleċita b'mod attiv it-tneħħija ta' klassifikazzjonijiet inqas favorevoli.

3. Fejn il-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli taħt il-Kapitolu 4 tkun provduta direttament għall-SSPE, u dik il-protezzjoni tkun riflessa fil-valutazzjoni tal-kreditu ta' pożizzjoni minn ECAI nominata, jista' jintuża l-piż tar-riskju assoċjat ma' dik il-valutazzjoni tal-kreditu. Fejn il-protezzjoni ma tkunx eliġibbli taħt il-Kapitolu 4, il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tiġi rikonoxxuta. Fejn il-protezzjoni tal-kreditu mhijiex provduta lil-SSPE iżda direttament għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tiġi rikonoxxuta.

*Artikolu 270*

**Assoċjazzjoni (Mapping)**

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi li jiddeterminaw, għall-ECAIs kollha, liema mil-livelli tal-kwalità tal-kreditu stabbiliti f'dan il-Kapitolu huma assoċjati mal-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti ta' ECAI. Dawn id-determinazzjonijiet għandhom ikunu oġġettivi u konsistenti, u mwettqa skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) L-ABE għandha tiddistingwi bejn il-gradi relattivi tar-riskju espressi minn kull valutazzjoni;

(b) L-ABE għandha tikkunsidra fatturi kwantitattivi, bħal inadempjenza u/jew rati ta' telf u l-prestazzjoni storika tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' kull ECAI fost klassijiet ta' assi differenti;

(c) L-ABE għandha tikkonsidra fatturi kwaltitattivi bħall-medda ta' transazzjonijiet ivvalutati mill-ECAI, il-metodoloġija tagħha u s-sinifikat tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħha, b'mod partikolari jekk humiex ibbażata fuq it-telf mistenni jew it-telf tal-ewwel Euro, u għall-ħlas fil-ħin tal-imgħax jew għall-ħlas finali tal-imgħax;

(d) L-ABE għandha tipprova tiżgura li l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom huwa applikat l-istess piż tar-riskju fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAIs ikunu soġġetti għal gradi ekwivalenti ta' riskju tal-kreditu. L-ABE għandha tikkunsidra li temenda d-determinazzjoni tagħha dwar il-livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu valutazzjoni partikolari tal-kreditu għandha tiġi assoċjata, kif xieraq.

L-ABE għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU 6*

***Riskju tal-kreditu tal-kontroparti***

Taqsima 1

**Definizzjonijiet**

*Artikolu 271*

**Determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura**

1. Istituzzjoni għandha tiddetermina l-valur tal-iskopertura tal-istrumenti derivati elenkati fl-Anness II skont dan il-Kapitolu.

2. Istituzzjoni tista' tiddetermina l-valur tal-iskopertura ta' transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet b'saldu fit-tul u transazzjonijiet ta' self b'marġni skont dan il-Kapitolu minflok ma tuża l-Kapitolu 4.

*Artikolu 272*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u tat-Titolu VI ta' din il-Parti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Termini ġenerali

(1) 'riskju tal-kreditu tal-kontroparti' jew 'CCR' tfisser ir-riskju li l-kontraparti fi transazzjoni tista' ssir inadempjenti qabel is-saldu finali tal-flussi tal-flus tat-transazzjoni;

Tipi ta' transazzjoni

(2) 'transazzjonijiet b'saldu fit-tul' tfisser transazzjonijiet fejn kontraparti timpenja ruħha li tikkonsenja titolu, prodott jew ammont ta' kambju għal flus, strumenti finanzjarji oħra, jew prodotti, jew viċe versa, f'data ta' saldu jew konsenja speċifikata fil-kuntratt li hija aktar tard mill-istandard tas-suq għal din it-tip partikolari ta' transazzjoni jew ħamest ijiem ta' xogħol wara d-data li fiha l-istituzzjoni tidħol fit-transazzjoni, liema minnhom tkun l-ewwel;

(3) 'transazzjonijiet ta' self b'marġni' tfisser transazzjonijiet li fihom istituzzjoni testendi kreditu b'konnessjoni mal-akkwist, il-bejgħ, iż-żamma jew in-negozjar tat-titoli. It-transazzjonijiet ta' self b'marġni ma jinkludux self ieħor li huwa ggarantit minn kollateral f'forma ta' titoli;

Sett ta' netting, settijiet ta' hedging, u termini relatati

(4) 'sett ta' netting' tfisser grupp ta' transazzjonijiet bejn istituzzjoni u kontroparti waħda li hija soġġetta għal arranġament ta' netting bilaterali legalment infurzabbli li huwa rikonoxxut skont it-Taqsima 7 u l-Kapitolu 4.

Kull transazzjoni li mhijiex soġġetta għal arranġament bilaterali ta' netting legalement infurzabbli li huwa rikonoxxut fit-Taqsima 7 għandha tiġi ttrattata bħala sett ta' netting fiha nnifisha għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

Skont il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6, kull sett ta' netting ma' kontroparti waħda jista' jiġi ttrattat bħala sett wieħed ta' netting jekk il-valuri simulati negattivi tas-suq tas-settijiet ta' netting individwali huma stabbiliti bħala 0 fl-istima tal-iskopertura mistennija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'EE');

(5) 'pożizzjoni ta' riskju' tfisser numru ta' riskju li huwa assenjat lil transazzjoni skont il-Metodu Standardizzat stabbilit fit-Taqsima 5 skont algoritmika predeterminata;

(6) 'sett ta' hedging' tfisser grupp ta' pożizzjonijiet tar-riskju li jirriżultaw minn transazzjonijiet f'sett wieħed ta' netting, fejn jintuża biss il-bilanċ ta' dawk il-pożizzjonijiet tar-riskju sabiex jiġi determinat il-valur tal-iskopertura skont il-Metodu Standardizzat stabbilit fit-Taqsima 5;

(7) 'ftehim dwar il-marġni' tfisser ftehim jew klawżoli ta' ftehim li taħtu kontroparti għandha tforni kollateral lit-tieni kontroparti meta skopertura ta' dik it-tieni kontroparti għall-ewwel kontroparti taqbeż livell speċifikat;

(8) 'livell limitu ta' marġni' tfisser l-akbar ammont ta' skopertura li jibqa' pendenti qabel ma parti waħda jkollha d-dritt issejjaħ għal kollateral;

(9) 'perijodu b'riskju ta' marġni' tfisser il-perijodu mill-iskambju l-aktar reċenti ta' kollateral li jkopri sett ta' netting ta' transazzjonijiet ma' kontroparti inadempjenti sakemm it-transazzjonijiet jingħalqu u r-riskju tas-suq li jirriżulta jerġa' jiġi ħheġġjat;

(10) 'maturtà effettiva skont il-Metodu tal-Mudell Intern għal sett ta' netting b'maturità akbar minn sena' tfisser il-proporzjon tas-somma tal-iskopertura mistennija tul il-ħajja tat-transazzjonijiet fis-sett ta' netting skontati għar-rata ta' mingħajr riskju tar-rendiment, diviża bis-somma tal-iskopertura mistennija fuq sena f'sett ta' netting skontat għar-rata ta' mingħajr riskju.

Il-maturità effettiva tista' tiġi aġġustata sabiex tirrefletti r-riskju ta' tiġdid (rollover) billi tiġi sostitwita l-iskopertura mistennija bi skopertura mistennija effettiva għall-previżjonijiet fuq perijodi iqsar minn sena;

(11) 'netting bejn prodotti differenti (cross-product netting)' tfisser l-inklużjoni ta' transazzjonijiet ta' kategoriji differenti ta' prodotti fl-istess sett ta' netting skont ir-regoli tan-Netting Bejn Prodotti stabbiliti f'dan il-Kapitolu;

(12) 'Valur Attwali tas-Suq' (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'CMV') għall-finijiet tat-Taqsima 5 jirreferi għall-valur tas-suq nett tal-portafoll ta' transazzjonijiet f'sett ta' netting, fejn kemm il-valuri tas-suq pożittivi kif ukoll dawk negattivi jintużaw fil-kalkolu tas-CMV;

Distribuzzjonijiet

(13) 'distribuzzjoni tal-valuri tas-suq' tfisser il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-valuri netti tas-suq tat-transazzjonijiet f'sett ta' netting għal data fil-futur (il-perijodu tal-previżjoni), fuq il-bażi tal-valur tas-suq realizzat ta' dawn it-transazzjonijiet fid-data tal-previżjoni;

(14) 'distribuzzjoni tal-iskoperturi' tfisser il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-valuri tas-suq li tiġi ġenerata billi jiġu stabbiliti previżjonijiet ta' valuri netti tas-suq negattivi għal żero;

(15) 'distribuzzjoni newtrali għar-riskji' tfisser distribuzzjoni tal-valuri tas-suq jew skoperturi f'perijodu futur fejn id-distribuzzjoni hija kkalkulata bl-użu ta' valuri impliċiti tas-suq bħal volatilitajiet impliċiti;

(16) 'distribuzzjoni effettiva' tfisser distribuzzjoni tal-valuri tas-suq jew skoperturi f'perijodu futur fejn id-distribuzzjoni hija kkalkulata permezz ta' valuri storiċi jew realizzati bħal volatilitajiet ikkalkulati bl-użu tal-varjazzjonijiet fil-passat fil-prezzijiet jew fir-rati;

Miżuri ta' skopertura u aġġustamenti

(17) 'skopertura attwali' tfisser l-akbar minn żero u l-valur tas-suq ta' transazzjoni jew portafoll ta' transazzjonijiet f'sett ta' netting ma' kontroparti li kieku tintilef mal-inadempjenza tal-kontroparti, fl-ipoteżi li ma jkun hemm l-ebda rkpuru tal-valur ta' dawk it-transazzjonijiet fl-insolvenza jew fil-likwidazzjoni;

(18) 'l-ogħla skopertura' tfisser perċentil għoli tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi f'data partikolari futura qabel id-data tal-maturità tat-transazzjoni bl-itwal maturità fis-sett ta' netting;

(19) 'skopertura mistennija' (minn hawnn 'il quddiem imsejħa 'EE') tfisser il-medja tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi f'data partikolari futura qabel il-maturazzjoni tat-transazzjoni bl-itwal maturità fis-sett ta' netting;

(20) 'skopertura effettiva mistennija f'data speċifika' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'EE Effettiva') tfisser l-iskopertura massima mistennija li sseħħ f'dik id-data jew fi kwalunkwe data preċedenti. Alternattivament, tista' tkun definita għal data speċifika bħala l-akbar fost l-iskopertura mistennija f'dik id-data jew l-iskopertura effettiva mistennija fi kwalunkwe data preċedenti;

(21) 'skopertura pożittiva mistennija' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'EPE') tfisser il-medja ppeżata tul iż-żmien ta' skoperturi mistennija, fejn il-piżijiet ikunu l-proporzjon tal-perijodu kollu li skopertura mistennija individwali tirrappreżenta.

Meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-medja fuq l-ewwel sena jew, jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting jimmaturaw f'inqas minn sena, matul il-perijodu sa meta l-kuntratt bl-itwal maturità fis-sett ta' netting ikun immatura;

(22) 'skopertura pożittiva effettiva mistennija' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'EPE effettiva') tfisser il-medja ppeżata tal-iskopertura effettiva mistennija matul l-ewwel sena ta' sett ta' netting jew, jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting jimmaturaw f'inqas minn sena, matul il-perijodu tal-kuntratt bl-itwal maturità fis-sett ta' netting, fejn il-piżijiet huma l-proporzjon tal-perijodu sħiħ li skopertura mistennija individwali tirrappreżenta;

Riskji relatati mas-CCR

(23) 'riskju ta' tiġdid' tfisser l-ammont li bih l-EPE tiġi sottostimata meta transazzjonijiet futuri ma' kontroparti jkunu mistennija li jitwettqu fuq bażi kontinwa.

L-iskopertura addizzjonali ġġenerata minn dawn it-transazzjonijiet futuri mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-EPE;

(24) kontroparti' għall-finijiet tat-Taqsima 7 tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tidħol fi ftehim ta' netting, u li għandha l-kapaċità kuntrattwali sabiex tagħmel dan;

(25) 'ftehim kuntrattwali ta' netting bejn prodotti' tfisser ftehim kuntrattwali bilaterali bejn istituzzjoni u kontroparti li joħloq obbligu legali wieħed (ibbażat fuq netting ta' transazzjonijiet koperti) li jkopri kull ftehim ewlieni bilaterali u transazzjonijiet li jappartjenu għal kategoriji differenti ta' prodotti li huma inklużi fil-ftehim;

Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, 'kategoriji differenti ta' prodotti' tfisser:

(a) transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti;

(b) transazzjonijiet ta' self b'marġni;

(c) il-kuntratti elenkati fl-Anness II;

(26) 'komponent ta' pagament' tfisser il-pagament miftiehem fi transazzjoni derivata ta' OTC bi profil tar-riskju linearli li jistipula l-iskambju ta' strument finanzjarju għal pagament.

Fil-każ ta' transazzjonijiet li jistipulaw l-iskambju ta' pagament kontra pagament, dawk iż-żewġ komponenti ta' pagament għandhom jikkonsistu f'pagamenti gross miftiehema kountrattwalment, inkluż l-ammont nozzjonali tat-transazzjoni.

## Taqsima 2

## Metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura

*Artikolu 273*

**Metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fl-Anness II abbażi ta' wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 skont dan l-Artikolu.

Istituzzjoni li mhijiex eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 94 ma għandhiex tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 4. Sabiex tiddetermina l-valur tal-iskopertura għall-kuntratti elenkati fil-punt 3 tal-Anness II, istituzzjoni ma għandhiex tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 4. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw f'kombinazzjoni l-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 fuq bażi permanenti fi grupp. Istituzzjoni waħda ma għandhiex tuża f'kombinazzjoni l-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 fuq bażi permanenti iżda għandha tkun tista' tuża f'kombinazzjoni l-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 5 meta wieħed mill-metodi jintuża għall-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 282(6).

2. Meta jkollha permess mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283(1) u (2), istituzzjoni tista' tiddetermina l-valur tal-iskopertura għall-elementi li ġejjin permezz tal-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6:

(a) il-kuntratti elenkati fl-Anness II;

(b) transazzjonijiet ta' riakkwist;

(c) transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti;

(d) transazzjonijiet ta' self b'marġni;

(e) transazzjonijiet ta' saldu fit-tul.

3. Fejn l-istituzzjoni tixtri protezzjoni permezz ta' derivat tal-kreditu kontra skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar jew kontra skopertura għar-riskju ta' kontraparti, tista' tikkalkula r-rekwiżit tal-fondi proprji tagħha għall-iskopertura ħheġġjata skont wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-Artikoli 233 sa 236;

(b) skont l-Artikolu 153(3), jew l-Artikolu 183, fejn il-permess ikun ingħata skont l-Artikolu 143.

Il-valur tal-iskopertura għas-CCR għal dawk id-derivati tal-kreditugħandu jkun żero, sakemm l-istituzzjoni ma tapplikax l-approċċ (ii) fil-punt (h) tal-Artikolu 299(2).

4. Minkejja l-paragrafu 3, istituzzjoni tista' tagħżel li għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżi tal-fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti tinkludi b'mod konsistenti d-derivati tal-kreditu kollha mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar u mixtrija bħala protezzjoni kontra skopertura fil-portafoll mhux tan-negozjar jew kontra skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' kontraparti fejn il-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta skont dan ir-Regolament.

5. Fejn swaps ta' inadempjenza tal-kreditu mibjugħa mill-istituzzjoni huma ttrattati minn istituzzjoni bħala l-protezzjoni tal-kreditu provduta minn dik l-istituzzjoni u huma soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tas-sottostanti għall-ammont nozzjonali shih, il-valur tal-iskopertura tagħhom għall-finijiet tas-CCR fil-portafoll mhux tan-negozjar għandu jkun żero.

6. Skont il-metodi kollha stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6, il-valur tal-iskopertura għal kontroparti partikolari għandu jkun daqs is-somma tal-valuri tal-iskoperturi ikkalkulata għal kull sett ta' netting ma' dik il-kontraparti.

Għal kontroparti partikolari, il-valur tal-iskopertura għal sett ta' netting partikolari ta' strumenti derivati OTC elenkati fl-Anness II ikkalkulat skont dan il-Kapitolu għandu jkun l-akbar minn żero u d-differenza bejn is-somma tal-valuri tal-iskoperturi fis-settijiet kollha ta' netting mal-kontroparti u s-somma tas-CVA għal dik il-kontoparti rikonoxxuti mill-istituzzjoni bħala tnaqqis fil-valur imġarrab. L-aġġustamenti fil-valutazzjoni tal-kreditu għandhom jiġu kkalkulati mingħajr ma jittieħed ebda kont ta' aġġustamenti korrispondenti fil-valur tad-debitu attribwit għar-riskju tal-kreditu proprju tad-ditta li tkun diġà ġiet eskluża mill-fondi tagħha stess skont l-Artikolu 33(1)(c).

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura għall-iskoperturi li ġejjin mit-transazzjonijiet ta'saldu fit-tul permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6, irrispettivament minn liema metodu tkun għażlet l-istituzzjoni għat-trattament ta' derivati OTC u transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, u transazzjonijiet ta' self b'marġni. Fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal transazzjonijiet ta' saldu fit-tul, istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 3 tista' tassenja l-piżijiet tar-riskju skont l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 2 fuq bażi permanenti u irrispettivament mill-materjalità ta' tali pożizzjonijiet.

8. Għall-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 4, l-istituzzjoni għandha tadotta metodoloġija konsistenti għad-determinazzjoni tal-ammont nozzjonali għal tipi ta' prodott differenti, u għandha tiżgura li l-ammont nozzjonali li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni jipprovdi miżura xierqa tar-riskju inerenti fil-kuntratt. Fejn il-kuntratt jipprovdi għal multiplikazzjoni tal-flussi ta' flus, l-ammont nozzjonali għandu jkun aġġustat minn istituzzjoni sabiex jikkunsidra l-effetti tal-multiplikazzjoni fuq l-istruttura tar-riskju ta' dak il-kuntratt.

Għall-metodi mniżżla fit-Taqsimiet 3 sa 6, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw transazzjonijiet fejn riskju speċifiku ta' korrelazzjoni negattiva (wrong-way risk) ġie identifikat bħala adatt skont l-Artikolu 291(2), (4), (5) u (6).

Taqsima 3

## Metodu ta' ppeżar skont il-valur fis-suq

*Artikolu 274*

### Metodu ta' ppeżar skont il-valur fis-suq

1. Sabiex jiddeterminaw il-prezz attwali għas-sostituzzjoni tal-kuntratti kollha b'valuri pożittivi, l-istituzzjonijiet għandhom jehmżu l-valuri attwali tas-suq mal-kuntratti.

2. Sabiex jiddeterminaw l-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali, l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-ammonti nozzjonali jew il-valuri sottostanti, kif applikabbli, bil-perċentwali fit-Tabella 1 u skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) kuntratti li ma jaqgħux taħt waħda mill-ħames kategoriji indikati fit-Tabella 1 għandhom jiġu ttrattati bħala kuntratti rigward prodotti li mhumiex metalli prezzjużi;

(b) għal kuntratti bi skambji multipli ta' ammont kapitali, il-perċentwali għandhom jiġu multiplikati bin-numru tal-pagamenti li jifdal li għad iridu jsiru skont il-kuntratt;

(c) għal kuntratti li huma strutturati sabiex skopertura pendenti tingħalaq wara dati ta' pagament speċifikati u fejn it-termini jiġu ffissati mill-ġdid sabiex il-valur tas-suq tal-kuntratt ikun żero f'dawk id-dati speċifikati, il-maturità residwa għandha tkun daqs iż-żmien sad-data tal-iffissar mill-ġdid li jmiss. Fil-każ ta' kuntratti dwar rati tal-imgħax li jissodisfaw dawk il-kriterji u li għandhom maturità residwa ta' aktar minn sena, il-perċentwali ma għandux ikun inqas minn 0,5 %.

*Tabella 1*

| Maturità reżidwa | Kuntratti dwar rati tal-imgħax | Kuntratti dwar rati tal-kambju u deheb | Kuntratti dwar l-ekwitajiet | Kuntratti dwar metalli prezzjużi għajr deheb | Kuntratti dwar prodotti għajr metalli prezzjużi |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena jew inqas | 0 % | 1 % | 6 % | 7 % | 10 % |
| Aktar minn sena, iżda mhux aktar minn ħames snin | 0,5 % | 5 % | 8 % | 7 % | 12 % |
| Aktar minn ħames snin | 1,5 % | 7,5 % | 10 % | 8 % | 15 % |

3. Ħall-kuntratti dwar prodotti għajr id-deheb, li huma msemmija fil-punt 3 tal-Anness II, l-istituzzjoni tista', minflok tapplika l-perċentwali fit-Tabella 1, tapplika l-perċentwali fit-Tabella 2 jekk dik l-istituzzjoni ssegwi l-approċċ estiż abbażi tal-iskala tal-maturità stabbilit fl-Artikolu 361 għal dawk il-kuntratti.

*Tabella 2*

| Maturità reżidwa | Metalli prezzjużi (minbarra d-deheb) | Metalli bażi | Prodotti Agrikoli (softs) | Oħrajn, inklużi l-prodotti enerġetiċi |
|---|---|---|---|---|
| Sena jew inqas | 2 % | 2,5 % | 3 % | 4 % |
| Aktar minn sena, iżda mhux aktar minn ħames snin | 5 % | 4 % | 5 % | 6 % |
| Aktar minn ħames snin | 7,5 % | 8 % | 9 % | 10 % |

4. s-somma tal-prezz attwali għas-sostituzzjoni u l-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali hija l-valur tal-iskopertura.

Taqsima 4

## Metodu tal-iskopertura oriġinali

*Artikolu 275*

### Metodu tal-Iskopertura Oriġinali

1. Il-valur tal-iskopertura huwa l-ammont nozzjonali ta' kull strument multiplikat bil-perċentwali stabbiliti fit-Tabella 3.

*Tabella 3*

| Maturità oriġinali | Kuntratti dwar rati tal-imgħax | Kuntratti dwar rati tal-kambju u deheb |
|---|---|---|
| Sena jew inqas | 0,5 % | 2 % |
| Aktar minn sena, mhux iktar minn sentejn | 1 % | 5 % |
| Inkrement għal kull sena addizzjonali | 1 % | 3 % |

2. Għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura tal-kuntratti dwar rati tal-imgħax, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tuża jew il-maturità oriġinali jew inkella dik reżidwa.

Taqsima 5

## Metodu standardizzat

*Artikolu 276*

### Metodu Standardizzat

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-Metodu Standardizzat (minn hawn'il quddiem imsejjaħ 'SM') biss għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għal derivati OTC u transazzjonijiet b'saldu fit-tul.

2. Meta japplikaw l-SM, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura b'mod separat għal kull sett ta' netting, nett tal-kollateral, kif ġej:

$$\textit{Exposure value} = \beta \cdot \max\left\{CMV - CMC, \sum_j \left|\sum_i RPT_{ij} - \sum_l RPC_{lj}\right| \cdot CCRM_j\right\}$$

fejn:

CMV = l-valur attwali tas-suq tal-portafoll tat-transazzjonijiet fis-sett ta' netting ma' kontroparti gross mill-kollateral, fejn:

$$CMV = \sum_i CMV_i$$

fejn:

$CMV_i$ = l-valur attwali tas-suq tat-transazzjoni i;

CMC = l-valur attwali tas-suq tal-kollateral assenjat għas-sett ta' netting, fejn:

$$CMC = \sum_l CMC_l$$

fejn

$CMC_l$ = l-valur attwali tas-suq tal-kollateral l;

I = indiċi li jindika t-transazzjoni;

l = indiċi li jindika l-kollateral;

j = indiċi li jindika l-kategorija tas-sett ta' hedging;

Is-settijiet ta' hedging għal dan il-għan jikkorrispondu għal fatturi tar-riskju li fil-konfront tagħhom tista' ssir tpaċija ma' pożizzjonijiet ta' riskju tas-sinjal oppost sabiex irendu pożizzjoni ta' riskju netta li fuqha l-miżura tal-iskopertura hi mbagħad ibbażata.

$RPT_{ij}$ = pożizzjoni ta' riskju mill-kollateral l fir-rigward tas-sett ta' hedging j;

$RPC_{lj}$ = pożizzjoni ta' riskju mill-kollateral l fir-rigward tas-sett ta' hedging j;

$CCRM_j$ = Multiplikatur tas-CCR stabbilit fit-Tabella 5 fir-rigward tas-sett ta' hedging j;

β = 1,4.

3. Għall-finijiet tal-kalkolu skont il-paragrafu 2:

(a) kollateral eliġibbli rċevut minn kontraparti għandu jkollu sinjal pożittiv u kollateral depożitat ma' kontroparti għandu jkollu sinjal negattiv;

(b) għall-SM għandu jintuża biss il-kollateral li huwa eliġibbli skont l-Artikolu 197, l-Artikolu 198 u l-Artikolu 299(2)(d);

(c) istituzzjoni tista' tinjora r-riskju tar-rata tal-imgħax mill-komponenti ta' pagament li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sena;

(d) istituzzjoni tista' tittratta transazzjonijiet li jikkonsistu f'żewġ komponenti ta' pagament li huma denominati fl-istess munita bħala transazzjoni aggregata waħda. It-trattament għall-komponenti ta' pagament japplika għat-transazzjoni aggregata.

*Artikolu 277*

**Transazzjonijiet bi profil tar-riskju lineari**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jabbinaw transazzjonijiet bi profil tar-riskju lineari ma' pożizzjonijiet ta' riskju skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) transazzjonijiet bi profil tar-riskju lineari li għandhom ekwitajiet (inklużi indiċi ta' ekwità), deheb, metalli prezzjużi oħra jew prodotti oħra bħala s-sottostanti għandhom jiġu abbinati ma' pożizzjoni tar-riskju fl-ekwità rispettiva (jew indiċi tal-ekwità) jew prodott u ma' pożizzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax għall-komponent tal-pagament;

(b) transazzjonijiet bi profil tar-riskju lineari bi strument tad-dejn bħall-istrument sottostanti għandhom jiġu abbinati ma' pożizzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax għall-istrument tad-dejn u ma' pożizzjoni oħra tar-riskju tar-rata tal-imgħax għall-komponent tal-pagament;

(c) transazzjonijiet bi profil tar-riskju lineari li jipprevedu l-iskambju tal-pagament kontra pagament ieħor, inklużi forwards tal-kambju, għandhom jiġu abbinati ma' pożizzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax għal kull wieħed mill-komponenti ta' pagament.

Fejn, skont transazzjoni msemmija fil-punt (a), (b) jew (c), komponent ta' pagament jew l-istrument tad-dejn sottostanti jkun denominat f'munita barranija, dak il-komponent ta' pagament jew l-istrument sottostanti għandu jiġi abbinat ukoll ma' pożizzjoni tar-riskju f'dik il-munita.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-daqs ta' pożizzjoni tar-riskju minn transazzjoni bi profil tar-riskju lineari għandu jkun il-valur nozzjonali effettiv (prezz tas-suq multiplikat bil-kwantità) tal-istrumenti finanzjarji sottostanti jew prodotti konvertiti għall-munita domestika tal-istituzzjoni permezz tal-multiplikazzjoni bir-rata tal-kambju rilevanti, għajr għal strumenti tad-dejn.

3. Għal strumenti tad-dejn u għal komponenti ta' pagament, id-daqs tal-pożizzjoni ta' riskju għandu jkun il-valur nozzjonali effettiv tal-pagamenti grossi pendenti (inkluż l-ammont nozzjonali) konvertit fil-munita tal-Istat Membru tad-domiċilju, multiplikat bit-tul taż-żmien modifikat tal-istrument tad-dejn jew tal-komponent ta' pagament, skont xi jkun il-każ.

4. Id-daqs ta' pożizzjoni tar-riskju minn swap ta' inadempjenza tal-kreditu għandu jkun il-valur nozzjonali tal-istrument ta' referenza ta' dejn multiplikat bil-maturità residwa tal-iswap ta' inadempjenza tal-kreditu.

*Artikolu 278*

**Transazzjonijiet bi profil tar-riskju mhux lineari**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw id-daqs tal-pożizzjonijiet tar-riskju għal transazzjonijiet bi profil tar-riskju mhux lineari skont il-paragrafi li ġejjin.

2. Id-daqs ta' pożizzjoni tar-riskju minn derivat OTC bi profil tar-riskju mhux lineari, inklużi l-opzjonijiet u l-iswaptions, li s-sottostanti tagħhom mhuwiex strument tad-dejn jew komponent ta' pagament, għandu jkun daqs il-valur nozzjonali effettiv ekwivalenti għad-delta tal-istrument finanzjarju li huwa l-bażi tat-transazzjoni skont l-Artikolu 280(1).

3. Id-daqs ta' pożizzjoni tar-riskju min derivat OTC bi profil tar-riskju mhux lineari, inklużi l-opzjonijiet u l-iswaptions, li s-sottostanti tagħhom hija strument tad-dejn jew komponent ta' pagament, għandu jkun daqs il-valur nozzjonali effettiv ekwivalenti għad-delta tal-istrument finanzjarju jew il-komponent ta' pagament multiplikat bit-tul taż-żmien modifikat tal-istrument tad-dejn jew tal-komponent ta' pagament, skont xi jkun il-każ.

*Artikolu 279*

**Trattament tal-Kollateral**

Għad-determinazzjoni tal-pożizzjonijiet tar-riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw il-kollateral kif ġej:

(a) kollateral irċevut minn kontroparti għandu jiġi ttrattat bħala pretensjoni fuq il-kontroparti taħt kuntratt derivat (pożizzjoni twila) li hija dovuta fil-ġurnata li fiha ssir id-determinazzjoni;

(b) kollateral li ddepożitat mal-kontroparti għandu jiġi ttrattat bħala obbligazzjoni lejn il-kontroparti (pożizzjoni qasira) li huwa dovut fil-ġurnata li fiha ssir id-determinazzjoni.

*Artikolu 280*

**Kalkolu tal-pożizzjonijiet tar-riskju**

1. Istituzzjoni għandha tiddetermina d-daqs u s-sinjal ta' pożizzjoni tar-riskju kif ġej:

(a) għall-istrumenti kollha għajr strumenti tad-dejn:

(i) bħala l-valur nozzjonali effettiv fil-każ ta' transazzjoni bi profil tar-riskju lineari;

(ii) bħala l-valur nozzjonali ekwivalenti għad-delta, $p_{ref} \cdot \frac{\partial V}{\partial p}$, fil-każ ta' transazzjoni bi profil tar-riskju mhux lineari,

fejn:

$P_{ref}$ = il-prezz tal-istrument sottostanti, espress fil-munita ta' referenza;

V = il-valur tal-istrument finanzjarju (fil-każ ta' opzjoni, il-valur huwa l-prezz tal-opzjoni);

P = il-prezz tal-istrument sottostanti, espress fl-istess munita bħal V;

(b) għal strumenti tad-dejn u l-komponenti ta' pagament tat-transazzjonijiet kollha:

(i) bħala l-valur nozzjonali effettiv multiplikat bit-tul taż-żmien modifikat fil-każ ta' transazzjoni bi profil tar-riskju lineari;

(ii) bħala fil-valur nozzjonali ekwivalenti għad-delta multiplikat bit-tul taż-żmien modifikat, $\frac{\partial V}{\partial r}$, fil-każ ta' transazzjoni bi profil tar-riskju mhux lineari,

fejn:

V = il-valur tal-istrument finanzjarju (fil-każ ta' opzjoni dan huwa l-prezz tal-opzjoni);

r = il-livell tar-rata tal-imgħax.

Jekk V huwa denominat f'munita għajr il-munita ta' referenza, id-derivat għandu jiġi konvertit fil-munita ta' referenza permezz ta' multiplikazzjoni bir-rata tal-kambju rilevanti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirraggruppaw il-pożizzjonijiet ta' riskju f'settijiet ta' hedging. L-ammont tal-valur assolut tas-somma tal-pożizzjonijiet tar-riskju li jirriżulta għandu jiġi kkalkulat għal kull sett ta' hedging. Il-pożizzjoni ta' riskju netta għandha tkun ir-riżultat ta' dik il-kalkolu u għandha tiġi kkalkulata għall-finijiet tal-Artikolu 276(2) kif ġej:

$$\left| \sum_i RPT_{ij} - \sum_l RPC_{lj} \right|$$

*Artikolu 281*

**Pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax**

1. Sabiex jikkalkulaw il-pożizzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Għall-pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax minn dawn li ġejjin:

(a) depożiti ta' flus irċevuti mill-kontroparti bħala kollateral;

(b) komponenti ta' pagament;

(c) strumenti tad-dejn sottostanti,

li għalihom tapplika f'kull każ allokazzjoni ta' kapital ta' 1,60 % jew inqas skont it-Tabella 1 tal-Artikolu 336, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw dawk il-pożizzjonijiet f'waħda mis-sitt settijiet ta' hedging għal kull sett ta' muniti stabbiliti fit-Tabella 4.

*Tabella 4*

| | Rati tal-imgħax referenzjati mill-gvern | Rati tal-imgħax mhux referenzjati mill-gvern |
|---|---|---|
| Maturità | < 1 sena | > 1 ≤ 5 sentejn |
| | > 5 sena | < 1 sena |
| | > 1 ≤ 5 sentejn | > 5 sena |

3. Għal pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax minn strumenti tad-dejn sottostanti jew komponenti ta' pagament li r-rata tal-imgħax tagħhom hija marbuta ma' rata tal-imgħax ta' referenza li tirrappreżenta livell ġenerali tal-imgħax tas-suq, il-maturità residwa għandha tkun it-tul taż-żmien li fadal sal-aġġustament mill-ġdid li jmiss tar-rata tal-imgħax. Fil-każijiet kollha l-oħra, għandha tkun iż-żmien residwu tal-istrument tad-dejn sottostanti jew, fil-każ ta' komponent ta' pagament, iż-żmien residwu tat-transazzjoni.

*Artikolu 282*

**Settijiet ta' hedging**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu settijiet ta' hedging skont il-paragrafi 2 sa 5.

2. Għandu jkun hemm sett ta' hedging wieħed għal kull emittent ta' strument tad-dejn ta' referenza li jkun il-bażi ta' swap ta' inadempjenza tal-kreditu.

Swaps ta' inadempjenza tal-kreditu f'basket tat-tip "n-th to default" għandhom jiġu ttrattati kif ġej:

(a) id-daqs ta' pożizzjoni tar-riskju fi strument tad-dejn ta' referenza f'basket sottostanti swap ta' inadempjenza tal-kreditu tat-tip "n-th to default" għandu jkun il-valur nozzjonali effettiv tal-istrument tad-dejn ta' referenza, multiplikat bit-tul taż-żmien modifikat tad-derivat tat-tip "n-th to default" fir-rigward ta' bidla fil-firxa tal-kreditu tal-istrument tad-dejn ta' referenza;

(b) għandu jkun hemm sett ta' hedging wieħed għal kull strument ta' dejn ta' referenza f'basket sottostanti swap ta' inadempjenza tal-kreditu partikolari tat-tip "n-th to default". Pożizzjonijiet tar-riskju minn swaps ta' inadempjenza tal-kreditu tat-tip "n-th to default" differenti ma għandhomx jiġu inklużi fl-istess sett ta' hedging;

(c) il-multiplikatur tas-CCR applikabbli għal kull sett ta' kopertura maħluq għal wieħed mill-istrumenti tad-dejn ta' referenza ta' derivat tat-tip "n-th to default" għandu jkun kif ġej:

(i) 0,3 % għall-istrumenti tad-dejn ta' referenza li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta ekwivalenti għal kwalità tal-kreditu livell 1 sa 3;

(ii) 0,6 % għal strumenti tad-dejn oħrajn.

3. Għal pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax minn:

(a) depożiti ta' flus li huma depożitati ma' kontroparti bħala kollateral meta dik il-kontroparti ma għandhiex pendenti obbligazzjonijiet ta' dejn b'riskju speċifiku baxx;

(b) strumenti ta' dejn sottostanti, li għalihom tapplika allokazzjoni ta' kapital ta' aktar minn 1,60 %, skont it-Tabella 1 tal-Artikolu 336;

Għandu jkun hemm sett ta' hedging wieħed għal kull emittent.

Meta komponent ta' pagament jirreplika tali strument tad-dejn, għandu jkun hemm ukoll sett ta' hedging wieħed għal kull emittent tal-istrument tad-dejn ta' referenza.

Istituzzjoni tista' tassenja pożizzjonijiet ta' riskju li jirriżultaw minn strumenti tad-dejn ta' emittent partikolari, jew minn strumenti tad-dejn ta' referenza tal-istess emittent li huma replikati minn komponenti ta' pagament, jew li huma l-bażi ta' swap ta' inadempjenza tal-kreditu, għall-istess sett ta' hedging.

4. Strumenti finanzjarji sottostanti għajr l-istrumenti tad-dejn għandhom jiġu assenjati għall-istess settijiet ta' hedging biss jekk huma strumenti identiċi jew simili. Fil-każijiet kollha l-oħra, għandhom jiġu assenjati għal settijiet ta' hedging separati.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw jekk l-istrumenti sottostanti humiex simili skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) għall-ekwitajiet, is-sottostanti hija simili jekk tinħareġ mill-istess emittent. Indiċi tal-ekwità għandu jiġi ttrattat bħala emittent differenti;

(b) għall-metalli prezzjużi, is-sottostanti hija simili jekk hija l-istess metall. Indiċi tal-metalli prezzjużi għandu jiġi ttrattat bħala metall prezzjuż separat;

(c) għall-enerġija elettrika, is-sottostanti hija simili jekk id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-konsenja jirreferu għall-istess perijodu ta' ħin bl-ikbar domanda jew b'domanda normali fi żmien 24 siegħa;

(d) għal prodotti, is-sottostanti hija simili jekk hija l-istess prodott. Indiċi tal-prodotti għandu jiġi ttrattat bħala prodott separat.

5. Il-multiplikaturi tas-CCR (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'CCRM') għall-kategoriji ta' settijiet ta' hedging differenti huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

*Tabella 5*

| | Kategoriji ta' settijiet ta' hedging | CCRM |
|---|---|---|
| 1. | Rati tal-imgħax | 0,2 % |
| 2. | Rati tal-imgħax għall-pożizzjonijiet tar-riskju minn strument tad-dejn ta' referenza li hu sottostanti għal swap ta' inadempjenza tal-kreditu u li għalih tapplika allokazzjoni ta' kapital ta' 1,60 %, jew inqas, skont it-Tabella 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV. | 0,3 % |
| 3. | Rati tal-imgħax għall-pożizzjonijiet tar-riskju minn strument tad-dejn jew strument tad-dejn ta' referenza li għalih tapplika allokazzjoni ta' kapital ta' aktar minn 1,60 % skont it-Tabella 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV. | 0,6 % |
| 4. | Rati tal-Kambju | 2,5 % |
| 5. | Enerġija Elettrika | 4 % |
| 6. | Deheb | 5 % |
| 7. | Ekwità | 7 % |
| 8. | Metalli Prezzjużi (għajr id-deheb) | 8,5 % |
| 9. | Prodotti Oħra (għajr metalli prezzjużi u l-enerġija elettrika) | 10 % |
| 10. | Strumenti sottostanti ta' derivati OTC li ma huma fl-ebda mill-kategoriji ta' hawn fuq | 10 % |

Strumenti sottostanti tad-derivati OTC, kif imsemmijin fil-punt 10 tat-Tabella 5, għandhom jiġu assenjati għal settijiet separati individwali ta' hedging għal kull kategorija ta' strumenti sottostanti.

6. Għal transazzjonijiet bi profil ta' riskju mhux lineari jew għal komponenti ta' pagament u transazzjonijiet bi strumenti tad-dejn bħala s-sottostanti li għalihom l-istituzzjoni ma tistax tiddetermina d-delta jew it-tul ta' żmien modifikat, skont il-każ, b'mudell ta' strument li l-awtorità kompetenti tkun approvat għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, l-awtorità kompetenti għandha jew tiddetermina d-daqs tal-pożizzjonijiet tar-riskju u s-CCRMjs applikabbli b'mod konservattiv, jew teħtieġ lill-istituzzjoni sabiex tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 3. In-netting ma għandux ikun rikonoxxut (jiġifieri, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi determinat daqs li kieku kien hemm sett ta' netting li fih transazzjoni individwali biss).

7. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tinkludi transazzjoni fis-sett ta' hedging, it-transazzjoni tkun koperta minn kuntratt ta' netting infurzabbli legalment li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 7.

8. Istituzzjoni li tagħmel użu mill-kollateral sabiex ittaffi s-CCR tagħha għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tirrikonoxxi l-effett tal-kollateral fuq il-kalkoli tagħha, il-kollateral jilħaq l-istandards ta' ċertezza legali stabbiliti fil-Kapitolu 4.

## Taqsima 6

## Metodu tal-mudell intern

*Artikolu 283*

**Permess biex jintuża l-Metodu tal-Mudell Intern**

1. Sakemm l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li istituzzjoni laħqet ir-rekwiżit fil-paragrafu 2, għandhom jippermettu lil dik l-istituzzjoni tuża il-Metodu tal-Mudell Intern (IMM) sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura għal kull waħda minn dawn it-transazzjonijiet:

(a) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(a);

(b) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(b), (c) u (d);

(c) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(a) sa (d),

Fejn istituzzjoni għandha l-permess tuża l-IMM sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura għal kwalunkwe transazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu, tista' wkoll tuża l-IMM għat-transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(e).

Minkejja t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 273(1), istituzzjoni tista' tagħżel li ma tapplikax dan il-metodu għal skoperturi li huma immaterjali fid-daqs u r-riskju. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tapplika wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 5 għal dawn l-iskoperturi meta r-rekwiżiti rilevanti għal kull approċċ ikunu sodisfatti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-IMM għall-kalkoli imsemmija fil-paragrafu 1 biss jekk l-istituzzjoni tkun uriet li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima, u l-awtoritajiet kompetenti jkunu vverifikaw li s-sistemi għall-ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni huma validi u implimentati b'mod korrett.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet biex għal perijodu limitat jimplimentaw l-IMM b'mod sekwenzjali fost tipi differenti ta' transazzjonijiet. Matul dan il-perijodu ta' implimentazzjoni sekwenzjali, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew fit-Taqsima 5 għat-tip ta' transazzjoni li għaliha ma jużawx l-IMM.

4. Għat-transazzjonijiet tad-derivati OTC kollha u għat-transazzjonijiet b'saldu fit-tul li għalihom istituzzjoni ma rċevietx permess skont il-paragrafu 1 sabiex tuża l-IMM, l-istituzzjoni għandha tuża l-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew fit-Taqsima 5.

Dawn il-metodi jistgħu jintużaw flimkien fuq bażi permanenti fi ħdan grupp. F'istituzzjoni dawn il-metodi jistgħu jintużaw flimkien biss meta wieħed mill-metodi jintuża għall-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 282(6)

5. Istituzzjoni li skont il-paragrafu 1 għandha l-permess tuża l-IMM ma għandhiex terġa' lura għall-użu tal-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew fit-Taqsima 5 sakemm ma tingħatax permess mill-awtorità kompetenti sabiex tagħmel dan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali permess jekk l-istituzzjoni turi kawża ġusta.

6. Jekk istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima, għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u tagħmel waħda milli ġej:

(a) tippreżenta lill-awtorità kompetenti pjan li jerġa' jwassal għall-konformità bla dewmien;

(b) turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti li l-effett tannuqqas ta' konformità huwa immaterjali.

*Artikolu 284*

**Valur tal-Iskopertura**

1. Fejn istituzzjoni jkollha l-permess, skont l-Artikolu 283(1), tuża l-IMM sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura ta' wħud jew tat-transazzjonijiet kollha msemmija f'dak il-paragrafu, għandha tikkalkula il-valur tal-iskopertura ta' dawk it-transazzjonijiet fil-livell tas-sett ta' netting.

Il-mudell użat mill-istituzzjoni għal dak il-għan għandu:

(a) jispeċifika d-distribuzzjoni tal-previżjonijiet għal varjazzjonijiet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting attribwibbli għal bidliet konġunti fil-varjabbli rilevanti tas-suq, bħal rati tal-imgħax, rati tal-kambju;

(b) jikkalkula l-valur tal-iskopertura għas-sett ta' netting f'kull waħda mid-dati futuri fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet konġunti fil-varjabbli tas-suq.

2. Sabiex il-mudell ikopri l-effetti tal-marġinazzjoni, il-mudell tal-valur tal-kollateral għandu jissodisfa r-rekwiżiti kwantitattivi, kwalitattivi u tad-data għall-mudell IMM skont din it-Taqsima u l-istituzzjoni tista' tinkludi biss kollateral finanzjarju eleġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 197 u 198 u l-punti (c) u (d) tal-Artikolu 299(2) fid-distribizzjonijiet ta' previżjonijiet tagħha għal bidliet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting.

3. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti fir-rigward tal-iskoperturi għas-CCR li għalihom l-istituzzjoni tapplika l-IMM, għandu jkun l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ikkalkulati fuq il-bażi ta' EPE Effettiva bl-użu tad-data attwali tas-suq;

(b) ir-rekwiżit tal-fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ikkalkulati fuq il-bażi tal-EPE Effettiva bl-użu ta' kalibrazzjoni waħda konsistenti tal-kondizzjonijiet ta' kriżi għall-iskoperturi kollha tas-CCR li għalihom japplika l-IMM.

4. Għajr għall-kontropartijiet identifikati li għandhom Riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Negattiva (Specific Wrong-Way Risk) li jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu 291(4) u (5), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura bħala l-multiplikazzjoni tal-alpha (α) bl-EPE Effettiva, kif ġej:

$$\textit{Exposure value} = \alpha \cdot \textit{Effective EPE}$$

fejn:

α = 1.4, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jeħtiġux α ogħla jew jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess skont il-paragrafu 9;

L-EPE Effettiva għandha tiġi kkalkulata billi tiġi stmata l-iskopertura mistennija ($EE_t$) bħala l-iskopertura medja fid-data furura t, fejn il-medja tittieħed fost valuri futuri possibbli tal-fatturi tar-riskju tas-suq rilevanti.

Il-mudell għandu jistma l-EE f'serje ta' dati futuri $t_1$, $t_2$, $t_3$, eċċ.

5. L-EE effettiva għandha tiġi kkalkulata b'mod rikursiv bħala:

$$\textit{Effective } EE_{tk} = \max \{\textit{Effective } EE_{tk-1}, EE_{tk}\}$$

fejn:

id-data attwali hija denotata bħala $t_0$;

L-$EEt_0$ effettiva hija daqs l-iskopertura attwali.

6. L-EPE effettiva hija l-EE effettiva medja matul l-ewwel sena tal-iskopertura futura. Jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting jimmaturaw f'inqas minn sena, l-EPE għandha tkun il-medja tal-EE sakemm jimmaturaw il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting. L-EPE effettiva għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja ppeżata tal-EE effettiva:

$$\textit{Effective EPE} = \sum_{k=1}^{\min\{1\ \textit{year},\ \textit{maturity}\}} \textit{Effective } EE_{tk} \cdot \Delta t_k$$

fejn il-piżijiet $\Delta t_k = t_k - t_{k-1}$ jippermettu għall-każ meta l-iskopertura futura tkun ikkalkulata f'dati li ma jaqgħux f'intervalli regolari ta' żmien.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-EE jew il-miżuri tal-iskopertura massima fuq il-bażi ta' distribuzzjoni tal-iskoperturi li tkopri n-nuqqas ta' normalità possibbli tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi.

8. Istituzzjoni tista' tuża miżura tad-distribuzzjoni kkalkulata permezz tal-mudell li huwa aktar konservattiv minn α multiplikata b'EPE effettiva kif ikkalkulata skont l-ekwazzjoni fil-paragrafu 4 għal kull kontroparti.

9. Minkejja l-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess għal alpha, fejn:

(a) alpha tkun daqs il-proporzjon tal-kapital intern minn simulazzjoni sħiħa tal-iskopertura għas-CCR fost il-kontropartijiet (numeratur) u l-kapital intern ibbażat fuq l-EPE (denominatur);

(b) fid-denominatur, l-EPE għandha tintuża daqs li kieku kienet ammont pendenti fiss.

Meta stmata skont dan il-paragrafu, alpha ma għandhiex tkun inqas minn 1.2.

10. Għall-finijiet ta' stima tal-alpha skont il-paragrafu 9, istituzzjoni għandha tiżgura li n-numeratur u d-denominatur huma kkalkulati b'mod konsistenti mal-metodoloġija tal-immudellar, l-ispeċifikazzjonijiet tal-parametri u l-kompożizzjoni tal-portafoll. L-approċċ użat għall-istima tal-α għandu jkun ibbażat fuq l-approċċ tal-kapital intern tal-istituzzjoni, jkun dokumentat sew u jkun soġġett għal validazzjoni indipendenti. Barra minn hekk, istituzzjoni għandha tanalizza l-istimi tagħha ta' alpha mill-inqas fuq bażi trimestrali, u aktar spiss meta l-kompożizzjoni tal-portafoll tvarja maż-żmien. Istituzzjoni għandha tivvaluta wkoll ir-riskju tal-mudell.

11. Istituzzjoni għandha turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-istimi interni tagħha ta' alpha jkopru finnumeratur fis-sorsi materjali tad-dipendenza tad-distribuzzjoni tal-valuri tas-suq tat-transazzjonijiet jew tal-portafolli tat-transazzjonijiet fost il-kontropartijiet. L-istimi interni ta' alpha għandhom iqisu l-granularità tal-portafolli.

12. Meta jissorveljaw l-użu tal-istimi tal-paragrafu 9, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-varjazzjoni sinifikanti fl-istimi tal-alpha li toħroġ mill-potenzjal ta' speċifikazzjoni ħażina fil-mudelli użati għan-numeratur, partikolarment meta jkun hemm konvessità.

13. Fejn xieraq, il-volatilitajiet u l-korrelazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju tas-suq użati fl-immudellar konġunt tar-riskju tas-suq u tal-kreditu għandhom ikunu subrdinati għall-fattur tar-riskju tal-kreditu sabiex jirriflettu ż-żidied potenzjali fil-volatilità jew fil-korrelazzjoni f'perijodu ta' tnaqqis tar-ritmu ekonomiku.

*Artikolu 285*

**Valur tal-iskopertura għas-settijiet tan-netting soġġetti għal ftehim dwar il-marġni**

1. Jekk is-sett ta' netting huwa soġġett għal ftehim dwar il-marġni u valutazzjoni ta' kuljum skont il-valur fis-suq, l-istituzzjoni tista' tuża waħda mill-miżuri tal-EPE li ġejjin:

(a) l-EPE effettiva, mingħajr ma tqis l-ebda kollateral miżmum jew depożitat bħala marġni miżjuda bi kwalunkwe kollateral li kien depożitat għand il-kontroparti indipendentement mill-proċess ta' valutazzjoni u marġinazzjoni ta' kuljum jew l-iskopertura attwali;

(b) żieda li tirrefletti ż-żieda potenzjali fl-iskopertura fil-perijodu b'riskju ta' marġni, flimkien mal-ikbar fost:

(i) l-iskopertura attwali inkluż il-kollateral kollu miżmum jew depożitat attwalment, għajr kollateral eżerċitat jew ikkontestat;

(ii) l-ikbar skopertura netta, inkluż kollateral taħt il-ftehim dwar il-marġni, li ma jattivax sejħa għal kollateral. Dan l-ammont għandu jirrefletti l-limiti applikabbli kollha, l-ammonti minimi ta' trasferiment, l-ammonti indipendenti u l-marġni inizjali taħt il-ftehim dwar il-marġni;

(c) jekk il-mudell ikopri l-effetti tal-marġinazzjoni meta tiġi stmata l-EE, l-istituzzjoni tista', soġġett għall-permess tal-awtorità kompetenti, tuża l-miżura tal-EE tal-mudell direttament fl-ekwazzjoni fl-Artikolu 284(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali permess biss jekk jivverifikaw li l-mudell ikopri b'mod xieraq l-effetti tal-marġinazzjoni meta tiġi stmata l-EE.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw iż-żieda bħala l-varjazzjoni pożittiva mistennija tal-valur ipprezzat skont il-valur fis-suq tat-transazzjonijiet matul il-perijodu b'riskju ta' marġni. Varjazzjonijiet fil-valur tal-kollateral għandhom jiġu riflessi bl-użu tal-aġġustamenti superviżorji għall-volatilità skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 jew l-istimi proprji tal-aġġustamenti għall-volatilità tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, iżda l-ebda pagament ta' kollateral ma għandu jiġi preżunt matul il-perijodu b'riskju ta' marġni. Il-perijodu b'riskju ta' marġni huwa soġġett għall-perijodi minimi stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Għal transazzjonijiet soġġetti għal aġġustament ta' kuljum tal-marġni u tal-valutazzjoni skont il-valur fis-suq, il-perijodu b'riskju ta' marġni użat għall-iskop tal-immuddellar tal-valur tal-iskopertura bi ftehimiet dwar il-marġni ma għandux ikun inqas minn:

(a) 5 ġranet ta' xogħol għas-settijiet ta' netting li jikkonsistu biss fi transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u transazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġni;

(b) 10 ġranet ta' xogħol għas-settijiet ta' netting l-oħra kollha.

3. Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) għas-settijiet ta' netting kollha fejn l-għadd ta' transazzjonijiet jaqbeż il-5 000 fi kwalunkwe punt matul trimestru, il-perijodu b'riskju ta' marġni għat-trimestru ta' wara ma għandux ikun inqas minn 20 ġurnata ta' xogħol. Din l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għall-iskoperturi kummerċjali tal-istituzzjonijiet;

(b) għal settijiet ta' netting li fihom transazzjoni waħda jew aktar li jinvolvu jew kollateral illikwidu, jew derivat OTC li ma jistax jiġi sostitwit faċilment, il-perijodu b'riskju ta' marġni ma għandux ikun inqas minn 20 ġurnata ta' xogħol.

Istituzzjoni għandha tiddetermina jekk kollateral huwiex illikwidu jew jekk id-derivati OTC jistgħux jiġu sostitwiti faċilment fil-kuntest ta' kondizzjonijiet tas-suq taħt kriżi, karatterizzati mill-assenza tas-swieq kontinwament attivi fejn kontroparti, fi żmien jumejn jew inqas, tikseb diversi kwoti tal-prezz li ma jċaqalqux is-suq jew jirrappreżentaw prezz li jirrefletti skont tas-suq (fil-każ ta' kollateral) jew primjum (fil-każ ta' derivat OTC).

Istituzzjoni għandha tikkunsidra jekk it-transazzjonijiet jew it-titoli li żżomm bħala kollateral humiex konċentrati f'kontroparti partikolari u f'każ li dik il-kontroparti toħroġ mis-suq b'mod preċipituż, jekk l-istituzzjoni tkunx tista' tissotitwixxi dawk it-transazzjonijiet jew titoli.

4. Jekk istituzzjoni kienet involuta f'aktar minn żewġ kontestazzjonijiet ta' sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni dwar sett ta' netting partikolari matul iż-żewġ trimestri immedjatament preċedenti li damu aktar mill-perijodu b'riskju ta' marġni skont il-paragrafi 2 u 3, l-istituzzjoni għandha tuża perijodu b'riskju ta' marġni li huwa mill-inqas id-doppju tal-perijodu speċifikat fil-paragrafi 2 u 3 għal dak is-sett ta' netting għaż-żewġ trimestri sussegwenti.

5. Għall-aġġustament tal-marġni b'perijodiċità ta' N ġranet, il-perijodu b'riskju ta' marġni għandu jkun mill-inqas daqs il-perijodu speċifikat fil-paragrafi 2 u 3, F, miżjud b'N ġranet imnaqqas b'ġurnata waħda. Jiġifieri:

$$\textit{Perijodu b'riskju ta' marġni} = F + N - 1$$

6. Jekk il-mudell intern jinkludi l-effett tal-marġinazzjoni f'varjazzjonijiet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting, l-istituzzjoni għandha timmudella l-kollateral, għajr il-flus fl-istess munita bħall-iskopertura stess, b'mod konġunt mal-iskopertura fil-kalkoli tagħha tal-valur tal-iskopertura għad-derivati OTC u t-transazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli.

7. Jekk istituzzjoni ma tistax timmudella l-kollateral b'mod konġunt mal-iskopertura, ma għandhiex tirrikonoxxi l-effett tal-kollateral fil-kalkoli tal-valur tal-iskopertura tagħha għad-derivati OTC u t-transazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, għajr il-flus fl-istess munita bħall-iskopertura stess, sakemm ma tużax jew l-aġġustamenti għall-volatilità li jilħqu l-istandards tal-metodu komprensiv tal-kollateral finanzjarju bl-istimi proprji għall-aġġustamenti fil-volatilità jew l-aġġustamenti superviżorji għall-volatilità standard skont il-Kapitolu 4.

8. Istituzzjoni li tuża l-IMM għandha tinjora fil-mudelli tagħha l-effett ta' tnaqqis tal-valur tal-iskopertura dovut għal kwalunkwe klawżola fi ftehim ta' kollateral li jeħtieġ li jingħata kollateral meta l-kwalità tal-kreditu ta' kontroparti tiddeterjora.

*Artikolu 286*

**Ġestjoni tas-CCR – Politiki, proċessi u sistemi**

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm qafas għall-ġestjoni tas-CCR, li jikkonsisti fi:

(a) politiki, proċessi u sistemi sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni, il-kalkolu, l-ġestjoni, l-approvazzjoni u r-rappurtar intern tas-CCR;

(b) proċeduri għall-iżgurar tal-konformità ma' dawk il-politiki, il-proċessi u s-sistemi.

Dawk il-politiki, il-proċessi u s-sistemi għandhom ikunu validi fil-prinċipju, implimentati b'integrità u dokumentati. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni tat-tekniki empiriċi użati għall-kalkolu tas-CCR.

2. Il-qafas tal-ġestjoni tas-CCR meħtieġ mill-paragrafu 1 għandu jqis ir-riskji tas-suq, tal-likwidità, legali u operattivi li huma assoċjati mas-CCR. B'mod partikolari, il-qafas għandu jiżgura li l-istituzzjoni tikkonforma mal-prinċipji li ġejjin:

(a) ma twettaqx negozju ma' kontroparti mingħajr ma tanalizza l-affidabbiltà kreditizja tagħha;

(b) tieħu kont xieraq tar-riskju tal-kreditu tas-saldu u ta' qabel is-saldu;

(c) tiġġestixxi tali riskji bl-iżjed mod komprensiv prattikabbli fuq livell tal-kontroparti billi taggrega l-iskoperturi għas-CCR ma' skoperturi għall-kreditu oħrajn u fuq livell tad-ditta kollha.

3. Istituzzjoni li tuża l-IMM għandha tiżgura li l-qafas tal-ġestjoni tas-CCR tagħha iqis għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti ir-riskji tal-likwidità ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) sejħiet potenzjali li jidħlu għall-manutenzjoni tal-marġni fil-kuntest ta' skambji tal-marġni ta' varjazzjoni jew tipi ta' marġni oħrajn, bħall-marġni inizjali jew indipendenti, f'xokkijiet tas-suq avversi;

(b) sejhiet potenzjali li jidhlu għar-ritorn ta' kollateral eċċessiv depożitat minn kontropartijiet;

(c) sejhiet li jirriżultaw minn tnaqqis potenzjali tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu estern tagħha stess.

Istituzzjoni għandha tiżgura li n-natura u l-perijodu tal-użu mill-ġdid tal-kollateral huma konsistenti mal-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha u ma jheddux il-kapaċità tagħha li tiddepożita jew tirritorna l-kollateral fil-ħin.

4. Il-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni u l-amministrazzjoni għolja għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-ġestjoni tas-CCR u jiżguraw li riżorsi adegwati huma allokati għal dan il-għan. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun konxja tal-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet tal-mudell użat u l-impatt li dawk il-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet jista' jkollhom fuq l-affidabbiltà tal-output permezz ta' proċess formali. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun konxja wkoll tal-inċertezzi tal-ambjent tas-suq u l-kwistjonijiet operattivi u dwar kif dawk huma riflessi fil-mudell.

5. Ir-rapporti ta' kuljum imħejjija dwar skopertura tal-istituzzjoni għas-CCR skont l-Artikolu 287(2)(b) għandhom jiġu analizzati minn livell ta' maniġment b'anzjanità u awtorità suffiċjenti sabiex jinfurza kemm tnaqqis ta' pożizzjonijiet meħuda mill-maniġers tal-kreditu jew operaturi individwali kif ukoll tnaqqis fl-iskopertura kumplessiva tas-CCR tal-istituzzjoni.

6. Qafas ta' ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni stabbilit skont il-paragrafu 1 għandu jintuża flimkien mal-limiti tal-kreditu u tan-negozjar interni. Limiti tal-kreditu u tan-negozjar għandhom ikunu relatati mal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni b'mod li huwa konsistenti maż-żmien u mifhum sew mill-maniġers tal-kreditu, mill-operaturi u mill-amministrazzjoni għolja. Istituzzjoni għandu jkollha proċess formali sabiex tirraporta ksur fil-limiti tar-riskju lil-livell xieraq tal-maniġment.

7. Il-kalkolu tas-CCR mill-istituzzjoni għandu jinkludi l-kalkolu ta' kuljum u l-użu ta' dakinhar stess tal-linji tal-kreditu. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-iskopertura attwali grossa u netta mill-kollateral. Fil-livell tal-portafoll u tal-kontraparti, l-istituzzjoni għandha tikkalkula u tissorvelja l-iskopertura massima jew l-iskopertura futura potenzjali fl-intervall ta' kunfidenza magħżul mill-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra pożizzjonijiet kbar jew konċentrati, inkluż skont il-gruppi ta' kontropartijiet relatati, skont l-industrija u skont is-suq.

8. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta' rutina u rigoruż ta' ttestjar għal stress. Ir-riżultati ta' dak l-ittestjar għal stress għandhom jiġu analizzati b'mod regolari u mill-inqas b'mod trimestrali mill-maniġment superjuri u għandhom jiġu riflessi fil-politiki u l-limiti tas-CCR stabbiliti mill-korp ta' ġestjoni jew mill-amministrazzjoni għolja. Fejn l-ittestjar għal stress jesponi vulnerabbiltà partikolari f'sett partikolari ta' ċirkostanzi, l-istituzzjoni għandha tieħu passi immedjati sabiex tiġġestixxi dawk ir-riskji.

*Artikolu 287*

**Strutturi organizzattivi għall-ġestjoni tas-CCR**

1. Istituzzjoni li tuża IMM għandha tistabbilixxi u żżomm:

(a) unità ta' kontroll tar-riskji li tikkonforma mal-paragrafu 2;

(b) unità għall-ġestjoni tal-kollateral li tikkonforma mal-paragrafu 3.

2. L-unità ta' kontroll tar-riskji għandha tkun responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tas-CCR tagħha, inkluż il-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell, u għandha twettaq il-funzjonijiet li ġejjin u tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tkun responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni;

(b) għandha tipproduċi rapporti ta' kuljum dwar, kif ukoll tanalizza, l-output tal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni. Dik l-analiżi għandha tinkludi evalwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-miżuri tal-valuri tal-iskoperturi għas-CCR u l-limiti ta' negozjar;

(c) għandha tikkontrolla l-integrità tad-data li tiddaħħal u tipproduċi u tanalizza rapporti dwar l-output tal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni, inkluża evalwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-miżuri tal-iskopertura għar-riskju u l-limiti tal-kreditu u tan-negozjar;

(d) għandha tkun indipendenti mill-unitajiet responsabbli biex joħolqu, iġeddu jew jinnegozjaw skoperturi u ħielsa minn influenza mhux dovuta;

(e) għandu jkollha biżżejjed persunal;

(f) għandha tirraporta direttament lill-amministrazzjoni għolja tal-istituzzjoni;

(g) il-ħidma tagħha għandha tkun integrata mill-viċin fil-proċess ta' kuljum tal-ġestjoni tar-riskji tal-kreditu tal-istituzzjoni;

(h) l-output tagħha għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' ppjanar, ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-profil tal-kreditu u tar-riskju kumplessiv tal-istituzzjoni.

3. L-unità tal-ġestjoni tal-kollateral għandu jkollha dawn l-inkarigi u funzjonijiet li ġejjin:

(a) tikkalkula u tagħmel sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, tiġġestixxi kontestazzjonijiet dwar is-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni u tirraporta l-livelli tal-ammonti indipendenti, l-marġni inizjali u l-marġni ta' varjazzjoni bi preċiżjoni ta' kuljum;

(b) tikkontrolla l-integrità tad-data użata sabiex tagħmel sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, u tiżgura li hija konsistenti u li tkun rikonċiljata b'mod regolari mas-sorsi tad-data rilevanti kollha fi ħdan l-istituzzjoni;

(c) tissorvelja sa fejn kollateral jintuża mill-ġdid u kwalunkwe emenda tad-drittijiet tal-istituzzjoni għal, jew f'konnessjoni mal-kollateral li tiddepożita;

(d) tirrapporta lil-livell xieraq tal-maniġment dwar it-tipi ta' assi kollaterali li jintużaw mill-ġdid, u t-termini ta' tali użu mill-ġdid inkluż l-istrument, il-kwalità tal-kreditu u l-maturità;

(e) tissorvelja l-konċentrazzjoni f'tipi individwali ta' assi kollaterali aċċettati mill-istituzzjoni;

(f) tirrapporta l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kollateral fuq bażi regolari, iżda mill-inqas minn kull tliet xhur, lill-amministrazzjoni għolja, inkluż informazzjoni dwar it-tip ta' kollateral irċevut u depożitat, id-daqs, iż-żmien u l-kawża għall-kontestazzjonijiet tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni. Dak ir-rappurtar intern għandu wkoll jirrifletti x-xejriet f'dawn il-figuri.

4. L-amministrazzjoni għolja għandha talloka biżżejjed riżorsi lill-unità tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa taħt il-paragrafu 1(b) sabiex tiżgura li s-sistemi tagħha jiksbu l-livell xieraq ta' prestazzjoni operattiva, kif ikkalkulat mill-prontezza u l-preċiżjoni tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni mill-istituzzjoni u l-prontezza tar-reazzjoni tal-istituzzjoni għas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet tagħha. L-amministrazzjoni għolja għandha tiżgura li l-unità jkollha numru adegwat ta' persunal sabiex jiġu pproċessati s-sejħiet u l-kontestazzjonijiet fil-ħin anki matul kriżi qawwija tas-suq, u sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tillimita l-għadd tagħha ta' kontestazzjonijiet kbar ikkawżati mill-volumi tan-negozju.

*Artikolu 288*

**Analiżi tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR**

Istituzzjoni għandha twettaq analiżi indipendenti tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR tagħha b'mod regolari permezz tal-proċess intern ta' verfika tagħha. Dik l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet ta' kontroll u tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa mill-Artikolu 287 u bħala minimu għandha tindirizza b'mod speċifiku:

(a) l-adegwadezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR u l-proċess meħtieġ mill-Artikolu 286;

(b) l-organizzazzjoni tal-unità ta' kontroll tas-CCR meħtieġa mill-Artikolu 287(1)(a);

(c) l-organizzazzjoni tal-unità tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa mill-Artikolu 287(1)(b);

(d) l-integrazzjoni tal-miżuri tas-CCR fil-ġestjoni ta' kuljum tar-riskji;

(e) il-proċess ta' approvazzjoni għall-mudelli ta' pprezzar tar-riskju u s-sistemi ta' valutazzjoni użati mill-persunal fil-front office u fil-back office;

(f) il-validazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fil-proċess tal-kalkolu tas-CCR;

(g) l-ambitu tas-CCR kopert mill-mudell tal-kalkolu tar-riskji;

(h) l-integrità tas-sistema ta' informazzjoni ta' ġestjoni;

(i) il-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data tas-CCR;

(j) l-użu korrett tat-termini legali fil-ftehimiet tal-kollateral u tan-netting fil-kalkoli tal-valur tal-iskopertura;

(k) il-verifika tal-konsistenza, il-prontezza u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati sabiex jiġu operati l-mudelli, inkluż l-indipendenza ta' tali sorsi tad-data;

(l) il-preċiżjoni u l-idonjetà tas-suppożizzjonijiet tal-volatilità u tal-korrelazzjoni;

(m) il-preċiżjoni tal-valutazzjoni u tal-kalkoli tat-transformazzjoni tar-riskji;

(n) il-verifika tal-preċiżjoni tal-mudell permezz ta' ttestjar retrospettiv frekwenti kif stabbilit fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 293(1);

(o) il-konformità tal-unità ta' kontroll tas-CCR u l-unità tal-ġestjoni tal-kollateral mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

*Artikolu 289*

**Test tal-użu**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-iskoperturi ġġenerati mill-mudell użat għall-kalkolu tal-EPE effettiva tkun integrata mill-viċin fil-proċess tal-ġestjoni ta' kuljum tas-CCR tal-istituzzjoni, u li l-output tal-mudell jitqies fil-proċess ta' approvazzjoni tal-kreditu, fil-ġestjoni tas-CCR, fl-allokazzjoni interna tal-kapital u fil-governanza korporattiva.

2. L-istituzzjoni għandha turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li hi kienet qed tuża l-mudell sabiex tikkalkula d-distribuzzjoni tal-iskoperturi li fuqha huwa bbażat il-kalkolu tal-EPE li jilħaq, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima għal mill-inqas sena qabel il-permess għall-użu tal-IMM mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283.

3. Il-mudell użat għall-ġenerazzjoni ta' distribuzzjoni tal-iskoperturi għas-CCR għandu jkun parti mill-qafas ta' ġestjoni tas-CCR meħtieġ mill-Artikolu 286. Dan il-qafas għandu jinkludi l-kalkolu tal-użu tal-linji ta' kreditu, billi jiġu aggregati l-iskoperturi għas-CCR ma' skoperturi għall-kreditu oħrajn u l-allokazzjoni interna tal-kapital.

4. Minbarra l-EPE, istituzzjoni għandha tikkalkula u tiġġestixxi l-iskoperturi attwali. Fejn xieraq, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-iskopertura attwali grossa u netta mill-kollateral. It-test tal-użu huwa sodisfatt jekk istituzzjoni tuża miżuri oħra tas-CCR, bħall- iskopertura massima, ibbażat fuq id-distribuzzjoni tal-iskoperturi iġġenerati mill-istess mudell għall-kalkolu tal-EPE.

5. L-istituzzjoni għandu jkollha l-kapaċità teknoloġika sabiex tistma l-EE ta' kuljum jekk neċessarju, sakemm ma turix għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tagħha li l-iskoperturi tagħha għas-CCR jeħtieġu kalkolu inqas frekwenti. L-istituzzjoni għandha tistma l-EE tul perijodu ta' żmien ta' orrizonti previżjonali li jirrifletti b'mod adegwat l-istruttura ta' żmien tal-likwidità futura u l-maturità tal-kuntratti u b'tali mod li jkun konsistenti mal-importanza u l-kompożizzjoni ta' l-iskoperturi.

6. Skopertura għandha tiġi kkalkulata, issorveljata u kkontrollata tul il-perijodu ta' żmien tal-kuntratti kollha fis-sett ta' netting u mhux biss għall-orizzont ta' sena. L-istituzzjoni għandu jkollha proċeduri implimentati sabiex jidentifikaw u jikkontrollaw ir-riskji għall-kontropartijiet fejn l-iskopertura tiżdied għal iktar mill-orrizont ta' sena. Iż-żieda prevista fl-iskopertura għandha tkun input fil-mudell intern tal-kapital tal-istituzzjoni.

*Artikolu 290*

**Ittestjar għal stress**

1. Istituzzjoni għandu jkollha programm komprensiv ta' ttestjar għal stress għas-CCR, inkluż għall-użu fil-valutazzjoni tar-rekwiżit tal-fondi proprji għas-CCR, li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 10.

2. Għandha tidentifika avvenimenti jew bidliet futuri possibbli fil-kondizzjonijiet eknomiċi li jista' jkollhom effetti mhux mixtieqa fuq skoperturi għall-kreditu tal-istituzzjoni u għandha tivvaluta l-kapaċità tal-istituzzjoni li tilqa' għal dawn il-bidliet.

3. Il-miżuri ta' kriżi fil-programm għandhom jitqabblu mal-limiti tar-riskju u kkunsidrati mill-istituzzjoni bħala parti mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE.

4. Il-programm għandu jkopri t-transazzjonijiet u l-iskoperturi aggregati b'mod komprensiv fost il-forom kollha tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti fuq il-livell ta' kontropartijiet speċifiċi f'perijodu ta' żmien biżżejjed li fih tista' titwettaq ittestjar għal stress b'mod regolari.

5. Għal mill-inqas darba fix-xahar, għandha tipprovdi għal ittestjar għal stress fuq l-iskopertura tal-fatturi prinċipali tar-riskju tas-suq bħar-rati tal-imgħax, il-kambju, l-ekwitajiet, il-firxa tal-kreditu, u l-prezzijiet tal-prodotti għall-kontropartijiet kollha tal-istituzzjoni, sabiex tidentifika, u meta neċessarju, tippermetti lill-istituzzjoni sabiex tnaqqas konċentrazzjonijiet kbar wisq f'riskji direzzjonali speċifiċi. L-ittestjar għal stress fuq l-iskoperturi –inkluż riskji b'fattur uniku, b'ħafna fatturi u dawk materjali mhux direzzjonali - u s-simulazzjoni ta' kriżi konġunt tal-iskopertura u l-affidabbiltà kreditizja għandhom jitwettqu fuq il-livell tal-kontroparti speċifiku, tal-grupp ta' kontropartijiet u dak tas-CCR aggregat tal-istituzzjoni kollha.

6. Mill-inqas kull tliet xhur, għandha tapplika xenarji għall-ittestjar għal stress b'ħafna fatturi u tivvaluta r-riskji materjali mhux direzzjonali inklużi l-iskopertura għall-kurva tar-rendiment u r-riskji ta' bażi. L-ittestjar għal stress b'fatturi multipli għandhu, bħala minimu, jindirizza x-xenarji li ġejjin li fihom iseħħ dan li ġej:

(a) ġraw avvenimenti ekonomiċi jew tas-suq gravi;

(b) il-likwidità ġenerali fis-suq naqset b'mod sinifikanti;

(c) intermedjarja finanzjarja kbira qed tillikwida l-pożizzjonijiet.

7. Il-gravità tax-xokkijiet tal-fatturi tar-riskju sottostanti għandhom ikunu konsistenti mal-għan tal-ittestjar għal stress. Meta tiġi evalwata s-solvenza taħt kondizzjonijiet ta' kriżi, ix-xokkijiet tal-fatturi tar-riskju sottostanti għandhom ikunu gravi biżżejjed sabiex ikopru kondizzjonijiet estremi tas-suq li diġà seħħu u kondizzjonijiet ta' kriżi tas-suq estremi iżda plawżibbli. L-ittestjar għal stress għandu jevalwa l-impatt ta' tali xokkijiet fuq il-fondi proprji, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji u l-qligħ. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-portafoll, il-hedging u l-ġestjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' kuljum, il-programm ta' ttestjar għandu jikkunsidra wkoll xenarji ta' inqas gravità bi probabbiltà ogħla.

8. Fejn ikun xieraq, il-programm għandu jipprevedi wkoll ittestjar għal stress bl-invers sabiex jiġu identifikati xenarji estremi, iżda plawżibbli, li jistgħu jirriżultaw f'eżiti negattivi sinifikanti. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jqis l-impatt tan-nuqqas materjali ta' linearità fil-portafoll.

9. Ir-riżultati tal-ittestjar għal stress taħt il-programm għandhom jiġu rapportati regolarment, mill-inqas fuq bażi trimestrali, lill-amministrazzjoni gћolja. Ir-rapporti u l-analiżi tar-riżultati għandhom ikopri l-akbar impatti fil-livell tal-kontroparti ġewwa l-portafoll, il-konċentrazzjonijiet materjali fis-segmenti tal-portafoll (fl-istess industrija jew reġjun), u t-tendenzi rilevanti speċifiċi għall-portafoll u l-kontroparti.

10. L-amministrazzjoni għolja għandu jkollha rwol ewlieni fl-integrazzjoni tal-ittestjar għal stress fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskji u l-kultura tar-riskju tal-istituzzjoni u tiżgura li r-riżultati huma sinifikattivi u użati fil-ġestjoni tas-CCR. Ir-riżultati tal-ittestjar għal stress għall-iskoperturi sinifikanti għandhom ikunu analizzati fl-isfond tal-linji gwida li jindikaw l-attitudni tal-istituzzjoni lejn ir-riskji, u jiġu rreferuti lill-amministrazzjoni għolja għad-diskussjoni u għall-azzjoni meta jiġu indentifikati riskji eċċessivi jew konċentrati.

*Artikolu 291*

**Riskju ta' Korrelazzjoni Negattiva (Wrong-Way)**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) 'Riskju Ġenerali Wrong-Way' jirriżulta meta l-probabbiltà ta' inadempjenza mill-kontropartijiet tkun korrelatata b'mod pożittiv mal-fatturi ġenerali tar-riskju tas-suq;

(b) 'Riskju Speċifiku Wrong-Way' jirriżulta meta skopertura futura għal kontroparti speċifika tkun korrelatata b'mod pożittiv mal-probabblità ta' inadempjenza tal-kontroparti minhabba n-natura tat-transazzjonijiet mal-kontroparti. Istituzzjoni għandha tkun ikkunsidrata li hija esposta għal Riskju Speċifiku Wrong-Way jekk l-iskopertura futura għal kontroparti speċifika mistennija li tkun għolja meta l-probabbiltà ta' inadempjenza tal-kontroparti tkun ukoll għolja.

2. Istituzzjoni għandha tqis b'mod xieraq l-iskoperturi li jwasslu għal riskju Ġenerali u Speċifiku Wrong-Way sinifikanti.

3. Sabiex jiġi identifikat ir-riskju Ġenerali Wrong-Way, istituzzjoni għandha tfassal ittestjar għal stress u analiżi tax-xenarji għall-fatturi tar-riskju minn kondizzjonijiet ta' stress li huma relatati b'mod negattiv mal-affidabbiltà kreditizja tal-kontroparti. Tali ttestjar għandu jindirizza l-possibbiltà ta' xokkijiet gravi li jseħħu meta jkunu jinbidlu r-relazzjonijiet bejn il-fatturi tar-riskju. L-istituzzjoni għandha jissorvelja r-Riskju Ġenerali Wrong-Way skont il-prodott, ir-reġjun, l-industrija, jew skont kategoriji oħrajn li huma rilevanti għan-negozju.

4. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri sabiex jidentifikaw, jissorveljaw u jikkontrollaw każijiet ta' Riskju Speċifiku Wrong-Way għal kull entità ġuridika, mill-bidu ta' transazzjoni u li jkomplu matul iż-żmien tat-transazzjoni.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għas-CCR fir-rigward ta' transazzjonijiet fejn ġie identifikat Riskju Speċifiku Wrong-Way u fejn teżisti konnessjoni legali bejn il-kontroparti u l-emittent tas-sottostanti tad-derivat OTC jew is-sottostanti tat-transazzjonijiet kif imsemmi fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 273(2), skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-istrumenti fejn jeżisti r-Riskju Speċifiku Wrong-Way ma għandhomx jiġu inklużi fl-istess sett ta' netting bħal transazzjonijiet oħrajn mal-kontroparti, u kull wieħed għandu jiġi ttrattat bħala sett ta' netting separat;

(b) f'kull tali sett ta' netting separat, għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed il-valur tal-iskopertura jkun daqs it-telf sħiħ fil-valur mistenni tal-valur ġust residwu tal-istrumenti sottostanti abbażi tas-suppożizzjoni li l-emittent sottostanti jkun f'likwidazzjoni;

(c) l-LGD għall-istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 3 għandu jkun ta' 100 % għal tali transazzjonijiet ta' swap;

(d) għal istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 2, il-piż tar-riskju applikabbli għandu jkun dak ta' transazzjoni mhux iggarantita;

(e) għat-transazzjonijiet l-oħra kollha li jirreferu għal isem wieħed f'kull tali sett ta' netting separat, il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għandu jkun konsistenti mas-suppożizzjoni ta' inadempjenza immedjata (jump-to-default) ta' dawk l-obbligazzjonijiet sottostanti meta l-emittent ikun legalment marbut mal-kontroparti. Għal transazzjonijiet li jirreferu għal basket ta' ismijiet jew indiċi, l-inadempjenza immedjata tal-obbligazzjonijiet sottostanti rispettivi meta l-emittent ikun legalment marbut mal-kontroparti għandha tiġi applikata, jekk materjali;

(f) sa fejn din tuża kalkoli tar-riskju tas-suq eżistenti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji għall-inadempjenza inkrementali u r-riskju ta' migrazzjoni kif stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 4 li diġà fihom suppożizzjoni tal-LGD, l-LGD fil-formula użata għandha tkun ta' 100 %.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu lill-amministrazzjoni għolja u lill-kumitat adatt tal-korp ta' ġestjoni b'rapporti regolari kemm dwar ir-Riskju Speċifiku Wrong-Way kif ukoll dwar ir-Riskju Ġenerali Wrong-Way u dwar il-passi li qed jittieħdu sabiex jiġu ġestiti dawn ir-riskji.

*Artikolu 292*

**Integrità tal-proċess ta' mmudellar**

1. Istituzzjoni għandha tiżgura l-integrità tal-proċess ta' mmudellar kif stabbilit fl-Artikolu 284 billi mill-inqas tadotta l-miżuri li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jirrefletti t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni b'mod pront komplet, u konservattiv;

(b) dawn it-termini għandhom jinkludu mill-inqas l-ammonti nozzjonali tal-kuntratt, il-maturità, l-assi ta' referenza, l-arranġamenti tal-marġinazzjoni u l-arranġamenti tan-netting;

(c) dawk it-termini u l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinżammu f'bażi ta' data li hija soġġetta għal verifika formali u perijodika;

(d) proċess għar-rikonoxximent tal-arranġamenti tan-netting li jeħtieġ persunal legali li jivverifika li n-netting f'dawk l-arranġamenti huwa legalment infurzabbli;

(e) il-verifika meħtieġa mill-punt (d) għandha tiddaħħal fil-bażi ta' data msemmija fil-punt (c) minn unità indipendenti;

(f) it-trasmissjoni tad-data dwar it-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni fil-mudell EPE għandha tkun soġġetta għal verifika interna;

(g) għandu jkun hemm proċessi għar-rikonċiljazzjoni formali bejn il-mudell u s-sitemi tas-sorsi tad-data sabiex jiġi verifikat b'mod kontinwu li t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni qed ikunu riflessi fl-EPE b'mod korrett jew mill-inqas b'mod konservattiv.

2. Għandha tintuża data tas-suq attwali għad-determinazzjoni l-iskoperturi attwali. Istituzzjoni tista' tikkalibra l-mudell EPE tagħha permezz ta' data tas-suq storika jew data tas-suq impliċita sabiex tistabbilixxi parametri tal-proċessi stokastiċi sottostanti, bħad-drift, il-volatilità u l-korrelazzjoni. Jekk istituzzjoni tuża data storika, mill-inqas għandha tuża tliet snin ta' tali data. Id-data għandha tiġi aġġornata mill-inqas fuq bażi trimestrali, u aktar sikwit jekk dan ikun neċessarju sabiex jiġu riflessi l-kondizzjonijiet tas-suq.

Għall-kalkolu tal-EPE Effettiva permezz tal-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi, istituzzjoni għandha tikkalibra l-EPE Effettiva permezz ta' tliet snin ta' data li tinkludi perijodu ta' kriżi għad-differenzjali tal-inadempjenzi tal-kreditu tal-kontropartijiet tagħha jew permezz ta' data tas-suq impliċita minn tali perijodu ta' kriżi.

Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jiġu applikati mill-istituzzjoni għal dan il-għan.

3. Istituzzjoni għandha turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, mill-inqas kull tliet xhur, li l-perijodu ta' kriżi użat għall-kalkolu skont dan il-paragrafu jikkoinċidi ma' perijodu ta' żieda tad-differenzali ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew differenzjali oħra tal-kreditu (bħal għoti ta' self jew bond korporattiva) għal selezzjoni rappreżentattiva tal-kontropartijiet tagħha ma' firxiet tal-kreditu negozjati. F'sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex data adegwata dwar il-firxa tal-kreditu għal kontroparti, għandha tabbina dik il-kontroparti ma' data dwar differenzjal tal-kreditu speċifiku bbażata fuq ir-reġjun, il-klassifikazzjoni interna u t-tip ta' negozju.

4. Il-mudell EPE għall-kontropartijiet kollha għandu juża d-data, jew storika jew impliċita, li tinkludi d-data mill-perijodu taħt kondizzjonijiet ta' kriżi għall-kreditu u għandha tuża tali data b'mod konsistenti mal-metodu użat għall-kalibrazzjoni tal-mudell EPE għad-data attwali.

5. Sabiex tevalwa l-effettività tal-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi tagħha għall-EEPE, l-istituzzjoni għandha toħloq diversi portafolli ta' referenza li huma vulnerabbli għall-fatturi tar-riskju ewlenin li għalihom tkun esposta l-istituzzjoni. L-iskopertura għal dawn il-portafolli ta' referenza għandha tiġi kkalkulata billi tintuża (a) metodoloġija tal-kondizzjonijiet ta' kriżi, ibbażata fuq valuri tas-suq attwali u parametri tal-mudell kalibrati għall-kondizzjonijiet tas-suq taħt kriżi, u (b) l-iskopertura ġġenerata matul il-perijodu ta' kriżi, iżda bl-applikazzjoni tal-metodu stabbilit f'din it-Taqsima (il-valur tas-suq fi tmiem il-perijodu ta' kriżi, il-volatilitajiet, u l-korrelazzjonijiet mill-perijodu ta' kriżi ta' 3 snin).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lil istituzzjoni sabiex taġġusta l-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi jekk l-iskoperturi ta' dawk il-portafolli ta' referenza jiddevjaw b'mod sostanzjali minn xulxin.

6. Istituzzjoni għandha tissuġġetta l-mudell għal proċess ta' validazzjoni li huwa artikolat b'mod ċar fil-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni. Dan il-proċess ta' validazzjoni għandu:

(a) jispeċifika t-tip ta' ttestjar meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-mudell u jiġu identifikati l-kondizzjonijiet li skonthom is-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tal-mudell ma jkunux adatti u għaldaqstant, jistgħu jirriżultaw f'sottovalutazzjoni tal-EPE;

(b) jinkludi analiżi tal-kompletezza tal-mudell.

7. Istituzzjoni għandha tissorvelja r-riskji rilevanti u jkollha proċessi implimentati sabiex taġġusta l-istimi tagħha tal-EEPE meta dawn ir-riskji jsiru sinifikanti. Għall-konformità ma' dan il-paragrafu, l-istituzzjoni għandha:

(a) tidentifika u tiġġestixxi l-iskoperturi tagħha għar-Riskju Speċifiku Wrong-Way li jirriżultaw kif speċifikat fl-Artikolu 291(1)(b) u l-iskoperturi għar-Riskju Ġenerali Wrong-Way li jirriżultaw kif speċifikat fl-Artikolu 291(1)(a);

(b) għal skoperturi bi profil tar-riskju li jiżdied wara sena, tqabbel fuq bażi regolari l-istima tal-miżura rilevanti tal-iskopertura fuq sena mal-istess miżura tal-iskopertura matul il-ħajja tal-iskopertura;

(c) għal skoperturi b'maturità residwa taħt sena, tqabbel fuq bażi regolari il-prezz għas-sostituzzjoni (skopertura attwali) u l-profil tal-iskopertura realizzata, u taħżen data li tkun tippermetti tali tqabbil.

8. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tinkludi transazzjoni f'sett ta' netting, it-transazzjoni tkun koperta minn kuntratt ta' netting infurzabbli legalment li jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 7.

9. Istituzzjoni li tuża kollateral sabiex ittaffi s-CCR tagħha għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tirrikonoxxi l-effett ta' kollateral fil-kalkoli tagħha, il-kollateral jilħaq l-istandards ta' ċertezza legali speċifikati fil-Kapitolu 4.

10. L-ABE għandha tissorvelja l-medda ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 293*

**Rekwiżiti għas-sistema tal-ġestjoni tar-riskji**

1. Istituzzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tissodisfa r-rekwiżiti kwalitattivi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5;

(b) għandha twettaq programm regolari ta' ttestjar retrospettiv, li jqabbel il-miżuri tar-riskju ġenerati mill-mudell ma' miżuri tar-riskju realizzati, u l-varjazzjonijiet ipotetiċi bbażati fuq pożizzjonijiet statiċi ma' miżuri realizzati;

(c) għandha twettaq validazzjoni inizjali u analiżi perijodika kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u tal-miżuri tar-riskju ġġenerati minnu. Il-validazzjoni u l-analiżi għandhom ikunu indipendenti mill-iżvilupp tal-mudell;

(d) il-korp ta' ġestjoni u l-amministrazzjoni għolja għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-kontroll tar-riskji u għandhom jiżguraw li jiġu allokati riżorsi adegwati għall-kontroll tar-riskji tal-kreditu u tar-riskji tal-kreditu tal-kontroparti. F'dan ir-rigward, ir-rapporti ta' kuljum imħejjija mill-unità ta' kontroll tar-riskji indipendenti stabbilita skont l-Artikolu 287(1)(a) għandhom jiġu analizzati minn livell ta' maniġment b'anzjanità u awtorità suffiċjenti sabiex jinforza kemm it-tnaqqis ta' pożizzjonijiet meħuda minn operaturi individwali kif ukoll tnaqqis fl-iskopertura għar-riskju kumplessiva tal-istituzzjoni;

(e) il-mudell intern tal-kalkolu tar-riskji tal-iskopertura għandu jkun integrat fil-proċess ta' ġestjoni ta' kuljum tar-riskji tal-istituzzjoni;

(f) is-sistema ta' kalkolu tar-riskji għandha tintuża flimkien ma' limiti interni tan-negozjar u l-iskoperturi. F'dan ir-rigward, il-limiti tal-iskoperturi għandhom ikunu relatati mal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni b'mod li huwa konsistenti tul iż-żmien u li huwa mifhum sewwa mill-operaturi, mill-funzjoni ta' kreditu u mill-amministrazzjoni għolja;

(g) istituzzjoni għandha tiżgura li s-sistema tal-ġestjoni tar-riskji tagħha hija dokumentata sew. B'mod partikolari, għandha żżomm sett dokumentat ta' politiki, kontrolli u proċeduri interni rigward l-funzjonament tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji, u l-arranġamenti sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità ma' dawn il-politiki;

(h) analiżi indipendenti tas-sitema tal-kalkolu tar-riskji għandha titwettaq b'mod regolari fil-proċess tal-verifka interna tal-istituzzjoni stess. Din l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet tan-negozju kif ukoll tal-unità indipendenti tal-kontroll tar-riskji. Analiżi tal-proċess kumplessiv tal-ġestjoni tar-riskji għandha titwettaq f'intervalli regolari (u mhux inqas minn darba fis-sena) u għandha tindirizza b'mod speċifiku, bħala minimu, l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 288;

(i) il-validazzjoni kostanti tal-mudelli tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti, inkluż l-ittestjar retrospettiv, għandha tiġi analizzata b'mod perijodiku minn livell ta' maniġment b'awtorità biżżejjed sabiex jiddeċiedi dwar l-azzjoni li ser tittieħed sabiex jiġu indirizzati l-punti debboli fil-mudelli.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu sa fejn l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 meta jiffissaw l-livell ta' alpha, kif stabbilit fl-Artikolu 284(4). Huma biss l-istituzzjonijiet li jikkonformaw b'mod sħiħ ma' dawk ir-rekwiżiti li għandhom ikunu eliġibbli għall-applikazzjoni tal-fattur ta' multiplikazzjoni minimu.

3. Istituzzjoni għandha tiddokumenta l-proċess għall-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-kalkolu tal-miżuri tar-riskju ġġenerat mill-mudelli f'livell ta' dettall li jkun jippermetti lil parti terza sabiex toħloq mill-ġdid, rispettivament, l-analiżi u l-miżuri tar-riskju. Dik id-dokumentazzjoni għandha tistabbilixxi l-frekwenza li biha titwettaq l-analiżi retrospettiva tal-ittestjar u kwalunkwe validazzjoni kostanti oħra, kif titwettaq il-validazzjoni fir-rigward tal-flussi tad-data u l-portafolli u l-analiżi li jintużaw.

4. Istituzzjoni għandha tiddefinixxi kriterji li bihom tivvaluta l-mudelli tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-mudelli li jiddaħħlu fil-kalkolu tal-iskopertura u żżomm politika bil-miktub li tispjega l-proċess li bih tkun identifikata u rimedjata prestazzjoni mhux aċċettabbli.

5. Istituzzjoni għandha tiddefinixxi kif il-portafolli rappreżentattivi tal-kontroparti jinbnew għall-finijiet tal-validazzjoni ta' mudell tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tiegħu.

6. Il-validazzjoni tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħhom li jipproduċu previżjoni ta' distribuzzjonijiet għandha tikkonsidra aktar minn statistika waħda tal-previżjoni tad-distribuzzjoni.

*Artikolu 294*

**Rekwiżiti ta' validazzjoni**

1. Bħala parti mill-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħha, istituzzjoni għandha tiżgura li jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha twettaq ittestjar retrospettiv bl-użu ta' data storika dwar il-movimenti fil-fatturi tar-riskju tas-suq qabel il-permess mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283(1). Dak l-ittestjar retrospettiv għandu jikkonsidra numru ta' perijodi ta' previżjoni distinti għal mill-inqas sena, fuq medda ta' dati inizjali diversi u li jkopru medda wiesgħa ta' kondizzjonijiet tas-suq;

(b) l-istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 285(1)(b) għandha tivvalida l-mudell tagħha b'mod regolari sabiex tittestja jekk l-iskoperturi attwali realizzati humiex konsistenti mal-previżjoni fil-perijodi marġnali kollha matul sena. Jekk uħud mit-transazzjonijiet fis-sett ta' netting jkollhom maturità ta' inqas minn sena, u s-sett ta' netting ikollu sensittivitajiet ogħla għall-fatturi tar-riskju mingħajr dawn it-transazzjonijiet, dawn għandhom jitqiesu fil-validazzjoni;

(c) għandha tittestja retrospettivament il-prestazzjoni tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju rilevanti tal-mudell kif ukoll il-previżjonijiet tal-fatturi tar-riskju tas-suq. Għal transazzjonijiet kollateralizzati, il-perijodi tal-previżjoni kkunsidrati għandhom jinkludu dawk li jirriflettu l-perijodi tipiċi b'riskju ta' marġni applikat f'negozjar kollateralizzat jew b'marġni;

(d) jekk il-validazzjoni tal-mudell tindika li l-EPE effettiva hija sottovalutata, l-istituzzjoni għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex tindirizza l-impreċiżjoni tal-mudell;

(e) għandha tittestja l-mudelli tal-ipprezar użati sabiex tiġi kkalkulata l-iskopertura għas-CCR għal xenarju partikolari ta' xokkijiet futuri għall-fatturi tar-riskju tas-suq bħala parti mill-proċess tal-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell. Mudelli ta' pprezzar għall-opzjonijiet għandhom jikkunsidraw in-nuqqas ta' linearità tal-valur tal-opzjoni firrigward tal-fatturi tar-riskju tas-suq;

(f) il-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandu jkopri l-informazzjoni speċifika għat-transazzjoni meħtieġa sabiex jiġu aggregati iskoperturi fil-livell tas-sett ta' netting. Istituzzjoni għandha tivverifika li t-transazzjonijiet huma assenjati għas-sett ta' netting adatt fi ħdan il-mudell;

(g) il-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandu jinkludi l-informazzjoni speċifika għat-transazzjoni sabiex ikopri l-effetti tal-marġinazzjoni. Għandu jqis kemm l-ammont attwali tal-marġni u l-marġni li jkun irid jgħaddi minn kontroparti għall-oħra fil-futur. Tali mudell għandu jikkunsidra n-natura tal-ftehimiet dwar il-marġni li huma unilaterali jew bilaterali, il-frekwenza tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, il-perijodu b'riskju ta' marġni, il-limitu minimu tal-iskopertura mhux marġinata li l-istituzzjoni lesta taċċetta, u l-ammont ta' trasferiment minimu. Tali mudell għandu jew jistima l-varjazzjoni fl-ipprezzar skont il-valur fis-suq tal-kollateral depożitat jew japplika r-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 4;

(h) il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell għandu jinkludi ttestjar retrospettiv statiku u storiku dwar il-portafolli tal-kontroparti rappreżentattiva. L-istituzzjoni għandha twettaq tali ttestjar retrospettiv fuq numru ta' portafolli ta' kontropartijiet rappreżentattivi li huma attwali jew ipotetiċi f'perijodi regolari. Dawn il-portafolli rappreżentattivi għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tas-sensittività tagħhom għall-fatturi tar-riskju materjali u kombinazzjonijiet ta' fatturi tar-riskju li għalihom hija esposta l-istituzzjoni;

(i) istituzzjoni għandha twettaq ittestjar retrospettiv li huwa mfassal biex jittestja s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju rilevanti, inkluża r-relazzjoni mudellata bejn xejriet tal-istess fattur tar-riskju, u r-relazzjonijiet mudellati bejn il-fatturi tar-riskju;

(j) il-prestazzjoni tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħha għandhom ikunu soġġetti għal prattika adatta ta' ttestjar retrospettiv. Il-programm tal-ittestjar retrospettiv għandu jkun kapaċi jidentifika prestazzjoni ħażina fil-miżuri tar-riskju ta' mudell EPE;

(k) istituzzjoni għandha tivvalida l-mudelli tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju kollha għall-perijodi li jikkorrispondu mal-maturità tat-transazzjonijiet li l-iskopertura għalihom hija kkalkulata permezz tal-IMM skont l-Artikolu 283;

(l) istituzzjoni għandha tittestja b'mod regolari l-mudelli tal-ipprezzar użati għall-kalkolu tal-iskopertura għall-kontroparti kontra punti ta' referiment indipendenti adatt bħala parti mill-proċess kostanti tal-validazzjoni tal-mudell;

(m) il-validazzjoni kostanti tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR tal-istituzzjoni u l-miżuri tar-riskju rilevanti għandhom jinkludu valutazzjoni tal-adegwadezza tal-prestazzjoni reċenti;

(n) il-frekwenza li biha jiġu aġġornati l-parametri tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandha tiġi vvalutata minn istituzzjoni bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni inizjali u kostanti;

(o) il-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR għandha tivvaluta jekk il-kalkoli tal-iskopertura għall-livell ta' kontroparti u tas-sett ta' netting humiex xierqa jew le.

2. Miżura li hija aktar konservattiva mill-metrika użata għall-kalkolu tal-valur regolatorju tal-iskopertura għal kull kontroparti tista' tintuża minflok l-alpha multiplikata bl-EPE Effettiva bil-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti. Il-grad tal-konservattiviżmu relattiv jiġi vvalutat mill-awtoritajiet kompetenti mal-approvazzjoni inizjali u matul l-analiżijiet superviżorji regolari tal-mudelli EPE. Istituzzjoni għandha tivvalida l-konservattiviżmu b'mod regolari. Il-valutazzjoni kostanti tal-prestazzjoni tal-mudell għandha tkopri l-kontropartijiet kollha li għalihom jintużaw il-mudelli.

3. Jekk ittestjar retrospettiv jindika li mudell mhuwiex preċiż biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevokaw il-permess tagħhom għall-mudell, jew jimponu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-mudell jiġi mtejjeb minnufih.

Taqsima 7

**Netting kuntrattwali**

*Artikolu 295*

**Rikonoxximent ta' netting kuntrattwali bħala tnaqqis tar-riskju**

L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw bħala tnaqqis mir-riskju skont l-Artikolu 298 biss it-tipi ta' ftehimiet kuntrattwali ta' netting li ġejjin fejn il-ftehim ta' netting ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 296 u fejn l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 297:

(a) kuntratti bilaterali ta' novazzjoni bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha skont liema pretensjonijiet reċiproċi u obbligazzjonijiet huma awtomatikament amalgamati b'tali mod li n-novazzjoni tistabbilixxi ammont nett uniku wieħed kull darba li tapplika sabiex jinħoloq kuntratt wieħed ġdid li jieħu post il-kuntratti preċedenti kollha u l-obbligazzjonijiet kollha bejn il-partijiet skont dawk il-kuntratti u li jkun vinkolanti fuq il-partijiet;

(b) ftehimiet bilaterali oħrajn bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha;

(c) il-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti għal istituzzjonijiet li rċevew l-approvazzjoni biex jużaw il-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 għal transazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dak il-metodu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrappurtaw lill-ABE lista tal-ftehimiet kuntrattwali approvati ta' netting bejn prodotti differenti.

In-netting bejn transazzjonijiet li saru minn entitajiet ġuridiċi differenti ta' grupp ma għandhomx jiġu rikonoxxuti għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji.

*Artikolu 296*

**Rikonoxximent ta' ftehimiet kuntrattwali ta' netting**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu ftehim kuntrattwali ta' netting biss fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2 u, fejn rilevanti, 3.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jintlaħqu mill-ftehimiet kuntrattwali ta' netting kollha użati minn istituzzjoni għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura f'din il-Parti:

(a) l-istituzzjoni laħqet ftehim kuntrattwali ta' netting mal-kontroparti tagħha li joħloq obbligu legali wieħed, li jkopri t-transazzjonijiet inklużi kollha, b'tali mod li, f'każ li sseħħ inadempjenza mill-kontroparti hi tkun intitolata tirċievi jew tkun obbligata tħallas biss is-somma netta tal-valuri pożittivi u negattivi pprezzati skont il-valur tas-suq tat-transazzjonijiet individwali inklużi;

(b) l-istituzzjoni qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti opinjonijiet legali bil-miktub u raġunati skont liema, f'każ ta' kontestazzjoni legali tal-ftehim ta' netting, il-pretensjonijiet u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ma jkunux jaqbżu dawk imsemmija fil-punt (a). L-opinjoni legali għandha tirreferi għal-liġi applikabbli:

(i) il-ġurisdizzjoni li fiha tkun inkorporata l-kontroparti;

(ii) jekk tkun involuta fergħa ta' impriża, li tinsab f'pajjiż li mhuwiex dak li fih l-impriża hija inkorporata, il-ġurisdizzjoni li fiha tinsab il-fergħa;

(iii) il-ġurisdizzjoni li l-liġi tagħha tikkontrolla t-transazzjonijiet individwali inklużi fil-ftehim ta' netting;

(iv) il-ġurisdizzjoni li l-liġi tagħha tikkontrolla kwalunkwe kuntratt jew ftehim neċessarju sabiex jiġi affettwat in-netting kuntrattwali;

(c) ir-riskju tal-kreditu għal kull kontroparti huwa aggregat b'mod li jwassal għal skopertura legali waħda għat-transazzjonijiet kollha ma' kull kontroparti. Din l-aggregazzjoni għandha tiġi fatturata għall-finijiet tal-limitu tal-kreditu u għall-finijiet tal-kapital intern;

(d) il-kuntratt ma għandu jkun fih l-ebda klawżola li, f'każ ta' inadempjenza ta' kontroparti, tippermetti lil kontroparti mhux inadempjenti li tagħmel biss pagamenti limitati, jew l-ebda pagament, lill-partimonju tal-parti inadempjenti, anki jekk il-parti inadempjenti tkun kreditur nett (jiġifieri l-klawżola walk away).

Jekk xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti ma tkunx sodisfatta li n-netting kuntrattwali huwa legalment validu u infurzabbli skont il-liġi ta' kull waħda mill-ġurisdizzjonijiet imsemmija fil-punt (b), il-ftehim kuntrattwali ta' netting ma għandux jiġi rikonoxxut bħala wieħed li jnaqqas ir-riskju għall-ebda mill-kontropartijiet. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lil xulxin kif meħtieġ.

3. L-opinjonijiet legali msemmija fil-punt (b) jistgħu jitfasslu b'referenza għat-tipi ta' netting kuntrattwali. Il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti mill-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti:

(a) is-somma netta msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 hija s-somma netta tal-valuri pożittivi u negattivi tal-għeluq ta' kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż u tal-valur pożittiv u negattiv ipprezzat skont il-valur fis-suq tat-transazzjonijiet individwali (l-'Ammont Nett bejn Prodotti Differenti');

(b) l-opinjonijiet legali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandhom jindirizzaw il-validità u l-infurzabbiltà tal-ftehim kuntrattwali sħiħ ta' netting bejn prodotti differenti skont it-termini tiegħu u l-impatt tal-arranġament tan-netting fuq il-klawsoli materjali ta' kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż.

*Artikolu 297*

**Obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet**

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm proċeduri sabiex tiżgura li l-validità legali u l-infurzabbiltà tan-netting kuntrattwali tagħha jkunu analizzati fid-dawl tal-bidliet fil-liġi tal-ġurisdizzjonijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 296(2)(b).

2. L-istituzzjoni għandha żżomm id-dokumentazzjoni meħtieġa kollha relatata man-netting kuntrattwali tagħha fil-faxxikli tagħha.

3. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-effetti tan-netting fil-kalkolu tagħha ta' kull skopertura għar-riskju tal-kreditu aggregat ta' kull kontroparti u l-istituzzjoni għandha tiġġestixxi s-CCR tagħha fuq il-bażi ta' dawk l-effetti ta' dak il-kalkolu.

4. Fil-każ tal-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti msemmija fl-Artikolu 295, l-istituzzjoni għandha żżomm il-proċeduri skont l-Artikolu 296(2)(c) sabiex tivverifika li kull transazzjoni li għandha tiġi inkluża f'sett ta' netting tkun koperta minn opinjoni legali msemmija fl-Artikolu 296(2)(b).

Waqt li tieħu kont tl-ftehim ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti, l-istituzzjoni għandha tibqa' tikkonforma mar-rekwiżiti għar-rikonoxximent tan-netting bilaterali u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 4 għar-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, kif applikabbli, fir-rigward ta' kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż u kull transazzjoni inkluża.

*Artikolu 298*

**Effetti tar-rikonoxximent tan-netting bħala tnaqqis tar-riskju**

1. It-trattament li ġej japplika għall-ftehimiet kuntrattwali ta' netting:

(a) in-netting għall-finijiet tat-Taqsimiet 5 u 6 għandu jiġi rikonoxxut kif stabbilit f'dawk it-Taqsimiet;

(b) fil-każ ta' kuntratti ta' novazzjoni, jistgħu jiġu ppeżati l-ammonti singoli netti stabbiliti minn tali kuntratti, minflok l-ammonti grossi.

Fl-applikazzjoni tat-Taqsima 3, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-kuntratt ta' novazzjoni meta jidderminaw:

(i) il-prezz attwali għas-sostituzzjoni msemmi fl-Artikolu 274(1);

(ii) l-ammonti kapitali nozzjonali jew il-valuri sottostanti msemmija fl-Artikolu 274(2).

Fl-applikazzjoni tat-Taqsima 4, meta jiddeterminaw l-ammont nozzjonali msemmi fl-Artikolu 275(1) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-kuntratt ta' novazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont kapitali nozzjonali. F'tali każijiet, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-perċentwali tat-Tabella 3.

c) Fil-każ ta' ftehimiet ta' netting oħrajn, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-Taqsima 3 kif ġej:

(i) il-prezz attwali għas-sostituzzjoni imsemmi fl-Artikolu 274(1) għall-kuntratti inklużi fi ftehim ta' netting għandu jinkiseb billi jiġi kkunsidrat il-prezz nett ipotetiku ta' rimpjazzament reali li jirriżulta mill-ftehim; fil-każ fejn in-netting iwassal għal obbligazzjoni netta għall-istituzzjoni li tikkalkula l-prezz nett għas-sostituzzjoni, il-prezz attwali ta' rimpjazzament huwa kkalkulat bħala '0';

(ii) iċ-ċifra għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali msemmija fl-Artikolu 274(2) għall-kuntratti kollha inklużi fi ftehim ta' netting għandha titnaqqas skont il-formula li ġejja:

$$PCE_{red} = 0.4 \cdot PCE_{gross} + 0.6 \cdot NGR \cdot PCE_{gross}$$

fejn:

$PCE_{red}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali għall-kuntratti kollha ma' kontroparti partikolari inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu;

$PCE_{gross}$ = is-somma taċ-ċifri għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali għall-kuntratti kollha ma' kontroparti partikolari li huwa inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu u huma kkalkulati billi jiġu multiplikati l-ammonti kapitali nozzjonali tagħhom bil-perċentwali stabbiliti fit-Tabella 1;

NGR = il-proporzjon tal-valur nett għall-valur gross ikkalkulata bħala l-kwozjent tal-prezz nett għas-sostituzzjoni tal-kuntratti kollha inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu ma' kontroparti partikolari (numeratur) u il-prezz gross ta' rimpjazzament tal-kuntratti kollha inklużi fi ftehim bilaterali ta' netting legalment validu ma' dik il-kontroparti (denominatur).

2. Meta jwettqu l-kalkolu tal-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali skont il-formula stipulata fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw kuntratti li jaqblu b'mod perfett inklużi fil-ftehim ta' netting daqs li kieku kienu kuntratt wieħed b'kapital nozzjonali ekwivalenti għad-dħul nett.

Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 275(1) l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw kuntratti li jaqblu b'mod perfett inklużi fil-ftehim tan-netting daqs li kieku kienu kuntratt wieħed b'kapital nozzjonali ekwivalenti għad-dħul nett, u l-ammonti kapitali nozzjonali għandhom jiġu multiplikati bil-perċentwali li jinsabu fit-Tabella 3.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kuntratti li jaqblu b'mod perfett huma kuntratti forward tal-kambju jew kuntratti simili li fihom kapital nozzjonali huwa ekwivalenti għall-flussi ta' flus jekk il-flussi ta' flus ikunu dovuti fl-istess data tal-valur u huma kollha fl-istess munita.

3. Għall-kuntratti kollha l-oħra inklużi fi ftehim ta' netting, il-perċentwali applikabbli jistgħu jitnaqqsu kif indikat fit-Tabella 6:

*Tabella 6*

| Maturità oriġinali | Kuntratti dwar rati tal-imgħax | Kuntratti tal-kambju |
|---|---|---|
| Sena jew inqas | 0,35 % | 1,50 % |
| Aktar minn sena iżda mhux aktar minn sentejn | 0,75 % | 3,75 % |
| Inkrement għal kull sena addizzjonali | 0,75 % | 2,25 % |

4. Fil-każ ta' kuntratti dwar rati tal-imgħax, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għall-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jagħżlu jew il-maturità oriġinali jew dik reżidwa.

### Taqsima 8

## Elementi fil-portafoll tan-negozjar

*Artikolu 299*

**Elementi fil-portafoll tan-negozjar**

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-Anness II għandu jinkludi referenza għall-strumenti derivati għat-trasferiment tar-riskju tal-kreditu kif imsemmi fil-punt (8) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE.

2. Meta jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għar-riskju tal-kontroparti tal-elementi fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

(a) fil-każ ta' derivati tal-kreditu "total return swap" u derivati tal-kreditu "credit default swap" (swap ta' inadempjenza tal-kreditu), sabiex tinkiseb ċifra għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali bil-metodu stabbilit fit-Taqsima 3, l-ammont nominali tal-istrument għandu jiġi multiplikat bil-perċentwali li ġejjin:

   (i) 5 %, fejn l-obbligazzjoni ta' riferiment hija waħda li, jekk twassal għal skopertura diretta tal-istituzzjoni, tkun element li jikkwalifika għall-finijiet tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2;

   (ii) 10 %, fejn l-obbligazzjoni ta' riferiment hija waħda li, jekk twassal għal skopertura diretta tal-istituzzjoni, ma tkunx element li jikkwalifika għall-finijiet tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2.

   Fil-każ ta' istituzzjoni li l-iskopertura tagħha li tirriżulta minn swap ta' inadempjenza tal-kreditu tirrappreżenta pożizzjoni twila fis-sottostanti, il-perċentwal għall-iskopertura għall-kreditu futura potenjali jista' jkun ta' 0 %, sakemm l-iswap ta' inadempjenza tal-kreditu ma tkunx soġġetta għal għeluq mal-insolvenza tal-entità li l-iskopertura tagħha li tirriżulta mill-iswap tirrappreżenta pożizzjoni qasira fis-sottostanti, anki jekk is-sottostanti ma tkunx saret inadempjenti.

   Fejn id-derivat tal-kreditu jipprovdi protezzjoni fir-rigward tal-"nth to default" fost numru ta' obbligazzjonijiet sottostanti, l-istituzzjoni għandha tiddetermina liema miċ-ċifri tal-perċentwali stipulati fl-ewwel subparagrafu tapplika b'referenza għall-obbligazzjoni bil-kwalità tal-kreditu numru n l-aktar baxxa li, jekk tiġġarrab mill-istituzzjoni, tkun element li jikkwalifika għall-finijiet tal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2;

(b) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju sstabbilit fl-Artikolu 222 għar-rikonoxximent tal-effetti tal-kollateral finanzjarju;

(c) fil-każ ta' transazzjonijiet ta' riakkwist u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti reġistrati fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu bħala kollateral eliġibbli l-istrumenti finanzjarji u l-prodotti kollha li huma eliġibbli sabiex jiġi inklużi fil-portafoll tan-negozjar;

(d) għall-iskoperturi li jirriżultaw minn strumenti derivati OTC reġistrati fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu prodotti li huma eliġibbli sabiex jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar bħala kollateral eliġibbli;

(e) għall-finijiet tal-kalkolu tal-aġġustamenti għall-volatilità fejn tali strumenti finanzjarji jew prodotti li mhumiex eliġibbli skont il-Kapitolu 4 jiġu msellfa, jinbiegħu jew jiġu provduti, jew jittieħdu b'self, jinxtraw jew jiġu rċevuti bħala kollateral jew b'mod ieħor f'tali transazzjoni, u l-istituzzjoni tkun tuża l-approċċ tal-aġġustamenti Superviżorji għall-volatilità skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw tali strumenti u prodotti bl-istess mod bħal ekwitajiet ta' indiċi mhux ewlieni elenkati f'borża rikonoxxuta;

(f) fejn istituzzjoni tkun tuża l-approċċ ta' Stimi Proprji tal-aġġustamenti għall-Volatilità skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji jew prodotti li mhumiex eliġibbli skont il-Kapitolu 4, hija għandha tikkalkula l-aġġustamenti għall-volatilità għal kull element individwali. Fejn istituzzjoni tkun kisbet l-approvazzjoni biex tuża l-Approċċ tal-Mudelli Interni speċifikat fil-Kapitolu 4, tista' tapplika wkoll dak l-approċċ fil-portafoll tan-negozjar;

(g) fir-rigward tar-rikonoxximent tal-ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali, l-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu biss in-netting fost il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u fil-portafoll mhux tan-negozjar meta t-transazzjonijiet soġġetti għan-netting jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (i) it-transazzjonijiet kollha huma ppeżati kuljum skont il-valur fis-suq;

   (ii) kull element meħud b'self, mixtri jew irċevut fit-transazzjonijiet jista' jiġi rikonoxxut bħala kollateral finanzjarju eliġibbli skont il-Kapitolu 4 mingħajr l-applikazzjoni tal-punti (c) sa (f) ta' dan il-paragrafu;

(h) fejn derivat tal-kreditu inkluż fil-portafoll tan-negozjar jagħmel parti minn hedge intern u l-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta taħt dan ir-Regolament skont l-Artikolu 204, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw wieħed mill-approċċi li ġejjin:

   (i) jittrattawh bħallikieku mhemmx riskju tal-kontroparti li ġej mill-pożizzjoni f'dak id-derivat tal-kreditu;

   (ii) għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti jinkludu, b'mod konsistenti, id-derivati tal-kreditu kollha fil-portafoll tan-negozjar li jagħmlu parti mill-hedges interni jew mixtrija bħala protezzjoni kontra skopertura għas-CCR fejn il-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta bħala eliġibbli skont il-Kapitolu 4.

## Taqsima 9

## Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għal kontroparti ċentrali

*Artikolu 300*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'protett f'każ ta' falliment (bankruptcy remote)', fir-rigward ta' assi ta' klijent, tfisser li jeżistu arranġamenti effettivi li jiżguraw li dawk l-assi ma jkunux disponibbli għall-kredituri ta' CCP jew għal membru ta' kklerjar f'każ ta' insolvenza ta' dik is-CCP jew tal-membru ta' kklerjar rispettivament, jew li l-assi ma jkunux disponibbli għall-membru ta' kklerjar sabiex ikopri telf imġarrab minnu minħabba l-inadempjenza ta' klijent jew klijenti għajr dawk li pprovdew dawk l-assi;

(2) 'transazzjoni relatata mas-CCP' tfisser kuntratt jew transazzjoni elenkata fl-Artikolu 301(1) bejn klijent u membru ta' kklerjar li huma direttament relatati ma' kuntratt jew transazzjoni elenkata f'dak il-paragrafu bejn dak il-membru ta' kklerjar u CCP;

(3) 'membru ta' kklerjar' tfisser membru ta' kklerjar kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(4) 'klijent' tfisser klijent kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew impriża li tkun stabbilixxiet arranġamenti indiretti ta' kklerjar ma' membru tal-ikklerjar skont l-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 301*

**Kamp ta' applikazzjoni materjali**

1. Din it-Taqsima tapplika għall-kuntratti u t-transazzjonijiet li ġejjin sakemm ikunu pendenti ma' CCP:

(a) il-kuntratti elenkati fl-Anness II u d-derivati tal-kreditu;

(b) transazzjonijiet ta' riakkwist;

(c) transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti;

(d) transazzjonijiet b'saldu fit-tul;

(e) transazzjonijiet ta' self b'marġni;

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu jekk japplikawx wieħed miż-żewġ trattamenti li ġejjin għall-kuntratti u t-transazzjonijiet pendenti ma' $Q_{CCP}$ elenkata fil-paragrafu 1:

(a) it-trattament għall-iskoperturi kummerċjali u l-iskoperturi minn kontribuzzjonijiet ta' fondi tal-inadempjenza stipulat fl-Artikolu 306 ħlief għat-trattament stipulat fil-paragrafu 1(b) ta' dak l-Artikolu u fl-Artikolu 307, rispettivament;

(b) it-trattament stipulat fl-Artikolu 310.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stipulat fl-Artikolu 306, minbarra t-trattament stipulat fil-paragrafu (1)(a) ta' dak l-Artikolu, u fl-Artikolu 309, kif applikabbli, għall-kuntratti u t-transazzjonijiet pendenti rigward CCP mhux kwalifikanti kif elenkat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 302*

**Monitoraġġ ta' skoperturi għal CCPs**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-iskoperturi kollha tagħhom għas-CCPs u għandhom jistabbilixxu proċeduri għar-rapportar regolari ta' informazzjoni dwar dawk l-iskoperturi lill-amministrazzjoni għolja u l-kumitat jew kumitati adatti tal-korp ta' ġestjoni.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw, permezz ta' analiżi adatta tax-xenarju u ttestjar għal stress, jekk il-livell ta' fondi proprji li jinżammu kontra skoperturi għal CCP, inklużi skoperturi potenzjali futuri tar-riskju ta' kreditu, skoperturi minn kontribuzzjonijiet għal fondi ta' inadempjenza u, fejn l-istituzzjoni tkun qed taġixxi bħala membru ta' kklerjar, skoperturi li jirriżultaw minn arranġamenti kuntrattwali kif stabbilit fl-Artikolu 304, jirrelatax b'mod adegwat għar-riskji inerenti ta' dawk l-iskoperturi.

*Artikolu 303*

**Trattament tat-transazzjonijiet tal-membri ta' kklerjar u tal-klijenti**

1. Fejn istituzzjoni taġixxi bħala membru ta' kklerjar, jew għaliha nnifisha jew bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP, hija għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha għal CCP skont l-Artikolu 301(2) u (3).

2. Fejn istituzzjoni taġixxi bħala membru ta' kklerjar u, f'dik il-kapaċità, taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP, hija għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal transazzjonijiet relatati mas-CCP mal-klijent skont it-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu, kif applikabbli.

3. Fejn istituzzjoni tkun klijent ta' membru ta' kklerjar, hija għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-transazzjonijiet tagħha relatati mas-CCP mal-membru ta' kklerjar skont it-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu, kif applikabbli.

4. Bħala alternattiva għall-approċċ speċifikat fil-paragrafu 3, fejn istituzzjoni tkun klijent, hija tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-transazzjonijiet tagħha relatati mas-CCP mal-membru ta' kklerjar skont l-Artikolu 305(2) dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet u l-assi ta' dik l-istituzzjoni relatati ma' dawk it-transazzjonijiet huma distinti u segregati fit-tifsira tal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, fil-livell kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tas-CCP, mill-pożizzjonijiet u l-assi kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tal-klijenti l-oħra ta' dak il-membru ta' kklerjar u bħala konsegwenza ta' dik is-segregazzjoni dawk il-pożizzjonijiet u l-assi jkunu protetti minn falliment fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar jew ta' wieħed jew aktar mill-klijenti l-oħra tiegħu;

(b) liġijiet, regolamenti, regoli u arranġamenti kuntrattwali rilevanti applikabbli jew vinkolanti għall-istituzzjoni jew is-CCP jiżguraw li f'każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar, it-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-istituzzjoni relatati ma' dawk il-kuntratti u transazzjonijiet u tal-kollateral korrispondenti għal membru ta' kklerjar ieħor fi żmien il-perijodu marġinali ta' riskju rilevanti.

5. Fejn l-istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar tidħol f'arranġament kuntrattwali ma' klijent ta' membru ta' kklerjar ieħor sabiex tiżgura lill-klijent il-portabbiltà tal-assi u l-pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 5, dik l-istituzzjoni tista' tattribwixxi valur tal-iskopertura ta' żero għall-obbligazzjoni kontinġenti li tinħoloq minħabba dak l-arranġament kuntrattwali.

*Artikolu 304*

**Trattament tal-iskoperturi tal-membri ta' kklerjar lill-klijenti**

1. Fejn istituzzjoni taġixxi bħala membru ta' kklerjar u, f'dik il-kapaċità, taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP, għandha tikkalkula r-rekwiżiti tal-fondi proprji għat-transazzjonijiet relatati mas-CCP tagħha mal-klijent skont it-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu u t-Titolu VI tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

2. Fejn istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar tidħol f'arranġament kuntrattwali ma' klijent ta' membru ta' kklerjar ieħor li jiffaċilita, skont l-Artikolu 48(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, it-trasferiment tal-pożizzjonijiet u l-kollateral kif imsemmi fl-Artikolu 305(2)(b) ta' dan ir-Regolament għal dak il-klijent, u dak il-ftehim kuntrattwali joħloq obbligazzjoni kontinġenti għal dik l-istituzzjoni, dik l-istituzzjonitista' tatribwixxi valur ta' espożizzjoni ta' żero għal dik l-obbligazzjoni kontinġenti.

3. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar tista' tapplika perijodu marġinali ta' riskju iqsar meta tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha lil klijent skont il-Metodu tal-Mudell Intern. Il-perijodu marġinali ta' riskju applikat mill-istituzzjoni m'għandux ikun iqsar minn ħamest ijiem.

4. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar tista' timmultiplika l-EAD tagħha bi scalar meta tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha lil klijent skont il-Metodu Skont il-Valur fis-Suq, il-Metodu Standardizzat jew il-Metodu tal-Iskopertura Oriġinali. L-iscalars li l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw huma dawn li ġejjin:

(a) 0,71 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' ħamest ijiem;

(b) 0,77 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' sitt ijiem;

(c) 0,84 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' sebat ijiem;

(d) 0,89 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' tmint ijiem;

(e) 0,95 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' disat ijiem;

(f) 1 għal perijodu marġinali ta' riskju ta' għaxart ijiem jew iktar.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex ikunu speċifikati l-perijodi marġinali ta' riskju li l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4.

Meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-ABE għandha tapplika l-prinċipji li ġejjin:

(a) għandha tiddefinixxi l-perijodu marġinali ta' riskju għal kull wieħed mit-tipi ta' kuntratti u transazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301(1);

(b) il-perijodi marġinali ta' riskju li jridu jiġu definiti fil-punt (a) għandhom jirriflettu l-perijodu ta' għeluq tal-kuntratti u t-transazzjonijiet imsemmija f'dak il-punt.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 305*

**Trattament tal-iskoperturi ta' klijenti**

1. Fejn istituzzjonijiet tkun klijent, hi għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-transazzjonijiet relatati mas-CCP tagħha mal-membru ta' kklerjar skont it-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu u skont t-Titolu VI tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

2. Mingħajr preġudizzju għall-approċċ speċifikat fil-paragrafu 1, fejn istituzzjoni tkun klijent, tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kummerċjali tagħha għal transazzjonijiet relatati mas-CCP mal-membru ta' kklerjar tagħha skont l-Artikoli 306 sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet u l-assi ta' dik l-istituzzjoni relatati ma' dawk it-transazzjonijiet huma distinti u segregati, fil-livell kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tas-CCP, mill-pożizzjonijiet u l-assi kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tal-klijenti l-oħra ta' dak il-membru ta' kklerjar u bħala konsegwenza ta' dik id-distinzjoni u segregazzjoni dawk il-pożizzjonijiet u l-assi jkunu protetti f'każ ta' falliment fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar jew ta' wieħed jew aktar mill-klijenti l-oħra tiegħu;

(b) liġijiet, regolamenti, regoli u arranġamenti kuntrattwali applikabbli jew vinkolanti għall-istituzzjoni jew is-CCP jiffaċilitaw it-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent relatati ma' dawk il-kuntratti u transazzjonijiet u tal-kollateral korrispondenti għal membru ta' kklerjar ieħor fil-perijodu b'riskju ta' marġni applikabbli fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar oriġinali. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-pożizzjonijiet tal-klijent u l-kollateral għandhom jiġu trasferiti bil-valur tas-suq sakemm il-klijent ma jitlobx li jagħlaq il-pożizzjoni bil-valur tas-suq;

(c) l-istituzzjoni jkollha disponibbli opinjoni indipendenti legali bil-miktub u raġunata li tikkonkludi li, fil-każ ta' kontestazzjoni legali, il-qrati rilevanti u l-awtoritajiet amministrattivi jsibu li l-klijent ma jġarrab ebda telf minħabba l-insolvenza tal-membru ta' kklerjar tagħha jew ta' kwalunkwe wieħed mill-klijenti tal-membri ta' kklerjar tagħha skont il-liġijiet u l-ġurisdizzjoni tal-istituzzjoni, il-membru ta' kklerjar tagħha u s-CCP, il-liġi li tirregola t-transazzjonijiet u l-kuntratti li l-istituzzjoni tikklerja permezz tas-CCP, il-liġi li tirregola l-kollateral, u l-liġi li tirregola kwalunkwe kuntratt jew ftehim meħtieġ biex tiġi ssodisfata l-kondizzjoni fil-punt (b).

(d) is-CCP hi $Q_{CCP}$.

3. Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2, fejn istituzzjoni li tkun klijent ma tkunx protetta minn telf fil-każ ta' inadjempenza konġunta tal-membru ta' kklerjar u klijent ieħor tal-membru ta' kklerjar, iżda l-kondizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-paragrafu 2 ikunu ssodisfati, il-klijent jista' jikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kummerċjali tagħha għal transazzjonijiet relatati mas-CCP mal-membru ta' kklerjar tagħha skont l-Artikoli 306, soġġett għas-sostituzzjoni tal-piż tar-riskju ta' 2 % fil-paragrafu 1(a) ta' dak l-Artikolu ma' piż tar-riskju ta' 4 %.

4. Fejn istituzzjoni li tkun klijent tagħmel użu mis-servizzi ta' CCP permezz ta' arranġamenti ta' kklerjar indirett, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, dik l-istituzzjoni tista' tapplika t-trattament stipulat fil-paragrafu 2 jew 3 biss fejn il-kondizzjonijiet f'kull paragrafu jiġu ssodisfati f'kull livell tal-katina ta' intermedjarji.

*Artikolu 306*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kummerċjali**

1. Istituzzjoni għandha tapplika t-trattament li ġej għall-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs:

(a) għandha tapplika piż tar-riskju ta' 2 % għall-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi kummerċjali kollha tagħha ma' QCCPs;

(b) għandha tapplika l-piż tar-riskju użat għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu kif stipulat fl-Artikolu 107(2)(b) għall-iskoperturi kummerċjali kollha tagħha ma' CCPs li ma jikkwalifikawx;

(c) fejn istituzzjoni taġixxi ta' intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP u t-termini tat-transazzjoni relatata mas-CCP jistipulaw li l-istituzzjoni mhi obbligata tirrimborża lill-klijent l-ebda telf li jkun ġarrab minħabba kambjamenti fil-valur ta' dik it-transazzjoni f'każ ta' inadjempenza ta' CCP, il-valur ta' skopertura tat-transazzjoni ma' CCP li tikkorrispondi ma' dik it-transazzjoni relatata mas-CCP hu ugwali għal żero.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fejn assi depożitati bħala kollateral ma' CCP jew ma' membru ta' kklerjar ikun protetti f'każ ta' falliment fil-każ li s-CCP, il-membru ta' kklerjar jew wieħed jew aktar mill-klijenti tal-membru ta' kklerjar isiru insolventi, l-istituzzjoni tista' tattribwixxi valur tal-iskopertura ta' żero għall-iskoperturi għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti għal dawk l-assi.

3. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCP skont it-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu, kif applikabbli.

4. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) bħala s-somma tal-valur tal-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs, ikkalkulata skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, immultiplikata bil-piż tar-riskju determinat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 307*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP**

Istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar għandha tapplika t-trattament li ġej għall- iskoperturi li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tagħha għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP:

(a) hi għandha tikkalkula r-rekwiżiti tagħha ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħha għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' $Q_{CCP}$ skont l-approċċ stabbilit fl- Artikolu 308.

(b) hi għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħha għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikant skont l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 309.

*Artikolu 308*

**Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' $Q_{CCP}$**

1. Il-valur tal-iskopertura għall-kontribuzzjoni prefinanzjata għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' $Q_{CCP}$ ($DF_i$) għandu jkun l-ammont imħallas jew il-valur tas-suq tal-assi kif mogħti minn dik l-istituzzjoni mnaqqas bi kwalunkwe ammont minn dik il-kontribuzzjoni li l-QCCP tkun diġà użat biex tassorbi t-telf tagħha wara inadempjenza minn membru wieħed ta' kklerjar tagħha jew aktar.

2. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji ($K_i$) sabiex tkopri l-iskopertura li tirriżulta mill-kontribuzzjoni prefinanzjata tagħha ($DF_i$) kif ġej:

$$K_i = \left(1 + \beta \cdot \frac{N}{N-2}\right) \cdot \frac{DF_i}{DF_{CM}} \cdot K_{CM}$$

fejn:

β = il-fattur ta' konċentrazzjoni komunikat lill-istituzzjoni mis-CCP;

N = in-numru tal-membri ta' kklerjar komunikat lill-istituzzjoni mis-CCP;

$DF_{CM}$ = is-somma tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tal-membri ta' kklerjar kollha tas-CCP ($\sum_i DF_i$) komunikata lill-istituzzjoni mis-CCP;

$K_{CM}$ = is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-membri ta' kklerjar kollha tas-CCP ikkalkulata skont il-formula applikabbli speċifikata fil-paragrafu 3 ($\sum_i K_i$).

3. Istituzzjoni għandha tikkalkula $K_{CM}$ kif ġej:

(a) fejn $K_{CCP} \leq DF_{CCP}$, l-istituzzjoni għandha tuża l-formula li ġejja:

$$K_{CM} = c_1 \cdot DF^*_{CM};$$

(b) fejn $DF_{CCP} < K_{CCP} \leq DF^*$, l-istituzzjoni għandha tuża l-formula li ġejja:

$$K_{CM} = c_2 \cdot (K_{CCP} - DF_{CCP}) + c_1 \cdot (DF^* - K_{CCP});$$

(c) fejn $DF^* < K_{CCP}$, l-istituzzjoni għandha tuża l-formula li ġejja:

$$K_{CM} = c_2 \cdot \mu \cdot (K_{CCP} - DF^*) + c_2 \cdot DF^*_{CM}$$

fejn:

$DF_{CCP}$ = ir-riżorsi finanzjarji prefinanzjati tas-CCP komunikati lill-istituzzjoni mis-CCP;

$K_{CCP}$ = il-kapital ipotetiku tas-CCP komunikat lill-istituzzjoni mis-CCP;

$DF^*$ = $DF_{CCP} + DF^*_{CM}$;

$DF^*_{CM}$ = $DF_{CM} - 2 \cdot \overline{DF_i}$;

$\overline{DF_i}$; = il-kontribuzzjoni prefinanzjata medja, $\frac{1}{N} \cdot DF_{CM}$, komunikata lill-istituzzjoni mis-CCP;

$c_1$ = fattur kapitali daqs

$$\max\left\{\frac{1.6\%}{\left(\frac{DF^*}{K_{CCP}}\right)^{0.3}},\ 0.16\%\right\}$$

$c_2$ = fattur tal-kapital daqs 100 %;

$\mu$ = 1,2.

4. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi li jirriżultaw minn kontribuzzjoni prefinanzjata tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji ($K_i$) determinati skont il-paragrafu 2 multiplikati bi 12,5.

5. Fejn $K_{CCP}$ hija żero, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-valur ta' 0,16 % għal c1 għall-finijiet tal-kalkolu fil-paragrafu 3.

*Artikolu 309*

**Rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikant u għall-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati ta' CCP mhux kwalifikant**

1. Istituzzjoni għandha tapplika l-formula li ġejja biex tikkalkola r-rekwiżit ta' fondi proprji ($K_i$) għall-iskoperturi li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħha għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikant ($DF_i$) u minn kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati ($UC_i$) għal tali CCP:

$$K_i = c2 \cdot \mu \cdot (DF_i + UC_i)$$

fejn $c_2$·u $\mu$ huma definiti bħal fl-Artikolu 308(3).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati tfisser kontribuzzjonijiet li istituzzjoni li tkun taġixxi bħala membru ta' kklerjar tkun kuntrattwalment impenjata biex tipprovdi lil CCP wara li CCP tkun użat il-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza kollu tagħha biex tkopri t-telf li tkun ġarrbet wara l-inadempjenza tal-membri ta' kklerjar wieħed jew aktar tagħha.

3. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi li jirriżultaw minn kontribuzzjoni prefinanzjata għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) tal-istituzzjoni bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji ($K_i$) determinati skont il-paragrafi 1 multiplikati bi 12,5.

*Artikolu 310*

**Kalkolu alternattiv tar-rekwiżit ta' fondi proprji għal skoperturi għal $Q_{CCP}$**

Istituzzjoni għandha tapplika l-formula li ġejja biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji ($K_i$) għall-iskoperturi li jirriżultaw mill-iskoperturi kummerċjali tagħha u l-iskoperturi kummerċjali tal-klijent tagħha ($TE_i$) u l-kontribuzzjonijiet prefinanzjati ($DF_i$) għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' $Q_{CCP}$:

$$K_i = 8\,\% \cdot min\left[2\,\% \cdot TE_i + 1\,250\,\% \cdot DF_i; 20\,\% \cdot TE_i\right]$$

*Artikolu 311*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi lil CCPs li ma jibqgħux jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet**

1. Istituzzjoni għandha tapplika t-trattament stipulat f'dan l-Artikolu fejn ikunu ġew issodisfati waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) l-istituzzjoni tkun irċeviet notifika mis-CCP meħtieġa mill-punt (j)(ii) tal-Artikolu 50b tar-Regolament (UE) Nru 648(2012) li tgħid li s-CCP waqfet tikkalkula l-$K_{CCP}$;

(b) ikun sar magħruf lill-istituzzjoni, wara tħabbira jew notifika pubblika mill-awtorità kompetenti ta' CCP użata mill-istituzzjoni jew minn dik is-CCP infisha, li s-CCP mhix ser tikkonforma aktar mal-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni jew rikonoxximent, kif applikabbli.

2. Fejn tkun ġiet issodisfata biss il-kondizzjoni fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni għandha tivverifika r-raġunijiet għaliex is-CCP tkun waqfet milli tikkalkula l-$K_{CCP}$.

Fejn l-awtorità kompetenti tqis li r-raġunijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu jkunu validi, din tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet fl-Istat Membru tagħha japplikaw it-trattament stipulat fl-Artikolu 310 għall-iskoperturi kummerċjali u l-kontribuzzjonijiet għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza għal dik is-CCP. Meta tagħti tali permess, din għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Fejn l-awtorità kompetenti tqis li r-raġunijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu mhumiex validi, l-istituzzjonijiet kollha fl-Istat Membru tagħha, irrispettivament mit-trattament li jkunu għażlu skont l-Artikolu 301(2), għandhom japplikaw it-trattament stipulat fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Fejn il-kondizzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tkun ġiet issodisfata, irrispettivament minn jekk il-kondizzjoni fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu tkunx ġiet issodisfata jew le, istituzzjoni għandha, fi żmien tliet xhur miċ-ċirkustanza li tinħoloq stipulata fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, jew aktar kmieni fejn l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun teħtieġ dan, tagħmel is-segwenti fir-rigward tal-iskoperturi tagħha għal dik is-CCP:

(a) tieqaf milli tapplika t-trattament li tkun għażlet skont l-Artikolu 301(2);

(b) tapplika t-trattament stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 306(1) għall-iskoperturi kummerċjali tagħha għal dik is-CCP;

(c) tapplika t-trattament stipulat fl-Artikolu 309 għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' dik is-CCP u għall-kontribuzzjonijiet mhux finanzjati tagħha għal dik is-CCP;

(d) tittratta l-iskoperturi ħlief dawk elenkati fil-punti (b) u (c) għal dik is-CCP bħala skoperturi għal korporattiva skont l-Approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu kif stipulat fil-Kapitolu 2.

TITOLU III

**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU OPERATTIV**

*KAPITOLU 1*

***Prinċipji ġenerali li jirregolaw l-użu tal-approċċi differenti***

*Artikolu 312*

**Permess u notifika**

1. Sabiex jikkwalifikaw għall-użu tal-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 320, kif ukoll jissodisfaw l-istandards ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji stabbiliti fl-Artikoli 74 u 85 tad-Direttiva 2013/36/UE. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jużaw l-Approċċ Standardizzat.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw indikatur alternattiv rilevanti għal-linji tan-negozju tas-servizzi bankarji għall-konsumatur u tas-servizzi bankarji kummerċjali fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 319(2) u 320.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu bbażati fuq is-sistemi ta' kalkolu tar-riskju operattiv tagħhom stess, fejn jiġu ssodisfati l-istandards kwalitattivi u kwantitattivi kollha stabbiliti fl-Artikoli 321 u 322 rispettivament u fejn l-istituzzjonijiet jissodosfaw l-istandards ġenerali tal-ġestjoni tar-riskji stabbiliti fl-Artikoli 74 u 85 tad-Direttiva 2013/36/UE u t-Taqsima II, il-Kapitolu 3, it-Titolu VII ta' dik id-Direttiva.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti meta jkunu jridu jimplimentaw estensjonijiet materjali u bidliet f'dawk l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess biss meta l-istituzzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-istandards speċifikati fl-ewwel subparagrafu wara dawk l-estensjonijiet materjali u l-bidliet.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-bidliet kollha fil-mudelli tal-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-metodoloġija tal-valutazzjoni permezz ta' liema l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu;

(b) il-kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u l-bidliet fl-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu;

(c) il-modalitajiet tan-notifika kif rikjest fil-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 313*

**Lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati**

1. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Standardizzat ma għandhomx jergħu lura għall-użu tal-Approċċ tal-Indikatur Bażi sakemm ma jiġux issodisfati l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3.

2. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu ma għandhomx jergħu lura għall-użu tal-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ tal-Indikatur Bażi sakemm ma jiġux issodisfati l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3.

3. Istituzzjoni tista' biss terġa' lura għall-użu ta' approċċ inqas sofistikat għar-riskju operattiv meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon għall-awtorità kompetenti li l-użu ta' approċċ inqas sofistikat mhuwiex propost sabiex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni relatati mar-riskju operattiv, huwa meħtieġ fuq il-bażi tan-natura u l-kumplessità tal-istituzzjoni u ma jkollux impatt materjali negattiv fuq is-solvenza tal-istituzzjoni jew fuq il-kapaċità tagħha li tiġġestixxi r-riskju operattiv b'mod effettiv;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

*Artikolu 314*

**Użu kombinat ta' approċċi differenti**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw kombinazzjoni ta' approċċi sakemm jiksbu permess mingħand l-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu dan il-permess meta jiġu ssodosfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4, kif applikabbli.

2. Istituzzjoni tista' tuża Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu flimkien mal-Approċċ tal-Indikatur Bażi jew mal-Approċċ Standardizzat, meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kombinazzjoni ta' Approċċi użati mill-istituzzjoni tkopri r-riskju operattiv kollha tagħha u l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti bil-metodoloġija użata mill-istituzzjoni biex tkopri l-attivitajiet differenti, il-postijiet ġeografiċi, l-istrutturi ġuridiċi jew diviżjonijiet oħra rilevanti determinati fuq bażi interna;

(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 320 u l-istandards stabbiliti fl-Artikoli 321 u 322 jiġu ssodosfati għall-parti tal-attivitajiet koperta mill-Approċċ Standardizzat u l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu rispettivament.

3. Għall-istituzzjonijiet li jridu jużaw l-Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu b'kombinazzjoni mal-Approċċ tal-Indikatur Bażi jew mal-Approċċ Standardizzat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu l-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin għall-għoti tal-permess:

(a) fid-data tal-implimentazzjoni ta' Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu, parti sinifikanti tar-riskju operattiv tal-istituzzjoni tkun koperta minn dak l-Approċċ;

(b) l-istituzzjoni timpenja ruħha li tapplika l-Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu f'parti materjali tal-operazzjonijiet tagħha f'perijodu ta' żmien ki jkun ġie sottomess lill-awtoritajiet kompetenti tagħha u approvat minnhom.

4. Istituzzjoni tista' titlob permess minn awtorità kompetenti sabiex tuża kombinazzjoni tal-Approċċ tal-Indikatur Bażi u l-Approċċ Standardizzat f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss bħall-akkwist reċenti ta' negozju ġdid li tista' teħtieġ perijodu ta' tranżizzjoni għall-applikazzjoni tal-Approċċ Standardizzat.

Awtorità kompetenti għandha biss tagħti tali permess meta l-istituzzjoni tkun impenjat ruħha li tapplika l-Approċċ Standardizzat f'perijodu ta' żmien li jkun ġie sottomess lill-awtorità kompetenti u approvat minnha.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw meta jevalwaw il-metodoloġija msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw meta jiddeċiedu dwar jekk jimponux il-kondizzjonijiet addizzjonali msemmija fil-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2016.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU 2*

***Approċċ tal-indikatur bażi***

*Artikolu 315*

**Rekwiżit ta' fondi proprji**

1. Skont l-Approċċ tal-Indikatur Bażi, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv huwa ugwali għal 15 % tal-medja fuq tliet snin tal-indikatur rilevanti stipulat fl-Artikolu 316.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-medja fuq tliet snin tal-indikatur rilevanti fuq il-bażi tal-aħħar tliet osservazzjonijiet ta' tnax-il xhar fi tmiem is-sena finanzjarja. Meta ċifri verifikati ma jkunux disponibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw stimi tan-negozju.

2. Meta istituzzjoni tkun ilha topera għal inqas minn tliet snin hija tista' tuża stimi tan-negozju prospettivi fil-kalkolu tal-indikatur rilevanti, sakemm tibda tuża data storika minn meta din tkun disponibbli.

3. Meta istituzzjoni tista' tipprova lill-awtorità kompetenti tagħha li, minħabba fużjoni, akkwist jew ċessjoni ta' entitajiet jew attivitajiet, l-użu ta' medja ta' tliet snin għall-kalkolu tal-indikatur rilevanti jwassal għal stima mhux oġġettiva tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjoni li timmodifika l-kalkolu b'mod li jittieħed kont ta' dawn l-avvenimenti u għandha tinforma lill-ABE dwar dan kif xieraq. F'tali ċirkostanzi, l-awtorità kompetenti tista', fuq inizjattiva proprja, teħtieġ ukoll li istituzzjoni temenda l-kalkolu.

4. Fejn għal kwalunkwe osservazzjoni partikolari, l-indikatur rilevanti jkun negattiv jew żero, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jikkunsidraw din iċ-ċifra fil-kalkolu tal-medja fuq tliet snin. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-medja fuq tliet snin bħala s-somma taċ-ċifri pożittivi diviża bl-għadd ta' ċifri pożittivi.

*Artikolu 316*

**Indikatur rilevanti**

1. Għal istituzzjonijiet li japplikaw l-istandards tal-kontabbiltà stabbiliti bid-Direttiva 86/635/KEE, ibbażati fuq il-kategoriji ta' kontabbiltà għall-kont tal-profit u t-telf tal-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva, l-indikatur rilevanti huwa s-somma tal-elementi elenkati fit-Tabella 1 ta' dan il-paragrafu. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu kull element fis-somma bis-sinjal pożittiv jew negattiv tiegħu.

*Tabella 1*

| | |
|---|---|
| 1 | Imgħax riċevibbli u dħul simili |
| 2 | Imgħax pagabbli u imposti simili |
| 3 | Dħul minn ishma u titoli oħra b'rendita varjabbli/fissa |
| 4 | Kummissjonijiet/tariffi riċevibbli |
| 5 | Kummissjonijiet/tariffi pagabbli |
| 6 | Profit nett jew telf nett fuq operazzjonijiet finanzjarji |
| 7 | Dħul operattiv ieħor |

L-istituzzjonijiet għandhom jaġġustaw dawn l-elementi biex jirriflettu l-kwalifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-indikatur rilevanti qabel it-tnaqqis ta' kwalunkwe provvediment u nfiq operattiv. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fl-infiq operattiv dawk it-tariffi mħallsa għas-servizzi ta' esternalizzazzjoni pprovduti minn partijiet terzi li ma jkunux kumpannija prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja ta' kumpannija prinċipali li tkun ukoll il-kumpannija prinċipali tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw in-nefqa fuq l-esternalizzazzjoni tas-servizzi mogħtija minn partijiet terzi sabiex jitnaqqas l-indikatur rilevanti meta n-nefqa tkun ġejja minn impriża soġġetta għal regoli skont, jew ekwivalenti għal, dan ir-Regolament;

(b) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw l-elementi li ġejjin fil-kalkolu tal-indikatur rilevanti:

(i) profitti/telf realizzati mill-bejgħ ta' elementi fil-portafoll mhux tan-negozjar;

(ii) dħul minn elementi straordinarji jew irregolari;

(iii) dħul li ġej mill-assigurazzjoni.

(c) meta r-rivalutazzjoni ta' elementi tan-negozjar tkun parti mir-rapport tal-profit u t-telf, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu r-rivalutazzjoni. Meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva 86/635/KEE, huma għandhom jinkludu r-rivalutazzjoni kkalkulata fil-kont ta' profit u telf.

2. Meta l-istituzzjonijiet japplikaw standards tal-kontabbiltà differenti minn dawk stabbiliti mid-Direttiva 86/635/KEE, huma għandhom jikkalkulaw l-indikatur rilevanti fuq il-bażi tad-data li tirrefletti bl-aħjar mod id-definizzjoni mogħtija f'dan l-Artikolu.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu tal-indikatur rilevanti msemmi fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU 3*

## *Approċċ Standardizzat*

*Artikolu 317*

### Rekwiżit ta' fondi proprji

1. Skont l-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu l-attivitajiet tagħhom fil-linji tan-negozju stabbiliti fit-Tabella 2 tal-paragrafu 4 u skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 318.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv bħala l-medja fuq tliet snin tas-somma tar-rekwiżiti annwali ta' fondi proprji fil-linji kollha tan-negozju msemmija fit-Tabella 2 tal-paragrafu 4. Ir-rekwiżit annwali ta' fondi proprji ta' kull linja tan-negozju huwa daqs il-multiplikazzjoni tal-fattur beta korrispondenti msemmi f'dik it-Tabella bil-parti tal-indikatur rilevanti abbinata mal-linja tan-negozju rispettiva.

3. Fi kwalunkwe sena partikolari, l-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu r-rekwiżiti negattivi ta' fondi proprji li jirriżultaw minn parti negattiva tal-indikatur rilevanti fi kwalunkwe linja tan-negozju b'rekwiżiti pożittivi ta' fondi proprji f'linji oħra tan-negozju mingħajr limitu. Madankollu, meta r-rekwiżit aggregat ta' fondi proprji fil-linji kollha tan-negozju f'sena partikolari jkun negattiv, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-valur żero bħala l-input għan-numeratur għal dik is-sena.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-medja fuq tliet snin tas-somma msemmija fil-paragrafu 2 fuq il-bażi tal-aħħar tliet osservazzjonijiet ta' tnax-il xhar fi tmien is-sena finanzjarja. Meta ċifri verifikati ma jkunux disponibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw stimi tan-negozju.

Meta istituzzjoni tista' tipprova lill-awtorità kompetenti tagħha li, minħabba fużjoni, akkwist jew ċessjoni ta' entitajiet jew attivitajiet, bl-użu ta' medja ta' tliet snin għall-kalkolu tal-indikatur rilevanti jwassal għal stima mhux oġġettiva tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet li jemendaw il-kalkolu b'mod li jittieħed kont ta' dawn l-avvenimenti u għandha tinforma lill-ABE dwar dan kif xieraq. F'tali ċirkostanzi, l-awtorità kompetenti tista', fuq inizjattiva proprja, teħtieġ ukoll li istituzzjoni temenda l-kalkolu.

Meta istituzzjoni tkun ilha topera għal inqas minn tliet snin hija tista' tuża stimi tan-negozju prospettivi fil-kalkolu tal-indikatur rilevanti, sakemm tibda tuża data storika minn meta din tkun disponibbli.

*Tabella 2*

| Linja tan-negozju | Lista ta' attivitajiet | Perċentwal (fattur beta) |
|---|---|---|
| Finanzi korporattivi | Sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli<br>Servizzi relatati mas-sottoskrizzjoni<br>Konsulenza dwar l-investimenti<br>Konsulenza lill-impriżi dwar l-istruttura kapitali, l-istrateġija industrijali u kwistjonijiet relatati u konsulenza u servizzi relatati mal-fużjonijiet u l-akkwist ta' impriżi<br>Riċerka dwar l-investimenti u analiżi finanzjarja u forom oħra ta' rakkomandazzjoni ġenerali relatati ma' transazzjonijiet fi strumenti finanzjarji | 18 % |

| Linja tan-negozju | Lista ta' attivitajiet | Perċentwal (fattur beta) |
|---|---|---|
| Negozjar u bejgħ | Negozjar għall-kont proprju<br>Intermedjazzjoni fis-suq monetaju<br>Riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' strument finanzjarju wieħed jew iktar<br>Eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti<br>Tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn irrevokabbli<br>Il-funzjonament ta' Faċilitajiet Multilaterali tan-Negozjar | 18 % |
| Servizz ta' intermedjazzjoni fil-livell tal-konsumaturi (Attivitajiet ma' persuni fiżiċi jew ma' SMEs li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 123 għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumaturi) | Riċeviment u trażmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' strument finanzjarju wieħed jew iktar<br>Eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem il-klijenti<br>Tqegħid ta' strumenti finanzjarji mingħajr bażi ta' impenn irrevokabbli | 12 % |
| Servizzi bankarji kummerċjali | Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli<br>Għoti ta' self<br>Leasing finanzjarju<br>Garanziji u impenji | 15 % |
| Servizzi bankarji fil-livell tal-konsumatur (Attivitajiet ma' persuni fiżiċi jew SMEs li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 123 għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumaturi) | Aċċettazzjoni ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli<br>Għoti ta' self<br>Leasing finanzjarju<br>Garanziji u impenji | 12 % |
| Pagament u saldu | Servizzi ta' trażmissjoni ta' flus, Ħruġ u amministrazzjoni ta' mezzi ta' pagament | 18 % |
| Servizzi ta' aġenzija | Kustodja u amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji f'isem klijenti, inklużi l-kustodja u s-servizzi relatati bħall-ġestjoni ta' flus/kollateral | 15 % |
| Amministrazzjoni tal-assi | Ġestjoni tal-portafoll<br>Ġestjoni ta' UCITS<br>Forom oħra ta' amministrazzjoni tal-assi | 12 % |

*Artikolu 318*

**Prinċipji għall-assoċjazzjoni tal-linji tan-negozju**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw u jiddokumentaw politiki u kriterji speċifiċi għall-assoċjazzjoni tal-indikatur rilevanti mal-linji tan-negozju u l-attivitajiet attwali fil-qafas standardizzat stabbilit fl-Artikolu 317. Huma għandhom janalizzaw u jaġġustaw dawn il-politiki u l-kriterji kif ikun xieraq għal attivitajiet u riskji tan-negozju ġodda jew li jkunu qed jinbidlu.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin għall-assoċjazzjoni mal-linji tan-negozju:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jabbinaw l-attivitajiet kollha mal-linji tan-negozju b'mod reċiprokament esklużiv u konġuntament eżawrjenti;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jallokaw kwalunkwe attività li ma tistax tiġi abbinata faċilment mal-qafas tal-linji tan-negozju, iżda li tkun tirrappreżenta attività anċillari għal attività inkluża fil-qafas, f'dik il-linja tan-negozju li tappoġġa. Fejn aktar minn linja tan-negozju waħda tkun appoġġata permezz tal-attività anċillari, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw kriterju oġġettiv għall-assoċjazzjoni;

(c) meta attività ma tkunx tista' tiġi abbinata ma' linja tan-negozju partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-linja tan-negozju li tirrendi l-ogħla perċentwal. L-istess linja tan-negozju tapplika b'mod ugwali għal kwalunkwe attività anċillari assoċjata ma' dik l-attività;

(d) l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw metodi interni ta' pprezzar sabiex jallokaw l-indikatur rilevanti fost il-linji tan-negozju. Spejjeż iġġenerati f'linja tan-negozju partikolari li huma attribwibbli għal linja tan-negozju differenti jistgħu jiġu riallokati fil-linja tan-negozju li għaliha jappartjenu;

(e) l-assoċjazzjoni ta' attivitajiet ma' linji tan-negozju għall-finijiet tal-kapital għar-riskju operattiv għandu jkun konsistenti mal-kategoriji li l-istituzzjonijiet jużaw għar-riskji tal-kreditu u tas-suq;

(f) l-amministrazzjoni għolja għandha tkun responsabbli mill-politika tal-assoċjazzjoni taħt il-kontroll tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni;

(g) l-istituzzjonijiet għandhom jissoġġettaw il-proċess tal-assoċjazzjoni ma' linji tan-negozju għal analiżi indipendenti.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi li jiddeterminaw l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipji għall-assoċjazzjoni mal-linji tan-negozju previsti f'dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 319*

**Approċċ Standardizzat Alternattiv**

1. Skont l-Approċċ Standardizzat Alternattiv, għal-linji tan-negozju 'servizzi bankarji fil-livell tal-konsumatur' u 'servizzi bankarji kummerċjali', l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej:

(a) l-indikatur rilevanti huwa indikatur ta' dħul normalizzat daqs l-ammont nominali ta' self u avvanzi mmultiplikat b'0,035;

(b) is-self u l-avvanzi jikkonsistu fl-ammonti totali miġbuda fil-portafolli tal-kreditu korrispondenti. Għal-linja tan-negozju 'servizzi bankarji kummerċjali', l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll titoli miżmuma fil-portafoll mhux tan-negozjar fl-ammont nominali tas-self u l-avvanzi.

2. Sabiex tirċievi permess biex tuża l-Approċċ Standardizzat Alternattiv, istituzzjoni għandha tissodisfa il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attivitajiet ta' servizzi bankarji tagħha fil-livell tal-konsumatur jew dawk kummerċjali għandhom jammontaw għal mill-anqas 90 % tad-dħul tagħha;

(b) proporzjon sinifikanti mill-attivitajiet ta' servizzi bankarji tagħha fil-livell tal-konsumatur jew dawk kummerċjali għandhom jinkludu self assoċjat bi probabbiltà għolja ta' inadempjenza;

(c) l-Approċċ Standardizzat Alternattiv jipprovdi bażi adatta għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għar-riskju operattiv.

*Artikolu 320*

**Kriterji għall-Approċċ Standardizzat**

Il-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 312(1) huma dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni għandha jkollha fis-seħħ sistema dokumentata sewwa ta' valutazzjoni u ġestjoni tar-riskju operattiv b'responsabbiltajiet ċari assenjati għal din is-sistema. Hija għandha tidentifika l-iskoperturi tagħha għar-riskju operattiv u tittraċċa data rilevanti dwar ir-riskju operattiv, inkluż data dwar telf materjali. Din is-sistema għandha tkun soġġetta għal analiżi indipendenti regolari mwettqa minn parti interna jew esterna li għandha l-kompetenza meħtieġa sabiex twettaq din ir-reviżjoni;

(b) is-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju operattiv ta' istituzzjoni għandha tkun integrata sew fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjoni. L-output għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-profil tar-riskju operattiv tal-istituzzjoni;

(c) istituzzjoni għandha timplimenta sistema ta' rappurtar lill-amministrazzjoni għolja li tipprovdi rapporti dwar ir-riskju operattiv lil funzjonijiet rilevanti fl-istituzzjonijiet. Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċeduri sabiex jieħdu l-azzjoni adatta skont l-informazzjoni fir-rapporti għall-maniġment.

KAPITOLU 4

***Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu***

*Artikolu 321*

**Standards kwalitattivi**

L-istandards kwalitattivi msemmija fl-Artikolu 312(2) huma dawn li ġejjin:

(a) is-sistema interna ta' istituzzjoni għall-kalkolu tar-riskju operattiv għandha tkun integrata mill-qrib fil-proċessi ta' kuljum ta' ġestjoni tar-riskji;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha funzjoni indipendenti ta' ġestjoni tar-riskju operattiv;

(c) l-istituzzjoni għandha twettaq rappurtar regolari dwar l-iskoperturi għar-riskju operattiv u tal-esperjenzi ta' telf u għandu jkollha fis-seħħ proċeduri sabiex jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa;

(d) is-sistema ta' ġestjoni tar-riskji ta' istituzzjoni għandha tkun dokumentata sew. Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċeduri sabiex tiżgura l-konformità u politiki sabiex tindirizza n-nuqqas ta' konformità;

(e) l-istituzzjoni għandha tissoġġetta l-proċessi operattivi tagħha ta' ġestjoni tar-riskji u s-sistemi ta' kalkolu għal analiżi regolari mwettqa minn awdituri interni jew esterni;

(f) il-proċessi interni ta' validazzjoni ta' istituzzjoni għandhom joperaw b'mod validu u effikaċi;

(g) flussi ta' data u proċessi assoċjati mas-sistema ta' kalkolu tar-riskji ta' istituzzjoni għandhom ikunu trasparenti u aċċessibbli.

*Artikolu 322*

**Standards Kwantitattivi**

1. L-istandards kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 312(2) jinkludu l-istandards relatati mal-proċess, id-data interna, id-data esterna, l-analiżi tax-xenarji, l-ambjent kummerċjali u mal-fatturi interni ta' kontroll stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 rispettivament.

2. L-istandards relatati mal-proċess huma dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha sabiex ikun jinkludi kemm it-telf mistenni kif ukoll dak mhux mistenni, sakemm it-telf mistenni ma jkunx kopert adegwatament fil-prattiki kummerċjali interni tagħha. Il-miżura tar-riskju operattiv għandha tkopri avvenimenti ta' telf potenzjalment gravi u jilħqu standard ta' validità komparabbli għal intervall ta' kunfidenza ta' 99,9 % fuq perijodu ta' sena;

(b) is-sistema ta' kalkolu tar-riskju operattiv ta' istituzzjoni għandha tinkludi l-użu ta' data interna, data esterna, analiżi tax-xenarji u fatturi li jirriflettu l-ambjent kummerċjali u s-sistemi interni ta' kontroll kif stabbilit fil-paragrafi 3 sa 6. Istituzzjoni għandu jkollha approċċ dokumentat sew għall-ippeżar tal-użu ta' dawn l-erba' elementi fis-sistema kumplessiva tagħha ta' kalkolu tar-riskju operattiv;

(c) is-sistema ta' kalkolu tar-riskji ta' istituzzjoni għandha tkopri l-kawżi ewlenin tar-riskju li jaffettwaw il-forma tad-"denb" tad-distribuzzjoni tal-istimi tat-telf;

(d) l-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi korrelazzjonijiet fit-telf mir-riskju operattiv fl-istimi individwali tar-riskju operattiv biss meta s-sistemi tagħha għall-kalkolu tal-korrelazzjonijiet ikunu validi, implimentati b'integrità, u jqisu l-inċertezza li tikkonċerna stimi ta' korrelazzjoni bħal dawn, b'mod partikolari f'perijodi ta' kriżi. L-istituzzjoni għandha tivvalida s-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni tagħha permezz ta' tekniki kwantitattivi u kwalitattivi adatti;

(e) is-sistema ta' kalkolu tar-riskji ta' istituzzjoni għandha tkun konsistenti internament u għandha tevita li tgħodd aktar minn darba il-valutazzjonijiet kwalitattivi jew it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji rikonoxxuti f'oqsma oħra ta' dan ir-Regolament.

3. L-istandards relatati mad-data interna huma dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha tibbaża l-miżuri tagħha ġġenerati internament tar-riskju operattiv fuq osservazzjoni storika ta' perijodu minimu ta' ħames snin. Meta istituzzjoni tuża għall-ewwel darba l-Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu, hija tista' tuża perijodu ta' osservazzjoni storika ta' tliet snin;

(b) l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tabbina d-data storika tat-telf intern tagħhom mal-linji tan-negozju definiti fl-Artikolu 317 u mat-tipi ta' avvenimenti definiti fl-Artikolu 324, u li jipprovdu din id-data lill-awtoritajiet kompetenti meta jintalbu jagħmlu dan. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, istituzzjoni tista' talloka avvenimenti ta' telf li jaffettwaw lill-istituzzjoni sħiħa f'linja tan-negozju addizzjonali "affarijiet korporattivi". L-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ kriterji dokumentati u oġġettivi għall-allokazzjoni tat-telf fil-linji tan-negozju u t-tipi ta' avvenimenti speċifikati. L-istituzzjoni għandha tirreġistra fil-bażijiet tad-data tar-riskju operattiv dak it-telf mir-riskju operattiv li jkun relatat mar-riskju tal-kreditu u li l-istituzzjoni tkun storikament inkludiet fil-bażijiet tad-data interni tar-riskju tal-kreditu u għandha tidentifikhom b'mod separat. Dan it-tip ta' telf ma għandux ikun suġġett għat-tnaqqis għar-riskju operattiv, dment li l-istituzzjoni tkun meħtieġa li tkompli tittrattah bħala riskju tal-kreditu għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. L-istituzzjoni għandha tinkludi t-telf mir-riskju operattiv li jkun marbut mar-riskji tas-suq fl-ambitu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv:

(c) id-data interna dwar it-telf ta' istituzzjoni għandha tkun komprensiva billi tkopri l-attivitajiet u l-iskoperturi materjali kollha mis-sottosistemi u l-postijiet ġeografiċi kollha xierqa. L-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tiġġustifika li kwalunkwe attività jew skopertura eskluża, kemm b'mod individwali kif ukoll f'kombinazzjoni, ma kienx ikollha impatt materjali fuq l-istimi komplessivi tar-riskju. L-istituzzjoni għandha tiddefinixxi limiti minimi xierqa ta' telf għall-ġbir tad-data interna dwar it-telf;

(d) minbarra l-informazzjoni dwar l-ammont gross ta' telf, l-istituzzjoni għandhatiġbor informazzjoni dwar id-data tal-avveniment tat-telf, kwalunkwe irkupru tal-ammont gross tat-telf, kif ukoll informazzjoni deskrittiva dwar il-fatturi jew il-kawżi li wasslu għall-avveniment ta' telf;

(e) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ kriterji speċifiċi sabiex jassenjaw data dwar it-telf li tkun ġejja minn avveniment ta' telf f'funzjoni ċentralizzata jew attività li tkun mifruxa fuq iżjed minn linja waħda tan-negozju, kif ukoll minn avvenimenti relatati ta' telf tul iż-żmien;

(f) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċeduri dokumentati għall-valutazzjoni tar-rilevanza kurrenti tad-data storika dwar it-telf, inklużi dawk is-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw aġġustamenti diskrezzjonali, scaling jew aġġustamenti oħra, sa fejn jistgħu jintużaw u min ikun awtorizzat jieħu tali deċiżjonijiet.

4. L-istandards ta' kwalifika relatati mad-data esterna huma dawn li ġejjin:

(a) is-sistema ta' kalkolu tar-riskju operattiv ta' istituzzjoni għandha tuża data esterna rilevanti, speċjalment meta jkun hemm raġuni biex wieħed jaħseb li l-istituzzjoni hija esposta għal telf mhux frekwenti iżda potenzjalment gravi. Istituzzjoni għandu jkollha proċess sistematiku sabiex tiddetermina s-sitwazzjonijiet li għalihom għandha tintuża data esterna u l-metodoloġiji użati sabiex tiġi inkorporata d-data fis-sistema tal-kalkolu tagħha;

(b) l-istituzzjoni għandha tanalizza b'mod regolari l-kondizzjonijiet u l-prattiki għad-data esterna u għandha tiddokumenthom u jissoġġetthom għal analiżi indipendenti perijodika.

5. Istituzzjoni għandha tuża analiżi tax-xenarji mwettqu minn esperti flimkien ma' data esterna sabiex tevalwa l-iskopertura tagħha għal avvenimenti ta' gravità kbira. Maż-żmien, l-istituzzjoni għandha tivvalida u tirrivaluta dawn il-valutazzjonijiet permezz ta' paragun mal-esperjenza ta' telf reali u tiżgura r-raġonevolezza tagħhom.

6. L-istandards ta' kwalifika relatati mal-ambjent kummerċjali u l-fatturi interni ta' kontroll huma dawn li ġejjin:

(a) il-metodoloġija ta' istituzzjoni ta' valutazzjoni tar-riskji għad-ditta kollha għandha tkopri l-fatturi ewlenin tal-ambjent kummerċjali u tal-kontroll intern li jistgħu jbiddlu l-profil tar-riskju operattiv tal-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni għandha tiġġustifika l-għażla ta' kull fattur bħala motivatur importanti tar-riskju, fuq il-bażi tal-esperjenza u bl-involviment tal-ġudizzju ta' esperti dawr l-oqsma tan-negozju affettwati;

(c) l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tiġġustifika s-sensittività tal-istimi tar-riskji għall-bidliet fil-fatturi u l-ippeżar relattiv tad-diversi fatturi lill-awtoritajiet kompetenti. Minbarra li jkopri l-bidliet fir-riskju minħabba t-titjib fil-kontrolli tar-riskji, qafas ta' kalkolu tar-riskji ta' istituzzjoni għandu jkopri wkoll żidiet potenzjali fir-riskji minħabba kumplessità akbar tal-attivitajiet jew żidiet fil-volum tan-negozju;

(d) l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-qafas tagħha għall-kalkolu tar-riskji u għandha tissoġġettah għal reviżjoni indipendenti fi ħdan l-istituzzjoni u minn awtoritajiet kompetenti. Maż-żmien, l-istituzzjoni għandha tivvalida u tirrivaluta l-proċess u r-riżultati permezz ta' paragun mal-esperjenza reali interna tat-telf u data esterna rilevanti.

*Artikolu 323*

**Impatt tal-assigurazzjoni u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-impatt tal-assigurazzjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 sa 5 u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju fejn l-istituzzjoni tista' turi li nkiseb effett sinifikattiv ta' mitigazzjoni tar-riskju.

2. Il-fornitur tal-assigurazzjoni għandu jkun awtorizzat jipprovdi assigurazzjoni jew riassigirazzjoni u għandu jkollu klassifikazzjoni minima tal-kapaċità li jħallas pretensjonijiet minn ECAI li tkun ġiet determinata mill-ABE li hija assoċjata ma' kwalità tal-kreditu tal-livell 3 jew ogħla skont ir-regoli għall-ippeżar tar-riskji tal-iskoperturi għall-istituzzjonijiet skont it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

3. L-assigurazzjoni u l-qafas tal-assigurazzjoni tal-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-polza tal-assigurazzjoni jkollha perijodu inizjali ta' mhux inqas minn sena. Fil-każ ta' poloz b'terminu reżidwu ta' inqas minn sena, l-istituzzjoni għandha tinkorri telf xieraq li jirrefletti t-terminu reżidwu tal-polza li qed jonqos, sa telf sħiħ ta' 100 % għal poloz b'terminu reżidwu ta' 90 ġurnata jew inqas;

(b) il-polza tal-assigurazzjoni jkollha perijodu minimu ta' notifika għall-kanċellazzjoni tal-kuntratt ta' 90 ġurnata;

(c) il-polza tal-assigurazzjoni ma jkollha l-ebda esklużjoni jew limitazzjoni kkawżata minn azzjonijiet superviżorji jew, fil-każ ta' istituzzjoni falluta, li jipprekludu lir-riċevitur jew il-likwidatur tal-istituzzjoni milli jirkupra d-danni mġarrba jew l-ispejjeż magħmula mill-istituzzjoni, ħlief fir-rigward ta' avvenimenti li jiġru wara l-bidu tal-proċedimenti ta' riċevitura jew likwidazzjoni fir-rigward tal-istituzzjoni. Madankollu, il-polza tal-assigurazzjoni tista' teskludi kwalunkwe multa, penali, jew dannu punittiv li jirriżultaw minn azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) il-kalkoli ta' mitigazzjoni tar-riskju għandhom jirriflettu l-kopertura tal-assigurazzjoni b'mod li tkun trasparenti fir-relazzjoni tagħha ma', u konsistenti mal-probabbiltà reali u l-impatt tat-telf użat fid-determinazzjoni kumplessiva tal-kapital għar-riskju operattiv;

(e) l-assigurazzjoni tkun ipprovduta minn entità terza. Fil-każ ta' assigurazzjoni permezz ta' kumpanniji kkontrollati jew affiljati, l-iskopertura għandha tkun trasferita lil entità terza indipendenti li tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà speċifikati fil-paragrafu 2;

(f) il-qafas għar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni jkun raġunat u dokumentat sewwa.

4. Il-metodoloġija għar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni għandha tkopri l-elementi kollha li ġejjin permezz ta' skonti jew telf daqs l-ammont tar-rikonoxximent tal-assigurazzjoni:

(a) il-perijodu reżidwu tal-polza tal-assigurazzjoni, fejn tkun ta' inqas minn sena,

(b) it-termini ta' kanċellazzjoni tal-polza, fejn tkun ta' inqas minn sena,

(c) l-inċertezza dwar il-pagament kif ukoll diskrepanzi fil-kopertura tal-poloz tal- assigurazzjoni.

5. It-tnaqqis fir-rekwiżiti ta' fondi proprji mir-rikonoxximent tal-assigurazzjonijiet u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju ma għandux jaqbeż l-20 % tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operattiv qabel ir-rikonoxximent tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji.

*Artikolu 324*

**Klassifikazzjoni tat-tipi ta' avvenimenti ta' telf**

It-tipi ta' avvenimenti ta' telf imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 322(3) huma dawn li ġejjin:

*Tabella 3*

| Kategorija tat-Tip ta' Avveniment | Definizzjoni |
|---|---|
| Frodi intern | Telf minħabba atti maħsuba għall-frodi, teħid ta' proprjetà mingħajr jedd jew evażjoni tar-regoli, il-liġi jew il-politika tal-kumpannija, minbarra avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni, li jinvolvu mill-anqas parti waħda interna |
| Frodi estern | Telf minħabba atti maħsuba għall-frodi, teħid ta' proprjetà mingħajr jedd jew evażjoni tal-liġi, minn parti terza |
| Prattiki tal-Impjegar u Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol | Telf li jirriżulta minn atti inkonsistenti mal-liġijiet jew il-ftehimiet dwar ix-xogħol, is-saħħa jew is-sigurtà, mill-ħlas ta' talbiet għal danni personali, jew minn avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni |
| Klijenti, Prodotti u Prattiki Mummerċjali | Telf li jirriżulta minn nuqqas involontarju jew negliġenti ta' obbligazzjoni professjonali lejn klijenti speċifiċi (inkluż r-rekwiżiti fiduċjarji u ta' adattabbiltà), jew min-natura jew diżinn ta' prodott |
| Danni lil Assi Fiżiċi | Telf li jirriżulta mit-telf jew ħsara lil assi fiżiċi minħabba diżastri naturali jew avvenimenti oħra |
| Interruzzjoni tan-negozju u nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi | Telf li jirriżulta minn interruzzjoni tan-negozju jew nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi |
| Eżekuzzjoni, Ikkunsinjar u Ġestjoni tal-Proċessi | Telf minn ipproċessar tat-transazzjonijiet jew ġestjoni tal-proċessi li ma jirnexxux, minn relazzjonijiet ma' kontropartijiet kummerċjali u bejjiegħa |

TITOLU IV

**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TAS-SUQ**

*KAPITOLU 1*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 325*

**Riduzzjonijiet għal rekwiżiti konsolidati**

1. Soġġett għall-paragrafu 2 u għall-fini biss tal-kalkolu tal-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji skont dan it-Titolu fuq bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw pożizzjonijiet f'istituzzjoni jew impriża waħda sabiex ipaċu pożizzjonijiet f'istituzzjoni jew impriża oħra.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-paragrafu 1 biss soġġett għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, li għandu jingħata jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun hemm allokazzjoni sodisfaċenti ta' fondi proprji fi ħdan il-grupp;

(b) il-qafas regolatorju, legali jew kuntrattwali li fih joperaw l-istituzzjonijiet ikun tali li jiggarantixxi appoġġ finanzjarju reċiproku fi ħdan il-grupp.

3. Minbarra l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2, meta jkun hemm impriżi li jinsabu f'pajjiżi terzi għandhom jiġu ssodisfati wkoll il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawn l-impriżi jkunu ġew awtorizzati f'pajjiż terz u jew jissodisfaw id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew huma rikonoxxuti bħala impriżi ta' investiment ta' pajjiż terz;

(b) dawn l-impriżi jkunu konformi, fuq bażi individwali, ma' rekwiżiti ta' fondi proprji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) ma jkun jeżisti l-ebda regolament fil-pajjiżi terzi inkwistjoni li jista' jaffettwa b'mod sinifikanti t-trasferiment ta' fondi fi ħdan il-grupp.

*KAPITOLU 2*

***Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni***

Taqsima 1

**Dispożizzjonijiet ġenerali u strumenti speċifiċi**

*Artikolu 326*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni**

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskju tal-pożizzjoni għandu jkun is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali jew speċifiku tal-pożizzjonijiet tagħha fl-istrumenti tad-dejn u l-ekwità. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu ttrattati bħala strumenti tad-dejn.

*Artikolu 327*

**Netting**

1. Il-valur assolut tal-eċċess tal-pożizzjonijiet twal (qosra) ta' istituzzjoni fuq il-pożizzjonijiet tagħha qorsa (twal) fl-istess ekwità, dejn u titoli konvertibbli u futures finanzjarji identiċi, opzjonijiet, warrants u warrants koperti, għandu jkun il-pożizzjoni netta tagħha f'kull wieħed minn dawk l-istrumenti differenti. Fil-kalkolu tal-pożizzjoni netta, il-pożizzjonijiet fi strumenti derivati għandhom jiġu trattati kif stipulat fl-Artikoli 328 sa 330. Il-holdings tal-istituzzjonijiet fl-istrumenti tad-dejn tagħhom stess ma' għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-risku speċifiku skont l-Artikolu 336.

2. Ma għandu jkun permess l-ebda netting bejn pożizzjoni konvertibbli u pożizzjoni ta' tpaċija fl-istrument sottostanti, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jadottawx approċċ li permezz tiegħu l-probabbiltà li konvertibbli partikolari jiġi konvertit tiġi kkunsidrata jew ma jitlobux rekwiżit ta' fondi proprji sabiex ikopri kull telf li l-konverżjoni tista' ġġib magħha. Tali approċċi jew rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom jiġu notifikati lill-ABE. L-ABE għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Irrispettivament mis-sinjali tagħhom, il-pożizzjonijiet netti kollha għandhom jiġu kkonvertiti kuljum fil-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni skont ir-rata prevalenti tal-kambju spot qabel ma jiġu aggregati.

*Artikolu 328*

**Futures u forwards tar-rati tal-imgħax**

1. Futures tar-rati tal-imgħax, ftehim dwar rati forward (FRAs) u impenji forward għax-xiri jew bejgħ ta' stumenti tad-dejn għandhom ikunu ttrattati bħala taħlitiet ta' pożizzjonijiet twal u qosra. Għaldaqstant, pożizzjoni twila fuq futures tar-rati tal-imgħax għandha tiġi trattata bħala taħlita ta' self li jimmatura fid-data tal-konsenja tal-kuntratt futures u holding ta' assi b'data ta' maturità ugwali għal dik tal-istrument jew tal-pożizzjoni nozzjonali sottostanti l-kuntratt futures inkwistjoni. Bl-istess mod, FRA mibjugħ għandu jiġi ttrattat bħala pożizzjoni twila b'data ta' maturità ugwali għad-data tas-saldu flimkien mal-perijodu tal-kuntratt, u pożizzjoni qasira b'maturità ugwali għad-data tas-saldu. Kemm is-self kif ukoll il-holding fl-assi għandhom jiġu inklużi fl-ewwel kategorija stabbilita fit-Tabella 1 fl-Artikolu 336 sabiex jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għall-futures tar-rati tal-imgħax u l-FRAs. Impenn forward għax-xiri ta' strument tad-dejn għandu jiġi ttrattat bħala taħlita ta' self li jimmatura fid-data tal-konsenja u pożizzjoni twila (spot) fl-istrument tad-dejn innifsu. Is-self għandu jiġi inkluż fl-ewwel kategorija stabbilita fit-Tabella 1 fl-Artikolu 336 għall-finijiet ta' riskju speċifiku, u l-istrument tad-dejn taħt dik il-kolonna li tkun xierqa għalih fl-istess tabella.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'pożizzjoni twila' tfisser pożizzjoni li fiha istituzzjoni tkun iffissat ir-rata tal-imgħax li ser tirċievi f'xi mument fil-ġejjieni, u 'pożizzjoni qasira" tfisser pożizzjoni li fiha l-istituzzjoni tkun iffissat r-rata tal-imgħax li ser tħallas f'xi mument fil-ġejjieni.

*Artikolu 329*

**Opzjonijiet u warrants**

1. L-opzjonijiet u l-warrants fuq ir-rati tal-imgħax, l-istrumenti tad-dejn, l-ekwitajiet, l-indiċijiet tal-ekwità, il-futures finanzjarji, l-iswaps u l-muniti barranin għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet ugwali fil-valur għall-ammont tal-istrument sottostanti li għalih tirreferi l-opzjoni, immultiplikat bid-delta tiegħu għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Jista' jsir netting ta; dawn il-pożizzjonijiet tal-aħħar ma' kwalunkwe pożizzjoni ta' tpaċija fit-titoli jew derivati sottostanti identiċi. Id-delta użata għandha tkun dik tal-borża kkonċernata. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu adegwatament, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, riskji oħra, minbarra r-riskju tad-delta, assoċjati ma' opzjonijiet.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju tad-delta, imsemmija fil-paragrafu 2 b'mod proporzjonali mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet u l-warrants.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 330*

**Tpartit (swaps)**

Għall-finijiet tar-riskju tar-rati tal-imgħax, l-iswaps għandhom jiġu ttrattat fuq l-istess bażi bħal strumenti li jidhru fil-karta tal-bilanċ. Għaldaqstant, swap fuq ir-rata tal-imgħax li biha istituzzjoni tirċievi imgħax b'rata varjabbli u tħallas imgħax b'rata fissa għandu jiġi ttrattat bħala ekwivalenti għal pożizzjoni twila fi strument b'rata varjabbli b'maturità ekwivalenti għall-perijodu sal-iffissar li jmiss tal-imgħax u għal pożizzjoni qasira fi strument b'rata fissa bl-istess maturità bħal-iswap innifsha.

*Artikolu 331*

**Riskju tar-rati tal-imgħax fuq strumenti derivati**

1. L-istituzzjonijiet li jippeżaw skont is-suq u jiġġestixxu r-riskju tar-rati tal-imgħax fuq l-istrumenti derivati koperti fl-Artikoli 328 sa 330 fuq bażi ta' fluss skontat ta' flus (discounted-cash-flow) jistgħu, wara li jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti, jużaw mudelli ta' sensittività sabiex jikkalkulaw il-pożizzjonijiet imsemmija f'dawk l-Artikoli u jistgħu jużawhom għal kwalunkwe bond li jkun amortizzat tul il-ħajja reżidwa tiegħu minflok permezz ta' ripagament finali wieħed tal-ammont kapitali. Il-permess għandu jingħata jekk dawn il-mudelli jiġġeneraw pożizzjonijiet li jkollhom l-istess sensittività għall-varjazzjonijiet fir-rati tal-imgħax bħall-flussi tal-flus sottostanti. Din is-sensittività għandha tiġi vvalutata b'referenza għall-movimenti indipendenti fir-rati kampjun tul il-kurva tar-rendita, b'mill-inqas punt wieħed ta' sensittività f'kull faxxa ta' maturità stabbilita fit-Tabella 2 fl-Artikolu 339. Il-pożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-kalkoli tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali tal-istrumenti tad-dejn.

2. L-istituzzjonijiet li ma jużawx mudelli skont il-paragrafu 1 jistgħu jittrattaw bħal li jpaċu kompletament kwalunkwe pożizzjoni fl-istrumenti derivati koperti fl-Artikoli 328 sa 330 li mill-inqas ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet ikunu tal-istess valur u denominati fl-istess munita;

(b) ir-rata ta' referenza (għall-pożizzjonijiet ta' rata varjabbli) jew il-kupun (għall-pożizzjonijiet ta' rata fissa) hija allineata mill-qrib;

(c) id-data li jmiss għall-iffissar tar-rata tal-imgħax jew, għal pożizzjonijiet ta' kupun fiss, il-maturità reżidwa tikkorrispondi mal-limiti li ġejjin:

(i) inqas minn xahar: l-istess ġurnata;

(ii) bejn xahar u sena: fi żmien sebat ijiem;

(iii) aktar minn sena: fi żmien 30 ġurnata.

*Artikolu 332*

**Derivati tal-kreditu**

1. Meta jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali u speċifiku tal-parti li tieħu r-riskju tal-kreditu (il-'bejjiegħ tal-protezzjoni'), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandu jintuża l-ammont nozzjonali tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu. Minkejja l-ewwel sentenza, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tissostitwixxi l-valur nozzjonali bil-valur nozzjonali miżjud bil-bidla netta fil-valur tas-suq tad-derivat tal-kreditu mill-bidu tat-transazzjoni, bidla netta 'l isfel mill-perspettiva tal-bejjiegħ tal-protezzjoni li jkollha sinjal negattiv. Sabiex jiġi kkalkulat it-tnaqqis għar-riskju speċifiku, għajr total return swaps, għandha tapplika l-maturità tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu, u mhux il-maturità tal-obbligazzjoni. Il-pożizzjonijiet jiġu determinati kif ġej:

(a) total return swap toħloq pożizzjoni twila fir-riskju ġenerali tal-obbligazzjoni ta' riferiment u pożizzjoni qasira fir-riskju ġenerali tal-bond tal-gvern b'maturità ekwivalenti għall-perijodu sal-iffissar li jmiss tar-rata tal-imgħax u li huwa assenjat piż tar-riskju ta' 0 % skont it-Titolu II, Kapitolu 2. Joħloq ukoll pożizzjoni twila fir-riskju speċifiku tal-obbligazzjoni ta' riferiment;

(b) swap ta' inadempjenza tal-kreditu ma toħloqx pożizzjoni għar-riskju ġenerali. Għall-finijiet tar-riskju speċifiku, l-istituzzjoni għandha tirreġistra pożizzjoni sintetika twila f'obbligazzjoni tal-entità ta' referenza, sakemm id-derivat ma jkunx ikklassifikat esternament u ma jissodisfax il-kondizzjonijiet għal element ta' dejn li jikkwalifika, f'liema każ tiġi reġistrata pożizzjoni twila fid-derivat. Jekk il-prodott jikkomporta l-pagament ta' primjum jew ta' imgħax, dawn il-flussi ta' flus għandhom jiġu rappreżentati bħala pożizzjonijiet nozzjonali f'bonds tal-gvern;

(c) nota marbuta mal-kreditu b'isem wieħed toħloq pożizzjoni twila fir-riskju ġenerali tan-nota nnifisha, bħala prodott tar-rati tal-imgħax. Għall-fini tar-riskju speċifiku, tinħoloq pożizzjoni sintetika twila f'obbligazzjoni tal-entità ta' referenza. Pożizzjoni twila addizzjonali tinħoloq fl-emittent tan-nota. Meta n-nota marbuta mal-kreditu jkollha klassifikazzjoni esterna u tissodisfa l-kondizzjonijiet għal element ta' dejn li jikkwalifika, tista' tiġi rreġistrata biss pożizzjoni twila bir-riskju speċifiku tan-nota;

(d) minbarra pożizzjoni twila fir-riskju speċifiku tal-emittent tan-nota, nota marbuta mal-kreditu b'ismijiet multipli li tipprovdi protezzjoni proporzjonali toħloq pożizzjoni f'kull entità ta' referenza, bl-ammont nozzjonali totali tal-kuntratt assenjat fost il-pożizzjonijiet skont il-proporzjon tal-ammont nozzjonali totali li kull skopertura tirrappreżenta għal entità ta' referenza. Fejn tista' tintgħażel iżjed minn obbligazzjoni waħda ta' entità ta' referenza, l-obbligazzjoni bl-ogħla ppeżar tar-riskju tiddetermina r-riskju speċifiku.

(e) derivat tal-kreditu tat-tip "first-asset-to-default" joħloq pożizzjoni għall-ammont nozzjonali f'obbligazzjoni ta' kull entità ta' referenza. Jekk id-daqs tal-pagament massimu minħabba avveniment ta' kreditu jkun inqas mir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-ammont massimu ta' ħlas jista' jittieħed bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku

Derivat tal-kreditu tat-tip "n-th-asset-to-default" joħloq pożizzjoni għall-ammont nozzjonali f'obbligazzjoni ta' kull entità ta' referenza minbarra l-entitajiet ta' referenza n-1 bir-rekwiżit l-iżjed baxx ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku. Jekk id-daqs tal-pagament massimu minħabba avveniment ta' kreditu jkun inqas mir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt, l-ammont massimu ta' ħlas jista' jittieħed bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku

Fejn derivat tal-kreditu tat-tip "n-th-to-default" ikun ikklassifikat esternament, il-bejjiegħ tal-protezzjoni għandu jikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku billi juża l-klassifikazzjoni tad-derivat u japplika l-ippeżar tar-riskju tat-titolizzazzjoni rispettiv kif applikabbli.

2. Għall-parti li tittrasferixxi r-riskju tal-kreditu (ix-xerrej tal-protezzjoni), il-pożizzjonijiet jiġu determinati bħala l-prinċipju riflessiv ('mirror principle') tal-bejjiegħ tal-protezzjoni, bl-eċċezzjoni ta' nota marbuta mal-kreditu (li ma tinvolvi l-ebda pożizzjoni qasira fl-emittent). Meta jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għax-'xerrej tal-protezzjoni', għandu jintuża l-ammont nozzjonali tal-kuntratt ta' derivat tal-kreditu. Minkejja l-ewwel sentenza, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tissostitwixxi l-valur nozzjonali bil-valur nozzjonali miżjud bil-bidla netta fil-valur tas-suq tad-derivat tal-kreditu mill-bidu tat-transazzjoni, bidla netta 'l isfel mill-perspettiva tal-bejjiegħ tal-protezzjoni li jkollha sinjal negattiv. Jekk f'xi mument partikolari jkun hemm opzjoni ta' xiri flimkien ma' step-up, dan il-mument jiġi ttrattat bħala l-maturità tal-protezzjoni.

3. Derivati tal-kreditu skont l-Artikolu 338(1) jew (3) għandhom jiġu inklużi biss fid-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku skont l-Artikolu 338(4).

*Artikolu 333*

**Titoli mibjugħa skont ftehim ta' xiri mill-ġdid jew self**

Dak li jittrasferixxi titoli jew drittijiet iggarantiti marbuta mas-sjieda tat-titoli fi ftehim ta' xiri mill-ġdid u dak li jislef titoli f'self ta' titoli għandhom jinkludu dawk it-titoli fil-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji skont dan il-Kapitolu sakemm dawn it-titoli jkunu pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar.

Taqsima 2

**Strumenti tad-dejn**

*Artikolu 334*

**Pożizzjonijiet netti fi strumenti tad-dejn**

Il-pożizzjonijiet netti għandhom jiġu kklassifikati skont il-munita li fiha jkunu denominati u għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali u speċifiku f'kull munita individwali b'mod separat.

Subtaqsima 1

**Riskju speċifiku**

*Artikolu 335*

**Limitu massimu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għal pożizzjoni netta**

L-istituzzjoni tista' tiffissa limitu massimu għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku ta' pożizzjoni netta fi strument tad-dejn li jkun daqs it-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta' inadempjenza. Għal pożizzjoni qasira, dak il-limitu jista' jiġi kkalkulat bħala bidla fil-valur minħabba li l-istrument jew, fejn rilevanti, l-ismijiet sottostanti immedjatament isiru ħielsa mir-riskju ta' inadempjenza.

*Artikolu 336*

**Rekwiżit ta' fondi proprji għall-istrumenti tad-dejn mhux ta' titolizzazzjoni**

1. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-portafoll tan-negozjar fi strumenti li mhumiex pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif ikkalkulati skont l-Artikolu 327 lill-kategoriji xierqa tat-Tabella 1 fuq il-bażi tal-emittent jew id-debitur, il-valutazzjoni tal-kreditu esterna jew interna, u l-maturità reżidwa tagħhom, u mbagħad timmultiplikahom bl-ippeżar muri f'dik it-tabella. Sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tagħha, hija għandha tgħodd il-pożizzjonijiet ippeżati tagħha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, irrispettivament minn jekk ikunux pożizzjonijiet twal jew qosra.

*Tabella 1*

| Kategoriji | Kategoriji |
|---|---|
| Titoli ta' dejn li jirċievu piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu. | 0 % |
| Titoli ta' dejn li jirċievu piż tar-riskju ta' 20 % jew 50 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu u għal elementi oħra li jikkwalifikaw kif definit fil-paragrafu 4. | 0,25 % (terminu reżidwu sal-maturità finali ta' sitt xhur jew inqas)<br>1,00 % (terminu reżidwu sal-maturità finali ta' iżjed minn sitt xhur u sa 24 xahar, inklużi)<br>1,60 % (terminu reżidwu sal-maturità li jaqbeż l-24 xahar) |
| Titoli ta' dejn li jirċievu piż tar-riskju ta' 100 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu. | 8,00 % |
| Dejn li jirċievi piż tar-riskju ta' 150 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu. | 12,00 % |

2. Għall-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għall-klassi ta' skopertura li minnha jagħmel parti l-emittent tal-istrument tad-dejn, sabiex jikkwalifikaw għal piż tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-emittent tal-iskopertura għandu jkollu klassifikazzjoni interna b'PD ekwivlenti għal jew inqas minn dik assoċjata mal-livell xieraq ta' kwalità tal-kreditu skont l-Approċċ Standardizzat.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżiti tar-riskju speċifiku għal kwalunkwe bond li tikkwalifika għal piż tar-riskju ta' 10 % skont it-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4), (5) u (6) bħala nofs ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku applikabbli għat-tieni kategorija fit-Tabella 1.

4. Elementi oħra li jikkwalifikaw huma:

(a) pożizzjonijiet twal u qosra f'assi li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu kkunsidrati mill-istituzzjoni kkonċernata bħala likwidi biżżejjed;

(ii) il-kwalità tal-investiment tagħhom tkun, skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni nnifisha, mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-assi msemmija fit-Tabella 1, it-tieni filliera;

(iii) ikunu kkwotati f'mill-anqas suq irregolat wieħed fi Stat Membri jew f'borża f'pajjiż terz sakemm il-borża tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti;

(b) pożizzjonijiet twal u qosra f'assi maħruġa minn istituzzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament li jkunu kkunsidrati mill-istituzzjoni kkonċernata bħala likwidi biżżejjed u li l-kwalità tal-investiment tagħhom tkun, skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni nnifisha, mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-assi msemmija fit-Tabella 1, it-tieni filliera;

(c) titoli maħruġa minn istituzzjonijiet li jkunu kkunsidrati li għandhom kwalità tal-kreditu ekwivalenti, jew ogħla, minn dawk assoċjati mal-livell 2 tal-kwalità tal-kreditu skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi għall-istituzzjonijiet u li jkunu soġġetti għal arranġamenti superviżorji u regolatorji komparabbli ma' dawk skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE.

L-istituzzjonijiet li jużaw il-punti (a) jew (b) għandu jkollhom fis-seħħ metodoloġija dokumentata sabiex jivvalutaw jekk l-assi jilħqux ir-rekwiżiti f'dawk il-punti u għandhom jinnotifikaw din il-metodoloġija lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 337*

**Rekwiżit ta' fondi proprji għal strumenti ta' titolizzazzjoni**

1. Għal strumenti fil-portafoll tan-negozjar li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tagħti piż, b'dawn li ġejjin, lill-pożizzjonijiet netti tagħha kif ikkalkulati skont l-Artikolu 327(1):

(a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-portafoll mhux tan-negozjar tal-istess istituzzjoni, 8 % tal-piż tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat kif stabbilitf'Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3;

(b) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna fil-portafoll mhux tan-negozjar tal-istess istituzzjoni, 8 % tal-piż tar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikar Intern kif stabbilitf'Titolu II, Kapitolu 5, Taqsima 3.

2. Il-Metodu tal-Formula Superviżorja stabbilit fl-Artikolu 262 jista' jintuża meta l-istituzzjoni tkun tista' tipproduċi stimi tal-PD, u fejn applikabbli l-valur tal-iskopertura u LGD bħala inputs fil-Metodu tal-Formula Superviżorja skont ir-rekwiżiti għall-istima ta' dawk il-parametri skont l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikar Intern skontTitolu II, Kapitolu 3.

Istituzzjoni għajr istituzzjoni oriġinatriċi li tista' tapplikah għall-istess pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħha tista' biss tuża dak il-metodu jekk tikseb permess mill-awtoritajiet kompetenti, liema permess għandu jingħata meta l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjoni fl-ewwel subparagrafu.

Bħala alternattiva, stimi tal-PD u LGD bħala inputs fil-Metodu tal-Formula Superviżorja jistgħu jiġu wkoll determinati abbażi ta' stimi li jkunu derivati minn approċċ IRC ta' istituzzjoni li tkun ingħatat il-permess biex tuża mudell intern għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn. L-alternattiva tal-aħħar tista' tintuża biss jekk jinkiseb permess mill-awtoritajiet kompetenti, liema permess għandu jingħata jekk dawk l-istimi jissodisfaw ir-rekwiżiti kwantitattivi għall-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikar Intern stabbilit f'Titolu II, Kapitolu 3.

B'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-użu ta' stimi tal-PD u l-LGD bħala inputs meta dawk l-istimi jkunu bbażati fuq approċċ IRC.

3. Għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma soġġetti għal piż tar-riskju addizzjonali skont l-Artikolu 407, għandu jiġi applikat 8 % tal-piż totali tar-riskju.

Ħlief għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ttrattati skont l-Atrtikolu 338(4), l-istituzzjoni għandha tgħodd il-pożizzjonijiet ppeżati tagħha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu (irrispettivament minn jekk ikunux twal jew qosra) sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għarr-riskju speċifiku.

4. Bħala deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, għal perijodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2014, l-istituzzjoni għandha tgħodd b'mod separat il-pożizzjonijiet twal netti ppeżati tagħha u l-pożizzjonijiet qosra netti ppeżati tagħha. L-ogħla minn dawk is-somom għandha tikkostittwixxi r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku. Madanakollu, kull tliet xhur, l-istituzzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju s-somma totali tal-pożizzjonijiet twal netti ppeżati u dawk qosra netti ppeżati tagħha, maqsumin skont it-tipi ta' assi sottostanti.

5. Fejn istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni tradizzjonali ma tissodisfax il-kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju sinifikanti fl-Artikolu 243, din għandha tinkludi fil-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji skont dan l-Artikolu l-iskoperturi titolizzati minflok il-pożizzjonijiet titolizzati tagħha minn din it-titolizzazzjoni.

Fejn istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika ma tissodisfax il-kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju sinifikanti fl-Artikolu 244, din għandha tinkludi fil-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji skont dan l-Artikolu l-iskoperturi titolizzati minn din it-titolizzazzjoni, iżda mhux kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu miksuba mill-portafoll ta' titolizzazzjoni.

*Artikolu 338*

**Rekwiżit ta' fondi proprji għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni**

1. Il-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivati tal-kreditu tat-tip "n-th-to-default" li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas xi derivati oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma jipprovdux sehem prorata fir-rikavat ta' segment ta' titolizzazzjoni;

(b) l-istrumenti ta' referenza kollha jkunu wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) strumenti b'isem wieħed, inklużi derivati tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom ikun jeżisti suq likwidu bidirezzjonali;

(ii) indiċi negozjati b'mod komuni bbażati fuq dawk l-entitajiet ta' referenza.

Suq bidirezzjonali jitqies li jeżisti meta jkun hemm offerti bona fide indipendenti għax-xiri u l-bejgħ b'mod li prezz relatat b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz ta' bejgħ jew offerta kompetittiva bona fide attwali u kwotazzjonijiet tal-offerti jkunu jistgħu jiġu determinati fi żmien ġurnata u saldati b'tali prezz fi żmien relattivament qasir b'konformità mal-prattika tan-negozju.

2. Pożizzjonijiet li jirreferu għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin m'għandhomx ikunu parti mill-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni:

(a) sottostanti li jista' jiġi assenjat għall-klassi ta' skoperturi 'skoperturi fil-livell tal-konsumaturi' jew għall-klassi ta' skoperturi 'skoperturi' ggarantiti minn ipoteka fuq proprjetà immobbli' skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-portafoll mhux tan-negozjar ta' istituzzjoni;

(b) pretensjoni fuq entità b'għan speċjali, ikkollateralizzata direttament jew indirettament, b'pożizzjoni li nnifisha ma tkunx eliġibbli għal inklużjoni fil-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni skont il-paragrafu 1 u dan il-paragrafu.

3. Fil-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni, istituzzjoni tista' tinkludi pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivati tal-kreditu tat-tip "n-th-to-default" iżda li joperaw bħala hedge għal pożizzjonijiet oħra ta' dak il-portafoll, sakemm jeżisti suq bidirezzjonali likwidu kif deskritt fl-aħħar subparagrafu tal-paragrafu 1 għall-istrument jew is-sottostanti tiegħu.

4. Istituzzjoni għandha tiddetermina l-akbar wieħed mill-ammonti li ġejjin bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni:

(a) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti twal tal-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni;

(b) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti qosra tal-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni.

Subtaqsima 2

**Riskju ġenerali**

*Artikolu 339*

**Kalkolu tar-riskju ġenerali bbażat fuq il-maturità**

1. Sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali, il-pożizzjonijiet kollha għandhom jiġu ppeżati skont il-maturità kif spjegat fil-paragrafu 2 sabiex jiġi kkalkulat l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa għalihom. Dan ir-rekwiżit għandu jitnaqqas meta pożizzjoni ppeżata tinżamm flimkien ma' pożizzjoni opposta ppeżata fl-istess faxxa ta' maturità. Għandu jsir ukoll tnaqqis fir-rekwiżit meta l-pożizzjonijiet ippeżati opposti jaqgħu f'faxex ta' maturità differenti, f'liema każ id-daqs ta' dan it-tnaqqis ikun jiddependi kemm minn jekk iż-żewġ pożizzjonijiet jaqgħux fl-istess żona jew le, kif ukoll miż-żoni partikolari li fihom jaqgħu.

2. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-faxex ta' maturità adatti fil-kolonna 2 jew 3, kif xieraq, fit-Tabella 2 fil-paragrafu 4. Hija għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' maturità reżidwa fil-każ ta' strumenti b'rata fissa u fuq il-bażi tal-perijodu sakemm ir-rata tal-imgħax terġa' tiġi ffissata fil-każ ta' strumenti li r-rata tal-imgħax fuqhom tkun varjabbli qabel il-maturità finali. Għandha tiddistingwi wkoll bejn strumenti tad-dejn b'kupun ta' 3 % jew aktar u dawk b'kupun ta' inqas minn 3 % u għaldaqstant, tallokahom fil-kolonna 2 jew il-kolonna 3 fit-Tabella 2. Imbagħad għandha timmultiplika kull wieħed minnhom bl-ippeżar għall-faxxa ta' maturità inkwistjoni fil-kolonna 4 fit-Tabella 2.

3. L-istituzzjoni għandha mbagħad tikkalkula s-somma tal-pożizzjonijet twal ippeżati u s-somma tal-pożizzjonijiet qosra ippeżati f'kull faxxa ta' maturità. L-ammont tal-ewwel somma li jkun ibbilanċjat bit-tieni somma f'faxxa ta' maturità partikolari għandu jkun il-pożizzjoni ppeżata bbilianċjata f'dik il-faxxa, filwaqt li l-pożizzjoni twila jew qasira reżidwa għandha tkun il-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata għall-istess faxxa. Imbagħad għandu jiġi kkalkulat it-total tal-pożizzjonijiet ippeżati bbilanċjati fil-faxex kollha.

4. L-istituzzjoni għandha tikkalkula t-totali tal-pożizzjonijiet twal ippeżati mhux ibbilanċjati għall-faxex inklużi f'kull żona tat-Tabella 2 sabiex tiddetermina l-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata għal kull żona. Bl-istess mod, is-somma tal-pożizzjonijiet qosra ppeżati mhux imqabbla għal kull faxxa f'żona partikolari għandha tingħadd sabiex tiġi kkalkulata l-pożizzjoni qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għal dik iż-żona. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata għal żona partikolari li tkun ibbilanċjata bil-pożizzjoni qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għall-istess żona għandha tkun il-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata għal dik iż-żona. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata jew dik qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għal żona li, għaldaqstant, ma tkunx tista' tkun ibbilanċjata, għandha tkun il-pożiżżjoni ppeżata mhux ibbilanċjata għal dik iż-żona.

*Tabella 2*

| Żona | Faxxa ta' maturità | | Piż differenzjat (f' %) | Tibdil preżunt fir-rata tal-imgħax (f' %) |
|---|---|---|---|---|
| | Kupun ta' 3 % jew aktar | Kupun ta' inqas minn 3 % | | |
| L-Ewwel | 0 ≤ 1 xahar | 0 ≤ 1 xahar | 0,00 | — |
| | > 1 ≤ 3-il xahar | > 1 ≤ 3-il xahar | 0,20 | 1,00 |
| | > 3 ≤ 6-il xahar | > 3 ≤ 6-il xahar | 0,40 | 1,00 |
| | > 6 ≤ 12-il xahar | > 6 ≤ 12-il xahar | 0,70 | 1,00 |
| It-Tieni | > 1 ≤ 2 sentejn | > 1.0 ≤ 1.9 snin | 1,25 | 0,90 |
| | > 2 ≤ 3 snin | > 1.9 ≤ 2.8 snin | 1,75 | 0,80 |
| | > 3 ≤ 4 snin | > 2.8 ≤ 3.6 snin | 2,25 | 0,75 |
| It-Tielet | > 4 ≤ 5 snin | > 3.6 ≤ 4.3 snin | 2,75 | 0,75 |
| | > 5 ≤ 7 snin | > 4.3 ≤ 5.7 snin | 3,25 | 0,70 |
| | > 7 ≤ 10 snin | > 5.7 ≤ 7.3 snin | 3,75 | 0,65 |
| | > 10 ≤ 15 snin | > 7.3 ≤ 9.3 snin | 4,50 | 0,60 |
| | > 15 ≤ 20 snin | > 9.3 ≤ 10.6 snin | 5,25 | 0,60 |
| | > 20 sena | > 10.6 ≤ 12.0 snin | 6,00 | 0,60 |
| | | > 12.0 ≤ 20.0 snin | 8,00 | 0,60 |
| | | > 20 sena | 12,50 | 0,60 |

5. L-ammont ta' pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata twila jew qasira fl-ewwel żona li tkun ibbilanċjata bil-pożizzjoni twila jew qasira ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tieni żona għandha mbagħad tkun il-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tieni żona. L-istess kalkolu għandu jsir fir-rigward ta' dik il-parti tal-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tieni żona li jkun fadal u l-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tielet żona sabiex tiġi kkalkulata l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn it-tieni u t-tielet żona.

6. L-istituzzjoni tista' tinverti l-ordni fil-paragrafu 5 sabiex tikkalkula l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn it-tieni u t-tielet żona qabel ma tikkalkula dik il-pożizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni żona.

7. Il-bqija tal-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fl-ewwel żona għandha mbagħad tkun ibbilanċjata ma' x'jifdal minn dik tat-tielet żona wara l-ibbilanċjar ta' din tal-aħħar mat-tieni żona sabiex tiġi determinata l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona.

8. Wara t-tliet kalkoli separati ta' bbilanċjar fil-paragrafi 5, 6 u 7, għandhom jingħaddu flimkien il-pożizzjonijiet reżidwi.

9. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta':

(a) 10 % tas-somma tal-pożizzjonijiet ippeżati bbilanċjati fil-faxex kollha ta' maturità;

(b) 40 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fl-ewwel żona;

(c) 30 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fit-tieni żona;

(d) 30 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fit-tielet żona;

(e) 40 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tieni żona u bejn it-tieni u t-tielet żona;

(f) 150 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona;

(g) 100 % tal-pożizzjonijiet ippeżati reżidwi mhux ibbilanċjati.

*Artikolu 340*

**Kalkolu tar-riskju ġenerali bbażat fuq it-tul taż-żmien**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw approċċ għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali fuq l-istrumenti tad-dejn li jirrefletti t-tul taż-żmien, minflok l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 339, sakemm l-istituzzjoni tagħmel dan fuq bażi konsistenti.

2. Skont l-approċċ ibbażat fuq it-tul taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjoni għandha tieħu l-valur tas-suq ta' kull strument tad-dejn b'rata fissa u minn dan tikkalkula r-rendiment tiegħu sal-maturità, li hija r-rata ta' skont impliċita ta' dak l-istrument. Fil-każ ta' strumenti b'rata varjabbli, l-istituzzjoni għandha tieħu l-valur tas-suq ta' kull strument u minn dan tikkalkula r-rendiment tiegħu bis-suppożizzjoni li l-ammont kapitali jkun dovut fid-darba li jmiss meta r-rata tal-imgħax tkun tista' tinbidel.

3. Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula t-tul taż-żmien modifikat ta' kull strument tad-dejn fuq il-bażi tal-formula li ġejja:

$$\textit{modified duration} = \frac{D}{1 + R}$$

fejn:

D = it-tul ta' żmien ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$D = \frac{\sum_{t=1}^{M} \frac{t \cdot C_t}{(1 + R)^t}}{\sum_{t=1}^{M} \frac{C_t}{(1 + R)^t}}$$

fejn:

R = ir-rendiment sal-maturità;

$C_t$ = ħlas fi flus f'ħin t;

M = il-maturità totali.

Għandha ssir korrezzjoni fil-kalkolu tat-tul taż-żmien modifikat għall-istrumenti tad-dejn li huma soġġetti għar-riskju ta' ħlas minn qabel. L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar kif għandhom jiġu applikati tali korrezzjonijiet.

4. L-istituzzjoni għandha mbagħad talloka kull strument tad-dejn fiż-żona xierqa fit-Tabella 3. Għandha tagħmel dan fuq il-bażi tat-tul taż-żmien modifikat ta' kull strument.

*Tabella 3*

| Żona | Tul taż-żmien modifikat (fi snin) | Imgħax preżunt (varjazzjoni f'%) |
|---|---|---|
| L-Ewwel | > 0 ≤ 1,0 | 1,0 |
| It-Tieni | > 1,0 ≤ 3,6 | 0,85 |
| It-Tielet | > 3,6 | 0,7 |

5. Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien għal kull strument billi timmultiplika l-prezz tas-suq tiegħu bit-tul taż-żmien modifikat tiegħu u bil-varjazzjoni preżunta fir-rata tal-imgħax għal strument b'dak it-tul taż-żmien modifikat partikolari (ara l-kolonna 3 fit-Tabella 3).

6. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet twal tagħha ppeżati skont it-tul taż-żmien u dawk qosra ppeżati skont it-tul taż-żmien f'kull żona. L-ammont tal-ewwel somma li jkun ibbilanċjat bit-tieni somma f'kull żona għandu jkun il-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata għal dik iż-żona.

Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet ippeżati skont it-tul taż-żmien mhux ibbilanċjati għal kull żona. Hija mbagħad għandha ssegwi l-proċeduri għall-pożizzjonijiet ippeżati mhux ibbilanċjati stabbiliti fl-Artikolu339(5) sa (8).

7. Imbagħad, ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) 2 % tal-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata għal kull żona;

(b) 40 % tal-pożizzjonijiet ippeżati skont it-tul taż-żmien ibbilanċjati bejn l-ewwel u t-tieni żona u bejn it-tieni u t-tielet żona;

(c) 150 % tal-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona;

(d) 100 % tal-pożizzjonijiet reżidwi ppeżati skont it-tul taż-żmien mhux ibbilanċjati.

## Taqsima 3

## Ekwitajiet

*Artikolu 341*

### Pożizzjonijiet netti fi strumenti azzjonarji

1. L-istituzzjoni għandha tgħodd b'mod separat il-pożizzjonijiet twal netti kollha tagħha u l-pożizzjonijiet qosra netti kollha tagħha skont l-Artikolu 327. Is-somma tal-valur assolut taż-żewġ ċifri għandha tkun il-pożizzjoni grossa kumplessiva tagħha.

2. L-istituzzjoni għandha tikkalkula, b'mod separat għal kull suq, id-differenza bejn is-somma tal-pożizzjonijiet netti twal u qosra. Is-somma tal-valuri assoluti ta' dawn id-differenzi għandha tkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tagħha.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu t-terminu 'suq' imsemmi fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 342*

### Riskju speċifiku ta' strumenti tal-ekwità

L-istituzzjoni għandha timmultiplika l-pożizzjoni grosssa kumplessiva tagħha bi 8 % sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku.

*Artikolu 343*

### Riskju ġenerali ta' strumenti tal-ekwità

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali għandu jkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tal-istituzzjoni multiplikata bi 8 %.

*Artikolu 344*

### Indiċijiet tal-borża

1. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenkaw l-indiċijiet tal-borża li għalihom ikunu disponibbli t-trattamenti stipulati fit-tieni sentenza tal-paragrafu 4.

L-ABE għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

2. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafi 3 u 4, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

3. Il-futures tal-indiċi tal-kambju, l-ekwivalenti ppeżati skont delta tal-opzjonijiet fil-futures tal-indiċi tal-borża u l-indiċijiet tal-borża li minn hawn 'il quddiem ser issir referenza għalihom b'mod kollettiv bħala 'futures tal-indiċi tal-borża', jistgħu jinqasmu f'pożizzjonijiet f'kull waħda mill-ekwitajiet kostitwenti tagħhom. Dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet sottostanti fl-ekwitajiet inkwistjoni, u għalihom jista' jsir netting ma' pożizzjonijiet opposti fl-ekwitajiet sottostanti nnifishom. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-użu li jagħmlu minn dak it-trattament.

4. Meta future tal-indiċi tal-kambju ma jinqasamx fil-pożizzjonijiet sottostanti tiegħu, dan għandu jiġi ttrattat daqs li kieku kien ekwità individwali. Madankollu, ir-riskju speċifiku fuq din l-ekwità individwali jista' jiġi injorat jekk il-future tal-indiċi tal-kambju inkwistjoni jiġi negozjat fil-borża u jirrappreżenta indiċi rilevanti diversifikat b'mod xieraq.

## Taqsima 4

## Sottoskrizzjoni

*Artikolu 345*

### Tnaqqis tal-pożizzjonijiet netti

1. Fil-każ tas-sottoskrizzjoni ta' strumenti tad-dejn u l-ekwità, istituzzjoni tista' tuża l-proċedura li ġejja sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha. L-istituzzjoni għandha l-ewwel tikkalkula l-pożizzjonijiet netti billi tnaqqas il-pożizzjonijiet sottoskritti li jkunu ffirmati jew sottoskritti mill-ġdid minn partijiet terzi fuq il-bażi ta' ftehimiet formali. L-istituzzjoni għandha mbagħad tnaqqas il-pożizzjonijiet netti bil-fatturi ta' tnaqqis fit-Tabella 4 u tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha billi tuża l-pożizzjonijiet sottoskritti mnaqqsa.

*Tabella 4*

| | |
|---|---|
| jum tax-xogħol 0: | 100 % |
| jum tax-xogħol 1: | 90 % |
| jiem tax-xogħol 2 sa 3: | 75 % |
| jum tax-xogħol 4: | 50 % |
| jum tax-xogħol 5: | 25 % |
| wara jum tax-xogħol 5: | 0 %. |

'Jum tax-xogħol żero' għandu jkun il-jum tax-xogħol li fih l-istituzzjoni tieħu l-impenn mingħajr kondizzjonijiet li taċċetta kwantità magħrufa ta' titoli bi prezz miftiehem.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-użu li jagħmlu mill-paragrafu 1.

Taqsima 5

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għal pożizzjonijiet iħħeġġjati minn derivati tal-kreditu**

*Artikolu 346*

**Tnaqqis għal hedges minn derivati tal-kreditu**

1. Għandu jingħata tnaqqis għal hedges ipprovduti minn derivati tal-kreditu, skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw din il-pożizzjoni fid-derivat tal-kreditu bħala 'komponent' wieħed u l-pożizzjoni ħħeġġjata li jkollha l-istess ammont nominali, jew, fejn applikabbli, ammont nozzjonali, bħala l-'komponent' l-ieħor.

3. Għandu jingħata tnaqqis sħiħ meta l-valuri taż-żewġ partijiet jimxu dejjem fid-direzzjoni opposta u b'mod ġenerali ndaqs. Dan ikun il-każ fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żewġ komponenti jikkonsistu fi strumenti kompletament identiċi;

(b) pożizzjoni twila fi flus tkun iħħeġġjata b'total rate of return swap (jew viċe versa) u jkun hemm qbil preċiż bejn l-obbligazzjoni ta' riferiment u l-iskopertura sottostanti (jiġifieri, il-pożizzjoni fi flus). Il-maturità tal-iswap innifisha tista' tkun differenti minn dik tal-iskopertura sottostanti.

F'dawn is-sitwazzjonijiet, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku ma għandu jiġi applikat għall-ebda naħa tal-pożizzjoni.

4. Tpaċija ta' 80 % tiġi applikata meta l-valuri taż-żewġ partijiet jimxu dejjem fid-direzzjoni opposta u fejn ikun hemm qbil preċiż f'termini tal-obbligazzjoni ta' riferiment, tal-maturità kemm tal-obbligazzjoni ta' riferiment kif ukoll tad-derivat tal-kreditu, u tal-munita tal-iskopertura sottostanti. Barra minn hekk, l-elementi ewlenin tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu ma għandhomx iwasslu biex il-moviment fil-prezz tad-derivat tal-kreditu jitbiegħed materjalment mill-movimenti tal-pożizzjoni fi flus. Sal-punt li t-transazzjoni tittrasferixxi riskju, tiġi applikata tpaċija ta' 80 % għar-riskju speċifiku fin-naħa tat-transazzjoni bl-ogħla rekwiżit ta' fondi proprji, filwaqt li r-rekwiżiti għar-riskju speċifiku tan-naħa l-oħra għandhom ikunu żero.

5. Fin-nuqqas tas-sitwazzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, għandu jingħata tnaqqis parzjali, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 3(b) iżda hemm diskrepanza fl-assi bejn l-obbligazzjoni ta' riferiment u l-iskopertura sottostanti. Madanakollu, il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-obbligazzjoni ta' riferiment hija tal-istess livell ma', jew subordinata għall-obbligazzjoni sottostanti;

(ii) l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment għandhom l-istess debitur u għandhom klawżoli transversali ta' inadempjenza u aċċelerazzjoni legalment infurzabbli;

(b) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 3(a) jew il-paragrafu 4 iżda hemm diskrepanza fil-munita jew fil-maturità bejn il-protezzjoni tal-kreditu u l-assi sottostanti. Tali diskrepanza fil-munita għandha tiġi inkluża fir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju;

(c) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 4 iżda hemm diskrepanza fl-assi bejn il-pożizzjoni fi flus u d-derivat tal-kreditu. Madanakollu, l-assi sottostanti huwa inkluż fl-obbligazzjonijiet (kunsinnabbli) fid-dokumentazzjoni tad-derivat tal-kreditu.

Sabiex jingħata tnaqqis parzjali, minflok ma jiżdiedu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għal kull naħa tat-transazzjoni, għandu japplika biss l-ogħla wieħed miż-żewġ rekwiżiti ta' fondi proprji.

6. Fis-sitwazzjonijiet kollha li ma jaqgħux taħt il-paragrafi 3 sa 5, rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għandu jiġi kkalkulat b'mod separat għaż-żewġ naħat tal-pożizzjonijiet.

*Artikolu 347*

**Tnaqqis għal hedges permezz ta' derivati tal-kreditu tat-tipi "first-to default" u "nth-to default"**

Fil-każ ta' derivati tal-kreditu tat-tip "first-to default" u derivati tal-kreditu tat-tip "nth-to default", it-trattament li ġej japplika għat-tnaqqis li għandu jingħata skont l-Artikolu 346:

(a) fejn istituzzjoni tikseb protezzjoni tal-kreditu għal numru ta' entitajiet ta' referenza li huma sottostanti għal derivat tal-kreditu bit-kondizzjoni li l-ewwel inadempjenza fost l-assi għandha tiskatta pagament u li dan l-avveniment tal-kreditu għandu jtemm il-kuntratt, l-istituzzjoni tista' tpaċi r-riskju speċifiku għall-entità ta' referenza li għaliha japplika l-aktar perċentwal baxx ta' ħlas għar-riskju speċifiku fost l-entitajiet ta' referenza sottostanti skont it-Tabella 1 fl-Artikolu 336;

(b) fejn l-inadempjenza numru n (nth default) fost l-iskoperturi tiskatta pagament taħt il-protezzjoni tal-kreditu, ix-xerrej tal-protezzjoni jista' jpaċi r-riskju speċifiku biss jekk tkun inkisbet protezzjoni wkoll għall-inadempjenzi numru 1 sa n-1 jew meta jkunu diġà seħħew l-inadempjenzi n-1. F'każijiet bħal dawn, il-metodoloġija stabbilita fil-punt (a) għad-derivati tal-kreditu tat-tip "first-to-default" għandha tiġi segwita, emendata kif xieraq għall-prodotti tat-tip "nth-to-default".

Taqsima 6

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal CIUs**

*Artikolu 348*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal CIUs**

1. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra f'din it-Taqsima, pożizzjonijiet f'CIUs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, ta' 32 %. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 353 meħud flimkien mat- trattament emendat għad-deheb stipulat fl-Artikolu 352(4) u l-Artikolu 367(2)(b) il-pożizzjonijiet f'CIUs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, u r-riskju tal-kambju ta' 40 %.

2. Sakemm ma jkunx stabbilit b'mod ieħor fl-Artikolu 350, ma huwa permess l-ebda netting bejn l-investimenti sottostanti ta' CIU u pożizzjonijiet oħra miżmuma mill-istituzzjoni.

*Artikolu 349*

**Kriterji ġenerali għal CIUs**

Is-CIUs għandhom ikunu eliġibbli għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 350, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prospett tas-CIU jew dokument ekwivalenti għandhom jinkludu dawn kollha:

(i) il-kategoriji ta' assi li s-CIU tkun awtorizzata li tinvesti fihom;

(ii) fejn japplikaw limiti fuq l-investiment, il-limiti relattivi u l-metodoloġiji għall-kalkolu tagħhom;

(iii) fejn tkun permessa lieva finanzjarja, il-livell massimu tal-lieva finanzjarja;

(iv) fejn huma permessi l-konklużjonit ta' transazzjonijiet ta' derivati finanzjarji OTC jew transazzjonijiet ta' riakkwist jew ta' teħid jew għoti b'self ta' titoli, il-politika li tillimita r-riskju għall-kontroparti li jirriżulta minn dawn it-transazzjonijiet;

(b) in-negozju tas-CIU għandu jiġi rrappurtat f'rapporti ta' nofs is-sena u dawk annwali sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-assi u l-passivi, tad-dħul u l-operazzjonijiet fil-perijodu tar-rapport;

(c) l-ishma jew l-unitajiet tas-CIU jistgħu jinfdew fi flus, mill-assi tal-impriża, fuq bażi ta' kuljum fuq talba tat-titolari tal-unitajiet;

(d) l-investimenti fis-CIU għandhom jiġu separati mill-assi tal-amministratur tas-CIU;

(e) għandu jkun hemm valutazzjoni adegwata tar-riskju tas-CIU, mill-istituzzjoni li tinvesti;

(f) is-CIUs għandhom jiġu amministrati minn persuni taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE jew leġislazzjoni ekwivalenti.

*Artikolu 350*

**Metodi speċifiċi għal CIUs**

1. Meta l-istituzzjoni tkun konxja mill-investimenti sottostanti tas-CIU fuq bażi ta' kuljum, l-istituzzjoni tista' tirreferi direttament għal dawk l-investimenti sottostanti sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali. Taħt tali approċċ, il-pożizzjonijiet fis-CIUs għandhom jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet fl-investimenti sottostanti tas-CIU. Għandu jkun permess netting bejn il-pożizzjonijiet fl-investimenti sottostanti tas-CIU u pożizzjonijiet oħra li jkollha l-istituzzjoni, dment li l-istituzzjoni jkollha kwantità suffiċjenti ta' ishma jew unitajiet li jippermettu il-fidi/ħolqien bi skambju mal-investimenti sottostanti.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, għal pożizzjonijiet f'CIUs bis-suppożizzjoni ta' pożizzjonijiet li jirrappreżentaw dawk neċessarji sabiex jirriproduċu l-kompożizzjoni u l-prestazzjoni tal-indiċi ġġenerat esternament jew basket fiss ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn msemmija fil-punt (a), soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għan tal-mandat tas-CIU's hu li jirriproduċi l-kompożizzjoni u l-prestazzjoni ta' indiċi ġġenerat esternament jew basket fiss ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn;

(b) koeffiċjent ta' korrelazzjoni minimu bejn ir-redditu ta' kuljum tas-CIU u l-indiċi jew il-basket ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn li tirriproduċi ta' 0,9 jista' jiġi stabbilit b'mod ċar fuq perijodu ta' sitt xhur.

3. Fejn l-istituzzjoni ma tkunx konxja mill-investimenti sottostanti tas-CIU fuq bażi ta' kuljum, l-istituzzjoni tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġi preżunt li s-CIU l-ewwel tinvesti sal-massimu possibbli permess skont il-mandat tagħha fil-klassijiet ta' assi li jattiraw l-ogħla rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali b'mod separat, u mbagħad tkompli tagħmel investimenti f'ordni li dejjem tonqos sakemm jintlaħaq il-limitu massimu tal-investimenti totali. Il-pożizzjoni fis-CIU tiġi ttrattata bħala holding diretta fil-pożizzjoni meħuda;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-iskopertura massima indiretta li jistgħu jiksbu billi jieħdu pożizzjonijiet b'effett ta' lieva finanzjarja permezz tas-CIU meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali tagħhom b'mod separat, billi jżidu proporzjonalment il-pożizzjoni fis-CIU sal-iskopetura massima għall-elementi ta' investiment sottostanti li jirriżultaw mill-mandat;

(c) jekk skont dan il-paragrafu, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali flimkien jaqbeż dak stabbilit fl-Artikolu 348(1), ir-rekwiżit ta' fondi proprji għandu jiġi limitat sa dak il-livell.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu fuq il-partijiet terzi li ġejjin sabiex jikkalkulaw u jirrappurtaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni għall-pożizzjonijiet fis-CIUs li jaqgħu taħt il-paragrafi 1 sa 4, skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu:

(a) id-depożitarju tas-CIU sakemm is-CIU jinvesti b'mod esklużiv f'titoli u jiddepożita t-titoli kollha ma' dak id-depożitarju;

(b) għal CIUs oħrajn, il-kumpannija li tamministra s-CIU, jekk il-kumpannija li tamministra s-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3)(a).

Il-korrettezza tal-kalkolu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

KAPITOLU 3

## *Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju*

*Artikolu 351*

### De minimis u ppeżar għar-riskju tal-kambju

Jekk is-somma tal-pożizzjoni netta kumplessiva tal-kambju ta' istituzzjoni u l-pożizzjoni netta tad-deheb tagħha, ikkalkulati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 352, inkluża għal kull pożizzjoni tal-kambju jew tad-deheb li għaliha r-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu kkalkulati permezz ta' mudell intern, taqbeż it-2 % tal-fondi proprji totali tagħha, l-istituzzjoni għandha tikkalkula rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għandu jkun is-somma tal-pożizzjoni tal-kambju kumplessiva netta tagħha u l-pożizzjoni netta tad-deheb tagħha fil-munita tar-rappurtar, multiplikata bi 8 %.

*Artikolu 352*

### Kalkolu tal- pożizzjoni kumplessiva netta tal-kambju

1. Il-pożizzjoni netta miftuħa tal-istituzzjoni f'kull munita (inkluża l-munita tar-rappurtar) u f'deheb għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tal-elementi li ġejjin (pożittivi jew negattivi):

(a) il-pożizzjoni netta spot (jiġifieri l-assi kollha mingħajr il-passivi kollha, inkluż l-imgħax dovut, fil-munita inkwistjoni jew, għad-deheb, il-pożizzjoni netta spot fid-deheb);

(b) il-pożizzjoni forward netta, li hija l-ammonti kollha li għad iridu jiġu riċevuti mingħajr l-ammonti kollha li għad iridu jitħallsu taħt kambju forward u transazzjonijiet tad-deheb, inklużi l-futures tal-muniti u tad-deheb u l-ammont kapitali fuq l-iswaps tal-muniti mhux inklużi fil-pożizzjoni spot;

(c) garanziji irrevokabbli u strumenti simili li huma żguri li se jissejħu u aktarx li se jkunu irrikoverabbli;

(d) l-ekwivalenti tad-delta netta, jew ibbażata fuq id-data, tal-ktieb totali tal-opzjonijiet tal-munita barranija u tad-deheb;

(e) il-valur tas-suq ta' opzjonijiet oħra.

Id-delta użata għall-finijiet tal-punt (d) għandha tkun dik tal-borża inkwistjoni. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

L-istituzzjoni tista' tinkludi introjtu/infiq netti futuri li jkunu għadhom mhumiex dovuti iżda diġà ħheġġjata għalkollox jekk tagħmel dan b'mod konsistenti.

L-istituzzjoni tista' taqsam il-pożizzjonijiet netti f'muniti komposti fil-muniti komponenti skont il-kwoti fis-seħħ.

2. Wara li jinkiseb permess mill-awtoritajiet kompetenti, kwalunkwe pożizzjoni li l-istituzzjoni tkun ħadet b'mod deliberat sabiex tiħheġġja kontra l-effett negattiv tar-rata tal-kambju fuq il-proporzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 92(1) tista' tiġi eskluża mill-kalkolu tal-pożizzjonijiet netti miftuħa tal-munita. Tali pożizzjonijiet għandhom ikunu ta' natura mhux tan-negozju jew strutturali u kwalunkwe varjazzjoni fit-termini tal-esklużjoni tagħhom, soġġetti għal permess separat mill-awtoritajiet kompetenti. L-istess trattament soġġett għall-istess kondizzjonijiet jista' jiġi applikat għal pożizzjonijiet tal-istituzzjoni li jirrelataw ma' elementi li jkunu diġà tnaqqsu fil-kalkolu tal-fondi proprji.

3. Istituzzjoni tista' tuża l-valur nett preżenti meta tikkalkula l-pożizzjoni netta miftuħa f'kull munita u fid-deheb, bil-kondizzjoni li l-istituzzjoni tapplika dan l-approċċ b'mod konsistenti.

4. Pożizzjonijiet netti qosra u twal f'kull munita għajr il-munita tar-rappurtar u l-pożizzjoni netta twila jew qasira fid-deheb għandhom jiġu konvertiti bir-rati spot fil-munita tar-rappurtar. Imbagħad għandhom jingħaddu separatament sabiex jiffurmaw it-total tal-pożizzjonijiet netti qosra u t-total tal-pożizzjonijiet netti twal rispettivament. L-ogħla minn dawn iż-żewġ totali għandha tkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tal-kambju tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu b'mod adegwat riskji oħra assoċjati mal-opzjonijiet, minbarra r-riskju tad-delta, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju delta, b'mod proporzjonat mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 353*

**Riskju tal-kambju tas-CIUs**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 352, fir-rigward tas-CIUs għandhom jiġu kkunsidrati l-pożizzjonijiet attwali tal-kambju tas-CIU.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq ir-rappurtar dwar il-pożizzjonijiet tal-kambju fis-CIU tal-partijiet terzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni depożitorja tas-CIU bil-kondizzjoni li s-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha ma'din l-istituzzjoni depożitarja;

(b) għal CIUs oħra, il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU, jekk il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 132(3).

Il-korrettezza tal-kalkolu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

3. Meta istituzzjoni ma tkunx konxja mill-pożizzjonijiet tal-kambju f'CIU, għandu jiġi ssoponut li s-CIU hija investita sal-massimu permess skont il-mandat tas-CIU fil-kambju u l-istituzzjonijiet għandhom, għall-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, jikkunsidraw l-iskopertura massima indiretta li jistgħu jiksbu billi jieħdu pożizzjonijiet ta' lieva finanzjarja permezz tas-CIU meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju tagħhom. Dan għandu jsir billi tiżdied b'mod proporzjonali l-pożizzjoni fis-CIU sal-iskopertura massima għall-elementi sottostanti ta' investiment li jirriżultaw mill-mandat tal-investiment. Il-pożizzjoni meħuda tas-CIU fil-kambju għandha tiġi ttrattata bħala munita separata skont it-trattament tal-investimenti fid-deheb, soġġett għaż-żieda tal-pożizzjoni totali twila mal-pożizzjoni miftuħa totali twila tal-kambju u l-pożizzjoni totali qasira mal-pożizzjoni miftuħa totali qasira tal-kambju fejn id-direzzjoni tal-investiment tas-CIU tkun disponibbli. Ma għandu jkun permess l-ebda netting bejn tali pożizzjonijiet qabel il-kalkolu.

*Artikolu 354*

**Muniti korrelatati mill-viċin**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu rekwiżiti ta' fondi proprji aktar baxxi kontra pożizzjoniijet f'muniti korrelatati mill-viċin rilevanti. Par ta' muniti huwa kkunsidrat bħala korrelatat mill-viċin biss jekk il-probabbiltà ta' telf — ikkalkulata fuq il-bażi ta' dejta ta' kuljum dwar ir-rata tal-kambju għat-tliet jew ħames snin preċedenti — li sseħħ f'pożizzjonijiet ugwali u opposti f'tali muniti fuq l-10 ijiem tax-xogħol segwenti, jiġifieri 4 % jew inqas tal-valur tal-pożizzjoni mqabbla inkwistjoni (valutata f'termini tal-munita tar-rappurtar) ikollha probabbiltà ta' mill-anqas 99 %, meta jintuża perijodu ta' osservazzjoni ta' tliet snin, u 95 %, meta jintuża perijodu ta' osservazzjoni ta' ħames snin. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji fuq il-pożizzjoni mqabbla f'żewġ muniti korrelatati mill-viċin għandu jkun 4 % multiplikat bil-valur tal-pożizzjoni mqabbla.

2. Fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jinjoraw pożizzjonijiet fil-muniti, li jkunu soġġetti għal ftehim intergovernattiv legalment vinkolanti sabiex tiġi limitata l-varjazzjoni tagħha fir-rigward ta' muniti oħra koperti mill-istess ftehim. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-pożizzjonijiet imqabbla tagħhom f'tali muniti u jissoġġettawhom għal rekwiżit ta' fondi proprji ta' mhux inqas minn nofs il-varjazzjoni massima permissibbli stabbilita fil-ftehim intergovernattiv inkwistjoni fir-rigward tal-muniti kkonċernati.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenka l-muniti li għalihom huwa disponibbli t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummisjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji fuq il-pożizzjonijiet imqabbla f'muniti ta' Stati Membri li jipparteċipaw fit-tieni stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja jista' jiġi kkalkulat bħala 1,6 % tal-valur ta' dawn il-pożizzjonijiet imqabblin.

5. Il-pożizzjonijiet mhux imqabbla fil-muniti msemmija f'dan l-Artikolu biss għandhom jiġu inkorporati fil-pożizzjoni kumplessiva netta miftuħa skont l-Artikolu 352(4).

6. Meta d-data tar-rata tal-kambju ta' kuljum għat-tliet jew ħames snin preċedenti, fuq pożizzjonijiet ugwali u opposti f'muniti akkoppjati matul l-għaxart ijiem ta' ħidma segwenti, turi li dawn iż-żewġ muniti huma perfettament u b'mod pożittiv korrelatati u l-istituzzjoni tkun tista' dejjem tiffaċċja differenzjal bid/ask ugwali għal 0 fuq l-operazzjonijiet rispettivi, l-istituzzjoni tista', wara l-awtorizzazzjoni espliċita tal-awtorità kompetenti tagħha, tapplika rekwiżit ta' fondi proprji ta' 0 % sal-aħħar tal-2017.

## *KAPITOLU 4*

## ***Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti***

### *Artikolu 355*

### **Għażla tal-metodu għar-riskju tal-prodotti**

Soġġett għall-Artikoli 356 sa 358, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti b'wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Artikolu 359, 360 jew 361.

### *Artikolu 356*

### **Negozju anċillari tal-prodotti**

1. L-istituzzjonijiet b'negozju anċillari ta' prodotti agrikulturali jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istokk fiżiku tal-prodott tagħhom fit-tmiem ta' kull sena għas-sena ta' wara meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) fi kwalunkwe żmien tas-sena hija jkollha fondi proprji għal dan ir-riskju li ma jkunux inqas mir-rekwiżit medju ta' fondi proprji għal dak ir-riskju stmat fuq bażi konservattiva għas-sena li jkun imiss;

(b) hija tistma fuq bażi konservattiva l-volatilità mistennija għaċ-ċifra kkalkulata fil-punt (a);

(c) ir-rekwiżit medju ta' fondi proprji tagħha għal dan ir-riskju ma jaqbiżx il-5 % tal-fondi proprji tagħha jew EUR 1 miljun u, billi tiġi kkunsidrata l-volatilità stmata skont il-punt (b), bl-ogħla rekwiżiti ta' fondi proprji mistennija li ma jaqbżux is-6,5 % tal-fondi proprji tagħha;

(d) l-istituzzjoni timmonitorja fuq bażi kontinwa jekk l-istimi mwettqa skont il-punti (a) u (b) għadhomx jirriflettu r-realtà.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-użu li jagħmlu mill-opzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

### *Artikolu 357*

### **Pożizzjonijiet rigward prodotti**

1. Kull pożizzjoni fi prodotti jew f'derivati ta' prodott għandha tiġi espressa f'termini ta' unità standard ta' kalkolu. Il-prezz spot f'kull prodott għandu jiġi espress fil-munita tar-rappurtar.

2. Il-pożizzjonijiet f'deheb jew f'derivati tad-deheb għandhom jitqiesu bħala soġġetti għar-riskju tal-kambju u ttrattati skont il-Kapitolu 3 jew 5, kif xieraq, sabiex jiġi kkalkulat ir-riskju tal-prodotti.

3. Għall-iskop tal-Artikolu 360(1), l-eċċess ta' pożizzjonijiet twal ta' istituzzjoni fuq il-pożizzjonijiet qosra tagħha, jew viċe versa, fl-istess prodott u futures identiċi ta' prodotti, l-opzjonijiet u l-warrants għandhom ikunu l-pożizzjoni netta tagħha f'kull prodott. L-istrumenti derivati għandhom jiġu ttrattati, kif stabbilit fl-Artikolu 358, bħala pożizzjonijiet fil-prodott sottostanti.

4. Sabiex tiġi kkalkulata pożizzjoni f'prodott, il-pożizzjonijet li ġejjin għandhom jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet fl-istess prodott:

(a) pożizzjonijiet f'subkategoriji differenti ta' prodotti f'każijiet fejn is-subkategoriji jkunu kunsinnabbli kontra xulxin;

(b) pożizzjonijiet f'prodotti simili jekk ikunu sostituti mill-qrib u fejn tkun tista' tiġi stabbilita b'mod ċar korrelazzjoni minima ta' 0,9 bejn iċ-ċaqliq fil-prezzijiet fuq perijodu minimu ta' sena.

### *Artikolu 358*

### **Strumenti partikolari**

1. Il-futures tal-prodotti u l-impenji forward għax-xiri jew bejgħ ta' prodotti individwali għandhom jiġu inkorporati fis-sistema ta' kalkolu bħala ammonti nozzjonali f'termini tal-unità standard tal-kalkolu u assenjati maturità b'referenza għal data ta' skadenza.

2. L-iswaps ta' prodotti fejn naħa waħda tat-transazzjoni hija prezz fiss u l-oħra hija l-prezz attwali tas-suq għandhom jiġu ttrattati, bħala serje ta' pożizzjonijiet ugwali għall-ammont nozzjonali tal-kuntratt, b'pożizzjoni waħda, fejn rilevanti, li tikkorrispondi ma' kull pagament fl-iswap u mdaħħla fil-faxex ta' maturità fl-Artikolu 359(1). Il-pożizzjonijiet għandhom ikunu pożizzjonijiet twal jekk l-istituzzjoni tkun qed tħallas prezz fiss u tirċievi prezz varjabbli u pożizzjonijiet qosra jekk l-istituzzjoni tkun qed tirċievi prezz fiss u tħallas prezz varjabbli. Swaps ta' prodotti fejn in-naħat tat-transazzjoni jkunu f'prodotti differenti għandu jiġi rrapurtat fl-iskala ta' rappurtar rilevanti għall-approċċ abbażi tal-iskala tal-maturità.

3. L-opzjonijiet u l-warrants fuq prodotti jew fuq derivati ta' prodotti għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet ugwali fil-valur għall-ammont tas-sottostanti li għalih tirreferi l-opzjoni, immultiplikat bid-delta tiegħu għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Il-pożizzjonijiet tal-aħħar jistgħu nnettjati ma' kwalunkwe pożizzjoni ta' tpaċija fl-istess prodott sottostanti jew derivat tal-prodott. Id-delta użata għandha tkun dik tal-borża kkonċernata. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu b'mod adegwat riskji oħra assoċjati mal-opzjonijiet, minbarra r-riskju tad-delta, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju delta, b'mod proporzjonat mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

5. Meta l-istituzzjoni tkun waħda minn dawn li ġejjin, hija għandha tinkludi l-prodotti konċernati fil-kalkolu tar-rekwiżit tagħha ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti:

(a) it-trasferitur ta' prodotti jew drittijiet garantiti relatati mat-titolu għal prodotti fi ftehim ta' xiri mill-ġdid;

(b) il-mutwanti ta' prodotti fi ftehim ta' self ta' prodotti.

*Artikolu 359*

**Approċċ tal-iskala tal-maturità**

1. L-istituzzjoni għandha tuża skala tal-maturità separata f'konformità mat-Tabella 1 għal kull prodott. Il-pożizzjonijiet kollha f'dak il-prodott għandhom jiġu assenjati fil-faxex xierqa ta' maturità. Stokks fiżiċi għandhom jiġu assenjati fl-ewwel faxxa ta' maturità li tibda minn 0 u li tasal sa u tinkludi xahar (1).

*Tabella 1*

| Faxxa ta' maturità (1) | Rata tal-firxa (f'%) (2) |
|---|---|
| 0 ≤ 1 xahar | 1,50 |
| > 1 ≤ 3-il xahar | 1,50 |
| > 3 ≤ 6-il xahar | 1,50 |
| > 6 ≤ 12-il xahar | 1,50 |
| > 1 ≤ 2 sentejn | 1,50 |
| > 2 ≤ 3 snin | 1,50 |
| > 3 sena | 1,50 |

2. Pożizzjonijiet fl-istess prodott jistgħu jiġu paċuti u assenjati lill-faxex xierqa ta' maturità fuq bażi netta għal dawn li ġejjin:

(a) pożizzjonijiet f'kuntratti li jimmaturaw fl-istess ġurnata;

(b) pożizzjonijiet f'kuntratti li jimmaturaw fi żmien għaxart ijiem minn xulxin jekk il-kuntratti jkunu negozjati fi swieq li għandhom dati ta' konsenja ta' kuljum.

3. L-istituzzjoni mbagħad għandha tikkalkula s-somma tal-pożizzjonijiet twal u s-somma tal-pożizzjonijiet qosra f'kull faxxa ta' maturità. L-ammont tal-ewwel tip li jkun mqabbel minn dan tal-aħħar f'faxxa ta' maturità partikolari għandu jkun il-pożizzjonijiet imqabbla f'dik il-faxxa, filwaqt li l-pożizzjoni twila jew qasira reżidwa għandha tkun il-pożizzjoni mhux imqabbla għall-istess faxxa.

4. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila mhux imqabbla għal faxxa ta' maturità partikolari li tkun mqabbla minn pożizzjoni qasira mhux imqabbla, jew viċe versa, għal faxxa ta' maturità aktar lil hinn għandha tkun il-pożizzjoni mqabbla bejn iż-żewġ faxex ta' maturità. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila mhux imqabbla jew dik qasira mhux imqabbla li għalhekk ma tistax titqabbel għandha tkun il-pożizzjoni mhux imqabbla.

5. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għal kull prodott għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-iskala rilevanti tal-maturità bħala s-somma ta' dan li ġej:

(a) is-somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra imqabbla, immultiplikata bir-rata xierqa ta' firxa kif indikat fit-tieni kolonna tat-Tabella 1 għal kull faxxa ta' maturità u bil-prezz spot għall-prodott;

(b) il-pożizzjoni mqabbla bejn żewġ faxex ta' maturità għal kull faxxa ta' maturità li fiha tiġi riportata pożizzjoni mhux imqabbla, immultiplikata b'0,6 %, li hija r-rata tar-riport u bil-prezz spot għall-prodott;

(c) il-pożizzjonijiet reżidwi mhux imqabbla, immultiplikati bi 15 % li hija r-rata diretta u bil-prezz spot għall-prodott.

6. Ir-rekwiżit kumplessiv ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskji tal-prodotti għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolat għal kull prodott skont il-paragrafu 5.

*Artikolu 360*

**Approċċ simplifikat**

1. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għal kull prodott għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) 15 % tal-pożizzjoni netta, twila jew qasira, immultiplikata bil-prezz spot għall-prodott;

(b) 3 % tal-pożizzjoni grossa, twila kif ukoll qasira, immultiplikata bil-prezz spot għall-prodott.

2. Ir-rekwiżit kumplessiv ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskji tal-prodotti għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolat għal kull prodott skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 361*

**Approċċ estiż tal-iskala tal-maturità**

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-firxa minima, ir-rata tar-riport u dik diretta stabbiliti fit-Tabella 2 segwenti minflok dawk indikati fl-Artikolu 359 bil-kondizzjoni li l-istituzzjonijiet:

(a) iwettqu negozju sinifikanti ta' prodotti;

(b) ikollhom portafoll ta' prodotti diversifikat kif xieraq;

(c) ikunu għadhom mhumiex f'pożizzjoni sabiex jużaw mudelli interni sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti.

*Tabella 2*

| | Metalli prezzjużi (minbarra d-deheb) | Metalli bażi | Prodotti Agrikoli (softs) | Oħrajn, inklużi l-prodotti enerġetiċi |
|---|---|---|---|---|
| Rata ta' firxa (%) | 1,0 | 1,2 | 1,5 | 1,5 |
| Rata tar-riport (%) | 0,3 | 0,5 | 0,6 | 0,6 |
| Rata diretta (%) | 8 | 10 | 12 | 15 |

L-isti tuzzjonijiet għandhom jinnotifikaw l-użu li jagħmlu minn dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' prova tal-isforzi tagħhom sabiex jimplimentaw mudell intern sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti.

*KAPITOLU 5*

***Użu ta' mudelli interni sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji***

Taqsima 1

**Permess u rekwiżiti ta' fondi proprji**

*Artikolu 362*

**Riskji speċifiċi u ġenerali**

Ir-riskju ta' pożizzjoni fuq strument tad-dejn jew strument tal-ekwità negozjat jew derivat tagħhom jista' jinqasam f'żewġ komponenti għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. L-ewwel wieħed għandu jkun il-komponent tar-riskju speċifiku tiegħu u għandu jinkludi r-riskju tal-bidla fil-prezz fl-istrument konċernat minħabba fatturi relatati mal-emittent tiegħu jew, fil-każ ta' derivat, l-emittent tal-istrument sottostanti. Il-komponent tar-riskju ġenerali għandu jinkludi r-riskju ta' bidla fil-prezz fl-istrument fil-każ ta' strument ta' dejn negozjat jew derivat tad-dejn għal bidla fil-livell tar-rati tal-imgħax jew fil-każ ta' ekwità jew derivat tal-ekwità għal moviment wiesa' tas-suq tal-ekwità li ma jkun relatat mal-ebda attribut speċifiku ta' titoli individwali.

*Artikolu 363*

**Permess għall-użu ta' mudelli interni**

1. Wara li tiġi verifikata l-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti tat-Taqsimiet 2, 3 u 4 kif rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lill-istituzzjonijiet sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti tagħhom ta' fondi proprji għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' riskju li ġejjin billi jużaw il-mudelli interni tagħhom minflok jew flimkien mal-metodi fil-Kapitoli 2 sa 4:

(a) riskju ġenerali tal-istrumenti tal-ekwità;

(b) riskju speċifiku tal-istrumenti tal-ekwità;

(c) riskju ġenerali tal-istrumenti tad-dejn;

(d) riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn;

(e) riskju tal-kambju;

(f) riskju tal-prodotti.

2. Għall-kategoriji ta' riskju li għalihom l-istituzzjoni ma tkunx ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 1 sabiex tuża l-mudelli interni tagħha, dik l-istituzzjoni għandha tkompli tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji skont dawk il-Kapitoli 2, 3 u 4 kif rilevanti. Għal kull kategorija ta' riskju, għandu jkun meħtieġ permess mill-awtoritajiet kompetenti għall-użu ta' mudelli interni u għandu jingħata biss jekk il-mudell intern ikopri parti sinifikanti tal-pożizzjonijiet ta' ċerta kategorija tar-riskju.

3. Bidliet materjali fl-użu ta' mudelli interni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża, l-estensjoni tal-użu ta' mudelli interni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża, b'mod partikolari fil-kategoriji ta' riskju addizzjonali, u l-kalkolu inizjali tal-valur fir-riskju taħt stress skont l-Artikolu 365(2) jeħtieġu permess separat mill-awtorità kompetenti.

L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-estensjonijiet u l-bidliet l-oħra kollha fl-użu ta' dawk il-mudelli interni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u l-bidliet fl-użu ta' mudelli interni;

(b) il-metodoloġija ta' valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw mudelli interni;

(c) il-kondizzjonijiet li bihom il-parti tal-pożizzjonijiet koperta mill-mudell intern f'kategorija tar-riskju għandhom jitqiesu li huma sinifikanti kif imsemmi fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 364*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji meta jintużaw mudelli interni**

1. Kull istituzzjoni li tuża mudell intern għandha tissodisfa, minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati skont il-Kapitoli 2, 3 u 4 għal dawk il-kategoriji ta' riskju li għalihom ma jkunx ingħata permess għall-użu ta' mudell intern, rekwiżit ta' fondi proprji espress bħala somma tal-punti (a) u (b):

(a) l-ogħla mill-valuri li ġejjin:

(i) in-numru tagħha tal-valur fir-riskju tal-ġurnata ta' qabel ikkalkulat skont l-Artikolu 365(1) ($VaR_{t-1}$);

(ii) medja tan-numri tal-valur fir-riskju ta' kuljum ikkalkulata skont l-Artikolu 365(1) f'kull waħda mis-sittin ġurnata tax-xogħol preċedenti ($VaR_{avg}$), immultiplikata bil-fattur ta' multiplikazzjoni ($m_c$) skont l-Artikolu 366;

(b) l-ogħla mill-valuri li ġejjin:

(i) l-aħħar numru ta' valur fir-riskju taħt stress disponibbli kkalkulat skont l-Artikolu 365(2) ($sVaR_{t-1}$); u

(ii) medja tan-numri ta' valur fir-riskju taħt stress kkalkulati bil-mod u l-frekwenza speċifikati fl-Artikolu 365(2) matul is-sittin jum tax-xogħol preċedenti ($sVaR_{avg}$), immultiplikata bil-fattur ta' multiplikazzjoni ($m_s$) skont l-Artikolu 366;

2. L-istituzzjonijiet li jużaw mudell intern sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn għandhom jissodisfaw rekwiżit addizzjonali ta' fondi proprji espress bħala s-somma tal-punti (a) u (b) li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkulat skont l-Artikolu 337 u 338 għar-riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivati tal-kreditu nth to default fil-portafoll tan-negozjar għajr dawk inkorporati f'rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni skont it-Taqsima […]5 u, fejn applikabbli, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku skont il-Kapitolu 2, Taqsima 6, għal dawk il-pożizzjonijiet fis-CIUs li għalihom ma jiġu ssodisfati la l-kondizzjonijiet fl-Artikolu 350(1) u lanqas l-Artikolu 350(2);

(b) l-ogħla fost:

(i) in-numru tar-riskju l-aktar reċenti għall-inadempjenza inkrimentali u r-riskju ta' migrazzjoni kkalkulat skont it-Taqsima 3;

(ii) il-medja ta' dan in-numru fit-12-il-ġimgħa ta' qabel.

3. L-istituzzjonijiet li għandhom portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni, li jilħaq ir-rekwiżiti fl-Artikolu 338(1) sa (3), jistgħu jissodisfaw rekwiżit ta' fondi proprji abbażi tal-Artikolu 377 minflok l-Artikolu 338(4), ikkalkulat bħala l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) in-numru tar-riskju l-aktar reċenti għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni kkalkulat skont it-Taqsima 5;

(b) il-medja ta' dan in-numru fit-12-il-ġimgħa ta' qabel;

(c) 8 % tar-rekwiżit ta' fondi proprji li, fil-mument tal-kalkolu tan-numru tar-riskju l-aktar reċenti msemmi fil-punt (a), jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 338(4) għal dawk il-pożizzjonijiet kollha inkorporati fil-mudell intern għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni.

Taqsima 2

**Rekwiżiti ġenerali**

*Artikolu 365*

**Kalkolu ta' VaR u VaR taħt stress**

1. Il-kalkolu tan-numru tal-valur fir-riskju msemmi fl-Artikolu 364 għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) kalkolu ta' kuljum tan-numru tal-valur fir-riskju;

(b) intervall ta' fiduċja unilaterali tad-99 perċentil;

(c) perijodu ta' holding ta' 10 ijiem;

(d) perijodu effettiv ta' osservazzjoni storika ta' mill-anqas sena ħlief meta perijodu iqsar ta' osservazzjoni jkun ġustifikat minn żieda sinifikanti fil-volatilità tal-prezz;

(e) aġġornamenti tad-data mill-anqas kull xahar.

L-istituzzjoni tista' tuża numri tal-valur fir-riskju kkalkulati skont perijodi ta' holding iqsar minn għaxart ijiem li jittellgħu sa għaxart ijiem permezz ta' metodoloġija xierqa li tkun analizzata perijodikament.

2. Barra minn hekk, tal-inqas kull ġimgħa l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-'valur fir-riskju taħt stress' tal-portafoll attwali, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu, bl-inputs tal-mudell tal-valur fir-riskju kkalibrati għal data storika minn perijodu ta' 12-il xahar kontinwu ta' stress finanzjarju sinifikanti rilevanti għall-portafoll tal-istituzzjoni. L-għażla ta' din id-data storika għandha tkun soġġetta mill-anqas għal analiżi annwali mill-istituzzjoni, li għandha tinnotifika r-riżultat lill-awtoritajiet kompetenti. L-ABE għandha timmonitorja l-firxa ta' prattiki għall-kalkolu tal-valur fir-riskju taħt stress u għandha, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar tali prattiki.

*Artikolu 366*

**Ittestjar retrospettiv regolatorju u fatturi ta' multiplikazzjoni**

1. Ir-riżultati tal-kalkoli msemmija fl-Artikolu 365 għandhom jiżdiedu bil-fatturi ta' multiplikazzjoni ($m_c$) u ($m_s$).

2. Kull wieħed mill-fatturi ta' multiplikazzjoni ($m_c$) u ($m_s$) għandu jkun is-somma ta' mill-inqas 3 u addend bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1. Dak l-addend għandu jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-250 jum tax-xogħol l-aktar riċenti kif indikat fl-ittestjar retrospettiv tal-istituzzjoni tan-numru tal-valur fir-riskju kif stabbilit fl-Artikolu 365(1).

*Tabella 1*

| Numru ta' qbiż tal-valur | addend |
|---|---|
| Inqas minn 5 | 0,00 |
| 5 | 0,40 |
| 6 | 0,50 |
| 7 | 0,65 |
| 8 | 0,75 |
| 9 | 0,85 |
| 10 jew aktar | 1,00 |

3. L-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-qbiż tal-valur ta' kuljum fuq il-bażi ta' ttestjar retrospettiv fuq bidliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll. Qabża fil-valur hija bidla f'ġurnata waħda fil-valur tal-portafoll li taqbeż in-numru tal-valur fir-riskju ta' ġurnata waħda relatat iġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi determinat l-addend, in-numru ta' qbiż tal-valur għandu jiġi valutat mill-inqas kull tliet xhur u għandu jkun daqs l-ogħla min-numru ta' qbiż tal-valur f'bidliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll.

L-ittestjar retrospettiv fuq bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll għandu jkun ibbażat fuq tqabbil bejn il-valur tal-portafoll fi tmiem il-ġurnata u, bis-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet li ma jinbidlux, il-valur tiegħu fi tmiem il-ġurnata sussegwenti.

L-ittestjar retrospettiv fuq bidliet reali fil-valur tal-portafoll għandu jkun ibbażat fuq tqabbil bejn il-valur tal-portafoll fi tmiem il-ġurnata u l-valur reali tiegħu fi tmiem il-ġurnata sussegwenti bl-esklużjoni ta' tariffi, kummissjonijiet u dħul nett ta' mgħax.

4. F'każijiet individwali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jillimitaw l-addend għal dak li jirriżulta mill-qbiż tal-valur f'bidliet ipotetiċi, fejn in-numru ta' qbiż tal-valur fil-bidliet reali ma jirriżultax minn nuqqasijiet fil-mudell intern.

5. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-fatturi ta' multiplikazzjoni fuq bażi kontinwa, l-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw minnufih, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol, lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-qbiż tal-valur li jirriżulta mill-programm tagħhom ta' ttestjar retrospettiv.

*Artikolu 367*

**Rekwiżiti għall-kalkolu tar-riskju**

1. Kwalunkwe mudell intern użat sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju, ir-riskju tal-prodotti u kwalunkwe mudell intern għan-negozju ta' korrelazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jkopri bi preċiżjoni r-riskji kollha tal-prezzijiet materjali;

(b) il-mudell għandu jkopri numru suffiċjenti ta' fatturi tar-riskju, skont il-livell ta' attività tal-istituzzjoni fis-swieq rispettivi. Meta fattur ta' riskju jkun inkorporat fil-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni iżda mhux fil-mudell tal-kalkolu tar-riskji, l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tiġġustifika tali ommissjoni għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti. Il-mudell għall-kalkolu tar-riskju għandu jkopri nonlinearitajiet għal opzjonijiet u prodotti oħra kif ukoll ir-riskju tal-korrelazzjoni u r-riskju tal-bażi. Fejn jintużaw valuri preżenti għall-fatturi tar-riskju, dawn għandhom jagħtu prova ta' rekord tajjeb għall-pożizzjoni reali li jkollhom.

2. Kwalunkwe mudell intern użat sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju jew ir-riskju tal-prodotti għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jinkludi sett ta' fatturi tar-riskju li jikkorrispondu mar-rati tal-imgħax f'kull munita li fiha l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sensittivi għar-rata tal-imgħax fi jew barra l-karta tal-bilanċ. L-istituzzjoni għandha timmudella l-kurvi tar-rendita permezz ta' wieħed mill-approċċi ġeneralment aċċettati. Għal skoperturi materjali għar-riskju tar-rata tal-imgħax fil-muniti u s-swieq ewlenin, il-kurva tar-renditu għandha tinqasam f'minimu ta' sitt segmenti ta' maturità, sabiex tkopri l-varjazzjonijiet tal-volatilità tar-rati tul il-kurva tar-renditu. Il-mudell għandu jkopri wkoll ir-riskju ta' movimenti korrelatati mhux b'perfezzjoni bejn il-kurvi tar-renditu differenti;

(b) il-mudell għandu jinkludi fatturi tar-riskju li jikkorrispondu għad-deheb u l-muniti barranin individwali li fihom ikunu denominati l-pożizzjonijiet tal-istituzzjoni. Għas-CIUs, għandhom jiġu kkunsidrati l-pożizzjonijiet reali tal-kambju tas-CIU. L-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq rappurtar magħmul minn partijiet terzi dwar il-pożizzjoni tal-kambju tas-CIU, meta l-korrettezza ta' dak ir-rapport tkun żgurata b'mod adegwat. Jekk istituzzjoni ma tkunx konxja dwar il-pożizzjonijiet tal-kambju ta' CIU, din il-pożizzjoni għandha titneħħa u tiġi ttrattata skont l-Artikolu 353(3);

(c) il-mudell għandu juża fattur tar-riskju separat tal-inqas għal kull wieħed mis-swieq tal-ekwità li fihom l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sinifikanti;

(d) il-mudell għandu juża fattur tar-riskju separat tal-inqas għal kull prodott li fih l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sinifikanti. Il-mudell għandu jkopri wkoll ir-riskju ta' movimenti mhux perfettament korrelatati bejn prodotti simili, iżda mhux identiċi, u l-iskopertura għall-bidliet fil-prezzijiet forward li jirriżultaw minn diskrepanzi fil-maturità. Għandu jikkunsidra wkoll il-karatteristiċi tas-suq, l-aktar id-dati tal-konsenja u l-ambitu provdut lill-operaturi sabiex jagħlqu l-pożizzjonijiet;

(e) b'mod konservattiv, il-mudell intern ta' istituzzjoni għandu jivvaluta r-riskju li jinħoloq minn pożizzjonijiet inqas likwidi u pożizzjonijiet bi trasparenza limitata tal-prezzijiet f'xenarji realistiċi tas-suq. Barra minn hekk, il-mudell intern għandu jilħaq standards minimi tad-data. Il-valuri preżenti għandhom ikunu konservattivi b'mod xieraq u għandhom jintużw biss fejn id-data disponibbli ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx tirrifletti l-volatilità reali ta' pożizzjoni jew ta' portafoll.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu, fi kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, jużaw korrelazzjonijiet empiriċi fi ħdan il-kategoriji tar-riskju u bejn kategoriji tar-riskju biss jekk l-approċċ tal-istituzzjoni għall-kalkolu tal-korrelazzjonijiet ikun validu u implimentat b'integrità.

*Artikolu 368*

**Rekwiżiti kwalitattivi**

1. Kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għandu jkun konċettwalment validu u implimentat b'integrità u, b'mod partikolari, għandu jissodisfa r-rekwiżiti kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju jew tal-prodotti għandu jkun integrat mill-viċin fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskji ta' kuljum tal-istituzzjoni u jservi bħala bażi għar-rappurtar tal-iskoperturi għar-riskju lill-ġestjoni superjuri;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u tirrapporta direttament lill-ġestjoni superjuri. L-unità għandha tkun responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. L-unità għandha twettaq validazzjoni inizjali u kontinwa ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'responsabbiltà għas-sistema ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju. L-unità għandha tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar l-output ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju u r-riskju tal-prodotti, u dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu rigward il-limiti tan-negozjar;

(c) il-korp tal-ġestjoni u l-ġestjoni superjuri tal-istituzzjoni għandhom ikunu involuti attivament fil-proċess ta' kontroll tar-riskji u r-rapporti ta' kuljum magħmulin mill-unità għall-kontroll tar-riskji jiġu analizzati minn livell ta' ġestjoni b'awtorità suffiċjenti sabiex jinforza kemm tnaqqis fil-pożizzjonijiet li jittieħdu minn operaturi individwali kif ukoll fl-iskopertura kumplessiva għar-riskju tal-istituzzjoni;

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal imħarreġ fl-użu ta' mudelli interni sofistikati, u inklużi dawk użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, fin-negozjar, fil-kontroll tar-riskji, il-verifika u ż-żoni tal-back office;

(e) l-istituzzjoni għandha tkun waqqfet proċeduri għall-monitoraġġ u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità ma' sett dokumentat ta' politiki u kontrolli interni rigward l-operat kumplessiv tal-mudelli interni tagħha, u inklużi dawk użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu;

(f) kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għandu jkollu rekord ippruvat ta' preċiżjoni raġonevoli fil-kalkolu tar-riskji;

(g) l-istituzzjoni għandha twettaq b'mod frekwenti programm rigoruż ta' ttestjar għal stress, inklużi testijiet għal stress bl-invers, li jinkludi kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u r-riżultati ta' dawn it-testijiet għal stress għandhom jiġu analizzati mill-ġestjoni superjuri u riflessi fil-politiki u l-limiti li jistabbilixxi. Dan il-proċess għandu jindirizza b'mod partikolari l-illikwidità tas-swieq f'kondizzjonijiet ta' stress tas-suq, ir-risjku ta' konċentrazzjoni, is-swieq b'direzzjoni waħda, ir-riskji tal-avveniment u tal-inadempjenza immedjata, in-nonlinearità ta' prodotti, il-pożizzjonijiet sfavorevoli ħafna (deep out-of-the-money positions), il-pożizzjonijet soġġetti għal-limiti fuq il-prezzijiet u riskji oħra li jistgħu ma jiġux koperti b'mod xieraq fil-mudelli interni. Ix-xokkijiet applikati għandhom jirriflettu n-natura tal-portafolli u ż-żmien li jista' jkun neċessarju sabiex jiġu ħeġġjati jew ġestiti riskji f'kondizzjonijiet severi tas-suq;

(h) l-istituzzjoni għandha twettaq, bħala parti mill-proċess ta' verifika interna regolari tagħha, analiżi indipendenti tal-mudelli interni tagħha, u inklużi dawk użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. L-analiżi msemmija fil-punt (h) tal- paragrafu 1 għandu jinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet ta' negozjar kummerċjali kif ukoll tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji. Mill-anqas darba fis-sena, l-istituzzjoni għandha twettaq analiżi tal-proċess kumplessiv tagħha ta' mmaniġjar tar-riskji. L-analiżi għandha tikkunsidra dan li ġej:

(a) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema u l-proċess tal-ġestjoni tar-riskji u l-organizzazzjoni tal-unità għall-kontroll tar-riskji;

(b) l-integrazzjoni tal-kalkolu tar-riskju fil-ġestjoni ta' kuljum tar-riskji u l-integrità tas-sistema ta' informazzjoni ta' ġestjoni;

(c) il-proċess li tuża l-istituzzjoni sabiex tapprova l-mudelli ta' pprezzar tar-riskju u s-sistemi ta' valutazzjoni li jintużaw mill-persunal tal-uffiċċji prinċipali u tal-back office;

(d) l-ambitu tar-riskji koperti mill-mudell ta' kalkolu tar-riskju u l-validazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fil-proċess ta' kalkolu tar-riskju;

(e) il-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data dwar il-pożizzjoni, il-preċiżjoni u l-adegwatezza tas-suppożizzjonijiet dwar il-volatilità u l-korrelazzjoni, u l-preċiżjoni tal-valutazzjoni u l-kalkoli tas-sensittività għar-riskji;

(f) il-proċess ta' verifika li tuża l-istituzzjoni sabiex tevalwa l-konsistenaza, il-prontezza u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati sabiex joperaw il-mudelli interni, inkluża l-indipendenza ta' dawn is-sorsi tad-data;

(g) il-proċess ta' verifika li tuża l-istituzzjoni sabiex tevalwa l-ittestjar retrospettiv li jitwettaq sabiex tiġi valutata l-preċiżjoni tal-mudelli.

3. Hekk kif jevolvu t-tekniki u l-aħjar prattiki, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawn it-tekniki u l-prattiki l-ġodda fi kwalunkwe mudell intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 369*

**Validazzjoni Interna**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw proċessi li jiżguraw li l-mudelli interni kollha tagħhom użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu jkunu ġew validati adegwatament minn partijiet ikkwalifikati sewwa li jkunu indipendenti mill-proċess tal-iżvilupp sabiex jiżguraw li huma konċettwalment validi u jkopru b'mod adegwat ir-riskji materjali kollha. Il-validazzjoni għandha titwettaq meta l-mudell intern jiġi żviluppat l-ewwel darba u meta ssir kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudell intern. Il-validazzjoni għandha ssir ukoll fuq bażi perijodika iżda speċjalment meta jkunu saru xi bidliet strutturali sinifikanti fis-suq jew xi bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll li jistgħu jwasslu sabiex il-mudell intern ma jibqax adegwat. Hekk kif it-tekniki u l-aħjar prattiki għall-validazzjoni interna jevolvu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawn l-avvanzi. Il-validazzjoni tal-mudelli interni m'għandhiex tkun limitata għall-ittestjar retrospettiv, iżda mill-inqas għandha tinkludi dan li ġej:

(a) testijiet sabiex jintwera li kwalunkwe suppożizzjoni li ssir fil-mudell intern tkun xierqa u ma tissottovalutax jew ma tissopravalutax ir-riskju;

(b) minbarra l-programmi regolatorji tal-ittestjar retrospettiv, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu t-testijiet ta' validazzjoni tal-mudelli interni tagħhom, inkluż l-ittestjar retrospettiv, fir-rigward tar-riskji u l-istrutturi tal-portafolli tagħhom;

(c) l-użu ta' portafolli ipotetiċi sabiex jiġi żgurat li l-mudell intern ikun kapaċi jqis karatteristiċi strutturali partikolari li jistgħu jinqalgħu, pereżempju riskji ta' bażi materjali u riskji ta' konċentrazzjoni.

2. L-istituzzjoni għandha twettaq ittestjar retrospettiv kemm fuq bidliet reali kif ukoll fuq bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll.

Taqsima 3

## Rekwiżiti partikolari għall-immudellar tar-riskju speċifiku

*Artikolu 370*

### Rekwiżiti għall-immudellar ta' riskju speċifiku

Mudell intern użat sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju speċifiku u mudell intern għan-negozju ta' korrelazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

(a) jispjega l-varjazzjoni storika fil-prezz fil-portafoll;

(b) ikopri l-konċentrazzjoni f'termini ta' kobor u l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll;

(c) ikun robust f'ambjent avvers;

(d) ikun validat permezz ta' ttestjar retrospettiv immirat sabiex jivvaluta jekk riskju speċifiku jkunx kopert bi preċiżjoni. Jekk l-istituzzjoni twettaq tali ttestjar retrospettiv fuq il-bażi ta' subportafolli rilevanti, dawn għandhom jintgħażlu b'manjiera konsistenti;

(e) ikopri riskju ta' bażi relatat mal-isem u b'mod partikolari, għandu jkun sensittiv għal differenzi idjosinkratiċi materjali bejn pożizzjonijiet simili iżda mhux identiċi;

(f) ikopri r-riskju ta' avvenimenti.

*Artikolu 371*

### Esklużjonijiet mill-mudelli għal riskju speċifiku

1. Istituzzjoni tista' tagħżel li teskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għar-riskju speċifiku billi tuża mudell intern, dawk il-pożizzjonijiet li għalihom hija tissodisfa r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku skont l-Artikolu 332(1)(e) jew l-Artikolu 337 ħlief għal dawk il-pożizzjonijiet li huma soġġetti għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 377.

2. Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tkoprix ir-riskji ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni għal strumenti tad-dejn innegozjati fil-mudell intern tagħha meta hija tkun qiegħda tkopri dawn ir-riskji permezz tar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 4.

Taqsima 4

## Mudell intern għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni

*Artikolu 372*

### Rekwiżit sabiex ikun hemm mudell intern għall-IRC

Istituzzjoni li tuża mudell intern sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn innegozjati għandu jkollha fis-seħħ ukoll mudell intern tar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni (IRC) sabiex tkopri r-riskji ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar tagħha li jkunu inkrimentali għar-riskji koperti mill-kalkolu tal-valur fir-riskju kif speċifikat fl-Artikolu 365(1). L-istituzzjoni għandha turi li l-mudell intern tagħha jilħaq l-standards li ġejjin bis-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju, u aġġustat fejn xieraq sabiex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjonijiet, il-hedging u l-opzjonalità:

(a) il-mudell intern jipprovdi differenzazzjoni utli tar-riskji u stimi preċiżi u konsistenti tar-riskji tal-inadempjenza u migrazzjoni inkrementali;

(b) l-istimi tal-mudell intern għal telf potenzjali għandhom rwol essenzjali fil-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni;

(c) id-data dwar is-suq u l-pożizzjoni użati fil-mudell intern huma aġġornati u soġġetti għal valutazzjoni kwalitattiva xierqa;

(d) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikolu 367(3), l-Artikolu 368, l-Artikolu 369(1) u l-punti (b), (c), (e) u (f) tal-Artikolu 370.

L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar ir-rekwiżiti fl-Artikoli 373sa 376.

*Artikolu 373*

### Ambitu tal-mudell intern għall-IRC

Il-mudell intern għall-IRC għandu jkopri l-pożizzjonijiet kollha soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax, inklużi dawk soġġetti għal allokazzjoni ta' kapital għal riskju speċifiku ta' 0 % skont l-Artikolu 336, iżda m'għandux ikopri pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivati tal-kreditu li jsiru inadempjenti nru n.

L-istituzzjoni tista', soġġetta għal permess mill-awtoritajiet kompetenti, tagħżel li b'mod konsistenti tinkludi l-pożizzjonijiet ta' ewkità kollha elenkati u l-pożizzjonijiet tad-derivati bbażati fuq l-ekwitajiet elenkati. Il-permess għandu jingħata jekk tali inklużjoni tkun konsistenti mal-mod kif l-istituzzjoni tkejjel u tiġġestixxi internament ir-riskju.

*Artikolu 374*

### Parametri tal-mudell intern għall-IRC

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-mudell intern sabiex jikkalkulaw numru li jkejjel it-telf minħabba inadempjenza u migrazzjoni interna jew esterna tal-klassifikazzjonijiet fl-intervall ta' kunfidenza ta' 99,9 % fuq perijodu ta' sena. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw dan in-numru mill-inqas darba fil-ġimgħa.

2. Is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni għandhom jiġu sostnuti permezz ta' analiżi ta' data oġġettiva f'qafas konċettwalment sod. Il-mudell intern għandu jirrefletti b'mod xieraq il-konċentrazzjonijiet tal-emittent. Għandhom jiġu riflessi wkoll il-konċentrazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fi ħdan u bejn klassijiet ta' prodotti taħt kondizzjonijiet ta' stress.

3. Il-mudell intern għall-IRC għandu jirrifletti l-impatt tal-korrelazzjonijiet bejn avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni. M'għandhomx jiġu riflessi l-impatt tad-diversifikazzjoni bejn, fuq naħa, l-avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni u, fuq in-naħa l-oħra, fatturi oħra ta' riskju.

4. Il-mudell intern għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju fuq perijodu ta' sena, li jimplika li pożizzjonijiet individwali partikolari fil-portafoll tan-negozjar jew settijiet ta' pożizzjonijiet li jkunu esperjenzaw inadempjenza jew migrazzjoni tul il-perijodu ta' likwidità tagħhom jiġu bbilanċjati mill-ġdid fi tmiem il-perijodu tagħhom tal-likwidità sabiex jiksbu l-livell inizjali tar-riskju. Inkella, istituzzjoni tista' tagħżel li b'mod konsistenti tuża suppożizzjoni ta' pożizzjoni kostanti għal sena.

5. Il-perijodi tal-likwidità għandhom jiġu stabbiliti skont iż-żmien meħtieġ sabiex tinbiegħ il-pożizzjoni jew sabiex jiġu ħheġġjati r-riskji materjali kollha tal-prezzijiet rilevanti f'suq taħt stress, b'konsiderazzjoni partikolari għad-daqs tal-pożizzjoni. Il-perijodi tal-likwidità għandhom jirriflettu l-prattika u l-esperjenza reali matul perijodi ta' stress kemm sistematiku kif ukoll idjosinkratiku. Il-perijodu tal-likwidità għandu jitkejjel taħt suppożizzjonijiet konservattivi u għandu jkun twil biżżejjed sabiex l-att tal-bejgħ jew tal-hedging minnu nnifsu ma jaffettwax materjalment il-prezz li bih isir il-bejgħ jew il-koperturi.

6. Id-determinazzjoni tal-perijodu xieraq tal-likwidità għal pożizzjoni jew sett ta' pożizzjonijiet hija soġġetta għal minimu ta' tliet xhur.

7. Id-determinazzjoni tal-perijodu xieraq tal-likwidità għal pożizzjoni jew sett ta' pożizzjonijiet għandha tikkunsidra l-politiki interni ta' istituzzjoni fir-rigward tal-aġġustamenti tal-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' pożizzjonijiet reqdin. Meta istituzzjoni tiddetermina perijodi tal-likwidità għal settijiet ta' pożizzjonijiet pjuttost milli għal pożizzjonijiet individwali, il-kriterji sabiex jiġu definiti settijiet ta' pożizzjonijiet għandhom jiġu definiti b'mod li jirrifletti b'mod sinifikanti d-differenzi fil-likwidità. Il-perijodi tal-likwidità għandhom ikunu akbar għal pożizzjonijiet li jkunu konċentrati, sabiex jirriflettu l-perijodu itwal neċessarju sabiex jiġu likwidati dawn il-pożizzjonijiet. Il-perijodu tal-likwidità għal depożitarju tat-titolizzazzjonijiet għandu jirrifletti ż-żmien sabiex jinbnew, jinbiegħu u jiġu titolizzati l-assi, jew sabiex jiġu ħheġġjati l-fatturi tar-riskju materjali, f'kondizzjonijiet tas-suq taħt stress.

*Artikolu 375*

**Rikonoxximent tal-hedges fil-mudell intern għall-IRC**

1. Il-hedges jistgħu jiġu inkorporati fil-mudell intern ta' istituzzjoni sabiex ikunu koperti r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni. Jista' jsir netting tal-pożizzjonijiet meta pożizzjonijiet twal u qsora jirreferu għall-istess strument finanzjarju. L-effetti tal-hedging jew tad-diversifikazzjoni assoċjati ma' pożizzjonijiet twal u qosra li jinvolvu strumenti differenti jew titoli differenti tal-istess debitur, kif ukoll pożizzjonijiet twal u qosra f'emittenti differenti, jistgħu jiġu rikonoxxuti biss bl-immudellar espliċitu tal-pożizzjonijiet twal u qosra totali fl-istrumenti differenti. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-impatt tar-riskji materjali li jistgħu jseħħu matul l-intervall bejn il-maturità tal-hedge u l-perijodu tal-likwidità kif ukoll il-potenzjal għal riskji ta' bażi sinifikanti fl-istrateġiji tal-hedging skont il-prodott, il-prijorità fl-istruttura kapitali, il-klassifikazzjoni interna jew esterna, il-maturità, il-kumulu (vintage) u differenzi oħrajn fl-istrumenti. Istituzzjoni għandha tirrifletti hedge biss sakemm dan ikun jista' jinżamm anki waqt li d-debitur javviċina avveniment ta' kreditu jew avveniment ieħor.

2. Għall-pożizzjonijiet li jkunu ħheġġjati permezz tal-istrateġiji dinamiċi ta' hedging, jista' jiġi rikonoxxut ibbilanċjar mill-ġdid tal-hedge fil-perijodu tal-likwidità tal-pożizzjoni ħheġġjata bil-kondizzjoni li l-istituzzjoni:

(a) tagħżel li timmudella l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-hedge b'mod konsistenti fis-sett rilevanti ta' pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar;

(b) turi li l-inklużjoni tal-ibbilanċjar mill-ġdid tirriżulta f'kalkolu aħjar tar-riskju;

(c) turi li s-swieq għall-istrumenti li jservu bħala hedges huma likwidi biżżejjed sabiex jippermettu tali bbilanċjar mill-ġdid anki matul perijodi ta' stress. Kwalunkwe riskju reżidwu li jirriżulta minn strateġiji dinamiċi ta' hedging għandu jiġi rifless fir-rekwiżit ta' fondi proprji.

*Artikolu 376*

**Rekwiżiti partikolari għall-mudell intern għall-IRC**

1. Sabiex ikopri r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza jew ta' migrazzjoni, il-mudell intern għandu jirrifletti l-impatt nonlineari tal-opzjonijiet, tad-derivati strutturati tal-kreditu u ta' pożizzjonijiet oħra b'imġiba materjali nonlineari fir-rigward tal-bidliet fil-prezzijiet. Barra minn hekk, l-istituzzjoni għandha tagħti konsiderazzjoni xierqa lill-ammont ta' riskju tal-mudell inerenti fil-valutazzjoni u l-istima tar-riskji tal-prezzijiet assoċjati ma' dawn il-prodotti.

2. Il-mudell intern għandu jkun ibbażat fuq data li tkun oġġettiva u aġġornata.

3. Bħala parti mill-analiżi u l-validazzjoni indipendenti tal-mudelli interni tagħha użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, b'mod inklussiv għall-finijiet tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji, istituzzjoni għandha, b'mod partikolari, tagħmel dan kollu li ġej:

(a) tivvalida li l-approċċ tal-immudellar tagħha għall-korrelazzjonijiet u l-bidliet fil-prezzijiet ikun xieraq għall-portafoll tagħha, inklużi l-għażla u l-piżijiet tal-fatturi sistematiċi tar-riskju tagħha;

(b) twettaq varjetà ta' testijiet għal stress, fosthom analiżi tas-sensittività u analiżi tax-xenarji, sabiex tiġi valutata r-raġonevolezza kwalitattiva u kwantitattiva tal-mudell intern, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tal-konċentrazzjonijiet. Dawn it-testijiet ma għandhomx ikunu limitati għall-firxa ta' avvenimenti esperjenzati storikament;

(c) tapplika validazzjoni kwantitattiva xierqa li tinkludi punti ta' riferiement interni rilevanti ta' mmudellar.

4. Il-mudell intern għandu jkun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni għall-identifikazzjoni, il-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskji tan-negozju.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-mudelli interni tagħhom sabiex il-korrelazzjoni u suppożizzjonijiet oħra tal-immudellar ikunu trasparenti għall-awtoritajiet kompetenti.

6. Il-mudell intern għandu jivvaluta b'mod konservattiv ir-riskju li jirriżulta minn pożizzjonijiet inqas likwidi u pożizzjonijiet bi trasparenza limitata tal-prezzijiet f'xenarji realistiċi tas-suq. Barra minn hekk, il-mudell intern għandu jilħaq standards minimi tad-data. Il-prokuri għandhom ikunu konservattivi biżżejjed u jistgħu jintużaw biss meta d-data disponibbli ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx tirrifletti l-volatilità reali ta' pożizzjoni jew portafoll.

Taqsima 5

## Mudell intern għan-negozjar ta' korrelazzjoni

*Artikolu 377*

### Rekwiżiti għal mudell intern għan-negozjar ta' korrelazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess sabiex jintuża mudell intern għar-rekwiżit ta' fondi proprji tal-portafoll tan-negozju ta' korrelazzjoni minflok ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont l-Artikolu 338 lill-istituzzjonijiet li jistgħu jużaw mudell intern għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn u li jissodisfaw ir-rekwiżiti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 367(1) u (3), l-Artikolu 368, l-Artikolu 369 (1) u l-punti (a), (b), (c), (e) u (f) tal-Artikolu 370.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw dan il-mudell intern sabiex jikkalkulaw numru li jkejjel b'mod adegwat ir-riskji kollha tal-prezzijiet b'intervall ta' kunfidenza ta' 99,9 % fuq perijodu ta' sena bis-suppożizzjoni ta' riskju ta' livell kostanti, u aġġustat fejn ikun xieraq sabiex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjoni, il-hedging u l-opzjonalità. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw dan in-numru mill-inqas darba fil-ġimgħa.

3. Ir-riskji li ġejjin għandhom jiġu koperti b'mod adegwat mill-mudell imsemmi fil-paragrafu 1:

(a) ir-riskju kumulattiv li jirriżulta minn inadempjenzi multipli, inkluż l-ordinar differenti tal-inadempjenzi, fi prodotti segmentati;

(b) ir-riskju ta' firxiet tal-kreditu, inklużi l-effetti gamma u cross-gamma;

(c) il-volatilità ta' korrelazzjonijiet implikati, inkluż l-effett trasversali bejn il-firxiet u l-korrelazzjonijiet;

(d) ir-riskju ta' bażi, inklużi t-tnejn li ġejjin:

(i) il-bażi bejn il-firxa ta' indiċi u dawk tal-ismijiet uniċi kostitwenti tagħha;

(ii) il-bażi bejn il-korrelazzjoni implikata ta' indiċi u dik ta' portafolli mfasslin apposta għall-klijent;

(e) il-volatilità tar-rata ta' rkupru, kif din hija relatata mal-propensità tar-rati ta' rkupru biex jaffettwaw il-prezzijiet tas-segmenti;

(f) safejn il-kalkolu tar-riskju komprensiv jinkorpora benefiċċji mill-hedging dinamiku, ir-riskju ta' telf dovut għal hedge imperfetta u l-ispejjeż potenzjali tal-ibbilanċjar mill-ġdid ta' tali hedges;

(g) kwalunkwe riskju materjali ieħor tal-prezzijiet tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni.

4. Istituzzjoni għandha tuża biżżejjed data mis-suq fi ħdan il-mudell imsemmi fil-paragrafu 1 sabiex tiżgura li tkopri kompletament ir-riskji prinċipali ta' dawk l-iskoperturi fl-approċċ intern tagħha skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu. Għandha tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti, permezz ta' ttestjar b'lura jew mezzi oħra xierqa, li l-mudell tagħha jista' jispjega kif xieraq il-varjazzjoni storika fil-prezzijiet ta' dawk il-prodotti.

L-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri xierqa sabiex tissepara l-pożizzjonijiet li għalihom ikollha permess biex tinkorporahom fir-rekwiżit ta' fondi proprji skont dan l-Artikolu minn pożizzjonijiet oħra li għalihom ma jkollhiex tali permess.

5. Fir-rigward tal-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha inkorporati fil-mudell imsemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjoni għandha tapplika b'mod regolari sett ta' xenarji speċifiċi ta' stress, determinati minn qabel. Tali xenarji ta' stress għandhom jeżaminaw l-effetti tal-istess fuq ir-rati ta' inadempjenza, ir-rati ta' rkupru, il-firxiet tal-kreditu, ir-riskji tal-bażi, il-korrelazzjonijiet u fatturi ta' riskju oħra rilevanti fuq il-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni. L-istituzzjoni għandha tapplika xenarji ta' stress mill-inqas darba fil-ġimgħa u tal-inqas darba kull tliet xhur tirrapporta r-riżultati lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż it-tqabbil mar-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni skont dan l-Artikolu. Kwalunkwe ċirkostanza fejn ir-riżultati tat-test tal-istress jaqbżu materjalment ir-rekwiżit ta' fondi proprji għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' xenarji ta' stress għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni.

6. Il-mudell intern għandu jivvaluta b'mod konservattiv ir-riskju li jirriżulta minn pożizzjonijiet inqas likwidi u pożizzjonijiet bi trasparenza limitata tal-prezzijiet f'xenarji realistiċi tas-suq. Barra minn hekk, il-mudell intern għandu jilħaq standards minimi tad-data. Il-prokuri għandhom ikunu konservattivi biżżejjed u jistgħu jintużaw biss meta d-data disponibbli ma tkunx biżżejjed jew ma tkunx tirrifletti l-volatilità reali ta' pożizzjoni jew portafoll.

TITOLU V

## REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TAS-SALDU

*Artikolu 378*

### Riskju tas-saldu/tal-konsenja

Fil-każ ta' transazzjonijiet li fihom strumenti tad-dejn, ekwitajiet, muniti barranin u prodotti għajr transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid u għoti b'self ta' titoli jew prodotti u teħid b'self ta' titoli jew prodotti ma jkunux saldati wara d-dati dovuti ta' konsenja tagħhom, istituzzjoni tista' tikkalkula d-differenza fil-prezz li għaliha tkun esposta.

Id-differenza fil-prezz hija kkalkulata bħala d-differenza bejn il-prezz miftiehem tas-saldu għall-istrument tad-dejn, l-ekwità, il-munita barranija jew il-prodott inkwistjoni u l-valur attwali tas-suq, fejn id-differenza tista' tinvolvi telf għall-istituzzjoni ta' kreditu.

L-istituzzjoni għandha timmultiplika dik id-differenza fil-prezz bil-fattur adatt fil-kolonna tal-lemin tat-Tabella 1 segwenti sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskju tas-saldu.

*Tabella 1*

| Numru ta' jiem ta' xogħol wara d-data dovuta tas-saldu | (%) |
|---|---|
| 5 — 15 | 8 |
| 16 — 30 | 50 |
| 31 — 45 | 75 |
| 46 jew aktar | 100 |

*Artikolu 379*

### Konsenji b'xejn (Free deliveries)

1. Istituzzjoni għandha tkun meħtieġa żżomm fondi proprji, kif stabbilit fit-Tabella 2, meta jseħħ dan li ġej:

(a) tkun ħallset għal titoli, muniti barranin jew prodotti qabel ma tkun irċeviethom jew tkun ikkonsenjat titoli, muniti barranin jew prodotti qabel ma tkun irċeviet il-ħlas għalihom;

(b) fil-każ ta' transazzjonijiet transkonfinali, ikunu għaddew ġurnata jew aktar minn meta tkun għamlet dak il-pagament jew il-konsenja.

*Tabella 2*

**Trattament kapitali għal konsenji b'xejn**

| Kolonna 1 | Kolonna 2 | Kolonna 3 | Kolonna 4 |
|---|---|---|---|
| Tip ta' Transazzjoni | Sal-ewwel pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja | Mill-ewwel pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja sa erbat ijiem wara t-tieni pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja | Minn 5 ijiem ta' xogħol wara t-tieni pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja sa ma tispiċċa t-transazzjoni |
| Konsenja bla ħlas | L-ebda allokazzjoni ta' kapital | Trattata bħala skopertura | Trattata bħala skopertura għar-riskju ppeżata b'1 250 % |

2. Meta tapplika piż tar-riskju fuq skoperturi għal konsenji bla ħlas ittrattati skont il-Kolonna 3 tat-Tabella 2, istituzzjoni li tuża l-approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tista' tassenja PDs lil kontropartijiet, li għalihom ma jkollha l-ebda skopertura oħra fil-portafoll mhux tan-negozjar, fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni esterna tal-kontroparti. L-istituzzjonijiet li jużaw stimi proprji tal-'LGDs' jistgħu japplikaw l-LGD stabbilit fl-Artikolu 161(1) fuq skoperturi għal konsenji bla ħlas trattati skont il-Kolonna 3 tat-Tabella 2 bil-kondizzjoni li japplikawh għal dawn l-iskoperturi kollha. Inkella, istituzzjoni li tuża l-approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tista' tapplika l-piżijiet tar-riskju tal-approċċ Standardizzat, kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 bil-kondizzjoni li tapplikahom għal kull skopertura simili jew tista' tapplika piż ta' riskju ta' 100 % għal dawn l-iskoperturi kollha.

Jekk l-ammont ta' skopertura pożittiva li jirriżulta minn transazzjonijiet ta' konsenja bla ħlas ma jkunx materjali, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw piż ta' riskju ta' 100 % fuq dawn l-iskoperturi, għajr meta jkun meħtieġ piż ta' riskju ta' 1 250 %skont il-Kolonna 4 tat-Tabella 2 fil-paragrafu 1.

3. Bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż ta' riskju ta' 1 250 % għall-iskoperturi ta' konsenja bla ħlas skont il-Kolonna 4 tat-Tabella 2 fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur trasferit flimkien mal-iskopertura pożittiva attwali ta' dawk l-iskoperturi minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

*Artikolu 380*

**Rinunzja**

Meta jseħħ falliment fis-sistema kollha, f'sistema ta' saldu, f'sistema ta' kklerjar jew f'CCP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati kif stabbilit fl-Artikoli 378 u 379 sakemm is-sitwazzjoni tiġi rranġata. F'dan il-każ, il-falliment ta' kontroparti sabiex tissalda transazzjoni ma għandux jitqies bħala inadempjenza għall-finijiet tar-riskju tal-kreditu.

TITOLU VI

**REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-VALUTAZZJONI TAL-KREDITU**

*Artikolu 381*

**Tifsira tal-Aġġustament tal-Valutazzjoni tal-Kreditu**

Għall-fini ta' dan it-Titolu u tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II, 'Aġġustament tal-Valutazzjoni tal-Kreditu' jew 'CVA' tfisser aġġustament għall-valutazzjoni tas-suq medju tal-portafoll tat-transazzjonijiet ma' kontroparti. Dak l-aġġustament jirrifletti l-valur tas-suq attwali tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti għall-istituzzjoni, iżda ma jirriflettix il-valur tas-suq attwali tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni għall-kontroparti.

*Artikolu 382*

**Ambitu**

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont dan it-Titolu għall-istrumenti derivati OTC kollha fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju kollha tagħha, minbarra d-derivati tal-kreditu rikonoxxuti li jnaqqsu l-ammonti ta' skopertura ppeżati skont ir-riskji għar-riskju tal-kreditu.

2. Istituzzjoni għandha tinkludi transazzjonijiet li jiffinanzjaw titoli fil-kalkolu tal-fondi proprji meħtieġa mill-paragrafu 1 jekk l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-iskoperturi għar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni b'riżultat ta' dawk it-transazzjonijiet ikunu materjali.

3. Transazzjonijiet ma' kontroparti ċentrali li tikkwalifika u t-transazzjonijiet ta' klijent ma' membru ta' kklerjar, meta l-membru ta' kklerjar jaġixxi bħala intermedjarju bejn il-klijent u kontroparti ċentrali li tikkwalifika u t-transazzjonijiet jnisslu skopertura tan-negozjar tal-membru ta' kklerjar lill-kontroparti ċentrali li tikkwalifika, huma esklużi mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

4. It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu esklużi mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA:

(a) transazzjonijiet ma' kontropartijiet mhux finanzjarji kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jew ma' kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz, fejn dawk it-transazzjonijiet ma jeċċedux il-livell limitu tal-ikklerjar kif speċifikat fl-Artikolu 10(3) u (4) ta' dak ir-Regolament;

(b) transazzjonijiet intragrupp kif previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 dment li l-Istati Membri ma jadottawx liġijiet nazzjonali li jirrikjedu s-separazzjoni strutturali fi ħdan grupp bankarju, li f'dak il-każ l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżiġu li dawk it-transazzjonijiet intragrupp bejn l-istituzzjonijiet separati strutturalment jiġu inklużi fir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(c) transazzjonijiet ma' kontropartijiet imsemmijin fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 648/2012 u soġġetti għad-dispożizzjonijiet transizzjonali stipulati fl-Artikolu 89(1) ta' dak ir-Regolament sa meta dawk id-dispożizzjonijiet transizzjonali ma jibqgħux japplikaw;

(d) transazzjonijiet ma' kontropartijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 (4)(a) u (b) u l-Artikolu 1(5)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u transazzjonijiet ma' kontropartijiet li għalihom l-Artikolu 115 ta' dan ir-Regolament jispeċifika piż tar-riskju ta' 0 % għall-iskoperturi għal dawk il-kontropartijiet.

L-eżenzjoni mill-ħlas ta' CVA għal dawk it-transazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu li jsiru matul il-perijodu transizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha tapplika għat-tul tal-kuntratt ta' dik it-transazzjoni.

5. L-ABE għandha tagħmel analiżi sal-1 ta' Jannar 2015 u kull sentejn wara din is-sena, fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji internazzjonali u inkluż dwar metodoloġiji potenzjali dwar il-kejl u l-limiti għall-applikazzjoni tal-ħlasijiet ta' CVA għall-kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz.

L-ABE f'kooperazzjoni mal-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati l-proċeduri għall-esklużjoni tat-transazzjonijiet ma' kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz mir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji fi żmien sitt xhur mid-data tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 383*

**Metodu avvanzat**

1. Għat-transazzjonijiet kollha li għalihom ikollha permess li tuża l-IMM sabiex tistabbilixxi l-valur tal-iskopertura għall-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti assoċjata skont l-Artikolu 283, istituzzjoni li jkollha l-permess tuża mudell intern għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn skont il-punt (d) tal-Artikolu 363(1) għandha tiddetermina r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi timmudella l-impatt tal-bidliet fil-firxiet tal-kreditu tal-kontropartijiet fuq is-CVAs tal-kontropartijiet kollha ta' dawk it-transazzjonijiet, billi tikkunsidra l-koperturi ta' CVA li huma eliġibbli skont l-Artikolu 386.

Istituzzjoni għandha tuża l-mudell intern tagħha biex tiddetermina r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku assoċjat mal-pożizzjonijiet tad-dejn kummerċjat u għandha tapplika intervall ta' kunfidenza ta' 99 % u perijodu ta' holding ekwivalenti għal għaxart ijiem. Il-mudell intern għandu jintuża b'tali mod li jissimula l-bidliet fil-firxiet tal-kreditu tal-kontropartijiet, iżda ma jimmudellax is-sensittività ta' CVA għall-bidliet f'fatturi oħra tas-suq, inklużi l-bidliet fil-valur tal-assi ta' referenza, il-prodott, il-munita jew ir-rata tal-imgħax ta' derivat.

Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għal kull kontroparti għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$CVA = LGD_{MKT} \cdot \sum_{i=1}^{T} \max\left\{0, \exp\left(-\frac{s_{i-1} \cdot t_{i-1}}{LGD_{MKT}}\right) - \exp\left(-\frac{s_i \cdot t_i}{LGD_{MKT}}\right)\right\} \cdot \frac{EE_{i-1} \cdot D_{i-1} + EE_i \cdot D_i}{2}$$

fejn:

$t_i$ = il-ħin tar-rivalutazzjoni nru i, jibda minn $t_0$=0;

$t_T$ = l-itwal maturità kuntrattwali fost is-settijiet ta' netting mal-kontroparti;

$s_i$ = hija l-firxa ta' kreditu tal-kontroparti fil-mument ti, użata sabiex jiġi kkalkulat is-CVA tal-kontroparti. Fejn tkun disponibbli l-firxa ta' swap ta' inadempjenza tal-kreditu tal-kontroparti, l-istituzzjoni għandha tuża dik il-firxa. Fejn ma tkunx disponibbli tali firxa ta' swap ta' inadempjenza tal-kreditu, l-istituzzjoni għandha tuża l-firxa ta' approssimazzjoni indiretta li tkun xierqa wara li tikkunsidra l-klassifikazzjoni, l-industrija u r-reġjun tal-kontroparti;

$LGD_{MKT}$ = l-LGD tal-kontroparti li għandu jkun ibbażat fuq il-firxa ta' strument tas-suq tal-kontroparti jekk ikun disponibbli strument tal-kontroparti. Meta ma jkunx disponibbli strument tal-kontroparti, dan għandu jkun ibbażat fuq il-firxa ta' approssimazzjoni indiretta li tkun xierqa wara li jitqiesu l-klassifikazzjoni, l-industrija u r-reġjun tal-kontroparti.

L-ewwel fattur fis-somma jirrappreżenta approssimazzjoni tal-probabbiltà marġinali implikata tas-suq li sseħħ inadempjenza bejn il-ħinijiet $t_{i-1}$ u $t_i$;

$EE_i$ = l-iskopertura mistennija għall-kontroparti f'ħin tar-rivalutazzjoni $t_i$, fejn jiżdiedu l-iskoperturi ta' settijiet ta' netting differenti għal tali kontroparti, u fejn l-itwal maturità ta' kull sett ta' netting tingħata permezz tal-itwal maturità kuntrattwali fis-sett ta' netting; Istituzzjoni għandha tapplika t-trattament stipulat fil-paragrafu 3 fil-każ ta' negozjar b'marġni, jekk l-istituzzjoni tuża l-kalkolu tal-EPE msemmi fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 285(1) għan-negozjar b'marġni;

$D_i$ = il-fattur ta' skont mingħajr riskju ta' inadempjenza fil-ħin ti, fejn $D_0$ =1.

2. Meta tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għal kontroparti, istituzzjoni għandha tibbaża l-inputs kollha fil-mudell intern tagħha għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn fuq il-formuli li ġejjin (liema tkun xierqa):

(a) meta l-mudell ikun ibbażat fuq l-ipprezzar mill-ġdid komplet, il-formula fil-paragrafu 1 għandha tintuża direttament;

(b) meta l-mudell ikun ibbażat fuq sensittivitajiet ta' firxiet tal-kreditu għall-tenuri speċifiċi, l-istituzzjoni għandha tibbaża kull sensittività għall-firxa tal-kreditu ('CS01 Regolatorja') fuq il-formula li ġejja:

$$Regulatory\ CS01_i = 0.0001 \cdot t_i \cdot \exp\left(-\frac{s_i \cdot t_i}{LGD_{MKT}}\right) \cdot \frac{EE_{i-1} \cdot D_{i-1} - EE_{i+1} \cdot D_{i+1}}{2}$$

Fit-taqsima tal-ħin finali i=T, il-formula korrispondenti hija

$$Regulatory\ CS01_T = 0.0001 \cdot t_T \cdot \exp\left(-\frac{s_T \cdot t_T}{LGD_{MKT}}\right) \cdot \frac{EE_{T-1} \cdot D_{T-1} + EE_T \cdot D_T}{2}$$

(c) meta l-mudell juża s-sensittivitajiet għall-firxa tal-kreditu għal xifts paralleli fil-firxiet tal-kreditu, istituzzjoni għandha tuża l-formula li ġejja:

$$Regulatory\ CS01 = 0.0001 \cdot \sum_{i=1}^{T} \left(t_i \cdot \exp\left(-\frac{s_i \cdot t_i}{LGD_{MKT}}\right) - t_{i-1} \cdot \exp\left(-\frac{s_{i-1} \cdot t_{i-1}}{LGD_{MKT}}\right)\right) \cdot \frac{EE_{i-1} \cdot D_{i-1} + EE_i \cdot D_i}{2}$$

(d) meta l-mudell juża sensittivitajiet tat-tieni ordni għal xifts fil-firxiet tal-kreditu (gamma mifruxa), il-gammas għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-formula fil-paragrafu 1.

3. Istituzzjoni li tuża l-kalkolu tal-EPE għad-derivati OTC kollateralizzati msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 285(1) għandha, meta tiddetermina r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont il-paragrafu 1, tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tissoponi profil EE kostanti;

(b) tissettja l-EE daqs l-iskopertura effettiva mistennija kif ikkalkulat skont l-Artikolu 285(1)(b) għal maturità daqs jew ikbar minn dawn li ġejjin:

(i) nofs l-itwal maturità fis-sett ta' netting;

(ii) il-maturità nozzjonali medja ppeżata ta' kull transazzjoni fis-sett ta' netting.

4. Istituzzjoni li jkollha l-permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 283 biex tuża l-IMM biex tikkalkula l-valuri ta' skopertura fir-rigward tal-maġġoranza tan-negozju tagħha, iżda li tuża l-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3, it-Taqsima 4 jew it-Taqsima 5 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6 għal portafolli iżgħar, u li jkollha l-permess tuża l-mudell intern tar-riskju tas-suq għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn skont il-punt (d) tal-Artikolu 363 (1) tista', soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti, tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont il-paragrafu 1 għas-settijiet ta' netting mhux IMM. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu dan il-permess biss jekk l-istituzzjoni tuża l-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3, it-Taqsima 4 jew it-Taqsima 5 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6 għal numru limitat ta' portafolli iżgħar.

Għall-finijiet ta' kalkolu skont is-subparagrafu preċedenti u fejn il-mudell IMM ma jipproduċix profil mistenni ta' skopertura, l-istituzzjoni għandha tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tissoponi profil EE kostanti;

(b) tissettja l-EE daqs il-valur ta' skopertura kif ikkalkulat skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3, it-Taqsima 4 jew it-Taqsima 5 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6, jew l-IMM għal maturità daqs l-akbar minn:

(i) nofs l-itwal maturità fis-sett ta' netting;

(ii) il-maturità nozzjonali medja ppeżata ta' kull transazzjoni fis-sett ta' netting.

5. Istituzzjoni għandha tiddetermina r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-Artikolu 364(1), l-Artikoli 365 u 367 bħala s-somma tal-Valur fir-Riskju taħt stress u mhux taħt stress, li għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

(a) għall-Valur fir-Riskju mhux taħt stress, għandhom jintużaw il-kalibrazzjonijiet attwali tal-parametru għall-iskopertura mistennija kif stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 292(2);

(b) għall-Valur fir-Riskju taħt stress, għandhom jintużaw il-profili EE tal-futures tal-kontroparti billi tintuża kalibrazzjoni taħt stress kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 292(2). Il-perijodu ta' stress għall-parametri tal-firxa tal-kreditu għandu jkun l-aktar perijodu ta' stress gravi ta' sena li jinsab fil-perijodu ta' stress ta' tliet snin użat għall-parametri tal-iskopertura.

(c) il-multiplikatur bi tliet darbiet użat fil-kalkolu ta' rekwiżiti ta' fondi proprji ibbażati fuq Valur fir-Riskju u Valur fir-Riskju taħt stress skont l-Artikolu 364(1) ser japplika għal dawn il-kalkoli. L-ABE għandha timmonitorja għall- konsistenza kwalunkwe diskrezzjoni superviżorja użata biex tapplika multiplikatur ogħla mill-multiplikatur bi tliet darbiet għall-inputs Valur fir-Riskju u Valur fir-Riskju taħt stress għal imposta ta' CVA. L-awtoritajiet kompetenti li japplikaw multiplikatur ogħla minn tliet darbiet għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni bil-miktub lill-ABE;

(d) il-kalkolu għandu jsir fuq bażi ta' kull xahar minn tal-inqas u l-EE li tintuża għandha tkun ikkalkulata fuq l-istess frekwenza. Jekk tintuża frekwenza inqas minn dik ta' jum, għall-iskop tal-kalkolu speċifikat fil-punti (a)(ii) u (b)(ii) tal-Artikolu 364(1) l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-medja fuq tliet xhur.

6. Għal skoperturi għal kontroparti, li għalihom il-mudell intern approvat ta' istituzzjoni għar-riskju speċifiku ta' strumenti tad-dejn ma jipproduċix firxa ta' approssimazzjoni li hija adegwata fir-rigward tal-kriterji tal-klassifikazzjoni, l-industrija u r-reġjun tal-kontroparti, l-istituzzjoni għandha tuża l-metodu stipulat fl-Artikolu 384 biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika f'aktar dettall:

(a) kif għandha tiġi determinata firxa ta' approssimazzjoni mill-mudell intern approvat ta' istituzzjoni għar-riskju speċifiku ta' istrumenti tad-dejn biex jiġu identifikati si u LGDMKT imsemmijin fil-paragrafu 1;

(b) l-għadd u d-daqs tal-portafolli li jissodisfaw il-kriterju ta' għadd limitat ta' portafolli iżgħar imsemmija fil-paragrafu 4.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 384*

**Metodu Standardizzat**

1. Istituzzjoni li ma tikkalkulax ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għall-kontropartijiet tagħha skont l-Artikolu 383 għandha tikkalkula rekwiżiti ta' fondi proprji ta' portafoll għar-riskju ta' CVA għal kull kontroparti skont il-formula li ġejja, billi tikkunsidra l-koperturi ta' CVA li huma eliġibbli skont l-Artikolu 386:

$$K = 2.33 \cdot \sqrt{h} \cdot \sqrt{\left(\sum_i 0.5 \cdot w_i \cdot \left(M_i \cdot EAD_i^{total} - M_i^{hedge} B_i\right) - \sum_{ind} w_{ind} \cdot M_{ind} \cdot B_{ind}\right)^2 + \sum_i 0.75 \cdot w_i^2 \cdot \left(M_i \cdot EAD_i^{total} - M_i^{hedge} B_i\right)^2}$$

fejn:

$h$ = il-perijodu ta' riskju ta' sena (f'unitajiet ta' sena); h = 1;

$w_i$ = il-piż applikabbli għall-kontroparti "i".

Il-kontroparti "i" għandha tkun stabbilia għal wieħed mis-sitt piżijiet wi abbażi ta' valutazzjoni esterna tal-kreditu minn ECAI nominata, kif jidher fit-Tabella 1. Għal kontroparti li għaliha valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata mhix disponibbli:

(a) istituzzjoni li tuża l-approċċ fit-Titolu II, il-Kapitolu 3 għandha tassoċja l-klassifikazzjoni interna tal-kontroparti ma' waħda mill-valutazzjonijiet esterni tal-kreditu;

(b) istituzzjoni li tuża l-approċċ fit-Titolu II, il-Kapitolu 2 għandha tassenja wi=1.0 % lil din il-kontroparti. Madankollu, jekk istituzzjoni tuża l-Artikolu 128 biex tippeża r-riskju għall-iskoperturi tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti għal din il-kontroparti, għandu jiġi assenjat wi=3.0 %;

$EAD_i^{total}$ = il-valur totali ta' skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' kontroparti "i" (magħduda għas-settijiet ta' netting) inkluż l-effett ta' kollateral skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6 kif applikabbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għal dik il-kontroparti. Istituzzjoni li tuża wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 u 4 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6, tista' tużaw bħala EADitotal il-valur tal-iskopertura kompletament aġġustat skont l-Artikolu 223(5).

Fil-każ ta' istituzzjoni li ma tużax il-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6, l-iskopertura għandha titnaqqas billi jiġi applikat il-fattur li ġej:

$$\frac{1 - e^{-0.05 \cdot M_i}}{0.05 \cdot M_i}$$

$B_i$ = il-kunċettwali ta' koperturi ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed mixtrija (magħduda jekk ikun hemm aktar minn pożizzjoni waħda) li jirreferi għall-kontroparti "i" u użat sabiex jiġi kopert ir-riskju ta' CVA.

Dak l-ammont nozzjonali għandu jiġi skontat billi jiġi applikat il-fattur li ġej:

$$\frac{1 - e^{-0.05 \cdot M_i^{hedge}}}{0.05 \cdot M_i^{hedge}}$$

$B_{ind}$ = huwa l-kunċettwali sħiħ ta' swap jew swaps ta' inadempjenzi ta' kreditu tal-indiċi ta' protezzjoni mixtrija użata biex jiġi kopert ir-riskju ta' CVA.

Dak l-ammont kunċettwali għandu jiġi skontat billi jiġu applikati l-fatturi li ġejjin:

$$\frac{1 - e^{-0.05 \cdot M_{ind}}}{0.05 \cdot M_{ind}}$$

$w_{ind}$ = huwa l-piż applikabbli għall-koperturi tal-indiċi.

Istituzzjoni għandha tiddetermina $W_{ind}$ billi tikkalkula l-medja ppeżata ta' $w_i$ li jkunu applikabbli għall-kostitwenti individwali tal-indiċi;

$M_i$ = il-maturità effettiva tat-transazzjonijiet mal-kontroparti i.

Għal istituzzjoni li tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6, $M_i$ għandha tiġi kkalkulata skont l-Artikolu 162(2)(g). Madankollu, għal dak il-fini, $M_i$ m'għandhiex tkun limitata għal ħames snin iżda għall-itwal maturità kuntrattwali li jifdal fis-sett tan-netting.

Għal istituzzjoni li ma tużax il-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 tat-Titolu II, il-Kapitolu 6, $M_i$ hija l-maturità nozzjonali medja ppeżata kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 162(2). Madankollu, għal dak il-fini, $M_i$ m'għandhiex tkun limitata għal ħames snin iżda għall-itwal maturità kuntrattwali li jifdal fis-sett tan-netting.

$M_i^{hedge}$ = il-maturità tal-istrument tal-kopertura $B_i$ nozzjonali (il-kwantitajiet $M_i^{hedge}$ $B_i$ għandhom jiġu magħduda jekk dawn ikunu diversi pożizzjonijiet);

$M_{ind}$ = il-maturità tal-kopertura tal-indiċi.

Fil-każ ta' aktar minn pożizzjoni waħda ta' kopertura tal-indiċi, $M_{ind}$ hija l-maturità ppeżata b'mod nozzjonali.

2. Meta l-kontroparti tkun inkluża f'indiċi li fuqu jkun ibbażat is-swap ta' inadempjenza tal-kreditu użat għall-hedging tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, l-istituzzjoni tista' tnaqqas l-ammont nozzjonali attribwibbli għal dik il-kontroparti skont il-piż tal-entità referenzjarja mill-ammont nozzjonali ta' CDS tal-indiċi u tittrattah bħala hedge b'isem uniku ($B_i$) tal-kontroparti individwali b'maturità bbażata fuq il-maturità tal-indiċi.

*Tabella 1*

| Skala tal-kwalità tal-kreditu | Piż $w_i$ |
|---|---|
| 1 | 0,7 % |
| 2 | 0,8 % |
| 3 | 1,0 % |
| 4 | 2,0 % |
| 5 | 3,0 % |
| 6 | 10,0 % |

*Artikolu 385*

**Alternattiva għall-użu tal-metodi CVA biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji**

Bħala alternattiva għall-Artikolu 384, għal strumenti msemmija fl-Artikolu 382u soġġett għall-kunsens minn qabel mill-awtorità kompetenti, istituzzjonijiet li jużaw il-Metodu tal-Iskopertura Oriġinali kif stabbilit fl-Artikolu 275, jistgħu japplikaw fattur ta' multiplikazzjoni ta' 10 għall-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju li jirriżultaw għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għal dawk l-iskoperturi minflok ma jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju CVA.

*Artikolu 386*

**Koperturi eliġibbli**

1. Il-koperturi għandhom ikunu 'koperturi eliġibbli' għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-Artikoli 383 u 384 biss meta jintużaw bil-għan li jimmitigaw ir-riskju ta' CVA u jiġu mmaniġjati bħala tali, u jkunu wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed jew strumenti ekwivalenti ta' hedging oħra li jirreferu direttament għall-kontroparti;

(b) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi, bil-kondizzjoni li l-bażi bejn kwalunkwe firxa individwali ta' kontroparti u l-firxiet ta' koperturi tal-iswap ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi tkun riflessa, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, fil-Valur fir-Riskju.

Ir-rekwiżit fil-punt (b) li l-bażi bejn kwalunkwe firxa individwali ta' kontroparti u l-firxiet ta' koperturi tal-firxiet tal-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi tkun riflessa fil-Valur fir-Riskju għandu japplika wkoll f'każijiet fejn jintuża valur preżenti għall-firxa ta' kontroparti.

Għall-kontropartijiet kollha li għalihom jintuża valur preżenti, l-istituzzjoni għandha tuża serje ta' ħinijiet bażi raġonevoli minn grupp rappreżentattiv ta' ismijiet simili li għalihom tkun disponibbli firxa.

Jekk il-bażi bejn kwalunkwe firxa individwali ta' kontroparti u l-firxiet tal-koperturi tal-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi ma tkunx riflessa b'mod sodisfaċenti għall-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni, f'dak il-każ, għandha tirrifletti biss 50 % tal-ammont nozzjonali tal-koperturi tal-indiċi fil-Valur fir-Riskju.

Hedging eċċessiv tal-iskoperturi għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed skont il-metodu stabbilit f'Artikolu 383 mhix permessa.

2. Istituzzjoni ma għandhiex tirrifletti tipi oħra ta' koperturi tar-riskju tal-kontroparti fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA. B'mod partikolari, l-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu segmentat jew nth to default u noti marbuta ma' kreditu mhumiex koperturi eliġibbli għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

3. Il-koperturi eliġibbli li jkunu inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku kif stabbilit fit-Titolu IV jew ittrattati bħala mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għajr għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tal-istess portafoll tat-transazzjoni.

PARTI ERBGĦA

## L-ISKOPERTURI L-KBAR

*Artikolu 387*

### Suġġett

L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-iskoperturi l-kbar tagħhom skont din il-Parti.

*Artikolu 388*

### Ambitu negattiv

Din il-Parti ma għandhiex tapplika għal ditti ta' investiment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 95(1) jew fl-Artikolu 96(1).

Din il-Parti ma għandhiex tapplika għal grupp abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tiegħu, jekk dak il-grupp jinkludi biss ditti ta' investiment imsemmija fl-Artikolu 95(1) jew l-Artikolu 96(1) u kumpanniji anċillari u meta dak il-grupp ma jinkludix istituzzjonijiet ta' kreditu.

*Artikolu 389*

### Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din il-Parti, 'skoperturi', tfisser kwalunkwe assi jew element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ imsemmija fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, mingħajr ma jiġu applikati l-piżijiet ta' riskju jew gradi ta' riskju.

*Artikolu 390*

### Kalkolu tal-valur tal-iskopertura

1. L-iskoperturi li jirriżultaw mill-elementi msemmija fl-Anness II għandhom jiġu kkalkulati skont wieħed mill-metodi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6.

2. L-istituzzjonijiet li għandhom permess sabiex jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern skont l-Artikolu 283 jistgħu jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern sabiex jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura għal transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta' għoti b'self jew ta' teħid b'self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet ta' self b'marġni u transazzjonijiet b'saldu fit-tul.

3. L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għan-negozju fil-portafoll tan-negozjar tagħhom skont il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2, l-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, it-Titolu V u, kif xieraq, mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, għandhom jikkalkulaw l-iskoperturi għall-klijenti individwali li joħorġu mill-portafoll tan-negozjar billi jgħoddu flimkien l-elementi li ġejjin:

(a) l-eċċess pożittiv tal-pożizzjonijiet twal ta' istituzzjoni fuq il-pożizzjonijiet qosra tagħha fl-istrumenti finanzjarji kollha maħruġa mill-klijent inkwistjoni, bil-pożizzjoni netta f'kull strument differenti kkalkulata skont il-metodi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, li-Kapitolu 2;

(b) l-iskopertura netta, fil-każ tas-sottoskrizzjoni ta' strument tad-dejn jew ta' strument ta' ekwità;

(c) l-iskoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet, ftehimiet u kuntratti msemmija fl-Artikoli 299 u 378 sa 380 mal-klijent inkwistjoni, tali skoperturi jiġu kkalkulati bil-mod stabbilit f'dawn l-Artikoli, għall-kalkolu tal-valuri tal-iskopertura.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-iskopertura netta hija kkalkulata billi jitnaqqsu dawk il-pożizzjonijiet sottoskritti li jkunu sottoskritti jew sottosottoskritti minn partijiet terzi fuq il-bażi ta' ftehim formali mingħajr il-fatturi stabbiliti fl-Artikolu 345.

Għall-finijiet tal-punt (b), l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu sistemi sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-iskoperturi tagħhom għas-sottoskrizzjoni bejn iż-żmien tal-impenn inizjali u l-jum ta' xogħol li jmiss fid-dawl tan-natura tar-riskji meħuda fis-swieq inkwistjoni.

Għall-finijiet tal-punt (c), il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 għandha tiġi eskluża mir-referenza fl-Artikolu 299.

4. L-iskoperturi kumplessivi għall-klijenti individwali jew gruppi ta' klijenti konnessi għandhom jiġu kkalkulati billi jingħaddu flimkien l-iskoperturi tal-portafoll tan-negozjar u dawk tal-portafoll mhux tan-negozjar.

5. L-iskoperturi għal gruppi ta' klijenti konnessi għandhom jiġu kkalkulati billi jingħaddu flimkien l-iskoperturi għall-klijenti individwali fi grupp.

6. L-iskoperturi ma għandhom jinkludu l-ebda minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' transazzjonijiet tal-kambju, skoperturi li jsiru matul il-perkors ordinarju ta' saldu matul il-jumejn ta' xogħol ta' wara l-pagament;

(b) fil-każ ta' transazzjonijiet għax-xiri jew il-bejgħ ta' titoli, l-iskoperturi li jsiru matul il-perkors ordinarju tas-saldu matul ħamest ijiem ta' xogħol wara l-pagament jew il-konsenja tat-titoli, liema azzjoni sseħħ l-ewwel;

(c) fil-każ tal-provvediment ta' trasmissjoni ta' flus fosthom l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' ħlas, l-ikklerjar u s-saldu fi kwalunkwe munita u kklerjar korrispondenti ta' strumenti bankarji jew finanzjarji, is-servizzi ta' saldu jew ta' kustodja lill-klijenti, riċevuti ttardjati fl-iffinanzjar u skoperturi oħra li jirriżultaw mill-attività tal-klijenti li ma jdumux aktar mill-jum ta' xogħol li jkun imiss;

(d) fil-każ tal-provvediment ta' trasmissjoni ta' flus li jinkludi l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' ħlas, l-ikklerjar u s-saldu fi kwalunkwe munita u servizzi bankarji korrispondenti, l-iskoperturi tal-istess jum għall-istituzzjonijiet li jipprovdu dawk is-servizzi;

(e) skoperturi mnaqqsa minn fondi proprji skont l-Artikoli 36, 56 u 66.

7. Sabiex tiġi determinata l-iskopertura ġenerali lil klijent jew grupp ta' klijenti konnessi, fir-rigward ta' klijenti li għalihom l-istituzzjoni jkollha skoperturi permezz tat-transazzjonijiet imsemmija fil-punti (m) u (o) tal-Artikolu 112 jew permezz ta' transazzjonijiet oħrajn fejn ikun hemm skopertura għal assi sottostanti, l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-iskoperturi sottostanti tagħha b'kont meħud tas-sustanza ekonomika tal-istruttura tat-transazzjoni u r-riskji inerenti fl-istruttura tat-transazzjoni nfisha, sabiex jiġi determinat jekk din tikkostitwixxix skopertura addizzjonali;

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-kondizzjonijiet u l-metodoloġiji użati sabiex tiġi determinata l-iskopertura ġenerali lil klijent jew grupp ta' klijenti konnessi fir-rigward tat-tipi ta' skoperturi msemmija fil-paragrafu 7;

(b) il-kondizzjonijiet li taħthom l-istruttura tat-transazzjoni imsemmija fil-paragrafu 7 ma tikkostitwixxix skopertura addizzjonali.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 391*

**Definizzjoni ta' istituzzjoni għall-finijiet ta' skoperturi kbar**

Għall-finijiet ta' kalkolu tal-valur tal-iskoperturi skont din il-Parti, it-terminu 'istituzzjoni' għandu jinkludi kwalunkwe impriża privata jew pubblika, inklużi l-fergħat tagħha, li, li kieku kienet stabbilita fl-Unjoni, tkun tissodisfa d-definizzjoni tat-terminu 'istituzzjoni' u li tkun ġiet awtorizzata f'pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji prudenzjali li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

*Artikolu 392*

**Definizzjoni ta' skopertura kbira**

L-iskopertura ta' istituzzjoni għal klijent jew grupp ta' klijenti konnessi għandha tiġi kkunsidrata bħala skopertura kbira meta l-valur tagħha jkun daqs jew jaqbeż l-10 % tal-kapital eliġibbli tagħha.

*Artikolu 393*

**Kapaċità li tidentifika u tamministra skoperturi kbar**

Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi validi u mekkaniżmi adegwati ta' kontroll intern sabiex tkun tista' tidentifika, tiġġestixxi, timmonitorja, tirrapporta u tirreġistra l-iskoperturi kbar kollha u l-bidliet sussegwenti fihom, skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 394*

**Rekwiżiti ta' rappurtar**

1. Istituzzjoni għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja dwar kull skopertura kbira lill-awtoritajiet kompetenti, inklużi skoperturi kbar eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) l-identifikazzjoni tal-klijent jew tal-grupp ta' klijenti konnessi li istituzzjoni jkollha skopertura kbira għalihom;

(b) il-valur tal-iskopertura qabel ma jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, meta applikabbli;

(c) fejn użata, it-tip ta' protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu;

(d) il-valur tal-iskopertura wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kkalkulat għall-finijiet tal-Artikolu 395(1).

Fejn istituzzjoni tkun soġġetta għall-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 l-akbar 20 skopertura tagħha fuq bażi konsolidata, għajr dawk eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1) għandhom isiru disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

2. Istituzzjoni għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti, flimkien mar-rappurtar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, fir-rigward tal-akbar 10 skoperturi tagħha fuq bażi kkonsolidata lill-istituzzjonijiet kif ukoll l-akbar 10 iskoperturi tagħha fuq bazi kkonsolidata lil entitajiet finanzjarji mhux regolati, inklużi l-iskoperturi kbar eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) l-identifikazzjoni tal-klijent jew tal-grupp ta' klijenti konnessi li għalihom istituzzjoni għandha skopertura kbira;

(b) il-valur tal-iskopertura qabel ma jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, meta applikabbli;

(c) fejn tintuża, it-tip ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata;

(d) il-valur tal-iskopertura wara li jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kkalkulat għall-iskop tal-Artikolu 395(1);

(e) il-likwidazzjoni mistennija tal-iskopertura espressa bħala l-ammont li jimmatura f'kategoriji ta' maturazzjoni ta' kull xahar sa sena, ta' kull tliet xhur sa tliet snin u kull sena wara tliet snin.

3. Għandu jitwettaq rappurtar mill-inqas darbtejn fis-sena.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-formati uniformi għar-rappurtar imsemmi fil-paragrafu 3 li għandu jkun proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-istruzzjonijiet għall-użu ta' dawn il-formati;

(b) il-frekwenzi u d-dati tar-rappurtar imsemmi fil-paragrafu3;

(c) is-soluzzjonijiet tal-IT li għandhom jiġu applikati għar-rappurtar imsemmi fil-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 395*

**Limiti tal-iskoperturi kbar**

1. Istituzzjoni m'għandhiex iġġarrab skopertura, wara li jiġi kkunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont l-Artikoli 399 sa 403, għal klijent jew grupp ta' klijenti konnessi li l-valur tagħhom jaqbeż il-25 % tal-kapital eliġibbli tagħha. Fejn dak il-klijent ikun istituzzjoni jew fejn grupp ta' klijenti konnessi jinkludi istituzzjoni waħda jew aktar, dak il-valur ma għandux jaqbeż il-25 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni jew EUR 150 miljun, liema minnhom ikun l-ogħla, bil-kondizzjoni li s-somma tal-valuri tal-iskopertura, wara li jiġi kkunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikoli 399 sa 402, għall-klijenti konnessi kollha li mhumiex istituzzjonijiet ma tkunx taqbeż il-25 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni.

Fejn l-ammont ta' EUR 150 miljun ikun ogħla mill-25 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni, il-valur tal-iskopertura, wara li jiġi kkunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikoli 399 sa 403, ma għandux jaqbeż limitu raġonevoli f'termini tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni. Dak il-limitu għandu jiġi determinat mill-istituzzjoni skont il-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE, sabiex jiġi indirizzat u kkontrollat ir-riskju ta' konċentrazzjoni. Dan il-limitu ma għandux jaqbeż il-100 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu limitu iżgħar minn EUR 150 miljun u għandhom jinfurmaw b'dan lill-ABE u lill-Kummissjoni.

2. L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, b'kont meħud tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403 kif ukoll l-eżiti tal-iżviluppi fil-qasam tas-sistema bankarja "parallela" u skoperturi kbar fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2014 biex jiġu stabbiliti limiti aggregati adatti għal tali skoperturi jew limiti individwali aktar stretti fuq l-iskoperturi għall-entitajiet tas-sistema bankarja "parallela" li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat.

Fl-iżvilupp ta' dawk il-linji gwida, l-ABE għandha tikkunsidra jekk l-introduzzjoni ta' limiti addizzjonali jkollhiex impatt materjali għad-detriment tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni, fuq il-proviżjoni tal-kreditu għall-ekonomija reali jew fuq l-istabbiltà u l-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji.

Sal-31 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-adegwatezza u l-impatt tal-impożizzjoni ta' limiti fuq skoperturi għall-entitajiet ta' sistema bankarja "parallela"li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat, b'kont meħud tal-iżviluppi tal-Unjoni u internazzjonali fil-qasam tas-sistema bankarja "parallela" u l-iskoperturi kbar kif ukoll tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien, jekk adatt, ma' proposta leġislattiva dwar il-limiti tal-iskoperturi għall-entitajiet ta' sistema bankarja "parallela" li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat.

3. Soġġett għall-Artikolu 396, istituzzjoni dejjem għandha tikkonforma mal-limitu rilevanti stabbilit fil-paragrafu 1.

4. Assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet u skoperturi oħra f'kumpanniji tal-investiment ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti jistgħu jkunu soġġetti għall-istess trattament kif sstipulat fil-paragrafu 1.

5. Il-limiti stabbiliti f'dan l-Artikolu jistgħu jinqabżu għall-iskoperturi fuq il-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskopertura fuq il-portafoll mhux tan-negozjar għall-klijent jew il-grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni ma taqbiżx il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, fejn dan il-limitu jiġi kkalkulat b'referenza għall-kapital eliġibbli, sabiex l-eċċess jirriżulta kollu kemm hu fuq il-portafoll tan-negozjar;

(b) l-istituzzjoni tilħaq rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fuq l-eċċess fir-rigwrd tal-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 li hu kkalkulat skont l-Artikoli 397 u 398;

(c) meta jkunu għaddew għaxart ijiem jew inqas minn meta jkun seħħ l-eċċess, l-iskopertura fil-portafoll tan-negozjar għall-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni ma għandhiex taqbeż il-500 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni;

(d) kwalunkwe eċċess li jippersisti għal aktar minn għaxart ijiem ma jaqbiżx, b'mod aggregat, is-600 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni.

F'kull każ li jinqabeż il-limitu, l-istituzzjoni għandha tirrapporta l-ammont tal-eċċess u l-isem tal-klijent ikkonċernat u, fejn applikabbli, l-isem tal-grupp ta' klijenti konnessi kkonċernati, mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti.

6. Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, miżuri strutturali jfissru miżuri adottati minn Stat Membru u implimentati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' dak l-Istat Membru, qabel id-dħul fis-seħħ ta' att leġislattiv li jarmonizza b'mod espliċitu tali miżuri, li jitolbu li l-istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati f'dak l-Istat Membru jnaqqsu l-iskoperturi tagħhom għal entitajiet legali differenti skont l-attivitajiet tagħhom, irrispettivament minn fejn jinsabu dawk l-attivitajiet, bil-ħsieb li jiġu protetti d-depożituri u li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja.

Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 400 (1)(f) fejn l-Istati Membri jadottaw liġijiet nazzjonali li jitolbu li jittieħdu miżuri strutturali fi grupp bankarju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet tal-grupp bankarju li għandhom depożiti li huma koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti [1] jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz biex japplikaw limitu fuq skoperturi kbar taħt 25 % iżda mhux anqas minn 15 % bejn 31 Diċembru 2014 u t-30 ta' Ġunju 2015, u minn 10 % mill-1 ta' Lulju 2015 fuq bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 11(5) għal skoperturi intragrupp fejn dawn l-iskoperturi jikkonsistu minn skoperturi għal entità li ma tagħmilx parti mill-istess sottogrupp fir-rigward tal-miżuri strutturali.

Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, għandhom jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:

(a) l-entitajiet kollha li jagħmlu parti mill-istess sottogrupp fir-rigward tal-miżuri strutturali jitqiesu bħala klijent jew grupp wieħed ta' klijenti konnessi;

(b) l-awtoritajiet kompetenti japplikaw limitu uniformi għall-iskoperturi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-applikazzjoni ta' dan l-approċċ għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-superviżjoni effettiva fuq bażi kkonsolidata u ma għandhiex tinkludi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali jew tifforma jew toħloq ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

[1] ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

7. Qabel l-adozzjoni tal-miżuri strutturali speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 6 dwar l-iskoperturi kbar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-ABE mill-inqas xahrejn qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni biex jiġu adottati l-miżuri strutturali, u jippreżentaw evidenza kwantitattiva jew kwalitattiva rilevanti ta' dan kollu li ġej:

(a) l-ambitu tal-attivitajiet li huma soġġetti għall-miżuri strutturali;

(b) spjegazzjoni ta' għalfejn tali miżuri abbozzati jitqiesu bħala adatti, effettivi u proporzjonati biex jiġu protetti d-depożituri;

(c) valutazzjoni tal-impatt pożittiv jew negattiv probabbli tal-miżuri fuq is-suq intern abbażi tal-informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru.

8. Is-setgħa li jiġi adottat att ta' implimentazzjoni biex jiġu aċċettati jew irrifjutati l-miżuri nazzjonali proposti msemmija fil-paragrafu 7 tingħata lill-Kummissjoni li taġixxi f'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 464(2).

Fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 7, l-ABE għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-punti msemmija f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu wkoll jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-punti msemmija f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat.

Filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-opinjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu u jekk ikun hemm evidenza soda u b'saħħitha li l-miżuri għandhom impatt negattiv fuq is-suq intern li jegħleb il-benefiċċji tal-istabbiltà finanzjarja, il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn mill-wasla tan-notifika, tirrifjuta l-miżuri nazzjonali proposti. Inkella, il-Kummissjoni għandha taċċetta l-miżuri nazzjonali proposti għal perijodu inizjali ta' sentejn u fejn adatt il-miżuri jistgħu jkunu soġġetti għal emenda.

Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta il-miżuri nazzjonali proposti biss jekk din tqis li l-miżuri nazzjonali proposti jinvolvu effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stat Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali, u b'hekk jiffurmaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern jew għall-moviment liberu tal-kapital f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni tal-ABE u għandha tqis l-evidenza pprezentata f'konformità mal-paragrafu 7.

Qabel l-iskadenza tal-miżuri, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipproponu miżuri ġodda għall-estensjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni għal perijodu addizzjonali ta' sentejn kull darba. F'dan il-każ, huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, il-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-ABE. L-approvazzjoni tal-miżuri l-ġodda għandha tkun soġġetta għall-proċess stipulat f'dan l-Artikolu. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 458.

*Artikolu 396*

**Konformità mar-rekwiżiti tal-iskoperturi l-kbar**

1. Jekk, f'każ eċċezzjonali, l-iskoperturi jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 395(1), l-istituzzjoni għandha tirrapporta mingħajr dewmien il-valur tal-iskopertura lill-awtoritajiet kompetenti li jistgħu, fejn iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw dan, jagħtu perijodu ta' żmien limitat lill-istituzzjoni sabiex tikkonforma mal-limitu.

Fejn ikun applikabbli l-ammont ta' EUR 150 miljun imsemmi fl-Artikolu 395(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq bażi ta' każ b'każ, jippermettu li jinqabeż il-limitu ta' 100 % f'termini tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni.

2. Fejn il-konformità minn istituzzjoni fuq bażi individwali jew subkonsolidata mal-obbligi imposti f'din il-Parti ma tiġix applikata skont l-Artikolu 7(1), jew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 jiġu applikati fil-każ ta' istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi żgurata allokazzjoni sodisfaċenti tar-riskji fi ħdan il-grupp.

*Artikolu 397*

**Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għall-iskoperturi l-kbar fil-portafoll tan-negozjar**

1. L-eċċess imsemmi fl-Artikolu 395(5)(b) għandu jiġi kkalkulat billi jintgħażlu dawk il-komponenti tal-iskopertura totali tal-negozju għall-klijent jew il-grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni li jattiraw l-ogħla rekwiżiti għar-riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti fl-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, it-Titolu V, li meta jingħaddu flimkien jilħqu l-ammont tal-eċċess imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 395(5).

2. Fejn l-eċċess ma jippersistix għal aktar minn għaxart ijiem, ir-rekwiżit ta' kapital addizzjonali għandu jkun ta' 200 % tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, fuq dawn il-komponenti.

3. Sa minn 10-t ijiem wara li jkun seħħ l-eċċess, il-komponenti tal-eċċess, magħżula skont il-paragrafu 1, għandhom jiġu allokati għal-linja xierqa fil-Kolonna 1 tat-Tabella 1 f'ordni axxendenti tar-rekwiżiti ta' riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, Titolu IV, Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti fl-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, Titolu V. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jkun ugwali għas-somma tar-rekwiżiti tar-riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, Titolu IV, Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti tal-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, Titolu V fuq dawn il-komponenti, multiplikata bil-koeffiċjent korrispondenti fil-Kolonna 2 tat-Tabella 1.

*Tabella 1*

| Kolonna 1: Eċċess ogħla mil-limiti (fuq il-bażi ta' perċentwal tal-kapital eliġibbli) | Kolonna 2: Fatturi |
|---|---|
| Sa 40 % | 200 % |
| Minn 40 % sa 60 % | 300 % |
| Minn 60 % sa 80 % | 400 % |
| Minn 80 % sa 100 % | 500 % |
| Minn 100 % sa 250 % | 600 % |
| Fuq 250 % | 900 % |

*Artikolu 398*

**Proċeduri sabiex l-istituzzjonijiet ma jitħallewx jevitaw tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali**

L-istituzzjonijiet m'għandhomx jevitaw b'mod intenzjonali r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 397 li kieku jkunu soġġetti għalihom, fuq skoperturi li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 395(1) ladarba dawn l-iskoperturi jkunu nżammu għal aktar minn għaxart ijiem, permezz ta' trasferiment temporanju tal-iskoperturi inkwistjoni lil kumpannija oħra, kemm jekk fi ħdan l-istess grupp kif ukoll jekk le, u/jew billi jitwettqu transazzjonijiet artifiċjali sabiex jagħlqu l-iskopertura matul il-perijodu ta' għaxart (10) ijiem u joħolqu skopertura ġdida.

L-istituzzjonijiet għandhom iżommu sistemi li jiżguraw li kwalunkwe trasferiment li jkollu l-effett imsemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rrappurtat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 399*

**Tekniki eliġibbli ta' mitigazzjoni tal-kreditu**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 400 sa 403 t-terminu 'garanzija' għandu jinkludi derivati tal-kreditu rikonoxxuti taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 għajr in-noti marbuta ma' kreditu.

2. Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fejn, skont l-Artikoli 400 sa 403 jkun permess ir-rikonoxximent ta' protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu, dan għandu jkun soġġett għal konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4.

3. Fejn istituzzjoni timxi mal-Artikolu 401(2), ir-rikonoxximent tal-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti rilevanti taħt il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 3. Għall-finijiet ta' din il-Parti, istituzzjoni ma għandhiex tikkunsidra l-kollateral imsemmi fl-Artikolu 199(5) sa (7), sakemm dan ma jkunx permess skont l-Artikolu 402.

4. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw, sa fejn possibbli, l-iskoperturi tagħhom għall-emittenti ta' kollaterali, għall-fornituri ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu u għall-assi sottostanti skont l-Artikolu 390(7) sabiex jidentifikaw konċentrazzjonijiet possibbli u fejn xieraq jieħdu azzjoni u jirrappurtaw kwalunkwe sejbiet sinifikanti lill-awtorità kompetenti tagħhom.

*Artikolu 400*

**Eżenzjonijiet**

1. L-iskoperturi li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali, banek ċentrali jew entitajiet tas-settur pubbliku li, meta ma jkunux iggarantiti, jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2;

(b) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq organizzazzjonijiet internazzjonali jew banek multilaterali tal-iżvilupp li, meta ma jkunux iggarantiti, jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(c) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet li jġorru l-garanziji espliċiti ta' gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali, banek multilaterali tal-iżvilupp jew entitajiet mis-settur pubbliku, fejn il-pretensjonijiet skoperti fuq l-entità li tipprovdi l-garanzija jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(d) skoperturi oħra attribwibbli lil, jew garantiti minn, gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali, banek multilaterali tal-iżvilupp jew entitajiet mis-settur pubbliku, fejn il-pretensjonijiet mhux iggarantiti fuq l-entità li għaliha tkun attribwibbli l-iskopertura jew li tkun garantita minnha tiġi assenjata piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(f) skoperturi għall-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 113(6) jew (7) jekk jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2. Skoperturi li ma jilħqux dawk il-kriterji, irrispettivament minn jekk ikunux eżentati mill-Artikolu 395(1) għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

(g) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti minn kollateral fil-forma ta' depożiti ta' flus mal-istituzzjoni mutwanti jew mal-istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni mutwanti;

(h) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti minn kollateral fil-forma ta' ċertifikati ta' depożiti maħruġa mill-istituzzjoni mutwanti jew minn istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni mutwanti u depożitati ma' waħda minnhom;

(i) skoperturi li jirriżultaw minn faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud li jkunu kklassifikati bħala elementi ta' riskju baxx li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fl-Anness I u bil-kondizzjoni li jkun intlaħaq ftehim mal-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi li permezz tiegħu l-faċilità tista' tinġibed biss jekk ikun ġie aċċertat li l-limitu applikabbli skont l-Artikolu 395(1) ma jkunx ser jinqabeż minħabba f'hekk;

(j) skoperturi kummerċjali għal kontropartijiet ċentrali u kontribuzzjonijiet ta' fondi ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza għal kontropartijiet ċentrali;

(k) skoperturi għal skemi ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE li jirriżultaw mill-iffinanzjar ta' dawk l-iskemi, jekk l-istituzzjonijiet membri tal-iskema jkollhom obbligu legali jew kuntrattwali sabiex jiffinanzjaw l-iskema.

Flus riċevuti taħt nota marbuta ma' kreditu maħruġa mill-istituzzjoni u self u depożiti ta' kontroparti lil jew mal-istituzzjoni li jkunu soġġetti għal ftehim ta' netting fil-karta tal-bilanċ rikonoxxut skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-punt (g).

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu kompletament jew parzjalment jeżentaw l-iskoperturi li ġejjin:

(a) bonds koperti li jaqgħu taħt it-termini tal-Artikolu129(1), (3) u (6);

(b) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta' riskju ta' 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta' riskju ta' 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(c) skoperturi, fosthom holdings jew tipi oħra ta' holdings, imġarrba minn istituzzjoni għall-impriża prinċipali tagħha, għal sussidjarji oħra ta' dik l-impriża prinċipali jew għas-sussidjarji tagħha stess, sakemm dawk l-impriżi jkunu koperti mis-superviżjoni fuq bażi konsolidata li tkun soġġetta għaliha l-istituzzjoni stess, skont dan ir-Regolament, id-Direttiva 2002/87/KE jew skont standards ekwivalenti li jkunu fis-seħħ f'pajjiż terz; l-iskoperturi li ma jissodisfawx dawn il-kriterji, kemm jekk ikunu kif ukoll jekk ma jkunux eżentati mill-Artikolu 395(1) għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

(d) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra, inklużi l-holdings jew tipi oħra ta' holdings, għal istituzzjonijiet reġjonali jew ċentrali ta' kreditu li tkun assoċjata magħhom l-istituzzjoni ta' kreditu f'netwerk skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew statutorji u li jkunu responsabbli, skont dawk id-dispożizzjonijiet, għall-operazzjonijiet ta' kklerjar ta' flus fi ħdan in-netwerk;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet ta' kreditu mġarrba minn istituzzjonijiet ta' kreditu, li minnhom waħda topera fuq bażi mhux kompetittiva, u li tipprovdi jew tiggarantixxi għoti ta' self skont programmi leġislattivi jew l-istatuti tagħha, biex tippromwovi oqsma speċifiċi tal-ekonomija taħt xi forma ta' superviżjoni governattiva u restrizzjonijiet fuq l-użu tas-self, bil-kondizzjoni li l-iskoperturi rispettivi joriġinaw minn tali self li jkun mgħoddi lill-benefiċjarji permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew mill-garanziji fuq dan is-self;

(f) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għall-istituzzjonijiet, bil-kondizzjoni li dawk l-iskoperturi ma jikkostitwixxux il-fondi proprji ta' dawn l-istituzzjonijiet, u ma jdumux aktar mill-jum taxxogħol ta' wara u ma jkunux denominati f'munita kummerċjali ewlenija;

(g) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq banek ċentrali fil-forma ta' riservi minimi meħtieġa miżmuma minn dawk il-banek ċentrali li jkunu denominati fil-muniti nazzjonali tagħhom;

(h) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali fil-forma ta' rekwiżiti statutorji ta' likwidità miżmuma f'titoli tal-gvern li huma denominati u ffinanzjati fil-muniti nazzjonali bil-kondizzjoni li, fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, il-valutazzjoni tal-kreditu ta' dawk il-gvernijiet ċentrali assenjati minn ECAI nominata tkun grad ta' investiment;

(i) 50 % tad-dokumenti ta' kreditu b'riskju medju/baxx li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u tal-faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud b'riskju medju/baxx li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness I u soġġett għall-qbil tal-awtoritajiet kompetenti, 80 % tal-garanziji barra mill-garanziji fuq self li għandhom bażi ġuridika jew regolatorja u jingħataw għall-membri tagħhom bi skemi ta' garanzija reċiproka li għandhom status ta' istituzzjonijiet ta' kreditu;

(j) il-garanziji legalment meħtieġa li jintużaw meta self b'ipoteka ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds ta' ipoteki jitħallas lill-mutwatarju tal-ipoteka qabel ir-reġistrazzjoni finali tal-ipoteka fir-reġistru tal-artijiet, bil-kondizzjoni li l-garanzija ma tintużax biex tnaqqas ir-riskju fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopetura peżati għar-riskju;

(k) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet u fuq skoperturi oħra għal kambji rikonoxxuti.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu biss jagħmlu użu tal-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) in-natura speċifika tal-iskopertura, il-kontroparti jew ir-relazzjoni bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti telimina jew tnaqqas ir-riskju ta' skopertura; u

(b) kwalunkwe riskju ta' konċentrament li jifdal jista' jiġi indirizzat b'mezzi oħrajn ugwalment effettivi bħall-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi previsti fl-Artikolu 81 tad-Direttiva *2013/36/UE*.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar jekk għandhomx il-ħsieb jużaw xi waħda mill-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu u għandhom jikkonsultaw lill-ABE dwar din l-għażla.

*Artikolu 401*

**Kalkolu tal-effett tal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**

1. Sabiex jiġi kkalkulat il-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395(1) istituzzjoni tista' tuża l-'valur tal-iskopertura aġġustat għalkollox' kif ikkalkulat taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 b'kont meħud tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-aġġustamenti fil-volatilità, u kwalunkwe diskrepanza fil-maturità (E*).

2. Istituzzjoni li jkollha l-permess li tuża stimi tal-LGDs u fatturi ta' konverżjoni proprji għal klassi ta' skopertura taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tista', soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti tirrikonoxxi l-effetti ta' kollateral finanzjarju fil-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395(1).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-permess imsemmi fis-subparagrafu preċedenti biss jekk l-istituzzjoni tkun tista' tistma l-effetti tal-kollateral finanzjarju fuq l-iskoperturi tagħhom b'mod separat minn aspetti oħra relevanti għal-LGD.

L-istimi prodotti mill-istituzzjoni għandhom ikunu adegwati b'mod sufficjenti biex jitnaqqas il-valur tal-iskopertura għall-finijiet ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 395.

Meta istituzzjoni jkollha permess tuża l-istimi proprji tal-effetti tal-kollateral finanzjarju, hija għandha tagħmel dan fuq bażi konsistenti mal-approċċ adottat fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont dan ir-Regolament.

L-istituzzjonijiet li jkollhom permess jużaw l-istimi tal-LGDs u l-fatturi ta' konverżjoni proprji għal klassi ta' skopertura taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, li ma jikkalkulawx il-valur tal-iskoperturi tagħhom bl-użu tal-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, jistgħu jużaw il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju jew l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 403(1)(b) għall-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi.

3. Istituzzjoni li tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju jew li jkollha permess tuża l-metodu deskritt fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fil-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395(1) għandha twettaq testijiet perjodiċi għal stress tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu tagħhom, inkluż fir-rigward tal-valur realizzabbli ta' kwalunkwe kollateral meħud.

Dawn it-testijiet perijodiċi għal stress imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn bidliet potenzjali fil-kondizzjonijiet tas-suq li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-adegwadezza tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet u riskji li jirriżultaw mir-realizzazzjoni ta' kollateral f'sitwazzjonijiet ta' stress.

It-testijiet imwettqa għal stress għandhom ikunu adegwati u xierqa għall-valutazzjoni ta' tali riskji.

Meta t-test perijodiku tal-istress jindika valur realizzabbli aktar baxx ta' kollateral meħud milli jkun permess li jitqies waqt li jintuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju jew il-metodu deskritt fil-paragrafu 2 kif xieraq, il-valur tal-kollateral permess għandu jitnaqqas kif meħtieġ sabiex jiġi rikonoxxut fil-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395(1).

L-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu dan li ġej fl-istrateġiji tagħhom sabiex jindirizzaw ir-riskju tal-konċentrazzjoni:

(a) politiki u proċeduri sabiex jindirizzaw riskji li jirriżultaw minn diskrepanzi fil-maturità bejn l-iskoperturi u kwalunkwe protezzjoni tal-kreditu fuq dawn l-iskoperturi;

(b) politiki u proċeduri fil-każ li test tal-istress jindika valur realizzabbli aktar baxx ta' kollateral minn dak ikkunsidrat fl-użu tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju jew il-metodu deskritt fil-paragrafu 2;

(c) politiki u proċeduri relatati mar-riskju tal-konċentrazzjoni li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu, u b'mod partikolari skoperturi kbar għall-kreditu indirett, pereżempju għal emittent uniku ta' titoli meħuda bħala kollateral.

*Artikolu 402*

**Skoperturi li jirriżultaw minn self b'ipoteka**

1. Għall-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395, istituzzjoni tista' tnaqqas il-valur ta' skopertura jew kwalunkwe parti ta' skopertura totalment iggarantita minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 125(1) bl-ammont mirhun tal-valur tas-suq jew tas-self b'ipoteka tal-proprjetà kkonċernata iżda mhux iktar minn 50 % tal-valur tas-suq jew 60 % tal-valur tas-self b'ipoteka f'dawk l-Istati Membri li stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self b'ipoteka f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux stabbilixxew piż ta' riskju ogħla minn 35 % għal skoperturi jew partijiet minn skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli kummerċjali skont l-Artikolu 124(2);

(b) l-iskopertura jew parti mill-iskopertura tkun totalment iggarantita:

(i) b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali; jew

(ii) bi proprjetà residenzjali fi transazzjoni ta' kiri li fiha s-sid iżomm is-sjieda sħiħa tal-proprjetà residenzjali u l-kerrej jkun għadu ma eżerċitax l-opzjoni tiegħu li jixtri;

(c) ir-rekwiżiti fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) jintlaħqu.

2. Għal kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395, istituzzjoni tista' tnaqqas il-valur ta' skopertura jew kwalunkwe parti ta' skopertura totalment iggarantita minn proprjetà immobbli skont l-Artikolu 126(1) bl-ammont mirhun tal-valur tas-suq jew tas-self b'ipoteka tal-proprjetà kkonċernata iżda mhux iktar minn 50 % tal-valur tas-suq jew 60 % tal-valur tas-self b'ipoteka f'dawk l-Istati Membri li stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self b'ipoteka f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux stabbilixxew piż ta' riskju ogħla minn 50 % għal skoperturi jew partijiet minn skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli kummerċjali skont l-Artikolu 124(2);

(b) l-iskopertura tkun totalment iggarantita:

(i) b'ipoteki fuq uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor; jew

(ii) uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor u l-iskoperturi kienu relatati ma' transazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà;

(c) ir-rekwiżiti fl-Artikolu 126(2)(a), l-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) jintlaħqu;

(d) il-proprjetà kummerċjali tkun kompletament mibnija.

3. Istituzzjoni tista' tittratta skopertura għal kontroparti li tirriżulta minn operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid li permezz tagħha l-istituzzjoni tkun xtrat mingħand il-kontroparti obbligazzjonijiet ipotekarji indipendenti nonaċċessorji fuq proprjetà immobbli ta' partijiet terzi, bħala numru ta' skoperturi individwali għal kull wieħed minn dawk il-partijiet terzi, dment li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontroparti tkun istituzzjoni;

(b) l-iskopertura tkun kompletament koperta minn drittijiet fuq il-proprjetà immobbli ta' dawk il-partijiet terzi li nxtraw mill-istituzzjoni u l-istituzzjoni tkun tista' teżerċita dawk id-drittijiet;

(c) l-istituzzjoni tkun żgurat li r-rekwiżiti fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) huma ssodisfatti;

(d) l-istituzzjoni ssir benefiċjarja tal-pretensjonijiet li l-kontroparti jkollha kontra l-partijiet terzi f'każ ta' inadempjenza, insolvenza jew likwidazzjoni tal-kontroparti;

(e) l-istituzzjoni tirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 394 l-ammont totali ta' skoperturi għal kull istituzzjoni oħra li huma trattati skont dan il-paragrafu.

Għal dawn il-finijiet, l-istituzzjoni għandha tassumi li għandha skopertura għal kull waħda minn dawk il-partijiet minflok għall-ammont korrispondenti tal-iskopertura għall-kontroparti. Il-bqija tal-iskopertura għall-kontroparti, jekk ikun hemm, għandha tkompli tiġi trattata bħala skopertura għall-kontroparti.

*Artikolu 403*

**Proċedura ta' sostituzzjoni**

1. Meta skopertura għal klijent tkun garantita minn parti terza, jew garantita minn kollateral maħruġ minn parti terza, istituzzjoni tista':

(a) tittratta l-parti tal-iskopertura li tkun garantita bħala waħda mġarrba mill-garanti minflok mill-klijent bil-kondizzjoni li l-iskopertura mhux garantita għall-garanti tkun assenjata piż ta' riskju daqs jew inqas minn piż ta' riskju tal-iskopertura mhux garantita għall-klijent skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(b) tittratta l-parti tal-iskopertura kollateralizzata skont il-valur tas-suq ta' kollateral rikonoxxut bħala wieħed imġarrab mill-parti terza minflok mill-klijent, jekk l-iskopertura tkun garantita minn kollateral u bil-kondizzjoni li l-parti kollateralizzata tal-iskopertura tingħata piż ta' riskju daqs jew inqas minn piż ta' riskju ta' skopertura mhux garantita għall-klijent skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

L-approċċ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandux jintuża minn istituzzjoni fejn ikun hemm diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni.

Għall-finijiet ta' din il-Parti, istituzzjoni tista' tuża kemm il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju u t-trattament stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu f'dawk il-każi biss fejn għandha permess tuża kemm il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju u l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju għall-finijiet tal-Artikolu 92.

2. Fejn istituzzjoni tapplika l-punt (a) tal-paragrafu 1:

(a) fejn il-garanzija tkun denominata f'munita differenti minn dik li fiha tkun denominata l-iskopertura, l-ammont tal-iskopertura meqjusa bħala koperta għandu jiġi kkalkulat skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tad-diskrepanza fil-munita għal protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu stipulat fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4;

(b) diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni għandha tiġi ttrattata skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tan-nuqqas ta' diskrepanza stipulat fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4;

(c) tista' tiġi rikonoxxuta kopertura parzjali skont it-trattament stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4.

PARTI ĦAMSA

## SKOPERTURI GĦAL RISKJU TA' KREDITU TRASFERIT

TITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI GĦAL DIN IL-PARTI

*Artikolu 404*

**Kamp ta' applikazzjoni**

It-Titoli II u III għandhom japplikaw għal titolizzazzjonijiet ġodda maħruġa fl-1 ta' Jannar 2011 jew wara. Wara l-31 ta' Diċembru 2014, it-Titoli II u III għandhom japplikaw għal titolizzazzjonijiet eżistenti fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jiġu sostitwiti wara dik id-data.

TITOLU II

**REKWIŻITI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET LI JINVESTU**

*Artikolu 405*

**Interess miżmum tal-emittent**

1. Istituzzjoni, għajr meta taġixxi bħala oriġinatriċi, sponser jew mutwanti oriġinali, għandha tkun skoperta għar-riskju tal-kreditu ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar jew fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħha biss jekk l-oriġinatur, l-isponser jew il-mutwanti oriġinali jkun iddivulga b'mod espliċitu lill-istituzzjoni li huwa ser ikun qed iżomm, fuq bażi kontinwa, interess materjali ekonomiku nett li fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 5 %.

Waħda minn dawn li ġejjin biss jikkwalifikaw bħala żamma ta' interess materjali ekonomiku nett ta' mhux inqas minn 5 %:

(a) żamma ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali ta' kull segment mibjugħ jew trasferit lill-investituri;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi ċirkolanti, żamma tal-interess tal-oriġinatur ta' mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati;

(c) żamma ta' skoperturi magħżula b'mod aleatorju, ekwivalenti għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati, fejn tali skoperturi normalment kienu jkunu titolizzati fit-titolizzazzjoni, bil-kondizzjoni li n-numru ta' skoperturi potenzjalment titolizzati ma jkunx inqas minn 100 fil-bidu;

(d) żamma tas-segment tal-ewwel telf u, jekk neċessarju, segmenti oħra li jkollhom l-istess profil ta' riskju jew wieħed aktar gravi minn dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri u li ma jimmaturawx qabel dawk trasferiti jew mibjugħa lill-investituri, sabiex b'kollox iż-żamma tammonta għal mhux inqas minn 5 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati;

(e) żamma tal-iskopertura għall-ewwel telf mhux inqas minn 5 % ta' kull skopertura ttitolizzata fit-titolizzazzjoni.

L-interess ekonomiku nett jitkejjel fil-bidu u għandu jinżamm fuq bażi kontinwa. L-interess ekonomiku nett, inklużi l-pożizzjonijiet, l-interess jew l-iskoperturi miżmuma, m'għandu jkun soġġett għall-ebda mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu jew pożizzjonijiet fil-qosor jew kopertura oħra u m'għandux jinbiegħ. L-interess ekonomiku nett għandu jiġi determinat mill-valur nozzjonali għall-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

Ma għandu jkun hemm l-ebda applikazzjoni multipla tar-rekwiżiti ta' żamma għal xi titolizzazzjoni partikolari.

2. Fejn istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE, kumpannija holding finanzjarja tal-UE, kumpannija holding finanzjarja mħallta tal-UE jew waħda mis-sussidjarji tagħha, bħala oriġinatriċi jew sponser, tittitolizza skoperturi minn diversi istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra li huma inklużi fl-ambitu ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata, ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi ssodisfat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE, kumpannija holding finanzjarja tal-UE, jew kumpannija holding finanzjarja mħallta tal-UE.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti ta' investiment jew l-istituzzjonijiet finanzjarji li ħolqu l-iskoperturi titolizzati jkunu impenjaw ruħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 408 u jibagħtu, fil-ħin, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 409 lill-oriġinatur jew lill-isponser u lill-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta tal-UE.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-iskoperturi titolizzati jkunu skoperturi fuq jew garantiti kompletament, b'mod inkondizzjonali u irrevokabbli mill-entitajiet li ġejjin:

(a) gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali;

(b) gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku tal-Istati Membri;

(c) istituzzjonijiet li jingħataw piż ta' riskju ta' 50 % jew inqas taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(d) banek multilaterali tal-iżvilupp.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal transazzjonijiet ibbażati fuq indiċi ċar, trasparenti u aċċessibbli, fejn l-entitajiet referenzjarji sottostanti jkunu identiċi għal dawk li jiffurmaw indiċi tal-entitajiet li jkun negozjat fil-wisa', jew ikunu titoli kummerċjabbli oħra għajr pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

*Artikolu 406*

**Diliġenza dovuta**

1. Qabel ma jinkorru skopertura għar-riskji ta' titolizzazzjoni, u kif ikun xieraq wara, l-istituzzjonijiet, għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti li għal kull pożizzjoni individwali ta' titolizzazzjoni tagħhom, huma għandhom fehim komprensiv u dettaljat tal-politiki u l-proċeduri formali li huma xierqa għall-portafoll tan-negozjar u għall-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom u li implimentaw dawn il-politiki u l-proċeduri formali b'mod proporzjonali mal-profil tar-riskju tal-investimenti tagħhom f'pożizzjonijiet titolizzati għall-analiżi u l-irreġistrar ta':

(a) l-informazzjoni divulgata skont l-Artikolu 405(1), mill-oriġinaturi, mill-isponsers jew mill-mutwanti oriġinali sabiex jispeċifikaw l-interess ekonomiku nett li jkollhom, fuq bażi kontinwa, fit-titolizzazzjoni;

(b) il-karatteristiċi tar-riskju tal-pożizzjoni individwali ta' titolizzazzjoni;

(c) il-karatteristiċi tar-riskju tal-iskoperturi sottostanti l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(d) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' telf f'titolizzazzjonijiet preċedenti tal-oriġinaturi jew tal-isponsers fil-klassijiet ta' skoperturi rileventi li fuqhom tkun ibbażata l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;

(e) id-dikjarazzjonijiet u d-divulgazzjonijiet magħmula mill-oriġinaturi jew l-isponsers, jew l-aġenti jew il-konsulenti tagħhom, dwar id-diliġenza dovuta tagħhom fuq l-iskoperturi titolizzati u, fejn xieraq, fuq il-kwalità tal-kollateral li jsostni l-iskoperturi titolizzati;

(f) fejn applikabbli, il-metodoloġiji u l-kunċetti li fuqhom tkun ibbażata il-valutazzjoni tal-kollateral li jsostni l-iskoperturi titolizzati u l-politiki adottati mill-oriġinatur jew l-isponser sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-istimatur;

(g) il-karatteristiċi strutturali kollha tat-titolizzazzjoni li jistgħu jaffettwaw b'mod materjali l-prestazzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tal-istituzzjoni, bħas-sekwenza kuntrattwali u skattaturi relatati mas-sekwenzi, tisħiħ fil-kreditu, titjib tal-likwidità, skattaturi tal-valur tas-suq, u definizzjonijiet ta' inadempjenza speċifiċi għat-transazzjoni.

L-istituzzjonijiet għandhom b'mod regolari jwettqu t-testijiet għal stress tagħhom stess li jkunu xierqa għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħhom. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq mudelli finanzjarji żviluppati minn ECAI bil-kondizzjoni li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu juru, meta jiġu mitluba jagħmlu dan, li huma jkunu ħadu ħsieb qabel ma investew li jivvalidaw is-suppożizzjonijiet rilevanti fil-mudelli u l-istrutturar tagħhom u biex jifhmu l-metodoloġija, is-suppożizzjonijiet u r-riżultati.

2. L-istituzzjonijiet, għajr meta jaġixxu bħala oriġinaturi jew sponsers jew mutwanti oriġinali, għandhom jistabbilixxu proċeduri formali xierqa fil-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom u proporzjonali mal-profil tar-riskju tal-investimenti tagħhom f'pożizzjonijiet titolizzati sabiex jimmonitorjaw fuq bażi kontinwa u fil-waqt l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħhom. Fejn rilevanti, dan għandu jinkludi t-tip ta' skopertura, il-perċentwal ta' self aktar minn 30, 60 u 90 jum wara d-data tal-għeluq, ir-rati ta' inadempjenza, ir-rati tal-pagament minn qabel, is-self fi stat ta' preklużjoni, it-tip ta' kollateral u l-okkupanza, u d-distribuzzjoni tal-frekwenza tal-marki tal-kreditu jew kalkolu ieħor ta' affidabbiltà kreditizja fl-iskoperturi sottostanti, id-diversifikazzjoni industrijali u ġeografika, id-distribuzzjoni tal-frekwenza tas-self mal-proporzjonijiet tal-valur b'band widths li jiffaċilitaw l-analiżi xierqa tas-sensittività. Fejn l-iskoperturi sottostanti jkunu huma stess pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom l-informazzjoni stabbilita f'dan is-subparagrafu mhux biss fis-segmenti ta' titolizzazzjoni sottostanti, bħal isem l-emittent u l-kwalità tal-kreditu, iżda wkoll dwar il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tal-aggregazzjonijiet sottostanti dawk is-segmenti ta' titolizzazzjoni.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ukoll l-istess standards ta' analiżi għall-holdings jew is-sottoskrizzjonijiet fil-ħarġiet ta' titolizzazzjoni mixtrija minn partijiet terzi kemm jekk dawk il-holdings jew sottoskrizzjonijiet ikunu ser jinżammu fil-portafoll tan-negozjar kif ukoll jekk ikunu ser jinżammu fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom.

*Artikolu 407*

**Piż ta' riskju addizzjonali**

Meta istituzzjoni ma tilħaqx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 405, 406 jew 409 f'xi aspett materjali minħabba negliġenza jew ommissjoni tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu piż ta' riskju addizzjonali proporzjonali ta' mhux inqas minn 250 % tal-piż ta' riskju (limitu massimu ta' 1 250 %) li għandu japplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni rilevanti kif speċifikat fl-Artikolu 245(6) jew l-Artikolu 337(3) rispettivament. Il-piż ta' riskju addizzjonali għandu jiżdied progressivament ma' kull ksur sussegwenti tad-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-eżenzjonijiet għal ċerti titolizzazzjonijiet previsti fl-Artikolu 405(3) billi jnaqqsu l-piż ta' riskju li kieku kienu jimponu skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 405(3).

TITOLU III

**REKWIŻITI GĦAL ISTITUZZJONIJIET LI HUMA SPONSERS U ORIĠINATURI**

*Artikolu 408*

**Kriterji għall-għoti ta' kreditu**

L-istituzzjonijiet li huma sponsers u oriġinaturi għandhom japplikaw l-istess kriterji sodi u definiti sewwa għall-għoti ta' kreditu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 79 tad-Direttiva 2013/36/UE għal skoperturi li jridu jiġu titolizzati hekk kif japplikaw għal skoperturi li se jkunu qed jinżammu fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom stess. Għal dan il-għan, l-istess proċessi għall-approvazzjoni u, fejn rilevanti, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament ta' krediti għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet li huma oriġinaturi u sponsers.

Fejn ma jintlaħqux ir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 245(1) ma għandux jiġi applikat minn istituzzjoni oriġinatriċi u dik l-istituzzjoni oriġinatriċi m'għandhiex titħalla teskludi l-iskoperturi titolizzati mill-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħha skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 409*

**Divulgar lill-investituri**

L-istituzzjonijiet li jaġixxu bħala oriġinatur, sponser jew mutwanti oriġinali għandhom jiddivulgaw lill-investituri l-livell tal-impenn tagħhom skont l-Artikolu 405 sabiex iżommu interess ekonomiku nett fit-titolizzazzjoni. L-istituzzjonijiet li huma sponsers u oriġinaturi għandhom jiżguraw li l-investituri prospettivi jkollhom aċċess faċilment disponibbli għad-data kollha materjalment rilevanti dwar il-kwalità tal-kreditu u l-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti individwali, il-flussi ta' flus u l-kollateral li jsostni skopertura ta' titolizzazzjoni kif ukoll dik l-informazzjoni neċessarja sabiex jitwettqu testijiet għal stress komprensivi u infurmati sewwa fuq il-flussi tal-flus u valuri kollaterali li jsostnu lill-iskoperturi sottostanti. Għal dak il-għan, id-data materjalment rilevanti għandha tiġi determinata mid-data tat-titolizzazzjoni u fejn xieraq minħabba n-natura tat-titolizzazzjoni wara dik id-data.

*Artikolu 410*

**Kundizzjoni uniformi ta' applikazzjoni**

1. Kull sena l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżguraw il-konformità mill-istituzzjonijiet mar-rekwiżiti tat-Titoli II u III.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika f'aktar dettall:

(a) ir-rekwiżiti tal-Artikoli 405 u 406 li japplikaw għal ististuzzjonijiet li jinkorru skopertura għar-riskju ta' titolizzazzjoni;

(b) ir-rekwiżit ta' ritenzjoni, inklużi l-kriteji tal-kwalifikazzjoni għar-ritenzjoni ta' interess materjali ekonomiku nett kif imsemmi fl-Artikolu 405 u l-livell tar-ritenzjoni;

(c) ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fl-Artikolu 406 għal ististuzzjonijiet li jinkorru skopertura għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; u

(d) ir-rekwiżiti fl-Artikoli 408 u 409 li japplikaw għal istituzzjonijiet li huma sponsers u oriġinaturi.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tiffaċilita l-konverġenza tal-prattiki superviżorji fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 407, inklużi l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' ksur tad-diliġenza dovuta u l-obbligi ta' ġestjoni tar-riskju.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

PARTI SITTA

# LIKWIDITÀ

TITOLU I

## DEFINIZZJONIJIET U R-REKWIŻIT TA' KOPERTURA TAL-LIKWIDITÀ

*Artikolu 411*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Parti, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'klijent finanzjarju' tfisser klijent li jwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE bħala n-negozju ewlieni tiegħu jew huwa waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu;

(b) ditta ta' investiment;

(c) SSPE;

(d) CIU;

(e) skema ta' investiment limitat

(f) impriża tal-assigurazzjoni;

(g) kumpannija holding finanzjarja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta.

(2) 'depożitu fil-livell ta' konsumatur' tfisser obbligazzjoni lejn persuna fiżika jew SME, fejn il-persuna fiżika jew l-SME tikkwalifika għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur taħt l-approċċi Standardizzati jew IRB għar-riskju tal-kreditu, jew obbligazzjoni lejn kumpannija li hija eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 153(4) u fejn id-depożiti aggregati mill-intrapriżi kollha bħal dawn fuq bażi ta' grupp ma jkunux iktar minn EUR 1 miljun.

*Artikolu 412*

**Rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità**

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom assi likwidi, li s-somma tal-valuri tagħhom tkopri l-ħruġ ta' likwidità imnaqqas mid-dħul tal-likwidità f'kondizzjonijiet ta' stress sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu livelli ta' riżervi ta' likwidità li jkunu adegwati biex jiffaċċjaw kwalunkwe żbilanċ possibbli bejn id-dħul u l-ħruġ ta' likwidità f'kondizzjonijiet ta' stress kbir fuq perijodu ta' tletin ġurnata. Waqt żmien ta' stress, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-assi likwidi tagħhom biex ikopru l-flussi 'l barra netti ta' likwidità tagħhom.

2. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jgħoddu għal darbtejn id-dħul ta' likwidità u l-assi likwidi.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-assi likwidi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jilħqu l-obbligi tagħhom f'ċirkustanzi ta' stress kif speċifikat fl-Artikolu 414.

4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II għandhom japplikaw b'mod esklussiv għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415.

5. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' rekwiżiti ta' likwidità qabel ma jkunu speċifikati u introdotti kompletament fl-Unjoni standards minimi vinkolanti għar-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità f'konformità mal-Artikolu 460. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament, jew sottogrupp ta' dawk l-istituzzjonijiet, biex iżommu rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità ogħla sa 100 % sakemm jiġi introdott kompletament l-standard minimu vinkolanti bir-rata ta' 100 % f'konformità mal-Artikolu 460.

*Artikolu 413*

**Finanzjament Stabbli**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-obbligi fuq perijodu fit-tul jiġu sodisfatti b'mod adegwat b'varjetà ta' strumenti ta' finanzjament stabbli kemm taħt kondizzjonijiet normali kif ukoll taħt kondizzjonijiet ta' stress.

2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II għandhom japplikaw b'mod esklussiv għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415.

3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' rekwiżiti ta' finanzjament stabbli qabel ma jkunu speċifikati u introdotti fl-Unjoni standards minimi vinkolanti għar-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli nett f'konformità mal-Artikolu 510.

*Artikolu 414*

**Konformità mar-rekwiżiti tal-likwidità**

Meta istituzzjoni ma tissodisfax, jew tistenna li mhux ser tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 412, jew l-obbligu ġenerali stabbilit fl-Artikolu 413(1), inkluż matul żmien ta' stress, għandha tinforma mmedjatament lill-awtoritajiet kompetenti u għandha tippreżenta mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtoritajiet kompetenti, pjan biex terġa' sseħħ fil-waqt il-konformità mal-Artikolu 412 jew l-Artikolu 413(1). Sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità, l-istituzzjoni għandha kuljum tirrapporta l-elementi msemmija fit-Titolu II jew Titolu III, kif adatt, mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' negozju sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax frekwenza anqas ta' rappurtar u skadenza itwal ta' rappurtar. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu biss tali awtorizzazzjonijiet abbażi tas-sitwazzjoni individwali ta' istituzzjoni u b'kont meħud tal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni. Huma għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment mill-ġdid u jekk ikun meħtieġ għandhom jesiġu stabbiliment mill-ġdid aktar mgħaġġel.

TITOLU II

**RAPPURTAR TAL-LIKWIDITÀ**

*Artikolu 415*

**Obbligu ta' rappurtar u l-format tar-rappurtar**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti l-elementi msemmija fit-Titoli II u III l-komponenti tagħhom, f'munita waħda, irrispettivament mid-denominazzjoni attwali tagħhom, inkluża l-kompożizzjoni tal-assi likwidi tagħhom skont l-Artikolu 416. Sakemm ir-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità fil-Parti Sitta ma jkunx totalment speċifikat u implimentat bħala standard minimu skont l-Artikolu 460, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-elementi stabbiliti fit-Titolu II u fl-Anness III. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-elementi fit-Titolu III. Il-frekwenza tar-rappurtar ma għandhiex tkun ta' inqas minn darba fix-xahar għall-elementi msemmijin fit-Titolu II u l-Anness III u mhux inqas minn kull tliet xhur għall-elementi msemmija fit-Titolu III.

Il-formati tar-rappurtar għandhom jinkludu l-informazzjoni neċessarja kollha u għandhom jippermettu lill-ABE tivvaluta jekk transazzjonijiet ta' għoti ta' self garantit u ta' swap kollaterali fejn l-assi likwidi msemmiji fil-punti (a), (b) u (c) tal Artikolu 416(1)jkunu ġew miksuba taħt kollateral li ma jikkwalifikax taħt il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1) ikunux ġew xolti adegwatament.

2. Istituzzjoni għandha tirrapporta b'mod separat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju l-elementi msemmija fil-paragrafu 1 fil-munita t'hawn taħt meta hija jkollha:

(a) obbligazzjonijiet aggregati f'munità differenti mill-munita ta' rappurtar skont il-paragrafu 1 li jammontaw għal jew jeċċedu 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tas-sottogrupp ta' likwidità waħdieni; jew

(b) fergħa sinifikanti skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE fi Stat Membru ospitanti li juża munita differenti mill-munita ta' rappurtar skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) formati uniformi u soluzzjonijiet tal-IT bi struzzjonijiet assoċjati għal frekwenzi u d-dati tar-referenza u ta' rimessa. Il-formati tar-rappurtar u l-frekwenzi għandhom ikunu proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet differenti tal-istituzzjonijiet u għandhom jinkludu r-rappurtar meħtieġ skont il-paragrafi 1 u 2;

(b) metriċi addizzjonali meħtieġa għall-monitoraġġ tal-likwidità, li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu idea komprensiva tal-profil tar-riskju tal-likwidità, proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' istituzzjoni.

L-ABE għandha tissottometti lill-Kummissjoni dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi għall-elementi speċifikati fil-punt (a) sa 1 ta' Frar 2015 u għall-elementi speċifikati fil-punt (b) sal-1 ta' Jannar 2014.

Sal-introduzzjoni sħiħa tar-rekwiżiti vinkolanti dwar il-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu jiġbru informazzjoni permezz ta' għodod ta' monitoraġġsabiex tiġi mmonitorjata l-konformità mal-istandards tal-likwidità nazzjonali eżistenti.

Il-Kummisjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandhom jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar individwali skont dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-bank ċentrali tal-Istati Membri ospitanti u lill-ABE.

5. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 112 tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar kollu sottomess mill-istituzzjoni skont il-formati uniformi ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti u l-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti fejn hemm fergħat sinifikanti skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-istituzzjoni prinċipali jew istituzzjonijiet ikkontrollati mill-istess kumpannija holding finanzjarja prinċipali;

(b) l-awtoritajiet kompetenti li għandhom sussidjarji awtorizzati tal-istituzzjoni prinċipali jew istituzzjonijiet ikkontrollati mill-istess kumpannija holding finanzjarja prinċipali u l-bank ċentrali tal-istess Stat Membru;

(c) ABE;

(d) BĊE.

6. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom istituzzjoni awtorizzata li hija sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali jew kumpannija holding finanzjarja prinċipali għandhom jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar kollu sottomess mill-istituzzjoni skont il-formati uniformi ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet kompetenti li jwettqu superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE, lill-bank ċentrali tal-Istat Membru fejn tkun awtorizzata l-istituzzjoni u lill-ABE.

*Artikolu 416*

**Rappurtar dwar l-assi likwidi**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw dawn li ġejjin bħala assi likwidi sakemm ma jkunux esklużi mill-paragrafu 2 u biss jekk l-assi likwidi jissodisfaw il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3:

(a) flus u skoperturi għal banek ċentrali sakemm dawn l-iskoperturi jkunu jistgħu jinġibdu lura fi kwalunkwe żmien fi żminijiet ta' stress. Fir-rigward tad-depożiti miżmuma mill-banek ċentrali, l-awtorità kompetenti u l-bank ċentrali għandhom jimmiraw biex jilħqu fehim komuni rigward il-limitu safejn dawn ir-riżervi minimi jistgħu jinġibdu fi żmien ta' stress;

(b) assi trasferibbli oħrajn li huma ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin ħafna;

(c) assi trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew li jkunu garantiti minn:

(i) gvern ċentrali ta' Stat Membru, reġjun b'awtonomija fiskali li tippermetti l-impożizzjoni u l-ġbir tat-taxxi, jew ta' pajjiż terz fil-munita domestika tal-gvern ċentrali jew reġjonali, jekk l-istituzzjoni ġġarrab riskju ta' likwidità f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz li hija tkopri billi żżomm dawn l-assi likwidi;

(ii) banek ċentrali u entitajiet tas-settur pubbliku mhux tal-gvern ċentrali fil-munita domestika tal-bank ċentrali u l-entità tas-settur pubbliku;

(iii) il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Kummissjoni u banek multilaterali tal-iżvilupp;

(iv) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ul-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(d) assi trasferibbli li huma ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin.

(e) faċilitajiet ta' kreditu ta' riżerva mogħtija minn banek ċentrali fi ħdan l-ambitu tal-politika monetarja sal-punt li dawn il-faċilitajiet ma jiġux kollateralizzati minn assi linkwidi u eskluża l-assistenza ta' likwidità ta' emerġenza

(f) jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni lil netwerk skont id-dispożizzjonijiet legali jew statutorji, id-depożiti minimi legali jew statutorji mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew finanzjament likwidu disponibbli kuntrattwalment jew statutorju ieħor mill-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew istituzzjonijiet li huma membri tan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 113 (7), jew eliġibbli għar-rinunzja prevista mill-Artikolu 10, sa fejn dan il-finanzjament ma jiġix kollateralizzat minn assi likwidi.

Sakemm tinħareġ speċifikazzjoni ta' definizzjoni uniformi skont l-Artikolu 460 ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin u għoljin ħafna, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw huma stess assi trasferibbli f'munita partikolari li jkunu ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin jew għoljin ħafna, rispettivament. Sakemm tinħareġ speċifikazzjoni ta' definizzjoni uniformi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara li jikkunsidraw il-kriterji elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5) jipprovdu gwida ġenerali li l-istituzzjonijiet għandhom isegwu sabiex jidentifikaw l-assi ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin u għoljin ħafna. Finnuqqas ta' tali gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi għal dan il-għan, inklużi xi wħud mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5).

2. Dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala assi likwidi:

(a) assi li jinħarġu minn istituzzjoni ta' kreditu sakemm ma jissodisfawx waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4) jew (5) jew strumenti sostnuti minn assi jekk jintwera li huma tal-ogħla kwalità kreditizja kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3), (4) u (5)

(ii) huma bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE li mhumiex dawk imsemmija fil-punt (i) ta' dan il-punt;

(iii) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet stabbilita minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru u dak il-gvern ikollu obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-istituzzjoni u li jżomm l-vijabbiltà tagħha tul ħajjitha; jew l-assi jkun garantit b'mod espliċitu minn dak il-gvern; jew mill-anqas 90 % tas-self mogħti mill-istituzzjoni jkun garantit direttament jew indirettament minn dak il-gvern u l-assi jkun użat b'mod predominanti sabiex jiġi ffinanzjat self promozzjonali mogħti fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' dak il-gvern;

(b) assi li huma provduti bħala kollateral lill-istituzzjoni taħt transazzjonijiet repo b'lura u li jiffinanzjaw it-titoli u li huma miżmuma mill-istituzzjoni biss bħala mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu u li mhumiex legalment u kontrattwalment disponibbli għall-użu mill-istituzzjoni;

(c) assi maħruġa minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ditta ta' investiment;

(ii) impriża tal-assigurazzjoni;

(iii) kumpannija holding finanzjarja;

(iv) kumpannija holding finanzjarja mħallta;

(v) kwalunkwe entità oħra li twettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE bħala n-negozju ewlieni tagħha.

3. Skont il-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw dawk l-assi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin bħala assi likwidi:

(a) huma ħielsa minn kull irbit u jinsabu disponibbli fi ħdan aggregazzjonijiet ta' kollateral biex jintużaw għall-kisba ta' fondi addizzjonali taħt linji ta' kreditu disponibbli għall-istituzzjoni li jkunu impenjati iżda għad mhux iffinanzjati;

(b) ma jinħarġux mill-istituzzjoni nnifisha jew istituzzjonijiet prinċipali jew sussidjarji tagħha jew sussidjarja oħra tal-istituzzjonijiet prinċipali tagħha jew kumpannija holding finanzjarja prinċipali;

(c) ikun hemm qbil ġenerali bejn il-parteċipanti tas-suq dwar il-prezz tagħhom li jkun jista' faċilment jiġi osservat fis-suq, jew il-prezz tagħhom jista' jiġi determinat minn formula li tkun faċli biex tiġi kkalkulata bbażata fuq inputs pubblikament disponibbli u li ma tkunx tiddependi fuq suppożizzjonijiet solidi kif inhu tipikament il-każ għall-prodotti strutturati jew eżotiċi;

(d) ikunu kollateral eliġibbli għal operazzjonijiet ta' likwidità standard ta' bank ċentrali fi Stat Membru jew jekk l-assi likwidi jinżammu biex jissodisfaw il-ħruġ tal-likwidità fil-munita ta' pajjiż terz, tal-bank ċentrali ta' dak il-pajjiż terz;

(e) huma kkwotati f'borża rikonoxxuta jew huma kummerċjabbli fuq bejgħ attiv dirett jew permezz ta' sempliċi ftehim ta' xiri mill-ġdid fi swieq ta' xiri mill-ġdid approvati. Dawn il-kriterji għandhom ikunu vvalutati separatament għal kull suq.

Il-kondizzjonijiet imsemmijin fil-punti (c), (d) u (e) tal-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikawx għall-assi msemmijin fil-punt(e) tal-paragrafu 1.

Il-kondizzjoni msemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika fil-każ ta' assi likwidi miżmuma biex jissodisfaw il-ħruġ ta' likwidità f'munita li fiha jkun hemm definizzjoni stretta ħafna ta' eliġibbiltà tal-bank ċentrali. Fil-każ ta' assi likwidi denominati f'muniti ta' pajjiżi terzi, din l-eċċezzjoni għandha tapplika u tapplika biss jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz japplikaw l-istess eċċezzjoni jew waħda ekwivalenti.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' likwidità vinkolanti skont l-Artikolu 460 u skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw dwar:

(a) assi oħra mhux eliġibbli iżda kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ekwitajiet u deheb abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi xi wħud mill-kriterji elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5) jew kollha kemm huma;

(b) assi oħra eliġibbli u kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ma huma strumenti sostnuti minn assi tal-ogħla kwalità kreditizja kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3, (4) u (5);

(c) assi oħra eliġibbli u iżda mhux kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ma huma pretensjonijiet ta' kreditu kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3), (4) u (5).

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenkaw il-muniti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fit-tielet subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dak it-trattament qabel 1 ta' Jannar 2014.

6. L-ishma jew l-unitajiet fis-CIUs jistgħu jiġu ttrattati bħala assi likwidi sa ammont assolut ta' EUR 500 miljun fil-portafoll tal-assi likwidi ta' kull istituzzjoni bil-kondizzjoni li jintlaħqu r-rekwiżiti fl-Artikolu 132(3) u li s-CIU, minbarra d-derivati għall-mitigazzjoni tar-rata tal-imgħax jew tar-riskju tal-kreditu jew tal-valuta, tinvesti biss f'assi likwidi kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-użu jew l-użu potenzjali minn CIU ta' strumenti ta' derivati biex jiġu koperti r-riskji tal-investimenti permessi m'għandux iwaqqaf lil dik is-CIU milli tkun eliġibbli. Fejn il-valur tal-ishma jew tal-unitajiet tas-CIU mhux ipprezzat regolarment skont il-valur fis-suq mill-partijiet terzi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 418(4) u l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li istituzzjoni tkun żviluppat metodoloġiji u proċessi robusti għal tali valutazzjoni kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 418(4), l-ishma jew l-unitajiet f'dik is-CIU m'għandhomx jiġu ttrattati bħala assi likwidi.

7. Meta assi likwidu ma jibqax eliġibbli fl-istokk ta' assi likwidi, istituzzjoni xorta waħda tista' tkompli tqisu bħala assi likwidu għal perijodu addizzjonali ta' 30 ġurnata tal-kalendarju. Fejn assi likwidu f'CIU ma jibqax eliġibbli għat-trattament imsemmi fil-paragrafu 6, l-ishma jew l-unitajiet fis-CIU jistgħu madankollu jitqiesu bħala assi likwidu għal perijodu addizzjonali ta' 30 ġurnata dment li dawk l-assi ma jkunux iktar minn 10 % tal-assi ġenerali tas-CIU.

*Artikolu 417*

**Rekwiżiti operattivi għall-holdings f'assi likwidi**

L-istituzzjoni għandha tirrapporta biss bħala assi likwidi dawk il-holdings ta' assi likwidi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu diversifikati kif xieraq. Id-diversifikazzjoni mhix meħtieġa f'termini ta' assi korrispondenti għall-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(b) ikunu disponibbli minnufih b'mod legali u prattiku fi kwalunkwe ħin matul it-30 ġurnata li jmiss biex jiġu likwidati permezz bejgħ dirett jew permezz ta' ftehimsemplici ta' xiri mill-ġdid fi swieq ta' xiri mill-ġdid approvat sabiex jintlaħqu l-obbligi li jkunu qed isiru dovuti. L-assi likwidi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 416(1) li jinżammu f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferiment jew li jkunu denominati f'muniti mhux konvertibbli għandhom jitqiesu disponibbli biss sakemm jikkorrispondu għall-ħruġ fil-pajjiż terz jew fil-munita inkwistjoni, dment li l-istituzzjoni ma tkunx tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li hija tkun kopriet adegwatament ir-riskju tal-valuta li jirriżulta;

(c) l-assi likwidi jkunu kkontrollati minn funzjoni tal-ġestjoni tal-likwidità;

(d) parti mill-assi likwidi ħlief dawk imsemmija fil-punti (a), (c) u (e) tal-Artikolu 416(1), tkun perijodikament u mill-anqas darba fis-sena likwidata permezz ta' bejgħ dirett jew permezz ta' ftehimiet sempliċi ta' xiri mill-ġdid f'suq ta' xiri mill-ġdid approvat għall-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi ttestjat l-aċċess ta' dawn l-assi għas-suq;

(ii) sabiex tiġi ttestjata l-effikaċja tal-proċessi tagħha għal-likwidazzjoni tal-assi;

(iii) sabiex jiġi ttestjat il-fatt ta' kemm jistgħu jintużaw l-assi;

(iv) sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' senjalar negattiv matul perijodu ta' stress;

(e) ir-riskji tal-prezzijiet assoċjati mal-assi jistgħu jiġu koperti iżda l-assi likwidi huma soġġetti għal arranġamenti interni xierqa li jiżguraw li jkunu disponibbli minnufih għat-teżor meta jkun meħtieġ u b'mod speċjali li huma ma jkunux ser jintużaw f'operazzjonijiet oħra li jkunu għaddejjin, fosthom:

(i) jew strateġiji oħra ta' negozjar;

(ii) biex jissaħħaħ il-kreditu fi transazzjonijiet strutturati;

(iii) jkopru l-ispejjeż operazzjonali.

(f) id-denominazzjoni tal-assi likwidi tkun konsistenti mad-distribuzzjoni skont il-munita tal-flussi 'l barra tal-likwidità wara t-tnaqqis tal-flussi 'il ġewwa.

*Artikolu 418*

**Il-valutazzjoni tal-assi likwidi**

1. Il-valur ta' assi likwidu li jrid jiġi rrappurtat għandu jkun il-valur tas-suq tiegħu, soġġett għal telf impost xieraq li mill-anqas jirrefletti t-tul taż-żmien, il-kreditu u r-riskju ta' likwidità u t-telf impost tar-repo tipiku f'perijodi ta' stress ġenerali fis-suq. It-telf impost ma għandux ikun inqas minn 15 % għall-assi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 416(1). Jekk istituzzjoni tkopri r-riskju tal-prezzijiet assoċjat ma' assi, hija għandha tikkunsidra l-fluss tal-flus li jirriżulta mill-għeluq potenzjali tal-kopertura.

2. L-ishma jew unitajiet fis-CIUs kif imsemmija fl-Artikolu 416(6) għandhom ikunu soġġetti għal telf impost, imqassam (looking through) fuq l-assi sottostanti kif ġej:

(a) 0 % għall-assi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 416(1);

(b) 5 % għall-assi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(c) 20 % għall-assi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 416(1).

3. L-approċċ "look-through" imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi applikat kif ġej:

(a) fejn l-istituzzjoni tkun konxja tal-iskoperturi sottostanti ta' CIU, hija tista' tirreferi direttament għal dawk l-iskoperturi sottostanti sabiex tassenjahom għall-punt (a) sa (d) tal-Artikolu 416(1);

(b) fejn l-istituzzjoni ma tkunx konxja tal-iskoperturi sottostanti ta' CIU, għandu jiġi preżunt li s-CIU tinvesti, sal-massimu li huwa permess skont il-mandat tagħha, f'ordni dixxendenti fit-tipi tal-assi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 416(1) sakemm jintlaħaq il-limitu massimu ta' investiment totali.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw metodoloġiji u proċessi sodi biex jikkalkulaw u jirrappurtaw il-valur tas-suq u l-haircuts għal ishma jew unitajiet f'CIUs. Biss fejn dawn jistgħu juru, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-materjalità tal-iskopertura ma tiġġustifikax l-iżvilupp tal-metodoloġiji tagħhom stess, l-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq il-partijiet terzi li ġejjin sabiex jikkalkulaw u jirrappurtaw it-telf impost għall-ishma jew l-unitajiet fis-CIUs, skont il-metodi stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3:

(a) l-istituzzjoni depożitorja tas-CIU bil-kondizzjoni li s-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha ma'din l-istituzzjoni depożitarja;

(b) għal CIUs oħra, il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU, bil-kondizzjoni li l-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3)(a).

Il-korrettezza tal-kalkoli mill-istituzzjoni depożitorja jew mill-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

*Artikolu 419*

**Muniti b'limitazzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' assi likwidi**

1. L-ABE għandha tivvaluta d-disponibbiltà, għall-istituzzjonijiet, tal-assi likwidi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 416(1) fil-muniti li huma rilevanti għall-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni.

2. Fejn il-ħtiġijiet ġustifikati għal assi likwidi fid-dawl tar-rekwiżit fl-Artikolu 412 ikunu jaqbżu d-disponibbiltà ta' dawk l-assi likwidi f'munita, għandha tapplika deroga waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) b'deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 417, id-denominazzjoni tal-assi likwidi tista' tkun inkonsistenti mad-distribuzzjoni skont il-munita tal-ħruġ tal-likwidità wara t-tnaqqis tad-dħul;

(b) għall-muniti ta' Stat Membru jew ta' pajjiżi terzi, l-assi likwidi meħtieġa jistgħu jiġu sostitwiti minn linji ta' kreditu mill-bank ċentrali ta' dak l-Istat Membru jew tal-pajjiż terz, li jkunu impenjati kuntrattwalment u b'mod irrevokabbli għat-30 ġurnata li jmiss u li jkunu pprezzati b'mod ġust, indipendentement mill-ammont attwalment miġbud, dment li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jagħmlu l-istess u dak l-Istat Membru jew il-pajjiż terz ikollu fis-seħħ rekwiżiti ta' rappurtar komparabbli.

3. Id-derogi applikati skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu proporzjonati b'mod invers għad-disponibbiltà tal-assi rilevanti. Il-ħtiġijiet ġustifikati tal-istituzzjonijiet għandhom jiġu vvalutati b'kont meħud tal-kapaċità tagħhom li jnaqqsu, permezz ta' ġestjoni tajba tal-likwidità, il-ħtieġa għal dawk l-assi likwidi u l-holdings f'dawk l-assi minn parteċipanti oħra fis-suq.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenka l-muniti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-derogi imsemmijin fil-paragrafu 2 inklużi l-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tagħhom.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 420*

**Flussi 'l barra ta' likwidità**

1. Sakemm jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' likwidità skont l-Artikolu 460, il-flussi 'l barra ta' likwidità li għandhom jiġu rapportati għandhom jinkludu:

(a) l- ammont attwali pendenti għad-depożiti fil-livell ta' konsumatur kif stabbilit fl-Artikolu 421;

(b) l- ammonti attwali pendenti ta' obbligazzjonijiet oħra li jsiru dovuti, jistgħu jissejħu għall-ħlas mill-istituzzjonijiet emittenti jew mill-fornitur tal-finanzjament jew jinvolvu aspettattiva impliċita tal-fornitur tal-finanzjament li matul it-30 ġurnata li jmiss l-istituzzjoni tkun trid thallas lura l-obbligazzjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 422;

(c) il-flussi 'l barra addizzjonali msemmi fl-Artikolu 423;

(d) l- ammont massimu li jista' jinġibed matul it-30 ġurnata li jmiss minn kreditu impenjat mhux miġbud u l-faċilitajiet tal-likwidità, kif stabbilit fl-Artikolu 424;

(e) il-flussi 'l barra addizzjonali identifikati fil-valutazzjoni skont il-paragrafu 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw b'mod regolari l-probabbiltà u l-volum potenzjali ta' flussi 'l barra ta' likwidità matul it-30 ġurnata li jmiss fir-rigward ta' prodotti jew servizzi, li mhumiex koperti mill-Artikoli 422, 423 u 424 u li huma joffru jew jisponsorjaw jew li xerrejja potenzjali jikkunsidrawhom bħala assoċjati magħhom, inkluż iżda mhux limitati għal flussi 'l barra ta' likwidità li jirriżultaw minn kwalunkwe arranġament kuntrattwali bħal obbligazzjonijiet oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jew obbligazzjonijiet ta' finanzjament kontinġenti, inklużi, iżda mhux limitati għal, faċilitajiet ta' finanzjament impenjat, self mhux miġbud u avvanzi lil kontropartijiet bl-ingrossa, ipoteki li ġew miftiehma iżda li għadhom ma ttiħdux, karti tal-kreditu, self kurrenti, ħruġ ippjanat marbut mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi, ammonti pagabbli ta' derivati ppjanati u l-prodotti marbutin mal-finanzjament tal-kummerċ barra mill-karta tal-bilanċ, kif imsemmi fl-Artikolu 429 u fl-Anness I. Dawn il-flussi 'l barra għandhom jiġu vvalutati bis-suppożizzjoni ta' xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu.

Għal din il-valutazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari d-dannu materjali fir-reputazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill- fatt li ma jkunux ingħata appoġġ ta' likwidità lil tali prodotti jew servizzi. Mill-anqas darba fis-sena, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti dawk il-prodotti u s-servizzi li l-probabbiltà u l-volum potenzjal tagħhom ta' rati ta' flussi 'l barra ta' likwidità imsemmija fl-ewwel subparagrafu jkunu materjali u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-flussi 'l barra li jridu jiġu assenjati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw rata ta' flussi 'l barra ta' mhux aktar minn 5 % għall-prodotti marbutin mal-finanzjament tal-kummerċ barra mill-karta tal-bilanċ, kif imsemmi fl-Artikolu 429 u l-Anness I.

Mill-anqas darba fis-sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ABE t-tipi ta' prodotti jew servizzi li għalihom ikunu ddeterminaw il-flussi 'l barra abbażi tar-rapporti mill-istituzzjonijiet. F'dak ir-rapport huma għandhom jispjegaw ukoll il-metodoloġija applikata sabiex jiġu determinati l-flussi 'l barra.

*Artikolu 421*

**Flussi 'l barra fuq depożiti fil-livell ta' konsumatur**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw b'mod separat l-ammont ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz, u jimmultiplikaw b'mill-inqas 5 % fejn id-depożitu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ikun parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli;

(b) jinżamm f'kont ta' transazzjoni, inklużi kontijiet li fihom jiġu kkreditati salarji b'mod regolari.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw depożiti oħrajn fil-livell ta' konsumatur li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1 b'tal-inqas 10 %.

3. Sal-1 ta' Jannar 2014, l-ABE għandha toħroġ linji gwida, li jqisu l-imġiba tad-depożitanti lokali kif ikkomunikat mill-awtoritajiet kompetenti, dwar il-kriterji sabiex jiġu determinati l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti u d-definizzjonijiet ta' dawk il-prodotti għall-finijiet ta' dan it-Titolu. Dawk il-linji gwida għandhom jikkunsidraw il-probabbiltà li dawn id-depożiti jwasslu għall-flussi 'l barra ta' likwidità matul it-30 ġurnata li jmiss. Dawn il-flussi 'l barra għandhom jiġu vvalutati bis-suppożizzjoni ta' xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw id-depożiti fil-livell ta' konsumatur li jkunu ħadu f'pajjiżi terzi b'perċentwal ogħla minn dak speċifikat f'dawk il-paragrafi jekk tali perċentwal ikun ipprovdut b'rekwiżiti komparabbli ta' rappurtar mill-pajjiż terz.

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu ċerti kategoriji ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur li jkunu ċirkoskritti b'mod ċar mill-kalkolu tal-flussi 'l barra sakemm l-istituzzjoni tapplika dejjem b'mod rigoruż dan li ġej għall-kategorija kollha ta' dawk id-depożiti, għajr f'ċirkustanzi ta' diffikultà għad-depożitant li jkunu ġew ġustifikati b'mod individwali:

(a) għal 30 ġurnata, id-depożitant ma jitħalliex jiġbed id-depożitu; jew

(b) għal prelevamenti kmieni fi żmien 30 ġurnata, id-depożitant irid iħallas penali li tinkludi t-telf ta' imgħax bejn id-data tal-prelevament u d-data tal-maturità kuntrattwali biż-żieda ta' penali materjali li m'għandhiex għalfejn taqbeż l-imgħax dovut għaż-żmien li jkun għadda bejn id-data tad-depożitu u d-data tal-prelevament.

*Artikolu 422*

**Ħruġ ta' flus fuq obbligazzjonijiet oħrajn**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw b'0 % l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-infiq tal-operat tal-istituzzjoni stess.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn għoti ta' self garantit u t-transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 b':

(a) 0 % sal-valur tal-assi likwidi skont l-Artikolu 418 jekk ikunu kollateralizzati minn assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

(b) 100 % iżjed mill-valur tal-assi likwidi skont l-Artikolu 418, jekk ikunu kollateralizzati b'assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

(c) 100 % jekk ikunu kollateralizzati b'assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416, għajr għal transazzjonijiet koperti mill-punti (d) u (e) ta' dan il-paragrafu;

(d) 25 % jekk ikunu kollateralizzati b'assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416 u l-mutwanti jkun il-gvern ċentrali, entità tas-settur pubbliku fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu kienet awtorizzata jew fejn stabbilixxiet fergħa, jew bank multilaterali tal-iżvilupp. L-entitajiet tas-settur privat li jirċievu dak it-trattament għandhom ikunu limitati għal dawk li għandhom piż ta' riskju ta' 20 % jew anqas skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-Parti Tlieta;

(e) 0 % jekk il-mutwanti jkun gvern ċentrali.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn depożiti li jridu jinżammu:

(a) mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar, kustodja jew ta' mmaniġjar tal-flus jew komparabbli oħra mill-istituzzjoni;

(b) fil-kuntest ta' qsim ta' kompiti komuni fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) jew bħala depożitu minimu legali jew statutorju minn entità oħra li tkun Membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali;

(c) mid-depożitant fil-kuntest ta' relazzjoni operattiva stabbilita għajr dik imsemmija fil-punt (a);

(d) mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali u fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tappartjeni lil netwerk skont dispożizzjonijiet legali jew statutorji;

b'5 % fil-każ tal-punt (a) sa fejn ikunu koperti minn Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz u b'25 % f'każijiet oħra.

Depożiti minn istituzzjonijiet ta' kreditu magħmula ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali li huma meqjusin bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416(1)(f) għandhom jiġu mmultiplikati b'rata ta' 100 % tal-flussi 'l barra.

4. Is-servizzi ta' kklerjar, ta' kustodja jew ta' mmaniġjar tal-flus jew servizzi oħra komparabbli msemmijin fil-punti (a) u (d) tal-paragrafu 3 jkopru biss tali servizzi sakemm dawn jitwettqu fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita li fuqha d-depożitant ikollu dipendenza sostanzjali. Ma għandhomx jikkonsistu sempliċement f'servizzi bankarji korrispondenti jew ta' senserija primarja u l-istituzzjoni għandu jkollha provi li l-klijent ma jistax jiġbed l-ammonti legalment dovuti fuq perijodu ta' 30 ġurnata mingħajr ma jikkomprometti l-funzjonament operattiv tagħha.

Fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi ta' relazzjoni operattiva stabbilita kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 3, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu huma stess il-kriterji sabiex jidentifikaw relazzjoni operattiva stabbilita skont liema jkollhom il-provi li l-klijent ma jistax jiġbed l-ammonti legalment dovuti fuq perijodu ta' 30 ġurnata mingħajr ma jikkomprometti l-funzjonament operattiv tagħhom u għandhom jirrappurtaw dawn il-kriterji lill-awtoritajiet kompetenti. Fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu gwida ġenerali li l-istituzzjonijiet għandhom isegwu sabiex jidentifikaw id-depożiti miżmuma mid-depożitant fil-kuntest ta' relazzjoni operattiva stabbilita.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw b'40 % l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn depożiti ta' klijenti li ma jkunux klijenti finanzjarji sakemm dawn l-obbligazzjonijiet ma jaqgħux taħt il-paragrafi 3 u 4 u għandhom jimmultiplikaw b'20 % dawn l-obbligazzjonijiet koperti mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-flussi 'l barra u ta' dħul mistennija fuq il-perijodu ta' 30 ġurnata mill-kuntratti elenkati fl-Anness II fuq bażi netta għall-kontropartijiet kollha u għandhom jimmultiplikawhom b'100 % fil-każ ta' fluss 'il barra nett. Bażi netta għandha tfisser ukoll in-nett tal-kollateral li għandu jiġi riċevut li jikkwalifika bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw b'mod separat l-obbligazzjonijiet l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafi 1 sa 5.

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess sabiex jiġi applikat perċentwal iżgħar ta' fluss 'il barra fuq bażi każ b'każ, għall-obbligazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 7 meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-depożitant huwa:

(i) istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali;

(ii) marbut mal-istituzzjoni permezz ta' relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE;

(iii) istituzzjoni li taqa' fi ħdan l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7);

(iv) l-istituzzjoni ċentrali jew membru f'netwerk f'konformità mal-Artikolu 400(2)(d);

(b) ikun hemm raġunijiet għalfejn wieħed jistenna fluss 'l barra aktar baxx fuq it-30 ġurnata li jmiss anki f'xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu;

(c) b'deroga mill-Artikolu 425 d-depożitant japplika fluss 'il ġewwa simetriku korrispondenti u aktar konservattiv;

(d) l-istituzzjoni u d-depożitant ikunu stabbiliti fl-istess Stat Membru.

9. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) tal-paragrafu 8 fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 20(1). F'dak il-każ għandhom jintlaħqu l-kriterji oġġettivi addizzjonali kif stabbiliti fl-att ddelegat imsemmi fl-Artikolu 460. Fejn tali fluss 'il barra iktar baxx jista' jiġi applikat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar ir-riżultat tal-proċess imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 20(1). It-twettiq tal-kondizzjonijiet għal tali fluss 'l barra aktar baxxi għandu jiġu riveduti b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti.

10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-kriterji oġġettivi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 9.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 423*

**Flussi 'l barra Addizzjonali**

1. Kollateral għajr l-assi msemmija fl-Artikolu 416(1)(a), (b) u (c), li jiġi depożitat mill-istituzzjoni għall-kuntratti elenkati fl-Anness II u derivattivi tal-kreditu, għandu jkun soġġett għal fluss 'il barra addizzjonali ta' 20 %.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-kuntratti kollha li jkunu saru fejn il-kondizzjonijiet kuntrattwali tagħhom iwasslu, fi żmien 30 ġurnata, għal flussi 'l barra ta' likwidità jew ħtiġijiet addizzjonali ta' kollateral b'segwitu għal degradazzjoni materjali fil-kwalità tal-kreditu tal-istituzzjoni. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw tali kuntratti materjali għall-flussi 'l barra potenzjali ta' likwidità tal-istituzzjoni, huma għandhom jeħtieġu li l-istituzzjoni żżid fluss 'il barra addizzjonali għal dawk il-kuntratti li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet kollaterali addizzjonali li jirriżultaw minn degradazzjoni materjali fil-kwalità tal-kreditu tal-istituzzjoni bħal deklassament ta' tliet livelli fil-valutazzjoni tal-kreditu esterna tagħha. L-istituzzjoni għandha regolarment tirrevedi d-daqs ta' din id-degradazzjoni materjali fid-dawl ta' dak li hu rilevanti taħt il-kuntratti li tkun daħlet għalihom u għandha tinnotifika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-istituzzjoni għandha żżid fluss 'il barra addizzjonali li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet kollaterali li jirriżultaw mill-impatt ta' xenarju negattiv tas-suq fuq it-transazzjonijiet ta' derivati, it-transazzjonijiet ta' finanzjament u kuntratti oħra tal-istituzzjoni jekk ikunu materjali.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex jiġu determinati l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni fir-rigward tal-kunċett tal-materjalità u l-metodi għall-kalkolu ta' dan il-fluss 'il barra addizzjonali.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. L-istituzzjoni għandha żżid fluss 'il barra addizzjonali li jikkorrispondi għall-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħra mibjugħa bin-nieqes u li għandhom jiġu konsenjati fil-perijodu ta' 30 ġurnata sakemm l-istituzzjoni ma tkunx is-sid tat-titoli li jridu jiġu konsenjati jew tkun isselfithom b'termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara l-perijodu ta' 30 ġurnata u t-titoli ma jiffurmawx parti mill-assi likwidi tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjoni għandha żżid fluss 'il barra addizzjonali li jikkorrispondi għall-:

(a) kollateral eċċessiv miżmum mill-istituzzjoni li jista' jissejjaħ kuntrattwalment fi kwalunkwe waqt mill-kontroparti;

(b) kollateral li huwa dovut li għandu jintradd lill-kontroparti;

(c) kollateral li jikkorrispondi għall-assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416 li jistgħu jiġu sostitwiti għal assi li jikkorrispondu għal assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416 mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni.

6. Id-depożiti rċevuti bħala kollateral m'għandhomx jitqiesu bħala obbligazzjonijiet għall-finijiet tal-Artikolu 422 iżda għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu meta applikabbli.

*Artikolu 424*

**Flussi 'l barra minn faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw flussi 'l barra minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati u faċilitajiet ta' likwidità impenjati, li għandhom jiġu determinati bħala perċentwal tal-ammont massimu li jista' jinġibed matul it-30 ġurnata li jmiss. Dan l-ammont massimu li jista' jinġibed jista' jiġi vvalutat wara li jitnaqqas kull rekwiżit ta' likwidità obbligat skont l-Artikolu 420(2) għall-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għall-finanzjament tal-kummerċ u wara li jitnaqqas il-valur skont l-Artikolu 418 tal-kollateral li għandu jiġi pprovdut jekk l-istituzzjoni tista' tuża mill-ġdid il-kollateral u jekk il-kollateral ikun fil-forma ta' assi likwidi skont l-Artikolu 416. Il-kollateral li jrid jiġi pprovdut ma għandux ikun assi maħruġ mill-kontroparti tal-faċilità jew waħda mill-entitajiet affiljati tagħha. Jekk l-informazzjoni neċessarja tkun disponibbli għall-istituzzjoni, l-ammont massimu li jista' jinġibed għall-faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità għandu jiġi determinat bħala l-ammont massimu li jista' jinġibed minħabba obbligi proprji tal-kontroparti jew minħabba l-iskeda predefinita kuntrattwali għall-ġbid ta' self li jkunu ser isiru dovuti matul it-30 ġurnata li jmiss.

2. L-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss għandu jiġi multiplikat b'5 % jekk dawn jikkwalifikaw għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur skont l-approċċ Standardizzat jew IRB għar-riskju tal-kreditu.

3. L-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss għandu jiġi multiplikat b'10 % meta dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jikkwalifikawx għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur skont l-approċċ Standardizzat jew IRB għar-riskju tal-kreditu;

(b) ikunu pprovduti lill-klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji;

(c) ma jkunux ingħataw sabiex jiġi sostitwit il-finanzjament tal-klijent f'sitwazzjonijiet fejn ma jistax jikseb ir-rekwiżiti ta' finanzjament tiegħu fis-swieq finanzjarji.

4. L-ammont impenjat ta' faċilità ta' likwidità li ngħata lill-SSPE biex din l-SSPE tkun tista' tixtri assi li mhumiex titoli minn klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji għandhom jiġu multiplikati b'10 % sal-punt li dan jaqbeż l-ammont ta' assi attwalment mixtrija mill-klijenti u fejn l-ammont massimu li jista' jinġibed huwa kuntrattwalment limitat għall-ammont ta' assi attwalment mixtrija.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss. Dan japplika b'mod partikolari għal dawn li ġejjin:

(a) faċilitajiet ta' likwidità li l-istituzzjoni tat lill-SSPEs għajr dawk imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3;

(b) arranġamenti li bihom l-istituzzjoni tkun meħtieġa tixtri jew tisswapja assi minn SSPE;

(c) faċilitajiet estiżi għall-istituzzjonijiet tal-kreditu;

(d) faċilitajiet estiżi għall-istituzzjonijiet finanzjarji u ditti ta' investiment.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati mill-inqas minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru jistgħu japplikaw it-trattamenti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 anki fuq faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità li jingħataw lill-istituzzjonijiet għall-iskop uniku ta' finanzjament b'mod dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika għall-klassijiet ta' skopertura msemmija f'dawk il-paragrafi. B'deroga mill-punt (d) tal-Artikolu 425(2), fejn dak is-self promozzjonali jingħata permezz ta' istituzzjoni oħra bħala intermedjarja (self ittrasferit), l-istituzzjonijiet li jagħtu dak is-self promozzjonali lill-benefiċjarju finali jistgħu japplikaw fluss simetriku 'il ġewwa u 'l barra. Dak is-self promozzjonali għandu jkun disponibbli biss għal persuni li mhumiex klijenti finanzjarji fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jiġu promossi l-objettivi tal-politika pubblika tal-Unjoni u/jew tal-gvern ċentrali jew reġjonali ta' dak l-Istat Membru. Għandu jkun possibbli biss li jinġibdu minn tali faċilitajiet wara t-talba raġonevolment mistennija għal self promozzjonali u sal-ammont ta' tali talba marbuta ma' rappurtar sussegwenti dwar l-użu tal-fondi mogħtija.

*Artikolu 425*

**Flussi 'l ġewwa**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw il-flussi 'l ġewwa tal-likwidità tagħhom. Il-flussi 'l ġewwa b'limitu massimu tal-likwidità għandhom ikunu l-flussi 'l ġewwa tal-likwidità limitati għal 75 % tal-flussi 'l barra tal-likwidità. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw minn dan il-limitu flussi 'l ġewwa minn depożiti li jkunu saru ma' istituzzjonijiet oħra u li jikkwalifikaw għat-trattamenti stabbiliti fl-Artikolu 113(6) jew (7). L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw minn dan il-limitu flussi 'l ġewwa tal-likwidità minn flejjes dovuti minn mutwatarji jew investituri ta' bonds, relatati ma' self ipotekarju ffinanzjat minn bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4), (5) jew (6) jew b'bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw flussi 'l ġewwa minn self promozzjonali li l-istituzzjonijiet ikunu għaddew. Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali, istituzzjoni tista' teżenta parzjalment jew kompletament flussi 'l ġewwa meta l-fornitur ikun istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew konness mal-istituzzjoni b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE.

2. Il-flussi 'il ġewwa tal-likwidità għandhom jitkejlu fuq it-30 ġurnata li jmiss. Għandhom jiġu inklużi biss il-flussi 'il ġewwa kuntrattwali minn skoperturi li ma jkunux wara d-data tal-għeluq u li l-istituzzjoni ma jkollhiex raġuni għalfejn tistenna minnhom nuqqas ta' prestazzjoni matul il-perijodu ta' 30 ġurnata. Il-flussi 'il ġewwa ta' likwidità għandhom jiġu rapportati b'mod sħiħ bil-flussi 'il ġewwa li ġejjin jkunu rapportati separatament:

(a) flejjes dovuti minn klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji għall-finijiet tal-pagament tal-ammont kapitali għandhom jitnaqqsu b'50 % tal-valur tagħhom jew bl-impenji kuntrattwali lil dawk il-klijenti sabiex jiġi estiż il-finanzjament, liema minnhom ikun l-ogħla. Dan ma japplikax għal flejjes dovuti minn self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 li jkunu kollateralizzati minn assi likwidi skont l-Artikolu 416 kif imsemmi fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, l-istituzzjonijiet li jkunu rċevew impenn imsemmi fl-Artikolu 424(6) sabiex ikunu jistgħu jagħtu self promozzjonali lil riċevitur finali jistgħu jirrikonoxxu fluss 'il ġewwa sal-limitu ta' fluss 'il barra li huma japplikaw għall-impenn korrispondenti biex jagħtu dak is-self promozzjonali;

(b) flejjes dovuti minn transazzjonijiet li jiffinanzjaw in-negozju msemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 162(3) b'maturità reżidwa sa 30 ġurnata, għandhom jiġu kkunsidrati totalment bħala flussi 'il ġewwa;

(c) għandu jittieħed kont ta' assi b'data ta' skadenza kuntrattwali mhux definita bi fluss 'il ġewwa ta' 20 % dment li l-kuntratt jippermetti lill-bank li jippreleva u jitlob pagament fi żmien 30 ġurnata;

(d) flejjes dovuti minn self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 jekk ikunu kollateralizzati minn assi likwidi kif imsemmi fl-Artikolu 416(1), ma għandhomx jiġu kkunsidrati sal-valur nett tat-telf impost tal-assi likwidi u għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ għall-flejjes dovuti li jifdal;

(e) flejjes dovuti li l-istituzzjoni li għandha tagħti dawn il-flejjes tittrattahom skont l-Artikolu 422(3) u (4), għandhom jiġu mmultiplikati bi fluss simettriku 'l ġewwa korrispondenti;

(f) flejjes dovuti minn pożizzjonijiet fi strumenti ta' ekwità ta' indiċi prinċipali dment li l-assi likwidi ma jingħaddux darbtejn;

(g) kwalunkwe faċilità ta' kreditu jew ta' likwidità mhux miġbuda u kwalunkwe impenn ieħor riċevut m'għandux jiġi kkunsidrat.

3. Il-flussi 'l barra u l-flussi 'il ġewwa mistennija matul il-perijodu ta' 30 ġurnata mill-kuntratti elenkati fl-Anness II għandhom jiġu riflessi fuq bażi netta fost il-kontropartijiet u għandhom jiġu multiplikati b'100 % f'każ ta' fluss 'l ġewwa nett. Bażi netta għandha tfisser ukoll in-nett tal-kollateral li għandu jiġi riċevut li jikkwalifika bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416.

4. B'deroga mill-punt (g) tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess sabiex jiġi applikat, fluss 'il ġewwa ogħla fuq skont il-bażi għal faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna fluss 'il ġewwa ogħla anki taħt suq ikkombinat u stress idjosinkratiku tal-fornitur;

(b) il-kontroparti tkun istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew marbut mal-istituzzjoni permezz ta' relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE jew membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) ta' dan ir-Regolament jew l-istituzzjoni ċentrali jew membru ta' netwerk li hu soġġett għar-rinunzja msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

(c) fluss 'il barra korrispondenti simetriku jew iktar konservattiv ikun applikat mill-kontroparti b'deroga mill-Artikolu 422, 423 u 424;

(d) l-istituzzjoni u l-kontroparti huma stabbiliti fl-istess Stat Membru.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 4 fejn jiġi applikat l-Artikolu 20(1)(b). F'dak il-każ għandhom jintlaħqu kriterji oġġettivi addizzjonali kif stabbiliti fl-att iddelegat imsemmi fl-Artikolu 460. Fejn tali fluss 'il barra iktar baxx jista' jiġi applikat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar ir-riżultat tal-proċess imsemmi fl-Artikolu 20(1)(b). It-twettiq tal-kondizzjonijiet għal tali fluss 'l barra aktar baxxi għandu jiġu riveduti b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-kriterji oġġettivi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-istituzzjonijiet ma għandhom jirrappurtaw fluss 'il ġewwa mill-ebda wieħed mill-assi likwidi rrappurtati skont l-Artikolu 416 għajr il-pagamenti dovuti fuq l-assi li ma jkunux riflessi fil-valur tas-suq tal-ass.

8. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jirrappurtaw flussi 'il ġewwa minn ebda obbligu ġdid li jkunu daħlu għalih.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw biss il-flussi 'il ġewwa ta' likwidità li għandu jiġi riċevut f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferiment jew li jkun denominat f'muniti mhux konvertibbli sakemm jikkorrispondu għall-flussi 'l barra rispettivament fil-pajjiż terz jew fil-munita inkwistjoni.

*Artikolu 426*

### Aġġornament tar-rekwiżiti futuri dwar il-likwidità

Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' att iddelegat biex jispeċifika r-rekwiżit dwar il-likwidità skont l-Artikolu 460, l-ABE tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 421(1), l-Artikolu 422, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 8, 9 u 10 ta' dak l-Artikolu, u l-Artikolu 424 biex jittieħed kont tal-istandards maqbula internazzjonalment.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU III

## RAPPURTAR DWAR FINANZJAMENT STABBLI

*Artikolu 427*

### Elementi li jipprovdu finanzjament stabbli

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415(1) u l-formats uniformi ta' rappurtar imsemmija fl-Artikolu 415(3), l-elementi li ġejjin u l-komponenti tagħhom sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' finanzjament stabbli:

(a) il-fondi proprji li ġejjin, wara li jiġi applikat it-tnaqqi,s fejn adatt:

(i) strumenti ta' kapital ta' Grad 1;

(ii) strumenti ta' kapital ta' Grad 2;

(iii) ishma privileġġati u strumenti ta' kapital oħrajn li jaqbżu l-ammont awtorizzat mill-Grad 2 li għandhom maturità effettiva ta' sena jew aktar;

(b) l-obbligazzjonijiet li ġejjin mhux inklużi fil-punt (a):

(i) depożiti fil-livell ta' konsumatur li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 421(1);

(ii) depożiti fil-livell ta' konsumatur li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 421(2)

(iii) depożiti li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 422 (3) u (4);

(iv) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li huma soġġetti għal skema ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'garanziji tad-depożiti ta' pajjiż terz fit-termini tal-Artikolu 421(2);

(v) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li jaqgħu taħt il-punt (b) fl-Artikolu 422(3);

(vi) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li jaqgħu taħt il-punt (d) fl-Artikolu 422(3);

(vii) ammonti depożitati li ma jaqgħux taħt il-punt (i), (ii) jew (iii) jekk ma jkunux depożitati minn klijenti finanzjarji;

(viii) il-finanzjament kollu miksub minn klijenti finanzjarji;

(ix) b'mod separat għall-ammonti li jaqgħu taħt il-punti (vii) u (viii) rispettivament, finanzjament minn għoti ta' self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192:

— kollateralizzati minn assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

— kollateralizzati minn kwalunkwe assi oħra;

(x) obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jew kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(xi) l-obbligazzjonijiet l-oħra li ġejjin li jirriżultaw minn titoli maħruġa li ma jaqgħux taħt punt (a):

— obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa b'maturità effettiva ta' sena jew aktar;

— obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa b'maturità effettiva ta' anqas minn sena,

(xii) kwalunkwe obbligazzjoni oħra.

2. Fejn applikabbli, l-elementi kollha għandhom jiġu ppreżentati fil-ħames taqsimiet li ġejjin skont liema jkunu l-aktar viċin id-data tal-maturità tagħhom u l-iktar data kmieni li fiha jistgħu jissejħu kuntrattwalment:

(a) fi żmien tliet xhur;

(b) bejn tliet xhur u sitt xhur;

(c) bejn sitt xhur u disa' xhur;

(d) bejn disa' xhur u 12-il xahar;

(e) wara 12-il xahar.

*Artikolu 428*

**Elementi li jeħtieġu finanzjament stabbli**

1. Sakemm ma jkunux imnaqqsin mill-fondi proprji, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti b'mod separat sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal finanzjament stabbli:

(a) l-assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416, maqsuma skont it-tip ta' ass;

(b) it-titoli u l-istrumenti tas-suq tal-flus li ġejjin li mhux inklużi fil-punt (a):

(i) assi li jikkwalifikaw għall-klassi ta' kreditu 1 skont l-Artikolu 122;

(ii) assi li jikkwalifikaw għall-klassi ta' kreditu 2 skont l-Artikolu 122;

(iii) assi oħrajn;

(c) titoli ta' ekwità ta' entitajiet li mhumiex finanzjarji elenkati fuq indiċi ewlieni f'borża rikonoxxuta;

(d) titoli ta' ekwità oħra;

(e) deheb;

(f) metall prezzjuż ieħor;

(g) self mhux rinovabbli u riċevibbli, u separatament dawk is-self mhux rinnovabbli u riċevibbli li għalihom il-mutwatarji huma:

(i) persuni fiżiċi għajr proprjetarji kummerċjali uniċi u soċjetajiet;

(ii) SMEs li jikkwalifikaw għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur taħt l-approċċi Standardizzati jew IRB għar-riskju tal-kreditu jew lejn kumpannija li hija eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 153(4) u fejn id-depożitu aggregat magħmul minn dak il-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi jkun ta' inqas minn EUR 1 miljun;

(iii) sovrani, banek ċentrali u entitajiet tas-settur pubbliku;

(iv) klijenti mhux imsemmija fil-punti (i) u (ii) għajr konsumaturi finanzjarji;

(v) klijenti mhux imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) li huma konsumaturi finanzjarji, u b'mod separat dawk li huma istituzzjonijiet ta' kreditu u konsumaturi finanzjarji oħrajn;

(h) self mhux rinnovabbli u riċevibbli msemmijin fil-punt(g), u b'mod separat dawk li huma:

(i) ikkollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali (CRE);

(ii) ikkollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali (RRE);

(iii) finanzjati permezz ta' finanzjament (pass-through) ta' tqabbil (match-funding) permezz ta' bonds eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jew permezz ta' bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(i) riċevibbli ta' derivati;

(j) assi oħra;

(k) faċilitajiet ta' kreditu kommessi mhux miġbuda li jikkwalifikaw bħala 'riskju medju' jew 'riskju medju/baxx' taħt l-Anness I.

2. Fejn applikabbli, l-elementi kollha għandhom jiġu ppreżentati fil-ħames taqsimiet deskritti fl-Artikolu 427(2).

PARTI SEBGĦA

**LIEVA**

*Artikolu 429*

**Kalkolu tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tagħhom skont il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafi 2 sa 11.

2. Il-proporzjon ta' lieva finanzjarja għandu jiġi kkalkulat bħala l-kalkolu tal-kapital ta' istituzzjoni diviż bil-kalkolu tal-iskopertura totali ta' dik l-istituzzjoni u għandu jiġi espress bħala perċentwal.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja bħala l-medja aritmetika sempliċi tal-proporzjonijiet ta' lieva finanzjarja ta' kull xahar fuq perijodu ta' tliet xhur.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-kejl kapitali għandu jkun il-kapital tal-Ewwel Grad.

4. Il-kalkolu tal-iskopertura totali huwa s-somma tal-valuri ta' skopertura tal-assi kollha u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ mhux imnaqqsa fid-determinazzjoni tal-kalkolu tal-kapital imsemmi fil-paragrafu 3.

Fejn l-istituzzjonijiet jinkludu entità tas-settur finanzjarju li fiha jkollha investiment sinifikanti skont l-Artikolu 43 fil-konsolidazzjoni tagħhom skont il-qafas applikabbli ta' kontabbiltà, iżda mhux fil-konsolidazzjoni prudenzjali tagħhom skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed, huma għandhom jiddeterminaw il-valur ta' skopertura għall-investiment sinifikanti mhux skont il-punt (a) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu iżda bħala l-ammont li jinkiseb billi jiġi multiplikat l-ammont definit fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu bil-koeffiċjent definit fil-punt (b) ta' dan is-subparagrafu:

(a) is-somma tal-valuri tal-iskopertura tal-iskoperturi kollha tal-entità tas-settur finanzjarju li fiha jinżamm l-investiment sinifikanti;

(b) għall-holdings diretti, indiretti u sintetiċi kollha tal-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-entità tas-settur finanzjarju, l-ammont totali ta' tali elementi mhux imnaqqsa skont l-Artikolu 47 u l-punt (b) tal-Artikolu 48(1), diviż bl-ammont totali ta' tali elementi.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-assi skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-valuri tal-iskopertura tal-assi esklużi l-kuntratti elenkati fl-Anness II u d-derivati tal-kreditu, tfisser valuri ta' skopertura skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 111(1);

(b) kollateral fiżiku jew finanzjarju, garanziji jew mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu mixtrija ma għandhomx jintużaw biex jitnaqqsu l-valuri tal-iskopertura tal-assi;

(c) ma għandux isir netting tas-self mad-depożiti.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fl-Anness II u tad-derivati tal-kreditu inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, skont il-metodu stabbilit fl-Artikolu 274.

Fid-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fl-Anness II u tad-derivati ta' kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-effetti tal-kuntratti għan-novazzjoni u ftehimiet oħra tan-netting, għajr ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti, skont l-Artikolu 295.

7. B'deroga mill-paragrafu 6, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu stabbilit fl-Artikolu 275 biex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fil-punti 1 u 2 tal-Anness II biss meta jużaw ukoll dak il-metodu sabiex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' dawk il-kuntratti bl-iskop li jintlaħqu r-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92.

8. Meta tiġi determinata l-iskopertura għall-kreditu futur potenzjali ta' derivati tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 299(2) għad-derivati tal-kreditu kollha tagħhom, mhux biss dawk assenjati għall-portafoll tan-negozjar.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet b'saldu fit-tul u transazzjonijiet ta' self b'marġni inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, skont l-Artikolu 220(1) sa (3) u l-Artikolu 222, u għandhom jieħdu kont tal-effetti ta' ftehimiet ewlenin ta' netting, ħlief ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti skont l-Artikolu 206.

10. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, għajr l-elementi msemmijiin fil-paragrafi 6 u 9 ta' dan l-Artikolu, skont l-Artikolu 111(1), soġġett għall-emendi li ġejjin għall-fatturi ta' konverżjoni elenkati f'dak l-Artikolu:

(a) il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-valur nominali għal faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud, li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr ebda notifika, imsemmija fil-punti 4(a) u (b) tal-Anness I, huwa ta' 10 %;

(b) il-fattur ta' konverżjoni għall-elementi mhux fil-karta tal-bilanċ relatati mal-finanzjament għall-kummerċ b'riskju medju/baxx kif imsemmi fil-punt 3(a) tal-Anness I u għall-elementi mhux fil-karta tal-bilanċ relatati ma' krediti tal-esportazzjoni appoġġat b'mod uffiċjali msemmijin fil-punt 3(b)(i) tal-Anness I huwa ta' 20 %;

(c) il-fattur ta' konverżjoni għall-elementi mhux fil-karta tal-bilanċ relatati mal-finanzjament għall-kummerċ b'riskju medju/baxx kif imsemmi fil-punti 2(a) u 2(b)(i) tal-Anness I u għall-elementi mhux fil-karta tal-bilanċ relatati ma' krediti tal-esportazzjoni appoġġat b'mod uffiċjali msemmijin fil-punt 2(b)(ii) tal-Anness I huwa ta' 50 %;

(d) il-fattur ta' konverżjoni għall-elementi l-oħra kollha li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ elenkati fl-Anness I, huwa ta' 100 %.

11. Meta l-prinċipji tal-kontabbiltà nazzjonali aċċettati b'mod ġenerali jirrikonoxxu assi fiduċjarji fuq il-karta tal-bilanċ, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 86/635/KEE, dawk l-assi jistgħu jiġu esklużi mill-miżura tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja tal-iskopertura totali sakemm dawn jissodisfaw il-kriterji għall-irtirar tar-rikonoxximent stipulati fl-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 39, kif applikabbli taħt ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, u, fejn applikabbli, il-kriterji għan-nuqqas ta' konsolidazzjoni stipulati fl-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 10, kif applikabbli taħt ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

*Artikolu 430*

**Rekwiżit ta' rappurtar**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kollha neċessarja dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja u l-komponenti tiegħu skont l-Artikolu 429. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw din l-informazzjoni meta jwettqu l-analiżi superviżorja msemmija fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tat-tħejjija tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 511.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu l-informazzjoni riċevuta mill-istituzzjonijiet lill-ABE meta din titlobha sabiex jiffaċilitaw l-analiżi msemmija fl-Artikolu 511.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex jiġu determinati l-mudell uniformi għar-rapportar, l-istruzzjonijiet dwar kif jintuża tali mudell, il-frekwenzi u d-dati tar-rappurtar u s-soluzzjonijiet tal-IT, għall-finijiet tar-rekwiżit ta' rappurtar stabbilit fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010

PARTI TMIENJA

**ŻVELAR MILL-ISTITUZZJONIJIET**

TITOLU I

**PRINĊIPJI ĠENERALI**

*Artikolu 431*

**Ambitu tar-rekwiżi tad-divulgazzjoni**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw b'mod pubbliku l-informazzjoni stabbilita fit-Titolu II, soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 432.

2. Il-permess mogħti mill-awtoritajiet kompetenti taħt il-Parti Tlieta għall-istrumenti u l-metodoloġiji msemmija fit-Titolu III għandu jkun soġġett għad-divulgazzjoni pubblika mill-istituzzjonijiet tal-informazzjoni kontenuta fih.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jadottaw politika formali sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti f'din il-Parti, u jkollhom politiki sabiex jivvalutaw l-adegwatezza tad-divulgazzjonijiet tagħhom, fosthom il-verifikazzjoni u l-frekwenza tagħhom. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom ukoll politiki sabiex jivvalutaw jekk id-divulgazzjonijiet tagħhom iwassalx il-profil tar-riskju tagħhom b'mod li jiftiehem lill-parteċipanti tas-suq.

Fejn dawn id-divulgazzjonijiet ma jwasslux il-profil tar-riskju b'mod li jiftiehem lill-parteċipanti tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw b'mod pubbliku l-informazzjoni meħtieġa flimkien ma' dik mitluba skont il-paragrafu 1. Madanakollu, huma għandhom ikunu meħtieġa jiddivulgaw biss informazzjoni li hija materjali u mhux informazzjoni proprjetarja jew kunfidenzjali skont l-Artikolu 432.

4. L-istituzzjonijiet għandhom, jekk jintalbu jagħmlu dan, jispjegaw id-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni tagħhom lill-SMEs u lil applikanti korporattivi oħra għal self, billi jipprovdu spjegazzjoni bil-miktub meta jintalbu jagħmlu dan. L-ispejjeż amministrattivi tal-ispjegazzjoni għandhom ikunu proporzjonali mad-daqs tas-self.

*Artikolu 432*

**Informazzjoni mhux materjali, proprjetarja jew kunfidenzjali**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra divulgazzjoni waħda jew aktar minn dawk elenkati fit-Titolu II jekk l-informazzjoni pprovduta minn tali divulgazzjonijiet ma tkunx meqjusa bħala materjali, għajr għad-divulgazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu435(2)(c), l-Artikolu 437 u l-Artikolu 450.

L-informazzjoni fid-divulgazzjonijiet għandha titqies bħala materjali jekk l-ommissjoni jew ir-rappurtaġġ skorrett tagħha tista' tibdel jew tinfluwenza l-valutazzjoni jew id-deċiżjoni ta' utent li joqgħod fuq dik l-informazzjoni sabiex jieħu deċiżjonijiet ekonomiċi.

L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2014 dwar kif l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-materjalità fir-rigward tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tat-Titolu II.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra wkoll element wieħed jew aktar mill-informazzjoni inkluża fid-divulgazzjonijiet elenkati fit-Titoli II u III jekk dawk l-elementi jinkludu informazzjoni li tkun meqjusa bħala proprjetarja jew kunfidenzjali skont it-tieni u t-tielet subparagrafi, għajr għad-divulgazzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 437 u 450.

L-informazzjoni għandha titqies bħala proprjetarja għal istituzzjoni jekk id-divulgazzjoni pubblika tagħha timmina l-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Din tista' tinkludi informazzjoni dwar prodotti jew sistemi li, jekk tinqasam mal-kompetituri, jonqos fihom il-valur tal-investimenti ta' istituzzjoni.

L-informazzjoni għandha titqies bħala kunfidenzjali jekk ikun hemm obbligi għall-klijenti jew għar-relazzjonijiet ma' kontropartijiet oħra li jorbtu lill-istituzzjoni bil-kunfidenzjalità.

L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2014 dwar kif l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-proprjetarjetà u l-kunfidenzjalità fir-rigward tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tat-Titolu II u III.

3. Fil-każijiet eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 2, fid-divulgazzjonijiet tagħha l-istituzzjoni konċernata għandha tiddikjara l-fatt li l-elementi speċifiċi tal-informazzjoni mhumiex divulgati, ir-raġuni għal dan in-nuqqas ta' divulgazzjoni, u tippubblika informazzjoni aktar ġenerali dwar is-suġġett tar-rekwiżit ta' divulgazzjoni, ħlief fejn dawn iridu jiġu kklassifikati bħala proprjetarji jew kunfidenzjali.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għall-ambitu tar-responsabbiltà għan-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni materjali.

*Artikolu 433*

**Frekwenza tad-divulgazzjoni**

L-istituzzjonijiet għandhom jippubblikaw id-divulgazzjonijiet meħtieġa minn din il-Parti mill-inqas darba fis-sena.

Id-divulgazzjonijiet annwali għandhom jiġu ppubblikati flimkien mad-data tal-pubblikazzjoni tar-rapporti finanzjarji.

L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-ħtieġa li jippubblikaw uħud mid-divulgazzjonijiet jew id-divulgazzjonijiet kollha b'mod aktar frekwenti milli darba fis-sena fid-dawl tal-karatteristiċi rilevanti tan-negozju tagħhom bħall-iskala tal-operazzjonijiet, il-firxa tal-attivitajiet, il-preżenza f'pajjiżi differenti, l-involviment f'setturi finanzjarji differenti, u l-parteċipazzjoni fi swieq finanzjarji internazzjonali u s-sistemi ta' ħlas, saldu u kklerjar. Dik il-valutazzjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari fuq il-ħtieġa possibbli għal divulgazzjoni aktar frekwenti ta' elementi ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 437, u l-punti (c) sa (f) tal-Artikolu 438, u informazzjoni dwar l-iskopertura għar-riskju u elementi oħra suxxettibbli għal bidla rapida.

L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2014 dwar l-istituzzjonijiet li jivvalutaw divulgazzjonijiet aktar frekwenti tat-Titoli II u III.

*Artikolu 434*

**Mezzi tad-divulgazzjonijiet**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeterminaw il-mezzi u l-postijiet xierqa għat-tixrid ta' informazzjoni u l-istrumenti ta' verifika sabiex jikkonformaw b'mod effettiv mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti f'din il-Parti. Safejn ikun possibbli, id-divulgazzjonijiet kollha għandhom jingħataw f'mezz jew f'post wieħed. Jekk l-istess informazzjoni tkun divulgata f'żewġ mezzi jew iżjed, kull mezz għandu jagħmel referenza għall-informazzjoni sinonima fil-mezzi l-oħra.

2. Divulgazzjonijiet ekwivalenti li jsiru mill-istituzzjonijiet skont ir-rekwiżiti ta' kontabbiltà, ta' elenkar jew rekwiżiti oħrajn jistgħu jitqiesu bħala konformi ma' din il-Parti. Jekk id-divulgazzjonijiet ma jkunux inklużi fir-rapporti finanzjarji, l-istituzzjonijiet għandhom jindikaw mingħajr ambigwità fejn jistgħu jinstabu fir-rapporti finanzjarji.

TITOLU II

**KRITERJI TEKNIĊI DWAR TRASPARENZA U ŻVELAR**

*Artikolu 435*

**Objettivi u politiki tal-ġestjoni tar-riskju**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-objettivi u l-linji ta' politika tal-ġestjoni tar-riskji tagħhom u għal kull kategorija separata ta' riskji, inklużi r-riskji msemmija f'dan it-Titolu. Dawn id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu:

(a) l-istrateġiji u l-proċessi sabiex jiġu mmaniġjati dawn ir-riskji;

(b) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju rilevanti inkluża l-informazzjoni dwar l-awtorità jew l-istatut tagħha, jew dwar arranġamenti xierqa oħra;

(c) l-ambitu u t-tip tas-sistemi ta' rappurtar u kalkolu tar-riskji;

(d) il-politiki għall-hedging hedging u l-mitigazzjoni tar-riskju, u l-istrateġiji u l-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività kontinwa tal-koperturi u l-mitiganti;

(e) rapport approvat mill-korp tal-ġestjoni dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni li jiggarantixxu li s-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju implimentati huma adegwati fir-rigward tal-profil u l-istrateġija tal-istituzzjoni;

(f) dikjarazzjoni tar-riskju konċiża approvata mill-korp tal-ġestjoni li fil-qosor tispjega l-profil ġenerali tar-riskju tal-istituzzjoni assoċjat mal-istrateġija tan-negozju. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi l-proporzjonijiet u l-figuri ewlenin li jipprovdu lill-partijiet interessati esterni b'idea komprensiva tal-ġestjoni tar-riskju min-naħa tal-istituzzjoni, inkluż kif il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jinteraġixxi mat-tolleranza tar-riskju stabbilit mill-korp tal-ġestjoni.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja, inklużi l- aġġornamenti regolari annwali, tal-anqas, dwar l-arranġamenti ta' governanza:

(a) in-numru ta' direttorati miżmuma mill-membri tal-korp tal-manġiment;

(b) il-politika ta' reklutaġġ għall-għażla ta' membri tal-korp tal-ġestjoni u l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenza attwali tagħhom;

(c) il-politika dwar id-diversità fir-rigward tal-għażla ta' membri tal-korp tal-ġestjoni, l-objettivi tagħha u kull mira rilevanti stabbilita f'dik il-politika, u sa fejn ikunu ntlaħqu dawn l-objettivi u l-miri;

(d) jekk l-istituzzjoni stabbilixxietx jew le kumitat separat tar-riskju u kemm-il darba ltaqa' dan il-kumitat;

(e) id-deskrizzjoni tal-fluss tal-informazzjoni dwar ir-riskju għall-korp tal-ġestjoni.

*Artikolu 436*

**Kamp ta' applikazzjoni**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-kamp tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament skont id-Direttiva 2013/36/UE:

(a) isem l-istituzzjoni li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament japplikaw għaliha;

(b) deskrizzjoni ġenerali tad-differenzi fil-bażi ta' konsolidazzjoni għall-għanijiet ta' kontabbiltà u dawk prudenzjali, b'deskrizzjoni qasira tal-entitajiet fihom, li tispjega jekk humiex:

(i) konsolidati bis-sħiħ;

(ii) konsolidati proporzjonalment;

(iii) imnaqqsa mill-fondi proprji;

(iv) la konsolidati u lanqas imnaqqsa;

(c) kwalunkwe impediment legali jew prattiku materjali attwali jew previst għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew ta' ripagament tal-obbligazzjonijiet fost l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha;

(d) l-ammont aggregat li skontu l-fondi proprji attwali huma inqas minn dak meħtieġ fis-sussidjarji kollha mhux inklużi fil-konsolidazzjoni, u l-isem jew l-ismijiet ta' tali sussidjarji;

(e) jekk applikabbli, iċ-ċirkustanza tal-użu tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 7 u 9

*Artikolu 437*

**Fondi proprji**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji tagħhom:

(a) rikonċiljazzjoni sħiħa tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, tal-elementi Addizzjonali ta' Grad 1, elementi tal-Grad 2 u filtri u tnaqqis applikati skont l-Artikoli 32 sa 35, 36, 56, 66 u 79 għall-fondi proprji tal-istituzzjoni u l-karta tal-bilanċ fir-rapporti finanzjarji verifikati tal-istituzzjoni;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u l-istrumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u l-istrumenti ta' Grad 2 maħruġa mill-istituzzjoni;

(c) it-termini u l-kondizzjonijiet sħaħ tal-istrumenti kollha ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, dawk Addizzjonali ta' Grad 1 u Grad 2;

(d) divulgazzjoni separata tan-natura u l-ammonti ta' dawn li ġejjin:

(i) kull filtru prudenzjali applikat skont l-Artikoli 32 sa 35;

(ii) kull tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 36, 56 u 66;

(iii) elementi mhux imnaqqsa skont l-Artikoli 47, 48, 56, 66 u 79;

(e) deskrizzjoni tar-restrizzjonijiet kollha applikati fuq il-kalkolu tal-fondi proprji skont dan ir-Regolament u l-istrumenti, il-filtri prudenzjali u t-tnaqqis li japplikaw għalihom dawk ir-restrizzjonijiet;

(f) fejn l-istituzzjonijiet jiddivulgaw proporzjonijiet kapitali kkalkolati permezz ta' elementi ta' fondi proprji ddeterminati fuq bażi oħra għajr dik stabbilita f'dan ir- Regolament, spjegazzjoni komprensiva tal-bażi li fuqha ġew ikkalkolati dawn il- proporzjonijiet kapitali.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex jiġu speċifikati formoli uniformi għad-divulgazzjoni skont il-punti (a), (b), (d) u (e) tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2015

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 438*

**Rekwiżiti ta' kapital**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92 ta' dan ir-Regolamnt u l-Artikolu 73 tad-Direttiva 2013/36/UE

(a) sommarju tal-approċċ tal-istituzzjoni għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern tagħha għall-appoġġ ta' attivitajiet attwali u tal-ġejjieni;

(b) fuq talba mill-awtorità kompetenti rilevanti, ir-riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern tal-istituzzjoni inkluża l-kompożizzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji addizzjonali abbażi tal-proċess ta' rieżami superviżorju kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE

(c) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 tal-Parti Tlieta, it-Titolu II, 8 % tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull klassi ta' skoperturi speċifikata fl-Artikolu 112;

(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 3 tal-Parti Tlieta, it-Titolu II, 8 % tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull klassi ta' skoperturi speċifikata fl-Artikolu 147. Għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur, dan ir-rekwiżit japplika għal kull waħda mill-kategoriji tal-iskoperturi li għalihom jikkorrispondu l-korrelazzjonijiet differenti fl-Artikolu 154(1) sa (4). Għall-klassi ta' skopertura ta' ekwità, dan ir-rekwiżit japplika għal:

   (i) kull approċċ previst fl-Artikolu 155;

   (ii) skoperturi nnegozjati fis-swieq, skoperturi ta' ekwità privata f'portafolli diversifikati b'mod suffiċjenti, u skoperturi oħra;

   (iii) skoperturi soġġetti għal transizzjoni superviżorja fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

   (iv) skoperturi soġġetti għal klawżoli ta' anterjorità rigward ir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(e) rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 92(3);

(f) rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-Parti Tlieta, it-Titolu III, il-Kapitoli 2, 3 u 4 u divulgati separatament.

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Artikolu 153(5) jew l-Artikolu 155(2) għandhom jiddivulgaw l-iskoperturi assenjati f'kull kategorija fit-Tabella 1 tal-Artikolu 153(5), jew f'kull piż tar-riskju msemmi fl-Artikolu 155(2).

*Artikolu 439*

**Skopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tal-istituzzjoni kif imsemmi fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6:

(a) diskussjoni tal-metodoloġija użata sabiex jiġu assenjati l-kapital intern u l-limiti ta' kreditu għall-iskoperturi għall-kreditu tal-kontroparti;

(b) diskussjoni ta' politiki sabiex jiġi garantit il-kollateral u jiġu stabbiliti r-riżervi ta' kreditu;

(c) diskussjoni ta' politiki fir-rigward tal-iskoperturi ta' riskju wrong way;

(d) diskussjoni tal-impatt tal-ammont ta' kollateral li l-istituzzjoni jkollha tipprovdi minħabba d-deklassament tal-kreditu tagħha;

(e) valur ta' kuntratti gross, pożittiv u ġust, benefiċċji tan-netting, skopertura għall-kreditu attwali nnettjata, kollateral miżmum u skopertura għall-kreditu nett fuq derivati. L-iskopertura għall-kreditu nett fuq derivati hija l-iskopertura għall-kreditu fuq transazzjonijiet ta' derivati wara li jiġu kkunsidrati kemm il-benefiċċji minn ftehimiet ta' netting infurzabbli bil-liġi kif ukoll il-ftehimiet dwar il-kollateral;

(f) kalkolu tal-valur tal-iskopertura skont il-metodi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3 sa 6 skont liema metodu minnhom huwa applikabbli;

(g) il-valur nozzjonali tal-koperturi tad-derivati ta' kreditu, u d-distribuzzjoni tal-iskopertura għall-kreditu attwali skont it-tipi ta' skoperturi għall-kreditu;

(h) l-ammonti nozzjonali ta' transazzjonijiet ta' derivati ta' kreditu, segregati bejn l-użu għall-portafoll ta' kreditu tal-istituzzjoni stess, kif ukoll fl-attivitajiet ta' intermedjazzjoni tagħha, inkluż id-distribuzzjoni tal-prodotti derivati tal-kreditu użati, maqsumin ulterjorment skont il-protezzjoni mixtrija u mibjugħa f'kull grupp ta' prodotti;

(i) l-istima ta' α jekk l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tistima α.

*Artikolu 440*

**Riżervi ta' kapital**

1. L-istituzzjoni għandha tiddivulga l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-konformità tagħha mar-rekwiżit għar-riżerva ta' kapital kontroċiklika tal-kapital msemmi fit-Titolu VII, il-Kapitolu 4 tad-Direttiva 2013/36/UE:

(a) id-distribuzzjoni ġeografika tal-iskoperturi għall-kreditu tagħha li huma rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika tal-kapital tagħha;

(b) l-ammont tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika tal-kapital speċifiku għall-istituzzjoni.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 441*

**Indikaturi tal-importanza sistemika globali**

1. L-istituzzjonijiet identifikati bħala G-SIIs f'konformità mal-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tiżvela, fuq bażi annwali, il-valuri tal-indikaturi użati biex jiġi determinat il-punteġġ tal-istituzzjonijiet f'konformità mal-metodoloġija ta' identifikazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex jiġu speċifikati l-formats uniformi u d-data għall-iskopijiet tal-iżvelar imsemmija fil-paragrafu 1. Fl-iżvilupp ta' dawk l-istandards tekniċi, l-ABE għandha tieħu kont tal-istandards internazzjonali.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta standards tekniċi implimentattivi imsemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 442*

**Aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-iskopertura tal-istituzzjoni għar-riskju ta' kreditu u r-riskju ta' dilwizzjoni:

(a) id-definizzjonijiet għall-finijiet tal-kontabbiltà ta' 'wara d-data tal-għeluq' u 'danneġġati';

(b) deskrizzjoni tal-approċċi u l-metodi adottati għad-determinazzjoni ta' aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali;

(c) l-ammont totali ta' skoperturi wara tpaċiji kontabbilistiċi u mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu, u l-ammont medju tal-iskoperturi fuq il-perijodu maqsum skont it-tipi differenti ta' klassijiet ta' skoperturi;

(d) it-tqassim ġeografiku tal-iskoperturi, maqsum f'żoni sinifikanti skont il-klassijiet ta' skoperturi materjali, u aktar dettall fejn ikun xieraq;

(e) id-distribuzzjoni tal-iskoperturi skont it-tip ta' industrija jew kontroparti, maqsuma skont il-klassijiet ta' skoperturi, inkluża l-ispeċifikazzjoni tal-skopertura lill-SMEs, u aktar dettall fejn ikun xieraq;

(f) it-tqassim tal-maturità reżidwa tal-iskoperturi kollha, maqsum skont il-klassijiet ta' skopertura, u aktar dettall fejn ikun xieraq;

(g) skont it-tip ta' industrija jew kontroparti sinifikanti, l-ammont ta':

(i) skoperturi danneġġati u skoperturi wara d-data tal-għeluq, mogħtija b'mod separat;

(ii) aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali;

(iii) tariffi għal aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali matul il-perijodu ta' rappurtar;

(h) l-ammont tal-iskoperturi danneġġati u l-iskoperturi wara d-data tal-għeluq, mogħtija b'mod separat, maqsuma skont iż-żoni ġeografiċi sinifikanti inklużi, jekk dan ikun prattiku, l-ammonti tal-aġġustamenti ta' riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali relatati ma' kull żona ġeografika;

(i) ir-rikonċiljazzjoni ta' bidliet fl-aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali għall-iskoperturi danneġġati, murija b'mod separat. L-informazzjoni għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni tat-tip ta' aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali;

(ii) il-bilanċi tal-ftuħ;

(iii) l-ammonti meħuda kontra l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu matul il-perijodu ta' rappurtar;

(iv) l-ammonti mwarrba jew riversjati għat-telf probabbli stmat fuq skoperturi matul il-perijodu ta' rappurtar, kull aġġustament ieħor inklużi dawk iddeterminati mid-differenzi fir-rati tal-kambju, kombinazzjonijiet tan-negozji, akkwisti u ċessjonijiet ta' sussidjarji, u trasferimenti bejn l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu;

(v) il-bilanċi tal-għeluq.

Aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u rkupri rreġistrati direttament fir-rapport tal-introjtu għandhom jiġu divulgati b'mod separat.

*Artikolu 443*

**Assi mhux mirhuna**

L-ABE għandha toħroġ linji gwida li jispeċifikaw l-iżvelar ta' assi mhux mirhuna, b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-istituzzjonijiet tal-kreditu ([1]) u b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni D - Trasparenza tas-swieq dwar l-assi mirhuna, sat-30 ta' Ġunju 2014. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

([1]) ĠU C 119, 25.4.2013, p. 1.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-iżvelar tal-karta tal-bilanċ għal kull kategorija ta' skoperturi mqassmin skont il-kwalità tal-assi u l-ammont totali tal-valur tal-karta tal-bilanċ li mhux mirhun, b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2) u skont il-konsiderazzjoni tal-ABE fir-rapport tagħha li tali żvelar addizzjonali joffri informazzjoni affidabbli u b'tifsira.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2016.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 444*

**Użu tal-ECAIs**

Għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi divulgata għal kull klassi ta' skopertura speċifikata fl-Artikolu 112:

(a) l-ismijiet tal-ECAIs u l-ECAs nominati u r-raġunijiet għal kull bidla;

(b) il-klassijiet ta' skoperturi li għalihom jintużaw l-ECAI jew l-ECA;

(c) deskrizzjoni tal-proċess użat sabiex jiġi trasferit l-emittent u jinħarġu valutazzjonijiet ta' kreditu fuq elementi mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar;

(d) l-assoċjazzjoni ta' klassifikazzjoni esterna ta' kull ECAI jew ECA nominata bil-livelli ta' kwalità ta' kreditu preskritti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, filwaqt li jiġi kkunsidrat li din l-informazzjoni ma għandhiex għalfejn tiġi divulgata jekk l-istituzzjoni tikkonforma mal-assoċjazzjoni standard ippubblikata mill-ABE;

(e) il-valuri tal-iskoperturi u l-valuri tal-iskoperturi wara l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjati ma' kull livell ta' kwalità tal-kreditu preskritt fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 kif ukoll dawk imnaqqsa mill-fondi proprji.

*Artikolu 445*

**Skopertura għar-riskju tas-suq**

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 92(3) għandhom jiddivulgaw dawn ir-rekwiżiti b'mod separat għal kull riskju msemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-rekwiżit għall-fondi proprji għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu divulgati b'mod separat.

*Artikolu 446*

**Riskju operattiv**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-approċċi għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju operattiv li jikkwalifikaw għalihom; deskrizzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 312(2), jekk użata mill-istituzzjoni, inkluża diskussjoni dwar il-fatturi interni u esterni rilevanti kkunsidrati fl-approċċ ta' kalkolu tal-istituzzjoni, u f'każ ta' użu parzjali, l-ambitu u l-kopertura tal-metodoloġiji differenti użati.

*Artikolu 447*

**Skoperturi f'ekwitajiet mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-iskoperturi f'ekwitajiet mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar:

(a) id-differenzazzjoni bejn l-iskoperturi bbażati fuq l-objettivi tagħhom, inklużi għal relazzjoni ta' qligħ kapitali u r-raġunijiet strateġiċi, u ħarsa ġenerali lejn it-tekniki tal-kontabbiltà u l-metodoloġiji tal-valutazzjoni użati, inklużi s-suppożizzjonijiet u l-prattiki ewlenin li jaffettwaw il-valutazzjoni u kull bidla sinifikanti f'dawn il-prattiki;

(b) il-valur tal-karta tal-bilanċ, il-valur ġust u, għal dawk innegozjati fil-kambju, tqabbil mal-prezz tas-suq fejn huwa materjalment differenti mill-valur ġust;

(c) it-tipi, in-natura u l-ammonti ta' skopeturi nnegozjati fil-kambju, skoperturi tal-ekwità privati f'portafolli diversifikati b'mod suffiċjenti, u skoperturi oħra;

(d) qligħ kumulattiv jew telf realizzat li ġej minn bejgħ u likwidazzjonijiet fil-perijodu; u

(e) it-total ta' qligħ jew telf mhux realizzat, it-total tal-qligħ jew it-telf moħbi ta' rivalutazzjoni, u kull wieħed minn dawn l-ammonti inkluż fil-fondi proprji oriġinali jew addizzjonali.

*Artikolu 448*

**Skopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar**

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fuq l-iskopertura tagħhom għar-riskju tar-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar:

(a) in-natura tar-riskju tar-rata tal-imgħax u s-suppożizzjonijiet ewlenin (inklużi suppożizzjonijiet rigward il-pagamenti minn qabel ta' self u l-imġiba ta' depożiti mingħajr maturità), u l-frekwenza tal-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax;

(b) il-varjazzjoni fid-dħul, il-valur ekonomiku jew kalkolu rilevanti ieħor użat mill-ġestjoni għal xokkijiet 'l fuq u 'l isfel fir-rata skont il-metodu tal-ġestjoni għall-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax, maqsumin skont il-munita.

*Artikolu 449*

**Skopertura għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni**

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5 jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 337 jew 338 għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja, fejn rilevanti, b'mod separat għall-portafoll tan-negozjar u mhux tan-negozjar tagħhom:

(a) deskrizzjoni tal-objettivi tal-istituzzjoni relatati mal-attivitajiet ta' titolizzazzjoni;

(b) in-natura ta' riskji oħra inkluż ir-riskju ta' likwidità inerenti f'assi titolizzati;

(c) it-tip ta' riskji f'termini ta' prijorità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni sottostanti u f'termini ta' assi sottostanti għal dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tal-aħħar maħsuba u miżmuma b'attività ta' rititolizzazzjoni;

(d) ir-rwoli differenti tal-istituzzjoni fil-proċess ta' titolizzazzjoni;

(e) indikazzjoni ta' kemm kienet involuta l-istituzzjoni f'kull rwol imsemmi fil-punt (d);

(f) deskrizzjoni tal-proċessi implimentati sabiex jiġu mmonitorjati bidliet fir-riskju tal-kreditu u tas-suq tal-iskoperturi ta' titolizzazzjoni inkluż kif l-imġiba tal-assi sottostanti taffettwa l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni u deskrizzjoni dwar kif dawn il-proċessi huma differenti għal skoperturi ta' rititolizzazzjoni;

(g) deskrizzjoni tal-politika tal-istituzzjoni li tirregola l-użu tal-hedging u l-protezzjoni mhux iffinanzjata għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni u rititolizzazzjoni miżmuma, inkluża l-identifikazzjoni ta' kontropartijiet ta' kopertura materjali skont it-tip rilevanti ta' skopertura tar-riskju;

(h) l-approċċi għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju li l-istituzzjoni ssegwi għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tagħha inklużi t-tipi ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ;

(i) it-tipi ta' SSPE li l-istituzzjoni, bħala sponser, tuża sabiex tiggarantixxi skoperturi ta' partijiet terzi inkluż jekk u f'liema forma u sa liema punt l-istituzzjoni għandha skoperturi għal dawk l-SSPEs, b'mod separat għall-iskoperturi fil-karta tal-bilanċi u dawk li mhumiex, kif ukoll lista tal-entitajiet li l-istituzzjoni tiġġestixxi jew tagħtihom parir u li jinvestu jew fil-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li l-istituzzjoni tkun ittitolizzat jew fl-SSPEs sponserjati mill-istituzzjoni;

(j) sommarju tal-politiki tal-kontabbiltà tal-istituzzjoni għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni, inkluż:

(i) jekk it-transazzjonijiet humiex trattati bħala bejgħ jew finanzjamenti;

(ii) ir-rikonoxximent ta' qligħ fuq il-bejgħ;

(iii) il-metodi, is-suppożizzjonijet ewlenin, l-inputs u l-bidliet mill-perijodu preċedenti għall-valutazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(iv) it-trattament ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi jekk mhux koperti minn politiki ta' kontabbiltà oħrajn;

(v) kif assi bit-titolizzazzjoni pendenti huma vvalutati u jekk humiex miżmuma fil-portafoll mhux tan-negozjar jew fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(vi) politiki għar-rikonoxximent ta' obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ għall-arranġamenti li jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-assi titolizzati;

(k) l-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skoperturi li għalihom kull aġenzija hija użata;

(l) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 3, inklużi l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni, l-użu tal-valutazzjoni interna minbarra għall-għanijiet tal-kapital tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna, il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna fosthom diskussjoni tal-indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-analiżi tal-proċess ta' valutazzjoni interna, it-tipi ta' skoperturi li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' stress li jintużaw sabiex jiġu stabbiliti livelli ta' tisħiħ fil-kreditu, skont it-tip ta' skopertura;

(m) spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti fi kwalunkwe waħda mid-divulgazzjonijiet kwantitattivi fil-punti (n) sa (q) mill-aħħar perijodu ta' rappurtar;

(n) b'mod separat għall-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar, l-informazzjoni li ġejja maqsuma skont it-tip ta' skopertura:

(i) l-ammont totali ta' skoperturi pendenti garantiti mill-istituzzjoni, b'mod separat għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u titolizzazzjonijiet li għalihom l-istituzzjoni taġixxi biss bħala sponser;

(ii) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ miżmuma jew mixtrija u skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ;

(iii) l-ammont aggregat ta' assi bit-titolizzazzjoni pendenti;

(iv) għal faċilitajiet garantiti soġġetti għal trattament ta' amortizzazzjoni kmieni, l-iskoperturi aggregati miġbuda attribwiti għall-interessi tal-oriġinatur u tal-investituri rispettivament, ir-rekwiżiti kapitali aggregati mġarrba mill-istituzzjoni kontra l-interessi tal-oriġinatur u r-rekwiżiti kapitali aggregati imġarrba mill-istituzzjoni kontra l-ishma tal-investitur ta' bilanċi miġbuda u linji mhux miġbuda;

(v) l-ammont ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jitnaqqsu mill-fondi proprji jew ippeżati għar-riskju b'1 250 %;

(vi) sommarju tal-attività ta' titolizzazzjoni tal-perijodu attwali, inkluż l-ammont ta' skoperturi titolizzati u l-qligħ jew it-telf rikonoxxut mal-bejgħ;

(o) b'mod separat għall-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar, l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija u r-rekwiżiti kapitali assoċjati, maqsuma bejn l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni u maqsuma ulterjorment f'għadd sinifikanti ta' faxex ta' piż tar-riskju jew rekwiżit kapitali, għal kull approċċ ta' rekwiżiti kapitali użat;

(ii) l-ammont aggregat ta' skoperturi ta' rititolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija maqsuma skont l-iskopertura qabel u wara l-hedging/l-assigurazzjoni u l-iskopertura għall-garanti finanzjarji, maqsuma skont il-kategoriji ta' affidabbiltà kreditizja tal-garanti jew isem il-garanti;

(p) għall-portafoll mhux tan-negozjar u rigward l-iskoperturi garantiti mill-istituzzjoni, l-ammont ta' assi danneġġati/wara d-data tal-għeluq garantiti u t-telf rikonoxxut mill-istituzzjoni matul il-perijodu attwali, it-tnejn li huma maqsumin skont it-tip ta' skopertura;

(q) għall-portafoll tan-negozjar, l-iskoperturi totali pendenti garantiti mill-istituzzjoni u soġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq, maqsuma f'tradizzjonali/sintentiċi u skont it-tip ta' skopertura;

(r) fejn applikabbli, jekk l-istituzzjoni tkun ipprovdiet appoġġ fit-termini tal-Artikolu 248(1) u l-impatt fuq il-fondi proprji.

*Artikolu 450*

**Politika ta' rimunerazzjoni**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw tal-anqas l-informazzjoni li ġejja, dwar il-politika ta' rimunerazzjoni u l-prattiki tal-istituzzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħha:

(a) informazzjoni dwar il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet użat sabiex tiġi ddeterminata l-politika ta' rimunerazzjoni, kif ukoll l-għadd ta' laqgħat li jsiru mill-korp ewlieni li jissorvelja r-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja, inkluża, jekk applikabbli, l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat tal-kumitat ta' rimunerazzjoni, il-konsulent estern li s-servizzi tiegħu ntużaw għad-determinazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet interessati rilevanti;

(b) informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-paga u l-prestazzjoni;

(c) l-aktar karatteristiċi importanti tat-tfassil tas-sistema ta' rimunerazzjoni, inkluża l-informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kalkolu tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju, il-politika ta' differiment u l-kriterji tal-vestiment;

(d) il-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni fissa u varjabbli stabbilita f'konformità mal-Artikolu 90(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(e) informazzjoni dwar il-kriterji tal-prestazzjoni li fuqhom huwa bbażat l-intitolament għal ishma, opzjonijiet jew komponenti varjabbli ta' rimunerazzjoni;

(f) il-parametri ewlenin u r-raġuni għal kull skema ta' komponent varjabbli u kull benefiċċju ieħor mhux fi flus;

(g) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, maqsuma skont il-qasam tan-negozju;

(h) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, maqsuma skont il-ġestjoni superjuri u l-membri tal-persunal li l-azzjonijiet tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, li tindika dan li ġej:

(i) l-ammonti ta' rimunerazzjoni għas-sena finanzjarja, maqsuma f'rimunerazzjoni fissa u varjabbli, u n-numru ta' benefiċjarji;

(ii) l-ammonti u l-forom ta' rimunerazzjoni varjabbli, maqsuma fi flus, ishma, strumenti relatati mal-ishma u tipi oħra;

(iii) l-ammonti ta' rimunerazzjoni ddiferita pendenti, maqsuma f'porzjonijiet vestiti u mhux vestiti;

(iv) l-ammonti ta' rimunerazzjoni ddiferita mogħtija matul is-sena finanzjarja, imħallsa u mnaqqsa permezz ta' aġġustamenti tal-prestazzjoni;

(v) ħlasijiet għal kuntratti ġodda u għal terminazzjonijiet li jsiru matul is-sena finanzjarja, u l-għadd ta' benefiċjarji ta' dawn il-ħlasijiet;

(vi) l-ammonti ta' ħlasijiet għal terminazzjonijiet mogħtija matul is-sena finanzjarja, l-għadd ta' benefiċjarji u l-ogħla għotja ta' dan it-tip lil persuna waħda;

(i) l-għadd ta' individwi li jingħataw rimunerazzjoni ta' EUR 1 miljun jew aktar f'sena finanzjarja, għal remunerazzjoni ta' bejn EUR 1 miljun u EUR 5 miljun maqsuma f'faxex ta' pagamenti ta' EUR 500 000 u għal remunerazzjoni ta' EUR 5 miljun u aktar maqsuma f'faxex ta' pagamenti ta' EUR 1 miljun;

(j) fuq talba mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti, ir-remunerazzjoni totali għal kull membru tal-korp amministrattiv jew l-amministrazzjoni għolja.

2. Għall-istituzzjonijiet li huma sinifikanti f'termini ta' daqs, organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, l-informazzjoni kwantitattiva msemmija f'dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli wkoll għall-pubbliku fil-livell ta' membri tal-korp amministrattiv.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu b'mod li huwa xieraq għad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 451*

**Lieva finanzjarja**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tagħhom ikkalkulat fl-Artikolu 429 u l-ġestjoni tagħhom tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva:

(a) il-proporzjon ta' lieva finanzjarja u l-mod kif l-istituzzjoni tapplika l-Artikolu 499(2) u (3);

(b) tqassim tal-miżura tal-iskopertura totali kif ukoll rikonċiljazzjoni tal-miżura tal-iskopertura totali bl-informazzjoni rilevanti divulgata f'dikjarazzjonijiet finanzjarji ppublikati;

(c) fejn applikabbli, l-ammont ta' elementi fiduċjarji li għalihom ikun ġie rtirat ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 429(11);

(d) deskrizzjoni tal-proċessi użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva;

(e) deskrizzjoni tal-fatturi li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' lieva finanzjarja matul il-perijodu li jirreferi għalih il-proporzjon ta' lieva finanzjarja divulgata.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tiġi ddeterminata formula uniformi għad-divulgazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-istruzzjonijiet dwar kif tintuża din il-formula.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU III

**REKWIŻITI TA' KWALIFIKA GĦALL-UŻU TA' STRUMENTI JEW METODOLOĠIJI PARTIKOLARI**

*Artikolu 452*

**L-użu tal-Approċċ IRB għar-riskju tal-kreditu**

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju bl-Approċċ IRB għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-permess tal-awtorità kompetenti għall-approċċ jew transizzjoni approvata;

(b) spjegazzjoni u analiżi ta':

(i) l-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-klassifikazzjoni interna u dik esterna;

(ii) l-użu ta' stimi interni għajr għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju f'konfomità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3;

(iii) il-proċess għall-ġestjoni u r-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(iv) il-mekkaniżmi ta' kontroll għas-sistemi ta' klassifikazzjoni inkluża deskrizzjoni tal-indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-analiżi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(c) deskrizzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjoni interna, mogħtija b'mod separat għall-klassijiet ta' skoperturi li ġejjin:

(i) gvernijiet ċentrali u banek ċentrali;

(ii) istituzzjonijiet;

(iii) għoti ta' self speċjalizzat lill-impriżi, inklużi SMEs u riċevibbli korporattivi mixtrija;

(iv) fil-livell ta' konsumatur, għal kull kategorija ta' skopertura li jikkorrispondu għaliha l-korrelazzjonijiet differenti fl-Artikolu 154(1) sa (4);

(v) ekwitajiet;

(d) il-valuri tal-iskopertura għal kull klassi ta' skopertura speċifikata fl-Artikolu 147. Skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali, l-istituzzjonijiet u l-impriżi fejn l-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-LGDs jew fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għandhom jiġu ddivulgati b'mod separat mill-iskoperturi li l-istituzzjonijiet ma jużawx dawn l-istimi għalihom;

(e) għal kull klassi ta' skopertura għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, istituzzjonijiet, impriżi u ekwitajiet, u fuq numru suffiċjenti ta' gradi ta' debitur (inkluża l-inadempjenza) sabiex tkun tista' ssir differenzazzjoni utli tar-riskju ta' kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw:

(i) l-iskoperturi totali, inklużi għall-klassijiet ta' skoperturi tal-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali, l-istituzzjonijiet u l-impriżi, is-somma tas-self pendenti u l-valuri tal-iskoperturi għal impenji mhux miġbuda; u l-ammont pendenti għall-ekwitajiet;

(ii) il-piż medju tar-riskju ppeżat skont l-iskopertura;

(iii) għall-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji ta' fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ppeżati skont ir-riskju, l-ammont ta' impenji mhux miġbuda u l-valuri medji tal-iskoperturi ppeżati skont l-iskopertura għal kull klassi ta' skopertura;

(f) Għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur u għal kull waħda mill-kategoriji stipulat fil-punt (c)(iv), jew id-divulgazzjonijiet imsemmija fil-punt (e) (jekk applikabbli, fuq bażi aggregata), jew analiżi ta' skoperturi (self pendenti u l-valuri tal-iskoperturi għal impenji mhux miġbuda) kontra numru suffiċjenti ta' livelli EL sabiex tkun tista' ssir differenzazzjoni utli tar-riskju ta' kreditu (jekk applikabbli, fuq bażi aggregata);

(g) l-aġġustamenti attwali tar-riskju ta' kreditu speċifiku fil-perijodu preċedenti għal kull klassi ta' skopertura (fil-livell ta' konsumatur, għal kull kategorija kif stipulat fil-punt (c)(iv) u kif huma differenti mill-esperjenza tal-passat;

(h) deskrizzjoni tal-fatturi li ħallew impatt fuq l-esperjenza ta' telf fil-perijodu preċedenti (pereżempju, l-istituzzjoni esperjenzat rati ta' inadempjenza ogħla mill-medja, jew LGDs u fatturi ta' konverżjoni ogħla mill-medja);

(i) l-istimi tal-istituzzjoni abbażi tar-riżultati attwali fuq perijodu itwal. Bħala minimu, dawn għandhom jinkludu informazzjoni fuq l-istimi ta' telf abbażi tat-telf attwali f'kull klassi ta' skopertura (fil-livell ta' konsumatur, għal kull kategorija kif stipulat fil-punt (c)(iv) fuq perijodu suffiċjenti sabiex jippermetti stima utli tal-prestazzjoni tal-proċessi ta' klassifikazzjoni interna għal kull klassi ta' skopertura (fil-livell ta' konsumatur għal kull waħda mill-kategoriji kif stipulat fil-punt (c)(iv). Fejn xieraq, l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu aktar din l-informazzjoni sabiex jipprovdu analiżi tal-PD u, għall-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi tal-LGDs u/jew il-fatturi ta' konverżjoni proprji, ir-riżultati tal-LGD u l-fattur ta' konverżjoni abbażi tal-istimi provduti fid-divulgazzjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju kwantitattiv stipulat f'dan l-Artikolu;

(j) għall-iskoperturi tal-klassijiet kollha speċifikati fl-Artikolu 147 u għal kull kategorija ta' skoperturi li jikkorrispondu għalihom il-korrelazzjonijiet differenti fl-Artikolu 154(1) sa (4):

(i) għall-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi tal-LGD tagħhom stess għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, il-medja tal-LGD u l-PD ppeżati skont l-iskoperturi f'perċentwal għal kull żona ġeografika rilevanti tal-iskoperturi għall-kreditu;

(ii) għall-istituzzjonijiet li ma jużawx l-istimi tal-LGD tagħhom stess, il-medja tal-PD ippeżata skont l-iskoperturi f'perċentwal għal kull żona ġeografika rilevanti tal-iskoperturi għall-kreditu.

Għall-finijiet tal-punt (c), id-deskrizzjoni għandha tinkludi t-tipi ta' skoperturi inklużi fil-klassi ta' skopertura, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-data għall-valutazzjoni u l-validazzjoni tal-PD u, jekk applikabbli, l-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni, inklużi s-suppożizzjonijiet użati fid-derivazzjoni ta' dawn il-varjabbli, u d-deskrizzjonijiet ta' devjazzjonijiet materjali mid-definizzjoni ta' inadempjenza kif stabbilit fl-Artikolu 178, inklużi s-segmenti l-kbar affettwati minn tali devjazzjonijiet.

Għall-finijiet tal-punt (j), iż-żona ġeografika rilevanti tal-iskoperturi għall-kreditu tfisser skoperturi fl-Istati Membri fejn l-istituzzjoni ġiet awtorizzata u l-Istati Membri jew pajjiżi terzi li fihom l-istituzzjonijiet iwettqu attivitajiet permezz ta' fergħa jew sussidjarja.

*Artikolu 453*

**Użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**

L-istituzzjonijiet li japplikaw tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-politiki u l-proċessi għan-netting li jidher kif ukoll dak li ma jidhirx fil-karti tal-bilanċ, u indikazzjoni li turi sa fejn l-entità tagħmel użu minnhom;

(b) il-politiki u l-proċessi għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kollateral;

(c) deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' kollateral meħuda mill-istituzzjoni;

(d) it-tipi ewlenin ta' garanti u l-kontroparti tad-derivat ta' kreditu u l-affidabbiltà kreditizja tagħhom;

(e) informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq jew ta' kreditu fil-mitigazzjoni ta' kreditu li ssir;

(f) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB, iżda li ma jipprovdux l-istimi proprji għal-LGDs jew il-fatturi ta' konverżjoni fir-rigward tal-klassi ta' skopertura, b'mod separat għal kull klassi ta' skopertura, il-valur tal-iskoperturi totali (wara, fejn applikabbli, in-netting li jidher jew li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ) li huwa kopert — wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti ta' volatilità — permezz ta' kollateral finanzjarju eliġibbli, u kollateral eliġibbli ieħor;

(g) għall-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju taħt l-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB, b'mod separat għal kull klassi ta' skopertura, l-iskopertura totali (wara, fejn applikabbli, in-netting li jidher jew li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ) li hija koperta b'garanziji jew b'derivati tal-kreditu. Għall-klassi ta' skopertura tal-ekwitajiet, dan ir-rekwiżit japplika għal kull approċċ previst fl-Artikolu 155.

*Artikolu 454*

**Użu tal-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu għar-riskju operattiv**

L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu stabbiliti fl-Artikoli 321 sa 324 għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħhom għar-riskju operattiv għandhom jiddivulgaw deskrizzjoni tal-użu ta' assigurazzjonijiet u mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskji għall-finijiet ta' mitigazzjoni ta' dan ir-riskju.

*Artikolu 455*

**Użu tal-Mudelli Interni tar-Riskju tas-Suq**

L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom skont l-Artikolu 363 għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) għal kull subportafoll kopert:

(i) il-karatteristiċi tal-mudelli użati;

(ii) fejn applikabbli, għall-mudelli interni għar-riskju ta' inadempjenza inkrimentali u ta' migrazzjoni u għan-negozjar ta' korrelazzjoni, il-metodoloġiji użati u r-riskji kkalkulati permezz tal-użu ta' mudell intern inkluża deskrizzjoni tal-approċċ użat mill-istituzzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-perijodi ta' likwidità, il-metodoloġiji użati sabiex tinkiseb valutazzjoni tal-kapital li hija konsistenti mal-istandard ta' solidità meħtieġ u l-approċċi użati fil-validazzjoni tal-mudell;

(iii) deskrizzjoni tal-ittestjar għal stress applikat għas-subportafoll;

(iv) deskrizzjoni tal-approċċi użati għall-ittestjar b'lura u l-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi ta' mudellar;

(b) l-ambitu tal-permess mill-awtorità kompetenti;

(c) deskrizzjoni tal-firxa u l-metodoloġiji għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 104 u 105;

(d) l-ogħla, l-inqas u l-valur medju ta' dawn li ġejjin:

(i) il-kalkoli ta' kuljum tal-valur fir-riskju tul il-perijodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perijodu;

(ii) il-kalkoli tal-valur fir-riskju taħt stress tul il-perijodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perijodu;

(iii) il-figuri ta' riskju għar-riskju ta' inadempjenza inkrimentali u ta' migrazzjoni u għar-riskju speċifiku tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni fuq il-perijodu ta' rappurtar u fl-aħħar tal-perijodu;

(e) l-elementi tar-rekwiżit għall-fondi proprji kif speċifikat fl-Artikolu 364;

(f) il-perijodu ta' likwidità medja ppeżata għal kull subportafoll kopert mill-mudelli interni għar-riskju ta' inadempjenza inkrimentali u ta' migrazzjoni u għan-negozjar ta' korrelazzjoni;

(g) tqabbil tal-kalkoli tal-valur fir-riskju fi tmiem il-ġurnata ta' kull ġurnata mal-bidliet ta' ġurnata waħda fil-valur tal-portafoll sa tmiem il-jum ta' xogħol sussegwenti flimkien ma' analiżi ta' kull qbiż importanti fil-valur matul il-perijodu ta' rappurtar.

PARTI DISGĦA

## ATTI DDELEGATI U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 456*

**Atti ddelegati**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 462, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) jiġu ċċarati d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 142, 153, 192, 242, 272, 300, 381 u 411 sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament;

(b) jiġu ċċarati d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 142, 153, 192, 242, 272, 300, 381 u 411sabiex jitqiesu, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(c) emenda fil-lista tal-klassijiet ta' skopertura fl-Artikoli 112 u 147 sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(d) l-ammont speċifikat fil-punt (c) tal-Artikolu 123, l-Artikolu 147(5)(a), l-Artikolu 153(4) u l-Artikolu 162(4), sabiex jitqiesu l-effetti tal-inflazzjoni;

(e) il-lista u klassifikazzjoni tal-punti barra l-karta tal-bilanċ fl-Annessi I u II, sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(f) aġġustament fil-kategoriji tad-ditti ta' investiment fl-Artikolu 95(1) u l-Artikolu 96(1) sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(g) kjarifika tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 97 sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.

(h) emendar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stipulat fl-Artikoli 301 sa 311 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 50a sa 50d tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex jittieħed kont ta' żviluppi jew emendi għall-istandards internazzjonali għall-iskoperturi għal kontroparti ċentrali;

(i) kjarifika tat-termini msemmija fir-rinunzji li jinsabu fl-Artikolu 400;

(j) emendar tal-kalkolu kapitali u l-kalkolu tal-iskopertura totali tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja msemmija fl-Artikolu 429(2) sabiex jiġi kkoreġut kwalunkwe nuqqas misjub fuq il-bażi ta' rappurtar imsemmi fl-Artikolu 430(1) qabel ma l-proporzjon ta' lieva finanzjarja jkun irid jiġi ppubblikat mill-istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 451(1)(a).

2. L-ABE għandha tissorvelja r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu u sal-1 ta' Jannar 2015 għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta:

(a) it-trattament tar-riskju ta' CVA bħala tariffa indipendenti minflok komponent intergrat tal-qafas tar-riskju tas-suq;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni tat-tariffa tar-riskju ta' CVA inkluża l-eżenzjoni fl- Artikolu 482;

(c) koperturi eliġibbli;

(d) il-kalkolu ta' rekwiżiti ta' kapital tar-riskju ta' CVA.

Abbażi ta' dak ir-rapport u fejn is-sejbiet huma b'tali mod li jkun meħtieġ li l-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 462 biex temenda l-Artikolu 381, l-Artikolu 382(1) sa (3) u l-Artikoli 383 sa 386 li jikkonċernaw dawk l-elementi.

*Artikolu 457*

**Aġġustamenti u korrezzjonijiet tekniċi**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 462, sabiex tagħmel aġġustamenti u korrezzjonijiet tekniċi tal-elementi li mhumiex essenzjali fid-dispożizzjonijiet li ġejjin sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-prodotti jew l-attivitajiet finanzjarji ġodda, sabiex tagħmel aġġustamenti b'kont meħud tal-iżviluppi wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament f'atti leġislattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji u l-kontabbiltà inklużi l-istandards tal-kontabbiltà bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu stabbiliti fl-Artikoli 111 sa 134, u fl-Artikoli 143 sa 191;

(b) l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikoli 193 sa 241;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-titolizzazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 242 sa 266;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' kreditu tal-kontroparti skont l-Artikoli 272 sa 311;

(e) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operattiv stabbiliti fl-Artikoli 315 sa 324;

(f) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fl-Artikoli 325 sa 377;

(g) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-saldu stabbiliti fl-Artikoli 378 u 379;

(h) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Artikoli 383, 384 u 386;

(i) Il-Parti Tnejn u l-Artikolu 99 biss bħala riżultat tal-iżviluppi fl-istandards tal-kontabbiltà jew ir-rekwiżiti li jqisu l-leġislazzjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 458*

**Riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru**

1 L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata.

2. Fejn l-awtorità determinata skont il-paragrafu 1 tidentifika tibdil fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku u li dik l-awtorità tqis li jkun aħjar li jiġu indirizzati permezz ta' miżuri nazzjonali aktar stretti, hija għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-ABE b'dan il-fatt u għandha tippreżenta evidenza kwantitattiva u kwalifikattiva rilevanti ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) il-bidliet fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku;

(b) ir-raġunijiet għalfejn tali bidliet jistgħu joħolqu theddida għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali;

(c) ġustifikazzjoni dwar għalfejn l-Artikoli 124 u 164 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 101, 103, 104, 105, 133, u 136 tad-Direttiva 2013/36/UE ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat, b'kont meħud tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;

(d) abbozz ta' miżuri nazzjonali għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament, jew sottogrupp ta' dawk l-istituzzjonijiet, maħsuba għall-mitigazzjoni tal-bidliet fl-intensità tar-riskju u dwar:

(i) il-livell ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92;

(ii) ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 392 u l-Artikolu 395 sa 403;

(iii) ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika stabbiliti fl-Artikoli 431 sa 455; jew

(iv) il-livell tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imniżżla fl-Artikolu 129 tad-Direttiva 2013/36/UE.

(v) rekwiżiti ta' likwidità kif imniżżel fil-Parti Sitta;

(vi) piżijiet tar-riskju għall-individwar ta' bżieżaq spekulattivi ta' assi fis-settur tal-proprjetà residenzjali u kummerċjali; jew

(vii) skoperturi fi ħdan is-settur finanzjarju;

(e) spjegazzjoni dwar għaliex l-abbozzi ta' miżuri jitqiesu xierqa, effettivi u proporzjonati mill-awtorità determinata skont il-paragrafu 1 biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni; u

(f) valutazzjoni tal-impatt pożittiv jew negattiv probabbli tal-abbozzi ta' miżuri fuq is-suq intern abbażi ta' informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru kkonċernat.

3. Meta jkunu awtorizzati japplikaw miżuri nazzjonali skont dan l-Artikolu, l-awtoritajiet determinati skont il-paragrafu 1 għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jew lill-awtoritajiet nominati fi Stati Membri l-informazzjoni rilevanti kollha.

4. Is-setgħa biex jiġi adottat att ta' implimentazzjoni li jirrifjuta l-abbozzi ta' miżuri nazzjonali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 tingħata lill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-BERS u l-ABE għandhom, fi żmien xahar minn meta jirċievu n-notifika msemmija fil-paragrafu2, jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-punti msemmijin f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat.

Waqt li tieħu l-akbar kont tal-opinjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu u jekk ikun hemm evidenza robusta, qawwija u dettaljata li l-miżura ser ikollha impatt negattiv fuq is-suq intern li tegħleb il-benefiċċji tal-istabbilità finanzjarja li jirriżultaw fi tnaqqis tar-riskji makroprudenzjali jew sistemiċi identifikati, il-Kummissjoni tista', fi żmien xahar, tipproponi lill-Kunsill att ta' implimentazzjoni li jirrifjuta l-abbozzi ta' miżuri nazzjonali.

Fin-nuqqas ta' proposta tal-Kummissjoni f'dak il-perijodu ta' xahar, l-Istat Membru kkonċernat jista' b'mod immedjat jadotta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel.

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-proposta tal-Kummissjoni fi żmien xahar wara l-wasla tal-proposta u jiddikjara r-raġunijiet għar-rifjut jew le tal-abbozz ta' miżuri nazzjonali.

Il-Kunsill għandu jirrifjuta biss l-abbozz ta' miżuri nazzjonali proposti jekk iqis li waħda jew iżjed mill-kondizzjonijiet li ġejjin ma tkunx ġiet osservata:

(a) it-tibdil fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku jkunu ta' tali natura li jkunu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonli;

(b) l-Artikoli 124 u 164 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 101, 103, 104, 105, 133 u 136 tad-Direttiva 2013/36/UE[ ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat, b'kont meħud tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;

(c) l-abbozzi talmiżuri nazzjonali huma iktar adatti biex jindirizzaw ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat u ma jinvolvux effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha, jew partijiet minnha, fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni kollha, għalhekk b'mod li jifformaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern;

(d) il-kwistjoni tikkonċerna biss Stat Membru wieħed; u

(e) ir-riskji ma jkunux diġà ġew indirizzati minn miżuri oħrajn f'dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE

Il-valutazzjoni tal-Kunsill għandha tikkunsidra l-opinjoni tal-BERS u l-ABE u għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 1 mill-awtorità determinata skont il-paragrafu 1.

Fin-nuqqas ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tirrifjuta l-abbozzi tal-miżuri nazzjonali fi żmien xahar minn meta tiġi riċevuta l-proposta tal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jadotta l-miżuri u japplikom għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel.

5. Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu l-miżuri stabbiliti skont dan l-Artikolu u japplikawhom għal fergħat awtorizzati domestikament lokalizzati fl-Istat Membru awtorizzat li japplika l-miżuri.

6. Fejn l-Istati Membri jirrikonoxxu l-miżuri stabbiliti skont dan l-Artikolu, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-ABE, lill-BERS u lill-Istat Membru awtorizzat li japplika l-miżuri.

7. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk jirrikonoxxix il-miżuri stabbiliti skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jqis il-kriterji mniżżlin fil-paragrafu4.

8. L-Istat Membru awtorizzat biex japplika l-miżuri jista' jitlob lill-BERS biex joħroġ rakkomandazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 lil Stat Membru jew aktar li ma jirrikonoxxux il-miżuri.

9. Qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu4, l-Istat Membru għandu, f'konsultazzjoni mal-BERS u l-ABE jirrevedi s-sitwazzjoni u jista' jadotta, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu4, deċiżjoni ġdida għall-estensjoni tal-perijodu tal-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali kull darba għal sena waħda addizzjonali. Wara l-ewwel estensjoni, il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-BERS u l-ABE, tirrevedi s-sitwazzjoni tal-inqas darba fis-sena.

10. Minkejja l-proċedura kif stabbilita fil-paragrafi 3 sa 9, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżidu l-piżijiet tar-riskju 'l fuq minn dawk previsti f'dan ir-Regolament ta' mhux aktar minn 25 %, għal dawk l-iskoperturi identifikati fil-punti (vi) u (vii) tal-paragrafu 2(d) ta' dan l-Artikolu) u jirrestrinġu l-limitu ta' skopertura kbira prevista fl-Artikolu 395 ta' mhux aktar minn 15 % għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sakemm ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel, dment li l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti tan-notifika fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu sodisfatti.

*Artikolu 459*

**Rekwiżiti prudenzjali**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 462, sabiex timponi, għal perijodu ta' sena, rekwiżiti prudenzjali aktar stretti għal skoperturi fejn dan huwa neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-bidliet fl-intensità tar-riskji mikroprudenzjali u makroprudenzjali li jirriżultaw minn żviluppi fis-suq fl-Unjoni jew barra l-Unjoni li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha, u fejn l-istrumenti ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw dawn ir-riskji, b'mod partikolari fuq ir-rakkomandazzjoni jew l-opinjoni tal-BERS jew l-ABE, dwar:

(a) il-livell ta' fondi proprji stabbilit fl-Artikolu 92;

(b) ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 392 u l-Artikoli 395 sa 403;

(c) ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika stabbiliti fl-Artikoli 431 sa 455.

Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni megħjuna mill-BERS, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi tas-suq li potenzjalment jitolbu l-użu ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 460*

**Likwidità**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 462 sabiex tispeċifika fid-dettall ir-rekwiżit ġenerali stabbilit fl-Artikolu 412(1). L-att iddelegat adottat skont dan il-paragrafu għandu jkun ibbażat fuq l-elementi li għandhom jiġu rrappurtati skont il-Parti Sitta, Titolu II u l-Anness III, għandu jispeċifika ċ-ċirkostanzi li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu livelli speċifiċi ta' flussi 'il ġewwa u 'l barra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex ikunu koperti r-riskji speċifiċi li huma esposti għalihom, u għandu jirrispetta l-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. Ir-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità msemmi fl-Artikolu 412 għandu jiġi introdott f'konformità mal-introduzzjoni gradwali li ġejja:

(a) 60 % tar-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità fl-2015;

(b) 70 % mill-1 ta' Jannar 2016;

(c) 80 % mill-1 ta' Jannar 2017;

(d) 100 % mill-1 ta' Jannar 2018.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 509(1), (2) u (3) u l-istandards internazzjonali żviluppati mill-fora internazzjonali kif ukoll l-ispeċifiċatijiet tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att iddelegat imsemmi fil-paragrafu 1 sat-30 ta' Ġunju 2014. Dan għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2014, iżda ma għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2015.

*Artikolu 461*

**Reviżjoni tal-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità**

1. L-ABE għandha, wara li tikkonsulta lill-BERS, tirrapporta lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2016 dwar jekk l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità speċifikata fl-Artikolu 460(2) għandhiex tiġi emendata. Din l-analiżi għandha tieħu kont dovut tal-iżviluppi regolatorji tas-suq u dawk internazzjonli kif ukoll tal-ispeċifiċatijiet tal-Unjoni.

Fir-rapport tagħha, l-ABE għandha tivvaluta b'mod partikolari introduzzjoni diferita tal-istandard mimimu vinkolanti ta' 100 %, sal-1 ta' Jannar 2019. Ir-rapport għandu jieħu kont tar-rapporti annwali msemmijin fl-Artikolu 509(1), id-data dwar is-suq rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha.

2. Fejn meħtieġ biex jiġu indirizzati l-iżviluppi fis-swieq u żviluppi oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 462 sabiex tibdel l-introduzzjoni gradwali speċifikata fl-Artikolu 460 u tiddiferixxi sal-2019 l-introduzzjoni ta' standard mimimu vinkolanti ta' 100 % għar-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità stabbilit fl-Artikolu 412(1) u biex fl-2008 tapplika standard mimimu vinkolanti ta' 90 % għar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità.

Għall-għanijiet ta' valutazzjoni tal-ħtieġa ta' diferiment il-Kummissjoni għandha tieħ kont tar-rapport u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Att iddelegat adottat f'konformità ma' dan l-Artikolu m'għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2018 u għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2017.

*Artikolu 462*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati qiegħda tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħat tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 456 sa 460 għandha tkun ikkonferita għal perijodu indeterminat ta' żmien minn 31 ta' Diċembru 2014.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 456 sa 460 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni għal revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li jsegwi l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti li tkun speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 456 sa 460 għandu jidħol biss fis-seħħ jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill t-tnejn li huma jkunu infurmaw lill-Kummissjoni bil-fatt li mhumiex se jqajmu oġġezzjoni. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 463*

**Oġġezzjonijiet għall-istandards tekniċi regolatorji**

Fejn il-Kummissjoni tadotta standard tekniku regolatorju skont dan ir-Regolament li jkun l-istess bħall-abbozz ta' standard tekniku regolatorju ppreżentat mill-ABE, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal dak l-istandard tekniku regolatorju għandu jkun xahar mid-data ta' notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu għandu jiġi estiz b'xahar. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal dak l-istandard tekniku regolatorju jista', fejn adatt, jiġi estiż b'xahar ieħor.

*Artikolu 464*

**Kumitat Bankarju Ewropew**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Bankarju Ewropew stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/10/KE ([1]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

PARTI GĦAXRA

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI, RAPPORTI, ANALIŻI U EMENDI**

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI**

*KAPITOLU 1*

***Rekwiżiti ta' fondi proprji, qligħ mhux realizzat u telf imkejjel b'valur u tnaqqis ġust***

Taqsima 1

**Rekwiżiti ta' fondi proprji**

*Artikolu 465*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji**

1. Permezz ta' deroga mill-punti (a) u (b) tal-Artikolu 92(1) għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin matul il-perijodu mill 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014:

(a) proporzjon ta' kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' livell li jaqa' fil-medda ta' 4 % sa 4,5 %;

(b) proporzjon ta' kapital ta' Grad 1 ta' livell li jaqa' fil-medda ta' 5,5 % sa 6 %.

([1]) ĠU L 3, 7.1.2004, p. 36.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jippubblikaw il-livelli tal-proporzjonijiet ta' kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u ta' Grad 1 fil-meded speċifikati fil-paragrafu 1 li l-istituzzjonijiet għandhom jilħqu jew jaqbżu.

*Artikolu 466*

**L-ewwel darba li jiġu applikati l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju**

B'deroga mill-Artikolu 24(2), l-awtoritajiet kompetent għandhom jagħtu lill-istituzzjonijiet li huma meħtieġa jwettqu l-valutazzjoni tal-assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għall-ewwel darba fi żmien 24 xahar għall-implimentazzjoni tal-proċessi interni u r-rekwiżiti tekniċi meħtieġa.

Taqsima 2

**Qligħ mhux realizzat u telf imkejjel b'valur ġust**

*Artikolu 467*

**Telf mhux realizzat ikkalkulat b'valur ġust**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 35, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tagħhom il-perċentwal applikabbli tat-telf mhux realizzat relatat mal-assi jew il-passivi kkalkulat b'valur ġust biss, u rrapurtat fuq il-karta tal-bilanċ, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 33 u t-telf l-ieħor kollu mhux realizzat irrapurtat bħala parti mill-kont tal-qligħ u t-telf.

2. Il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 20 % sa 100 % matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 40 % sa 100 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 60 % sa 100 %matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016; u

(d) 80 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti, f'każijiet fejn trattament bħal dan kien jiġi applikat qabel 1 ta' Jannar 2014 jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet biex ma jinkludu fl-ebda element tal-fondi proprji qligħ jew telf mhux realizzat fuq skoperturi lil gvernijiet ċentrali klassifikati fil-kategorija "Disponibbli għall-Bejgħ" tal-IAS 39 approvat mill-UE.

It-trattament stipulat fit-tieni subparagrafu għandu jiġi applikat sakemm il-Kummissjoni tkun adottat regolament abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 li japprova s-sostituzzjoni tal-IAS 39 mill-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwal applikabbli fil-meded speċifikati fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 468*

**Qligħ mhux realizzat ikkalkulat b'valur ġust**

1. B'deroga mill-Artikolu 35, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom ineħħu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tagħhom il-perċentwal applikabbli tal-qligħ mhux realizzat relatat mal-assi jew il-passivi kkalkulat skont il-valur ġust u rrapurtat fuq il-karta tal-bilanċ, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 33 u l-qligħ l-ieħor kollu mhux realizzat bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-proprjetajiet tal-investiment irrapurtati bħala parti mill-kont tal-qligħ u t-telf. L-ammont reżidwu li jirriżulta m'għandux jitneħħa mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-perċentwal applikabbli għandu jkun ta' 100 % matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014, u għandu, wara din id-data, jaqa' taħt il-meded li ġejjin:

(a) 60 % sa 100 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(b) 40 % sa 100 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(c) 20 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

Mill-1 ta' Jannar 2015, fejn skont l-Artikolu 467, awtorità kompetenti teħtieġ li l-istituzzjonijiet jinkludu fil-kalkolu tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 100 % tat-telf mhux realizzat ikkalkulat b'valur ġust, l-awtorità kompetenti tista' wkoll tippermetti lill-istituzzjonijiet jinkludu 100 % tal-qligħ mhux realizzat ikkalkulat b'valur ġust f'dan il-kalkolu.

Mill-1 ta' Jannar 2015, fejn taħt l-Artikolu 467 awtorità kompetenti teħtieġ lil istituzzjonijiet li jinkludu perċentwal ta' telf mhux realizzat ikkalkulat b'valur ġust fil-kalkolu tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 dik l-awtorità kompetenti ma għandhiex tistabbilixxi perċentwal applikabbli għal qligħ mhux realizzat taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jaqbeż il-perċentwal applikabbli għal telf mhux realizzat stabbilit skont l-Artikolu 467.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwal applikabbli tal-qligħ mhux realizzat fil-meded speċifikati fil-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 2 li ma tneħħiex mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

4. B'deroga mill-Artikolu 33(1), matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-fondi proprji tagħhom il-perċentwal applikabbli, kif speċifikat fl-Artikolu 478, tal-qligħ u telf b'valur ġust minn obbligazzjonijiet tad-derivati li jirriżultaw mir-riskju tal-kreditu proprju tagħhom.

Taqsima 3

## Tnaqqis

Subtaqsima 1

### Taqqis minn elementi tal-ekwità komuni ta' grad 1

*Artikolu 469*

### Tnaqqis mill-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 472 għall-ammonti reżidwi ta' elementi li jeħtiġilhom jitnaqqsu skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi ta' taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammont totali li jeħtieġlu jitnaqqas skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36(1) wara li jiġi applikat l-Artikolu 470;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 472(5) jew (11), kif applikabbli, għall-ammont reżidwu totali tal-elementi meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36(1) wara li jiġi applikat l-Artikolu 470.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon tal-ammont reżidwu totali msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1, li huwa soġġett għall-Artikolu 472(5), billi jinqasam l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont tal-assi tat-taxxa differita li huma dipendenti fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 470(2);

(b) is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 470(2).

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon tal-ammont reżidwu totali msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1 li huwa soġġett għall-Artikolu 472(11) billi jinqasam l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' holdings diretti jew indiretti fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 470(2);

(b) is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 470(2).

*Artikolu 470*

### Eżenzjoni mit-tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu l-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkolati wara li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 32 sa 35 u wara li jsir it-tnaqqis skont il-punti (a) sa (h), (k)(ii) sa (v) u (l) tal-Artikolu 36(1), għajr assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 48(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu l-elementi elenkati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu li meta jkunu aggregati jiġu daqs jew inqas minn 15 % tal-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni:

(a) assi tat-taxxa diferiti li jiddependu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji u li meta jkunu aggregati jkunu daqs jew inqas minn 10 % tal-element rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) fejn istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju, il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik l-entità li meta jkunu aggregati jiġu daqs jew inqas minn 10 % tal-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 48(4), l-elementi eżenti mit-tnaqqis skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ppeżati skont ir-riskju b'250 %. L-elementi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

*Artikolu 471*

**Eżenzjoni mit-Tnaqqis ta' Holdings ta' Ekwità f'Kumpanniji ta' Assigurazzjoni mill-Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. B'deroga mill-Artikolu 49(1), matul il-perijodu 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2022, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet ma jnaqqsux holdings ta' ekwità f'impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni u kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (c) u (e) tal-Artikolu 49(1);

(b) l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti bil-livell ta' kontroll tar-riskju u l-proċeduri tal-analiżi finanzjarja adottati speċifikament mill-istituzzjoni sabiex tissorvelja l-investiment fl-impriża jew kumpannija holding;

(c) il-holdings ta' ekwità tal-istituzzjoni fl-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpannija holding tal-assigurazzjoni ma jkunux aktar minn 15 % tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità ta' assigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012 u matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(d) l-ammont ta' holding ta' ekwità li ma jitnaqqasx ma jkunx aktar mill-ammont miżmum fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fl-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew il-kumpannija holding tal-assigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012;

2. Il-holdings ta' ekwità li ma jitnaqqsux skont il-paragrafu 1 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u ppeżati għar-riskju f'370 %.

*Artikolu 472*

**Elementi mhux imnaqqsa mill-Ekwità Komuni ta' Grad 1**

1. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 33(1) u mill-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 36(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan l-Artikolu għall-ammonti reżidwi ta' elementi msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 468(4) u fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 469(1), kif applikabbli.

2. L-ammont reżidwu tal-aġġustamenti ta' valutazzjoni għad-derivati li jirriżultaw mir-riskju tal-kreditu proprju ta' istituzzjoni ma għandux jitnaqqas.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta' telf tas-sena finanzjarja attwali msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 36(1):

(a) telf li huwa materjali jiġi mnaqqas mill-elementi tal-Grad 1;

(b) telf li mhuwiex materjali ma jiġix imnaqqas.

4. L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammont reżidwu tal-assi intanġibbli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 36(1)(b) mill-elementi tal-Grad 1.

5. L-ammont reżidwu tal-assi tat-taxxa differita msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) ma għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għal piż tar-riskju ta' 0 %.

6. L-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fl-Artikolu 36(1)(d) għandu jitnaqqas nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2.

7. L-ammont reżidwu tal-assi ta' fond definit ta' pensjoni ta' benefiċċju msemmi fl-Artikolu 36(1)(e) ma għandux jitnaqqas mill-ebda element tal-fondi proprji u għandu jiġi inkluż fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 sakemm dak l-ammont kien ikun rikonoxxut bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (a) sa (ca) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE.

8. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta' holdings fl-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 imsemmija fl-Artikolu 36(1)(f):

(a) l-ammont ta' holdings diretti jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1;

(b) l-ammont ta' holdings indiretti u sintetiċi, inklużi l-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li l-istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali kontinġenti jew eżistenti, ma jitnaqqasx u huwa soġġett għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

9 L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta' holdings tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entità tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni għandha holdingst transversali reċiproċi ma' dik l-entità msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 36(1):

(a) fejn istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifkanti f'dik l-entità tas-settur finanzjarju, l-ammont tal-holding tagħha fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (h) tal-Artikolu 36(1);

(b) fejn istituzzjoni għandha investiment sinifikanti f'dik l-entità tas-settur finanzjarju, l-ammont ta' holdings tagħha fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (i) tal-Artikolu 36(1).

10. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammonti reżidwi tal-elementi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1):

(a) l-ammonti meħtieġa jitnaqqsu li jirrelataw mal-holdings diretti jitnaqqsu nofs mill-elementi ta' Grad 1 u nofs mill-elementi ta' Grad 2;

(b) l-ammonti li jirrelataw mal-holdings indiretti u sintetiċi mhumiex imnaqqsa u huma soġġetti għal piżijiet tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

11. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammonti reżidwi tal-elementi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1):

(a) l-ammonti meħtieġa jitnaqqsu li jirrelataw mal-holdings diretti jitnaqqsu nofs mill-elementi ta' Grad 1 u nofs mill-elementi ta' Grad 2;

(b) l-ammonti li jirrelataw mal-holdings indiretti u sintetiċi ma jitnaqqsux u huma soġġetti għal piżijiet tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

*Artikolu 473*

**Introduzzjoni tal-emendi għall-IAS 19**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 481, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2018, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet li jħejju l-kontijiet tagħhom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 iżidu mal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tagħhom l-ammont applikabbli skont il-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu, kif applikabbli, multiplikat bil-fattur applikat skont il-paragrafu 4.

2. L-ammont applikabbli għandu jiġi kkalkulat billi jitnaqqas mit-total derivat skont punt (a) is-somma derivata skont il-punt (b):

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-assi tal-fondi jew pjanijiet ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit tagħhom, kif applikabbli f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 ([1]) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1205/2011 ([2]). L-istituzzjonijiet imbagħad għandhom inaqqsu mill-valuri ta' dawn l-assi l-valuri tal-obbligi taħt l-istess fondi jew pjanijiet determinati skont l-istess regoli ta' kontabbiltà;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valuri tal-assi tal-fondi jew pjanijiet ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit tagħhom, kif applikabbli, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1126/2008. L-istituzzjonijiet imbagħad għandhom inaqqsu mill-valuri ta' dawk l-assi, il-valuri tal-obbligazzjonijiet taħt l-istess fondi jew pjanijiet determinati skont l-istess regoli ta' kontabbiltà.

3. L-ammont determinat skont il-paragrafu 2 għandu jkun limitat għall-ammont mhux meħtieġ li jitnaqqas mill-fondi proprji, qabel 1 ta' Jannar 2014 skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2006/48/KE, dment li dawk il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali jkunu eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 481 ta' dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat.

4. Għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:

(a) 1 fil-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0,8 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0,6 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0,4 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017;

(e) 0,2 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-valuri tal-assi u l-obbligazzjonijiet skont il-paragrafu 2 fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppubblikati tagħhom.

Subtaqsima 2

**Tnaqqis minn elementi addizzjonali ta' grad 1**

*Artikolu 474*

**Tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 Addizzjonali**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 56, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi Addizzjonali tal-Grad 1 l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 56;

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2011 tat-22 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) 7 (ĠU L 305, 23.11.2011, p. 16).

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 475 għall-ammonti reżidwi tal-elementi meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 56.

*Artikolu 475*

**Elementi mhux imnaqqsa mill-elementi Addizzjonali tal-Grad 1**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 56, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-ammonti reżidwi msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 474.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 56:

(a) holdings diretti fi strumenti proprji Addizjonali tal-Grad 1 jitnaqqsu mill-elementi tal-Grad 1 skont il-valur fil-kontijiet;

(b) holdings indiretti u sintetiċi ta' strumenti proprji Addizzjonali tal-Grad 1, inklużi strumenti proprji Addizzjonali tal-Grad 1 li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri minħabba obbligu kuntrattwali kontinġenti jew eżistenti, ma jitnaqqsux u huma ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 56:

(a) fejn istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha għandha holdings transversi reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha ta' dawk l-istrumenti Addizzjonali tal-Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (c) tal-Artikolu 56;

(b) fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha għandha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha ta' dawk l-istrumenti Addizzjonali tal-Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (d) tal-Artikolu 56.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56:

(a) l-ammont relatat mal-holdings diretti meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 jitnaqqsu nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2;

(b) l-ammont relatat mal-holdings indiretti u sintetiċi meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 ma għandhomx jitnaqqsu u għandhom ikunu soġġetti għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 or 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

Subtaqsima 3

**Tnaqqis minn elementi ta' grad 2**

*Artikolu 476*

**Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2**

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

(a l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi tal-Grad 2 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 66;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 477 għall-ammonti reżidwi meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 66.

*Artikolu 477*

**Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-ammonti reżidwi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 476.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 66:

(a) holdings diretti tal-istrumenti proprji tal-Grad 2 jitnaqqsu skont il-valur fil-kontijiet mill-elementi tal-Grad 2;

(b) holdings indiretti u sintetiċi fl-istrumenti proprji tal-Grad 2, inklużi dawk l-istrumenti proprji tal-Grad 2 li l-istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, ma jitnaqqsux u huma ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 66:

(a) fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti fl-entità tas-settur finanzjarju li magħha jkollha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha tal-istrumenti tal-Grad 2 tal-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (c) tal-Artikolu 66;

(b) fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha jkollha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tal-Grad 2 ta' dik l-entità tas-settur finanzjarju huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (d) tal-Artikolu 66.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66:

(a) l-ammont relatat mal-holdings diretti li huwa meħtieġ jitnaqqas skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 jitnaqqas nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2;

(b) l-ammont relatat mal-holdings indiretti u sintetiċi li huwa meħtieġ jitnaqqas skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 ma għandux jitnaqqas u huwa soġġett għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

Subtaqsima 4

**Perċentwali applikabbli għal tnaqqis**

*Artikolu 478*

**Perċentwali applikabbli għat-tnaqqis minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u Grad 2**

1. Il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-Artikolu 468(4), il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 469, il-punt (a) tal-Artikolu 474 u l-punt (a) tal-Artikolu 476 għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 20 % sa 100 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 40 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 60 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 80 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-elementi imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) li kienu jeżistu qabel il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 469(1) għadu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 100 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 to 2 ta' Jannar 2015;

(b) 10 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2015 to 2 ta' Jannar 2016;

(c) 20 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta'Jannar 2016 to 2 ta' Jannar 2017;

(d) 30 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2017 to 2 ta' Jannar 2018;

(e) 40 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2018 to 2 ta' Jannar 2019;

(f) 50 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2019 to 2 ta' Jannar 2020;

(g) 60 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2020 to 2 ta' Jannar 2021;

(h) 70 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2021 to 2 ta' Jannar 2022;

(i) 80 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2022 to 2 ta' Jannar 2023;

(j) 90 % sa 100 % għall-perijodu minn 2 ta' Jannar 2023 to 2 ta' Jannar 2024.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw perċentwal applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 għal kull tnaqqis li ġej:

(a) it-tnaqqis individwali meħtieġ skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(b) l-ammont aggregat tal-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji u l-elementi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1) li għandu jitnaqqas skont l-Artikolu 48;

(c) kull tnaqqis li għandu jsir skont il-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 56;

(d) kull tnaqqis li għandu jsir skont il-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 66.

Taqsima 4

**Interess minoritarju u strumenti ta' grad 1 u grad 2 addizzjonali maħruġa minn sussidjarji**

*Artikolu 479*

**Rikonoxximent fil-kapital konsolidat tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u elementi li ma jikkwalifikawx bħala interessi minoritarji**

1. Permezz ta' deroga mit-Titolu II tal-Parti Tnejn, matul il-perijodu 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rikonoxximent fil-fondi proprji konsolidati tal-elementi li jkunu jikkwalifikaw bħala riżervi konsolidati skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikolu 65 tad-Direttiva 2006/48/KE li ma jikkwalifikawx bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għal kwalunkwe mir-raġunijiet li ġejjin għandu jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu:

(a) l-istrument ma jikkwalifikax bħala strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, u konsegwentement, id-dħul relatat miżmum u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma ma jikkwalifikawx bħala elementi konsolidati ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) l-elementi ma jikkwalifikawx bħala riżultat tal-Artikolu 81(2);

(c) l-elementi ma jikkwalifikawx għax sussidjarja mhijiex istituzzjoni jew entità li hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u din id-Direttiva 2013/36/UE minħabba l-liġi nazzjonali applikabbli;

(d) l-elementi ma jikkwalifikawx għax is-sussidjarja mhijiex inkluża bis-sħiħ fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

2. Il-perċentwal applikabbli tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu jikkwalifikaw bħala riżervi konsolidati skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikolu 65 tad-Direttiva 2006/48/KE għandu jikkwalifika bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-perċentwali applikabbli għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 80 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0 % sa 60 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0 % sa 40 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 20 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 u sal-31 ta' Diċembru 2017.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwal applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 3.

*Artikolu 480*

**Rikonoxximent fil-fondi proprji konsolidati ta' interessi minoritarji u l-kwalifikazzjoni ta' kapital Addizzjonali tal-Grad 1 u l-Grad 2**

1. Permezz ta' deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 84(1), mill-punt (b) tal-Artikolu 85(1) u mill-punt (b) tal-Artikolu 87(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, il-perċentwali msemmija f'dawk l-Artikoli għandhom jiġu multiplikati b'fattur applikabbli.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-fattur applikabbli għandu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0,2 sa 1 fil-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0,4 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0,6 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016; u

(d) 0,8 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-valur tal-fattur applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 2.

Taqsima 5

**Filtri u tnaqqis addizzjonali**

*Artikolu 481*

**Filtri u tnaqqis addizzjonali**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 32 sa 36, 56 u 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta', l-elementi ta' Grad 1, l-elementi ta' Grad 2 jew l-elementi tal-fondi proprji sabiex jew jinkludu fihom jew inkella jnaqqsu minnhom dak il-perċentwal applikabbli tal-filtri jew it-tnaqqis meħtieġa skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikoli 57, 61, 63, 63a, 64 u 66 tad-Direttiva 2006/48/KE, u għall-Artikoli 13 u 16 tad-Direttiva 2006/49/KE, u li mhumiex meħtieġa skont il-Parti Tnejn ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-Artikolu 36(1)(i) u l-Artikolu 49(1) u (3), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu jew jippermettu lill-istituzzjonijiet li japplikaw il-metodi msemmija fl-Artikolu 49(1) meta r-rekwiżiti stipulati fil-punti (b) u (e) tal-Artikolu 49(1) mhumiex sodisfatti, pjuttost mit-tnaqqis meħtieġ skont l-Artikolu 36(1). F'dawn il-każijiet, il-proporzjon ta' holdings tal-istrumenti ta' fondi proprji ta' entità tas-settur finanzjarju li fiha l-impriża prinċipali għandha investiment sinifikanti li mhux meħtieġ li jitnaqqas skont l-Artikolu 49(1) għandu jiġi determinat mill-perċentwal applikabbli msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. L-ammont li ma jitnaqqasx għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-Artikolu 49(4), skont kif applikabbli.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-perċentwal applikabbli għandu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 80 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0 % sa 60 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0 % sa 40 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 20 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017

4. Għall-finijiet tal-paragrafu2, il-perċentwal applikabbli għandu jaqa' bejn 0 % u 50 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

5. Għal kull filtru jew tnaqqis imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwali applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafi 3 u 4;

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk l-aġġustamenti fil-fondi proprji, jew elementi minnhom, skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għad-Direttiva 2006/48/KE jew id-Direttiva 2006/49/KE li mhumiex inklużi fil-Parti Tnejn ta' dan ir-Regolament għandhomx, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, isiru għall-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, għall-elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali, għall-elementi ta' Grad 1, għall-elementi ta' Grad 2 jew għall-fondi proprji.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 482*

**Kamp ta' applikazzjoni għat-transazzjonijiet ta' derivati mal-fondi tal-pensjonijiet**

Fir-rigward ta' dawk it-transazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u applikat flimkien mal-arranġament tal-iskemi tal-pensjoni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jikkalkulaw ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' CVA kif previst fl-Artikolu 382(4)(c) ta' dan ir-Regolament

*KAPITOLU 2*

***Anterjorità tal-istrumenti kapitali***

Taqsima 1

**Strumenti li jikkostitwixxu għajnuna mill-istat**

*Artikolu 483*

**Anterjorità tal-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 26 sa 29, 51, 52, 62 u 63 matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, dan l-Artikolu japplika għall-istrumenti kapitali fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrumenti nħarġu qabel 1 ta' Jannar 2014;

(b) l-istrumenti nħarġu fil-kuntest ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat. Dment li parti mill-istrumenti jkunu sottoskritti privatament, huma jridu jinħarġu qabel it-30 ta' Ġunju 2012 u flimkien ma' dawk il-partijiet li huma sottoskritti mill-Istat Membru;

(c) l-istrumenti ġew ikkunsidrati kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107 tat-TFUE;

(d) fil-każijiet fejn l-istrumenti jkunu sottoskritti kemm mill-Istat Membru kif ukoll minn investituri privati, fejn ikun hemm tifdija parzjali tal-istrumenti sottoskritti mill-Istat Membru, sehem korrispondenti tal-parti tal-istrumenti sottoskritta privatament għandha tingħata anterjorità skont l-Artikolu 484. Meta l-istrumenti kollha sottoskritti mill-Istat Membru jkunu ġew mifdija, l-istrumenti sottoskritti minn investituri privati li jkun fadal għandhom jingħataw anterjorità skont l-Artikolu 484.

2. L-istrumenti li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament ma jkunux intlaħqu;

(b) l-istrumenti nħarġu minn impriża msemmija fl-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament u ma ntlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 ta' dan ir-Regolament, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

3. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja li ma jkunux issodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali jew strumenti ta' Grad 2 skont il-paragrafi 5 jew 7.

4. L-istrumenti li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 u għall-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali minkejja l-fatt li ma jkunux qegħdin jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ta' dan ir-Regolament.

5. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali minkejja li ma jkunux issodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew strumenti ta' Grad 2 skont il-paragrafi 3 jew 7.

6. Elementi li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 u għall-Artikolu 66 (1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 minkejja li l-elementi ma jkunux imsemmija fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament ma jkunux qegħdin jintlaħqu.

7. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 jew għall-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 minkejja li l-elementi ma jissemmewx fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew ma jkunux issodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont il-paragrafi 3 jew 5.

8. L-istrumenti msemmija fil-paragrafi 3, 5, u 7 jistgħu biss jikkwalifikaw bħala strumenti tal-fondi proprji msemmija f'dawk il-paragrafi meta tkun issodisfata l-kondizzjoni fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u meta jinħarġu minn istituzzjonijiet li huma inkorporati fi Stat Membru li hu soġġett għal Programm ta' Aġġustament Ekonomiku, u l-ħruġ ta' dawk l-istrumenti jkun maqbul jew eliġibbli taħt dak il-programm.

### Taqsima 2

### Strumenti li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat

#### Subtaqsima 1

#### Eliġibbiltà u limiti tal-anterjorità

*Artikolu 484*

**Eliġibbiltà għall-anterjorità ta' elementi li kkwalifikaw bħala fondi proprji skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għad-Direttiva 2006/48/KE**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal strumenti u elementi li nħarġu jew kienu eliġibbli bħala fondi proprji qabel il-31 ta' Diċembru 2011 u mhumiex dawk imsemmija fl-Artikolu 483(1).

2. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 26 sa 29, 51, 52, 62 u 63, dan l-Artikolu għandu japplika matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.

3. Soġġett għall-Artikolu 485 ta' dan ir-Regolament u tal-limitu speċifikat fl-Artikolu 486(2) tiegħu, kapital fis-sens tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 86/635/KEE, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifika bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja li dak il-kapital ma jilħaqx il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

4. Soġġetti għal-limitu speċifikat fl-Artikolu 486(3) ta' dan ir-Regolament, l-istrumenti, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifikaw bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 u l-Artikolu 154(8) u (9) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali, minkejja li ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament.

5. Soġġetti għal-limiti speċifikati fl-Artikolu 486(4) ta' dan ir-Regolament, l-elementi, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (e), (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2, minkejja li dawn l-elementi mhumiex inklużi fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew il-fatt li ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 485*

**Eliġibbilità għall-inklużjoni f'Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati ma' elementi li kkwalifikaw bħala fondi proprji taħt miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għad-Direttiva 2006/48/KE**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal strumenti li nħarġu qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u mhumiex dawk imsemmija fl-Artikolu 483(1).

2. Kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-kapital skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 86/635/KEE, li kkwalifikaw bħala fondi proprji oriġinali taħt il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jekk dawn jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti f'punti (i) u (j) tal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 486*

**Limiti għall-anterjorità ta' elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2**

1. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, dan l-Artikolu għandu jillimita sa fejn dawk l-istrumenti u l-elementi msemmija fl-Artikolu 484 jistgħu jikkwalifikaw bħala fondi proprji.

2. L-ammont ta' elementi msemmija fl-Artikolu 484(3) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 huwa limitat għall-perċentwal applikabbli tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali ta' kapital imsemmi fl-Artikolu 484(3) li kienu nħarġu sal-31 ta' Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-elementi msemmija fil-punt (a).

3. L-ammont ta' elementi msemmija fl-Artikolu 484(4) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali huwa limitat għall-perċentwal applikabbli multiplikat bir-riżultat tat-tnaqqis mis-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (c) sa (f) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4), li jkunu għadhom maħruġin fil-31 ta' Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) l-ammont ta' strumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li fil-31 ta' Diċembru 2012 jkunu qabżu l-limiti speċifikati fil-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 66(1) u l-Artikolu 66(1a) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (c);

(e) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li kienu nħarġu sal-31 ta' Diċembru 2012 iżda li ma jikkwalifikawx bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 489(4);

(f) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (e).

4. L-ammont ta' elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 huwa limitat għall-perċentwal applikabbli tar-riżultat ta' tnaqqis mis-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (e) sa (h) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(5) li jkunu għadhom maħruġin fil-31 ta' Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) l-ammont nominali ta' kapital subordinat ta' self li jkun għadu maħruġ fil-31 ta' Diċembru, imnaqqas mill-ammont meħtieġ skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (c) tal-Artikolu 64(3) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) l-ammont nominali tal-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5), għajr l-istrumenti u l-kapital subordinat ta' self imsemmija fil-punti (a) u (c) ta' dan il-paragrafu, li nħarġu qabel il-31 ta' Diċembru 2012;

(e) l-ammont nominali tal-istrumenti u l-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li nħarġu qabel il-31 ta' Diċembru 2012 li qabżu l-limiti speċifikati fil-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(f) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (e);

(g) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(5) li nħarġu qabel il-31 ta' Diċembru 2012 li ma jikkwalifikawx bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 490(4);

(h) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (g).

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-perċentwali applikabbli msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 60 % sa 80 % matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 40 % sa 70 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

(c) 20 % sa 60 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 50 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017;<0

(e) 0 % sa 40 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018;

(f) 0 % sa 30 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019;

(g) 0 % sa 20 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(h) 0 % sa 10 % matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021;

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwali applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 5.

*Artikolu 487*

**Elementi esklużi mill-anterjorità fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew dawk ta' Grad 1 Addizzjonali f'elementi oħra ta' fondi proprji**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 51, 52, 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw bħala elementi msemmija fl-Artikolu 484(4), il-kapital u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati msemmija fl-Artikolu 484(3) li huma esklużi mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għax jaqbżu l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 486(2), sakemm l-inklużjoni ta' dak il-kapital u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati ma jaqbżux il-limitu tal-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(3).

2. B'deroga mill-Artikoli 51, 52, 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw l-elementi li ġejjin bħala elementi msemmija fl-Artikolu 484(5), sakemm l-inklużjoni tagħhom ma taqbiżx il-limitu tal-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(4):

(a) il-kapital, u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, imsemmija fl-Artikolu 484(3) li huma esklużi mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għax jaqbżu l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 486(2);

(b) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, imsemmija fl-Artikolu 484(4) li jaqbżu l-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(3).

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet għat-trattament tal-istrumenti ta' fondi proprji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 bħala strumenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 486(4) (5) matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2014.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 488*

**Amortizzazzjoni tal-elementi tal-anterjorità bħala elementi ta' Grad 2**

L-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 imsemmija fl-Artikolu 484(5) jew l-Artikolu 486(4) għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 64.

Subtaqsima 2

**Inklużjoni ta' strumenti b'sejħa u inċentiv ta' fidi f'elementi ta' grad 1 u grad 2 addizzjonali**

*Artikolu 489*

**Strumenti ibridi b'sejħa u inċentiva ta' fidi**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 51 u 52, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom jinkludu sejħa b'inċentiv sabiex jiġu mifdija mill-istituzzjoni għandhom ikunu soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu.

2. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 jintlaħqu mill-1 ta' Jannar 2013.

3. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484(4) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom u wara dik id-data għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali mingħajr limitu sakemm:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 jintlaħqu mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

4. L-istrumenti ma għandhomx jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikolu 484(4), minn 1 ta' Jannar 2014 fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

5. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484(4) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u ma għandhomx jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali wara dik id-data, fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

6. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 484(4) fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel jew fil-31 ta' Diċembru 2011 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

*Artikolu 490*

**Elementi ta' Grad 2 b'inċentiv ta' fidi**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (f) jew (h) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE u li jinkludu fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom sejħa b'inċentiv sabiex jiġu mifdija mill-istituzzjoni għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu.

2. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 sakemm:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa;

(c) mill-1 ta' Jannar 2013 jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63.

3. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 484(5) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u wara dik id-data għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 mingħajr limitu, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 jintlaħqu mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

4. L-elementi ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 mill-1 ta' Jannar 2013 fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

5. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484(5) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 wara dik id-data, meta:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tagħhom;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

6. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 484(5) meta:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel jew fil-31 ta' Diċembru 2011 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

*Artikolu 491*

**Maturità effettiva**

Għall-finijiet tal-Artikoli 489 u 490, il-maturità effettiva għandha tiġi ddeterminata kif ġej:

(a) għall-elementi msemmija fil-paragrafi 3 u 5 ta' dawk l-Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi li sseħħ fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara;

(b) għall-elementi msemmija fil-paragrafu 4 ta' dawk Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi li sseħħ bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013;

(c) għall-elementi msemmija fil-paragrafu 6 ta' dawk l-Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

*KAPITOLU 3*

***Dispożizzjonijiet transizzjonali għal żvelar ta' fondi proprji***

*Artikolu 492*

**Divulgazzjoni tal-fondi proprji**

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan l-Artikolu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.

2. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw sa fejn il-livell tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u l-kapital ta' Grad 1 qabżu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 465.

3. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni addizzjonali li ġejja dwar il-fondi proprji tagħhom:

(a) in-natura u l-effett fuq il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali, il-kapital ta' Grad 2 u l-fondi proprji tal-filtri u t-tnaqqis individwali applikati skont l-Artikoli 467 sa 470, 474, 476 u 479;

(b) l-ammonti ta' interessi minoritarji u l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u l-Grad 2, u d-dħul miżmum u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, maħruġa mis-sussidjarji li huma inklużi fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, fil-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali, fil-kapital ta' Grad 2 u fil-fondi proprji skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1;

(c) l-effett fuq il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, fuq il-kapital Ta' Grad 1 Addizzjonali, fuq il-kapital ta' Grad 2 u fuq il-fondi proprji tal-filtri u t-tnaqqis individwali applikati skont l-Artikolu 481;

(d) in-natura u l-ammont tal-elementi li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, elementi ta' Grad 1 u elementi ta' Grad 2 minħabba l-applikazzjoni tad-derogi speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2.

4. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont ta' strumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali u strumenti ta' Grad 2 minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 484.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika formoli uniformi għad-divulgazzjoni magħmula skont dan l-Artikolu. Il-formoli għandhom jinkludu l-elementi elenkati fil-punti (a), (b), (d) u (e) tal-Artikolu 437(1), kif emendati mill-Kapitoli 1 u 2 ta' dan it-Titolu.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sa 1 ta' Frar 2014

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*KAPITOLU 4*

***Skoperturi kbar, rekwiżiti ta' fondi proprji, lieva u l-minimi ta' Basel I***

*Artikolu 493*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji għal skoperturi kbar**

1. Id-dispożizzjonijiet fuq skoperturi kbar kif stabbiliti fl-Artikoli 386 sa 403 ma għandhomx japplikaw għal ditti tal-investimenti li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE u li għalihom, fil-31 ta' Diċembru 2006, ma kinitx tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE tal-10 ta' Mejju 1993 dwar servizzi ta' investiment fil-qasam ta' titoli [1]. Din l-eżenzjoni hija disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2017 jew sad-data ta' dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u fid-dawl tad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

(a) reġim xieraq għas-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investimenti li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mad-derivati tal-prodotti jew f'kuntratti tad-derivati stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(b) l-importanza li tiġi emendata d-Direttiva 2004/39/KE sabiex tinħoloq kategorija ulterjuri ta' ditti tal-investiment li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE dwar il-provvisti tal-enerġija.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti għal emendi għal dan ir-Regolament.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 400 (2) u (3), l-Istati Membri jistgħu, għal perijodu transizzjonali sad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe att legali wara l-analiżi f'konformità mal-Artikolu 507, iżda mhux wara 2 ta' Jannar 2029 jeżentaw kompletament jew parzjalment l-iskoperturi li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) bonds koperti li jaqgħu taħt l-Artikolu 129(1), (3) u (6);

(b) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta' riskju ta' 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta' riskju ta' 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

[1] ĠU L 141, 11.6.1993, p. 27.

(c) skoperturi, fosthom holdings jew tipi oħra ta' holdings, imġarrba minn istituzzjoni għall-impriża prinċipali tagħha, għal sussidjarji oħra ta' dik l-impriża prinċipali jew għas-sussidjarji tagħha stess, sakemm dawk l-impriżi jkunu koperti mis-superviżjoni fuq bażi konsolidata li tkun soġġetta għaliha l-istituzzjoni stess, skont dan ir-Regolament, id-Direttiva 2002/87/KE jew skont standards ekwivalenti li jkunu fis-seħħ f'pajjiż terz. L-iskoperturi li ma jissodisfawx dawk il-kriterji, kemm jekk ikunu kif ukoll jekk ma jkunux eżentati mill-Artikolu 395(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

(d) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra, inklużi l-parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta' holdings, għal istituzzjonijiet reġjonali jew ċentrali ta' kreditu fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tappartjeni lil 'netwerk skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew statutorji u li jkunu responsabbli, skont dawn id-dispożizzjonijiet, għall-operazzjonijiet ta' kklerjar ta' flus fi ħdan in-netwerk;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet ta' kreditu mġarrba minn istituzzjonijiet ta' kreditu, li minnhom waħda topera fuq bażi mhux kompetittiva u li tipprovdi jew tiggarantixxi għoti ta' self skont programmi leġislattivi jew l-istatuti tagħha, biex tippromwovi oqsma speċifiċi tal-ekonomija taħt xi forma ta' sorveljanza governattiva u restrizzjonijiet fuq l-użu tas-self, bil-kondizzjoni li l-iskoperturi rispettivi joriġinaw minn tali self li jkun mgħoddi lill-benefiċjarji permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew mill-garanziji fuq dan is-self;

(f) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet, u espożizzjonijiet oħra għal istituzzjonijiet, dejjem jekk dawk l-espożizzjonijiet ma jikkostitwixxux il-fondi proprji ta' istituzzjonijiet bħal dawn u ma jdumux aktar mill-jum tax-xogħol ta' wara u li mhumiex denominati f'munita kummerċjali ewlenija;

(g) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq banek ċentrali fil-forma ta' riżervi minimi meħtieġa miżmuma minn dawk il-banek ċentrali li jkunu denominati fil-muniti nazzjonali tagħhom;

(h) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali fil-forma ta' rekwiżiti statutorji ta' likwidità miżmuma f'titoli tal-gvern li huma denominati u ffinanzjati fil-muniti nazzjonali bil-kondizzjoni li, fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, il-valutazzjoni tal-kreditu ta' dawk il-gvernijiet ċentrali assenjati minn ECAI nominata tkun grad ta' investiment;

(i) 50 % tad-dokumenti ta' kreditu b'riskju medju/baxx li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u tal-faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud b'riskju medju/baxx li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness I u soġġett għall-qbil tal-awtoritajiet kompetenti, 80 % tal-garanziji barra mill-garanziji fuq self li għandhom bażi ġuridika jew regolatorja u jingħataw għall-membri tagħhom bi skemi ta' garanzija reċiproka li għandhom status ta' istituzzjonijiet ta' kreditu;

(j) il-garanziji legalment meħtieġa li jintużaw meta self b'ipoteka ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds ta' ipoteki jitħallas lill-mutwatarju tal-ipoteka qabel ir-reġistrazzjoni finali tal-ipoteka fir-reġistru tal-artijiet, bil-kondizzjoni li l-garanzija ma tintużax biex tnaqqas ir-riskju fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju;

(k) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal boroż rikonoxxuti.

*Artikolu 494*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji għal kapital eliġibbli**

Permezz ta' deroga mill-punt (71)(b) tal-Artikolu 4(1), il-kapital eliġibbli jista' jinkludi l-kapital ta' Grad 2 sa l-ammonti li ġejjin:

(a) 100 % tal-kapital ta' Grad 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 75 % tal-kapital ta' Grad 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(b) 50 % tal-kapital ta' Grad 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

*Artikolu 495*

**Trattament ta' skoperturi għal ekwità skont l-Approċċ IRB**

1. Permezz ta' deroga mill-Kapitolu 3 tal-Parti Tlieta, sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mit-trattament IRB ċerti kategoriji ta' skoperturi tal-ekwità tal-istituzzjonijiet u s-sussidjarji mill-UE tal-istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru. L-awtorità kompetenti għandha tippubblika l-kategoriji tal-iskoperturi tal-ekwità li jibbenefikaw minn dak it-trattament skont l-Artikolu 143 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Il-pożizzjoni eżentata għandha titkejjel bħala n-numru ta' ishma mill-31 ta' Diċembru 2007 u kwalunkwe sehem addizzjonali li jirriżulta b'mod dirett mis-sjieda ta' dawk il-holdings, jekk ma jżidux is-sehem proporzjonali tas-sjieda f'kumpannija f'portafoll.

Jekk akkwist iżid is-sehem proporzjonali ta' sjieda f'holding speċifiku, il-parti tal-holding li tikkostitwixxi l-eċċess ma għandhiex tkun soġġetta għar-rinunzja. Lanqas l-eżenzjoni ma għandha tapplika għal holdings li oriġinarjament kienu soġġetti għall-eżenzjoni, iżda li nbiegħu u mbagħad inxtraw lura.

Skoperturi tal-ekwità soġġetti għal din id-dispożizzjoni għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' kapital kkalkolati skont l-Approċċ Standardizzat tal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ABE bl-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

2. Fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-għanijiet tal-Artikolu 114(4), sal-31 ta' Diċembru 2015 l-istess piż tar-riskju għandu jiġi assenjat fir-rigward tal-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali jew il-banek ċentrali tal-Istati Membri denominati u mwaqqfa fil-munita domestika ta' kwalunkwe Stat Membru bħalma jkunu applikati tali skoperturi denominati u mwaqqfa fil-munita domestika tagħhom.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 496*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal bonds koperti**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw kompletament jew parzjalment mil-limitu ta' 10 % lill-unitajiet prijoritarji maħruġa minn French Fonds Communs de Créances jew minn entitajiet ta' titolazzjoni li huma ekwivalenti għall-French Fonds Communs de Créances stabbiliti fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 129(1), dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskoperturi fuq proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali titolizzati kienu oriġinati minn membru tal-istess grupp konsolidat li l-emittent tal-bonds koperti wkoll ikun membru tiegħu, jew minn entità affiljata mal-istess korp ċentrali li l-emittent tal-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu, fejn dik is-sħubija jew affiljazzjoni fi grupp komuni tiġi stabbilita fil-ħin li l-unitajiet prijoritarji jsiru kollaterali għall-bonds koperti;

(b) membru tal-istess grupp konsolidat li l-emittent tal-bonds koperti jkun membru tiegħu jew entità affiljata mal-istess korp ċentrali li l-emittent tal-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu, iżomm is-segment tal-ewwel telf kollu li jsostni dawk l-unitajiet prijoritarji.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2014, għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 129(1), l-iskoperturi prijoritarji mhux garantiti tal-istituzzjonijiet li kkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 20 % skont il-liġi nazzjonali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jikkwalifikaw għal-livell 1 ta' kwalità ta' kreditu.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2014, għall-finijiet tal-Artikolu 129(5), l-iskoperturi prijoritarji mhux garantiti tal-istituzzjonijiet li kkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 20 % skont il-liġi nazzjonali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jikkwalifikaw għal piż ta' riskju ta' 20 %.

*Artikolu 497*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi għal CCPs**

1. Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar wieħed mill-ħdax-il standard regolatorju tekniku msemmija fl-aħħar tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) 648/2012, jew sakemm tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament dwar l-awtorizzazzjoni tas-CCP, skont liema data tiġi l-ewwel, istituzzjoni tista' tikkunsidra dik is-CCP li tkun $Q_{CCP}$, dment li l-kondizzjoni stabbilita fl-ewwel parti ta' dak is-subparagrafu tkun ġiet sodisfatta.

2. Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar mill-għaxar standards regolatorji tekniċi msemmija fl-aħħar tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) tar-Regolament (UE) 648/2012, jew sakemm tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament dwar ir-rikonoxximent tas-CCP stabbilita f'pajjiż terz, skont liema data tiġi l-ewwel, istituzzjoni tista' tikkunsidra dik is-CCP li tkun $Q_{CCP}$,

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jestendi d-dispożizzjonijiet transizzjonali fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu b'sitt xhur oħra, f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn huwa meħtieġ u proporzjonat biex jiġi evitat tfixkil għas-swieq finanzjarji internazzjonali.

4. Sad-dati ta' skadenza definiti fil-paragrafi 1 u 2, u estiżi taħt il-paragrafu 3, kif applikabbli, fejn CCP ma għandhiex fond ta' inadempjenza u ma għandhiex arranġament vinkolanti implimentat mal-membri ta' kklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizjali kollu jew parti minnu rċevut mill-membri ta' kklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, istituzzjoni għandha tissostiwixxi l-formula t-tajba biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji ($K_i$) fl-Artikolu 298a(2) b'dan li ġej:

$$K_i = \left(1 + \beta \cdot \frac{N}{N-2}\right) \cdot \frac{IM_i}{IM} \cdot K_{CM}$$

fejn

$IM_i$ = il-marġini inizjali depożitat mas-CCP mill-membru tal-ikklerjar i

IM = is-somma tal-marġni inizjali kkomunikata lill-istituzzjoni mis-CCP.

*Artikolu 498*

**Eżenzjoni tal-operaturi tal-Prodotti**

1. Id-dispożizzjonijiet fuq ir-rekwiżiti tal-fondi proprji kif stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal ditti tal-investiment li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investiment jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE u li ma applikatx għalihom id-Direttiva 93/22/KEE fil-31 ta' Diċembru 2006.

Din l-eżenzjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2017 jew sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda skont il-paragrafi 2 u 3, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u fid-dawl tad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

(a) reġim xieraq għas-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investimenti li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mad-derivati tal-prodotti jew f'kuntratti tad-derivati stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(b) l-importanza li tiġi emendata d-Direttiva 2004/39/KE sabiex tinħoloq kategorija ulterjuri ta' ditti tal-investiment li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti 5, 6, 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE dwar il-provvisti tal-enerġija, inklużi l-elettriku, il-faħam, il-gass u ż-żejt.

3. Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tissottometti proposti għal emendi ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 499*

**Lieva finanzjarja**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 429 u 430, matul il-perijodu bejn 1 Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw u jirrapportaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja billi jużaw dawn it-tnejn li ġejjin bħala l-kalkolu tal-kapital:

(a) Kapital ta' Grad 1;

(b) Kapital ta' Grad 1, soġġett għad-derogi stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 ta' dan it-Titolu.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 451(1), l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu jiddivulgawx jew le dik l-informazzjoni dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja bbażata fuq definizzjoni waħda jew it-tnejn li huma tal-kalkolu tal-kapital speċifikata fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fejn l-istituzzjonijiet jibdlu d-deċiżjoni tagħhom dwar liema proporzjon ta' lieva finanzjarja sejrin jiddivulgaw, l-ewwel divulgazzjoni li sseħħ wara tali bidla għandu jkun fiha rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proporzjonijiet ta' lieva finanzjarja kollha li ġew divulgati sal-mument tal-bidla.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 429(2), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jikkalkolaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tal-aħħar trimestru fejn jikkunsidraw li l-istituzzjonijiet jista' ma jkollhomx data ta' kwalità tajba biżżejjed sabiex jikkalkolaw proporzjon ta' lieva finanzjarja li jkun medja aritmetika tal-proporzjonijiet ta' lieva finanzjarja ta' kull xahar fuq bażi ta' tliet xhur.

*Artikolu 500*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali – minimu ta' Basel I**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 u l-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu kif speċifikati fil-Parti Tlieta, it-Titolu III, il-Kapitolu 4 għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħhom għar-riskju operattiv għandhom jilħqu ż-żewġ rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma għandu jkollhom il-fondi proprji kif mitlub mill-Artikolu 92;

(b) huma għandu jkollhom fondi proprji li f'kull waqt ikunu aktar minn jew daqs 80 % tal-ammont minimu totali tal-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun mitluba li jkollha skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE kif dik id-Direttiva u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta l-istituzzjonijiet ta' kreditu [1] kienu qabel l-1 ta' Jannar 2007.

2. Soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, l-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jista' jiġi sostitwit b'rekwiżit biex jinżammu fondi proprji li f'kull waqt huma aktar minn jew daqs it-80 % tal-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun mitluba żżomm taħt l-Artikolu 92 bil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati sont ir-riskju f'konformità mal-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2, u Parti Tlieta, Titolu III, Kapitolu 2 jew 3, kif applikabbli, minflok f'konformità mal-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 3, jew Parti Tlieta, Titolu III, Kapitolu 4, kif applikabbli.

3. Istituzzjoni tal-kreditu tista' tapplika l-paragrafu 2 biss jekk tkun bdiet tuża l-Approċċ IRB jew l-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-kapital tagħha fi jew wara l-1 ta' Jannar 2010.

4. Il-konformità mar-rekwiżiti tal-punt (b) tal-paragrafu 1 għandha tkun fuq il-bażi tal-ammonti tal-fondi proprji aġġustati għalkollox biex jirriflettu d-differenzi fil-kalkolu ta' fondi proprji skont id-Direttiva 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KEkif dawk id-Direttivi kienu qabel l-1 ta' Jannar 2007 u l-kalkolu ta' fondi proprji skont dan ir-Regolament li ġej minn trattamenti separati ta' telf mistenni u telf mhux mistenni taħt Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 3, ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 03 p. 272.

5. Wara li jikkonsultaw mal-ABE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 1 għall-istituzzjonijiet jekk jintlaħqu r-rekwiżiti kollha għall-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjoni Interna stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 6 jew il-kriterji ta' kwalifikazzjoni għall-użu tal-Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu III, il-Kapitolu 4, skont kif applikabbli.

6. Il-Kummissjoni għandha sal-1 ta' Jannar 2017 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar jekk huwiex xieraq li tiġi estiża l-applikazzjoni tal-bażi ta' Basel I lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2017 biex jiġi żgurat li hemm garanziji ta' kontinġenza għall-mudelli interni, filwaqt li jittieħed kont tal-iżviluppi internazzjonali u l-istandards miftiehma fuq livell internazzjonali. Dak ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva jekk xieraq.

*Artikolu 501*

**Tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tal-kreditu fuq l-iskoperturi għall-SMEs**

1. Ir-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tal-kreditu fuq l-iskoperturi għall-SMEs għandhom jiġu mmultiplikati bil-fattur 0,7619.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu:

(a) l-iskopertura għandha tiġi inkluża jew fil-livell tal-konsumatur jew inkella f'dawk korporattivi jew iggarantita minn ipoteki fuq klassijiet ta' proprjetà immobbli. Skoperturi inadempjenti għandhom ikunu esklużi;

(b) SME hi definita skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([1]). Fost il-kriterji elenkati fl-Artikolu 2 tal-Anness għal dik ir-Rakkomandazzjoni il-fatturat annwali biss għandu jittieħed kont tiegħu;

(c) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni u lill-impriżi parent u lis-sussidjarji tagħha, inkluż kwalunkwe skopertura f'inadempjenza, mill-klijent obbligant jew minn grupp ta' klijenti konnessi flimkien, iżda eskluż il-pretensjonijiet jew pretensjonijiet kontinġenti ggarantiti bi proprjetà residenzjali bħala kollateral, ma għandux, safejn l-istituzzjoni tkun innotifikata, jaqbeż l-EUR 1,5 miljun. L-istituzzjoni għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tikseb din l-informazzjoni.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jagħtu rapport lill-awtoritajiet kompetenti kull tliet xhur dwar l-ammont totali ta' skoperturi għall-SMEs kkalkulat f'konformità mal-paragrafu.

4. Sa 2 ta' Jannar 2017 il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq l-għoti ta' self lil SMEs u persuni fiżiċi u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

5. Għall-fini tal-paragrafu 4, l-ABE għandha tagħti rapport dwar dan li ġej lill-Kummissjoni:

(a) analiżi tal-evoluzzjoni tax-xejriet u kondizzjonijiet ta' self għall-SMEs matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 4;

(b) analiżi tal-livell ta' riskju effettiv tal-SMEs tal-Unjoni matul ċiklu ekonomiku sħiħ;

(c) il-konsistenza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament għar-riskju tal-kreditu fuq skoperturi għal SMEs bl-eżiti tal-analiżi taħt il-punti (a) u (b).

TITOLU II

**RAPPORTI U ANALIŻI**

*Artikolu 502*

**Ċikliċità tar-rekwiżiti tal-kapital**

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ABE, mal-BERS u mal-Istati Membri, u billi tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE, għandha tissorvelja b'mod perijodiku jekk dan ir-Regolament sħiħ, flimkien mad-Direttiva 2013/36/UE għandux effetti sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku u, fid-dawl ta' dak l-eżami, għandha tikkunsidra jekk humiex ġustifikati xi miżuri ta' rimedju. Sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE għandha tirrapporta għand il-Kummissjoni jekk il-metodoloġiji tal-istituzzjonijiet skont l-Approċċ IRB għandhomx jikkonverġu bil-għan li jinkisbu rekwiżiti tal-kapital aktar komparabbli filwaqt li tiġi mitigata l-proċikliċità u kif dan jista' jseħħ.

Ibbażata fuq dik l-analiżi u billi tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-BĊE, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tħejji rapport u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa. Kontribuzzjonijiet minn partijiet ta' teħid ta' kreditu u dawk ta' self ta' kreditu għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod adegwat meta jitfassal ir-rapport.

Sal-31 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 33(1)(c) u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

Fir-rigward tat-tħassir potenzjali tal-Artikolu 33(1)(c) u l-applikazzjoni potenzjali tiegħu fil-livell tal-Unjoni, l-analiżi għandha b'mod partikolari tiżgura li jkunu fis-seħħ salvagwardji suffiċjenti biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha.

*Artikolu 503*

**Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi fil-forma ta' bonds koperti**

1. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2014, wara li tikkonsulta mal-ABE, tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, dwar jekk il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 129 u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku fl-Artikolu 336(3) humiex adegwati għall-istrumenti kollha li jikkwalifikaw għal dawk it-trattamenti u jekk il-kriterji fl-Artikolu 129 humiex adatti.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

2. Ir-rapport u l-proposti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkunsidraw:

(a) il-punt sa fejn ir-rekwiżiti regolatorji attwali dwar kapital applikabbli għal bonds koperti jiddifferenzjaw b'mod adegwat bejn varjazzjonijiet fil-kwalità ta' kreditu ta' bonds koperti u l-kollateral li l-bonds koperti jistgħu jiġi garantiti fuq il-bażi tagħhom, inkluż il-miżura tal-varjazzjonijiet fost l-Istati Membri;

(b) it-trasparenza tas-suq tal-bonds koperti u l-punt sa fejn din tiffaċilita analiżi interna komprensiva minn investituri rigward ir-riskju ta' kreditu ta' bonds koperti u l-kollateral li jiggarantihom u s-segregazzjoni tal-assi fil-każ tal-insolvenza tal-emittent, inklużi l-effetti ta' mitigazzjoni tal-qafas legali nazzjonali strett sottostanti f'konformità mal-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE dwar il-kwalità ġenerali tal-kreditu ta' bond kopert u l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-livell ta' trasparenza meħtieġ mill-investituri; u

(c) il-punt sa fejn il-ħruġ minn istituzzjoni tal-kreditu ta' bonds koperti taffettwa r-riskju ta' kreditu li għalih kredituri oħrajn tal-istituzzjoni emittenti jkunu skoperti.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2014, wara li tikkonsulta l-ABE, il-Kummmissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar jekk self iggarantit minn inġenji tal-ajru (rahan fuq inġenji tal-ajru) u jekk self residenzjali kopert b'garanzija, iżda li mhux kopert b'ipoteka reġistrata, jistgħux ikunu kkunsidrati taħt ċerti kondizzjonijiet bħala assi eliġibbli skont l-Artikolu 129.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-adegwatezza tad-deroga stipulata fl-Artikolu 496 u, jekk rilevanti, l-adegwatezza tal-estensjoni ta' trattament simili għal kwalunkwe forma oħra ta' bond kopert. Fid-dawl ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni tista', jekk dan ikun xieraq, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 462 sabiex tagħmel dik id-deroga permanenti jew tagħmel proposti leġislattivi sabiex testendiha għal forom oħra ta' bonds koperti.

*Artikolu 504*

**Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2016, wara li tikkonsulta lill-ABE, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposti xierqa, jekk it-trattament stabbilit fl-Artikolu 31 jeħtiġx jiġi emendat jew imneħħi.

*Artikolu 505*

**Analiżi tal-finanzjament fuq perijodu twil**

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, dwar l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati livelli adegwati ta' finanzjament għall-forom kollha ta' finanzjament fit-tul għall-ekonomija, inklużi proġetti ta' infrastruttura kritika fl-Unjoni fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni.

*Artikolu 506*

**Riskju tal-kreditu – definizzjoni ta' inadempjenza**

L-ABE għandha, sal-31 ta' Diċembru 2017, tagħti rapport lill-Kummissjoni dwar kif is-sostituzzjoni ta' 90 jum b'180 jum ta' arretrati, kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 178(1), għandha impatt fuq l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u kemm hi xierqa l-applikazzjoni kontinwa ta' dik id-dispożizzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2019.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġislattiva biex temenda dan ir-Regolament.

*Artikolu 507*

**Skoperturi kbar**

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 400(1)(j) u l-Artikolu 400(2), inkluż jekk l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 400(2) għandhomx ikunu diskrezzjonali, u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

Fir-rigward tal-eleminazzjoni potenzjali tad-diskrezzjoni nazzjonali taħt l-Artikolu 400(2)(c) u l-applikazzjonijiet potenzjali tagħha fuq livell tal-Unjoni, l-analiżi għandha tikkunsidra b'mod partikolari l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp filwaqt li tiżgura li jkun hemm fis-seħħ biżżejjed salvagwardji sabiex jiżguraw stabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha li fihom tkun inkorporata entità li tappartjeni lil grupp.

*Artikolu 508*

**Livell ta' applikazzjoni**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirraporta dwar l-applikazzjoni tal-Parti Wieħed, it-Titolu II, u l-Artikolu 113(6) u (7) u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkine ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar jekk ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità stabbilit fil-Parti Sitta għandux japplika għad-ditti tal-investimenti u kif dan jista' jseħħ, u għandha wara li tikkonsulta lill-ABE, tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-ABE u l-AETS u fid-dawl tad-diskussjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar reġim adatt għas-superviżjoni prudenzjali tad-ditti ta' investiment u ta' ditti msemmija fil-punti (2)(b) u (c) tal-Artikolu 4(1). Fejn adatt, ir-rapport għandu jkun segwit minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 509*

**Rekwiżiti ta' likwidità**

1. L-ABE għandha tissorvelja u tevalwa r-rapporti magħmula skont l-Artikolu 415(1), fost muniti u fost mudelli kummerċjali differenti. L-ABE għandha, wara li tikkonsulta lill-BERS, l-utenti aħħarin mhux finanzjarji, l-industrija bankarja, l-awtoritajiet kompetenti u l-banek ċentrali tas-SEBĊ nazzjonali annwalment u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2013, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar jekk speċifikazzjoni tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità ġenerali fil-Parti Sitta bbażata fuq l-elementi għar-rappurtar tal-likwidità skont il-Parti Sitta, it-Titolu II u l-Anness III, ikkunsidrati individwalment jew b'mod kumulattiv, għandhiex il-probabbiltà li jkollha impatt detrimentali materjali fuq il-profil tan-negozju u tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jew fuq l-istabbiltà u l-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji jew fuq l-ekonomija u l-istabbiltà tal-forniment tas-self bankarju, b'attenzjoni partikolari fuq is-self lil SMEs u fuq l-iffinanzjar kummerċjali, inkluż self mogħti taħt skemi uffiċjali ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jikkunsidra debitament is-swieq u l-iżviluppi regolatorji internazzjonali kif ukoll l-interazzjonijiet tar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità ma' rekwiżiti prudenzjali oħra skont dan ir-Regolament bħall-proporzjonijiet tal-kapital ibbażati fuq ir-riskju stipulati fl-Artikolu 92 u l-proporzjoni ta' lieva finanzjarja.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tingħatalhom l-opportunità li jiddikjaraw l-opinjonijiet tagħhom dwar ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

2. Fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-ABE għandha tivvaluta dan li ġej b'mod partikolari:

(a) il-forniment ta' mekkaniżmi li jillimitaw il-valur tal-flussi 'l ġewwa tal-likwidità, b'mod partikolari bl-għan li jiġi determinat limitu massimu adatt tal-flussi 'l ġewwa u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu, b'kont meħud tal-mudelli kumemrċjali differenti inkluż finanzjament pass through, factoring, leasing, bonds koperti, ipoteki, ħruġ ta' bonds koperti, u l-miżura safejn dak il-limitu massimu għandu jiġi emendat jew jitneħħa sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-finanzjament speċjalizzat;

(b) il-kalibrazzjoni tal-flussi 'l ġewwa u 'l barra msemmija fil-Parti Sitta, Titolu II, b'mod partikolari taħt l-Artikolu 422(7) u l-Artikolu 425(2);

(c) il-forniment ta' mekkaniżmi li jillimitaw il-kopertura tar-rekwiżiti ta' likwidità b'ċerti kategoriji ta' assi likwidi, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-preċentwal minimu adatt għall-assi likwidi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1) meta mqabbla mat-total tal-assi likwidi, l-ittestajar ta' limitu ta' 60 % u l-konsiderazzjoni tal-iżviluppi regolatorji internazzjonali. Assi dovuti jew eżerċitabbli fi żmien 30 ġurnata tal-kalendarju ma għandhomx jingħaddu għas-60 % sakemm l-assi ma jkunux inkisbu taħt kollateral li jikkwalifika wkoll taħt il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(d) l-forniment ta' rati speċifiċi ta' flussi ' barra aktar baxxi u/jew flussi 'l ġewwa ogħla għall-flussi intragrupp li jispeċifika taħt liema kondizzjonijiet tali rati speċifiċi ta' flussi 'l ġewwa jew 'il barra jkunu ġustifikati mill-perspettiva prudenzjali u li jistabbilixxi deskrizzjoni ta' metodoloġija ta' livell għoli li tuża kriterji u parametri oġġettivi sabiex jiġu determinati livelli speċifiċi ta' flussi 'l ġewwa jew 'il barra bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti meta ma jkunux stabbiliti fl-istess Stat Membru.

(e) il-kalibrazzjoni tar-rati għall-ġbid ta' self applikabbli għall-faċilitajiet impenjati ta' kreditu u likwidità mhux miġbudin li jaqgħu taħt l-Artikolu 424(3) u (5). B'mod partikolari, l-ABE għandha tittestja rata għall-ġbid ta' self ta' 100 %;

(f) id-definizzjoni ta' depożitu fil-livell tal-konsumatur fil-punt (2) tal-Artikolu 411, b'mod partikolari l-adegwatezza li jiġi introdott limitu rigward depożiti ta' persuni fiżiċi;

(g) il-ħtieġa li tiġi introdotta kategorija ġdida ta' depożitu fil-livell tal-konsumatur bi flussi 'l barra aktar baxxi fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' tali depożiti li jistgħu jiġġustifikaw rata ta' flussi 'l barra aktar baxxa u b'kont meħud ta' żviluppi internazzjonali;

(h) derogi mir-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tal-assi likwidi li l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa jżommu, fejn f'munita partikolari l-ħtiġijiet kollettivi ġustifikati tal-istituzzjonijiet għal assi likwidi jkunu qed jaqbżu d-disponibbiltà ta' dawk l-assi likwidi u kondizzjonijiet li tali derogi għandhom ikunu soġġetti għalihom;

(i) id-definizzjoni ta' prodotti finanzjarji konformi max-Shari'ah bħala alternattiva għal assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416, għall-użu fil-banek li huma konformi max-Shari'ah;

(j) id-definizzjoni ta' ċirkostanzi ta' stress, inkluż prinċipji għall-użu tal-istokk tal-assi likwidi u r-reazzjonijiet ta' superviżjoni neċessarji li skonthom ikunu l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jużaw l-assi likwidi tagħhom biex jissodisfaw il-flussi 'l barra tal-likwidità u kif għandha tiġi indirzzata n-nuqqas ta' konformità;

(k) id-definizzjoni ta' relazzjoni operattiva stabbilita għall-klijenti mhux finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 422(3)(c).

(l) il-kalibrazzjoni tar-rata ta' flussi 'l barra applikabbli għal servizzi bankarji u ta' prime brokering korrispondenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 422(4);

(m) mekkaniżmi għall-anterjorità ta' bonds garantiti mill-gvern maħruġin lil istituzzjonijiet tal-kreditu bħala parti mill-miżuri ta' sostenn tal-Gvern bl-approvazzjoni tal-Unjoni dwar għajnuna mill-istat, bħall-bonds maħruġin mill-Aġenzija Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Assi (NAMA) fl-Irlanda u mill-Kumpannija Spanjola ta' Ġestjoni tal-Assi fi Spanja, imfasslin biex jeliminaw l-assi problematiċi mill-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, bħala assi ta' likwidità u kwalità kreditizzja estremament għolja tal-inqas sa Diċembru 2023.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE, wara li tikkonsulta mal-ESMA u mal-BĊE, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar definizzjonijiet uniformi xierqa ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja u estremament għolja ta' assi trasferibbli għall-finijiet tal-Artikolu 416 u t-telf impost adatt għal assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416, bl-eċċezzjoni tal-assi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tingħatalhom l-opportunità li jiddikjaraw l-opinjonijiet tagħhom dwar dak ir-rapport.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jikkunsidra wkoll:

(a) kategoriji oħra ta' assi, b'mod partikolari titoli ggarantiti minn self fuq djar residenzjali (RMBS) ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja;

(b) kategoriji oħra ta' titoli jew self eliġibbli tal-banek ċentrali, pereżempju bonds tal-gvern lokali u karta kummerċjali; u

(c) assi oħra li mhumiex eliġibbli għall-bank ċentrali iżda kummerċjabbli, pereżempju ekwitajiet ikkwotati f'borża rikonoxxuta, deheb, strumenti ta' ekwità marbutin mal-indiċijiet prinċipali, bonds iggarantiti, bonds koperti, bonds ta' kumpanniji u fondi bbażati fuq dawk l-assi.

4. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jikkunsidra jekk, u l-miżura safejn, faċilitajiet ta' kreditu ta' emerġenza (standby) imsemmijin fil-punt (e) tal-Artikolu 416(1) għandhomx jiġu inklużi bħala assi likwidi fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet Ewropej, inkluż il-mod kif il-politika monetarja titwettaq fl-Unjoni.

B'mod partikolari, l-ABE għandha tittestja l-adegwatezza tal-kriterji li ġejjin u l-livelli xierqa ta' tali definizzjonijiet:

(a) il-volum ta' negozjar minimu tal-assi;

(b) il-volum pendenti minimu tal-assi;

(c) l-ipprezzar trasparenti u l-informazzjoni ta' wara n-negozjar;

(d) il-livelli ta' kwalità tal-kreditu msemmija fil-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2;

(e) ir-rekord ippruvat tal-istabbiltà tal-prezz;

(f) il-volum medju nnegozjat u d-daqs medju tan-negozjar;

(g) il-firxa massima bejn it-talba u l-offerta;

(h) iż-żmien li fadal għall-maturità;

(i) il-proporzjon ta' dħul minimu.

5. Sal-31 ta' Jannar 2014, l-ABE għandha barra minn hekk tirrapporta dwar dan li ġej:

(a) id-definizzjonijiet uniformi ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja u estremament għolja;

(b) l-konsegwenzi possibbli mhux previsti tad-definizzjoni ta' assi likwidi fuq il-kondotta tal-operazzjoni tal-politika monetarja u l-miżura safejn:

(i) lista ta' assi likwidi li ma għandhiex konnessjoni mal-lista ta' assi eliġibbli tal-bank ċentrali tista' tinċentiva istituzzjonijiet biex jissottomettu assi eliġibbli li ma jkunux inklużi fid-definizzjoni ta' assi likwidi f'operazzjonijiet ta' ffinanzjar mill-ġdid;

(ii) regolamentazzjoni tal-likwidità tista' tneħħi l-inċentiv ta' istituzzjonijiet li jsellfu jew jissellfu fis-suq tal-flus mhux garantit u jekk dan jistax iwassal biex jinħolqu dubji dwar l-objettivi tal-implimentazzjoni tal-politika monetarja EONIA;

(iii) l-introduzzjoni tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità jista' jagħmilha aktar diffiċli għall-banek ċentrali li jiżguraw stabbiltà tal-prezzijiet bl-użu tal-istrumenti u l-qafas tal-politika monetarja attwali;

(c) ir-rekwiżiti operattivi għall-holdings ta' assi likwidi, kif imsemmi fil-punti (b) sa (f) tal-Artikolu 417, konformement mal-iżviluppi regolatorji internazzjonali.

*Artikolu 510*

**Rekwiżiti ta' Finanzjament Stabbli Nett**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni, abbażi tal-elementi li għandhom jiġu rappurtati skont il-Parti Sitta, Titolu III, dwar jekk ikunx xieraq li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jużaw sorsi stabbli ta' ffinanzjar u kif dan jista' jsir, inkluża valutazzjoni tal-impatt fuq in-negozji u l-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jew fuq is-swieq finanzjarji jew l-ekonomija u s-self mill-banek, b'enfasi partikolari fuq is-self lil SMEs u fuq l-finanzjament tan-negozju, inkluż self ipotekarju kofinanzjat. B'mod partikolari, l-ABE għandha tanalizza l-impatt ta' sorsi stabbli ta' finanzjament fuq l-istrutturi tar-rifinanzjament ta' mudelli bankarji differenti fl-Unjoni.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE għandha wkoll tirrapporta lill-Kummissjoni, abbażi tal-elementi li għandhom jiġu rappurtati skont il-Parti Sitta, Titolu III u skont il-formati ta' rappurtar uniformi msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 415(3) u wara li tikkonsulta mal-BERS, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli għal u meħtieġ minn istituzzjonijiet u dwar definizzjonijiet uniformi adatti għall-kalkolu ta' tali rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett, li jeżamina b'mod partikolari dan li ġej:

(a) il-kategoriji u l-ippeżar applikati għas-sorsi ta' finanzjament stabbli fl-Artikolu 427(1);

(b) il-kategoriji u l-ippeżar applikati għad-determinazzjoni tar-rekwiżit għal finanzjament stabbli fl-Artikolu 428(1);

(c) il-metodoloġiji għandhom jipprovdu inċentivi u diżinċentivi kif adatt li jinkoraġġixxu finanzjament aktar stabbli fuq termini itwal ta' żmien ta' assi, attivitajiet kummerċjali, investimenti u finanzjament ta' istituzzjonijiet;

(d) il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodoloġiji differenti għal tipi ta' istituzzjonijiet differenti.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha, jekk adatt, u waqt li tikkunsidra r-rapporti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, u waqt li tikkunsidra bis-sħiħ id-diversità tas-settur bankarju fl-Unjoni, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jużaw sorsi stabbli ta' finanzjament.

*Artikolu 511*

**Lieva finanzjarja**

1. Abbażi tar-riżultati tar-rapport imsemmi fil-paragrafu3, sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-impatt u l-effettività tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva dwar l-introduzzjoni ta' numru adatt ta' livelli ta' proporzjon ta' lieva finanzjarja li l-istituzzjonijiet li jsegwu mudelli kummerċjali differenti jkunu obblgati li jissodisfaw, fejn tiġi ssuġġerita kalibrazzjoni adegwata għal dawk il-livelli u kwalunkwe aġġustament xieraq fil-miżura kapitali kif imsemmi fl-Artikolu 429, flimkien ma' kwalunkwe miżura ta' flessibbiltà konnessa jekk meħtieġ, inklużi l-emendi adatti għall-Artikolu 458 biex jiġi introdott proporzjon ta' lieva fl-ambitu tal-miżuri inklużi f'dak l-Artikolu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni sal- 31 ta' Ottubru 2016 dwar, tal-inqas, dan li ġej:

(a) jekk il-qafas tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja previst f'dan ir-Regolament u l-Artikoli 87 u 98 tad-Direttiva 2013/36/UE huwiex l-istrument adatt biex jitrażżan ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva min-naħa tal-istituzzjonijiet b'mod u grad sodisfaċenti;

(b) l-identifikazzjoni tal-mudelli kummerċjali li jirriflettu l-profili globali tar-riskju tal-istituzzjonijiet u l-introduzzjoni ta' livell differenzjati tal-proporzjoni ta' lieva finanzjarja għal dawk il-mudelli kummerċjali;

(c) jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 76 u 87 tad-Direttiva 2013/36/UE skont l-Artikoli 73 u 97 tad-Direttiva 2013/36./EU għall-indirizzar tar-riskju tal-lieva finanzjarja eċċessiva humiex suffiċjenti biex jiżguraw il-ġestjoni tajba ta' dan ir-riskju mill-istituzzjonijiet u, jekk le, liema titjib ulterjuri hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi;

(d) jekk – u f'dan il-każ, liema – bidliet ikunu meħtieġa fil-metodoloġija ta' kalkolu msemmija fl-Artikolu 429 sabiex jiġi żgurat li l-proporzjon ta' lieva finanzjarja jkun jista' jintuża bħala indikatur xieraq tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva ta' istituzzjoni;

(e) jekk, fil-kuntest tal-kalkolu tal-iskoperturi totali tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fl-Anness II determinati billi jintuża l-Metodu ta' Skopertura Oriġinali huwiex differenti b'mod materjali mill-valur tal-iskopertura ddeterminat billi jintuża l-Metodu tal-Ipprezzar Skont il-Valur fis-Suq;

(f) jekk l-użu tal-fondi proprji jew tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 bħala l-kalkolu tal-kapital tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja ikunx aktar xieraq għall-għan intenzjonat tal-ittraċċar tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva u, f'dan il-każ, xi tkun il-kalibrazzjoni xierqa tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja;

(g) jekk il-fattur ta' konverżjoni msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 429(10) għal faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbudin, li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr notifika, jkunx konservattiv kif xieraq ibbażat fuq l-evidenza miġbura matul il-perijodu ta' osservazzjoni;

(h) jekk il-frekwenza u l-format tad-divulgazzjoni tal-elementi msemmija fl-Artikolu 451 humiex adegwati;

(i) x'jista' jkun il-livell adatt għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja għal kull wieħed mill-mudelli kummerċjali identifikati skont il-punt (b);

(j) jekk għandhiex tiġi ddefinita firxa għal kull livell ta' proporzjon ta' lieva finanzjarja;

(k) jekk l-introduzzjoni tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja bħala rekwiżit għall-istituzzjonijiet tkunx teħtieġ xi bidliet fil-qafas tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja mogħti minn dan ir-Regolament u, f'dan il-każ, liema bidliet;

(l) jekk l-introduzzjoni tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja bħala rekwiżit għall-istituzzjonijiet tillimitax b'mod effettiv ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva min-naħa ta' dawk l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari għall-banek tas-settur pubbliku u, f'dan il-każ, jekk il-livell għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja għandux ikun l-istess għall-istituzzjonijiet kollha jew għandux ikun determinat skont il-profil tar-riskju u l-mudell kummerċjali kif ukoll id-daqs tal-istituzzjonijiet u, rigward dan, liema kalibrazzjonijiet addizzjonali jew perijodu ta' transizzjoni jkunu meħtieġa.

4. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkopri tal-inqas il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Ġunju 2016 u għandu jikkunsidra tal-inqas dan li ġej:

(a) l-impatt tal-introduzzjoni tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja, determinat skont l-Artikolu 429, bħala rekwiżit li l-istituzzjonijiet ikunu jridu jilħqu għal:

(i) swieq finanzjarji b'mod ġenerali u swieq għat-transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, derivati u bonds koperti b'mod partikolari;

(ii) is-solidità tal-istituzzjonijiet;

(iii) il-mudelli kummerċjali u l-istrutturi tal-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet; b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma b'livell baxx ta' riskju tan-negozji, bħal kreditu promozzjonali minn banek għall-iżvilupp pubbliku, self muniċipali, finanzjament ta' proprjetà residenzjali u oqsma oħra ta' riskju ta' livell baxx regolati mid-dritt nazzjonali;

(iv) il-migrazzjoni ta' skoperturi għal entitajiet li mhumiex soġġetti għas-superviżjoni prudenzjali;

(v) innovazzjoni finanzjarja, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' strumenti b'lieva finanzjarja inkorporata;

(vi) imġiba tal-istituzzjonijiet fir-rigward tat-teħid tar-riskji;

(vii) attivitajiet tal-ikklerjar, ta' saldu u ta' kustodja u l-operazzjoni ta' kontroparti ċentrali;

(viii) ċikliċità tal-kalkolu tal-kapital u l-kalkolu tal-iskoperturi totali tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja;

(ix) self mill-banek, b'enfasi partikolari fuq is-self lil SMEs, awtoritajiet lokali, gvernijiet reġjonali u entitajiet tas-settur pubbliku fuq l-iffinanzjar tan-negozju, inkluż is-self taħt skemi uffiċjali ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni;

(b) l-interazzjoni tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja mar-rekwiżiti ta' fondi proprji bbażati fuq ir-riskju u r-rekwiżiti tal-likwidità kif speċifikat f'dan ir-Regolament;

(c) l-impatt tad-differenzi kontabbilistiċi bejn l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli taħt id-Direttiva 86/635/KEE u standards applikabbli tal-qafas tal-kontabbiltà oħrajn u oqfsa rilevanti tal-kontabbiltà oħrajn fuq il-komparabbiltà tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja.

*Artikolu 512*

**Skoperturi għal riskju ta' kreditu trasferit**

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni u l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-Parti Ħamsa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq internazzjonali.

*Artikolu 513*

**Regoli makroprudenzjali**

1. Sat-30 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni tal-BERS u l-ABE, tanalizza jekk ir-regoli makroprudenzjali f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE humiex suffiċjenti biex jittaffew ir-riskji sistemiċi fis-setturi, ir-reġjuni u l-Istati Membri inkluż il-valutazzjoni ta';

(a) jekk l-għodod makroprudenzjali attwali f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE ikunu effettivi, effiċjenti u trasparenti;

(b) jekk il-kopertura u l-gradi possibbli ta' koinċidenza bejn l-għodod makroprudenzjali differenti biex jiġu mmirati riskji simili f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/EU humiex adegwati u, jekk adatt, jiġu proposti regoli makroprudenzjali ġodda;

(c) kif l-istandards internazzjonalment maqbula għall-istituzzjonijiry sistemiċi jinteraġixxu mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/EU 2013/36/EU u, jekk adatt, jiġu proposti regoliġodda b'kont meħud ta' dawk l-istandards internazzjonalment maqbula.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha abbażi tal-konsultazzjoni mal-BERS u l-ABE tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn adatt, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 514*

**Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti u l-Metodu ta' Skopertura Oriġinali**

Sal-31 ta' Diċembru 2016 il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 275 u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġislattiva.

*Artikolu 515*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. L-ABE flimkien mal-ESMA għandhom sa 2 ta' Jannar 2015 jirrapportaw dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament mal-obbligi relatati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u b'mod partikolari rigward l-istituzzjonijiet li joperaw kontroparti ċentrali, biex tkun evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti għal transazzjonijiet ta' derivati u b'hekk ikun evitat riskju regolatorju akbar u spejjeż akbar għall-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-ABE għandha tissorvelja u tevalwa l-operat tad-dispożizzjonijiet għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi lill-kontroparti ċentrali kif stabilit fit-Taqsima 9 tal-Kapitlu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta. Sal-1 ta' Jannar 2015 l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-effikaċja ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar ir-rikonċiljazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-obbligi relatati taħt ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stabbiliti fit-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġislattiva.

*Artikolu 516*

**Finanzjament fit-tul**

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament dwar l-inkoraġġiment ta' investimenti fit-tkabbir fit-tul li jippromwovu l-infrastruttura sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 517*

**Definizzjoni tal-kapital eliġibbli**

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar l-adegwatezza tad-definizzjoni tal-kapital eliġibbli applikata għall-finijiet tat-Titolu III tal-Parti Tnejn u l-Parti Erbgħa u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġislattiva.

*Artikolu 518*

**Analiżi tal-istrumenti tal-kapital li jistgħu jiġu sottoskritti jew jiġu kkonvertiti fil-punt ta' non-vijabbiltà**

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar jekk dan ir-Regolament għandux ikun fih rekwiżit li strumenti tal-kapital tal-Grad 1 jew Grad 2 Addizzjonali għandhom jiġu sottoskritti fil-każ li jiġi determinat li istituzzjoni m'għadhiex vijabbli. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva, fejn adatt.

*Article 519*

**Tnaqqis tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1**

Sat-30 ta' Ġunju 2014, l-ABE għandha tħejji rapport dwar jekk l-ISA 19 rivedut, flimkien mat-tnaqqis tal-assi netti tal-pensjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 36(1)(e) u bidliet fil-passivi netti tal-pensjonijiet iwasslux għal volatilità indebita tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet.

B'kont meħud tar-rapport tal-ABE, il-Kummissjoni għandha tħejji sal-31 ta' Diċembru 2014, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk xieraq, għall-introdizzjoni ta' trattament li jaġġusta l-assi u l-passivi netti tal-fondi tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti għall-kalkolu tal-fondi proprji.

TITOLU III

**EMENDI**

*Artikolu 520*

**Emenda tar-Regolament (UE) Nru 648/2012**

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu li ġej jiġi miżjud fit-Titolu IV:

"*KAPITOLU 4*

***Kalkoli u rappurtar għall-finijiet tar-Regolament (EU) No 575/2013***

*Artikolu 50a*

**Kalkolu tal-$K_{CCP}$**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 308 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 26 ta' June 2013 dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (*) fejn CCP tkun irċeviet in-notifika msemmija fl-Artikolu 301(2)(b) ta' dak ir-Regolament, huwa għandu jikkalkula l-$K_{CCP}$ kif speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal kull kuntratt u transazzjoni li jikklerja għall-membri tal-ikklerjar tiegħu kollha li jaqgħu fil-kopertura tal-fond ta' inadempjenza partikolari.

2. CCP għandha tikkalkula l-kapital ipotetiku ($K_{CCP}$) kif ġej:

$$K_{CCP} = \sum_i max\{EBRM_i - IM_i - DF_i; \mathbf{0}\} \cdot RW \cdot captial\ ratio$$

fejn:

$EBRM_i$ = il-valur tal-iskopertura qabel il-mitigazzjoni tar-riskju li huwa daqs il-valur tal-iskopertura tas-CCP għall-membru tal-ikklerjar i li jirriżulta mill-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ma' dak il-membru tal-ikklerjar, ikkalkulat mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-kollateral depożitat minn dak il-membru tal-ikklerjar;

$IM_i$ = il-marġini inizjali depożitat mas-CCP mill-membru tal-ikklerjar i;

$DF_i$ = il-kontribuzzjoni prefinanzjata tal-membru tal-ikklerjar i;

RW = piż tar-riskju ta' 20 %;

proporzjon tal-kapital = 8 %.

3. CCP għandha twettaq il-kalkolu meħtieġ mill-paragrafu 2 mill-inqas tal-inqas fuq bażi trimestrali jew aktar spiss fejn obbligata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet.

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex jiġi speċifikat dan li ġej għall-fini tal-paragrafu 3:

(a) il-frekwenza u d-dati tal-kalkolu speċifikat fil-paragrafu 2;

(b) is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti ta' istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tista' tirrikjedi kalkoli u rappurtar aktar frekwenti minn dawk imsemmija fil-punt (a).

L-EBA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 50b*

**Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-$K_{CCP}$**

Għall-finijiet tal-kalkolu stipulat fl-Artikolu 50a(2), għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) CCP għandha tikkalkula l-valur tal-iskoperturi li għandha lejn il-membri tal-ikklerjar tagħha kif ġej:

(i) għal skoperturi li jirriżultaw minn kuntratti u transazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301(1) (a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) għal skoperturi li jirriżultaw minn kuntratti u transazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301 (1)(b), (c) u (e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tikkalkulahom skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 223 ta' dak ir-Regolament b'aġġustamenti superviżorji għall-volatilità, speċifikat fl-Artikoli 223 u 224 ta' dak ir-Regolament. L-eċċezzjoni stipulata fil-punt (a) tal-Artikolu 285(3) ma għandhiex tapplika;

(iii) għal skoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet li mhumiex elenkati fl-Aritkolu 301(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013 u li jinvolvi riskju tas-saldu biss għandha tikkalkulahom skont il-Parti Tlieta, Titolu V ta' dak ir-Regolament;

(b) għal istituzzjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (EU) No 575/2013 is-settijiet ta' netting huma l-istess bħal dak definiti fil-Parti Tlieta, Titolu II ta' dak ir-Regolament;

(c) fil-kalkolu tal-valuri msemmijin fil-punt (a), is-CCP għandha tnaqqas mill-iskoperturi tagħha l-kollateral depożitat mill-membri tal-ikklerjar tagħha, imnaqqas kif xieraq mill-aġġustamenti superviżorji għall-volatilità b'konformità mal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 224 tar-Regolament (EU) No 575/2013;

(d) CCP għandha tikkalkula l-iskoperturi tagħha għal transazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli mal-membri tal-ikklerjar tagħha skont il-metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, b'aġġustamenti superviżorji għall-volatilità, speċifikat fl-Artikoli 223 u 224 tar-Regolament (EU) No 575/2013;

(e) fejn CCP għandha skoperturi għal CCP waħda jew aktar, għandha tittratta tali skoperturi daqs li kieku kienu skoperturi għall-membri tal-ikklerjar u tinkludi kull marġni jew kontribuzzjoni prefinanzjata rċevuta minn għand dawk is-CCPs fil-kalkolu tal-$K_{CCP}$;

(f) fejn CCP għandha arranġament kuntrattwali vinkolanti mal-membri tal-ikklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizzjali kollu jew parti minnu mill-membri tal-ikklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, is-CCP għandha tikkunsidra dak il-marġni inizjali bħala kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-finijiet tal-kalkolu fil-paragrafu 1 u mhux bħala marġni inizjali;

(g) meta jiġi applikat il-Metodu skont il-valwazzjoni fis-suq, CCP għandha tissostitwixxi l-formula f'punt (c)(ii) tal-Artikolu 298(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013 b'dan li ġej:

$$PCE_{red} = 0.15 \cdot PCE_{gross} + 0.85 \cdot NGR \cdot PCE_{gross};$$

fejn in-numeratur tal-NGR jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 274(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013 u eżatt qabel ma jiġi effettivament skambjat il-marġni ta' varjazzjoni fit-tmiem tal-perijodu tas-saldu, u d-denominatur ikun l-ispiża grossa tas-sostituzzjoni;

(h) fl-applikazzjoni tal-Metodu skont il-valwazzjoni fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 274 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha tissostittwixxi l-formula fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 298(1) ta' dak ir-Regolament b'dan li ġej:

$$PCE_{red} = 0.15 \cdot PCE_{gross} + 0.85 \cdot NGR \cdot PCE_{gross}$$

fejn in-numeratur tal-NGR jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 274(1) ta' dak ir-Regolament u eżatt qabel ma jiġu effettivament skambjati l-marġni ta' varjazzjoni fit-tmiem tal-perijodu tas-saldu, u d-denominatur ikun l-ispiża grossa tas-sostituzzjoni

(i) fejn CCP ma tistax tikkalkula l-valur tal-NGR kif stipulat fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 298(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013, għandha:

(i) tinnotifika lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar in-naqqas ta' kapaċità tagħha li tikkalkula l-NGR u r-raġunijiet għax ma tistax twettaq il-kalkolu;

(ii) għal perijodu ta' tliet xhur, tista' tuża valur tal-NGR ta' 0,3 biex tagħmel il-kalkolu tal-$PCE_{red}$ speċifikat fil-punt (g);

(j) fejn, fi tmiem il-perijodu speċifikat fil-punt (ii) tal-punt (i), is-CCP tibqa' ma tistax tikkalkula l-valur tal-NGR, għandha tagħmel dan li ġej:

(i) tieqaf tikkalkula l- $K_{CCP}$;

(ii) tinnotifika lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li waqfet tikkalkula l- $K_{CCP}$;

(k) għall-finijiet ta' kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali għal opzjonijiet u swaptions skont il-Metodu skont il-valwazzjoni fis-suq speċifikat fl-Artikolu 274 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha timmultiplika l-ammont nozzjonali tal-kuntratt bil-valur assolut tad-delta tal-opzjoni ($\delta V/\delta p$) kif stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 280(1) ta' dak ir-Regolament;

(l) fejn CCP ikollha aktar minn fond ta' inadempjenza wieħed, għandha twettaq il-kalkolu stipulat fl-Artikolu 50a(2) għal kull fond ta' inadempjenza separatament.

*Artikolu 50c*

**Rappurtar tal-informazzjoni**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 308 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom:

(a) il-kapital ipotetiku ($K_{CCP}$);

(b) is-somma tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati ($DF_{CM}$);

(c) l-ammont tar-riżorsi finanzjarji prefinanzjati li hija obbligata li tuża – bil-liġi jew minħabba ftehim kuntrattwali mal-membri tal-ikklerjar tagħha – sabiex tkopri t-telf tagħha wara l-inadempjenza ta' membru jew membri tal-ikklerjar tagħha qabel ma tuża l-kontribuzzjonijiet tal-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza tal-membri tal-ikklerjar li jifdal ($DF_{CCP}$);

(d) in-numru totali ta' membri tal-ikklerjar tagħha (N);

(e) il-fattur ta' konċentrazzjoni (β), kif stipulat fl-Artikolu 50d;

(f) is-somma tal-kontribuzzjonijiet kollha kuntrattwalment impenjati ($DF^{c}_{CM}$).

Fejn is-CCP ikollha aktar minn fond ta' inadempjenza wieħed, għandha tirrapporta l-informazzjoni fl-ewwel subparagrafu għal kull fond ta' inadempjenza separatament.

2. Is-CCP għandha tinnotifika lil dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet mill-inqas fuq bażi trimestrali jew aktar spiss fejn meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-membri tal-ikklerjar.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-mudell uniformi għall-finijiet tar-rappurtar speċifikat fil-paragrafu 1;

(b) il-frekwenza u d-dati tar-rappurtar speċifikati fil-paragrafu 2;

(c) is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti ta' istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tista' tirrikjedi rappurtar aktar frekwenti minn dawk imsemmija fil-punt (b).

L-EBA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 50d*

**Kalkolu tal-elementi speċifiċi li għandhom jiġu rappurtati mis-CCP**

Għall-finijiet tal-Artikolu 50c, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn ir-regoli ta' CCP jipprevedu li hija tuża parti mir-riżorsi finanzjarji tagħha jew ir-riżorsi finanzjarja tagħha kollha u b'mod parallel mal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tal-membri tal-ikklerjar tagħha b'mod li jagħmel dawk ir-riżorsi ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati ta' membru tal-ikklerjar f'termini ta' kif huma jassorbu t-telf imġarrab mis-CCP fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-ikklerjar tagħha, is-CCP għandha żżid l-ammont korrispondenti ta' dawk ir-riżorsi mad-$DF_{CM}$;

(b) fejn ir-regoli ta' CCP jipprevedu li tuża parti mir-riżorsi finanzjarji tagħha jew jew ir-riżorsi finanzjarja tagħha kollha biex tkopri t-telf tagħha minħabba l-inadempjenza ta' membru wieħed jew aktar tal-ikklerjar tagħha wara li tkun użat għalkollox il-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza kollu tagħha, iżda qabel ma tirrikorri għall-kontribuzzjonijiet kuntrattwalment impenjati tal-membri tal-ikklerjar tagħha, is-CCP għandha żżid l-ammont korrispondenti ta' dawk ir-riżorsi finanzjarji addizzjonali ($DF^{a}_{CCP}$) mal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati (DF) kif ġej:

$$DF = DF_{CCP} + DF_{CM} + DF^{a}_{CCP}.$$

(c) CCP għandha tikkalkula l-fattur ta' konċentrazzjoni (β) skont il-formula li ġejja:

$$\beta = \frac{PCE_{red,1} + PCE_{red,2}}{\sum_i PCE_{red,i}}$$

fejn:

$PCE_{red,i}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP mal-membru tal-ikklerjar i;

$PCE_{red,1}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP mal-membru tal-ikklerjar li jkollu l-akbar valur ta' $PCE_{red}$;

$PCE_{red,2}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP ma' membru tal-ikklerjar li jkollu t-tieni l-akbar valur ta' $PCE_{red}$.

(*) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.";

(2) fl-Artikolu 11(5), il-punt (b) jitħassar:

(3) fl-Artikolu 89 għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar wieħed mill-ħdax-il standard tekniku regolatorju msemmijin fl-aħħar tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, jew sakemm tittieħed deċiżjoni taħt l-Artikolu 14 dwar l-awtorizzazzjoni tas-CCP, skont liema data tiġi l-ewwel, dik is-CCP għandha tapplika t-trattament speċifikat fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar wieħed mill-ħdax-il standard tekniku regolatorju msemmijin fl-aħħar tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, jew sakemm tittieħed deċiżjoni taħt l-Artikolu 25 dwar ir-rikonoxximent tas-CCP, skont liema data tiġi l-ewwel, dik is-CCP għandha tapplika t-trattament speċifikat fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Fejn CCP ma għandhiex fond ta' inadempjenza u ma għandhiex fis-seħħ arranġament vinkolanti mal-membri ta' kklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizjali kollu jew parti minnu rċevut mill-membri ta' kklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, l-informazzjoni li hija għandha tirrapporta skont l-Artikolu 50c(1) għandha tinkludi l-ammont totali tal-marġni inizjali li tkun irċeviet mill-membri ta' kklerjar tagħha.

Il-limiti ta' żmien fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi b'sitt xhur addizzjonali fejn il-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 497(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013."

PARTI ĦDAX

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Article 521*

### Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika minn 1 ta' Jannar 2014, bl-eċċezzjoni ta':

(a) L-Artikolu 8(3), l-Artikolu 21 u l-Artikolu 451(1), li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015;

(b) L-Artikolu 413(1), li għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016;

(c) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jeħtieġu li l-ESAs jippreżentaw lill-Kummissjoni abbozzi ta' standards tekniċi u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti ddelegati jew atti ta' implimentazzjoni, li għandhom japplikaw minn 31 ta' Diċembru 2014

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. SHATTER |

*ANNESS I*

**Klassifikazzjoni ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ**

1. riskju sħiħ:

(a) garanziji li għandhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu (eż. garanziji għall-pagament kif dovut ta' faċilitajiet ta' kreditu);

(b) derivati tal-kreditu;

(c) aċċettazzjonijiet;

(d) approvazzjonijiet fuq kambjali li ma jkollhomx l-isem ta' istituzzjoni oħra;

(e) transazzjonijiet b'rikors (eż. factoring, faċilitajiet ta' invoice discounting);

(f) ittri ta' kreditu irrevokabli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu;

(g) assi mixtrija taħt ftehimiet diretti ta' xiri forward;

(h) depożiti forward;

(i) il-porzjon mhux imħallas tal-ishma u t-titoli mħallsa parzjalment;

(j) ftehimiet ta' bejgħ u xiri mill-ġdid ta' assi kif imsemmi fl-Artikolu 12(3) u (5) tad- Direttiva 86/635/KEE;

(k) elementi oħra li huma wkoll ikollhom riskju totali.

2. Riskju medju:

(a) elementi ta' finanzjament tan-negozju li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, jiġifieri dokumenti ta' krediti maħruġa jew ikkonfermati (ara wkoll 'Riskju medju/baxx');

(b) elementi oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ:

(i) garanziji marittimi, bonds doganali u fiskali;

(ii) faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud (ftehimiet ta' self, xiri ta' titoli, forniment ta' garanziji jew faċilitajiet ta' aċċettazzjoni) b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena;

(iii) faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti (Note issuance facilities - NIFs) u faċilitajiet ta' sottoskrizzjoni ċirkolanti (revolving underwriting facilities - RUFs);

(iv) elementi oħra li wkoll ikollhom riskju medju u kif ikkomunikati lill-ABE.

3. Riskju medju/baxx:

(a) elementi ta' finanzjament tan-negozju li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ:

(i) dokumenti ta' krediti li fihom konsenji sottostanti jaġixxu bħala kollateral u transazzjonijiet oħra awtolikwidanti;

(ii) garanziji (inkluż bonds b'garanzija għall-appalti u għall-prestazzjoni u garanziji assoċjati ta' pagamenti bil-quddiem u retenzjoni) u garanziji li ma għandhomx il-karattru ta' sostituti tal-kreditu;

(iii) ittri ta' kreditu irrevokabli pendenti li jkollhom il-karattru ta' sostituti ta' kreditu;

(b) elementi oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ:

(i) faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud li jinvolvu ftehimiet ta' għoti ta' self, xiri ta' titoli, forniment ta' garanziji jew faċilitajiet ta' aċċettazzjoni b'maturità oriġinali li tasal sa u tinkludi sena li ma jistgħux jiġu kkanċellati bla kondizzjoni fi kwalunkwe mument mingħajr notifika jew li ma jipprovdux b'mod effettiv għal kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju;

(ii) elementi oħra li jkollhom riskju medju/baxx u kif ikkomunikat lill-ABE.

4. Riskju baxx:

(a) faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud li jinvolvu ftehimiet ta' għoti ta' self, xiri ta' titoli, forniment ta' garanziji jew faċilitajiet ta' aċċettazzjoni li jistgħu jiġu kkanċellati bla kondizzjoni fi kwalunkwe mument mingħajr notifika, jew li effettivament jipprovdu għal kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju. Linji ta' kreditu fil-livell ta' konsumatur jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kanċellabbli mingħajr kondizzjoni jekk it-termini jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċellahom sal-massimu permess skont il-leġislazzjoni tal-protezzjoni tal-konsumaturi u leġislazzjoni relatata;

(b) faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbud għal garanziji rigward appalti u prestazzjoni li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż, jew li effettivament jipprovdu għall-kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu tad-debitur; u

(c) elementi oħra li wkoll għandhom riskju baxx u kif ikkomunikati lill-ABE.

*ANNESS II*

**Tipi ta' derivati**

1. Kuntratti tar-rata tal-imgħax:

   (a) swaps tar-rati tal-imgħax f'munita waħda;

   (b) basis-swaps;

   (c) ftehim ta' rati bil-quddiem;

   (d) futures tar-rati tal-imgħax;

   (e) opzjonijiet tar-rati tal-imgħax mixtrija;

   (f) kuntratti oħrajn ta' natura simili.

2. Kuntratti tal-kambju u kuntratti li jikkonċernaw id-deheb:

   (a) swaps bejn muniti differenti tar-rati tal-imgħax;

   (b) kuntratti forward tal-kambju;

   (c) futures ta' muniti;

   (d) opzjonijiet ta' muniti mixtrija;

   (e) kuntratti oħrajn ta' natura simili;

   (f) kuntratti ta' simili għal (a) sa (e) li jikkonċernaw id-deheb.

3. Kuntratti simili għal dawk fil-punti 1(a) sa (e) u 2(a) sa (d) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw elementi ta' referenza jew indiċi oħrajn. Bħala minimu, dawn jinkludu l-istrumenti kollha speċifikati fil-punti 4 sa 7, 9 u 10 tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE mhux inklużi fil-punt 1 jew 2 ta' dan l-Anness.

*ANNESS III*

**Elementi soġġetti għal rappurtar supplimentari ta' assi likwidi**

1. Flus.

2. Skoperturi tal-bank ċentrali, sakemm dawn l-iskoperturi jkunu jistgħu jinġibdu fi żminijiet ta' stress.

3. Titoli trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew inkella pretensjonijiet iggarantiti minn sovrani, banek ċentrali, entitajiet tas-settur pubbliku li mhumiex tal-gvern ċentrali, reġjuni b'awtonomija fiskali li jimponu u jiġbru taxxi u awtoritajiet lokali, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Unjoni Ewropea, il-European Financial Stability Facility, the European Stability Mechanism jew banek ta' żvilupp multilaterali u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) huma assenjati piż ta' riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-PartiTlieta;

   (b) mhumiex obbligu ta' istituzzjoni jew ta' xi waħda mill-entitajiet affiljati tagħha.

4. Titoli trasferibbli għajr dawk imsemmija fil-punt 3 li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew inkella garantiti minn sovrani jew banek ċentrali maħruġa f'muniti nazzjonali mis-sovran jew mill-bank ċentrali fil-munita u l-pajjiż li fih jittieħed ir-riskju ta' likwidità jew jinhareġ f'muniti barranin, safejn il-holding ta' tali dejn jilħaq il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-operazzjonijiet tal-bank f'dak il-pajjiż terz.

5. Titoli trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew pretensjonijiet garantiti minn sovrani, banek ċentrali, entitajiet tas-settur pubbliku li mhumiex tal-gvern ċentrali, reġjuni b'awtonomija fiskali li jimponu u jiġbru taxxi u awtoritajiet lokali, jew banek ta' żvilupp multilaterali u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin.

   (a) huma assenjati piż ta' riskju ta' 20 % skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-PartiTlieta;

   (b) mhumiex obbligazzjoni fuq istituzzjoni jew fuq waħda mill-entitajiet affiljati tagħha.

6. Sigurtajiet trasferibbli għajr dawk imsemmija fil-punti 3, 4 u 5 li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 20 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2, Titolu II, Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bħala li jkollhom kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u li jilħqu kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) ma jirrappreżentawx pretensjoni fuq SSPE, fuq istituzzjoni jew fuq waħda mill-entitajiet affiljati tagħha;

   (b) huma bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4) jew (5);

   (c) huma bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE minbarra dawk imsemmija fil-punt (b) ta' dan il-punt.

7. Sigurtajiet trasferibbli minbarra dawk imsemmija fil-punti 3 sa 6 li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 50 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bi kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u ma jirrappreżentawx pretensjoni fuq SSPE, istituzzjoni jew kwalunkwe waħda mill-entitajiet affiljati tagħhom;

8. Sigurtajiet trasferibbli minbarra dawk imsemmija fil-punti 3 sa 7 li huma kollateralizzati bħala assi li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 35 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2, Titolu II, Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bħala li jkollhom kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u li huma garantiti għalkollox b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali skont l-Artikolu 125.

9. Faċilitajiet ta' kreditu ta' riżerva mogħtija minn banek ċentrali fl-ambitu tal-politika monetarja sal-punt li dawn il-faċilitajiet ma jiġux kollateralizzati minn assi likwidi u eskluża l-assistenza ta' likwidità ta' emerġenza

10. Depożiti minimi legali jew statutorji mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali u finanzjament likwidu disponibbli kuntrattwalment jew statutorju ieħor mill-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew istituzzjonijiet li huma membri tan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 113(7), jew eliġibbli għar-rinunzja prevista fl-Artikolu 10, sa fejn dan il-finanzjament ma jiġix kollateralizzat minn assi likwidi, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni lil netwerk skont dispożizzjonijiet legali jew statutorji,

11. Azzjonijiet ta' ekwità komuni skambjati fuq borża u kklerjati ċentralment, li huma kostitwent ta' indiċi ta' borża ewlieni, denominati fil-munita domestika tal-Istat Membru u mhux maħruġin minn istituzzjoni jew xi affiljat tagħha.

12. Id-deheb ikkwotat fuq borża rikonoxxuta, miżmum fuq bażi ta' allokazzjoni.

L-elementi kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fil-punti 1, 2 u 9 iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huma negozjati fi ftehimiet sempliċi ta' xiri mill-ġdid jew fi swieq tal-flus ikkaratterizzati minn livell baxx ta' konċentrazzjoni;

(b) għandhom rekord ipprovat bħala sors affidabbli ta' likwidità jew permezz ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew permezz ta' bejgħ anki matul kondizzjonijiet ta' stress tas-suq;

(c) ikunu ħielsa minn ipoteki.

*ANNESS IV*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 1 | | |
| Artikolu 2 | | |
| Artikolu 3 | | |
| Punt (1) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4 (1) | |
| Punt (2) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)b |
| Punt (3) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)c |
| Punt (4) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)p |
| Punti (5)-(7) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (8) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(18) | |
| Punti (9)-(12) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (13) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(41) | |
| Punt (14) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(42) | |
| Punt (15) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(12) | |
| Punt (16) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(13) | |
| Punt (17) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(3) | |
| Punt (18) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(21) | |
| Punt (19) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (20) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(19) | |
| Punt (21) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (22) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(20) | |
| Punt (23) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (24) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (25) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)c |
| Punt (26) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(5) | |
| Punt (27) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (28) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(14) | |
| Punt (29) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(16) | |
| Punt (30) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(15) | |
| Punt (31) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(17) | |
| Punti (32)-(34) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (35) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(10) | |
| Punt (36) tal-Artikolu 4(1) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Punt (37) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(9) | |
| Punt (38) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(46) | |
| Punt (39) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(45) | |
| Punt (40) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(4) | |
| Punt (41) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(48) | |
| Punt (42) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(2) | |
| Punt (43) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(7) | |
| Punt (44) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(8) | |
| Punt (45) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (46) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(23) | |
| Punti (47)-(49) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (50) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)e |
| Punt (51) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (52) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(22) | |
| Punt (53) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(24) | |
| Punt (54) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(25) | |
| Punt (55) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(27) | |
| Punt (56) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(28) | |
| Punt (57) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(30) | |
| Punt (58) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(31) | |
| Punt (59) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(32) | |
| Punt (60) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(35) | |
| Punt (61) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(36) | |
| Punt (62) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(40) | |
| Punt (63) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(40a) | |
| Punt (64) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(40b) | |
| Punt (65) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(43) | |
| Punt (66) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(44) | |
| Punt (67) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(39) | |
| Punti (68)-(71) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (72) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(47) | |
| Punt (73) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(49) | |
| Punti (74)-(81) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (82) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)m |
| Punt (83) tal-Artikolu 4(1) | Artikolu 4(33) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Punti (84)-(91) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (92) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)i |
| Punti (93)-(117) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Punt (118) tal-Artikolu 4(1) | | Artikolu 3(1)r |
| Punti (119)-(128) tal-Artikolu 4(1) | | |
| Artikolu 4(2) | | |
| Artikolu 4(3) | | |
| Artikolu 5 | | |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 68(1) | |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 68(2) | |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 68(3) | |
| Artikolu 6(4) | | |
| Artikolu 6(5) | | |
| Artikolu 7(1) | Artikolu 69(1) | |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 69(2) | |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 69(3) | |
| Artikolu 8(1) | | |
| Artikolu 8(2) | | |
| Artikolu 8(3) | | |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 70(1) | |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 70(2) | |
| Artikolu 9(3) | Artikolu 70(3) | |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 3(1) | |
| Artikolu 10(2) | | |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 71(1) | |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 71(2) | |
| Artikolu 11(3) | | |
| Artikolu 11(4) | Artikolu 3(2) | |
| Artikolu 11(5) | | |
| Artikolu 12 | | |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 72(1) | |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 72(2) | |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 72(3) | |
| Artikolu 13(4) | | |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 73(3) | |
| Artikolu 14(2) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 14(3) | | |
| Artikolu 15 | | Artikolu 22 |
| Artikolu 16 | | |
| Artikolu 17(1) | | Artikolu 23 |
| Artikolu 17(2) | | |
| Artikolu 17(3) | | |
| Artikolu 18(1)- | Artikolu 133(1) subparagrafu 1 | |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 133(1) subparagrafu 2 | |
| Artikolu 18(3) | Artikolu 133(1) subparagrafu 3 | |
| Artikolu 18(4) | Artikolu 133(2) | |
| Artikolu 18(5) | Artikolu 133(3) | |
| Artikolu 18(6) | Artikolu 134(1) | |
| Artikolu 18(7) | | |
| Artikolu 18(8) | Artikolu 134(2) | |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 73(1) (b) | |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 73(1) | |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 73(1) subparagrafu 2 | |
| Artikolu 20(1) | Artikolu 105(3) Artikolu 129(2) u Anness X, Parti 3, punti 30 u 31 | |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 129(2) subparagrafu 3 | |
| Artikolu 20(3) | Artikolu 129(2) subparagrafu 4 | |
| Artikolu 20(4) | Artikolu 129(2) subparagrafu 5 | |
| Artikolu 20(5) | | |
| Artikolu 20(6) | Artikolu 84(2) | |
| Artikolu 20(7) | Artikolu 129(2) subparagrafu 6 | |
| Artikolu 20(8) | Artikolu 129(2) subparagrafi 7 u 8 | |
| Artikolu 21(1) | | |
| Artikolu 21(2) | | |
| Artikolu 21(3) | | |
| Artikolu 21(4) | | |
| Artikolu 22 | Artikolu 73(2) | |
| Artikolu 23 | | Artikolu 3(1) subparagrafu 2 |
| Artikolu 24 | Artikolu 74(1) | |
| Artikolu 25 | | |
| Artikolu 26 (1) | Artikolu 57(a) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 26 (1)(a) | Artikolu 57(a) | |
| Artikolu 26 (1)(b) | Artikolu 57(a) | |
| Artikolu 26 (1)(c) | Artikolu 57(b) | |
| Artikolu 26 (1)(d) | | |
| Artikolu 26 (1)(e) | Artikolu 57(b) | |
| Artikolu 26 (1)(f) | Artikolu 57(c) | |
| Artikolu 26 (1) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 61 subparagrafu 2 | |
| Artikolu 26 (2)(a) | Artikolu 57 subparagrafu 2, 3 u 4 | |
| Artikolu 26 (2)(b) | Artikolu 57 2, 3 u 4 | |
| Artikolu 26 (3) | | |
| Artikolu 26 (4) | | |
| Artikolu 27 | | |
| Artikolu 28(1)(a) | | |
| Artikolu 28(1)(b) | 57(a) | |
| Artikolu 28(1)(c) | 57(a) | |
| Artikolu 28(1)(d) | | |
| Artikolu 28(1)(e) | | |
| Artikolu 28(1)(f) | | |
| Artikolu 28(1)(g) | | |
| Artikolu 28(1)(h) | | |
| Artikolu 28(1)(i) | Artikolu 57(a) | |
| Artikolu 28(1)(j) | Artikolu 57(a) | |
| Artikolu 28(1)(k) | | |
| Artikolu 28(1)(l) | | |
| Artikolu 28(1)(m) | | |
| Artikolu 28(2) | | |
| Artikolu 28(3) | | |
| Artikolu 28(4) | | |
| Artikolu 28(5) | | |
| Artikolu 29 | | |
| Artikolu 30 | | |
| Artikolu 31 | | |
| Artikolu 32(1)(a) | | |
| Artikolu 32(1)(b) | Artikolu 57 subparagrafu 4 | |
| Artikolu 32(2) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 33(1)(a) | Artikolu 64(4) | |
| Artikolu 33(1)(b) | Artikolu 64(4) | |
| Artikolu 33(1)(c) | | |
| Artikolu 33(2) | | |
| Artikolu 33(3)(a) | | |
| Artikolu 33(3)(b) | | |
| Artikolu 33(3)(c) | | |
| Artikolu 33(3)(d) | | |
| Artikolu 33(4) | | |
| Artikolu 34 | Artikolu 64(5) | |
| Artikolu 35 | | |
| Artikolu 36(1)(a) | Artikolu 57(k) | |
| Artikolu 36(1)(b) | Artikolu 57(j) | |
| Artikolu 36(1)(c) | | |
| Artikolu 36(1)(d) | Artikolu 57(q) | |
| Artikolu 36(1)(e) | | |
| Artikolu 36(1)(f) | Artikolu 57(i) | |
| Artikolu 36(1)(g) | | |
| Artikolu 36(1)(h) | Artikolu 57(n) | |
| Artikolu 36(1)(i) | Artikolu 57(m) | |
| Artikolu 36(1)(j) | Artikolu 66(2) | |
| Artikolu 36(1)(k)(i) | | |
| Artikolu 36(1)(k)(ii) | Artikolu 57(r) | |
| Artikolu 36(1)(k)(iii) | | |
| Artikolu 36(1)(k)(iv) | | |
| Artikolu 36(1)(k)(v) | | |
| Artikolu 36(1)(l) | Artikolu 61 subparagrafu 2 | |
| Artikolu 36(2) | | |
| Artikolu 36(3) | | |
| Artikolu 37 | | |
| Artikolu 38 | | |
| Artikolu 39 | | |
| Artikolu 40 | | |
| Artikolu 41 | | |
| Artikolu 42 | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 43 | | |
| Artikolu 44 | | |
| Artikolu 45 | | |
| Artikolu 46 | | |
| Artikolu 47 | | |
| Artikolu 48 | | |
| Artikolu 49(1) | Artikolu 59 | |
| Artikolu 49(2) | Artikolu 60 | |
| Artikolu 49(3) | | |
| Artikolu 49(4) | | |
| Artikolu 49(5) | | |
| Artikolu 49(6) | | |
| Artikolu 50 | Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a | |
| Artikolu 51 | Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a | |
| Artikolu 52 | Artikolu 63a | |
| Artikolu 53 | | |
| Artikolu 54 | | |
| Artikolu 55 | | |
| Artikolu 56 | | |
| Artikolu 57 | | |
| Artikolu 58 | | |
| Artikolu 59 | | |
| Artikolu 60 | | |
| Artikolu 61 | Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a | |
| Artikolu 62(a) | Artikolu 64(3) | |
| Artikolu 62(b) | | |
| Artikolu 62(c) | | |
| Artikolu 62(d) | Artikolu 63(3) | |
| Artikolu 63 | Artikolu 63(1), Artikolu 63(2), Artikolu 64(3) | |
| Artikolu 64 | Artikolu 64 (3) (c) | |
| Artikolu 65 | | |
| Artikolu 66 | Artikolu 57, Artikolu 66(2) | |
| Artikolu 67 | Artikolu 57, Artikolu 66(2) | |
| Artikolu 68 | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 69 | Artikolu 57, Artikolu 66(2) | |
| Artikolu 70 | Artikolu 57, Artikolu 66(2) | |
| Artikolu 71 | Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a | |
| Artikolu 72 | Artikolu 57, Artikolu 66 | |
| Artikolu 73 | | |
| Artikolu 74 | | |
| Artikolu 75 | | |
| Artikolu 76 | | |
| Artikolu 77 | Artikolu 63a(2) | |
| Artikolu 78(1) | Artikolu 63a(2) | |
| Artikolu 78(2) | | |
| Artikolu 78(3) | | |
| Artikolu 78(4) | Artikolu 63a(2) subparagrafu 4 | |
| Artikolu 78(5) | | |
| Artikolu 79 | Artikolu 58 | |
| Artikolu 80 | | |
| Artikolu 81 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 82 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 83 | | |
| Artikolu 84 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 85 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 86 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 87 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 88 | Artikolu 65 | |
| Artikolu 89 | Artikolu 120 | |
| Artikolu 90 | Artikolu 122 | |
| Artikolu 91 | Artikolu 121 | |
| Artikolu 92 | Artikolu 66, Artikolu 75 | |
| Artikolu 93(1)-(4) | Artikolu 10(1)-(4) | |
| Artikolu 93(5) | | |
| Artikolu 94 | | Artikolu 18(2)-(4) |
| Artikolu 95 | | |
| Artikolu 96 | | |
| Artikolu 97 | | |
| Artikolu 98 | | Artikolu 24 |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 99(1) | Artikolu 74(2) | |
| Artikolu 99(2) | | |
| Artikolu 100 | | |
| Artikolu 101(1) | | |
| Artikolu 101(2) | | |
| Artikolu 101(3) | | |
| Artikolu 102(1) | | Artikolu 11(1) |
| Artikolu 102(2) | | Artikolu 11(3) |
| Artikolu 102(3) | | Artikolu 11(4) |
| Artikolu 102(4) | | Anness VII, Parti C, punt 1 |
| Artikolu 103 | | Anness VII, Parti A, punt 1 |
| Artikolu 104(1) | | Anness VII, Parti D, punt 1 |
| Artikolu 104(2) | | Anness VII, Parti D, punt 2 |
| Artikolu 105(1) | | Artikolu 33(1) |
| Artikolu 105(2)-(10) | | Anness VII, Parti B, punti 1-9 |
| Artikolu 105(11)-(13) | | Anness VII, Parti B, punti 11-13 |
| Artikolu 106 | | Anness VII, Parti C, punti 1-3 |
| Artikolu 107 | Artikolu 76, Artikolu 78(4) u Anness III, Parti 2, punt 6 | |
| Artikolu 108(1) | Artikolu 91 | |
| Artikolu 108(2) | | |
| Artikolu 109 | Artikolu 94 | |
| Artikolu 110 | | |
| Artikolu 111 | Artikolu 78(1)-(3) | |
| Artikolu 112 | Artikolu 79(1) | |
| Artikolu 113(1) | Artikolu 80(1) | |
| Artikolu 113(2) | Artikolu 80(2) | |
| Artikolu 113(3) | Artikolu 80(4) | |
| Artikolu 113(4) | Artikolu 80(5) | |
| Artikolu 113(5) | Artikolu 80(6) | |
| Artikolu 113(6) | Artikolu 80(7) | |
| Artikolu 113(7) | Artikolu 80(8) | |
| Artikolu 114 | Anness VI, Parti I, punti 1-5 | |
| Artikolu 115(1) (4) | Anness VI, Parti I, punti 8-11 | |
| Artikolu 115(5) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 116(1) | Anness VI, Parti I, punt 14 | |
| Artikolu 116(2) | Anness VI, Parti I, punt 14 | |
| Artikolu 116(3) | | |
| Artikolu 116(4) | Anness VI, Parti I, punt 15 | |
| Artikolu 116(5) | Anness VI, Parti I, punt 17 | |
| Artikolu 116(6) | Anness VI, Parti I, punt 17 | |
| Artikolu 117(1) | Anness VI, Parti I, punt 18 u 19 | |
| Artikolu 117(2) | Anness VI, Parti I, punt 20 | |
| Artikolu 117(3) | Anness VI, Parti I, punt 21 | |
| Artikolu 118 | Anness VI, Parti I, punt 22 | |
| Artikolu 119(1) | | |
| Artikolu 119(2) | Anness VI, Parti I, punti 37 u 38 | |
| Artikolu 119(3) | Anness VI, Parti I, punt 40 | |
| Artikolu 119(4) | | |
| Artikolu 119(5) | | |
| Artikolu 120(1) | Anness VI, Parti I, punt 29 | |
| Artikolu 120(2) | Anness VI, Parti I, punt 31 | |
| Artikolu 120(3) | Anness VI, Parti I, punti 33-36 | |
| Artikolu 121(1) | Anness VI, Parti I, punt 26 | |
| Artikolu 121(2) | Anness VI, Parti I, punt 25 | |
| Artikolu 121(3) | Anness VI, Parti I, punt 27 | |
| Artikolu 122 | Anness VI, Parti I, punti 41 u 42 | |
| Artikolu 123 | Artikolu 79(2), 79(3) u Anness VI, Parti I, punt 43 | |
| Artikolu 124(1) | Anness VI, Parti I, punt 44 | |
| Artikolu 124(2) | | |
| Artikolu 124(3) | | |
| Artikolu 125(1)-(3) | Anness VI, Parti I, punti 45-49 | |
| Artikolu 125(4) | | |
| Artikolu 126(1) u (2) | Anness VI, Parti I, punti 51-55 | |
| Artikolu 126(3) u (4) | Anness VI, Parti I, punti 58 u 59 | |
| Artikolu 127(1) u (2) | Anness VI, Parti I, punti 61 u 62 | |
| Artikolu 127(3) u (4) | Anness VI, Parti I, punti 64 u 65 | |
| Artikolu 128(1) | Anness VI, Parti I, punti 66 u 76 | |
| Artikolu 128(2) | Anness VI, Parti I, punt 66 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 128(3) | | |
| Artikolu 129(1) | Anness VI, Parti I, punt 68, paragrafi 1 u 2 | |
| Artikolu 129(2) | Anness VI, Parti I, punt 69 | |
| Artikolu 129(3) | Anness VI, Parti I, punt 71 | |
| Artikolu 129(4) | Anness VI, Parti I, punt 70 | |
| Artikolu 129(5) | | |
| Artikolu 130 | Anness VI, Parti I, punt 72 | |
| Artikolu 131 | Anness VI, Parti I, punt 73 | |
| Artikolu 132(1) | Anness VI, Parti I, punt 74 | |
| Artikolu 132(2) | Anness VI, Parti I, punt 75 | |
| Artikolu 132(3) | Anness VI, Parti I, punti 77 u 78 | |
| Artikolu 132(4) | Anness VI, Parti I, punt 79 | |
| Artikolu 132(5) | Anness VI, Parti I, punt 80 u punt 81 | |
| Artikolu 133(1) | Anness VI, Parti I, punt 86 | |
| Artikolu 133(2) | | |
| Artikolu 133(3) | | |
| Artikolu 134(1)-(3) | Anness VI, Parti I, punti 82-84 | |
| Artikolu 134(4)-(7) | Anness VI, Parti I, punti 87-90 | |
| Artikolu 135 | Artikolu 81(1), (2) u (4) | |
| Artikolu 136(1) | Artikolu 82(1) | |
| Artikolu 136(2) | Anness VI, Parti 2, punti 12-16 | |
| Artikolu 136(3) | Artikolu 150(3) | |
| Artikolu 137(1) | Anness VI, Parti I, punt 6 | |
| Artikolu 137(2) | Anness VI, Parti I, punt 7 | |
| Artikolu 137(3) | | |
| Artikolu 138 | Anness VI, Parti III, punti 1-7 | |
| Artikolu 139 | Anness VI, Parti III, punti 8-17 | |
| Artikolu 140(1) | | |
| Artikolu 140(2) | | |
| Artikolu 141 | | |
| Artikolu 142(1) | | |
| Artikolu 142(2) | | |
| Artikolu 143(1) | Artikolu 84 (1) u Anness VII, Parti 4, punt 1 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 143(1) | Artikolu 84(2) | |
| Artikolu 143(1) | Artikolu 84(3) | |
| Artikolu 143(1) | Artikolu 84(4) | |
| Artikolu 143(1) | | |
| Artikolu 144 | | |
| Artikolu 145 | | |
| Artikolu 146 | | |
| Artikolu 147(1) | Artikolu 86(9) | |
| Artikolu 147(2)-(9) | Artikolu 86(1)-(8) | |
| Artikolu 148(1) | Artikolu 85(1) | |
| Artikolu 148(2) | Artikolu 85(2) | |
| Artikolu 148(3) | | |
| Artikolu 148(4) | Artikolu 85(3) | |
| Artikolu 148(5) | | |
| Artikolu 148(1) | | |
| Artikolu 149 | Artikolu 85(4) u (5) | |
| Artikolu 150(1) | Artikolu 89(1) | |
| Artikolu 150(2) | Artikolu 89(2) | |
| Artikolu 150(3) | | |
| Artikolu 150(4) | | |
| Artikolu 151 | Artikolu 87(1)-(10) | |
| Artikolu 152(1) u (2) | Artikolu 87(11) | |
| Artikolu 152(3) u (4) | Artikolu 87(12) | |
| Artikolu 152(5) | | |
| Artikolu 153(1) | Anness VII, Parti I, punt 3 | |
| Artikolu 153(2) | | |
| Artikolu 153(3)-(8) | Anness VII, Parti I, punti 4-9 | |
| Artikolu 153(9) | | |
| Artikolu 154 | Anness VII, Parti I, punti 10-16 | |
| Artikolu 155(1) | Anness VII, Parti I, punti 17 u 18 | |
| Artikolu 155(2) | Anness VII, Parti I, punti 19 sa 21 | |
| Artikolu 155(3) | Anness VII, Parti I, punti 22 sa 24 | |
| Artikolu 155(4) | Anness VII, Parti I, punti 25 sa 26 | |
| Artikolu 156 | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 156 | Anness VII, Parti I, punt 27 | |
| Artikolu 157(1) | Anness VII, Parti I, punt 28 | |
| Artikolu 157(2)-(5) | | |
| Artikolu 158(1) | Artikolu 88(2) | |
| Artikolu 158(2) | Artikolu 88(3) | |
| Artikolu 158(3) | Artikolu 88(4) | |
| Artikolu 158(4) | Artikolu 88(6) | |
| Artikolu 158(5) | Anness VII, Parti I, punt 30 | |
| Artikolu 158(6) | Anness VII, Parti I, punt 31 | |
| Artikolu 158(7) | Anness VII, Parti I, punt 32 | |
| Artikolu 158(8) | Anness VII, Parti I, punt 33 | |
| Artikolu 158(9) | Anness VII, Parti I, punt 34 | |
| Artikolu 158(10) | Anness VII, Parti I, punt 35 | |
| Artikolu 158(11) | | |
| Artikolu 159 | Anness VII, Parti I, punt 36 | |
| Artikolu 160(1) | Anness VII, Parti II, punt 2 | |
| Artikolu 160(2) | Anness VII, Parti II, punt 3 | |
| Artikolu 160(3) | Anness VII, Parti II, punt 4 | |
| Artikolu 160(4) | Anness VII, Parti II, punt 5 | |
| Artikolu 160(5) | Anness VII, Parti II, punt 6 | |
| Artikolu 160 (6) | Anness VII, Parti II, punt 7 | |
| Artikolu 160(7) | Anness VII, Parti II, punt 7 | |
| Artikolu 161(1) | Anness VII, Parti II, punt 8 | |
| Artikolu 161(2) | Anness VII, Parti II, punt 9 | |
| Artikolu 161(3) | Anness VII, Parti II, punt 10 | |
| Artikolu 161(4) | Anness VII, Parti II, punt 11 | |
| Artikolu 162(1) | Anness VII, Parti II, punt 12 | |
| Artikolu 162(2) | Anness VII, Parti II, punt 13 | |
| Artikolu 162(3) | Anness VII, Parti II, punt 14 | |
| Artikolu 162(4) | Anness VII, Parti II, punt 15 | |
| Artikolu 162(5) | Anness VII, Parti II, punt 16 | |
| Artikolu 163(1) | Anness VII, Parti II, punt 17 | |
| Artikolu 163(2) | Anness VII, Parti II, punt 18 | |
| Artikolu 163(3) | Anness VII, Parti II, punt 19 | |
| Artikolu 163(4) | Anness VII, Parti II, punt 20 | |
| Artikolu 164(1) | Anness VII, Parti II, punt 21 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 164(2) | Anness VII, Parti II, punt 22 | |
| Artikolu 164(3) | Anness VII, Parti II, punt 23 | |
| Artikolu 164(4) | | |
| Artikolu 165(1) | Anness VII, Parti II, punt 24 | |
| Artikolu 165(2) | Anness VII, Parti II, punt 25 u 26 | |
| Artikolu 165(3) | Anness VII, Parti II, punt 27 | |
| Artikolu 166(1) | Anness VII, Parti III, punt 1 | |
| Artikolu 166(2) | Anness VII, Parti III, punt 2 | |
| Artikolu 166(3) | Anness VII, Parti III, punt 3 | |
| Artikolu 166(4) | Anness VII, Parti III, punt 4 | |
| Artikolu 166(5) | Anness VII, Parti III, punt 5 | |
| Artikolu 166(6) | Anness VII, Parti III, punt 6 | |
| Artikolu 166(7) | Anness VII, Parti III, punt 7 | |
| Artikolu 166(8) | Anness VII, Parti III, punt 9 | |
| Artikolu 166(9) | Anness VII, Parti III, punt 10 | |
| Artikolu 166(10) | Anness VII, Parti III, punt 11 | |
| Artikolu 167(1) | Anness VII, Parti III, punt 12 | |
| Artikolu 167(2) | | |
| Artikolu 168 | Anness VII, Parti III, punt 13 | |
| Artikolu 169(1) | Anness VII, Parti IV, punt 2 | |
| Artikolu 169(2) | Anness VII, Parti IV, punt 3 | |
| Artikolu 169(3) | Anness VII, Parti IV, punt 4 | |
| Artikolu 170(1) | Anness VII, Parti IV, punt 5-11 | |
| Artikolu 170(2) | Anness VII, Parti IV, punt 12 | |
| Artikolu 170(3) | Anness VII, Parti IV, punti 13-15 | |
| Artikolu 170(4) | Anness VII, Parti IV, punt 16 | |
| Artikolu 171(1) | Anness VII, Parti IV, punt 17 | |
| Artikolu 171(2) | Anness VII, Parti IV, punt 18 | |
| Artikolu 172(1) | Anness VII, Parti IV, punt 19-23 | |
| Artikolu 172(2) | Anness VII, Parti IV, punt 24 | |
| Artikolu 172(3) | Anness VII, Parti IV, punt 25 | |
| Artikolu 173(1) | Anness VII, Parti IV, points26-28 | |
| Artikolu 173(2) | Anness VII, Parti IV, punt 29 | |
| Artikolu 173(3) | | |
| Artikolu 174 | Anness VII, Parti IV, punt 30 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 175(1) | Anness VII, Parti IV, punt 31 | |
| Artikolu 175(2) | Anness VII, Parti IV, punt 32 | |
| Artikolu 175(3) | Anness VII, Parti IV, punt 33 | |
| Artikolu 175(4) | Anness VII, Parti IV, punt 34 | |
| Artikolu 175(5) | Anness VII, Parti IV, punt 35 | |
| Artikolu 176(1) | Anness VII, Parti IV, punt 36 | |
| Artikolu 176(2) | Anness VII, Parti IV, punt 37 1st subparagrafu | |
| Artikolu 176(3) | Anness VII, Parti IV, punt 37 2nd subparagrafu | |
| Artikolu 176(4) | Anness VII, Parti IV, punt 38 | |
| Artikolu 176(5) | Anness VII, Parti IV, punt 39 | |
| Artikolu 177(1) | Anness VII, Parti IV, punt 40 | |
| Artikolu 177(2) | Anness VII, Parti IV, punt 41 | |
| Artikolu 177(3) | Anness VII, Parti IV, punt 42 | |
| Artikolu 178(1) | Anness VII, Parti IV, punt 44 | |
| Artikolu 178(2) | Anness VII, Parti IV, punt 44 | |
| Artikolu 178(3) | Anness VII, Parti IV, punt 45 | |
| Artikolu 178(4) | Anness VII, Parti IV, punt 46 | |
| Artikolu 178(5) | Anness VII, Parti IV, punt 47 | |
| Artikolu 178(6) | | |
| Artikolu 178(7) | | |
| Artikolu 179(1) | Anness VII, Parti IV, punti 43 u 49-56 | |
| Artikolu 179(2) | Anness VII, Parti IV, punt 57 | |
| Artikolu 180(1) | Anness VII, Parti IV, punti 59-66 | |
| Artikolu 180(2) | Anness VII, Parti IV, punti 67-72 | |
| Artikolu 180(3) | | |
| Artikolu 181(1) | Anness VII, Parti IV, punti 73-81 | |
| Artikolu 181(2) | Anness VII, Parti IV, punt 82 | |
| Artikolu 181(3) | | |
| Artikolu 182(1) | Anness VII, Parti IV, punti 87-92 | |
| Artikolu 182(2) | Anness VII, Parti IV, punt 93 | |
| Artikolu 182(3) | Anness VII, Parti IV, punti 94 u 95 | |
| Artikolu 182(4) | | |
| Artikolu 183(1) | Anness VII, Parti IV, punti 98-100 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 183(2) | Anness VII, Parti IV, punti 101 u 102 | |
| Artikolu 183(3) | Anness VII, Parti IV, punt 103 u punt 104 | |
| Artikolu 183(4) | Anness VII, Parti IV, punt 96 | |
| Artikolu 183(5) | Anness VII, Parti IV, punt 97 | |
| Artikolu 183(6) | | |
| Artikolu 184(1) | | |
| Artikolu 184(2) | Anness VII, Parti IV, punt 105 | |
| Artikolu 184(3) | Anness VII, Parti IV, punt 106 | |
| Artikolu 184(4) | Anness VII, Parti IV, punt 107 | |
| Artikolu 184(5) | Anness VII, Parti IV, punt 108 | |
| Artikolu 184(6) | Anness VII, Parti IV, punt 109 | |
| Artikolu 185 | Anness VII, Parti IV, punti 110-114 | |
| Artikolu 186 | Anness VII, Parti IV, punt 115 | |
| Artikolu 187 | Anness VII, Parti IV, punt 116 | |
| Artikolu 188 | Anness VII, Parti IV, punti 117-123 | |
| Artikolu 189(1) | Anness VII, Parti IV, punt 124 | |
| Artikolu 189(2) | Anness VII, Parti IV, punti 125 u 126 | |
| Artikolu 189(3) | Anness VII, Parti IV, punt 127 | |
| Artikolu 190(1) | Anness VII, Parti IV, punt 128 | |
| Artikolu 190(2) | Anness VII, Parti IV, punt 129 | |
| Artikolu 190(3) (4) | Anness VII, Parti IV, punt 130 | |
| Artikolu 191 | Anness VII, Parti IV, punt 131 | |
| Artikolu 192 | Artikolu 90 u Anness VIII, Parti 1, punt 2 | |
| Artikolu 193(1) | Artikolu 93 (2) | |
| Artikolu 193(2) | Artikolu 93 (3) | |
| Artikolu 193(3) | Artikolu 93(1) u Anness VIII, Parti 3, punt 1 | |
| Artikolu 193(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 2 | |
| Artikolu 193(5) | Anness VIII, Parti 5, punt 1 | |
| Artikolu 193(6) | Anness VIII, Parti 5, punt 2 | |
| Artikolu 194(1) | Artikolu 92(1) | |
| Artikolu 194(2) | Artikolu 92(2) | |
| Artikolu 194(3) | Artikolu 92(3) | |
| Artikolu 194(4) | Artikolu 92(4) | |
| Artikolu 194(5) | Artikolu 92(5) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 194(6) | Artikolu 92(5) | |
| Artikolu 194(7) | Artikolu 92(6) | |
| Artikolu 194(8) | Anness VIII, Parti 2, punt 1 | |
| Artikolu 194(9) | Anness VIII, Parti 2, punt 2 | |
| Artikolu 194(10) | | |
| Artikolu 195 | Anness VIII, Parti 1, punti 3 u 4 | |
| Artikolu 196 | Anness VIII, Parti 1, punt 5 | |
| Artikolu 197(1) | Anness VIII, Parti 1, punt 7 | |
| Artikolu 197(2) | Anness VIII, Parti 1, punt 7 | |
| Artikolu 197(3) | Anness VIII, Parti 1, punt 7 | |
| Artikolu 197(4) | Anness VIII, Parti 1, punt 8 | |
| Artikolu 197(5) | Anness VIII, Parti 1, punt 9 | |
| Artikolu 197(6) | Anness VIII, Parti 1, punt 9 | |
| Artikolu 197(7) | Anness VIII, Parti 1, punt 10 | |
| Artikolu 197(8) | | |
| Artikolu 198(1) | Anness VIII, Parti 1, punt 11 | |
| Artikolu 198(2) | Anness VIII, Parti 1, punt 11 | |
| Artikolu 199(1) | Anness VIII, Parti 1, punt 12 | |
| Artikolu 199(2) | Anness VIII, Parti 1, punt 13 | |
| Artikolu 199(3) | Anness VIII, Parti 1, punt 16 | |
| Artikolu 199(4) | Anness VIII, Parti 1, punti 17 u 18 | |
| Artikolu 199(5) | Anness VIII, Parti 1, punt 20 | |
| Artikolu 199(6) | Anness VIII, Parti 1, punt 21 | |
| Artikolu 199(7) | Anness VIII, Parti 1, punt 22 | |
| Artikolu 199(8) | | |
| Artikolu 200 | Anness VIII, Parti 1, punti 23 sa 25 | |
| Artikolu 201(1) | Anness VIII, Parti 1, punti 26 u 28 | |
| Artikolu 201(2) | Anness VIII, Parti 1, punt 27 | |
| Artikolu 202 | Anness VIII, Parti 1, punt 29 | |
| Artikolu 203 | | |
| Artikolu 204(1) | Anness VIII, Parti 1, punt 30 u punt 31 | |
| Artikolu 204(2) | Anness VIII, Parti 1, punt 32 | |
| Artikolu 205 | Anness VIII, Parti 2, punt 3 | |
| Artikolu 206 | Anness VIII, Parti 2, punti 4 sa 5 | |
| Artikolu 207(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 6 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 207(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 6(a) | |
| Artikolu 207(3) | Anness VIII, Parti 2, punt 6(b) | |
| Artikolu 207(4) | Anness VIII, Parti 2, punt 6(c) | |
| Artikolu 207(5) | Anness VIII, Parti 2, punt 7 | |
| Artikolu 208(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 8 | |
| Artikolu 208(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 8(a) | |
| Artikolu 208(3) | Anness VIII, Parti 2, punt 8(b) | |
| Artikolu 208(4) | Anness VIII, Parti 2, punt 8(c ) | |
| Artikolu 208(5) | Anness VIII, Parti 2, punt 8(d) | |
| Artikolu 209(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 9 | |
| Artikolu 209(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 9(a) | |
| Artikolu 209(3) | Anness VIII, Parti 2, punt 9(b) | |
| Artikolu 210 | Anness VIII, Parti 2, punt 10 | |
| Artikolu 211 | Anness VIII, Parti 2, punt 11 | |
| Artikolu 212(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 12 | |
| Artikolu 212(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 13 | |
| Artikolu 213 (1) | Anness VIII, Parti 2, punt 14 | |
| Artikolu 213(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 15 | |
| Artikolu 213(3) | | |
| Artikolu 214(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 16(a) sa (c) | |
| Artikolu 214(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 16 | |
| Artikolu 214(3) | Anness VIII, Parti 2, punt 17 | |
| Artikolu 215(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 18 | |
| Artikolu 215(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 19 | |
| Artikolu 216(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 20 | |
| Artikolu 216(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 21 | |
| Artikolu 217(1) | Anness VIII, Parti 2, punt 22 | |
| Artikolu 217(2) | Anness VIII, Parti 2, punt 22(c) | |
| Artikolu 217(3) | Anness VIII, Parti 2, punt 22(c) | |
| Artikolu 218 | Anness VIII, Parti 3, punt 3 | |
| Artikolu 219 | Anness VIII, Parti 3, punt 4 | |
| Artikolu 220(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 5 | |
| Artikolu 220(2) | Anness VIII, Parti 3, punti 6, 8 sa 10 | |
| Artikolu 220(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 11 | |
| Artikolu 220(4) | Anness VIII, Parti 3, punti 22 u 23 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 220(5) | Anness VIII, Parti III3, punt 9 | |
| Artikolu 221(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 12 | |
| Artikolu 221(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 12 | |
| Artikolu 221(3) | Anness VIII, Parti 3, punti 13 sa 15 | |
| Artikolu 221(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 16 | |
| Artikolu 221(5) | Anness VIII, Parti 3, punti 18 u 19 | |
| Artikolu 221(6) | Anness VIII, Parti 3, punti 20 u 21 | |
| Artikolu 221(7) | Anness VIII, Parti 3, punt17 | |
| Artikolu 221(8) | Anness VIII, Parti 3, punti 22 u 23 | |
| Artikolu 221(9) | | |
| Artikolu 222(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 24 | |
| Artikolu 222(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 25 | |
| Artikolu 222(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 26 | |
| Artikolu 222(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 27 | |
| Artikolu 222(5) | Anness VIII, Parti 3, punt 28 | |
| Artikolu 222(6) | Anness VIII, Parti 3, punt 29 | |
| Artikolu 222(7) | Anness VIII, Parti 3, punti 28 u 29 | |
| Artikolu 223(1) | Anness VIII, Parti 3, punti 30 sa 32 | |
| Artikolu 223(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 33 | |
| Artikolu 223(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 33 | |
| Artikolu 223(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 33 | |
| Artikolu 223(5) | Anness VIII, Parti 3, punt 33 | |
| Artikolu 223(6) | Anness VIII, Parti 3, punti 34 u 35 | |
| Artikolu 223(7) | Anness VIII, Parti 3, punt 35 | |
| Artikolu 224(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 36 | |
| Artikolu 224(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 37 | |
| Artikolu 224(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 38 | |
| Artikolu 224(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 39 | |
| Artikolu 224(5) | Anness VIII, Parti 3, punt 40 | |
| Artikolu 224(6) | Anness VIII, Parti 3, punt 41 | |
| Artikolu 225(1) | Anness VIII, Parti 3, punti 42 sa 46 | |
| Artikolu 225(2) | Anness VIII, Parti 3, punti 47 sa 52 | |
| Artikolu 225(3) | Anness VIII, Parti 3, punti 53 sa 56 | |
| Artikolu 226 | Anness VIII, Parti 3, punt 57 | |
| Artikolu 227(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 58 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 227(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 58(a) sa (h) | |
| Artikolu 227(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 58(h) | |
| Artikolu 228(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 60 | |
| Artikolu 228(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 61 | |
| Artikolu 229(1) | Anness VIII, Parti 3, punti 62 sa 65 | |
| Artikolu 229(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 66 | |
| Artikolu 229(3) | Anness VIII, Parti 3, punti 63 u 67 | |
| Artikolu 230(1) | Anness VIII, Parti 3, punti 68 sa 71 | |
| Artikolu 230(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 72 | |
| Artikolu 230(3) | Anness VIII, Parti 3, punti 73 u 74 | |
| Artikolu 231(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 76 | |
| Artikolu 231(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 77 | |
| Artikolu 231(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 78 | |
| Artikolu 231(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 79 | |
| Artikolu 231(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 80 | |
| Artikolu 231(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 80a | |
| Artikolu 231(4) | Anness VIII, Parti 3, punti 81 sa 82 | |
| Artikolu 232(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 83 | |
| Artikolu 232(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 83 | |
| Artikolu 232(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 84 | |
| Artikolu 232(4) | Anness VIII, Parti 3, punt 85 | |
| Artikolu 234 | Anness VIII, Parti 3, punt 86 | |
| Artikolu 235(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 87 | |
| Artikolu 235(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 88 | |
| Artikolu 235(3) | Anness VIII, Parti 3, punt 89 | |
| Artikolu 236(1) | Anness VIII, Parti 3, punt 90 | |
| Artikolu 236(2) | Anness VIII, Parti 3, punt 91 | |
| Artikolu 236(3) | Anness VIII, Parti III, punt 92 | |
| Artikolu 237(1) | Anness VIII, Parti 4, punt 1 | |
| Artikolu 237(2) | Anness VIII, Parti 4, punt 2 | |
| Artikolu 238(1) | Anness VIII, Parti 4, punt 3 | |
| Artikolu 238(2) | Anness VIII, Parti 4, punt 4 | |
| Artikolu 238(3) | Anness VIII, Parti 4, punt 5 | |
| Artikolu 239(1) | Anness VIII, Parti 4, punt 6 | |
| Artikolu 239(2) | Anness VIII, Parti 4, punt 7 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 239(3) | Anness VIII, Parti 4, punt 8 | |
| Artikolu 240 | Anness VIII, Parti VI, punt 1 | |
| Artikolu 241 | Anness VIII, Parti VI, punt 2 | |
| Artikolu 242(1) sa (9) | Anness IX, Parti I, punt 1 | |
| Artikolu 242(10) | Artikolu 4 punt 37 | |
| Artikolu 242(11) | Artikolu 4 punt 38 | |
| Artikolu 242(12) | | |
| Artikolu 242(13) | | |
| Artikolu 242(14) | | |
| Artikolu 242(15) | | |
| Artikolu 243(1) | Anness IX, Parti II, punt 1 | |
| Artikolu 243(2) | Anness IX, Parti II, punt 1a | |
| Artikolu 243(3) | Anness IX, Parti II, punt 1b | |
| Artikolu 243(4) | Anness IX, Parti II, punt 1c | |
| Artikolu 243(5) | Anness IX, Parti II, punt 1d | |
| Artikolu 243(6) | | |
| Artikolu 244(1) | Anness IX, Parti II, punt 2 | |
| Artikolu 244(2) | Anness IX, Parti II, punt 2a | |
| Artikolu 244(3) | Anness IX, Parti II, punt 2b | |
| Artikolu 244(4) | Anness IX, Parti II, punt 2c | |
| Artikolu 244(5) | Anness IX, Parti II, punt 2d | |
| Artikolu 244(6) | | |
| Artikolu 245(1) | Artikolu 95(1) | |
| Artikolu 245(2) | Artikolu 95(2) | |
| Artikolu 245(3) | Artikolu 96(2) | |
| Artikolu 245(4) | Artikolu 96(4) | |
| Artikolu 245(5) | | |
| Artikolu 245(6) | | |
| Artikolu 246(1) | Anness IX, Parti IV, punti 2 u 3 | |
| Artikolu 246(2) | Anness IX, Parti IV, punt 5 | |
| Artikolu 246(3) | Anness IX, Parti IV, punt 5 | |
| Artikolu 247(1) | Artikolu 96(3), Anness IX, Parti IV, punt 60 | |
| Artikolu 247(2) | Anness IX, Parti IV, punt 61 | |
| Artikolu 247(3) | | |
| Artikolu 247(4) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 248(1) | Artikolu 101(1) | |
| Artikolu 248(2) | | |
| Artikolu 248(3) | Artikolu 101(2) | |
| Artikolu 249 | Anness IX, Parti II, punti 3 u 4 | |
| Artikolu 250 | Anness IX, Parti II, punti 5-7 | |
| Artikolu 251 | Anness IX, Parti IV, punt 6-7 | |
| Artikolu 252 | Anness IX, Parti IV, punt 8 | |
| Artikolu 253(1) | Anness IX, Parti IV, punt 9 | |
| Artikolu 253(2) | Anness IX, Parti IV, punt 10 | |
| Artikolu 254 | Anness IX, Parti IV, punt 11-12 | |
| Artikolu 255(1) | Anness IX, Parti IV, punt 13 | |
| Artikolu 255(2) | Anness IX, Parti IV, punt 15 | |
| Artikolu 256(1) | Artikolu 100(1) | |
| Artikolu 256(2) | Anness IX, Parti IV, punt 17-20 | |
| Artikolu 256(3) | Anness IX, Parti IV, punt 21 | |
| Artikolu 256(4) | Anness IX, Parti IV, punti 22-23 | |
| Artikolu 256(5) | Anness IX, Parti IV, punt 24-25 | |
| Artikolu 256(6) | Anness IX, Parti IV, punt 26-29 | |
| Artikolu 256(7) | Anness IX, Parti IV, punt 30 | |
| Artikolu 256(8) | Anness IX, Parti IV, punt 32 | |
| Artikolu 256(9) | Anness IX, Parti IV, punt 33 | |
| Artikolu 257 | Anness IX, Parti IV, punt 34 | |
| Artikolu 258 | Anness IX, Parti IV, punt 35-36 | |
| Artikolu 259(1) | Anness IX, Parti IV, punti 38-41 | |
| Artikolu 259(2) | Anness IX, Parti IV, punt 42 | |
| Artikolu 259(3) | Anness IX, Parti IV, punt 43 | |
| Artikolu 259(4) | Anness IX, Parti IV, punt 44 | |
| Artikolu 259(5) | | |
| Artikolu 260 | Anness IX, Parti IV, punt 45 | |
| Artikolu 261(1) | Anness IX, Parti IV, punt 46-47, 49 | |
| Artikolu 261(2) | Anness IX, Parti IV, punt 51 | |
| Artikolu 262(1) | Anness IX, Parti IV, punt 52, 53 | |
| Artikolu 262(2) | Anness IX, Parti IV, punt 53 | |
| Artikolu 262(3) | | |
| Artikolu 262(4) | Anness IX, Parti IV, punt 54 | |
| Artikolu 263(1) | Anness IX, Parti IV, punt 57 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 263(2) | Anness IX, Parti IV, punt 58 | |
| Artikolu 263(3) | Anness IX, Parti IV, punt 59 | |
| Artikolu 264(1) | Anness IX, Parti IV, punt 62 | |
| Artikolu 264(2) | Anness IX, Parti IV, points63-65 | |
| Artikolu 264(3) | Anness IX, Parti IV, punti 66 u 67 | |
| Artikolu 264(4) | | |
| Artikolu 265(1) | Anness IX, Parti IV, punt 68 | |
| Artikolu 265(2) | Anness IX, Parti IV, punt 70 | |
| Artikolu 265(3) | Anness IX, Parti IV, punt 71 | |
| Artikolu 266(1) | Anness IX, Parti IV, punt 72 | |
| Artikolu 266(2) | Anness IX, Parti IV, punt 73 | |
| Artikolu 266(3) | Anness IX, Parti IV, punt 74-75 | |
| Artikolu 266(4) | Anness IX, Parti IV, punt 76 | |
| Artikolu 267(1) | Artikolu 97(1) | |
| Artikolu 267(3) | Artikolu 97(3) | |
| Artikolu 268 | Anness IX, Parti III, punt 1 | |
| Artikolu 269 | Anness IX, Parti III, punt 2-7 | |
| Artikolu 270 | Artikolu 98 (1) u Anness IX, Parti III, punti 8 u 9 | |
| Artikolu 271(1) | Anness III, Parti II, punt 1<br>Anness VII, Parti III, punt 5 | |
| Artikolu 271(2) | Anness VII, Parti III, punt 7 | |
| Artikolu 272(1) | Anness III, Parti I, punt 1 | |
| Artikolu 272(2) | Anness III, Parti I, punt 3 | |
| Artikolu 272(3) | Anness III, Parti I, punt 4 | |
| Artikolu 272 (4) | Anness III, Parti I, punt 5 | |
| Artikolu 272(5) | Anness III, Parti I, punt 6 | |
| Artikolu 272(6) | Anness III, Parti I, punt 7 | |
| Artikolu 272(7) | Anness III, Parti I, punt 8 | |
| Artikolu 272(8) | Anness III, Parti I, punt 9 | |
| Artikolu 272(9) | Anness III, Parti I, punt 10 | |
| Artikolu 272(10) | Anness III, Parti I, punt 11 | |
| Artikolu 272(11) | Anness III, Parti I, punt 12 | |
| Artikolu 272(12) | Anness III, Parti I, punt 13 | |
| Artikolu 272(13) | Anness III, Parti I, punt 14 | |
| Artikolu 272(14) | Anness III, Parti I, punt 15 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 272(15) | Anness III, Parti I, punt 16 | |
| Artikolu 272(16) | Anness III, Parti I, punt 17 | |
| Artikolu 272(17) | Anness III, Parti I, punt 18 | |
| Artikolu 272(18) | Anness III, Parti I, punt 19 | |
| Artikolu 272(19) | Anness III, Parti I, punt 20 | |
| Artikolu 272(20) | Anness III, Parti I, punt 21 | |
| Artikolu 272(21) | Anness III, Parti I, punt 22 | |
| Artikolu 272(22) | Anness III, Parti I, punt 23 | |
| Artikolu 272(23) | Anness III, Parti I, punt 26 | |
| Artikolu 272(24) | Anness III, Parti VII, punt a) | |
| Artikolu 272(25) | Anness III, Parti VII, punt a) | |
| Artikolu 272(26) | Anness III; Parti V, punt 2 | |
| Artikolu 273(1) | Anness III, Parti II, punt 1 | |
| Artikolu 273(2) | Anness III, Parti II, punt 2 | |
| Artikolu 273(3) | Anness III, Parti II, punt 3 l-ewwel u t-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 273(4) | Anness III, Parti II, punt 3 it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 273(5) | Anness III, Parti II, punt 4 | |
| Artikolu 273(6) | Anness III, Parti II, punt 5 | |
| Artikolu 273(7) | Anness III, Parti II, punt 7 | |
| Artikolu 273(8) | Anness III, Parti II, punt 8 | |
| Artikolu 274(1) | Anness III, Parti III | |
| Artikolu 274(2) | Anness III, Parti III | |
| Artikolu 274(3) | Anness III, Parti III | |
| Artikolu 274(4) | Anness III, Parti III | |
| Artikolu 275(1) | Anness III, Parti IV | |
| Artikolu 275(2) | Anness III, Parti IV | |
| Artikolu 276(1) | Anness III, Parti V, punt 1 | |
| Artikolu 276(2) | Anness III, Parti V, punt 1 | |
| Artikolu 276(3) | Anness III, Parti V, punti 1-2 | |
| Artikolu 277(1) | Anness III, Parti V, punt 3-4 | |
| Artikolu 277(2) | Anness III, Parti V, punt 5 | |
| Artikolu 277(3) | Anness III, Parti V, punt 6 | |
| Artikolu 277(4) | Anness III, Parti V, punt 7 | |
| Artikolu 278(1) | | |
| Artikolu 278(2) | Anness III, Parti V, punt 8 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 278(3) | Anness III, Parti V, punt 9 | |
| Artikolu 279 | Anness III, Parti V, punt 10 | |
| Artikolu 280(1) | Anness III, Parti V, punt 11 | |
| Artikolu 280(2) | Anness III, Parti V, punt 12 | |
| Artikolu 281(1) | | |
| Artikolu 281(2) | Anness III, Parti V, punt 13 | |
| Artikolu 281(3) | Anness III, Parti V, punt 14 | |
| Artikolu 282(1) | | |
| Artikolu 282(2) | Anness III, Parti V, punt 15 | |
| Artikolu 282(3) | Anness III, Parti V, punt 16 | |
| Artikolu 282(4) | Anness III, Parti V, punt 17 | |
| Artikolu 282(5) | Anness III, Parti V, punt 18 | |
| Artikolu 282(6) | Anness III, Parti V, punt 19 | |
| Artikolu 282(7) | Anness III, Parti V, punt 20 | |
| Artikolu 282(8) | Anness III, Parti V, punt 21 | |
| Artikolu 283(1) | Anness III, Parti VI, punt 1 | |
| Artikolu 283(2) | Anness III, Parti VI, punt 2 | |
| Artikolu 283(3) | Anness III, Parti VI, punt 2 | |
| Artikolu 283(4) | Anness III, Parti VI, punt 3 | |
| Artikolu 283(5) | Anness III, Parti VI, punt 4 | |
| Artikolu 283(6) | Anness III, Parti VI, punt 4 | |
| Artikolu 284(1) | Anness III, Parti VI, punt 5 | |
| Artikolu 284(2) | Anness III, Parti VI, punt 6 | |
| Artikolu 284(3) | | |
| Artikolu 284(4) | Anness III, Parti VI, punt 7 | |
| Artikolu 284(5) | Anness III, Parti VI, punt 8 | |
| Artikolu 284(6) | Anness III, Parti VI, punt 9 | |
| Artikolu 284(7) | Anness III, Parti VI, punt 10 | |
| Artikolu 284(8) | Anness III, Parti VI, punt 11 | |
| Artikolu 284(9) | Anness III, Parti VI, punt 12 | |
| Artikolu 284(10) | Anness III, Parti VI, punt 13 | |
| Artikolu 284(11) | Anness III, Parti VI, punt 9 | |
| Artikolu 284(12) | | |
| Artikolu 284(13) | Anness III, Parti VI, punt 14 | |
| Artikolu 285(1) | Anness III, Parti VI, punt 15 | |
| Artikolu 285(2)-(8) | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 286(1) | Anness III, Parti VI, punti 18 u 25 | |
| Artikolu 286(2) | Anness III, Parti VI, punt 19 | |
| Artikolu 286(3) | | |
| Artikolu 286(4) | Anness III, Parti VI, punt 20 | |
| Artikolu 286(5) | Anness III, Parti VI, punt 21 | |
| Artikolu 286(6) | Anness III, Parti VI, punt 22 | |
| Artikolu 286(7) | Anness III, Parti VI, punt 23 | |
| Artikolu 286(8) | Anness III, Parti VI, punt 24 | |
| Artikolu 287(1) | Anness III, Parti VI, punt 17 | |
| Artikolu 287(2) | Anness III, Parti VI, punt 17 | |
| Artikolu 287(3) | | |
| Artikolu 287(4) | | |
| Artikolu 288 | Anness III, Parti VI, punt 26 | |
| Artikolu 289(1) | Anness III, Parti VI, punt 27 | |
| Artikolu 289(2) | Anness III, Parti VI, punt 28 | |
| Artikolu 289(3) | Anness III, Parti VI, punt 29 | |
| Artikolu 289(4) | Anness III, Parti VI, punt 29 | |
| Artikolu 289(5) | Anness III, Parti VI, punt 30 | |
| Artikolu 289(6) | Anness III, Parti VI, punt 31 | |
| Artikolu 290(1) | Anness III, Parti VI, punt 32 | |
| Artikolu 290(2) | Anness III, Parti VI, punt 32 | |
| Artikolu 290(3)-(10) | | |
| Artikolu 291(1) | Anness I, Parti I, punti 27-28 | |
| Artikolu 291(2) | Anness III, Parti VI, punt 34 | |
| Artikolu 291(3) | | |
| Artikolu 291(4) | Anness III, Parti VI, punt 35 | |
| Artikolu 291(5) | | |
| Artikolu 291(6) | | |
| Artikolu 292(1) | Anness III, Parti VI, punt 36 | |
| Artikolu 292(2) | Anness III, Parti VI, punt 37 | |
| Artikolu 292(3) | | |
| Artikolu 292(4) | | |
| Artikolu 292(5) | | |
| Artikolu 292(6) | Anness III, Parti VI, punt 38 | |
| Artikolu 292(7) | Anness III, Parti VI, punt 39 | |
| Artikolu 292(8) | Anness III, Parti VI, punt 40 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 292(9) | Anness III, Parti VI, punt 41 | |
| Artikolu 292(10) | | |
| Artikolu 293(1) | Anness III, Parti VI, punt 42 | |
| Artikolu 293(2)-(6) | | |
| Artikolu 294(1) | Anness III, Parti VI, punt 42 | |
| Artikolu 294(2) | | |
| Artikolu 294(3) | Anness III, Parti VI, punt 42 | |
| Artikolu 295 | Anness III, Parti VII, punt a) | |
| Artikolu 296(1) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 296(2) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 296(3) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 297(1) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 297(2) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 297(3) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 297(4) | Anness III, Parti VII, punt b) | |
| Artikolu 298(1) | Anness III, Parti VII, punt c) | |
| Artikolu 298(2) | Anness III, Parti VII, punt c) | |
| Artikolu 298(3) | Anness III, Parti VII, punt c) | |
| Artikolu 298(4) | Anness III, Parti VII, punt c) | |
| Artikolu 299(1) | | Anness II, punt 7 |
| Artikolu 299(2) | | Anness II, punti 7-11 |
| Artikolu 300 | | |
| Artikolu 301 | Anness III, Parti 2, punt 6 | |
| Artikolu 302 | | |
| Artikolu 303 | | |
| Artikolu 304 | | |
| Artikolu 305 | | |
| Artikolu 306 | | |
| Artikolu 307 | | |
| Artikolu 308 | | |
| Artikolu 309 | | |
| Artikolu 310 | | |
| Artikolu 311 | | |
| Artikolu 312(1) | Artikolu 104(3) u (6) u Anness X, Parti 2, punti 2, 5 u 8 | |
| Artikolu 312(2) | Artikolu 105(1) u 105(2) u Anness X, Parti 3, punt 1 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 312(3) | | |
| Artikolu 312(4) | Artikolu 105(1) | |
| Artikolu 313(1) | Artikolu 102(2) | |
| Artikolu 313(2) | Artikolu 102(3) | |
| Artikolu 313(3) | | |
| Artikolu 314(1) | Artikolu 102(4) | |
| Artikolu 314(2) | Anness X, Parti 4, punt 1 | |
| Artikolu 314(3) | Anness X, Parti 4, punt 2 | |
| Artikolu 314(4) | Anness X, Parti 4, punti 3 u 4 | |
| Artikolu 314(5) | | |
| Artikolu 315(1) | Artikolu 103 u Anness X, Parti 1, punti 1 sa 3 | |
| Artikolu 315(2) | | |
| Artikolu 315(3) | | |
| Artikolu 315(4) | Anness X, Parti 1, punt 4 | |
| Artikolu 316(1) | Anness X, Parti 1, punti 5 sa 8 | |
| Artikolu 316(2) | Anness X, Parti 1, punt 9 | |
| Artikolu 316(3) | | |
| Artikolu 317(1) | Artikolu 104 (1) | |
| Artikolu 317(2) | Artikolu 104(2) u (4) u Anness X, Parti 2, punt 1 | |
| Artikolu 317(3) | Anness X, Parti 2, punt 1 | |
| Artikolu 317(4) | Anness X, Parti 2, punt 2 | |
| Artikolu 318(1) | Anness X, Parti 2, punt 4 | |
| Artikolu 318(2) | Anness X, Parti 2, punt 4 | |
| Artikolu 318(3) | | |
| Artikolu 319(1) | Anness X, Parti 2, punti 6 sa 7 | |
| Artikolu 319(2) | Anness X, Parti 2, punti 10 u 11 | |
| Artikolu 320 | Anness X, Parti 2, punti 9 u 12 | |
| Artikolu 321 | Anness X, Parti 3, punti 2 sa 7 | |
| Artikolu 322(1) | | |
| Artikolu 322(2) | Anness X, Parti 3, punti 8 sa 12 | |
| Artikolu 322(3) | Anness X, Parti 3, punti 13 sa 18 | |
| Artikolu 322(4) | Anness X, Parti 3, punt 19 | |
| Artikolu 322(5) | Anness X, Parti 3, punt 20 | |
| Artikolu 322(6) | Anness X, Parti 3, punti 21 sa 24 | |
| Artikolu 323(1) | Anness X, Parti 3, punt 25 | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 323(2) | Anness X, Parti 3, punt 26 | |
| Artikolu 323(3) | Anness X, Parti 3, punt 27 | |
| Artikolu 323(4) | Anness X, Parti 3, punt 28 | |
| Artikolu 323(5) | Anness X, Parti 3, punt 29 | |
| Artikolu 324 | Anness X, Parti 5 | |
| Artikolu 325(1) | | Artikolu 26 |
| Artikolu 325(2) | | Artikolu 26 |
| Artikolu 325(3) | | |
| Artikolu 326 | | |
| Artikolu 327(1) | | Anness I punt 1 |
| Artikolu 327(2) | | Anness I punt 2 |
| Artikolu 327(3) | | Anness I punt 3 |
| Artikolu 328(1) | | Anness I punt 4 |
| Artikolu 328(2) | | |
| Artikolu 329(1) | | Anness I punt 5 |
| Artikolu 329(2) | | |
| Artikolu 330 | | Anness I punt 7 |
| Artikolu 331(1) | | Anness I punt 9 |
| Artikolu 331(2) | | Anness I punt 10 |
| Artikolu 332(1) | | Anness I punt 8 |
| Artikolu 332(2) | | Anness I punt 8 |
| Artikolu 333 | | Anness I punt 11 |
| Artikolu 334 | | Anness I punt 13 |
| Artikolu 335 | | Anness I punt 14 |
| Artikolu 336(1) | | Anness I punt 14 |
| Artikolu 336(2) | | Anness I punt 14 |
| Artikolu 336(3) | | Anness I punt 14 |
| Artikolu 336(4) | | Artikolu 19(1) |
| Artikolu 337(1) | | Anness I punt 16a |
| Artikolu 337(2) | | Anness I punt 16a |
| Artikolu 337(3) | | Anness I punt 16a |
| Artikolu 337(4) | | Anness I punt 16a |
| Artikolu 337(4) | | Anness I punt 16a |
| Artikolu 338(1) | | Anness I punt 14a |
| Artikolu 338(2) | | Anness I punt 14b |
| Artikolu 338(3) | | Anness I punt 14c |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 338(4) | | Anness I punt 14a |
| Artikolu 339(1) | | Anness I punt 17 |
| Artikolu 339(2) | | Anness I punt 18 |
| Artikolu 339(3) | | Anness I punt 19 |
| Artikolu 339(4) | | Anness I punt 20 |
| Artikolu 339(5) | | Anness I punt 21 |
| Artikolu 339(6) | | Anness I punt 22 |
| Artikolu 339(7) | | Anness I punt 23 |
| Artikolu 339(8) | | Anness I punt 24 |
| Artikolu 339(9) | | Anness I punt 25 |
| Artikolu 340(1) | | Anness I punt 26 |
| Artikolu 340(2) | | Anness I punt 27 |
| Artikolu 340(3) | | Anness I punt 28 |
| Artikolu 340(4) | | Anness I punt 29 |
| Artikolu 340(5) | | Anness I punt 30 |
| Artikolu 340(6) | | Anness I punt 31 |
| Artikolu 340(7) | | Anness I punt 32 |
| Artikolu 341(1) | | Anness I punt 33 |
| Artikolu 341(2) | | Anness I punt 33 |
| Artikolu 341(3) | | |
| Artikolu 342 | | Anness I punt 34 |
| Artikolu 343 | | Anness I punt 36 |
| Artikolu 344(1) | | |
| Artikolu 344(2) | | Anness I punt 37 |
| Artikolu 344(3) | | Anness I punt 38 |
| Artikolu 345(1) | | Anness I punt 41 |
| Artikolu 345(2) | | Anness I punt 41 |
| Artikolu 346(1) | | Anness I punt 42 |
| Artikolu 346(2) | | |
| Artikolu 346(3) | | Anness I punt 43 |
| Artikolu 346(4) | | Anness I punt 44 |
| Artikolu 346(5) | | Anness I punt 45 |
| Artikolu 346(6) | | Anness I punt 46 |
| Artikolu 347 | | Anness I punt 8 |
| Artikolu 348(1) | | Anness I punti 48-49 |
| Artikolu 348(2) | | Anness I punt 50 |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 349 | | Anness I punt 51 |
| Artikolu 350(1) | | Anness I punt 53 |
| Artikolu 350(2) | | Anness I punt 54 |
| Artikolu 350(3) | | Anness I punt 55 |
| Artikolu 350(4) | | Anness I punt 56 |
| Artikolu 351 | | Anness III punt 1 |
| Artikolu 352(1) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 352(2) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 352(3) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 352(4) | | Anness III punt 2(2) |
| Artikolu 352(5) | | |
| Artikolu 353(1) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 353(2) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 353(3) | | Anness III punt 2(1) |
| Artikolu 354(1) | | Anness III punt 3(1) |
| Artikolu 354(2) | | Anness III punt 3(2) |
| Artikolu 354(3) | | Anness III punt 3(2) |
| Artikolu 354(4) | | |
| Artikolu 355 | | |
| Artikolu 356 | | |
| Artikolu 357(1) | | Anness IV punt 1 |
| Artikolu 357(2) | | Anness IV punt 2 |
| Artikolu 357(3) | | Anness IV punt 3 |
| Artikolu 357(4) | | Anness IV punt 4 |
| Artikolu 357(5) | | Anness IV punt 6 |
| Artikolu 358(1) | | Anness IV punt 8 |
| Artikolu 358(2) | | Anness IV punt 9 |
| Artikolu 358(3) | | Anness IV punt 10 |
| Artikolu 358(4) | | Anness IV punt 12 |
| Artikolu 359(1) | | Anness IV punt 13 |
| Artikolu 359(2) | | Anness IV punt 14 |
| Artikolu 359(3) | | Anness IV punt 15 |
| Artikolu 359(4) | | Anness IV punt 16 |
| Artikolu 359(5) | | Anness IV punt 17 |
| Artikolu 359(6) | | Anness IV punt 18 |
| Artikolu 360(1) | | Anness IV punt 19 |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 360(2) | | Anness IV punt 20 |
| Artikolu 361 | | Anness IV punt 21 |
| Artikolu 362 | | |
| Artikolu 363(1) | | Anness V punt 1 |
| Artikolu 363(2) | | |
| Artikolu 363(3) | | |
| Artikolu 364(1) | | Anness V punt 10b |
| Artikolu 364(2) | | |
| Artikolu 364(3) | | |
| Artikolu 365(1) | | Anness V punt 10 |
| Artikolu 365(2) | | Anness V punt 10a |
| Artikolu 366(1) | | Anness V punt 7 |
| Artikolu 366(2) | | Anness V punt 8 |
| Artikolu 366(3) | | Anness V punt 9 |
| Artikolu 366(4) | | Anness V punt 10 |
| Artikolu 366(5) | | Anness V punt 8 |
| Artikolu 367(1) | | Anness V punt 11 |
| Artikolu 367(2) | | Anness V punt 12 |
| Artikolu 367(3) | | Anness V punt 12 |
| Artikolu 368(1) | | Anness V punt 2 |
| Artikolu 368(2) | | Anness V punt 2 |
| Artikolu 368(3) | | Anness V punt 5 |
| Artikolu 368(4) | | |
| Artikolu 369(1) | | Anness V punt 3 |
| Artikolu 369(2) | | |
| Artikolu 370(1) | | Anness V punt 5 |
| Artikolu 371(1) | | Anness V punt 5 |
| Artikolu 371(2) | | |
| Artikolu 372 | | Anness V punt 5a |
| Artikolu 373 | | Anness V punt 5b |
| Artikolu 374(1) | | Anness V punt 5c |
| Artikolu 374(2) | | Anness V punt 5d |
| Artikolu 374(3) | | Anness V punt 5d |
| Artikolu 374(4) | | Anness V punt 5d |
| Artikolu 374(5) | | Anness V punt 5d |
| Artikolu 374(6) | | Anness V punt 5d |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 374(7) | | |
| Artikolu 375(1) | | Anness V punt 5a |
| Artikolu 375(2) | | Anness V punt 5e |
| Artikolu 376(1) | | Anness V punt 5f |
| Artikolu 376(2) | | Anness V punt 5g |
| Artikolu 376(3) | | Anness V punt 5h |
| Artikolu 376(4) | | Anness V punt 5h |
| Artikolu 376(5) | | Anness V punt 5i |
| Artikolu 376(6) | | Anness V punt 5 |
| Artikolu 377 | | Anness V punt 5l |
| Artikolu 378 | | Anness II punt 1 |
| Artikolu 379(1) | | Anness II punt 2 |
| Artikolu 379(2) | | Anness II punt 3 |
| Artikolu 379(3) | | Anness II punt 2 |
| Artikolu 380 | | Anness II punt 4 |
| Artikolu 381 | | |
| Artikolu 382 | | |
| Artikolu 383 | | |
| Artikolu 384 | | |
| Artikolu 385 | | |
| Artikolu 386 | | |
| Artikolu 387 | | Artikolu 28(1) |
| Artikolu 388 | | |
| Artikolu 389 | Artikolu 106 (1) subparagrafu 1 | |
| Artikolu 390(1) | Artikolu 106(1) subparagrafu 2 | |
| Artikolu 390(2) | | |
| Artikolu 390(3) | | Artikolu 29(1) |
| Artikolu 390(4) | | Artikolu 30(1) |
| Artikolu 390(5) | | Artikolu 29(2) |
| Artikolu 390(6) | Artikolu 106(2) subparagrafu 1 | |
| Artikolu 390(7) | Artikolu 106(3) | |
| Artikolu 390(8) | Artikolu 106(2) subparagrafi 2 u 3 | |
| Artikolu 391 | Artikolu 107 | |
| Artikolu 392 | Artikolu 108 | |
| Artikolu 393 | Artikolu 109 | |
| Artikolu 394(1) | Artikolu 110(1) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 394(2) | Artikolu 110(1) | |
| Artikolu 394(3) u (4) | Artikolu 110 (2) | |
| Artikolu 394(4) | Artikolu 110 (2) | |
| Artikolu 395(1) | Artikolu 111(1) | |
| Artikolu 395(2) | | |
| Artikolu 395(3) | Artikolu 111 (4) subparagrafu 1 | |
| Artikolu 395(4) | | Artikolu 30 (4) |
| Artikolu 395(5) | | Artikolu 31 |
| Artikolu 395(6) | | |
| Artikolu 395(7) | | |
| Artikolu 395(8) | | |
| Artikolu 396(1) | Artikolu 111 (4) subparagrafi 1 u 2 | |
| Artikolu 396 (2) | | |
| Artikolu 397(1) | | Anness VI, punt 1 |
| Artikolu 397(2) | | Anness VI, punt 2 |
| Artikolu 397(3) | | Anness VI, punt 3 |
| Artikolu 398 | | Artikolu 32(1) |
| Artikolu 399(1) | Artikolu 112(1) | |
| Artikolu 399(2) | Artikolu 112(2) | |
| Artikolu 399(3) | Artikolu 112(3) | |
| Artikolu 399(4) | Artikolu 110 (3) | |
| Artikolu 400(1) | Artikolu 113(3) | |
| Artikolu 400(2) | Artikolu 113(4) | |
| Artikolu 400(3) | | |
| Artikolu 401(1) | Artikolu 114(1) | |
| Artikolu 401(2) | Artikolu 114(2) | |
| Artikolu 401(3) | Artikolu 114(3) | |
| Artikolu 402(1) | Artikolu 115(1) | |
| Artikolu 402(2) | Artikolu 115(2) | |
| Artikolu 402(3) | | |
| Artikolu 403(1) | Artikolu 117(1) | |
| Artikolu 403(2) | Artikolu 117(2) | |
| Artikolu 404 | Artikolu 122a(8) | |
| Artikolu 405(1) | Artikolu 122a(1) | |
| Artikolu 405(2) | Artikolu 122a(2) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 405(3) | Artikolu 122a(3) sub-paragrafu 1 | |
| Artikolu 405(4) | Artikolu 122a(3) sub-paragrafu 2 | |
| Artikolu 406(1) | Artikolu 122a(4) u Artikolu 122a (5) subparagrafu 2 | |
| Artikolu 406(2) | Artikolu 122a(5) subparagrafu 1 u Artikolu 122a(6) subparagrafu 1 | |
| Artikolu 407 | Artikolu 122a(5) subparagrafu 3 | |
| Artikolu 408 | Artikolu 122a(6) subparagrafi 1 u 2 | |
| Artikolu 409 | Artikolu 122a(7) | |
| Artikolu 410 | Artikolu 122a(10) | |
| Artikolu 411 | | |
| Artikolu 412 | | |
| Artikolu 413 | | |
| Artikolu 414 | | |
| Artikolu 415 | | |
| Artikolu 416 | | |
| Artikolu 417 | | |
| Artikolu 418 | | |
| Artikolu 419 | | |
| Artikolu 420 | | |
| Artikolu 421 | | |
| Artikolu 422 | | |
| Artikolu 423 | | |
| Artikolu 424 | | |
| Artikolu 425 | | |
| Artikolu 426 | | |
| Artikolu 427 | | |
| Artikolu 428 | | |
| Artikolu 429 | | |
| Artikolu 430 | | |
| Artikolu 431(1) | Artikolu 145(1) | |
| Artikolu 431(2) | Artikolu 145(2) | |
| Artikolu 431(3) | Artikolu 145(3) | |
| Artikolu 431(4) | Artikolu 145(4) | |
| Artikolu 432(1) | Anness XII, Parti I, punt 1 u Artikolu 146(1) | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 432(2) | Artikolu 146(2) u Anness XII, Parti I, punti 2 u 3 | |
| Artikolu 432(3) | Artikolu 146(3) | |
| Artikolu 433 | Artikolu 147 u Anness XII, Parti I, punt 4 | |
| Artikolu 434(1) | Artikolu 148 | |
| Artikolu 434(2) | | |
| Artikolu 435(1) | Anness XII, Parti II, punt 1 | |
| Artikolu 435(2) | | |
| Artikolu 436 | Anness XII, Parti II, punt 2 | |
| Artikolu 437 | | |
| Artikolu 438 | Anness XII, Parti II, punti 4, 8 | |
| Artikolu 439 | Anness XII, Parti II, punt 5 | |
| Artikolu 440 | | |
| Artikolu 441 | | |
| Artikolu 442 | Anness XII, Parti II, punt 6 | |
| Artikolu 443 | | |
| Artikolu 444 | Anness XII, Parti II, punt 7 | |
| Artikolu 445 | Anness XII, Parti II, punt 9 | |
| Artikolu 446 | Anness XII, Parti II, punt 11 | |
| Artikolu 447 | Anness XII, Parti II, punt 12 | |
| Artikolu 448 | Anness XII, Parti II, punt 13 | |
| Artikolu 449 | Anness XII, Parti II, punt 14 | |
| Artikolu 450 | Anness XII, Parti II, punt 15 | |
| Artikolu 451 | | |
| Artikolu 452 | Anness XII, Parti III, punt 1 | |
| Artikolu 453 | Anness XII, Parti III, punt 2 | |
| Artikolu 454 | Anness XII, Parti III, punt 3 | |
| Artikolu 455 | | |
| Artikolu 456, subparagrafu 1 | Artikolu 150(1) | Artikolu 41 |
| Artikolu 456, subparagrafu 2 | | |
| Artikolu 457 | | |
| Artikolu 458 | | |
| Artikolu 459 | | |
| Artikolu 460 | | |
| Artikolu 461 | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 462(1) | Artikolu 151a | |
| Artikolu 462(2) | Artikolu 151a | |
| Artikolu 462(3) | Artikolu 151a | |
| Artikolu 462(4) | | |
| Artikolu 462(5) | | |
| Artikolu 463 | | |
| Artikolu 464 | | |
| Artikolu 465 | | |
| Artikolu 466 | | |
| Artikolu 467 | | |
| Artikolu 468 | | |
| Artikolu 469 | | |
| Artikolu 470 | | |
| Artikolu 471 | | |
| Artikolu 472 | | |
| Artikolu 473 | | |
| Artikolu 474 | | |
| Artikolu 475 | | |
| Artikolu 476 | | |
| Artikolu 477 | | |
| Artikolu 478 | | |
| Artikolu 479 | | |
| Artikolu 480 | | |
| Artikolu 481 | | |
| Artikolu 482 | | |
| Artikolu 483 | | |
| Artikolu 484 | | |
| Artikolu 485 | | |
| Artikolu 486 | | |
| Artikolu 487 | | |
| Artikolu 488 | | |
| Artikolu 489 | | |
| Artikolu 490 | | |
| Artikolu 491 | | |
| Artikolu 492 | | |

| Dan ir-Regolament | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 493(1) | | |
| Artikolu 493 (2) | | |
| Artikolu 494 | | |
| Artikolu 495 | | |
| Artikolu 496 | | |
| Artikolu 497 | | |
| Artikolu 498 | | |
| Artikolu 499 | | |
| Artikolu 500 | | |
| Artikolu 501 | | |
| Artikolu 502 | | |
| Artikolu 503 | | |
| Artikolu 504 | | |
| Artikolu 505 | | |
| Artikolu 506 | | |
| Artikolu 507 | | |
| Artikolu 508 | | |
| Artikolu 509 | | |
| Artikolu 510 | | |
| Artikolu 511 | | |
| Artikolu 512 | | |
| Artikolu 513 | | |
| Artikolu 514 | | |
| Artikolu 515 | | |
| Artikolu 516 | | |
| Artikolu 517 | | |
| Artikolu 518 | | |
| Artikolu 519 | | |
| Artikolu 520 | | |
| Artikolu 521 | | |
| Anness I | Anness II | |
| Anness II | Anness IV | |
| Anness III | | |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2013/36/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Ġunju 2013**

**dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([2]) u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' kumpanniji tal-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([3]) ġew emendati b'mod sinifikanti f'diversi okkażjonijiet. Ħafna dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE huma applikabbli kemm għall-istituzzjonijiet tal-kreditu kif ukoll għad-ditti tal-investiment. Għall-fini taċ-ċarezza u sabiex tkun żgurata applikazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jiġu amalgamati f'atti leġislattivi ġodda li huma applikabbli kemm għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll għad-ditti tal-investiment, jiġifieri din id-Direttiva u r-Regolment (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 26 ta' Ġunju 2013 ([4]). Sabiex ikunu iktar aċċessibbli, id-dispożizzjonijiet tal-Annessi għad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom jiġu integrati fit-termini normattivi ta' din id-Direttiva u dak ir-Regolament.

(2) Din id-Direttiva għandha tinkludi, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni għan-negozju, l-akkwist tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti f'dan ir-rigward u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kapital inizzjali u r-reviżjoni superviżorja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. L-għan prinċipali u s-suġġett ta' din id-Direttiva huwa li jiġu kkoordinati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, il-modalitajiet għall-governanza tagħhom, u l-qafas superviżorju tagħhom. Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fihom ukoll rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għal dawk ir-rekwiżiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali uniformi u direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, billi tali rekwiżiti huma relatati mill-qrib mal-funzjonament tas-swieq finanzjarji fir-rigward ta' għadd ta' assi miżmuma mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. Din id-Direttiva għandha għalhekk tinqara flimkien mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom flimkien ma' dak ir-Regolament jiffurmaw il-qafas ġuridiku li jirregola l-attivitajiet bankarji, il-qafas superviżorju u r-regoli prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

(3) Ir-rekwiżiti prudenzjali ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma ssupplimentati minn arranġamenti individwali li jkunu deċiżi mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tar-reviżjoni superviżorja kontinwa tagħhom ta' kull istituzzjoni ta' kreditu u d-ditta tal-investiment individwali. Il-firxa ta' dawn l-arranġamenti superviżorji għandha, fost l-oħrajn, tkun stabbilita f'din id-Direttiva u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom rigward liema arranġamenti għandhom ikunu imposti. Rigward tali arranġamenti individwali li jirrigwardaw il-likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fost l-oħrajn, jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Ispiża-Benefiċċju tal-Likwidità tas-27 ta' Ottubru 2010 tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej.

([1]) ĠU C 105, 11.4.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.
([4]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(4) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([1]) tippermetti lid-ditti tal-investiment awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom u supervizzati mill-istess awtoritajiet li jistabilixxu fergħat u jipprovdu servizzi mingħajr xkiel fi Stati Membri oħrajn. Dik id-Direttiva għalhekk tipprevedi l-koordinazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-awtorizzazzjoni u l-eżerċizzju tan-negozju tad-ditti tal-investiment. Madankollu, din ma tistabilixxix l-ammonti tal-kapital inizjali ta' ditti bħal dawn jew qafas komuni għall-monitoraġġ tar-riskji mġarrba minnhom, li għandu jkun dispost għalihom f'din id-Direttiva.

(5) Din id-Direttiva għandha tikkostitwixxi l-istrument essenzjali għall-kisba tas-suq intern mill-aspett kemm tal-libertà tal-istabiliment kif ukoll tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi finanzjarji fil-qasam tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(6) L-operazzjoni bla intoppi tas-suq intern teħtieġ mhux biss regoli legali iżda wkoll kooperazzjoni mill-qrib u regolari u konverġenza konsiderevolment imsaħħa ta' prattiki regolatorji u superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jistabilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea)("ABE"). Din id-Direttiva għandha tikkunsidra r-rwol u l-funzjoni tal-ABE stipulati f'dak ir-Regolament u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta jiġu kkonferiti kompiti lill-ABE.

(8) Minħabba ż-żieda tal-kompiti mogħtija lill-ABE minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li jkun hemm riżorsi umani u finanzjarji xierqa.

(9) Bħala l-ewwel pass lejn unjoni bankarja, mekkaniżmu superviżorju uniku (MSU) għandu jiżgura li l-politika tal-Unjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi implimentata b'mod koerenti u effikaċi, li l-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji tiġi applikata bl-istess mod għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri kollha kkonċernati, u li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu soġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn konsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali. MSU huwa l-bażi għall-passi li jmiss lejn unjoni bankarja. Dan jirrifletti l-prinċipju li kwalunkwe introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' intervent komuni f'każ ta' kriżi għandu jiġi ppreċedut minn kontrolli komuni li jnaqqsu l-probabbiltà li jkollhom jintużaw tali mekkaniżmi ta' intervent. Il-Kunsill Ewropew innota fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2012 li "[i]l-Kummissjoni ser tippreżenta matul l-2013 proposta għal mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għall-Istati Membri parteċipanti fil-MSU, li għandha tiġi eżaminata mill-koleġislaturi bħala prijorità bl-intenzjoni li tiġi adottata matul iċ-ċiklu parlamentari attwali". L-integrazzjoni tal-qafas finanzjarju jista' jissaħħaħ ulterjorment bit-twaqqif ta' mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni, li jinkludi arranġamenti għal pjan ta' emerġenza xieraq u effettiv biex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni tal-bank jittieħdu malajr, b'mod imparzjali u fl-aħjar interessi ta' dawk kollha kkonċernati.

(10) Il-konferiment ta' kompiti superviżorji lill-Bank Ċentrali Ewropew(BĊE) għal uħud mill-Istati Membri għandu jkun konsistenti mal-qafas tas-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja stabbilita fl-2010 u l-għan sottostanti tagħha li tiżviluppa l-ġabra unika ta' regoli u ssaħħaħ il-konverġenza ta' prattiki superviżorji fl-Unjoni kollha. Il-BĊE għandu jwettaq il-kompiti tiegħu soġġett għal u f'konformità ma' kwalunkwe liġi primarja u sekondarja rilevanti tal-Unjoni, id-deċiżjonijet tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-għajnuniet mill-Istat, ir-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-kontroll tal-fużjonijiet u l-ġabra unika ta' regoli li tapplika għall-Istati Membri kollha. L-ABE hija fdata bil-kompitu li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi u linji gwida u rakkomandazzjonijiet biex tiżgura konverġenza superviżorja u konsistenza ta' eżiti superviżorji fl-Unjoni. Il-BĊE m'għandux iwettaq dawk il-kompiti, iżda għandu jeżerċita setgħat għall-adozzjoni ta' regolamenti skont l-Artikolu 132 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) f'konformità ma' atti adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' abbozzi żviluppati mill-ABE u b'linji gwida u rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(11) Ir-rwol ta' medjazzjoni legalment vinkolanti tal-ABE huwa element fundamentali fil-promozzjoni tal-koordinazzjoni, il-konsistenza superviżorja u l-konverġenza tal-prattiki superviżorji. Il-medjazzjoni mill-ABE tista' tinbeda jew fuq l-inizjattiva tagħha stess fejn ikun speċifikament previst, jew fuq talba minn awtorità kompetenti jew aktar fil-każ ta' nuqqas ta' qbil li ma taqbilx. Din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jestendu l-firxa ta' sitwazzjonijiet li fihom l-ABE tista' tniedi r-rwol ta' medjazzjoni legalment vinkolanti tagħha bil-għan li tikkontribwixxi għall-konsistenza fil-prattiki superviżorji. L-ABE m'għandha l-ebda rwol ta' medjazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess fir-rigward tan-nomina ta' fergħat sinifikanti u d-determinazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għal istituzzjoni skont din id-Direttiva. Madankollu, sabiex tiġi promossa l-koordinazzjoni u jiġu msaħħa l-prattiki superviżorji konsistenti f'dawk l-oqsma sensittivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikorru għall-medjazzjoni tal-ABE fi stadju bikri tal-proċess f'każ ta' nuqqas ta' qbil. Tali medjazzjoni bikrija tal-ABE għandha tiffaċilita s-sejbien ta' soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil.

([1]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

(12) Sabiex jipproteġu t-tfaddil kif ukoll sabiex joħolqu kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-miżuri li jikkoordinaw is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, japplikaw għalihom kollha. Madankollu għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa lid-differenzi oġġettivi fl-istatuti u l-għanijiet tagħhom kif stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali.

(13) Sabiex jiġi żgurat suq intern li jaħdem sew, prattiki u deċiżjonijiet superviżorji, trasparenti, prevedibbli u armonizzati huma meħtieġa biex isir in-negozju u biex jitmexxew gruppi transkonfinali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. L-ABE għandha għalhekk issaħħaħ l-armonizzazzjoni tal-prattiki superviżorji. Il-proċessi u d-deċiżjonijiet superviżorji m'għandhomx itellfu l-funzjonament tas-suq intern fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera tal-kapital. Il-kulleġġi superviżorji għandhom jiżguraw programm ta' ħidma komuni u allinjat u deċiżjonijiet superviżorji armonizzati. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti għandha tissaħħaħ permezz ta' livell ogħla ta' trasparenza u kondiviżjoni tal-informazzjoni.

(14) L-ambitu tal-miżuri li jikkoordinaw is-superviżjoni talistituzzjonijiet ta' kreditu għalhekk għandu jkun kemm jista' jkun wiesa', u jkopri l-istituzzjonijiet kollha li nnegozju tagħhom huwa li jirċievu fondi ripagabbli millpubbliku, kemm fil-forma ta' depożiti jew f'forom oħrajn bħall-ħruġ kontinwu ta' bonds u titoli oħrajn komparabbli u li jagħtu krediti f'isimhom stess. Għandhom jiġu previsti eċċezzjonijiet fil-każ ta' ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom ma tapplikax din id-Direttiva. Din id-Direttiva m'għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni talliġijiet nazzjonali li jipprevedu awtorizzazzjonijiet supplimentari speċjali li jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jwettqu attivitajiet speċifiċi jew li jidħlu għal tipi ta' operazzjonijiet speċifiċi.

(15) Huwa xieraq li ssir l-armonizzazzjoni li tkun neċessarja u suffiċjenti biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni u ta' sistemi ta' superviżjoni prudenzjali, biex b'hekk ikun possibbli l-għoti ta' liċenzja unika rikonoxxuta fl-Unjoni kollha u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' superviżjoni prudenzjali mill-Istat Membru domiċiljari.

(16) Il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku u s-superviżjoni mill-Istat Membru domiċiljari jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrifjutaw jew jirtiraw awtorizzazzjoni meta fatturi bħall-kontenut talprogramm tal-attivitajiet, id-distribuzzjoni ġeografika talattivitajiet jew l-attivitajiet li effettivament isiru jindikaw b'mod ċar li istituzzjoni ta' kreditu tkun għażlet issistema ġuridika ta' Stat Membru partikolari bl-għan li tevadi standards aktar rigorużi fis-seħħ fi Stat Membru ieħor fejn twettaq jew għandha l-intenzjoni li twettaq ilparti l-kbira tal-attivitajiet tagħha. Fejn ma jkunx hemm indikazzjoni ċara ta' dan, iżda l-parti l-kbira tal-assi totali tal-entitajiet fi grupp bankarju tinsab fi Stat Membru ieħor, li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu responsabbli li jeżerċitaw superviżjoni fuq bażi konsolidata, irresponsabbiltà għall-eżerċizzju tas-sorveljanza fuq bażi konsolidata għandha tinbidel biss bi ftehim ma' dawk lawtoritajiet kompetenti.

(17) L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jawtorizzaw jew ikomplu jawtorizzaw istituzzjoni ta' kreditu meta jkun hemm il-possibbiltà li jkunu mfixkla milli jeżerċitaw b'mod effikaċi l-funzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn dik l-istituzzjoni u persuni oħrajn fiżiċi jew ġuridiċi. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu diġà awtorizzati għandhom ukoll jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' tali rabtiet mill-qrib.

(18) Ir-referenza għall-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtoritajiet superviżorji tkopri s-superviżjoni fuq bażi konsolidata li għandha titwettaq fuq istituzzjoni ta' kreditu jew id-ditta tal-investiment fejn il-liġi tal-Unjoni hekk tipprevedi. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet li tkun saritilhom talba għall-awtorizzazzjoni għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti għal eżerċitar ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata fuq dik l-istituzzjoni ta' kreditu jew id-ditta tal-investiment.

(19) L-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Istati Membri domiċiljari tagħhom għandhom jitħallew iwettqu, fl-Unjoni kollha, kwalunkwe jew kull attività msemmija fil-lista tal-attivitajiet soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku billi jistabilixxu fergħat jew billi jipprovdu servizzi.

(20) Huwa xieraq li r-rikonoxximent reċiproku jiġi estiż għal dawk l-attivitajiet elenkati fl- meta jitwettqu minn istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, sakemm dawn is-sussidjarji jkunu koperti mis-superviżjoni konsolidata tal-impriżi prinċipali (parent) tagħhom u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet rigorużi.

(21) L-Istat Membru ospitanti għandu jkun jista', b'konnessjoni mal-eżerċizzju tad-dritt tal-istabiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, jirrikjedi konformità ma' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-liġijiet jew regolamenti nazzjonali tiegħu stess min-naħa tal-entitajiet li mhumiex awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri domiċiljari tagħhom u fir-rigward ta' attivitajiet mhux imsemmija fil-lista tal-attivitajiet soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku sakemm, minn naħa, dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux diġà previsti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni u jkunu maħsuba sabiex jipproteġu l-ġid komuni u, sakemm min-naħa l-oħra, dawn l-entitajiet jew dawn l-attivitajiet ma jkunux soġġetti għal regoli ekwivalenti taħt il-liġijiet jew regolamenti tal-Istati Membri domiċiljari tagħhom.

(22) Minbarra r-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma hemmx ostakoli għat-twettiq ta' attivitajiet li jingħataw rikonoxximent reċiproku bl-istess mod bħal fl-Istat Membru domiċiljari, dment li dan tal-aħħar ma jkunx inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jħarsu l-ġid komuni fl-Istat Membru domiċiljari.

(23) Ir-regoli li jirregolaw il-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz għandhom ikunu analogi fl-Istati Membri kollha. Huwa importanti li jkun dispost li dawn ir-regoli ma jkunux aktar favorevoli minn dawk applikabbli għal fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stat Membru ieħor. L-Unjoni għandha jkollha l-kapaċità li tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, li jipprevedu l-applikazzjoni ta' regoli li jagħtu lil fergħat bħal dawn l-istess trattament fit-territorju kollu tagħha. Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'pajjiżi terzi m'għandhomx igawdu l-libertà li jipprovdu s-servizzi jew il-libertà tal-istabiliment fi Stati Membri oħrajn għajr dawk li huma stabbiliti fihom.

(24) Għandu jintlaħaq ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi bl-għan li tkun tista' tiġi eżerċitata b'mod prattiku superviżjoni konsolidata fuq l-akbar żona ġeografika possibbli.

(25) Ir-responsabbiltà tas-superviżjoni tas-solidità finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, u b'mod partikolari s-solvenza tagħha fuq bażi konsolidata, għandha tkun tal-Istat Membru domiċiljari tagħha. Is-superviżjoni tal-gruppi bankarji tal-Unjoni għandha tkun l-oġġett ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti.

(26) L-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ospitanti għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu, każ b'każ, kontrolli fuq il-post tal-attivitajiet tal-fergħat tal-istituzzjonijiet fit-territorju tagħhom u jeħtieġu informazzjoni minn fergħa dwar l-attivitajiet tagħha u għal finijiet ta' superviżjoni, fejn huma jqisu li jkunu rilevanti għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti.

(27) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għandhom jiksbu informazzjoni dwar attivitajiet li jitwettqu fit-territorju tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jieħdu miżuri superviżorji sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ma jkunux iridu jieħdu miżuri prekawzjonarji ta' emerġenza.

(28) L-operat bla intoppi tas-suq bankarju intern jeħtieġ mhux biss regoli ġuridiċi iżda wkoll kooperazzjoni mill-qrib u regolari u konverġenza konsiderevolment imsaħħa ta' prattiki regolatorji u superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għal dak il-għan, jistgħu jiġu kkunsidrati l-problemi li jirrigwardaw istituzzjonijiet ta' kreditu individwali u għandu jkun hemm skambju reċiproku ta' informazzjoni permezz tal-ABE. Dik il-proċedura ta' informazzjoni reċiproka m'għandhiex tissostittwixxi l-kooperazzjoni bilaterali. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti għandhom dejjem ikollhom il-kapaċità, f'emerġenza, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq inizjattiva tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, jikkontrollaw li l-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fit-territorji tagħhom jikkonformaw mal-liġijiet rilevanti u mal-prinċipji ta' proċeduri amministrattivi u kontabilitistiċi validi u ta' kontroll intern adegwat.

(29) Huwa xieraq li jkun permess l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet jew il-korpi li, minħabba l-funzjoni tagħhom, jgħinu sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Sabiex tinżamm in-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni mgħoddija, il-lista tad-destinatarji għandha tinżamm ristretta.

(30) Ċerta mġiba, bħall-frodi jew abbuż minn informazzjoni privileġġata, tista' taffettwa l-istabbiltà u l-integrità tas-sistema finanzjarja. Jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet li taħthom ikun awtorizzat l-iskambju tal-informazzjoni f'dawn il-każijiet.

(31) Meta jkun stipulat li l-informazzjoni tista' tkun żvelata biss bil-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jistipulaw li l-kunsens tagħhom ikun soġġett għal konformità ma' kundizzjonijiet rigorużi.

(32) Għandu jkun awtorizzat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-banek ċentrali u korpi oħrajn b'funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji u, fejn neċessarju għal raġunijiet ta' superviżjoni prudenzjali prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li qed ifallu u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jekk rilevanti, awtoritajiet pubbliċi oħrajn u dipartimenti tal-amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali responsabbli għat-tfassil ta' leġislazzjoni dwar is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji, servizzi ta' investiment u kumpanniji tal-assigurazzjoni, u awtoritajiet pubbliċi, responsabbli mis-superviżjoni tas-sistemi ta' pagamenti.

(33) Għall-finijiet tat-tisħiħ tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet u l-protezzjoni tal-klijenti ta' istituzzjonijiet, l-awdituri għandu jkollhom id-dmir li minnufih jagħmlu rapport lill-awtoritajiet kompetenti, kull meta, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, isiru konxji minn ċerti fatti li jistgħu jħallu effett serju fuq is-sitwazzjoni finanzjarja jew l-organizzazzjoni amministrattiva u kontabilistika ta' istituzzjoni. Għall-istess raġuni, l-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll li tali dmir japplika fiċ-ċirkostanzi kollha fejn fatti bħal dawn ikunu skoperti minn awditur fit-twettiq tal-kompiti tiegħu f'impriża li jkollha rabtiet mill-qrib ma' istituzzjoni. Id-dmir tal-awdituri li jinformaw, fejn xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti b'ċerti fatti u deċiżjonijiet li jirrigwardaw lil xi istituzzjoni li huma jiskopru waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom f'impriża mhux finanzjarja m'għandux fih innifsu jibdel in-natura tal-kompiti tagħhom f'dik l-impriża u lanqas il-mod li bih għandhom iwettqu dawk il-kompiti f'dik l-impriża.

(34) Din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-għan li jiżguraw is-solvenza tal-istituzzjonijiet. Jekk, minkejja r-rekwiżiti ta' solvenza sseħħ kriżi, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jiġu riżolti b'mod ordnat, biex jiġi limitat l-impatt negattiv fuq l-ekonomija reali u tiġi evitata l-ħtieġa tal-involviment tal-kontribwenti fiskali. Għal dak il-għan, sakemm ikun hemm aktar koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-ABE għandha tivvaluta u tikkoordina inizjattivi, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, rigward il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni bil-ħsieb li tippromwovi l-konverġenza f'dak il-qasam. Għal dak l-għan, l-ABE għandha tiġi informata bis-sħiħ u minn qabel dwar l-organizzazzjoni ta' laqgħat dwar il-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni u għandha tkun intitolata tieħu sehem f'dawn il-laqgħat. L-awtoritajiet f'xi Stati Membri diġà introduċew obbligi għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet biex dawn iħejju pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni. Għaldaqstant, ikun adatt li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jikkooperaw mal-awtoritajiet f'dak ir-rigward. Meta jkun qed jiġi abbozat pjan ta' rkupru jew riżoluzzjoni, l-ABE għandha tikkontribwixxi fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni effettivi u konsistenti, u tipparteċipa fihom b'mod attiv, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Għandha tingħata prijorità fejn tali pjanijiet jinvolvu istituzzjonijiet sistemikament importanti.

(35) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 mill-istituzzjonijiet, minn dawk li effettivament jikkontrollaw in-negozju ta' istituzzjoni u mill-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni u sabiex jiġi żgurat l-istess trattament fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jipprovdu għal penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. Għaldaqstant, il-penali amministrattivi u l-miżuri amministrattivi oħra stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti essenzjali fir-rigward tad-destinatarji, il-kriterji li għandhom ikunu kkunsidrati fl-applikazzjoni tagħhom, fil-pubblikazzjoni tagħhom, is-setgħat ewlenin għall-impożizzjoni ta' penali u livelli ta' penali pekunjarji amministrattivi.

(36) B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħa li jimponu penali amministrattivi pekunarji li jkunu għolja biżżejjed biex ipattu għall-benefiċċji li jistgħu jkunu mistennija u li jkunu dissważivi anki għal istituzzjonijiet akbar u d-diriġenti tagħhom.

(37) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' penali amministattivi jew miżuri amministrattivi oħra fl-Istati Membri kollha, meta jiġi ddeterminat it-tip ta' penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra u l-livell tal-penali amministrattivi pekunarji, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

(38) Sabiex jiġi żgurat li tali penali amministrattivi jkollhom effett dissważiv, dawn għandhom normalment ikunu ppubblikati ħlief f'ċerti ċirkostanzi speċifikati biċ-ċar.

(39) Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba taddiretturi u l-membri tal-korp ta' ġestjoni, hija meħtieġa sistema effiċjenti ta' skambju ta' informazzjoni, fejn soġġett għal rekwiżiti dwar is-segretezza professjonali u l-protezzjoni tad-data, l-ABE għandu jkollha d-dritt li żżomm bażi ta' data ċentrali li fiha dettalji ta' penali amministrattivi, inkluż kwalunkwe appell fir-rigward tagħhom, li tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni dwar il-kundanni kriminali għandha tiġi skambjata f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI [1] u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI [2], kif trasposti fil-liġi nazzjonali, u ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi nazzjonali.

(40) Sabiex ikunu identifikati vjolazzjonijiet potenzjali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat investigattivi neċessarji, u għandhom jistabilixxu mekkaniżmu effikaċi biex jinkoraġġixxu r-rapportar tal-vjolazzjonijiet potenzjali jew reali. Dawk il-mekkaniżmi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' difiża ta' kwalunkwe persuna li ġiet imħarrka.

(41) Din id-Direttiva għandha tipprevedi għal penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra sabiex tiżgura l-usa' kamp ta' applikazzjoni possibbli għal azzjoni wara ksru, u biex tgħin il-prevenzjoni ta' aktar ksur, irrispettivament mill-kwalifika tagħhom bħala penali amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra taħt il-liġi nazzjonali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu penali addizzjonali għal, u livelli ogħla ta' penali pekunjarji amministrattivi minn dawk previsti f'din id-Direttiva.

(42) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni fid-dritt tal-Istati Membri li tikkonċerna penali kriminali.

(43) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment jkollhom kapital intern li, meta jitqiesu r-riskji li għalihom ikunu esposti jew jistgħu jkunu esposti, ikun adegwat fil-kwantità, fil-kwalità u fid-distribuzzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment ikollhom strateġiji u proċessi fis-seħħ sabiex jivvalutaw u jżommu l-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom.

---

[1] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠA (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33).

(44) Għandha tingħata responsabbiltà lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom organizzazzjoni tajba u fondi proprji adegwati, b'konsiderazzjoni tar-riskji li għalihom l-istituzzjonijiet ikunu esposti jew jistgħu jkunu esposti.

(45) Sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet li huma attivi f'bosta Stati Membri ma jkunux mgħobbija b'mod sproporzjonat bħala riżultat tar-responsabbiltajiet kontinwi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri individwali fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni, huwa essenzjali li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tittejjeb b'mod sinifikanti. L-ABE għandha tiffaċilita u ttejjeb din il-kooperazzjoni.

(46) Sabiex tiġi żgurata dixxiplina komprensiva fis-suq fl-Unjoni kollha, ikun xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw l-informazzjoni dwar it-twettiq tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. Tali informazzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tippermetti paragun tal-approċċi adottati mill-awtoritajiet kompetenti differenti tal-Istati Membri u jiġu kkumplimentati r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar l-iżvelar tal-informazzjoni teknika mill-istituzzjonijiet.

(47) Is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet fuq bażi konsolidata timmira li tipproteġi interessi tad-depożituri u l-investituri tal-istituzzjonijiet u li tiżgura l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Sabiex tkun effikaċi, is-superviżjoni fuq bażi konsolidata għandha għalhekk tkun applikata għall-gruppi bankarji kollha, inklużi dawk li l-impriżi prinċipali tagħhom ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu jew id-ditti tal-investiment. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-istrumenti legali neċessarji sabiex jippermettulhom jeżerċitaw tali superviżjoni.

(48) Fil-każ ta' gruppi b'attivitajiet diversifikati fejn l-impriżi prinċipali jikkontrollaw mill-inqas sussidjarja waħda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jivvalutaw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew id-ditta tal-investiment fi grupp bħal dan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom mill-inqas ikollhom il-mezzi sabiex jiksbu mill-impriżi kollha fi ħdan il-grupp l-informazzjoni neċessarja għat-twettiq tal-funzjoni tagħhom. Għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni ta' setturi finanzjarji differenti fil-każ ta' gruppi ta' impriżi li jwettqu firxa ta' attivitajiet finanzjarji.

(49) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrifjutaw jew jirtiraw awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu fil-każ ta' ċerti strutturi ta' gruppi meqjusa mhux xierqa għat-twettiq ta' attivitajiet bankarji, minħabba li strutturi bħal dawn ma jistgħux jiġu supervizzati b'mod effikaċi. F'dak ir-rigward l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat neċessarji sabiex jiżguraw il-ġestjoni valida u prudenti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Sabiex tkun żgurata kultura bankarja sostenibbli u varjata fl-Unjoni li sservi primarjament l-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni, l-attivitajiet bankarji fuq skala żgħira, bħal dawk tal-unjonijiet tal-kreditu u l-banek kooperattivi, għandhom jiġu inkoraġġuti.

(50) Il-mandati tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, b'mod xieraq, id-dimensjoni tal-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom għalhekk debitament jikkunsidraw l-effett tad-deċiżjonijiet tagħhom mhux biss fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fil-ġurisdizzjoni tagħhom iżda wkoll fl-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati. Bla ħsara għad-dritt nazzjonali, dak il-prinċipju għandu jservi sabiex jippromwovi l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni kollha u m'għandux jorbot legalment lill-awtoritajiet kompetenti li jiksbu riżultat speċifiku.

(51) Il-kriżi finanzjarja wriet rabtiet bejn is-settur bankarju u l-hekk imsejħa sistema bankarja "parallela". Xi sistemi bankarji "paralleli" jżommu, utilment, ir-riskji separati mis-settur bankarju u, b'hekk, jiġu evitati effetti negattivi fuq il-kontribwenti fiskali u impatt potenzjali sistemiku. Madankollu, intendiment aħjar tal-operat tas-sistema bankarja "parallela" u r-rabtiet tiegħu ma' entitatjiet fis-settur finanzjarju u tar-regolamentazzjoni li tipprovdu trasparenza, tnaqqis tar-riskju sistemiku u l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe prassi mhux xierqa huma meħtieġa għal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Rappurtar addizzjonali mill-istituzzjonijiet jista' jkun utli f'dan is-sens iżda hija meħtieġa wkoll regolamentazzjoni ġdida speċifika.

(52) Iż-żieda fit-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet, u b'mod partikolari fir-rigward tal-profitti magħmula, it-taxxi mħallsa u s-sussidji li jirċievu, hija essenzjali biex tinkiseb mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fis-settur finanzjarju. Rappurtaġġ obbligatorju f'dak il-qasam jista' jitqies bħala element importanti fir-responsabbiltà korporattiva tal-istituzzjonijiet lejn il-partijiet interessati u s-soċjetà.

(53) Punti debboli fil-governanza korporattiva f'għadd ta' istituzzjonijiet kienu fattur li kkontribwixxa għat-teħid eċċessiv u imprudenti ta' riskji fis-settur bankarju li wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet individwali u problemi sistemiċi fl-Istati Membri u globalment. Id-dispożizzjonijiet ferm ġenerali dwar il-governanza tal-istituzzjonijiet u n-natura mhux vinkolanti ta' parti sostanzjali tal-qafas ta' governanza korporattiva, ibbażati essenzjalment fuq kodiċijiet ta' kondotta volontarji, ma ffaċilitawx biżżejjed l-implimentazzjoni effikaċi ta' prattiki validi ta' governanza korporattiva mill-istituzzjonijiet. F'xi każijiet in-nuqqas ta' kontrolli u ekwilibriji effettivi fi ħdan l-istituzzjonijiet irriżulta f'nuqqas ta' sorveljanza effettiva tat-teħid ta' deċiżjonijiet tad-diriġenza, li aggrava l-istrateġiji ta' ġestjoni li jħarsu lejn l-immedjat u eċċessivament riskjużi. Ir-rwol xejn ċar tal-awtoritajiet kompetenti fis-sorveljanza tas-sistemi ta' governanza korporattiva fl-istituzzjonijiet ma ppermettiex superviżjoni suffiċjenti tal-effikaċja tal-proċessi interni ta' governanza.

(54) Sabiex jindirizzaw l-effett potenzjalment detrimentali ta' miżuri ta' governanza korporattiva mfassla ħażin fuq il-ġestjoni valida tar-riskji, l-Istati Membri għandhom jintroduċu prinċipji u standards sabiex jiżguraw is-sorveljanza effikaċi mill-korp ta' ġestjoni, jippromwovu kultura tar-riskju valida fil-livelli kollha tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-arranġamenti interni ta' governanza. Dawk il-prinċipji u standards għandhom japplikaw b'kunsiderazzjoni għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu prinċipji u standards ta' governanza korporattiva li huma addizzjonali għal dawk meħtieġa minn din id-Direttiva.

(55) L-Istati Membri jużaw strutturi ta' governanza differenti. Fil-parti l-kbira tal-każijiet tiġi użata struttura ta' bord unitarju jew doppju, jew it-tnejn li huma. Id-definizzjonijiet użati f'din id-Direttiva huma maħsuba biex jinkludu l-istrutturi kollha eżistenti mingħajr ma jippromwovu l-ebda struttura partikolari. Huma purament funzjonali għall-fini tal-istabbiliment ta' regoli mmirati għal eżitu partikolari irrispettivament mil-liġi nazzjonali dwar il-kumpanniji applikabbli għal istituzzjoni f'kull Stat Membru. Għalhekk id-definizzjonijiet m'għandhomx ifixklu l-allokazzjoni ġenerali tal-kompetenzi skont il-liġi nazzjonali dwar il-kumpanniji.

(56) Għandu jkun mifhum li korp ta' ġestjoni għandu jkollu funzjonijiet eżekuttivi u superviżorji. Il-kompetenza u l-istruttura tal-korpi ta' ġestjoni huma differenti minn Stat Membru għal ieħor. Fl-Istati Membri fejn il-korpi ta' ġestjoni għandhom struttura b'livell wieħed, il-bord normalment iwettaq kompiti ta' ġestjoni u kompiti superviżorji. Fl-Istati Membri li għandhom sistema b'żewġ livelli, il-funzjoni superviżorja tal-korp ta' ġestjoni titwettaq minn bord superviżorju separat li m'għandu l-ebda funzjoni eżekuttiva u l-funzjoni eżekuttiva titwettaq minn bord ta' tmexxija separat li huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-impriża u li għandu jagħti rendikont għaliha. Għaldaqstant, kompiti separati huma assenjati lill-entitajiet differenti fi ħdan korp ta' ġestjoni.

(57) Ir-rwol tal-membri mhux eżekuttivi tal-korp ta' ġestjoni fi ħdan istituzzjoni għandu jinkludi li jqajmu dubji kostruttivi għall-istrateġija tal-istituzzjoni biex b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tagħha, l-iskrutinju tal-prestazzjoni tal-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-kisba ta' objettivi maqbula; għandhom jiżguraw huma stess li l-informazzjoni finanzjarja hija preċiża u li l-kontrolli finanzjarji u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju huma robusti u jistgħu jiġu difiżi,l-iskrutinju tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjoni; u l-forniment ta' opinjonijiet oġġettivi dwar ir-riżorsi, il-ħatriet u l-istandards ta' imġiba.

(58) Sabiex jiġu mmonitorjati effikaċement l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tad-diriġenza, il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni għandu jiddedika biżżejjed ħin biex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu u jkun kapaċi jifhem in-negozju tal-istituzzjoni, l-iskoperturi ewlenin tagħha għar-riskji u l-implikazzjonijiet tan-negozju u l-istrateġija tar-riskju. L-ikkombinar ta' għadd wisq kbir ta' karigi ta' direttur jipprekludi lil membru tal-korp ta' ġestjoni milli jiddedika ħin adegwat għat-twettiq ta' dak ir-rwol ta' sorveljanza. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi limitat l-għadd ta' karigi ta' direttur li membru tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni jkun jista' jżomm fl-istess waqt f'entitajiet differenti. Madankollu, il-karigi ta' direttur fl-organizzazzjonijiet li normalment ma jkollhomx objettivi kummerċjali, bħal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jew tal-karità, m'għandhomx jitqiesu fl-applikazzjoni ta' dan il-limitu.

(59) Meta jinħatru l-membri tal-korp ta' ġestjoni, l-azzjonisti jew il-membri ta' istituzzjoni għandhom jikkunsidraw jekk il-kandidati għandhomx l-għarfien, il-kwalifiki u l-ħiliet meħtieġa biex jassiguraw ġestjoni prudenti u kif xieraq tal-istituzzjoni. Dawk il-prinċipji għandhom jiġu eżerċitati u manifestati permezz ta' proċeduri ta' nomina trasparenti u miftuħa, fir-rigward tal-membri tal-korp ta' ġestjoni.

(60) In-nuqqas ta' monitoraġġ mill-korpi ta' ġestjoni tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni huwa parzjalment minħabba l-fenomenu tar-raġunar gregarju. Dan il-fenomenu huwa, fost raġunijiet oħra, ikkawżat minn nuqqas ta' diversità fil-kompożizzjonital-korpi ta' ġestjoni. Sabiex jiġu ffaċilitati opinjonijiet indipendenti u kontestazzjoni kritika, korpi ta' ġestjoni tal-istituzzjonijiet għandhom għalhekk ikunu varjati biżżejjed f'dak li jirrigwarda l-età, il-ġeneru, l-oriġini ġeografika u l-isfond edukattiv u professjonali sabiex joffru varjetà ta' fehmiet u esperjenzi. Il-bilanċ bejn is-sessi huwa ta' importanza partikolari sabiex tkun żgurata rappreżentanza adegwata tal-popolazzjoni. B'mod partikolari, istituzzjonijiet li ma jilħqux limitu minimu ta' rappreżentanza tal-ġeneru sottorappreżentat għandu jieħu azzjoni adatta bħala kwistjoni ta' prijorità. Ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-korpi ta' ġestjoni tista' wkoll, biż-żieda ta' perspettiva fundamentali u għarfien ġenwin ta' kif jaħdmu internament l-istituzzjonijiet, titqies bħala mod pożittiv għat-titjib tad-diversità. Korpijiet ta' ġestjoni aktar diversifikati għandhom jimmonitorjaw b'mod aktar effikaċi lill-ġestjoni u għalhekk jikkontribwixxu favur sorveljanza aħjar tar-riskji u r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet. Għalhekk, id-diversità għandha tkun waħda mill-kriterji għall-kompożizzjoni tal-korpi ta' ġestjoni. Id-diversità għandha wkoll tiġi indirizzata fil-politika ta' reklutaġġ tal-istituzzjonijiet b'mod ġenerali aktar. Din il-politika għandha, pereżempju, tinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet jagħżlu kandidati minn listi mqassra li jinkludu iż-żewġ ġeneri.

(61) Sabiex jissaħħu l-konformità legali u l-governanza korporattiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli biex iħeġġu r-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur potenzjali jew reali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/ 2013 L-impjegati li jirrapportaw il-ksur li jitwettaq fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħhom stess għandhom ikunu protetti bis-shih.

(62) Il-politiki ta' rimunerazzjoni li jinkoraġġixxu mġiba ta' teħid eċċessiv ta' riskju jistgħu jimminaw il-ġestjoni valida u effikaċi tar-riskju mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. Membri tal-G-20 impenjaw ruħom li jimplimentaw l-Prinċipji għall-Prattiki u Standards ta' Implimentazzjoni Tajba dwar il-Kumpens ("Principles for Sound Compensation Practices and Implementing Standards") tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja (FSB) li jindirizzaw l-effett potenzjalment detrimentali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq il-ġestjoni valida tar-riskji u l-kontroll ta' mġiba tat-teħid ta' riskju minn individwi. Din id-Direttiva timmira li timplimenta prinċipji u standards internazzjonali fil-livell tal-Unjoni billi tintroduċi obbligu speċifiku għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment sabiex jistabilixxu u jżommu, għal kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti mal-ġestjoni effikaċi tar-riskji.

(63) Sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ politiki ta' rimunerazzjoni validi, huwa xieraq li jkunu speċifikati prinċipji ċari dwar il-governanza u dwar l-istruttura tal-politiki ta' rimunerazzjoni. B'mod partikolari, il-politiki dwar ir-rinumerazzjoni għandhom jiġu allinjati mal-atitudni lejn ir-riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu u d-ditta tal-investiment. Għal dak il-għan, il-valutazzjoni tal-komponent tar-rimunerazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni fit-tul u tikkunsidra r-riskji attwali u dawk futuri assoċjati ma' dik il-prestazzjoni.

(64) Meta tiġi kkunsidrata l-politika dwar ir-rimunerazzjoni varjabbli għandha ssir distinzjoni bejn rimunerazzjoni fissa, li tinkludi ħlasijiet, kontribuzzjonijiet proporzjonali regolari tal-pensjonijiet jew benefiċċji fejn dawn il-benefiċċji huma mingħajr kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kriterju ta' prestazzjoni), u r-rimunerazzjoni varjabbli, li tinkludi ħlasijiet addizzjonali, jew benefiċċji li jiddependu mill-prestazzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, elementi kuntrattwali oħrajn iżda mhux dawk li jiffurmaw parti minn pakketti ġenerali tal-impjiegi (bħall-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet għat-tħaris tat-tfal, jew kontribuzzjonijiet proporzjonali regolari tal-pensjonijiet). Sew benefiċċji monetarji u sew dawk mhux monetarji għandhom ikunu inklużi.

(65) Fi kwalunkwe każ, sabiex ikunu evitati riskji eċċessivi, għandu jkun stabbilit proporzjon massimu bejn il-komponent fiss u dak varjabbli tar-rimunerazzjoni totali. F'dak ir-rigward, huwa xieraq li jkun previst rwol partikolari għall-azzjonisti, is-sidien jew il-membri tal-istituzzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti aktar stretti fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-komponent fiss u dak varjabbli tar-rimunerazzjoni totali. Bil-għan li jkun inkoraġġit l-użu ta' strumenti azzjonarji jew tad-dejn li huma pagabbli skont arranġamenti ta' differiment fit-tul bħala komponent ta' rimunerazzjoni varjabbli, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, sa ċerti limiti, jippermettu lill-istituzzjonijiet japplikaw rata ta' skont nozzjonali meta jikkalkulaw il-valur ta' tali strumenti għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-proporzjon massimu. Madankollu, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu obbligati jipprevedu għal faċilità bħal din u għandhom ikunu jistgħu jipprevedu biex tapplika għal perċentwal massimu aktar baxx tar-rimunerazzjoni totali varjabbli minn kif jinsab f'din id-Direttiva. Bil-għan li jkun żgurat approċċ armonizzat u koerenti li jiggarantixxi kondizzjonijiet indaqs fis-suq intern kollu, l-ABE għandha tipprevedi gwida xierqa dwar ir-rata ta' skont nazzjonali applikabbli li għandha tintuża.

(66) Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki ta' rimunerazzjoni jkun integrat fil-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni, il-korp ta' ġestjoni għandu jadotta u jirrieżamina perjodikament il-politiki ta' rimunerazzjoni li jkunu fis-seħħ. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar ir-rimunerazzjoni għandhom jirriflettu d-differenzi bejn it-tipi differenti tal-istituzzjonijiet b'mod propozjonali, b'kont meħud tad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. B'mod partikolari ma jkunx proporzjonat li ċerti tipi ta' ditti tal-investiment ikunu meħtieġa li jikkonformaw ma' dawk il-prinċipji kollha.

(67) Sabiex tkun protetta u mrawma stabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u biex ikun indirizzat kwalunkwe evitar possibbli tar-rekwiżiti mniżżla f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw konformità mal-prinċipji u r-regoli dwar ir-rimunerazzjoni għall-istituzzjonijiet fuq bażi konsolidata, jiġifieri fil-livelli ta' grupp, ta' impriżi prinċipali u ta' sussidjarji, inkluż il-fergħat u s-sussidjarji mwaqqfa f'pajjiżi terzi.

(68) Minħabba li politiki ta' rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu sa punt inaċċettabbli r-riskji li għalihom huma esposti l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, għandha tittieħed azzjoni ta' rimedju fil-pront u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jittieħdu miżuri korrettivi xierqa. Konsegwentement, huwa xieraq li jkun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu miżuri kwalitattivi u kwantitattivi fuq l-istituzzjonijiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw il-problemi li jkunu ġew identifikati fir-rigward tal-politiki ta' rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja.

(69) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Artikolu 153(5) TFUE, il-prinċipji ġenerali tad-dritt nazzjonali dwar il-kuntratti u x-xogħol, il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali li tirrigwarda d-drittijiet u l-involviment tal-azzjonisti u r-responsabbiltajiet ġenerali tal-korpi ta' ġestjoni tal-istituzzjoni kkonċernata, u id-drittijiet, fejn applikabbli, tal-imsieħba soċjali li jikkonkludu u jinfurzaw ftehimiet kollettivi, f'konformità mad-dritt u l-użanzi nazzjonali.

(70) Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu u r-riskju tas-suq għandhom ikunu bbażati fuq klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu biss safejn ikun neċessarju. Fejn ir-riskju tal-kreditu jkun materjali, l-istituzzjonijiet għandhom għalhekk ġeneralment ifittxu li jimplimentaw approċċi bbażati fuq klassifikazzjonijiet interni jew mudelli interni. Madankollu, l-approċċi standardizzati li jiddependu minn klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu jistgħu jintużaw meta r-riskju tal-kreditu jkun inqas materjali, li huwa tipikament il-każ għal istituzzjonijiet inqas sofistikati, għal klassijiet ta' skoperturi insinifikanti, jew f'sitwazzjonijiet fejn l-użu ta' approċċi interni jkun ta' piż eċċessiv.

(71) Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE huma wieħed mill-pilastri li fuqu nbniet id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu. Din id-Direttiva għandha tieħu kont tal-konklużjonijiet tal-G20 u l-prinċipji tal-FSB għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu. Għalhekk, l-istituzzjonijiet għandhom jiġu inkoraġġuti jużaw klassifikazzjonijiet interni tal-kreditu minflok klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu saħansitra għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

(72) Id-dipendenza żejda fuq il-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu għandha titnaqqas u l-effetti awtomatiċi li jirriżultaw minnhom għandhom jiġu eliminati gradwalment. L-istituzzjonijiet, għandhom għalhekk jiġu meħtieġa li jistabbilixxu kriterji solidi għall-għoti tal-kreditu u proċessi solidi għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-kreditu. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jużaw klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu bħala wieħed minn ħafna fatturi f'dak il-proċess iżda m'għandhomx jiddependu biss jew b'mod mekkaniku fuqhom.

(73) Ir-rikonoxximent ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) m'għandux iżid l-esklużjoni minn suq diġà ddominat minn tliet impriżi L-ABE, l-Banek Ċentrali tal-Istati Membri u l-BĊE, għandhom, mingħajr ma jagħmlu l-proċess aktar faċli jew inqas eżiġenti, jipprevedu r-rikonoxximent ta' aktar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala ECAIs sabiex is-suq jinfetaħ għal impriżi oħra.

(74) Meta titqies il-firxa wiesgħa ta' approċċi adottati mill-istituzzjonijiet li jużaw approċċi ta' mudellar interni, huwa importanti li l-awtoritajiet kompetenti u l-ABE jkollhom stampa ċara tal-firxa ta' valuri għall-assi ppeżati skont ir-riskju u r-rekwiżiti ta' fondi proprji li jirriżultaw minn skoperturi simili taħt approċċi ta' dan it-tip. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jiġu meħtieġa jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti r-riżultati tal-mudelli interni applikati għall-portafolli ta' referenza żviluppati mill-ABE li jkopru firxa wiesgħa ta' skoperturi. Abbażi tal-informazzjoni li jirċievu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu passi adatti biex jiżguraw li l-aspetti simili jew id-differenzi fir-riżultati għall-istess skopertura jkunu ġustifikabbli f'termini tar-riskji sostnuti. B'mod aktar ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti u l-ABE għandhom jiżguraw li l-għażla bejn approċċ ta' mudellar intern u approċċ standardizzat ma tirriżultax fis-sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Filwaqt li hemm diffikultà akbar fl-allokazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali fil-livell tal-iskopertura individwali u għalhekk jixraq li din il-kategorija tar-riskji tiġi eskluża mill-proċess ta' valutazzjoni komparattiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom madankollu jżommu ruħhom aġġornati rigward l-iżviluppi fl-approċċi ta' mudellar interni għar-riskju operazzjonali, bl-għan li jissorveljaw il-firxa ta' prattiki użati u jtejbu l-approċċi superviżorji.

(75) L-iżvilupp ta' self ibbażat fuq relazzjoni għandu jiġi inkoraġġat, fejn l-informazzjoni miksuba minn relazzjoni kummerċjali kontinwa mal-klijenti tintuża biex tinkiseb kwalità ogħla ta' diliġenza u ta' valutazzjoni tar-riskju minn dik disponibbli purament minn informazzjoni standardizzata u mill-punteġġi ta' kreditu.

(76) Rigward is-superviżjoni tal-likwidità, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istati Membri domiċiljari malli jibdew japplikaw il-kriterji dettaljati għar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità. Għaldaqstant huwa meħtieġ li ssir il-koordinazzjoni tas-superviżjoni f'dan il-qasam sabiex, sa dak iż-żmien, tiġi introdotta s-superviżjoni mill-Istat Membru domiċiljari. Sabiex jiżguraw superviżjoni effikaċi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' oriġini u dawk ospitanti għandhom jikkooperaw ukoll fil-qasam tal-likwidità.

(77) Meta fi grupp l-assi likwidi f'istituzzjoni waħda f'ċirkostanzi ta' stress ikunu daqs il-ħtiġijiet ta' likwidità ta' membru ieħor ta' dak il-grupp, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jeżentaw istituzzjoni mir-rekwiżiti tal-kopertura tal-likwidità u minflok japplikaw dawk ir-rekwiżiti fuq bażi konsolidata.

(78) Il-miżuri li jittieħdu abbażi ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-miżuri li ttieħdu f'konformità mad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]). Il-miżuri superviżorji m'għandhomx iwasslu għal diskriminazzjoni fost kredituri minn Stati Membri differenti.

(79) Fid-dawl tal-kriżi finanzjarja u l-mekkaniżmi proċikliċi li kkontribwixxew għall-oriġini tagħha u li aggravaw l-effett tagħha, l-FSB, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), u l-G-20 għamlu rakkomandazzjonijiet biex jiġu mmitigati l-effetti proċikliċi tar-regolazzjoni finanzjarja. F'Diċembru 2010, il-BCBS ħareġ standards regolatorji globali ġodda dwar l-adegwatezza tal-kapital bankarju (ir-regoli ta' Basel III), inkluż regoli li jeħtieġu l-manutenzjoni tal-konservazzjoni tal-kapital u r-riżervi ta' kapital kontroċikliċi.

([1]) ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15.

(80) Għalhekk huwa xieraq li, apparti rekwiżiti oħra ta' fondi proprji, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment rilevanti jkunu meħtieġa iżommu riżerva ta' konservazzjoni tal-kapital u riżerva ta' kapital kontroċiklika biex jiġi żgurat dawn jakkumulaw bażi ta' kapital suffiċjenti matul perjodi ta' tkabbir ekonomiku għall-assorbiment tat-telf f'perjodi ta' stress. Ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika għandha tiġi akkumulata meta t-tkabbir aggregat fil-kreditu u l-klassijiet oħra ta' assi b'impatt sinifikanti fuq il-profil tar-riskju ta' tali istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment jitqies li jkun assoċjat mal-akkumular tar-riskju mifrux fis-sistema kollha, u jiġi prelevat f'perijodi ta' stress.

(81) Sabiex jiġi żgurat li r-riżervi ta' kapital kontroċikliċi jirriflettu tajjeb ir-riskju għas-settur bankarju tat-tkabbir eċċessiv fil-kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment għandhom jikkalkolaw ir-riżervi speċifiċi għall-istituzzjoni tagħhom bħala medja ppeżata tar-rati tar-riżervi kontroċikliku li japplikaw fil-pajjiżi fejn ikunu jinsabu l-iskoperturi tagħhom għall-kreditu. Kull Stat Membru għandu għalhekk jaħtar awtorità responsabbli li fuq bażi trimestrali tiffissa r-rata tar-riżerva kontroċiklika għall-iskoperturi li jkunu jinsabu f'dak l-Istat Membru. Dik ir-rata tar-riżerva għandha tqis it-tkabbir fil-livelli tal-kreditu u l-bidliet fil-proporzjon tal-kreditu għall-PDG f'dak l-Istat Membru, u kwalunkwe varjabbli oħrajn li jkunu rilevanti għar-riskji għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

(82) Sabiex tiġi promossa l-konsistenza internazzjonali fl-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika, il-BCBS żviluppa metodoloġija abbażi tal-proporzjon bejn il-kreditu u l-PDG. Dan għandu jservi ta' punt komuni ta' tluq għad-deċiżjonijiet dwar ir-rati tar-riżerva mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, imma m'għandhomx jirriżultaw fl-iffissar awtomatiku tar-riżerva jew jorbtu lill-awtorità nominata. Ir-rata tar-riżerva ta' kapital għandha tirrifletti, b'mod sinifikanti, iċ-ċiklu ta' kreditu u r-riskji dovuti għal eċċess ta' tkabbir fil-kreditu fl-Istat Membru u għandha tieħu kont dovut tal-ispeċifiċitajiet tal-kontijiet tal-ekonomija nazzjonali.

(83) Ir-restrizzjonijiet fuq rimunerazzjoni varjabbli jkunu element importanti biex ikun żgurat li istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment jerġgħu jibnu il-livelli tal-kapital tagħhom meta joperaw fil-medda tar-riżerva. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment huma diġà soġġetti għall-prinċipju li għotjiet u pagamenti diskrezzjonarji ta' rimunerazzjoni varjabbli għal dawk il-kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jridu jkunu sostenibbli, meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni. Sabiex ikun żgurat li istituzzjoni tirrestawra l-livelli ta' fondi proprji tagħha f'ħin adatt, huwa xieraq li l-għoti ta' rimunerazzjoni varjabbli u benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji jkun allinjat mas-sitwazzjoni tal-profitt tal-istituzzjoni matul kull perjodu li fih ma jkunx issodisfat ir-rekwiżit kombinat tar-riżerva, filwaqt li jittieħed kont tas-saħħa finanzjarja fit-tul tal-istituzzjoni.

(84) L-istituzzjonijiet għandhom jindirizzaw u jikkontrollaw ir-riskji tal-konċentrazzjoni kollha permezz ta' politiki u proċeduri bil-miktub. Minħabba n-natura tal-iskoperturi tas-settur pubbliku, il-kontroll tar-riskji tal-konċentrazzjoni huwa aktar effettiv mill-ippeżar tar-riskju ta' dawk l-iskoperturi, minħabba d-daqs tagħhom u d-diffikultajiet fl-ikkalibrar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. Il-Kummissjoni għandha, f'ħin propizju, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe bidla mixtieqa għat-trattament prudenti tar-riskji tal-konċentrazzjoni.

(85) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu li ċerti istituzzjonijiet iżommu, addizzjonalment għal riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital u riżerva ta' kapital kontroċiklika, riżerva tar-riskju sistemiku sabiex jipprevjenu u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali mhux ċikliċi fit-tul li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fejn hemm riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal li jkun hemm konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku. Ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku għandha tapplika għall-istituzzjonijiet kollha, jew għal sottokategorija waħda jew iżjed ta' dawk l-istituzzjonijiet, fejn l-istituzzjonijiet juru profili tar-riskju simili fl-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

(86) Sabiex tiġi żgurata s-sorveljanza makroprudenzjali konsistenti fl-Unjoni kollha, ikun xieraq li l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) jiżviluppa prinċipji mfassla speċifikament għall-ekonomija tal-Unjoni u li jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħhom. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni lill-BERS milli jieħu kwalunkwe azzjoni li jqis meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]).

(87) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirrikonoxxu ir-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku stabbilit minn Stat Membru ieħor u japplikaw dik ir-rata tar-riżerva għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għall-iskoperturi li jinsabu fl-Istat Membru li jistabbilixxi r-rata tar-riżerva. L-Istat Membru li jistabbilixxi r-rata tar-riżerva għandu jkun jista' wkoll jitlob lill-BERS sabiex joħroġ rakkomandazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, indirizzata lil Stat Membru wieħed jew aktar li huma f'pożizzjoni li jirrikonoxxu r-rata tar-riżerva tar-riskju sistemiku b'rakkomandazzjoni li jagħmlu dan. Tali rakkomandazzjoni hija soġġetta għar-regola ikkonforma jew spjega stabbilita fl-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

(88) Huwa xieraq li deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar ir-rati tar-riżerva kontroċiklika jkunu kemm jista' jkun ikkoordinati. F'dak ir-rigward, il-BERS, jekk jintalab biex jagħmel hekk mill-awtoritajiet kompetenti jew nominati, għandu jiffaċilita d-diskussjonijiet bejn dawk l-awtoritajiet dwar l-iffissar tar-rati proposti tar-riżervi, inkluż il-varjabbli rilevanti.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.

(89) Fejn istituzzjoni ta' kreditu jew id-ditta tal-investiment tonqos milli tissodisfa kompletament ir-rekwiżit għal riżerva kombinata, din għandha tkun soġġetta għal miżuri mfassla biex jiżguraw li hija tirrestawra l-livelli tagħha tal-fondi proprji b'mod propizju. Sabiex jiġi kkonservat il-kapital, huwa xieraq li jiġu imposti restrizzjonijiet proporzjonati fuq id-distribuzzjonijiet diskrezzjonarji tal-profitti, inkluż pagamenti ta' dividendi u pagamenti ta' rimunerazzjoni varjabbli. Sabiex jiġi żgurat li tali istituzzjonijiet jew ditti jkollhom strateġija kredibbli jerġgħu jibnu l-livelli tal-fondi proprji, jeħtieġ li huma jkollhom l-obbligu li jfasslu u jaqblu mal-awtoritajiet kompetenti dwar pjan ta' konservazzjoni tal-kapital li jistipula kif ir-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet ser jiġu applikati u miżuri oħra li l-istituzzjoni jew ditta fi ħsiebha tieħdu biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti kollha dwar il-riżervi.

(90) L-awtoritajiet huma mistennijin jimponu rekwiżiti ogħla tal-fondi proprji għal istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs) sabiex jikkumpensaw għar-riskju ogħla li l-G-SIIs jirrappreżentaw għas-sistema finanzjarja u l-impatt potenzjali tal-falliment tagħhom fuq il-kontribwenti fiskali. Fejn awtorità timponi r-riżerva tar-riskju sistemiku u r-riżerva ta' G-SII tkun applikabbli, l-ogħla mit-tnejn għandha tapplika. Fejn ir-riżerva tar-riskju sistemiku tapplika biss għall-iskoperturi domestiċi, hija għandha tiżdied mar-riżerva ta' G-SII jew mar-riżerva relatata ma' istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn((O-SIIs) li hija applikata f'konformità ma' din id-Direttiva.

(91) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u protezzjoni adegwata għad-depożitanti, l-investituri u l-konsumaturi fl-Unjoni kollha. Bħala korp b'ħila espert speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u adatt li l-ABE tiġi fdata bl-elaborazzjoni ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi li ma jinvolvux għażliet tal-politika, biex jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni. L-ABE għandha tiżgura proċessi amministrattivi u ta' rappurtar effiċjenti meta tkun qed tabbozza l-istandards tekniċi.

(92) Il-Kummissjoni għandha tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ABE fl-oqsma tal-awtorizzazzjoni u l-akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji sinifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu, tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, tal-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tal-kollaborazzjoni superviżorja, tal-politiki ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u s-superviżjoni ta' kumpanniji b'parteċipazzjoni finanzjarja mħallta permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-Kummissjoni u l-ABE għandhom jiżguraw li dawk l-istandards jkunu jistgħu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet kollha kkonċernati b'mod li jkun proporzjonali man-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-attivitajiet tagħhom.

(93) Minħabba d-dettall u l-għadd ta' standards tekniċi regolatorji li għandhom jiġu adottati skont din id-Direttiva, fejn il-Kummissjoni tadotta standard regolatorju tekniku li jkun l-istess bħall-abbozz ta' standard regolatorju tekniku ppreżentat mill-ABE, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal standard tekniku regolatorju, għandu, fejn opportun, jiġi estiż ulterjorment b'xahar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha timmira li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji fi żmien tajjeb li tippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jeżerċitaw skrutinju sħiħ u li tieħu kont tal-volum u l-kumplessità tal-istandards tekniċi regolatorji, u d-dettalji tar-regoli ta' proċedura, il-kalendarju ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(94) Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa tadotta standards tekniċi implimentattivi żviluppati mill-ABE fl-oqsma tal-awtorizzazzjoni u l-akkwiti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji sinifikanti f'istituzzjonijiet ta' kreditu, tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, tal-kollaborazzjoni superviżorja, tar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi, u tal-iżvelar ta' informazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u b'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(95) Sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]).

(96) Sabiex ikunu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-kjarifika tad-definizzjonijiet u t-terminoloġija użata f'din id-Direttiva, l-espansjoni tal-lista ta' attivitajiet li jkunu soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku u t-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni li tirrigwarda l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(97) Ir-referenzi għad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għar-Regolament (UE) Nru 575/2013

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(98) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta'l-investiment f'konglomerat finanzjarju ([1]), id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern ([2]), id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([3]), id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ([4]) u d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv ([5]) jirriferu għal dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li għandhom jiġu stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Konsegwentement, referenzi f'dawk id-Direttivi għad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013

(99) Sabiex ikun possibbli li jiġu żviluppati standards tekniċi sabiex l-istituzzjonijiet li jkunu parti minn konglomerat finanzjarju japplikaw metodi xierqa ta' kalkolu għad-determinazzjoni tal-kapital meħtieġ fuq bażi konsolidata, id-Direttiva 2002/87/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(100) Sabiex is-suq bankarju intern jopera b'mod dejjem aktar effikaċi u sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni jibbenefikaw minn livelli adegwati ta' trasparenza, jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw informazzjoni dwar il-modalità ta' implimentazzjoni ta' din id-Direttiva b'mod li jippermetti paragun attendibbli.

(101) Rigward is-superviżjoni tal-likwidità, għandu jkun hemm perjodu ta' żmien li fih l-Istati Membri jagħmlu t-tranżizzjoni lejn reġim regolatorju li skontu japplikaw il-kriterji dettaljati għar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità.

(102) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni stabbli, bla xkiel u progressiva mill-istituzzjonijiet għal rekwiżiti ġodda rigward il-likwidità u l-finanzjament stabbli fil-livell tal-Unjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu użu sħiħ mis-setgħat superviżorji tagħhom skont din id-Direttiva u skont kwalunkwe dritt nazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk hemmx il-ħtieġa li jiġu applikati penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra, inklużi imposti prudenzjali, li l-livell tagħhom għandu jaqbel b'mod ġenerali mad-differenza bejn il-pożizzjoni ta' likwidità reali tal-istituzzjoni u r-rekwiżiti rigward il-likwidità u l-finanzjament stabbli. F F'din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont dovut tal-kondizzjonijiet tas-suq. Tali penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra għandhom japplikaw sakemm fil-livell tal-Unjoni jiġu implimentati atti legali dettaljati dwar ir-rekwiżiti rigward il-likwidità u l-finanzjament stabbli.

(103) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([6]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data ([7]), għandhom ikunu applikabbli bis-sħiħ għall-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(104) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-introduzzjoni ta' regoli li jirrigwardaw l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet, u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(105) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, l-Istati Membri ntrabtu li, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tiġi akkumpanjata minn dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(106) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u adotta opinjoni ([8]).

([1]) ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 06 Vol. 04 p. 340).
([2]) ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1
([3]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
([4]) ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.
([5]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.
([6]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([7]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([8]) ĠU C 175, 19.6.2012, p. 1.

(107) Id-Direttiva 2002/87/KE għandha tiġi emendata skont dan u d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom jitħassru,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment (kollettivament imsejħa "istituzzjonijiet");

(b) is-setgħat superviżorji u l-għodod għas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti b'mod li jkun konsistenti mar-regoli stabbiliti fir-Regolament(UE) Nru 575/2013;.

(d) ir-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tar-regolamentazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika fir-rigward ta' istituzzjonijiet.

2. L-Artikolu 30 għandu japplika fir-rigward ta' ditti lokali.

3. L-Artikolu 31 għandu japplika fir-rigward tad-ditti msemmija fil-punti (28)(c) sa (23) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. L-Artikolu 34 u l-Kapitolu 3 tat-Titolu VII għandhom japplikaw għall-kumpanniji azzjonarji finanzjarji, il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta u l-kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom fl-Unjoni;

5. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dan li ġej:

(1) l-aċċess għall-attività tad-ditti tal-investiment dment li jkun irregolat mid-Direttiva 2004/39/KE;

(2) il-banek ċentrali;

(3) l-istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji postali;

(4) fil-Belġju, l-'Institut de Réescompte et de Garantie/Herdiscontering- en Waarborginstituut';

(5) fid-Danimarka, l-'Eksport Kredit Fonden', l-'Eksport Kredit Fonden A/S', id-'Danmarks Skibskredit A/S' u l-'KommuneKredit';

(6) fil-Ġermanja, il-'Kreditanstalt für Wiederaufbau', impriżi li huma rikonoxxuti taħt il-'Wohnungsgemeinnützigkeitsgesetz' bħala korpi tal-Politika statali dwar l-akkomodazzjoni li mhumiex involuti prinċipalment fi transazzjonijiet bankarji, u impriżi rikonoxxuti skont dik il-liġi bħala impriżi tal-akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ;

(7) fl-Estonja, l-'hoiu-laenuühistud', bħala impriżi kooperattivi li huma rikonoxxuti taħt il-'hoiu-laenuühistu seadus';

(8) fl-Irlanda, il-credit unions u l-friendly societies,

(9) fil-Greċja, il-'Ταμείο Παρακαταθηκών και Δανείων' (Tamio Parakatathikon kai Danion);

(10) fi Spanja, l-'Instituto de Crédito Oficial';

(11) fi Franza, il-'Caisse des dépôts et consignations';

(12) fl-Italja, il-'Cassa depositi e prestiti';

(13) fil-Latvja, il-'krājaizdevu sabiedrības', impriżi li huma rikonoxxuti taħt il-'krājaizdevu sabiedrību likums' bħala impriżi kooperattivi li joffru servizzi finanzjarji lill-membri tagħhom biss;

(14) fil-Litwanja, il-'kredito unijos' minbarra s-'Centrinė kredito unija';

(15) fl-Ungerija, il-'MFB Magyar Fejlesztési Bank Zártkörűen Működő Részvénytársaság' u l-'Magyar Export-Import Bank Zártkörűen Működő Részvénytársaság';

(16) fil-Pajjiżi l-Baxxi, in-'Nederlandse Investeringsbank voor Ontwikkelingslanden NV', l-'NV Noordelijke Ontwikkelingsmaatschappij', l-'NV IndustriABEnk Limburgs Instituut voor Ontwikkeling en Financiering' u l-'Overijsselse Ontwikkelingsmaatschappij NV';

(17) fl-Awstrija, l-impriżi rikonoxxuti bħala assoċjazzjonijiet talakkomodazzjoni fl-interess pubbliku u l-'Österreichische Kontrollbank AG';

(18) fil-Polonja, il-'Spółdzielcze Kasy Oszczędnościowo — Kredytowe' u l-'Bank Gospodarstwa Krajowego';

(19) fil-Portugall, il-'Caixas Económicas' li kienu jeżistu fl-1 ta' Jannar 1986 bl-eċċezzjoni ta' dawk inkorporati bħala kumpanniji ta' responsabbiltà litimata u l-'Caixa Económica Montepio Geral';

(20) fis-Slovenja, is-'SID-Slovenska izvozna in razvojna banka, d.d. Ljubljana';

(21) fil-Finlandja, it-'Teollisen yhteistyön rahasto Oy/Fonden för industriellt samarbete AB', u l-'Finnvera Oyj/Finnvera Abp';

(22) fl-Isvezja, il-'Svenska Skeppshypotekskassan';

(23) fir-Renju Unit, in-National Savings Bank, il-Commonwealth Development Finance Company Ltd, l-Agricultural Mortgage Corporation Ltd, is-Scottish Agricultural Securities Corporation Ltd, il-Crown Agents for overseas governments and administrations, il-credit unions u l-municipal banks.

6. L-entitajiet imsemmija fil-punt (1) u l-punti (3) sa (23) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ttrattati bħala istituzzjonijiet finanzjarji għall-finijiet tal-Artikolu 34 u l-Kapitolu 3 tat-Titolu VII.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(2) 'ditta ta' investiment' tfisser ditta ta' investiment kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(3) 'istituzzjoni' tfisser istituzzjoni kif definita fil-punt (3) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(4) 'ditta lokali' tfisser ditta lokali kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(5) 'impriża tal-assigurazzjoni' tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (5) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(6) 'impriża tar-riassigurazzjoni' tfisser impriża tar-riassigurazzjoni kif definita fil-punt (6) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(7) 'korp ta' ġestjoni' tfisser korp jew korpi ta' istituzzjoni, li jkunu maħturin skont il-liġi nazzjonali, li jingħataw is-setgħa li jistabbilixxu l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni, u li jissorveljaw u jimmonitorjaw t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni, u jinkludu l-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni;

(8) 'korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu' tfisser il-korp ta' ġestjoni li jaġixxi fir-rwol tiegħu ta' sorveljanza u monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni;

(9) 'amministrazzjoni għolja' tfisser dawk il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan istituzzjoni u li jkunu responsabbli, u jagħtu kont lill-korp ta' ġestjoni, għall-ġestjoni ta' kuljum tal-istituzzjoni;

(10) 'riskju sistemiku' tfisser riskju ta' disturbi fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal li jkun hemm konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali;

(11) 'riskju involut fl-użu tal-mudelli' tfisser it-telf potenzjali li tista' ġġarrab istituzzjoni, bħala konsegwenza ta' deċiżjonijiet li jistgħu jkunu prinċipalment ibbażati fuq ir-riżultati tal-mudelli interni, minħabba żbaji fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni jew l-użu ta' dawn il-mudelli;

(12) 'oriġinatur' tfisser oriġinatur kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(13) 'sponser' tfisser sponser kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(14) 'impriża prinċipali' tfisser impriża prinċipali kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(15) 'sussidjarja' tfisser impriża sussidjarja kif definita fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(16) 'fergħa' tfisser fergħa kif definita fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(17) 'impriża ta' servizzi anċillari' tfisser impriża ta' servizzi anċillari kif definita fil-punt (18) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(18) 'kumpannija tal-ġestjoni ta' assi' tfisser kumpannija tal-ġestjoni ta' assi kif definita fil-punt (19) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(19) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja’ tfisser istituzzjoni azzjonarja finanzjarja kif definita fil-punt (20) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(20) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta’ tfisser istituzzjoni azzjonarja finanzjarja mħallta kif definita fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(21) ‘kumpannija azzjonarja ta’ attività mħallta’ tfisser kumpannija azzjonarja ta’ attività mħallta kif definita fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(22) ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser istituzzjoni finanzjarja kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(23) ‘entità tas-settur finanzjarju’ tfisser entità tas-settur finanzjarju kif definita fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(24) ‘istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru’ tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru kif definita fil-punt (28) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(25) ‘istituzzjoni prinċipali tal-UE’ tfisser istituzzjoni prinċipali tal-UE kif definita fil-punt (29) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(26) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru kif definita fil-punt (30) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(27) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE kif definita fil-punt (31) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(28) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru kif definita fil-punt (32) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(29) ‘kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE’ tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE kif definita fil-punt (33) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(30) 'istituzzjoni sistemikament importanti' tfisser istituzzjoni prinċipali tal-UE, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew istituzzjoni li l-falliment jew il-funzjonament ħażin tagħha jista’ jwassal għal riskju sistemiku;

(31) ‘kontroparti ċentrali’ tfisser kontroparti ċentrali kif definita fil-punt (34) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(32) ‘parteċipazzjoni’ tfisser parteċipazzjoni kif definita fil-punt (35) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(33) ‘holding kwalifikattiva’ tfisser holding kwalifikattiva kif definita fil-punt (36) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(34) ‘kontroll’ tfisser kontroll kif definit fil-punt (37) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(35) ‘rabtiet mill-qrib’ tfisser rabtiet mill-qrib kif definiti fil-punt (38) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(36) ‘awtorità kompetenti’ tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(37) ‘superviżur konsolidanti’ tfisser superviżur konsolidanti kif definit fil-punt (41) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(38) ‘awtorizzazzjoni’ tfisser awtorizzazzjoni kif definita fil-punt (42) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(39) ‘Stat Membru domiċiljari’ tfisser Stat Membru domiċiljari kif definit fil-punt (43) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(40) ‘Stat Membru ospitanti’ tfisser Stat Membru ospitanti kif definit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(41) ‘banek ċentrali tas-SEBĊ’ tfisser banek ċentrali tas-SEBĊ kif definiti fil-punt (45) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(42) ‘banek ċentrali' tfisser banek ċentrali kif definiti fil-punt (46) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(43) ‘sitwazzjoni konsolidata’ tfisser sitwazzjoni konsolidata kif definita fil-punt (47) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(44) ‘bażi konsolidata’ tfisser bażi konsolidata kif definita fil-punt (48) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(45) ‘bażi subkonsolidata’ tfisser bażi subkonsolidata kif definita fil-punt (49) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(46) ‘strument finanzjarju’ tfisser strument finanzjarju kif definit fil-punt (50) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(47) ‘fondi proprji’ tfisser fondi proprji kif definiti fil-punt (118) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(48) ‘riskju operattiv’ tfisser riskju operattiv kif definit fil-punt (52) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(49) ‘mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu’ tfisser mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu kif definit fil-punt (57) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(50) ‘titolizzazzjoni’ tfisser titolizzazzjoni kif definita fil-punt (61) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(51) ‘pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni’ tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni kif definita fil-punt (62) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(52) 'entità ta’ għan speċjali ta’ titolizzazzjoni' tfisser entità ta’ għan speċjali ta’ titolizzazzjoni kif definita fil-punt (66) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(53) ‘benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji’ tfisser benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji kif definiti fil-punt (73) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(54) ‘portafoll tan-negozjar’ tfisser portafoll tan-negozjar kif definit fil-punt (86) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(55) ‘suq regolat’ tfisser suq regolat kif definit fil-punt (92) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(56) ‘lieva finanzjarja’ tfisser lieva finanzjarja kif definita fil-punt (93) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(57) ‘riskju ta’ lieva finanzjarja eċċessiva’ tfisser riskju ta’ lieva finanzjarja eċċessiva kif definit fil-punt (94) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(58) ‘istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu’ tfisser istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu kif definita fil-punt (98) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(59) 'approċċi interni' tfisser l-approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjonijiet interni li huwa msemmi fl-Artikolu 143(1), l-approċċ ibbażat fuq il-mudelli interni li huwa msemmi fl-Artikolu 221, l-approċċ ibbażat fuq l-istimi proprji li huwa msemmi fl-Artikolu 225, l-approċċi bbażati fuq qies avanzat li huma msemmija fl-Artikolu 312(2), il-metodu għall-mudelli interni li huwa msemmi fl-Artikoli 283 u 363, u l-approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni interna li huwa msemmi fl-259(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

2. Fejn din id-Direttiva tirreferi għall-korp amministrattiv u, skont il-liġi nazzjonali, il-funzjonijiet ta’ ġestjoni u superviżorji tal-korp ta’ ġestjoni ikunu assenjati lil korpi differenti jew membri differenti fi ħdan korp wieħed, l-Istat Membru għandu jidentifika l-korpi jew il-membri tal-korp ta’ ġestjoni responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor minn din id-Direttiva.

TITOLU II

## AWTORITAJIET KOMPETENTI

*Artikolu 4*

### In-nomina u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ABE dwarhom, filwaqt li jindikaw kwalunkwe tqassim tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-attivitajiet ta’ istituzzjonijiet, u meta applikabbli, ta’ kumpaniji azzjonarji finanzjarji u ta’ kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, sabiex jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti ta’ din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti miżuri adatti biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa sabiex jivvalutaw il-konformità tal-istituzzjonijiet u, fejn applikabbli, ta’ kumpanniji azzjonarji finanzjarji u ta’ kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u biex jinvestigaw ksur possibbli ta’ dawk ir-rekwiżiti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-ħila esperta, ir-riżorsi, il-kapaċità operazzjonali, is-setgħat kollha u l-indipendenza meħtieġa sabiex iwettqu l-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni prudenzjali, l-investigazzjoni u l-penali stabbiliti f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari tagħhom bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità tagħhom mar-regoli adottati skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-mekkaniżmi ta’ kontroll intern u l-proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi tal-istituzzjonijiet jippermettu l-verifika tal-konformità tagħhom ma’ tali regoli f'kull waqt.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jirreġistraw it-transazzjonijiet tagħhom kollha u jiddokumentaw is-sistemi u l-proċessi, li jkunu soġġetti għal din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkontrollaw il-konformità ma' din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'kull waqt.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet ta' superviżjoni skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u kwalunkwe funzjoni oħra tal-awtoritajiet kompetenti jkunu separati u indipendenti mill-funzjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ABE dwarhom, filwaqt li jindikaw kwalunkwe separazzjoni tad-dmirijiet.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta awtoritajiet minbarra l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa ta' riżoluzzjoni, dawk l-awtoritajiet l-oħra jikkooperaw mill-qrib u jikkonsultaw l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tat-tħejjija tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

*Artikolu 5*

**Koordinazzjoni mal-Istati Membri**

Meta l-Istati Membri jkollhom aktar minn awtorità kompetenti waħda għas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti tal-investiment u l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jorganizzaw il-koordinazzjoni fost dawn l-awtoritajiet.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni mas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji**

Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-konverġenza fir-rigward tal-għodod superviżorji u l-prattiki superviżorji fl-applikazzjoni tal-liġi, ir-regolamenti u r-rekwiżiti amministrattivi adottati skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 Għal dak il-fini, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti, bħala partijiet għas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF), jikkooperaw b'fiduċja u rispett reċiproku shih, b'mod partikolari huma u jiżguraw iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni adatta u affidabbli bejniethom u partijiet oħrajn għas-SESF, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni stipulata fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(b) l-awtoritajiet kompetenti jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-ABE u, kif adatt, fil-kulleġġi tas-superviżuri;

(c) l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawk il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-ABE f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u li jwieġbu għall-avviżi u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-BERS skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw mill-qrib mal-BERS;

(e) il-mandati nazzjonali kkonferiti lill-awtoritajiet kompetenti ma jimpedixxux it-twettiq ta' dmirijiethom bħala membri tal-ABE, fejn xieraq tal-BERS jew skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 7*

**Id-dimensjoni tal-Unjoni tas-superviżjoni**

L-awtoritajiet kompetenti f'kull wieħed mill-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ġenerali tagħhom, jikkunsidraw debitament l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra kkonċernati u, b'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien rilevanti.

TITOLU III

**REKWIŻITI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-ATTIVITÀ TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU**

KAPITOLU 1

***Rekwiżiti ġenerali għall-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu***

*Artikolu 8*

**Awtorizzazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jiksbu awtorizzazzjoni qabel ma jibdew bl-attivitajiet tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 10 sa 14, huma għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti għal din l-awtorizzazzjoni u jinnotifikaw lill-ABE.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) l-informazzjoni li għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż il-programm tal-attivitajiet previst fl-Artikolu 10;

(b) ir-rekwiżiti applikabbli għall-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti skont l-Artikolu 14; u

(c) l-ostakoli li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 14.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi dwar formoli, mudelli u proċeduri standard għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 2 u 3 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 9*

**Projbizzjoni kontra persuni jew impriżi li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu milli jwettqu n-negozju ta' ġbir ta' depożiti jew fondi rimborżabbli oħrajn mill-pubbliku**

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu li persuni jew impriżi li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu n-negozju ta' ġbir ta' depożiti jew fondi rimborżabbli oħrajn mill-pubbliku.

2. L-ewwel paragrafu m'għandux japplika għal ġbir ta' depożiti jew fondi oħrajn rimborżabbli oħrajn minn Stat Membru, minn awtoritajiet reġjonali jew lokali ta' Stat Membru, minn korpi internazzjonali pubbliċi li tagħhom ikun membru Stat Membru wieħed jew aktar, jew għal każijiet koperti espressament mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni, dment li dawk l-attivitajiet ma jkunux soġġetti għal regolamenti u kontrolli maħsuba biex jipproteġu lid-depożitanti u l-investituri.

*Artikolu 10*

**Programm tal-operazzjonijiet u l-organizzazzjoni strutturali**

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jkunu akkumpanjati minn programm ta' attivitajiet li jistipula t-tipi ta' negozji ppjanati u l-organizzazzjoni strutturali tal-istituzzjoni ta' kreditu.

*Artikolu 11*

**Ħtiġijiet ekonomiċi**

L-Istati Membri m'għandhomx jeħtieġu li l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tkun eżaminata f'termini ta' ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

*Artikolu 12*

**Kapital inizjali**

1. Mingħajr preġudizzju għal kondizzjonijiet ġenerali oħrajn stipulati mil-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu, fejn istituzzjoni ta' kreditu ma jkollhiex fondi proprji separati jew fejn l-kapital inizjali tagħha jkun ta' inqas minn EUR 5 miljuni.

2. Il-kapital inizjali għandu jinkludi wieħed jew iżjed mill-elementi imsemmija fl-Artikolu 26(1)(a) sa (e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx ir-rekwiżit li jkollhom fondi proprji separati u li kienu eżistenti fil-15 ta' Diċembru 1979 jistgħu jibqgħu jwettqu n-negozju tagħhom. Huma jistgħu jeżentaw lil tali istituzzjonijiet ta' kreditu milli jikkonformaw mar-rekwiżit li jinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1).

4. L-Istati Membri jistgħu, jagħtu awtorizzazzjoni lil kategoriji partikolari tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-kapital inizjali tagħhom ikun inqas minn dak speċifikat fil-paragrafu 1, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kapital inizjali m'huwiex inqas minn EUR 1 miljun;

(b) l-Istati Membri kkonċernati jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ABE bir-raġunijiet tagħhom għall-eżerċizzju ta' dik l-opzjoni.

*Artikolu 13*

**Tmexxija effettiva tan-negozju u l-post tal-uffiċċju prinċipali**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu biss meta jkun hemm mill-inqas żewġ persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Huma m'għandhomx jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni jekk il-membri tal-korp ta' ġestjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 91(1).

2. Kull Stat Membru għandu jeħtieġ li:

(a) istituzzjoni ta' kreditu li tkun persuna ġuridika u li, skont il-liġi nazzjonali tagħha, ikollha uffiċċju rreġistrat għandu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-istess Stat Membru fejn ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha;

(b) istituzzjoni ta' kreditu minbarra dik imsemmija fil-punt (a) jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni tiegħu u li fih effettivament twettaq in-negozju tagħha.

*Artikolu 14*

**Azzjonisti u membri**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx infurmathom dwar l-identitajiet tal-azzjonisti tagħha jew il-membri, sew jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jkollhom parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti u bl-ammonti ta' dawk il-parteċipazzjonijiet azzjonarji jew, fejn ma jkunx hemm parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, l-akbar 20 azzjonisti jew membri.

Biex jiġi ddeterminat jekk il-kriterji għal parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti jkunux ġew sodisfatti, għandhom jiġu kkunsidrati d-drittijiet tal-vot imsemmija fl-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE ([1]), u l-kondizzjonijiet rigward l-aggregazzjoni tagħhom stipulati fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva.

L-Istati Membri m'għandhomx jikkunsidraw id-drittijiet tal-vot jew l-ishma li istituzzjonijiet jkollhom bħala riżultat tal-provvediment ta' sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji jew tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli inkluż skont il-punt 6 tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE, dment li dawk id-drittijiet ma jkunux eżerċitati jew użati mod ieħor għal intervent fil-ġestjoni tal-emittent, u mneħħija fi żmien sena mill-akkwist.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jekk, meta, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi żgurata ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu, huma ma jkunux sodisfatti dwar l-idonjetà tal-azzjonisti jew tal-membri, b'mod partikolari fejn ma jiġux sodisfattti l-kriterji stipulati fl-Artikolu 23(1). L-Artikolu 23 (2) u (3) u l-Artikolu 24 għandhom japplikaw.

3. Meta jkunu jeżistu rabtiet mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni biss jekk dawk ir-rabtiet ma jimpedixxux l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li magħhom l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha rabtiet mill-qrib, jew diffikultajiet involuti fl-infurzar ta' dawk il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi, jimpedixxu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdulhom l-informazzjoni li jeħtieġu għas-sorveljanza tal-konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu fuq bażi kontinwa.

*Artikolu 15*

**Ċaħda ta' awtorizzazzjoni**

Meta l-awtorità kompetenti tirrifjuta l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, din għandha tinnotifika lill-applikant dwar id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-applikazzjoni jew, fejn l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, fi żmien sitt xhur mir-riċezzjoni tal-informazzjoni kompleta meħtieġa għad-deċiżjoni.

Id-deċiżjoni għandha, f'kull każ, tittieħed fi żmien 12-il xahar mill-wasla tal-applikazzjoni.

*Artikolu 16*

**Konsultazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn**

1. L-awtorità kompetenti għandha, qabel tagħti l-awtorizzazzjoni lill-istituzzjoni ta' kreditu, tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tkun:

(a) sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(b) sussidjarja tal-impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(c) kkontrollata mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi, sew jekk fiżiċi jew ġuridiċi, bħal dawk li jikkontrollaw istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

2. L-awtorità kompetenti għandha, qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni lill-istituzzjoni ta' kreditu, tikkonsulta l-awtorità kompetenti li hi responsabbli għas-superviżjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni jew ditti tal-investiment fl-Istat Membru kkonċernat fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tkun:

(a) sussidjarja ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ditta tal-investiment awtorizzata fl-Unjoni;

(b) sussidjarja ta' impriża prinċipali ta' impriża tal-assigurazzjoni jew ditta tal-investiment awtorizzata fl-Unjoni;

(c) ikkontrollata mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw impriża tal-assigurazzjoni jew ditta tal-investiment awtorizzata fl-Unjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom b'mod partikolari jikkonsultaw ma' xulxin meta jivvalutaw l-idoneità tal-azzjonisti u r-reputazzjoni u l-esperjenza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni involuti fil-ġestjoni ta' entità oħra tal-istess grupp. Huma għandhom jiskambjaw kull informazzjoni li tirrigwarda l-idoneità tal-azzjonisti u r-reputazzjoni u l-esperjenza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni li tkun ta' rilevanza għall-għoti ta' awtorizzazzjoni kif ukoll għall-valutazzjoni kontinwa tal-konformità mal-kondizzjonijiet operattivi.

([1]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.

*Artikolu 17*

**Fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fi Stat Membru ieħor**

L-Istati Membri ospitanti m'għandhomx jeħtieġu l-awtorizzazzjoni jew kapital ta' dotazzjoni għal fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fi Stati Membri oħra. L-istabbiliment u s-superviżjoni ta' fergħat bħal dawn għandu jkollhom effett f'konformità mal-Artikoli 35, l-Artikolu 36(1), (2) u (3), l-Artikolu 37, l-Artikoli 40 sa 46, l-Artikolu 49 u l-Artikoli 74 u 75.

*Artikolu 18*

**Irtirar tal-awtorizzazzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni mogħtija biss fejn tali istituzzjoni ta' kreditu:

(a) ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, tirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma tkunx baqgħet twettaq in-negozju għal aktar minn sitt xhur, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel dispożizzjoni dwar l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni f'tali każijiet;

(b) tkun kisbet l-awtorizzazzjoni permezz ta' stqarrijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz ieħor irregolari;

(c) ma tkunx għadha tissodisfa l-kondizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni;

(d) ma tkunx baqgħet tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali stipulati fil-Partijiet Tlieta, Erbgħa jew Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew impost skont l-Artikolu 104 (1)(a) jew l-Artikolu 105 ta' din id-Direttiva jew ma tkunx tista' tibqa' fdata biex twettaq l-obbligi tagħha lejn il-kredituri tagħha, u b'mod partikolari, ma baqgħetx tipprovdi sigurtà għall-assi fdati f'idejha mid-depożituri tagħha;

(e) taqa' taħt xi wieħed mill-każijiet l-oħra fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni; jew

(f) twettaq xi ksur imsemmi fl-Artikolu 67(1).

*Artikolu 19*

**Ismijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu**

Għall-finijiet tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu, independentement minn kwalunkwe dispożizzjoni fl-Istat Membru ospitanti rigward l-użu tal-kliem 'bank', 'bank tat-tfaddil' jew ismijiet bankarji oħra, jużaw fit-territorju kollu tal-Unjoni l-istess isem li jużaw fl-Istat Membru fejn ikun jinstab l-uffiċċju prinċipali tagħhom. Fil-każ li jkun hemm periklu ta' konfużjoni, l-Istat Membru ospitanti jista', għall-finijiet ta' kjarifika, jeħtieġ li l-isem ikun akkumpanjat minn ċerti dettalji ta' spjegazzjoni.

*Artikolu 20*

**Notifika tal-awtorizzazzjoni u rtirar tal-awtorizzazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 8.

2. L-ABE għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha, u għandha taġġorna regolarment, lista tal-ismijiet tal- istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li ngħataw awtorizzazzjoni.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u lill-ABE l-informazzjoni kollha rigward il-grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 109(2), b'mod partikolari rigward l-istruttura ġuridika u organizzattiva tal-grupp u l-governanza tiegħu.

4. Il-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-ismijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkollhomx il-kapital speċifikat fl-Artikolu 12(1) u għandha tidentifika dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu f'dak is-sens.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE dwar kull irtirar ta' awtorizzazzjoni flimkiem mar-raġunijiet għal tali rtirar.

*Artikolu 21*

**Eżenzjonijiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali**

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkonċedu eżenzjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 10 u 12 u fl-Artikolu 13(1) ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fih.

L-Istati Membri jistgħu jżommu u jagħmlu użu mil-liġi nazzjonali eżistenti dwar l-applikazzjoni ta' tali eżenzjoni dment li din ma tkunx f'kunflitt ma' din id-Direttiva u mar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Artikoli 17, 33, 34 u 35, l-Artikolu 36(1) sa (3) u l-Artikoli 39 sa 46, it-Taqsima II tal-Kapitolu 2 tat-Titolu VII u l-Kapitolu 4 tat-Titolu VII għandhom japplikaw għat-totalità kif kostitwit mill-korp ċentrali flimkien mal-istituzzjonijiet affiljati tiegħu.

*KAPITOLU 2*

***Parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu***

*Artikolu 22*

**Notifika u valutazzjoni ta' akkwiżizzjonijiet proposti**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li kull persuna fiżika jew ġuridika jew tali persuni li jaġixxu b'mod konġunt (l-"akkwirent propost"), li ħadu deċiżjoni jew li jixtru, b'mod dirett jew indirett, parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu jew li jkomplu jżidu, b'mod dirett jew indirett, tali parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu li, bħala riżultat tagħha, il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew b'mod li l-istituzzjoni ta' kreditu ssir sussidjarja tagħha (l-"akkwist propost"), l-ewwel jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkunu qegħdin jippruvaw jakkwistaw jew iżidu l-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti bil-miktub qabel l-akkwist, filwaqt li jindikaw id-daqs tal-parteċipazzjoni azzjonarja maħsuba u l-informazzjoni rilevanti, kif speċifikata skont l-Artikolu 23(4). L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li japplikaw il-livell limitu ta' 30 % meta, f'konformità mal-Artikolu 9(3)(a) tad-Direttiva 2004/109/KE, huma japplikaw il-limitu ta' terz.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-wasla ta' notifika skont il-paragrafu 1 jew ta' informazzjoni skont il-paragrafu 3 minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn ta' ħidma wara l-wasla bil-miktub lill-akkwirenti propost.

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mhux aktar minn 60 jum ta' ħidma mid-data tal-konferma tal-wasla bil-miktub tan-notifika u d-dokumenti kollha meħtieġa mill-Istat Membru li għandhom jinhemżu man-notifika fuq il-bażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 23(4) (l-"perijodu ta' valutazzjoni"), sabiex iwettqu l-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 23(1) (l-"valutazzjoni").

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-akkwirent propost dwar id-data tal-iskadenza tal-perijodu ta' valutazzjoni fil-waqt tal-konferma tal-wasla.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, matul il-perijodu ta' valutazzjoni, jekk meħtieġ, u mhux aktar tard minn nhar il-50 jum ta' ħidma tal-perijodu ta' valutazzjoni, jitolbu informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa biex tiġi kkompletata l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Għall-perijodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u meta tasal it-tweġiba għaliha mill-akkwirent propost, il-perijodu ta' valutazzjoni għandu jiġi sospiż. Is-sospensjoni m'għandhiex teċċedi 20 jum ta' ħidma. Kwalunkwe talba ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti għall-ikkompletar jew il-kjarifika tal-informazzjoni għandha tkun fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma għandhiex tirriżulta f'sospensjoni tal-perijodu ta' valutazzjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu s-sospensjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 sa 30 jum ta' ħidma jekk l-akkwirent propost ikun jinsab jew irregolat f'pajjiż terz jew huwa persuna fiżika jew ġuridika mhux soġġetta għas-superviżjoni skont din id-Direttiva jew skont id-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE jew 2004/39/KE.

5. Jekk l-awtoritajiet kompetentijiddeċiedu li jopponu l-akkwist propost, huma għandhom, fi żmien jumejn ta' ħidma wara li titlesta l-valutazzjoni, u filwaqt li ma jaqbżux il-perijodu ta' valutazzjoni, jinfurmaw lill-akkwirent propost bil-miktub u jipprovdu r-raġunijiet. Bla preġudizzju għad-dritt nazzjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq talba tal-akkwirent propost. Dan m'għandux jimpedixxi lil Stat Membru milli jippermetti lill-awtorità kompetenti li tippubblika tali informazzjoni jekk ma ssirx talba mill-akkwirent propost.

6. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jopponux bil-miktub għall-akkwist propost fi żmien il-perijodu ta' valutazzjoni bil-miktub, dan għandu jitqies bħala approvat.

7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perijodu massimu għall-konklużjoni tal-akkwist propost u jestenduh fejn adatt.

8. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu rekwiżiti għan-notifika lill-awtoritajiet kompetenti, jew l-approvazzjoni tagħhom ta' akkwisti diretti jew indiretti ta' drittijiet ta' vot jew kapital li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tistabbilixxi proċeduri, formoli u mudelli komuni għall-proċess ta' konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 24.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2015.

Tiġi kkonferita s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 23*

**Kriterji ta' valutazzjoni**

1. Fil-valutazzjoni tan-notifika prevista fl-Artikolu 22(1) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(3), l-awtoritajiet kompetenti għandhom, sabiex jiżguraw il-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkun qiegħed jiġi propost l-akkwist, u filwaqt li titqies l-influwenza eventwali eżerċitata mill-akkwirent propost fuq dik l-istituzzjoni ta' kreditu, jivvalutaw l-ideoneità tal-akkwirent propost u s-sodizza finanzjarja tal-akkwist propost skont il-kriterji li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni tal-akkwirent propost;

(b) ir-reputazzjoni, għarfien, ħiliet u l-esperjenza, kif imniżżel fl-Artikolu 91(1), ta' kwalunkwe membru tal-korp ta' ġestjoni u kwalunkwe membru tal-amministrazzjoni għolja li ser imexxi n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu bħala riżultat tal-akkwist propost;

(c) is-sodizza finanzjarja tal-akkwirent propost, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' negozju li jsir u li jkun previst fl-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkun qiegħed jiġi propost l-akkwist;

(d) jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkunx tista' tikkonforma u tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali bbażati fuq din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, u fejn applikabbli, liġi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-Direttivi 2002/87/KE u 2009/110/KE, inkluż, jekk il-grupp li tkun ser issir parti minnu jkollux struttura li tippermetti l-eżerċizzju ta' superviżjoni effikaċi, l-iskambju effikaċi ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u d-determinazzjoni tal-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;

(e) jekk ikunx hemm motivazzjonijiet raġonevoli għal suspett li, b'rabta mal-akkwist propost, ikun qiegħed jitwettaq jew ġie mwettaq ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroristi fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ([1]), jew li l-akkwist propost seta' jżid ir-riskju ta' dan.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu l-akkwist propost biss jekk ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli għal dan abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew jekk l-informazzjoni pprovduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompluta.

3. L-Istati Membri m'għandhom jimponu l-ebda kondizzjoni minn qabel fir-rigward tal-livell tal-parteċipazzjoni azzjonarja li għandha tiġi akkwistata u lanqas m'għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jeżaminaw l-akkwist propost f'termini tal-ħtiġijiet ekonomiċi tas-suq.

4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista li tispeċifika l-informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex issir il-valutazzjoni u li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti fil-mument tan-notifika msemmija fl-Artikolu 22(1). L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun proporzjonata u adattata għan-natura tal-akkwirent propost u l-akkwist propost. L-Istati Membri m'għandhomx jeħtieġu informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.

5. Minkejja l-Artikolu 22(2), (3) u (4), żewġ proposti jew aktar ta' akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti jew biex dawn jiżdiedu fl-istess istituzzjoni ta' kreditu jkunu ġew innotifikati lill-awtorità kompetenti, din tal-aħħar għandha titratta lill-akkwirenti proposti b'mod nondiskriminatorju.

*Artikolu 24*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkonsultaw bis-sħiħ ma' xulxin meta jkunu qegħdin iwettqu l-valutazzjoni jekk l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment, jew kumpannija ta' ġestjoni fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b), tad-Direttiva 2009/65/KE ("kumpannija ta' ġestjoni tal-UCITS") awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur li ma jkunx dak li fih tkun proposta l-akkwist;

(b) il-kumpannija prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpannija ta' ġestjoni tal-UCITS awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur differenti minn dak li fih ikun propost l-akkwist;

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investiment jew kumpannija ta' ġestjoni UCITS awtorizzata fi Stat Membru ieħor jew f'settur differenti minn dak li fih ikun propost l-akkwist.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-valutazzjoni. F'dak ir-rigward, fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni kollha rilevanti u għandhom jikkomunikaw fuq inizjattiva tagħhom stess kull informazzjoni essenzjali. Deċiżjoni mill-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat lill-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkun propost l-akkwist, għandha tindika kwalunkwe fehma jew riżerva espressa mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-akkwirent propost.

([1]) ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

*Artikolu 25*

**Notifika fil-każ ta' ċessjoni**

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun ħadet deċiżjoni li tiddisponi, direttament jew indirettament, minn parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu l-ewwel tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-miktub qabel iċ-ċessjoni, filwaqt li tindika d-daqs tal-parteċipazzjoni azzjonarja kkonċernata. Tali persuna għandha wkoll tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti jekk hija tkunx ħadet deċiżjoni li tnaqqas il-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti tagħha b'mod li l-proporzjoni tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jaqa' taħt l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew b'mod li l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax aktar sussidjarja tagħha. L-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li japplikaw il-livell limitu ta' 30 % meta, f'konformità mal-Artikolu 9(3)(a) tad-Direttiva 2004/109/KE, huma japplikaw il-limitu ta' terz.

*Artikolu 26*

**Obbligi ta' informazzjoni u penali**

1. Malli jsiru jafu bi kwalunkwe akkwist jew ċessjoni ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji fil-kapital tagħhom li huma kaġun ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji li jeċċedu jew jaqgħu taħt xi wieħed mil-livelli limitu imsemmija fl-Artikolu 22(1) u l-Artikolu 25, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dawk l-akkwisti jew iċ-ċessjonijiet.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jistgħu jagħmlu negozju f'suq regolat għandhom, mill-inqas darba fis-sena, jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-ismijiet tal-azzjonisti u l-membri li għandhom parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fil-pussess tagħhomu d-daqs ta' tali parteċipazzjonijiet azzjonarji kif murija, pereżempju, bl-informazzjoni li tkun waslet fil-laqgħat ġenerali annwali tal-azzjonisti u l-membri jew bħala riżultat ta' konformità mar-regolamenti rigward il-kumpanniji li jistgħu jagħmlu negozju f'suq regolat.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, meta l-influwenza eżerċitata mill-persuni msemmija fl-Artikolu 22(1) aktarx li tkun topera għad-detriment tal-ġestjoni prudenti u soda tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iwaqqfu dik is-sitwazzjoni. Miżuri bħal dawn jistgħu jikkonsistu f'inġunzjonijiet, penali, soġġetti għall-Artikoli 65 sa 72, kontra membri tal-korp ta' ġestjoni u l-amministraturi jew is-sospenzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma miżmuma mill-azzjonisti jew mill-membri tal-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni.

Miżuri simili għandhom japplikaw għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligu li jipprovdu l-informazzjoni bil-quddiem, kif stipulat fl-Artikolu 22(1) u soġġetti għall-Artikoli 65 sa 72.

Jekk il-parteċipazzjoni azzjonarja tkun ġiet akkwistata minkejja l-oppożizzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom, indipendentement minn kwalunkwe penali oħra li għandha tiġi adottata, jipprevedu jew l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot korrispondenti, jew in-nullità tal-voti mitfugħa, jew il-possibbiltà li dawn ikunu annullati.

*Artikolu 27*

**Kriterji għall-parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti**

Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kriterji għal parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti msemmija fl-Artikoli 22, 25 u 26 ikunux sodisfatti, għandhom jiġu kkunsidrati d-drittijiet tal-vot imsemmija fl-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva 2004/109/KE, u l-kondizzjonijiet rigward l-aggregazzjoni tagħhom stipulati fl-Artikolu 12(4) u (5) ta' dik id-Direttiva.

Biex jiġi ddeterminat jekk il-kriterji għal parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti kif imsemmija fl-Artikolu 26 ikunux issodisfati, l-Istati Membri m'għandhomx jikkunsidraw id-drittijiet tal-vot jew l-ishma li istituzzjonijiet jista' jkollhom b'riżultat tal-provvediment ta' sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji jew tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod inkluż taħt il-punt 6 tat-Taqsima A tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE, sakemmdawk id-drittijiet ma jkunux eżerċitati jew użati mod ieħor għal intervent fil-ġestjoni tal-emittent u huma mneħħija fi żmien sena mill-akkwiżizzjoni.

TITOLU IV

**KAPITAL INIZJALI TAD-DITTI TAL-INVESTIMENT**

*Artikolu 28*

**Kapital inizjali tad-ditti tal-investiment**

1. Il-kapital inizjali tad-ditti tal-investiment għandu jinkludi biss wieħed jew aktar mill-elementi msemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Id-ditti tal-investiment l-oħrajn kollha minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 29 għandu jkollhom kapital inizjali ta' EUR 730 000.

*Artikolu 29*

**Kapital inizjali ta' tipi partikolari ta' ditti tal-investiment**

1. Ditta tal-investiment li ma tinnegozja f'ebda strument finanzjarju għall-kont proprju tagħha jew li ma tissottoskrivix il-ħruġ ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli, li madankollu żżomm il-flus jew it-titoli ta' klijent u li toffri wieħed jew aktar mis-servizzi li ġejjin, għandu jkollha kapital inizjali ta' EUR 125 000:

(a) il-wasla u t-trasmissjoni ta' ordnijiet tal-investituri għal strumenti finanzjarji;

(b) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet tal-investituri għal strumenti finanzjarji;

(c) il-ġestjoni ta' portafolli individwali ta' investimenti fi strumenti finanzjarji.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil ditta tal-investiment li teżegwixxi l-ordnijiet tal-investituri għal strumenti finanzjarji, li żżomm tali strumenti għaliha nnifisha jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawn il-pożizzjonijiet joriġinaw biss bħala riżultat tan-nuqqas min-naħa tad-dittta li tilħaq bl-eżatt l-ordnijiet tal-investituri;

(b) il-valur totali tas-suq ta' dawn il-pożizzjonijiet kollha jkun soġġett għal limitu massimu ta' 15 % tal-kapital inizjali tad-ditta;

(c) id-ditta tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 92 sa 95 u l-Parti Erbgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(d) tali pożizzjonijiet ikunu inċidentali u proviżorji fin-natura tagħhom u limitati strettament għaż-żmien meħtieġ sabiex titwettaq it-transazzjoni inkwistjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għal EUR 50 000 meta d-ditta ma tkunx awtorizzata li żżomm il-flus jew it-titoli tal-klijent, li tinnegozja għaliha nnifisha, jew li tissottoskrivi l-ħruġ fuq bażi ta' impenn irrevokabbli.

4. Il-pussess ta' pożizzjonijiet f'portafolli mhux ta' negozjar fi strumenti finanzjarji sabiex isir investiment f'fondi proprji m'għandux jitqies bħala negozju għall-kont tagħha proprju fir-rigward tas-servizzi stabbiliti fil-paragrafu 1 jew għall-finijiet tal-paragrafu 3.

*Artikolu 30*

**Kapital inizjali ta' ditti lokali**

Id-ditti lokali għandu jkollhom kapital inizjali ta' EUR 50 000 dment li jibbenefikaw mil-libertà ta' stabbiliment jew li jipprovdu servizzi speċifikati fl-Artikoli 31 u 32 tad-Direttiva 2004/39/KE.

*Artikolu 31*

**Kopertura għal ditti li mhumiex awtorizzati li jżommu flus jew titoli ta' klijent**

1. Il-kopertura għad-ditti msemmija fil-punt (2)(c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tkun f'waħda minn dawn il-forom:

(a) kapital inizjali ta' EUR 50 000;

(b) assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorju kollu tal-UE jew xi garanzija oħra simili kontra r-responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali, li tirrappreżenta mill-inqas EUR 1,000,000 li japplikaw għal kull pretensjoni u fl-aggregat EUR 1 500 000 fis-sena għall-pretensjonijiet kollha;

(c) kombinazzjoni ta' kapital inizjali u assigurazzjoni ta' indennizz professjonali f'forma li tirriżulta f'livell ta' kopertura ekwivalenti għal dik imsemmija fil-punti (a) jew (b).

Il-Kummissjoni għandha tirevedi perjodikament l-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Jekk ditta msemmija fil-punt (2)(c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tkun ukoll irreġistrata skont id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni [1], din għandha tikkonforma mal-Artikolu 4(3) ta' dik id-Direttiva u jkollha kopertura f'waħda mill-forom li ġejjin:

(a) kapital inizjali ta' EUR 25,000;

(b) assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorju kollu tal-UE jew xi garanzija oħra simili kontra r-responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali, li tirrappreżenta mill-inqas EUR 500 000 li japplikaw għal kull pretensjoni u fl-aggregat EUR 750 000 fis-sena għall-pretensjonijiet kollha;

(c) kombinazzjoni ta' kapital inizjali u assigurazzjoni ta' indennizz professjonali f'forma li tirriżulta f'livell ta' kopertura ekwivalenti għal dik imsemmija fil-punti (a) jew (b).

*Artikolu 32*

**Dispożizzjonijiet ta' anterjorità**

1. Permezz ta'deroga mill-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) u (3) u l-Artikolu 30, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorizzaw ditti tal-investiment u ditti koperti mill-Artikolu 30 li kienu jeżistu fil-31 ta' Diċembru 1995 jew qabel din id-data, li l-fondi proprji tagħhom ikunu inqas mil-livelli ta' kapital inizjali speċifikati għalihom fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) jew (3) jew l-Artikolu 30.

Il-fondi proprji ta' tali ditti tal-investiment jew ditti m'għandhomx jaqgħu taħt l-ogħla livell ta' referenza kkalkulat wara t-23 ta' Marzu 1993. Dak il-livell ta' referenza għandu jkun il-livell medju ta' kuljum tal-fondi proprji kkalkulati fuq perijodu ta' sitt xhur qabel id-data tal-kalkolu. Dan għandu jiġi kkalkulat kull sitt xhur fir-rigward tal-perijodu preċedenti korrispondenti.

2. Jekk il-kontroll ta' ditta tal-investiment jew ditta koperta mill-paragrafu 1 jittieħed minn persuna fiżika jew ġuridika differenti mill-persuna li kkontrollatha fil-31 ta' Diċembru 1995 jew qabel din id-data, il-fondi proprji ta' dik id-ditta tal-investiment jew ditta għandhom jilħqu mill-inqas il-livell speċifikat għalihom fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) jew (3) jew l-Artikolu 30, għajr fil-każ tal-ewwel trasferiment b'eredità magħmul wara l-31 ta' Diċembru 1995, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u għal perijodu ta' mhux aktar minn 10 snin mid-data ta' dak it-trasferiment.

[1] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.

3. Fil-każ li jseħħ fużjoni ta' żewġ ditti tal-investiment jew ditti koperti mill-Artikolu 30 jew aktar, il-fondi proprji tad-ditta li jirriżultaw mill-fużjoni ma jkunux meħtieġa jilħqu l-livell speċifikat fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) jew (3) jew l-Artikolu 30. Madankollu, matul kwalunkwe perijodu li fih il-livell speċifikat fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) jew (3) jew l-Artikolu 30 ma jkunx intlaħaq, il-fondi proprji tad-ditta l-ġdida li tirriżulta mill-fużjoni m'għandhomx jaqgħu taħt il-livell tal-fondi proprji totali taż-żewġ ditti flimkien fiż-żmien meta tkun saret il-fużjoni.

4. Il-fondi proprji tad-ditti tal-investiment u d-ditti koperti mill-Artikolu 30 m'għandhomx jaqgħu taħt il-livell speċifikat fl-Artikolu 28(2), l-Artikolu 29(1) jew (3) jew l-Artikolu 30 u fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jqisu li biex jiżguraw is-solvenza ta' tali ditti tal-investiment u ditti, jeħtieġ li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 4, il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw.

TITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-LIBERTÀ TA' STABBILIMENT U L-LIBERTÀ TA' FORNIMENT TA' SERVIZZI

*KAPITOLU 1*

### *Prinċipji Ġenerali*

*Artikolu 33*

### Istituzzjonijiet ta' kreditu

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-attivitajiet elenkati fl-Anness I jkunu jistgħu jitwettqu fit-territorji tagħhom, skont l-Artikolu 35, l-Artikolu 36(1), (2) u (3), l-Artikolu 39(1) u (2) u l-Artikoli 40 sa 46 jew bl-istabbiliment ta' fergħa jew bil-forniment ta' servizzi, minn kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata u ssorveljata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor, dment li dawk l-attivitajiet ikunu koperti bl-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 34*

### Istituzzjonijiet finanzjarji

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-attivitajiet elenkati fl-Anness I jkunu jistgħu jitwettqu fit-territorji tagħhom, skont l-Artikolu 35, l-Artikolu 36(1), (2) u (3), l-Artikolu 39(1) u (2) u l-Artikoli 40 sa 46, jew bl-istabbiliment ta' fergħa jew bil-forniment ta' servizzi, minn xi istituzzjoni finanzjarja minn Stat Membru ieħor, sew jekk sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew sussidjarja taħt sjieda konġunta ta' żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew aktar, li l-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tagħhom jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet u li jissodisfaw kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(a) l-impriża jew impriżi prinċipali huma awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istat Membru li bid-dritt tiegħu tkun irregolata l-istituzzjoni finanzjarja;

(b) l-attivitajiet inkwistjoni fil-fatt jitwettqu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) l-impriża jew impriżi prinċipali għandhom 90 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tal-istituzzjoni finanzjarja;

(d) l-impriża jew impriżi prinċipali jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti rigward il-ġestjoni prudenti tal-istituzzjoni finanzjarja u ikunu ddikjaraw, bil-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari rilevanti, li huma in solidum u individwalment jiggarantixxu l-impenji li tkun ħadet l-istituzzjoni finanzjarja;

(e) l-istituzzjoni finanzjarja hija effettivament inkluża, b'mod partikolari għall-attivitajiet inkwistjoni, fis-superviżjoni kkonsolidata tal-impriża prinċipali, jew ta' kull waħda mill-impriżi prinċipali, skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu VII ta' din id-Direttiva u il-Kapitolu 2 tat-Titolu II, Parti Wieħed, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'mod partikolari għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92 ta' dak ir-Regolament għal kontroll ta' skoperturi kbar previsti fil-Parti Erbgħa ta' dak ir-Regolament u għall-finijiet tal-limitazzjoni tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji previsti fl-Artikoli 89 u 90 ta' dak ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkontrollaw il-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu u għandhom jipprovdu lill-istituzzjoni finanzjarja b'ċertifikat ta' konformità li għandu jagħmel parti min-notifika msemmija fl-Artikoli 35 u 39.

2. Jekk l-istituzzjoni finanzjarja msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma tibqax tissodisfa xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-attivitajiet imwettqa minn dik l-istituzzjoni finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti għandhom isiru soġġetti għal-liġi tal-Istat Membru ospitanti.

3. Għaldaqstant, il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal sussidjarji ta' istituzzjoni finanzjarja kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

*KAPITOLU 2*

### *Id-dritt tal-istabbiliment tal-istituzzjoniijiet ta' kreditu*

*Artikolu 35*

### Ir-rekwiżit tan-notifika u l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

1. L-istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq li tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li kull istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq tistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor tipprovdi l-informazzjoni kollha li ġejja meta tagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1:

(a) l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qed tippjana li tistabbilixxi fergħa;

(b) programm tal-attivitajiet li jistipula, fost l-oħrajn, it-tipi ta' negozju previsti u l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa;

(c) l-indirizz tal-Istat Membru ospitanti li minn fejn ikunu jistgħu jinkisbu d-dokumenti;

(d) l-ismijiet ta' dawk li ser ikunu responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa.

3. Dment li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ma jkollhomx raġuni biex jiddubitaw mill-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu, b'kont meħud tal-attivitajiet previsti, huma għandhom, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, huma għandhom jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u għandhom jinfurmaw b'dan lill-istituzzjoni ta' kreditu.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom ukoll jikkomunikaw l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji u s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-istituzzjoni ta' kreditu.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 34, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw l-ammont u l-kompożizzjoni tal-fondi proprji tal-istituzzjoni finanzjarja u l-ammonti totali tal-iskopertura għar-risjku ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 92(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkun l-impriża prinċipali tagħha.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jirrifjutaw li jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, huma għandhom jagħtu r-raġunijiet għar-rifjut tagħhom lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha.

Dak ir-rifjut jew in-nuqqas ta' tweġiba għandu jkun soġġett għad-dritt ta' rikors quddiem il-qrati tal-Istat Membru domiċiljari.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata skont dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għal tali notifika.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 5 u 6 lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 36*

**Bidu tal-attivitajiet**

1. Qabel ma l-fergħa tal-istituzzjoni ta' kreditu tibda bl-attivitajiet tagħha, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom, fi żmien xahrejn minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35, iħejju għas-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu skont il-Kapitolu 4 u jekk meħtieġ, jindikaw il-kondizzjonijiet li bihom, fl-interess tal-ġid komuni, dawk l-attivitajiet għandhom jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti.

2. Mal-wasla tal-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew fil-każ li jiskadi l-perijodu previst fil-paragrafu 1 meta ma tasal l-ebda komunikazzjoni minn dan tal-aħħar, il-fergħa tkun tista' tiġi stabbilita u tkun tista' tibda bl-attivitajiet tagħha.

3. Fil-każ ta' xi bidla fi kwalunkwe informazzjoni kkomunikata skont il-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 35(2), l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tavża bil-miktub dwar il-bidla kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u dak ospitanti, mill-inqas xahar qabel ma ssir il-bidla sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni biex tiġi stabbilita fergħa fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 35 u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jieħdu deċiżjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-bidla skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Għandu jkun preżunt li l-fergħat li jkunu bdew bl-attivitajiet tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri ospitanti tagħhom, qabel l-1 ta' Jannar 1993, kienu soġġetti għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 35 u fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawn għandhom ikunu rregolati, mill-1 ta' Jannar 1993, mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u mill-Artikoli 33 u 52 u mill-Kapitolu 4.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata skont dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għal tali notifika.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 5 u 6 lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 37*

**Informazzjoni rigward ir-rifjut**

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ABE dwar in-numru u t-tip ta' każijiet fejn kien hemm rifjut skont l-Artikolu 35 u l-Artikolu 36(3).

*Artikolu 38*

**Aggregazzjoni ta' fergħat**

Kwalunkwe numru ta' postijiet ta' negozju stabbiliti fl-istess Stat Membru minn istituzzjoni ta' kreditu b'uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda.

KAPITOLU 3

***Eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi***

*Artikolu 39*

**Proċedura ta' notifika**

1. Kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu li tkun tixtieq teżerċita l-libertà ta' forniment ta' servizzi bit-twettiq tal-attivitajiet tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, bl-attivitajiet fil-lista tal-Anness I li tkun biħsiebha twettaq.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom, fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika prevista fil-paragrafu 1, jibagħtu dik in-notifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa d-drittijiet miksuba mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienu jipprovdu s-servizzi qabel l-1 ta' Jannar 1993.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata skont dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għal tali notifika.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 4 u 5 lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

KAPITOLU 4

***Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti***

*Artikolu 40*

**Rekwiżiti ta' rappurtar**

L-awtoritijajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom fergħat fit-territorji tagħhom, jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti.

Dawn ir-rapporti għandhom jintalbu biss għal finijiet ta' informazzjoni jew ta' statistika, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 51(1), jew għal finijiet superviżorji f'konformità ma' dan il-Kapitolu. Huma għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).

L-awtoritijajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti jistgħu b'mod partikolari jeħtieġu informazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu imsemmija fl-ewwel subparagrafu sabiex dawk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw jekk fergħa tkunx sinifikanti skont l-Artikolu 51(1).

*Artikolu 41*

**Miżuri meħudin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari fir-rigward tal-attivitajiet imwettqin fl-Istat Membru ospitanti**

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, abbażi tal-informazzjoni rċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari skont l-Artikolu 50, jaċċertaw li istituzzjoni ta' kreditu li jkollha fergħa jew tipprovdi servizzi fit-territorju tiegħu tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fl-Istat Membru ospitanti, dawn għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari:

(a) l-istituzzjoni ta' kreditu ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew mar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) hemm riskju materjali li l-istituzzjoni ta' kreditu mhijiex ser tikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew mar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom, mingħajr dewmien, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tirrimedja in-nuqqas ta' konformità jew tieħu miżuri sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw dawk il-miżuri mill-lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti mingħajr dewmien.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jikkunsidraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru domiċiljari ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom jew ma jkunux ser jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, huma jistgħu jirriferu l-kwistjoni lill-ABE u jitolbu l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fejn l-ABE taġixxi skont dak l-Artikolu, hija għandha tieħu kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament fi żmien 24 siegħa. L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu qbil fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 42*

**Raġunijiet u komunikazzjoni**

Kwalunkwe miżura li tittieħed skont l-Artikolu 41(1) jew l-Artikolu 43 jew 44 li tinvolvi penali jew restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' forniment ta' servizzi jew tal-libertà ta' stabbiliment għandha tkun motivata kif xieraq u kkomunikata lill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

*Artikolu 43*

**Miżuri prekawzjonarji**

1. Qabel ma jsegwu l-proċedura stipulata fl-Artikolu 41, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, sakemm jittieħdu l-miżuri mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jew il-miżuri ta' riorganizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/24/KE, jieħdu kwalunkwe miżura prekawzjonarja meħtieġa biex jipproteġu kontra l-instabbiltà finanzjarja li thedded serjament tali interessi kollettivi tad-depożitanti, l-investituri u l-klijenti tal-Istati Membru ospitanti.

2. Kull miżura ta' prekawzjoni taħt il-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati għall-fini tagħhom, biex jipproteġu kontra instabbiltà finanzjarja li thedded serjament l-interessi kollettivi ta' depożitanti, investituri u klijenti fl-Istat Membru ospitanti. Tali miżuri ta' prekawzjoni jistgħu jinkludu s-sospensjoni tal-ħlas. Dawn m'għandhomx jirriżultaw fi preferenza għall-kredituri tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-Istat Membru ospitanti fuq kredituri fi Stati Membri oħrajn.

3. Kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni taħt il-paragrafu 1 m'għandux jibqa' jkollha effett meta l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat Membru domiċiljari jieħdu miżuri skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/24/KE.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom itemmu l-miżuri ta' prekawzjoni meta huma jikkunsidraw li dawk il-miżuri m'għandhomx japplikaw skont l-Artikolu 41, dment li ma jibqax ikollhom effett f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni, l-ABE u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom ikunu informati bil-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1 ta' prekawzjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jew ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor affettwat joġġezzjonaw għall-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, huma jistgħu jirriferu l-kwistjoni lill-ABE u jitolbu l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fejn l-ABE taġixxi skont dak l-Artikolu, hija għandha tieħu kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament fi żmien 24 siegħa. L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu qbil fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 44*

**Setgħat tal-Istati Membri ospitanti**

L-Istati Membri ospitanti jistgħu, irrispettivament mill-Artikoli 40 u 41, jeżerċitaw is-setgħat ikkonferiti lilhom skont din id-Direttiva biex jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu jew jippenalizzaw il-ksur imwettaq fit-territorji tagħhom tar-regoli li jkunu adottaw skont din id-Direttiva jew fl-interess tal-ġid komuni. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu kisru r-regoli ma jitħallewx jibdew transazzjonijiet oħra fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 45*

**Miżuri wara l-irtirar tal-awtorizzazzjoni**

Fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti mingħajr dewmien. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata ma titħallhiex tibda transazzjonijiet oħra fit-territorju tiegħu u biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tad-depożitanti.

*Artikolu 46*

**Reklamar**

Dan il-Kapitolu m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet ta' kreditu b'uffiċċji prinċipali fi Stati Membri oħra milli jirreklamaw is-servizzi tagħhom bil-mezzi ta' komunikazzjoni kollha disponibbli fl-Istat Membru ospitanti, soġġett għal kwalunkwe regola dwar l-għamla u l-kontenut ta' tali reklamar adottata fl-interess tal-ġid komuni.

TITOLU VI

**RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI**

*Artikolu 47*

**Notifika b'rabta mal-fergħat ta' pajjiż terz u l-kondizzjonijiet ta' aċċess għall-istituzzjonijiet ta' kreditu b' tali fergħat**

1. L-Istati Membri m'għandhomx japplikaw, għal fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz, meta jibdew jew iwettqu n-negozju tagħhom, dispożizzjonijiet li jirriżultaw fi trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lil fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-Kumitat tal-Banek Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/10/KE ([1]) bl-awtorizzazzjonijiet kollha għal fergħat mogħtija lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz.

3. L-Unjoni tista', permezz ta' ftehimiet konklużi ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, tiftiehem li tapplika d-dispożizzjonijiet li jagħtu lil fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz trattament ugwali fit-territorju kollu tal-Unjoni.

*Artikolu 48*

**Kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi dwar is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata**

1. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti lill-Kunsill, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, għan-negozjar ta' ftehimiet ma' pajjiż terz wieħed jew aktar rigward il-mezzi tal-eżerċizzju ta' superviżjoni fuq bażi kkonsolidata fuq dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-impriżi prinċipali tagħhom ikollhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz;

(b) l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jinsabu f'pajjiżi terzi li l-impriżi prinċipali tagħhom, sew jekk ikunu istituzzjonijiet, kumpanniji azzjonarji finanzjarji jew kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ikollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni.

2. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan, b'mod partikolari, li jiżguraw li:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni, fuq il-bażi tas-sitwazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħhom, tal-istituzzjonijiet, il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta li jkunu jinsabu fl-Unjoni li jkollhom bħala sussidjarji istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu jinsabu f'pajjiż terz, jew li jkollhom parteċipazzjoni fihom;

(b) l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tal-impriżi prinċipali li l-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu jinsabu fit-territorji tagħhom u li jkollhom bħala sussidjarji istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu jinsabu f'wieħed mill-Istati Membri jew aktar jew li jkollhom parteċipazzjoni azzjonarja fihom; u

(c) l-ABE tkun tista' tikseb mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri informazzjoni li jkunu rċevew mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 218 TFUE, il-Kummissjoni għandha, bl-assistenza tal-Kumitat tal-Banek Ewropej, teżamina l-eżitu tan-negozjati msemmija fil-paragrafu 1 u s-sitwazzjoni li tirriżulta.

4. L-ABE għandha tassisti lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU VII

**SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI**

*KAPITOLU 1*

***Prinċipji tas-superviżjoni prudenzjali***

Taqsima I

**Kompetenza u dmirijiet tal-Istati Membri u tal-oriġini u ta' dawk ospitanti**

*Artikolu 49*

**Kompetenza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti**

1. Is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjoni, inkluża dik tal-attivitajiet imwettqa minnha skont l-Artikoli 33 u 34, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, mingħajr preġudizzju għal dawk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jagħtu r-responsabbiltà lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni s-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata.

3. Il-miżuri meħuda mill-Istat Membru ospitanti m'għandhomx jipprovdu trattament diskriminatorju jew restrittiv fuq il-fatt li istituzzjoni tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

([1]) ĠU L 3, 7.1.2004, p. 36.

*Artikolu 50*

**Kollaborazzjoni rigward is-superviżjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkollaboraw mill-qrib sabiex issir superviżjoni tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet li joperaw, b'mod partikolari permezz ta' fergħa, fi Stat Membru wieħed jew aktar differenti minn dak li fih ikun jinstab l-uffiċċju prinċipali tagħhom. Huma għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-ġestjoni u s-sjieda ta' tali istituzzjonijiet ta' kreditu li x'aktarx tiffaċilita s-superviżjoni tagħhom u l-eżaminar tal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom, u l-informazzjoni kollha li x'aktarx tiffaċilita l-monitoraġġ ta' istituzzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-likwidità, is-solvenza, il-garanziji ta' depożitu, il-limitazzjoni ta' skoperturi kbar, fatturi oħra li jistgħu jinfluwenzaw ir-riskju sistemiku kkawżat mill-istituzzjoni, il-proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jipprovdu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti kwalunkwe informazzjoni u sejbiet li jirrigwardaw is-superviżjoni tal-likwidità skont il-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Kapitolu 3 tat-Titolu VII ta' din id-Direttiva tal-attivitajiet imwettqa mill-istituzzjoni permezz tal-fergħat tagħha, dment li din l-informazzjoni u dawn is-sejbiet ikunu rilevanti għall-protezzjoni tad-depożitanti jew l-investituri fl-Istat Membru ospitanti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti kollha fejn ikun hemm stress ta' likwidità jew fejn ikun raġonevolment mistenni li dan iseħħ. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dettalji dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' rkupru u dwar kwalunkwe miżura prudenzjali ta' superviżjoni meħuda f'dak il-kuntest.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw u jispjegaw fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti kif l-informazzjoni u s-sejbiet ipprovduti minn dawn tal-aħħar ikunu ġew ikkunsidrati. Meta, b'segwitu għal komunikazzjoni ta' informazzjoni u sejbiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jsostnu li ma ttieħdet l-ebda miżura xierqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, wara li jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini u lill-ABE, jistgħu jieħdu l-miżuri adatti biex jipprevjenu aktar ksur sabiex jiġu protetti l-interessi tad-depożitanti, l-investituri u oħrajn li lilhom jiġu pprovduti servizzi jew biex tiġi protetta l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

Fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ma jaqblux mal-miżuri li jkollhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, huma jistgħu jirriferu l-kwistjoni lill-ABE u jitolbu l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fejn l-ABE taġixxi f'konformità ma' dak l-Artikolu, hija għandha tieħu kwalunkwe deċiżjoni fi żmien xahar.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirriferu lill-ABE, is-sitwazzjonijiet fejn talba għall-kollaborazzjoni, b'mod partikolari għall-iskambju ta' informazzjoni, tkun ġiet irrifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni fuqha fi żmien raġonevoli. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 258 TFUE, l-ABE tista', f'dawk is-sitwazzjonijiet, taġixxi skont is-setgħat ikkonferiti lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jilħqu qbil dwar l-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għar-rekwiżiti ta' skambju ta' informazzjoni li x'aktarx li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-istituzzjonijiet.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 6 u 7 lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 51*

**Fergħat sinifikanti**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jistgħu jitolbu lis-superviżur konsolidanti, fejn ikun applikabbli l-Artikolu 112(1), jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari biex titqies bħala sinifikanti, fergħa ta' istituzzjoni apparti minn ditta ta' investiment soġġetta għall-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Dik it-talba għandha tipprovdi r-raġunijiet li għalihom il-fergħa għandha titqies sinifikanti b'attenzjoni partikolari għal dan li ġej:

(a) jekk is-sehem tas-suq tal-fergħa f'termini ta' depożiti jaqbiżx it-2 % fl-Istat Membru ospitanti;

(b) l-impatt probabbli ta' sospensjoni jew għeluq tal-attivitajiet tal-istituzzjoni fuq il-likwidità sistemika u s-sistemi ta' pagament, ta' kumpens u ta' saldu fl-Istat Membru ospitanti;

(c) id-daqs u l-importanza tal-fergħa f'termini tal-għadd ta' klijenti fil-kuntest tas-sistema bankarja jew finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri tal-oriġini u tal-Istat Membri ospitanti, u fejn japplika l-Artikolu 112(1), Is-superviżur konsolidanti għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jilħqu deċiżjoni konġunta dwar in-nomina ta' fergħa bħala sinifikanti.

Jekk ma tittiħidx deċiżjoni konġunta fi żmien xahrejn minn meta tasal it-talba taħt l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom stess fi żmien perijodu ulterjuri ta' xahrejn dwar jekk il-fergħa tkunx sinifikanti. Fit-teħid tad-deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe fehma u riżerva tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tielet u r-raba' subparagrafi għandhom ikunu stabbiliti f'dokument li jkun fih raġunijiet kompluti, għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u għandu jkun rikonoxxut bħala determinanti u applikat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati.

In-nomina ta' fergħa bħala sinifikanti m'għandhiex taffettwa d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti fejn tkun stabbilita fergħa sinifikanti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 117(1)(c) u (d) u jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 112(1)(c) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

Jekk awtorità kompetenti ta' Stat Membru domiċiljari ssir taf b'xi sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 114(1), din għandha twissi lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 58(4) u l-Artikolu 59(1) mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti fejn ikunu stabbiliti fergħat sinifikanti, ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskji ta' istituzzjonijiet b'tali fergħat imsemmija fl-Artikolu 97 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 113(2). Dawn għandhom jikkomunikaw ukoll d-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 104 u 105 sa fejn dawk il-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet ikunu rilevanti għal dawk il-fergħat.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti fejn ikunu stabbiliti fergħat sinifikanti dwar il-passi operattivi meħtieġa mill-Artikolu 86(11), meta dan ikun rilevanti għar-riskji ta'likwidità fil-munita tal-Istat Membru ospitanti.

Fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ma jkunux ikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jew meta, wara tali konsultazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jsostnu li l-passi operazzjonali rikjesti mill-Artikolu 86(11) ma jkunux adegwati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jirriferu l-kwistjoni lill-ABE u jitolbu l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Fejn l-Artikolu 116 ma jkunx japplika, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu qegħdin jissorveljaw l-istituzzjoni b'fergħat sinifikanti fi Stati Membri oħrajn għandhom jistabbilixxu u jippresjedu kulleġġ ta' superviżuri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u skont l-Artikolu 50. L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġ għandhom ikunu bbażati fuq arranġamenti bil-miktub li għandhom jiġu ddeterminati, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tiddeċiedi dwar liema awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġ.

Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tikkunsidra r-rilevanza tal-attività superviżorja li għandha tkun ippjanata jew ikkoordinata għal dawk l-awtoritajiet, b'mod partikolari l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati msemmija fl-Artikolu 7 u l-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha żżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, bil-quddiem, dwar l-organizzazzjoni ta' tali laqgħat, il-kwistjonijiet ewlenin li jkunu ser jiġu diskussi u l-attivitajiet li jkunu ser jiġu kkunsidrati. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha wkoll iżżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, mingħajr dewmien, dwar l-azzjonijiet meħuda f'dawk il-laqgħat jew il-miżuri mwettqa.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet ġenerali għall-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri.

Il-Kummissjoni tiġi ddelagata s-setgħa li tadotta dawn l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex jiġi ddeterminat il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi tas-superviżuri.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta dawn l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi msemmija fil-paragrafi 4 u 5 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 52*

**Kontroll u ispezzjoni fuq il-post ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ieħor**

1. L-Istati Membri ospitanti għandhom jipprovdu li, meta istituzzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor twettaq l-attivitajiet tagħha permezz ta' xi fergħa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jistgħu, wara li jkunu informaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, iwettqu huma stess jew permezz tal-medjazzjoni ta' persuni li jinnominaw għal dak il-għan, kontrolli fuq il-post tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 50 u ispezzjoni ta' tali fergħat.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jistgħu wkoll, għall-finijiet tal-ispezzjoni tal-fergħat, jirrikorru għal xi waħda mill-proċeduri l-oħrajn stipulati fl-Artikolu 118.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu, każ b'każ, kontrolli u ispezzjonijiet fuq il-post tal-attivitajiet imwettqa mill-fergħat tal-istituzzjonijiet fit-territorju tagħhom u jeħtieġu informazzjoni minn fergħa dwar l-attivitajiet tagħha u għal finijiet ta' superviżjoni, fejn huma jqisu li jkunu rilevanti għal raġunijiet ta' stabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti. Qabel ma jsiru dawn il-kontrolli u ispezzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari. Wara dawn il-kontrolli u ispezzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari l-informazzjoni miksuba u s-sejbiet li jkunu rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-istituzzjoni jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jieħdu kont dovut ta' dik l-informazzjoni u dawk is-sejbiet fid-determinazzjoni tal-programm tal-eżami superviżorju tagħhom imsemmi fl-Artikolu 99, filwaqt li jikkunsidraw ukoll l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti.

4. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-fergħat għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru fejn isiru l-kontroll jew l-ispezzjoni.

Taqsima II

**Skambju ta' informazzjoni u segretezza professjonali**

*Artikolu 53*

**Segretezza professjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-persuni kollha li jaħdmu jew li jkunu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, u l-awdituri jew l-esperti li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet kompetenti, għandhom jintrabtu bl-obbligu tas-segretezza professjonali.

Informazzjoni kunfidenzjali li tali persuni, awdituri jew esperti jirċievu matul it-twettiq tad-dmirijiet tagħhom tista' tiġi żvelata biss f'forma sommarja jew aggregata, hekk li l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali ma jistgħux ikunu identifikati, bla preġudizzju għall-każijiet koperti bid-dritt kriminali.

Madankollu, meta istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet iddikjarata falluta jew tkun soġġetta għal stralċ b'mod obbligatorju, l-informazzjoni kunfidenzjali li ma tkunx tikkonċerna lill-partijiet terzi involuti f'tentattivi ta' salvataġġ ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tiġi żvelata fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin jew jittrasmettu l-informazzjoni lill-BERS, lill-ABE, jew lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ("AETS") stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) skont din id-Direttiva, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, ma' Direttivi oħrajn applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, mal-Artikoli 31, 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u mal-Artikoli 31 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Dik l-informazzjoni għandha tkun soġġetta għall-paragrafu 1.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jippubblikaw l-eżitu tal-ittestjar għal stress imwettaq skont l-Artikolu 100 ta' din id-Direttiva jew l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew milli jittrasmettu l-eżitu tal-ittestjar għal stress lill-ABE għall-fini tal-pubblikazzjoni mill-ABE tar-riżultati tal-ittestjar għal stress fl-Unjoni kollha.

*Artikolu 54*

**Użu ta' informazzjoni kunfidenzjali**

L-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont l-Artikolu 53 għandhom jużawha biss fit-twettiq ta' dmirijiethom u biss għal kwalunkwe waħda mill-finijiet li ġejjin:

(a) biex jiċċekkjaw li l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu sodisfatti u biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ, fuq bażi mhux ikkonsolidata jew ikkonsolidata, tat-twettiq ta' tali attività, speċjalment fir-rigward tal-monitoraġġ tal-likwidità, is-solvenza, l-iskoperturi kbar u l-proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern;

(b) biex jimponu penali;

(c) f'appell kontra deċiżjoni tal-awtorità kompetenti inkluż proċeduri fil-qrati skont l-Artikolu 72;

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

(d) fi proċeduri fil-qrati mibdija skont dispożizzjonijiet speċjali, previsti fid-dritt tal-Unjoni, adottati fil-qasam tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

*Artikolu 55*

**Ftehimiet ta' kooperazzjoni**

L-Istati Membri u l-ABE, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jistgħu jikkonkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni, li jipprevedu skambji ta' informazzjoni, mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi jew mal-awtoritajiet jew il-korpi ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 56 u l-Artikolu 57(1) ta' din id-Direttiva biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanzija ta' konformità ma' rekwiżiti ta' segretezza professjonali mill-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1) ta' din id-Direttiva. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti ta' superviżjoni minn dawk l-awtoritajiet jew il-korpi.

Meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din għandhiex tiġi żvelata biss bil-qbil espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-finijiet li għalihom dawk l-awtoritajiet ikunu qablu magħhom.

*Artikolu 56*

**Skambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet**

L-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 54 m'għandhomx jipprekludu l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru, bejn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti jew bejn awtoritajiet kompetenti u dawn li ġejjin, fit-twettiq tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom:

(a) l-awtoritajiet li jkunu fdati bid-dmir pubbliku li jissorveljaw entitajiet oħrajn tas-settur finanzjarju u l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji;

(b) l-awtoritajiet jew il-korpi inkarigati bir-responsabbiltà taż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri permezz tal-użu tar-regoli makroprudenzjali;

(c) korpi ta' riorganizzazzjoni jew awtoritajiet li għandhom l-għan li jipproteġu l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja;

(d) skemi ta' protezzjoni kuntrattwali jew istituzzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) il-korpi involuti fl-istralċ u l-falliment tal-istituzzjonijiet u fi proċeduri oħra simili;

(f) il-persuni responsabbli għat-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' istituzzjonijiet, impriżi tal-assigurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji.

L-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 54 m'għandhomx jipprekludu l-iżvelar lil korpi li jamministraw skemi ta' garanzija tad-depożiti u skemi ta' kumpens għall-investitur ta' informazzjoni meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

L-informazzjoni riċevuta għandha f'kull każ tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).

*Artikolu 57*

**Skambju ta' informazzjoni ma' korpi sorveljanti**

1. Minkejja l-Artikoli 53, 54 u 55, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u dawn li ġejjin:

(a) Il-korpi involuti fl-istralċ u fil-falliment ta' istituzzjonijiet u fi proċeduri oħra simili;

(b) tal-iskemi ta' protezzjoni kuntrattwali jew istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) persuni inkarigati li jwettqu verifiki statutorji tal-kontijiet tal-istituzzjonijiet, l-impriżi tal-assigurazzjoni u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li tal-inqas li jiġu sodisfatti ta' dawn il-kondizzjonijiet:

(a) li l-informazzjoni tiġi skambjata għall-fini tat-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1;

(b) li l-informazzjoni li tasal tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1);

(c) li, fejn l-informazzjoni tkun toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx żvelata mingħajr il-qbil espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-finijiet li dawk l-awtoritajiet ikunu qablu magħhom.

3. Minkejja l-Artikoli 53, 54 u 55, l-Istati Membri jistgħu, bil-għan li tissaħħaħ l-istabbiltà, u l-integrità tas-sistema finanzjarja, jawtorizzaw l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet jew il-korpi responsabbli bil-liġi għall-kxif u l-investigazzjoni ta' ksur tal-liġi dwar il-kumpanniji.

F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li tal-inqas għandhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-informazzjoni tiġi skambjata bil-għan li jitkixfu u jiġu investigati l-'ksur tal-liġi dwar il-kumpanniji;

(b) li l-informazzjoni li tasal tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).;

(c) li, fejn l-informazzjoni tkun toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx żvelata mingħajr il-qbil espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u, fejn xieraq, biss għall-finijiet li dawk l-awtoritajiet ikunu qablu magħhom.

4. Fejn, l-awtoritajiet jew il-korpi msemmija f'paragrafu 1 jwettqu l-kompitu tagħhom ta' kxif jew investigazzjoni bl-għajnuna, fid-dawl tal-kompetenza speċifika tagħhom, ta' persuni nominati għal dak il-fini u li ma jkunux impjegati fis-settur pubbliku, Stat Membru jista' jestendi l-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 għal tali persuni bil-kondizzjonijiet speċifikati fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-ABE l-ismijiet tal-awtoritajiet jew il-korpi li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

6. Sabiex ikun implimentat il-paragrafu 4, l-awtoritajiet jew il-korpi li jissemmew fil-paragrafu 3 għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw l-informazzjoni, l-ismijiet u r-reponsabbiltajiet preċiżi tal-persuni li lilhom tkun se tintbagħat.

*Artikolu 58*

**Trasmissjoni ta' informazzjoni dwar aspetti monetarji ta' protezzjoni tad-depożiti, sistemiċi u ta' pagament**

1. Dan il-Kapitolu m'għandux jipprevjeni lil, awtorità kompetenti milli tittrasmetti informazzjoni lil dawn li ġejjin għall-finijiet tal-kompiti rispettivi tagħhom:

(a) il-banek ċentrali tas-SEBĊ u korpi oħra b'funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet monetarji meta l-informazzjoni tkun rilevanti għall-eżerċizzju tal-kompiti statutorji rispettivi tagħhom, inkluż it-twettiq tal-politika monetarja u l-forniment ta' likwidità relatata, is-sorveljanza tas-sistemi tal-pagament, is-sistemi ta' kumpens u saldu, u s-salvagwardja tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja;

(b) skemi ta' protezzjoni kuntrattwali jew istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) fejn adatt, awtoritajiet pubbliċi oħrajn responsabbli għas-sorveljanza tas-sistemi ta' pagament;

(d) il-BERS, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) ("EIOPA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-AETS, meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti statutorji tagħhom skont ir-Regolamenti (UE) Nru 1092/2010, (UE) Nru 1094/2010 jew (UE) Nru 1095/2010.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex ineħħu l-ostakoli li jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli jittrasmettu informazzjoni skont l-ewwel subparagrafu.

2. Dan il-Kapitolu m'għandux jipprevjeni lil dawk l-awtoritajiet jew il-korpi msemmija fil-paragrafu 1 milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti dik l-informazzjoni li jistgħu jeħtieġu l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 54.

3. L-informazzjoni li tasal skont il-paragrafi 1 u 2 għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, f'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 114(1), l-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw, mingħajr dewmien, l-informazzjoni lill-banek ċentrali tas-SEBĊ meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti statutorji tagħhom, inkluż it-twettiq tal-politika monetarja u l-forniment ta' likwidità relatat, is-sorveljanza tal-pagamenti, is-sistemi ta' kumpens u saldu, u s-salvagwardja tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u lill-BERS meta tali informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq tal-kompiti statutorji tiegħu.

*Artikolu 59*

**Trasmissjoni ta' informazzjoni lil entitajiet oħrajn**

1. Minkejja l-Artikoli 53(1) u l-Artikolu 54, l-Istati Membri jistgħu, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi nazzjonali, jawtorizzaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni lil dipartimenti oħra tal-amministrazzjonijiet tal-gvern ċentrali tagħhom li jkunu responsabbli għal-liġi dwar is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni u lill-ispetturi li jaġixxu f'isem dawk id-dipartimenti.

Madankollu, dan l-iżvelar jista' jsir biss meta jkun meħtieġ u għal raġunijiet ta' superviżjoni prudenzjali u prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet li jkunu qegħdin ifallu. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-persuni li jkollhom aċċess għall-informazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali tal-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 114(1), l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jiżvelaw informazzjoni li tkun rilevanti għad-dipartimenti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fl-Istati Membri kollha kkonċernati.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-iżvelar ta' ċerta informazzjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet lill-kumitati ta' inkjesta parlamentari fl-Istat Membru tagħhom, il-qrati tal-awdituri fl-Istat Membru tagħhom jew entitajiet oħrajn inkarigati mill-inkjesti fl-Istat Membru tagħhom, bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) li l-entitajiet ikollhom mandat preċiż iddefinit mil-liġi nazzjonali sabiex jinvestigaw jew jeżaminaw bir-reqqa l-azzjonijiet tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet jew għal-liġijiet dwar tali superviżjoni;

(b) li l-informazzjoni tkun strettament meħtieġa biex jintlaħaq il-mandat imsemmi fil-punt (a);

(c) li l-persuni b'aċċess għall-informazzjoni jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali skont il-liġi nazzjonali għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artiklu 53(1);

(d) li, fejn l-informazzjoni tkun toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx żvelata mingħajr il-qbil espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u biss għall-finijiet li dawk l-awtoritajiet ikunu qablu magħhom.

Sa fejn l-iżvelar tal-informazzjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali, kwalunkwe proċessar mill-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali applikabbli li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 60*

**Żvelar ta' informazzjoni miksuba permezz ta' kontrolli u ispezzjonijiet fuq il-post**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li tasal skont l-Artikolu 52(4), l-Artikolu 53(2) u l-Artikolu 56 u l-informazzjoni miksuba permezz ta' kontroll jew ispezzjoni fuq il-post imsemmija fl-Artikolu 52(1) u (2) m'għandhiex tiġi żvelata skont l-Artikolu 59 ħlief bil-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw l-informazzjoni jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun twettqet tali kontroll jew ispezzjoni fuq il-post.

*Artikolu 61*

**Żvelar ta' informazzjoni rigward servizzi ta' kklerjar u saldu**

1. Dan il-Kapitolu m'għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 53, 54 u 55 lil kamra tal-kumpens jew korp ieħor simili rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali biex tipprovdi servizzi ta' kumpens u saldu għal xi wieħed mis-swieq nazzjonali tagħhom jekk huma jqisu li jkun meħtieġ li jikkomunikaw l-informazzjoni sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq ta' dawk il-korpi rigward l-inadempjenzi jew l-inadempjenzi potenzjali mill-parteċipanti tas-suq. L-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1).

2. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jiżguraw li informazzjoni li tasal skont l-Artikolu 53(2) m'għandhiex tiġi żvelata fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr il-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha.

*Artikolu 62*

**Ipproċessar ta' data personali**

L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE u, fejn rilevanti, mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Taqsima III

**Dmir tal-persuni responsabbli għall-kontroll legali tal-kontijiet annwali u kkonsolidati**

*Artikolu 63*

**Dmir tal-persuni responsabbli għall-kontroll legali tal-kontijiet annwali u kkonsolidati**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li kwalunkwe persuna awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ([1]) u li twettaq f'istituzzjoni l-kompiti deskritti fl-Artikolu 51 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju tal-1978 dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji ([2]), fl-Artikolu 37 tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 dwar il-kontijiet konsolidati ([3]) jew fl-Artikolu 73 tad-Direttiva 2009/65/KE, jew kwalunkwe kompitu statutorju ieħor, għandu jkollha tal-inqas id-dmir li tirrapporta minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe fatt jew deċiżjoni li jikkonċernaw lil dik l-istituzzjoni, li dik il-persuna tkun saret konxja tagħhom filwaqt li tkun qiegħda twettaq dak il-kompitu, li jista':

(a) jikkonstitwixxi ksur materjali tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni jew li speċifikament jirregolaw l-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet;

(b) jaffettwa il-funzjonament kontinwu tal-istituzzjoni;

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.
([2]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 17 Vol. 01 p. 21).
([3]) ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1. (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap. 17 Vol. 01 p. 58).

(c) iwassal għaċ-ċaħda ta' ċertifikazzjoni tal-kontijiet jew għall-espressjoni ta' riżervi.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu tal-inqas li persuna msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkollha wkoll id-dmir li tirrapporta kwalunkwe fatt jew deċiżjoni li dik il-persuna ssir konxja tagħhom waqt it-twettiq tal-kompitu tagħha kif deskritt fl-ewwel subparagrafu f'impriża li jkollha rabtiet mill-qrib li jirriżultaw minn relazzjoni ta' kontroll mal-istituzzjoni li fiha tkun qiegħda twettaq dak il-kompitu.

2. Dan l-iżvelar in bona fede lill-awtoritajiet kompetenti, minn persuni awtorizzati fit-tifsira tad-Direttiva 2006/43/KE, ta' kwalunkwe fatt jew deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandux jikkostitwixxi ksur ta' xi restrizzjoni dwar l-iżvelar tal-informazzjoni imposta b'kuntratt jew b'xi dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva u m'għandux jinvolvi lil tali persuni fi kwalunkwe responsabbiltà. Tali żvelar għandu jsir simultanjament lill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni sakemm ma jkunx hemm raġunijiet konvinċenti biex dan ma jsirx.

Taqsima IV

## Setgħat superviżorji, setgħat ta' impożizzjoni ta' penali u dritt ta' appell

*Artikolu 64*

### Setgħat superviżorji u setgħat ta' impożizzjoni ta' penali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat superviżorji kollha biex jintervjenu fl-attività tal-istituzzjonijiet li jkunu meħtieġa fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom, inkluż b'mod partikolari d-dritt li jirtiraw awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18, is-setgħat meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 102 u s-setgħat stipulati fl-Artikoli 104 u 105.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat superviżorji tagħhom u setgħat tagħhom ta' impożizzjoni ta' penali, f'konformità ma' din id-Direttiva u mad-dritt nazzjonali, bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lil tali awtoritajiet;

(d) b'applikazzjoni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

*Artikolu 65*

### Penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 64 u d-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu penali kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra fir-rigward ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva utar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal penali amministrattivi għal ksur li hu soġġett għad-dritt kriminali nazzjonalihuma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt kriminali. Il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-obbligi msemmija fil-paragrafu 1japplikaw għall-istituzzjonijiet, il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji u l-kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta fil-każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikunu jistgħu jiġu applikati penali soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali, għall-membri tal-korp ta' ġestjoni, u għal persuni fiżiċi oħrajn li skont il-liġi nazzjonali jkunu responsabbli għall-ksur.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom disponibbli l-ġbir ta' informazzjoni u s-setgħat investigattivi kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet rilevanti oħra stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 dawk is-setgħat għandhom jinkludu:

(a) is-setgħa li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ġejjin ikunu meħtieġa jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja biex jitwettqu l-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'intervalli rikorrenti u f'formati speċifikati għall-finijiet superviżorji u ta' statistika relatati:

(i) istituzzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti;

(ii) kumpanniji azzjonarji finanzjarji stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti;

(iii) kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta stabbiliti fl-Istat Membru parteċipanti;

(iv) kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat;

(v) persuni li jappartjenu għall-entitajiet imsemmijin fil-punti(i) sa (iv);

(vi) partijiet terzi li l-entitajiet msemmija fil-punti(i) sa (iv) ikunu esternalizzawlhom funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali;

(b) is-setgħa li jitwettqu l-investigazzjonijiet neċessarji kollha ta' kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (a)(i) sa (vi) stabbilita jew li tinsab fl-Istat Membru kkonċernat fejn meħtieġ biex twettaq il-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti, inkluż:

(i) id-dritt li jesiġi l-preżentazzjoni ta' dokumenti;

(ii) li jiġu eżaminati l-kotba u r-reġistri tal-persuni msemmija fl-punti(a)(i) sa (vi)) u jsiru kopji jew jittieħdu estratti mit-tali kotba u reġistri;

(iii) jinkisbu spjegazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm minn kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (i) sa (vi)) jew ir-rappreżentanti jew il-persunal tagħhom; u

(iv) tiġi intervistata kwalunkwe persuna oħra li tagħti l-kunsens tagħha li tiġi intervistata għall-iskop li tingabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni;

(c) is-setgħa, soġġetta għal kondizzjonijiet oħra stipulati fid-dritt tal-Unjoni, li jitwettqu l-ispezzjonijiet neċessarji kollha fuq il-post fil-bini tan-negozju tal-persuni ġuridiċi msemmija fil-punti (a)(i) sa (vi) u kwalunkwe impriża oħra inkluża fis-superviżjoni kkonsolidata meta awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidanti, soġġett għal notifika minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati soġġett għal applikazzjoni għat-twettiq fejn rikjest mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 66*

**Penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra għal ksur ta' rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni u rekwiżiti għall-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom jipprevedu penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra, tal-inqas fir-rigward ta':

(a) it-twettiq tan-negozju ta' ġbir ta' depożiti jew fondi rimborżabbli oħra mill-pubbliku mingħajr ma tkun istituzzjoni ta' kreditu, bi ksur tal-Artikolu 9;

(b) il-bidu ta' attivitajiet bħala istituzzjoni ta' kreditu mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 9;

(c) l-akkwist, dirett jew indirett, ta' parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu jew iż-żieda ulterjuri, diretta jew indiretta, ta' tali parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu li b'riżultat ta' dan il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż il-limiti msemmijin fl-Artikolu 22(1) jew b'mod li l-istituzzjoni ta' kreditu ssir sussidjarja tagħha, mingħajr ma jiġu nnotifikati bil-miktub l-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjoni ta' kreditu li fiha jkunu qegħdin jippruvaw jiksbu jew iżidu l-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti, matul il-perijodu ta' valutazzjoni, jew kontra l-oppożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, bi ksur tal- Artikolu 22(1);

(d) iċ-ċessjoni, diretta jew indiretta, ta' parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu jew it-tnaqqis fil-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti biex b'hekk il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jaqa' taħt il-limiti msemmijin fl-Artikolu 25 jew b'mod li l-istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax sussidjarja, mingħajr ma jiġu nnotifikati bil-miktub l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li jkunu jistgħu jiġu applikati jinkludu tal-inqas dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tidentifika l-persuna fiżika, l-istituzzjoni, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta responsabbli u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li teħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u ma terġax tirrepeti dik l-imġiba;

(c) fil-każ ta' persuna ġuridika, penali amministrattivi pekunarji sa mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-bejgħ nett annwali totali inkluż l-introjtu gross li jikkonsisti minn imgħax riċevibbli u introjtu simili, introjtu mill-ishma u titoli oħrajn b'rendita fissa jew varjabbli, u kummissjonijiet jew tariffi riċevibbli f'konformità mal-Artikolu 316 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-impriża fis-sena kummerċjali preċedenti;

(d) fil-każ ta' persuna fiżika, penali amministrattivi pekunarji sa mhux aktar minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi 17 ta' Lulju 2013;

(e) penali amministrattivi pekunarji sa mhux aktar mid-doppju tal-ammont tal-benefiċċju derivat mill-ksur fejn dan il-benefiċċju jkun jista' jiġi ddeterminat;

(f) sospensjoni tad-drittijiet tal-vot mill-azzjonist jew l-azzjonisti miżmuma responsabbli għall-ksur imsemmi f'paragrafu 1.

Fejn l-impriża msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tkun sussidjarja ta' impriża prinċipali, id-dħul gross rilevanti għandu jkun id-dħul gross li jirriżulta mill-kontijiet ikkonsolidati tal-impriża prinċipali aħħarija fis-sena kummerċjali preċedenti;

*Artikolu 67*

**Dispożizzjonijiet oħrajn**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika tal-inqas fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz irregolari ieħor;

(b) l-istituzzjoni, li meta ssir konxja ta' kwalunkwe akkwist jew ċessjoni ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji fil-kapital tagħhom li huma l-kawża ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji li jeċċedu jew jaqgħu taħt wieħed mil-livelli limitu msemmija fl-Artikolu 22(1) jew l-Artikolu 25, ma tkunx infurmat lill-awtoritajiet kompetenti b'dawk l-akkwisti jew iċ-ċessjonijiet bi ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(1);

(c) l-istituzzjoni elenkata f'suq regolat kif imsemmi fil-lista li għandha tiġi ppubblikata mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 47 tad-Direttiva 2004/39/KE ma tkunx informat, millinqas darba fis-sena, lill-awtoritajiet kompetenti bl-ismijiet tal-azzjonisti u l-membri li jipposjedu parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti u d-daqs ta' tali parteċipazzjonijiet bi ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(1) ta' din id-Direttiva;

(d) l-istituzzjoni ma jkollhiex fis-seħħ l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74;

(e) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-konformità mal-obbligu li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 99(1) ta' dak ir-Regolament;

(f) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tad-data msemmija fl-Artikolu 101 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(g) istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar skopertura kbira lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 394(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(h) l-istituzzjoni ma tkunx irrappurtat informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-likwidità lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 415(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(i) istituzzjoni tonqos li tirrapporta informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta dwar il-proporzjon tal-lieva finanzjarja lill-awtoritajiet kompetenti bi ksur tal-Artikolu 430(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(j) istituzzjoni tonqos b'mod ripetut jew persistenti, li żżomm assi likwidi bi ksur tal-Artikolu 412 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(k) l-istituzzjoni ġġarrab skopertura akbar mil-limiti stipulati fl-Artikolu 395 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(l) l-istituzzjoni li tkun esposta għar-risku tal-kreditu ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mingħajr ma tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 405 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(m) istituzzjoni ma tkunx żvelat l-informazzjoni jew tipprovdi informazzjoni mhux kompluta jew mhux eżatta bi ksur tal-Artikolu 431(1), (2) u (3) jew l-Artikolu 451(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(n) istituzzjoni tagħmel pagamenti lil detenturi ta' strumenti inklużi fil-fondi proprji tal-istituzzjoni bi ksur tal-Artikolu 141 ta' din id-Direttiva jew f'każijiet fejn l-Artikoli 28, 51 jew 63 ta' Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprojbixxu tali pagamenti lil detenturi ta' strumenti inklużi fil-fondi proprji;

(o) istituzzjoni tinsab responsabbli għal ksur serju ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/60/KE;

(p) istituzzjoni tippermetti lil persuna waħda jew aktar li ma jikkonformawx mal-Artikolu 91 li jsiru membri jew jibqgħu bħala membri tal-korp ta' ġestjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li jkunu jistgħu jiġu applikati jinkludu tal-inqas dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tidentifika l-persuna fiżika, l-istituzzjoni, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta responsabbli u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li teħtieġ li l-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) fil-każ ta' istituzzjoni, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni skont l-Artikolu 18;

(d) soġġett għall-Artikolu 65(2), projbizzjoni temporanja kontra xi membru tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li titqies responsabbli, milli jeżerċita funzjonijiet fl-istitizzjonijiet;

(e) fil-każ ta' persuna ġuridika, penali amministrattivi pekunarji sa 10 % tal-valur tal-bejgħ nett annwali totali inkluż l-introjtu gross li jikkonsisti minn imgħax riċevibbli u introjtu simili, introjtu mill-ishma u titoli oħrajn b'rendita fissa jew varjabbli, u kummissjonijiet jew tariffi riċevibbli f'konformità mal-Artikolu 316 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-impriża fis-sena kummerċjali preċedenti.

(f) fil-każ ta' persuna ġuridika, penali amministrattivi pekunarji sa mhux aktar minn EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita uffiċjali tagħhom mhijiex l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fi 17 ta' Lulju 2013;

(g) penali amministrattivi pekunarji sa mhux aktar mid-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew telf evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikun jistgħu jiġu ddeterminati.

Fejn impriża msemmija fil-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tkun sussidjarja ta' impriża prinċipali, l-introjtu gross rilevanti għandu jkun l-introjtu gross li jirriżulta mill-kontijiet ikkonsolidati tal-impriża prinċipali aħħarija fis-sena kummerċjali preċedenti.

*Artikolu 68*

**Pubblikazzjoni tal-penali amministrattivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippublikaw fuq is-sit web uffiċjali tagħhom tal-inqas kwalunkwe sanzjoni amministrattiva li ma tistax tiġi appellata u li tkun imposta għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 inkluż informazzjoni rigward it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li fuqha hija imposta s-sanzjoni, mingħajr dewmien mhux dovut wara li dik il-persuna tiġi informata b'dawk il-penali.

Meta l-Istati Membri jippermettu l-pubblikazzjoni ta' penali li jistgħu jiġu appellati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, jippubblikaw ukoll fuq is-sit web uffiċjali tagħhom, informazzjoni dwar l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-penali fuq bażi anonima, b'mod konformi mad-dritt nazzjonali, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta is-sanzjoni tiġi imposta fuq persuna fiżika u, wara valutazzjoni a priori obbligatorja, jinstab li l-pubblikazzjoni tad-data personali tkun sproporzjonata;

(b) meta l-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni kriminali li tkun għadha għaddejja;

(c) meta l-pubblikazzjoni tikkawża, sa fejn dan ikun jista' jiġi determinat, dannu sproporzjonat lill-istituzzjonijiet jew lill-persuni fiżiċi involuti.

Alternattivament, fejn iċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu x'aktarx jieqfu fi perijodu ta' żmien raġonevoli, il-pubblikazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' tiġi posposta għal tali perijodu ta' żmiem.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafi 1 jew 2 tibqa' fuq is-sit web uffiċjali tagħhom għal mhux inqas minn ħames snin. Id-data personali għandha tinżamm fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti biss għall-perijodu li meħtieġ, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

4. Sa 18 ta' Lulju 2015 l-ABE għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' penali mill-Istati Membri fuq bażi anonima kif previst skont paragrafu 2 u, b'mod partikolari fejn kien hemm diverġenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-ABE għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni rigward kwalunkwe diverġenza sinifikanti fit-tul taż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-penali skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 69*

**kambju ta' informazzjoni dwar penali u żamma ta' bażi ta' data ċentrali mill-ABE**

1. Soġġett għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali msemmija l-Artikolu 53(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE bil-penali amministrattivi kollha, inklużi l-projbizzjonijiet permanenti kollha, imposti skont l-Artikoli 65, 66 u 67 u dwar l-istatus tal-appelli u l-eżiti tagħhom. L-ABE għandha żżomm bażi ta' data ċentrali ta' penali amministrattivi komunikati lilha unikamenti għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dik il-bażi ta' data għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Fejn awtorità kompetenti tagħti valutazzjoni rigward reputazzjoni tajba għall-finijiet tal-Artikolu 13(1), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 91(1) u l-Artikolu 121, hija għandha tikkonsulta l-bażi ta' data tal-ABE dwar il-penali amministrattivi. Fil-każ ta' tibdil fl-istatus jew ta' appell li ikollu suċċess, l-ABE għandha tħassar jew taġġorna l-entrati rilevanti fil-bażi ta' data fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkontrollaw, f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-eżistenza ta' kundanna rilevanti fir-rekord kriminali tal-persuna kkonċernata. Għal dawk il-finijiet, l-informazzjoni għandha tiġi skambjata f'konformità mad-Deċiżjoni 2009/316/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI kif implimentati fil-liġi nazzjonali.

4. L-ABE għandha żżomm sitweb b'links għall-pubblikazzjoni tal-penali amministrattivi ta' kull awtorità kompetenti skont l-Artikolu 68 u għandha turi l-perijodu ta' żmien ta' kemm idumu ppubblikati l-penali amministrattivi ta' kull Stat Membru.

*Artikolu 70*

**Applikazzjoni effettiva tal-penali u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' sanzjonar mill-awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiddeterminaw it-tip ta' penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra u l-livell ta' penali amminstrattivi pekunarji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn adatt:

(a) il-gravità u kemm idum iseħħ il-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, kif indikat, pereżempju, mill-valur tal-bejgħ totali ta' persuna ġuridika jew l-introjtu annwali ta' persuna fiżika;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew it-telf evitat mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, sa fejn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;

(e) it-telf għal partijiet terzi kkawżat mill-ksur, sa fejn dan ikun jista' jiġi ddeterminat;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti;

(g) il-ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(h) kwalunkwe konsegwenza sistemika potenzjali tal-ksur.

*Artikolu 71*

**Rapportar ta' ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabilixxu mekkaniżmi effikaċi u affidabbli sabiex jinkoraġġixxu r-rapportar ta' ksur potenzjali jew attwali tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċezzjoni ta' rapporti dwar ksur u s-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni adatta għall-impjegati tal-istituzzjonijiet li jirrappurtaw ksur imwettaq fl-istituzzjoni kontra ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew tipi oħrajn ta' trattament inġust bħala minimu;

(c) protezzjoni tad-data personali li tirrigwarda kemm lill-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll lill-persuna fiżika li allegatement hija responsabbli għall-ksur, skont id-Direttiva 95/46/KE;

(d) regoli ċari li jiżguraw li l-kunfidenzjalità tiġi ggarantita fil-każijiet kollha fir-rigward tal-persuna li tirrapporta l-ksur imwettaq fl-istituzzjoni, sakemm l-iżvelar tagħha ma jkunx meħtieġ mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet ulterjuri jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċeduri xierqa għall-impjegati tagħhom sabiex jirrapportaw ksur internament b'mezz speċifiku, indipendenti u awtonomu.

Tali mezz jista' wkoll jiġi pprovdut permezz ta' arranġamenti previsti għall-imsieħba soċjali. Għandha tapplika l-istess protezzjoni msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 72*

**Dritt ta' appell**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet u l-miżuri meħuda skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunu soġġetti għal dritt ta' appell. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li n-nuqqas ta' teħid ta' deċiżjoni, fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, huwa soġġett għal dritt ta' appell.

*KAPITOLU 2*

***Proċessi ta' Reviżjoni***

Taqsima I

**Proċess ta' valutazzjoni dwar l-adegwatezza tal-kapital intern**

*Artikolu 73*

**Kapital Intern**

L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji u proċessi sodi, effikaċi u komprensivi biex jivvalutaw u jżommu fuq bażi kontinwa l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern li huma jqisu bħala xieraq biex ikopru n-natura u l-livell tar-riskji li huma esposti għalihom jew li jistgħu jkunu esposti għalihom.

Dawk l-istrateġiji u l-proċessi għandhom ikunu soġġetti għarriežami intern regolari biex ikun żgurat li jibqgħu komprensivi u proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni kkonċernata.

Taqsima II

**Arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet**

Sottotaqsima 1

**Prinċipji ġenerali**

*Artikolu 74*

**Governanza interna u pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni**

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti tajjeb, trasparenti u konsistenti, proċessi effikaċi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji li huma jew li jistgħu jkunu esposti għalihom, mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inkluż proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi tajba, u politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' ġestjoni tar-riskji soda u effikaċi u jippromwovuha.

2. L-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu komprensivi u proporzjonati għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fil-mudell tan-negozju u l-attivitajiet tal-istituzzjoni. Għandu jittieħed kont tal-kriterji tekniċi stabiliti fl-Artikoli 76 sa 95.

3. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1, f'konformità mal-paragrafu 2.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti pjanijiet ta' rkupru għar-restawr tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni, konsegwentement għal deterjorazzjoni sinifikanti, kif ukoll pjanijiet ta' riżoluzzjoni. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rekwiżiti biex istituzzjoni tfassal, iżżomm u taġġorna pjanijiet ta' rkupru u għall-awtorità ta' riżoluzzjoni wara li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti biex jitħejjew il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, jistgħu jitnaqqsu jekk, wara li jikkonsultaw lill-awtorità makroprudenzjali nazzjonali, l-awtortiajiet kompetenti jqisu li l-falliment ta' istituzzjoni speċifika minħabba, interalia, id-daqs tagħha, il-mudell ta' negozju tagħha, l-interkonnettività tagħha ma' istituzzjonijiet oħra, jew mas-sistema finanzjarja inġenerali, mhux ser ikollha effett negattiv fuq swieq finanzjarji, fuq istituzzjonijiet oħra jew fuq il-kondizzjonijiet ta' finanzjament.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u għandhom jiprovduhom bl-informazzjoni kollha neċessarja għat-tħejjija u l-abbozzar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni vijabbli li jistabbilixxu għażliet għar-riżoluzzjoni b'mod ordnat tal-istituzzjonijiet f'każ ta' falliment f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE għandha d-dritt li tipparteċipa fi u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-irkupru effikaċi u konsistenti u tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni.

F'dak ir-rigward l-ABE għandha tkun infurmata u għandha d-dritt li tipparteċipa fir-rigward ta' laqgħat relatati mal-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni. Meta ssir kwalunkwe laqgħa jew attività bħal din, l-ABE għandha tkun infurmata bis-sħiħ minn qabel dwar l-organizzazzjoni ta' tali laqgħat, dwar il-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu diskussi u dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu kkunsidrati.

*Artikolu 75*

**Sorveljanza tal-politiki tar-rimunerazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni żvelata f'konformità mal-kriterji għall-iżvelar stabbiliti fil-punti (g), (h) u (i) tal-Artikolu 450(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom jużawha biex jagħmlu analiżi komparattiva għal xejriet u prattiki tar-rimunerazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ABE.

2. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar politiki sodi ta' rimunerazzjoni li jikkonformaw mal-prinċipji stipulati fl-Artikoli 92 sa 95. Il-linji gwida għandhom iqisu l-prinċipji dwar politiki sodi ta' rimunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji ([1]).

L-AETS għandha tikkoopera mill-qrib mal-ABE għall-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni għall-kategoriji tal-persunal involut fil-forniment ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment fit-tifsira tal-punt 2 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE.

L-ABE għandha tuża l-informazzjoni li tirċievi mingħand l-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 1 biex tagħmel analiżi komparattiva tax-xejriet u l-prattiki tar-rimunerazzjoni fil-livell tal-Unjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-għadd ta' persuni fiżiċi f'kull istituzzjoni li jirċievu rimunerazzjoni ta' EUR 1 miljun jew aktar kull sena finanzjarja, li jaqilgħu mill-inqas EUR 1 miljun, inkluż ir-responsabbiltajiet tagħhom tal-impjiegi, il-qasam tan-negozju involut u l-elementi ewlenin tas-salarju, il-bonus, l-għotja fuq terminu twil u l-kontribuzzjoni tal-pensjoni. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat lill-ABE, li għandha tippubblikaha fuq bażi aggregata skont l-Istat Membru domiċiljari f'format komuni ta' rapportar. L-ABE tista' wkoll telabora linji gwida biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu u tiżgura l-konsistenza tal-informazzjoni miġbura.

([1]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.

Subtaqsima 2

**Kriterji tekniċi rigward l-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji**

*Artikolu 76*

**Trattament tar-riskji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni japprova u jirrieżamina perjodikament l-istrateġiji u l-politiki għat-teħid, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskji li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun esposta għalihom, inklużi dawk ikkawżati mill-ambjent makroekonomiku li tkun topera fih fir-rigward tal-istatus taċ-ċiklu ekonomiku.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni jiddedika ħin biżżejjed għall-konsiderazzjoni tal-kwistjonijiet ta' riskju. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkun attivament involut fil-ġestjoni tar-riskji materjali kollha indirizzati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ukoll fil-valutazzjoni tal-assi, tal-użu ta' klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu u ta' mudelli interni relatati ma' dawk ir-riskji. L-istituzzjoni għandha tistabbilixxi linji ta' rappurtar lill-korp ta' ġestjoni li jkopru r-riskji materjali u l-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskji kollha u l-bidliet relatati magħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet li huma sinifikanti f'termini tad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom jistabbilixxu kumitat tar-riskji magħmul minn membri tal-korp ta' ġestjoni li ma jaqdu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni kkonċernata. Il-membri tal-kumitat tar-riskji għandu jkollhom l-għarfien, il-ħiliet u l-ħila esperta xierqa biex jifhmu u jikkontrollaw bis-sħiħ l-istrateġija rigward ir-riskji u l-attitudni tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji.

Il-kumitat tar-riskji għandu jagħti pariri lill-korp ta' ġestjoni dwar l-attitudni u l-istrateġija ġenerali attwali u futura tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji u jassisti lill-korp ta' ġestjoni fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija mill-amministrazzjoni għolja. Il-korp ta' ġestjoni għandu jżomm ir-responsabbiltà ġenerali għar-riskji.

Il-kumitat tar-riskji għandu jeżamina jekk il-prezzijiet kollha tal-passivi u l-assi offerti lill-klijenti jiħdux kont bis-sħiħ tal-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni u l-istrateġija relatata mar-riskju. Meta l-prezzijiet ma jirriflettux b'mod adatt ir-riskji f'konformità mal-mudell kummerċjali u l-istrateġija relatata mar-riskju, il-kumitat tar-riskju għandu jippreżenta pjan ta' rimedju lill-korp ta' ġestjoni.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li istituzzjoni, li mhijiex meqjusa sinifikanti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, tgħaqqad il-kumitat tar-riskju mal-kumitat tal-verifika kif imsemmi fl-Artikolu 41 tad-Direttiva 2006/43/KE. Il-membri tal-kumitat ikkombinat għandu jkollhom l-għarfien, il-ħiliet u l-ħila esperta meħtieġa għall-kumitat tar-riskju u għall-kumitat tal-verifika.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u, fejn jkun ġie stabbilit kumitat tar-riskji jkun ġie stabbilit, il-kumitat tar-riskji jkollhom aċċess adatt għall-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji u, jekk meħtieġ u adatt, għall-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji u għal pariri minn esperti esterni.

Il-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u, fejn ikun ġie stabbilit il-kumitat tar-riskji għandu jiddetermina n-natura, l-ammont, il-format, u l-frekwenza tal-informazzjoni dwar ir-riskju li huma jkollhom jirċievu. Bil-għan li jassisti fl-istabbiliment ta' politiki u prattiki sodi ta' rimunerazzjoni, il-kumitat tar-riskju għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompiti tal-kumitat ta' rimunerazzjoni, jeżamina jekk l-inċentivi pprovduti mis-sistema ta' rimunerazzjoni jikkunsidrawx ir-riskju, il-kapital, il-likwidità u l-probabbiltà u ż-żmien meta jsir il-qligħ.

5. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-rekwiżit ta' proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva tal-Kummisjoni 2006/73/KE [1], jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji indipendenti mill-funzjonijiet operazzjonali u li jkollhom awtorità, statura, riżorsi u aċċess suffiċjenti għall-korp ta' ġestjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji tiżgura li r-riskji materjali kollha jiġu identifikati, mkejla, u rrapportati b'mod adatt. Huma għandhom jiżguraw li l-funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji tkun involuta attivament fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji u fid-deċiżjonijiet materjali kollha tal-ġestjoni tar-riskji u li tkun tista' tagħti perspettiva kompluta tal-firxa sħiħa tar-riskji tal-istituzzjoni.

Meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tkun tista' tirrapporta direttament lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu meta jkun meħtieġ, indipendentement mill-amministrazzjoni superjuri, u tista' tindika preokkupazzjonijiet u twissi lil dak il-korp, fejn dan ikun adatt, fejn żviluppi speċifiċi tar-riskju li jaffettwaw jew li jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni, bla preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u/jew ta' ġestjoni skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/ 2013.

Il-kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju għandu jkun amministratur eżekuttiv superjuri indipendenti b'responsabbiltà distinta għall-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju. Meta n-natura, l-iskala u kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni ma jkunux jiġġustifikaw li jkun hemm persuna nominata speċjalment għal dan, persuna superjuri oħra fi ħdan l-istess istituzzjoni tista' twettaq dik il-funzjoni, dment li ma jkunx hemm kunflitt ta' interess.

[1] Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26).

Il-kap tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji m'għandux jitneħħa mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu u għandu jkun jista' jkollu aċċess dirett għall-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu fejn meħtieġ.

L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/73/KE għad-ditti tal-investiment.

*Artikolu 77*

## Approċċi Interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet li huma sinifikanti f'termini ta' daqs, organizzazzjoni interna u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitjiet tagħhom biex jiżviluppaw kapaċità interna ta' valutazzjoni tar-riskji tal-kreditu u jżidu l-użu tal-approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjonijiet interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tal-kreditu meta l-iskoperturi tagħhom ikunu materjali f'termini assoluti u meta, fl-istess ħin, huma jkollhom numru kbir ta' kontropartijiet materjali. Dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-konformità mal-kriterji stipulati fil-Parti Tlieta, Titolu I, Kapitolu 3, Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, jissorveljaw li dawn ma jiddipendux unikament jew b'mod mekkaniku fuq il-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-entità jew l-istrument finanzjarju.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkoraġġixxu l-istituzzjonijiet, b'kont meħud tad-daqs, l-organizzazzjoni interna tagħhom u tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, biex jiżviluppaw kapaċità interna speċifika ta' valutazzjoni tar-riskji u jżidu l-użu tal-mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tal-istrumenti tad-dejn fil-portafoll tan-negozjar, flimkien mal-mudelli interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza u migrazzjoni fejn l-iskoperturi tagħhom għar-riskju speċifiku jkunu materjali f'termini assoluti u fejn ikollhom numru kbir ta' pożizzjonijiet materjali fi strumenti tad-dejn ta' emittenti differenti.

Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-sodisfar tal-kriterji stipulati fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5, it-Taqsimiet 1 sa 5, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddefinixxi aktar il-kunċett ta' 'skoperturi għal riskju speċifiku li jkunu materjali f'termini assoluti' msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 u l-limiti għal numri kbar ta' kontropartijiet u pożizzjonijiet materjali fi strumenti ta' dejn ta' emittenti differenti.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 78*

## Valutazzjoni komparattiva għas-superviżjoni ta' approċċi interni għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet awtorizzati li jużaw approċċi interni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ppeżati skont ir-riskju jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji bl-eċċezzjoni tar-riskju operazzjonali jirrappurtaw ir-riżultati tal-kalkoli tal-approċċi interni tagħhom għall-iskoperturi tagħhom jew il-pożizzjonijiet li huma inklużi fil-portafolli ta' referenza. L-istituzzjonijiet għandhom jippreżentaw ir-riżulati tal-kalkoli tagħhom flimkien ma' spjegazzjoni tal-metodoloġiji użati biex jipproduċuhom lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza adatta, u ta' mill-inqas darba f'sena.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jippreżentaw ir-riżultati tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mal-mudell żviluppat mill-ABE skont il-paragrafu 8 lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ABE. Meta l-awtoritajiet kompetenti jagħżlu li jiżviluppaw portafolli speċifiċi, huma għandhom jagħmlu dan b'konsultazzjoni mal-ABE u jiżguraw li l-istituzzjonijiet jirrappurtaw ir-riżultati tal-kalkoli separatament mir-riżultati tal-kalkoli għal portafolli tal-ABE.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1, jissorveljaw il-firxa ta' ammonti ta' skopertura ppeżati skont ir-riskju jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji, kif applikabbli, bl-eċċezzjoni tar-riskju operazzjonali, għall-iskoperturi jew it-transazzjonijiet fil-portafoll ta' referenza li jirriżulta mill-approċċi interni ta' dawk l-istituzzjonijiet. Tal-inqas darba f'sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni tal-kwalità ta' dawk l-approċċi filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lil:

(a) dawk l-approċċi li juru differenzi sinifikanti fir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istess skopertura;

(b) approċċi fejn hemm diversità partikolarment għolja jew baxxa, u wkoll fejn hemm sottovalutazzjoni sinifikanti u sistematika tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.

L-ABE għandha tipproduċi rapport li jassistu lill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-approċċi interni abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Fejn istituzzjonijiet partikolari juru diverġenza sinifikanti mill-maġġoranza tal-pari tagħhom jew fejn ma tantx ikun hemm karatteristiċi komuni fl-approċċi, li jwassal għal diversità wiesgħa ta' riżultati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvestigaw ir-raġunijiet għal dan u, jekk ikun jista' jiġi identifikat biċċar li l-approċċ ta' istituzzjoni partikolari jwassal għal sottovalutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li ma tistax tiġi attribwita għad-differenzi fir-riskji sottostanti tal-iskoperturi jew il-pożizzjonijiet, huma għandhom jieħdu azzjoni korrettiva.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-adegwatezza tal-azzjonijiet korrettivi kif imsemmija fil-paragrafu 4 jikkonformaw mal-prinċipju li tali azzjonijiet għandhom iżommu l-objettivi ta' approċċ intern, u għalhekk:

(a) ma jwasslux għall-istandardizzazzjoni jew għall-metodi preferiti;

(b) ma joħolqux inċentivi ħżiena; jew

(c) ma jikkawżawx sitwazzjoni fejn kulħadd jagħmel l-istess ħaġa.

6. L-ABE tista' toħroġ linji gwida u rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fejn tqis li jkunu meħtieġa abbażi tal-informazzjoni u l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu sabiex jitjiebu l-prattiki superviżorji jew il-prattiki tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-approċċ interni.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-proċeduri għall-kondiviżjoni tal-valutazzjonijiet magħmula f'konformità mal-paragrafu 3 bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-ABE;

(b) l-istandards għall-valutazzjoni magħmula mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 3.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-mudell, id-definizzjonijiet u s-soluzzjonijiet tal-IT li għandhom jiġu applikati fl-Unjoni għar-rappurtar imsemmi fil-paragrafu 2;

(b) il-portafoll jew portafolli ta' referenza msemmija fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

9. Sal-1 ta' April 2015 u wara li tkun ikkonsultat lill-ABE, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tal-valutazzjoni komparattiva tal-mudelli interni inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jiġi segwit minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 79*

**Il-kreditu u r-riskju tal-kontraparti**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li:

(a) l-għoti tal-kreditu jkun ibbażat fuq kriterji sodi u ddefiniti sewwa u li l-proċess għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament tal-krediti jkun stabbilit b'mod ċar;

(b) l-istituzzjonijiet ikollhom metodoloġiji interni li permezz tagħhom ikunu jistgħu jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi għad-debituri individwali, it-titoli jew il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u r-riskju tal-kreditu fil-livell tal-portafoll. B'mod partikolari, il-metodoloġiji interni m'għandhomx jistrieħu unikament jew mekkanikalment fuq il-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu. Meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu bbażati fuq klassifikazzjoni minn Istituzzjoni Esterna tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAI) jew ibbażati fuq il-fatt li skopertura ma tkunx ikklassifikata, dan m'għandux jeżenta lill-istituzzjonijiet milli jqisu b'mod addizzjonali l-informazzjoni rilevanti oħra għall-valutazzjoni tal-allokazzjoni interna tal-kapital tagħhom;

(c) l-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-portafolli u l-iskoperturi riskjużi varji tal-istituzzjonijiet, inkluż għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta' krediti problematiċi u biex ikun hemm aġġustamenti u dispożizzjonijiet ta' valur u adegwati, ikunu mħaddma permezz ta' sistemi effikaċi.

(d) id-diversifikazzjoni tal-portafolli tal-kreditu tkun adegwata fl-ambitu tas-swieq fil-mira u l-istrateġija tal-kreditu kumplessiva tal-istituzzjoni.

*Artikolu 80*

**Riskju residwu**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-riskju li t-tekniki rrikonoxxuti tal-mitigazzjoni tar-riskji tal-kreditu użati mill-istituzzjonijiet jirrizultaw inqas effikaċi milli kien mistenni jkun indirizzat u kkontrollat inkluż permezz ta' politiki u proċeduri bil-miktub.

*Artikolu 81*

**Riskju ta' konċentrazzjoni**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-riskju ta' konċentrazzjoni li joriġina minn skoperturi għal kull kontroparti, inklużi kontropartijiet ċentrali, gruppi ta' kontropartijiet konnessi, u kontropartijiet fl-istess settur ekonomiku, reġjun ġeografiku jew mill-istess attività jew prodott bażiku, l-applikazzjoni tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji tal-kreditu, u inkluż b'mod partikolari r-riskji assoċjati ma' skoperturi indiretti kbar ta' kreditu bħal emittent ta' kollateral waħdieni, ikun indirizzat u kkontrollat inkluż permezz ta' politiki u proċeduri bil-miktub.

*Artikolu 82*

**Riskju ta' titolizzazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-riskji li joriġinaw minn transazzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu investitur, oriġinatur jew sponsor, inklużi riskji ta' reputazzjoni bħal dawk li joriġinaw fir-rigward ta' strutturi jew prodotti kumplessi, jiġu evalwati u indirizzati permezz ta' politiki u proċeduri adatti, biex ikun żgurat li s-sustanza ekonomika tat-transazzjoni tkun riflessa bis-sħiħ fil-valutazzjoni tar-riskju u d-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-pjanijiet tal-likwidità biex ikunu indirizzati l-implikazzjonijiet tal-amortizzazzjoni kemm dik skedata kif ukoll dik bikrija jkunu jeżistu fl-istituzzjonijiet li jkunu l-oriġinaturi ta' transazzjonijiet ċirkolanti ta' titolizzazzjoni li jinvolvu dispożizzjonijiet għal amortizzazzjoni bikrija.

*Artikolu 83*

**Riskju tas-suq**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċessi għall-identifikazzjoni, il-kalkolu u l-ġestjoni tas-sorsi materjali kollha u l-effetti tar-riskji tas-suq ikunu implimentati.

2. Fejn il-pożizzjoni bin-nieqes ikollha skadenza qabel il-pożizzjoni twila, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ukoll jieħdu miżuri kontra r-riskju ta' nuqqas ta' likwidità.

3. Il-kapital intern għandu jkun adegwat għar-riskji tas-suq materjali li ma jkunux soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji.

L-istituzzjonijiet li huma u jikkalkolaw ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għal riskju tal-pożizzjoni f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2, tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikunu kkalkolaw il-valur nett tal-pożizzjonijiet tagħhom f'wieħed jew aktar mill-ekwitajiet li jikkostitwixxu indiċi tal-borża kontra pożizzjoni waħda jew aktar fil-futuri tal-indiċi tal-borża jew prodotti oħra tal-indiċi tal-borża, għandu jkollhom kapital intern adegwat biex ikopru r-riskju bażiku ta' telf ikkawżat mill-valur tal-futures jew ta' prodotti oħra li ma jiċċaqlqux totalment skont dak tal-ekwitajiet kostitwenti tagħha. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll ikollhom tali kapital intern adegwat fejn ikollhom pożizzjonijiet opposti fil-futures tal-indiċi tal-borża li ma jkunux identiċi jew fir-rigward tal-maturità tagħhom jew rigward il-kompożizzjoni tagħhom jew fir-rigward tat-tnejn.

Fl-użu tat-trattament fl-Artikolu 345 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jkollhom kapital intern suffiċjenti kontra r-riskju ta' telf li jkun jeżisti bejn iż-żmien tal-impenn inizjali u l-ewwel jum ta' ħidma segwenti.

*Artikolu 84*

**Riskji ta' ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jirriżultaw minn attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jimplimentaw sistemi għall-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw minn bidliet potenzjali fir-rati tal-imgħax li jaffettwaw l-attivitajiet li mhumiex parti mill-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni.

*Artikolu 85*

**Riskju operazzjonali**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jimplimentaw politiki u proċessi għall-evalwazzjoni u l-ġestjoni tal-iskopertura għal riskji operazzjonali, inkluż ir-riskju tal-immudellar, u biex ikopru l-avvenimenti ta' severità għolja u frekwenza baxxa. L-istituzzjonijiet għandhom ifissru x'inhu li jikkostitwixxi riskju operattiv għall-finijiet ta' dawk il-politiki u l-proċeduri.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ pjanijiet ta' kontinġenza u kontinwità tan-negozju biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' istituzzjoni li topera fuq bażi kontinwa u tillimita t-telf fil-każ ta' interruzzjoni serja għan-negozju.

*Artikolu 86*

**Riskju tal-likwidità**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom strateġiji, politiki, proċessi u sistemi għall-identifikazzjoni, il-kalkolu, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskju ta' likwidità fuq sett ta' perjodi ta' żmien adatti, inklużi fl-istess ġurnata, sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu livelli xierqa ta' riżervi ta' likwidità. Dawk l-istrateġiji, il-politiki, il-proċessi u s-sistemi għandhom jitfasslu skont il-linji tan-negozju, il-muniti, il-fergħat u l-entitajiet ġuridiċi u għandhom jinkludu mekkaniżmi adegwati ta' allokazzjoni tal-ispejjeż, il-benefiċċji u r-riskji tal-likwidità.

2. L-istrateġiji, il-politiki, il-proċessi u s-sistemi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonati għall-kumplessità, il-profil ta' riskju, l-ambitu tal-operat tal-istituzzjonijiet u t-tolleranza għar-riskju stabbiliti mill-korp ta' ġestjoni u jirriflettu l-importanza tal-istituzzjoni f'kull Stat Membru li fih tkun twettaq in-negozju. L-istituzzjonijiet għandhom jikkomunikaw it-tolleranza għar-riskju lil-linji tan-negozju rilevanti kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet, meta jitqiesu n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, għandhom profili relatati mar-riskju ta' likwidità li huma konsistenti, u mhux iktar minn, dawk meħtieġa għal sistema li taħdem sew u robusta.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-iżviluppi fir-rigward tal-profili relatati mar-riskju ta' likwidità, pereżempju d-disinn tal-prodott u l-volumi tiegħu, il-ġestjoni tar-riskju, il-politiki relatati mal-finanzjament u l-konċentrazzjonijiet tal-finanzjament.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjoni effettiva fejn l-iżviluppi msemmija fit-tieni subparagrafu jistgħu jwasslu għall-instabbiltà ta' istituzzjoni individwali jew instabbiltà sistemika.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar kwalunkwe azzjoni mwettqa skont it-tielet subparagrafu.

L-ABE għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet fejn xieraq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jiżviluppaw metodoloġiji għall-identifikazzjoni, il-kalkolu, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-pożizzjonijiet ta' finanzjament. Dawk il-metodoloġiji għandhom jinkludu l-likwidità materjali attwali u pproġettati fi, u li jitnisslu minn, assi, obbligazzjonijiet, entrati barra mill-karta tal-bilanċ inklużi obbligazzjonijiet kontinġenti u l-impatt potenzjali ta' riskju għar-reputazzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jiddistingwu bejn assi mirhuna u assi ħielsa minn irbit li jkunu disponibbli f'kull ħin, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-istituzzjonijiet iqisu l-entità ġuridika li fiha jkunu jinsabu l-assi, il-pajjiż fejn l-assi jkunu rreġistrati legalment jew f'reġistru jew inkella f'kont, u l-eliġibbiltà tagħhom u għandhom jissorveljaw kif l-assi jistgħu jiġu mmobilizzati mingħajr dewmien.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet iqisu wkoll il-limitazzjonijiet legali, regolatorji u operattivi eżistenti għat-trasferimenti potenzjali tal-likwidità u tal-assi ħielsa minn irbit fost l-entitajiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll 'il barra minnha.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet iqisu l-għodod differenti għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' likwidità, inkluża sistema ta' limiti u riżervi ta' likwidità sabiex ikunu b'saħħithom biżżejjed għal sensiela ta' avvenimenti ta' stress differenti u struttura ta' finanzjament adegwatement diversifikata u aċċess għal sorsi ta' finanzjament. Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu rieżaminati regolarment.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet iqisu xenarji alternattivi ta' pożizzjonijiet ta' likwidità u tal-mitiganti tar-riskji u jirrieżaminaw is-suppożizzjonijiet sottostanti għad-deċiżjonijiet rigward il-pożizzjoni ta' finanzjament mill-inqas kull sena. Għal dawk il-finijiet, ix-xenarji alternattivi għandhom jindirizzaw, b'mod partikolari, l-entrati li ma jidhrux u obbligazzjonijiet kontinġenti oħrajn, inklużi dawk tal-Entitajiet bi Skop Speċjali fir-rigward tat-Titolizzazzjoni (SSPEs) jew entitajiet oħrajn bi skopijiet speċjali, kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni taġixxi ta' sponsor jew tipprovdi appoġġ ta' likwidità materjali.

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet iqisu l-impatt potenzjali ta' xenarji alternattivi li jkunu speċifiċi għall-istituzzjoni, mifruxin mas-suq kollu u kkombinati. Għandhom jitqiesu perijodi ta' żmien differenti u kondizzjonijiet ta' stress ta' gradi varjanti.

10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jaġġustaw l-istrateġiji, il-politiki interni u l-limitazzjonijiet fuq ir-riskju ta' likwidità tagħhom u jiżviluppaw pjanijiet ta' kontinġenza effikaċi, filwaqt li jqisu l-eżitu tax-xenarji alternattivi msemmija fil-paragrafu 8.

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ pjanijiet ta' rkupru tal-likwidità li jistabbilixxu strateġiji adegwati u miżuri ta' implimentazzjoni xierqa sabiex jindirizzaw il-possibbiltà ta' nuqqas ta' likwidità, inkluż fir-rigward ta' fergħat stabbiliti f'xi Stat Membru ieħor. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawk il-pjanijiet jiġu ttestjati mill-istituzzjonijiet mill-inqas kull sena, jiġu aġġornati abbażi tal-eżitu tax-xenarji alternattivi stipulati fil-paragrafu 8, u jiġu rrapportati lill-amministrazzjoni għolja u approvati minnha, sabiex il-politiki u l-proċessi interni jkunu jistgħu jiġu aġġustati kif meħtieġ. L-istituzzjoniiet għandhom jieħdu l-passi operattivi meħtieġa minn qabel biex jiżguraw li l-pjanijiet ta' rkupru tal-likwidità jkunu jistgħu jiġu implimentati minnufih. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, tali passi operattivi għandhom jinkludu l-pussess ta' kollateral disponibbli b'mod immedjat għal finanzjament mill-bank ċentrali. Dan jinkludi l-pussess ta' kollateral fejn meħtieġ fil-munita ta' Stat Membru ieħor, jew il-munita ta' pajjiż terz li għalih l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha skopertura, u meta jkun meħtieġ b'mod operattiv fit-territorju ta' Stat Membru ospitanti jew ta' pajjiż terz li tkun esposta għall-munita tiegħu.

*Artikolu 87*

**Riskju ta' ingranaġġ eċċessiv**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom politiki u proċessi fis-seħħ għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva. L-indikaturi tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva għandhom jinkludu l-proporzjon tal-lieva finanzjarja ddeterminat skont l-Artikolu 429 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-diskrepanzi bejn l-assi u l-obbligi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jindirizzaw ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva bi prekawzjoni billi jqisu ż-żidiet potenzjali fir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva kkawżat minn tnaqqis fil-fondi proprji tal-istituzzjoni minħabba telf mistenni jew realizzat, skont ir-regoli kontabbilistiċi applikabbli. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jifilħu għal firxa ta' avvenimenti ta' stress differenti fir-rigward tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva.

Sottotaqsima 3

**Governanza**

*Artikolu 88*

**Arranġamenti ta' governanza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni jiddefinixxi, jissorvelja u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza li jiżguraw ġestjoni effikaċi u prudenti ta' istituzzjoni, inkluża s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess.

Dawk l-arranġamenti għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

(a) il-korp ta' ġestjoni jrid ikollu r-responsabilità kumplessiva għall-istituzzjoni u japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi, l-istrateġija tar-riskju u l-governanza interna tal-istituzzjoni;

(b) il-korp ta' ġestjoni jrid jiżgura l-integrità tas-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rappurtar finanzjarju, inklużi kontrolli finanzjarji u operazzjonali u konformità mal-liġi u l-istandards rilevanti;

(c) il-korp ta' ġestjoni jrid jissorvelja l-proċess tal-iżvelar u l-komunikazzjoni;

(d) il-korp ta' ġestjoni jrid ikun responsabbli li jipprovdi sorveljanza effikaċi tal-amministrazzjoni għolja;

(e) il-president tal-korp ta' ġestjoni responsabbli fil-funzjoni superviżorja tiegħu għal istituzzjoni ma jridx fl-istess ħin jeżerċita l-funzjonijiet ta' uffiċjal għoli superjuri fi ħdan l-istess istituzzjoni, dment li dan ma jkunx iġġustifikat mill-istituzzjoni u awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta' ġestjoni jissorvelja u jivvaluta perjodikament l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjoni u jieħu passi adatti biex jindirizza kwalunkwe nuqqas.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet li huma sinifikanti f'termini tad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom jistabbilixxu kumitat ta' nominazzjoni magħmul minn membri tal-korp ta' ġestjoni li ma jwettqu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni kkonċernata.

Il-kumitat tan-nominazzjoni għandu:

(a) jidentifika u jirrakkomanda, għall-approvazzjoni tal-korp ta' ġestjoni jew għall-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali, kandidati sabiex jimtlew il-postijiet battala fil-korp ta' ġestjoni, jevalwa l-bilanċ tal-għarfien, il-ħiliet, id-diversità u l-esperjenza tal-korp ta' ġestjoni u jħejji deskrizzjoni tar-rwoli u l-kapaċitajiet għal ħatra partikolari, u jivvaluta l-impenn ta' ħin mistenni.

Barra minn hekk, il-kumitat tan-nominazzjoni għandu jiddeċiedi dwar mira għar-rappreżentazzjoni tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp ta' ġestjoni u jħejji politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp ta' ġestjoni sabiex tintlaħaq dik il-mira. Il-mira, il-politika u l-implimentazzjoni tagħha għandhom jiġu ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 435(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) huwa għandu jivvaluta perjodikament, u tal-inqas kull sena, l-istruttura, id-daqs, il-kompożizzjoni u l-prestazzjoni tal-korp ta' ġestjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp ta' ġestjoni fir-rigward ta' kwalunkwe bidla;

(c) huwa għandu jevalwa perjodikament, u tal-inqas darba f'sena, l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza tal-membri individwali tal-korp ta' ġestjoni u tal-korp ta' ġestjoni kollettivament, u jirrapporta dan kollu lill-korp ta' ġestjoni;

(d) jirrieżamina perjodikament il-politika tal-korp ta' ġestjoni għall-għażla u n-nomina tal-amministrazzjoni għolja u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-korp ta' ġestjoni.

Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-kumitat ta' nominazzjoni għandu, sa fejn ikun possibbli u fuq bażi kontinwa, jieħu kont tal-ħtieġa li jiġi żgurat li t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-korp ta' ġestjoni ma jkun iddominat mill-ebda individwu jew grupp żgħir ta' individwi b'mod li jkun ta' ħsara għall-interessi tal-istituzzjoni inġenerali.

Il-kumitat tan-nominazzjoni għandu jkun jista' juża kwalunkwe forma ta' riżorsi li huwa jqis adatta, inklużi l-pariri esterni, u għandu jirċievi finanzjament adatt għal dan il-għan.

Fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-korp ta' ġestjoni ma jkollu l-ebda kompetenza fil-proċess tal-għażla u n-nomina ta' kwalunkwe membru tiegħu, dan il-paragrafu m'għandux japplika.

*Artikolu 89*

**Rappurtar Pajjiż b'Pajjiż**

1. Mill-1 ta' Jannar 2015, l-Istati Membri għandhom jesiġu lil kull istituzzjoni biex kull sena tiżvela lill-pubbliku, waqt li tispeċifika skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fih għandha stabbiliment, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:

(a) in-natura tal-isem/ismijiet tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;

(b) il-valur tal-bejgħ;

(c) l-għadd ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;

(d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;

(e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;

(f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jiżvelaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għall-ewwel darba fi 1 ta' Lulju 2014.

3. Sa 1 ta' Lulju 2014, l-istituzzjonijiet globali sistemikament importanti kollha awtorizzati fl-Unjoni għabhom jippreżentaw-lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(d) sa (f)fuq bażi kunfidenzjali. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-ABE, lill-EIOPA u lill-AETS, kif opportun, għandha twettaq valutazzjoni ġenerali fir-rigward tal-konsegwenzi ekonomiċi negattivi potenzjali tal-iżvelar pubbliku ta' tali informazzjoni, inkluż l-impatt fuq il-kompetittività, l-investiment u d-disponibbiltà tal-kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2014.

Fejn ir-rapport tal-Kummissjoni jidentifika effetti negattivi sinifikanti, il-Kummissjoni għandha tqis li tagħmel proposta leġislattiva adatta għall-emendar tal-obbligi tal-iżvelar stipulati fil-paragrafu 1 u tista' konformement mal-punt (h) tal-Artikolu 145 tiddeċiedi li tiddifferixxi dawk l-obbligi. Il-Kummissjoni kull sena għandha tirrieżamina kull sena n-neċessità li testendi dan id-differiment.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi vverifikata skont id-Direttiva 2006/43/KE u għandha tiġi ppubblikata, fejn possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew, fejn applikabbli, għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-istituzzjoni kkonċernata.

5. Sa fejn atti leġislattivi futuri tal-Unjoni għal obbligi ta' żvelar ikunu jeċċedu dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu, dan l-Artikolu m'għandux jibqa' japplika u għandu jitħassar kif meħtieġ.

*Artikolu 90*

**Żvelar pubbliku tal-prestazzjoni fuq l-assi**

L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw fir-rapport annwali tagħhom fost l-indikaturi ewlenin il-prestazzjoni tagħhom fuq l-assi, ikkalkulata bħala l-qligħ nett tagħhom diviża bil-karta tal-bilanċ totali tagħhom.

*Artikolu 91*

**Korp ta' ġestjoni**

1. Il-membri tal-korp ta' ġestjoni għandhom ikunu dejjem ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza biżżejjed biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-korp ta' ġestjoni għandha tirrifletti firxa adegwatament wiesgħa ta' esperjenzi. Il-membri tal-korp ta' ġestjoni għandhom, b'mod partikolari, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 8.

2. Il-membri kollha tal-korp ta' ġestjoni għandhom jiddedikaw ħin biżżejjed għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom fl-istituzzjoni.

3. L-għadd ta' karigi ta' direttur li jista' jkollu membru tal-korp ta' ġestjoni fl-istess waqt għandu jqis iċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni. Sakemm ma jirrappreżentawx l-Istat Membru, il-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni li tkun sinifikanti f'termini ta' daqs, organizzazzjoni interna u tan-natura, ambitu u kumplessità tal-attivitajiet tagħha, għandhom, mill-1 ta' Lulju 2014, ikollhom biss waħda, u mhux iżjed, mill-kombinazzjonijiet li ġejjin ta' karigi ta' direttur fl-istess ħin:

(a) kariga ta' direttur eżekuttiv wieħed b'żewġ karigi ta' direttur mhux eżekuttivi;

(b) erba' karigi ta' direttur mhux eżekuttivi.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, dawn li ġejjin jgħoddu bħala kariga ta' direttur wieħed:

(a) karigi ta' direttur eżekuttiv jew mhux eżekuttiv miżmuma fl-istess grupp;

(b) karigi ta' direttur eżekuttiv jew mhux eżekuttiv miżmuma fi:

(i) istituzzjonijiet li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/ 2013; jew

(ii) impriżi (inklużi entitajiet mhux finanzjarji) li fihom l-istituzzjoni għandha parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti.

5. Il-karigi ta' direttur f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux b'mod predominanti objettivi kummerċjali m'għandhomx jgħoddu għall-finijiet tal-paragrafu 3.

6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw membri tal-korp ta' ġestjoni biex ikollhom kariga addizzjonali ta' direttur mhux eżekuttiv. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw b'mod regolari lill-ABE dwar tali awtorizzazzjonijiet.

7. Il-korp ta' ġestjoni għandu jkollu għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati biex ikun jista' jifhem l-attivitajiet tal-istituzzjoni, inklużi r-riskji ewlenin.

8. Kull membru tal-korp ta' ġestjoni għandu jaġixxi b'onestà, integrità u indipendenza fil-ħsieb biex jivvaluta u jikkontesta b'mod effikaċi d-deċiżjonijiet tal-amministrazzjoni għolja fejn meħtieġ u biex jissorvelja u jwettaq monitoraġġ effikaċi fuq it-teħid ta' deċizjonijiet ta' ġestjoni.

9. L-Istituzzjonijiet għandhom jiddedikaw riżorsi umani u finanzjarji adegwati għat-trawwim u t-taħriġ tal-membri tal-korp ta' ġestjoni.

10. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet u l-kumitati ta' nominazzjoni rispettivi tagħhom jużaw persuni b'sett wiesa' ta' kwalitajiet u kompetenzi fir-reklutaġġ ta' membri għall-korp ta' ġestjoni u għal dak l-għan jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità fi ħdan il-korp ta' ġestjoni.

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni żvelata f'konformità mal-Artikolu 435(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom jagħmlu użu minnha biex jivvalutaw b'mod komparattiv il-prattiki ta' diversità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-ABE. L-ABE għandha tuża dik l-informazzjoni għall-valutazzjoni komparattiva tal-prattika ta' diversità fil-livell tal-Unjoni.

12. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar dan li ġej:

(a) il-kunċett ta' impenn suffiċjenti tal-ħin iddedikat ta' membru tal-korp ta' ġestjoni biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, b'rabta maċ-ċirkostanzi individwali u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet fl-istituzzjoni;

(b) il-kunċett ta' għarfien, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 7;

(c) il-kunċett ta' onestà, integrità u indipendenza tal-ħsieb ta' membru tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 8;

(d) il-kunċett ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati ddedikati għat-trawwim u t-taħriġ tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 9;

(e) il-kunċett ta' diversità li għandha titqies fl-għażla tal-membri tal-korp ta' ġestjoni kif imsemmi fil-paragrafu 10.

L-ABE għandha toħroġ dawk il-linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2015.

13. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rappreżentanza tal-impjegati fil-korp ta' ġestjoni kif previst mil-liġi nazzjonali.

*Artikolu 92*

**Politiki ta' rimunerazzjoni**

1. L-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikoli 93, 94 u 95 għandha tkun żgurata mill-awtoritajiet kompetenti għall-istituzzjonijiet fil-livell ta' grupp, kumpannija prinċipali u kumpannija sussidjarja, inklużi dawk stabbiliti fiċ-ċentri finanzjarji offshore.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki ta' rimunerazzjoni totali, li jinkludu s-salarji u l-benefiċċji ta' pensjoni diskrezzjonali, għall-kategoriji tal-persunal inkluż l-amministrazzjoni għolja, dawk li jieħdu r-riskju, il-persunal involut fil-funzjonijiet ta' kontroll u kwalunkwe impjegat li jirċievi rimunerazzjoni totali li jpoġġihom fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni bħall-amministrazzjoni għolja u dawk li jieħdu r-riskju, li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin b'mod u sa fejn ikun xieraq għad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(a) il-politika ta' rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' ġestjoni ta' riskji soda u effikaċi u tippromwoviha u ma tinkoraġġixxix it-teħid ta' riskji li jaqbeż il-livell ta' riskju tollerat tal-istituzzjoni;

(b) il-politika tar-rimunerazzjoni tkun konformi mal-istrateġija tan-negozju, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni, u tinkorpora miżuri biex ikunu evitati kunflitti ta' interess;

(c) il-korp ta' ġestjoni ta' istituzzjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu jadotta u perjodikament jirrieżamina l-prinċipji ġenerali tal-politika ta' rimunerazzjoni u jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħha;

(d) l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni tkun, tal-inqas kull sena, soġġetta għal rieżami intern ċentrali u indipendenti rigward il-konformità mal-politiki u l-proċeduri għar-rimunerazzjoni adottati mill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(e) il-persunal involut fil-funzjonijiet ta' kontroll ikun indipendenti mill-unitajiet tan-negozju li jissorveljaw, ikollu awtorità xierqa, u jkun irrimunerat skont il-kisba tal-objettivi marbuta mal-funzjonijiet tiegħu, indipendentement mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jikkontrolla;

(f) ir-rimunerazzjoni tal-uffiċjali għolja fil-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji u l-konformità tkun issorveljata direttament mill-kumitat għar-rimunerazzjoni msemmi fl-Artikolu 95 jew, jekk tali kumitat ma jkunx ġie stabbilit, mill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(g) il-politika ta' rimunerazzjoni, b'kont meħud tal-kriterji nazzjonali dwar l-iffissar tal-pagi, tagħmel distinzjoni ċara bejn kriterji għall-iffissar ta':

(i) rimunerazzjoni bażika fissa, li għandha tirrifletti primarjament l-esperjenza professjonali rilevanti u r-responsabilità fl-organizzazzjoni kif stipulat fid-deskrizzjoni tal-impjieg tal-impjegat bħala parti mit-termini tal-impjieg; u

(ii) rimunerazzjoni varjabbli li għandha tirrifletti prestazzjoni sostenibbli u aġġustata għar-riskju kif ukoll prestazzjoni ikbar minn dik mitluba biex wieħed jissodisfa d-deskrizzjoni tal-impjieg tal-impjegat bħala parti mit-termini tal-impjieg.

*Artikolu 93*

**Istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn intervent tal-gvern**

Fil-każ tal-istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn intervent eċċezzjonali tal-gvern, il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw flimkien ma' dawk stipulati fl-Artikolu 92(2):

(a) rimunerazzjoni varjabbli tkun strettament limitata bħala persentaġġ tad-dħul nett meta din ma tkunx konsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda u l-ħruġ f'waqtu mill-appoġġ tal-gvern;

(b) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jirrikjedu li l-istituzzjonijiet jirristrutturaw ir-rimunerazzjoni b'mod allinjat mal-ġestjoni tar-riskji sod u t-tkabbir fuq terminu twil, inkluż, meta jkun xieraq, l-istabbiliment ta' limiti għar-rimunerazzjoni tal-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni;

(c) l-ebda rimunerazzjoni varjabbli ma titħallas lill-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni sakemm ma tkunx iġġustifikata.

*Artikolu 94*

**Elementi varjabbli tar-rimunerazzjoni**

1. Għall-elementi varjabbli tar-rimunerazzjoni, il-prinċipji li ġejjin għandhom japplikaw flimkien ma', u bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk stipulati fl-Artikolu 92(2):

(a) meta r-rimunerazzjoni tkun irrelatata mal-prestazzjoni, l-ammont totali tar-rimunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju kkonċernata u tar-riżultati ġenerali tal-istituzzjoni u meta ssir il-valutazzjoni tal-prestazzjoni individwali, għandhom jitqiesu kriterji finanzjarji u mhux finanzjarji;

(b) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tkun stabbilita f'qafas pluriennali sabiex ikun żgurat li l-proċess ta' evalwazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas reali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq perijodu li jqis iċ-ċiklu ekonomiku sottostanti tal-istituzzjoni ta' kreditu u r-riskji tan-negozju tagħha;

(c) ir-rimunerazzjoni varjabbli totali ma tillimitax il-kapaċità tal-istituzzjoni li ssaħħaħ il-bażi kapitali tagħha;

(d) ir-rimunerazzjoni varjabbli ggarantita mhix konsistenti mal-ġestjoni tajba tar-riskju jew mal-prinċipju ta' ħlas għal prestazzjoni u m'għandhiex tkun parti mill-pjanijiet ta' rimunerazzjoni prospettivi;

(e) rimunerazzjoni varjabbli ggarantita tkun eċċezzjonali, isseħħ biss meta jiġi impjegat persunal ġdid u fejn l-istituzzjoni jkollha bażi ta' kapital tajba u b'saħħitha u tkun limitata għall-ewwel sena tal-impjieg;

(f) il-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali huma bbilanċjati b'mod adatt u l-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali biex tkun tista' titħaddem politika kompletament flessibbli, fuq komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni, inkluża l-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni;

(g) l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-proporzjonijiet xierqa bejn il-komponent fiss u l-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni totali, fejn għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(i) Il-komponent varjabbli m'għandux jaqbeż il-100 % tal-komponent fiss tar-rimunerazzjoni totali għal kull individwu. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perċentwali massimu aktar baxx;

(ii) L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-azzjonisti jew lis-sidien jew membri tal-istituzzjoni japprovaw livell massimu ogħla tal-proporzjon bejn il-komponent fiss u dak varjabbli tar-rimunerazzjoni sakemm il-livell ġenerali tal-komponent varjabbli ma jaqbiżx il-200 % tal-komponent fiss tar-rimunerazzjoni totali għal kull individwu. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perċentwali massimu aktar baxx.

Kwalunkwe approvazzjoni ta' proporzjon ogħla skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura li ġejja:

— l-azzjonisti jew is-sidien jew il-membri tal-istituzzjoni għandhom jaġixxu fuq rakkomandazzjoni dettaljata mill-istituzzjoni, u jagħtu r-raġunijiet għal u l-ambitu ta' approvazzjoni mitluba, inkluż l-għadd ta' persunal affettwat, il-funzjonijiet tagħhom kif ukoll l-impatt mistenni fuq ir-rekwiżit biex tinżamm bażi ta' kapital soda;

— l-azzjonisti jew sidien jew membri tal-istituzzjoni għandhom jaġixxu b'maġġoranza ta' mill-inqas 66 % sakemm mill-inqas 50 % tal-ishma jew tad-drittijiet ta' sjieda ekwivalenti jkunu rappreżentati jew, jekk ma jsirx hekk, huma għandhom jaġixxu b'maġġoranza ta' 75 % tad-drittijiet tas-sjieda rappreżentati;

— l-istituzzjoni għandha tinnotifika lill-azzjonisti jew lis-sidien jew lill-membri tal-istituzzjoni, filwaqt li tagħti perijodu ta' notifika raġonevoli minn qabel, li ser tintalab approvazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt;

— l-istituzzjoni, għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti dwar ir-rakkomandazzjoni lill-azzjonisti jew lis-sidien jew lill-membri tagħha, inkluż il-proporzjon massimu ogħla propost u r-raġunijiet għal dan, u għandha, tkun kapaċi turi lill-awtorità kompetenti li l-proporzjon ogħla propost jaqbel mal-obbligi tal-istituzzjoni skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara li kkunsidrat b'mod partikolari l-obbligi ta' fondi proprji tal-istituzzjoni;

— l-istituzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità kompetenti dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-azzjonisti jew sidien membri tagħha, inkluż kwalunkwe proporzjon massimu ogħla skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw l-informazzjoni li taslilhom biex jivvalutaw b'mod komparattiv il-prattiki tal-istituzzjonijiet f'dak ir-rigward. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu dik l-informazzjoni lill-ABE, li għandha tippubblikaha fuq bażi aggregata skont l-Istat Membru domiċiljari f'format ta' rappurtar komuni. L-ABE tista' wkoll tfassal linji gwida biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan l-inċiż u tiżgura l-konsistenza tal-informazzjoni miġbura.

— il-persunal li huwa kkonċernat direttament mil-livelli massimi ogħla ta' rimunerazzjoni varjabbli msemmija f'dan il-punt m'għandhiex, fejn applikabbli, tingħata permess teżerċita, direttament jew indirettament, kwalunkwe dritt tal-vot li huma jista' jkollhom bħala azzjonisti jew sidien jew membri tal-istituzzjoni.

(iii) L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet japplikaw ir-rata ta' skont imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-punt għal massimu ta' 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali sakemm titħallas fi strumenti li huma differiti għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perċentwali massimu aktar baxx.

L-ABE għandha tħejji u tippubblika, sal-31 ta' Marzu 2014, linji gwida dwar ir-rata ta' skont nozzjonali applikabbli b'kont meħud tal-fatturi rilevanti kollha inkluż ir-rata tal-inflazzjoni u r-riskju, li jinkludi t-tul ta' differiment. Il-linji gwida tal-ABE dwar ir-rata ta' skont għandha tqis speċifikament kif tagħti inċentiv għall-użu ta' strumenti li huma differiti għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin.

(h) il-pagamenti relatati mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni miksuba matul iż-żmien u ma jingħatawx falliment jew kondotta ħażina;

(i) pakketti ta' rimunerazzjoni relatati mal-kumpens jew l-akkwiżizzjoni minn kuntratti f'impjieg preċedenti għandu jallinja mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni inkluż retenzjoni, differiment, prestazzjoni u arranġamenti ta' restituzzjoni (claw back).

(j) il-kalkolu tal-prestazzjoni użat fil-kalkolu tal-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jew aggregazzjonijiet ta' komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jinkludi l-aġġustament għat-tipi kollha ta' riskji attwali u futuri u jqis l-ispejjeż tal-kapital u l-likwidità meħtieġa;

(k) l-allokazzjoni tal-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni għandha tqis ukoll it-tipi kollha ta' riskji attwali u futuri;

(l) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas 50 %, ta' kwalunkwe rimunerazzjoni varjabbli għandha tikkonsisti f'bilanċ ta' dan li ġej:

(i) ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti, soġġetti għall-istruttura ġuridika tal-istituzzjoni kkonċernata jew strumenti marbuta ma' ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu mhux kwotata;

(ii) fejn ikun possibbli, strumenti oħra fis-sens tal-Artikolu 52 jew 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew strumenti oħra li jistgħu jiġu konvertiti kompletament għall-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew jinkitbu, li f'kull każ jirriflettu adegwatament il-kwalità tal-kreditu tal-istituzzjoni bħala negozju avvjat u huma adatti biex jintużaw għall-finijiet ta' rimunerazzjoni varjabbli.

L-istrumenti msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu soġġetti għal politika ta' retenzjoni xierqa mfassla b'mod li l-inċentivi jkunu allinjati mal-interessi aktar fit-tul tal-istituzzjoni. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jpoġġu restrizzjonijiet fuq it-tipi u d-disinji ta' dawk l-istrumenti jew jipprojbixxu ċerti strumenti, kif ikun xieraq. Dan il-punt għandu jkun applikat kemm għall-porzjon tal-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni differit skont il-punt (m) u l-porzjon tal-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni mhux differit;

(m) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas 40 % tal-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni jkun iddifferit matul perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin sa ħames snin u jkun allinjat b'mod korrett man-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal inkwistjoni.

Ir-rimunerazzjoni li għandha titħallas skont l-arranġamenti ta' differiment m'għandhiex tvesti aktar malajr minn waħda fuq bażi pro-rata. Fil-każ ta' komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, tal-inqas 60 % tal-ammont għandu jiġi ddifferit. It-tul tal-perijodu tad-differiment għandu jkun stabbilit skont iċ-ċiklu ekonomiku, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal inkwistjoni;

(n) ir-rimunerazzjoni varjabbli, inkluż il-porzjon iddifferit, titħallas jew tvesti biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni fl-intier tagħha, u tkun iġġustifikata abbażi tal-prestazzjoni tal-istituzzjoni, l-unità tan-negozju u l-individwu kkonċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji ġenerali tal-liġijiet nazzjonali dwar il-kuntratti u dwar l-impjiegi, ir-rimunerazzjoni varjabbli totali għandha ġeneralment tiċċekken konsiderevolment meta sseħħ prestazzjoni finanzjarja mdgħajfa jew negattiva tal-istituzzjoni, b'kont meħud kemm tar-rimunerazzjoni attwali kif ukoll tat-tnaqqis fil-pagamenti ta' ammonti li jkunu ddaħħlu preċedentement, inklużi minħabba arranġamenti ta' malus jew clawback.

Sa 100 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali għandha tkun soġġetta għal arranġamenti ta' malus jew clawback. L-istituzzjonijiet għandhom jiffissaw kriterji speċifiċi għall-applikazzjoni tal-malus u l-clawback. Tali kriterji għandhom b'mod partikolari jkopru sitwazzjonijiet fejn il-membru tal-persunal:

(i) ipparteċipa fi jew kien responsabbli għal imġiba li rriżultat f'telf sinifikanti għall-istituzzjoni;

(ii) naqas li jissodisfa standards xierqa ta' idoneità u proprjetà;

(o) il-politika dwar il-pensjonijiet tkun konformi mal-istrateġija tan-negozju, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni.

Jekk l-impjegat jitlaq mill-istituzzjoni qabel ma jirtira, il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni għandhom jinżammu mill-istituzzjoni għal perijodu ta' ħames snin fil-forma ta' strumenti msemmija fil-punt (l). Fejn impjegat li jilħaq l-età tal-irtirar, il-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni għandhom jitħallsu lill-impjegat fil-forma ta' strumenti msemmija fil-punt (l) soġġetti għal perijodu ta' retenzjoni ta' ħames snin;

(p) il-membri tal-persunal jkunu meħtieġa jimpenjaw ruħhom li ma jużawx strateġiji personali ta' kopertura jew assigurazzjoni relatata mar-rimunerazzjoni u mar-responsabbiltà biex jimminaw l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrati fl-arranġamenti tar-rimunerazzjoni tagħhom;

(q) ir-rimunerazzjoni varjabbli ma titħallasx b'mezzi jew metodi li jiffaċilitaw in-nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva jew ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-klassijiet ta' strumenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt (l)(ii) tal-paragrafu 1 u fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi u l-kriterji kwantitattivi xierqa biex jiġu identifikati kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 92(2).

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni hi ddelegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 95*

**Kumitat għar-Rimunerazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet li jkunu sinifikanti fid-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom jistabbilixxu kumitat għar-rimunerazzjoni. Il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jkun ikkostitwit b'tali mod li jkun jista' jeżerċita ġudizzju kompetenti u indipendenti dwar il-politiki u l-prattiki tar-rimunerazzjoni u l-inċentivi maħluqa għall-ġestjoni tar-riskji, il-kapital u l-likwidità.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kumitat għar-rimunerazzjoni jkun responsabbli għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet rigward ir-rimunerazzjoni, inklużi dawk li jkollhom implikazzjonijiet għar-riskji u l-ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjoni kkonċernata u li jridu jittieħdu mill-korp ta' ġestjoni. Il-President u l-membri tal-kumitat għar-rimunerazzjoni għandhom ikunu membri tal-korp ta' ġestjoni li ma jwettqu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni kkonċernata. Jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi rappreżentanza tal-impjegati fil-korp ta' ġestjoni, il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jinkludi rappreżentant wieħed jew aktar tal-impjegati. Meta jkun qed iħejji deċiżjonijiet bħal dawn, il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jqis l-interessi fit-tul tal-azzjonisti, l-investituri u partijiet interessati oħra fl-istituzzjoni u l-interess pubbliku.

*Artikolu 96*

**Sit elettroniku dwar il-governanza korporattiva u r-rimunerazzjoni**

L-istituzzjonijiet li jkollhom sit web għandhom jispjegaw hemmhekk kif huma jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 88 sa 95.

Taqsima III

**Rieżami superviżorju u proċess ta' evalwazzjoni**

*Artikolu 97*

**Rieżami superviżorju u evalwazzjoni**

1. B'kont meħud tal-kriterji tekniċi stipulati fl-Artikolu 98, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u jevalwaw:

(a) ir-riskji li l-istituzzjonijiet ikunu jew jistgħu jkunu esposti għalihom;

(b) ir-riskji li tikkawża l-istituzzjoni għas-sistema finanzjarja b'kont meħud tal-identifikazzjoni u l-kalkolu tar-riskju sistemiku skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS, fejn adatt; u

(c) ir-riskji skoperti mill-ittestjar għal stress b'kont meħud tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' istituzzjoni.

2. L-ambitu tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikopru r-rekwiżiti kollha ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

3. Abbażi tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet u l-fondi proprji u l-likwidità miżmuma minnhom jiżgurawx ġestjoni u kopertura tajbin tar-riskji tagħhom.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza u l-intensità tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tad-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni kkonċernata u jqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni għandhom ikunu aġġornati mill-inqas fuq bażi annwali għall-istituzzjonijiet koperti mill-programm ta' eżami superviżorju msemmi fl-Artikolu 99(2).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn rieżami juri li istituzzjoni tista' toħloq riskju sistemiku skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 l-awtoritajiet kompetenti jinformaw lill-ABE mingħajr dewmien bir-riżultati tar-rieżami.

*Artikolu 98*

**Kriterji tekniċi għar-rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji**

1. Minbarra r-riskji tal-kreditu, tas-swieq u operattivi, ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 97 għandhom jinkludu tal-inqas:

(a) ir-riżultati tal-ittestjar għal stress mwettaq f'konformità mal-Artikolu 177 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 mill-istituzzjonijiet li japplikaw approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni;

(b) l-iskopertura għar-riskju ta' konċentrazzjoni u l-ġestjoni tiegħu mill-istituzzjonijiet, inklużi l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti Erbgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 81 ta' din id-Direttiva;

(c) is-sodezza, l-idoneità u l-mod tal-applikazzjoni tal-politiki u l-proċeduri implimentati mill-istituzzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskju residwu assoċjat mal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu rikonoxxuti;

(d) il-grad sa fejn il-fondi proprji miżmuma minn istituzzjoni fir-rigward tal-assi li tkun iggarantixxiet b'assi eżistenti jkunu adegwati meta titqies is-sustanza ekonomika tat-transazzjoni, inkluż il-grad tat-trasferiment tar-riskju miksub;

(e) l-iskopertura għar-riskju tal-likwidità, il-kalkolu u l-ġestjoni tiegħu mill-istituzzjonijiet, inkluż l-iżvilupp ta' analiżijiet ta' xenarji alternattivi, l-ġestjoni tal-mitiganti tar-riskju (b'mod partikolari l-livell, il-kompożizzjoni u l-kwalità tar-riżervi ta' likwidità) u l-pjani ta' kontinġenza effikaċi;

(f) l-impatt tal-effetti tad-diversifikazzjoni u kif tali effetti jiġu kkunsidrati fis-sistema tal-kalkolu tar-riskju;

(g) ir-riżultati tal-ittestjar għal stress mwettaq mill-istituzzjonijiet permezz ta' mudell intern għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq skont il-Kapitolu 5 tal-Parti Tlieta, Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(h) iż-żona ġeografika tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet;

(i) il-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni;

(j) il-valutazzjoni tar-riskju sistemiku, f'konformità mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 97.

2. Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu regolarment valutazzjoni komprensiva tal-ġestjoni kumplessiva tar-riskju tal-likwidità mill-istituzzjonijiet u jippromwovu l-iżvilupp ta' metodoloġiji interni validi. Waqt li jwettqu dawn ir-rieżamijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ir-rwol tal-istituzzjonijiet fis-swieq finanzjarji. L-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru wieħed għandhom iqisu kif xieraq l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra kollha kkonċernati.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw jekk istituzzjoni tkunx ipprovdiet appoġġ impliċitu għal titolizzazzjoni. Jekk istituzzjoni tinstab li pprovdiet appoġġ impliċitu f'aktar minn okkażjoni waħda, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa li jirriflettu aspettattiva akbar li tkun ser tipprovdi appoġġ fil-futur għall-assigurazzjoni tagħha b'assi eżistenti u b'hekk ma tiksibx trasferiment sinifikanti tar-riskju.

4. Għall-finijiet tad-determinazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 97(3) ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk l-aġġustamenti tal-valutazzjoni magħmula għal pożizzjonijiet jew portafolli fil-protafoll ta' negozjar, kif stabbilit fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jippermettux lill-istituzzjoni tbiegħ jew tkopri l-pożizzjonijiet tagħha fi żmien qasir mingħajr ma tagħmel telf materjali skont kondizzjonijiet normali tas-suq.

5. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-iskopertura tal-istituzzjonijiet għar-riskju ta' ċaqliq fir-rata tal-imgħax li joriġina minn attivitajiet mhux ta' negozjar. Huma meħtieġa miżuri tal-inqas fil-każ tal-istituzzjonijiet li l-valur ekonomiku tagħhom jonqos b'aktar minn 20 % tal-fondi proprji tagħhom bħala riżultat ta' bidla f'daqqa u mhux mistennija fir-rati tal-imgħax ta' 200 punt bażi jew tali bidla kif definit fil-linji gwida tal-ABE.

6. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva kif rifless mill-indikaturi tal-lieva finanzjarja eċċessiva, inkluż il-proporzjon tal-lieva finanzjarja iddeterminat skont l-Artikolu 429 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta jiddeterminaw l-adegwatezza tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja tal-istituzzjonijiet u tal-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mill-istituzzjonijiet għall-ġestjoni tar-riskji ta' lieva finanzjarja eċċessiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-mudell tan-negozju ta' dawk l-istituzzjonijiet.

7. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjonijiet, il-kultura u l-valuri korporattivi tagħhom u l-kapaċità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni li jwettqu dmirijiethom. Fit-twettiq ta' dan ir-rieżami u tal-evalwazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mill-inqas, ikollhom aċċess għall-aġendi u d-dokumenti akkumpanjanti tal-laqgħat tal-korp ta' ġestjoni u l-kumitati tiegħu, u r-riżultati tal-evalwazzjoni interna jew esterna rigward il-prestazzjoni tal-korp ta' ġestjoni.

*Artikolu 99*

**Programm ta' eżami superviżorju**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, mill-inqas kull sena, jadottaw programm ta' eżami superviżorju għall-istituzzjonijiet li huma jissorveljaw. Tali programm għandu jqis il-proċess ta' rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji skont l-Artikolu 97. Dan għandu jkun fih li ġej:

(a) indikazzjoni ta' kif l-awtoritajiet kompetenti biħsiebhom iwettqu l-kompiti tagħhom u jallokaw ir-riżorsi tagħhom;

(b) identifikazzjoni ta' liema istituzzjonijiet ikunu maħsuba li jkunu soġġetti għal superviżjoni msaħħa u l-miżuri meħuda għal tali superviżjoni kif stipulat fil-paragrafu 3;

(c) pjan għal ispezzjonijiet fil-bini użat mill-istituzzjoni, inklużi l-fergħat u l-livelli sussidjarji tagħha stabbiliti fi Stati Membri oħra skont l-Artikoli 52, 119 u 122.

2. Il-programmi ta' eżami superviżorju għandhom jinkludu l-istituzzjonijiet li ġejjin:

(a) i-istituzzjonijiet li fir-rigward tagħhom ir-riżultati tal-ittestjar għal stress msemmi fil-punti (a) u (g) tal-Artikolu 98(1) u l-Artikolu 100, jew l-eżitu tal-proċess ta' rieżami u l-evalwazzjoni superviżorji skont l-Artikolu 97, jindikaw riskji sinifikanti għas-sodezza finanzjarja kontinwa tagħhom jew jindikaw ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) istituzzjonijiet li joħolqu riskju sistemiku għas-sistema finanzjarja;

(c) kwalunkwe istituzzjoni oħra li fir-rigward tagħha l-awtoritajiet kompetenti jqisu li dan ikun meħtieġ.

3. Fejn jitqies xieraq skont l-Artikolu 97, il-miżuri li ġejjin għandhom jittieħdu, b'mod partikolari, fejn ikun meħtieġ:

(a) żieda fin-numru jew il-frekwenza ta' ispezzjonijiet fuq il-post tal-istituzzjoni;

(b) preżenza permanenti tal-awtorità kompetenti fl-istituzzjoni;

(c) rappurtar addizzjonali jew aktar frekwenti mill-istituzzjoni;

(d) rieżami addizzjonali jew aktar frekwenti tal-pjani operattivi, strateġiċi jew tan-negozju tal-istituzzjoni;

(e) eżamijiet tematiċi ta' monitoraġġ ta' riskji speċifiċi li x'aktarx li jkunu ser jimmaterjalizzaw.

4. L-adozzjoni ta' programm ta' eżami superviżorju mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari m'għandhiex timpedixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti milli jwettqu, każ b'każ, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post tal-attivitajiet imwettqin minn fergħat ta' istituzzjonijiet fit-territorju tagħhom f'konformità mal-Artikolu 52(3).

*Artikolu 100*

**Testijiet tal-istress superviżorji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu, kif adatt iżda tal-inqas kull sena, testijiet superviżorji tal-istress fuq l-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom, biex jiffaċilitaw il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni skont l-Artikolu 97.

2. L-ABE għandha toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tiżgura li jintużaw metodoloġiji komuni mill-awtoritajiet kompetenti meta jwettqu testijiet superviżorji tal-istress ta' kull sena.

*Artikolu 101*

**Rieżami kontinwu tal-permess biex jintużaw approċċi interni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw fuq bażi regolari, u tal-inqas kull tliet snin, il-konformità tal-istituzzjonijiet mar-rekwiżiti dwar approċċi li jeħtieġu l-permess mill-awtoritajiet kompetenti qabel ma jużaw tali approċċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji skont il-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma għandhom iqisu b'mod partikolari l-bidliet fin-negozju ta' istituzzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk l-approċċi għal prodotti ġodda. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet materjali fil-kopertura tar-riskju mill-approċċ intern tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li dawn jiġu rranġati jew jittieħdu passi adatti biex jittaffew il-konsegwenzi tagħhom, inkluż billi jiġu imposti fatturi ta' multiplikazzjoni ogħla, jew jiġu imposti żidiet kapitali, jew jittieħdu miżuri adatti u effettivi oħrajn.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'mod partikolari, jirrieżaminaw u jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tużax tekniki u prattiki żviluppati sew u aġġornati għal dawk l-approċċi.

3. Jekk għal mudell intern tar-riskju tas-suq tinqabeż il-mira ħafna drabi kif imsemmi fl-Artikolu 366 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jindikaw li l-mudell mhuwiex jew m'għadux preċiż biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevokaw il-permess biex jintuża l-mudell intern jew jimponu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-mudell jittejjeb minnufih.

4. Jekk istituzzjoni tkun irċiviet permess li tapplika approċċ li jeħtieġ il-permess tal-awtoritajiet kompetenti qabel ma jintuża tali approċċ għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iżda dan ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti biex jiġi applikat dan l-approċċ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġ li l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-effett tan-nuqqas ta' konformità huwa immaterjali fejn ikun applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew tippreżenta pjan għar-restawr mingħajr dewmien tal-konformità mar-rekwiżiti u tistabbilixxi skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu titjib f'dak il-pjan jekk ikun hemm il-probabbiltà li ma jirriżultax f'konformità sħiħa jew jekk l-iskadenza ma tkunx xierqa. Jekk l-istituzzjoni x'aktarx li ma tkunx tista' tirrestawra l-konformità fi żmien skadenza xierqa u - fejn applikabbli - ma tkunx uriet b'mod sodisfaċenti li l-effett tan-nuqqas ta' konformità huwa immaterjali, il-permess biex jintuża l-approċċ għandu jkun irrevokat jew limitat għal oqsma li jkunu konformi jew dawk fejn il-konformità tkun tista' tinkiseb fi skadenza xierqa.

5. Sabiex tippromwovi s-sodezza konsistenti tal-approċċi interni fl-Unjoni, l-ABE għandha tanalizza l-approċċi interni fl-istituzzjonijiet kollha, inkluża l-konsistenza tal-implimentazzjoni tad-definizzjoni ta' falliment u kif dawk l-istituzzjonijiet ittrattaw riskji jew skoperturi simli.

L-ABE għandha tiżviluppa linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jkun fihom punti ta' riferiment abbażi ta' dik l-analiżi.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dik l-analiżi u l-punti ta' riferiment għar-rieżami tal-permessi li jagħtu lill-istituzzjonijiet biex jużaw l-approċċi interni.

Taqsima IV

**Miżuri u setgħat superviżorji**

*Artikolu 102*

**Miżuri superviżorji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lil istituzzjoni biex tieħu l-miżuri meħtieġa fi stadju bikri biex tindirizza problemi rilevanti fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) l-awtoritajiet kompetenti jkollhom evidenza li hu probabbli li l-istituzzjoni tikser ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fit-12-il xahar li ġejjin.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu dawk is-setgħat imsemmija fl-Artikolu 104.

*Artikolu 103*

**Applikazzjoni ta' miżuri superviżorji għal istituzzjonijiet bi profili ta' riskju simili**

1. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw skont l-Artikolu 97 li l-istituzzjonijiet bi profili ta' riskju simili bħalma huma mudelli tan-negozju jew żoni ġeografiċi ta' skoperturi simili, huma jew jistgħu jkunu esposti għal riskji simili jew jirrappreżentaw riskji simili għas-sistema finanzjarja, huma jistgħu japplikaw ir-rieżami superviżorju u l-proċess ta' evalwazzjoni msemmijin fl-Artikolu 97 għal dawk l-istituzzjonijiet b'mod simili jew identiku. Għal dawk il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat legali meħtieġa biex jimponu r-rekwiżiti skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq dawk l-istituzzjonijiet b'mod simili jew identiku, inkluż b'mod partikolari l-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji taħt l-Artikoli 104, 105 u 106.

It-tipi ta' istituzzjoniji imsemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 98(1)(j).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE fejn japplikaw il-paragrafu 1. L-ABE għandha tissorvelja l-prattiki superviżorji u toħroġ linji gwida li jispeċifikaw kif riskji simili għandhom jiġu vvalutati u kif tista' tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-paragrafu 1 kullimkien fl-Unjoni. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 104*

**Setgħat superviżorji**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 97, l-Artikolu 98(4), l-Artikolu 101(4), u l-Artikoli 102 u 103 u l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom tal-inqas is-setgħat li ġejjin:

(a) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet iżommu fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu 4 ta' dan it-Titolu u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 relatat ma' elementi ta' riskju u riskji mhux koperti mill-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament;

(b) li jeħtieġu r-rinfurzar tal-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji implimentati biex ikun hemm konformità mal-Artikoli 73 sa 74;

(c) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jippreżentaw pjan biex jirkupraw il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji skont id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u jistabbilixxu skadenza għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż għattitjib għal dak il-pjan rigward l-ambitu u l-iskadenza;

(d) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet japplikaw politika speċifika ta' proviżjonament jew it-trattament tal-assi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(e) li jirrestrinġu jew jillimitaw in-negozju, l-attivitajiet jew in-netwerk tal-istituzzjonijiet jew li jitolbu ċ-ċessjoni tal-attivitajiet li joħolqu riskji eċċessivi għas-sodezza ta' istituzzjoni;

(f) li jeħtieġu t-tnaqqis tar-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti u s-sistemi tal-istituzzjonijiet;

(g) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli bħala persentaġġ tad-dħul nett meta ma tkunx konsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda;

(h) li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jużaw il-profitti netti biex isaħħu l-fondi proprji;

(i) li jirrestrinġu jew jipprojbixxu d-distribuzzjonijiet jew il-pagamenti tal-imgħax minn istituzzjoni lill-azzjonisti, il-membri jew id-detenturi tal-istrumenti tal-Grad 1 Addizzjonali fejn il-projbizzjoni ma tikkostituwixxix każ ta' inadempjenza mill-istituzzjoni;

(j) li jimponu rekwiżiti ta' rappurtar addizzjonali jew aktar frekwenti, inkluż rappurtar dwar il-pożizzjonijiet ta' kapital u ta' likwidità;

(k) li jimponu rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità, inklużi restrizzjonijiet fuq id-diskrepanzi fil-maturità bejn l-assi u l-passiv;

(l) li jeħtieġu rilaxx addizzjonali.

2. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1(a) għandhom jiġu imposti mill-awtoritajiet kompetenti tal-inqas fejn:

(a) l-istituzzjoni ma tkunx tissodisfa r-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 73 u 74 ta' din id-Direttiva jew fl-Artikolu 393 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) ir-riskji jew l-elementi tar-riskji mhumiex koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji stipulati fil-Kapitolu 4 ta' dan it-Titolu jew fir-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) L-unika applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi oħrajn x'aktarx li ma ttejjibx l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji suffiċjentement fi żmien skadenza adatta;

(d) ir-rieżami msemmi fl-Artikolu 98(4) jew l-Artikolu 101(4) jiżvela li n-nonkonformità mar-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-approċċ rispettiv x'aktarx li twassal għal rekwiżiti ta' fondi proprji mhux adegwati;

(e) x'aktarx li r-riskji jiġu sottovalutati minkejja l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; jew

(f) l-istituzzjoni tirrapporta lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 377(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li r-riżultati tal-ittestjar għal stress imsemmi f'dak l-Artikolu jaqbżu b'mod materjali r-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għall-portafoll ta' negozjar ta' korrelazzjoni.

3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell adatt ta' fondi proprji abbażi tar-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mat-Taqsima III, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk kwalunkwe impożizzjoni ta' rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali li jaqbeż ir-rekwiżit ta' fondi proprji tkunx meħtieġa għall-kopertura tar-riskji li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun esposta għalihom, meta jitqiesu dawn li ġejjin:

(a) l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-proċess ta' valutazzjoni ta' istituzzjoni msemmi fl-Artikolu 73;

(b) l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' istituzzjoni msemmija fl-Artikolu 74;

(c) l-eżitu tar-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 97 jew 101;

(d) il-valutazzjoni tar-riskju sistemiku.

*Artikolu 105*

**Rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità**

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-livell adatt ta' fondi proprji abbażi tar-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa f'konformità mat-Taqsima III, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk kwalunkwe impożizzjoni ta' rekwiżit speċifiku rigward il-likwidità tkunx meħtieġa għall-kopertura tar-riskji ta' likwidità li l-istituzzjoni tkun jew tista' tkun esposta għalihom, meta jittieħed kont ta' dawn li ġejjin:

(a) il-mudell tan-negozju partikolari tal-istituzzjoni;

(b) 'l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi ta' istituzzjoni msemmija fit-Taqsima II u b'mod partikolari l-Artikolu 86;

(c) l-eżitu tar-rieżami u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 97;

(d) ir-riskju sistemiku ta' likwidità li jhedded l-integrità tas-swieq finanzjarji ta' Stat Membru kkonċernat.

B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 67, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li japplikaw penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra, inklużi imposti prudenzjali, li l-livell tagħhom ikun relatat b'mod ġenerali mad-disparità bejn il-pożizzjoni konkreta ta' likwidità ta' istituzzjoni u kwalunkwe rekwiżit ta' likwidità u finanzjament stabbli stabbilit fuq il-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.

*Artikolu 106*

**Rekwiżiti speċifiċi ta' pubblikazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex jirrikjedu li l-istituzzjonijiet:

(a) jippubblikaw l-informazzjoni msemmija fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 aktar minn darba kull sena, u li jistabbilixxu l-iskadenzi għall-pubblikazzjoni;

(b) jużaw mezzi tax-xandir u postijiet speċifiċi għall-pubblikazzjonijiet apparti r-rapporti finanzjarji.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti li jirrikjedu lill-impriżi prinċipali li jippubblikaw annwalment jew b'mod sħiħ jew permezz ta' referenzi għal informazzjoni ekwivalenti, deskrizzjoni tal-istruttura ġuridika tagħhom u l-istruttura ta' governanza u organizzattiva tal-grupp tal-istituzzjonijiet skont l-Artikoli 14(3), l-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 109(2).

*Artikolu 107*

**Konsistenza tar-rieżamijiet superviżorji, l-evalwazzjonijiet u l-miżuri superviżorji**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar:

(a) il-funzjonament tal-proċess tagħhom ta' rieżami u evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 97;

(b) il-metodoloġija użata biex id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 98, 100, 101, 102, 104 u 105 dwar il-proċess imsemmi fil-punt (a).

L-ABE għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet li tiżviluppa konsistenza fil-proċess ta' analiżi u evalwazzjoni superviżora. Hija tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tlesti l-valutazzjoni tagħha, fuq bażi proporzjonata f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

2. L-ABE għandha tirrapporta annwalment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-livell ta' konverġenza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu bejn l-Istati Membri.

Sabiex jiżdied il-livell ta' tali konverġenza, l-ABE għandha twettaq analiżijiet bejn il-pari skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tkompli tispeċifika, b'mod li jkun adatt għad-daqs, l-istruttura u l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjonijiet u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, il-proċeduri u metodoloġiji komuni għar-rieżami superviżorju u l-proċess ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 97 u għall-valutazzjoni tal-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji msemmija fl-Artikoli 76 sa 87, b'mod partikolari relatati mar-riskju ta' konċentrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 81.

Taqsima V

## Livell ta' applikazzjoni

*Artikolu 108*

### Proċess ta' valutazzjoni dwar l-adegwatezza tal-kapital intern

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lil kull istituzzjoni li la tkun sussidjarja fl-Istat Membru fejn tkun awtorizzata u ssorveljata, u lanqas impriża prinċipali, u kull istituzzjoni mhux inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 72 fuq bażi individwali.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 73 ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrinunzjaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi kkonsolidata kif previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 73 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw fuq bażi individwali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, sa fejn u bil-mod preskritt fl-Ewwel Parti, Titolu II, Kapitolu 2, Taqsimiet 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jissodisfaw l-obbligi stipulati fl-Artikolu 73 ta' din id-Direttiva fuq bażi konsolidata.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, sa fejn u bil-mod preskritt fl-Ewwel Parti, Titolu II, Kapitolu 2, Taqsimiet 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jissodisfaw l-obbligi stipulati fl-Artikolu 73 ta' din id-Direttiva fuq il-bażi tas-sitwazzjoni kkonsolidata ta' dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

Meta aktar minn istituzzjoni waħda tkun ikkontrollata minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, l-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-istituzzjoni li għaliha tapplika s-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet sussidjarji japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 73 fuq bażi subkonsolidata jekk dawk l-istituzzjonijiet, jew l-impriża prinċipali meta tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, ikollhom istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja jew kumpannija għall-ġestjoni tal-assi kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2002/87/KE bħala sussidjarja f'pajjiż terz, jew ikollhom parteċipazzjoni azzjonarja f'tali impriża.

*Artikolu 109*

### Arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligi stipulati fit-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu fuq bażi individwali, dment li l-awtoritajiet kompetenti ma jagħmlux użu mid-deroga prevista fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-impriżi prinċipali u s-sussidjarji soġġetti għal din id-Direttiva jissodisfaw l-obbligi stipulati fit-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata, biex jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tagħhom meħtieġa mit-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu jkunu konsistenti u integrati sew u li kwalunkwe data u informazzjoni rilevanti għall-fini tas-superviżjoni jkunu jistgħu jiġu prodotti. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li l-impriżi prinċipali u s-sussidjarji soġġetti għal din id-Direttiva jimplimentaw tali arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi fis-sussidjarji tagħhom mhux soġġetti għal din id-Direttiva. Dawk l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi għandhom ukoll ikunu konsistenti u integrati sew u dawk is-sussidjarji għandhom ikunu jistgħu wkoll jipproduċu kwalunkwe data u informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' superviżjoni.

3. L-obbligi li jirriżultaw mit-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu rigward l-impriżi sussidjarji, li huma nnifishom mhumiex soġġetti għal din id-Direttiva, m'għandhomx japplikaw jekk l-istituzzjoni prinċipali tal-UE jew l-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, ikunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti li l-applikazzjoni tat-Taqsima II tkun illegali skont il-liġijiet tal-pajjiż terz fejn tkun stabbilita s-sussidjarja.

*Artikolu 110*

### Rieżami u evalwazzjoni u miżuri superviżorji

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni msemmi fit-Taqsima III ta' dan il-Kapitolu u l-miżuri superviżorji msemmija fit-Taqsima IV ta' dan il-Kapitolu f'konformità mal-livell ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 stipulati fit-Titolu II tal-Parti Wieħed ta' dak ir-Regolament.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi kkonsolidata kif previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 97 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għas-superviżjoni tad-ditti tal-investiment fuq bażi individwali.

*KAPITOLU 3*

***Superviżjoni fuq bażi konsolidata***

Taqsima I

**Prinċipji għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata**

*Artikolu 111*

**Determinazzjoni tas-superviżur konsolidanti**

1. Meta impriża prinċipali tkun istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru jew istituzzjoni prinċipali tal-UE, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw l-awtorizzazzjoni.

2. Meta l-entità prinċipali ta' istituzzjoni tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu taw l-awtorizzazzjoni.

3. Meta l-istituzzjonijiet awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom bħala l-kumpannija prinċipali tagħhom, l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali, l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru, l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjoni awtorizzata fl-Istat Membru li fih kienet ġiet stabbilita l-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

Meta l-impriżi prinċipali tal-istituzzjonijiet awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikunu jinkludu aktar minn kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta waħda bl-uffiċċji prinċipali fi Stati Membri differenti u jkun hemm istituzzjoni ta' kreditu f'kull wieħed minn dawk l-Istati, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni ta' kreditu bl-ikbar total fil-karta tal-bilanċ.

4. Meta aktar minn istituzzjoni waħda awtorizzata fl-Unjoni jkollha bħala l-entità prinċipali tagħha l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja jew l-istess kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta u l-ebda waħda minn dawk l-istituzzjonijiet ma tkun awtorizzata fl-Istat Membru li fih kienet ġiet stabbilita l-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat l-istituzzjoni bl-ikbar total tal-karta tal-bilanċ, li għandha titqies, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bħala l-istituzzjoni kontrollata minn kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE.

5. F'każijiet partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, bi ftehim komuni, jirrinunzjaw il-kriterji msemmija fil-paragrafi 3 u 4 jekk l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx xierqa, b'kont meħud tal-istituzzjonijiet u l-importanza relattiva tal-attivitajiet tagħhom f'pajjiżi differenti, u jaħtru awtorità kompetenti differenti biex twettaq is-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata. F'tali każijiet, qabel ma jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, jew lill-istituzzjoni bl-ikbar total fil-karta tal-bilanċ, kif xieraq, l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha dwar dik id-deċiżjoni.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-ABE rigward kwalunkwe ftehim li jaqa' fl-ambitu tal-paragrafu 5.

*Artikolu 112*

**Koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji mis-superviżur konsolidanti**

1. Minbarra l-obbligi imposti minn din id-Direttiva u mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, is-superviżur konsolidanti għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) il-koordinazzjoni tal-ġbir u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti jew essenzjali f'sitwazzjonijiet ta' negozju operattiv jew ta' emerġenza;

(b) l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji f'sitwazzjonijiet ta' negozju attiv, inkluż rigward l-attivitajiet imsemmija fil-Kapitolu 3 tat-Titolu VII, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti involuti;

(c) l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji f'kooperazzjoni mal- awtoritajiet kompetenti involuti, u jekk ikun meħtieġ mal-banek ċentrali tas-SEBĊ, bi tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u matulhom, inklużi żviluppi negattivi fl-istituzzjonijiet jew fis-swieq finanzjarji bl-użu, fejn possibbli, ta' mezzi ta' komunikazzjoni definiti eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-kriżijiet.

2. Meta s-superviżur konsolidanti jonqos milli jwettaq il-kompiti msemmija f'paragrafu 1 jew meta l-awtoritajiet kompetenti ma jikkooperawx mas-superviżur konsolidanti sal-punt meħtieġ fit-twettiq tal-kompiti f'paragrafu 1, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tista' tirriferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1093/2010.

L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

3. L-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji msemmija fil-paragrafu 1(c) ta' dan l-Artikolu jinkludu l-miżuri eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 117(1)(d) u l-Artikolu 117(4)(b), it-tħejjija ta' valutazzjonijiet konġunti, l-implimentazzjoni ta' pjani ta' kontinġenza u l-komunikazzjoni lill-pubbliku.

*Artikolu 113*

**Deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni**

1. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fi Stat Membru għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaslu għal deċiżjoni konġunta:

(a) dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 73 u 97 li jiddeterminaw l-adegwatezza tal-livell ikkonsolidat tal-fondi proprji miżmuma mill-grupp ta' istituzzjonijiet fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-profil tar-riskju tiegħu u l-livell meħtieġ ta' fondi proprji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 104(1)(a) għal kull entità fi ħdan il-grupp ta' istituzzjonijiet u fuq bażi kkonsolidata;

(b) dwar miżuri li jindirizzaw kwalunkwe kwistjoni sinifikanti u sejbiet materjali relatati mas-superviżjoni tal-likwidità inkluż b'rabta mal-adegwatezza tal-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji kif meħtieġ skont l-Artikolu 86 u b'rabta mal-ħtieġa għal rekwiżiti ta' likwidità speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 105 ta' din id-Direttiva.

2. Id-deċiżjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu:

(a) għall-fini tal-paragrafu 1(a) fi żmien erba' xhur minn meta s-superviżur konsolidanti jippreżenta rapport li jkun fih il-valutazzjoni tar-riskji tal-grupp ta' istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 73 u 97 u l-Artikolu 104(1)(a) lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra;

(b) għall-finijiet tal-paragrafu 1(b) fi żmien xahar minn meta s-superviżur konsolidanti jippreżenta rapport li jkun fih l-valutazzjoni tal-profil tar-riskju tal-likwidità tal-grupp ta' istituzzjonijiet skont l-Artikoli 86 u 105.

Id-deċiżjonijiet konġunti għandhom jieħdu kont xieraq ukoll tal-valutazzjoni tar-riskji tas-sussidjarji mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti skont l-Artikoli 73 u 97.

Id-deċiżjonijiet konġunti mmotivati bis-sħiħ għandhom ikunu stipulati f'dokumenti li għandhom jiġu pprovduti lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE mis-superviżur konsolidanti. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, is-superviżur konsolidanti għandu fuq it-talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kkonċernata jikkonsulta lill-ABE. Is-superviżur konsolidanti jista' jikkonsulta lill-ABE fuq inizjattiva tiegħu stess.

3. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-perijodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 73, 86 u 97, l-Artikolu 104(1)(a) u l-Artikolu 105 fuq bażi kkonsolidata mis-superviżur konsolidanti wara li jqis kif jixraq il-valutazzjoni tar-riskji tas-sussidjarji mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Jekk, fi tmiem il-perijodi taż-żmien imsemmija fil-paragrafu 2, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernata tkun irriferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur konsolidanti għandu jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitqiesu bħala l-perijodi ta' konċiljazzjoni fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara t-tmiem tal-perijodu ta' erba' xhur jew il-perijodu ta' xahar, skont kif japplika, jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 73, 86 u 97, l-Artikolu 104(1)(a) u l-Artikolu 105 għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali ta' kreditu tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fuq bażi individwali jew subkonsolidata wara li jitqiesu kif jixraq il-fehmiet u r-riżervi espressi mis-superviżur konsolidanti. Jekk, fi tmiem kwalunkwe wieħed mill-perijodi ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 2, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tkun irriferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddefferixxu d-deċiżjoni tagħhom u jistennew kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament, u għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodi ta' żmien imsemmija f'paragrafu 2 għandhom jitqiesu bħala l-perijodi ta' konċiljazzjoni fit-tifsira tar-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara t-tmiem tal-perijodu ta' erba' xhur jew ta' xahar, skont kif japplika, jew wara li tkun ittieħdet deċiżjoni konġunta.

Id-deċiżjonijiet mmotivati bis-sħiħ għandhom ikunu stipulati f'dokument u għandhom iqisu l-valutazzjoni tar-riskji, il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra espressi matul il-perijodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2. Id-dokument għandu jiġi pprovdut mis-superviżur konsolidanti lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha u lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE.

Meta l-ABE tkun ġiet ikkonsultata, l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom iqisu l-pariri tagħha, u jispjegaw kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minnhom.

4. Id-deċiżjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 1 u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu rikonoxxuti bħala determinanti u applikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati.

Id-deċiżjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe deċiżjoni meħuda fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta skont il-paragrafu 3, għandhom ikunu aġġornati fuq bażi annwali jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE tagħmel talba bil-miktub u mmotivata bis-sħiħ lis-superviżur konsolidanti biex jaġġorna d-deċiżjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 104(1)(a) u l-Artikolu 105. Fil-każ tal-aħħar, l-aġġornament jista' jkun indirizzat fuq bażi bilaterali bejn is-superviżur konsolidanti u l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tiżgura kondizzjonijiet uniformi tal-applikazzjoni tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti msemmi f'dan l-Artikolu, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 73, 86 u 97, l-Artikolu 104(1)(a) u l-Artikolu 105 bil-għan li jiġu ffaċilitati d-deċiżjonijiet konġunti.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont -Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 114*

**Rekwiżiti tal-informazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

1. Meta tinħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluża sitwazzjoni kif deskritta fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jew sitwazzjoni ta' żviluppi negattivi fis-swieq, li potenzjalment tippreġudika l-likwidità fis-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe Stat Membru fejn l-entitajiet ta' grupp ikunu ġew awtorizzati jew fejn ikunu stabbiliti fergħat sinifikanti kif imsemmija fl-Artikolu 51, is-superviżur konsolidanti għandu, soġġett għat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1, u fejn applikabbli l-Artikoli 54 u 58 tad-Direttiva 2004/39/KE, iwissi mill-aktar fis possibbli, lill-ABE u lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 58(4) u l-Artikolu 59 u għandu jikkomunika l-informazzjoni essenzjali kollha sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom. Dawk l-obbligi għandhom japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kollha.

Jekk bank ċentrali tas-SEBĊ isir konxju ta' sitwazzjoni deskritta fl-ewwel subparagrafu, dan għandu jwissi mill-aktar fis possibbli lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 112, u lill-ABE.

Fejn possibbli, l-awtorità kompetenti u l-awtorità msemmija fl-Artikolu 58(4) għandhom jużaw mezzi ta' komunikazzjoni eżistenti.

2. Is-superviżur konsolidant għandu, fejn jeħtieġ informazzjoni li tkun diġà ngħatat lil awtorità kompetenti oħra, jikkuntattja lil dik l-awtorità kull fejn jkun possibbli sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rappurtar lid-diversi awtoritajiet involuti fis-superviżjoni.

*Artikolu 115*

**Arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni**

1. Sabiex tiġi ffaċilitata u stabbilita superviżjoni effikaċi, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra għandu ikollhom fis-seħħ arranġamenti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bil-miktub.

Skont dawk l-arranġamenti jistgħu jkunu fdati kompiti addizzjonali lis-superviżur konsolidanti u jistgħu jkunu speċifikati proċeduri għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra.

2. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jawtorizzaw lil sussidjarja ta' impriża prinċipali li tkun istituzzjoni jistgħu, bi ftehim bilaterali, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jiddelegaw ir-responsabbiltà tagħhom għas-superviżjoni lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu awtorizzaw u wettqu s-superviżjoni tal-impriża prinċipali biex b'hekk jassumu r-responsabbiltà tas-superviżjoni tas-sussidjarja skont din id-Direttiva. L-ABE għandha tinżamm infurmata bl-eżistenza u l-kontenut ta' tali ftehimiet. Hija għandha tgħaddi tali informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kumitat tal-Banek Ewropej.

*Artikolu 116*

**Kulleġġi tas-superviżuri**

1. Is-superviżur konsolidanti għandu jistabbilixxi kulleġġi tas-superviżuri biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-kompiti msemmi fl-Artikoli 112 u 113 u l-Artikolu 114(1) u soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għal-liġi tal-Unjoni, jiżgura koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi rilevanti fejn ikun xieraq.

L-ABE għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-funzjonament effiċjenti, effikaċi u konsistenti tal-kulleġġi tas-superviżuri msemmija f'dan l-Artikolu skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Għal dan il-għan, l-ABE għandha tipparteċipa kif ikun xieraq u għandha titqies bħala awtorità kompetenti għal dik il-fini.

Il-kulleġġi tas-superviżuri għandhom jipprovdu qafas għas-superviżur konsolidanti, l-ABE u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati biex iwettqu l-kompiti li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom u mal-ABE skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

(b) qbil dwar l-affidament volontarju tal-kompiti u d-delega volontarja tar-responsabbiltajiet fejn ikun xieraq;

(c) id-determinazzjoni ta' programmi ta' eżami superviżorju msemmija fl-Artikolu 99 ibbażati fuq valutazzjoni tar-riskju tal-grupp skont l-Artikolu 97;

(d) żieda fl-effiċjenza tas-superviżjoni bit-tneħħija tad-duplikazzjoni mhux meħtieġa tar-rekwiżiti superviżorji, inkluż b'rabta mar-rekwiżiti tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 114 u l-Artikolu 117(3);

(e) applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti prudenzjali skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 fl-entijiet kollha fi grupp tal-istituzzjonijiet mingħajr preġudizzju għall-alternattivi u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni;

(f) applikazzjoni tal-Artikolu 112(1)(c) b'kunsiderazzjoni għall-ħidma ta' fora oħra li jistgħu jitwaqqfu f'dak il-qasam.

2. L-awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw fil-kulleġġi tas-superviżuri u l-ABE għandhom jikkooperaw mill-qrib. Ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità skont it-Taqsima II tal-Kapitolu 1, ta' din id-Direttiva u l-Artikoli 54 u 58 tad-Direttiva 2004/39/KE m'għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw informazzjoni kunfidenzjali fil-kulleġġi tas-superviżuri. L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva u skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġi għandhom ikunu bbażati fuq arranġamenti bil-miktub msemmija fl-Artikolu 115, iddeterminati wara li ġew ikkonsultati l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati mis-superviżur konsolidanti.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet ġenerali għall-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex jiġi ddeterminat il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi tas-superviżuri.

L-ABE għandha tippreżenta dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni hi kkonferita bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE u l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti fejn ikunu stabbiliti fergħat sinifikanti kif imsemmija fl-Artikolu 51, il-banek ċentrali tas-SEBĊ kif xieraq, u l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi fejn ikun xieraq u soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità li jkunu ekwivalenti, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti kollha, għar-rekwiżiti skont it-Taqsima II tal-Kapitolu 1 ta' din id-Direttiva u fejn applikabbli, l-Artikoli 54 u 58 tad-Direttiva 2004/39/KE, jistgħu jipparteċipaw fil-kulleġġi tas-superviżuri.

7. Is-superviżur konsolidanti għandu jippresjedi l-laqgħat tal-kulleġġ u għandu jiddeċiedi liema awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu sehem f'laqgħa jew f'attività tal-kulleġġ. Is-superviżur konsolidanti għandu jżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, bil-quddiem, dwar l-organizzazzjoni ta' laqgħat bħal dawn, dwar il-kwistjonijiet prinċipali li jkunu ser jiġu diskussi u dwar l-attivitajiet li jkunu ser jiġu kkunsidrati. Is-superviżur konsolidanti għandu wkoll iżomm lill-membri tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, u mingħajr dewmien, dwar l-azzjonijiet meħudin f'dawk il-laqgħat jew dwar il-miżuri mwettqin.

8. Id-deċiżjoni tas-superviżur konsolidanti għandha tieħu kont tar-rilevanza tal-attività superviżorja li tkun ser tiġi ppjanata jew ikkoordinata għal dawk l-awtoritajiet, b'mod partikolari l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kif imsemmi fl-Artikoli 7 u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 51(2).

9. Is-superviżur konsolidanti, soġġett għar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità skont it-Taqsima II tal-Kapitolu 1, ta' din id-Direttiva, u fejn applikabbli, l-Artikoli 54 u 58 tad-Direttiva 2004/39/KE, għandu jinforma lill-ABE dwar l-attivitajiet tal-kulleġġ tas-superviżuri, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u jikkomunika lill-ABE l-informazzjoni kollha li tkun ta' rilevanza partikolari għall-finijiet tal-konverġenza superviżorja.

Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar il-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tista' tirriferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-funzjonament tal-kulleġġi superviżorji skont dan l-Artikolu fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 117*

**Obbligi ta' kooperazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin. Huma għandhom jipprovdu lil xulxin kull informazzjoni li tkun essenzjali jew rilevanti għall-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji tal-awtoritajiet l-oħra skont din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw, fuq talba, l-informazzjoni rilevanti kollha u għandhom jikkomunikaw fuq inizjattiva tagħhom stess kull informazzjoni rilevanti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-ABE għall-finijiet ta' din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-ABE l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet tagħha skont din id-Direttiva, skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, u skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament 1093/2010.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha titqies bħala essenzjali jekk tkun tista' tinfluwenza materjalment il-valutazzjoni tas-sodezza finanzjarja ta' istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja fi Stat Membru ieħor.

B'mod partikolari, is-superviżuri konsolidanti tal-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE u l-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpanniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE jew kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra li jissorvelja s-sussidjarji ta' dawk l-impriżi prinċipali. Biex ikun iddeterminat l-ammont ta' informazzjoni rilevanti, għandha titqies l-importanza ta' dawk is-sussidjarji fis-sistema finanzjarja f'dawk l-Istati Membri.

L-informazzjoni essenzjali jew rilevanti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi, b'mod partikolari, il-punti li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tal-istruttura ġuridika tal-grupp u l-istruttura tal-governanza inkluża l-istruttura organizzattiva, li jkopru l-entitajiet irregolati, l-entitajiet mhux irregolati, is-sussidjarji mhux irregolati u l-fergħat sinifikanti tal-grupp, l-impriżi prinċipali, skont l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 109(2), u tal-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet irregolati fil-grupp;

(b) il-proċeduri għall-ġbir tal-informazzjoni mill-istituzzjonijiet fi grupp, u l-kontroll ta' dik l-informazzjoni;

(c) żviluppi negattivi fl-istituzzjonijiet jew f'entiajiet oħra ta' grupp, li jistgħu jaffettwaw serjament lill-istituzzjonijiet;

(d) penali sinifikanti u miżuri eċċezzjonali meħudin mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva, inkluża l-impożizzjoni ta' rekwiżit speċifiku ta' fondi proprji skont l-Artikolu 104 u l-impożizzjoni ta' kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tal-Approċċ Avvanzat ta' Kalkolu għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 312(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirriferu lill-ABE is-sitwazzjonijiet fejn:

(a) meta l-awtorità kompetenti ma tkunx ikkomunikat informazzjoni essenzjali;

(b) meta t-talba għal kooperazzjoni, b'mod partikolari għal skambju ta' informazzjoni rilevanti, tkun ġiet rifjutata jew ma jkun sar xejn dwarha fi żmien raġonevoli.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 258 TFUE, l-ABE tista' taġixxi f'konformità mas-setgħat ikkonferiti lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-ABE tista' wkoll tgħin lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżviluppaw prattiki konsistenti ta' kooperazzjoni anki fuq l-inizjattiva tagħha stess f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ikkontrollati minn istituzzjoni prinċipali tal-UE għandhom kull fejn jkun possibbli jikkuntattjaw lis-superviżur konsolidanti meta jeħtieġu infomazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-approċċi u l-metodoloġiji stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 li tista' tkun diġà disponibbli għas-superviżur konsolidanti.

4. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom, qabel ma jieħdu deċiżjoni, jikkonsultaw lil xulxin rigward il-punti li ġejjin, fejn tali deċiżjonijiet ikunu ta' importanza għall-kompiti superviżorji ta' awtoritajiet kompetenti oħra:

(a) bidliet fl-istruttura tal-azzjonisti, dik organizzattiva jew ta' ġestjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi grupp, li jirrikjedu l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti; u

(b) penali sinifikanti jew miżuri eċċezzjonali meħudin mill-awtoritajiet kompetenti, inkluża l-impożizzjoni ta' rekwiżit speċifiku ta' fondi proprji skont l-Artikolu 104 u l-impożizzjoni ta' kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tal-Approċċi Avvanzati ta' Kalkolu għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-Artikolu 312(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Għall-finijiet tal-punt (b), is-superviżur konsolidanti għandu dejjem jiġi kkonsultat.

Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tikkonsultax awtoritajiet kompetenti oħra f'każijiet ta' urġenza jew fejn tali konsultazzjoni tista' tippreġudika l-effikaċja tad-deċiżjonijiet tagħha. F'tali każ, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra wara li tieħu d-deċiżjoni tagħha.

*Artikolu 118*

**Kontrolli tal-informazzjoni rigward entitajiet fi Stati Membri oħra**

Meta, fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jixtiequ f'każijiet speċifiċi jikkontrollaw l-informazzjoni rigward istituzzjoni, kumpannija azzjonarja finanzjarja, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni finanzjarja, impriża ta' servizzi anċillari, kumpannija azzjonarja b'attività mħallta, sussidjarja kif msemmija fl-Artikolu 125 jew sussidjarja kif msemmija fl-Artikolu 119(3), li jkunu jinstabu fi Stat Membru ieħor, huma għandhom jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor għat-twettiq ta' dak il-kontroll. L-awtoritajiet li jirċievu tali talba għandhom, fil-qafas tal-kompetenza tagħhom, jaġixxu fir-rigward tagħha jew billi jwettqu l-verifika huma stess, jew billi jippermettu li titwettaq mill-awtoritajiet li jkunu għamlu t-talba, billi jippermettu li titwettaq minn awditur jew espert. L-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba tista', jekk tkun tixtieq hekk, tipparteċipa fil-kontroll meta ma twettaqx il-kontroll hija stess.

Taqsima II

**Kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta u kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta**

*Artikolu 119*

**Inklużjoni ta' kumpanniji azzjonarji f'superviżjoni konsolidata**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw kwalunkwe miżura meħtieġa, fejn xieraq, biex jinkludu kumpanniji azzjonarji finanzjarji u kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta f'superviżjoni kkonsolidata.

2. Fejn sussidjarja li hija istituzzjoni ma tkunx inkluża fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata skont wieħed mill-każijiet previsti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tinsab is-sussidjarja jistgħu jitolbu lill-impriża prinċipali għal informazzjoni li tista' tiffaċilita s-superviżjoni tagħhom ta' dik is-sussidjarja.

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli għat-twettiq tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata jitolbu lis-sussidjarji ta' istituzzjoni, kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, li ma jkunux inklużi fl-ambitu tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 122. F'każ bħal dan, għandhom japplikaw il-proċeduri għat-trasmissjoni u l-kontroll tal-informazzjoni stipulati f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 120*

**Superviżjoni ta' kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħalltin**

1. Meta kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta tkun soġġetta għal dispożizzjonijiet ekwivalenti skont din id-Direttiva u skont id-Direttiva 2002/87/KE, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju, is-superviżur konsolidanti jista', wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji, japplika biss id-Direttiva 2002/87/KE għal dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

2. Meta kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta tkun soġġetta għal dispożizzjonijiet ekwivalenti skont din id-Direttiva u skont id-Direttiva 2009/138/KE, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju, is-superviżur konsolidanti jista', bi ftehim mas-superviżur tal-grupp fis-settur tal-assigurazzjoni, għal dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta japplika biss id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mas-settur finanzjarju l-aktar sinifikanti kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/87/KE.

3. Is-superviżur konsolidanti għandu jinforma lill-ABE u lill-EIOPA dwar id-deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafi 1 u 2.

4. L-ABE, l-EIOPA u l-AETS għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 54 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010, jiżviluppaw linji gwida mmirati lejn il-konverġenza tal-prattiki superviżorji u għandhom, fi żmien tliet snin mill-adozzjoni ta' dawk il-linji gwida, jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għall-istess fini.

Il-Kummissjoni hi ddelegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 121*

**Kwalifiki tad-diretturi**

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-membri tal-korp ta' ġestjoni ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jkunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollhom tagħrif, ħiliet u esperjenza biżżejjed kif imsemmi fl-Artikolu 91(1) biex iwettqu dawk id-dmirijiet, b'kont meħud tar-rwol speċifiku ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

*Artikolu 122*

## Talbiet għal informazzjoni u ispezzjonijiet

1. Sakemm ikun hemm aktar koordinazzjoni fil-metodi ta' konsolidazzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li, meta l-impriża prinċipali ta' istituzzjoni waħda jew aktar tkun kumpannija azzjonarja b'attività mħallta, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet għandhom, billi javviċinaw lill-kumpannija azzjonarja b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħha direttament jew permezz ta' sussidjarji li jkunu istituzzjonijiet, jesiġu minnhom li huma jipprovdu kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-fini tas-superviżjoni ta' dawk is-sussidjarji.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jwettqu ispezzjonijiet fuq il-post, jew iqabbdu lil spetturi esterni biex iwettquhom, biex jikkontrollaw l-informazzjoni li tkun waslet mill-kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħhom. Jekk il-kumpannija azzjonarja mħallta jew waħda mis-sussidjarji tagħha tkun impriża tal-assigurazzjoni, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 125 tista' tintuża wkoll. Jekk kumpannija azzjonarja b'attività mħallta jew waħda mis-sussidjarji tagħha tkun tinsab fi Stat Membru differenti minn dak li fih tinsab sussidjarja li tkun istituzzjoni, il-kontroll fuq il-post tal-informazzjoni għandha titwettaq skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 118.

*Artikolu 123*

## Superviżjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Parti Erbgħa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li, meta l-impriża prinċipali ta'waħda jew aktar mill-istituzzjonijiet tkun kumpannija azzjonarja b'attività mħallta, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' dawn l-istituzzjonijiet għandhom jeżerċitaw superviżjoni ġenerali fuq it-transazzjonijiet bejn l-istituzzjoni u l-kumpannija azzjonarja b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħha.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jkollhom fis-seħħ proċessi ta' ġestjoni tar-riskji u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri tajba ta' rappurtar u kontabbilistiċi, sabiex jidentifikaw, ikalkoluu, jissorveljaw u jikkontrollaw kif xieraq it-transazzjonijiet mal-kumpannija azzjonarja b'attività mħallta prinċipali u s-sussidjarji tagħha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu ir-rappurtar mill-istituzzjoni ta' kwalunkwe transazzjoni sinifikanti ma' dawk l-entitajiet minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 394 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawk il-proċeduri u transazzjonijiet sinifikanti għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 124*

## Skambju ta' informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impedimenti ġuridiku li jipprevjeni l-iskambju, bejn l-impriżi inklużi fl-ambitu tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata, kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħhom, jew sussidjarji msemmija fl-Artikolu 119(3), ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-finijiet tas-superviżjoni skont l-Artikolu 110 u l-Kapitolu 3.

2. Meta impriża prinċipali u kwalunkwe sussidjarja tagħha li tkun istituzzjoni tkun tinsab fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' tippermetti jew tgħin fit-twettiq tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata.

Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li fih tkun tinsab impriża prinċipali ma jkunux huma stess li jwettqu s-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata skont l-Artikolu 111, huma jistgħu jiġu mistiedna mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għal eżerċizzju ta' tali superviżjoni biex jitolbu lill-impriża prinċipali għal kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-finijiet superviżorji fuq bażi kkonsolidata u li jittrasmettuha lil dawk l-awtoritajiet.

3. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, bil-ftehim li, fil-każ ta' kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta, istituzzjonijiet finanzjarji jew impriżi ta' servizzi anċillari, il-ġbir jew il-pussess tal-informazzjoni m'għandux jimplika li l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa li jwettqu rwol superviżorju fir-rigward ta' dawk l-istituzzjonijiet jew l-impriżi b'mod awtonomu.

Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 122 bil-ftehim li l-ġbir u l-pussess tal-informazzjoni ma jimplikax li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu rwol superviżorju fir-rigward tal-kumpannija azzjonarja b'attività mħallta u s-sussidjarji tagħha li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu, jew sussidjarji msemmija fl-Artikolu 119(3).

*Artikolu 125*

## Kooperazzjoni

1. Meta istituzzjoni, kumpannija azzjonarja finanzjarja, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jew kumpannija azzjonarja b'attività mħallta tikkontrolla sussidjarja waħda jew aktar li huma kumpanniji tal-assigurazzjoni jew impriżi oħra li jipprovdu servizzi ta' investiment li jkunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet fdati bil-kompitu pubbliku ta' superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew dawk l-impriżi l-oħra li jipprovdu servizzi ta' investiment għandhom jikkooperaw mill-qrib. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, dawk l-awtoritajiet għandhom jipprovdu lil xulxin kwalunkwe informazzjoni li x'aktarx li tissimplifika l-kompitu tagħhom u tippermetti s-superviżjoni tal-attività u tas-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-impriżi li huma jissorveljaw.

2. L-informazzjoni li tasal, fil-qafas tas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata, u b'mod partikolari, kwalunkwe skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti previst f'din id-Direttiva, għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fl-Artikolu 53(1) ta' din id-Direttiva għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew taħt id-Direttiva 2004/39/KE għad-ditti tal-investiment.

3. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għandhom jistabbilixxu listi tal-kumpanniji azzjonarji finanzjarji jew kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawk il-listi għandhom ikunu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra, lill-ABE u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 126*

**Penali**

Konformement mat-Taqsima IV tal-Kapitolu 1 ta' dan it-Titolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jistgħu jiġu imposti penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra mmirati li jtemmu l-ksur osservat jew il-kawżi ta' tali ksur fuq kumpanniji azzjonarji finanzjarji, kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta u kumpanniji azzjonarji b'attività mħallta, jew l-amministraturi effettivi tagħhom, li jiksru l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu dan il-Kapitolu.

*Artikolu 127*

**Valutazzjoni tal-ekwivalenza tas-superviżjoni kkonsolidata ta' pajjiżi terzi**

1. Meta istituzzjoni, li l-impriża prinċipali tagħha tkun istituzzjoni jew kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, li l-uffiċċju ewlieni tagħha jkun jinsab f'pajjiż terz, ma tkunx soġġetta għal superviżjoni kkonsolidata skont l-Artikoli 111, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni tkunx soġġetta għal superviżjoni kkonsolidata minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz li tkun ekwivalenti għal dik irregolata mill-prinċipji stipulati f'din id-Direttiva u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II, Parti Wieħed tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-valutazzjoni għandha titwettaq mill-awtorità kompetenti li tkun responsabbli għal superviżjoni kkonsolidata jekk ikun applikabbli l-paragrafu 3, fuq talba tal-impriża prinċipali jew ta' kwalunkwe entità rregolata awtorizzata fl-Unjoni jew fuq inizjattiva tagħha stess. Dik l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Kumitat tal-Banek Ewropej biex jagħti gwida ġenerali rigward jekk il-possibbiltà li l-arranġamenti ta' superviżjoni kkonsolidata tal-awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi jiksbu l-objettivi ta' superviżjoni kkonsolidata kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, fir-rigward tal-istituzzjonijiet meta l-impriża prinċipali tagħhom ikollha l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz. Il-Kumitat Bankarju Ewropew għandu jżomm kwalunkwe tali gwida taħt rieżami u jqis kwalunkwe bidla għall-arranġamenti ta' superviżjoni kkonsolidata applikata minn tali awtoritajiet kompetenti. L-ABE għandha tgħin lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tal-Banek Ewropej fit-twettiq ta' dawk il-kompiti, inklużi fir-rigward tal-valutazzjoni jekk tali gwida għandhiex tkun aġġornata.

L-awtorità kompetenti li twettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tqis kwalunkwe gwida ta' dan it-tip. Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-ABE qabel ma tadotta d-deċiżjoni.

3. Fin-nuqqas ta' tali superviżjoni ekwivalenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjoni mutatis mutandisjew għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li japplikaw tekniki superviżorji adattati oħra li jiksbu l-objettivi ta' superviżjoni fuq bażi kkonsolidata tal-istituzzjonijiet.

Dawk it-tekniki superviżorji għandhom, wara li jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, ikunu maqbula mill-awtorità kompetenti li ser tkun responsabbli għas-superviżjoni kkonsolidata.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, jirrikjedu l-istabbiliment ta' kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-Unjoni, u japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar superviżjoni kkonsolidata għall-pożizzjoni kkonsolidata ta' dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-pożizzjoni kkonsolidata tal-istituzzjonijiet ta' dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

It-tekniki superviżorji għandhom jitfasslu biex jiksbu l-objettivi tas-superviżjoni kkonsolidata kif stabbilit f'dan il-Kapitolu u għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, lill-ABE u lill-Kummissjoni.

*KAPITOLU 4*

***Riżervi ta' Kapital***

Taqsima I

**Riżervi kontroċikliċi**

*Artikolu 128*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital' tfisser il-fondi proprji li istituzzjoni tkun meħtieġa żżomm f'konformità mal-Artikolu 129;

(2) 'riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni' tfisser il-fondi proprji li l-istituzzjoni tkun meħtieġa żżomm f'konformità mal-Artikolu 130;

(3) 'riżerva ta' G-SII' tfisser il-fondi proprji huma meħtieġa li jinżammu konformement mal-Artikolu 131(4);

(4) 'riżerva ta' O-SII' tfisser il-fondi proprji li huma meħtieġa li jinżammu konformement mal-Artikolu 131(5);

(5) 'riżerva għar-riskju sistemiku' tfisser il-fondi proprji li istituzzjoni tkun jew tista' tkun meħtieġa żżomm skont l-Artikolu 133;

(6) 'rekwiżit ta' riżerva kombinata' tfisser il-kapital totali tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni meħtieġ biex jissodisfa r-rekwiżit għar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital estiż b'dawn li ġejjin, skont il-każ:

(a) riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni;

(b) 'riżerva ta' G-SII;

(c) riżerva ta' O-SII;

(d) riżerva għal riskju sistemiku;

(7) 'rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika' tfisser ir-rata li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biex jikkalkolaw ir-riżervi ta' kapital kontroċikliċi speċifiċi għall-istituzzjoni tagħhom, u li tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 136, l-Artikolu 137 jew minn awtorità rilevanti ta' pajjiż terz, skont il-każ;

(8) 'istituzzjoni awtorizzata domestikament' tfisser istituzzjoni li tkun ġiet awtorizzata fl-Istat Membru, li għaliha awtorità nnominata partikolari tkun responsabbli għall-istabbiliment tar-rata ta' riżerva ta' kapital kontroċiklika;

(9) 'gwida għar-riżerva' tfisser rata ta' riżerva li tkun punt ta' riferiment ikkalkulata skont l-Artikolu 135(1).

Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għad-ditti tal-investiment li ma jkunux awtorizzati jipprovdu s-servizzi ta' investiment imsemmija fil-punti 3 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2004/39/KE.

*Artikolu 129*

**Rekwiżit li tinżamm riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, minbarra l-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet jżommu riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ugwali għal 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tagħhom ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) ta' dak r-Regolament fuq bażi individwali u kkonsolidata, kif applikabbli f'konformità mat-Titolu II tal-Ewwel Parti ta' dak ir-Regolament.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru jista' jeżenta ditti żgħar u ta' daqs medju tal-investiment mir-rekwiżiti stipulati f'dak il-paragrafu jekk tali eżenzjoni ma theddidx l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' dak l-Istat Membru.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' tali eżenzjoni għandha tkun raġunata bis-sħiħ, għandha tinkludi spjegazzjoni dwar ir-raġuni għaliex l-eżenzjoni ma theddidx l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Istat Membru u għandu jkun fiha d-definizzjoni preċiża tad-ditti żgħar u ta'daqs medju tal-investiment li huma eżenti.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw tali eżenzjoni għandu jinnotifika dan il-fatt lill-Kummissjoni, il-BERS, l-ABE u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b' dan.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu jinnomina l-awtorità responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata.

4. Għall-fini tal-paragrafu 2, id-ditti tal-investiment għandhom jiġu kkategorizzati bħala żgħar jew ta' daqs medju f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ([1]).

5. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, li jkun miżmum biex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikolu 104.

6. Fejn l-istituzzjoni ma tissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżit skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, din għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet stipulati fl-Artikolu 141(2) u (3).

*Artikolu 130*

**Rekwiżit li tinżamm riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet iżommu riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni ekwivalenti għall-ammont totali tal-iskopertura tagħhom għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 immultiplikat bil-medja peżata tar-rati ta' riżervi ta' kapital kontroċikliċi kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 140 ta' din id-Direttiva fuq bażi individwali u kkonsolidata, kif applikabbli f'konformità mat-Titolu II tal-Ewwel Parti ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36. (mhux disponibbli bil-Malti)

2. B'deroga mill-paragrafu 1, Stat Membru jista' jeżenta ditti żgħar u ta' daqs medju tal-investiment stabbiliti f'dak il-paragrafu jekk tali eżenzjoni ma theddidx l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' dak l-Istat Membru.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' tali eżenzjoni għandha tkun raġunata bis-sħiħ, għandha tinkludi spjegazzjoni dwar ir-raġuni għaliex l-eżenzjoni ma theddidx l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Istat Membru u għandu jkun fiha d-definizzjoni preċiża żgħar u ta' daqs medju tal-investiment li huma eżentati.

L-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw tali eżenzjoni għandu jinnotifika dan il-fatt lill-Kummissjoni, il-BERS, l-ABE u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati b' dan.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu jinnomina l-awtorità responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata.

4. Għall-fini tal-paragrafu 2, id-ditti tal-investiment għandhom jiġu kkategorizzati bħala żgħar jew ta' daqs medju f'konformità mar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE;

5. L-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit impost mill-paragrafu 1 b'kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, li għandu jkun addizzjonali għal kwalunkwe kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex jissodisfa r-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżit li tinżamm riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital f'konformità mal-Artikolu 129 ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit impost skont l-Artikolu 104 ta' din id-Direttiva.

6. Fejn l-istituzzjoni ma tissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżit skont il-paragrafu 1, din għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet stipulati fl-Artikolu 141(2) u (3).

*Artikolu 131*

**Istituzzjonijiet sistemikament importanti globali u oħrajn**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità responsabbli għall-identifikazzjoni, fuq bażi kkonsolidata, ta' istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs), u, fuq bażi individwali subkonsolidata jew ikkonsolidata, kif applikabbli, istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs), li ġew awtorizzati fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw aktar minn awtorità waħda. Il-G-SIIs għandhom ikunu istituzzjoni prinċipali tal-UE, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew istituzzjoni. Il-G-SIIs ma għandhomx ikunu istituzzjoni sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE. L-O-SIIs jistgħu jkunu jew istituzzjoni prinċipali tal-UE, jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE, jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew istituzzjoni.

2. Il-metodoloġija tal-identifikazzjoni għall-G-SIIs għandha tkun ibbażata fuq il-kategoriji li ġejjin:

(a) id-daqs tal-grupp;

(b) l-interkonnettività tal-grupp mas-sistema finanzjarja;

(c) is-sostitwibilità tas-servizzi jew tal-infrastruttura finanzjarja pprovduta mill-grupp;

(d) il-kumplessità tal-grupp;

(e) l-attività transkonfinali tal-grupp, inkluż l-attività transkonfinali bejn l-Istati Membri u bejn Stat Membru u pajjiż terz.

Kull kategorija għandha tirċievi peżar ugwali u għandhom tikkonsisti minn indikaturi kwantifikabbli.

Il-metodoloġija għandha tipproduċi punteġġ globali għal kull entità msemmija fil-paragrafu 1 li tiġi valutata, li jippermetti li l-G-SIIs jkunu identifikati u allokati f'subkategorija kif deskritta fil-paragrafu 9.

3. L-OSIIs għandhom jiġu identifikati skont il-paragrafu 1. L-importanza sistemika għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) id-daqs;

(b) l-importanza għall-ekonomija tal-Unjoni, jew tal-Istat Membru rilevanti;

(c) is-sinifikanza tal-attivitajiet transkonfinali;

(d) l-interkonnettività tal-istituzzjoni jew tal-grupp mas-sistema finanzjarja.

L-ABE, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha sal-1 ta' Jannar 2015 tippubblika linji gwida dwar il-kriterji li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu b'rabta mal-valutazzjoni tal-O-SIIs. Dawk il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-oqfsa internazzjonali għal istituzzjonijiet sistemikament importanti domestiċi u speċifiċitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk nazzjonali.

4. Kull G-SII għandha, fuq bażi kkonsolidata, iżżomm riżerva għall-G-SII li għandha tikkorrispondi għas-subkategorija li tiġi assenjata fiha l-G-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

5. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' teħtieġ lil kull O-SII, fuq bażi kkonsolidata jew subkonsolidata jew individwali, skont kif japplika, biex iżżomm riżerva għal O-SII sa 2 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li jitqiesu l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-O-SII. Dik ir-riżerva għandha tikkonsisti minn u għandha tissupplimenta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

6. Meta tesiġi li tinżamm riżerva O-SII l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tirrispetta li ġej:

(a) ir-riżerva ta' O-SII m'għandhiex tinvolvi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni kollha kemm hi li jifformaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern;

(b) ir-riżerva ta' O-SII għandha tiġi rieżaminata mill-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tal-inqas kull sena.

7. Qabel ma tiffissa jew terġa' tiffissa riżerva ta' O-SII, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-BERS, lill -ABE u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati xahar qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 5. Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall li ġej:

(a) il-ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex ir-riżerva O-SII titqies li x'aktarx tkun effettiva u proporzjonata biex ittaffi r-riskju;

(b) valutazzjoni tal-impatt probabbli, pożittiv jew negattiv, tar-riżerva O-SII fuq is-suq intern, abbażi tal-informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru;

(c) ir-rata tar-riżerva O-SII li l-Istat Membru jixtieq jiffissa.

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 133 u l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fejn OSII tkun sussidjarja ta' G-SII jew ta' O-SII li hija istituzzjoni prinċipali tal-UE u soġġetta għal riżerva ta' O-SII fuq bażi kkonsolidata, ir-riżerva li tapplika fuq livell individwali jew subkonsolidat għall-O-SII m'għandhiex tkun iktar mill-ogħla valur ta':

(a) 1 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(b) ir-rata ta' riżerva ta' G-SII jew O-SII applikabbli għall-grupp f'livell ikkonsolidat.

9. Għandu jkun hemm tal-inqas ħames subkategoriji ta' G-SIIs. Il-limitu l-aktar baxx u l-limiti ta' bejn kull subkategorija għandhom jiġu ddeterminati mill-punteġġi skont il-metodoloġija tal-identifikazzjoni. Il-punteġġi li jifirdu s-subkategoriji li jmissu ma' xulxin għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar u għandhom josservaw il-prinċipju li hemm żieda lineari kostanti ta' sinifikat sistemiku, bejn kull subkategorija li tirriżulta f'żieda lineari fir-rekwiżit ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni, bl-eċċezzjoni tal-ogħla subkategorija. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, sinifikat sistemikuhija l-impatt mistenni fuq is-suq finanzjarju globali kkawżat minn diffikultajiet għall-G-SII. Is-subkategorija l-aktar baxxa għandha tiġi assenjata riżerva ta' G-SII ta' 1 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-riżerva assenjata lil kull subkategorija għandu jiżdied b'pendili ta' 0,5 % tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sa u inkluża r-raba' subkategorija. L-ogħla subkategorija tar-riżerva ta' G-SIIgħandha tkun soġġetta għal riżerva ta' 3,5 % tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

10. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 9, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista', fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni superviżorja korretta:

(a) tirrialloka G-SII minn subkategorija aktar baxxa għal waħda ogħla;

(b) talloka entità kif imsemmija fil-paragrafu 1 li jkollha punteġġ globali aktar baxx mill-punteġġ limitu tal-iktar subkategorija baxxa f'dik is-subkategorija jew f'subkategorija ogħla, u b'hekk tinnomina bħala G-SII.

11. Jekk l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tieħu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 10(b), hija għandha tinnotifika lill-ABE b'dan, u tagħti raġunijiet.

12. L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għadha tinnotifika l-ismijiet tal-G-SIIs u l-O-SIIs u s-subkategorija rispettiva fejn tiġi allokata kull G-SII, lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-ABE, u għandha tiżvela isimhom lill-pubbliku. L-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet innominati għandhom jiżvelaw lill-pubbliku s-subkategorija fejn tiġi allokata kull G-SII.

L-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha kull sena tirrieżamina l-identifikazzjoni tal-G-SIIs u l-O-SIIs u l-allokazzjoni tal-G-SIIs fis-subkategoriji rispettivi u tirrapporta r-riżultat lill-istituzzjoniji sistemikament importanti kkonċernata, lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-EBA u tiżvela l-lista aġġornata ta' istituzzjonijijiet sistemikament importanti li jkunu identifikati lill-pubbliku u għandha tiżvela lill-pubbliku s-subkategorija fejn tkun allokata kull G-SII identifikata.

13. Istituzzjoniji sistemikament importanti m'għandhomx jużaw il-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni li jinżamm biex jissodisfa r-rekwiżiti skont il-paragrafi 4 u 5 biex jiġi sodisfatt kwalunkwe rekwiżit impost skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikoli 129 u 130 ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit impost skont l-Artikoli 102 u 104 ta' din id-Direttiva.

14. Fejn grupp, fuq bażi kkonsolidata, ikun soġġett għal li ġej, għandu japplika r-riżerva l-aktar għolja f'kull każ;

(a) riżerva ta' G-SII u riżerva ta' O-SII;

(b) riżerva ta' G-SII, riżerva ta' O-SII u riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133.

Meta istituzzjoni, fuq bażi individwali jew subkonsolidata, tkun soġġetta għal riżerva O-SII u riżerva għal riskju sistemiku f'konformità mal-Artikolu 133, għandha tapplika r-riżerva l-aktar għolja.

15. Minkejja l-paragrafu 14, fejn tkun tapplika riżerva għal riskju Ssistemiku għall-iskoperturi kollha li jinsabu fl-Istat Membru li jiffissa dik ir-riżerva biex jindirizza r-riskju makroprudenzjali ta' dak l-Istat Membru, iżda ma japplikax għall-iskoperturi barra mill-Istat Membru, dik ir-riżerva għal riskju sistemiku għandha tkun kumulattiva mar-riżerva ta' O-SII jew G-SII li tiġi applikata f'konformità ma' dan l-Artikolu.

16. Fejn ikun japplika l-paragrafu 14 u istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dik l-istituzzjoni m'għandhiex titqies li hija, fuq bażi individwali, soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u l-ogħla waħda mir-riżervi O-SII u għal riskju sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali.

17. Fejn ikun japplika l-paragrafu 15 u istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dik l-istituzzjoni m'għandhiex titqies li hija, fuq bażi individwali, soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u s-somma tar-riżervi O-SII u tar-riskju sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali.

18. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika għall-finijiet ta' dan l-Artikolu,il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata biex tidentifika istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE bħala G-SII u biex tiġi speċifikata l-metodoloġija għad-definizzjoni tas-subkategoriji u l-allokazzjoni tal-G-SIIs f'subkategoriji abbażi tar-sinifikat sistemiku tagħhom, waqt li jitqiesu l-istandards maqbula fuq livell internazzjonali.

L-ABE għandha tippreżenta sat-30 ta' Ġunju 2014 dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni hi ddelegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 132*

**Rapportar**

1. Il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2015 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il-bażi tal-iżviluppi internazzjonali u l-opinjoni tal-ABE, dwar il-possibbiltà li l-qafas għall-G-SIIs jiġi estiż għal aktar istituzzjonijiet sistemikament importanti fl-Unjoni. Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

2. Il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2016, wara li tikkonsulta lill-BERS u lill-ABE tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk it-trattament stipulat fl-Artikolu 131 għandux jinbidel. Fejn ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva. Kwalunkwe proposta bħal din għandha tieħu kont dovut tal-iżviluppi regolatorji internazzjonali u għandha tirrevedi, fejn ikun meħtieġ, il-proċess tal-allokazzjoni ta' riżervi O-SII speċifiċi għal istituzzjoni fi ħdan grupp waqt li tikkunsidra kull impatt possibbli mhux dovut fuq l-implimentazzjoni tas-separazzjoni strutturali fi ħdan l-Istati Membri.

*Artikolu 133*

**Rekwiżit biex tinżamm riżerva għal riskju sistemiku**

1. Kull Stat Membru jista' jintroduċi riżerva għal riskju sistemiku tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni għas-settur finanzjarju jew subsett wieħed jew aktar ta' dak is-settur, biex jipprevjeni u jtaffi r-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali mhux ċikliċi fuq perijodu twil li mhumiex koperti bir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fis-sens ta' riskju ta' tħarbit fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu jinnomina l-awtorità responsabbli għall-iffissar tar-riżerva għal riskju sistemiku u għall-identifikazzjoni tas-settijiet ta' istituzzjonijiet li tapplika għalihom. Din l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jżommu, b'żieda mal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni miżmum biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' fondi proprji impost bl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, riżerva għal riskju sistemiku ta' kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni ta' mill-inqas 1 % bbażata fuq l-iskoperturi li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, fuq bażi individwali kkonsolidata jew subkonsolidata, skont kif japplika f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II ta' dak ir-Regolament. L-awtorità kompetenti jew innominata rilevanti tista' tesiġi li l-istituzzjonijiet iżommu r-riżerva għal riskju sistemiku fuq livell individwali u fuq livell ikkonsolidat.

4. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw il-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni li jinżamm sabiex jissodisfa r-rekwiżit skont il-paragrafu 3 biex jiġi sodisfatt kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikoli 129 u 130 ta' din id-Direttiva u kwalunkwe rekwiżit impost mill-Artikoli 102 u 104 ta' din id-Direttiva. Meta grupp li jkun ġie identifikat bħala istituzzjoni sistemikament importanti li hi soġġetta għal riżerva ta' G-SII jew għal riżerva ta' O-SII fuq bażi kkonsolidata f'konformità mal-Artikolu 131 jkun soġġett ukoll għal riżerva għal riskju sistemiku fuq bażi kkonsolidata f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tapplika l-ogħla waħda mir-riżervi. Meta istituzzjoni, fuq bażi individwali jew subkonsolidata, tkun soġġetta għal għal riżerva ta' O-SII f'konformità mal-Artikolu 131 u għal riżerva għal riskju sistemiku f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tapplika l-ogħla waħda mit-tnejn.

5. Minkejja l-paragrafu 4, meta r-rekwiżit ta' riżerva għal riskju sistemiku japplika għall-iskoperturi kollha li jinsabu fl-Istat Membru li jiffissa r-riżerva biex jindirizza r-riskju makroprudenzjali ta' dak l-Istat Membru, iżda ma japplikax għall-iskoperturi barra mill-Istat Membru, dik ir-riżerva għal riskju sistemiku għandha tkun kumulattiva mar-riżerva ta' O-SII jew G-SII li tkun applikata f'konformità mal-Artikolu 131.

6. Fejn ikun japplika l-paragrafu 4 u istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dan m'għandu qatt jimplika li dik l-istituzzjoni għandha, fuq bażi individwali, tkun soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u l-ogħla waħda mir-riżervi O-SII u għal riskju sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali.

7. Fejn ikun japplika l-paragrafu 5 u istituzzjoni tkun parti minn grupp jew subgrupp li għalih jappartjenu G-SII jew O-SII, dan m'għandu qatt jimplika li dik l-istituzzjoni għandha, fuq bażi individwali, tkun soġġetta għal rekwiżit ta' riżerva kkombinata li hija inqas mis-somma tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika, u s-somma tar-riżervi O-SII u għal riskju sistemiku applikabbli għaliha fuq bażi individwali.

8. Ir-riżerva għal riskju sistemiku tista' tapplika għall-iskoperturi li jinsabu fl-Istat Membru li jiffissa dik ir-riżerva u jista' japplika wkoll għal skoperturi f'pajjiżi terzi. Ir-riżerva għal riskju sistemiku tista' tapplika wkoll għal skoperturi li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, soġġett għall-paragrafi 15 u 18.

9. Ir- riżerva għal riskju sistemiku għandha tapplika għall-istituzzjonijiet kollha, jew għal subsett wieħed jew iktar ta' dawk l-istituzzjonijiet, li għalihom l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat ikunu kompetenti f'konformità ma' din id-Direttiva u għandu jiġi ffissat b'passi gradwali jew aċċellerati ta' aġġustament ta' 0,5 punti perċentwali. Jistgħu jiġu introdotti rekwiżiti differenti għal subsettijiet differenti tas-settur.

10. Meta tesiġi li tinżamm riżerva għal riskju sistemiku l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tikkonforma ma' li ġej:

(a) ir-riżerva għal riskju sistemiku m'għandhiex tinvolvi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni kollha kemm hi li jifformaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern;

(b) ir-riżerva għal riskju sistemiku għandha tiġi rieżaminata mill-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata talinqas kull sena.

11. Qabel tiġi ffissata jew iffissata mill-ġdid rata ta' riżerva għal riskju sistemiku ta' mhux aktar minn 3 %, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-Kummissjoni,lill-BERS u lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati xahar qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 16. Jekk ir-riżerva tapplika għall-iskoperturi li qegħdin f'pajjiżi terzi l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet superviżorji ta' dawk il-pajjiżi terzi. Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall:

(a) ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali fl-Istat Membru;

(b) ir-raġunijiet għaliex id-dimensjoni tar-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali thedded l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fil-livell nazzjonali li tiġġustifika r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku;

(c) il-ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex ir-riżerva għal riskju sistemiku titqies li x'aktarx tkun effettiva u proporzjonata biex ittaffi r-riskju;

(d) valutazzjoni tal-impatt probabbli, pożittiv jew negattiv, tar-riżerva għal riskju sistemiku fuq is-suq intern, ibbażata fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru;

(e) il-ġustifikazzjoni għalfejn l-ebda waħda mill-miżuri eżistenti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-Artikoli 458 u 459 ta' dak ir-Regolament, waħedha jew flimkien ma' oħrajn mhu ser tkun biżżejjed biex tindirizza r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat b'kont meħud tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;

(f) ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku li l-Istat Membru jixtieq jesiġi.

12. Qabel tiġi ffissata jew iffissata mill-ġdid ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku ta' aktar minn 3 %, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-Kummissjoni, lill-BERS u lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti u nnominati tal-Istati Membri kkonċernati. Jekk ir-riżerva tapplika għall-iskoperturi li qegħdin f'pajjiżi terzi l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika wkoll lill-awtoritajiet superviżorji ta' dawk il-pajjiżi terzi. Dik in-notifika għandha tiddeskrivi fid-dettall:

(a) ir-riskju sistemiku jew makroprudenzjali fl-Istat Membru;

(b) ir-raġunijiet għaliex id-dimensjoni tar-riskji sistemiċi jew makroprudenzjali thedded l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fil-livell nazzjonali li tiġġustifika r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku;

(c) il-ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex ir-riżerva għal riskju sistemiku titqies li x'aktarx tkun effettiva u proporzjonata biex ittaffi r-riskju;

(d) valutazzjoni tal-impatt probabbli, pożittiv jew negattiv, tar-riżerva għal riskju sistemiku fuq is-suq intern abbażi tal-informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru;

(e) il-ġustifikazzjoni għalfejn ebda waħda mill-miżuri eżistenti f'din id-Direttiva jew fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-esklużjoni tal-Artikoli 458 u 459 ta' dak ir-Regolament, waħedha jew flimkien ma' oħrajn ma ser tkun biżżejjed biex tindirizza r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat b'kont meħud tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;

(f) ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku li l-Istat Membru jixtieq jesiġi.

13. Mill-1 ta' Jannar 2015, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' tiffissa jew tiffissa mill-ġdid rata ta' riżerva għal riskju sistemiku li tapplika għall-iskoperturi li jinsabu f'dak l-Istat Membru u tista' tapplika wkoll għall-iskoperturi f'pajjiżi terzi sa 5 % u ssegwi l-proċeduri stipulati fil-paragrafu 11. Meta tiffissa jew tiffissa mill-ġdid rata ta' riżerva għal riskju sistemiku 'l fuq minn 5 % il-proċeduri stipulati fil-paragrafu 12 għandhom jiġu segwiti.

14. Meta r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku tkun ser tiġi ffissata bejn it-3 % u l-5 % skont il-paragrafu 13, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tal-Istat Membru li jiffissat r-riżerva għandha dejjem tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan u tistenna l-opinjoni tal-Kummissjoni qabel ma tadotta l-miżuri inkwistjoni.

Meta l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun negattiva, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tal-Istat Membru li jiffissat ir-riżerva għandha tikkonforma ma' din l-opinjoni jew jagħtu r-raġunijiet għalfejn mhijiex ser tagħmel dan.

Fejn subsett wieħed tas-settur finanzjarju ikun sussidjarju ta' kumpannija prinċipali stabbilita fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata għandha tinnotifika lill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru, lill-Kummissjoni u l-BERS. Fi żmien xahar min-notifika, il-Kummissjoni u l-BERS għandhom joħorġu rakkomandazzjoni dwar il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan il-paragrafu. Meta l-awtoritajiet ma jaqblux u fil-każ ta' rakkomandazzjoni negattiva kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-BERS, l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tista' tirriferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Id-deċiżjoni biex tiġi ffissata riżerva għal dawk l-iskoperturi għandha tiġi sospiża sakemm l-ABE tieħu deċiżjoni.

15. Fi żmien xahar min-notifika msemmija fil-paragrafu 12, il-BERS għandu jipprovdi opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk ir-riżerva għal riskju sistemiku titqiesx adatta. L-ABE tista' wkoll tagħti lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar ir-riżerva f'konformità mal-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Fi żmien xahrejn min-notifika, il-Kummissjoni, b'kont meħud tal-valutazzjoni tal-BERS u l-ABE, jekk tkun rilevanti, u jekk tkun sodisfatta li r-riżerva għal riskju sistemiku ma tinvolvix effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha ta' Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali li jwasslu biex jiġi ffurmat jew jinħoloq xkiel għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jawtorizza lill-awtorità kompetenti jew lill-awtorità nnominata biex tadotta l-miżura proposta.

16. Kull awtorità kompetenti jew awtorità nnominata għandha tħabbar l-iffissar ta' riżerva għal riskju sistemiku permezz tal-pubblikazzjoni f'sit web adatt. L-aħbar għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku;

(b) l-istituzzjonijiet li għalihom tapplika r-riżerva għal riskju sistemiku;

(c) ġustifikazzjoni għar-riżerva għal riskju sistemiku;

(d) id-data minn meta l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-iffissar jew l-iffissar mill-ġdid tar-riżerva għal riskju sistemiku; u

(e) l-ismijiet tal-pajjiżi fejn l-iskoperturi li qegħdin f'dawn il-pajjiżi jkunu rikonoxxuti fir-riżerva għal riskju sistemiku.

Jekk il-pubblikazzjoni msemmija fil-punt (c) tista' tippreġudika l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, l-informazzjoni meħtieġa fil-punt (b) m'għandhiex tiġi inkluża fit-tħabbira.

17. Meta istituzzjoni ma tissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżit skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet stipulati fl-Artikolu 141(2) u 3.

Meta l-applikazzjoni ta' dawk ir-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet twassal għal titjib mhux sodisfaċenti tal-kapital tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni tal-istituzzjoni fid-dawl tar-riskju sistemiku rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali skont l-Artikolu 64.

18. Wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 11, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-riżerva għall-iskoperturi kollha. F'każ li l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nnominata tiddeċiedi li tiffissa r-riżerva sa 3 % abbażi tal-iskoperturi fi Stati Membri oħrajn, r-riżerva għandha tiġi ffissata indaqs għall-iskoperturi kollha li jinsabu fl-Unjoni.

*Artikolu 134*

**Rikonoxximent ta' rata ta' riżerva għal riskju sistemiku**

1. Stati Membri oħrajn jistgħu jirrikonoxxu r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku ffissata skont l-Artikolu 133 u jistgħu japplikaw dik ir-rata tar-riżerva għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għall-iskoperturi li qegħdin fl-Istat Membru li jiffissa dik ir-rata tar-riżerva.

2. Jekk l-Istati Membri jirrikonoxxu r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, lill-BERS, lill-ABE u lill-Istat Membru li jiffissa dik ir-rata tar- riżerva għal riskju sistemiku.

3. Meta jiddeċiedi jekk jirrikonoxxix rata ta' riżerva għal riskju sistemiku l-Istat Membru għandu jqis l-informazzjoni ppreżentat mill-Istat Membru li jiffissa r-rata tar-riżerva skont l-Artikolu 133(11),(12) jew (13).

4. Stat Membru li jiffissa rata tar-riżerva għal riskju sistemiku skont l-Artikolu 133 jista' jitlob lill-BERS biex joħroġ rakkomandazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 lil Stati Membru wieħed jew aktar li jistgħu jirrikonoxxu r-rata tar-riżerva għal riskju sistemiku.

Taqsima II

## L-iffissar u l-kalkolu tar-riżervi ta' kapital kontroċikliċi

*Artikolu 135*

**Gwida tal-BERS dwar l-iffissar tar-rati ta' riżerva kontroċikliċi**

1. Permezz ta' rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, il-BERS jista' jipprovdi gwida lill-awtoritajiet nominati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 136(1) dwar l-istabbiliment tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, li tinkludi dan li ġej:

(a) prinċipji li jiggwidaw lill-awtoritajiet nominati meta jeżerċitaw il-ġudizzju tagħhom dwar ir-rata xierqa tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, biex jiżguraw li l-awtoritajiet jadottaw approċċ tajjeb għaċ-ċikli makroekonomiċi rilevanti u jippromwovu teħid ta' deċiżjonijiet tajjeb u konsistenti fl-Istati Membri kollha;

(b) gwida ġenerali dwar:

(i) il-kalkolu u l-kalkolu tad-devjazzjoni minn xejriet fit-tul tal-proporzjonijiet bejn il-kreditu u l-prodott domestiku gross (PDG);

(ii) il-gwidi għall-kalkolu tar-riżervi ta' kapital meħtieġa skont l-Artikolu 136(2);

(c) gwida dwar il-fatturi varjabbli li jindikaw l-akkumulu tar-riskju mifrux mas-sistema assoċjat ma' perijodi ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu f'sistema finanzjarja, b'mod partikolari l-koeffiċjent rilevanti tal-kreditu għall-PDG u d-devjazzjoni tiegħu mit-tendenza fuq perijodu taż-żmien twil, u dwar fatturi oħra rilevanti, inkluż it-trattament ta' żviluppi ekonomiċi f'setturi individwali tal-ekonomija, li għandu jservi ta' informazzjoni għad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet magħżula dwar ir-rata adatta tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika skont l-Artikolu 136;

(d) gwida dwar il-fatturi varjabbli, inklużi kriterji kwalitattivi, li jindikaw li r-riżerva ta' kapital għandha tinżamm, titnaqqas jew tiġi żvelata totalment.

2. Meta joħroġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 1, il-BERS għandu jieħu kont dovut tad-differenzi bejn l-Istati Membri u b'mod partiklari l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri b'ekonomiji żgħar u miftuħin.

3. Fejn ikun ħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 1, il-BERS għandu jżommha taħt rieżami u jaġġornaha, fejn meħtieġ, fid-dawl tal-esperjeza tal-istabbiliment tar-riżervi ta' kapital skont din id-Direttiva jew tal-iżviluppi fil-prattiki miftiehma internazzjonalment.

*Artikolu 136*

**L-iffissar tar-rati ta' riżerva kontroċikliċi**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina korp jew awtorità pubblika (minn hawn 'il quddiem "awtorità nnominata") li tkun responsabbli għall-istabbiliment tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal dak l-Istat Membru.

2. Kull awtorità nnominata għandha tikkalkola, għal kull tliet xhur, gwida għar-riżerva ta' kapital bħala referenza biex tiggwida l-eżerċizzju tal-ġudizzju tagħha fl-istabbiliment tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika skont il-paragrafu 3. Il-gwida dwar ir-riżerva ta' kapital għandha tirrifletti, b'mod sinifikanti, iċ-ċiklu ta' kreditu u r-riskji dovuti għal eċċess ta' tkabbir fil-kreditu fl-Istat Membru u għandha tieħu kont dovut tal-ispeċifiċitajiet tal-kontijiet tal-ekonomija nazzjonali. Hi għandha tkun ibbażata fuq id-devjazzjoni tal-proporzjon bejn il-kreditu u l-PDG mix-xejra fit-tul tagħha, b'kont meħud, inter alia:

(a) ta' indikatur tat-tkabbir tal-livelli tal-kreditu f'dik il-ġurisdizzjoni u, b'mod partikolari, indikatur li jirrifletti l-bidliet fil-proporzjon bejn il-kreditu mogħti f'dak l-Istat Membru u l-PDG;

(b) ta' kwalunkwe gwida kurrenti miżmuma mill-BERS f'konformità mal-Artikolu 135(1)(b).

3. Kull awtorità nnominata għandha tivvaluta u tistabbilixxi rata xierqa tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għall-Istat Membru tagħha fuq bażi ta' kull tliet xhur, u hi u tagħmel dan tqis:

(a) il-gwida tar-riżerva ta' kapital ikkalkulata skont il-paragrafu 2;

(b) kwalunkwe gwida kurrenti miżmuma mill-BERS f'konformità mal-Artikolu 135(1)(a), (c) u (d) u kwalunkwe rakkomandazzjoni maħruġa mill-BERS dwar l-iffissar ta' rata ta' riżerva;

(c) fatturi varjabbli oħra li l-awtorità nnominata tqis rilevanti għall-indirizzar tar-riskju sistemiku ċikliku.

4. Ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, espressa bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 87(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-istituzzjonijiet li jkollhom skoperturi tal-kreditu f'dak l-Istat Membru, għandhom ikunu bejn 0 % u 2,5 %, ikkalibrati f'intervalli ta' 0,25 punti perċentwali jew multipli ta' 0,25 punti perċentwali. Fejn ġustifikat abbażi tal-konsiderazzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3, l-awtorità nnominata tista' tistabbilixxi rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ogħla minn 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-fini stipulat fl-Artikolu 140(2) ta' din id-Direttiva.

5. Meta l-awtorità nnominata tistabbilixxi rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ogħla minn żero għall-ewwel darba, jew fejn sussegwentement l-awtorità nnominata żżid l-istabbiliment tar-rata prevalenti tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, hi għandha wkoll tiddeċiedi dwar id-data minn meta l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dik ir-riżerva ta' kapital ogħla għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom. Dik id-data ma għandhiex tkun aktar tard minn 12-il xahar wara d-data meta jitħabbar l-istabbiliment tar-riżerva ta' kapital ogħla skont il-paragrafu 7. Jekk id-data tkun inqas minn 12-il xahar wara li jitħabbar l-istabbiliment tar-riżerva ta' kapital ogħla, dik l-iskadenza iqsar għall-applikazzjoni għandha tiġi ġġustifikata abbażi ta' ċirkostanzi eċċezzjonali.

6. Jekk l-awtorità nnominata tnaqqas ir-rata eżistenti tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, irrispettivament minn jekk tnaqqashiex għal żero jew le, hi għandha wkoll tiddeċiedi dwar perijodu indikattiv li fih ma tkun mistennija l-ebda żieda fir-riżerva ta' kapital. Madankollu, dak il-perijodu indikattiv m'għandux ikun vinkolanti fuq l-awtorità nnominata.

7. Kull awtorità nnominata għandha tħabbar l-istabbiliment ta' kull tliet xhur tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika permezz tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web tagħha. L-aħbar għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika applikabbli;

(b) il-proporzjon rilevanti bejn il-kreditu u l-PDG u d-devjazzjoni tiegħu mix-xejra fit-tul;

(c) il-gwida tar-riżerva ta' kapital ikkalkulata skont il-paragrafu 2;

(d) ġustifikazzjoni għal dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital;

(e) fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital tiżdied, id-data minn meta l-istituzzjonijiet ikollhom japplikaw dik ir-rata ogħla tar-riżerva ta' kapital għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom;

(f) fejn id-data msemmija fil-punt (e) tkun ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tat-tħabbira skont dan il-paragrafu, referenza għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw dik l-iskadenza iqsar għall-applikazzjoni;

(g) fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital titnaqqas, il-perijodu indikattiv li matulu ma tkun mistennija l-ebda żieda fir-rata tar-riżerva ta' kapital, flimkien ma' ġustifikazzjoni għal dak il-perjodu;

L-awtoritajiet nominati għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jikkoordinaw meta għandha tingħata l-aħbar.

L-awtoritajiet nominati għandhom jinnotifikaw lill-BERS dwar l-istabbiliment ta' kull tliet xhur tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika u l-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) sa (g). Il-BERS għandu jippubblika, fuq is-sit web tiegħu, tali rati tar-riżervi ta' kapital kollha notifikati u l-informazzjoni relatata.

*Artikolu 137*

**Rikonoxximent tar-rati tar-riżerva kontroċiklika ogħla minn 2,5 %**

1. Fejn l-awtorità nnominata, skont l-Artikolu 136(4) jew l-awtorità rilevanti ta' pajjiż terz tkun stabbilixxiet rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ogħla minn 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet nominati l-oħra jistgħu jirrikonoxxu dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital għall-finijiet tal-kalkolu mill-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament tar-riżervi ta' kapital kontroċikliċi speċifika għall-istituzzjoni tagħhom.

2. Fejn l-awtorità nnominata f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tirrikonoxxi rata tar-riżerva ta' kapital ogħla minn 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hi għandha tħabbar dak ir-rikonoxximent permezz ta' pubblikazzjoni fuq is-sit web tagħha. L-aħbar għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika applikabbli;

(b) l-Istat Membru jew il-pajjiżi terzi li għalihom tkun applikabbli;

(c) fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital tiżdied, id-data minn meta l-istituzzjonijiet awtorizzati fl-Istat Membru tal-awtorità nnominata għandhom japplikaw dik ir-rata ogħla tar-riżerva ta' kapital għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom;

(d) fejn id-data msemmija fil-punt (c) tkun inqas minn 12-il xahar wara d-data tat-tħabbira skont dan il-paragrafu, referenza għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw dik l-iskadenza iqsar għall-applikazzjoni.

*Artikolu 138*

**Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar ir-rati tar-riżerva kontroċikliċi ta' pajjiżi terzi**

Il-BERS jista', skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet nominati dwar ir-rata xierqa tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għall-iskoperturi għal dak il-pajjiż terz fejn:

(a) ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ma tkunx ġiet stabbilita u ppubblikata mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz għal pajjiż terz (l-'awtorità rilevanti ta' pajjiż terz') li għalih istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni jkollha skoperturi tal-kreditu;

(b) il-BERS iqis li r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li tkun ġiet stabbilita u ppubblikata mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz għal pajjiż terz ma tkunx biżżejjed biex tipproteġi kif xieraq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mir-riskji ta' tkabbir eċċessiv fil-kreditu f'dak il-pajjiż, jew awtorità nnominata tinnotifika lill-BERS li hija tqis li r-rata tar-riżervi ta' kapital ma tkunx biżżejjed għal dak il-fini.

*Artikolu 139*

**Deċiżjoni mill-awtoritajiet nominati dwar ir-rati ta' riżerva kontroċikliċi ta' pajjiżi terzi**

1. Dan l-Artikolu japplika irrispettivament minn jekk il-BERS ikunx ħareġ rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet nominati kif imsemmi fl-Artikolu 138.

2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 138, l-awtoritajiet nominati jistgħu jistabbilixxu r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li l-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għandhom japplikaw għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istitutuzzjonijiet tagħhom.

3. Fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika tkun ġiet stabbilita u ppubblikata mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz għal pajjiż terz, l-awtorità nnominata tista tistabbilixxi rata differenti tar-riżervi ta' kapital għal dak il-pajjiż terz għall-finijiet tal-kalkolu mill-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom jekk dawn raġonevolment iqisu li r-rata tar-riżerva ta' kapital stabbilita mill-awtorità rilevanti ta' pajjiż terz ma tkunx biżżejjed biex tipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet kif xieraq mir-riskji ta' tkabbir eċċessiv fil-kreditu f'dak il-pajjiż.

Meta teżerċita s-setgħa skont l-ewwel subparagrafu, awtorità nnominata m'għandhiex tiffissa rata tar-riżerva kontroċiklika inqas mil-livell iffissat mill-awtorità rilevanti ta' pajjiż terz sakemm dik r-rata ta' riżerva ma taqbiżx it-2,5 %, espressa bħala perċentwali tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-istituzzjonijiet li jkollhom skoperturi ta' kreditu f'dak il-pajjiż terz.

Biex tinkiseb koerenza għar-rati ffissati tar-riżerva għal pajjiżi terzi l-BERS jista' jagħti rakkomandazzjonijiet għal dawk ir-rati ffissati.

4. Meta awtorità nnominata tistabbilixxi r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz skont il-paragrafu 2 jew 3 li żżid ir-rata applikabbli eżistenti tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, l-awtorità nnominata ta' pajjiż terz għandha tiddeċiedi dwar id-data minn meta l-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għandhom japplikaw dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom. Dik id-data ma tistax tkun qabel 12-il xahar wara d-data meta r-rata tar-riżerva ta' kapital titħabbar skont il-paragrafu 5. Jekk dik id-data tkun inqas minn 12-il xahar wara li jitħabbar l-istabbiliment, dik l-iskadenza iqsar għall-applikazzjoni għandha tiġi ġġustifikata abbażi ta' ċirkostanzi eċċezzjonali.

5. L-awtoritajiet nominati għandhom jippubblikaw kwalunkwe stabbiliment ta' rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz skont il-paragrafu 2 jew 3 fuq is-siti web tagħhom u għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika u l-pajjiż terz li għalih tkun applikabbli;

(b) ġustifikazzjoni għal dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital;

(c) fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital tkun stabbilita ogħla minn żero għall-ewwel darba jew tiżdied, id-data minn meta l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dik ir-rata ogħla tar-riżerva ta' kapital għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom;

(d) fejn id-data msemmija fil-punt (c) tkun inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-istabbiliment skont dan il-paragrafu, referenza għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw dik l-iskadenza iqsar għall-applikazzjoni.

*Artikolu 140*

**Kalkolu tar-rati ta' riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni**

1. Ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni għandha tikkonsisti mill-medja peżata tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li japplikaw fil-ġurisdizzjoni fejn l-iskoperturi tal-kreditu rilevanti tal-istituzzjoni jkunu jinsabu, jew jiġu applikati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu bis-saħħa tal-Artikolu 139(2) jew (3).

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li bil-għan li jikkalkolaw il-medja peżata msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet japplikaw għal kull rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika applikabbli r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħha għar-riskju tal-kreditu, iddeterminati skont it-Titoli II u IV tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar l-iskoperturi tal-kreditu rilevanti fit-territorju inkwistjoni, diviżi bir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħha għar-riskju tal-kreditu b'rabta mal-iskoperturi tal-kreditu rilevanti kollha tagħha tal-kreditu.

2. Jekk, skont l-Artikolu 136(4), l-awtorità nnominata tistabbilixxi rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ogħla minn 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tar-riżerva ta' kapital li ġejjin japplikaw għall-iskoperturi tal-kreditu rilevanti li jkunu jinsabu fl-Istat Membru ta' dik l-awtorità nnominata ('Stat Membru A') għall-finijiet tal-kalkolu meħtieġ skont il-paragrafu 1 inkluż, fejn rilevanti, għall-finijiet tal-kalkolu tal-element tal-kapital ikkonsolidat li jirrigwarda l-istituzzjoni inkwistjoni:

(a) l-istituzzjonijiet awtorizzati domestikament għandhom japplikaw dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital ogħla minn 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(b) l-istituzzjonijiet li jkunu awtorizzati fi Stat Membru ieħor għandhom japplikaw ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ta' 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju jekk l-awtorità nnominata fl-Istat Membru li fih ikunu ġew awtorizzati ma tkunx irrikonoxxiet ir-rata tar-riżerva ta' kapital ogħla minn 2,5 % skont l-Artikolu 137(1);

(c) l-istituzzjonijiet li jkunu awtorizzati fi Stat Membru ieħor għandhom japplikaw ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika stabbilita mill-awtorità nnominata tal-Istat Membru A jekk l-awtorità nnominata fl-Istat Membru li fih ikunu ġew awtorizzati tkun irrikonoxxiet ir-rata tar-riżerva ta' kapital f'konformità mal-Artikolu 137.

3. Jekk ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika stabbilita mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz għal pajjiż terz teċċedi 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rati tar-riżerva ta' kapital li ġejjin japplikaw għall-iskoperturi tal-kreditu rilevanti li jkunu jinstabu f'dak il-pajjiż terz għall-finijiet tal-kalkolu meħtieġ skont il-paragrafu 1 inkluż, fejn rilevanti, għall-finijiet tal-kalkolu tal-element tal-kapital ikkonsolidat li jirrigwarda l-istituzzjoni inkwistjoni:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ta' 2,5 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju jekk l-awtorità nnominata fl-Istat Membru li fih ikunu ġew awtorizzati ma tkunx irrikonoxxiet ir-rata tar-riżerva ta' kapital ogħla minn 2,5 % skont l-Artikolu 137(1);

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ssettjata mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz jekk l-awtorità nnominata fl-Istat Membru li fih ikunu ġew awtorizzati tkun irrikonoxxiet ir-rata tar-riżerva ta' kapital skont l-Artikolu 137;

4. L-iskoperturi rilevanti tal-kreditu għandhom jinkludu dawk il-klassijiet kollha ta' skoperturi, għajr dawk imsemmija fil-punti (a), sa (f) tal-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) Nru 575/ 2013 li jkunu soġġetti għal:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tal-kreditu skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament;

(b) fejn l-iskopertura tinżamm f'portafoll tan-negozjar, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu IV, Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament jew r-riskju inkrimentali għall-inadempjenza u migrazzjoni skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu IV, Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament;

(c) fejn l-iskopertura tkun garantita b'assi eżistenti, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II, Parti Tlieta ta' dak ir-Regolament.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-pożizzjoni ġeografika tal-iskopertura għall-kreditu rilevanti skont l-istandards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 7.

6. Għall-finijiet tal-kalkolu meħtieġ skont il-paragrafu 1:

(a) ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal Stat Membru għandha tapplika mid-data speċifikata fl-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikolu 136(7)(e) jew l-Artikolu 137(2)(c) jekk l-effett ta' dik id-deċiżjoni jkun li tiżdied ir-rata tar-riżerva ta' kapital;

(b) sosoġġett għall-punt (c), ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz għandha tapplika 12-il xahar wara d-data li fiha tkun tħabbret bidla fir-rata tar-riżerva ta' kapital mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz, irrispettivament minn jekk l-awtorità tkunx teħtieġ li l-istituzzjonijiet inkorporati f'dak il-pajjiż terz japplikaw il-bidla f'perijodu iqsar, jekk l-effett ta' dik id-deċiżjoni jkun li tiżdied ir-rata tar-riżerva ta' kapital;

(c) fejn l-awtorità nnominata tal-Istat Membru domiċiljari tal-istituzzjoni tistabbilixxi r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz skont l-Artikolu 139(2) jew (3), jew tirrikonoxxi r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz skont l-Artikolu 137, dik ir-rata tar-riżerva ta' kapital għandha tapplika mid-data speċifikata fl-informazzjoni ppubblikata skont l-Artikolu 139(5)(c) jew l-Artikolu 137(2)(c), jekk l-effett ta' dik id-deċiżjoni jkun li tiżdied ir-rata tar-riżerva ta' kapital;

(d) rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għandha tapplika immedjatament jekk l-effett ta' dik id-deċiżjoni jkun li titnaqqas ir-rata tar-riżerva ta' kapital.

Għall-finijiet tal-punt (b), bidla fir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal pajjiż terz għandha titqies li tkun tħabbret fid-data li fiha tkun ippubblikata mill-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz skont ir-regoli nazzjonali applikabbli.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodi għall-identifikazzjoni tal-postazzjoni ġeografika tal-iskoperturi tal-kreditu rilevanti msemmija fil-paragrafu 5.

L-ABE għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Taqsima III

## Miżuri ta' konservazzjoni tal-kapital

*Artikolu 141*

### Restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu li kwalunkwe istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinata milli tagħmel distribuzzjoni b'rabta mal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni sal-punt li jitnaqqas il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha għal livell fejn ir-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata ma jibqax issodisfat.

2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet li jonqsu li jissodisfaw ir-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata biex jikkalkolaw l-Ammont Massimu Distribwibbli (AMD) skont il-paragrafu 4 u jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'dan l-AMD.

Fejn ikun applikabbli l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru għandu jipprojbixxi li kwalunkwe istituzzjoni bħal din twettaq kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin qabel ma tkun ikkalkulat l-AMD:

(a) tagħmel distribuzzjoni b'rabta mal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(b) toħloq obbligu li jitħallsu rimunerazzjoni varjabbli jew benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew titħallas rimunerazzjoni varjabbli jekk l-obbligu ta' ħlas ikun inħoloq fi żmien meta l-istituzzjoni tkun naqset li tissodisfa r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital kombinata;

(c) tagħmel pagamenti fuq strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali.

3. Fiż-żmien li istituzzjoni ma tissodisfax jew teċċedi r-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxuha milli tiddistribwixxi aktar mill-AMD ikkalkulat skont il-paragrafu 4 permezz ta' kwalunkwe azzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-AMD billi jimmultiplikaw is-somma kkalkulata skont il-paragrafu 5 b'fattur iddeterminat skont il-paragrafu 6. L-AMD għandu jitnaqqas bi kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

5. Is-somma li tkun immultiplikata f'konformità mal-paragrafu 4 għandha tikkonsisti fi:

(a) il-profitti interim mhux inklużi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iġġenerati wara l-aktar deċiżjoni reċenti dwar id-distribuzzjoni tal-profitti jew kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

biż-żieda ta'

(b) il-profitti fi tmiem is-sena mhux inklużi fil-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 iġġenerati wara l-aktar deċiżjoni reċenti dwar id-distribuzzjoni tal-profitti jew kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu;

bit-tnaqqis ta’

(c) l-ammonti li jkunu pagabbli bit-taxxa li kieku l-entrati speċifikati fil-punti (a) u (b) ta’ dan il-paragrafu kellhom jinżammu.

6. Il-fatturi għandhom jiġu ddeterminati kif ġej:

(a) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżit ta’ fondi proprji skont l-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f’konformità mal-Artikolu 92(3) ta’ dak ir-Regolament, ikun fl-ewwel (jiġifieri, fl-aktar baxx) kwart tar-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata, il-fattur ikun 0;

(b) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżit ta’ fondi proprji skont l-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f’konformità mal-Artikolu 92(3) ta’ dak ir-Regolament, ikun fit-tieni kwart tar-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata, il-fattur għandu jkun 0,2;

(c) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżit ta’ fondi proprji skont l-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f’konformità mal-92(3) ta’ dak ir-Regolament, ikun fit-tielet kwart tar-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata, il-fattur għandu jkun 0,4;

(d) fejn il-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni miżmum mill-istituzzjoni li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżit ta’ fondi proprji skont l-Artikolu 92(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, espress bħala persentaġġ tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f’konformità mal-Artikolu 92(3) ta’ dak ir-Regolament, ikun fir-raba’ kwart (jiġifieri, l-ogħla kwart) tar-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata, il-fattur għandu jkun 0,6.

Il-limitu minimu u massimu ta’ kull kwart tar-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

$$\text{Il}-\text{limitu minimu ta' kwart} = \frac{\textit{Rekwiżit ta' riżerva kombinati}}{4} \times (Q_n - 1)$$

$$\text{Limitu massimu ta' kwart} = \frac{\textit{Rekwiżit ta' riżerva kombinati}}{4} \times Q_n$$

"$Q_n$" tindika n-numru ordinali tal-kwart ikkonċernat.

7. Ir-restrizzjonijiet imposti minn dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-pagamenti li jirriżultaw fi tnaqqis fil-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni jew fi tnaqqis tal-profitti, u fejn is-sospensjoni tal-ħlas jew in-nuqqas li jsir il-ħlas ma tikkostitwixxix każ ta’ inadempjenza jew kondizzjoni għall-ftuħ ta’ proċedimenti skont ir-reġim ta’ insolvenza applikabbli għall-istituzzjoni.

8. Fejn l-istituzzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżit tar-riżerva ta’ kapital kombinata u jkollha l-intenzjoni li tiddistribwixxi kwalunkwe profitt distribwibbli tagħha jew tidħol f’azzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, hi għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont tal-kapital miżmum mill-istituzzjoni, subdiviż kif ġej:

  (i) kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni,

  (ii) kapital tal-Grad 1 Addizzjonali,

  (iii) kapital tal-Grad 2.

(b) l-ammont tal-profitti tagħha interim u fi tmiem is-sena;

(c) l-AMD ikkalkulat skont il-paragrafu 4;

(d) l-ammont tal-profitti distribwibbli li jkollha l-intenzjoni talloka bejn dawn li ġejjin:

  (i) pagamenti f’dividendi,

  (ii) riakkwist tal-ishma,

  (iii) pagamenti fuq strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali.

  (iv) il-pagament ta’ rimunerazzjoni varjabbli jew benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni, kemm jekk permezz ta’ ħolqien ta’ obbligu ġdid ta’ ħlas, jew pagament b’segwitu għal obbligu ta’ ħlas maħluq fi żmien meta l-istituzzjoni ma tkunx issodisfat ir-rekwiżiti tar-riżerva ta’ kapital kombinata tagħha.

9. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu arranġamenti biex jiżguraw li l-ammont tal-profitti distribwibbli u l-AMD jkunu kkalkulati b'mod preċiż, u għandhom ikunu f'qagħda li juru dik il-preċiżjoni lill-awtorità kompetenti fuq talba.

10. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, id-distribuzzjoni b'rabta mal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tinkludi li ġej:

(a) ħlas ta' dividendi fi flus;

(b) distribuzzjoni ta' ishma bonus imħallsa totalment jew parzjalment jew strumenti kapitali oħra msemmija fl-Artikolu 26(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) tifdija jew xiri minn istituzzjoni tal-ishma proprji tagħha stess jew strumenti kapitali oħra msemmija fl-Artikolu 26(1)(a) ta' dak ir-Regolament;

(d) ħlas mill-ġdid tal-ammonti żburżati b'rabta ma' strumenti kapitali msemmija fl-Artikolu 26(1)(a) ta' dak ir-Regolament;

(e) distribuzzjoni ta' entrati msemmija fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 26(1) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 142*

**Pjan ta' Konservazzjoni ta' Kapital**

1. Meta istituzzjoni tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata tagħha, hija għandha tħejji pjan ta' konservazzjoni kapitali u tippreżentah lill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li tkun identifikat li kienet qed tonqos li tissodisfa dak ir-rekwiżit, dment li l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax dewmien itwal ta' mhux aktar minn 10 ijiem.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali awtorizzazzjonijiet biss abbażi tas-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjoni ta' kreditu u b'konsiderazzjoni tal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.

2. Il-pjan ta' konservazzjoni ta' kapital għandu jinkludi dan li ġej:

(a) estimi tal-introjtu u n-nefqa u karta tal-bilanċ previżjonarja;

(b) miżuri biex jiżdiedu l-proporzjonijiet ta' kapital tal-istituzzjoni;

(c) pjan u skeda taż-żmien għaż-żieda fil-fondi proprji bl-objettiv li jiġi ssodisfatt bis-sħiħ ir-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata;

(d) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tqis li tkun meħtieġa biex titwettaq il-valutazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 3.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-pjan ta' konservazzjoni ta' kapital, u għandha tapprova l-pjan biss jekk tqis li jekk jiġi implimentat, ikun raġonevolment probabbli li l-pjan jikkonserva jew jakkumula kapital suffiċjenti biex jippermetti lill-istituzzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital kombinata f'perijodu ta' żmien li jitqies xieraq mill-awtorità kompetenti.

4. Jekk l-awtorità kompetenti ma tapprovax il-pjan ta' konservazzjoni ta' kapital skont il-paragrafu 3, hija għandha timponi waħda jew it-tnejn minn dawn li ġejjin:

(a) teħtieġ li l-istituzzjoni żżid il-fondi proprji sa livelli speċifikati f'perijodi speċifikati;

(b) teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 102 biex timponi restrizzjonijiet aktar stringenti fuq id-distribuzzjonijiet minn dawk meħtieġa skont l-Artikolu 141.

TITOLU VIII

**ŻVELAR MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

*Artikolu 143*

**Rekwiżiti ġenerali tal-iżvelar**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-testi tal-liġijiet, ir-regolamenti, ir-regoli amministrattivi u l-gwida ġenerali adottati fl-Istat Membru tagħhom fil-qasam tar-regolamentazzjoni prudenzjali;

(b) il-mod kif u jiġu eżerċitati l-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet disponibbli fil-liġi tal-Unjoni;

(c) il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji li jużaw fir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 97;

(d) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fit-Taqsima II tal-Kapitolu 1, Titolu VII ta' din id-Direttiva u l-Artikoli 54 u 58 tad-Direttiva 2004/39/KE, id-data ta' statistika aggregata dwar l-aspetti ewlenin tal-implimentazzjoni tal-qafas prudenzjali f'kull Stat Membru, inkluż l-għadd u n-natura tal-miżuri superviżorji meħuda skont l-Artikolu 102(1)(a), u ta' penali amministrattivi imposti f'konformità mal-Artikolu 65.

2. L-informazzjoni ppubblikata skont il-paragrafu 1 għandha tkun suffiċjenti biex ikun jista' jsir paragun sodisfaċenti rigward l-approċċi adottati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri differenti. Dak li jiġi żvelat għandu jkun ippubblikat b'format komuni u aġġornat regolarment. Dak li jiġi żvelat għandu jkun aċċessibbli f'post elettroniku uniku.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tiddetermina l-format, l-istruttura, il-lista tal-kontenut u d-data tal-pubblikazzjoni annwali tal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi kkonferita s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 144*

**Rekwiżiti speċifiċi tal-iżvelar**

1. Għall-finijiet tal-Parti Ħamsa tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kriterji ġenerali u l-metodoloġiji adottati għar-rieżami tal-konformità mal-Artikoli 405 sa 409 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima II tal-Kapitolu 1, Titolu VII, id-deskrizzjoni sommarja tal-eżitu tar-rieżami superviżorju u d-deskrizzjoni tal-miżuri imposti fil-każijiet ta' nonkonformità mal-Artikoli 405 sa 409 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, identifikati fuq bażi annwali.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li teżerċita d-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kriterji li tapplika biex tiddetermina li ma jkun hemm l-ebda impediment materjali prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment bla dewmien tal-fondi proprji jew għall-ħlas mill-ġdid tal-obbligi;

(b) l-għadd ta' istituzzjonijiet prinċipali li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilit fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-għadd minn dawk li jinkorporaw sussidjarji f'pajjiż terz;

(c) fuq bażi aggregata għall-Istat Membru:

(i) il-persentaġġ tat-total tal-fondi proprji fuq il-bażi kkonsolidata tal-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, li tibbenefika mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, irrappreżentat mill-fondi proprji li jkunu miżmuma f'sussidjarji f'pajjiż terz;

(ii) il-persentaġġ tat-total tal-fondi proprji fuq il-bażi kkonsolidata tal-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, li tibbenefika mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament, irrappreżentat mill-fondi proprji li jkunu miżmuma f'sussidjarji f'pajjiż terz;

(iii) il-persentaġġ tat-total tal-fondi proprji meħtieġa skont l-Artikolu 92 ta' dak ir-Regolament fuq il-bażi kkonsolidata tal-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament irrappreżentat mill-fondi proprji li jkunu miżmuma f'sussidjarji f'pajjiż terz.

3. L-awtorità kompetenti li teżerċita d-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tippubblika dan kollu li ġej:

(a) il-kriterji li tapplika biex tiddetermina li ma jkun hemm l-ebda impediment materjali prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment bla dewmien tal-fondi proprji jew għall-ħlas mill-ġdid tal-obbligi;

(b) l-għadd tal-istituzzjonijiet prinċipali li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-għadd ta' dawn l-istituzzjonijiet prinċipali li jinkorporaw sussidjarji f'pajjiż terz;

(c) fuq bażi aggregata għall-Istat Membru:

(i) l-ammont totali tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet prinċipali li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li jkunu miżmuma f'pajjiż terz;

(ii) il-persentaġġ tat-total tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet prinċipali li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 irrappreżentat mill-fondi proprji li jkunu miżmuma f'sussidjarji f'pajjiż terz;

(iii) il-persentaġġ tat-total tal-fondi proprji meħtieġa skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-istituzzjonijiet prinċipali li jibbenefikaw mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament irrappreżentat mill-fondi proprji li jkunu miżmuma f'sussidjarji f'pajjiż terz.

TITOLU IX

## ATTI DELEGATI U TA’ IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 145*

### Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 148 rigward dan li ġej:

(a) il-kjarifika tad-definizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 128 biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta’ din id-Direttiva;

(b) il-kjarifika tad-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 128 sabiex jitqiesu, fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(c) l-allinjament tat-terminoloġija u t-tfassil tad-definizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 3 skont l-atti sussegwenti dwar l-istituzzjonijiet u l-kwistjonijiet relatati;

(d) aġġustament tal-ammonti msemmija fl-Artikolu 31(1) sabiex jittieħed kont tal-bidliet fl-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet għall-Konsumatur kif ippubblikat mill-Eurostat, f'konformità mal-aġġustamenti magħmula u fl-istess ħin li jsiru skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2002/92/KE;

(e) l-espansjoni tal-kontenut tal-lista msemmija fl-Artikoli 33 u 34 u stabbilita fl-Anness I jew l-adattament tat-terminoloġija użata f'dik il-lista sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(f) identifikazzjoni tal-oqsma li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-infomazzjoni kif stipulati fl-Artikolu 50;

(g) l-aġġustament tad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 76 sa 88 u l-Artikolu 98 sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji (b’mod partikolari l-prodotti finanzjarji ġodda) jew fl-istandards kontabbilistiċi jew ir-rekwiżiti li jqisu l-liġi tal-Unjoni, jew fir-rigward tal-konverġenza tal-prattiki superviżorji;

(h) id-differiment tal-obbligi tal-iżvelar skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 89(3) fejn ir-rapport tal-Kummissjoni ppreżentat skont l-ewwel subparagrafu ta’ dak il-paragrafu jidentifika effetti negativi sinifikanti;

(i) l-aġġustamenti tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 23(1), sabiex jitqiesu l-iżviluppi futuri u biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta’ din id-Direttiva.

*Artikolu 146*

### Atti ta’ implimentazzjoni

Il-miżuri li ġejjin għandhom ikunu adottati bħala atti ta’ implimentazzjoni skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 147(2):

(a) l-aġġustamenti tekniċi għal-lista fl-Artikolu 2;

(b) it-tibdil fl-ammont tal-kapital inizjali preskritt fl-Artikolu 12 u t-Titolu IV biex jitqiesu l-iżviluppi fil-qasam ekonomiku u monetarju.

*Artikolu 147*

### Kumitat Bankarju Ewropew

1. Għall-adozzjoni tal-atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Banek Ewropej. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkapplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 148*

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta’ atti ddelegati tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 145 għandha tiġi kkonferita għal perijodu ta’ żmien indeterminat minn 17 ta’ Lulju 2013.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 145 tista’ tkun irrevokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandu jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew data aktar tard speċifikata fiha. Hija m’għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-att iddelegat adottat skont l-Artikolu 145 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta’ tliet xhur min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew jew

lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jkun estiż bi tliet xhur oħra fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 149*

**Oġġezzjonijiet għall-istandards tekniċi regolatorji**

Meta l-Kummissjoni tadotta standard tekniku regolatorju skont din id-Direttiva li jkun l-istess bħall-abbozz ta' standard tekniku regolatorju ppreżentat mill-ABE, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għandu jkun ta' xahar mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahar. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal dawk l-istandards tekniċi regolatorji jista', fejn opportun, jiġi estiż ulterjorment b'xahar.

TITOLU X

**EMENDI GĦAD-DIRETTIVA 2002/87/KE**

*Artikolu 150*

**Emendi għad-Direttiva 2002/87/KE**

L-Artikolu 21a tad-Direttiva 2002/87/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa mħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-metodi tal-kalkolu elenkati fl-Anness I,Parti II, ta' din id-Direttiva, flimkien mal-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 228(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, iżda mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(4) ta' din id-Direttiva, l-ESA għandha, permezz tal-Kumitat Konġunt, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-Artikolu 6(2) ta' din id-Direttiva.

L-ESA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa … [hames xhur qabel id-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 309(1) tad-Direttiva 2009/138/KE].

Il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.".

TITOLU XI

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI**

*KAPITOLU 1*

***Dispożizzjonijiet transizzjonali dwar is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet li jeżerċitaw il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi***

*Artikolu 151*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw minflok l-Artikoli 40, 41, 43, 49, 50 u 51 sad-data li fiha r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità jiġi applikabbli f'konformità ma' att iddelegat adottat skont l-Artikolu 460 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Sabiex tiġi żgurata li l-introduzzjoni progressiva tal-arranġamenti superviżorji għal-likwidità tkun allinjata bis-sħiħ mal-iżvilupp ta' regoli uniformi dwar il-likwidità, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 145 filwaqt li tipposponi d-data msemmija fil-paragrafu 1 b'mhux aktar minn sentejn, fejn regoli uniformi dwar il-likwidità ma jkunux għadhom ġew introdotti fl-Unjoni billi ma jkunx għadu ntlaħaq qbil rigward l-istandards internazzjonali dwar is-superviżjoni tal-likwidità fid-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 152*

**Rekwiżiti ta' rapportar**

L-Istati Membri ospitanti, għall-finijiet ta' statistika, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li jkollhom fergħat fit-territorji tagħhom, għandhom jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom f'dawk l-Istati Membri ospitanti lill-awtoritajiet kompetenti f'dawk l-Istati Membri ospitanti.

Fit-twettiq tar-responsabbiltajiet imposti fuqhom fl-Artikolu 156 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri ospitanti jistgħu jeħtieġu li l-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn Stati Membri oħra jipprovdu l-istess informazzjoni li jkunu jeħtieġu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nazzjonali għal dak il-fini.

*Artikolu 153*

**Miżuri meħudin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari fir-rigward tal-attivitajiet imwettqin fl-Istat Membru ospitanti**

1. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jaċċertaw li istituzzjoni ta' kreditu li jkollha fergħa jew li tipprovdi servizzi fit-territorju tagħhom ma tkunx qed tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi adottati f'dak l-Istat Membru skont din id-Direttiva li jinvolvu s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, dawk l-awtoritajiet għandhom jeħtieġu li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tirrimedja n-nuqqas ta' konformità.

2. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tonqos li tieħu passi meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari b'dan.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom, mal-ewwel opportunità, jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tirrimedja n-nuqqas ta' konformità. In-natura ta' dawk il-miżuri għandha tkun kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

4. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-Istat Membru domiċiljari jew minħabba li tali miżuri jirriżultaw inadegwati jew ma jkunux previsti fl-Istat Membru inkwistjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu tippersisti fil-ksur tar-regoli legali msemmija fil-paragrafu 1 fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti, dan tal-aħħar jista', wara li jinfurma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, jieħu l-miżuri xierqa biex jipprevjeni jew jippenalizza ksur ulterjuri u, sa fejn ikun meħtieġ, jipprevjeni lill-istituzzjoni ta' kreditu milli tibda aktar transazzjonijiet fit-territorju tiegħu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ikun possibbli li d-dokumenti legali meħtieġa għal dawk il-miżuri jiġu nnotifikati lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 154*

**Miżuri prekawzjonarji**

Qabel ma jsegwu l-proċedura prevista fl-Artikolu 153, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu, f'emerġenzi, jieħdu kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni meħtieġa biex jipproteġu l-interessi tad-depożitanti, l-investituri u oħrajn li jingħataw is-servizzi. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom ikunu informati b'tali miżuri mingħajr dewmien bla bżonn.

Il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, tiddeċiedi li l-Istat Membru inkwistjoni għandu jemenda jew ineħħi dawk il-miżuri.

*Artikolu 155*

**Responsabbiltà**

1. Is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjoni, inkluża dik tal-attivitajiet imwettqa minnha f'konformità mal-Artikoli 33 u 34, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari, mingħajr preġudizzju għal dawk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jagħtu r-responsabbiltà lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni s-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata skont din id-Direttiva.

3. L-awtoritajiet kompetenti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ġenerali tagħhom, jikkunsidraw debitament l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra kollha kkonċernati u, b'mod partikolari, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien rilevanti.

*Artikolu 156*

**Superviżjoni tal-likwidità**

L-Istati Membri ospitanti għandhom, sakemm issir aktar koordinazzjoni, iżżommu r-responsabbiltà f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għas-superviżjoni tal-likwidità tal-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħtieġa għar-rinfurzar tas-Sistema Monetarja Ewropea, l-Istati Membri ospitanti għandhom iżommu r-responsabbiltà shiha għall-miżuri li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politiki monetarji tagħhom.

Tali miżuri ma jistgħux jipprevedu trattament diskriminatorju jew restrittiv li jkun ibbażat fuq il-fatt li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

*Artikolu 157*

**Kollaborazzjoni rigward is-superviżjoni**

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkollaboraw mill-qrib sabiex issir superviżjoni tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet li joperaw, b'mod partikolari permezz ta' fergħa, fi Stat Membru wieħed jew aktar apparti minn dak li fih ikun jinstab l-uffiċċju prinċipali tagħhom. Huma għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-ġestjoni u s-sjieda ta' tali istituzzjonijiet li x'aktarx li tiffaċilita s-superviżjoni tagħhom u l-eżaminar tal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom, u l-informazzjoni kollha li x'aktarx li tiffaċilita l-monitoraġġ ta' tali istituzzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-likwidità, is-solvenza, il-garanziji ta' depożitu, il-limitar ta' skoperturi kbar, il-proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern.

*Artikolu 158*

**Fergħat sinifikanti**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jitolbu lis-superviżur konsolidanti fejn ikun applikabbli l-Artikolu 112(1) jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, biex fergħa ta' istituzzjoni minbarra ditta tal-investiment soġġetta għall-Artikolu 95 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 titqies bħala sinifikanti.

2. Dik it-talba għandha tipprovdi r-raġunijiet li għalihom il-fergħa għandha titqies sinifikanti b'attenzjoni partikolari għal dan li ġej:

(a) jekk is-sehem tas-suq tal-fergħa f'termini ta' depożiti jaqbiżx it-2 % fl-Istat Membru ospitanti;

(b) l-impatt probabbli ta' sospensjoni jew għeluq tal-attivitajiet tal-istituzzjoni fuq il-likwidità sistemika u fuq is-sistemi ta' pagament, kumpens u saldu fl-Istat Membru ospitanti;

(c) id-daqs u l-importanza tal-fergħa f'termini tal-għadd ta' klijenti fil-kuntest tas-sistema bankarja jew finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u tal-Istat Membru ospitanti, u s-superviżur konsolidanti fejn ikun applikabbli l-Artikolu 112(1), għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jilħqu deċiżjoni konġunta dwar in-nomina ta' fergħa bħala sinifikanti.

Jekk ma tittiħidx deċiżjoni konġunta fi żmien xahrejn minn meta tasal it-talba taħt l-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom stess fi żmien perijodu ulterjuri ta' xahrejn dwar jekk il-fergħa tkunx sinifikanti. Fit-teħid tad-deċiżjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkunsidraw kwalunkwe fehma u riżerva tas-superviżur konsolidanti jew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari.

Id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafi mmotivata bis-sħiħ għandhom jiġu stipulati f'dokument, għandhom jiġu mibgħuta lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, u għandu jkun rikonoxxut bħala determinanti u applikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati.

In-nomina ta' fergħa bħala sinifikanti m'għandhiex taffettwa d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont din id-Direttiva.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti fejn tkun stabbilita fergħa sinifikanti l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 117(1)(c) u (d) u jwettqu l-kompiti msemmija fl-Artikolu 112(1)(c) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

4. Jekk l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru domiċiljari ssir taf b'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 114(1), din għandha twissi fl-iqsar żmien possibbli lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 58(4) u fl-Artikolu 59(1).

5. Meta l-Artikolu 116 ma jkunx japplika, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjoni b'fergħat sinifikanti fi Stati Membri oħrajn għandhom jistabbilixxu u jippresjedu kulleġġ ta' superviżuri sabiex jiffaċilitaw l-ilħuq ta' deċiżjoni konġunta dwar in-nomina ta' fergħa bħala li hija sinifikanti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 60. L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġ għandhom ikunu bbażati fuq arranġamenti bil-miktub iddeterminati, wara li jiġu kkonsultati l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tiddeċiedi dwar liema awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġ.

6. Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tikkunsidra r-rilevanza tal-attività superviżorja li għandha tkun ippjanata jew ikkoordinata għal dawk l-awtoritajiet, b'mod partikolari l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati msemmija fl-Artikolu 155(3) u l-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

7. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha żżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, bil-quddiem, dwar l-organizzazzjoni ta' tali laqgħat, il-kwistjonijiet ewlenin li jkunu ser jiġu diskussi u l-attivitajiet li jkunu ser jiġu kkunsidrati. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha wkoll iżżomm lill-membri kollha tal-kulleġġ informati bis-sħiħ, mingħajr dewmien, dwar l-azzjonijiet meħuda f'dawk il-laqgħat jew il-miżuri mwettqa.

*Artikolu 159*

**Kontrolli fuq il-post**

1. L-Istati Membri ospitanti għandhom jipprovdu li, fejn istituzzjoni awtorizzata fi Stat Membru ieħor twettaq l-attivitajiet tagħha permezz ta' fergħa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jistgħu, wara li jkunu informaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, iwettqu huma stess jew permezz ta' intermedjarju, kontroll fuq il-post tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 50

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jistgħu ukoll, għall-finijiet tal-kontrolli fuq il-post tal-fergħat, jirrikorru għal xi waħda mill-proċeduri l-oħrajn stipulati fl-Artikolu 118.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti milli jwettqu, fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom skont din id-Direttiva, kontrolli fuq il-post tal-fergħat stabbiliti fit-territorju tagħhom.

*KAPITOLU 2*

***Dispożizzjonijiet transizzjonali għal riżervi ta' kapital***

*Artikolu 160*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali għal riżervi ta' kapital**

1. Dan l-Artikolu jemenda r-rekwiżiti tal-Artikoli 129 u 130 għal perijodu transizzjonali bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2018.

2. Għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016:

(a) ir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital għandha tikkonsisti f'kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni ugwali għal 0,625 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istutizzjoni għandha tkun ta' mhux aktar minn 0,625 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017:

(a) ir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital għandha tikkonsisti f'kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni ugwali għal 1,25 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istutizzjoni għandha tkun ta' mhux aktar minn 1,25 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. Għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018:

(a) ir-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital għandha tikkonsisti f'kapital tal-Grad 1 ta' ekwità komuni ugwali għal 1,875 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istutizzjoni għandha tkun ta' mhux aktar minn 1,875 % tal-ammonti totali tal-iskoperturi peżati għar-riskju tal-istituzzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Ir-rekwiżit għal pjan ta' konservazzjoni kapitali u r-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 141 u 142 għandu japplika matul perijodu transizzjonali bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2018 fejn l-istituzzjonijiet jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kombinata b'kont meħud tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

6. L-Istati Membri jistgħu jimponu perijodu transizzjonali iqsar minn dak speċifikat fil-paragrafi 1 sa 3 u b'hekk jimplimentaw ir-riżerva ta' Konservazzjoni ta' kapital u r-riżerva ta' kapital kontroċiklika minn 31 ta' Diċembru 2013. Meta Stat Membru jimponi tali perijodu transizzjonali iqsar, huwa għandu jinfurma lill-partijiet rilevanti, inkluż lill-Kummissjoni, lill-BERS, lill-ABE u lill-kulleġġ superviżorju rilevanti,b'dan. Tali perijodu transizzjonali iqsar jista' jiġi rikonoxxut minn Stati Membri oħra. Fejn Stat Membru ieħor jirrikonoxxi tali perijodu transizzjonali iqsar, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, lill-BERS, lill-ABE u lill-kulleġġ superviżorju rilevanti skont dan.

7. Fejn Stat Membru jimponi perijodu transizzjonali iqsar għar-riżerva ta' kapital kontroċiklika, il-perijodu iqsar għandu japplika biss għall-finijiet tal-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika tal-istituzzjoni mill-istituzzjonijiet li jkunu awtorizzati fl-Istat Membru li għalihom l-awtorità nnominata tkun responsabbli.

*KAPITOLU 3*

***Dispożizzjonijiet finali***

*Artikolu 161*

**Rieżami u Rapport**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami perjodiku tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex tiżgura li l-implimentazzjoni ma tirriżultax f'diskriminazzjoni evidenti bejn l-istituzzjonijiet abbażi tal-istruttura ġuridika jew il-mudell tas-sjieda tagħhom.

2. Wara r-rieżami, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, il-Kummissjoni għandha, sat-30 ta' Ġunju 2016, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq, dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni f'din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, waqt li tqis l-iżviluppi internazzjonali u b'konsiderazzjoni partikolari għal:

(a) l-effiċjenza, l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom, inkluża l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe lakuna li toriġina mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità għal dawk id-dispożizzjonijiet;

(b) l-impatt tal-konformità mal-prinċipju fl-Artikolu 94(1)(g) firrigward ta':

(i) il-kompetittività u l-istabbiltà finanzjarja; u

(ii) kwalunkwe persunal li effettivament u fiżikament jaħdem f'sussidjarji stabbiliti barra ż-ŻEE ta' istituzzjonijiet prinċipali stabbiliti ġewwa ż-ŻEE.

Dak ir-rieżami għandu jikkunsidra, b'mod partikolari, jekk il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 94(1)(g) għandux ikompli japplika għal kwalunkwe persunal kopert bil-punt (b)(ii) tal-ewwel subparagrafu.

3. Mill-2014, l-ABE għandha, f'kooperazzjoni mal-AEAPX u l-AETS, tippubblika darbtejn fis-sena rapport li janalizza sa fejn il-liġi tal-Istati Membri tirriferi għall-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu għal finijiet regolatorji u l-passi meħuda mill-Istati Membri biex jitnaqqsu tali referenzi. Dawk ir-rapporti għandhom jispjegaw kif l-awtoritajiet kompetenti jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 77(1) u (3) u l-Artikolu 79(b). Dawk ir-rapporti għandhom wkoll jispjegaw il-grad tal-konverġenza superviżorja f'dak ir-rigward.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 108 u 109 u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva jekk adatt.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tirrapporta dwar ir-riżultati miksuba skont l-Artikolu 91(11), inkluża l-idoneità tal-analiżi komparattiva tal-prattiki dwar id-diversità, b'kont meħud tal-iżviluppi rilevanti kollha fl-Unjoni kif ukoll dawk internazzjonali, u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva jekk adatt.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BERS, lill-ABE, lill-EIOPA, lill-AETS u lil partijiet rilevanti oħra dwar l-effettività tal-arranġamenti tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni skont din id-Direttiva, kemm fi żminijiet normali kif ukoll fi żminijiet ta' diffikultà.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2015, l-ABE għandha terġa' teżamina u tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) Nru 575/ 2013, dwar il-kooperazzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi. Dak ir-rapport għandu jidentifika kwalunkwe qasam li jeħtieġ aktar żvilupp fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni. L-ABE għandha tippubblika r-rapport fuq il-websajt tagħha.

8. Meta tirċievi mandat mill-Kummissjoni, l-ABE għandha tesplora jekk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li jiddikjaraw li jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-prinċipji bankarji Iżlamiċi humiex koperti adegwatament minn din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rapport imħejji mill-ABE u, għandha jekk ikun adatt, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

9. Sal-1 ta' Lulju 2014, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-użu kif ukoll il-ksib ta' benefiċċji minnaħa tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mill-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid fuq perijodu twil tal-banek ċentrali tas-SEBĊ u minn miżuri oħra simili ta' fondi ta' appoġġ tal-banek ċentrali. Abbażi ta' dak ir-rapport u wara li tikkonsulta lill-BĊE, il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2014, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu proprju u l-benefiċċji minn dawk l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid u minn miżuri oħra ta' fondi ta' appoġġ għall-istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati fl-Unjoni, flimkien ma' proposta leġislattiva dwar l-użu ta' tali operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid u miżuri ta' fondi ta' appoġġ, jekk ikun adatt.

*Artikolu 162*

**Traspożizzjoni**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2013 l-Istati Membi għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-31 ta' Diċembru 2013.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-ABE t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. Fejn id-dokumenti li jakkumpanjaw in-notifika tat-traspożizzjoni tal-miżuri pprovduti minn Stati Membri ma jkunux suffiċjenti għal valutazzjoni sħiħa tal-konformità tad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni ma' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fuq talba mill-ABE bil-ħsieb li twettaq il-kompiti tagħha taħt ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tesiġi li l-Istati Membri jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 tal-Kapitolu 4, Titolu VI, għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

3. Il-liġijiet, regolament u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għal konformità mal-Artikolu 94(1)(g) għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet japplikaw il-prinċipji stabbiliti fih għar-rimunerazzjoni mogħtija għal servizzi pprovduti jew għall-prestazzjoni mis-sena 2014 'il quddiem, kemm jekk dovuta abbażi ta' kuntratti konklużi qabel jew wara 31 ta' Diċembru 2013.

4. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li r-referenzi f'liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttivi rrevokati minn din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif issir tali referenza u kif tiġi fformulata dik id-dikjarazzjoni.

5. B'deroga mill-Artikolu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 131 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-Artikolu 131(4) mill-1 ta' Jannar 2016 bil-mod li ġej:

(a) 25 % tar-riżerva ta' G-SII, iffissata f'konformità mal-Artikolu 131(4), fl-2016;

(b) 50 % tar-riżerva ta' G-SII, iffissata f'konformità mal-Artikolu 131(4), fl-2017;

(c) 75 % tar-riżerva ta' G-SII, iffissata f'konformità mal-Artikolu 131(4), fl-2018; u

(d) 100 % tar-riżerva ta' G-SII, iffissata f'konformità mal-Artikolu 131(4), fl-2019.

6. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 133 għandu japplika minn 31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 163*

**Revoka**

Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness II ta' din id-Direttiva u fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

*Artikolu 164*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 165*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. SHATTER |

*ANNESS I*

**LISTA TAL-ATTIVITAJIET SOĠĠETTI GĦAR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU**

1. Ġbir ta' depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura.

2. Self li jinkludi, fost l-oħrajn: kreditu tal-konsumaturi, ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturaġġ riversibbli u irriversibbli (recourse u non-recourse factoring), il-finanzjament ta' transazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting).

3. Leasing finanzjarju.

4. Servizzi ta' pagament kif iddefiniti fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/64/KE.

5. Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta' mezzi oħra ta' ħlas (pereżempju travellers' cheques u bankers' drafts) sa fejn tali attività ma tkunx koperta mill-punt 4.

6. Garanziji u impenji.

7. Negozju għall-kont proprju jew f'isem il-klijenti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   (a) strumenti tas-suq tal-flus (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożiti, eċċ.);

   (b) kambju (tal-valuti);

   (c) futures u opzjonijiet finanzjarji;

   (d) strumenti tal-kambju u tar-rata tal-imgħax;

   (e) titoli trasferibbli.

8. Parteċipazzjoni f'ħarġiet ta' titoli u l-forniment ta' servizzi relatati ma' tali kwistjonijiet.

9. Pariri lill-impriżi dwar l-istruttura tal-kapital, l-istrateġija industrijali u kwistjonijiet u pariri relatati kif ukoll servizzi relatati mal-fużjonijiet u x-xiri ta' impriżi.

10. Intermedjazzjoni fis-suq monetarju.

11. Ġestjoni ta' portafolli u pariri.

12. Żamma sikura u amministrazzjoni ta' titoli

13. Servizzi tar-referenza tal-kreditu.

14. Servizzi tal-kustodja sikura.

15. Ħruġ ta' flus elettroniċi.

Is-servizzi u l-attivitajiet previsti fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE, meta ssir referenza għall-istrumenti finanzjarji previsti fit-Taqsima C tal-Anness I ta' dik id-Direttiva, huma soġġetti għal rikonoxximent reċiproku skont din id-Direttiva.

*ANNESS II*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1(1) | |
| Artikolu 2(1) | | |
| Artikolu 2(2) | | |
| Artikolu 2(3) | | |
| Artikolu 2(4) | Artikolu 1(2) | |
| Artikolu 2(5) | Artikolu 2 | |
| Artikolu 2(6) | Artikolu 1(3) | |
| Artikolu 3 | Artikolu 4 | |
| Artikolu 3(1), punt (53) | Artikolu 4, punt (49) | |
| Artikolu 4(1) | | |
| Artikolu 4(2) | | |
| Artikolu 4(3) | | |
| Artikolu 4(4) | | |
| Artikolu 4(5) | | Artikolu 35(1) |
| Artikolu 4(6) | | |
| Artikolu 4(7) | | |
| Artikolu 4(8) | | |
| Artikolu 5 | Artikolu 128 | |
| Artikolu 6 | Artikolu 42b(1) | |
| Artikolu 7 | Artikolu 40(3) | |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 6(1) | |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 6(2) | |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 6(3) | |
| Artikolu 8(4) | | |
| Artikolu 9 | Artikolu 5 | |
| Artikolu 10 | Artikolu 7 | |
| Artikolu 11 | Artikolu 8 | |
| Artikolu 12(1) | Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 12(2) | Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 12(3) | Artikolu 9(1), it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 12(4) | Artikolu 9(2) | |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 11(1) | |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 11(2) | |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 12(1) | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 14(2) | Artikolu 12(2) | |
| Artikolu 14(3) | Artikolu 12(3) | |
| Artikolu 15 | Artikolu 13 | |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 15(1) | |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 15(2) | |
| Artikolu 16(3) | Artikolu 15(3) | |
| Artikolu 17 | Artikolu 16 | |
| Artikolu 18 | Artikolu 17(1) | |
| Artikolu 19 | Artikolu 18 | |
| Artikolu 20(1) | Artikolu 14 | |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 14 | |
| Artikolu 20(3) | | |
| Artikolu 20(5) | Artikolu 17(2) | |
| Artikolu 21 | Artikolu 3 | |
| Artikolu 22(1) | Artikolu 19(1) | |
| Artikolu 22(2) | Artikolu 19(2) | |
| Artikolu 22(3) | Artikolu 19(3) | |
| Artikolu 22(4) | Artikolu 19(4) | |
| Artikolu 22(5) | Artikolu 19(5) | |
| Artikolu 22(6) | Artikolu 19(6) | |
| Artikolu 22(7) | Artikolu 19(7) | |
| Artikolu 22(8) | Artikolu 19(8) | |
| Artikolu 22(9) | Artikolu 19(9) | |
| Artikolu 23(1) | Artikolu 19a(1) | |
| Artikolu 23(2) | Artikolu 19a(2) | |
| Artikolu 23(3) | Artikolu 19a(3) | |
| Artikolu 23(4) | Artikolu 19a(4) | |
| Artikolu 23(5) | Artikolu 19a(5) | |
| Artikolu 24(1) | Artikolu 19b(1) | |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 19b(2) | |
| Artikolu 25 | Artikolu 20 | |
| Artikolu 26(1) | Artikolu 21(1) | |
| Artikolu 26(2) | Artikolu 21(2) | |
| Artikolu 27 | Artikolu 21(3) | |
| Artikolu 28(1) | | Artikolu 4 |
| Artikolu 28(2) | | Artikolu 9 |
| Artikolu 29(1) | | Artikolu 5(1) |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 29(2) | | Artikolu 5(2) |
| Artikolu 29(3) | | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 29(4) | | Artikolu 5(2) |
| Artikolu 30 | | Artikolu 6 |
| Artikolu 31(1) | | Artikolu 7 |
| Artikolu 31(2) | | Artikolu 8 |
| Artikolu 32(1) | | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 32(2) | | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 32(3) | | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 32(4) | | Artikolu 10(4) |
| Artikolu 32(5) | | Artikolu 10(5) |
| Artikolu 33 | Artikolu 23 | |
| Artikolu 34(1) | Artikolu 24(1) | |
| Artikolu 34(2) | Artikolu 24(2) | |
| Artikolu 34(3) | Artikolu 24(3) | |
| Artikolu 35(1) | Artikolu 25(1) | |
| Artikolu 35(2) | Artikolu 25(2) | |
| Artikolu 35(3) | Artikolu 25(3) | |
| Artikolu 35(4) | Artikolu 25(4) | |
| Artikolu 35(5) | Artikolu 25(5) | |
| Artikolu 35(6) | Artikolu 25(5) | |
| Artikolu 35(7) | Artikolu 25(5) | |
| Artikolu 36(1) | Artikolu 26(1) | |
| Artikolu 36(2) | Artikolu 26(2) | |
| Artikolu 36(3) | Artikolu 26(3) | |
| Artikolu 36(4) | Artikolu 26(4) | |
| Artikolu 36(5) | Artikolu 26(5) | |
| Artikolu 36(6) | Artikolu 26(5) | |
| Artikolu 36(7) | Artikolu 26(5) | |
| Artikolu 37 | Artikolu 36 | |
| Artikolu 38 | Artikolu 27 | |
| Artikolu 39(1) | Artikolu 28(1) | |
| Artikolu 39(2) | Artikolu 28(2) | |
| Artikolu 39(3) | Artikolu 28(3) | |
| Artikolu 39(4) | Artikolu 28(4) | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 39(5) | Artikolu 28(4) | |
| Artikolu 39(6) | Artikolu 28(4) | |
| Artikolu 40, l-ewwel paragrafu | Artikolu 29, l-ewwel paragrafu | |
| Artikolu 40, it-tieni paragrafu | | |
| Artikolu 40, it-tielet paragrafu | | |
| Artikolu 41(1) | Artikolu 30(1) u (2) | |
| Artikolu 41(2) | | |
| Artikolu 42 | Artikolu 32 | |
| Artikolu 43(1) | Artikolu 33, l-ewwel paragrafu | |
| Artikolu 43(2) | | |
| Artikolu 43(3) | | |
| Artikolu 43(4) | | |
| Artikolu 43(5) | | |
| Artikolu 44 | Artikolus 31 u 34 | |
| Artikolu 45 | Artikolu 35 | |
| Artikolu 46 | Artikolu 37 | |
| Artikolu 47(1) | Artikolu 38(1) | |
| Artikolu 47(2) | Artikolu 38(2) | |
| Artikolu 47(3) | Artikolu 38(3) | |
| Artikolu 48(1) | Artikolu 39(1) | |
| Artikolu 48(2) | Artikolu 39(2) | |
| Artikolu 48(3) | Artikolu 39(3) | |
| Artikolu 48(4) | Artikolu 39(4) | |
| Artikolu 49(1) | Artikolu 40(1) | |
| Artikolu 49(2) | Artikolu 40(2) | |
| Artikolu 49(3) | Artikolu 41(3), it-tielet paragrafu | |
| Artikolu 50(1) | Artikolu 42, l-ewwel paragrafu | |
| Artikolu 50(2) | | |
| Artikolu 50(3) | | |
| Artikolu 50(4) | | |
| Artikolu 50(5) | Artikolu 42, it-tieni paragrafu | |
| Artikolu 50(6) | Artikolu 42, it-tielet u s-sitt paragrafi | |
| Artikolu 50(7) | Artikolu 42, ir-raba' u s-seba' paragrafi | |
| Artikolu 50(8) | Artikolu 42, il-ħames paragrafu | |
| Artikolu 51(1) | Artikolu 42a(1) | |
| Artikolu 51(2) | Artikolu 42a(2) | |
| Artikolu 51(3) | Artikolu 42a(3) | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 51(4) | Artikolu 42a(3) | |
| Artikolu 51(5) | Artikolu 42a(3) | |
| Artikolu 51(6) | | |
| Artikolu 52(1) | Artikolu 43(1) | |
| Artikolu 52(2) | Artikolu 43(2) | |
| Artikolu 52(3) | | |
| Artikolu 52(4) | | |
| Artikolu 53(1) | Artikolu 44(1) | |
| Artikolu 53(2) | Artikolu 44(2) | |
| Artikolu 53(3) | | |
| Artikolu 54 | Artikolu 45 | |
| Artikolu 55 | Artikolu 46 | |
| Artikolu 56 | Artikolu 47 | |
| Artikolu 57(1) | Artikolu 48(1), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 57(2) | Artikolu 48(1), it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 57(3) | Artikolu 48(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafi | |
| Artikolu 57(4) | Artikolu 48(2), it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 57(5) | Artikolu 48(2), il-ħames subparagrafu | |
| Artikolu 57(6) | Artikolu 48(2), ir-raba' subparagrafu | |
| Artikolu 58 | Artikolu 49, l-ewwel paragrafu | |
| Artikolu 58(2) | Artikolu 49, it-tieni paragrafu | |
| Artikolu 58(3) | Artikolu 49, ir-raba' paragrafu | |
| Artikolu 58(4) | Artikolu 49, il-ħames paragrafu | |
| Artikolu 59(1) | Artikolu 50 | |
| Artikolu 59(2) | | |
| Artikolu 60 | Artikolu 51 | |
| Artikolu 61(1) | Artikolu 52, l-ewwel paragrafu | |
| Artikolu 61(2) | Artikolu 52, it-tieni paragrafu | |
| Artikolu 62 | | |
| Artikolu 63(1) | Artikolu 53(1) | |
| Artikolu 63(2) | Artikolu 53(2) | |
| Artikolu 64 | | |
| Artikolu 65 | | |
| Artikolu 66 | | |
| Artikolu 67 | | |
| Artikolu 68 | | |
| Artikolu 69 | | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 70 | | |
| Artikolu 71 | | |
| Artikolu 72 | Artikolu 55 | |
| Artikolu 73 | Artikolu 123 | |
| Artikolu 74(1) | Artikolu 22(1) | |
| Artikolu 74(2) | Artikolu 22(2) | |
| Artikolu 74(3) | Artikolu 22(6) | |
| Artikolu 74(4) | | |
| Artikolu 75(1) | Artikolu 22(3) | |
| Artikolu 75(2) | Artikolu 22(4) | |
| Artikolu 75(3) | Artikolu 22(5) | |
| Artikolu 76(1) | Anness V, punt 2 | |
| Artikolu 76(2) | | |
| Artikolu 76(3) | | |
| Artikolu 76(4) | | |
| Artikolu 76(5) | | |
| Artikolu 77 | | |
| Artikolu 78 | | |
| Artikolu 79 | Anness V, punti 3, 4 u 5 | |
| Artikolu 80 | Anness V, punt 6 | |
| Artikolu 81 | Anness V, punt 7 | |
| Artikolu 82(1) | Anness V, punt 8 | |
| Artikolu 82(2) | Anness V, punt 9 | |
| Artikolu 83(1) | Anness V, punt 10 | |
| Artikolu 83(2) | | Anness IV, punt 5 |
| Artikolu 83(3) | | Anness I, punts 38 u 41 |
| Artikolu 84 | Anness V, punt 11 | |
| Artikolu 85(1) | Anness V,, punt 12 | |
| Artikolu 85(2) | Anness V punt 13 | |
| Artikolu 86(1) | Anness V, punt 14 | |
| Artikolu 86(2) | Anness V, punt 14a | |
| Artikolu 86(3) | | |
| Artikolu 86(4) | Anness V, punt 15 | |
| Artikolu 86(5) | Anness V, punt 16 | |
| Artikolu 86(6) | Anness V, punt 17 | |
| Artikolu 86(7) | Anness V, punt 18 | |
| Artikolu 86(8) | Anness V, punt 19 | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 86(9) | Anness V, punt 20 | |
| Artikolu 86(10) | Anness V, punt 21 | |
| Artikolu 86(11) | Anness V, punt 22 | |
| Artikolu 87 | | |
| Artikolu 88(1) | Anness V, punt 1 | |
| Artikolu 88 (2) | | |
| Artikolu 89 | | |
| Artikolu 90 | | |
| Artikolu 91 | | |
| Artikolu 92(1) | Anness V, punt 23, it-tieni paragrafu | |
| Artikolu 92(2), is-sentenza introduttorja | Anness V, punt 23, is-sentenza introduttorja | |
| Artikolu 92(2)(a) | Anness V, punt 23(a) | |
| Artikolu 92(2)(b) | Anness V, punt 23(b) | |
| Artikolu 92(2)(c) | Anness V, punt 23(c) | |
| Artikolu 92(2)(d) | Anness V, punt 23(d) | |
| Artikolu 92(2)(e) | Anness V, punt 23(e) | |
| Artikolu 92(2)(f) | Anness V, punt 23(f) | |
| Artikolu 92(2)(g) | | |
| Artikolu 93 | Anness V, punt 23(k) | |
| Artikolu 94(1)(a) | Anness V, punt 23(g) | |
| Artikolu 94(1)(b) | Anness V, punt 23(h) | |
| Artikolu 94(1)(c) | Anness V, punt 23(i) | |
| Artikolu 94(1)(d) | | |
| Artikolu 94(1)(e) | Anness V, punt 23(j) | |
| Artikolu 94(1)(f) | Anness V, punt 23(l) | |
| Artikolu 94(1)(g) | | |
| Artikolu 94(1)(h) | Anness V punt 23(m) | |
| Artikolu 94(1)(i) | | |
| Artikolu 94(1)(j) | Anness V, punt 23(n) | |
| Artikolu 94(1)(k) | Anness V, punt 23(n) | |
| Artikolu 94(1)(l) | Anness V, punt 23(o) | |
| Artikolu 94(1)(m) | Anness V, punt 23(p) | |
| Artikolu 94(1)(n) | Anness V, punt 23(q) | |
| Artikolu 94(1)(o) | Anness V, punt 23(r) | |
| Artikolu 94(1)(p) | Anness V, punt 23(s) | |
| Artikolu 94(1)(q) | Anness V, punt 23(t) | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 94(2) | Artikolu 150(3)b | |
| Artikolu 95 | Anness V, punt 24 | |
| Artikolu 96 | | |
| Artikolu 97(1) | Artikolu 124(1) | |
| Artikolu 97(2) | Artikolu 124(2) | |
| Artikolu 97(3) | Artikolu 124(3) | |
| Artikolu 97(4) | Artikolu 124(4) | |
| Artikolu 98(1) | Anness XI, punt 1 | |
| Artikolu 98(2) | Anness XI, punt 1a | |
| Artikolu 98(3) | Anness XI, punt 2 | |
| Artikolu 98(4) | Anness XI, punt 3 | |
| Artikolu 98(5) | Artikolu 124(5) | |
| Artikolu 98(6) | | |
| Artikolu 98(7) | | |
| Artikolu 99 | | |
| Artikolu 100 | | |
| Artikolu 101 | | |
| Artikolu 102(1) | Artikolu 136(1) | |
| Artikolu 102(2) | | |
| Artikolu 103 | | |
| Artikolu 104 | Artikolu 136 | |
| Artikolu 105 | | |
| Artikolu 106(1) | Artikolu 149 | |
| Artikolu 106(2) | | |
| Artikolu 107 | | |
| Artikolu 108(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 68(2) | |
| Artikolu 108(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 3 | |
| Artikolu 108(1), it-tielet subparagrafu | | |
| Artikolu 108(2) | Artikolu 71(1) | |
| Artikolu 108(3) | Artikolu 71(2) | |
| Artikolu 108(4) | Artikolu 73(2) | |
| Artikolu 109(1) | Artikolu 68(1) | |
| Artikolu 109(2) | Artikolu 73(3) | |
| Artikolu 109(3) | | |
| Artikolu 110(1) | Artikolu 124(2) | |
| Artikolu 110(2) | Artikolu 23 | |
| Artikolu 111(1) | Artikolu 125(1) | Artikolu 2 |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 111(2) | Artikolu 125(2) | Artikolu 2 |
| Artikolu 111(3) | Artikolu 126(1) | |
| Artikolu 111(4) | Artikolu 126(2) | |
| Artikolu 111(5) | Artikolu 126(3) | |
| Artikolu 111(6) | Artikolu 126(4) | |
| Artikolu 112(1) | Artikolu 129(1), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 112(2) | Artikolu 129(1), it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 112(3) | Artikolu 129(1), it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 113(1)(a) | Artikolu 129(3), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 113(1)(b) | | |
| Artikolu 113(2)(a), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 129(3), it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 113(2)(b), l-ewwel subparagrafu | | |
| Artikolu 113(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 129(3), it-tieni subparagrafu | |
| Artikolu 113(3), it-tielet subparagrafu | Artikolu 129(3), it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 113(3) | Artikolu 129(3), mir-raba' sas-seba' subparagrafu | |
| Artikolu 113(4) | Artikolu 129(3), it-tmien u d-disa' subparagrafi | |
| Artikolu 113(5) | Artikolu 129(3), l-għaxar subparagrafu u l-ħdax-il subparagrafu | |
| Artikolu 114 | Artikolu 130 | |
| Artikolu 115 | Artikolu 131 | |
| Artikolu 116(1) | Artikolu 131a(1), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi | |
| Artikolu 116(2) | Artikolu 131a(1), ir-raba' subparagrafu | |
| Artikolu 116(3) | Artikolu 131a(2), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 116(4) | Artikolu 131a(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi | |
| Artikolu 116(5) | Artikolu 131a(2), ir-raba' u l-ħames subparagrafi | |
| Artikolu 116(6) | Artikolu 131a(2), is-sitt subparagrafu | |
| Artikolu 116(7) | Artikolu 131a(2), is-seba' subparagrafu | |
| Artikolu 116(8) | Artikolu 131a(2), it-tmien subparagrafu | |
| Artikolu 116(9) | Artikolu 131a(2), id-disa' subparagrafu | |
| Artikolu 117(1) | Artikolu 132(1), mill-ewwel sas-sitt subparagrafu | |
| Artikolu 117(2) | Artikolu 132(1), is-seba' u tmien subparagrafi | |
| Artikolu 117(3) | Artikolu 132(2) | |
| Artikolu 117(4) | Artikolu 132(3) | |
| Artikolu 118 | Artikolu 141 | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 119(1) | Artikolu 127(1) | |
| Artikolu 119(2) | Artikolu 127(2) | |
| Artikolu 119(3) | Artikolu 127(3) | |
| Artikolu 120 | Artikolu 72a | |
| Artikolu 121 | Artikolu 135 | |
| Artikolu 122 | Artikolu 137 | |
| Artikolu 123 (1) | Artikolu 138(1) | |
| Artikolu 123(2) | Artikolu 138(2), l-ewwel subparagrafu | |
| Artikolu 124 | Artikolu 139 | |
| Artikolu 125 | Artikolu 140 | Artikolu 2 |
| Artikolu 126 | Artikolu 142 | |
| Artikolu 127 | Artikolu 143 | |
| Artikolu 128 | | |
| Artikolu 129 | | |
| Artikolu 130 | | |
| Artikolu 131 | | |
| Artikolu 132 | | |
| Artikolu 133 | | |
| Artikolu 134 | | |
| Artikolu 135 | | |
| Artikolu 136 | | |
| Artikolu 137 | | |
| Artikolu 138 | | |
| Artikolu 139 | | |
| Artikolu 140 | | |
| Artikolu 141 | | |
| Artikolu 142 | | |
| Artikolu 143 | Artikolu 144 | |
| Artikolu 144(1) | Artikolu 122a(9) | |
| Artikolu 144(2) | Artikolu 69(4) | |
| Artikolu 144(3) | Artikolu 70(4) | |
| Artikolu 145 | Artikolu 150(1) | |
| Artikolu 146 | Artikolu 150(1a) | |
| Artikolu 147(1) | Artikolu 151(1) | |
| Artikolu 147(2) | Artikolu 151(2) | |
| Artikolu 148(1) | Artikolu 151a(3) | |

| Din id-Direttiva | Direttiva 2006/48/KE | Direttiva 2006/49/KE |
|---|---|---|
| Artikolu 148(2) | Artikolu 151a(1) | |
| Artikolu 148(3) | Artikolu 151b | |
| Artikolu 148(4) | Artikolu 151a(2) | |
| Artikolu 148(5) | Artikolu 151c | |
| Artikolu 149 | | |
| Artikolu 150 | | |
| Artikolu 151 | | |
| Artikolu 152 | Artikolu 29 | |
| Artikolu 153 | Artikolu 30 | |
| Artikolu 154 | Artikolu 33 | |
| Artikolu 155 | Artikolu 40 | |
| Artikolu 156 | Artikolu 41 | |
| Artikolu 157 | Artikolu 42 | |
| Artikolu 158 | Artikolu 42a | |
| Artikolu 159 | Artikolu 43 | |
| Artikolu 160 | | |
| Artikolu 161(1) | Artikolu 156, is-sitt paragrafu | |
| Artikolu 161(2) | Artikolu 156, ir-raba'paragrafu 4 | |
| Artikolu 161(3) | | |
| Artikolu 161(4) | | |
| Artikolu 161(5) | | |
| Artikolu 161(6) | | |
| Artikolu 161(7) | | |
| Artikolu 161(8) | | |
| Artikolu 161(9) | | |
| Artikolu 162(1) | | |
| Artikolu 162(2) | | |
| Artikolu 162(3) | | |
| Artikolu 162(4) | Artikolu 157(1), it-tielet subparagrafu | |
| Artikolu 162(5) | | |
| Artikolu 162(6) | | |
| Artikolu 163 | Artikolu 158 | |
| Artikolu 164 | Artikolu 159 | |
| Artikolu 165 | Artikolu 160 | |
| Anness I | Anness I | |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT